

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 174

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56
26 ta' Ġunju 2013

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ 1**

Prezz: EUR 14

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 549/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Mejju 2013

dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

(1) It-tfassil ta' politika fl-Unjoni u s-sorveljanza tal-ekonomiji tal-Istati Membri u tal-unjoni ekonomika u monetarja (UEM) jeħtieġu informazzjoni li tista' titqabbel, u li hi aġġornata u affidabbli dwar l-istruttura tal-ekonomija u l-iżvilupp tal-qagħda ekonomika ta' kull Stat Membru jew reġjun.

(2) Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol fis-sorveljanza tal-ekonomiji tal-Istati Membri u tal-UEM u, b'mod partikolari, tirrapporta b'mod regolari lill-Kunsill dwar il-progress ta' Stati Membri fil-qadi ta' dmirijiethom relatati mal-UEM.

(3) Iċ-ċittadini tal-Unjoni jeħtieġu l-kontijiet ekonomiċi bħala strument bażiku għall-analiżi tal-qagħda ekonomika ta' Stat Membru jew reġjun. Għall-fini tal-komparabbiltà, dawn il-kontijiet għandhom jiffasslu fuq il-bażi ta' sett wieħed ta' prinċipji li ma jkunux miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti. L-informazzjoni pprovduta għandha tkun kemm jista' jkun preċiża, kompluta u fil-ħin sabiex tiżgura trasparenza massima għas-setturi kollha.

(4) Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu mill-aggregati tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali għall-finijiet tal-amministrazzjoni tal-Unjoni u, partikolarment, il-kalkoli tal-baġit;

(5) Fl-1970, ġie ppubblikat dokument amministrattiv bl-isem ta' "Sistema Ewropea tal-Kontijiet Ekonomiċi Integrati (SEK)", li jkopri l-qasam regolat minn dan ir-Regolament. Dan id-dokument kien tfassal unikament mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej u fuq ir-responsabbiltà tiegħu biss, u kien ir-riżultat ta' ħidma ta' bosta snin, minn dak l-uffiċċju, flimkien mal-istituti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri, immirata lejn it-tfassil ta' sistema tal-kontijiet nazzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-politika ekonomika u soċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Kien jikkostitwixxi l-verżjoni tal-Komunità tas-Sistema tal-Kontijiet Nazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti li ntużaw mill-Komunitajiet sa dak iż-żmien. Sabiex it-test oriġinali jiġi aġġornat fl-1979 ġiet ippubblikata t-tieni edizzjoni tad-dokument ⁽³⁾.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ⁽⁴⁾ waqqaf sistema ta' kontijiet nazzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-politika

⁽¹⁾ ĠU C 203, 9.7.2011, p. 3.

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2013 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013.

⁽³⁾ Kummissjoni (Eurostat): "Sistema Ewropea ta' Kontabbiltà Ekonomika Integrata (SEK)", it-tieni edizzjoni, Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, 1979.

⁽⁴⁾ ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

ekonomika, soċjali u reġjonali tal-Komunità. Dik is-sistema kienet konsistenti b'mod ġenerali ma' dik li kienet dak iż-żmien is-Sistema l-ġdida ta' Kontijiet Nazzjonali li ġiet adottata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fi Frar 1993 (1993 SNA) biex ir-riżultati fil-pajjiżi membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti jkunu jistgħu jitqabblu internazzjonalment.

- (7) L-1993 SNA ġiet aġġornata taħt forma ta' Sistema ġdida ta' Kontijiet Nazzjonali (SNA 2008) adottata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fi Frar 2009 sabiex il-kontijiet nazzjonali jiġu aktar konformi mal-ambjent ekonomiku l-ġdid, mal-progressi fir-riċerka metodoloġika, u mal-ħtiġijiet tal-utenti.
- (8) Jeħtieġ li tiġi riveduta s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 2223/96 (is-SEK 95) sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi ġodda fl-SNA biex is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet riveduta, kif stabbilita minn dan ir-Regolament tkun tikkostitwixxi verżjoni tal-SNA 2008 li tkun adattata għall-istrutturi tal-ekonomiji tal-Istati Membri, u biex id-data tal-Unjoni tkun tista' titqabbel ma' dik li tiġi kkompilata mill-imsieħba internazzjonali ewlenin tagħha.
- (9) Għall-fini li jiġu stabbiliti kontijiet ekonomiċi ambjentali bħala kontijiet komplementari għas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet riveduta, ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej ⁽¹⁾ stabbilixxa qafas komuni għall-ġbir, il-kompilazzjoni, it-trasmissjoni u l-valutazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej.
- (10) Fil-każ tal-kontijiet ambjentali u soċjali, għandu wkoll jittieħed kont sħiħ tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-20 ta' Awwissu 2009, bl-isem ta' "Il-PDG u lil hinn minnu — Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel". Jeħtieġ li jitwettqu b'mod vigoruż studji metodoloġiċi u testijiet ta' data, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet relatati mal-'Il-PDG u lil hinn minnu' u l-Istrateġija Ewropa 2020 bl-għan li jiġi żviluppat approċċ ta' kejl aktar komprensiv għall-benessri u l-progress sabiex jingħata appoġġ għall-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu indirizzati l-esternalitajiet ambjentali u l-inugwaljanzi soċjali. Għandu wkoll jittieħed kont tal-bidliet fil-produttività. Dan għandu jippermetti li d-data li tikkomplementa l-aggregati tal-PDG issir disponibbli kemm jista' jkun malajr. Fl-2013 il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Komunikazzjoni ta' segwitu dwar "Il-PDG u lil hinn minnu" u fl-2014, jekk adatt, proposti

leġislattivi. Id-data dwar il-kontijiet nazzjonali u reġjonali għandha tiġi meqjusa bħala mezz wieħed li permezz tiegħu jiġu segwiti dawk il-miri.

- (11) L-użu possibbli ta' metodi ġodda, awtomatizzati u f'ħin reali, għall-ġbir, għandu jiġi esplorat.
- (12) Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet riveduta stabbilita b'dan ir-Regolament (SEK 2010) tinkludi metodoloġija, u programm ta' trasmissjoni li jiddefinixxi l-kontijiet u t-tabelli li jridu jiġu pprovduti mill-Istati Membri skont l-iskadenzi speċifikati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli dawk il-kontijiet u t-tabelli għall-utenti f'dati speċifiċi u, fejn rilevanti, skont kalendarju ta' rilaxx imħabbar minn qabel, b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza tal-konverġenza ekonomika u l-kisb ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-politika ekonomika tal-Istati Membri.
- (13) Fil-pubblikazzjoni tad-data, għandu jiġi adottat approċċ orjentat lejn l-utent, u b'hekk tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli u utli għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-partijiet interessati oħra.
- (14) Is-SEK 2010 għandha gradwalment tieħu post is-sistemi l-oħrajn kollha bħala qafas ta' referenza tal-istandards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontabbiltà għat-tfassil tal-kontijiet tal-Istati Membri għall-finijiet tal-Unjoni, biex b'hekk jinkisbu riżultati li jistgħu jitqabblu bejn l-Istati Membri.
- (15) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ⁽²⁾, l-istatistika kollha tal-Istati Membri li tiġi trasmessa lill-Kummissjoni u li għandha tiġi mqasma skont l-unitajiet territorjali għandha tuża l-klassifikazzjoni NUTS. Għaldaqstant, sabiex tiġi stabbilita statistika reġjonali li tista' titqabbel, l-unitajiet territorjali għandhom jiġu ddefiniti skont il-klassifikazzjoni NUTS.
- (16) It-trasmissjoni ta' data mill-Istati Membri, inkluż it-trasmissjoni ta' data kunfidenzjali, hija rregolata mir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea ⁽³⁾. Il-miżuri meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom għalhekk jiżguraw ukoll il-protezzjoni ta' data kunfidenzjali u li ma jsir l-ebda żvelar illegali jew użu mhux statistiku meta tiġi prodotta u disseminata statistika Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

- (17) Twaqqaf grupp ta' ħidma biex jeżamina aktar fil-fond il-kwistjoni tat-trattament tas-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja kkalkulati indirettament (FISIM) fil-kontijiet nazzjonali, inkluż l-eżami ta' metodu aġġustat għar-riskju li jeskludi r-riskju mill-kalkoli tal-FISIM sabiex jirrifletti l-kost mistenni fil-futur tar-riskju realizzat. Meta jitqiesu r-riżultati tat-task force, jista' jkun meħtieġ li tiġi emendata l-metodoloġija għall-kalkolu u l-allokazzjoni tal-FISIM, permezz ta' att delegat, biex jiġu pprovduti riżultati mtejbja.
- (18) In-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp tikkostitwixxi investment u għalhekk għandha tiġi reġistrata bħala formazzjoni ta' kapital gross fiss. Iżda, jeħtieġ li jiġi speċifikat, permezz ta' att delegat, il-format tad-data dwar in-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp li trid tiġi reġistrata bħala formazzjoni ta' kapital gross fiss att delegatmeta jintlaħaq livell suffiċjenti ta' fiduċja fl-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-data permezz ta' eżerċizzju ta' prova bbażat fuq l-iżvilupp ta' tabelli supplementari.
- (19) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri ⁽¹⁾ tesiġi l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar passivi kontinġenti b'impatti potenzjalment kbar fuq il-baġits pubbliċi, inklużi l-garanziji governattivi, is-self inadempjenti u l-passivi li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż id-daqs tagħhom. Dawk ir-rekwiżiti jirrikjedu publikazzjoni addizzjonali għal dik rikjesta taħt dan ir-Regolament.
- (20) F'Ġunju 2012, il-Kummissjoni (Eurostat) stabbilixxiet Task Force għall-implikazzjonijiet tad-Direttiva 2011/85/UE għall-għbir u d-disseminazzjoni ta' data fiskali, li kkonċentrat fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti relatati mal-passivi kontinġenti u ma' informazzjoni oħra relatata li jistgħu jindikaw impatti potenzjalment kbar fuq il-baġits pubbliċi, inklużi garanziji governattivi, debiti ta' korporazzjonijiet pubbliċi, Sħubiji Pubbliċi-Privati (PPPs), self inadempjenti, u parteċipazzjoni governattiva fil-kapital ta' korporazzjonijiet. L-implimentazzjoni sħiħa tal-ħidma ta' dik it-Task Force għandha tikkontribwixxi għall-analiżi xierqa tar-relazzjonijiet ekonomiċi sottostanti ta' kuntratti tat-tip PPP, inklużi r-riskji marbuta mal-konstruzzjoni, mad-disponibbiltà u mad-domanda kif adatt, u tieħu kont tal-passivi impliċiti li ma jidhrux fil-karti tal-bilanċ ta' PPPs, biex b'hekk jiġu msaħħa t-trasparenza u l-affidabbiltà tal-istatistika dwar debiti.
- (21) Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/122/KEE ⁽²⁾ (KPE) qed iwettaq ħidma fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-pensjonijiet u r-riformi tal-pensjonijiet. Il-ħidma tal-esperti tal-istatistika minn naħa
- waħda u l-esperti fuq it-tixjij tal-popolazzjonijiet li jaħdmu taħt l-awspiċji tal-KPE min-naħa l-oħra għandha tkun ikkoordinata mill-qrib, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew, fir-rigward tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u ta' parametri attwarjali oħrajn sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komparabbiltà bejn il-pajjiżi tar-riżultati kif ukoll il-komunikazzjoni effiċjenti għall-utenti u l-partijiet interessati tad-data u l-informazzjoni rigward il-pensjonijiet. Għandu jkun iċċarat ukoll li l-intitolamenti għall-pensjonijiet akkumulati sa ċerta data fl-assigurazzjoni soċjali mhumiex fihom infushom kejl tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
- (22) Id-data u l-informazzjoni dwar il-passivi kontinġenti tal-Istati Membri huma pprovduti fil-kuntest tal-ħidma relatata mal-proċedura ta' sorveljanza multilaterali fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Sa Lulju 2018, il-Kummissjoni għandha toħroġ rapport li jevalwa jekk dawn id-data għandhiex issir disponibbli fil-kuntest tas-SEK 2010.
- (23) Huwa importanti li tiġi enfasizzata l-importanza tal-kontijiet reġjonali tal-Istati Membri għall-politiki reġjonali, ekonomiċi u ta' koeżjoni soċjali tal-Unjoni kif ukoll għall-analiżi tal-interdipendenzi ekonomiċi. Barra minn hekk, hija rikonoxxuta l-ħtieġa li tizzied it-trasparenza tal-kontijiet flivell reġjonali, inkluż il-kontijiet governattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandu jagħti attenzjoni partikolari lid-data fiskali ta' reġjuni fejn l-Istati Membri għandhom reġjuni jew Gvernijiet awtonomi.
- (24) Sabiex jiġi emendat l-Anness A għal dan ir-Regolament bil-ħsieb li tiġi żgurata l-interpretazzjoni armonizzata jew il-komparabbiltà internazzjonali tiegħu, is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandha tingħata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejji, inkluż mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-TFUE, huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq matul ix-xogħol tagħha ta' tħejji, fejn rilevanti, konsultazzjonijiet mal-Bank Ċentrali Ewropew fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (25) Il-parti l-kbira tal-aggregati statistiċi użati fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proċeduri ta' defiċit eċċessiv u ta' żbilanċi makroekonomiċi, huma ddefiniti b'referenza għas-SEK. Meta tipprovidi data u rapporti taħt dawk il-proċeduri, il-Kummissjoni għandha tagħti informazzjoni adatta rigward l-impatti fuq l-aggregati rilevanti tal-bidliet fil-metodoloġija tas-SEK 2010 kif introdotti permezz ta' atti delegati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/122/KEE tat-18 ta' Frar 1974 li tistabbilixxi Kumitat tal-Politika Ekonomika (ĠU L 63, 5.3.1974, p. 21).

- (26) Il-Kummissjoni għandha twestaq l-evalwazzjoni dwar jekk id-data dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp tkunx laħqet livell suffiċjenti ta' kwalità f'termini kemm ta' prezzijiet attwali kif ukoll ta' volum għall-finijiet tal-kontijiet nazzjonali qabel tmiem Mejju 2013, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġu żgurati id-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-data tas-SEK dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp.
- (27) Billi l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ser teħtieġ adattamenti importanti fis-sistemi tal-istatistika nazzjonali, ser jingħataw derogi mill-Kummissjoni lill-Istati Membri. B'mod partikolari, il-programm tat-trasmissjoni tad-data tal-kontijiet nazzjonali għandu jieħu kont tal-bidliet fundamentali fil-politika u fl-istatistika li sehew f'ċerti Stati Membri matul il-perijodi ta' referenza tal-programm. Id-derogi mogħtija mill-Kummissjoni għandhom ikunu temporanji u soġġetti għal reviżjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti appoġġ lill-Istati Membri kkonċernati fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-adattamenti rikjesti għas-sistemi statistiċi tagħhom b'mod li dawk id-derogi jistgħu jitwaqqfu kemm jista' jkun malajr.
- (28) It-tnaqqis fl-iskadenzi għat-trasmissjoni jista' jżid piż u spejjeż sinifikanti għal dawk li jirrispondu u l-istituti nazzjonali ta' statistika fl-Unjoni, bir-riskju li tiġi prodotta kwalità aktar baxxa ta' data. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat bilanċ bejn il-vantaġġi u l-iżvantaġġi meta jiġu ffissati l-iskadenzi għat-trasmissjoni tad-data.
- (29) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu mogħtija setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽¹⁾.
- (30) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twaqqif ta' Sistema tal-Kontijiet (SEK) riveduta, ma jistgħax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.
- (31) Il-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea ġie kkonultat.
- (32) Il-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill

2006/856/KE tat-13 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi Kumitat dwar l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti ⁽²⁾ u l-Kumitat dwar id-Dħul Gross Nazzjonali (Kumitat DNG) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bil-prezzijiet tas-suq (Regolament DGN) ⁽³⁾ ġew ikkonstatati,

ADOttAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament iwaqqaf is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 ("is-SEK 2010" jew "is-SEK").
2. Is-SEK 2010 jipprevedi:
 - (a) metodoloġija (Anness A) dwar standards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontabbiltà li għandhom jintużaw għat-tħejji tal-kontijiet u t-tabelli fuq bażijiet li jistgħu jitqabblu għall-finijiet tal-Unjoni, flimkien mar-riżultati kif meħtieġ taħt l-Artikolu 3;
 - (b) programm (Anness B) li jistabbilixxi l-limiti ta' żmien sa meta l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet u t-tabelli li jridu jiġu kkompilati skont il-metodoloġija msemmija fil-punt (a).
3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5 u 10, dan ir-Regolament għandu japplika għall-atti kollha tal-Unjoni li jirreferu għas-SEK jew id-definizzjonijiet tagħha.
4. Dan ir-Regolament ma jobligax lil xi Stat Membru li juża s-SEK 2010 fil-kompilazzjoni tal-kontijiet għall-iskopijiet tiegħu stess.

Artikolu 2

Metodoloġija

1. Il-metodoloġija tas-SEK 2010 msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 (2) hija stabbilita fl-Anness A.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati ta' delegati skont l-Artikolu 7, rigward emendi fil-metodoloġija tas-SEK 2010 sabiex jiġu speċifikati u mtejbja l-kontenut tagħha għall-iskop li tiġi żgurata interpretazzjoni armonizzata jew biex tiżgura komparabbiltà internazzjonali sakemm ma jbidlux il-kunċetti bażiċi tagħha, ma jeħtiġux riżorsi addizzjonali għall-produtturi fis-Sistema tal-Istatistika Ewropea għall-implimentazzjoni tagħhom, u ma jikkawżawx bidla fir-riżorsi proprji.

⁽¹⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21.

⁽³⁾ ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1.

3. Fl-eventwalità ta' dubju rigward l-implementazzjoni korretta tar-regoli ta' kontabbiltà tas-SEK 2010, l-Istat Membru kkonċernat għandu jitolb kjarifika mingħand il-Kummissjoni (Eurostat). Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha taġixxi minnufih kemm fl-eżami tat-talba kif ukoll fil-komunikazzjoni tal-parir tagħha dwar il-kjarifika mitluba lill-Istat Membru kkonċernat u l-Istati Membri l-oħrajn kollha.

4. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-kalkolu u l-allokkazzjoni tas-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja kkalkulati b'mod indirett (FISIM) fil-kontijiet nazzjonali skont il-metodoloġija deskritta fl-Anness A. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta qabel 17 Settembru 2013 atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 li jstabbilixxu metodoloġija riveduta għall-kalkolu u l-allokkazzjoni tal-FISIM. Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tali atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq l-unitajiet risponenti.

5. L-infiq għar-riċerka u l-iżvilupp għandu jiġi reġistrat, mill-Istati Membri, bħala formazzjoni ta' kapital gross fiss. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 biex tiżgura l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-data tas-SEK 2010 tal-Istati Membri dwar ir-riċerka u l-iżvilupp. Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-tali atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq l-unitajiet risponenti.

Artikolu 3

Trasmissjoni ta' data lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet u t-tabelli stabbiliti fl-Anness B fil-limiti taż-żmien speċifikati fih għal kull tabella.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni d-data u l-metadata rikjesta b'dan ir-Regolament b'konformità ma' standard ta' skambju speċifikat u arranġamenti prattiċi oħrajn.

Id-data għandha tiġi trasmessa jew imtelligħa b'mezzi elettroniċi fil-punt ta' aċċess uniku għad-data għand il-Kummissjoni. L-istandard ta' skambju u arranġamenti prattiċi oħrajn għat-trasmissjoni tad-data għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(2).

Artikolu 4

Valutazzjoni tal-kwalità

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw għad-data li trid tiġi trasmessa skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-kwalità tad-data li għandha tiġi trasmessa skont l-Artikolu 3.

3. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità msemmijin fil-paragrafu 1 għad-data koperta minn dan ir-Regolament, il-modalitajiet, l-istruttura, l-indikaturi tal-frekwenza u tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' kwalità għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(2).

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data trasmessa.

Artikolu 5

Data tal-applikazzjoni u tal-ewwel trasmissjoni tad-data

1. Is-SEK 2010 għandha tiġi applikata għall-ewwel darba għad-data stabbilita f'konformità mal-Anness B li trid tiġi trasmessa mill-1 ta' Settembru 2014.

2. Id-data għandha tiġi trasmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Anness B.

3. F'konformità mal-paragrafu 1, sakemm isseħħ l-ewwel trasmissjoni tad-data fuq il-bażi tas-SEK 2010, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet u t-tabelli stabbiliti bl-applikazzjoni tas-SEK 95.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet⁽¹⁾, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkontrollaw li dan ir-Regolament ikun qed jiġi applikat korrettament u għandhom jippreżentaw ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli lill-Kummissjoni imsemmi fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Derogi

1. Safejn sistema tal-istatistika nazzjonali tirrikjedi adattamenti importanti għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħti derogi temporanji lill-Istati Membri permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk id-derogi għandhom jiskadu mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2020. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(2).

⁽¹⁾ ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti deroga temporanja f'konformità mal-paragrafu 1 biss għal perijodu li hu suffiċjenti biex jippermetti lill-Istat Membru kkonċernat jadatta s-sistemi statistiċi tiegħu. Il-proporzjon tal-PDG tal-Istat Membru fl-Unjoni jew fiż-żona tal-euro ma għandux fih innifsu jikkostitwixxi ġustifikazzjoni għall-għoti ta' deroga. Fejn adatt, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri kkonċeranti fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-adattamenti rikjesti għas-sistemi statistiċi tagħhom.

3. Għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba ġustifikata kif xieraq lill-Kummissjoni mhux aktar minn 17 Ottubru 2013.

Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea, għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-deroga mogħtija sabiex ikun ivverifikat jekk dawn ikunx għadhom iġġustifikati.

Artikolu 7

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemija fl-Artikolu 2(2) u (5) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn 16 Lulju 2013. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemija fl-Artikolu 2(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' xahrejn minn 16 Lulju 2013. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonawgħal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 2(2), (4) u (5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha, fl-istess waqt, tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2), (4) u (5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' tliet xhur

min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 8

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna mill-Kumitat Ewropew għas-Sistema tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 9

Kooperazzjoni ma' kumitati oħrajn

1. Fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-kompetenza tal-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/856/KE, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni ta' dak il-Kumitat skont l-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Kumitat dwar id-Dħul Nazzjonali Gross ('il-Kumitat GNI'), stabbilit bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, kull informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li hija meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijie tal-Kumitat GNI.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet transitorji

1. Għal finijiet ta' baġit u ta' riżorsi proprji, is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet kif imsemija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 u l-atti legali marbuta miegħu, b'mod partikolari r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 u r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud⁽¹⁾, għandha tkompli tkun is-SEK 95 sakemm tibqa' fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej⁽²⁾.

2. Għall-fini tad-determinazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, u b'eċċezzjoni mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw data bbażata fuq is-SEK 2010 waqt li d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom tibqa' fis-seħħ, fejn id-data SEK 95 meħtieġa fid-dettall ma tkunx disponibbli.

⁽¹⁾ ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

*Artikolu 11***Rappurtar dwar passivi impliċiti**

Sal-2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun fih informazzjoni eżistenti dwar PPPs u passivi impliċiti oħrajn, inkluż passivi kontinġenti, lil hinn mill-Gvern.

Sal-2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ieħor lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-punt sa fejn l-informazzjoni dwar il-passivi ppubblikata mill-Kummissjoni (Eurostat) jirrappreżenta l-passivi impliċiti kollha, inklużi passivi kontinġenti, lil hinn mill-Gvern.

*Artikolu 12***Reviżjoni**

Sal-1 ta' Lulju 2018 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-rapport għandu jevalwa, *inter alia*:

- (a) il-kwalità tad-data rigward il-kontijiet nazzjonali u reġjonali;
- (b) l-effikaċja ta' dan ir-Regolament u tal-proċess ta' sorveljanza applikat għas-SEK 2010; u
- (c) il-progress dwar data rigward passivi kontinġenti u fuq id-disponibbiltà tad-data tas-SEK 2010 u l-passivi kontinġenti.

*Artikolu 13***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, il-21 ta' Mejju 2013.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

L. CREIGHTON

ANNEX A

KAPITOLU 1 KARATTERISTIĊI ĠENERALI U PRINĊIPJI BAŻIĊI	33
KARATTERISTIĊI ĠENERALI	33
Globalizzazzjoni	35
L-UŻI TAS-SEK 2010	35
Qafas għal analiżi u politika	35
Karatteristiċi tal-kunċetti tas-SEK 2010	37
Klassifikazzjoni skont is-settur	40
Kontijiet satellitari	41
Is-SEK 2010 u l-SNA 2008	43
Is-SEK 2010 u s-SEK 95	43
PRINĊIPJI BAŻIĊI TAS-SEK 2010 BĦALA SISTEMA	44
Unitajiet tal-istatistika u r-raggruppamenti tagħhom	44
Unitajiet istituzzjonali u setturi	45
Unitajiet lokali tat-tip ta' attività u industriji	45
Unitajiet residenti u mhux residenti; ekonomija totali u l-bqija tad-dinja	45
Flussi u stokks	46
Flussi	46
Transazzjonijiet	46
Karatteristiċi tat-transazzjonijiet	46
Interazzjonijiet versus transazzjonijiet intraunitarji	46
Transazzjonijiet monetarji kontra dawk mhux monetarji	46
Transazzjonijiet b'kontropartijiet jew mingħajr	47
Trasferimenti rranġati mill-ġdid	47
Bidla fir-rota	47
Qsim	47
Rikonoxximent tal-parti prinċipali ta' transazzjoni	47
Każijiet dubjużi	48
Bidliet oħrajn fl-assi	48
Bidliet oħrajn fil-volum ta' assi u passivi	48
Qligħ u telf nominali	48
Stokks	48
Is-sistema ta' kontijiet u l-aggregati	49
Regoli tal-kontabbiltà	49
Terminoloġija għaż-żewġ naħat tal-kontijiet	49

Informazzjoni doppja/informazzjoni kwadruppla	49
Valutazzjoni	49
Valutazzjonijiet speċjali li jikkonċernaw il-prodotti	50
Valutazzjoni bi prezzijiet kostanti	50
Żmien ta' reġistrazzjoni	50
Konsolidazzjoni u netting	50
Konsolidazzjoni	50
Netting	51
Kontijiet, entrati saldatorji u aggregati	51
Is-sekwenza ta' kontijiet	51
Il-kont ta' oġġetti u servizzi	51
Il-kont tal-bqija tad-dinja	51
Entrati saldatorji	52
Aggregati	54
PDG: aggregat prinċipali	54
Il-qafas ta' input-output	54
Tabelli ta' Provvista u Użu	55
Tabelli simmetriċi ta' input-output	55
KAPITOLU 2 UNITAJIET U RAGRUPPAMENTI TA' UNITAJIET	56
IL-LIMITI TAL-EKONOMIJA NAZZJONALI	56
L-UNITAJIET ISTITUZZJONALI	58
Uffiċċji ċentrali u kumpanniji holding	59
Gruppi ta' korporazzjonijiet	59
Entitajiet bi Skop Speċjali	60
Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi	60
Sussidjarji artifiċjali	60
Unitajiet bi skop speċjali ta' gvern ġenerali	61
IS-SETTURI ISTITUZZJONALI	61
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	65
Korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji (S.11001)	66
Korporazzjonijiet privati nazzjonali mhux finanzjarji (S.11002)	66
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż (S.11003)	66
Korporazzjonijiet finanzjarji (S.12)	67
Intermedjarji finanzjarji	67
Awżiljari finanzjarji	68

<i>Korporazzjonijiet finanzjarji għajr għal intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji</i>	68
<i>Unitajiet istituzzjonali inklużi fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji</i>	68
<i>Sottosetturi ta' korporazzjonijiet finanzjarji</i>	68
<i>L-ikkombinar tas-sottosetturi ta' korporazzjonijiet finanzjarji</i>	69
<i>Qsim sekondarju tas-sottosetturi tal-korporazzjonijiet finanzjarji f'korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi, nazzjonali, privati u dawk taħt kontroll barrani</i>	69
<i>Bank ċentrali (S.121)</i>	70
<i>Korporazzjoniet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali (S.122)</i>	70
<i>MMF (S.123)</i>	71
<i>Fondi ta' investiment li mhumiex MMF (S.124)</i>	71
<i>Intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għall-korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u l-fondi ta' pensjoni (S.125)</i>	72
<i>Korporazzjonijiet finanzjarji vetturi involuti fi transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (FVC)</i>	72
<i>Operaturi tat-titoli u d-derivattivi, korporazzjonijiet finanzjarji involuti fl-għoti b'self u korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati</i>	72
<i>Awżiljari finanzjarji (S.126)</i>	73
<i>Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u l-korporazzjonijiet tal-għoti ta' flus b'self (S.127)</i>	73
<i>Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)</i>	74
<i>Fondi tal-pensjoni (S.129)</i>	75
<i>Gvern ġenerali (S.13)</i>	76
<i>L-gvern ċentrali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1311)</i>	76
<i>Il-gvern tal-Istat (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1312)</i>	76
<i>Il-gvern lokali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1313)</i>	77
<i>Il-fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314)</i>	77
<i>Unitajiet domestiċi (S.14)</i>	77
<i>Min iħaddem u l-ħaddiema għal rashom (S.141 u S.142)</i>	78
<i>Impjegati (S.143)</i>	78
<i>Riċevituri ta' introjtu minn proprjetà (S.1441)</i>	78
<i>Riċevituri ta' pensjonijiet (S.1442)</i>	78
<i>Riċevituri ta' trasferimenti oħra (S.1443)</i>	78
<i>Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.15)</i>	79
<i>Il-bqija tad-dinja (S.2)</i>	79
<i>Klassifikazzjoni tas-setturi tal-unitajiet produtturi għal forum legali standard ewlenin ta' sjieda</i>	80
UNITAJIET U INDUSTRIJI TAT-TIP TA' ATTIVITÀ LOKALI	82
<i>L-unità tat-tip ta' attività lokali</i>	82
<i>Industriji</i>	83
<i>Klassifikazzjoni tal-industriji</i>	83

UNITAJIET TA' PRODUZZJONI OMOĠENJA U FERĠĦAT OMOĠENJI	83
L-unità ta' produzzjoni omoġenja	83
Il-ferġha omoġenja	83
KAPITOLU 3 TRANSAZZJONIJIET FI PRODOTTI U ASSI MHUX PRODOTTI	84
TRANSAZZJONIJIET FI PRODOTTI INĠENERALI	84
PRODUZZJONI U OUTPUT	85
Attivitajiet prinċipali, sekondarji u anċillari	86
Prodott (P.1)	87
Unitajiet istituzzjonali: distinzjoni bejn tas-suq, għall-użu finali proprju u mhux tas-suq	89
Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-output	92
<i>Prodotti tal-agrikoltura, tal-forestrija u s-sajd (Sezzjoni A)</i>	93
<i>Prodotti manifatturati (Sezzjoni C); Xogħol tal-kostruzzjoni (Sezzjoni F)</i>	93
<i>Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; servizzi ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi (Sezzjoni G)</i>	93
<i>Trasport u Ħżin (Sezzjoni H)</i>	94
<i>Akkomodazzjoni u servizzi marbuta mal-ikel (Sezzjoni I)</i>	95
<i>Servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni: (Sezzjoni K): IL-output tal-bank ċentrali</i>	95
<i>Servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni: (Sezzjoni K): Sservizzi finanzjarji inġenerali</i>	95
<i>Is-servizzi finanzjarji provduti għal ħlas dirett</i>	95
<i>Is-servizzi finanzjarji mħallsa permezz ta' "loading charges" fuq l-imgħax</i>	96
<i>Is-servizzi finanzjarji li jikkonsistu fl-akkwist u d-dispożizzjoni minn assi u passivi finanzjarji fis-swieg finanzjarji</i>	96
<i>Is-servizzi finanzjarji provduti fl-iskemi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni, fejn l-attività tkun iffinanzjata bl-iċċarġjar ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni u minn redditu fuq it-tfaddil</i>	96
<i>Servizzi immobiljari (Sezzjoni L)</i>	98
<i>Servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi; (Sezzjoni M) Servizzi amministrattivi u ta' appoġġ (Sezzjoni N)</i>	98
<i>Amministrazzjoni pubblika u servizzi ta' difiża, servizzi tas-sigurtà soċjali obligatorji. (Sezzjoni O)</i>	99
<i>Servizzi ta' edukazzjoni; (Sezzjoni P); Servizzi marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali (Sezzjoni Q)</i>	99
<i>Arti, servizzi ta' divertiment u ta' rikreazzjoni (Sezzjoni R); Servizzi oħra (Sezzjoni S)</i>	99
<i>Unitajiet domestiċi privati bħala persuni li jħaddmu (Sezzjoni T)</i>	99
KONSUM INTERMEDJU (P.2)	99
Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-konsum intermedju	101
KONSUM FINALI (P.3, P.4)	101
Infiq tal-konsum finali (P.3)	101
Konsum Finali Attwali (P.4)	103
Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-infiq tal-konsum finali	105
Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-konsum finali attwali	106

FORMAZZJONI TA' KAPITAL GROSS (P.5)	106
Formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51g)	106
<i>Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-formazzjoni ta' kapital fiss gross</i>	109
Konsum ta' kapital fiss (P.51c)	110
Bidliet fl-inventarji (P.52)	110
<i>Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-bidliet fl-inventarji</i>	111
Akkwisti nieqas iċ-ċessjonijiet tal-oġġetti ta' valur (P.53)	112
ESPORTAZZJONIJIET U IMPORTAZZJONIJIET TA' OĠĠETTI U SERVIZZI (P.6 U P.7)	113
Esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' oġġetti (P.61 u P.71)	113
Esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' servizzi (P.62 u P.72)	115
TRANSAZZJONIJIET F'OĠĠETTI EŻISTENTI	118
AKKWISTI MINGĦAJR IĊ-ĊESSJONIJIET TA' ASSI MHUX PRODOTTI (NP)	119
KAPITOLU 4 TRANSAZZJONIJIET DISTRIBUTTIVI	121
KUMPENS TAL-IMPJEGATI (D.1)	121
Pagi u salarji (D.11)	121
<i>Pagi u salarji fi flus</i>	121
<i>Pagi u salarji in natura</i>	122
Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D.12)	123
<i>Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.121)</i>	123
<i>Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.122)</i>	124
TAXXI FUQ IL-PRODUZZJONI U L-IMPORTAZZJONIJIET (D.2)	126
Taxxi fuq il-prodotti (D.21)	126
<i>Taxxi tat-tip tal-valur miżjud (VAT) (D.211)</i>	126
<i>Taxxi u dazji fuq l-importazzjonijiet minbarra l-VAT (D.212)</i>	127
<i>Taxxi fuq il-prodotti, minbarra l-VAT u t-taxxi fuq l-importazzjonijiet (D.214)</i>	127
Taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29)	128
Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet imħallsa lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea	128
Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet: <i>ħin tar-reġistrazzjoni u l-ammonti li għandhom jiġu rreġistrati</i>	129
SUSSIDJI (D.3)	129
Sussidji fuq il-prodotti (D.31)	130
<i>Sussidji fuq l-importazzjonijiet (D.311)</i>	130
<i>Sussidji oħrajn fuq il-prodotti (D.319)</i>	130
Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni (D.39)	131
INTROJTU MILL-PROPRJETÀ (D.4)	132
Imgħax (D.41)	133

<i>Imgħax fuq depożiti u self</i>	133
<i>Imgħax fuq it-titoli tad-dejn</i>	133
<i>L-imgħax fuq il-kambjali u strumenti simili fuq żmien qasir</i>	133
<i>L-imgħax fuq bonds u obbligazzjonijiet</i>	133
<i>Tpartit tar-rata tal-imgħax u ftehimiet ta' rata bil-quddiem</i>	134
<i>Imgħax fuq kirjiet finanzjarji</i>	134
<i>Imgħax ieħor</i>	134
<i>Ħin tar-reġistrazzjoni</i>	134
Introjtu distribwit tal-korporazzjonijiet (D.42)	135
<i>Dividendi (D.421)</i>	135
<i>Prelevamenti mill-introjtu ta' kważi korporazzjonijiet (D.422)</i>	136
Qligħ investit mill-ġdid fuq investment dirett barrani (D.43)	137
Introjtu ieħor minn investment (D.44)	137
<i>Introjtu mill-investment attribwibbli lid-detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni (D.441)</i>	137
<i>Introjtu mill-investment pagabbli fuq intitolamenti tal-pensjoni (D.442)</i>	138
<i>Introjtu mill-investment attribwibbli lill-azzjonisti tal-fond tal-investment kollettiv (D.443)</i>	138
Renta (D.45)	139
<i>Renta fuq l-art</i>	139
<i>Renta fuq assi taħt l-art</i>	139
TAXXI KURRENTI FUQ L-INTROJTU, IL-ĠID, EĊĊ. (D.5)	139
<i>Taxxi fuq l-introjtu (D.51)</i>	139
<i>Taxxi kurrenti oħra (D.59)</i>	140
KONTRIBUZZJONIJIET U BENEFIĊĊJI SOĊJALI (D.6)	141
Kontribuzzjonijiet soċjali netti (D.61)	143
<i>Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.611)</i>	143
<i>Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.612)</i>	144
<i>Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.613)</i>	145
<i>Is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi (D.614)</i>	145
Benefiċċji soċjali oħra għajr trasferimenti soċjali in natura (D.62)	146
<i>Benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti (D.621)</i>	146
<i>Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali (D.622)</i>	146
<i>Benefiċċji tal-għajjnuna soċjali fi flus kontanti (D.623)</i>	146
Trasferimenti soċjali in natura (D.63)	147
<i>Trasferimenti soċjali in natura — gvern ġenerali u produzzjoni mhux għas-suq tal-NPISHs (D.631)</i>	147
<i>Trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni tas-suq mixtrija mill-gvern ġenerali u l-NPISHs (D.632)</i>	147

TRASFERIMENTI KURRENTI OĦRA (D.7)	148
Primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.71)	148
Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.72)	149
Trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali (D.73)	150
Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74)	150
Trasferimenti kurrenti varji (D.75)	151
<i>Trasferimenti kurrenti lill-NPISHs (D.751)</i>	151
<i>Trasferimenti kurrenti bejn l-unitajiet domestiċi (D.752)</i>	151
<i>Trasferimenti kurrenti oħra varji (D.759)</i>	151
Multi u penali	151
Lotteriji u loġħob tal-azzard	152
Pagamenti ta' kumpens	152
Riżorsi proprji tal-UE bbażati fuq il-VAT u l-introjtu nazzjonali gross (ING) (D.76)	153
AĠĠUSTAMENT GĦALL-BIDLA FL-INTITOLAMENTI TAL-PENSJONI (D.8)	153
TRASFERIMENTI KAPITALI (D.9)	154
Taxxi kapitali (D.91)	154
Għotjiet ta' investiment (D.92)	155
Trasferimenti kapitali oħra (D.99)	156
OPZJONIJET FUQ IT-TITOLI TAL-IMPJEGATI (ESOS)	157
KAPITOLU 5 TRANSAZZJONIJET FINANZJARJI	159
KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA' TRANSAZZJONIJET FINANZJARJI	159
Assi finanzjarji, pretensjonijiet finanzjarji, u passivi	159
Assi kontinġenti u passivi kontinġenti	159
Kategoriji ta' assi u passivi finanzjarji	160
Karti tal-bilanċ, kont finanzjarju u flussi oħrajn	161
Valutazzjoni	161
Irreġstrar nett u gross	162
Konsolidazzjoni	162
Netting	162
Regoli tal-kontabbiltà għal transazzjonijiet finanzjarji	163
Transazzjoni finanzjarja bi trasferiment kurrenti jew trasferiment kapitali bħala kontroparti	163
Transazzjoni finanzjarja bl-introjtu minn proprjetà bħala kontroparti	164
Żmien ta' reġistrazzjoni	164
Kont finanzjarju abbażi ta' "mingħand min għal għand min"	165

KLASSIFIKA FID-DETTALL TAT-TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI SKONT IL-KATEGORIJA	166
Deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (F.1)	166
<i>Deheb monetarju (F.11)</i>	166
SDRs (F.12)	167
Flus u depożiti (F.2)	168
<i>Flus (F.21)</i>	168
<i>Depożiti (F.22 u F.29)</i>	168
<i>Depożiti trasferibbli (F.22)</i>	168
<i>Depożiti oħra (F.29)</i>	169
Titoli tad-dejn (F.3)	169
<i>Il-fatturi ewlenin tat-titoli tad-dejn</i>	170
<i>Klassifikazzjoni skont il-maturità oriġinali u l-munita</i>	170
<i>Klassifikazzjoni skont it-tip ta' rata tal-imgħax</i>	170
<i>Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax fissa</i>	171
<i>Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax varjabbli</i>	171
<i>Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax imħallta</i>	171
<i>Pjazzamenti privati</i>	172
<i>Titolizzazzjoni</i>	172
<i>Bonds koperti</i>	172
Self (F.4)	173
<i>Il-karatteristiċi ewlenin tas-self</i>	173
<i>Il-klassifikazzjoni tas-self skont il-maturità oriġinali, il-munita u l-iskop tas-self</i>	173
<i>Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self u transazzjonijiet f'depożiti</i>	173
<i>Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self u transazzjonijiet f'titoli tad-dejn</i>	173
<i>Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self, kreditu kummerċjali u kontijiet kummerċjali</i>	174
<i>Self ta' titoli u ftehimiet ta' xiri mill-ġdid</i>	174
<i>Kirjiet finanzjarji</i>	175
<i>Tipi oħra ta' self</i>	175
<i>Assi finanzjarji esklużi mill-kategorija tas-self</i>	175
Unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investment jew ta' ekwità (F.5)	176
<i>Ekwità (F.51)</i>	176
Riċevuti depożitorji	176
<i>Ishma kkwotati (F.511)</i>	176
<i>Ishma mhux ikkwotati (F.512)</i>	176
<i>Offerti pubbliċi inizjali, kwotazzjoni fil-borża, tneħħija tal-kwotazzjoni fil-borża u xiri lura tal-ishma</i>	177

Assi finanzjarji esklużi mit-titoli tal-ekwiżità	177
Ekwiżità oħra (F.519)	177
Valutazzjoni tat-transazzjonijiet f'ekwiżità	178
Unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investimenti (F.52)	178
Ishma jew unitajiet MMF (F.521)	178
Ishma /unitajiet f'fond ta' investiment mhux ta' MMF (F.522)	179
Valutazzjoni tat-transazzjonijiet f'ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investiment	179
Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (F.6)	179
Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (F.61)	179
Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità (F.62)	179
Intitolamenti għall-pensjoni (F.63)	180
Intitolamenti ta' pensjonijiet kontinġenti	180
Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-manigġers tal-pensjoni (F.64)	180
Intitolamenti għal benefiċċji li mhumiex pensjoni (F.65)	181
Dispożizzjonijiet ta' sejħiet skont garanziji standardizzati (F.66)	181
Garanziji standardizzati u garanziji ta' darba biss	181
Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.7)	182
Derivattivi finanzjarji (F.71)	182
Opzjonijiet	182
Riporti (forwards)	182
Opzjonijiet vis-à-vis riporti	183
Tpartit (swaps)	183
Ftehimiet ta' rati tar-riporti (FRAs)	183
Derivattivi tal-kreditu	183
Swaps ta' inadempjenza tal-kreditu	184
L-istrumenti finanzjarji li mhumiex inklużi fid-derivattivi finanzjarji	184
Opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.72)	184
Il-valutazzjoni ta' transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati	185
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (F.8)	185
Kreditu u avvanzi kummerċjali (F.81)	186
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, minbarra l-kreditu u l-avvanzi kummerċjali (F.89)	186
ANNEX 5.1 — IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI	187
Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont il-kategorija	187
Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont in-negozjabbiltà	188
Titoli strutturati	189

Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont it-tip tal-introjt	189
Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont it-tip ta' rata tal-imgħax	189
Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont il-maturità	190
<i>Maturità fuq medda ta' żmien qasir u twil</i>	190
<i>Il-maturità oriġinali u l-maturità rimanenti</i>	190
Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont il-munita	190
<i>Kejl ta' flus</i>	190
KAPITOLU 6 FLUSSI OĦRA	191
INTRODUZZJONI	191
BIDLJET OĦRA FL-ASSI U L-PASSIVI	191
Bidliet oħrajn fil-volum ta' assi u passivi (minn K.1 sa K.6)	191
<i>Dieher ekonomiku tal-assi (K.1)</i>	191
<i>Għejbien ekonomiku ta' assi mhux prodotti (K.2)</i>	192
<i>Telfiet katastrofiċi (K.3)</i>	192
<i>Qbid mhux ikkumpensat (K.4)</i>	193
<i>Bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati x'imkien ieħor (K.5)</i>	193
<i>Bidliet fil-klassifikazzjoni (K.6)</i>	194
<i>Bidliet fil-klassifikazzjoni tas-setturi u l-istruttura tal-unità istituzzjonali (K.61)</i>	194
<i>Bidliet fil-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi (K.62)</i>	194
<i>Qligħ u telf nominali (K.7)</i>	195
<i>Qligħ u telf nominali newtrali (K.71)</i>	196
<i>Qligħ u telf nominali u reali (K.72)</i>	196
Il-qligħ u t-telf nominali bit-tip ta' assi u passivi finanzjarji	197
<i>Deheb monetarju u SDRs (AF.1)</i>	197
<i>Flus u depożiti (AF.2)</i>	197
<i>Titoli tad-dejn (AF.3)</i>	197
<i>Self (AF.4)</i>	198
<i>Ekwiżità u ishma ta' fondi ta' investiment (AF.5)</i>	198
<i>Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (AF.6)</i>	198
<i>Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq it-titoli tal-impjegati (AF.7)</i>	198
<i>Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8)</i>	198
<i>Assi denominati f'munita barranija</i>	199
KAPITOLU 7 IL-KARTI TAL-BILANĊ	200
TIPI TA' ASSI U PASSIVI	201
Definizzjoni ta' ass	201

ESKLUŻJONIJIET MILL-AMBITU TAL-ASSI U L-PASSIVI	201
KATEGORIJI TA' ASSI U PASSIVI	201
Assi mhux finanzjarji prodotti (AN.1)	201
Assi mhux finanzjarji u mhux prodotti (AN.2)	202
Assi u passivi finanzjarji (AF)	202
VALUTAZZJONI TAL-ENTRATI FIL-KARTI TAL-BILANĊ	205
Prinċipji ġenerali tal-valutazzjoni	205
ASSI MHUX FINANZJARJI (AN)	206
Assi mhux finanzjarji prodotti (AN.1)	206
Assi fissi (AN.11)	206
Prodotti tal-proprjetà intellettwali (AN.117)	206
Spejjeż tat-trasferiment tas-sjieda fuq assi mhux prodotti (AN.116)	207
Inventarji (AN.12)	207
Oġġetti ta' valur (AN.13)	207
Assi mhux finanzjarji u mhux prodotti (AN.2)	207
Riżorsi naturali (AN.21)	207
Art (AN.211)	207
Riżervi minerali u tal-enerġija (AN.212)	207
Assi naturali oħrajn (AN.213, AN.214 u AN.215)	207
Kuntratti, kirjiet u liċenzji (AN.22)	208
Xiri nieqes il-bejgħ tal-avvjament u l-assi tal-kummerċjalizzazzjoni (AN.23)	208
ASSI U PASSIVI FINANZJARJI (AF)	208
Deheb monetarju u SDRs (AF.1)	208
Flus u depożiti (AF.2)	208
Titoli tad-dejn (AF.3)	208
Self (AF.4)	209
Ekwità u ishma jew unitajiet tal-fond tal-investiment (AF.5)	209
Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (AF.6)	210
Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq it-titoli tal-impjegati (AF.7)	210
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8)	210
KARTI TAL-BILANĊ FINANZJARJI	210
ENTRATI TA' MEMORANDUM	211
Oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul (AN.m)	211
Investiment dirett barrani (AF.m1)	211
Self mhux produttiv (AF.m2)	211

Reġistrazzjoni tas-self mhux produttiv	212
Reġistrazzjoni tas-self mhux produttiv	212
ANNEX 7.1 DEFINIZZJONI TA' KULL KATEGORIJA TA' ASSI	213
ANNEX 7.2 MAPPA MILL-KARTA TAL-BILANĊ TAL-FTUĦ GĦALL KARTA TAL-BILANĊ TAL-GĦELUQ	222
KAPITOLU 8 IS-SEKWENZA TAL-KONTIJET	226
INTRODUZZJONI	226
Is-sekwenza tal-kontijiet	226
SEKWENZA TAL-KONTIJET	230
Kontijiet kurrenti	230
Kont tal-produzzjoni (I)	230
Kontijiet tad-distribuzzjoni u tal-użu tal-introjtu (II)	232
Kontijiet tad-distribuzzjoni primarja tal-introjtu (II.1)	232
Kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu (II.1.1)	232
Kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju (II.1.2)	236
Kont tal-introjtu imprenditorjali (II.1.2.1)	242
Kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju ieħor (II.1.2.2)	242
Kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu (II.2)	249
Kont tar-ridistribuzzjoni tal-introjtu in natura (II.3)	249
Kont tal-użu tal-introjtu (II.4)	256
Il-kont tal-użu tal-introjtu disponibbli (II.4.1)	256
Kont tal-użu tal-introjtu disponibbli aġġustat (II.4.2)	256
Kontijiet tal-akkumulazzjoni (III)	259
Kont kapitali (III.1)	259
Kont tal-bidla fil-valur nett dovut għat-tfaddil u t-trasferimenti kapitali (III.1.1)	259
Kont tal-akkwisti ta' assi mhux finanzjarji (III.1.2)	259
Kont finanzjarju (III.2)	259
Kont tal-bidliet oħra fl-assi (III.3)	268
Kont tal-bidliet oħra fil-volum tal-assi (III.3.1)	268
Kont tar-rivalutazzjoni (III.3.2)	268
Kont tal-qligħ u t-telf nominali newtrali (III.3.2.1)	268
Kont tal-qligħ u t-telf nominali reali (III.3.2.2)	268
Karti tal-bilanċ (IV)	282
Karta tal-bilanċ tal-ftuħ (IV.1)	282
Bidliet fil-karta tal-bilanċ (IV.2)	282
Karta tal-bilanċ tal-ghelug (IV.3)	282

KONTIJJET TAL-BQIJA TAD-DINJA (V)	290
Kontijiet kurrenti	290
<i>Kont estern tal-oġġetti u s-servizzi (V.I)</i>	290
<i>Kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (V.II)</i>	290
Kontijiet ta' akkumulazzjoni esterna (V.III)	290
<i>Kont kapitali (V.III.1)</i>	290
<i>Kont finanzjarju (V.III.2)</i>	291
<i>Kont tal-bidliet oħra fl-assi (V.III.3)</i>	291
Karti tal-bilanċ (V.IV)	291
KONT TAL-OĠĠETTI U S-SERVIZZI (0)	303
KONTIJJET EKONOMIĊI INTEGRATI	303
AGGREGATI	315
Prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq (PDG)	315
Eċċess operattiv tal-ekonomija totali	315
Introjtu mħallat tal-ekonomija totali	315
Introjtu mħallat tal-ekonomija totali	315
Introjtu nazzjonali (bil-prezzijiet tas-suq)	315
Introjtu disponibbli nazzjonali	315
Tfaddil	316
Bilanċ estern kurrenti	316
Għoti ta' self nett (+) jew teħid ta' self nett (-) tal-ekonomija totali	316
Valur nett tal-ekonomija totali	316
Nefqa u dħul tal-gvern ġenerali	316
KAPITOLU 9 TABELLI TAL-PROVVISTA U L-UŻU U L-QAFAS INPUT-OUTPUT	318
INTRODUZZJONI	318
DESKRIZZJONI	322
GĦODDA TAL-ISTATISTIKA	322
GĦODDA GĦALL-ANALIŻI	323
IT-TABELLI TAL-PROVVISTA U L-UŻU F'AKTAR DETTALL	323
Klassifikazzjonijiet	323
Prinċipji ta' valutazzjoni	325
Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport	326
Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodozzjoni u l-importazzjonijiet	328
Kunċetti bażiċi oħra	330
Informazzjoni supplimentari	331

SORSI TAD-DATA U BBILANĊJAR	331
GĦODDA GĦALL-ANALIŻI U L-ESTENSIJONIJIET	332
KAPITOLU 10 KEJL TA' PREZZ U TA' VOLUM	335
KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-INDIĊIJIET TA' PREZZ U TA' VOLUM FIL-KONTIJIET NAZZ- JONALI	336
Is-sistema integrata tal-indiċijiet ta' prezz u ta' volum	336
Indiċijiet oħra ta' prezz u ta' volum	337
PRINĊIPJI ĠENERALI TAL-KEJL TAL-INDIĊIJIET TA' PREZZ U TA' VOLUM	337
Definizzjoni tal-prezzijiet u tal-volumi tal-prodotti tas-suq	337
Kwalità, prezz u prodotti omoġenji	338
Prezzijiet u volum	339
Prodotti ġodda	340
Prinċipji għal servizzi mhux tas-suq	341
Prinċipji għall-valur miżjud u l-PDG	342
PROBLEMI SPEĊIFIĊI FL-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI	343
Taxxi u sussidji fuq prodotti u importazzjonijiet	343
Taxxi oħra u sussidji fuq il-produzzjoni	344
Konsum ta' kapital fiss	344
Kumpens tal-impjegati	344
Stokkijiet ta' assi fissi prodotti u inventarji	344
KEJL TA' INTROJTU REALI GĦALL-EKONOMIJA TOTALI	345
INDIĊIJIET TA' PREZZ U VOLUM INTERSPAZJALI	346
KAPITOLU 11 POPOLAZZJONI U INPUTS TA' XOGĦOL	347
POPOLAZZJONI TOTALI	347
POPOLAZZJONI EKONOMIKAMENT ATTIVA	348
IMPJIEG	348
Impjegati	349
Persuni li jaħdmu għal rashom	349
Impjieg u residenza	350
QGĦAD	351
IMPJIEGI	351
Impjegi u residenza	352
L-EKONOMIJA MHUX OSSERVATA	352
TOTAL TA' SIGĦAT MAĦDUMA	352
Speċifikar tas-sigħat effettivament maħduma	352
EKWIVALENZA FULL-TIME	354

INPUT TA' XOGĦOL TAL-IMPJEGATI B'KUMPENS KOSTANTI	354
KEJL TA' PRODUTTIVITÀ	354
KAPITOLU 12 KONTIJET NAZZJONALI TRIMESTRALI	355
INTRODUZZJONI	355
KARATTERISTIĊI SPEĊIFIĊI TAL-KONTIJET NAZZJONALI TRIMESTRALI	356
Ħin ta' reġistrazzjoni	356
<i>Ħidma li għaddeja</i>	356
<i>Attivitajiet ikkonċentrati f'perjodi speċifiċi fi żmien sena</i>	357
<i>Pagamenti ta' frekwenza baxxa</i>	357
Stimi rapidi	357
Ibbilanċjar u valutazzjoni komparattiva ta' kontijet nazzjonali trimestrali	357
<i>Ibbilanċjar</i>	358
<i>Konsistenza bejn il-kontijet trimestrali u annwali — valutazzjoni komparattiva</i>	358
Kejl marbut mal-indiċi-katina ta' tibdil fil-prezz u l-volum	358
Aġġustamenti staġjonali u kalendarji	359
<i>Sekwenza tal-ġbir tal-kejl tal-volum marbut mal-indiċi-katina aġġustat staġjonalment</i>	360
KAPITOLU 13 KONTIJET REĠJONALI	361
INTRODUZZJONI	361
TERRITORJU REĠJONALI	362
UNITAJIET U KONTIJET REĠJONALI	362
Unitajiet istituzzjonali	362
Unitajiet tat-tip ta' attività lokali u attivitajiet ta' produzzjoni reġjonali skont l-industrija	363
METODI TA' REĠJONALIZZAZZJONI	363
AGGREGATI GĦALL-ATTIVITAJIET TA' PRODUZZJONI	365
Il-valur miżjud gross u l-prodott domestiku gross skont ir-reġjun	365
L-allokazjoni tal-FISIM lill-industriji utenti	365
Impjegi	365
Kumpens tal-impjegati	365
It-transizzjoni mill-valur miżjud gross reġjonali għall-PGD reġjonali	365
Rati tat-Tkabbir tal-Volum tal-valur miżjud gross reġjonali	366
KONTIJET REĠJONALI TAL-INTROJTU TAL-UNITAJIET DOMESTIĊI	366
KAPITOLU 14 SERVIZZI TA' INTERMEDJAZZJONI FINANZJARJA MKEJLA INDIRETTAMENT (FISIM)	369
IL-KUNĊETT TA' FISIM U L-IMPATT TAL-ALLOKAZZJONI GĦALL-UTENT TAGĦHOM FUQ L-AGGREGATI EWLENIN	369
KALKOLU TAL-PRODUZZJONI TAL-FISIM SKONT IS-SETTUR S.122 U S.125	370
Data statistika meħtieġa	370

Rati ta' referenza	370
<i>Rata ta' referenza interna</i>	371
<i>Rati ta' referenza esterni</i>	371
Diżaggregazzjoni dettaljata tal-FISIM skont is-settur istituzzjonali	371
Diżaggregazzjoni fil-konsum intermedjarju u finali tal-FISIM allokat lill-unitajiet domestiċi	372
KALKOLU TA' IMPORTAZZJONIJIET TAL-FISIM	373
FISIM F'TERMINI TA' VOLUM	373
KALKOLU TAL-FISIM SKONT L-INDUSTRIJA	374
L-OUTPUT TAL-BANK ĊENTRALI	374
KAPITOLU 15 KUNTRATTI, KIRJIET U LIĊENZJI	375
INTRODUZZJONI	375
ID-DISTINZJONI BEJN KERA OPERATORJA, KERA TA' RIŻORSI U KERA FINANZJARJA	375
Kiri operatorju	377
Kirjiet finanzjarji	377
Kirjiet ta' riżorsi	378
Permessi biex jintuża riżors naturali	379
Permessi biex isiru attivitajiet speċifiċi	380
Sħubijiet pubbliċi-privati (ppp)	382
Kuntratti ta' konċessjoni ta' servizz	382
Kirjiet operatorji negozjabbli (an.221)	382
Intitolamenti għal oġġetti u servizzi futuri fuq bażi esklussiva (an.224)	382
KAPITOLU 16 ASSIGURAZZJONI	383
INTRODUZZJONI	383
Assigurazzjoni diretta	383
Riassigurazzjoni	384
L-unitajiet involuti	385
PRODUZZJONI TAL-ASSIGURAZZJONI DIRETTA	385
Primjums maqlugħa	385
Supplimenti tal-primjum	386
Aġġustament tal-pretenzjonijiet magħmula u benefiċċji dovuti	386
<i>Aġġustament tal-pretenzjonijiet li tħallsu fl-assigurazzjoni mhux tal-ħajja</i>	386
<i>Benefiċċji dovuti tal-assigurazzjoni tal-ħajja</i>	387
Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni	387
Definizzjoni tal-produzzjoni tal-assigurazzjoni	388
<i>Assigurazzjoni mhux tal-ħajja</i>	388

<i>Assigurazzjoni tal-ħajja</i>	389
<i>Riassigurazzjoni</i>	389
TRANSAZZJONIJIET ASSOĊJATI MAL-ASSIGURAZZJONI MHUX TAL-ĦAJJA	389
Allokazzjoni tal-output tal-assigurazzjoni fost l-utenti	389
Servizzi tal-assigurazzjoni mogħtija lil u mill-bqija tad-dinja	389
Id-dħul tal-kontabbiltà	390
TRANSAZZJONIJIET TAL-ASSIGURAZZJONI TAL-ĦAJJA	392
TRANSAZZJONIJIET ASSOĊJATI MAR-RIASSIGURAZZJONI	394
IT-TRANSAZZJONIJIET ASSOĊJATI MAL-AWŻILJARJI TAL-ASSIGURAZZJONI	395
ANNWALITAJIET	395
REĠISTRAZZJONI TAL-PRETENSIJONIJIET TAL-ASSIGURAZZJONI MHUX TAL-ĦAJJA	396
Trattament ta' pretensjonijiet aġġustati	396
Trattament tat-telf katastrofiku	396
KAPITOLU 17 ASSIGURAZZJONI SOĊJALI INKLUŻ IL-PENSIJONIJIET	397
INTRODUZZJONI	397
Skemi tal-assigurazzjoni soċjali, assistenza soċjali u poloz tal-assigurazzjoni individwali	397
Benefiċċji soċjali	398
<i>Benefiċċji soċjali pprovduti mill-gvern ġenerali</i>	399
<i>Benefiċċji soċjali pprovduti minn unitajiet istituzzjonali oħra</i>	399
<i>Il-pensjonijiet u forom oħra ta' benefiċċji</i>	399
BENEFIĊĊJI TAL-ASSIGURAZZJONI SOĊJALI MINBARRA L-PENSIJONIJIET	399
Skemi tas-sigurtà soċjali minbarra l-iskemi tal-pensjoni	399
Skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjiegi	400
Reġistrazzjoni tal-istokks u l-flussi skont it-tip ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali mhux tal-pensjoni	400
<i>Skemi tas-sigurtà soċjali</i>	400
<i>Skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali mhux tal-pensjoni marbuta mal-impjiegi</i>	400
PENSIJONIJIET	401
Tipi ta' skemi tal-pensjonijiet	401
<i>L-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali</i>	402
<i>Skemi oħra tal-pensjoni marbuta mal-impjiegi</i>	402
<i>Skemi ta' kontribuzzjoni definita</i>	403
<i>Skemi ta' benefiċċju definit</i>	403
<i>Skemi nozzjonali ta' kontribuzzjoni definita u skemi ibridi</i>	403
<i>Skemi ta' benefiċċju definit paragonati ma' skemi ta' kontribuzzjoni definita</i>	403
Amministratur tal-pensjonijiet, maniġer tal-pensjonijiet, fond tal-pensjoni u skema tal-pensjoni ta' diversi persuni li jħaddmu	404

Reġistrazzjoni tal-istokks u l-flussi skont it-tip ta' skema tal-pensjoni fl-assigurazzjoni soċjali	405
<i>Transazzjonijiet għall-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali</i>	405
<i>Transazzjonijiet għal skemi oħra tal-pensjoni marbuta mal-impjegi</i>	406
<i>Transazzjonijiet għal skemi tal-pensjoni b'kontribuzzjoni definita</i>	406
<i>Flussi oħra marbuta ma' skemi tal-pensjoni b'kontribuzzjoni definita</i>	408
<i>Transazzjonijiet għal skemi tal-pensjoni b'benefiċċju definit</i>	409
TABELLA SUPPLIMENTARI GĦALL-INTITOLAMENTI TAL-PENSJONI FL-ASSIGURAZZJONI SOĠJALI AKKUMULATI SA ĊERTU DATA	412
Disinn tat-tabella supplimentari	412
<i>Il-kolonna tat-tabella</i>	414
<i>Ir-ringieli tat-tabella</i>	415
<i>Karti tal-bilanċ tal-ftuħ u l-ghelug</i>	416
<i>Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni minħabba t-transazzjonijiet</i>	416
<i>Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni dovuti għal flussi ekonomiċi oħra</i>	418
<i>Indikaturi relatati</i>	419
Suppożizzjonijiet attwarji	420
<i>Intitolamenti dovuti sa ċerta data</i>	420
<i>Rata ta' skont</i>	420
<i>Tkabbir fil-pagi</i>	420
<i>Assunzjonijiet demografiċi</i>	421
KAPITOLU 18 KONTIJET TAL-BQIJA TAD-DINJA	422
INTRODUZZJONI	422
TERRITORJU EKONOMIKU	423
<i>Ir-residenza</i>	423
UNITAJIET ISTITUZZJONALI	423
FERGĦAT BĦALA TERMINU UŻAT FIL-KONTIJET INTERNAZZJONALI TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI	423
UNITAJIET RESIDENTI NOZZJONALI	424
INTRAPRIŻI MULTI-TERRITORJALI	424
ANALIŻI ĠEOGRAFIKA	424
IL-KONTIJET INTERNAZZJONALI TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI	425
ENTRATI SALDATORJI FIL-KONTIJET KURRENTI TAL-KONTIJET INTERNAZZJONALI	425
IL-KONTIJET GĦAS-SETTUR TAL-BQIJA TAD-DINJA U R-RELAZZJONI TAGĦHOM MAL-KONTIJET INTERNAZZJONALI TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI	426
<i>Il-kont estern tal-oġġetti u s-servizzi</i>	426
<i>Valutazzjoni</i>	429
<i>Prodotti għall-Ipproċessar</i>	429

<i>Negozjar</i>	430
<i>Oġġetti li jaqgħu taħt in-negozjar</i>	430
<i>Esportazzjonijiet u importazzjonijiet tal-FISIM</i>	431
Il-kont estern tal-introjtu primarju u sekondarju	432
<i>Il-kont ta' introjtu primarju</i>	433
<i>Introjtu minn investiment dirett</i>	433
<i>Il-kont tal-introjtu sekondarju (trasferimenti kurrenti) tal-BPM 6</i>	433
Il-kont tal-kapital estern	434
Il-kont finanzjarju estern u l-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali (IIP)	435
KARTI TAL-BILANĊ GĦAS-SETTUR TAL-BQIJA TAD-DINJA	437
KAPITOLU 19 KONTIJIET EWROPEJ	439
INTRODUZZJONI	439
MILL-KONTIJIET NAZZJONALI GĦAL DAWK EWROPEJ	439
<i>Konverżjoni ta' data fil-muniti differenti</i>	440
<i>Istituzzjonijiet Ewropej</i>	440
<i>Il-kont tal-bqija tad-dinja</i>	441
<i>Bilanċjar tat-transazzjonijiet</i>	442
<i>Miżuri ta' prezz u ta' volum</i>	442
<i>Karti tal-bilanċ</i>	442
<i>Matriċijiet "minn min għal min"</i>	442
ANNEX 19.1 — IL-KONTIJIET TAL-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ	443
<i>Riżorsi</i>	443
<i>Użi</i>	444
<i>Konsolidazzjoni</i>	444
KAPITOLU 20 IL-KONTIJIET TAL-GVERN	445
INTRODUZZJONI	445
DEFINIZZJONI TAS-SETTUR TAL-GVERN ĠENERALI	445
<i>Identifikazzjoni tal-unitajiet fil-gvern</i>	445
<i>Unitajiet tal-gvern</i>	445
<i>NPIs klassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali</i>	446
<i>Unitajiet oħra tal-gvern ġenerali</i>	446
<i>Kontroll pubbliku</i>	447
<i>Delineazzjoni tas-suq/mhux tas-suq</i>	447
<i>Il-kunċett ta' prezzijiet ekonomikament sinifikanti</i>	447
<i>Kriterji tax-xerrej tal-output ta' produttur pubbliku</i>	448

L-output jinbiegħ biss lill-gvern	448
L-output jinbiegħ biss lill-gvern	448
L-output jinbiegħ lill-gvern u lil oħrajn	448
It-test tas-suq/mhux tas-suq	448
Intermedjazzjoni finanzjarja u l-limitu tal-gvern	449
Każijiet dubjużi	449
Uffiċċji Prinċipali Pubbliċi	449
Fondi tal-pensjonijiet	449
Kważikorporazzjonijiet	449
Aġenziji ta' ristrutturar	450
Aġenziji ta' privatizzazzjoni	450
Strutturi ta' annullament	450
Entitajiet bi skop speċjali	451
Impriżi konġunti	451
Aġenziji regolatorji tas-suq	451
Awtoritajiet supranazzjonali	452
Is-sottosetturi tal-gvern ġenerali	452
Gvern ċentrali	452
Gvern statali	452
Gvern lokali	453
Fondi tas-sigurtà soċjali	453
IL-PREŻENTAZZJONI TAL-ISTATISTIKA TAL-FINANZI TAL-GVERN	453
Qafas	453
Dħul	455
Taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali	455
Bejgħ	455
Dħul ieħor	458
Nfiq	458
Kumpens tal-impjegati u konsum intermedju	458
Nfiq f'benefiċċji soċjali	459
Imgħax	459
Nfiq attwali ieħor	459
Nfiq kapitali	459
Konnessjoni ma' nfiq tal-konsum finali tal-gvern (P.3)	460
Nfiq tal-gvern skont il-funzjoni (COFOG)	460

Entrati saldatorji	461
<i>L-ġhoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett (B.9)</i>	461
<i>Bidliet fil-valur nett minħabba tfaddil u trasferimenti ta' kapital (B.101)</i>	461
Finanzjament	461
<i>Transazzjonijiet f'assi</i>	462
<i>Transazzjonijiet f'passivi</i>	463
Flussi ekonomiċi oħra	463
<i>Kont ta' rivalutazzjoni</i>	463
<i>Kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi</i>	464
Karti tal-bilanċ	464
Konsolidazzjoni	465
KWISTJONIJET TA' KONTABBILTÀ RELATATI MAL-GVERN ĠENERALI	466
Dħul mit-taxxa	466
<i>Karattru tad-dħul mit-taxxa</i>	466
<i>Krediti tat-taxxa</i>	467
<i>Ammonti li għandhom jiġu rreġistrati</i>	467
<i>Ammonti li ma jinġabrux</i>	467
Żmien ta' reġistrazzjoni	467
<i>Reġistrazzjoni tad-dovuti</i>	467
<i>Reġistrazzjoni tad-dovuti tat-taxxi</i>	467
<i>Imgħax</i>	468
<i>Bonds skontati u bil-kupuni żero</i>	469
<i>Titoli marbuta mal-indiċi</i>	469
<i>Derivattivi finanzjarji</i>	469
<i>Deċiżjonijiet tal-qorti</i>	469
<i>Nfiq Mmilitari</i>	469
Relazzjonijiet tal-gvern ġenerali mal-korporazzjonijiet pubbliċi	470
<i>Investiment ta' ekwità f'korporazzjonijiet pubbliċi u distribuzzjoni tal-qligħ</i>	470
<i>Investiment ta' ekwità</i>	470
<i>Injezzjonijiet ta' kapital</i>	470
<i>Sussidji u injezzjonijiet ta' kapital</i>	470
<i>Regoli applikabbli għal ċirkostanzi partikolari</i>	471
<i>Operazzjonijiet fiskali</i>	471
<i>Distribuzzjonijiet tal-korporazzjonijiet pubbliċi</i>	471
<i>Dividendi versus l-irtirar ta' ekwità</i>	471

Taxxi versus l-irtirar ta' ekwità	472
Privatizzazzjoni u nazzjonalizzazzjoni	472
Privatizzazzjoni	472
Privatizzazzjonijiet indiretti	472
Nazzjonalizzazzjoni	472
Transazzjonijiet mal-bank ċentrali	473
Ristrutturar, fużjonijiet, u riklassifikazzjonijiet	473
Operazzjonijiet ta' dejn	473
Assunzjonijiet ta' dejn, kanċellazzjoni ta' dejn u tħassir ta' dejn	473
Assunzjoni u kanċellazzjoni ta' dejn	473
Assunzjoni ta' dejn li tinvolvi trasferiment ta' assi mhux finanzjarji	474
Tħassir jew deprezzament ta' dejn	474
Ristrutturar ieħor tad-dejn	475
Xiri ta' dejn 'il fuq mill-valur tas-suq	475
Annullamenti u Kawzjonijiet	475
Garanziji tad-dejn	476
Garanziji tat-tip derivattiv	476
Garanziji standardizzati	477
Garanziji ta' darba	477
Titolizzazzjoni	477
Definizzjoni	477
Kriterji għar-rikonoxximent ta' bejgħ	477
Reġistrazzjoni tal-flussi	478
Kwistjonijiet oħra	478
Obbligi tal-pensjoni	478
Ħlasijiet ta' somom f'daqqa	478
Sħubiji pubbliċi-privati	479
Ambitu tal-PPP	479
Sjieda ekonomika u allokazżjoni tal-ass	479
Kwistjonijiet tal-kontabbiltà	480
Transazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u supranazzjonali	481
Assistenza għall-iżvilupp	482
IS-SETTUR PUBBLIKU	483
Kontroll tas-settur pubbliku	483
Banek ċentrali	484

Kważikorporazzjonijiet pubbliċi	485
Entitajiet bi Skop Speċjali u Mhux residenti	485
Impriżi konġunti	485
KAPITOLU 21 RABTIET BEJN KONTIJET TAN-NEGOZJI U KONTIJET NAZZJONALI U L-KEJL TAL-ATTIVITÀ KORPORATTIVA	486
XI REGOLI U METODI SPEĊIFIĊI TAL-KONTABBILTÀ TAN-NEGOZJI	486
Żmien ta' reġistrazzjoni	486
Entrata doppja u entrata kwadrupla tal-kontabbiltà	486
Valutazzjoni	486
Dikjarazzjoni tal-introjt u l-karta tal-bilanċ	487
KONTIJET NAZZJONALI U KONTIJET TAN-NEGOZJI:	487
KWISTJONIJIET PRATTIĊITRANSIZZJONI MINN KONTIJET TAN-NEGOZJI GĦAL KONTIJET NAZZJONALI: L-EŻEMPJU TA' INTRAPRIŻI MHUX FINANZJARJI	488
Aġġustamenti kunċettwali	488
Aġġustamenti biex tinkiseb konsistenza mal-kontijiet ta' setturi oħra	488
Eżempji ta' aġġustamenti għall-eżawrjenza	488
KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI	488
Qligħ/telf nominali	488
Globalizzazzjoni	489
Merġers u akkwisti	489
KAPITOLU 22 KONTIJET SATELLITA	490
INTRODUZZJONI	490
Klassifikazzjonijiet funzjonali	493
KARATTERISTIĊI PRINĊIPALI TAL-KONTIJET SATELLITA	496
Kontijiet satellita funzjonali	496
Kontijiet ta' settur speċjali	499
Inklużjoni ta' data mhux monetarja	503
Dettall addizzjonali u kunċetti supplimentari	503
Kunċetti bażiċi differenti	504
Użu ta' mmudellar u inklużjoni ta' riżultati sperimentali	504
Tfassil u kompilazzjoni ta' kontijiet satellita	505
DISA' KONTIJET SATELLITA SPEĊIFIĊI	506
Kontijiet agrikoli	507
Kontijiet ambjentali	507
Kontijiet tas-Saħħa	518
Kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi	520

Kontijiet tax-xogħol u SAM	523
Kontijiet tal-produttività u tat-tkabbir	525
Kontijiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż)	526
Kontijiet tal-protezzjoni soċjali	528
Kontijiet satellita tat-turiżmu	531
KAPITOLU 23 KLASSIFIKAZZJONIJIET	533
INTRODUZZJONI	533
KLASSIFIKAZZJONI TA' SETTURI ISTITUZZJONALI (S)	533
KLASSIFIKAZZJONI TA' TRANSAZZJONIJIET U FLUSSI OĦRA	535
Transazzjonijiet fi prodotti (P)	535
Transazzjonijiet f'assi mhux finanzjarji u mhux prodotti (kodiċijiet NP)	536
Transazzjonijiet distributtivi (D)	537
Trasferimenti kurrenti fi flus kontanti u i natura (D.5-D.8)	538
Transazzjonijiet f'assi u passivi finanzjarji (F)	539
Bidliet oħra fl-assi (K)	541
KLASSIFIKAZZJONI TA' ENTRATI SALDATORJI U VALUR NETT (B)	541
KLASSIFIKAZZJONI TAL-ENTRATI FIL-KARTI TAL-BILANĊ (L)	542
KLASSIFIKAZZJONI TAL-ASSI (A)	542
Assi mhux finanzjarji (AN)	542
Assi finanzjarji (AF)	544
KLASSIFIKAZZJONI TA' ENTRATI SUPPLIMENTARI	545
Self mhux produttiv	545
Servizzi tal-kapital	546
Tabella tal-pensjonijiet	546
Oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul	548
Investiment dirett barrani	548
Pożizzjonijiet kontinġenti	548
Flus u depożiti	549
Klassifikazzjoni tat-titoli ta' dejn skont il-maturità pendenti	549
Titoli ta' dejn ikkwotati u mhux ikkwotati	549
Self fit-tul b'maturità pendenti ta' inqas minn sena u self fit-tul iggarantit b'ipoteka	549
Ishma ta' investiment ikkwotati u mhux ikkwotati	550
Arretrati ta' mgħax u ta' ħlasijiet lura	550
Rimessi personali u totali	550

RAGGRUPPAMENT U KODIFIKAZZJONI TA' INDUSTRIJI (A) U PRODOTTI (P)	550
KLASSIFIKAZZJONI TAL-FUNZJONIJIET TAL-GVERN (COFOG)	565
KLASSIFIKAZZJONI TAL-KONSUM INDIVIDWALI SKONT L-ISKOP (Coicop)	568
KLASSIFIKAZZJONI TAL-ISKOPJIET TA' ISTITUZZJONIJIET MINGĦAJR QLIGĦ LI JOFFRU SERVIZZ LILL-UNITAJIET DOMESTIĊI (COPNI)	570
KLASSIFIKAZZJONI TA' NFIQ TA' PRODUTTURI SKONT L-ISKOP (COPP)	571
KAPITOLU 24 IL-KONTIJIET	573
Tabella 24.1 Kont 0: Kont tal-oġġetti u tas-servizzi	573
Tabella 24.2 Sekwenza sħiħa tal-kontijiet għall-ekonomija totali	573
Tabella 24.3 Sekwenza sħiħa tal-kontijiet għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji	593
Tabella 24.4 Sekwenza sħiħa tal-kontijiet għal korporazzjonijiet finanzjarji	607
Tabella 24.5 Sekwenza sħiħa tal-kontijiet tal-gvern ġenerali	622
Tabella 24.6 Sekwenza sħiħa tal-kontijiet tal-unitajiet domestiċi	638
Tabella 24.7 Sekwenza sħiħa tal-kontijiet ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill- unitajiet domestiċi	654

KAPITOLU 1

KARATTERISTIĊI ĠENERALI U PRINĊIPJI BAŻIĊI

KARATTERISTIĊI ĠENERALI

- 1.01 Is-Sistema Ewropea ta' Kontijiet (minn hawn 'il quddiem issir referenza għalha bħala "s-SEK 2010", jew "s-SEK") huwa qafas ta' kontabbiltà internazzjonalment kompatibbli għal deskrizzjoni sistematika u dettaljata ta' ekonomija totali (jiġifieri reġjun, pajjiż jew grupp ta' pajjiżi), il-komponenti tiegħu u r-relazzjonijiet tiegħu ma' ekonomiji totali oħrajn.
- 1.02 Il-predeċessor tas-SEK 2010, is-sistema Ewropea tal-kontijiet 1995 (s-SEK 95) ġie ppubblikat fl-196⁽¹⁾. Il-metodoloġija kif stipulata f'dan l-Anness tas-SEK 2010 għandu l-istess struttura tal-pubblikazzjoni SEK 95 għall-ewwel 13-il kapitolu, iżda wara għandu 11-il kapitolu ġdid li jelaboraw aspetti mis-sistema li jirriflettu żviluppi fil-kejl ta' ekonomiji moderni, jew fl-użu tas-SEK 95 fl-Unjoni Ewropea (l-UE).
- 1.03 L-istruttura ta' dan il-manwal hija kif ġej. Il-Kapitolu 1 ikopri l-karatteristiċi bażiċi tas-sistema f'termini ta' kunċetti, u jstabbilixxi l-prinċipji tas-SEK u jiddeskrivi l-unitajiet statistiċi fundamentali u r-raggruppamenti tagħhom. Jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sekwenza ta' kontijiet, u deskrizzjoni qasira tal-aggregati prinċipali u r-rwol tat-tabelli tal-provvista u l-użu u l-qafas ta' input-output. Il-Kapitolu 2 jiddeskrivi l-unitajiet istituzzjonali użati fil-kejl tal-ekonomija, u kif dawn l-unitajiet jiġu klassifikati f'setturi u fi gruppi oħra biex jippermettu li ssir analiżi. Il-Kapitolu 3 jiddeskrivi t-transazzjonijiet kollha fir-rigward tal-prodotti (oġġetti u servizzi), u l-assi mhux prodotti, fis-sistema. Il-Kapitolu 4 jiddeskrivi t-transazzjonijiet kollha fl-ekonomija relatati mad-distribuzzjoni u r-ridistribuzzjoni tal-introjt u l-ġid fl-ekonomija. Il-Kapitolu 5 jiddeskrivi t-transazzjonijiet finanzjarji fl-ekonomija. Il-Kapitolu 6 jiddeskrivi t-tibdiliet li jistgħu jsejtnu fil-valur tal-assi permezz ta' avvenimenti mhux ekonomiċi jew tibdiliet fil-prezzijiet. Il-Kapitolu 7 jiddeskrivi l-karti tal-bilanċ u l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-attivi u l-passivi. Il-Kapitolu 8 jstabbilixxi s-sekwenza tal-kontijiet u l-entrati saldatorji assoċjati ma' kull kont. Il-Kapitolu 9 jiddeskrivi t-tabelli tal-provvista u l-użu, u r-rwol tagħhom fit-tlaqqiġ tal-kejl tal-introjt, tal-output u tan-nefqa fl-ekonomija. Jiddeskrivi wkoll it-tabelli tal-input-output li jistgħu jinħarġu mit-tabelli tal-provvista u l-użu. Il-Kapitolu 10 jiddeskrivi l-bażi kunċettwali għall-kejl tal-prezz u l-volum assoċjat mal-valuri nominali li qegħdin fil-kontijiet. Il-Kapitolu 11 jiddeskrivi l-kejl tal-popolazzjoni u tas-swieq tax-xogħol li jistgħu jintużaw flimkien mal-kejl tal-kontijiet nazzjonali fl-analiżi ekonomika. Il-Kapitolu 12 jagħti deskrizzjoni qasira tal-kontijiet nazzjonali trimestrali, u kif inhum differenti mill-kontijiet annwali.
- 1.04 Il-Kapitolu 13 jiddeskrivi l-iskopijiet, il-kunċetti u l-kwistjonijiet ta' kumpilazzjoni fit-tfassil ta' sett ta' kontijiet reġjonali. Il-Kapitolu 14 ikopri l-miżuri tas-servizzi finanzjarji pprovduti minn intermedjarji finanzjarji u li huma ffinanzjati permezz ta' rċevuti ta' interess nett, u jirrifletti snin ta' riċerka u żvilupp mill-Istati Membri sabiex ikun hemm kejl robust u armonizzat fl-Istati Membri kollha. Il-Kapitolu 15 dwar il-kuntratti, il-kiri u l-liċenzji huwa neċessarju sabiex jiġi deskritt qasam ta' importanza dejjem akbar fil-kontijiet nazzjonali. Il-Kapitolu 16 u 17 dwar l-assigurazzjoni, l-assigurazzjoni soċjali u l-pensjonijiet jiddeskrivu kif dawn l-arranġamenti huma mmaniġġjati fil-kontijiet nazzjonali, minħabba li d-domandi ta' ridistribuzzjoni jsiru ta' interess dejjem akbar hekk kif il-popolazzjonijiet jixjieħu. Il-Kapitolu 18 ikopri l-kontijiet tal-bqija tad-dinja, li huma l-kontijiet nazzjonali ekwivalenti għall-kontijiet tas-sistema ta' kejl tal-bilanċ tal-pagamenti. Il-Kapitolu 19 dwar il-Kontijiet Ewropej huwa ġdid ukoll, u jkopri aspetti tal-kontijiet nazzjonali, fejn l-arranġamenti istituzzjonali u kummerċjali Ewropej iqajmu kwistjonijiet li jirrikjedu approċċ armonizzat. Il-Kapitolu 20 jiddeskrivi l-kontijiet għas-settur tal-gvern — qasam ta' interess speċjali hekk kif kwistjonijiet ta' prudenza fiskali mill-Istati Membri jkompli jkunu kritiċi għat-twettiq tal-politika ekonomika fl-UE. Il-Kapitolu 21 jiddeskrivi r-rabtiet bejn il-kontijiet tan-negozju u l-kontijiet nazzjonali, qasam ta' interess dejjem akbar hekk kif il-korporazzjonijiet multinazzjonali jsiru responsabbli minn sehem dejjem akbar tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għall-pajjiżi kollha. Il-Kapitolu 22 jiddeskrivi r-relazzjoni tal-kontijiet satellita mal-kontijiet nazzjonali prinċipali. Il-Kapitolu 23 u 24 qegħdin għal skopijiet ta' referenza; Il-Kapitolu 23 jstabbilixxi l-klassifikazzjonijiet użati għas-setturi, l-attivajiet u l-prodotti fis-SEK 2010, u l-Kapitolu 24 jstabbilixxi s-sekwenza kompluta ta' kontijiet għal kull settur.
- 1.05 L-istruttura tas-SEK 2010 hija konsistenti mal-linji gwida dinjija dwar il-kontabbiltà nazzjonali li jinsabu fis-Sistema tal-Kontijiet Nazzjonali 2008 (SNA 2008), apparti minn ċerti differenzi fil-preżentazzjoni u l-grad ogħla ta' preċiżjoni ta' xi kunċetti tas-SEK 2010 li jintużaw għal għanijiet speċifiċi tal-UE. Dawk il-linji gwida nħolqu taħt ir-responsabilità konġunta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat), l-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (OECD) u l-Bank Dinji. Is-SEK 2010 tenfasizza aktar iċ-ċirkostanzi u l-htijijiet tad-data fl-UE. Bħall-SNA 2008, is-SEK 2010 hija armonizzata mal-kunċetti u l-klassifikazzjonijiet użati f'ħafna statistika soċjali u ekonomika Ewropea oħra

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1).

(pereżempju, l-istatistika dwar il-qagħad, l-istatistika dwar il-manifattura u l-istatistika dwar il-kummerċ estern). Is-SEK 2010 għalhekk isservi bħala l-qafas ta' referenza ċentrali għall-istatistika soċjali u ekonomika tal-UE u l-Istati Membri tagħha.

- 1.06 Il-qafas tas-SEK jikkonsisti f'żewġ settijiet prinċipali ta' tabelli:
- (a) il-kontijiet tas-settur istituzzjonali;
 - (b) il-qafas input-output, u l-kontijiet skont l-industrija.
- 1.07 Il-kontijiet settorjali jipprovdu, skont is-settur istituzzjonali, deskrizzjoni sistematika tal-istadji differenti tal-proċess ekonomiku: produzzjoni, ġenerazzjoni tal-introjt, distribuzzjoni tal-introjt, ridistribuzzjoni tal-introjt, użu tal-introjt u akkumulazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja. Il-kontijiet settorjali jinkludu wkoll karti tal-bilanċ sabiex jiddeskrivu l-istokks ta' assi, passivi u valur nett fil-bidu u fit-tmieni tal-perijodu bażi tal-kontijiet.
- 1.08 Il-qafas input-output, permezz tat-tabelli ta' provvista u użu, jistabbilixxi f'aktar dettall il-proċess tal-produzzjoni (struttura tal-ispiża, introjt ġġenerat u xogħol) u l-flussi ta' oġġetti u servizzi (output, importazzjonijiet, esportazzjonijiet, konsum finali, konsum intermedju u formazzjoni tal-kapital skont il-grupp tal-prodott). Żewġ identitajiet importanti ta' kontabbiltà huma riflessi f'dan il-qafas: is-somma tal-introjt ġġenerat f'industrija hija ugwali għall-valur miżjud prodott minn dik l-industrija; u, għal kwalunkwe prodott jew raggruppament ta' prodotti, il-provvista hija ugwali għad-domanda.
- 1.09 Is-SEK 2010 tinkludi kunċetti ta' popolazzjoni u xogħol. Tali kunċetti huma rilevanti għall-kontijiet settorjali, il-kontijiet skont l-industrija u l-qafas ta' provvista u użu.
- 1.10 Is-SEK 2010 mhix ristretta għall-kontabbiltà nazzjonali annwali, iżda tapplika wkoll għall-kontijiet ta' kontabbiltà trimestrali jew perijodu iqsar jew itwal. Hija tapplika wkoll għall-kontijiet reġjonali.
- 1.11 Is-SEK 2010 teżisti flimkien mal-SNA 2008 minħabba l-użi tal-miżuri ta' kontijiet nazzjonali fl-UE. L-Istati Membri huma responsabbli għall-ġbir u l-preżentazzjoni tal-kontijiet nazzjonali tagħhom stess sabiex jiddeskrivu s-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiżi tagħhom. L-Istati Membri jikkompilaw ukoll sett ta' kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni (Eurostat) bħala parti minn programm ta' trażmissjoni regolari tad-*data*, għall-użi ta' politika soċjali, ekonomika u fiskali prinċipali fl-Unjoni. Dawk l-użi jinkludu d-determinazzjoni ta' kontribuzzjonijiet monetarji tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE permezz "tar-raba' riżorsa", għajnuna għal reġjuni tal-UE permezz tal-programm ta' fondi strutturali u s-sorveljanza tal-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri fil-qafas tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- 1.12 Sabiex l-imposti u l-benefiċċji jitqassmu skont il-miżuri kkompilati u ppreżentati b'mod strettament konsistenti, l-istatistika ekonomika użata għal dawk l-iskopijiet għandha tiġi kkompilata skont l-istess kunċetti u regoli. Is-SEK 2010 hija regolament li jistabbilixxi regoli, konvenzjonijiet, definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet li għandhom jiġu applikati fil-produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali fl-Istati Membri li għandhom jagħmlu parti mill-programm ta' trażmissjoni tad-*data*, kif inhu stabbilit fl-Anness B għal dan ir-Regolament.
- 1.13 Minħabba s-somom ta' flus kbar ħafna involuti fis-sistema ta' kontribuzzjonijiet u benefiċċji operata fl-UE, huwa essenzjali li s-sistema ta' kejl tkun applikata b'mod konsistenti f'kull Stat Membru. Ftali ċirkostanzi, huwa importanti li jiġi adottat approċċ ta' attenzjoni għal stimi li ma jistgħux jiġu osservati direttament fis-suq, u għandu jiġi evitat l-użu ta' proċeduri fuq il-baży ta' mudell għall-istima tal-kejl fil-kontijiet nazzjonali.
- 1.14 Il-kunċetti tas-SEK 2010, f'diversi istanzi, huma aktar speċifiċi u preċiżi minn dawk tal-SNA 2008 sabiex tiġi żgurata kemm jista' jkun il-konsistenza bejn il-miżuri tal-Istati Membri dderivati mill-kontijiet nazzjonali. Dan ir-rekwiżit fundamentali għal stimi konsistenti b'saħħithom irriżulta fl-identifikazzjoni ta' sett prinċipali ta' kontijiet fl-UE. Fejn il-livell ta' konsistenza tal-kejl madwar l-Istati Membri jitiqes li mhux biżżejjed, l-istimi tal-aħħar huma ġeneralment inklużi f'hekk imsejħa "kontijiet mhux prinċipali" li jkopru t-tabelli supplementari u l-kontijiet satellitari.
- 1.15 Eżempju fejn inħasset il-ħtieġa li tintuża kawtela fit-fassil tas-SEK 2010 jinsab fil-qasam tal-passivi tal-pensjonijiet. Il-każ li fih dawn jiġu mkejla sabiex jassistu fl-analiżi ekonomika huwa wieħed b'saħħtu, iżda r-rekwiżit kritiku biex l-UE toħloq kontijiet li huma konsistenti fiż-żmien u fl-ispazju rrikjeda approċċ b'attenzjoni.

Globalizzazzjoni

- 1.16 In-natura dejjem aktar globali tal-attività ekonomika żiedet il-kummerċ internazzjonali fil-forom kollha tiegħu, u żiedet l-isfidi għall-pajjiżi li jirreġistraw l-ekonomiji domestiċi tagħhom fil-kontijiet nazzjonali. Il-globalizzazzjoni hija l-proċess multidinamiku u multidimensjonali li permezz tiegħu r-riżorsi nazzjonali jsiru aktar mobbli internazzjonalment, filwaqt li l-ekonomiji nazzjonali jsiru dejjem aktar interdipendenti. Il-karatteristika tal-globalizzazzjoni li potenzjalment tikkawża l-aktar problemi ta' kejl għall-kontijiet nazzjonali, hija s-sehem dejjem akbar tat-transazzjonijiet internazzjonali li jitwettqu minn kumpanniji multinazzjonali, li fihom it-transazzjonijiet bejn il-fruntieri jsiru bejn kumpanniji prinċipali, sussidjarji u affiljati. Madankollu jeżistu sfidi oħrajn, u din li ġejja hija lista aktar eżawrjenti ta' kwistjonijiet dwar id-*data*:
- (1) il-prezz tat-trasferiment bejn korporazzjonijiet affiljati (valutazzjoni tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet);
 - (2) iż-żieda fl-ipproċessar tan-nollijiet, fejn il-prodotti huma nnegozjati bejn il-fruntieri nazzjonali mingħajr ma jinbidel il-proprietarju (prodotti għall-ipproċessar), u merkanzija;
 - (3) il-kummerċ internazzjonali permezz tal-internet, kemm għall-korporazzjonijiet u għall-unitajiet domestiċi;
 - (4) il-kummerċ u użu tal-assi ta' proprjetà intellettuali madwar id-dinja;
 - (5) il-ħaddiema li jaħdmu barra mill-pajjiż, u li jibagħtu ammonti sinifikanti mill-paga lill-familja fit-territorju domestiku (rimessi tal-ħaddiema, bħala parti minn trasferimenti personali);
 - (6) il-korporazzjonijiet multinazzjonali li jorganizzaw in-negozju tagħhom bejn il-fruntieri nazzjonali, sabiex jimmassimizzaw l-effiċjenza tal-produzzjoni u jimminimizzaw il-piż globali tat-taxxa. Dan jista' joħloq strutturi korporattivi artifiċjali li jistgħu ma jirriflettux ir-realtà ekonomika;
 - (7) l-użu ta' vetturi offshore ta' finanzjament (Entitajiet għal Skopijiet Speċjali u forom oħrajn) sabiex jirranġaw finanzjament għal attivitajiet globali;
 - (8) ir-riesportazzjoni tal-oġġetti, u fl-UE t-trasport ta' oġġetti bejn l-Istati Membri wara li jidħlu fl-Unjoni (kważi-trasport);
 - (9) iż-żieda fir-relazzjonijiet barranin ta' investiment dirett, u l-ħtieġa li jiġu identifikati u allokati l-flussi ta' investiment dirett.
- 1.17 Dawn l-aspetti kulma jmur aktar komuni tal-globalizzazzjoni jagħmlu l-qbid u l-kejl preċiż ta' flussi bejn il-fruntieri sfida dejjem akbar għall-istatistika nazzjonali. Saħansitra b'sistema komprensiva u b'saħħha ta' ġbir u kejl għall-informazzjoni fis-settur tal-bqija tad-dinja (u għalhekk anke fil-kontijiet internazzjonali li jinsabu fil-bilanċ tal-pagamenti), il-globalizzazzjoni ser iżżid il-ħtieġa għal sforzi żejda sabiex tinżamm il-kwalità tal-kontijiet nazzjonali għall-ekonomiji kollha, u r-raggruppamenti tal-ekonomiji.

L-UŻI TAS-SEK 2010**Qafas għal analiżi u politika**

- 1.18 Il-qafas tas-SEK jista' jintuża sabiex jiġu analizzati u evalwati:
- (a) l-istruttura ta' ekonomija totali. Xi tipi ta' kejl użati huma:
 - (1) valur miżjud u xogħol skont l-industrija;
 - (2) valur miżjud u xogħol skont ir-reġjun;
 - (3) introjtu distribwit skont is-settur;
 - (4) importazzjonijiet u esportazzjonijiet skont il-grupp tal-prodott;
 - (5) infiq tal-konsum finali skont l-intestatura funzjonali u l-grupp tal-prodott;
 - (6) formazzjoni tal-kapital fiss u stokk tal-kapital fiss skont l-industrija;
 - (7) il-kompożizzjoni tal-istokks u l-flussi ta' assi finanzjarji skont it-tip ta' assi u skont is-settur.

- (b) partijiet jew aspetti speċifiċi ta' ekonomija. Xi eżempji huma:
- (1) servizzi bankarji u finanzjament fl-ekonomija nazzjonali;
 - (2) l-irwol tal-gvern u l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu;
 - (3) l-ekonomija ta' reġjun speċifiku (meta pparagunata ma' dik tan-nazzjon kollu);
 - (4) livelli ta' tfaddil tal-unità domestika u ta' dejn;
- (c) l-iżvilupp ta' ekonomija biż-żmien. Xi eżempji huma:
- (1) l-analiżi tar-rati ta' tkabbir tal-PDG;
 - (2) l-analiżi tal-inflazzjoni;
 - (3) l-analiżi ta' tendenzi staġunali fin-nefqa tal-unità domestika fuq il-bażi ta' kontijiet trimestrali;
 - (4) l-analiżi tal-bidla fl-importanza ta' tipi partikolari ta' strumenti finanzjarji biż-żmien, pereżempju ż-żieda fl-importanza tad-derivattivi finanzjarji;
 - (5) il-paragun tal-istrutturi industrijali tal-ekonomija nazzjonali fuq medda twila ta' żmien;
- (d) ekonomija totali f'relazzjoni ma' ekonomiji oħrajn. Xi eżempji huma:
- (1) il-paragun tal-irwol u d-daqs tal-gvern fl-Istati Membri tal-UE;
 - (2) l-analiżi tal-interdipendenzi bejn l-ekonomiji tal-UE, **b'kont meħud tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom**;
 - (3) l-analiżi tal-kompożizzjoni u d-destinazzjoni ta' esportazzjonijiet tal-UE;
 - (4) il-paragun tar-rati ta' tkabbir tal-PDG jew tal-introjt disponibbli per capita fl-UE u ekonomiji żviluppati oħrajn.
- 1.19 Għall-UE u l-Istati Membri tagħha, iċ-ċifri mill-qafas tas-SEK għandhom rwol prinċipali fil-formolazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki soċjali u ekonomiċi tagħhom.
- L-eżempji li ġejjin juru użi tal-qafas tas-SEK:
- (a) il-monitoraġġ u l-gwida tat-tfassil tal-politika monetarja u makroekonomika fiż-żona tal-euro, u d-definizzjoni tal-kriterji ta' konverġenza għall-unjoni ekonomika u monetarja (EMU) f'termini taċ-ċifri ta' kontijiet nazzjonali (pereżempju r-rati ta' tkabbir tal-PDG);
 - (b) id-definizzjoni tal-kriterji għall-proċedura ta' defiċit eċċessiv: kejl ta' defiċit u dejn tal-gvern;
 - (c) l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil reġjuni fl-UE: l-allokazzjoni tal-fondi għan-nefqa għal reġjuni li jużaw l-istatistika tal-kontijiet reġjonali;
 - (d) id-determinazzjoni tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE. Din tal-aħħar jiddependi fuq iċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali bi tliet modi:
 - (1) ir-riżorsi totali għall-UE huma ddeterminati bħala perċentwali mis-somma tad-dħul nazzjonali gross (DNG) tal-Istati Membri;
 - (2) it-tielet riżorsa proprja tal-UE hija r-riżorsa proprja tal-VAT. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għal din ir-riżorsa huma fil-biċċa l-kbira ddeterminati miċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali, għaliex dawn iċ-ċifri jintużaw sabiex tiġi kkalkolata rata medja tal-VAT;

- (3) il-qisien relattivi tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għar-raba' riżorsa proprja tal-UE huma bbażati fuq l-istimi tad-dħul nazzjonali gross tagħhom. Dawn l-istimi huma l-bażi tal-biċċa l-kbira tal-pagamenti tal-Istati Membri.

Karatteristiċi tal-kunċetti tas-SEK 2010

- 1.20 Sabiex jistabbilixxu bilanċ bejn il-ħtiġijiet tad-*data* u l-possibbiltajiet tad-*data*, il-kunċetti fis-SEK 2010 għandhom diversi karatteristiċi importanti. Il-karatteristiċi huma li l-kontijiet huma:
- (a) kompatibbli internazzjonalment;
 - (b) armonizzati ma' dawk f'sistemi statistiċi soċjali u ekonomiċi oħrajn;
 - (c) konsistenti;
 - (d) operattivi, jiġifieri jistgħu jiġu mkejla fil-prattika;
 - (e) differenti mill-biċċa l-kbira tal-kunċetti amministrattivi;
 - (f) stabbiliti sew u fissi għal perijodu twil;
 - (g) iffukati fuq id-deskrizzjoni tal-proċess ekonomiku f'termini monetarji li jistgħu jiġu osservati fil-pront;
 - (h) kapaċi japplikaw f'sitwazzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti.
- 1.21 Il-kunċetti fis-SEK 2010 huma kompatibbli internazzjonalment għaliex:
- (a) il-kunċetti fis-SEK 2010 huma konsistenti ma' dawk fil-linji gwida dinjija dwar il-kontabbiltà nazzjonali, jiġifieri l-SNA 2008;
 - (b) għall-Istati Membri, is-SEK 2010 hija l-istandard għas-sottomissjoni tad-*data* ta' kontijiet nazzjonali lill-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha.
 - (c) il-kompatibbiltà internazzjonali tal-kunċetti hija essenzjali meta titqabbel l-istatistika għal pajjiżi differenti.
- 1.22 Il-kunċetti tas-SEK 2010 huma armonizzati ma' dawk fi statistika soċjali u ekonomika oħra minħabba li s-SEK 2010 tuża l-kunċetti u l-klassifikazzjonijiet (eż. klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea "NACE" rev. 2 ⁽¹⁾) użati għal statistika soċjali u ekonomika oħra tal-Istati Membri, eż. l-istatistika dwar il-manifattura u l-istatistika dwar il-kummerċ estern u l-istatistika dwar l-impjegi; inżammu kemm jista' jkun f'tit differenzi kunċettwali. Barra minn hekk, il-kunċetti u klassifikazzjonijiet fis-SEK 2010 huma armonizzati ma' dawk tan-Nazzjonijiet Uniti.
- Din l-armonizzazzjoni ma' statistika soċjali u ekonomika tgħin fl-irbit u l-paragun ma' dawn iċ-ċifri biex tkun tista' tiġi żgurata l-kwalità taċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali. Barra minn hekk, l-informazzjoni inkluża f'din l-istatistika speċifika tista' tiġi relatata aħjar mal-istatistika ġenerali dwar l-ekonomija nazzjonali..
- 1.23 Il-kunċetti komuni użati fil-qafas tal-kontabbiltà nazzjonali u s-sistemi soċjali u ekonomiċi ta' statistika l-oħrajn jippermettu li jiġi dderivat kejl konsistenti. Pereżempju, jistgħu jiġu kkalkulati l-proporzjonijiet li ġejjin:
- (a) ċifri ta' produttività, bħall-valur miżjud għal kull siegħa maħduma (dawn iċ-ċifri jirrikjedu konsistenza bejn il-kunċetti ta' valur miżjud u sigħat maħdumin);
 - (b) introjtu nazzjonali disponibbli per capita (dan il-proporzjon jirrikjedi konsistenza bejn il-kunċetti ta' introjtu nazzjonali disponibbli u kejl tal-popolazzjoni);
 - (c) formazzjoni ta' kapital fiss bħala perċentwali tal-provvista ta' kapital fiss (dan il-proporzjon jirrikjedi konsistenza bejn id-definizzjonijiet ta' dawn il-flussi u l-istokks);

⁽¹⁾ Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

- (d) deficiet tal-gvern u dejn tal-gvern bħala perċentwali tal-prodott domestiku gross (dawn iċ-ċifri jirrikjedu konsistenza bejn il-kunċetti ta' deficiet tal-gvern, dejn tal-gvern u prodott domestiku gross).

Il-konsistenza interna tal-kunċetti tippermetti wkoll li l-istimi jiġu dderivati mir-residwi, pereżempju t-tfaddil jista' jiġi smat bħala d-differenza bejn l-introjtu disponibbli u l-infiq tal-konsum finali.

- 1.24 Il-kunċetti fis-SEK 2010 huma applikati b'kunsiderazzjoni għall-ġbir u għall-kejl tad-*data*. Il-karattru operattiv huwa żvelat b'diversi modi fil-gwida dwar it-fassil tal-kontijiet:

- (a) l-attivajiet u l-merkanzija huma deskritti biss meta jkunu ta' daqs sinifikanti. Pereżempju: produzzjoni għal kont proprju ta' merkanzija minn unitajiet domestiċi, bħall-insiġ tad-drapp u l-produzzjoni tal-fuħħar, ma għandhiex tiġi reġistrata bħala produzzjoni, għaliex dawn mhumiex sinifikanti għall-pajjiżi tal-UE;
- (b) xi kunċetti huma akkumpanjati minn gwida dwar kif għandhom jiġu smati. Pereżempju, fid-definizzjoni tal-konsum tal-kapital fiss, issir referenza għat-tnaqqis lineari fil-prezz. Għall-istima tal-provvista ta' kapital fiss, il-Metodu tal-Inventarju Perpetwu għandu jiġi applikat meta ma jkunx hemm informazzjoni diretta dwar il-provvista tal-assi fissi. Eżempju ieħor huwa l-valutazzjoni tal-produzzjoni għal kont proprju: fil-prinċipju, din għandha tiġi vvalutata bi prezzijiet bażiċi, iżda jekk neċessarju l-valutazzjoni tal-prezzijiet bażiċi tista' tiġi prevista billi jiġu miżjuda d-diversi spejjeż involuti;
- (c) xi konvenzjonijiet ġew adottati. Pereżempju s-servizzi kollettivi pprovduti mill-gvern huma kollha kklasifikati bħala infiq tal-konsum finali.

- 1.25 Madankollu, id-*data* meħtieġa għall-istatistika dwar il-kontijiet nazzjonali tista' ma tkunx faċli biex tinġabar direttament, minħabba li l-kunċetti sottostanti huma normalment diverġenti mill-kunċetti sottostanti tas-sorsi amministrattivi tad-*data*. Xi eżempji tas-sorsi amministrattivi huma kontijiet tan-negozji, rekords dwar diversi tipi ta' taxxi (VAT, taxxa tal-introjtu personali, imposti fuq l-importazzjoni, eċċ.), *data* dwar is-sigurtà soċjali u *data* minn bordijiet ta' kontroll dwar is-servizzi bankarji u l-assigurazzjoni. Din id-*data* amministrattiva sservi bħala input għall-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali. Inġenerali, dawn jiġu ttrasformati sabiex ikunu konformi mas-SEK.

Il-kunċetti fis-SEK normalment ivarjaw mill-kontropartijiet amministrattivi tagħhom minħabba li:

- (a) il-kunċetti amministrattivi jvarjaw bejn il-pajjiżi. Bħala konsegwenza, il-kompatibilità internazzjonali mhijiex possibbli bl-użu tal-kunċetti amministrattivi;
- (b) il-kunċetti amministrattivi jinbidlu maż-żmien. Bħala konsegwenza, il-paraguni maż-żmien mhumiex possibbli permezz tal-kunċetti amministrattivi;
- (c) il-kunċetti sottostanti għas-sorsi ta' *data* amministrattiva normalment mhumiex konsistenti fost sistemi amministrattivi differenti. Madankollu, l-irbit u t-tqabbil tad-*data*, li huma kruċjali għall-ikkompilar taċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali, huma possibbli biss permezz ta' sett ta' kunċetti konsistenti;
- (d) il-kunċetti amministrattivi ġeneralment mhumiex ottimali għall-analiżi ekonomika u l-evalwazzjoni tal-politika ekonomika.

- 1.26 Madankollu, is-sorsi ta' *data* amministrattiva jilhq u tajjeb ħafna l-ħtiġijiet tad-*data* tal-kontijiet nazzjonali u l-istatistika l-oħra, għaliex:

- (a) kunċetti u klassifikazzjonijiet oriġinarjament imfasslin għal skopijiet ta' statistika jiġu adottati wkoll għal skopijiet amministrattivi, pereżempju l-klassifikazzjoni tan-nefqa tal-gvern skont it-tip;
- (b) sorsi ta' *data* amministrattiva jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod espliċitu l-ħtiġijiet tad-*data* (separati) tal-istatistika; dan japplika, pereżempju, għas-sistema Intranet li tipprovi informazzjoni dwar il-kunsinni ta' oġġetti bejn l-Istati Membri.

- 1.27 Il-kunċetti prinċipali fis-SEK huma stabbiliti tajjeb u fissi għal perijodu twil, għaliex:

- (a) ġew approvati bħala l-istandard internazzjonali għal ħafna snin;
- (b) fil-linji gwida internazzjonali suċċessivi dwar il-kontabbiltà nazzjonali, ffit li xejn jinbidlu mill-kunċetti sottostanti.

Din il-kontinwità kunċettwali tnaqqas il-ħtieġa li tiġi rikalkolata s-serje tal-ħin. Barra minn hekk, din tillimita l-vulnerabilità tal-kunċetti għal pressjoni politika nazzjonali u internazzjonali. Għal dawn ir-raġunijiet, iċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali kienu kapaċi jservu bħala bażi ta' *data* oġġettiva għall-politika u l-analiżi ekonomika.

- 1.28 Il-kunċetti tas-SEK 2010 huma ffukati fuq id-deskrizzjoni tal-proċess ekonomiku f'termini monetarji u immedjatament osservabbli. L-istokks u flussi li mhumiex immedjatament osservabbli f'termini monetarji, jew li ma għandhomx kontroparti monetarja ċara, ma jiġux irreġistrati fis-SEK.

Dan il-prinċipju ma ġiex applikat b'mod strett, għaliex ir-reqwizit tal-konsistenza u l-ħtiġijiet tal-utenti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll. Pereżempju, il-konsistenza tirrikjedi li l-valur tas-servizzi kollettivi prodotti mill-gvern jiġi rreġistrat bħala output, għaliex il-ħlas tal-kumpens ta' impjegati u x-xiri ta' kull tip ta' oġġetti u servizzi mill-gvern huma immedjatament osservabbli f'termini monetarji. Barra minn hekk, għal skopijiet ta' analiżi u politika ekonomika, id-deskrizzjoni tas-servizzi kollettivi tal-gvern b'relazzjoni mal-bqija tal-ekonomija nazzjonali żżid l-utilità tal-kontijiet nazzjonali fl-intier tagħhom.

- 1.29 L-ambitu tal-kunċetti fis-SEK jista' jintwera billi jiġu kkunsidrati xi kwistjonijiet konfinali importanti.

Dawn li ġejjin għandhom jiġu rreġistrati taħt il-konfini ta' produzzjoni tas-SEK (ara l-paragrafi minn 3.07 sa 3.09):

- (a) produzzjoni ta' servizzi individwali u kollettivi mill-gvern;
 - (b) produzzjoni għal kont proprju ta' servizzi ta' djar minn proprjetarji-okkupanti;
 - (c) produzzjoni ta' oġġetti għall-konsum proprju finali, pereżempju ta' prodotti agrikoli;
 - (d) kostruzzjoni għal kont proprju, inkluża dik minn unitajiet domestiċi;
 - (e) produzzjoni ta' servizzi minn persunal domestiku mħallas;
 - (f) tgħammir tal-ħut fl-akkwakultura;
 - (g) produzzjoni pprojbita mil-liġi, sakemm l-unitajiet kollha involuti fit-transazzjoni ma jidħlux fiha b'mod volontarju;
 - (h) produzzjoni li d-dħul minnha mhux iddikjarat bis-sħiħ lill-awtoritajiet fiskali, pereżempju l-produzzjoni klandestina ta' tessuti.
- 1.30 Dawn li ġejjin jaqgħu barra mill-konfini tal-produzzjoni, u ma għandhomx jiġu rreġistrati fis-SEK:
- (a) servizzi domestiċi u personali prodotti u kkonsmati fl-istess unità domestika, pereżempju tindif, preparazzjoni tal-ikel jew kura ta' nies morda jew anzjani;
 - (b) servizzi ta' volontarjat li ma jwasslux għall-produzzjoni ta' prodotti, pereżempju kura u tindif mingħajr ħlas;
 - (c) tgħammir naturali tal-ħut f'nofs l-ibħra.

- 1.31 Is-SEK tirreġistra l-output kollu li jirriżulta mill-produzzjoni fil-konfini tal-produzzjoni. Madankollu, l-output tal-attivitajiet anċillari ma għandux jiġi rreġistrat. L-inputs kollha kkonsmati minn attività anċillari għandhom ikunu trattati bħala inputs fl-attività li hija tappoġġa. Jekk stabbiliment involut biss f'attivitajiet anċillari jkun osservabbli statistikament, jiġifieri li jkun hemm disponibbli faċilment il-kontijiet separati għall-produzzjoni li jwettaq, jew jekk ikun f'post ġeografikament differenti mill-istabbiliment li jaqdi, dan għandu jitinizzel bħala unità separata u jiġi allokat lill-klassifikazzjoni industrijali li tikkorrispondi mal-attività prinċipali tiegħu, fil-kontijiet nazzjonali u wkoll dawk regionalni. Fin-nuqqas ta' *data* bażika adegwata disponibbli, l-output tal-attività anċillari jista' jiġi smat billi jingħaddu l-ispejjeż.

- 1.32 Jekk l-attivitajiet huma kkunsidrati bħala produzzjoni u l-output tagħhom jiġi rreġistrat, mela l-introjt konkomitanti, ix-xogħol, il-konsum finali, eċċ. jiġu rreġistrati wkoll. Pereżempju, minħabba li l-produzzjoni għal kont proprju ta' servizzi ta' djar minn proprjetarju okkupanti hija rreġistrata bħala produzzjoni, l-infiq tal-konsum finali li jiġġenera għal dawn il-proprjetarji-okkupanti jiġi rreġistrat ukoll bl-istess mod. Dan iżomm il-konsistenza mas-sistemi ta' statistika tax-xogħol, li fihom ix-xogħol għas-sjeda tad-djar ma jkunx irreġistrat. Peress li b'definizzjoni ma hemm ebda kontribut ta' xogħol fil-produzzjoni tas-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mill-proprjetarju, ma jkun irreġistrat ebda xogħol. Dan iżomm il-konsistenza mas-sistema tal-istatistika dwar ix-xogħol, fejn mhu rreġistrat ebda xogħol għas-sjeda tal-abitazzjonijiet. Il-kontra japplika meta l-attivitajiet mhumiex irreġistrati bħala produzzjoni: servizzi domestiċi prodotti u kkonsmati fl-istess unità domestika ma jiġġenerawx introjt jew infiq tal-konsum finali u mhux involut xogħol.

- 1.33 Is-SEK tistabbilixxi ukoll konvenzjonijiet, rigward:
- (a) il-valutazzjoni tal-output tal-gvern;
 - (b) il-valutazzjoni tal-output tas-servizzi ta' assigurazzjoni u s-servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett;
 - (c) ir-reġistrazzjoni tas-servizzi kollettivi kollha pprovduti mill-gvern bħala infiq tal-konsum finali u l-ebda wieħed bħala konsum intermedju;

Klassifikazzjoni skont is-settur

- 1.34 Il-kontijiet tas-setturi huma kkreati permezz tal-allokkazzjoni ta' unitajiet għas-setturi u dan jippermetti li t-transazzjonijiet u l-entrati saldatorji ta' kontijiet jiġu ppreżentati skont is-settur. Il-preżentazzjoni skont is-settur tikkonferma l-impatt prinċipali għal skopijiet ta' politika ekonomika u fiskali. Is-setturi prinċipali huma l-unitajiet domestiċi, il-gvern, il-korporazzjonijiet (finanzjarji u mhux finanzjarji), istituzzjonijiet mhux għall-profit li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs) u l-bqija tad-dinja.

Id-distinzjoni bejn l-attività tas-suq u dik li mhix tas-suq hija waħda importanti. Entità kkontrollata mill-gvern, li jintwera li hija korporazzjoni tas-suq, tiġi kklassifikata fis-settur tal-korporazzjoni, barra mis-settur tal-gvern ġenerali. Għaldaqstant id-defiċit u l-livelli ta' dejn tal-korporazzjoni mhumiex sejrini ikunu parti mid-defiċit u d-dejn tal-gvern ġenerali.

- 1.35 Huwa importanti li jiġu stabbiliti kriterji ċari u b'saħħithom għall-allokkazzjonijiet ta' entitajiet għas-setturi.

Is-settur pubbliku jikkonsisti mill-unitajiet istituzzjonali kollha residenti fl-ekonomija kkontrollati mill-gvern. Is-settur privat jikkonsisti mill-unitajiet residenti l-oħrajn kollha.

It-Tabella 1.1 tistabbilixxi l-kriterji użati sabiex isir distinzjoni bejn is-settur pubbliku u privat, u fis-settur pubbliku bejn is-settur tal-gvern u s-settur tal-korporazzjonijiet pubbliċi, u fis-settur privat bejn is-settur tal-NPISHs u s-settur tal-korporazzjonijiet privati.

Tabella 1.1

Kriterji	Ikkontrollati mill-gvern (Settur pubbliku)	Ikkontrollati privatament (Settur privat)
Output mhux tas-suq	Gvern ġenerali	NPISH
Output tas-suq	Korporazzjonijiet pubbliċi	Korporazzjonijiet privati

- 1.36 Il-kontroll huwa ddefinit bħala l-kapaċità li tiġi ddeterminata l-politika jew il-programm ġenerali ta' unità istituzzjonali. Aktar dettalji marbuta mad-definizzjoni ta' kontroll huma mogħtija fil-paragrafi 2.35 sa 2.39.

- 1.37 Id-differenzjar bejn tas-suq u mhux tas-suq, u għalhekk, għall-entitajiet tas-settur pubbliku, li jikklassifikawhom fis-settur tal-gvern ġenerali jew fis-settur tal-korporazzjonijiet, tiġi deċiża permezz tar-regola li ġejja:

Attività għandha titqies bħala attività tas-suq meta l-oġġetti u s-servizzi korrispondenti jiġu kkummerċjalizzati taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (1) il-bejjieġha jaġixxu sabiex jimmassimizzaw il-profit tagħhom fuq medda twila ta' żmien, u jagħmlu dan billi jbigħu l-oġġetti u s-servizzi liberament fis-suq, u lil min ikun lest li jħallas il-prezz mitlub;
- (2) ix-xerrejja jaġixxu sabiex jimmassimizzaw l-utilità tagħhom minħabba r-riżorsi limitati tagħhom, billi jixtru skont liema prodotti jaqdu bl-aqwa mod il-ħtiġijiet tagħhom bil-prezz offrut;
- (3) jeżistu swieq effettivi fejn il-bejjieġha u x-xerrejja għandhom aċċess għal informazzjoni dwar is-suq. Suq effettiv jista' jopera anke jekk dawn il-kondizzjonijiet ma jintlaħqux totalment.

- 1.38 Id-dettall fil-qafas kunċettwali tas-SEK joffri l-opportunità għall-flessibilità: xi kunċetti mhumiex preżenti b'mod espliċitu fis-SEK iżda jistgħu madankollu jiġu faċilment idderivati minnha. Eżempju huwa l-ħolqien ta' setturi ġodda mill-arranġament mill-ġdid tas-sotto-setturi ddefiniti fis-SEK.

- 1.39 Il-flessibilità teżisti wkoll permezz tal-possibilità li jiġu introdotti kriterji addizzjonali li ma jidħlux f'kunflitt mal-loġika tas-sistema. Pereżempju, dawn il-kriterji jistgħu jippermettu li l-kontijiet tas-sottosetturi jifasslu permezz tal-iskala ta' xogħol għall-unitajiet tal-produtturi jew il-qies tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi. Għax-xogħol, sottoklassifikazzjoni skont il-livell ta' edukazzjoni, età u sess tista' tiġi introdotta.

Kontijiet satellitari

- 1.40 Għal xi ħtiġijiet tad-*data*, għandhom jifasslu kontijiet satellitari separati.

Xi eżempji huma:

- (a) Matriċijiet ta' Kontabbiltà Soċjali (SAMs);
 - (b) ir-rwol tat-turiżmu fl-ekonomija nazzjonali;
 - (c) l-analiżi tal-ispejjeż u l-finanzjament tal-kura tas-saħħa;
 - (d) riċerka u żvilupp rikonoxxuti bħala formazzjoni kapitali ta' proprjetà intellettuali;
 - (e) rikonoxximent tal-kapital uman bħala assi fl-ekonomija nazzjonali;
 - (f) l-analiżi tal-introjtu u n-nefqa tal-unitajiet domestiċi fuq il-bażi tal-kunċetti mikroorjentati ta' introjtu u nefqa;
 - (g) l-interazzjoni bejn l-ambjent u l-ekonomija;
 - (h) produzzjoni fl-unitajiet domestiċi;
 - (i) l-analiżi tal-bidliet fil-benesseri;
 - (j) l-analiżi tad-differenzi bejn iċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali u l-kontijiet tan-negozju u l-influenza tagħhom fuq is-swieq tal-istokks u l-iskambju;
 - (k) l-istima tad-dħul tat-taxxa.
- 1.41 Il-kontijiet satellitari jservu tali ħtiġijiet tad-*data* billi:
- (a) juru aktar dettall fejn meħtieġ u jħallu barra dettalji żejda;
 - (b) ikabbru l-iskop tal-qafas ta' kontabbiltà biż-żieda ta' informazzjoni mhux monetarja, pereżempju dwar it-tniġġis u l-assi ambjentali;
 - (c) jibdlu xi kunċetti bażiċi, pereżempju billi jkabbru l-kunċett ta' formazzjoni tal-kapital bin-nefqa fuq l-edukazzjoni.
- 1.42 Matriċi ta' Kontabbiltà Soċjali (SAM) hija preżentazzjoni matriċi li telabora r-rabtiet bejn it-tabelli ta' provvista u użu u l-kontijiet tas-settur. SAM tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-livell u l-kompożizzjoni tax-xogħol, permezz ta' suddiviżjoni tal-kumpens ta' impjegati skont it-tip ta' persuna impjegata. Din is-suddiviżjoni tapplika kemm għall-użu ta' xogħol skont l-industrija, kif muri fit-tabelli ta' użu, u l-provvista ta' xogħol skont is-sottogrupp soċjoekonomiku, kif muri fl-allokkazzjoni tal-kont tal-introjtu primarju għas-sottosetturi tas-settur tal-unitajiet domestiċi. B'dan il-mod, il-provvista u l-użu ta' diversi kategoriji ta' xogħol jintwerew b'mod sistematiku.
- 1.43 Fil-kontijiet satellitari għandhom jinżammu l-kunċetti bażiċi u l-klassifikazzjonijiet kollha tal-qafas ċentrali tas-SEK 2010. Għandhom jiġu introdotti tibdiliet fil-kunċetti biss meta dan ikun l-iskop tal-kont satellitari. F'tali każijiet, il-kont satellitari għandu jkun fih ukoll tabella li turi r-rabta bejn l-aggregati prinċipali fil-kont satellitari u dawk fil-qafas ċentrali. B'dan il-mod, il-qafas ċentrali jżomm ir-rwol tiegħu bħala qafas ta' referenza u fl-istess ħin jiġu indirizzati ħtiġijiet aktar speċifiċi.

- 1.44 F'termini ġenerali, il-qafas ċentrali ma jinkludix kejl tal-istokks u l-flussi li mhumiex immedjatament osservabbli f'termini monetarji (jew mingħajr kontroparti monetarja ċara). Min-natura tagħhom, l-analiżi ta' tali stokks u flussi tinqeda normalment tajjeb ukoll bl-ikkompilar ta' statistiċi f'termini mhux monetarji, pereżempju:
- (a) il-produzzjoni fl-unitajiet domestiċi tista' tiġi deskritta f'termini ta' sigħat allokatu għal użi alternattivi;
 - (b) l-edukazzjoni tista' tiġi deskritta f'termini ta' tip ta' edukazzjoni, l-għadd ta' studenti, l-għadd medju ta' snin ta' edukazzjoni qabel tinkiseb diploma, eċċ.;
 - (c) l-effetti tat-tniġġis jistgħu jiġu deskritti f'termini ta' bidliet fl-għadd ta' speċijiet ħajjin, is-saħħa tas-siġar fil-foresta, il-volum tal-iskart, l-ammonti ta' monossidu tal-karbonju u radjazzjoni, eċċ.
- 1.45 Il-kontijiet satellitari jippermettu li tali statistiċi f'unitajiet mhux monetarji jintrabtu mal-kontijiet nazzjonali fil-qafas ċentrali. L-użu tal-klassifikazzjonijiet użati fil-qafas ċentrali għal tali statistika nonmonetarja, jippermetti li ssir din ir-rabta, pereżempju l-klassifikazzjoni skont it-tip ta' unità domestika jew il-klassifikazzjoni skont l-industrija. B'dan il-mod, jifassal qafas konsistenti u estiż. Dan il-qafas jista' wara jservi bħala bażi ta' *data* għall-analiżi u l-evalwazzjoni tal-interazzjoni bejn il-varjabbli fil-qafas ċentrali u dawk fil-parti estiża.
- 1.46 Il-qafas ċentrali u l-aggregati prinċipali tiegħu ma jiddeskrivux bidliet fil-benesseri. Jistgħu jifasslu kontijiet estiżi li jinkludu wkoll il-valuri monetarji imputati ta', pereżempju:
- (a) servizzi domestiċi u personali prodotti u kkonsmati fl-istess unità domestika;
 - (b) bidliet fil-ħin liberu;
 - (c) faċilitajiet u żvantaġġi tal-ħajja urbana;
 - (d) inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tal-introjtu lill-persuni.
- 1.47 Il-kontijiet estiżi jistgħu wkoll jikklassifikaw mill-ġdid in-nefqa finali fuq ħtiġijiet ta' dispjaċir (pereżempju d-difiża) bħala konsum intermedju, jiġifieri li ma jikkontribwixxux għall-benesseri. B'mod simili, il-ħsara minħabba għargħar u diżastri naturali oħrajn tista' tiġi kklassifikata bħala konsum intermedju, jiġifieri bħala tnaqqis fil-benesseri (assoluti). B'dan il-mod, wieħed jista' jipprova jibni indikatur ġenerali ħafna u imperfett ħafna tal-bidliet fil-benesseri. Madankollu, il-benesseri għandu ħafna dimensjonijiet, li l-biċċa l-kbira minnhom ma jiġux espressi l-aħjar f'termini monetarji. Soluzzjoni aħjar għall-kejl tal-benesseri hija għaldaqstant l-użu, għal kull dimensjoni, ta' indikaturi u unitajiet ta' kejl separati. L-indikaturi jistgħu jkunu, pereżempju, il-mortalità fit-tfal, l-istennija tal-ħajja, il-litteriżmu fl-adulti u l-introjtu nazzjonali per capita. Dawn l-indikaturi jistgħu jiġu inkorporati f'kont satellitari.
- 1.48 Sabiex jinkiseb qafas konsistenti u internazzjonalment kompatibbli, il-kunċetti amministrattivi ma jintużawx fis-SEK. Madankollu, għal kull tip ta' skop nazzjonali, il-kisb ta' ċifri fuq il-bażi ta' kunċetti amministrattivi jista' jkun utli ħafna. Pereżempju, għall-istima tad-dħul mit-taxxi, hija meħtieġa statistika ta' dħul taxxabli. Tali statistika tista' tiġi pprovduta billi jsiru xi modifiki fl-istatistika tal-kontijiet nazzjonali.
- 1.49 Jista' jittieħed approċċ simili għall-kunċetti użati fil-politika ekonomika nazzjonali, pereżempju għal:
- (a) il-kunċett ta' inflazzjoni użat sabiex jiżdedu l-pensjonijiet, il-benefiċċji tal-qgħad jew il-kumpens tal-impjegati għall-ħaddiema taċ-ċivil;
 - (b) il-kunċetti ta' taxxi, kontribuzzjonijiet soċjali, gvern u settur kollettiv użati fid-diskussjoni tal-qies ottimali tas-settur kollettiv;
 - (c) il-kunċett ta' setturi/industriji "strateġiċi" użati fil-politika ekonomika nazzjonali jew il-politika ekonomika tal-UE;
 - (d) il-kunċett ta' "investimenti fin-negozju" użat fil-politika ekonomika nazzjonali;
 - (e) tabella li tindika r-reġistrazzjoni kollha tal-pensjonijiet.

Il-kontijiet satellitari jew it-tabelli supplementari jistgħu jaqdu tali ħtiġijiet tad-*data*.

Is-SEK 2010 u l-SNA 2008

1.50 Is-SEK 2010 hija bbażata fuq il-kunċetti tas-SNA 2008 li tipprovdi linji gwida dwar il-kontabbiltà nazzjonali għall-pajjiżi kollha madwar id-dinja. Madankollu, hemm diversi differenzi bejn is-SEK 2010 u l-SNA 2008:

(a) differenzi fil-preżentazzjoni:

- (1) fis-SEK 2010 kemm kapitoli separati dwar transazzjonijiet tal-prodotti, transazzjonijiet distributtivi u transazzjonijiet finanzjarji. Għall-kuntrarju ta' dan, fl-SNA 2008 dawn it-transazzjonijiet huma spjegati f'kapitoli rranġati skont il-kont, pereżempju kapitoli dwar il-kont tal-produzzjoni, il-kont tad-distribuzzjoni primarja tal-introjt, il-kont tal-kapital u l-kont tal-bqija tad-dinja;
- (2) is-SEK 2010 tiddekrivi kunċett billi tipprovdi definizzjoni u lista ta' dak li hu inkluż u dak li hu eskluż. L-SNA 2008 normalment tiddekrivi kunċetti f'termini aktar ġenerali u tispjega r-razzjonal wara l-konvenzjonijiet adottati;

(b) il-kunċetti tas-SEK 2010 huma f'diversi każijiet aktar speċifiċi u preċiżi minn dawk tal-SNA 2008:

- (1) l-SNA 2008 ma fihiex kriterji speċifiċi dwar id-distinzjoni bejn il-kategorizzazzjoni tal-output tas-suq, għal użu finali proprju jew mhux tas-suq. Għaldaqstant, is-SEK introduċiet gwida aktar dettaljata sabiex tiżgura approċċ aktar uniformi;
- (2) is-SEK 2010 tassumi li diversi tipi ta' produzzjoni mill-unitajiet domestiċi ta' prodotti, bħall-insiġ tad-drapp u l-manifattura tal-għamara, mhumiex sinifikanti fl-Istati Membri u għalhekk ma hemmx b'żonn jiġu rreġistrati;
- (3) is-SEK 2010 tirreferi għal arranġamenti istituzzjonali fl-UE, bħas-sistema Intrastat għar-reġistrazzjoni ta' flussi ta' oġġetti intra-UE u ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-UE;
- (4) is-SEK 2010 fiha klassifikazzjonijiet speċifiċi għall-UE, pereżempju l-klassifikazzjoni ta' prodotti skont l-attività (CPA) ⁽¹⁾ għall-prodotti u n-NACE Reviżjoni 2 għall-industriji (it-tnejn huma armonizzati mal-klassifikazzjonijiet korrispondenti tan-Nazzjonijiet Uniti);
- (5) is-SEK 2010 fiha klassifikazzjoni addizzjonali għat-transazzjonijiet esterni kollha: dawn jinqasmu f'dawk bejn ir-residenti tal-UE u dawk b'residenti minn barra l-UE;
- (6) is-SEK 2010 fiha riarranġament tas-sottosetturi tal-SNA 2008 għas-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji, sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-Unjoni Monetarja Ewropea. L-SEK 2010 tista' tkun aktar speċifika mill-SNA, peress li s-SEK 2010 tapplika primarjament għall-Istati Membri. Għall-ħtiġijiet tad-*data* tal-Unjoni Ewropea, is-SEK għandha tkun ukoll aktar speċifika.

Is-SEK 2010 u s-SEK 95

1.51 Is-SEK 2010 tvarja mis-SEK 95 kemm fl-ambitu u kemm fil-kunċetti. Il-biċċa l-kbira tad-differenzi jikkorrispondu mad-differenzi bejn l-SNA 1993 u l-SNA 2008. Id-differenzi prinċipali huma:

- (a) ir-rikonoxximent tar-riċerka u l-iżvilupp bħala formazzjoni tal-kapital li jwasslu għal assi ta' proprjetà intellettuali. Din il-bidla għandha tiġi rreġistrata f'kont satellitari, u inkluża fil-kontijiet prinċipali meta s-saħħa u l-armonizzazzjoni suffiċjenti tal-miżuri huma osservabbli fost l-Istati Membri;
- (b) nefqiet fuq is-sistemi ta' armi li jilhq u d-definizzjoni ġenerali ta' assi ġew ikklassifikati bħala formazzjoni ta' kapital fiss, aktar milli nefqa intermedja;
- (c) il-kunċett analitiku tas-servizzi tal-kapital ġie introdott għall-produzzjoni fis-suq, sabiex tabella supplementari li turhom bħala komponent tal-valur miżjud tkun tista' tiġi prodotta;
- (d) il-konfini tal-assi finanzjarji ġew estiżi sabiex jinkludu kopertura usa' tal-kuntratti finanzjarji derivattivi;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65).

- (e) regoli ġodda għar-reġistrazzjoni ta' benefiċċji tal-pensjoni. Tabella supplementari ġiet introdotta fil-kontijiet, sabiex tippermetti li l-istimi jiġu rreġistrati għall-intitolamenti fl-assigurazzjoni soċjalia, finanzjati jew mhux finanzjati. Il-firxa sħiħa ta' informazzjoni meħtieġa għal analiżi komprensiva hija pprovduta f'din it-tabella li turi l-intitolamenti u l-flussi assoċjati mal-iskemi tal-pensjoni privati u pubbliċi kollha, finanzjati jew mhux finanzjati, u li tinkludi skemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali;
- (f) l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-bidla fis-sjeda tal-oġġetti saret universali, li tat bħala riżultat bidliet fir-reġistrazzjoni tal-merkanzija, u oġġetti mibgħuta għall-ipproċessar, kemm barra mill-pajjiż u fl-ekonomija domestika. Dan jirriżulta f'oġġetti mibgħuta barra mill-pajjiż għall-ipproċessar li jiġu rreġistrati fuq bażi netta, għall-kuntrarju ta' bażi gross fl-SNA 1993 u s-SEK 95. Din il-bidla għandha implikazzjonijiet sinifikanti għar-reġistrazzjoni ta' dawn l-attivitajiet fil-qafas ta' provvista u użu;
- (g) tingħata aktar gwida dwar il-korporazzjonijiet finanzjarji iġenerali, u l-entitajiet bi skop speċjali (SPEs) b'mod partikolari. It-trattament tal-SPEs ikkontrollati mill-gvern inbidel sabiex jiġi żgurat li l-passivi tal-SPEs jintwerew fil-kontijiet tal-gvern;
- (h) it-trattament tas-superdividendi mħallsin minn korporazzjonijiet pubbliċi ġie ċċarat, jiġifieri għandhom jiġu trattati bħala pagamenti eċċezzjonali u rtirar mill-ekwiżità;
- (i) lil-prinċipji tat-trattament tas-sħubijiet pubbliċi-privati ġew stabbiliti, u t-trattament tal-aġenziji ta' ristrutturar ġie estiż;
- (j) it-transazzjonijiet bejn il-gvern u l-korporazzjonijiet pubbliċi, flimkien mal-vetturi ta' titolarizzazzjoni, ġew iċċarati sabiex itejbu r-reġistrazzjoni ta' oġġetti li jistgħu jaffettwaw id-dejn tal-gvern b'mod sinifikanti;
- (k) it-trattament tal-garanziji tas-self ġie ċċarat, u ġie introdott trattament ġdid għall-garanziji standardizzati tas-self, bħall-garanziji tal-kreditu ta' esportazzjoni u tal-garanziji tas-self lill-istudenti. It-trattament il-ġdid huwa li, sal-punt li probabbilment jiġu msejħa l-garanziji, l-assi u l-passivi finanzjarji għandhom jiġu rikonoxxuti fil-kontijiet.
- 1.52 Il-bidliet fis-SEK 2010 meta mqabbla mas-SEK 95 mhumiex ristretti għal bidliet kunċettwali. Hemm differenzi maġġuri fl-iskop, b'kapitoli ġodda dwar il-kontijiet satellitari, il-kontijiet tal-gvern u l-kontijiet tal-bqija tad-dinja. Hemm ukoll estensjonijiet sinifikanti għall-kapitoli dwar kontijiet trimestrali u kontijiet regionali.

PRINĊIPJI BAŻIĊI TAS-SEK 2010 BĤALA SISTEMA

- 1.53 Il-karatteristiċi prinċipali tas-sistema huma:
- (a) unitajiet ta' statistika u r-raggruppamenti tagħhom;
- (b) flussi u stokks;
- (c) is-sistema ta' kontijiet u l-aggregati;
- (d) il-qafas ta' input-output.

Unitajiet tal-istatistika u r-raggruppamenti tagħhom

- 1.54 Is-sistema SEK 2010 tuża żewġ tipi ta' unitajiet u żewġ modi korrispondenti ta' kif tiġi suddiviża l-ekonomija, li huma kemmxejn differenti u jservu skopijiet analitiċi separati.
- 1.55 L-ewwel skop tad-deskrizzjoni tal-introjt, in-nefqa u l-flussi finanzjarji, u l-karti tal-bilanċ, jintlaħaq mir-ragruppament tal-unitajiet istituzzjonali f'setturi fuq il-bażi ta' funzjonijiet, mġieba u għanijiet prinċipali tagħhom.
- 1.56 It-tieni skop tad-deskrizzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni u għall-analiżi input-output, jintlaħaq billi s-sistema ta' ggruppamenti unitajiet lokali tat-tip ta' attività (KAUs lokali) f'industriji fuq il-bażi ta' tip ta' attività tagħhom. Attività hija kkaratterizzata minn input ta' oġġetti, proċess ta' produzzjoni u output ta' oġġetti.

Unitajiet istituzzjonali u setturi

1.57 L-unitajiet istituzzjonali huma entitajiet ekonomiċi li kapaċi jkunu proprjetarji ta' oġġetti u assi, jidħlu għal passivi u jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet ekonomiċi u transazzjonijiet ma' unitajiet oħrajn filhom infushom. Għall-iskopijiet tas-sistema SEK 2010, l-unitajiet istituzzjonali huma raggruppati flimkien f'ħames setturi istituzzjonali domestiċi reċiprokament esklużivi:

- (a) korporazzjonijiet mhux finanzjarji;
- (b) korporazzjonijiet finanzjarji;
- (c) gvern ġenerali;
- (d) unitajiet domestiċi;
- (e) istituzzjonijiet mhux għal profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi.

Il-ħames setturi flimkien jagħmlu l-ekonomija domestika totali. Kull settur huwa maqsum ukoll f'sottosetturi. Is-sistema SEK 2010 tippermetti sett komplut ta' kontijiet ta' fluss u karti tal-bilanċ li għandhom jiġu kkompilati għal kull settur, u għal kull sottosettur, u għall-ekonomija totali. Unitajiet mhux residenti jistgħu jinteraġixxu ma' dawn il-ħames setturi domestiċi, u l-interazzjonijiet jintwerew bejn il-ħames setturi domestiċi u s-sitt settur istituzzjonali: is-settur tal-bqija tad-dinja.

Unitajiet lokali tat-tip ta' attività u industriji

1.58 Meta l-unitajiet istituzzjonali jwettqu aktar minn attività waħda, huma għandhom jiġu sseparati f'dak li jikkonċerna t-tip ta' attività. KAUs ta' attività lokali jippermettu li ssir din il-preżentazzjoni.

Fil-kapaċità tiegħu bħala produttur, KAU lokali tiġbor flimkien il-partijiet kollha ta' unità istituzzjonali li jinsabu f'sit wieħed jew f'siti li jinsabu qrib xulxin, u li jikkontribwixxu għall-prestazzjoni ta' attività fil-livell ta' klassi (erba' numri) tan-NACE Rev. 2.

1.59 KAUs lokali jiġu rreġistrati għal kull attività sekondarja; madankollu, jekk id-dokumenti tal-kontabbiltà meħtieġa għad-deskrizzjoni ta' tali attivitajiet mhumiex disponibbli, KAU lokali tikkumbina attività sekondarja waħda jew aktar. Il-grupp ta' KAUs lokali kollha involuti fl-istess tip ta' attività, jew simili, jikkostitwixxi industrija.

Unità istituzzjonali jinkludi KAU lokali waħda jew aktar; KAU lokali hija proprjetà ta' unità istituzzjonali waħda u waħda biss.

1.60 Għal analiżi tal-proċess ta' produzzjoni, tintuża unità analitika ta' produzzjoni. Din l-unità, tkun osservabbli biss meta KAU lokali tipproduċi tip ta' prodott wieħed, u ma twestaqx attivitajiet sekondarji. Din l-unità hija magħrufa bħala unità tal-produzzjoni omoġena. Ir-raggruppamenti ta' tali unitajiet jikkostitwixxu fergħat omoġeni.

Unitajiet residenti u mhux residenti; ekonomija totali u l-bqija tad-dinja

1.61 L-ekonomija totali hija definita f'termini ta' unitajiet residenti. Unità hija unità residenti ta' pajjiż meta jkollha ċentru ta' interess ekonomiku predominanti fit-territorju ekonomiku ta' dak il-pajjiż — jiġifieri, meta tinvolvi ruħha għal perijodu estiż (sena jew aktar) f'attivitajiet ekonomiċi f'dan it-territorju. Is-setturi istituzzjonali msemmija fil-paragrafu 1.57 huma gruppi ta' unitajiet istituzzjonali residenti.

1.62 L-unitajiet residenti jinvolvu rwieħhom fi transazzjonijiet ma' unitajiet mhux residenti (jiġifieri, unitajiet li huma residenti f'ekonomiji oħrajn). Dawn it-transazzjonijiet huma transazzjonijiet esterni tal-ekonomija u huma raggruppati fil-kont tal-bqija tad-dinja. Għalhekk, il-bqija tad-dinja għandha rwol simili għal dak ta' settur istituzzjonali, għalkemm unitajiet mhux residenti huma inklużi biss sa fejn dawn huma involuti fi transazzjonijiet ta' unitajiet istituzzjonali residenti.

1.63 Unitajiet residenti nozzjonali, ittrattati fis-sistema SEK 2010 bħala unitajiet istituzzjonali, huma ddefiniti bħala:

- (a) dawk il-partijiet tal-unitajiet mhux residenti li għandhom ċentru predominanti ta' interess ekonomiku (normalment li jinvolvu rwieħhom fi transazzjonijiet ekonomiċi ta' sena jew aktar) fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż;
- (b) unitajiet mhux residenti fil-kapaċità tagħhom bħala proprjetarji ta' art jew bini fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż, iżda fir-rigward tat-transazzjonijiet li jaffettwaw tali art jew bini biss.

Flussi u stokks

1.64 Żewġ tipi bażiċi ta' informazzjoni jiġu rreġistrati: flussi u stokks.

Il-flussi jirreferu għal azzjonijiet u effetti ta' avvenimenti li jseħħu waqt perijodu partikolari ta' żmien, filwaqt li l-istokks jirreferu għal pożizzjonijiet f'mument partikolari.

Flussi

1.65 Il-flussi jirriflettu l-ħolqien, it-trasformazzjoni, l-iskambju, it-trasferiment jew l-estinzjoni tal-valur ekonomiku. Huma jinvolvu bidliet fil-valur tal-assi jew passivi ta' unità istituzzjonali. Il-flussi ekonomiċi huma ta' żewġ tipi: transazzjonijiet, u bidliet oħrajn fl-assi.

It-transazzjonijiet jidhru fil-kontijiet u t-tabelli kollha li fihom jidhru l-flussi, minbarra l-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi u l-kont tar-rivalutazzjoni. Bidliet oħrajn fl-assi jiġu rreġistrati biss f'dawk iż-żewġ kontijiet.

It-transazzjonijiet elementari u flussi oħrajn huma raggruppati f'għadd relattivament żgħir ta' tipi skont in-natura tagħhom.

Transazzjonijiet

1.66 Transazzjoni hija fluss ekonomiku li hija interazzjoni bejn unitajiet istituzzjonali bi ftehim reċiprodu jew azzjoni f'unità istituzzjonali li huwa utli li tiġi ttrattata bħala transazzjoni, għaliex l-unità tkun qiegħda topera f'żewġ kapaċitajiet differenti. It-transazzjonijiet jinqasmu f'erba' gruppi prinċipali:

- (a) transazzjonijiet fil-prodotti: li jiddeskrivu l-orijini (output domestiku jew importazzjonijiet) u l-użu (konsum intermedju, konsum finali, formazzjoni tal-kapital — li tkopri l-konsum ta' kapital fiss — jew esportazzjonijiet) tal-prodotti;
- (b) transazzjonijiet distributtivi: li jiddeskrivu kif il-valur miżjud iġġenerat bil-produzzjoni jitqassam lix-xogħol, il-kapital u l-gvern, u r-ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid (taxxi fuq l-introjtu u l-ġid u trasferimenti oħrajn);
- (c) Transazzjonijiet finanzjarji: li jiddeskrivu l-akkwist nett ta' assi finanzjarji jew il-ħlas nett ta' passivi għal kull tip ta' strument finanzjarju. Tali transazzjonijiet iseħħu kemm bħala kontropartijiet ta' transazzjonijiet mhux finanzjarji, u kemm bħala transazzjonijiet li jinvolvu strumenti finanzjarji biss;
- (d) Transazzjonijiet li mhumiex inklużi fit-tliet gruppi ta' hawn fuq: akkwisti mingħajr ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti u mhux finanzjarji.

Karatteristiċi tat-transazzjonijiet**Interazzjonijiet versus transazzjonijiet intraunitarji**

1.67 Il-biċċa l-kbira tat-transazzjonijiet huma interazzjonijiet bejn żewġ unitajiet istituzzjonali jew aktar. Madankollu, is-sistema SEK 2010 tirreġistra xi azzjonijiet fl-unitajiet istituzzjonali bħala transazzjonijiet. L-iskop tar-reġistrazzjoni ta' dawn it-transazzjonijiet intraunitarji huwa li tingħata stampa analitikament aktar utli ta' output, użi finali u spejjeż.

1.68 Il-konsum tal-kapital fiss, irreġistrat mis-sistema SEK 2010 bħala spiża, huwa transazzjoni intraunitarja. Il-biċċa l-kbira tat-transazzjonijiet intraunitarji l-oħrajn huma transazzjonijiet fi prodotti, tipikament irreġistrati meta unitajiet istituzzjonali li joperaw kemm bħala produttori u bħala konsumaturi finali, jagħżlu li jikkonsumaw fit mill-output li jkunu pproduċew. Dan huwa sikwit il-każ għall-unitajiet domestiċi u l-gvern ġenerali.

1.69 L-output prodott minn unità istituzzjonali stess użat għal użi finali fl-istess unità istituzzjonali għandu jiġi rreġistrat. L-output prodott minnha stess li jintuża għall-konsum intermedju fl-istess unità istituzzjonali huwa rreġistrat biss meta l-produzzjoni u l-konsum intermedju jseħħu f'KAUs lokali differenti fl-istess unità istituzzjonali. L-output prodott u użat bħala konsum intermedju fl-istess KAU lokali, ma għandux jiġi rreġistrat.

Transazzjonijiet monetarji kontra dawk mhux monetarji

1.70 It-transazzjonijiet ikunu transazzjonijiet monetarji meta l-unitajiet involuti jagħmlu jew jirċievu pagamenti, jew jidhru għal passivi jew jirċievu l-assi denominati f'unitajiet ta' munita.

It-transazzjonijiet li ma jinvolvux l-iskambju ta' flus kontanti, jew assi jew passivi denominati f'unitajiet ta' munita, huma transazzjonijiet mhux monetarji. It-transazzjonijiet intraunità huma transazzjonijiet mhux monetarji. It-transazzjonijiet mhux monetarji li jinvolvju aktar minn unita istituzzjonali waħda jseħħu fost transazzjonijiet ta' prodotti (tpartit ta' prodott), transazzjonijiet distributtivi (remunerazzjoni in natura, trasferimenti in natura, eċċ.) u transazzjonijiet oħrajn (tpartit ta' assi mhux prodott u mhux finanzjarji). Is-sistema SEK 2010 tirreġistra t-transazzjonijiet kollha f'termini monetarji. Il-valuri li għandhom jiġu rreġistrati għat-transazzjonijiet mhux monetarji għandhom għalhekk jiġu mkejla indirettament jew inkella stmati.

Transazzjonijiet b'kontropartijiet jew mingħajr

- 1.71 It-transazzjonijiet li jinvolvju aktar minn unita waħda, huma transazzjonijiet ta' żewġ tipi. Jistgħu jkunu ta' "xi ħaġa għal xi ħaġa", jiġifieri transazzjonijiet reċiproki, jew ta' "xi ħaġa għal xejn", jiġifieri transazzjonijiet mhux reċiproki. It-transazzjonijiet reċiproki huma skambji bejn unitajiet istituzzjonali, pereżempju l-forniment ta' oġġetti, servizzi jew assi għal kontroparti, pereżempju flus kontanti. It-transazzjonijiet mhux reċiproki huma pagamenti fi flus kontanti jew in natura minn unita istituzzjonali waħda għal oħra mingħajr kontroparti. It-transazzjonijiet reċiproki jseħħu fl-erba' gruppi ta' transazzjonijiet, filwaqt li t-transazzjonijiet mhux reċiproki huma prinċipalment transazzjonijiet distributtivi, pereżempju, taxxi, benefiċċji ta' assistenza soċjali jew rigali. Tali transazzjonijiet mhux reċiproki jissejħu trasferimenti.

Trasferimenti rranġati mill-ġdid

- 1.72 It-transazzjonijiet huma rreġistrati bl-istess mod kif jidhru għall-unitajiet istituzzjonali involuti. Madankollu, xi transazzjonijiet huma rranġati mill-ġdid sabiex jidher r-relazzjonijiet ekonomiċi sottostanti b'mod aktar ċar. It-transazzjonijiet jistgħu jiġu rranġati mill-ġdid bi tliet modi: bidla fir-rotta, qsim u rikonoxximent tal-parti prinċipali ta' transazzjoni.

Bidla fir-rotta

- 1.73 Transazzjoni li f'għajnejn l-unitajiet involuti tkun tidher bħala li qiegħda sseħħ direttament bejn unitajiet A u Ċ tista' tiġi rreġistrata fil-kontijiet bħala li qiegħda sseħħ indirettament permezz ta' unita B terza. Għalhekk, it-transazzjoni singola bejn A u Ċ hija rreġistrata bħala żewġ transazzjonijiet: waħda bejn A u B, u waħda bejn B u Ċ. F'dan il-każ it-transazzjoni tinbidlilha r-rotta.
- 1.74 Eżempju ta' bidla fir-rotta huwa l-mod li bih il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem, imħallsin direttament minn min iħaddem lill-fondi tal-assigurazzjoni soċjali, jitniżżlu fil-kontijiet. Is-sistema tirreġistra dawn il-pagamenti bħala żewġ transazzjonijiet: min iħaddem iħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem lill-impjegati tiegħu, u l-impjegati jħallsu l-istess kontribuzzjonijiet lill-fondi tal-assigurazzjoni soċjali. Bħall-bidliet kollha fir-rotta, l-iskop tal-bidla fir-rotta huwa li tinħareġ is-sustanza ekonomika wara t-transazzjoni, li f'dan il-każ huwa li jintwerew il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem bħala kontribuzzjonijiet imħallsin għall-benefiċċju tal-impjegati.
- 1.75 Tip ieħor ta' bidla fir-rotta huwa dak tat-transazzjonijiet irreġistrati bħala li jseħħu bejn żewġ unitajiet istituzzjonali jew aktar, minkejja li, skont il-partijiet involuti, l-ebda transazzjoni ma tkun sseħħet. Bħala eżempju hemm it-trattament tal-introjt mill-proprjetà gwadanjat minn ċerti fondi ta' assigurazzjoni, li jinżamm mill-impriżi tal-assigurazzjoni. Is-sistema tirreġistra dan l-introjt mill-proprjetà bħala li jitħallas mill-impriżi ta' assigurazzjoni lid-detenturi tal-polza, li wara jħallsu lura l-istess ammont lill-impriżi ta' assigurazzjoni bħala supplimenti tal-primjums.

Qsim

- 1.76 Meta transazzjoni li f'għajnejn il-partijiet involuti tkun tidher bħala transazzjoni singola tiġi rreġistrata bħala żewġ transazzjonijiet jew aktar ikklassifikati b'mod differenti, it-transazzjoni tiġi maqsuma. Il-qsim ma jinvolvix l-involvement ta' unitajiet addizzjonali fit-transazzjonijiet.
- 1.77 Il-ħlas tal-primjums ta' assigurazzjoni mhux għall-ħajja huwa transazzjoni tipikament maqsuma. Minkejja li l-detenturi tal-polza u l-assiguraturi jikkunsidraw dawn il-pagamenti bħala transazzjoni waħda, is-sistema SEK 2010 taqsmu f'żewġ transazzjonijiet kemmxejn differenti: pagamenti bi skambju għal servizzi pprovduti ta' assigurazzjoni mhux għall-ħajja, u primjums netti ta' assigurazzjoni mhux għall-ħajja. Ir-reġistrazzjoni tal-bejgħ ta' prodott bħala l-bejgħ tal-prodott u l-bejgħ ta' marġni tal-kummerċ hija eżempju ieħor ta' qsim.

Rikonoxximent tal-parti prinċipali ta' transazzjoni

- 1.78 Meta unita twettaq transazzjoni f'isem unita oħra (il-prinċipal) u hija ffinanzjata minn dik l-unita, it-transazzjoni tkun irreġistrata esklużivament fil-kontijiet tal-prinċipal. Bħala regola, wieħed ma għandux imur lil hinn minn dan il-prinċipju billi jipprova, pereżempju, jalloka t-taxxi jew is-sussidji tal-pagaturi aħħarin jew il-benefiċjarji aħħarin taħt l-adozzjoni ta' suppożizzjonijiet.

Eżempju wieħed huwa l-ġbir tat-taxxi minn unità tal-gvern waħda fi sem oħra. Taxxa tiġi attribwita lil unità tal-gvern li: teżerċita l-awtorità li timponi t-taxxa (bħala prinċipal jew permezz tal-awtorità ddelegata tal-prinċipal), u jkollha d-diskrezzjoni finali biex tistabbilixxi u tvarja r-rata tat-taxxa.

Każijiet dubjużi

- 1.79 Id-definizzjoni ta' transazzjoni timplika li interazzjoni bejn unitajiet istituzzjonali għandha tkun bi ftehim reċiproku. Meta titwettaq transazzjoni bi ftehim reċiproku, l-għarfien minn qabel u l-kunsens tal-unitajiet istituzzjonali huma implikati. Il-ħlas tat-taxxi, tal-multi u tal-penali jsir bi ftehim reċiproku peress li min iħallas huwa ċittadin soġġett għal-liġi tal-pajjiż. Madankollu, il-qbid mhux kompensat ta' assi mhux ikkunsidrat bħala transazzjoni, anke meta impost mil-liġi.

Azzjonijiet ekonomiċi illegali għandhom jiġu kkunsidrati bħala transazzjonijiet meta l-unitajiet kollha involuti jidħlu fl-azzjonijiet bi ftehim reċiproku. Għallhekk, xiri, bejgħ u tpartit ta' drogi illegali jew proprjetà misruqa huma transazzjonijiet, filwaqt li s-serq mhux.

Bidliet oħrajn fl-assi

- 1.80 Bidliet oħrajn fil-bidliet tar-reġistrazzjoni tal-assi li ma jirriżultawx minn transazzjonijiet. Dawn huma jew:

- (a) bidliet oħra fil-volum ta' assi u passivi; jew
- (b) qligħ u telf nominali.

Bidliet oħrajn fil-volum ta' assi u passivi

- 1.81 Bidliet oħrajn fil-volum ta' reġistrazzjonijiet ta' assi u passivi jinqasmu fi tliet kategoriji prinċipali:

- (a) dieher u għajbien normali ta' assi minbarra dawk bi transazzjonijiet;
- (b) bidliet fl-assi u l-passivi minħabba avvenimenti eċċezzjonali mhux mistennija li mhumiex ta' natura ekonomika;
- (c) bidliet fil-klassifikazzjoni u l-istruttura.

- 1.82 Eżempji ta' bidliet fil-kategorija msemmija fil-punt a) tal-paragrafu 1.81 huma l-iskoperta jew it-tnaqqis ta' assi taħt l-art, u t-kabbir naturali ta' riżorsi bijoloġiċi mhux naturali. L-eżempji ta' bidliet fil-kategorija msemmija fil-punt b) tal-paragrafu 1.81 huma t-telf ta' assi minħabba diżastri naturali, gwerra jew atti serji ta' kriminalità. Il-kanċellazzjoni unilaterali ta' dejn u l-qbid mhux kompensat ta' assi jappartjenu wkoll għall-kategorija b). Eżempju ta' bidla fil-kategorija msemmija fil-punt c) tal-paragrafu 1.81 huwa l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' unità istituzzjonali minn settur għal ieħor.

Qligħ u telf nominali

- 1.83 Ikun hemm qligħ u telf nominali meta jkun hemm bidliet fil-prezz tal-assi. Dawn iseħħu fuq it-tipi kollha ta' assi finanzjarji u mhux finanzjarji, u fuq il-passivi. Il-qligħ u t-telf nominali jakkumulaw lill-proprjetarji ta' assi u passivi purament b'riżultat tal-holding ta' assi u passivi matul iż-żmien, mingħajr ma jiġu ttrasformati bi kwalunkwe mod.
- 1.84 Il-qligħ u t-telf nominali mkejla fuq il-bażi ta' prezzijiet attwali tas-suq jissejħu qligħ u telf nominali. Dawn jistgħu jiġu dekomposti fi qligħ u telf nominali newtrali, li jirriflettu bidliet fil-livell tal-prezz ġenerali, u qligħ u telf reali ta' holdings, li jirriflettu bidliet fil-prezz tal-assi lil hinn mill-bidla fil-prezz ġenerali.

Stokks

- 1.85 L-istokks huma l-holdings ta' assi u passivi f'mument partikolari. L-istokks huma rreġistrati fil-bidu u fit-tmiem ta' kull perijodu bażi tal-kontijiet. Il-kontijiet li juru l-istokks jissejħu karti tal-bilanċ.
- 1.86 L-istokks huma rreġistrati wkoll għall-popolazzjoni u x-xogħol. Madankollu, tali stokks huma rreġistrati bħala valuri medji matul il-perijodu bażi tal-kontijiet. L-istokks huma rreġistrati għall-assi kollha fil-konfini tas-sistema; jiġifieri, għal assi u passivi finanzjarji u assi mhux finanzjarji, kemm prodotti u mhux prodotti. Madankollu, il-kopertura ta' dawk l-assi li jintużaw f'attività ekonomika u li huma soġġetti għal drittijiet ta' proprjetà hija limitata.
- 1.87 Għaldaqstant, l-istokks għal assi bħall-kapital uman u r-riżorsi naturali li huma proprjetà mhumiex irreġistrati.

Fil-konfini tagħha, is-sistema SEK 2010 hija eżawrjenti fir-rigward kemm tal-flussi u tal-istokks. Dan jimplika li l-bidliet kollha fl-istokks jistgħu jiġu spjegati bis-sħiħ permezz tal-flussi rreġistrati.

Is-sistema ta' kontijiet u l-aggregati**Regoli tal-kontabbiltà**

- 1.88 Kont irregiſtra l-bidliet fil-valur dovut għal unità jew settur skont in-natura tal-flussi ekonomiċi murija fil-kont. Hija tabella b'żewġ kolonni. Il-kontijiet attwali huma dawk li juru l-produzzjoni, il-ġenerazzjoni u l-allokkazzjoni tal-introjtu, id-distribuzzjoni u r-ridistribuzzjoni tal-introjtu, u l-użu tiegħu. Il-kontijiet ta' kumulu huma l-kontijiet kapitali u finanzjarji, u l-bidliet l-oħra fil-kontijiet tal-volum.

Terminoloġija għaż-żewġ naħat tal-kontijiet

- 1.89 Is-sistema SEK 2010 turi r-“riżorsi” fuq in-naħa leminija tal-kontijiet kurrenti fejn jidhru t-transazzjonijiet li jżidu l-valur ekonomiku ta' unità jew settur. In-naħa xellugija tal-kontijiet, turi l-użi-transazzjonijiet li jnaqqsu l-valur ekonomiku. In-naħa leminija tal-kontijiet tad-dovuti turi “bidliet fil-passivi u l-valur nett” u n-naħa xellugija turi “bidliet fl-assi”. Il-karti tal-bilanċ huma ppreżentati bil-“passivi u valur nett” (id-differenza bejn assi u passivi) fuq in-naħa leminija u l-“assi” fuq ix-xellug. Paragun bejn żewġ karti tal-bilanċ suċċessivi juri bidliet fil-passivi u l-valur nett u bidliet fl-assi.
- 1.90 Fis-SEK issir distinzjoni bejn il-proprjetà legali u l-proprjetà ekonomika. Il-kriterju għar-regiſtrazzjoni tat-trasferiment ta' merkanzija minn unità waħda għal oħra huwa li l-proprjetà ekonomika tgħaddi minn waħda għall-oħra. Il-proprjetarju legali huwa l-unità intitolata bil-liġi għall-benefiċċji tal-pussess. Madankollu, proprjetarju legali jista' jagħmel kuntratt ma' unità oħra sabiex din tal-aħħar taċċetta r-riskji u l-kumpensi mill-użu tal-merkanzija prodotta, inkambju għall-ħlas li jintlaħaq ftehim dwaru. In-natura tal-ftehim hija kirja finanzjarja, li fiha l-pagamenti jirriflettu biss it-tqegħid tal-assi għad-dispożizzjoni ta' min jissellef mingħand il-fornitur. Pereżempju, meta bank ikun il-proprjetarju legali ta' ajruplan, iżda jidħol f'arranġament ta' kirja finanzjarja ma' kumpanija tal-ajru sabiex topera l-ajruplan, il-kumpanija tal-ajru titqies bħala l-proprjetarju tal-ajruplan għall-finijiet tat-transazzjonijiet fil-kontijiet. Fl-istess ħin li l-kumpanija tal-ajru tintwera bħala li xtrat l-ajruplan, jiġi imputat self mill-bank lill-kumpanija tal-ajru li jirrifletti l-ammonti li għandhom jitħallsu fil-futur għall-użu tal-ajruplan.

Informazzjoni doppja/informazzjoni kwadruppla

- 1.91 Għal unità jew settur, il-kontabbiltà nazzjonali hija bbażata fuq il-prinċipju tal-informazzjoni doppja. Kull transazzjoni għandha tiġi rreġistrata darbtejn, darba bħala riżorsa (jew bidla fil-passivi) u darba bħala użu (jew bidla fl-assi). It-total tat-transazzjonijiet irregiſtrati bħala riżorsi jew bidliet fil-passivi u t-total tat-transazzjonijiet irregiſtrati bħala użi jew bidliet fl-assi għandhom ikunu ugwali, u b'hekk jippermettu li tiġi vverifikata l-konsistenza tal-kontijiet.
- 1.92 Il-kontijiet nazzjonali — bl-unitajiet kollha u s-setturi kollha — għandhom ikunu bbażati fuq prinċipju ta' informazzjoni kwadruppla, minħabba li l-biċċa l-kbira tat-transazzjonijiet jinvolvu żewġ unitajiet istituzzjonali. Kull transazzjoni għandha tiġi rreġistrata darbtejn miż-żewġ partijiet involuti fit-transazzjoni. Pereżempju, benefiċċju soċjali fi flus kontanti mħallas minn unità tal-gvern lil unità domestika jiġi rreġistrat fil-kontijiet tal-gvern bħala użu taħt trasferimenti u akkwist negattiv ta' assi taħt flus u depożiti; fil-kontijiet tas-settur tal-unitajiet domestiċi, din hija rreġistrata bħala riżorsa taħt trasferimenti u akkwist ta' assi taħt flus u depożiti.
- 1.93 It-transazzjonijiet f'unità waħda (bħall-konsum tal-output mill-istess unità li pproduċietu) jirrikjedu żewġ biċċiet ta' informazzjoni biss, li l-valuri tagħhom għandhom jiġu stmati.

Valutazzjoni

- 1.94 Bl-eċċezzjoni ta' xi varjabbli li jikkonċernaw il-popolazzjoni u x-xogħol, is-sistema SEK 2010 turi l-flussi u l-istokks kollha f'termini monetarji. Il-flussi u l-istokks għandhom jitkejlu skont il-valur tal-kambju tagħhom, jiġifieri l-valur li bih il-flussi u l-istokks jiġu, jew ikunu jistgħu jiġu, skambjati għal flus kontanti. B'hekk, il-prezzijiet tas-suq huma r-referenza tas-SEK għall-valutazzjoni.
- 1.95 Fil-każ tat-transazzjonijiet monetarji u l-holdings ta' flus kontanti u passivi, il-valuri rikjesti huma direttament disponibbli. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-oħrajn, l-aħjar metodu għall-valutazzjoni huwa b'referenza għall-prezzijiet tas-suq għal merkanzija, servizzi u assi analogi. Dan il-metodu jintuża, pereżempju għat-tpartit u għas-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid. Meta l-prezzijiet tas-suq għal prodotti analogi mhumiex disponibbli, pereżempju fil-każ ta' servizzi mhux tas-suq prodotti mill-gvern, il-valutazzjoni ssir billi jingħaddu l-ispejjeż tal-produzzjoni. Jekk ma jkunx hemm prezz tas-suq li jista' jservi ta' referenza, u l-ispejjeż ma jkunux disponibbli, imbagħad il-flussi u l-istokks ikunu jistgħu jiġu vvalutati fuq il-valur attwali skont tar-ritorni futuri mistennija. Dan il-metodu tal-aħħar għandu jintuża biss bħala l-aħħar rimiedju.
- 1.96 L-istokks jiġu vvalutati fuq il-prezzijiet attwali fil-mument li għalih hija relatata l-karta tal-bilanċ, mhux għall-mument tal-produzzjoni jew l-akkwist tal-merkanzija jew l-assi li jiffurmaw l-istokks. Huwa neċessarju li l-istokks jiġu vvalutati fuq il-valuri attwali tal-akkwist, stmati u bil-miktub, jew fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni.

Valutazzjonijiet speċjali li jikkonċernaw il-prodotti

- 1.97 Bħala riżultat tal-ispejjeż tat-trasport, il-marġnijiet tal-kummerċ u t-taxxi bit-tnaqqis ta' sussidji fuq prodotti, l-produttur u l-utent ta' prodott partikolari normalment jipperċepixxu l-valur tiegħu b'mod differenti. Sabiex iżżomm kemm jista' jkun qrib tal-fehmiet tal-partijiet involuti fit-transazzjoni, is-sistema SEK 2010 tirreġistra l-użi kollha fuq il-prezzijiet tax-xerrej, li jinkludu l-ispejjeż tat-trasport, il-marġnijiet tal-kummerċ u t-taxxi bit-tnaqqis ta' sussidji fuq prodotti, filwaqt li l-output huwa rreġistrat bi prezzijiet bażiċi, li jeskludu dawk l-elementi.
- 1.98 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti għandhom jiġu rreġistrati f'valuri konfinali. L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet totali huma vvalutati fil-fruntiera doganali tal-esportatur, jew ħielsa abbord (free on board — FOB). Servizzi ta' trasport u assigurazzjoni barranin bejn il-fruntieri tal-importatur u l-esportatur mhumiex inklużi fil-valur tal-merkanzija iżda huma rreġistrati taħt servizzi. Minħabba li jista' ma jkunx possibbli li jinkisbu valuri FOB għall-analiżi dettaljata tal-prodott, it-tabelli li fihom dettalji dwar il-kummerċ barrani juru l-oġġetti impurtati vvalutati fil-fruntiera doganali tal-importatur (valur CIF). Is-servizzi kollha ta' trasport u assigurazzjoni għall-fruntiera tal-importatur huma inklużi fil-valur tal-oġġetti impurtati. Sa fejn dawn is-servizzi jikkonċernaw is-servizzi domestiċi, isir aġġustament FOB/CIF globali f'din il-preżentazzjoni.

Valutazzjoni bi prezzijiet kostanti

- 1.99 Valutazzjoni bi prezzijiet kostanti hija l-valutazzjoni ta' flussi u stokks matul il-perijodu bażi tal-kontijiet bil-prezzijiet ta' perijodu preċedenti. L-iskop tal-valutazzjoni bi prezzijiet kostanti huwa li jiġu dekomposti l-bidliet biż-żmien fil-valuri ta' flussi u stokks fi prezz u bidla fil-volum. Flussi u stokks bi prezzijiet kostanti huma deskritti li huma f'termini ta' volum.
- 1.100 Ħafna flussi u stokks, pereżempju l-introjtu, ma għandhomx dimensjonijiet ta' prezz u kwantità tagħhom stess. Madankollu, il-kapaċità tal-akkwist ta' tali varjabbli tista' tinkiseb permezz tat-tnaqqis ta' valuri attwali b'indiċi ta' prezzijiet xieraq, pereżempju l-indiċi ta' prezzijiet għal użi nazzjonali finali, esklużi l-bidliet fl-inventarju. Flussi u stokks imnaqqsin huwa deskritt ukoll li huma f'termini reali. Eżempju huwa l-introjtu reali disponibbli.

Żmien ta' reġistrazzjoni

- 1.101 Il-flussi għandhom jiġu rreġistrati fuq il-bażi tad-dovuti; jiġifieri, meta l-valur ekonomiku huwa maħluq, ittrasformat jew mitfi, jew meta jiġu ttrasformati jew ikkanċellati pretensjonijiet u passivi riżultanti.
- 1.102 L-output huwa rreġistrat meta jkun prodott u mhux meta jħallas għalih xerrej. Il-bejgħ ta' ass huwa rreġistrat meta jinbidel il-proprietarju tal-ass, mhux meta jsir il-ħlas korrispondenti. L-interess huwa rreġistrat fil-perijodu bażi tal-kontijiet meta jakkumula, irrelevanti minn jekk tħallasx f'dak il-perijodu jew le. Ir-reġistrazzjoni fuq il-bażi tad-dovuti tapplika għall-flussi kollha, monetarji u mhux monetarji u intraunità kif ukoll flussi bejn l-unitajiet.
- 1.103 Jista' jkun neċessarju li dan l-approċċ ma jibqax daqstant rigoruż għat-taxxi u flussi oħrajn li jikkonċernaw il-gvern ġenerali, li huma ta' sikwit irreġistrati fuq bażi ta' flus kontanti fil-kontijiet tal-gvern. Jista' jkun diffiċli li titwettag trasformazzjoni eżatta ta' tali flussi mill-bażi ta' flus kontanti għall-bażi tad-dovuti u għalhekk jista' jintuża metodu approssimattiv.
- 1.104 Bħala eċċezzjoni għar-regoli ġenerali li jirregolaw ir-reġistrazzjoni tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli lill-gvern ġenerali, dawn jistgħu jiġu rreġistrati bħala nett mill-parti li x'aktarx ma tinġabarx jew, jekk din il-parti hija inkluża, tiġi newtralizzata fl-istess perijodu bażi tal-kontijiet permezz ta' trasferiment tal-kapital mill-gvern ġenerali għas-setturi relevanti.
- 1.105 Il-flussi għandhom jiġu rreġistrati fl-istess mument għall-unitajiet istituzzjonali kollha involuti u għall-kontijiet kollha. L-unitajiet istituzzjonali mhux dejjem japplikaw l-istess regoli ta' kontabbiltà. Anki meta japplikawhom, jista' jkun hemm differenzi fir-reġistrazzjoni proprja għal raġunijiet prattiċi bħad-dewmien fil-komunikazzjoni. Konsegwentement, it-transazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati f'mument differenti mit-transazzjonijiet involuti. Dawn id-diskrepanzi għandhom jiġu eliminati permezz tal-aġġustamenti.

Konsolidazzjoni u netting*Konsolidazzjoni*

- 1.106 Il-konsolidazzjoni tirreferi għall-eliminazzjoni, kemm mill-użi u mir-riżorsi, ta' transazzjonijiet li jseħħu bejn l-unitajiet meta jkunu aggruppati, u għall-eliminazzjoni ta' assi u passivi finanzjarji reċiproki. Dan jiġri komunalment meta l-kontijiet ta' sottosetturi tal-gvern ġenerali huma kkombinati.
- 1.107 Bħala prinċipju, il-flussi u l-istokks bejn l-unitajiet kostitwenti fis-sottosetturi jew is-setturi m'għandhomx ikunu konsolidati.
- 1.108 Madankollu, il-kontijiet konsolidati jistgħu jinbnew għal preżentazzjonijiet u analiżi komplementari. L-informazzjoni dwar it-transazzjonijiet ta' tali (sub)setturi ma' setturi oħrajn u l-pożizzjoni finanzjarja "esterna" korrispondenti tista' tkun aktar sinifikanti miċ-ċifri grossi globali.

- 1.109 Barra minn hekk, il-kontijiet u t-tabelli li juru r-relazzjoni kreditur/debitur jipprovdu stampa dettaljata tal-finanzjament tal-ekonomija u huma kkunsidrati utli ħafna għall-fehim tal-kanali li minnhom jiċċaqilqu l-eċċessi ta' finanzjament minn dak li finalment jagħti s-self għal dak li finalment jieħu s-self.

Netting

- 1.110 Unitajiet jew setturi individwali jistgħu jkollhom l-istess tip ta' transazzjoni kemm bħala użu u bħala riżorsa (pereżempju, it-tnejn li huma jħallsu u jirċievu l-interessi) u l-istess tip ta' strument finanzjarju kemm bħala ass u bħala passiv. L-approċċ fis-SEK huwa reġistrazzjoni gross, minbarra l-grad ta' netting inerenti fil-klassifikazzjonijiet fihom infushom.
- 1.111 In-netting huwa impliċitu f'diversi kategoriji ta' transazzjonijiet, u l-aktar eżempju eċċellenti huwa l-"bidliet fl-inventarji", li jenfasizza l-aspett sinifikanti b'mod analitiku tal-formazzjoni globali tal-kapital aktar milli l-intraċċar ta' kuljum ta' addizzjonijiet u rtirar. B'mod simili, bi ffit eċċezzjonijiet, il-kont finanzjarju u bidliet oħrajn fil-kontijiet tal-assi jirreġistraw żieda fl-assi u l-passivi fuq bażi netta, u tinħareġ il-konsegwenza finali ta' dawk it-tipi ta' flussi fi tmiem il-perjodu bażi tal-kontijiet.

Kontijiet, entrati saldatorji u aggregati

- 1.112 Għall-unitajiet jew il-gruppi ta' unitajiet, il-kontijiet differenti jirreġistraw transazzjonijiet li huma konnessi ma' aspett speċifiku tal-ħajja ekonomika (pereżempju, il-produzzjoni). Għall-kont ta' produzzjoni, it-tranżazzjonijiet ma jindikawx bilanċ bejn l-utenti u r-riżorsi mingħajr l-introduzzjoni ta' entrata saldatorja. Bl-istess mod, entrata saldatorja (valur nett) għandha tiġi introdotta bejn it-total tal-assi u t-total tal-passivi ta' unità istituzzjonali jew settur. L-entrati saldatorji huma miżuri sinifikanti ta' prestazzjoni ekonomika fihom infushom. Meta jingħaddu għall-ekonomija sħiħa, huma jkunu aggregati sinifikanti.

Is-sekwenza ta' kontijiet

- 1.113 Is-sistema SEK 2010 hija mibnija madwar sekwenza ta' kontijiet interkonnessi. Is-sekwenza sħiħa ta' kontijiet għall-unitajiet istituzzjonali u s-setturi hija magħmula minn kontijiet kurrenti, kontijiet tad-dovuti u karti tal-bilanċ.
- 1.114 Il-kontijiet kurrenti jittrattaw il-produzzjoni, il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni u r-ridistribuzzjoni tal-introjt u l-użu ta' tali introjt f'forma ta' konsum finali. Il-kontijiet tad-dovuti jkopru bidliet fl-assi u l-passivi u bidliet fl-valur nett (id-differenza għal kwalunkwe unità istituzzjonali jew grupp ta' unitajiet bejn l-assi u l-passivi tagħha). Il-karti tal-bilanċ jippreżentaw stokks ta' assi u passivi u l-valur nett.
- 1.115 Is-sekwenza ta' kontijiet għall-KAUs u l-industriji lokali titqassar għall-ewwel kont kurrenti: il-kont tal-produzzjoni u l-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt, li l-entrata saldatorja tagħhom hija eċċess operattiv.

Il-kont ta' oġġetti u servizzi

- 1.116 Il-kont ta' oġġetti u servizzi juri, għall-ekonomija fl-intier tagħha jew għal gruppi ta' prodotti, ir-riżorsi totali (output u oġġetti impurtati) u l-użi ta' oġġetti u servizzi (konsum intermedju, konsum finali, bidliet fl-inventarju, formazzjoni tal-kapital gross fiss, akkwisti bit-tnaqqis taċ-ċessjonijiet ta' affarijiet prezzjużi, u oġġetti esportati). Dan il-kont mhux kont fl-istess sens tal-oħrajn fis-sekwenza, u ma jiġġenerax entrata saldatorja li tiġi mgħoddija għall-kont li jmiss fis-sekwenza. Huwa pjuttost il-preżentazzjoni f'forma ta' tabella ta' identità tal-kontabbiltà, li skont hi l-provvista hija ugwali għad-domanda għall-prodotti u l-gruppi ta' prodotti kollha fl-ekonomija.

Il-kont tal-bqija tad-dinja

- 1.117 Il-kont tal-bqija tad-dinja jkopri transazzjonijiet bejn unitajiet istituzzjonali residenti u mhux residenti u stokks relatati ta' assi u passivi.

Minħabba li l-bqija tad-dinja għandha rwol fl-istruttura tal-kontabbiltà simili għal dik ta' settur istituzzjonali, il-kont tal-bqija tad-dinja huwa stabbilit mill-perspettiva tal-bqija tad-dinja. Riżorsa għall-bqija tad-dinja hija użu għall-ekonomija totali u vice versa. Jekk l-entrata saldatorja hija pożittiva, dan ifisser eċċess tal-bqija tad-dinja u defiċit mill-ekonomija totali, u vice versa jekk l-entrata saldatorja hija negattiva.

Il-kont tal-bqija tad-dinja mhuwiex bħall-kontijiet tas-setturi l-oħrajn għaliex ma jurix it-transazzjonijiet ta' kontabbiltà kollha fil-bqija tad-dinja, iżda dawk biss li għandhom kontroparti fl-ekonomija domestika li qiegħda tiġi mkejla.


Entrati saldatorji

1.118 Entrata saldatorja tinkiseb billi jitnaqqas il-valur totali ta' informazzjoni fuq naħa waħda ta' kont mill-valur totali fuq in-naħa l-oħra.

L-entrati saldatorji jinkorporaw ħafna informazzjoni u jinkludu fit mill-aktar informazzjoni importanti fil-kontijiet, kif jintwera fl-eżempji li ġejjin ta' entrati saldatorji: valur miżjud, eċċess operattiv, introjtu disponibbli, tfaddil, tisliġ nett/self nett.

Id-dijagramma li ġejja turi s-sekwenza ta' kontijiet f'forma ta' fluss — kull entrata saldatorja tintwera b'tipa skura.

Dijagramma tas-sekwenza ta' kontijiet



- 1.119 L-ewwel kont fis-sekwenza huwa l-kont ta' produzzjoni, li jirreġistra l-outputs u l-inputs tal-proċess ta' produzzjoni, u jħalli l-valur miżjud bħala l-entrata saldatorja.
- 1.120 Wara, il-valur miżjud jitmexxa 'l quddiem għall-kont li jmiss li huwa l-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu. Hawn il-kumpens tal-impjegati fil-proċess ta' produzzjoni jiġi rreġistrat, kif ukoll it-taxxi dovuti lill-gvern minħabba l-produzzjoni, sabiex l-eċċess operattiv (jew introjtu imħallat minn min jaħdem għal rasu tas-settur tal-unitajiet domestiċi) ikun jista' tiġi dderivat bħala l-entrata saldatorja għal kull settur. Dan il-pass huwa neċessarju sabiex l-ammont ta' valur miżjud miżmum fis-settur tal-produzzjoni bħala eċċess operattiv jew introjtu mħallat ikun jista' jiġi mkejjejl.
- 1.121 Imbagħad il-valur miżjud, diżaggregat f'kumpens tal-impjegati, taxxi u eċċess operattiv/introjtu mħallat, jitmexxa 'l quddiem permezz ta' din id-diżaggregazzjoni għall-allokazzjoni ta' kont tal-introjtu primarju. Id-diżaggregazzjoni tippermetti l-allokazzjoni ta' introjtu minn kull fattur għas-settur riċevitur, kuntrarju għas-settur tal-produzzjoni. Pereżempju, il-kumpens kollu tal-impjegati huwa allokat bejn is-settur tal-unitajiet domestiċi u s-settur tal-bqija tad-dinja, filwaqt li l-eċċess operattiv jibqà' fis-settur tal-korporazzjonijiet fejn huwa ġġenerat. Il-flussi tal-introjtu mill-proprjetà fis-settur, u dawk barra mis-settur, huma rreġistrati f'dan il-kont ukoll, sabiex l-entrata saldatorja tkun il-bilanċ ta' introjtu primarju li jnixxi fis-settur.
- 1.122 Il-kont li jmiss jirreġistra r-ridistribuzzjoni ta' dan l-introjtu permezz ta' trasferimenti — il-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu. L-istrumenti prinċipali tar-ridistribuzzjoni huma t-taxxi tal-gvern fuq, u l-benefiċċji soċjali għal, is-settur tal-unitajiet domestiċi. L-entrata saldatorja hija l-introjtu disponibbli.
- 1.123 Is-sekwenza prinċipali ta' kontijiet prinċipali tkompli għall-użu ta' kont tal-introjtu disponibbli; kont relevanti għas-settur tal-unitajiet domestiċi minħabba li hawn tiġi rreġistrata n-nefqa finali tal-unitajiet domestiċi, u t-tfaddil tal-unitajiet domestiċi jitħalla bħala l-entrata saldatorja.
- 1.124 Fl-istess ħin jinħoloq kont parallel, il-kont tar-ridistribuzzjoni in natura tal-introjtu. Dan il-kont għandu l-iskop speċifiku li jintwerew it-trasferimenti soċjali in natura bħala trasferiment imputat mill-gvern għas-settur tal-unitajiet domestiċi, sabiex l-introjtu tal-unitajiet domestiċi jkun jista' jitle' bil-valur tas-servizzi individwali tal-gvern. Fil-kont li jmiss (l-użu tal-kont ta' introjtu disponibbli aġġustat), l-użu tal-unitajiet domestiċi ta' introjtu disponibbli jiżjed bl-istess ammont, bħallikieku s-settur tal-unitajiet domestiċi kien qiegħed jixtri s-servizzi individwali pprovduti mill-gvern. Dawk iż-żewġ imputazzjonijiet jinġiebu fix-xejn, sabiex l-entrata saldatorja tkun it-tfaddil, identiku għat-tfaddil fis-sekwenza prinċipali ta' kontijiet.
- 1.125 It-tfaddil jittieħed għall-kont tal-kapital fejn jintuża biex jiffinanzja l-formazzjoni tal-kapital, u jippermetti t-trasferimenti tal-kapital 'il ġewwa u 'l barra mis-setturi. Nfiq nieqes jew infiq żejjed fuq l-akkwist ta' assi reali jirriżultaw fl-entrata saldatorja jew f'self. It-tisliġ nett huwa eċċess misluf, u s-self nett huwa l-finanzjament ta' defiċit.
- 1.126 Finalment, il-kontijiet finanzjarji jintlaħqu, fejn jiffasslu t-tisliġ u s-self dettaljati ta' kull settur sabiex tiġi osservata l-entrata saldatorja tat-tisliġ jew is-self nett. Dan għandu jaqbel eżattament mal-entrata saldatorja tat-tisliġ/self nett tal-kont kapitali, u kwalunkwe differenza għandha tkun diskrepanza ta' kejl bejn ir-reġistrazzjonijiet reali u finanzjarji tal-attività ekonomika.
- 1.127 Meta tiġi kkunsidrata r-ringiela tal-aħħar tad-dijagramma, il-kont fuq in-naħa tax-xellug huwa l-karta tal-bilanċ tal-ftuħ, li juri l-livell tal-assi u l-passivi kollha, kemm reali u finanzjarji, bil-bidu ta' perijodu speċifiku. Il-ġid ta' ekonomija huwa mkejjejl permezz tal-valur nett tagħha (assi mingħajr il-passivi) u dan jintwera fl-aħħar tal-karta tal-bilanċ.
- 1.128 Mix-xellug għal-lemin tal-bilanċi ta' ftuħ, id-diversi bidliet fl-assi u l-passivi li jseħħu fil-perijodu bażi tal-kontijiet huma rreġistrati. Il-kont tal-kapital u l-kontijiet finanzjarji juru l-bidliet minħabba t-transazzjonijiet f'assi reali u assi finanzjarji u passivi rispettivament. Fin-nuqqas ta' effetti oħrajn, dan jippermetti l-kalkolu immedjat tal-pożizzjoni ta' għeluq, billi l-bidliet jiżjeddu mal-pożizzjoni tal-ftuħ.
- 1.129 Madankollu l-bidliet jistgħu jseħħu barra miċ-ċiklu ekonomiku ta' produzzjoni u konsum, u tali bidliet jaffettwaw il-valuri tal-assi u l-passivi fil-perijodu ta' għeluq. Tip ta' bidla huwa bidla fil-volum ta' assi — bidliet reali fil-kapital fiss li jirriżulta minn avvenimenti li mhumiex parti mill-ekonomija. Eżempju ta' dan huwa telf katastrofiku — terremot kbir, fejn ammont sinifikanti ta' assi jitkissru mhux permezz ta' transazzjoni ekonomika ta' skambju jew trasferiment. Dan it-telf għandu jiġi rreġistrat fil-bidliet l-oħrajn fil-kont tal-volumi, sabiex jirrappreżenta l-livell aktar baxx ta' assi milli mistenni purament billi jintwerew l-avvenimenti ekonomiċi. It-tieni mod ta' kif l-assi (u l-passivi) jistgħu jibdlu l-valur, minbarra bħala riżultat ta' transazzjoni ekonomika, huwa permezz ta' bidla fil-prezz li tirriżulta minn qligħ u telf nominali fl-istokk ta' assi miżmuma. Din il-bidla hija rreġistrata fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni. Li jiġu permessi dawn iż-żewġ effetti żejda fuq il-valuri tal-istokk ta' assi u passivi jippermetti li l-valuri tal-karta tal-bilanċ ta' għeluq jiġu smati bħala l-pożizzjoni tal-ftuħ aġġustata għal dawn il-bidliet fil-fluss ta' kontijiet tal-aħħar ringiela taċ-ċifra.

Aggregati

- 1.130 L-aggregati huma valuri komposti li jkejlu r-riżultat tal-attività tal-ekonomija totali; pereżempju, output, valur miżjud, introjtu disponibbli, konsum finali, tfaddil, formazzjoni tal-kapital, eċċ. Għalkemm il-kalkolu tal-aggregati mhuxwix l-iskop uniku tas-SEK, huma importanti bħala indikaturi sommarji għal skopijiet ta' analiżi makroekonomika u ta' paraguni fuq firxa ta' żmien u spazju.
- 1.131 Issir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' aggregati:
- l-aggregati li jirreferu direttament għal transazzjonijiet fis-sistema SEK 2010, bħal output ta' oġġetti u servizzi, konsum finali, formazzjoni tal-kapital gross fiss, kumpens ta' impjegati, eċċ.;
 - l-aggregati li jirrappreżentaw entrati saldatorji fil-kontijiet, bħall-PDG bil-prezzijiet tas-suq, l-eċċess operattiv tal-ekonomija totali, DNG, introjtu nazzjonali disponibbli, tfaddil, bilanċ kurrenti estern u l-valur nett tal-ekonomija totali (il-ġid nazzjonali).
- 1.132 Jeżistu użi importanti għall-kejl tal-kontijiet nazzjonali per capita tal-popolazzjoni. Għall-aggregati ta' firxa wiesgħa bħall-PDG jew id-dħul nazzjonali jew il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi, id-denominatur li komunament jintuża huwa l-popolazzjoni (residenti) totali. Meta jiġu sottosetturati l-kontijiet jew parti mill-kontijiet tas-settur tal-unitajiet domestiċi, *data* dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi u l-għadd ta' persuni li jagħmlu parti minn kull sottosettur tintuża wkoll.

PDG: aggregat prinċipali

- 1.133 Il-PDG huwa wieħed mill-aggregati prinċipali fis-SEK. Il-PDG huwa kejl tal-attività ekonomika totali li sseħħ f'territorju ekonomiku u li tlaqqa' l-output mad-domanda finali fl-ekonomija. Hemm tliet modi li bihom jiġi mkejje l-PDG bi prezzijiet tas-suq:
- l-approċċ ta' produzzjoni, bħala t-total tal-valuri miżjuda mill-attivitàjiet kollha li jipproduċu oġġetti u servizzi, flimkien ma' taxxi bit-tnaqqis ta' sussidji fuq il-prodotti;
 - l-approċċ ta' nefqa, bħala t-total tan-nefġiet finali kollha li jsiru bil-konsum tal-output finali tal-ekonomija, jew biż-żieda mal-ġid, flimkien mal-esportazzjonijiet bit-tnaqqis tal-importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi;
 - l-approċċ tal-introjtu, bħala t-total tal-introjtu kollu gwadanjat fil-proċess tal-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi flimkien mat-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet bit-tnaqqis ta' sussidji.
- 1.134 Dawn it-tliet approċċi sabiex jiġi mkejje l-PDG jirriflettu wkoll il-modi differenti li bihom il-PDG jista' jiġi kkunsidrat f'termini ta' komponenti. Il-valur miżjud jista' jinqasam skont is-settur istituzzjonali, u skont it-tip ta' attività jew industrija li qiegħda tikkontribwixxi għat-total, pereżempju agrikoltura, manifattura, bini, servizzi, eċċ.

In-nefġiet finali jistgħu jinqasam skont it-tip: nefqa tal-unitajiet domestiċi, nefqa finali tal-NPISH, nefqa finali tal-gvern, bidla fl-inventarji, formazzjoni ta' kapital fiss u esportazzjonijiet, bit-tnaqqis tal-ispiża tal-importazzjonijiet.

L-introjtu totali gwadanjat jista' jinqasam skont it-tip ta' introjtu — kumpens tax-xogħol, u eċċess operattiv.

- 1.135 Sabiex tinkiseb l-aħjar stima tal-PDG, hija Prattika tajba li l-elementi ta' dawn it-tliet approċċi jiġu introdotti f'qafas ta' provvista u użu. Dan jippermetti li l-valur miżjud u l-istimi tal-introjtu skont l-industrija jiġu rrikonċiljati, u li jiġu bbilanċjati l-provvista u d-domanda għall-prodotti. Dan l-approċċ integrat jiżgura l-konsistenza bejn il-komponenti tal-PDG, u stima aħjar tal-livell ta' PDG milli kieku jintuża biss kwalunkwe wieħed mit-tliet approċċi. Billi jitnaqqas il-konsum tal-kapital fiss mill-PDG, jinkiseb il-prodott nett domestiku bi prezzijiet tas-suq (NDP).

Il-qafas ta' input-output

- 1.136 Il-qafas ta' Input-Output (I-O) jgħaqqad flimkien komponenti mill-Valur Miżjud Gross (GVA), l-inputs u outputs tal-industriji, il-provvista u domanda għall-prodotti, u l-kompożizzjoni tal-użi u r-riżorsi minn settur istituzzjonali għal ieħor għall-ekonomija. Dan il-qafas jaqsam l-ekonomija sabiex juri t-transazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi kollha bejn l-industriji u l-konsumaturi finali għal perijodu singolu (pereżempju, trimestru jew sena). L-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata b'żewġ modi:
- tabelli ta' Provvista u Użu;
 - tabelli Simmetriċi ta' Input-Output.

Tabelli ta' Provvista u Użu

- 1.137 It-tabelli ta' provvista u użu juru l-ekonomija kollha skont l-industrija (pereżempju, l-industrija tal-karozzi) u l-prodotti (pereżempju, oġġetti tal-isports). It-tabelli juru r-rabtiet bejn komponenti tal-GVA, l-inputs u outputs tal-industrija, u l-provvista u domanda tal-prodotti. It-tabelli ta' provvista u użu jorbtu flimkien setturi istituzzjonali differenti tal-ekonomija (eż. korporazzjonijiet pubbliċi) flimkien mad-dettall tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi, nefqa tal-gvern, nefqa tal-unitajiet domestiċi u l-NPISHs u l-formazzjoni tal-kapital.
- 1.138 Il-produzzjoni tat-tabelli ta' provvista u użu tippermetti eżaminazzjoni tal-konsistenza u l-koerenza ta' komponenti tal-Kontijiet Nazzjonali f'qafas singolu dettaljat u, billi jiġu inkorporati l-komponenti tat-tliet approċċi mal-kejl tal-PDG (jiġifieri l-produzzjoni, l-introjt u n-nefqa), tippermetti stima singola tal-PDG li għandha tiġi ddeterminata.
- 1.139 Meta bbilanċjati b'mod integrat, it-tabelli ta' Provvista u użu jipprovdu wkoll koerenza u konsistenza meta jorbtu flimkien il-komponenti tat-tliet kontijiet li ġejjin, u dawn huma:
- (1) il-kont ta' oġġetti u servizzi;
 - (2) il-kont ta' produzzjoni (skont l-industrija u skont is-settur istituzzjonali); u
 - (3) il-kont ta' ġenerazzjoni tad-dħul (skont l-industrija u skont is-settur istituzzjonali).

Tabelli simmetriċi ta' input-output

- 1.140 It-Tabelli simmetriċi ta' input-output huma dderivati mid-*data* fit-Tabelli ta' provvista u użu u sorsi addizzjonali oħrajn sabiex jiffurmaw il-bażi teoretika għall-analiżi sussegwenti.
- 1.141 Dawn it-tabelli fihom tabelli simmetriċi (prodott wara prodott jew industrija wara industrija), l-Leontief Invers u analiżi dijanjostika oħra bħall-multiplikaturi tal-output. Dawn it-tabelli juru b'mod separat il-konsum ta' oġġetti u servizzi prodotti u impurtati domestikament, u jipprovdu qafas teoretiku għal analiżi strutturali ulterjuri tal-ekonomija, inkluża l-kompożizzjoni u l-effett tal-bidliet fid-domanda finali fuq l-ekonomija.

KAPITOLU 2

UNITAJIET U RAGRUPPAMENTI TA' UNITAJIET

- 2.01 L-ekonomija ta' pajjiż hija sistema li biha istituzzjonijiet u persuni jinteraġixxu permezz ta' skambji u trasferimenti ta' oġġetti, servizzi u mezzi ta' pagament (pereżempju flus kontanti) għall-produzzjoni u l-konsum ta' oġġetti u servizzi.

Fl-ekonomija, unitajiet involuti f'interattività huma entitajiet ekonomiċi b'kapaċitajiet għal pussess ta' assi, irfiġh ta' responsabbiltajiet finanzjarji u involviment f'attivitajiet ekonomiċi u transazzjonijiet ma' entitajiet oħrajn. Dawn jissejħu unitajiet istituzzjonali.

Id-definizzjonijiet tal-unitajiet użati fil-kontijiet nazzjonali jservu għal diversi skopijiet. L-ewwel nett, l-unitajiet huma l-elementi fundamentali li jintużaw biex jiddefinixxu l-ekonomiji f'termini ġeografiċi, pereżempju nazzjonijiet, reġjuni u gruppi ta' nazzjonijiet b'halma huma unjonijiet monetarji jew politiċi. It-tieni, huma s-sisien essenzjali għar-raggruppament ta' unitajiet f'setturi istituzzjonali. It-tielet, huma essenzjali għad-definizzjoni ta' liema flussi u stokks ta' fondi għandhom jiġu rreġistrati. Fil-prinċipju, transazzjonijiet bejn diversi partijiet tal-istess unità istituzzjonali ma jiġux irreġistrati fil-kontijiet nazzjonali.

- 2.02 L-unitajiet u r-raggruppamenti ta' unitajiet użati fil-kontijiet nazzjonali għandhom jiġu definiti b'referenza għat-tip ta' analiżi ekonomika li għaliha huma maħsubin, u mhux f'termini tat-tipi ta' unitajiet li s-soltu jintużaw għall-istatistika ta' statistika. It-tipi ta' unitajiet (pereżempju impriżi, kumpanniji holding, unitajiet tat-tip ta' attività, unitajiet lokali, dipartimenti governattivi, istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, unitajiet domestiċi, eċċ.) ma jistgħux ikunu sodisfaċenti għall-għanijiet tal-kontijiet nazzjonali, għaliex dawn ikunu bbażati fuq kriterji ta' natura legali, amministrattiva jew ta' kontabbiltà.

L-uffiċjali inkarigati mill-istatistika għandhom iqisu d-definizzjonijiet tal-unitajiet ta' analiżi kif stabbilit fis-SEK 2010), sabiex jiżguraw li fis-sondaġġi li fihom tkun inġabret id-data, jiddaħħlu gradwalment l-elementi kollha tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi kkompilata d-data msejsa fuq l-unitajiet ta' analiżi użati fis-SEK 2010.

- 2.03 Karatteristika tas-sistema SEK 2010 hija l-użu ta' tipi ta' unitajiet li jikkorrispondu għal tliet metodi ta' kif tista' tiġi suddiviżja l-ekonomija:

- (1) sabiex jiġu analizzati l-flussi u l-pożizzjonijiet, huwa essenzjali li jingħażlu unitajiet li jiggarrantixxu l-possibbiltà li jkunu jistgħu jiġu studjati r-relazzjonijiet tal-imġieba bejn l-aġenti ekonomiċi;
- (2) sabiex jiġi analizzat il-proċess tal-produzzjoni, huwa essenzjali li jingħażlu unitajiet li juru r-relazzjonijiet ta' natura teknikoekonomika, jew li jirriflettu attivitajiet lokali;
- (3) sabiex ikun possibbli li ssir analiżi reġjonali, huma meħtieġa unitajiet li jirriflettu tipi lokali ta' attività.

L-unitajiet istituzzjonali huma ddefiniti biex jiġi ssodisfat l-ewwel wieħed minn dawn l-għanijiet. Ir-relazzjonijiet, ta' mġiba kif deskritti fil-punt (1), jeżiġu unitajiet li jirriflettu l-attività ekonomika istituzzjonali sħiħa tagħhom.

Il-proċessi ta' produzzjoni, ir-relazzjonijiet teknikoekonomiċi u l-analiżi reġjonali msemmija fil-punti (2) u (3) jeżiġu unitajiet b'halma huma KAUs lokali. Deskrizzjoni ta' dawn l-unitajiet tidher aktar 'il quddiem f'dan il-kapitolu.

Qabel ma jingħataw definizzjonijiet tal-unitajiet użati fis-SEK 2010, huwa meħtieġ li jiġu ddefiniti l-limiti tal-ekonomija nazzjonali.

IL-LIMITI TAL-EKONOMIJA NAZZJONALI

- 2.04 L-unitajiet li jikkostitwixxu l-ekonomija ta' pajjiż u li l-flussi u stokks ta' fondi tagħhom huma rreġistrati fis-SEK 2010 huma dawk li huma residenti. Unità istituzzjonali hija residenti f'pajjiż meta jkollha ċ-ċentru tal-interess ekonomiku predominanti tagħha fit-territorju ekonomiku ta' dak il-pajjiż. Tali unitajiet huma magħrufin b'halma unitajiet residenti irrISPettivament min-nazzjonalità, mill-għamla ġuridika jew mill-preżenza fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż waqt li jwettqu xi transazzjoni.

- 2.05 Territorju ekonomiku jikkonsisti f'dan li ġej:

- (a) iż-żona (it-territorju ġeografiku) li taqa' taħt l-amministrazzjoni effettiva u l-kontroll ekonomiku ta' gvern uniku;

- (b) iż-żoni ħielsa kollha, inklużi l-imħażen doganali u l-fabbriki taħt il-kontroll tad-dwana;
- (c) l-ispażju tal-ajru nazzjonali, l-ibħra territorjali u l-pjattaforma kontinentali li tinsab fl-ibħra internazzjonali, li għaliha l-pajjiż igawdi minn drittijiet esklużivi;
- (d) żoni territorjali, fejn dawn ikunu territorji ġeografiċi li jinsabu fil-bqija tal-dinja u użati, skont trattati jew ftehim internazzjonali bejn l-Istati, minn aġenziji ġenerali tal-gvern tal-pajjiż (bħal ambaxxati, konsulati, bażijiet militari, bażijiet xjentifiċi, eċċ.);
- (e) depożiti ta' żejt, gass naturali, eċċ. fibħra internazzjonali lil hinn mill-pjattaforma kontinentali tal-pajjiż, imħaddma minn unitajiet residenti fit-territorju kif iddefinit fil-punti (a) sa (d).

Bastimenti tas-sajd, bastimenti oħra, pjattaformi f'wiċċ il-baħar u inġenji tal-ajru huma ttrattati fis-SEK bħalma huwa ttrattat tagħmir ieħor mobbli, kemm jekk ikun proprjetà ta' u/jew operat minn unitajiet residenti fil-pajjiż, u jekk ikun proprjetà ta' dawk li mhux residenti u operat minn unitajiet residenti. Transazzjonijiet li jinvolvu s-sjeda (formazzjoni ta' kapital fiss gross) u użu (kera, assigurazzjoni, eċċ.) ta' tagħmir mobbli huma attribwiti lill-ekonomija tal-pajjiż li fih is-sid u/jew l-operatur huma residenti rispettivament. F'każijiet ta' leasing, finanzjarju, huwa preżunt tibdil fis-sjeda.

Territorju ekonomiku jista' jkun żona ikbar jew iżgħar minn dik iddefinita hawn fuq. Eżempju ta' żona ikbar hu unjoni monterja bħall-Unjoni Monetarja Ewropea; eżempju ta' żona iżgħar hu parti ta' pajjiż bħal reġjun.

2.06 Territorju ekonomiku jeskludi żoni li jkunu jinsabu lil hinn mit-territorju u 'l barra minnu.

Il-partijiet tat-territorju ġeografiku proprju tal-pajjiż użati minn dawn l-organizzazzjonijiet li ġejjin huma esklużi wkoll:

- (a) aġenziji ġenerali governattivi ta' pajjiżi oħra;
- (b) l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni Ewropea; u
- (c) istituzzjonijiet internazzjonali li jaqgħu taħt trattati internazzjonali bejn l-Istati.

It-territorji użati mill-istituzzjonijiet u entitajiet tal-Unjoni Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali huma territorji ekonomiċi separati. Aspett ta' territorji ta' dan it-tip huwa li l-uniċi residenti huma l-istituzzjonijiet.

2.07 "Ċentru ta' interess ekonomiku predominanti" jindika l-eżistenza ta' lokalità fit-territorju ekonomiku ta' pajjiż fejn unità tkun involuta f'attivitajiet u transazzjonijiet ekonomiċi fuq skala sinifikanti, jew għal perijodu indefinit jew għal matul żmien limitat iżda għal perijodu ta' żmien twil (għal żmien sena jew aktar). Is-sjeda tal-art u l-bini fit-territorju ekonomiku titqies biżżejjed fiha nnifisha biex is-sid ikollu ċentru ta' interess ekonomiku predominanti hemmhekk.

L-impriżi kważi dejjem ikunu marbuta ma' ekonomija unika biss. Teżisti t-tendenza li jirriżultaw rekwiżiti ta' tassazzjoni u legali oħrajn meta tintuża entità legali separata għal operazzjonijiet f'kull ġurisdizzjoni legali. Barra minn dan, hija identifikata unità istituzzjonali separata għal raġunijiet statistiċi meta entità legali unika jkollha operazzjonijiet sostanzjali f'żewġ territorji jew aktar (eż., għall-fergħat, sjeda ta' art, u impriżi multiterritorjali). Bħala riżultat tal-qsim ta' entitajiet legali bħal dawn, ir-residenza ta' kull waħda mill-impriżi sussegwentement identifikata toħroġ ċara. "Ċentru ta' interess ekonomiku predominanti" ma tfissirx li entitajiet b'operazzjonijiet sostanzjali f'żewġ territorji jew aktar ma għandhomx jinqasmu.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe dimensjoni fiżika ta' intrapriża, ir-residenza tagħha tiġi ddeterminata skont it-territorju ekonomiku li bil-liġijiet tiegħu l-intrapriża tkun inkorporata jew irreġistrata.

2.08 L-unitajiet li jitqiesu bħala residenti ta' pajjiż jistgħu jerġgħu jinqasmu kif ġej:

- (a) unitajiet li huma involuti fil-produzzjoni, il-finanzi, l-assigurazzjoni u r-ridistribuzzjoni, frabta mat-transazzjonijiet kollha tagħhom ħlief dawk marbuta mas-sjeda tal-art u l-bini;
- (b) unitajiet li huma prinċipalment involuti fil-konsum, frabta mat-transazzjonijiet kollha tagħhom ħlief dawk marbuta mas-sjeda tal-art u l-bini;
- (c) l-unitajiet kollha fil-kapaċità tagħhom ta' sidien ta' art u bini ħlief għas-sidien ta' żoni lil hinn u 'l barra mit-territorju li huma parti mit-territorju ekonomiku ta' pajjiżi oħra jew li huma stati indipendenti.

- 2.09 Fejn għandhom x'jaqsmu unitajiet li mhumiex unitajiet domestiċi, għandha ssir distinzjoni bejn iż-żewġ każijiet li ġejjin fir-rigward tat-transazzjonijiet kollha tagħhom għajr għal dawk marbuta ma' sjieda ta' art u bini:
- (a) attività li hija mwettqa esklussivament fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż: unitajiet li jwettqu attività bħal din huma unitajiet residenti tal-pajjiż;
 - (b) attività mwettqa għal tul ta' sena jew aktar fit-territorji ekonomiċi ta' diversi pajjiżi: dik il-parti tal-unità biss li għandha ċentru ta' interess ekonomiku predominanti fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż titqies bħala unità residenti ta' dak il-pajjiż.
- Unità residenti istituzzjonali tista' tkun unità residenti nozzjonali, fir-rigward tal-attività mwettqa għal tul ta' sena jew aktar li hija residenti f'pajjiż ieħor. Meta attività ta' dan it-tip titwettaq għal inqas minn sena, l-attività tibqa' parti mill-attivitàjiet tal-unità istituzzjonali produttriċi, u l-ebda unità istituzzjonali separata ma tkun rikonossuta. Meta l-attività tkun waħda insinifikanti, anki jekk iddum aktar minn sena, u fil-każ ta' installazzjoni ta' tagħmir barra l-pajjiż, l-ebda unità separata ma tiġi rikonossuta u l-attivitàjiet jiġu rreġistrati bħal dawk tal-unità istituzzjonali produttriċi.
- 2.10 Unitajiet domestiċi ħlief fil-kapaċità tagħhom ta' sidien ta' art u bini huma unitajiet residenti tat-territorju ekonomiku fejn ikollhom ċentru ta' interess ekonomiku predominanti. Huma jibqgħu residenti irrispettivament minn perijodi f'pajjiż barrani ta' anqas minn sena. Huma għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dan li ġej:
- (a) ħaddiema transkonfinali, li huma ddefiniti bħala dawk il-persuni li kuljum jaqsmu l-fruntiera biex imorru għax-xogħol f'pajjiż ġar;
 - (b) ħaddiema staġunali, li huma ddefiniti bħala persuni li jtilqu mill-pajjiż għal diversi xhur skont l-istaġun, iżda mhux għal aktar minn sena;
 - (c) turisti, pazjenti, studenti, uffiċjali fuq żjarat, negozjanti, bejjieġha, artisti u membri ta' ekwipaġġi li jivvjaġġaw barra mill-pajjiż;
 - (d) persunal irreklutat lokalment li jaħdem fiż-żoni lil hinn u 'l barra mit-territorju li jaqgħu taħt gvern barrani;
 - (e) il-persunal tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali ċivili jew militari li l-kwartieri tagħhom jinsabu f'żoni u 'l barra mit-territorju;
 - (f) rappreżentanti uffiċjali, ċivili jew militari tal-gvern tal-pajjiż (inklużi l-unitajiet domestiċi tagħhom) stabbiliti f'żoni territorjali.
- L-istudenti huma dejjem ittrattati bħala residenti, irrispettivament minn kemm ikun twil iż-żmien li jqattgħu jistudjaw barra mill-pajjiż.
- 2.11 L-unitajiet kollha fil-kapaċità tagħhom ta' sidien ta' art u/jew bini li jiffurmaw parti mit-territorju ekonomiku huma unitajiet residenti jew unitajiet residenti nozzjonali tal-pajjiż li fih ikunu jinsabu dik l-art jew dawk il-bini inkwistjoni.

L-UNITAJIET ISTITUZZJONALI

- 2.12 *Definizzjoni:* unità istituzzjonali hija entità ekonomika kkaratterizzata minn awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-eżekuzzjoni tal-funzjoni prinċipali tagħha. Unità residenti titqies bħala unità istituzzjonali fit-territorju ekonomiku fejn għandha ċ-ċentru ta' interess ekonomiku predominanti tagħha jekk ikollha awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u, jew iżżomm ġabra sħiħa ta' kontijiet jew tkun tista' tikkompila ġabra sħiħa ta' kontijiet.

Biex ikollha awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tat-tweqqiq tal-funzjoni prinċipali tagħha, entità għandha tkun:

- (a) intitolata għal assi u oġġetti proprji tagħha bis-saħħa ta' drittijiet; u tkun tista' tiskambja sjieda ta' oġġetti u assi permezz ta' transazzjonijiet ma' unitajiet istituzzjonali oħra;
- (b) permessa tagħmel deċiżjonijiet ekonomiċi u tinvolvi ruħha f'attivitàjiet ekonomiċi li għalihom hija nnifisha titqies responsabbli direttament quddiem il-liġi;
- (c) kapaċi ġġarrab passivi fisimha, u tidħol għal obbligi oħrajn jew impenji ulterjuri u tidħol f'kontratti; u
- (d) kapaċi tiġbor ġabra sħiħa ta' kontijiet li tkun tikkonsisti f'dokumentazzjoni ta' kontabbiltà li tkopri t-transazzjonijiet kollha li jkunu twettqu matul il-perijodu bażi tal-kontijiet, u karta tal-bilanċ tal-assi u l-passivi.

- 2.13 Il-prinċipji li ġejjin japplikaw kull meta entità ma jiddistingwixxuhex il-karatteristiċi ta' unità istituzzjonali:
- (a) l-unitajiet domestiċi dejjem jitqiesu li jgawdu awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet marbuta mat-tweqqif tal-funzjoni prinċipali tagħhom u għalhekk huma unitajiet istituzzjonali minkejja dan, anki jekk ma jkollhomx fil-pussess tagħhom ġabra sħiħa ta' kontijiet;
 - (b) entitajiet li ma jżommux ġabra sħiħa ta' kontijiet, u li ma jkunux kapaċi jikkompilaw ġabra sħiħa ta' kontijiet jekk ikun meħtieġ, mhumiex unitajiet istituzzjonali;
 - (c) entitajiet li, filwaqt li għandhom fil-pussess tagħhom ġabra sħiħa ta' kontijiet, ma jkollhomx awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, huma parti mill-unitajiet li jikkontrollawhom;
 - (d) entitajiet ma jhejtiegħilhomx jipubblikaw il-kontijiet biex ikunu unità istituzzjonali;
 - (e) entitajiet li jiffurmaw parti minn grupp ta' unitajiet involuti fil-produzzjoni u li għandhom fil-pussess tagħhom ġabra sħiħa ta' kontijiet jitqiesu bħala unitajiet istituzzjonali, anki jekk ikunu ċedew parti mill-awtonomija tagħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet lill-korp ċentrali (l-uffiċċju ċentrali) responsabbli għad-direzzjoni ġenerali tal-grupp; l-uffiċċju ċentrali nnifsu jitqies li huwa unità istituzzjonali li jintgħażel mill-unitajiet li huma kkontrollati minnu;
 - (f) organizzazzjonijiet li l-istatus tagħhom ikun kważi ta' korporazzjoni huma entitajiet li jżommu ġabra sħiħa ta' kontijiet u ma għandhomx status legali. L-imġieba ekonomika u finanzjarja tagħhom hija differenti minn dik tas-sidien tagħhom iżda simili għal dik ta' korporazzjoni. Dawn jitqiesu li għandhom awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u huma kkunsidrati bħala unitajiet istituzzjonali distinti.

Uffiċċji ċentrali u kumpanniji holding

- 2.14 L-uffiċċji ċentrali u l-kumpanniji holding huma unitajiet istituzzjonali. Iż-żewġ tipi huma:
- (a) uffiċċju ċentrali huwa unità li ttwettaq kontroll maniġerjali fuq is-sussidjarji tagħha. L-uffiċċji ċentrali huma allokati lis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji dominanti tas-sussidjarji tagħhom, sakemm dawn is-sussidjarji tagħhom kollha jew parti kbira minnhom ma jkunux korporazzjonijiet finanzjarji, fliema każ jiġu trattati bħala awżiljari finanzjarji (S.126) fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji.

Fejn teżisti taħlita ta' sussidjarji finanzjarji u sussidjarji mhux finanzjarji, il-klassifikazzjoni tas-settur tiġi stabbilita mis-sehem predominanti bil-valur miżjud.

L-uffiċċji ċentrali huma deskritti taħt l-Istandard Internazzjonali ta' Klassifika Industrijali tar-Reviżjoni ta' Kull Attività Ekonomika (ISIC Rev. 4), it-Taqsima M, il-klassi 7010 (NACE Rev. 2, M 70.10) kif ġej:

Din il-klassi tinkludi s-sorveljanza u l-immaniġġjar ta' unitajiet oħrajn tal-kumpanija jew l-impriża; ir-responsabbiltà għall-ippjanar strateġiku jew organizzattiv u għar-rwol tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpanija jew l-impriża; it-tweqqif ta' kontroll operattiv u l-immaniġġjar ta' kuljum tal-operazzjoni tal-unitajiet relatati tagħhom.
 - (b) Kumpanija holding li żżomm l-assi tal-korporazzjonijiet sussidjarji iżda li ma ttwettaqx attivitajiet maniġerjali hija istituzzjoni finanzjarja kaptiva (S.127) u hija kklassifikata bħala korporazzjoni finanzjarja.

Il-kumpanniji holding huma deskritti taħt ISIC Rev. 4, it-Taqsima K, il-klassi 6420 (NACE Rev. 2, K 64.20), kif ġej:

Din il-klassi tinkludi l-attivitajiet ta' kumpanniji holding, jiġifieri unitajiet li jżommu l-assi (għandhom f'idejhom livelli ta' kontroll tal-ekwità) ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-pussess tal-grupp. Il-kumpanniji holding f'din il-klassi ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tinżamm l-ekwità, jiġifieri ma jamministrawx jew ma jimmaniġġjawx unitajiet oħrajn.

Gruppi ta' korporazzjonijiet

- 2.15 Gruppi kbar ta' korporazzjonijiet jinħolqu meta kumpanija prinċipali tikkontrolla għadd ta' sussidjarji li min-naħa tagħhom jikkontrollaw is-sussidjarji tagħhom, li min-naħa tagħhom ikomplu jsegwu dan il-mudell. Kull membru tal-grupp huwa ttrattat bħala unità istituzzjonali separata jekk dan jissodisfa d-definizzjoni ta' unità istituzzjonali.
- 2.16 Vantaġġ li gruppi ta' korporazzjonijiet ma jiġux ittrattati bħala unitajiet istituzzjonali unċi huwa li l-gruppi mhux dejjem ikunu stabbli fit-tul taż-żmien, u lanqas ma jkun fuq il-faċilità identifikabbli fil-prattika. Jaf ikun diffiċli li wieħed jikseb *data* dwar gruppi li l-attivitajiet tagħhom mhumiex integrati mill-qrib. Bosta gruppi huma kbar u eteroġeni wisq biex jiġu trattati bħala unitajiet unċi, u d-daqs u l-kompożizzjoni tagħhom jafu jinbidlu maż-żmien minħabba fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet.

Entitajiet bi Skop Speċjali

- 2.17 Entità bi skop speċjali (SPE) jew vettura b'għan speċjali (SPV) normalment hija kumpanija b'responsabbiltà limitata jew sħubija b'responsabbiltà limitata, maħluq għall-ilħuq ta' għanijiet ristretti, speċifiċi jew temporanji u biex jiżola riskju finanzjarju, riskju speċifiku marbut mat-tassazzjoni jew riskju regolatorju.
- 2.18 M'hemmx definizzjoni komuni ta' SPE, iżda dawn il-karatteristiċi li ġejjin huma tipiċi:
- (a) ma jkollhomx impjegati jaħdmu magħhom u lanqas ma jkollhom assi mhux finanzjarji;
 - (b) il-preżenza fiżika tagħhom ma tkunx prominenti u ma jkollhomx għajr "plakka tar-ramm" jew sinjal li jikkonfermaw il-post tar-reġistrazzjoni tagħhom;
 - (c) dejjem ikunu marbuta ma' korporazzjoni oħra, ġeneralment bħala sussidjarja;
 - (d) ikunu residenti f'territorju differenti mit-territorju ta' residenza tal-korporazzjonijiet marbuta magħha. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe preżenza fiżika li tqarribha lejn l-istatus ta' impriża, ir-residenza tagħha hija stabbilita skont it-territorju ekonomiku li abbażi tal-liġijiet tiegħu l-impriża tkun inkorporata jew irreġistrata;
 - (e) dawn huma mmaniġġjati minn impjegati ta' korporazzjoni oħra li tista' jew mhux bilfors tkun relatata magħha. L-SPE tħallas imposti għas-servizzi pprovduti lilha u, min-naħa tagħha, hija tiċċarġja miżata lill-korporazzjoni prinċipali tagħha jew lil korporazzjoni oħra relatata magħha sabiex tkopri daww l-ispejjeż. Din hija l-unika produzzjoni li l-SPE hija involuta fiha, għalkemm ħafna drabi teħel drittijiet finanzjarji fisem sidha u ġeneralment tirċievi introjtu mill-investimenti u qligħ nominali fuq l-assi miżmuma minnha.
- 2.19 Unità ta' dan it-tip għandha tiġi ttrattata bl-istess mod li bih tiġi ttrattata kwalunkwe unità istituzzjonali oħra, indipendentement minn jekk għandhiex il-karatteristiċi kollha elenkati hawn fuq, jew l-ebda waħda minnhom, jew jekk tiġi deskritta bħala SPE jew tingħatax klassifikazzjoni simili. L-unità tiġi allokata fis-settur u l-industrija skont l-attività prinċipali tagħha sakemm l-SPE ma jkollhiex drittijiet indipendenti ta' azzjoni.
- 2.20 Għalhekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi, is-sussidjarji artifiċjali u l-unitajiet bi skop speċjali ta' gvern ġenerali li mhumiex indipendenti biex jieħdu azzjoni huma allokati lis-settur li fiha taqa' l-entità li tikkontrollahom. Hemm eċċezzjoni meta dawn ma jkunux residenti, fejn dawn ikunu rikonossuti b'mod separat mill-entità li tikkontrollahom. Iżda fil-każ ta' gvern, l-attivitàjiet tas-sussidjarji għandhom jiġu riflessi fil-kontijiet tal-gvern.

Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi

- 2.21 Kumpanija holding li sempliċement ikollha fil-pussess tagħha l-assi tas-sussidjarji hija eżempju wieħed ta' istituzzjoni finanzjarja kaptiva. Eżempji ta' unitajiet oħra li huma wkoll trattati bħala istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi huma unitajiet li għandhom il-karatteristiċi ta' SPE kif imfisser hawn fuq, inklużi l-fondi tal-investment u l-pensjoni u l-unitajiet li jintużaw għaż-żamma u l-immaniġġjar tal-ġid bħala servizz għal individwi jew familji, għall-ħruġ ta' titoli fisem kumpanniji relatati (kumpannija bħal din tissejjaħ "conduit"), u li jwettqu funzjonijiet finanzjarji oħra.
- 2.22 Il-grad ta' indipendenza li unità jkollha mill-korporazzjoni prinċipali jista' jintwera billi l-unità tħaddem kontroll sustantiv fuq l-assi u l-passivi tagħha b'mod li tassumi r-riskji u tgawdi mill-kumpens assoċjat mal-assi u l-passivi. Dawn l-unitajiet huma kklassifikati fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji.
- 2.23 Entità ta' dan it-tip li ma tistax tiffunzjona indipendentement mill-korporazzjoni prinċipali tagħha u hija sempliċement detentriċi passiva tal-assi u l-passivi (xi drabi deskritta bħala li taħdem fuq "autopilot") mhijiex ittrattata bħala unità istituzzjonali separata sakemm ma tkunx residenti f'ekonomija differenti minn dik tal-korporazzjoni prinċipali tagħha. Jekk l-entità tkun residenti fl-istess ekonomija tal-korporazzjoni prinċipali tagħha, hija tiġi ttrattata bħala "sussidjarja artifiċjali" kif imfisser hawn taħt.

Sussidjarji artifiċjali

- 2.24 Entità sussidjarja li kollha kemm hi tkun il-proprjetà ta' korporazzjoni prinċipali tista' tinħoloq biex tipprovdi servizzi lill-korporazzjoni prinċipali, jew lil korporazzjonijiet oħrajn fl-istess grupp, sabiex jiġu evitati t-taxxi, iċċekknu l-passivi kemm jista' jkun f'każ ta' falliment, jew sabiex jiġu żgurati vantaġġi tekniċi oħrajn taħt il-leġislazzjoni fiskali u komunalni fis-seħħ f'pajjiż partikolari.
- 2.25 B'mod ġenerali, tali tipi ta' entitajiet ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' unità istituzzjonali għaliex ma għandhomx is-setgħa li jaġixxu indipendentement mill-korporazzjoni prinċipali tagħhom u jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet fuq kemm ikunu jistgħu jżommu jew jinnegożjaw assi li jkollhom fil-karti tal-bilanċ tagħhom. Il-livell ta' produzzjoni tagħhom u l-prezz li jistgħu jirċievu għalih huma ddeterminati mill-korporazzjoni prinċipali li (possibbilment flimkien ma' korporazzjonijiet oħrajn fl-istess grupp) hija l-klijent uniku tagħhom. Huma, għaldaqstant, mhumiex ittrattati bħala unitajiet istituzzjonali separati iżda bħala parti integrali tal-korporazzjoni prinċipali u l-kontijiet tagħhom huma kkonsolidati ma' daww tal-korporazzjoni prinċipali, sakemm ma jkunux residenti f'territorju ekonomiku differenti minn dak fejn il-prinċipali hija residenti.

- 2.26 Trid issir distinzjoni bejn sussidjarji artifiċjali bħal dawk li għadhom kemm tfissru u unità li hija responsabbli biss għal attivitajiet anċillari. Attivitajiet anċillari għandhom ambitu limitat għat-tip ta' funzjoni ta' servizz li virtwalment l-imprezzi kollha jeħtieġu sa ċertu punt bħat-tindif tal-postijiet tax-xogħol, il-ħdim tas-sistemi tal-paga u l-provvediment tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-imprezza (ara l-Kapitolu 1, il-paragrafu 1.31).

Unitajiet bi skop speċjali ta' gvern ġenerali

- 2.27 Gvern ġenerali jista' wkoll joħloq unitajiet b'għan speċjali, b'karatteristiċi u funzjonijiet simili għal dawk tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u s-sussidjarji artifiċjali. Dawn l-unitajiet ma għandhomx is-setgħa li jaġixxu indipendentament u l-firxa ta' transazzjonijiet li jistgħu jimplementaw hija ristretta. Lanqas ma jistgħu jgħorru r-riskji u l-kumpensi assoċjati mal-assi u l-passivi li huma jżommu. Jekk dawn l-unitajiet ikunu residenti, għandhom jiġu ttrattati bħala parti integrali tal-gvern ġenerali u mhux bħala unitajiet separati. Jekk ma jkunux residenti, għandhom jiġu ttrattati bħala unitajiet separati. Kwalunkwe transazzjoni implimentata minnhom barra mill-pajjiż għandha tiġi riflessa fi transazzjonijiet korrispondenti mal-gvern. Għalhekk, unità li tissellef minn barra titqies konsegwentement bħala li tkun sellfet l-istess ammont lill-gvern ġenerali, u bl-istess kondizzjonijiet ta' kif ikun sar it-tisliġ oriġinali.
- 2.28 Fil-qosor, il-kontijiet ta' SPEs mingħajr drittijiet indipendenti ta' azzjoni huma kkonsolidati mal-korporazzjoni prinċipali, sakemm ma jkunux residenti f'ekonomija differenti minn dik tal-prinċipali. Hemm eċċezzjoni waħda għal din ir-regola ġenerali, u din hija meta SPE li ma tkunx residenti tkun stabbilita mill-gvern.
- 2.29 Id-definizzjoni ta' unitajiet residenti nozzjonali għandha tkun:
- (a) Dawk il-partijiet ta' unitajiet mhux residenti li għandhom ċentru ta' interess ekonomiku predominanti (li fil-parti l-kbira tal-każi huma unitajiet jinvolvu ruħhom fi produzzjoni ekonomika għal tul ta' sena jew aktar) fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż;
 - (b) Unitajiet mhux residenti fil-kapaċità tagħhom bħala proprjetarji ta' art u/jew bini fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż, iżda fir-rigward tat-transazzjonijiet li jaffettwaw tali art jew bini biss.

L-unitajiet residenti nozzjonali, irrISPettivament minn jekk iżommux kontijiet parzjali u irrISPettivament mill-awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, għandhom jiġu ttrattati bħala unitajiet istituzzjonali.

- 2.30 Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala unitajiet istituzzjonali:
- (a) Unitajiet li jgawdu minn awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u li għandhom ġabra sħiħa ta' kontijiet bħal:
 - (1) korporazzjonijiet privati u pubbliċi;
 - (2) kooperattivi u sħubiji rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti;
 - (3) produtture pubbliċi li bis-saħħa ta' leġislazzjoni speċjali huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti;
 - (4) istituzzjonijiet li l-għan tagħhom mhuwiex dak li jaġhmlu l-profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti; u
 - (5) Aġenziji ta' gvern ġenerali.
 - (b) Unitajiet li għandhom ġabra sħiħa ta' kontijiet u li jitqiesu bħala li għandhom awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet minkejja li ma jkunux inkorporati separatament mill-kumpanija prinċipali tagħhom: unitajiet li l-istatus tagħhom huwa kważi dak ta' korporazzjoni;
 - (c) Unitajiet li mhux neċessarjament iżommu ġabra sħiħa ta' kontijiet, li iżda jitqiesu bħala li għandhom awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jiġifieri:
 - (1) unitajiet domestiċi;
 - (2) unitajiet residenti nozzjonali.

IS-SETTURI ISTITUZZJONALI


- 2.31 Analiżi makroekonomika ma tqisx l-azzjonijiet ta' kull unità istituzzjonali separatament iżda tikkunsidra l-attivitajiet aggregati ta' istituzzjonijiet li huma simili għal xulxin. Għaldaqstant l-unitajiet jiġu kkombinati fi gruppi msejħa setturi istituzzjonali, li wħud minnhom jinqasmu f'sottosetturi.

Tabella 2.1 — Setturi u sottosetturi

Settur u sottosetturi			Pubbliku	Nazzjonali Privat	Ikkontrollat minn barra l-pajjiż	
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji		S.11	S.11001	S.11002	S.11003	
Korporazzjonijiet finanzjarji		S.12				
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs)	Bank ċentrali	S.121				
	Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħrajn (OMFI)	Korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali	S.122	S.12201	S.12202	S.12203
			Fondi tas-suq tal-flus kontanti (MMFs)	S.123	S.12301	S.12302
Korporazzjonijiet finanzjarji għajr għall-MFIs u Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (ICPFs)	Fondi ta' investiment li mhumiex tal-MMF	S.124	S.12401	S.12402	S.12403	
	Intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni	S.125	S.12501	S.12502	S.12503	
	Awżiljari finanzjarji	S.126	S.12601	S.12602	S.12603	
	Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li jsejlfu l-flus	S.127	S.12701	S.12702	S.12703	
ICPFs	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (IC)	S.128	S.12801	S.12802	S.12803	
	Fondi tal-pensjoni (PF)	S.129	S.12901	S.12902	S.12903	
Gvern ġenerali		S.13				
Amministrazzjoni ċentrali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali)		S.1311				
Amministrazzjoni statali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali)		S.1312				
Amministrazzjoni lokali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali)		S.1313				
Fondi tas-sigurtà soċjali		S.1314				
Unitajiet domestiċi		S.14				
Min iħaddem u ħaddiema bil-kont proprju tagħhom		S.141+ S.142				
Impjegati		S.143				
Benefiċjarji ta' introjtu minn proprjeta' u trasferimenti		S.144				
Benefiċjarji ta' introjtu minn proprjeta'		S.1441				
Pensjonanti		S.1442				
Benefiċjarji ta' trasferimenti oħra		S.1443				
Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt u li jipprovdu servizz lill-unitajiet domestiċi		S.15				
Il-bqija tad-dinja		S.2				
L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea		S.21				
L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea		S.211				
L-Istituzzjonijiet u l-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea		S.212				
Pajjiżi mhux membri u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux residenti fl-Unjoni Ewropea		S.22				

2.32 Kull settur u sottosettur jiġbor flimkien l-unitajiet istituzzjonali li għandhom tip ta' mgħiba ekonomika simili.

Dijagramma 2.1 — Allokazzjoni tal-unitajiet għas-setturi



2.33 L-unitajiet istituzzjonali huma miġburin f'setturi fuq il-bażi tat-tip ta' produttur li huma u skont l-attività u l-funzjoni prinċipali tagħhom — elementi li huma kkunsidrati bħala indikattivi tal-imġieba ekonomika tagħhom.

2.34 Dijagramma 2.1 turi kif l-unitajiet huma allokat i fis-setturi ewlenin. Sabiex jiġi ddeterminat is-settur ta' unità li hija residenti u mhux unità domestika, skont id-dijagramma, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-unità hijiex ikkontrollata mill-gvern ġenerali jew le, u jekk hijiex produttur għas-suq jew mhux għas-suq.

- 2.35 Il-kontroll ta' korporazzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja għandu jiġi definit bħala l-abbiltà li tiddetermina l-politika korporattiva ġenerali, pereżempju billi jingħażlu d-diretturi adattati jekk meħtieġ.
- 2.36 Unità istituzzjonali unika (korporazzjoni oħra, unità domestika, istituzzjoni li l-għan tagħha mhux li tagħmel profitt jew unità tal-gvern) tiżgura kontroll fuq korporazzjoni jew entità li l-istatus tagħha huwa kważi ta' korporazzjoni, billi jkollha aktar min-nofs l-ishma bi dritt għall-vot jew inkella billi jkollha kontroll fuq aktar minn nofs is-setgħa għall-votazzjoni mill-azzjonisti.
- 2.37 Sabiex tikkontrolla aktar min-nofs tas-setgħa li għandhom l-azzjonisti fil-votazzjoni, unità istituzzjonali ma għandu għalfejn ikollha ebda ishma bi dritt għall-vot hi stess. Korporazzjoni speċifika, korporazzjoni Ċ, tista' tkun sussidjarja ta' korporazzjoni oħra B li fiha hemm it-tielet korporazzjoni A li jkollha maġġoranza ta' ishma bi dritt għall-vot. Korporazzjoni Ċ titqies bħala sussidjarja ta' Korporazzjoni B jekk jew Korporazzjoni B tikkontrolla aktar minn nofs is-setgħa tal-votazzjoni tal-azzjonisti fil-Korporazzjoni Ċ jew Korporazzjoni B hija azzjonista fil-Korporazzjoni Ċ bidritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tad-diretturi ta' Korporazzjoni Ċ.
- 2.38 Il-gvern ġenerali jiżgura l-kontroll ta' korporazzjoni b'riżultat ta' leġislazzjoni speċjali, digriet jew regolament li jagħti s-setgħa lill-gvern jiddeċiedi dwar il-politika korporattiva. L-indikaturi li ġejjin huma l-fatturi ewlenin li jridu jitqiesu biex jiġi deċiż jekk korporazzjoni hijiex ikkontrollata minn gvern:
- (a) sjieda maġġoritarja tal-interess bil-vot mill-gvern;
 - (b) kontroll mill-gvern tal-bord jew entità tat-tmexxija;
 - (c) kontroll mill-gvern tal-ħatra jew it-tneħħija ta' persunal ewlieni;
 - (d) kontroll mill-gvern tal-kumitati ewlenin fl-entità;
 - (e) appartanenza ta' sehem tad-deheb mill-gvern;
 - (f) regolamenti speċjali;
 - (g) il-gvern ikun klijent dominanti;
 - (h) self mill-gvern.
- Biżżejjed indikatur wieħed biex jiġi stabbilit il-kontroll, iżda, f'xi każijiet oħra, għadd ta' indikaturi separati jistgħu flimkien jindikaw il-kontroll.
- 2.39 Fil-każ tal-istituzzjonijiet li mhumiex intiżi għall-profitt li huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti, il-ħames indikaturi tal-kontroll huma meqjusa kif ġej:
- (a) il-ħatra tal-uffiċjali;
 - (b) id-dispożizzjonijiet tal-istrumenti abilitanti;
 - (c) il-ftehimiet kuntrattwali;
 - (d) il-grad tal-finanzjament;
 - (e) il-grad tal-esponiment tar-riskju tal-gvern.
- Bħal fil-każ tal-korporazzjonijiet, biżżejjed indikatur wieħed biex jiġi stabbilit il-kontroll f'xi każijiet, iżda f'każijiet oħra, għadd ta' indikaturi separati jistgħu flimkien jindikaw il-kontroll.
- 2.40 Id-differenzjar bejn l-entitajiet tas-suq u dawk li mhumiex tas-suq, u allura fil-każ tal-entitajiet tas-settur pubbliku l-klassifika tagħhom bejn is-settur tal-gvern ġenerali u s-settur tal-korporazzjonijiet, jiddependi fuq il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1.37.
- 2.41 Settur għandu jinqasam f'sottosetturi skont il-kriterji rilevanti għas-settur partikolari; pereżempju, il-gvern jista' jinqasam f'dak ċentrali, statali u lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali. Dan jippermetti deskrizzjoni aktar preċiża tal-imġieba ekonomika tal-unitajiet.

Fil-każ ta' setturi u sottosetturi, il-kontijiet jirreġistraw l-attivitajiet kollha, sew jekk prinċipali inkella sekondarji, tal-unitajiet istituzzjonali koperti mis-settur inkwistjoni.

Kull unità istituzzjonali tappartjeni għal settur jew sottosettur wieħed biss.

- 2.42 Meta l-funzjoni prinċipali tal-unità istituzzjonali hija li tipproduċi oġġetti jew servizzi, għandu qabel xejn jiġi deċiż it-tip ta' produttur, ħalli jiġi allokat f'settur.
- 2.43 It-Tabella 2.2 turi t-tip ta' produttur, u l-attività prinċipali u l-funzjonijiet li jikkarakterizzaw lil kull settur:

Tabella 2.2 — It-tip ta' produttur, u l-attivitajiet prinċipali u l-funzjonijiet ikklassifikati skont is-settur

Tip ta' produttur	Attività prinċipali u funzjoni	Settur
Produttur tas-suq	Produzzjoni ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)
Produttur tas-suq	Intermedjazzjoni finanzjarja inklużi attivitajiet finanzjarji awżiljari ta' assigurazzjoni	Korporazzjonijiet finanzjarji (S.12)
Produttur pubbliku mhux tas-suq	Produzzjoni u provvista ta' output mhux għas-suq għall-konsum kollettiv u individwali, u li jwettqu transazzjonijiet intiżi għar-ridistribuzzjoni tal-introjt u l-ġid nazzjonali	Gvern ġenerali (S.13)
Produttur tas-suq jew produttur privat għal użu finali proprju	Konsum Produzzjoni ta' output tas-suq u output għal użu proprju	Unitajiet domestiċi (S.14) Bħala konsumaturi Bħala intraprendituri
Produttur privat mhux tas-suq	Produzzjoni u provvista ta' output mhux tas-suq għall-konsum individwali	Istituzzjonijiet mhux intiżi għall-profit li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.15)

- 2.44 Is-settur tal-bqija tad-dinja (S.2) jirreferi għall-flussi u l-pożizzjonijiet bejn l-unitajiet residenti u dawk li mhumiex residenti — l-unitajiet li mhumiex residenti mhumiex ikkaratterizzati minn għanijiet u tipi ta' mgħiba simili, iżda huma rikonoxxuti biss permezz tal-flussi u l-pożizzjonijiet tagħhom fl-unitajiet residenti.

Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji (S.11)

- 2.45 *Definizzjoni:* Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produtturi tas-suq u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jinkludi wkoll entitajiet kważi korporazzjonijiet ta' natura mhux finanzjarja. (ara l-paragrafu 2.13(f))
- 2.46 L-unitajiet istituzzjonali jkopru dawn li ġejjin:
- korporazzjonijiet privati u pubbliċi li huma produtturi tas-suq involuti prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji;
 - kooperattivi u sħubiji rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti li huma produtturi tas-suq involuti prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji;
 - produtturi pubbliċi li huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti u li prinċipalment huma produtturi tas-suq involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji;
 - istituzzjonijiet jew assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' profit li jservu ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji, li huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti u li prinċipalment huma produtturi tas-suq involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji;
 - uffiċċji ċentrali li jikkontrollaw grupp ta' korporazzjonijiet li huma produtturi tas-suq, fejn it-tip ta' attività predominanti tal-grupp tal-korporazzjonijiet kollu kemm hu — imkejjet abbażi tal-valur miżjud — huwa l-produzzjonijiet ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji;

- (f) l-SPEs li l-attività prinċipali tagħhom hija l-forniment tal-oġġetti jew servizzi mhux finanzjarji;
- (g) entitajiet kważi korporazzjonijiet privati u pubbliċi li huma produttori tas-suq involuti prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji.
- 2.47 “Entitajiet kważi korporazzjonijiet mhux finanzjarji” huma l-entitajiet kollha li huma produttori tas-suq prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jikkwalifikawhom bħala entitajiet kważi korporazzjonijiet (ara l-punt (f) tal-paragrafu 2.13).
- L-entitajiet kważi korporazzjonijiet mhux finanzjarji iridu jżommu biżżejjed informazzjoni li tippermettilhom il-kompilazzjoni ta' ġabra sħiħa ta' kontijiet, u jitħaddmu bħallikieku kienu korporazzjonijiet. Ir-relazzjoni reali mal-propretarju hi bħal dik ta' korporazzjoni mas-sidien tal-ishma tagħha.
- L-entitajiet kważi korporazzjonijiet mhux finanzjarji l-propretarju tagħhom huma unitajiet domestiċi, unitajiet ta' gvern jew istituzzjonijiet mhux intiżi għall-profitt huma miġbura fi grupp ta' korporazzjoni mhux finanzjarji fis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, u mhux fis-settur tal-propretarju tagħhom.
- 2.48 L-eżistenza ta' ġabra sħiħa ta' kontijiet, inklużi karti tal-bilanċ, mhix kondizzjonijiet suffiċjenti biex produttori tas-suq jiġu trattati bħala unitajiet istituzzjonali bħal entitajiet kważi korporazzjonijiet. Is-sħubiji u l-produttori pubbliċi, għajr dawk inklużi fil-punti (a), (b), (c) u (f) tal-paragrafu 2.46 u l-proprjetarji uniċi — anki jekk iżommu ġabra sħiħa ta' kontijiet — ġeneralment mhumiex unitajiet istituzzjonali distinti billi dawn ma jgawdux minn awtonomija fit-teħid tad-deċizzjonijiet, billi huma jkunu mmexxjin mill-unitajiet domestiċi, l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt jew il-gvernijiet li huma s-sidien tagħhom.
- 2.49 Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jinkludu unitajiet residenti nozzjonali li huma ttrattati bħala entitajiet kważi korporazzjonijiet.
- 2.50 Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji huwa maqsum fi tliet sottosetturi:
- (a) korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji (S.11001);
- (b) korporazzjonijiet privati nazzjonali mhux finanzjarji (S.11002);
- (c) korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż (S.11003).

Sottosettur: Korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji (S.11001)

- 2.51 *Definizzjoni:* Fis-sottosettur tal-korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji huma inklużi l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kollha, l-entitajiet li l-istatus tagħhom huwa kważi dak ta' korporazzjoni u l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, li huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti, li huma produttori għas-suq, u huma suġġetti għal kontroll minn unitajiet tal-gvern.
- 2.52 Entitajiet pubbliċi li l-istatus tagħhom huwa kważi dak ta' korporazzjoni huma entitajiet li s-sjieda diretta tagħhom hija ta' unitajiet tal-gvern.

Sottosettur: Korporazzjonijiet privati nazzjonali mhux finanzjarji (S.11002)

- 2.53 *Definizzjoni:* Is-sottosettur tal-korporazzjonijiet privati nazzjonali mhux finanzjarji huma inklużi l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kollha, l-entitajiet li l-istatus tagħhom huwa kważi dak ta' korporazzjoni u l-istituzzjonijiet li l-għan tagħhom mhuwiex dak li jagħmlu l-profitt, li huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti, u li huma produttori għas-suq, li mhumiex ikkontrollati mill-gvern jew minn unitajiet istituzzjonali mhux residenti.

Dan is-sottosettur jinkludi unitajiet korporattivi u ta' status kważi korporattiv ta' investiment dirett barrani mhux ikklassifikati fis-sottosettur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż (S.11003).

Sottosettur: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż (S.11003)

- 2.54 *Definizzjoni:* Is-sottosettur ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż jinkludi l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni li huma kkontrollati minn unitajiet istituzzjonali mhux residenti.

Dan is-sottosettur jinkludi:

- (a) is-sussidjarji kollha tal-korporazzjonijiet mhux residenti;
- (b) il-korporazzjonijiet kollha kkontrollati minn unità istituzzjonali mhux residenti li fiha nfisha mhijiex korporazzjoni; pereżempju, korporazzjoni li hija kkontrollata minn gvern barrani. Huwa jinkludi wkoll il-korporazzjonijiet ikkontrollati minn grupp ta' unitajiet mhux residenti li jagħxu flimkien;

- (c) il-fergħat kollha jew aġenziji oħrajn mhux inkorporati ta' korporazzjonijiet mhux residenti jew produtturi mhux inkorporati li huma unitajiet residenti nozzjonali.

Korporazzjonijiet Finanzjarji (S.12)

- 2.55 *Definizzjoni:* Is-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji (S.12) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produtturi tas-suq u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' servizzi finanzjarji. Tali unitajiet istituzzjonali jikkonsistu fil-korporazzjonijiet u l-entitajiet kważi korporazzjonijiet li huma involuti prinċipalment f'dan li ġej:

(a) l-intermedjazzjoni finanzjarja (intermedjarji finanzjarji); u/jew

(b) attivitajiet finanzjarji awżiljarji (awżiljarji finanzjarji).

Huma inklużi wkoll l-unitajiet istituzzjonali li jipprovdu s-servizzi finanzjarji, li fil-każ tagħhom il-biċċa l-kbira tal-assi jew tal-passivi tagħhom mhumiex soġġetti għal transazzjonijiet fis-swieq miftuħa.

- 2.56 L-intermedjazzjoni finanzjarja hija l-attività li fiha unità istituzzjonali takkwista assi finanzjarji u għarrab passivi fil-kont proprju tagħha bl-involvement ta' transazzjonijiet fis-suq. L-assi u l-passivi ta' intermedjarji finanzjarji jiġu trasformati jew mogħtija dehra ġdida fir-rigward ta' pereżempju l-maturità, l-iskala, ir-riskju eċċ. fil-proċess tal-intermedjazzjoni finanzjarja.

L-attivitajiet finanzjarji awżiljarji huma attivitajiet relatati ma' intermedjazzjoni finanzjarja, iżda li, fihom infusom, ma jinvolvu intermedjazzjoni finanzjarja.

Intermedjarji finanzjarji

- 2.57 Il-proċess ta' intermedjazzjoni finanzjarja, jikkonala l-fondi bejn partijiet terzi b'eċċess u dawk b'nuqqas ta' fondi. Intermedjarju finanzjarju ma jaġixx biss bħala aġent għall-unitajiet istituzzjonali l-oħra iżda jqiegħed lilu nnifso f'riskju billi jakkwista l-assi finanzjarji u jidħol għar-responsabbiltajiet finanzjarji fuq il-kont proprju tiegħu.
- 2.58 Fil-proċess ta' intermedjazzjoni finanzjarja, jistgħu jkunu involuti l-kategoriji kollha ta' passività ħlief għall-kategorija ta' passività ta' kontijiet oħra pagabbli (AF.8). L-assi finanzjarji involuti fil-proċess tal-intermedjazzjoni finanzjarja jistgħu jiġu kklassifikati fi kwalunkwe kategorija għajr għall-kategorija tal-assigurazzjoni, pensjoni u skemi ta' garanzija standardizzati (AF.6) iżda bl-inklużjoni tal-kategorija ta' kontijiet oħrajn riċevibbli. L-intermedjarji finanzjarji jistgħu jinvestu l-fondi tagħhom f'assi mhux finanzjarji inkluż fil-proprjetà immobbli. Biex korporazzjoni tkun tista' titqies intermedjarja finanzjarja tkun teħtieġ tidħol għar-responsabbiltajiet finanzjarji fis-suq u tittrasforma l-fondi. Il-korporazzjonijiet tal-proprjetà immobbli mhumiex intermedjarji finanzjarji.
- 2.59 Fil-funzjoni tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni huwa inkluż il-ġbir komuni tar-riskji. Il-passivi ta' tali istituzzjonijiet huma l-assigurazzjoni, il-pensjoni u l-iskemi ta' garanzija standardizzati (AF.6). Il-kontropartijiet tal-passivi huma l-investimenti mill-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni, li jaġixxu bħala intermedjarji finanzjarji.
- 2.60 Il-fondi tal-investment, li huma msemmija hawn taħt bħala fondi tas-suq tal-flus (MMFs) u fondi mhux tas-suq tal-flus (mhux MMFs) primarjament jidħlu għal responsabbiltajiet finanzjarji permezz tal-ħruġ ta' ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investment (AF.52). Dawn jitransformaw dawk il-fondi billi jakkwistaw assi finanzjarji u/jew proprjetà immobbli. Il-fondi ta' investment huma kklassifikati bħala intermedjarji finanzjarji. Kwalunkwe bidla fil-valur tal-assi u l-passivi tagħhom għajr għall-ishma proprji tagħhom hija riflessa fil-fondi li jappartjenu lilhom (ara l-paragrafu 7.07). Billi l-ammont ta' fondi proprji huwa ekwivalenti għall-valur tal-ishma jew l-unitajiet tal-fondi ta' investment, kwalunkwe bidla fil-valur ta' tali assi u passivi tal-fond tkun riflessa fil-valur tas-suq ta' dawn l-assi jew unitajiet. Fondi ta' investment investiti fi proprjetà immobbli huma intermedjarji finanzjarji.
- 2.61 L-intermedjazzjoni finanzjarja hija limitata għall-akkwist ta' assi u l-passivi għal responsabbiltajiet finanzjarji mal-pubbliku ġenerali jew ma' sottogrupperi tiegħu speċifikati u relattivament kbar. Meta l-attività hija limitata għal grupperi żgħar ta' persuni jew familji, ma sseħħ l-ebda intermedjazzjoni finanzjarja.
- 2.62 Jista' jkun hemm eċċezzjonijiet għal-limitazzjoni ġenerali ta' intermedjazzjoni finanzjarja għal transazzjonijiet finanzjarji fis-suq. Il-kreditu municijali u l-banek tat-tfaddil huma eżempji ta' dan: dawn iserrħu fuq il-muniċipalità involuta, jew fuq korporazzjonijiet ta' kiri finanzjarju fit-tul li jkunu jiddependu minn grupp prinċipali ta' kumpanniji biex jakkwistaw jew jinvestu l-fondi. L-għoti tagħhom b'self u l-aċċettazzjoni tagħhom tat-tfaddil għandhom ikunu indipendenti mill-muniċipalità involuta jew mill-grupp prinċipali, rispettivament, biex jiġu kklassifikati bħala intermedjarji finanzjarji.

Awżiljari finanzjarji

- 2.63 Attivitajiet awżiljari finanzjarji jinkludu attivitajiet awżiljari ta' tisrif ta' transazzjonijiet f'assi finanzjarji u passivi jew ta' trasformazzjoni jew ippakkettar mill-ġdid ta' fondi. L-awżiljari finanzjarji ma jesponux lilhom infushom għar-riskji bl-akkwist ta' assi finanzjarji jew id-dħul għal passivi. L-għan tagħhom huwa li jiffaċilitaw l-intermedjazzjoni finanzjarja. L-uffiċċji ċentrali, li s-sussidjarji tagħhom kollha jew kważi kollha huma korporazzjonijiet finanzjarji huma awżiljari finanzjarji.

Korporazzjonijiet finanzjarji għajr għal intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji

- 2.64 Korporazzjonijiet finanzjarji oħra għajr għal intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji huma unitajiet istituzzjonali li jipprovdu servizzi finanzjarji. It-transazzjoni tal-parti l-kbira mill-assi u l-passivi tagħhom ma ssirx fi swieq miftuħa.

Unitajiet istituzzjonali inklużi fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji

- 2.65 L-unitajiet istituzzjonali inklużi fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji (S.12) huma dawn:
- (a) korporazzjonijiet pubbliċi jew privati li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u/jew f'attivitajiet finanzjarji awżiljari;
 - (b) kooperattivi u partenarjati rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u/jew f'attivitajiet finanzjarji awżiljari;
 - (c) produttori pubbliċi rikonoxxuti bħala entitajiet legali, li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u/jew f'attivitajiet finanzjarji awżiljari;
 - (d) istituzzjonijiet li l-għan tagħhom mhuwiex dak li jagħmlu profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali, li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u/jew f'attivitajiet finanzjarji awżiljari, jew li jkunu qed iservu bħala korporazzjonijiet finanzjarji;
 - (e) uffċċji ċentrali f'każ fejn is-sussidjarji kollha jew il-parti l-kbira tagħhom huma, bħala korporazzjonijiet finanzjarji, prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u/jew f'attivitajiet finanzjarji awżiljari. Dawn l-uffċċji ċentrali huma kklassifikati bħala awżiljari finanzjarji (S.126);
 - (f) kumpanniji holding, meta r-rwol ewlieni tal-korporazzjoni huwa ż-żamma tal-assi ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji. In-natura tal-grupp tista' tkun finanzjarja jew mhux finanzjarja – dan ma jaffettwax il-klassifikazzjoni ta' kumpanniji holding bħala istituzzjonijiet finanzjarja kaptivi (S.127);
 - (g) l-SPEs li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu servizzi finanzjarji;
 - (h) fondi ta' investiment mhux inkorporati li jinkludu portfolji ta' investiment li s-sjeda tagħhom hi tal-grupp ta' parteċipanti, u li, ġeneralment, il-ġestjoni tagħhom hija f'idejn korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn. Dawn il-fondi huma unitajiet istituzzjonali separati mill-korporazzjoni finanzjarja ta' ġestjoni;
 - (i) unitajiet mhux inkorporati li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u soġġetti għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni (fil-parti l-kbira tal-każi, ikklassifikati bħala korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali, il-korporazzjonijiet tal-assurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni) jitqiesu bħala unitajiet li jgawdu minn awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u li l-immaniġġjar tagħhom huwa awtonomu u indipendenti mis-sidien tagħhom; l-imġieba ekonomika u finanzjarja tagħhom hija simili għal dik ta' korporazzjonijiet finanzjarji. F'dan il-każ huma ttrattati bħala unitajiet istituzzjonali separati. Eżempju ta' dan huma l-fergħat ta' korporazzjonijiet finanzjarji mhux residenti.

Sottosetturi ta' korporazzjonijiet finanzjarji

- 2.66 Is-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji jinqasam f'dawn is-sottosetturi:
- (a) bank ċentrali (S.121);
 - (b) korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali (S.122);
 - (c) fondi tas-suq tal-flus (MMFs) (S.123);
 - (d) fondi ta' investiment li mhumiex tal-MMF (S.124);
 - (e) intermedjarji finanzjarji oħra, għajr għal korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125);
 - (f) awżiljari finanzjarji (S.126);
 - (g) istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li jagħtu l-flus b'self (S.127);

(h) korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128); u

(i) fondi tal-pensjoni (S.129).

L-ikkombinar tas-sottosetturi ta' korporazzjonijiet finanzjarji

- 2.67 L-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) kif definiti mill-BĊE jikkonsistu fl-unitajiet istituzzjonali kollha inklużi fis-sottosetturi tal-bank ċentrali (S.121), il-korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti, għajr għall-bank ċentrali (S.122) u l-MMF (S.123).
- 2.68 Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra jikkonsistu f'dawn l-intermedjarji finanzjarji li permezz tagħhom l-effetti tal-politika monetarja tal-bank ċentrali (S.121) huma trażmessi lill-entitajiet l-oħra tal-ekonomija. Dawn huma korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali (S.122) u l-MMF (S.123).
- 2.69 Intermedjarji finanzjarji li jieħdu ħsieb il-ġbir komuni tar-riskji huma l-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni (ICPF). Dawn jikkonsistu fis-sottosetturi tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) u fondi tal-pensjoni (S.129).
- 2.70 Korporazzjonijiet finanzjarji għajr għall-MFI u l-ICPF jikkonsistu fis-sottosetturi tal-fondi ta' investment li mhumiex l-MMF (S.124), intermedjarji finanzjarji oħra, għajr għall-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni (S.125), l-awżiljari finanzjarji (S.126) u l-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li l-attività tagħhom hija l-għoti ta' flus b'self (S.127).

Qsim sekondarju tas-sottosetturi tal-korporazzjonijiet finanzjarji f'korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi, nazzjonali, privati u dawk taħt kontroll barrani

2.71 Għajr għas-sottosettur S.121, kull sottosettur jerġa' jinqasam fi:

- (a) korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi;
- (b) korporazzjonijiet finanzjarji privati nazzjonali; u
- (c) korporazzjonijiet finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż.

Il-kriterji għal din is-suddiviżjoni huma l-istess bħal fil-każ tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ara l-paragrafi minn 2.51 sa 2.54).

Tabella 2.3 — Is-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji u s-sottosetturi tiegħu

Setturi u sottosetturi:		Pubbliċi	Nazzjonali Privat	Ikkontrollat minn barra l-pajjiż		
Korporazzjonijiet finanzjarji		S.12				
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI)	Bank ċentrali	S.121				
	Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħrajn (OMFI)	Korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali	S.122	S.12201	S.12202	S.12203
	MMF	S.123	S.12301	S.12302	S.12303	
Korporazzjonijiet finanzjarji għajr għall-MFI u l-ICPF	Fondi ta' investment li mhumiex tal-MMF	S.124	S.12401	S.12402	S.12403	
	Intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni;	S.125	S.12501	S.12502	S.12503	
	Awżiljari finanzjarji	S.126	S.12601	S.12602	S.12603	
	Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li jagħtu l-flus b'self	S.127	S.12701	S.12702	S.12703	
Korporazzjonijiet ta' assicurazzjoni u fondi tal-pensjoni (ICPFs)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (IC)	S.128	S.12801	S.12802	S.12803	
	Fondi tal-pensjoni (PF)	S.129	S.12901	S.12902	S.12903	

Bank ċentrali (S.121);

- 2.72 *Definizzjoni:* Is-sottosettur "bank ċentrali" (S.121) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-unitajiet ta' status kważi korporattiv finanzjarji kollha li l-funzjoni prinċipali tagħhom hija l-ħruġ tal-munita, iż-żamma tal-valur intern u estern tal-munita u l-kontroll tar-riżervi internazzjonali kollha (jew parti minnhom) tal-pajjiż.
- 2.73 L-intermedjarji finanzjarji li ġejjin huma kklassifikati fis-sottosettur S.121:
- (a) il-bank ċentrali nazzjonali, anki fejn dan jagħmel parti minn Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali;
 - (b) aġenziji monetarji ċentrali ta' oriġini essenzjalment pubblika (pereżempju, aġenziji li jimmaniġġjaw skambju internazzjonali jew il-ħruġ tal-munita) li jżommu ġabra sħiħa ta' kontijiet u li jgawdu awtonomija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fejn għandu x'jaqsam il-gvern ċentrali. Il-parti l-kbira ta' dawn l-attivajiet iseħħu jew fil-gvern ċentrali jew fil-bank ċentrali. Ma teżisti l-ebda unità istituzzjonali separata.
- 2.74 Is-sottosettur S.121 ma jinkludi ebda aġenzija u entità, għajr għall-bank ċentrali, li tirregola jew tissorvelja korporazzjonijiet finanzjarji jew swieq finanzjarji. Dawn huma kklassifikati fis-sottosettur S.126.

Korporazzjoniet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali (S.122)

- 2.75 *Definizzjoni:* Il-korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għas-sottosettur tal-bank ċentrali (S.122) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-unitajiet ta' status kważi korporattiv finanzjarji kollha, għajr għal dawk ikklassifikati fil-bank ċentrali u fis-sottosetturi tal-MMF, li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u li n-negozju tagħhom hu li jirċievu d-depożiti u/jew jagħlqu sostituti għal depożiti minn unitajiet istituzzjonali, jiġifieri mhux biss minn MFI, u, fuq il-kont proprju tagħhom, japprovaw għoti b'self u/jew jinvestu f'titoli.
- 2.76 Korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali ma jistgħux jiġu deskritti sempliċement bħala "banek", għaliex dawn jistgħu jkunu jinkludu xi korporazzjonijiet finanzjarji li ma jkunux isejħu lilhom infushom banek, jew xi korporazzjonijiet finanzjarji li f'xi pajjiżi ma jkollhomx permess li jagħmlu dan, filwaqt li xi korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn li jiddeskrivu lilhom infushom bħala banek, fil-fatt ma jkunux jistgħu jkunu korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti. L-intermedjarji finanzjarji li ġejjin huma kklassifikati fis-sottosettur S.122:
- (a) banek kummerċjali, banek "universali", banek "għal użu komprensiv";
 - (b) banek għat-tfaddil (inklużi banek għat-tfaddil b'kurazija u banek għat-tfaddil, u assoċjazzjonijiet għall-għoti b'self);
 - (c) istituzzjonijiet postali ġiro, banek postali, banek ġiro;
 - (d) banek ta' kreditu rurali, banek ta' kreditu agrikolu;
 - (e) banek ta' kreditu kooperattivi, kooperattivi ta' kreditu;
 - (f) banek speċjalizzati (pereżempju banek merkantili, djar għall-ħruġ tal-ittri ta' kreditu, banek privati); u
 - (g) l-istituzzjonijiet monetarji elettroniċi prinċipalment involuti fl-intermedjazzjoni finanzjarja.
- 2.77 L-intermedjarji finanzjarji li ġejjin huma kklassifikati wkoll fis-sottosettur S.122 meta n-negozju tagħhom ikun li jirċievu fondi ripagabbli mingħand il-pubbliku f'forma ta' depożiti jew f'forom oħra bħalma hu l-ħruġ kontinwattivi ta' titoli għat-tul.:
- (a) korporazzjonijiet involuti fl-għoti tal-ipoteki (inklużi istituti ta' kreditu fondjarju, banek tal-ipoteki u istituzzjonijiet ta' kreditu għall-ipoteki);
 - (b) istituzzjonijiet ta' kreditu municiċipali.
- Inkella, l-intermedjarji finanzjarji huma kklassifikati fis-sottosettur S.124.
- 2.78 Is-sottosettur S.122 ma jinkludix:
- (a) uffiċċi ċentrali li jissorveljaw u jiġġestixxu unitajiet oħrajn ta' grupp li fih, prinċipalment, ikollu korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali, iżda li ma jkunux korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti. Tali uffiċċi ċentrali huma kklassifikati fis-sottosettur S.126;

- (b) istituzzjonijiet li l-għan tagħhom mhuwiex dak li jagħmlu l-profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti li jservu lil korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti, iżda mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja. Dawn huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126; u
- (c) l-istituzzjonijiet monetarji elettroniċi li mhumiex prinċipalment involuti fl-intermedjazzjoni finanzjarja.

MMF (S.123)

- 2.79 *Definizzjoni:* Is-sotto-settur MMF (S.123) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-unitajiet bi status ta' kważi korporazzjoni finanzjarji kollha, għajr għal dawk ikklassifikati fis-sotto-setturi tal-bank ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja. In-negozju tagħhom huwa li joħorġu ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investment bħala sostituti viċini għal depożiti mingħand unitajiet istituzzjonali, u, fuq il-kont proprju tagħhom, jagħmlu investimenti primarjament f'ishma/unitajiet ta' fondi tas-swieq tal-flus, titoli għal perijodi qosra ta' żmien, u/jew depożiti.
- 2.80 L-intermedjarji finanzjarji li ġejjin huma kklassifikati fis-sotto-settur S.123: fondi ta' investment inklużi fondi komuni ta' investment magħluqin, fondi komuni ta' investment miftuħin u skemi ta' investment kollettivi li l-ishma jew l-unitajiet tagħhom huma sostituti viċini għal depożiti.
- 2.81 Is-sotto-settur S.123 ma jinkludix:
- (a) uffċji ċentrali li jissorveljaw u jiġġestixxu grupp li jikkonsisti b'mod predominanti minn MMFs, iżda li huma nfušom mhumiex MMFs. Dawn huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126;
 - (b) istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti li jservu lill-MMFs, iżda li mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja. Dawn huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126.

Fondi ta' investment li mhumiex MMF (S.124)

- 2.82 *Definizzjoni:* Is-sotto-settur ta' fondi ta' investment li mhumiex MMF (S.124) jikkonsisti fl-iskemi ta' investment kollettivi kollha għajr għal dawk ikklassifikati fis-sotto-settur MMF, li prinċipalment huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja. In-negozju tagħhom huwa li joħorġu ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investment li mhumiex sostituti viċini għad-depożiti, u, li fuq il-kont proprju tagħhom, jagħmlu investimenti primarjament f'assi finanzjarji għajr għal assi finanzjarji ta' perijodu qasir ta' żmien u f'assi li mhumiex finanzjarji (ġeneralment fi proprjetà immobbli).
- 2.83 Fondi ta' investment li mhumiex MMF ikopru fondi komuni ta' investment magħluqin, fondi komuni ta' investment miftuħin u skemi ta' investment kollettivi li l-ishma jew l-unitajiet tagħhom ta' fondi ta' investment ma jitqisux bħala sostituti viċini għal depożiti.
- 2.84 L-intermedjarji finanzjarji li ġejjin huma kklassifikati fis-sotto-settur S.124:
- (a) fondi ta' investment flessibbli li l-ishma jew l-unitajiet ta' fondi ta' investment tagħhom huma mixtrija mill-ġdid jew mifdija, direttament jew indirettament, skont kif mitlub mid-detenturi, mill-assi tal-impriża;
 - (b) fondi ta' investment komuni magħluqa b'kapital azzjonarju fiss, fejn l-investituri li jidħlu jew joħorġu mill-fond ikunu jridu jixtru jew ibigħu ishma eżistenti;
 - (c) fondi ta' investment fi proprjetà immobbli;
 - (d) fondi ta' investment investiti f'fondi oħra ("fondi ta' fondi");
 - (e) hedge funds li jkopru firxa ta' skemi ta' investment kollettivi, li jinvolvu investimenti minimi għoljin, regolamentazzjoni ħafifa, u firxa ta' strateġiji ta' investment.
- 2.85 Is-sotto-settur S.124 ma jinkludix:
- (a) fondi ta' pensjoni li huma parti mis-sotto-settur tal-fondi ta' pensjoni;
 - (b) fondi tal-gvern bi skop speċjali, li jissejħu fondi ta' ġid sovrani. Fond tal-gvern bi skop speċjali huwa kklassifikat bħala istituzzjoni finanzjarja kaptiva, jekk huwa korporazzjoni finanzjarja. Il-klassifikazzjoni ta' "fond tal-gvern bi skop speċjali" — jew bħala parti minn settur ta' gvern ġenerali jew bħala parti minn settur tal-korporazzjoni finanzjarja huwa ddeterminat skont il-kriterji dwar unitajiet ta' skop speċjali ta' gvern ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 2.27.

- (c) uffiċċji ċentrali li jissorveljaw u jimmaniġġjaw grupp magħmul l-aktar minn fondi ta' investiment li mhumiex MMF, iżda li huma nfushom mhumiex fondi ta' investiment. Dawn huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126;
- (d) istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti li jservu lil fondi ta' investiment li mhumiex MMF, iżda mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja. Dawn huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126.

Intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għall-korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u l-fondi ta' pensjoni (S.125)

- 2.86 *Definizzjoni:* Is-sotto-settur ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għall-korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u l-fondi ta' pensjoni (S.125) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-unitajiet bi status kważi daqs ta' korporazzjoni finanzjarja kollha li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jidħlu għal passivi f'forom li ma jinkludux il-flus, id-depożiti jew l-ishma ta' fondi ta' investiment, jew b'rabta ma' assigurazzjoni, pensjoni u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali.
- 2.87 Is-sotto-settur S.125 jinkludi intermedjarji finanzjarji li huma impenjati f'finanzjament għat-tul. Fil-parti l-kbira tal-każi, din il-maturità predominanti tidistingwi lil dak is-settur mis-sotto-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji l-oħra jew mis-sotto-setturi OMFI (S.122 u S.123). Fuq il-bażi tan-nuqqas ta' eżistenza ta' passivi fil-forma ta' ishma ta' fondi ta' investiment li ma jitqisux bħala sostituti viċini għad-depożiti jew l-assigurazzjoni, il-pensjoni u l-iskemi ta' garanzija standardizzati, tista' tiġi stabbilita l-linja li taqşam lil dan is-sotto-settur mis-sotto-setturi tal-fondi ta' investiment li mhumiex MMF (S.124), il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128), u l-fondi ta' pensjoni (S.129).
- 2.88 Is-sotto-settur tal-intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għall-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-fondi ta' pensjoni (S.125) jiġi suddiviż f'sotto-setturi li jikkonsistu f'korporazzjonijiet finanzjarji vettura (FVCs) involuti fi transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, operaturi tat-titoli u d-derivattivi, korporazzjonijiet finanzjarji impenjati fil-qasam tal-ġhoti b'self, u korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati. Dan jintwera fit-Tabella 2.4.

Tabella 2.4 — Is-sotto-settur ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr is-sotto-settur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125) u s-suddiviżjonijiet tiegħu

<p><i>Intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni;</i></p> <p>Korporazzjonijiet finanzjarji vetturi (FVC) involuti fi transazzjonijiet ta' totalizzazzjoni;</p> <p>Operaturi tat-titoli u d-derivattivi;</p> <p>Korporazzjonijiet finanzjarji involuti f'ġhoti b'self; u</p> <p>Korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati</p>
--

- 2.89 Is-sotto-settur S.125 ma jinkludix l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti li jservu lil intermedjarji finanzjarji oħrajn, iżda mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja. Dawn huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126.

Korporazzjonijiet finanzjarji vetturi involuti fi transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (FVC)

- 2.90 *Definizzjoni:* Korporazzjonijiet finanzjarji vetturi involuti fi transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (FVC) huma kumpanniji li jwettqu transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni. FVC li jissodisfaw il-kriterji ta' unità istituzzjonali huma kklassifikati f'S.125, jew inkella jiġu ttrattati bħala parti integrali mill-kumpanija prinċipali.

Operaturi tat-titoli u d-derivattivi, korporazzjonijiet finanzjarji involuti fl-ġhoti b'self u korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati.

- 2.91 Operaturi tat-titoli u d-derivattivi (fuq il-kont proprju tagħhom) huma intermedjarji finanzjarji fuq il-kont proprju tagħhom.
- 2.92 Korporazzjonijiet finanzjarji involuti fl-ġhoti b'self jinkludu, pereżempju, intermedjarji finanzjarji mdaħħla f':
- (a) kiri finanzjarju;
- (b) xiri bin-nifs u l-ġhoti ta' finanzjament personali jew kummerċjali; jew
- (c) fatturament (xiri tad-djun).
- 2.93 Korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati huma intermedjarji finanzjarji, pereżempju:
- (a) kumpanniji ta' kapital għal proġetti ta' riskju u ta' żvilupp;
- (b) kumpanniji tal-finanzjament għall-importazzjoni u l-esportazzjoni; jew

- (c) intermedjarji finanzjarji li jakkwistaw depożiti u/jew sostituti viċini għad-depożiti jew li jidħlu għal self fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji; dawn l-intermedjarji finanzjarji jkopru wkoll djar ċentrali tal-interkambju għall-kontropartijiet (CCPs) li jwettqu transazzjonijiet ta' ftehim ta' xiri mill-ġid tal-MFIs.
- 2.94 Uffiċċji ċentrali li jissorveljaw u jimmaniġġjaw grupp ta' sussidjarji li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u/jew f'attivitajiet finanzjarji awżiljarji huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126.

Awżiljarji finanzjarji (S.126)

- 2.95 *Definizzjoni:* Is-sotto-settur tal-awżiljarji finanzjarji (S.126) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li huma nfushom mhumiex intermedjarji finanzjarji.
- 2.96 Il-korporazzjonijiet u l-entitajiet kważi korporazzjonijiet finanzjarji li ġejjin huma kklassifikati fis-sotto-settur S.126:
- (a) sensara tal-assigurazzjoni, amministraturi tas-salvataġġ u l-medja, konsulenti tal-assigurazzjoni u l-pensjoni, eċċ.;
 - (b) sensara tas-self, sensara tat-titoli, konsulenti dwar l-investment, eċċ.;
 - (c) korporazzjonijiet tal-offerti fis-suq li jġestixxu l-ħruġ tat-titoli;
 - (d) korporazzjonijiet li l-funzjoni prinċipali tagħhom hija li jggarantixxu l-fatturi u strumenti simili permezz tal-endorsjar;
 - (e) korporazzjonijiet li jorganizzaw l-istrumenti derivattivi u tal-lqugħ (hedging instruments), bħalma huma skambji, għażliet u kuntratti ta' xiri ta' futuri (mingħajr ma jattwaw il-ħruġ tagħhom);
 - (f) korporazzjonijiet li jipprovdu l-infrastruttura għas-swieq finanzjarji;
 - (g) awtoritajiet ċentrali ta' sorveljanza fuq intermedjarji finanzjarji u swieq finanzjarji meta dawn ikunu unitajiet istituzzjonali separati;
 - (h) amministraturi ta' fondi ta' pensjoni, fondi mutwali, eċċ.;
 - (i) korporazzjonijiet li jipprovdu l-Borża u l-iskambju tal-assigurazzjoni;
 - (j) istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti li jservu lil korporazzjonijiet finanzjarji, iżda li mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja (ara l-punt (d) tal-paragrafu 2.46);
 - (k) istituzzjonijiet tal-pagamenti (faċilitajiet tal-pagamenti bejn xerrej u bejjiegħ).
- 2.97 Is-sotto-settur S.126 jinkludi wkoll l-uffiċċji ċentrali li s-sussidjarji tagħhom kollha jew fil-parti l-kbira tagħhom huma korporazzjonijiet finanzjarji.

Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u l-korporazzjonijiet tal-ġhoti ta' flus b'self (S.127)

- 2.98 *Definizzjoni:* Is-sotto-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u l-korporazzjonijiet tal-ġhoti ta' flus b'self (S.127) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji kollha li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira jew tal-assi tagħhom jew il-passivi tagħhom mhumiex innegożjati fis-swieq miftuħa.
- 2.99 B'mod partikolari, il-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji li ġejjin huma kklassifikati fis-sotto-settur 127:
- (a) unitajiet rikonoxxuti bħala legali bħalma huma l-kumpanniji fiduċjarji, l-aġenziji tal-proprjetà, l-aġenziji tal-kontabbiltà jew il-kumpanniji fantażma (brass plate);
 - (b) kumpanniji holding li għandhom fil-pussess tagħhom is-sjeda ta' livelli ta' kontroll tal-ekwità ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjeda tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tkun qed tinżamm din l-ekwità, jiġifieri, ma jkunux jamministraw jew jiġġestixxu unitajiet oħra;
 - (c) SPEs li jikkwalifikaw bħala unitajiet istituzzjonali u li jksbu fondi fis-swieq miftuħa biex jintużaw mill-korporazzjoni prinċipali tagħhom;

- (d) unitajiet li jipprovdu servizzi finanzjarji esklussivament bil-fondi proprji tagħhom, jew b'fondi pprovduti minn sponsor lil firxa ta' klijenti u jidħlu għar-riskju finanzjarju tad-debitur inadempjenti. Eżempji ta' dawn huma dawk li jsejlfu l-flus, korporazzjonijiet involuti f'għoti b'self lill-istudenti jew għall-kummerċ barrani minn fondi li joriġinaw mingħand sponsor bħal unità tal-gvern jew istituzzjoni li ma għandhiex għan li taġmel profitt u stabbilimenti tar-riħan li huma prinċipalment involuti fl-għoti b'self;
- (e) fondi tal-gvern bi skop speċjali, li ġeneralment jissejħu fondi ta' ġid sovrani, jekk mhumiex ikklassifikati bħala korporazzjonijiet finanzjarji.

Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)

- 2.100 *Definizzjoni:* Is-sottosettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assicurazzjoni jew riassigurazzjoni diretta (ara l-paragrafu 2.59).
- 2.101 Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni jipprovdu servizzi ta':
- (a) assicurazzjoni fuq il-ħajja u mhux fuq il-ħajja lil unitajiet individwali jew lil gruppi ta' unitajiet;
- (b) riassigurazzjoni lil korporazzjonijiet ta' assicurazzjoni oħrajn.
- 2.102 Servizzi ta' assicurazzjoni li mhumiex fuq il-ħajja jistgħu jiġu pprovduti fil-forma ta' assicurazzjoni kontra dawn li ġejjin:
- (a) nar (eż. proprjetà kummerċjali jew privata);
- (b) responsabbiltà (diżgrazzji aċċidentali);
- (c) vetturi bil-mutur (ħsara proprja u responsabbiltà għal terza parti);
- (d) baħar, ajru u trasport (inklużi riskji marbutin mal-enerġija);
- (e) aċċidenti u s-saħħa; jew
- (f) assicurazzjoni finanzjarja (forniment ta' garanziji jew bonds ta' pleġġ).

Korporazzjonijiet finanzjarji jew ta' assicurazzjoni ta' kreditu, magħrufin ukoll bħala banek tal-garanziji, jipprovdu garanziji jew bonds ta' pleġġ biex isostnu t-titolizzazzjoni u prodotti oħra ta' kreditu.

- 2.103 Korporazzjonijiet ta' assicurazzjoni huma, fil-parti l-kbira tagħhom, inkorporati jew entitajiet mutwali. Entitajiet inkorporati huma l-proprjetà tal-azzjonisti u ħafna minnhom huma kwotati fil-borża. Entitajiet mutwali huma l-proprjetà ta' detenturi tal-poloż u l-profitti tagħhom imorru għand id-detenturi tal-poloż "bil-profitti" jew "parteċipanti" f'forma ta' dividendi jew bonusijiet. Assiguraturi "kaptivi" huma normalment il-proprjetà ta' korporazzjoni mhux finanzjarja u l-parti l-kbira tagħhom jinxurjaw ir-riskji tal-azzjonisti tagħhom.

Kaxxa 2.1 – Tipi ta' assicurazzjoni

Tip ta' assicurazzjoni		Settur/Sottosettur
Assicurazzjoni diretta	Assicurazzjoni fuq il-ħajja Id-detentur tal-poloż jħallas pagamenti regolari jew ta' darba lil assigurat u min-naħa tiegħu, l-assigurat jggarantixxi li jħallas lid-detentur tal-poloż somma jew pagament fis-sena, f'data speċifika jew qabel.	Korporazzjonijiet tal-assicurazzjoni
	Assicurazzjoni mhux fuq il-ħajja Assicurazzjoni biex tkopri riskji bħal aċċidenti, mard, nar, kreditu, eċċ.	Korporazzjonijiet tal-assicurazzjoni
Riassigurazzjoni	Assicurazzjoni mixtrija minn assigurat biex iħares lilu nnifsu kontra għadd kbir ta' pretensjonijiet jew pretensjonijiet eċċezjonalment kbar.	Korporazzjonijiet tal-assicurazzjoni

Tip ta' assigurazzjoni			Settur/Sottosettur
Assigurazzjoni soċjali	Sigurtà soċjali	Pensjonijiet tas-sigurtà soċjali	Fondi tas-sigurtà soċjali
	Il-parteċipanti huma obbligati mill-gvern ġenerali li jassiguraw kontra ċerti riskji soċjali.	Sigurtà soċjali oħra	
Assigurazzjoni soċjali relatata mal-impjegati minbarra s-sigurtà soċjali	Min iħaddem jista' jagħmilha bħala kondizzjoni li l-impjegati jassiguraw kontra ċerti riskji soċjali.	Pensjonijiet relatati mal-impjegati	Settur ta' min iħaddem, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u jew istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu l-unitajiet domestiċi
		Assigurazzjoni soċjali oħra relatata mal-impjegati	

2.104 Sottosettur S.128 ma jinkludix:

- (a) unitajiet istituzzjonali li jissodisfaw kull wieħed miż-żewġ kriterji elenkati fil-paragrafu 2.117. Dawn huma kklassifikati fis-sottosettur S.1314;
- (b) uffiċċji ċentrali li jissorveljaw u jġestixxu grupp li jkun jikkonsisti predominantement minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni, li iżda mhumiex korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fihom infushom. Dawn huma kklassifikati fis-sottosettur S.126;
- (c) istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti li jagħtu servizz lil korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni, li madanakollu mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja. Dawn huma kklassifikati fis-sottosettur S.126.

Fondi tal-pensjoni (S.129)

- 2.105 *Definizzjoni:* Is-sottosettur tal-fondi tal-pensjonijiet (S.129) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u l-kważikorporazzjonijiet li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjoni bħal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu introjtu waqt il-pensjoni, u ħafna drabi benefiċċji għal mewt u diżabbiltà.
- 2.106 Is-sottosettur S.129 jikkonsisti biss f'dawk il-fondi tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali li huma unitajiet istituzzjonali separati mill-unitajiet li johlquhom. Dawn il-fondi awtonomi għandhom awtonomija fil-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet u jżommu ġabra sħiħa ta' kontijiet. Il-fondi mhux awtonomi tal-pensjonijiet mhumiex unitajiet istituzzjonali u jibqgħu parti mill-unità istituzzjonali li tistabbilixxihom.
- 2.107 Eżempji ta' parteċipanti fi skemi tal-fondi tal-pensjonijiet jinkludu impjegati ta' intrapriża unika jew grupp ta' intrapriżi, impjegati ta' fergħa jew industrija, u persuni li huma tal-istess professjoni. Il-benefiċċji inklużi fil-kuntratt tal-assigurazzjoni jistgħu jkunu:
- (a) jitħallsu wara l-mewt tal-assigurat lill-armel jew l-armla u t-tfal;
 - (b) jitħallsu wara l-irtirar; jew
 - (c) mħallsa wara li l-assigurat jibda jbati minn diżabbiltà.
- 2.108 Fxi pajjiżi, dawk it-tipi kollha ta' riskji jistgħu jiġu assigurati minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja kif ukoll minn fondi tal-pensjonijiet. F'pajjiżi oħrajn, huwa meħtieġ li xi wħud minn dawn il-klassijiet ta' riskji jiġuassigurati permezz tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja. F'kuntrast mal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, il-fondi tal-pensjonijiet huma ristretti bil-liġi għal gruppi speċifiċi ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom.
- 2.109 Skemi tal-fondi tal-pensjonijiet jistgħu jiġu organizzati minn min iħaddem jew mill-gvern ġenerali. Dawn jistgħu jiġu organizzati wkoll minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fisem l-impjegati; jew unitajiet istituzzjonali separati jistgħu jiġu stabbiliti biex iżommu u jamministraw l-assi għall-użu ta' ssodisfar tal-intitolamenti tal-pensjoni u tad-distribuzzjonijiet tal-pensjonijiet.
- 2.110 Sottosettur S.129 ma jinkludix:
- (a) unitajiet istituzzjonali li jissodisfaw kull wieħed miż-żewġ kriterji elenkati fil-paragrafu 2.117. Dawn huma kklassifikati fis-sottosettur S.1314;

- (b) uffiċċji ċentrali li jissorveljaw u jġestixxu grupp li jkun magħmul predominantement minn fondi tal-pensjoni, li iżda mhumiex fondi tal-pensjoni fihom infushom. Dawn huma kklassifikati fis-sottosettur S.126;
- (c) istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti li jagħtu servizz lil fondi tal-pensjoni, li madankollu mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja. Dawn huma kklassifikati fis-sottosettur S.126.

Gvern Ġenerali (S.13)

- 2.111 *Definizzjoni:* Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali kollha li huma produtturi mhux għas-suq li l-output tagħhom huwa maħsub għall-konsum individwali jew kollettiv, u li huma ffinanzjati minn pagamenti obligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid nazzjonali.
- 2.112 L-unitajiet istituzzjonali inklużi fis-settur S.13 huma pereżempju dawn li ġejjin:
- (a) unitajiet tal-gvern ġenerali li jeżistu abbażi ta' proċess legali biex ikollhom awtorità ġudizzjarja fuq unitajiet oħra fit-territorju ekonomiku, u biex jamministraw u jiffinanzjaw grupp ta' attivitajiet, li jipprovdu prinċipalment oġġetti u servizzi mhux għas-suq, maħsuba għall-benefiċċju tal-komunità;
 - (b) korporazzjoni jew kważikorporazzjoni li tkun unità tal-gvern, jekk l-output tagħha jkun prinċipalment mhux għas-suq, u jkun ikkontrollat minn unità tal-gvern;
 - (c) istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti li mhumiex produtturi għas-suq u li huma kkontrollati mill-gvern ġenerali;
 - (d) fondi awtonomi tal-pensjonijiet, fejn hemm obbligu legali għal kontribuzzjoni, u fejn il-gvern ġenerali jamministra l-fondi fir-rigward tas-saldu u l-approvazzjoni ta' kontribuzzjonijiet u benefiċċji.
- 2.113 Is-settur tal-gvern ġenerali huwa maqsum f'erba' sottosetturi:
- (a) il-gvern ċentrali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1311);
 - (b) il-gvern tal-istat (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1312);
 - (c) il-gvern lokali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1313);
 - (d) il-fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314).

L-gvern ċentrali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1311)

- 2.114 *Definizzjoni:* Dan is-sottosettur jinkludi d-dipartimenti amministrattivi kollha tal-Istat u aġenziji ċentrali oħrajn li l-kompetenza tagħhom normalment testendi fuq it-territorju ekonomiku kollu, għajr l-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali.

Inklużi fis-sottosettur S.1311 huma daww l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma kkontrollati mill-gvern ċentrali u li l-kompetenza tagħhom testendi fuq it-territorju ekonomiku kollu.

L-organizzazzjonijiet regolatorji tas-suq li huma b'mod esklużiv jew b'mod prinċipali distributuri ta' sussidji, huma kklassifikati f'S.1311. Daww l-organizzazzjonijiet li huma b'mod esklużiv jew b'mod prinċipali involuti fix-xiri, iż-żamma u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew tal-ikel, huma kklassifikati f'S.11.

Il-gvern tal-Istat (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1312)

- 2.115 *Definizzjoni:* Dan is-sottosettur jikkonsisti f'daww it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li huma unitajiet istituzzjonali separati li jwettqu wħud mill-funzjonijiet tal-gvern, għajr għall-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali, flivell taħt dak ta' gvern ċentrali u ogħla minn ta' unitajiet istituzzjonali governattivi li jeżistu fil-livell lokali.

Inklużi fis-sottosettur S.1312 huma daww l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma kkontrollati mill-gvernijiet tal-istat u li kompetenza tagħhom hija ristretta għat-territorji ekonomiċi tal-istati.

Il-gvern lokali (esklużi l-fondi tas-sigurtà soċjali) (S.1313)

2.116 *Definizzjoni:* Dan is-sottosettur jinkludi dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li l-kompetenza tagħha testendi biss għal parti lokali mit-territorju ekonomiku, minbarra l-aġenziji lokali tal-fondi tas-sigurtà soċjali.

Inklużi fis-sottosettur S.1313 huma dawk l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma kkontrollati minn gvernijiet lokali u li l-kompetenza tagħhom hija ristretta għat-territorji ekonomiċi tal-gvernijiet lokali.

Il-fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314)

2.117 *Definizzjoni:* Is-sottosettur tal-fondi tas-sigurtà soċjali jinkludi l-unitajiet istituzzjonali ċentrali, tal-istat, u lokali li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu benefiċċji soċjali u li jissodisfaw iż-żewġ kriterji li ġejjin:

- (a) bil-liġi jew b'regolamentazzjoni, ċerti gruppi tal-popolazzjoni huma obbligati li jipparteċipaw fl-iskema jew li jħallsu kontribuzzjonijiet; u
- (b) il-gvern ġenerali huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni fejn għandhom x'jaqsmu s-saldu jew l-approvazzjoni tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji, indipendentement mir-rwol tiegħu bħala korp sorveljanti u bħala entità li tipprovdi l-impjeg.

Normalment, ma teżisti l-ebda rabta diretta bejn l-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minn individwu u r-riskju li għalih l-individwu huwa espost.

Unitajiet Domestiċi (S.14)

2.118 *Definizzjoni:* Is-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala intraprendituri li jipproduċu oġġetti għas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm, il-produtturi ta' prodotti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati ttrattati bħala kważi-korporazzjonijiet. Jinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji għal użu aħħari proprju b'mod esklużiv.

L-unitajiet domestiċi bħala konsumaturi jistgħu jiġu ddefiniti bħala gruppi żgħar ta' persuni li jaqsmu l-istess akkomodazzjoni fejn jgħixu, li jiġbru f'but wieħed l-introjt u l-ġid tagħhom, u li kollettivament jikkunsmaw ċerti tipi ta' oġġetti u servizzi, prinċipalment l-abitazzjoni u l-ikel.

Ir-riżorsi prinċipali tal-unitajiet domestiċi huma dawn li ġejjin:

- (a) il-kumpens tal-impjegati;
- (b) l-introjt mill-proprjetà;
- (c) it-trasferimenti minn setturi oħra;
- (d) ir-riċevuti mill-forniment ta' prodotti fis-suq; u
- (e) ir-riċevuti imputtjati mill-output ta' prodotti għall-konsum aħħari proprju.

2.119 Is-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludi:

- (a) individwi jew gruppi ta' individwi li l-funzjoni prinċipali tagħhom hija l-konsum;
- (b) persuni li jgħixu permanentement f'istituzzjonijiet li ma għandhom l-ebda awtonomija, jew li għandhom ftit li xejn awtonomija ta' azzjoni jew ta' deċiżjoni fi kwistjonijiet ekonomiċi (pereżempju membri ta' ordnijiet reliġjużi li jgħixu f'monasteri, pazjenti rikoverati għat-tul fl-isptarijiet, prigionieri li qed jiskuntaw sentenzi twal fil-ħabs, anzjani li jgħixu fi djar għall-irtirati fuq bażi permanenti). Dawn il-persuni jitqiesu bħala uniti istituzzjonali unika: uniti domestika unika;
- (c) individwi jew gruppi ta' individwi li l-funzjoni prinċipali tagħhom hija l-konsum u li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux finanzjarji għal użu aħħari proprju esklużivament; huma inklużi fl-ambitu tas-sistema żewġ kategoriji biss ta' servizzi prodotti għall-konsum aħħari proprju: is-servizzi tad-djar okkupati mis-sid u s-servizzi domestiċi mwettqa minn impjegati mħallsa;
- (d) intrapriżi individwali u sħubiji mingħajr status legali — għajr għal dawk meqjusa bħala kważikorporazzjonijiet u li huma produtturi għas-suq; u

- (e) l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lil unitajiet domestiċi, li ma għandhomx status legali u indipendenti jew dawk li għandhom dan, iżda li huma biss ta' importanza minuri.

2.120 Fis-SEK 2010, is-settur tal-unitajiet domestiċi huwa suddiviż fis-sottosetturi li ġejjin:

(a) min iħaddem (S.141) u ħaddiema għal rashom (S.142);

(b) impjegati (S.143);

(c) riċevituri ta' introjtu minn proprjetà (S.1441);

(d) riċevituri ta' pensjonijiet (S.1442);

(e) riċevituri ta' trasferimenti oħra (S.1443);

2.121 L-unitajiet domestiċi huma assenjati għal sottosetturi skont il-kategorija tal-ogħla dħul (dħul ta' min iħaddem, kumpens tal-impjegati, eċċ.) tal-unità domestika kumplessivament. Meta jkun hemm iktar minn introjtu wieħed ta' kategorija speċifika fl-istess unità domestika, il-klassifikazzjoni tissejjes fuq id-dħul totali tal-unità domestika f'kull kategorija.

Min iħaddem u l-ħaddiema għal rashom (S.141 u S.142)

2.122 *Definizzjoni:* Is-sottosettur ta' min iħaddem u ħaddiema għal rashom jikkonsisti f'grupp ta' unitajiet domestiċi li għalihom l-introjti (mħallta) (B.3) li jakkumulaw għas-sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati ta' unitajiet domestiċi mill-attività tagħhom bħala produtturi ta' oġġetti u servizzi għas-suq bi jew mingħajr impjegati mħallsin, hum l-akbar sors ta' introjtu għall-unità domestika kumplessivament, anki jekk dan ma jlaħħaqx għal aktar minn nofs id-dħul totali tal-unità domestika.

Impjegati (S.143)

2.123 *Definizzjoni:* Is-sottosettur tal-impjegati jikkonsisti fil-grupp ta' unitajiet domestiċi li għalihom, l-introjtu li jakkumula mill-kumpens tal-impjegati (D.1) huwa l-akbar sors ta' introjtu għall-unità domestika kumplessivament.

Riċevituri ta' introjtu minn proprjetà (S.1441)

2.124 *Definizzjoni:* Is-sottosettur tar-riċevituri ta' introjtu minn proprjetà jikkonsisti fil-grupp ta' unitajiet domestiċi li għalihom, l-introjtu minn proprjetà (D.4) huwa l-akbar sors ta' introjtu għall-unità domestika kumplessivament.

Riċevituri ta' pensjonijiet (S.1442)

2.125 *Definizzjoni:* Is-sottosettur tar-riċevituri ta' pensjonijiet jikkonsisti fil-grupp ta' unitajiet domestiċi li għalihom, l-introjtu li jakkumula mill-pensjonijiet huwa l-akbar sors ta' introjtu għall-unità domestika kumplessivament.

L-unitajiet domestiċi tal-pensjoni huma unitajiet domestiċi li l-akbar sors ta' introjtu tagħhom jikkonsisti mill-irtirar jew pensjonijiet oħra, inklużi pensjonijiet minn impjegati preċedenti.

Riċevituri ta' trasferimenti oħra (S.1443)

2.126 *Definizzjoni:* Is-sottosettur ta' riċevituri ta' trasferimenti oħra jikkonsisti fil-grupp ta' unitajiet domestiċi li għalihom, l-introjtu akkumulat minn trasferimenti attwali oħra huwa l-akbar sors ta' introjtu għall-unità domestika kumplessivament.

Trasferimenti attwali oħra huma t-trasferimenti attwali kollha għajr għal introjtu minn proprjetà, pensjonijiet u introjtu ta' persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet fuq bażi permanenti.

2.127 Jekk ma tkunx disponibbli informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet ikkonċernati tas-sorsi tal-introjtu kumplessiv tal-unità domestika għall-għanijiet ta' settorizzazzjoni, l-introjtu tal-persuna ta' referenza jintuża għall-għanijiet ta' kklassifikar. Il-persuna ta' referenza ta' unità domestika hija dik il-persuna bl-akbar introjtu. Jekk l-informazzjoni tal-aħħar ma tkunx disponibbli, l-introjtu tal-persuna li tiddikjara li hija l-persuna ta' referenza jintuża għas-sottosettorizzazzjoni tal-unitajiet domestiċi.

2.128 Jistgħu jintużaw kriterji oħra għas-sottosettorizzazzjoni tal-unitajiet domestiċi, pereżempju s-suddiviżjoni ta' unitajiet domestiċi bħala intraprendituri skont l-attività: unitajiet domestiċi agrikoli u unitajiet domestiċi mhux agrikoli.

Istituzzjonijiet Mingħajr Skop Ta' Qligħ Li Jservu Lill-Unitajiet Domestiċi (S.15)

- 2.129 *Definizzjoni:* Is-settur tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs) (S.15) jikkonsisti f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċi u li huma produttori privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus kontanti jew ħlas b'oġġetti, minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvern ġenerali u minn introjtu minn proprjetà.
- 2.130 Meta tali istituzzjonijiet ma jkunux importanti ħafna, ma jiġux inklużi fis-settur NPISH, iżda fis-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14), minħabba li t-transazzjonijiet tagħhom ma jkunux jingħarfu minn ta' unitajiet f'dak is-settur. NPISHs mhux għas-suq ikkontrollati minn gvern ġenerali huma kklassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali (S.13).

Is-settur tal-NPISHs jinkludi t-tipi prinċipali ta' NPISHs li ġejjin li jipprovdu oġġetti u servizzi mhux għas-suq lil unitajiet domestiċi:

- (a) trade unions, soċjetajiet professjonali jew ta' studjużi, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, partiti politiċi, knejjes jew soċjetajiet reliġjużi (inklużi dawk iffinanzjati iżda mhux ikkontrollati mill-gvernijiet), u għaqdiet soċjali, kulturali, rikreattivi u sportivi; u
- (b) organizzazzjonijiet tal-karità, għajnuna soċjali u assistenza iffinanzjati minn trasferimenti volontarji fi flus kontanti jew ħlas b'oġġetti minn unitajiet istituzzjonali oħra.

Is-settur S.15 jinkludi aġenziji tal-karità, għajnuna soċjali u assistenza li jservu lil unitajiet mhux residenti u jsewli l-entitajiet li jagħtu d-dritt lill-membri tagħhom għal sett predeterminat ta' oġġetti u servizzi.

Il-Bqija Tad-Dinja (S.2)

- 2.131 *Definizzjoni:* Is-settur tal-bqija tad-dinja (S.2) huwa aggruppament ta' unitajiet mingħajr ebda funzjoni u riżorsa karatteristika; dan jikkonsisti f'unitajiet mhux residenti sakemm dawn ikunu involuti fi transazzjonijiet ma' unitajiet istituzzjonali residenti, jew sakemm ikollhom rabtiet ekonomiċi oħrajn ma' unitajiet residenti. Il-kontijiet tiegħu jipprovdu dehra ġenerali tar-relazzjonijiet ekonomiċi li jorbtu l-ekonomija nazzjonali mal-bqija tad-dinja. L-istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali huma inklużi.

- 2.132 Il-bqija tal-dinja mhijiex settur li għalih għandhom jinżammu ġabriet sħaħ ta' kontijiet, iżda jkun konvenjenti li l-bqija tad-dinja jiġi trattat b'halha settur. Is-setturi jinkisbu permezz tad-diżaggregazzjoni tal-ekonomija totali biex jinkisbu iżjed gruppi omoġenji ta' unitajiet istituzzjonali residenti, li huma simili f'dak li għandu x'jaqsam mal-imġiba ekonomika, l-oġġettivi u l-funzjonijiet tagħhom. Dan mhux il-każ għas-settur tal-bqija tad-dinja: għal dan is-settur, hemm irreġistrati t-transazzjonijiet u flussi oħra ta' korporazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, unitajiet domestiċi u gvern ġenerali b'unitajiet istituzzjonali mhux residenti u relazzjonijiet ekonomiċi oħra bejn residenti u mhux residenti, pereżempju pretensjonijiet minn residenti fil-konfront ta' mhux residenti.

- 2.133 Il-kontijiet għall-bqija tad-dinja jinkludu biss transazzjonijiet imwettqa bejn unitajiet istituzzjonali residenti u unitajiet istituzzjonali mhux residenti, soġġetti għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- (a) is-servizzi tat-trasport (sal-fruntiera tal-pajjiż li jkun qed jesporta) ipprovduti minn unitajiet residenti fejn għandhom x'jaqsmu oġġetti impurtati jidhru fil-kontijiet tal-bqija tad-dinja ma' importazzjonijiet "frank abbord" (FOB), anki jekk dawn ikunu ġew prodotti minn unitajiet residenti;
- (b) transazzjonijiet f'assi barranin bejn residenti li jappartjenu għal setturi differenti fl-ekonomija domestika jidhru fil-kontijiet finanzjarji ddetaljati tal-bqija tad-dinja. Dawn it-transazzjonijiet ma jaffettwawx il-pożizzjoni finanzjarja tal-pajjiż vis-à-vis il-bqija tad-dinja; dawn jaffettwaw ir-relazzjonijiet finanzjarji tas-setturi individwali mal-bqija tad-dinja;
- (c) transazzjonijiet fil-passivi tal-pajjiż bejn istituzzjonijiet mhux residenti li jappartjenu għal żoni ġeografiki differenti jidhru fis-suddiviżjoni ġeografika tal-kontijiet tal-bqija tad-dinja. Għalkemm dawn it-transazzjonijiet ma jaffettwawx il-passivi globali tal-pajjiż għall-bqija tad-dinja, dawn jaffettwaw il-passivi tiegħu għal partijiet differenti tad-dinja.

- 2.134 Is-settur tal-bqija tad-dinja (S.2) huwa suddiviż fi:

- (a) stati membri u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea (S.21):

- (1) stati membri tal-Unjoni Ewropea (S.211);

(2) istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea (S.212);

(b) pajjiżi mhux membri u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux residenti tal-UE (S.22).

Klassifikazzjoni Tas-Setturi Tal-Unitajiet Produtturi Għal Forom Legali Standard Ewlenin Ta' Sjieda

- 2.135 Il-ħarsa ġenerali li ġeġja u l-paragrafi 2.31 sa 2.44 jiġbru fil-qosor il-prinċipji abbażi tal-klassifikazzjoni tal-unitajiet produtturi f'setturi, bl-użu tat-terminoloġija standard għad-deskrizzjoni tat-tipi ewlenin ta' istituzzjonijiet.
- 2.136 Korporazzjonijiet privati u pubbliċi li huma produtturi għas-suq huma kklassifikati kif ġej:
- (a) dawk li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji: fis-settur S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji);
- (b) dawk li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u attivitajiet finanzjarji awżiljari: fis-settur S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji).
- 2.137 Kooperattivi u sħubiji rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti u li huma produtturi għas-suq huma kklassifikati kif ġej:
- (a) dawk li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji: fis-settur S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji);
- (b) dawk li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u attivitajiet finanzjarji awżiljari: fis-settur S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji).
- 2.138 Produtturi pubbliċi li bis-saħħa ta' leġislazzjoni speċjali huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti u li huma produtturi għas-suq huma kklassifikati kif ġej:
- (a) dawk li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji: fis-settur S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji);
- (b) dawk li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u attivitajiet finanzjarji awżiljari: fis-settur S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji).
- 2.139 Produtturi pubbliċi mhux rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti u li huma produtturi għas-suq huma kklassifikati kif ġej:
- (a) jekk huma kważikorporazzjonijiet:
- (1) dawk li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji: fis-settur S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji);
- (2) dawk li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u attivitajiet finanzjarji awżiljari: fis-settur S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji).
- (b) jekk huma kważikorporazzjonijiet: fis-settur S.13 (gvern ġenerali), minħabba li dawn jibqgħu parti integrali tal-unitajiet li jikkontrollawhom.
- 2.140 Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt (assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet) rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti huma kklassifikati kif ġej:
- (a) dawk li huma produtturi għas-suq u prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji: fis-settur S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji);
- (b) dawk li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u attivitajiet finanzjarji awżiljari: fis-settur S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji);
- (c) dawk li huma produtturi mhux għas-suq:
- (1) fis-settur S.13 (gvern ġenerali), jekk ikunu produtturi pubbliċi kkontrollati minn gvern ġenerali;

- (2) fis-settur S.15 (istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lil unitajiet domestiċi), jekk ikunu produtturi privati.
- 2.141 Sjeda uniċi u sħubiji mhux rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti u li huma produtturi għas-suq huma kklassifikati kif ġej:
- (a) jekk huma kważikorporazzjonijiet:
- (1) dawk li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji: fis-settur S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji);
- (2) dawk li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u attivitajiet finanzjarji awżiljari: fis-settur S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji).
- (b) jekk mhumiex kważikorporazzjonijiet, huma kklassifikati fis-settur S.14 (unitajiet domestiċi).
- 2.142 L-uffiċċji ċentrali huma kklassifikati kif ġej:
- (a) fis-settur S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji), jekk it-tip predominanti tal-attività tal-grupp ta' korporazzjonijiet li huma produtturi għas-suq, huwa kumplessivament il-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji (ara l-punt (e) tal-paragrafu 2.46);
- (b) fis-settur S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji), jekk it-tip predominanti tal-attività tal-grupp ta' korporazzjonijiet huwa kumplessivament intermedjazzjoni finanzjarja (ara l-punt (e) tal-paragrafu 2.65).
- Kumpaniji holding, li huma detenturi ta' assi ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji, huma ttrattati dejjem bħala korporazzjonijiet finanzjarji. Kumpaniji holding ikunu detenturi tal-assi ta' grupp ta' kumpaniji, iżda ma jwettqu l-ebda attività maniġerjali fir-rigward tal-grupp.
- 2.143 It-Tabella 2.5 turi f'forma skematika l-każijiet differenti enumerati hawn fuq.

Tabella 2.5 — Klassifikazzjoni tas-setturi tal-unitajiet tal-produtturi għal forom legali standard ewlenin ta' sjeda

Tip ta' Produttur Deskrizzjoni legali standard	Produtturi għas-suq (oġġetti u servizzi mhux finanzjarji)	Produtturi għas-suq (intermedjazzjoni finanzjarja)	Produtturi mhux għas-suq	
			Produtturi pubbliċi	Produtturi privati
Korporazzjonijiet privati u pubbliċi	S.11 korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.12 korporazzjonijiet finanzjarji		
Kooperattivi u sħubiji rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti	S.11 korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.12 korporazzjonijiet finanzjarji		
Produtturi pubbliċi li bis-saħħa ta' leġislazzjoni speċjali huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti	S.11 korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.12 korporazzjonijiet finanzjarji		
Produtturi pubbliċi mhux rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti	Dawk b'karatteristiċi ta' kważi-korporazzjonijiet	S.11 korporazzjonijiet mhux finanzjarji		
	Il-bqija		S.13 gvern ġenerali	
Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti	S.11 korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.12 korporazzjonijiet finanzjarji	S.13 gvern ġenerali	S.15 Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi

Tip ta' Produttur Deskrizzjoni legali standard		Produtturi għas-suq (oġġetti u servizzi mhux finanzjarji)	Produtturi għas-suq (intermedjazzjoni finanzjarja)	Produtturi mhux għas-suq	
				Produtturi pubbliċi	Produtturi privati
Shubbiji mhux rikonoxxuti bħala entitajiet legali u indipendenti	Dawk b'karatte- ristiċi ta' kważi- korporazzjonijiet	S.11 korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.12 korpo- razzjonijiet finanzjarji		
	Sjieda uniċi	Il-bqija	S.14 unitajiet domestiċi	S.14 unitajiet domestiċi	
Uffiċċji ċentrali li t-tip ta' attività predominanti tal- grupp ta' korpo- razzjonijiet ikkontrollati minnhom hija l- produzzjoni ta':	oġġetti u servizzi mhux finanzjarji	S.11 korporazzjonijiet mhux finanzjarji			
	servizzi finan- zjarji		S.12 korpo- razzjonijiet finanzjarji		

UNITAJIET U INDUSTRIJI TAT-TIP TA' ATTIVITÀ LOKALI

- 2.144 Il-parti l-kbira tal-unitajiet istituzzjonali li jipproduċu oġġetti u servizzi huma involuti f'kombinazzjoni ta' attivitajiet fl-istess ħin. Dawn jistgħu jkunu involuti f'attività prinċipali, f'xi attivitajiet sekondarji u f'xi attivitajiet anċillari.
- 2.145 Attività sseħħ meta riżorsi bħal tagħmir, xogħol, teknika ta' manifatturar, netwerks ta' informazzjoni jew prodotti huma miġbura flimkien u jwasslu għall-ħolqien ta' oġġetti jew servizzi speċifiċi. Attività hija kkaratterizzata minn input ta' prodotti, proċess ta' produzzjoni u output ta' prodotti.
- L-attivitajiet jistgħu jiġu ddeterminati b'riferiment għal livell speċifiku ta' NACE Rev. 2.
- 2.146 Jekk unità twestaq aktar minn attività waħda, l-attivitajiet kollha li mhumieq attivitajiet anċillari (ara l-Kapitolu 3, paragrafu 3.12) jiġu kklassifikati skont il-valur miżjud gross. Fuq il-bażi tal-valur miżjud gross predominanti ġġenerat, tista' mbagħad tinstiet distinzjoni bejn attività prinċipali u attivitajiet sekondarji.
- 2.147 Sabiex jiġu analizzati l-flussi li jinħolqu fil-proċessi ta' produzzjoni u fl-użu tal-oġġetti u s-servizzi, huwa meħtieġ li jintgħażlu unitajiet li jenfasizzaw relazzjonijiet ta' natura teknikoekonomika. Dan ir-rekwiżit ifisser li l-unitajiet istituzzjonali jridu jinqasmu f'unitajiet iżgħar u aktar omoġenji fejn għandu x'jaqşam it-tip ta' produzzjoni. Unitajiet tat-tip ta' attività lokali huma meqjusa li jissodisfaw dan ir-rekwiżit bħala approċċ operattiv.

L-unità tat-tip ta' attività lokali

- 2.148 *Definizzjoni:* L-unità tat-tip ta' attività lokali (KAU lokali) hija l-parti ta' unità tat-tip ta' attività lokali (KAU) li tikkorrispondi għal unità lokali. Fl-SNA 2008 u l-ISC Rev. 4, il-KAU lokali tissejjaħ stabbiliment. KAU tiġbor flimkien il-partijiet kollha ta' unità istituzzjonali fil-kapaċità tagħha ta' produttur li jikkontribwixxi għall-pres-tazzjoni ta' attività flivell ta' klassi (erba' ċifri) tal-NACE Rev. 2 u tikkorrispondi għal suddiviżjoni operattiva waħda jew aktar tal-unità istituzzjonali. Is-sistema ta' informazzjoni tal-unità istituzzjonali trid tkun kapaċi li għal kull KAU lokali tindika jew tikkalkula għall-inqas il-valur tal-produzzjoni, il-konsum intermedjat, u l-kumpens għall-impjegati, l-eċċess operattiv u l-formazzjoni tal-impjieg u l-kapital fiss gross.

L-unità lokali hija unità istituzzjonali, jew parti minn unità istituzzjonali, li tipproduċi oġġetti jew servizzi li jkunu jinsabu flok ġeografikament identifikat.

KAU lokali tista' tikkorrispondi għal unità istituzzjonali bħala produttur; min-naħa l-oħra, ma tista' qatt tappar-tjeni għal żewġ unitajiet istituzzjonali differenti.

- 2.149 Jekk unità istituzzjonali li tipproduċi oġġetti jew servizzi jkollha attività prinċipali kif ukoll attività sekondarja waħda jew diversi, din tkun suddiviża fl-istess għadd ta' KAUs, u l-attivitajiet sekondarji jiġu kklassifikati taħt intestaturi differenti minn tal-attività prinċipali. L-attivitajiet anċillari mhumieq separati mill-attivitajiet prinċipali jew sekondarji. Iżda KAUs li jaqgħu taħt intestatura partikolari tas-sistema ta' klassifikazzjoni jistgħu jipproduċu prodotti barra mill-grupp omoġenju minħabba l-attivitajiet sekondarji marbuta magħhom li ma jistgħux jiġu identifikati separatament permezz ta' dokumenti disponibbli tal-kontabbiltà. Għaldaqstant, KAU tista' twestaq attività sekondarja waħda jew aktar.

Industriji

2.150 *Definizzjoni:* Industrija hija magħmula minn grupp ta' KAUs lokali involuti fl-istess tip ta' attività jew tip ta' attività simili. Fuq livell ta' klassifikazzjoni l-aktar dettaljat, industrija tinkludi l-KAUs lokali kollha li jaqgħu fl-ambitu ta' klassi unika (erba' ċifri) tan-NACE Rev. 2 u li huma għalhekk involuti fl-istess attività ddefinita fin-NACE Rev. 2.

Industriji jinkludu kemm KAUs lokali li jipproduċu oġġetti u servizzi għas-suq kif ukoll KAUs lokali li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux għas-suq. Skont id-definizzjoni tagħha, industrija tinkludi grupp ta' KAUs lokali involuti fl-istess tip ta' attività produttiva, irrispettivament minn jekk l-unitajiet istituzzjonali li jappartjenu għalihom jipproduċux output għas-suq jew mhux għas-suq.

2.151 L-industriji jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji:

- (a) industriji li jipproduċu oġġetti u servizzi għas-suq (industriji tas-suq) u oġġetti u servizzi għall-użu aħħari proprju. Servizzi għal użu aħħari proprju huma servizzi prodotti minn okkupanti sidien, u servizzi domestiċi prodotti permezz tal-impjeg ta' persunal imħallas.
- (b) industriji li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux għas-suq ta' gvern ġenerali: industriji mhux tas-suq ta' gvern ġenerali;
- (c) industriji li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux għas-suq ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi: industriji mhux tas-suq ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi.

Klassifikazzjoni tal-industriji

2.152 Il-klassifikazzjoni użata għar-raggruppament ta' KAUs lokali f'industriji hija l-NACE Rev. 2.

UNITAJIET TA' PRODUZZJONI OMOĠENJA U FERĠHAT OMOĠENJI

2.153 Għall-analiżi tal-proċess tal-produzzjoni, l-aktar unità adatta għal din l-analiżi hija l-unità tal-produzzjoni omoġenja. Din l-unità għandha attività unika ddefinita mill-input tagħha, il-proċess tal-produzzjoni u l-output.

L-unità ta' produzzjoni omoġenja

2.154 *Definizzjoni:* Unità ta' produzzjoni omoġenja twettaq attività unika li hija identifikata mill-input tagħha, il-proċess ta' produzzjoni tagħha u mill-output tagħha. Il-prodotti li jikkostitwixxu l-input u l-output jintgħarfu minn xulxin permezz tal-karatteristiċi fiżiċi tagħhom, kemm jiġu pproċessati u t-teknika ta' produzzjoni użata. Dawn jistgħu jiġu identifikati permezz ta' klassifikazzjoni tal-prodotti (Klassifikazzjoni tal-Prodotti skont l-Attività — KPA). Il-KPA hija klassifikazzjoni tal-prodott li l-elementi tagħha huma strutturati skont il-kriterju tal-orijini industrijali. Id-definizzjoni ta' orijini industrijali hi mogħtija mill-NACE Rev. 2.

Il-fergħa omoġenja

2.155 *Definizzjoni:* Il-fergħa omoġenja tikkonsisti f'raggruppament ta' unitajiet ta' produzzjoni omoġenja. Il-ġabra ta' attivitajiet koperti minn fergħa omoġenja hija identifikata permezz ta' riferiment għall-klassifikazzjoni tal-prodott. Il-fergħa omoġenja tipproduċi daww l-oġġetti jew servizzi speċifikati fil-klassifikazzjoni u l-ebda prodott ieħor.

2.156 Fergħat omoġenji huma unitajiet imfassla għal analiżi ekonomika. Normalment, l-unitajiet ta' produzzjoni omoġenja ma jstgħux jiġu osservati direttament; id-data miġbura mill-unitajiet użata fi stħarriġ ta' statistika għandha tiġi organizzata mill-ġdid biex jiġu ffurmati fergħat omoġenji.

KAPITOLU 3

TRANSAZZJONIJIET FI PRODOTTI U ASSI MHUX PRODOTTI

TRANSAZZJONIJIET FI PRODOTTI INĠENERALI

3.01 *Definizzjoni:* Il-prodotti huma l-oġġetti u s-servizzi kollha li huma maħluqin fi ħdan il-konfini tal-produzzjoni. Il-produzzjoni hija definita fil-paragrafu 3.07.

3.02 Il-kategoriji ewlenin li għejjin ta' transazzjonijiet fi prodotti huma distinti fis-SEK:

Kategoriji tat-transazzjonijiet	Kodiċi
Output	P.1
Konsum intermedju	P.2
Infiq tal-konsum finali	P.3
Konsum finali attwali	P.4
Il-formazzjoni grossa ta' kapital	P.5
Esportazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi	P.6
Importazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi	P.7

3.03 It-transazzjonijiet fil-prodotti huma rreġistrati kif ġej:

- fil-kont tal-oġġetti u s-servizzi, l-output u l-importazzjonijiet huma rreġistrati bħala riżorsi u t-transazzjonijiet l-oħra fil-prodotti huma rreġistrati bħala użi;
- fil-kont tal-produzzjoni, l-output hu rreġistrat bħala riżorsa u l-konsum intermedju hu rreġistrat bħala użu; il-valur gross miżjud huwa l-entrata saldatorja li tibbilanċja dawn iż-żewġ transazzjonijiet fil-prodotti;
- fil-kont tal-użu tal-introjtu disponibbli, l-infiq tal-konsum finali huwa rreġistrat bħala użu;
- fil-kont tal-użu tal-introjtu disponibbli aġġustat, il-konsum finali attwali huwa rreġistrat bħala użu;
- fil-kont kapitali, il-formazzjoni grossa ta' kapital hija rreġistrata bħala użu (bidla fl-assi mhux finanzjarji);
- fil-kont estern tal-oġġetti u s-servizzi, l-importazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi huma rreġistrati bħala riżorsa, u l-esportazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi huma rreġistrati bħala użi.

Ħafna mill-entrati saldatorji ewlenin ta' bilanċjar fil-kontijiet, bħall-valur miżjud, il-prodott domestiku gross, l-introjtu nazzjonali u l-introjtu disponibbli, huma definiti f'termini ta' transazzjonijiet fi prodotti. Id-definizzjoni ta' transazzjonijiet fi prodotti tiddefinixxi dawk l-entrati saldatorji.

3.04 Fit-tabella tal-provvisti (ara paragrafu 1.136), l-output u l-importazzjonijiet huma rreġistrati bħala provvisti. Fit-tabella tal-użu, il-konsum intermedju, il-formazzjoni grossa ta' kapital, l-infiq tal-konsum finali u l-esportazzjonijiet huma rreġistrati bħala użi. Fit-tabella simetrika tal-input-output, l-output u l-importazzjonijiet huma rreġistrati bħala provvisti u t-transazzjonijiet l-oħra fil-prodotti bħala użi.

3.05 Il-provvisti tal-prodotti huma valutati bil-prezzijiet bażiċi (ara l-paragrafu 3.44). L-użi tal-prodotti huma valutati bil-prezzijiet tax-xerrejja (ara l-paragrafu 3.06). Għal ċertu tipi ta' provvisti u użi, pereżempju għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-oġġetti, jintużaw prinċipji ta' valutazzjoni aktar speċifiċi.

3.06 *Definizzjoni:*

Il-prezz tax-xerrej huwa l-prezz li x-xerrej iħallas għall-prodotti. Il-prezz tax-xerrej jinkludi dawn li għejjin:

- taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodotti (iżda esklużi taxxi deduċibbli bħall-VAT fuq il-prodotti);
- imposti għat-trasport imħallsa separatament mix-xerrej għall-kunsinna fil-ħin u l-post meħtieġ;

(c) deduzzjonijiet għal kwalunkwe skontijiet għax-xiri bl-ingrossa jew off-peak mill-prezzijiet jew l-imposti standard.

Il-prezz tax-xerrej jeskludi dawn li ġejjin:

- (a) imgħax jew ħlasijiet għas-servizzi miżjuda taħt arranġamenti tal-kreditu;
- (b) imposti żejda li jirriżultaw minn ħlas tard, fejn ħlas tard tfisser nuqqas ta' ħlas fil-perijodu dikjarat fil-ħin li jkun sar ix-xiri.

Jekk il-ħin tal-użu ma jikkoinċidix mal-ħin tax-xiri, isiru aġġustamenti sal-valur biex jitqiesu l-bidliet fil-prezz minħabba li jkun għadda l-ħin (f'mod simetriku għall-bidliet fil-prezzijiet tal-inventarji). Tali modifiki huma importanti jekk il-prezzijiet tal-prodotti involuti jinbidlu b'mod sinifikanti fi żmien sena.

PRODUZZJONI U OUTPUT

3.07 *Definizzjoni:* Il-produzzjoni hija attività li titwettaq taħt il-kontroll, ir-responsabbiltà u l-ġestjoni ta' unità istituzzjonali li tuża inputs tax-xogħol, kapital u oġġetti u servizzi għall-produzzjoni ta' output ta' oġġetti u servizzi.

Il-produzzjoni ma tkoprix proċessi naturali li m'għandhom l-ebda involviment jew direzzjoni mill-bniedem, bħat-
tkabbir mhux amministrat ta' stokkijiet tal-ħut f'ilmijiet internazzjonali, iżda l-produzzjoni tinkludi l-akkwakul-
tura.

3.08 Il-produzzjoni tinkludi:

- (a) il-produzzjoni tal-oġġetti jew is-servizzi individwali u kollettivi kollha li huma provduti lill-unitajiet minbarra lill-produtturi tagħhom.
- (b) il-produzzjoni għall-kont proprju tal-oġġetti kollha li jinżammu mill-produtturi tagħhom għall-konsum aħħari proprju jew għall-formazzjoni ta' kapital fiss gross.

Eżempji ta' produzzjoni għall-kont proprju għall-formazzjoni ta' kapital fiss gross huma l-produzzjoni ta' assi fissi bħall-kostruzzjoni, l-iżvilupp ta' softwer u l-esplorazzjoni għall-minerali għall-formazzjoni ta' kapital fiss gross proprju. Il-kunċett tal-formazzjoni ta' kapital fiss gross huwa deskritt fil-paragrafi 3.124 – 3.138.

Il-produzzjoni għall-kont proprju tal-oġġetti mill-unitajiet domestiċi ġeneralment għandha x'taqsam ma':

- (1) il-kostruzzjoni għall-kont proprju ta' abitazzjonijiet;
 - (2) il-produzzjoni u l-ħażna ta' prodotti agrikoli;
 - (3) l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, bħall-produzzjoni tad-dqiq bit-tħin, il-priżervazzjoni tal-frott bit-tnixxif u l-ibbottiljar, il-produzzjoni ta' prodotti tal-ħalib bħall-butir u l-ġobon u l-produzzjoni ta' birra, inbid u xorb alkoħoliku;
 - (4) il-produzzjoni ta' prodotti primarji oħra, bħall-estrazzjoni tal-melħ, il-qtuġh tal-pit u l-ġarr tal-ilma;
 - (5) tipi oħra ta' pproċessar, bħall-insiġ tad-drapp, il-produzzjoni tal-fuħħar u l-manifattura tal-għamara.
- (c) il-produzzjoni għall-kont proprju ta' servizzi ta' abitazzjoni minn okkupanti sidien;
- (d) servizzi domestiċi u personali li jitwettqu permezz tal-impjeg ta' persunal domestiku mħallas;
- (e) attivitajiet volontarji li jirriżultaw f'oġġetti. Eżempji ta' tali attivitajiet huma l-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet, knejjes jew bini ieħor. Attivitajiet volontarji li ma jirriżultawx f'oġġetti, pereżempju kura u tindif mingħajr ħlas, huma esklużi.

L-attivitajiet elenkati hawn fuq fil-punti (a) sa (e) huma inklużi bħala produzzjoni irrispettivament minn jekk ikunux illegali jew jekk ikunux irreġistrati mal-awtoritajiet fiskali, tas-sigurtà soċjali, tal-istatistika u awtoritajiet pubbliċi oħra.

Il-produzzjoni għall-kont proprju ta' oġġetti mill-unitajiet domestiċi tiġi rreġistrata meta dan it-tip ta' produzzjoni hu sinifikanti, jiġifieri, meta jkun importanti f'termini kwantitattivi f'relazzjoni mal-provvista totali ta' dak l-oġġett f'pajjiż.

L-unika produzzjoni ta' oġġetti għall-kont proprju minn unitajiet domestiċi li hija inkluża hija il-kostruzzjoni tal-abitazzjonijiet u l-produzzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

3.09 Il-produzzjoni teskludi l-produzzjoni ta' servizzi domestiċi u personali li huma prodotti u kkunsmati fl-istess unità domestika. Eżempji ta' servizzi domestiċi prodotti mill-unitajiet domestiċi nfushom li huma esklużi huma:

- (a) it-tindif, id-dekorazzjoni u l-manutenzjoni tal-abitazzjoni safejn dawn l-attivitajiet huma komuni wkoll għall-kerrejja;
- (b) it-tindif, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' oġġetti tad-dar li jservu fit-tul;
- (c) il-preparazzjoni u d-distribuzzjoni ta' ikliet;
- (d) l-indukrar, it-taħriġ u l-istruzzjoni tat-tfal;
- (e) il-kura tal-morda, id-dgħajfa jew ix-xjuħ; u
- (f) it-trasport tal-membri tal-unità domestika jew l-oġġetti tagħhom.

Is-servizzi domestiċi u personali prodotti billi jiġi impjegat persunal domestiku bi ħlas u s-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid huma inklużi fil-produzzjoni.

Attivitajiet prinċipali, sekondarji u anċillari

3.10 *Definizzjoni:* L-attività prinċipali ta' KAU (unità tat-tip tal-attività) lokali hija l-attività li l-valur miżjud tagħha jaqbeż dak ta' kwalunkwe attività oħra mwettqa fl-istess unità. Il-klassifikazzjoni tal-attività prinċipali hija determinata b'riferiment għal NACE rev. 2, l-ewwel fl-oġġla livell tal-klassifikazzjoni u mbagħad fl-ivvelli iżjed dettaljati.

3.11 *Definizzjoni:* Attività sekondarja hija attività li titwettaq f'KAU lokali waħda flimkien mal-attività prinċipali. Il-prodott tal-attività sekondarja huwa prodott sekondarju.

3.12 *Definizzjoni:* Attività anċillari hija attività li l-output tagħha jkun maħsuba għal użu fi ħdan intrapriża.

Attività anċillari hija attività ta' sostenn imwettqa f'impriża sabiex tipperemetti li jitwettqu l-attivitajiet prinċipali jew sekondarji ta' KAU lokali. L-inputs kollha kkunsmati minn attività anċillari — materjali, ħidma, konsum ta' kapital fiss, eċċ. — huma trattati bħala inputs fl-attività prinċipali jew sekondarja li hija s-sostni.

Eżempji ta' attivitajiet anċillari huma:

- (a) ix-xiri;
- (b) il-bejgħ;
- (c) il-kummerċjalizzazzjoni;
- (d) il-kontabbiltà;
- (e) l-ipproċessar ta' data;
- (f) it-trasportazzjoni;
- (g) il-ħażna;
- (h) il-manutenzjoni;
- (i) it-tindif; u
- (j) is-servizzi tas-sigurtà.

L-intrapriżi għandhom l-għażla bejn l-ingaġġar ta' attivitajiet anċillari jew ix-xiri ta' tali servizzi fis-suq minn produttori speċjalizzati tas-servizzi.

Il-formazzjoni tal-kapital għall-kont proprju mhix attività anċillari.

- 3.13 L-attivitajiet anċillari mhuxmiex iżolati biex jiffurmaw entitajiet distinti jew separati mill-attivitajiet prinċipali jew sekondarji jew l-entitajiet li jservu. Skont dan, l-attivitajiet anċillari għandhom jiġu integrati mal-KAU lokali li jservu.

L-attivitajiet anċillari jistgħu jitwettqu f'postijiet separati, f'lokalità f'reġjun ieħor li mhuwiex dak tal-KAU lokali li jkunu jservu. L-applikazzjoni stretta tar-regola msemmija fl-ewwel subparagrafu fir-rigward tal-allokkazzjoni ġeografika tal-attivitajiet anċillari tkun tirriżulta f'sottostima tal-aggregati fir-reġjuni fejn ikunu kkonċentri l-attivitajiet anċillari. Għalhekk, f'konformità mal-prinċipju tar-residenza, l-attivitajiet anċillari għandhom jiġu allokatu għar-reġjun fejn huma jkunu jinsabu; huma jibqgħu fl-istess industrija bħall-KAU lokali li jservu.

Prodott (P.1)

- 3.14 *Definizzjoni:* L-output hu t-total tal-prodotti maħluqa matul il-perijodu bażi tal-kontijiet.

Eżempji ta' output jinkludu dawn li ġejjin:

- (a) l-oġġetti u s-servizzi li KAU lokali tipprovdi lil KAU lokali differenti tal-istess unità istituzzjonali;
- (b) l-oġġetti prodotti minn KAU lokali li jibqgħu fl-inventarji fl-aħħar tal-perijodu li fih jiġu prodotti, hu x'inhu l-użu sussegwenti tagħhom. L-oġġetti u s-servizzi prodotti u kkunsmati fl-istess perijodu bażi tal-kontijiet u fl-istess KAU lokali ma jiġux identifikati separatament. Dawn mhumiex irreġistrati bħala parti mill-output jew il-konsum intermedju ta' dik il-KAU lokali.
- 3.15 Meta unità istituzzjonali jkun fiha iżjed minn KAU lokali waħda, l-output tal-unità istituzzjonali huwa s-somma tal-output tal-KAUs lokali komponenti tagħha, inkluż l-output ikkunsinat bejn il-KAUs komponenti lokali.
- 3.16 Tliet tipi ta' prodotti huma distinti fis-SEK 2010:

- (a) output tas-suq (P.11);
- (b) output prodott għall-użu finali proprju (P.12);
- (c) prodott mhux tas-suq (P.13).

Din id-distinzjoni hija applikata wkoll għall-KAUs lokali u l-unitajiet istituzzjonali:

- (a) produtturi tas-suq;
- (b) produtturi għall-użu finali proprju;
- (c) produtturi mhux tas-suq.

Id-distinzjoni bejn suq, għal użu finali proprju u mhux tas-suq hija fundamentali minħabba dan li ġej:

- (a) din taffettwa l-valutazzjoni tal-output u l-kunċetti relatati, bħall-valur miżjud, il-prodott gross domestiku u l-infiq tal-konsum finali mill-gvern u l-NPISH;
- (b) din taffettwa l-klassifikazzjoni tal-unitajiet istituzzjonali skont is-settur, pereżempju liema unitajiet huma inklużi fis-settur tal-gvern ġenerali u liema mhumiex.

Id-distinzjoni tiddetermina l-prinċipji ta' valutazzjoni li jridu jiġu applikati għall-output. Il-prodott tas-suq u l-output li jsiru għall-użu finali proprju huma valutati bil-prezzijiet bażiċi. L-output totali ta' produtturi mhux tas-suq jiġi valutat billi jingħaddu flimkien l-ispejjeż tal-produzzjoni. L-output ta' unità istituzzjonali huwa valutat bħala s-somma tal-outputs tal-KAUs lokali tagħha u għalhekk jiddependi fuq id-distinzjoni bejn suq, għal użu finali proprju, u mhux tas-suq.

Id-distinzjoni tintuża wkoll biex tikklassifika unitajiet istituzzjonali skont is-settur. Il-produtturi mhux għas-suq jiġu kklassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali jew l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lis-settur tal-unitajiet domestiċi.

Id-distinzjonijiet huma ddefiniti b'mod dixxendenti, jiġifieri d-distinzjoni tiġi ddefinita l-ewwel għall-unitajiet istituzzjonali, imbagħad għall-KAUs lokali u wara għall-output tagħhom.

Fil-livell tal-prodott, l-output jiġi kklassifikat bħala output tas-suq, output għall-użu finali proprju u output mhux tas-suq skont il-karatteristiċi tal-unità istituzzjonali u l-KAU lokali li tipproduċi dak l-output.

- 3.17 *Definizzjoni:* L-output tas-suq jikkonsisti minn output prodott li huwa disponibbli fis-suq jew maħsub biex ikun disponibbli fis-suq.
- 3.18 L-output tas-suq jinkludi:
- prodotti mibjugħin bi prezzijiet ekonomikament sinifikanti;
 - prodotti li jiġu mparta;
 - prodotti użati għal ħlasijiet in natura (inkluż il-kumpens lill-impjegati in natura u dħul imħallat in natura);
 - prodotti forniti minn KAU lokali waħda lil oħra fl-istess unità istituzzjonali biex jintużaw bħala inputs intermedji jew għal użu finali;
 - prodotti miżjuda mal-inventarji tal-oġġetti lesti u ħidma li għaddejja maħsuba għal wieħed jew iżjed mill-użi msemmija hawn fuq (inkluż it-*tkabbir naturali ta' prodotti tal-annimali u tal-ħxejjex u strutturi mhux lesti li x-xerrej tagħhom mhuwiex magħruf*).
- 3.19 *Definizzjoni:* Prezzijiet ekonomikament sinifikanti huma prezzijiet li għandhom effett sostanzjali fuq l-ammonti tal-prodotti li l-produtturi huma lesti jipprovdu u fuq l-ammonti tal-prodotti li x-xerrejja jixtiequ jakkwistaw. Tali prezzijiet jirriżultaw meta japplikaw iż-*żewġ kondizzjonijiet* li ġejjin:
- il-produttur għandu inċentiv biex jaġġusta l-provvista jew bil-għan li jagħmel profitt għall-perijodu fit-tul jew, bħala minimu, li jkopri l-kapital u spejjeż oħra; u
 - il-konsumaturi għandhom il-libertà li jixtru jew li ma jixtru u jagħmlu l-għażla abbażi tal-prezzijiet li jintalbu.
- Probabbli li jiġu mitluba prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti sabiex jinġabar xi dħul jew jinkiseb xi tnaqqis fid-domanda żejda li tista' sseħħ meta s-servizzi jiġu provduti kompletament b'xejn.
- Il-prezz ekonomikament sinifikanti ta' prodott huwa definit f'relazzjoni mal-unità istituzzjonali u l-KAU lokali li pproduċiet l-output. Pereżempju, l-output kollu ta' intrapriżi mhux inkorporati posseduti mill-unitajiet domestiċi mibjugħin lil unitajiet istituzzjonali oħra jinbiegħ bi prezzijiet ekonomikament sinifikanti; għalhekk irid jitqies bħala output tas-suq. Fil-każ ta' output ta' unitajiet istituzzjonali oħra, il-ħila li titwettaq attività tas-suq bi prezzijiet ekonomikament sinifikanti tiġi kkontrollata notevolment permezz ta' kriterju kwantitattiv (il-kriterju tal-50 %), bl-użu tal-proporzjoni tal-bejgħ kontra l-ispejjeż tal-produzzjoni. Biex tkun produttur tas-suq, l-unità għandha tkopri tal-anqas 50 % tal-ispejjeż tagħha permezz tal-bejgħ tagħha tul perijodu sostnut ta' għadd ta' snin.
- 3.20 *Definizzjoni:* L-output prodott għall-użu finali proprju jikkonsisti minn oġġetti jew servizzi li jinżammu jew għall-konsum finali proprju jew għall-formazzjoni ta' kapital mill-istess unità istituzzjonali.
- 3.21 Il-prodotti miżmuma għall-konsum finali proprju jistgħu jiġu prodotti biss mis-settur tal-unitajiet domestiċi. Eżempji ta' prodotti miżmuma għall-konsum finali proprju jinkludu:
- prodotti agricoli miżmuma mill-bdiewa;
 - servizzi ta' abitazzjoni prodotti mill-okkupanti sidien;
 - servizzi ta' unitajiet domestiċi prodotti permezz tal-impjegar ta' persunal imħallas.
- 3.22 Prodotti użati għall-formazzjoni ta' kapital proprju jistgħu jiġu prodotti minn kwalunkwe settur. Eżempji tat-tali prodotti huma:
- għodod tal-magni prodotti minn intrapriżi tal-*inġinerija*;
 - abitazzjonijiet, jew estensjonijiet ta' abitazzjonijiet, prodotti mill-unitajiet domestiċi;
 - kostruzzjoni għall-kont proprju, inkluża kostruzzjoni komunal li titwettaq minn gruppi ta' unitajiet domestiċi;
 - softwer għall-kont proprju;
 - riċerka u żvilupp għall-kont proprju. In-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp jiġu rreġistrati bħala formazzjoni ta' kapital fiss biss meta jkun inkiseb livell biżżejjed għoli ta' affidabbiltà u paragonabbiltà tal-istimi minn madwar l-Istati Membri tal-UE.

- 3.23 *Definizzjoni:* L-output mhux tas-suq jikkonsisti f'output ipprovdut lil unitajiet oħra mingħajr ħlas, jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti.

Prodott mhux tas-suq (P.13) jiġi suddiviż f'żewġ entrati: "Ħlasijiet għal output mhux tas-suq" (P.131), li jikkonsistu minn diversi tariffi u imposti, u "Output mhux tas-suq, ieħor" (P.132), li huwa output ipprovdut mingħajr ħlas.

Output mhux tas-suq jiġi prodott għar-raġunijiet li ġejjin:

- (a) jista' jkun teknikament impossibbli li wieħed iġiegħel lill-individwi jħallsu għal servizzi kollettivi minħabba li l-konsum minnhom ta' tali servizzi ma jstax jiġi mmonitorjat u kkontrollat. Il-produzzjoni ta' servizzi kollettivi tiġi organizzata mill-unitajiet tal-gvern u finanzjata minn fondi minbarra dawk riċevuti mill-bejgħ, jiġifieri d-dħul mit-taxxa jew dħul ieħor tal-gvern;
- (b) l-unitajiet tal-gvern u l-NPISHs jistgħu wkoll jiproduċu u jipprovdut oġġetti jew servizzi lil unitajiet domestiċi individwali li għalihom jistgħu jitolbu ħlas iżda li jagħżlu li ma jagħmlux dan minħabba politika soċjali jew ekonomika. Eżempji huma l-provvista tas-servizzi ta' edukazzjoni jew tas-saħħa, mingħajr ħlas jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti.
- 3.24 *Definizzjoni:* Il-produtturi tas-suq huma KAUs lokali jew unitajiet istituzzjonali li l-maġġoranza tal-output tagħhom hija output tas-suq.
- Jekk KAU lokali jew unità istituzzjonali hija produttur tas-suq, l-output prinċipali tagħha hija b'definizzjoni output tas-suq, peress li l-kunċett ta' output tas-suq jiġi definit wara li tkun ġiet applikata d-distinzjoni tas-suq, għal użu finali proprju u output mhux tas-suq, lill-KAU lokali u l-unità istituzzjonali li pproduċew dak l-output.
- 3.25 *Definizzjoni:* Produtturi għall-użu finali proprju huma KAUs lokali jew unitajiet istituzzjonali li l-parti l-kbira tal-output tagħhom hija għall-użu finali proprju fl-istess unità istituzzjonali.
- 3.26 *Definizzjoni:* Produtturi mhux tas-suq huma KAUs lokali jew unitajiet istituzzjonali li l-parti l-kbira tal-output tagħhom hija pprovduta mingħajr ħlas jew bi prezzijiet mhux ekonomikament sinifikanti.

Unitajiet istituzzjonali: distinzjoni bejn tas-suq, għall-użu finali proprju u mhux tas-suq

- 3.27 Għall-unitajiet istituzzjonali bħala produtturi, id-distinzjoni bejn tas-suq, għall-użu finali proprju u mhux tas-suq hija mogħtija fil-qosor fit-Tabella 3.1. Hija murija wkoll il-klassifikazzjoni skont is-settur.

Tabella 3.1 — Id-distinzjoni bejn produtturi għas-suq, produtturi għall-użu finali proprju u produtturi mhux għas-suq għall-unitajiet istituzzjonali

Tip ta' unità istituzzjonali		Klassifikazzjoni			
Privata jew pubblika?	NPI jew le?	Produttur tas-suq?	Tip ta' produttur	Settur(i)	
1. Produtturi privati	1.1 Impriżi mhux inkorporati li huma proprjetà ta' unitajiet domestiċi (bl-esklużjoni ta' impriżi kważikorporattivi proprjetà ta' unitajiet domestiċi)		1.1 = Għas-suq jew għall-użu finali proprju	Unitajiet domestiċi	
	1.2 Produtturi privati oħrajn (inkluż l-impriżi kważikorporattivi proprjetà ta' unitajiet domestiċi)	1.2.1 NPIs privati	1.2.1.1 Iva	1.2.1.1 = Suq	Korporazzjonijiet
			1.2.1.2 Le	1.2.1.2 = Mhux għas-suq	NPISH
		1.2.2 Produtturi privati oħrajn mhux NPI		1.2.2 = Suq	Korporazzjonijiet
2. Produtturi pubbliċi		2.1 Iva	2.1 = Suq	Korporazzjonijiet	
		2.2 Le	2.2 = Mhux għas-suq	Gvern ġenerali	

- 3.28 It-Tabella 3.1 turi li sabiex jiġi determinat jekk unità istituzzjonali għandhiex tiġi kklassifikata bħala produttur għas-suq, produttur għall-użu finali proprju jew produttur mhux għas-suq, diversi distinzjonijiet isiru b'mod sekwenzjali. L-ewwel distinzjoni hija bejn produtturi privati u pubbliċi. Produttur pubbliku huwa produttur li huwa kkontrollat mill-gvern ġenerali, fejn il-kontroll ikun kif iddefinit fil-paragrafu 2.38.
- 3.29 Kif jidher fit-Tabella 3.1, il-produtturi privati jinsabu fis-setturi kollha minbarra l-gvern ġenerali. B'kuntrast, il-produtturi pubbliċi jinsabu biss fis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji u fis-settur tal-gvern ġenerali.
- 3.30 Kategorija speċifika ta' produtturi privati hija dik tal-intrapriżi mhux inkorporati posseduti mill-unitajiet domestiċi. Dawn huma produtturi tas-suq jew produtturi għall-użu finali proprju. Dan tal-aħħar iseħħ fil-każ tal-produzzjoni ta' servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid u l-produzzjoni proprja tal-oġġetti. L-intrapriżi kollha mhux inkorporati posseduti minn unitajiet domestiċi huma kklassifikati fis-settur tal-unitajiet domestiċi għajr għal intrapriżi kważikorporattivi posseduti minn unitajiet domestiċi. Dawn huma produtturi tas-suq u kklassifikati fis-setturi ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji u korporazzjonijiet finanzjarji.
- 3.31 Għall-produtturi l-oħra privati, issir distinzjoni bejn istituzzjonijiet privati mingħajr skop ta' profitt u produtturi oħra privati.

Definizzjoni: Istituzzjoni privata mingħajr skop ta' qligħ (NPI) hija definita bħala entità legali jew soċjali li taġixxi għall-iskop tal-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi li l-istatus tagħha ma jippermettix li tkun sors ta' introjtu, profitt jew qligħ finanzjarju ieħor għall-unitajiet li jstabbilixxuha, jikkontrollawha jew jiffinanzjawha. Meta l-attivitatijiet produttivi tagħhom jiġġeneraw eċċessi, tali eċċessi ma jistgħux jiġu approprijati minn unitajiet istituzzjonali oħrajn.

NPI privata hija klassifikata fis-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-korporazzjonijiet finanzjarji, jekk tkun produttur għas-suq.

NPI privata tiġi kklassifikata fis-settur NPISH jekk tkun produttur mhux tas-suq, ħlief meta tkun ikkontrollata mill-gvern. Meta NPI privata tkun ikkontrollata mill-gvern, din tiġi kklassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali.

Il-produtturi privati l-oħrajn kollha li mhumiex NPIs huma produtturi tas-suq. Dawn huma kklassifikati fis-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u korporazzjonijiet finanzjarji.

- 3.32 Meta ssir distinzjoni bejn output għas-suq u mhux għas-suq u bejn produtturi għas-suq u mhux għas-suq, għandhom jintużaw diversi kriterji. Il-kriterji għas-suq u mhux għas-suq in kwistjoni (ara l-paragrafu 3.19 dwar id-definizzjoni ta' prezzijiet ekonomikament sinifikanti) ifittxu li jivvalutaw l-eżistenza ta' ċirkostanzi tas-suq u komportament biżżejjed tas-suq mill-produttur. Skont dan il-kriterju kwantitattiv għas-suq u mhux għas-suq, il-prodotti mibjugħin bi prezzijiet ekonomikament sinifikanti għandhom ikopru tal-anqas il-maġġoranza tal-ispejjeż tal-produzzjoni bil-bejgħ.
- 3.33 Fl-applikazzjoni ta' dan il-kriterju kwantitattiv għas-suq u mhux għas-suq, il-bejgħ u l-ispejjeż tal-produzzjoni huma ddefiniti kif ġej:
- (a) il-bejgħ ifisser il-bejgħ esklużi t-taxxi fuq il-prodotti iżda jinkludi l-ħlasijiet kollha li jsiru mill-gvern ġenerali jew l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u mogħtija lil kwalunkwe tip ta' produttur f'din it-tip ta' attività, jiġifieri l-ħlasijiet kollha marbuta mal-volum jew il-valur tal-output huma inklużi, iżda l-ħlasijiet li jkopru defiċit ġenerali jew iħallsu id-djun huma esklużi.

Din id-definizzjoni ta' bejgħ tikkorrispondi għal dak l-output bi prezzijiet bażiċi minbarra li:

- (1) l-output bi prezzijiet bażiċi huwa definit biss wara li jkun ġie deċiż dwar jekk l-output huwiex għas-suq jew le; il-bejgħ jintuża biss fl-ivvalutar tal-output għas-suq; l-output mhux għas-suq jiġi valutat skont l-ispejjeż;
- (2) il-ħlasijiet li jsiru mill-gvern ġenerali biex ikopru defiċit ġenerali tal-korporazzjonijiet u l-kważikorporazzjonijiet jikkostitwixxu parti minn sussidji oħra fuq il-prodotti kif definit fil-punt (c) tal-paragrafu 4.35. Bħala konsegwenza, l-output għas-suq bi prezzijiet bażiċi jinkludi l-ħlasijiet li jsiru mill-gvern ġenerali biex jiġi kopert defiċit ġenerali;
- (b) il-bejgħ jeskludi sorsi oħra ta' dħul bħall-qligħ nominali (għalkemm dawn jistgħu jkunu parti normali u mistennija tad-dħul ta' negozju), għotjiet ta' investment, trasferimenti oħra ta' kapital (pereżempju amortizzazzjoni tad-dejn) u x-xiri ta' ekwità;

(c) għall-fini ta' dan il-kriterju, l-ispejjeż tal-produzzjoni huma ugwali għas-somma tal-konsum intermedju, il-kumpens għall-impjegati, il-konsum tal-kapital fiss, taxxi oħra fuq il-produzzjoni flimkien mal-ispejjeż tal-kapital. Sussidji oħra fuq il-produzzjoni ma jiġux imnaqqsa. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-kunċetti ta' "bejgħ" u "spejjeż tal-produzzjoni" fl-applikazzjoni tal-kriterju kwantitattiv għas-suq u mhux għas-suq, "l-ispejjeż tal-produzzjoni" għandhom jeskludu l-ispejjeż kollha mġarrba għall-formazzjoni tal-kapital proprja. Għal raġunijiet ta' sempliċità, l-ispejjeż tal-kapital jistgħu ġeneralment jiġu approssimati bil-ħlasijiet tal-imgħax attwali nett. Madankollu, għall-produtturi ta' servizzi finanzjarji, tittieħed l-imposta fuq l-imgħax, jiġifieri ssir korrezzjoni għal servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM).

Il-kriterju kwantitattiv għas-suq u mhux għas-suq jiġi applikat billi titqies firxa ta' snin. Ċaqliq żgħir fid-daqs tal-bejgħ minn sena għal oħra ma jirrikjedix riklassifikazzjoni tal-unitajiet istituzzjonali (u l-KAUs lokali u l-output tagħhom).

3.34 Bejgħ jista' jikkonsisti minn elementi varji. Pereżempju, fil-każ tas-servizzi tal-kura tas-saħħa provduti minn spjar il-bejgħ jista' jikkorrispondi għal:

(a) akkwisti minn min iħaddem li jridu jiġu reġistrati bħala introjtu in natura mħallas lill-impjegati tagħhom u l-infiq tal-konsum finali minn dawn l-impjegati;

(b) akkwisti minn kumpaniji privati tal-assigurazzjoni;

(c) akkwisti minn fondi tas-sigurtà soċjali u l-gvern ġenerali li għandhom jiġu kklassifikati bħala benefiċċji soċjali in natura;

(d) akkwisti minn unitajiet domestiċi mingħajr rimborż (infiq tal-konsum finali).

Sussidji oħra fuq produzzjoni u rigali (pereżempju mill-organizzazzjonijiet tal-karità) irċevuti biss mhumiex trattati bħala bejgħ.

Fl-istess mod, bħala eżempju illustrattiv, il-bejgħ ta' servizzi ta' trasport minn intrapriża jista' jikkorrispondi għal konsum intermedju mill-produtturi, dħul in natura provdut minn min iħaddem, benefiċċji soċjali in natura provduti mill-gvern u akkwisti mill-unitajiet domestiċi mingħajr rimborż.

3.35 Istituzzjonijiet privati mingħajr skop ta' profit li jservu lin-negozji huma każ speċjali. Dawn huma normalment finanzjati minn kontribuzzjonijiet jew sottoskrizzjonijiet mill-grupp ta' negozji kkonċernat. Is-sottoskrizzjonijiet mhumiex trattati bħala trasferimenti iżda bħala ħlasijiet għal servizzi mogħtija, jiġifieri bħala bejgħ. Dawn l-NPIs għalhekk huma produtturi għas-suq u huma kklassifikati fis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jew dak tal-korporazzjonijiet finanzjarji.

3.36 Meta jiġi applikat il-kriterju ta' paragunar tal-bejgħ u l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' NPIs privati jew pubbliċi, l-inklużjoni fil-bejgħ tal-ħlasijiet kollha marbuta mal-volum tal-output jistgħu jkunu qarrieqa f'xi każijiet speċifiċi. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward tal-finanzjament ta' skejjet privati u pubbliċi. Il-ħlasijiet mill-gvern ġenerali jistgħu jkunu marbuta man-numru ta' studenti iżda jkunu s-suġġett ta' negozjar mal-gvern ġenerali. F'każ bħal dan, daww il-ħlasijiet ma jiġux irreġistrati bħala bejgħ, għalkemm jista' jkollhom konnessjoni espliċita ma' kejl tal-volum tal-output, bħan-numru ta' studenti. Dan jimplika li skola ffinanzjata prinċipalment minn tali ħlasijiet tkun produttur mhux għas-suq.

3.37 Il-produtturi pubbliċi jistgħu jkunu produtturi għas-suq jew produtturi mhux għas-suq. Il-produtturi għas-suq jiġu kklassifikati fis-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u finanzjarji. Jekk l-unità istituzzjonali hija produttur mhux għas-suq, din tiġi kklassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali.

3.38 Il-KAUs lokali bħala produtturi għas-suq u bħala produtturi għall-użu finali proprju ma jistgħux jissupplixxu l-output mhux għas-suq. L-output tagħhom għalhekk jista' jiġi reġistrat biss bħala output għas-suq jew output għall-użu finali proprju u jiġi valutat f'dan il-mod (ara l-paragrafi 3.42 sa 3.53).

3.39 Il-KAUs lokali bħala produtturi mhux għas-suq jistgħu jipprovdu bħala output sekondarju outputs għas-suq u output għall-użu finali proprju. L-output għall-użu finali proprju jikkonsisti mill-formazzjoni ta' kapital proprju. L-okkorrenza ta' output għas-suq għandha fil-prinċipju tiġi determinata bl-applikazzjoni tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi għas-suq u mhux għas-suq lil prodotti individwali. Tali output għas-suq sekondarju minn produtturi mhux għas-suq jista' jkun il-każ pereżempju meta l-isptarijiet tal-gvern jitolbu prezzijiet ekonomikament sinifiċanti għal uħud mis-servizzi tagħhom.

3.40 Eżempji oħra huma l-bejgħ ta' riproduzzjonijiet minn mużewijiet tal-gvern u l-bejgħ tat-tbassir tat-temp minn istituti tal-meteoroloġija.

- 3.41 Il-produtturi mhux għas-suq jista' jkollhom ukoll dħul mill-bejgħ tal-output tagħhom mhux għas-suq bi prezzijiet mhux ekonomikament sinifikanti, pereżempju d-dħul li jagħmel mużew mill-biljetti tad-dħul. Dan id-dħul jappartjeni għal output mhux għas-suq. Madankollu, jekk huwa diffiċli li ssir distinzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' dħul (dħul mill-biljetti u dak mill-bejgħ ta' posters u kartolini), dawn kollha jistgħu jiġu trattati jew bħala dħul għall-output għas-suq jew dħul għal l-output mhux għas-suq. L-għażla bejn dawn iż-żewġ reġistrazzjonijiet alternattivi għandha tiddependi fuq l-importanza relattiva attribwita taż-żewġ tipi ta' dħul (mill-biljetti kontra dawk mill-bejgħ ta' posters u kartolini).

Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-output

- 3.42 Il-prodott għandu jiġi reġistrat u valutat meta jiġi ġenerat mill-proċess tal-produzzjoni
- 3.43 L-output kollu għandu jiġi valutat bil-prezzijiet bażiċi, iżda konvenzjonijiet speċifiċi japplikaw għal dan li ġej:
- (a) il-valutazzjoni tal-output mhux għas-suq;
- (b) il-valutazzjoni tal-output totali ta' produttur mhux għas-suq (KAU lokali);
- (c) il-valutazzjoni tal-output totali ta' unità istituzzjonali li KAU lokali tagħha huwa produttur mhux għas-suq.
- 3.44 *Definizzjoni:* Il-prezz bażiku huwa l-prezz li jirċievu l-produtturi mix-xerrej għal unità ta' oġġett jew servizz prodott bħala output nieqes kwalunkwe taxxa (jiġifieri taxxi fuq prodotti) pagabbli fuq dik l-unità bħala konsegwenza tal-produzzjoni jew bejgħ tagħha, flimkien ma' kwalunkwe sussidju (jiġifieri sussidji fuq prodotti) riċevibbli fuq dik l-unità bħala konsegwenza tal-produzzjoni jew bejgħ tagħha. Dan jeskludi kwalunkwe imposti tat-trasport li jiġu fatturati separatament mill-produttur. Dan jeskludi wkoll il-qligħ u t-telf nominali fuq assi finanzjarji u mhux finanzjarji.
- 3.45 Output għall-użu finali proprju (P.12) jiġi valutat bil-prezzijiet bażiċi ta' prodotti simili mibjugħin fis-suq. Dan jiġġenera bilanċ operattiv nett jew introjtu mħallat għal tali output. Eżempju ta' dan huma s-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid li jiġġeneraw bilanċ operattiv nett. Jekk il-prezzijiet bażiċi ta' prodotti simili ma jkunux disponibbli, l-output għall-użu finali proprju għandu jiġi vvalutat bl-ispejjeż tal-produzzjoni flimkien ma' mark-up (ħlief għall-produtturi mhux għas-suq) fil-każ ta' bilanċ operattiv nett jew introjtu mħallat.
- 3.46 Żidiet mal-ħidma li għaddeja jiġu valutati bil-prezz bażiku attwali tal-prodott lest.
- 3.47 Biex jiġi stmat bil-quddiem il-valur tal-output trattat bħala ħidma li għaddeja, il-valur jissejjes fuq l-ispejjeż attwali li jsiru, flimkien ma' mark-up (ħlief għall-produtturi mhux għas-suq) għall-bilanċ pożittiv operattiv stmat jew l-introjtu mħallat. L-istimi proviżorji jiġu sostitwiti sussegwentement minn dawk miksuba bid-distribuzzjoni tal-valur attwali (meta jkun magħruf) tal-prodotti finali, tul il-medda ta' żmien tal-ħidma li għaddeja.
- Il-valur tal-output ta' prodotti lesti huwa s-somma tal-valuri ta' dan li ġej:
- (a) il-prodotti lesti mibjugħin jew imparta;
- (b) id-dħul ta' prodotti lesti fl-inventarji, nieqes it-tħassir;
- (c) il-prodotti lesti għall-użu finali proprju.
- 3.48 Għall-bini u l-istrutturi miksuba fi stat mhux lest, il-valur huwa stmat abbażi tal-ispejjeż sa dik id-data, inkluż mark-up għall-bilanċ pożittiv operattiv jew għall-introjtu mħallat. Dan il-mark-up jirriżulta meta l-valur jista' jiġi stmat abbażi tal-prezzijiet ta' bini u strutturi simili. L-ammonti ta' ħlasijiet fi stadji jistgħu jintużaw għall-approssimazzjoni tal-valuri tal-formazzjoni ta' kapital fiss gross li jagħmel ix-xerrej f'kull stadju bis-suppożizzjoni li ma jkun hemm l-ebda ħlas bil-quddiem jew arretrati.

Fejn il-konstruzzjoni għall-kont proprju ta' struttura ma tkunx tlestiet f'perijodu bażi wieħed tal-kontijiet, il-valur tal-output jiġi stmat bil-metodu li ġej. Jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-ispejjeż imġarrba fil-perijodu attwali għall-ispejjeż totali tul il-medda kollha ta' żmien tal-konstruzzjoni. Dan il-proporzjon jiġi applikat għall-istima tal-output totali bil-prezz attwali. Jekk mhuwiex possibbli li jiġi stmat il-valur tal-istruttura lesta bil-prezz bażiku attwali, dan jiġi valutat bl-ispejjeż totali tiegħu tal-produzzjoni flimkien ma' mark-up (ħlief għall-produtturi mhux għas-suq) fil-każ ta' bilanċ operattiv nett jew introjtu mħallat. Jekk parti mix-xogħol jew kollu kemm hu jiġi provdut b'xejn, kif jista' jiġri fil-każ tal-konstruzzjoni komunalni mill-unitajiet domestiċi, tiġi inkluża stima ta' x'kienet tkun l-ispiża tax-xogħol fl-ispejjeż totali stmati tal-produzzjoni bl-użu tar-rati tal-pagi għal attivitajiet ta' inputs ta' xogħol simili.

- 3.49 L-output totali ta' produttur mhux għas-suq (KAU lokali) jiġi valutat bl-ispejjeż totali tal-produzzjoni, jiġifieri s-somma:
- (a) tal-konsum intermedju (P.2);
 - (b) il-kumpens tal-impjegati (D.1);
 - (c) il-konsum tal-kapital fiss (P.51c);
 - (d) taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29) nieqes sussidji oħra tal-produzzjoni (D.39).

Il-pagamenti tal-imgħax (minbarra l-FISIM) mhumiex inklużi bħala spejjeż tal-produzzjoni mhux għas-suq. L-ispejjeż tal-produzzjoni mhux għas-suq ukoll ma jinkludux imputazzjoni għal redditu nett fuq il-kapital, jew imputazzjoni għall-valur tal-kiri ta' bini mhux residenzjali possedut u użat fil-produzzjoni mhux għas-suq.

- 3.50 L-output totali ta' unità istituzzjonali huwa s-somma tal-output totali tal-KAUs lokali kostitwenti tagħha. Dan japplika wkoll għal unitajiet istituzzjonali li huma produtturi mhux għas-suq.
- 3.51 Fl-assenza ta' output sekondarju tas-suq mill-produtturi mhux għas-suq, l-output mhux tas-suq jiġi valutat bl-ispejjeż tal-produzzjoni. Fil-każ ta' output sekondarju tas-suq minn produtturi mhux għas-suq, il-prodott mhux għas-suq jiġi valutat bħala entrata residwa, jiġifieri l-ispejjeż totali tal-produzzjoni nieqes id-dħul mill-output tas-suq.
- 3.52 L-output tas-suq minn produtturi mhux għas-suq jiġi valutat bil-prezzijiet bażiċi. L-output totali ta' KAU lokali mhux għas-suq li jkopri l-output għas-suq, mhux għas-suq għall-użu finali proprju, jiġi valutat permezz tas-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni. Il-valur tal-output tagħha għas-suq jinkiseb permezz tal-qligħ mill-bejgħ tal-prodotti għas-suq, filwaqt li l-valur tal-output mhux għas-suq tagħha jinkiseb residwalment bħala d-differenzi bejn il-valur tal-output totali u s-somma tal-output għas-suq u l-output għall-użu finali proprju. Il-valur tal-qligħ tagħha mill-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi mhux għas-suq bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti ma jidħolx f'dawn il-kalkoli — dawn huma parti mill-valur tal-output tagħha mhux għas-suq.
- 3.53 Din li ġejja hija lista ta' eċċezzjonijiet u kjarifiki, fl-ordni tas-sezzjonijiet tas-CPA fir-rigward taż-żminijiet tar-reġistrazzjoni u l-valutazzjoni tal-output.

Prodotti tal-agrikoltura, tal-forestrija u s-sajd (Sezzjoni A)

- 3.54 L-output tal-prodotti agrikoli jiġi rreġistrati bħala li qed jiġi prodott kontinwament matul il-perijodu sħiħ tal-produzzjoni (u mhux biss meta l-għelejjel jinħasdu jew l-annimali jinqatlu).

It-tkabbir tal-għelejjel, l-injam mhux maqtuġh u l-istokkijiet tal-ħut jew l-annimali mrobbija għal skopijiet ta' ikel jiġu ttrattati bħala inventarji ta' ħidma li għaddejja matul il-proċess, u trasformati f'inventarji ta' prodotti lesti meta l-proċess jitlesta.

L-output jeskludi kwalunkwe bidliet fir-riżorsi bijoloġiċi mhux kultivati, pereżempju t-tkabbir tal-annimali, l-għasafar, il-ħut li qed jgħixu fis-selvaġġ jew it-tkabbir ta' foresti mhux ikkultivati.

Prodotti manifatturati (Sezzjoni C); Xogħol tal-kostruzzjoni (Sezzjoni F)

- 3.55 Fil-każ tal-kostruzzjoni ta' bini jew struttura oħra li testendi tul perijodi bażi diversi tal-kontijiet, l-output prodott matul kull perijodu jiġi ttrattat bħala mibjuġh lix-xerrej f' tmiem tal-perijodu, jiġifieri rreġistrat bħala formazzjoni ta' kapital fiss mix-xerrej aktar minn ħidma li għaddejja fl-industrija tal-kostruzzjoni. L-output jiġi trattat bħala mibjuġh lix-xerrej fi stadji. Meta l-kuntratt jesiġi hłasijiet fi stadji, il-valur tal-output jista' jiġi approssimat bil-valur tal-hłasijiet fi stadji li jsiru f'kull perijodu. Fejn ma jkunx hemm ċertezza fir-rigward tax-xerrej aħħari, l-output mhux komplet li jiġi prodott f'kull perijodu jiġi rreġistrat bħala ħidma li għaddejja.

Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa u bl-innut; servizzi ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi (Sezzjoni G)

- 3.56 L-output tas-servizzi bl-ingrossa u bl-innut jitkejjel bil-marġnijiet tal-kummerċ realizzati fuq l-oġġetti li jixtru għall-bejgħ mill-ġdid.

Definizzjoni: Marġni tal-kummerċ hija d-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ attwali jew inputtjat realizzat fuq oġġett mixtri għall-bejgħ mill-ġdid u l-prezz li kieku kien jitħallas mid-distributur biex jissostitwixxi l-oġġett meta jinbiegħ jew inkella meta jiddisponi minnu.

Il-marġnijiet kummerċjali realizzati fuq ċertu oġġetti jistgħu jkunu negattivi jekk il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom jtnaqqsu. Il-marġnijiet kummerċjali jkunu negattivi fuq oġġetti li ma jinbiegħux li, iżda jintremew jew jinsterqu. Il-marġnijiet kummerċjali fuq l-oġġetti mogħtija lill-impjegati bħala kumpens in natura jew irtirati għall-konsum finali mis-sidien, huma ugwali għal zero.

Il-qligħ u t-telf nominali mhumiex inklużi fil-marġni tal-kummerċ.

L-output ta' bejjiegħ bl-ingrossa jew bejjiegħ bl-imnut jingħata mill-identità li ġejja:

il-valur tal-output =

il-valur tal-bejgħ

flimkien mal-valur tal-oġġetti mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid u użati għall-konsum intermedju, il-kumpens tal-impjegati in natura jew id-dħul imħallat in natura,

nieqes il-valur tal-oġġetti mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid,

flimkien mal-valur taż-żidiet għall-inventarji tal-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid,

nieqes il-valur tal-oġġetti rtirati mill-inventarji tal-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid,

nieqes il-valur ta' telf rikorrenti minħabba r-rati normali tal-ħela, serq jew danni aċċidentali.

Trasport u Ħżin (Sezzjoni H)

- 3.57 Il-prodott tas-servizzi ta' trasport jitkejjel bil-valur tal-ammonti riċevibbli għat-trasport ta' oġġetti jew persuni. It-trasport għall-użu proprju fil-KAU lokali jitqies bħala attività anċillari u ma jiġix identifikat u reġistrat separatament.
- 3.58 L-output tas-servizzi tal-ħżin jitkejjel bħala l-valur ta' żieda għall-ħidma li għaddejja. Żidiet fil-prezz tal-oġġetti waqt li jkunu fl-inventarji m'għandhomx jitqiesu bħala ħidma li għaddejja u produzzjoni, iżda għandhom jiġu trattati bħala qligħ nominali. Jekk iż-żieda fil-valur tirrifletti żieda fil-prezz iżda l-ebda bidla fil-kwalità, allura mhux qed issir produzzjoni ulterjuri matul il-perjodu flimkien mal-ispejjeż tal-ħżin jew ix-xiri espliċitu għal servizz tal-ħżin. Madankollu, fi tliet każijiet iż-żieda fil-valur titqies bħala produzzjoni:
- (a) il-kwalità tal-oġġett tista' titjieb maż-żmien, pereżempju fil-każ tal-inbid; huma biss il-każijiet fejn il-maturità hija parti mill-proċess tal-produzzjoni regolari, iż-żieda fil-kwalità tal-oġġett titqies bħala produzzjoni;
 - (b) il-fatturi staġjonali li jaffettwaw il-provvista jew id-domanda għal oġġett speċifiku li jwasslu għal varjazzjonijiet regolari u prevedibbli fil-prezz matul is-sena, anki jekk il-kwalitajiet fiżiċi tiegħu jistgħu ma jkunux tbiidlu;
 - (c) il-proċess tal-produzzjoni huwa twil biżżejjed li l-fatturi tal-iskontar jiġu applikati għal xogħol li jsir ferm qabel il-kunsinna.
- 3.59 Il-biċċa l-kbira tal-bidliet fil-prezzijiet tal-oġġetti waqt li jkunu fl-inventarji mhumiex żidiet għall-ħidma li għaddejja. Sabiex tiġi stmata ż-żieda fil-valur tal-oġġetti maħżuna 'l fuq mill-ispejjeż tal-ħżin, tista' tintuża ż-żieda mistennija fil-valur 'il fuq mir-rata ġenerali tal-inflazzjoni fuq perjodu predeterminat. Kwalunkwe qligħ li jseħħ barra l-perjodu predeterminat ikompli jiġi rreġistrat bħala qligħ jew telf nominali.
- Is-servizzi tal-ħżin ma jinkludux xi bidla fil-prezz minħabba ż-żamma ta' assi finanzjarji, oġġetti ta' valur jew assi oħra mhux finanzjarji bħal art u bini.
- 3.60 L-output tas-servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar jitkejjel bħala l-valur tal-ħlasijiet għas-servizz tal-aġenziji (tariffi jew kummissjonijiet) u mhux min-nefqa kollha li ssir mill-vjaġġaturi lill-aġenzija tal-ivvjaġġar, li tinkludi wkoll imposti għat-trasport minn partijiet terzi.
- 3.61 L-output tas-servizzi tal-operaturi turistiċi jitkejjel bin-nefqa kollha li ssir mill-vjaġġaturi lill-operatur turistiku.
- 3.62 Is-servizzi ta' aġenzija tal-ivvjaġġar u servizzi ta' operatur turistiku jiġu distinti mill-fatt li s-servizzi ta' aġenzija tal-ivvjaġġar jammontaw biss għall-intermedjazzjoni fisem il-vjaġġatur, waqt li s-servizzi ta' operatur turistiku jgħolqu prodott ġdid imsejjaħ ġita, li jkollha komponenti varji ta' vjaġġar, akkomodazzjoni u divertiment.

Akkomodazzjoni u servizzi marbuta mal-ikel (Sezzjoni I)

- 3.63 Il-valur tal-output tas-servizzi tal-lukandi, ir-ristoranti u l-ħwienet tal-kafe jinkludi l-valur tal-ikel, ix-xarbiet, eċċ. ikkunsmati.

Servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni: (Sezzjoni K): l-output tal-bank ċentrali

Il-bank ċentrali jagħti dawn is-servizzi li ġejjin:

- (a) servizzi dwar politika monetarja;
- (b) servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja;
- (c) servizzi ta' superviżjoni ta' korporazzjonijiet finanzjarji.

L-output tal-Bank Ċentrali jitkejjel bħala s-somma tal-ispejjeż tiegħu.

Servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni: (Sezzjoni K): servizzi finanzjarji iġenerali

Is-servizzi finanzjarji jikkonsistu fis-servizzi li ġejjin:

- (a) intermedjazzjoni finanzjarja (inklużi servizzi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni);
 - (b) servizzi ta' awżiljari finanzjarji; u
 - (c) servizzi finanzjarji oħra.
- 3.64 L-intermedjazzjoni finanzjarja hija l-ġestjoni tar-riskju finanzjarju u t-trasformazzjoni tal-likwidità. Il-korporazzjonijiet impenjati f'dawn l-attivitajiet jiksbu fondi, pereżempju billi jieħdu d-depożiti u joħoġu kambjali, bonds u titoli oħra. Il-korporazzjonijiet jużaw dawn il-fondi kif ukoll il-fondi proprji biex jiksbu assi finanzjarji billi jagħtu self lil oħrajn u billi jixtru kambjali, bonds jew titoli oħra. L-intermedjazzjoni finanzjarja tinkludi s-servizzi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni.
- 3.65 L-attivitajiet finanzjarji awżiljari jiffaċilitaw il-ġestjoni tar-riskju u t-trasformazzjoni tal-likwidità. L-awżiljari finanzjarji jagħtu f'isem unitajiet oħra u ma jpongux lilhom infushom friskju billi jeħlu obbligazzjonijiet finanzjarji jew billi jakkwistaw assi finanzjarji bħala parti ta' servizz ta' intermedjazzjoni.
- 3.66 Servizzi finanzjarji oħra jinkludu servizzi ta' monitoraġġ pereżempju monitoraġġ tas-suq tal-istokks u l-bonds, servizzi ta' sigurtà pereżempju s-salvagwardja ta' ġojjelli ta' valur u dokumenti importanti u servizzi ta' kummerċ pereżempju negozjar ta' muniti barranin u titoli.
- 3.67 Is-servizzi finanzjarji jiġu prodotti kważi esklussivament minn istituzzjonijiet finanzjarji minħabba s-superviżjoni stretta ta' dawn is-servizzi. Pereżempju, jekk bejjiegħ bl-imnut jixtieq joffri faċilitajiet tal-kreditu lill-klijenti tiegħu, il-faċilitajiet tal-kreditu jiġu offruti normalment minn sussidjarja ta' korporazzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ bl-imnut jew minn istituzzjoni finanzjarja oħra speċjalizzata.
- 3.68 Is-servizzi finanzjarji jistgħu jitħallsu b'mod dirett jew indirett. Ċertu transazzjonijiet f'assi finanzjarji jistgħu jinvolvu kemm imposti diretti kif ukoll imposti indiretti. Is-servizzi finanzjarji jiġu provduti u ċċarġjati f'erba' modi prinċipali:
- (a) is-servizzi finanzjarji provduti għal ħlas dirett;
 - (b) is-servizzi finanzjarji mħallsa permezz tal-iċċarġjar ta' imposti fuq l-imgħax;
 - (c) is-servizzi finanzjarji li jakkwistaw u jiddisponu minn assi u passivi finanzjarji fis-swieq finanzjarji;
 - (d) is-servizzi finanzjarji provduti fl-iskemi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni, fejn l-attività tkun iffinanzjata bl-iċċarġjar ta' kontribuzzjoni tal-assigurazzjoni u minn redditu fuq it-tfaddil.

Is-servizzi finanzjarji provduti għal ħlas dirett.

- 3.69 Dawn is-servizzi finanzjarji jiġu provduti għal imposti espliċiti li jkopru firxa wiesgħa ta' servizzi li jistgħu jiġu provduti minn tipi differenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji. L-eżempji li ġejjin jillustraw in-natura tas-servizzi li jiġu ċċarġjati b'mod dirett:
- (a) il-banek jistgħu jiċċarġjaw lill-unitajiet domestiċi talli jagħmlu arranġamenti għal ipoteka, iġestixxu portafoll ta' investiment u jamministraw l-assi;
 - (b) l-istituzzjonijiet speċjalizzati jistgħu jiċċarġjaw lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji għall-organizzazzjoni ta' akkwiżizzjoni jew għall-amministrazzjoni tar-ristrutturar ta' grupp ta' korporazzjonijiet;

- (c) il-kumpaniji tal-karti tal-kreditu jiċċarġjaw lill-unitajiet li jaċċettaw il-karti tal-kreditu normalment perċentwal ta' kull bejgħ;
- (d) id-detentur tal-karta jiġi ċċarġjat tariffa espliċita, normalment kull sena, talli jkollu l-karta.

Is-Servizzi Finanzjarji Mħallsa Permezz Ta' "Loading Charges" Fuq L-Imgħax

- 3.70 Pereżempju fil-każ tal-intermedjazzjoni finanzjarja, istituzzjoni finanzjarja bħal bank taċċetta depożiti minn unitajiet li jixtiequ jirċievu l-imgħax fuq fondi fejn l-unità m'għandhiex użu immedjat u sselifhom lil unitajiet oħra li l-fondi tagħhom mhumiex biżżejjed biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Il-bank għalhekk jipprovdi mekkaniżmu li jippermetti li l-ewwel unità ssellef lit-tieni. Kull waħda miż-żewġ partijiet tħallas tariffa lill-bank għas-servizz provdut: l-unità li ssellef il-fondi tħallas billi taċċetta rata tal-imgħax iżjed baxxa mir-rata tal-imgħax ta' "referenza" waqt li l-unità li tissellef il-fondi tħallas billi taċċetta rata tal-imgħax ogħla mir-rata tal-imgħax ta' "referenza". Id-differenza bejn ir-rata tal-imgħax imħallsa lill-bank minn min jissellef u r-rata tal-imgħax attwalment imħallsa lid-depożitarji hija hłas għall-FISIM.
- 3.71 Huwa rari li l-ammont ta' fondi mislufa minn istituzzjoni finanzjarja jaqbel eżattament mal-ammont depożitat għandhom. Ċertu flus jistgħu jkunu ġew depożitati iżda ma jkunux għadhom ġew mislufa. Ċertu self jista' jiġi finanzjat mill-fondi proprja tal-bank u mhux minn fondi mislufa. Irrispettivament mis-sors tal-finanzjament, servizz jiġi provdut xorta waħda għas-self u d-depożiti offruti. FISIM jiġu inputtjati għas-self u d-depożiti kollha. Dawn il-ħlasijiet indiretti japplikaw biss għal self u depożiti provduti minn, jew depożitati għand, istituzzjonijiet finanzjarji.
- 3.72 Ir-rata ta' referenza hija rata bejn ir-rati tal-imgħax tal-bank fuq id-depożiti u s-self. Din ma tikkorrispondix għal medja aritmetika tar-rati fuq is-self jew id-depożiti. Ir-rata prevalenti għall-għoti u t-tehd tas-self interbankarju tkun għażla adatta. Madankollu, rati ta' referenza differenti jkunu meħtieġa għal kull munita li fiha jiġu denominated s-self u d-depożiti, speċjalment meta tkun involuta istituzzjoni finanzjarja mhux residenti.

FISIM huma deskritti fid-dettall fil-Kapitolu 14.

Is-Servizzi Finanzjarji Li Jikkonsistu Fl-Akkwist U D-Dispożizzjoni Minn Assi U Passivi Finanzjarji Fis-Swieq Finanzjarji

- 3.73 Meta istituzzjoni finanzjarja toffri titolu (eż. kambjali jew bond) għall-bejgħ, jiġi impost hłas għas-servizzi. Il-prezz tax-xiri (il-prezz mitlub) huwa ugwali għall-valur stmat tas-suq tat-titolu flimkien ma' marġni. Imposta oħra ssir meta jinbiegħ titolu, u l-prezz offrut lill-bejjiegħ (il-prezz offrut) ikun ugwali għall-valur tas-suq nieqes marġni. Il-marġnijiet bejn il-prezzijiet tax-xiri u dawg tal-bejgħ japplikaw ukoll għal ekwitatajiet ta' kapital, ishma ta' fondi ta' investiment u muniti barranin. Dawn il-marġni jkunu għall-provvista ta' servizzi finanzjarji.

Is-servizzi finanzjarji provduti fl-iskemi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni, fejn l-attività tkun iffinanzjata bl-iċċarġjar ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni u minn redditu fuq it-tfaddil.

- 3.74 Is-servizzi finanzjarji li ġejjin jaqgħu taħt din l-intestatura. Kull waħda minnhom tirriżulta fridistribuzzjoni tal-fondi.
- (a) assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja. Skont polza tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, il-kumpannija tal-assigurazzjoni taċċetta primjum minn klijent u żżommu sakemm issir pretensjoni jew sakemm jiskadi l-perijodu tal-assigurazzjoni. Il-kumpannija tal-assigurazzjoni tinvesti l-primjum u l-introjtu mill-proprjetà li jirriżulta huwa sors ieħor ta' fondi. L-introjtu mill-proprjetà jirrappreżenta introjtu mitluf mill-klijent u huwa trattat bħala suppliment impliċitu għall-primjum attwali. Il-kumpannija tal-assigurazzjoni tistabbilixxi l-livell tal-primjums attwali bħala tali li s-somma tal-primjums flimkien mal-introjtu mill-proprjetà miksub fuqhom nieqes il-pretensjonijiet mistennija tħalli marġni li l-kumpannija tal-assigurazzjoni żżomm bħala l-output tal-kumpannija tal-assigurazzjoni.

L-output tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja jiġi kkalkulat kif ġej:

Il-primjums totali gwadanjati,

flimkien mas-supplimenti impliċiti tal-primjum (ugwali għall-introjtu mill-proprjetà gwadanjat fuq riżervi tekniċi)

nieqes il-pretensjonijiet aġġustati mġarrba.

Il-korporazzjoni tal-assigurazzjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha riżervi li jikkonsistu minn primjums mhux gwadanjati (primjums attwali relatati mal-perijodu bażi li jmiss tal-kontijiet) u l-pretensjonijiet pendenti. Il-pretensjonijiet pendenti jkopru pretensjonijiet li għadhom ma ġewx irrappurtati, li ġew irrappurtati iżda għadhom ma ġewx riżolti jew li ġew irrappurtati u riżolti iżda għadhom ma tħallsux. Dawn ir-riżervi jissejju riżervi tekniċi u jintużaw biex jiġġeneraw introjtu fuq investiment. Il-qligħ u t-telf nominali mhumiex introjtu mill-investiment tar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni. Ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni jistgħu jiġu investiti f'attivitajiet sekondarji tal-kumpannija tal-assigurazzjoni, pereżempju l-kiri ta' abitazzjonijiet jew uffiċċji. Il-bilanċ pożittiv operattiv nett fuq dawn l-attivitajiet sekondarji huwa introjtu mill-investiment ta' riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni.

Il-livell adatt tal-pretensjonijiet użat fil-kalkolu tal-output jissejjaħ "pretensjonijiet aġġustati" u dawn jistgħu jiġu determinati f'żewġ modi. Il-metodu tal-aspettativa jagħti stima tal-livell tal-pretensjonijiet aġġustati minn mudell ibbażat fuq xejriet tal-pretensjonijiet fil-passat pagabbli mill-korporazzjoni. It-tieni metodu juża informazzjoni tal-kontabbiltà: il-pretensjonijiet aġġustati huma derivati ex post bħala pretensjonijiet attwali flimkien mal-bidla fid-dispożizzjonijiet tal-ekwalizzazzjoni, jiġifieri l-fondi mfaddlin għal pretensjonijiet kbar mhux mistennija. Meta d-dispożizzjonijiet tal-ekwalizzazzjoni jkun insuffiċjenti biex l-pretensjonijiet aġġustati jergġu lura għal livell normali, il-kontribuzzjonijiet minn fondi proprji jiżiedu għall-kejl ta' pretensjonijiet aġġustati. Karatteristika ewlenija taż-żewġ metodi hija li pretensjonijiet akbar milli mistenni ma jwasslux għal stimi volatili u negattivi tal-output.

Bidliet fir-riżervi tekniċi u d-dispożizzjonijiet tal-ekwalizzazzjoni bħala reazzjoni għal bidliet fir-regolamentazzjoni finanzjarja jiġu rreġistrati bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi; dawn huma rrelevanti għall-kalkolu tal-output. Jekk, minħabba nuqqas ta' informazzjoni, iż-żewġ metodi biex jiġu stmati l-pretensjonijiet aġġustati ma jkunux possibbli, jista' jkun neċessarju li l-output jiġi stmat minflok permezz tas-somma tal-ispejjeż bl-inklużjoni tal-benefiċċju għall-profitti normali.

Fil-każ ta' assigurazzjoni bil-qligħ, il-bidla fir-riżervi għal assigurazzjoni bil-qligħ tiġi mnaqqsa sabiex jinkiseb l-output;

- (b) polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja hija tip ta' skema ta' tfaddil. Għal numru ta' snin, id-detentur tal-polza jħallas primjums lill-korporazzjoni tal-assigurazzjoni fuq wegħda li ser jirċievi benefiċċji f'data futura. Dawn il-benefiċċji jistgħu jiġu espressi f'termini ta' formula relatata mal-primjums imħallsa jew jistgħu jiddependu fuq il-livell ta' suċċess li l-korporazzjoni tal-assigurazzjoni jkollha fl-investment tal-fondi. Il-metodu tal-kalkolazzjoni tal-output għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja jsegwi l-istess prinċipji ġenerali bħal dak għall-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja. Madankollu, minħabba l-intervalli ta' żmien bejn meta jiġu rċevuti l-primjums u meta jitħallsu l-benefiċċji, għandhom isiru aġġustamenti speċjali għal bidliet fir-riżervi tekniċi. L-output tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja hu derivat bħala:

Primjums gwadanjati,

flimkien ma' supplimenti tal-primjums

nieqes il-benefiċċji dovuti

nieqes iż-żidiet (b'żieda tat-tnaqqis) fir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja.

Il-primjums huma definiti eżattament bl-istess mod kemm għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja kif ukoll għall-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja. Is-supplimenti tal-primjums huma iżjed sinifikanti għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja milli għall-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja. Il-benefiċċji jiġu rreġistrati meta jingħataw jew jitħallsu. M'hemm b'żonn li taħt l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tiġi derivata stima aġġustata tal-benefiċċji peress li m'hemm l-istess volatilità mhux mistennija fil-ħlas taħt polza fuq il-ħajja. Ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja jiżiedu kull sena minħabba l-primjums ġodda mħallsa u l-introjtu mill-investment ġdid allokati lid-detenturi tal-poloż (iżda mhux irtirat minnhom) u jonqsu minħabba l-benefiċċji mħallsa. Għalhekk huwa possibbli li l-livell tal-output tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja jiġi espress bħala d-differenza bejn l-introjtu totali mill-investment gwadanjat fuq ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja nieqes il-parti ta' dan l-introjtu mill-investment allokati attwalment lid-detenturi tal-poloż u miżjud mar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni.

Meta dan il-metodu mhuwiex fattibbli għal raġunijiet ta' *data* jew ma jagħtix riżultati sinifikanti, l-output tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja għandu jiġi kkalkulat ukoll bħala s-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni flimkien ma' tolleranza għal "profitti normali";

- (c) l-output tar-riassigurazzjoni jiġi determinat eżattament bl-istess mod tad-determinazzjoni tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, sew jekk tkun polza fuq il-ħajja jew polza mhux fuq il-ħajja li qed tiġi riassigurata;
- (d) l-output għat-tħaddim ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali jiddependi fuq il-mod kif tiġi organizzata. Dawn li ġejjin huma eżempji ta' kif tali skemi huma organizzati:
- (1) l-iskemi tas-sigurtà soċjali huma skemi tal-assigurazzjoni soċjali li jkopru l-komunità kollha kemm hi, u li huma imposti u kkontrollati mill-gvern. L-għan tagħhom hu li jipprovdu benefiċċji liċ-ċittadini biex ilaħħqu mal-bżonnijiet tax-xjuħija, l-invalidità jew il-mewt, il-mard, korrimient fil-post tax-xogħol, il-qgħad, il-kura tas-saħħa u l-familja, eċċ. Jekk jiġu distinti unitajiet separati, l-output tagħhom jiġi determinat bl-istess mod bħall-output kollu mhux għas-suq bħala t-total tal-ispejjeż. Jekk ma jiġux distinti unitajiet separati, il-prodott tas-sigurtà soċjali jiġi inkuż mal-output tal-livell tal-governa li fih jopera;
 - (2) meta min iħaddem jopera l-iskema tal-assigurazzjoni soċjali tiegħu, il-valur tal-output jiġi determinat bħala s-somma tal-ispejjeż inkluża stima għal redditu fuq kwalunkwe kapital fiss użat fit-tħaddim tal-iskema. Il-valur tal-output jitkejjel fl-istess mod billi min iħaddem jistabbilixxi fond ta' pensjoni separat biex imexxi l-iskema;

- (3) fejn min iħaddem juża korporazzjoni tal-assigurazzjoni biex iġestixxi l-iskema f'ismu, il-valur tal-output huwa t-tariffa imposta mill-korporazzjoni tal-assigurazzjoni;
- (4) għal skema ta' persuni li jħaddmu multipli, il-valur tal-output jitkejjel fl-istess mod bħal poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja: huwa l-introjt tal-investment riċevut mill-iskemi nieqes l-ammont miżjud mar-riżervi;
- (e) il-kejl tal-output ta' skemi ta' garanzija fuq self standardizzati jiddependi fuq it-tip ta' produttur involut. Jekk skema ta' garanzija fuq self standardizzata topera bħala produttur tas-suq, il-valur tal-output jiġi kkalkulat fl-istess mod bħal assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja. Jekk l-iskema topera bħala produttur mhux għas-suq, il-valur tal-output jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-ispejjeż.

Servizzi immobijari (Sezzjoni L)

- 3.75 L-output tas-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid jiġi valutat bil-valur stmat tal-kiri li kerrej iħallas għall-istess akkomodazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-fatturi bħal lokalità, kumditajiet tal-viċinat, eċċ, kif ukoll id-daqs u l-kwalità tal-abitazzjoni stess. Għall-garaxxijiet li jinsabu separati mill-abitazzjonijiet, li jintużaw mis-sid għall-konsum finali b'rabta mal-użu tal-abitazzjoni, għandha ssir imputazzjoni simili. Il-valur tal-kiri ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid li jinsabu barra mill-pajjiż, pereżempju djar tal-vaganzi, m'għandhomx jiġu rreġistrati bħala parti tal-produzzjoni domestika, iżda bħala importazzjonijiet tas-servizzi u l-bilanċ pożittiv operattiv nett korrispondenti bħala introjt primarju riċevut mill-bqija tad-dinja. Għal abitazzjonijiet okkupati mis-sid posseduti minn mhux residenti, isiru annotazzjonijiet analogi. Fil-każ ta' appartamenti tat-timeshare, jiġi rreġistrat proporzjon tal-ħlas għas-servizz.
- 3.76 Sabiex jiġi stmat il-valur tas-servizzi ta' abitazzjoni okkupata mis-sid, jintuża l-metodu ta' stratifikazzjoni. L-istokk tal-abitazzjonijiet jiġi stratifikat skont il-lokalità, in-natura tal-abitazzjoni u fatturi oħra li jaffettwaw il-kirja. Tintuża informazzjoni dwar kirjiet attwali minn abitazzjonijiet mikrija biex tinkiseb stima tal-valur tal-kirja tal-istokk totali tal-abitazzjonijiet. Il-medja tal-kirja attwali għal kull strat tiġi applikata għall-abitazzjonijiet kollha f'dak l-istrat partikolari. Jekk l-informazzjoni dwar il-kirjiet hija derivata minn sondaġġi kampjuni, l-ingrossaġġ tal-istokk totali tal-kiri jirrelata kemm għal parti tal-abitazzjonijiet mikrija kif ukoll għal dawk kollha okkupati mis-sid. Il-proċedura dettaljata għad-determinazzjoni tal-kirja għal kull strat titwettaq għal sena bażi u mbagħad tiġi estrapolata għall-perijodi sussegwenti.
- 3.77 Il-kirja li għandha tiġi applikata għal abitazzjonijiet okkupati mis-sid fil-metodu tal-istratifikazzjoni hi definita bħala l-kirja tas-suq privat dovuta għad-dritt tal-użu ta' abitazzjoni mingħajr għamara. Il-kirjiet għal abitazzjonijiet mingħajr għamara mill-kuntratti kollha tas-suq privat jintużaw għad-determinazzjoni tal-kirjiet inputtjati. Huma inklużi l-kirjiet tas-suq privat li huma fl-ivell baxx minħabba regolamentazzjoni tal-gvern. Jekk is-sors tal-informazzjoni huma l-kerrej, il-kirja osservata tisewwa biż-żieda ta' kwalunkwe allowance tal-kiri speċifika, li titħallas direttament lis-sid. Jekk id-daqs tal-kampjun għall-kirjiet osservati kif definit hawn fuq mhuwiex kbir biżżejjed, jistgħu jintużaw kirjiet osservati għal abitazzjonijiet bl-għamara għal skopijiet ta' imputazzjoni, sakemm jiġu aġġustati għall-element tal-għamara. Eċċezzjonalment, jistgħu jintużaw ukoll kirjiet miżjuda għal abitazzjonijiet ta' proprjetà pubblika. M'għandhomx jintużaw kirjiet baxxi għal abitazzjonijiet mikrija lil qraba jew impjegati.
- 3.78 Il-metodu ta' stratifikazzjoni jintuża għall-ingrossaġġ tal-abitazzjonijiet kollha mikrija. Il-kirja medja għall-imputazzjoni kif deskritt hawn fuq tista' ma tkunx adatta għal ċertu segmenti tas-suq tal-kiri. Pereżempju, kirjiet imnaqqsa għal abitazzjonijiet bl-għamara jew kirjiet pubbliċi miżjuda ma jkunux xierqa għall-abitazzjonijiet rispettivi mikrija attwalment. F'dan il-każ, huma meħtieġa strati separati għal abitazzjonijiet bl-għamara jew soċjali mikrija attwalment kombinati mal-kirjiet medji xierqa.
- 3.79 Fin-nuqqas ta' suq tal-kiri kbir biżżejjed, fejn l-akkomodazzjoni tkun karatteristika ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid, il-metodu tal-ispejjeż tal-utent jiġi applikat għall-abitazzjonijiet okkupati mis-sid.
- Bil-metodu tal-ispejjeż tal-utent, l-output tas-servizzi tal-abitazzjoni huwa s-somma tal-konsum intermedju, il-konsum tal-kapital fiss, taxxi oħra nieqes is-sussidji fuq il-produzzjoni u l-bilanċ pożittiv operattiv nett (NOS).
- L-NOS jitkejjel bl-applikazzjoni ta' rata ta' redditu annwali reali u kostanti lill-valur nett tal-ħażniet ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid bil-prezzijiet attwali (spejjeż ta' sostituzzjoni).
- 3.80 L-output tas-servizzi immobijari ta' bini mhux residenzjali jitkejjel bil-valur tal-kirjiet dovuti.

Servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi; (Sezzjoni M) Servizzi amministrattivi u ta' appoġġ (Sezzjoni N)

- 3.81 L-output tas-servizzi tal-kiri operattivi bħal kiri ta' makkinarju jew tagħmir, jitkejjel bil-valur tal-kiri mħallas. Il-kiri operattivi huwa differenti mill-kiri finanzjarju: il-kiri finanzjarju huwa finanzjament tal-akkwist ta' assi fissi, permezz ta' self mill-kerrej lil min jikri. Il-ħlasijiet ta' kirjiet finanzjarji jikkonsistu minn ħlas lura ta' prinċipal u ħlasijiet tal-imgħax, b'imposta żgħira għas-servizzi diretti pprovduti (ara l-Kapitolu 15: Kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji).

- 3.82 Ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) huma xogħol kreattiv imwettaq fuq bażi sistematika biex tiżdied il-ħażna ta' għarfien, u l-użu ta' din il-ħażna ta' għarfien għall-fini tal-iskoperta jew l-iżvilupp ta' prodotti ġodda, inklużi verżjonijiet jew kwalitajiet imtejba ta' prodotti eżistenti, jew l-iskoperta jew l-iżvilupp ta' proċessi ta' produzzjoni ġodda jew iżjed effiċjenti. Ir-R&Ż ta' daqs sinifikanti relattiv mal-attività prinċipali jiġu reġistrati bħala attività sekondarja tal-KAU lokali. Fejn possibbli jiġi distint KAU lokali separat għar-R&Ż.
- 3.83 L-output tas-servizzi ta' R&Ż jitkejjel kif ġej:
- ir-R&Ż minn laboratorji jew istituti ta' riċerka kummerċjali speċjalizzati jiġu valutati bid-dħul minn bejgħ, kuntratti, kummissjonijiet, tariffi, eċċ bil-mod tas-soltu;
 - l-output tar-R&Ż għall-użu fl-istess intrapriża jiġi valutat abbażi tal-prezzijiet bażiċi stmati li jitħallsu kieku r-riċerka kella tiġi sottokuntrattata. Fin-nuqqas ta' suq għas-sottokuntrattar tar-R&Ż ta' natura simili, dan jiġi vvalutat bħala s-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni flimkien ma' mark-up (ħlief għal produtturi mhux għas-suq) għal NOS jew introjtu mħallat;
 - ir-R&Ż minn unitajiet tal-gvern, universitajiet u istituti ta' riċerka mingħajr skop ta' profitt, jiġu valutati bħala s-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni. Id-dħul mill-bejgħ tar-R&Ż minn produtturi mhux għas-suq tar-R&Ż għandu jiġi rreġistrat bħala dħul minn output tas-suq sekondarju.

In-nefqa fuq ir-R&Ż hi distinta minn dik fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ. In-nefqa fuq R&Ż ma tinkludix l-ispejjeż tal-iżvilupp ta' softwer bħala attività prinċipali jew sekondarja.

Amministrazzjoni pubblika u servizzi ta' difiża, servizzi tas-sigurtà soċjali obligatorji. (Sezzjoni O)

- 3.84 L-amministrazzjoni pubblika, is-servizzi ta' difiża u s-servizzi tas-sigurtà soċjali obligatorji jiġu pprovduti bħala servizzi mhux għas-suq u jiġu valutati kif meħtieġ.

Servizzi ta' edukazzjoni (Sezzjoni P); Servizzi marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali (Sezzjoni Q)

- 3.85 Għas-servizzi tal-edukazzjoni u s-servizzi tas-saħħa, ssir distinzjoni preċiżi bejn il-produtturi għas-suq u mhux għas-suq u bejn l-output għas-suq u mhux għas-suq tagħhom. Pereżempju, għal ċertu tipi ta' edukazzjoni u trattament mediku, jistgħu jiġu ntaxxati tariffi nominali mill-istituzzjonijiet tal-gvern (jew minn istituzzjonijiet oħra minħabba sussidji speċifiċi), iżda għal edukazzjoni oħra u trattamenti mediċi speċjali dawn jistgħu jimponu tariffi kummerċjali. Eżempju ieħor huwa li l-istess tip ta' servizz (pereżempju l-edukazzjoni għolja) jiġi provdut minn, min-naħa waħda, il-gvern u, min-naħa l-oħra, l-istituti kummerċjali.

Is-servizzi tal-edukazzjoni u tas-saħħa jeskludu l-attivitajiet ta' R&Ż; is-servizzi tas-saħħa jeskludu l-edukazzjoni fil-kura tas-saħħa, pereżempju minn sptarijiet akkademiċi.

Arti, servizzi ta' divertiment u ta' rikreazzjoni (Sezzjoni R); Servizzi oħra (Sezzjoni S)

- 3.86 Il-produzzjoni ta' kotba, reġistrazzjonijiet, films, softwer, tejp, diski, eċċ huwa proċess f'żewġ stadji u jitkejjel kif meħtieġ:
- L-output mill-produzzjoni tal-oriġinali — prodott tal-proprjetà intellettuali — jitkejjel bil-prezz imħallas jekk jinbiegħ, jew, jekk ma jinbiegħx, bil-prezz bażiku imħallas għal oriġinali simili, l-ispejjeż tal-produzzjoni tiegħu (inkluża mark-up fil-każ ta' NOS) jew il-valur skontat tal-irċevuti futuri mistennija mill-użu tiegħu fil-produzzjoni;
 - Is-sid ta' dan l-ass jista' jużah direttament jew għall-produzzjoni ta' kopji f'perijodi sussegwenti. Jekk is-sid jagħti l-liċenzja lil produtturi oħra biex jużaw l-oriġinali fil-produzzjoni, it-tariffi, il-kummissjonijiet, id-drittijiet, eċċ irċevuti mil-liċenzji huma l-output tas-servizzi. Madankollu, il-bejgħ tal-oriġinali huwa formazzjoni ta' kapital fiss negattiv.

Unitajiet domestiċi privati bħala persuni li jħaddmu (Sezzjoni T)

- 3.87 L-output tas-servizzi tal-unitajiet domestiċi prodott billi jiġi mpjegat persunal imħallas huwa valutat mill-kumpens tal-impjegati mħallsa; dan jinkludi kwalunkwe kumpens in natura bħal ikel jew akkomodazzjoni.

KONSUM INTERMEDJU (P.2)

- 3.88 Definizzjoni: Il-konsum intermedju jikkonsisti f'oġġetti u servizzi kkunsmati bħala inputs permezz ta' proċess ta' produzzjoni, minbarra assi fissi li l-konsum tagħhom jiġi reġistrat bħala konsum ta' kapital fiss. L-oġġetti u s-servizzi jew jiġu trasformati jew użati mill-proċess ta' produzzjoni.

3.89 Il-konsum intermedju jinkludi l-każijiet li ġejjin:

- (a) l-oġġetti u s-servizzi użati bħala inputs f'attivitajiet anċillari. Eżempji komuni huma attivitajiet ta' xiri, bejgħ, marketing, kontabbiltà, proċessar ta' *data*, trasport, ħżin, manutenzjoni, sigurtà, eċċ. Dawn l-oġġetti u s-servizzi ma jiġux distinti minn dawk ikkunsmati mill-attivitajiet prinċipali (jew sekondarji) ta' KAU lokali;
- (b) l-oġġetti u s-servizzi li jiġu rċevuti minn KAU lokali oħra tal-istess unità istituzzjonali;
- (c) ir-renti tal-assi fissi mikrija, pereżempju l-kiri operattiv ta' magni, karozzi, softwer u kopji oriġinali tad-divertiment;
- (d) l-imposti ta' kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji għall-perijodu qasir irreġistrati bħala assi li ma jkunux ġew prodotti; dan jeskludi x-xiri komplet tat-tali assi li ma jkunux ġew prodotti;
- (e) is-sottoskrizzjonijiet, kontribuzzjonijiet jew somom dovuti lil assoċjazzjonijiet tan-negozju mingħajr skop ta' profitt (ara l-paragrafu 3.35);
- (f) entrati mhux trattati bħala formazzjoni grossa ta' kapital, bħal:
 - (1) għodod li mhumiex għaljin li jintużaw għal operazzjonijiet komuni, bħal srieraq, pali, skieken, mnanar, mrieta, tornaviti, spaners, renci u għodda oħra tal-idejn; apparat żgħir bħal kalkjulejters tal-but. In-nefqa kollha fuq tali oġġetti durevoli tiġi rreġistrat bħala konsum intermedju;
 - (2) il-manutenzjoni regolari u t-tiswija ta' assi fissi użati fil-produzzjoni;
 - (3) is-servizzi ta' taħriġ tal-persunal, attivitajiet ta' rikerka tas-suq u simili, mixtrija minn aġenzija barranija jew provduti minn KAU lokali separata tal-istess unità istituzzjonali;
 - (4) in-nefqa fuq ir-R&Ż għandha tiġi trattata bħala formazzjoni ta' kapital fiss meta jkun inkiseb livell suffiċjentement għoli ta' affidabbiltà u paragonabbiltà tal-istimi mill-Istati Membri tal-UE;
- (g) in-nefqa tal-impjegati, mħallas lura minn min iħaddem, fuq oġġetti neċessarji għall-produzzjoni ta' dak li jħaddem, bħal obligazzjonijiet kuntrattwali għax-xiri proprju ta' għodda jew ilbies tas-sigurezza;
- (h) in-nefqa ta' min iħaddem li hi għall-benefiċċju proprju kif ukoll għal dak tal-impjegati tiegħu, peress li tkun neċessarja għall-produzzjoni. Xi eżempji huma:
 - (1) il-ħlas lura lill-impjegati għal spejjeż ta' vjaġġar, separazzjoni, ġarr u divertiment li jġarrbu f'konnessjoni mad-doveri tagħhom;
 - (2) il-provvista ta' kumditajiet fil-post tax-xogħol.

Hi preżentata lista ta' nfiq rilevanti fil-paragrafi dwar il-kumpens tal-impjegati (D.1) (ara l-paragrafu 4.07);
- (i) ħlasijiet għas-servizzi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja mħallsa minn KAUs lokali (ara l-Kapitolu 16: Assigurazzjoni). Sabiex jiġi rreġistrat biss il-ħlas għas-servizzi bħala konsum intermedju, il-primjums imħallsa jiġu skontati għal, pereżempju pretensjonijiet imħallsa u l-bidla netta fir-riżervi attwarjali. Il-bidla netta fir-riżervi attwarjali għandha tiġi allokata lill-KAUs lokali bħala proporzjon tal-primjums imħallsa;
- (j) FISIM mixtrija mill-produtturi residenti;
- (k) l-output mhux għas-suq, tal-bank ċentrali għandu jiġi allokat kollu lill-konsum intermedju ta' intermedjarji finanzjarji oħra.

3.90 Il-konsum intermedju jeskludi:

- (a) oġġetti trattati bħala formazzjoni grossa ta' kapital, pereżempju:
 - (1) oġġetti ta' valur;
 - (2) esplorazzjoni għall-minerali;

- (3) titjib maġġuri lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex l-assi fissi jinżammu f'kondizzjoni tal-użu tajba. Eżempji huma r-rinnovament, ir-rikostruzzjoni jew it-tkabbir;
- (4) softwer mixtri kompletament jew prodott għall-kont proprju;
- (5) armi militari u t-tagħmir għall-kunsinna tagħhom;
- (b) nefqa trattata bħala x-xiri ta' assi li ma jkunux ġew prodotti. Pereżempju kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji għall-perijodu twil (ara l-Kapitolu 15);
- (c) nefqa ta' min iħaddem trattata bħala pagi u salarji in natura;
- (d) użu mill-unitajiet tal-produtturi għas-suq jew għall-użu proprju ta' servizzi kollettivi provduti minn unitajiet tal-gvern (trattati bħala nefqa kollettiva f'konsum mill-gvern);
- (e) oġġetti u servizzi prodotti u kkunsmati fl-istess perijodu bażi tal-kontijiet u fl-istess KAU lokali (dawn ukoll mhumiex irreġistrati bħala output);
- (f) ħlasijiet għal liċenzji u tariffi tal-gvern li huma trattati bħala taxxi oħra fuq il-produzzjoni;
- (g) ħlasijiet għal liċenzji għall-użu ta' riżorsi naturali (pereżempju l-art) li huma trattati bħala kiri, jiġifieri bħala ħlas tad-dħul mill-proprjeta.

Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-konsum intermedju

- 3.91 Il-prodotti użati għall-konsum intermedju jiġu rreġistrati u valutati meta jidħlu fil-proċess tal-produzzjoni. Dawn jiġu valutati bil-prezzijiet tax-xiri għal oġġetti jew servizzi simili fil-ħin tal-użu.
- 3.92 L-unitajiet tal-produttur ma jirreġistraw direttament l-użu tal-oġġetti fil-produzzjoni. Dawn jirreġistraw ix-xiri maħsub għall-użu bħala inputs bit-tnaqqis taż-żieda fl-ammonti tat-tali oġġetti miżmuma fl-inventarju.

KONSUM FINALI (P.3, P.4)

- 3.93 Jintużaw żewġ kunċetti ta' konsum finali:

- (a) l-infiq tal-konsum finali (P.3);
- (b) il-konsum finali attwali (P.4).

L-infiq tal-konsum finali huwa n-nefqa fuq oġġetti u servizzi użati minn unitajiet domestiċi, NPISHs u l-gvern biex jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali u kollettivi. Għall-kuntrarju, il-konsum finali attwali jirreferi għall-akkwist ta' oġġetti u servizzi għall-konsum. Id-differenza bejn dawn il-kunċetti tinsab fit-trattament ta' ċerti oġġetti u servizzi ffinanzjati mill-gvern jew NPISHs, iżda li jiġu fornuti lill-unitajiet domestiċi bħala trasferimenti soċjali in natura.

Infiq tal-konsum finali (P.3)

- 3.94 *Definizzjoni:* L-infiq tal-konsum finali jikkonsisti min-nefqa li jkollhom l-unitajiet istituzzjonali residenti fuq l-oġġetti jew is-servizzi li jintużaw għas-sodisfazzjon dirett tal-bżonnijiet jew xewqat individwali jew il-bżonnijiet kollettivi tal-membri tal-komunità.
- 3.95 L-infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi jinkludi l-eżempji li ġejjin:
 - (a) is-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid;
 - (b) id-dħul in natura, bħal:
 - (1) oġġetti u servizzi rċevuti bħala dħul in natura mill-impjegati;
 - (2) oġġetti jew servizzi prodotti bħala output ta' intrapriżi mhux inkorporati posseduti minn unitajiet domestiċi li jinżammu għall-konsum mill-membri tal-unità domestika. Eżempji ta' dawn huma ikel u oġġetti oħra agrikoli, servizzi ta' akkomodazzjoni minn okkupanti sidien u servizzi tad-djar prodotti bl-impjegat ta' persunal imħallas (qaddejja, koki, ġardinara, xufiera, eċċ);

(c) oġġetti mhux trattati bħala konsum intermedju, bħal:

- (1) materjali għal tiswijiet żgħar u d-dekorazzjoni interna ta' abitazzjonijiet ta' tip li jitwettqu mill-kerrej kif ukoll mis-sid;
 - (2) materjali għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul, inklużi vetturi;
- (d) oġġetti mhux trattati bħala formazzjoni tal-kapital, b'mod partikolari oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul, li jkomplu jwettqu l-funzjoni tagħhom f'diversi perijodi bażi tal-kontijiet; dan jinkludi t-trasferiment tas-sjieda ta' ċertu oġġetti durevoli minn intrapriża lil unità domestika;
- (e) servizzi finanzjarji direttament addebitati u l-parti tal-FISIM użata għall-konsum finali mill-unitajiet domestiċi;
- (f) servizzi ta' assigurazzjoni bl-ammont tal-ħlas impliċitu għas-servizz;
- (g) servizzi ta' fondi tal-pensjoni bl-ammont tal-ħlas impliċitu għas-servizz;
- (h) ħlasijiet mill-unitajiet domestiċi għal liċenzji, permessi, eċċ li jitqiesu bħala xiri ta' servizzi (ara l-paragrafi 4.79 u 4.80);
- (i) ix-xiri ta' output bi prezzijiet mhux ekonomikament sinifikanti, pereżempju biljetti tad-dħul għal mużew.

3.96 L-infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi jeskludi li ġej:

- (a) trasferimenti soċjali in natura, bħal infiq inizjali tal-unitajiet domestiċi iżda li jiġi sussegwentement imħallas lura mis-sigurtà soċjali, pereżempju ċerti spejjeż mediċi;
- (b) oġġetti trattati bħala konsum intermedju jew formazzjoni grossa ta' kapital, bħal:
- (1) infiq mill-unitajiet domestiċi li għandhom intrapriżi mhux inkorporati meta mġarrab għal skopijiet tan-negozju — pereżempju fuq oġġetti durevoli bħal vetturi, għamara jew tagħmir elettriku (formazzjoni ta' kapital fiss gross), kif ukoll fuq oġġetti mhux durevoli bħal karburant (trattat bħala konsum intermedju);
 - (2) nefqa li jġarrab okkupant sid rigward dekorazzjoni, manutenzjoni u tiswija tal-abitazzjoni li normalment ma jitwettqux mill-kerreġja (trattati bħala konsum intermedju fil-produzzjoni tas-servizzi tal-akkomodazzjoni);
 - (3) ix-xiri tal-abitazzjonijiet (trattat bħala formazzjoni ta' kapital fiss gross);
 - (4) nefqa fuq oġġetti ta' valur (trattata bħala formazzjoni grossa ta' kapital);
- (c) oġġetti trattati bħala akkwisti ta' assi mhux prodotti, b'mod partikolari x-xiri ta' art;
- (d) dawk il-pagamenti kollha mill-unitajiet domestiċi li għandhom jitqiesu bħala taxxi. (ara l-paragrafi 4.79 u 4.80);
- (e) sottoskrizzjonijiet, kontribuzzjonijiet u somom dovuti mħallsa mill-unitajiet domestiċi lill-NPISHs, bħal trade unions, soċjetajiet professjonali, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, knejjes u klabbs soċjali, kulturali, rikreattivi u sportivi;
- (f) trasferimenti volontarji fi flus kontanti jew in natura mill-unitajiet domestiċi lill-organizzazzjonijiet tal-karità u l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna.

3.97 L-infiq tal-konsum finali tal-NPISHs jinkludi żewġ kategoriji separati:

- (a) il-valur tal-oġġetti u s-servizzi prodotti mill-NPISHs minbarra formazzjoni ta' kapital proprju u minbarra nefqa li ssir minn unitajiet domestiċi u unitajiet oħra;

(b) l-infiq minn NPISHs fuq oġġetti jew servizzi prodotti minn produttori tas-suq li huma forniti — mingħajr ebda trasformazzjoni — lill-unitajiet domestiċi għall-konsum tagħhom bħala trasferimenti soċjali in natura.

- 3.98 L-infiq tal-konsum finali (P.3) mill-gvern jinkludi żewġ kategoriji ta' nfiq, simili għal dawk mill-NPISHs:
- (a) il-valur tal-oġġetti u s-servizzi prodotti mill-gvern ġenerali stess (P.1) minbarra l-formazzjoni tal-kapital proprju (li jikkorrispondi għal P.12), l-output għas-suq (P.11) u l-ħlasijiet għall-prodott mhux għas-suq (P.131);
- (b) ix-xiri mill-gvern ġenerali ta' oġġetti u servizzi prodotti mill-produttori tas-suq li huma provduti lill-unitajiet domestiċi, mingħajr ebda trasformazzjoni, bħala trasferimenti soċjali in natura (D.632). Il-gvern ġenerali jħallas għal dawn l-oġġetti u s-servizzi li l-bejjieġha jipprovdu lill-unitajiet domestiċi.
- 3.99 Il-korporazzjonijiet ma jagħmlux infiq tal-konsum finali. Ix-xiri tagħhom ta' oġġetti u servizzi kif użati mill-unitajiet domestiċi għall-konsum finali, jew jintuża għall-konsum intermedju jew inkella jiġi provdut lill-impjegati bħala kumpens għall-impjegati in natura, jiġifieri l-infiq tal-konsum finali inputtjat tal-unitajiet domestiċi.

Konsum Finali Attwali (P.4)

- 3.100 *Definizzjoni:* Il-konsum finali attwali jikkonsisti mill-oġġetti jew servizzi li jinkisbu minn unitajiet istituzzjonali residenti għas-sodisfazzjon diretta tal-bżonnijiet tal-bniedem, humiex individwali jew kollettivi.
- 3.101 *Definizzjoni:* L-oġġetti u s-servizzi għall-konsum individwali ("oġġetti u servizzi individwali") huma oġġetti u servizzi akkwistati minn unità domestika u użati għas-sodisfazzjon tal-bżonnijiet u x-xewqat tal-membri ta' dik l-unità domestika. L-oġġetti u s-servizzi individwali għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:
- (a) hu possibbli li jiġi osservat u rreġistrat l-akkwist tal-oġġetti u s-servizzi minn unità domestika individwali jew membru tagħha u l-ħin meta l-akkwist iseħħ;
- (b) l-unità domestika tkun qablet dwar il-provvista tal-oġġetti u s-servizzi u tieħu l-azzjoni neċessarja biex tikkonsma l-oġġetti jew is-servizz, pereżempju billi tattendi skola jew klinika;
- (c) l-oġġetti u s-servizzi irid ikun tali li l-akkwist tagħhom minn unità domestika jew persuna, jew minn grupp ta' persuni, jipprekludi l-akkwist tagħhom minn unitajiet domestiċi jew persuni oħra.
- 3.102 *Definizzjoni:* Servizzi kollettivi huma servizzi għall-konsum kollettiv li huma provduti simultanjament lill-membri kollha tal-komunità jew lill-membri kollha ta' taqsima partikolari tal-komunità, bħall-unitajiet domestiċi kollha li jgħixu f'reġjun partikolari. Is-servizzi kollettivi għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:
- (a) jistgħu jiġu kunsinjati simultanjament lil kull membru tal-komunità jew lil taqsimiet partikolari tal-komunità, bħal dawk f'reġjun jew lokalità partikolari;
- (b) l-użu ta' servizzi bħal dawn huwa normalment passiv u ma jeħtieġx il-qbil jew il-parteċipazzjoni attiva tal-individwi kollha konċernati;
- (c) il-provvista ta' servizz kollettiv lil individwu wieħed ma tnaqqasx l-ammont disponibbli għall-oħrajn fl-istess komunità jew taqsima tal-komunità.
- 3.103 L-infiq tal-konsum finali kollu ta' unità domestika huwa individwali. L-oġġetti u s-servizzi kollha provduti mill-NPISHs huma trattati individwali.
- 3.104 Għall-oġġetti u s-servizzi provduti mill-unitajiet tal-gvern, il-marġni bejn l-oġġetti u s-servizzi individwali u dawk kollettivi jifassal abbażi tal-Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG).

L-infiq tal-konsum finali kollu tal-gvern taħt kull waħda mill-intestaturi li ġejjin jiġi trattata bħala nfiq fuq konsum individwali:

(a) 7.1 Prodotti, apparat u tagħmir mediku

7.2 Servizzi ta' outpatients

- 7.3 Servizzi ta' sptar
 - 7.4 Servizzi tas-saħħa pubblika
 - (b) 8.1 Servizzi rikreattivi u sportivi
 - 8.2 Servizzi kulturali
 - (c) 9.1 Edukazzjoni preprimarja u primarja
 - 9.2 Edukazzjoni sekondarja
 - 9.3 Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja
 - 9.4 Edukazzjoni terzjarja
 - 9.5 Edukazzjoni mhux definibbli skont il-livell
 - 9.6 Servizzi sussidjarji għall-edukazzjoni
 - (d) 10.1 Mard u diżabilità
 - 10.2 Xjuħija
 - 10.3 Superstiti
 - 10.4 Familja u tfal
 - 10.5 Qgħad
 - 10.6 Akkomodazzjoni
 - 10.7 Esklużjoni soċjali li mhix inkluża bnadi oħra.
- 3.105 Alternattivament in-nefqa tal-konsum individwali tal-gvern ġenerali tikkorrispondi għad-diviżjoni 14 tal-Klassifikazzjoni tal-Konsum Individwali skont il-Funzjoni (COICOP), li tinkludi l-gruppi li ġejjin:
- 14.1 Akkomodazzjoni (ekwivalenti għall-grupp COFOG 10.6)
 - 14.2 Saħħa (ekwivalenti għall-gruppi COFOG 7.1 sa 7.4)
 - 14.3 Rikreazzjoni u kultura (ekwivalenti għall-gruppi COFOG 8.1 u 8.2)
 - 14.4 Edukazzjoni (ekwivalenti għall-gruppi COFOG 9.1 sa 9.6)
 - 14.5 Protezzjoni soċjali (ekwivalenti għall-gruppi COFOG 10.1 sa 10.5 u l-grupp 10.7).
- 3.106 In-nefqa kollettiva f'konsum hija l-bqija tal-infiq tal-konsum finali tal-gvern.
- Din tikkonsisti mill-gruppi COFOG li ġejjin:
- (a) servizzi pubbliċi ġenerali (diviżjoni 1);
 - (b) difiża (diviżjoni 2);
 - (c) ordni pubbliku u sigurtà (diviżjoni 3);
 - (d) affarijiet ekonomiċi (diviżjoni 4);
 - (e) protezzjoni ambjentali (diviżjoni 5);
 - (f) akkomodazzjoni u kumditajiet tal-komunità (diviżjoni 6);

(g) amministrazzjoni ġenerali, regolamentazzjoni, disseminazzjoni ta' tagħrif ġenerali u statistika (id-diviżjonijiet kollha);

(h) riċerka u żvilupp (id-diviżjonijiet kollha).

3.107 Ir-relazzjonijiet bejn il-kunċetti varji tal-konsum użati jidhru fit-Tabella 3.2.

Tabella 3.2 — Is-setturi responsabbli min-nefqa

	Gvern	NPISHs	Unitajiet domestiċi	Akkwisti totali
Konsum individwali	X (= Trasferimenti soċjali in natura)	X (= Trasferimenti soċjali in natura)	X	Konsum finali attwali individwali tal-unitajiet domestiċi
Konsum kollettiv	X	0	0	Konsum finali attwali kollettiv tal-gvern
Total	Nefqa tal-konsum finali tal-Gvern	Infiq tal-konsum finali tal-NPISHs	Infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi	Konsum finali attwali = Infiq tal-konsum finali totali

X: applikabbli
0: mhux applikabbli

3.108 L-infiq tal-konsum final tal-NPISHs huwa kollu individwali. Il-konsum finali attwali totali huwa ugwali għas-somma tal-konsum finali attwali tal-unitajiet domestiċi u l-konsum finali attwali tal-gvern ġenerali.

3.109 M'hemm l-ebda trasferiment soċjali in natura mal-bqija tad-dinja (għalkemm jeżistu tali trasferimenti f'termini monetarji). Il-konsum finali attwali totali huwa ugwali għall-infiq tal-konsum finali totali.

Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-infiq tal-konsum finali

3.110 In-nefqa fuq oġġett tiġi rreġistrata fil-ħin meta tinbidel is-sjieda; in-nefqa fuq servizz tiġi rreġistrata meta l-kunsinna tas-servizz tiġi kompletata.

3.111 In-nefqa fuq oġġetti miksuba bin-nifs jew bi ftehim simili tal-kreditu, u wkoll taħt kuntratt tal-kiri finanzjarju, tiġi rreġistrata fil-ħin meta l-oġġetti jiġu kunsinjati anki jekk ma jkun hemm l-ebda bidla fis-sjieda f'dan il-punt.

3.112 Il-konsum proprju jiġi rreġistrat meta l-output miżmum għall-konsum finali proprja jiġi prodott.

3.113 L-infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi jiġi rreġistrat bil-prezzijiet tax-xiri. Dan huwa l-prezz li x-xerrej iħallas attwalment għall-prodott fil-ħin tax-xiri. Definnizzjoni iżjed dettaljata tinsab fil-paragrafu 3.06.

3.114 L-oġġetti u s-servizzi provduti bħala kumpens lill-impjegati in natura huma valutati bil-prezzijiet bażiċi meta jiġu prodotti minn min iħaddem u bil-prezzijiet tax-xiri ta' min iħaddem meta mixtrija minn min iħaddem.

3.115 L-oġġetti jew s-servizzi miżmuma għall-konsum proprju huma valutati bil-prezzijiet bażiċi.

3.116 L-infiq tal-konsum finali mill-gvern ġenerali jew l-NPISHs fuq prodotti li jipproduċu huma stess huwa rreġistrat fil-ħin meta jiġu prodotti, li hu wkoll il-ħin tal-kunsinna ta' tali servizzi mill-gvern jew NPISHs. Għall-infiq tal-konsum finali fuq oġġetti u servizzi provduti permezz ta' produttori għas-suq, il-ħin tal-kunsinna huwa l-ħin tar-reġistrazzjoni.

3.117 L-infiq tal-konsum finali (P.3) mill-gvern ġenerali jew l-NPISHs huwa ugwali għas-somma tal-output tagħhom (P.1), flimkien man-nefqa fuq il-prodotti provduti lill-unitajiet domestiċi permezz tal-produttori tas-suq, parti tat-trasferimenti soċjali in natura (D.632), nieqes il-pagamenti minn unitajiet oħra, l-output għas-suq (P.11) u ħlasijiet għal output mhux għas-suq (P.131), nieqes il-formazzjoni ta' kapital proprju (P.12).

Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-konsum finali attwali

- 3.118 L-oġġetti u s-servizzi huma miksuba minn unitajiet istituzzjonali meta jsiru s-sidien ġodda tal-oġġetti u meta l-kunsinna lilhom tas-servizzi tkun ikkompletata.
- 3.119 L-akkwisti (konsum finali attwali) huma valutati bil-prezzijiet tax-xiri għall-unitajiet li jħallu l-ispejjeż.
- 3.120 It-trasferimenti in natura minbarra t-trasferimenti soċjali in natura mill-gvern u l-NPISHs huma trattati bħallikieku kienu trasferimenti fi flus kontanti. Għaldaqstant, il-valuri tal-oġġetti jew is-servizzi huma rreġistrati bħala nfiq mill-unitajiet istituzzjonali jew is-setturi li jiksuhom.
- 3.121 Il-valuri taż-żewġ aggregati tal-infiq tal-konsum finali u l-konsum finali attwali huma l-istess. L-oġġetti u s-servizzi miksuba mill-unitajiet domestiċi residenti permezz tat-trasferimenti soċjali in natura huma valutati bl-istess prezzijiet bħal dawk li jkunu ġew valutati bihom fl-aggregati tan-nefqa.

FORMAZZJONI TA' KAPITAL GROSS (P.5)

- 3.122 Il-formazzjoni ta' kapital gross tikkonsisti minn:
- (a) formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51g):
 - (1) konsum tal-kapital fiss (P.51c);
 - (2) formazzjoni ta' kapital fiss nett (P.51n);
 - (b) bidliet fl-inventarji (P.52);
 - (c) akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur (P.53).
- 3.123 Il-formazzjoni ta' kapital gross hija l-kejl tal-gross tal-konsum tal-kapital fiss. Il-formazzjoni ta' kapital nett hija kkalkulata permezz tat-tnaqqis tal-konsum ta' kapital fiss mill-formazzjoni ta' kapital gross.

Formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51g)

- 3.124 *Definizzjoni:* Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51) tikkonsisti mill-akkwisti tal-produtturi residenti, nieqes iċ-ċessjonijiet, ta' assi fissi matul perijodu speċifiku flimkien ma' ċertu żidiet għall-valur tal-assi mhux prodotti realizzati bl-attività produttiva tal-produttur jew l-unitajiet istituzzjonali. L-assi fissi huma assi li jkunu ġew prodotti u li jintużaw fil-produzzjoni għal iżjed minn sena waħda.
- 3.125 Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross tikkonsisti kemm mill-valuri pożittivi u minn dawk negattivi:
- (a) valuri pożittivi:
 - (1) assi fissi ġodda jew eżistenti mixtrija;
 - (2) assi fissi prodotti u miżmuma għall-użu proprju tal-produtturi (inkluża l-produzzjoni proprja ta' assi fissi mhux kompluti jew maturati kompletament);
 - (3) assi fissi ġodda jew eżistenti miksuba bi tpartit;
 - (4) assi fissi ġodda jew eżistenti rċevuti bħala trasferiment kapitali in natura;
 - (5) assi fissi ġodda jew eżistenti miksuba mill-utent taħt kuntratt tal-kiri finanzjarju;
 - (6) titjib maġġuri ta' assi fissi u monumenti storiċi eżistenti;
 - (7) tkabbir naturali ta' dawk l-assi naturali li jaġhtu prodotti ripetuti;
 - (b) valuri negattivi, jiġifieri iċ-ċessjonijiet ta' assi fissi rreġistrati bħala akkwisti negattivi:
 - (1) assi fissi eżistenti mibjugħin;

(2) assi fissi eżistenti mifdija fi tpartit;

(3) assi fissi eżistenti mifdija bħala trasferimenti kapitali in natura.

3.126 Il-komponenti taċ-ċessjonijiet tal-assi fissi jeskludu:

(a) il-konsum ta' kapital fiss (li jinkludi d-dannu aċċidentali normali antiċipat);

(b) telf eċċezzjonali, bħal dak dovut għal nuqqas ta' xita jew diżastri oħra naturali, li jiġi rreġistrat bħala bidla oħra fil-volum tal-assi.

3.127 It-tipi ta' formazzjoni ta' kapital fiss gross li ġejjin jiġu distinti:

(1) abitazzjonijiet;

(2) binjiet u strutturi oħra; dan jinkludi titjib maġġuri tal-art;

(3) makkinarju u tagħmir, bħal vapuri, karozzi u kompjuters;

(4) sistemi ta' armi;

(5) riżorsi bijoloġiċi kkultivati, pereżempju siġar u bhejjem;

(6) spejjeż tat-trasferiment tas-sjieda fuq assi mhux prodotti, bħal art, kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji;

(7) R&Ż, inkluża l-produzzjoni ta' R&Ż disponibbli b'xejn. In-nefqa fuq ir-R&Ż għandha biss tiġi trattata bħala formazzjoni ta' kapital fiss meta jkun inkiseb livell suffiċjentement għoli ta' affidabbiltà u paragonabbiltà tal-istimi mill-Istati Membri tal-UE;

(8) esplorazzjoni u valutazzjoni ta' minerali;

(9) softwer tal-kompjuter u databases;

(10) kopji oriġinali tad-divertiment, letterarji jew artistiki;

(11) drittijiet oħra ta' proprjetà intellettuali.

3.128 Titjib maġġuri tal-art jinkludi:

(a) reklamazzjoni tal-art mill-baħar bil-kostruzzjoni ta' dikes, ħitan biex iżommu l-baħar barra jew digi għal dan l-iskop;

(b) qtugħ ta' foresti, blat, eċċ. li jippermetti li l-art tintuża fil-produzzjoni għall-ewwel darba;

(c) tnixxif ta' artijiet mistaġħdra jew l-irrigazzjoni ta' deżerti permezz tal-kostruzzjoni ta' dikes, fosos u kanali għall-irrigazzjoni; prevenzjoni ta' għargħar jew erożjoni mill-baħar jew xmajjar permezz tal-kostruzzjoni ta' breakwaters, ħitan biex iżommu l-baħar barra jew barrieri kontra l-għargħar.

Dawn l-attivitajiet jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' strutturi ġodda sostanzjali bħal ħitan biex iżommu l-baħar, barrieri kontra l-għargħar u digi, iżda dawn l-istrutturi ma jintużawx għall-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi oħra, iżda biex tinkiseb iktar art jew art aħjar, u hija l-art, ass mhux prodott, li hi użata għall-produzzjoni. Pereżempju, diġa mibnija għall-produzzjoni tal-elettriku sservi skop differenti minn diġa mibnija biex iżomm il-baħar barra. Dan l-aħħar tip ta' diġa biss jiġi kklassifikat bħala titjib tal-art.

3.129 Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross tinkludi dawn il-każijiet limiti li ġejjin:

(a) akkwisti ta' djar dgħajjes, barkuni, djar mobbli u karavans użati bħala residenzi ta' unitajiet domestiċi u kwalunkwe strutturi assoċjati bħal garaxxijiet;

(b) strutturi u tagħmir użati mill-militar;

(c) armi ħfief u vetturi blindati użati minn unitajiet mhux militari;

- (d) bidliet fil-bhejjem użati fil-produzzjoni sena wara sena, bħal stokk tar-riproduzzjoni, frat tal-ħalib, nagħaġ imrobbi għas-suf u annimali tal-ġarr;
 - (e) bidliet fis-siġar li huma kkultivati sena wara sena, bħal siġar tal-frott, dwieli, siġar tal-gomma, siġar tal-palm, eċċ;
 - (f) titjib ta' assi fissi eżistenti lil hinn mill-manutenzjoni u tiswijiet ordinarji;
 - (g) l-akkwist ta' assi fissi permezz ta' kiri finanzjarju;
 - (h) spejjeż terminali, jiġifieri spejjeż kbar assoċjati mad-disponiment, pereżempju spejjeż tal-iżmantellar ta' impjanti tal-enerġija nukleari jew spejjeż tat-tindif ta' siti ta' miżbliet.
- 3.130 Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross teskludi:
- (a) transazzjonijiet inklużi fil-konsum intermedju, bħal:
 - (1) xiri ta' għodda żgħira għal skopijiet ta' produzzjoni;
 - (2) manutenzjoni u tiswijiet ordinarji;
 - (3) l-akkwist ta' assi fissi biex jintużaw taħt kuntratt tal-kiri operattiv (ara wkoll il-Kapitolu 15: Kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji). Għall-intrapriża li qed tuża l-ass fiss, il-kirjiet huma trattati bħala konsum intermedju. Fil-każ ta' sid tal-ass, tiġi rreġistrata l-ispiża tal-akkwist bħala formazzjoni ta' kapital fiss gross;
 - (b) transazzjonijiet irreġistrati bħala bidliet fl-inventarji:
 - (1) annimali mrobbija għall-qatla, inklużi tjur;
 - (2) siġar imkabbra għall-injam tal-kostruzzjoni (ħidma li għaddejja);
 - (c) makkinarju u tagħmir miksub mill-unitajiet domestiċi għall-konsum finali;
 - (d) qligħ u telf nominali fuq assi fissi;
 - (e) telf katastrofiku fuq assi fissi, pereżempju qerda ta' assi kultivati u bhejjem minħabba mard li jfeġġ li normalment mhux koperti mill-assigurazzjoni, jew danni minħabba għargħar, danni bir-riħ jew nirien tal-foresti mhux normali;
 - (f) fondi miżmuma jew poġġuti friżerva mingħajr ebda impenn għax-xiri jew kostruzzjoni attwali ta' oġġett kapitali speċifiku, pereżempju fond tal-gvern għall-infrastruttura.
- 3.131 Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross fil-forma ta' titjib ta' assi fissi eżistenti għandha tiġi rreġistrata bħala akkwisti ta' assi fissi ġodda tal-istess tip.
- 3.132 Il-prodotti tal-proprjetà intellettuali huma r-riżultat ta' riċerka u żvilupp, investigazzjoni jew innovazzjoni li twassal għall-għarfien, li l-użu tagħhom huwa ristrett bil-liġi jew mezzi ta' protezzjoni oħrajn.
- Eżempji ta' assi ta' proprjetà intellettuali huma:
- (a) ir-riżultati ta' R&D;
 - (b) ir-riżultati tal-esplorazzjoni għall-minerali, imkejla permezz tal-ispejjeż għat-tħaffir tal-ittestjar attwali, sondaġġi mill-ajru jew oħrajn, u tat-trasport, eċċ.;
 - (c) softwer tal-kompjuter u databases kbar li jridu jintużaw fil-produzzjoni għal iżjed minn sena waħda;
 - (d) divertiment, kopji oriġinali ta' manuskritti letterarji jew artistiċi, mudelli, films, reġistrazzjonijiet tal-ħoss, eċċ.

3.133 Għall-assi fissi u għall-assi mhux finanzjarji mhux prodotti, l-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda għas-sid il-ġdid jikkonsistu minn:

- (a) imposti għall-kunsinna tal-ass (ass ġdid jew eżistenti) sal-lokalità u fil-ħin meħtieġ, bħal imposti tat-trasport, imposti tal-installazzjoni, imposti tal-istabbiliment, eċċ.;
- (b) imposti professjonali jew kummissjonijiet, bħal tariffi mħallsa lil servejers, inġiniera, avukati, valutaturi, eċċ, u kummissjonijiet imħallsa lil aġenti immobiljari, rkantaturi, eċċ.;
- (c) taxxi pagabbli mis-sid il-ġdid mat-trasferiment tas-sjieda tal-ass. Dawn it-taxxi huma taxxi fuq is-servizzi ta' intermedjarji u kwalunkwe taxxa fuq it-trasferiment ta' sjieda iżda mhux taxxi fuq l-ass mixtri.

Dawn l-ispejjeż kollha għandhom jiġu rreġistrati bħala formazzjoni ta' kapital fiss gross mis-sid il-ġdid.

Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-formazzjoni ta' kapital fiss gross

3.134 Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross tiġi rreġistrata meta s-sjieda tal-assi fissi tiġi trasferita lill-unità istituzzjonali li għandha l-intenzjoni li tużahom fil-produzzjoni.

Din ir-regola hija modifikata għal:

- (a) kiri finanzjarju, fejn il-bidla fis-sjieda minn sid il-kera għall-kerrej tiġi inputtjata;
- (b) formazzjoni ta' kapital fiss gross ta' kont proprju, li tiġi rreġistrata meta tiġi prodotta.

3.135 Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross tiġi valutata bil-prezzijiet tax-xiri inklużi imposti tal-installazzjoni u spejjeż oħra tat-trasferiment tas-sjieda. Meta tkun formazzjoni proprja din tiġi valutata bil-prezzijiet bażiċi ta' assi fissi simili, u jekk it-tali prezzijiet ma jkunux disponibbli, għall-ispejjeż tal-produzzjoni flimkien ma' mark-up (ħlief għall-produtturi mhux għas-suq) fil-każ ta' bilanċ operattiv nett jew għal introjtu mħallat.

3.136 L-akkwisti tal-prodotti ta' proprjetà intellettwali huma valutati f'modi differenti:

- (a) għall-esplorazzjoni għall-minerali: permezz tal-ispejjeż attwali ta' tħaffir għal testijiet u t-thaffit, u l-ispejjeż sabiex ikun possibbli li jitwettqu dawn it-testijiet, bħal sondaġġi oħrajn mill-ajru;
- (b) għas-sofwer tal-kompjuter: permezz tal-prezzijiet tax-xerrejja meta jinx tara mis-suq, jew bil-prezz bażiku stmat tiegħu jew, jekk l-ebda prezz bażiku ma jkun disponibbli, skont l-ispejjeż tiegħu tal-produzzjoni flimkien ma' mark-up fil-każ ta' bilanċ operattiv nett (ħlief fil-każ ta' produtturi mhux għas-suq) meta jiġi żviluppat fil-post stess;
- (c) għall-kopji oriġinali tad-divertiment, letterarji jew artistiċi: valutati bil-prezz imħallas mix-xerrej meta jinbiegħu, jew jekk ma jinbiegħux, il-metodi ta' stima li ġejjin huma aċċettabbli:
 - (i) bil-prezz bażiku mħallas għal kopji oriġinali simili;
 - (ii) is-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom flimkien ma' mark-up (ħlief fil-każ ta' produtturi mhux għas-suq) fil-każ ta' bilanċ operattiv nett; jew
 - (iii) il-valur skontat ta' dħul mistenni.

3.137 Iċ-ċessjonijiet tal-assi fissi eżistenti permezz tal-bejgħ jiġu valutati bil-prezzijiet bażiċi, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe spiża għat-trasferiment tas-sjieda mill-bejjiegħ.

3.138 L-ispejjeż għat-trasferiment tas-sjieda jistgħu japplikaw kemm għall-assi prodotti, inklużi assi fissi, u għall-assi mhux prodotti, bħall-art.

Dawn l-ispejjeż huma inklużi fil-prezzijiet tax-xerrej fil-każ tal-assi prodotti. Dawn jiġu separati mix-xiri u l-bejgħ stess fil-każ ta' art u assi oħra mhux prodotti, u rreġistrati taħt intestatura separata fil-klassifikazzjoni tal-formazzjoni ta' kapital fiss gross.

Konsum ta' kapital fiss (P.51c)

- 3.139 *Definizzjoni:* Il-konsum ta' kapital fiss (P.51c) huwa t-tnaqqis fil-valur tal-assi fissi posseduti bħala riżultat tal-ħsara bl-użu normali u l-waqfien mill-użu. L-istima tat-tnaqqis fil-valur tinkludi provvediment għal telf ta' assi fissi bħala riżultat ta' danni aċċidentali li tista' ssir assigurazzjoni kontrihom. Il-konsum tal-kapital fiss ikopri l-ispejjeż terminali antiċipati, bħall-ispejjeż tal-iżmantellar ta' impjanti tal-enerġija nukleari jew pjattaformi taż-żejt jew l-ispejjeż tat-tindif ta' siti ta' miżbljet. Tali spejjeż terminali jiġu rreġistrati bħala konsum ta' kapital fiss fl-aħħar tal-ħajja tas-servizz, meta l-ispejjeż terminali jiġu rreġistrati bħala formazzjoni ta' kapital fiss gross.
- 3.140 Il-konsum tal-kapital fiss għandu jiġi kkalkulat għall-assi fissi kollha (minbarra għall-annimali), inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, titjib maġġuri tal-art u l-ispejjeż tat-trasferimenti tas-sjieda assoċjati ma' assi mhux prodotti.
- 3.141 Il-konsum ta' kapital fiss hu differenti mid-deprezzament permess għal skopijiet ta' taxa jew id-deprezzament muri fil-kontijiet tan-negozju. Il-konsum ta' kapital fiss jiġi stmat abbażi tal-ħażniet ta' assi fissi u l-medja tal-ħajja ekonomika mistennija tal-kategoriji differenti ta' dawk l-oġġetti. Għall-kalkolu tal-ħażniet tal-assi fissi, il-metodu tal-inventarju perpetwu (PIM) huwa applikat kull meta tkun nieqsa informazzjoni diretta dwar il-ħażniet tal-assi fissi. Il-ħażna tal-assi fissi tiġi valutata bil-prezzijiet tax-xerrej tal-perijodu attwali.
- 3.142 It-telf tal-assi fissi li jseħħ bħala riżultat ta' dannu aċċidentali li tista' ssir assigurazzjoni kontrih huwa kkunsidrat fil-kalkolu tal-medja tal-ħajja tas-servizz tal-oġġetti inkwistjoni. Għall-ekonomija inġenerali, id-danni aċċidentali f'perjodu bażi tal-kontijiet speċifiku jkunu ugwali, jew qrib, il-medja. Għall-unitajiet individwali u r-raggrupparmenti tal-unitajiet id-dannu aċċidentali attwali u medju jista' jvarja. F'dan il-każ, għas-setturi, kwalunkwe differenza hija rreġistrata bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi fissi.
- 3.143 Il-konsum tal-kapital fiss għandu jiġi kkalkulat skont il-metodu tal-"linja dritta", li permezz tiegħu l-valur ta' ass fiss jiġi kkanċellat b'rata kostanti matul il-ħajja sħiħa tal-oġġett.
- 3.144 F'xi każijiet, jintuża l-metodu tad-deprezzament ġeometriku meta t-tendenza tat-tnaqqis fl-effiċjenza ta' ass fiss tirrikjedi dan.
- 3.145 Fis-sistema tal-kontijiet, il-konsum tal-kapital fiss jiġi rreġistrat taħt kull entrata saldatorja, li jintwera bħala gross u nett. Ir-reġistrazzjoni ta' "gross" tfisser mingħajr it-tnaqqis tal-konsum ta' kapital fiss, waqt li r-reġistrazzjoni ta' "nett" tfisser wara t-tnaqqis tal-konsum ta' kapital fiss.

Bidliet fl-inventarji (P.52)

- 3.146 *Definizzjoni:* Il-bidliet fl-inventarji jitkejlu bil-valur tal-annotazzjonijiet fl-inventarji nieqes il-valur tal-irtirar u l-valur ta' kwalunkwe telf rikorrenti tal-oġġetti miżmuma fl-inventarji.
- 3.147 Minħabba d-deterjorazzjoni fiżika, jew dannu aċċidentali jew serq, it-telf rikorrenti jista' jseħħ għat-tipi kollha ta' oġġetti fl-inventarji, bħal:
- (a) telf ta' materjali u provvisti;
 - (b) telf fil-każ ta' ħidma li għaddeja;
 - (c) telf ta' oġġetti lesti;
 - (d) telf ta' oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid (pereżempju serq minn ħwienet).
- 3.148 L-inventarji jikkonsistu mill-kategoriji li ġejjin:
- (a) materjali u provvisti:

il-materjali u l-provvisti jikkonsistu fil-prodotti kollha miżmuma fil-ħażniet bl-intenzjoni li jintużaw bħala inputs intermedji fil-produzzjoni; dan jinkludi prodotti miżmuma fil-ħażniet mill-gvern. Oġġetti bħal deheb, djamanti, eċċ. jiġu inklużi meta huma maħsuba għall-użu industrijali jew produzzjoni oħra;
 - (b) ħidma li għaddeja:

il-ħidma li għaddeja tikkonsisti minn output li għadu mhux lest. Din tiġi rreġistrata fl-inventarji tal-produttur tagħha. Eżempji tal-forom differenti possibbli huma dawn li ġejjin:

 - (1) għelejjet li qed jikbru;

- (2) siġar li qed jimmatuaw u bhejjem;
- (3) strutturi mhux kompletati (minbarra dawk prodotti taħt kuntratt tal-bejgħ li jsir qbil dwaru minn qabel jew għall-kont proprju; dawn iż-żewġ eżempji jiġu trattati bħala formazzjoni ta' kapital fiss);
- (4) assi fissi oħra mhux kompletati, pereżempju vapuri u pjattaformi taż-żejt;
- (5) riċerka parzjalment kompletata għal dossier legali jew ta' konsulent;
- (6) produzzjonijiet ta' films kompletati parzjalment;
- (7) programmi tal-kompjuter kompletati parzjalment.

Il-ħidma li għaddeja għandha tiġi rreġistrata għal kwalunkwe proċess tal-produzzjoni li ma jkunx tlesta sal-aħħar tal-perijodu speċifiku. Dan huwa sinifikanti fil-kontijiet ta' kull tliet xhur, pereżempju għejejjel agrikoli li ma jikkompletawx it-tkabbir fi żmien tliet xhur.

It-tnaqqis fil-ħidma li għaddeja iseħħ meta l-proċess tal-produzzjoni jiġi kompletat. F'dak il-punt, il-ħidma kollha li għaddeja tiġi trasformata fi prodott lest;

(c) oġġetti lesti:

L-oġġetti lesti bħala parti mill-inventarji jikkonsistu minn outputs li l-produttur tagħhom m'għandux l-intenzjoni li jipproċessahom iżjed qabel ifornihom lil unitajiet istituzzjonali oħrajn;

(d) oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid:

oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid huma oġġetti miksuba biex jerġgħu jinbiegħu mingħajr ma jinbidlu mill-istat attwali tagħhom.

Ħin tar-reġistrazzjoni u valutazzjoni tal-bidliet fl-inventarji

- 3.149 Il-ħin tar-reġistrazzjoni u l-valutazzjoni tal-bidliet fl-inventarji għandhom ikunu konsistenti ma' dawk ta' transazzjonijiet oħra fil-prodotti. Dan japplika b'mod partikolari għall-konsum intermedju (pereżempju għal materjali u provvisti), l-prodott (pereżempju l-ħidma li għaddeja u l-output mill-ħażna ta' prodotti agrikoli) u l-formazzjoni ta' kapital fiss gross (pereżempju ħidma li għaddeja). Jekk l-oġġetti huma proċessati barra l-pajjiż b'bidla fis-sjieda ekonomika, l-oġġetti jiġu inklużi fl-esportazzjonijiet (u iżjed tard fl-importazzjonijiet). L-esportazzjoni tiġi riflessa bi tnaqqis konkomitanti fl-inventarji, u l-importazzjoni korrispondenti aktar tard tiġi rreġistrata wkoll bħala żieda fl-inventarji, sakemm din ma tinbiegħx jew ma tintużax f'salt.
- 3.150 Fil-kejl tal-bidliet fl-inventarji, l-oġġetti li jidhru fl-inventarji jiġu vvalutati malli jidhru, u l-oġġetti li jiġu rtirati jiġu vvalutati malli jiġu rtirati.
- 3.151 Il-prezzijiet użati għall-valutazzjoni tal-oġġetti f'bidliet fl-inventarji huma kif ġej:
- (a) l-output ta' oġġetti lesti trasferiti fl-inventarji tal-produttur jiġu valutati bħallikieku nbiegħu dak il-ħin, bil-prezzijiet bażiċi attwali;
 - (b) iż-żidiet għall-ħidma li għaddeja huma valutati fi proporzjon għall-prezz bażiku attwali stmat tal-prodott lest;
 - (c) it-tnaqqis fil-ħidma li għaddeja minħabba ħidma irtirata mill-inventarji meta l-produzzjoni titlesta huwa valutat bil-prezzijiet bażiċi attwali tal-prodott mhux lest;
 - (d) l-oġġetti trasferiti barra mill-inventarji għall-bejgħ huma valutati bil-prezzijiet bażiċi;
 - (e) l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid li jidhru fl-inventarji tal-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-immnut, eċċ. huma valutati bil-prezzijiet tax-xiri attwali jew stmati tan-negożjant;
 - (f) l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid irtirati mill-inventarji huma valutati għall-prezzijiet tax-xiri li jistgħu jiġu sostitwiti bihom fil-ħin meta jiġu rtirati u mhux bil-prezz ta' meta jkunu ġew akkwistati.

- 3.152 It-telf bħala riżultat ta' deterjorazzjoni fiżika, dannu aċċidentali li jista' jiġi assigurat jew serq jiġi rreġistrat u valutat kif ġej:
- (a) għall-materjali u l-provvisti: bħala materjali u provvisti rtirati attwalment li jridu jintużaw fil-produzzjoni (konsum intermedju);
 - (b) għal ħidma li għaddeja: valutat bħala tnaqqis miż-żidiet li jakkumulaw mal-produzzjoni li sseħħ fl-istess perijodu;
 - (c) għal oġġetti lesti u oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid: trattat bħala rtirati bil-prezz attwali ta' oġġetti mhux deterjorati.
- 3.153 Fejn ikun hemm nuqqas ta' informazzjoni, il-metodi approssimattivi li ġejjin jintużaw għall-istima tal-bidla fl-inventarji:
- (a) meta l-bidliet fil-volum tal-inventarji huma regolari, metodu approssimattiv aċċettabbli huwa li tiġi multiplikata l-bidla fil-volum tal-inventarji bil-prezzijiet medji għal dak il-perijodu. Il-prezzijiet tax-xiri jintużaw għall-inventarji miżmuma mill-utenti jew mill-bejjieġha bl-ingrossa jew bl-imnut; il-prezzijiet bażiċi jintużaw għall-inventarji miżmuma mill-produtturi tagħhom;
 - (b) meta l-prezzijiet tal-oġġetti involuti jibqgħu kostanti, ċaqliq fil-volum tal-inventarji ma jinvalidax l-approssimazzjoni tal-istima fil-bidla tal-inventarji billi tiġi mmultiplikata l-bidla fil-volum bil-prezz medju;
 - (c) jekk kemm il-volum kif ukoll il-prezzijiet tal-inventarji jinbidlu sostanzjalment matul il-perijodu bażi tal-kontijiet, huma meħtieġa metodi ta' approssimazzjoni aktar sofistikati. Pereżempju, valutazzjoni kull tliet xhur tal-bidliet fl-inventarji jew l-użu ta' tagħrif dwar id-distribuzzjoni ta' ċaqliq matul il-perijodu bażi tal-kontijiet (iċ-ċaqliq jista' jkun l-akbar fl-aħħar tas-sena kalendari, matul il-ħin tal-ħsad, eċċ.);
 - (d) jekk hu disponibbli tagħrif dwar il-valuri fil-bidu u fl-aħħar tal-perijodu bażi (pereżempju fil-każ ta' kummerċ bl-ingrossa jew bl-imnut fejn ta' spiss jeżistu inventarji ta' ħafna prodotti differenti), iżda l-ebda tagħrif separat dwar il-prezzijiet u l-volumi, jiġu stmati l-bidliet fil-volum bejn il-bidu u t-tmiem tal-perijodu. Mod wieħed kif tiġi stmata l-bidla fil-volumi, hu li jiġu stmati r-rati kostanti tal-bejgħ skont it-tip tal-prodott.

Il-bidliet staġjonali fil-prezzijiet jistgħu jirriflettu bidla fil-kwalità, pereżempju prezzijiet ta' likwidazzjoni jew prezzijiet ta' barra l-istaġun għall-frott u l-ħaxix. Dawn il-bidliet fil-kwalità jiġu trattati bħala bidliet fil-volum.

Akkwisti nieqas iċ-ċessjonijiet tal-oġġetti ta' valur (P.53)

- 3.154 *Definizzjoni:* L-oġġetti ta' valur huma oġġetti mhux finanzjarji li ma jintużawx primarjament għall-produzzjoni jew il-konsum, ma jiddeterjorawx (fiżikament) maż-żmien taħt kundizzjonijiet normali u huma miksuba u miżmuma primarjament bħala ħażniet ta' valur.
- 3.155 L-oġġetti ta' valur jinkludu t-tipi ta' oġġetti li ġejjin:
- (a) ħaġar u metalli prezzjużi, bħal djamanti, deheb mhux monetarju, platinu, fidda, eċċ.;
 - (b) antikitajiet u oġġetti oħra tal-arti, bħal pitturi, skulturi, eċċ.;
 - (c) oġġetti ta' valur oħra, bħal ġojjelli tal-ħaġar u metalli prezzjużi u oġġetti kollezzjonabbli.
- 3.156 Tali tipi ta' oġġetti jiġu rreġistrati bħala akkwist jew disponiment ta' oġġetti ta' valur fl-eżempji li ġejjin:
- (a) l-akkwist jew id-disponiment ta' deheb mhux monetarju, fidda, eċċ. mill-banek ċentrali u intermedjarji oħra finanzjarji;
 - (b) l-akkwist jew id-disponiment ta' dawn l-oġġetti minn intapriżi li l-attività prinċipali jew sekondarja tagħhom ma tinvolvi il-produzzjoni jew il-kummerċ tat-tali tipi ta' oġġetti. Dan l-akkwist jew disponiment mhuwiex inkluż fil-konsum intermedju jew il-formazzjoni ta' kapital fiss ta' dawn l-intrapriżi;
 - (c) l-akkwist jew id-disponiment tat-tali oġġetti mill-unitajiet domestiċi. Tali akkwisti mhuwiex inklużi fl-infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi.

Fis-SEK, bħala norma, il-każijiet li ġejjin ukoll jiġu rreġistrati bħala akkwist jew disponiment ta' oġġetti ta' valur:

- (a) l-akkwist jew id-disponiment ta' dawn l-oġġetti mill-ġojjelliera u n-negozjanti tal-arti (skont id-definizzjoni ġenerali ta' oġġetti ta' valur, l-akkwist ta' dawn l-oġġetti mill-ġojjelliera u n-negozjanti tal-arti għandu jiġi rreġistrat bħala bidliet fl-inventarji);
- (b) l-akkwist jew id-disponiment ta' dawn l-oġġetti mill-mużewijiet (skont id-definizzjoni ġenerali ta' oġġetti ta' valur, l-akkwist minn mużew ta' dawn l-oġġetti għandu jiġi rreġistrat bħala formazzjoni ta' kapital fiss).

Din in-norma tevita r-riklassifikazzjoni spissa bejn it-tliet tipi ewlenin ta' formazzjoni ta' kapital, jiġifieri bejn l-akkwist nieqes id-disponiment tal-oġġetti ta' valur, il-formazzjoni ta' kapital fiss u l-bidliet fl-inventarji, pereżempju fil-każ ta' transazzjonijiet tat-tali oġġetti bejn il-unitajiet domestiċi u n-negozjanti tal-arti.

- 3.157 Il-produzzjoni tal-oġġetti ta' valur hija valutata bil-prezzijiet bażiċi. L-akkwisti l-oħra kollha tal-oġġetti ta' valur huma valutati bil-prezzijiet mħallsa tax-xiri, inkluża kwalunkwe tariffa jew kummissjoni tal-aġenti. Dawn jinkludu marġni ta' kummerċ meta jinxtaw minn negozjanti. Iċ-ċessjonijiet tal-oġġetti ta' valur huma valutati bil-prezzijiet li jirċievu l-bejjiegħa, wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe tariffa jew kummissjoni imħallsa lill-aġenti jew intermedjarji oħra. L-akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur bejn setturi residenti jħassru lil xulxin, u jħallu biss il-marġni tal-aġenti u tan-negozjanti.

ESPORTAZZJONIJET U IMPORTAZZJONIJET TA' OĠĠETTI U SERVIZZI (P.6 u P.7)

- 3.158 *Definizzjoni:* L-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi tikkonsisti minn transazzjonijiet f'oġġetti u servizzi (bejgħ, partit u rigali) minn residenti lil persuni mhux residenti.

- 3.159 *Definizzjoni:* L-importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi tikkonsisti minn transazzjonijiet f'oġġetti u servizzi (xiri, partit u rigali) minn persuni mhux residenti lil residenti.

- 3.160 L-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi ma jinkludux:

(a) kummerċ ta' tħejjija (establishment trad(e), jiġifieri:

- (1) kunsinni lil persuni mhux residenti minn affiljati mhux residenti ta' intrapriżi residenti, pereżempju bejgħ barra mill-pajjiż minn affiljati barranin ta' kumpannija multinazzjonali/kontrollata minn residenti;
- (2) kunsinni lil residenti minn affiljati residenti ta' intrapriżi mhux residenti, pereżempju bejgħ minn affiljati domestiċi ta' kumpannija multinazzjonali barranija;

(b) il-flussi tad-dħul primarju lejn jew mill-bqija tad-dinja, bħall-kumpens lill-impjegati, l-imġħax u d-dħul mill-investiment dirett. Id-dħul minn investiment dirett jista' jinkludi parti mhux distinta għall-provvediment ta' diversi servizzi, pereżempju taħriġ għall-impjegati, servizzi ta' ġestjoni u l-użu ta' brevetti u trademarks;

(c) il-bejgħ jew xiri transkonfinali ta' assi finanzjarji jew assi mhux prodotti, bħal art.

- 3.161 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u s-servizzi għandhom jiġu distinti f':

(a) kunsinni intra-UE;

(b) importazzjonijiet u esportazzjonijiet barra l-UE.

Iż-żewġ tipi jissejħu importazzjonijiet u esportazzjonijiet.

Esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' oġġetti (P.61 u P.71)

- 3.162 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti jsejħu meta s-sjieda ekonomika tal-oġġetti tinbidel bejn residenti u mhux residenti. Dan japplika irrispettivament miċ-ċaqliq fiżiku korrispondenti tal-oġġetti bejn il-fruntieri.

- 3.163 Fil-każ ta' kunsinni bejn intrapriżi affiljati (fergħa jew sussidjarja, jew affiljat barrani): bidla fis-sjieda ekonomika tiġi inputtjata kull meta l-oġġetti jiġu kunsinjati bejn intrapriżi affiljati. Dan japplika biss meta l-istabbiliment li jirċievi l-oġġetti jassumi r-responsabbiltà għad-deċizzjonijiet dwar il-livelli tal-provvista u l-prezzijiet li l-output tagħhom jiġi kunsinjat għas-suq.

- 3.164 L-esportazzjonijiet ta' oġġetti sseħħ mingħajr ma l-oġġetti jaqsmu l-fruntiera tal-pajjiż fl-eżempji li ġejjin:
- (a) oġġetti prodotti minn unitajiet residenti li joperaw f'ilmijiet internazzjonali jinbiegħu direttament lil entitajiet mhux residenti f'pajjiżi barranin. Eżempji ta' oġġetti bħal dawn huma ż-żejt, il-gass naturali, il-prodotti tas-sajd, l-oġġetti salvati mill-baħar;
 - (b) tagħmir tat-trasport jew tagħmir ieħor li jinġarr mhux marbut ma' lokalità fissa;
 - (c) oġġetti li wara bidla fis-sjeda jintilfu jew jinqerdu qabel ma jaqsmu l-fruntiera tal-pajjiż tal-esportazzjoni;
 - (d) merchanting, jiġifieri x-xiri ta' oġġett minn resident minn persuna mhux residenti u l-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tal-oġġett lil persuna mhux residenti oħra, mingħajr ma l-oġġett jidħol fl-ekonomija tan-negozjant.
- Każijiet analogi jseħħu fil-każ ta' importazzjonijiet ta' oġġetti.
- 3.165 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti jinkludu transazzjonijiet bejn residenti u persuni mhux residenti f'dawn li ġejjin:
- (a) deheb mhux monetarju;
 - (b) ingotti tal-fidda, djamanti u metalli u ħaġar prezzjużi oħra;
 - (c) flus karti u muniti li mhumiex fiċ-ċirkolazzjoni u titoli mhux maħruġa (valutati bħala oġġetti, mhux skont il-valur nominali);
 - (d) elettriku, gass u ilma;
 - (e) bhejjem li jaqsmu l-fruntieri;
 - (f) pakketti postali;
 - (g) esportazzjonijiet tal-gvern inklużi oġġetti finanzjati minn għotjiet u self;
 - (h) oġġetti trasferiti lil jew mis-sjeda ta' organizzazzjoni ta' ħażniet ta' riżerva;
 - (i) oġġetti kunsinjati minn intrapriża residenti lill-affiljati mhux residenti tagħha, ħlief fil-każ ta' oġġetti għall-ipproċessar;
 - (j) oġġetti rċevuti minn intrapriża residenti mill-affiljati mhux residenti tagħha, ħlief fil-każ ta' oġġetti għall-ipproċessar;
 - (k) oġġetti jew prodotti ta' kuntrabandu mhux rappurtati għat-taxxa bħal dazju fuq l-importazzjoni u VAT;
 - (l) vjeġġi oħra mhux irreġistrati, bħal rigali u dawk li jiswew anqas minn valur minimu dikjarat.
- 3.166 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-oġġetti jeskludu l-oġġetti li ġejjin, li madankollu jistgħu jaqsmu l-fruntiera nazzjonali:
- (a) oġġetti fi transitu f'pajjiż;
 - (b) oġġetti mibgħuta lil jew mill-ambaxxati, bażijiet militari jew enklavi oħra ġewwa l-fruntieri nazzjonali ta' pajjiż ieħor;
 - (c) tagħmir tat-trasport u tipi oħra ta' tagħmir li jista' jiċċaqtaq li jħallu l-pajjiż temporanjament, mingħajr ebda bidla fis-sjeda ekonomika, pereżempju tagħmir tal-kostruzzjoni għal skopijiet ta' installazzjoni jew kostruzzjoni barra mill-pajjiż;
 - (d) tagħmir u oġġetti oħra li jintbagħtu barra mill-pajjiż għall-ipproċessar, manutenzjoni, servisjar jew tiswija; dan japplika wkoll għall-oġġetti proċessati għall-ordnijiet barra mill-pajjiż meta tkun involuta bidla fiżika sostanzjali tal-oġġetti;
 - (e) oġġetti oħra li jtilqu minn pajjiż temporanjament, li ġeneralment jiġu ritornati fi żmien sena fl-istat oriġinali tagħhom u mingħajr bidla fis-sjeda ekonomika.
- Eżempji ta' dawn huma oġġetti mibgħuta barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' esibizzjoni u divertiment, oġġetti taħt kuntratt tal-kiri operattiv, inklużi kuntratti tal-kiri għal diversi snin u oġġetti ritornati mingħajr ma jinbiegħu lil mhux resident;
- (f) oġġetti fuq kunsinna li jintilfu jew jinqerdu malli jaqsmu fruntiera qabel ma sseħħ il-bidla fis-sjeda.

3.167 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-oġġetti għandhom jiġu reġistrati meta s-sjieda tal-oġġetti tiġi trasferita. Bidla fis-sjieda hija kkunsidrata li sseħħ meta l-partijiet tat-transazzjoni jirreġistrawha fil-kotba jew il-kontijiet tagħhom. Dan jista' ma jikkoinċidix mal-istadji varji tal-proċess kuntrattwali, bħal:

- (a) il-ħin meta jsir l-impenn (id-data tal-kuntratt);
- (b) il-ħin tal-forniment tal-oġġetti u s-servizzi u l-akkwiżizzjoni ta' talba għall-ħlas (id-data tat-trasferiment);
- (c) il-ħin tas-saldu ta' dik it-talba (id-data tal-ħlas).

3.168 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti għandhom jiġu vvalutati frank abbord fil-fruntiera tal-pajjiż tal-esportazzjoni (FOB). Dan il-valur ikun:

- (a) il-valur tal-oġġetti bil-prezzijiet bażiċi;
- (b) flimkien mas-servizzi ta' trasport u distribuzzjoni relatati sa dak il-punt tal-fruntiera, inklużi l-ispejjeż tat-tagħbija fuq mezz tat-trasport għal trasport suċċessiv;
- (c) flimkien ma' kwalunkwe taxxa nieqes sussidji fuq l-oġġetti esportati; għal kunsinni intra-UE dan jinkludi l-VAT u taxxi oħra fuq l-oġġetti mħallsa fil-pajjiż tal-esportazzjoni.

Fit-tabelli tal-provvista u l-użu u tal-input-output simetriċi, l-importazzjonijiet tal-oġġetti għal gruppi ta' prodotti individwali jiġu valutati bil-prezz tal-ispejjeż għall-assigurazzjoni u l-ġarr (CIF) fil-fruntiera tal-pajjiż ta' importazzjoni.

3.169 *Definizzjoni:* Il-prezz CIF huwa l-prezz ta' oġġett kunsinnat fil-fruntiera tal-pajjiż tal-importazzjoni, jew il-prezz ta' servizzi mogħti lil resident, qabel il-ħlas ta' kwalunkwe dazju tal-importazzjoni jew taxxi oħra fuq l-importazzjoni jew il-marġni kummerċjali u tat-trasport fil-pajjiż.

3.170 Prokuri jew miżuri ta' sostituzzjoni għall-valur FOB jistgħu jkunu neċessarji f'ċerti ċirkostanzi, bħal:

- (a) tpartit ta' oġġetti jiġi valutat bil-prezzijiet bażiċi li kienu jiġu rċevuti kieku l-oġġetti nbiegħu għal flus kontanti;
- (b) transazzjonijiet bejn intrapriżi affiljati: bħala regola, jintużaw il-valuri ta' trasferiment attwali. Madankollu, jekk ikunu differenti mill-prezzijiet tas-suq, dawn jiġu sostitwiti minn ekwivalent tal-prezz tas-suq stmat;
- (c) oġġetti trasferiti taħt kuntratt tal-kiri finanzjarju: l-oġġetti jiġu valutati abbażi tal-prezz tax-xiri mħallas minn sid il-kera, u mhux bil-valur kumulattiv tal-ħlasijiet tal-kiri;
- (d) importazzjonijiet ta' oġġetti jiġu stmati abbażi tad-*data* tad-dwana (għal kummerċ barra mill-UE) jew taġhrif tal-Intrastat (għal kummerċ intra-UE). Iż-żewġ sorsi tad-*data* ma japplikawx valutazzjoni FOB; dawn jintużaw rispettivament il-valur CIF fil-fruntiera tal-UE u valuri CIF fil-fruntiera nazzjonali. Minħabba li l-valuri FOB jintużaw biss fil-livell l-iżjed aggregat u l-valuri CIF jintużaw fil-livell tal-grupp tal-prodott, dawn il-modifiki jiġu applikati fil-livell l-iżjed aggregat, u l-modifika hi magħrufa bħala l-aġġustament CIF/FOB;
- (e) importazzjonijiet u esportazzjonijiet tal-oġġetti jiġu stmati abbażi tat-taġhrif tal-istħarriġ jew tipi differenti ta' taġhrif *ad hoc*. Ftali każijiet, jinkiseb il-valur totali tal-bejgħ maqsum għal kull prodott. L-istima tkun ibbażata fuq il-prezzijiet tax-xiri u mhux fuq il-valuri FOB.

Esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' servizzi (P.62 u P.72)

3.171 *Definizzjoni:* L-esportazzjonijiet ta' servizzi jikkonsistu mis-servizzi kollha mogħtija mir-residenti lil persuni mhux residenti.

3.172 *Definizzjoni:* L-importazzjonijiet tas-servizzi jikkonsistu mis-servizzi kollha mogħtija minn persuni mhux residenti lil residenti.

3.173 L-esportazzjonijiet tas-servizzi jinkludu l-każijiet li ġejjin:

- (a) it-trasport ta' oġġetti esportati wara li jkunu ħallew il-fruntiera tal-pajjiż tal-esportazzjoni meta provduti minn trasportatur residenti (il-każijiet 2 u 3 fit-Tabella 3.3);

- (b) it-trasport ta' oġġetti importati minn trasportatur residenti:
- (1) sal-fruntiera tal-pajjiż ta' esportazzjoni meta l-oġġetti jiġu valutati FOB għat-tpaċija tal-valur tat-trasport inkluż fil-valur FOB (il-każ 3 fit-Tabella 3.4);
 - (2) sal-fruntiera tal-pajjiż tal-importazzjoni meta l-oġġetti jiġu valutati CIF għat-tpaċija tal-valur tat-trasport inkluż fil-valur CIF (il-każijiet 3 u 2 CIF fit-Tabella 3.4);
- (c) it-trasport ta' oġġetti minn residenti fisem persuni mhux residenti li ma jnvolvi l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet ta' oġġetti (pereżempju t-trasport ta' oġġetti li ma jħallux il-pajjiż bħala esportazzjonijiet jew it-trasport ta' oġġetti barra t-territorju domestiku);
- (d) it-trasport tal-passiġġieri fisem persuni mhux residenti minn trasportaturi residenti;
- (e) attivitajiet ta' proċessar u tiswija fisem persuni mhux residenti; dawn l-attivitajiet għandhom jiġu rreġistrati bħala netti, jiġifieri bħala esportazzjoni ta' servizzi minbarra l-valur tal-oġġetti proċessati jew imsewwiġa;
- (f) installazzjoni ta' tagħmir barra mill-pajjiż meta proġett, fin-natura tiegħu, ikollu durata limitata;
- (g) servizzi finanzjarji provduti minn residenti lil mhux residenti inklużi kemm il-ħlasijiet għas-servizz espliċiti kif ukoll dawk implíciti, bħall-FISIM;
- (h) servizzi ta' assigurazzjoni provduti minn residenti lil mhux residenti bl-ammont tal-ħlas għas-servizz implícitu;
- (i) in-nefqa minn turisti mhux residenti u vjaġġaturi tan-negozju. In-nefqa hija klassifikata bħala servizzi; għall-finijiet tat-tabelli tal-provvista u l-użu u tal-input-output simetrik, tkun neċessarja analiżi skont il-prodotti komponenti;
- (j) in-nefqa minn persuni mhux residenti fuq servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni provduti minn residenti; din tinkludi l-provvista ta' dawn is-servizzi fit-territorju domestiku kif ukoll barra mill-pajjiż;
- (k) is-servizzi ta' djar tal-villeġġatura okkupati mis-sid ta' persuni mhux residenti (ara l-paragrafu 3.77);
- (l) drittijiet u tariffi tal-liċenzji, li l-qligħ minnhom huwa assoċjat mal-użu awtorizzat tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, bħal privativi, drittijiet tal-awtur, trademarks, proċessi industrijali, franchises, eċċ., u mal-użu permezz ta' ftehimiet ta' liċenzjar ta' kopji oriġinali jew prototipi li jiġu prodotti, bħal manuskritti, pitturi, eċċ. imħallsa minn mhux residenti lil residenti.
- 3.174 Hemm importazzjoni ekwivalenti ta' servizz bħala iimaġni kopja tal-lista ta' esportazzjonijiet ta' servizzi fil-paragrafu 3.173, u l-importazzjonijiet ta' servizzi li ġejjin biss jirrikjedu deskrizzjoni ulterjuri.
- 3.175 L-importazzjonijiet tas-servizzi ta' trasport jinkludu l-eżempji li ġejjin:
- (a) it-trasport ta' oġġetti esportati sal-fruntiera tal-pajjiż tal-esportazzjoni meta provdut minn trasportatur mhux residenti għat-tpaċija tal-valur tat-trasport inkluż fil-valur FOB tal-oġġetti esportati (il-każ 4 fit-Tabella 3.3);
- (b) it-trasport ta' oġġetti importati minn trasportatur mhux residenti:
- (1) mill-fruntiera tal-pajjiż tal-esportazzjoni bħala servizz tat-trasport separat meta l-oġġetti importati huma valutati FOB (il-każijiet 4 u 5 FOB fit-Tabella 3.4);
 - (2) mill-fruntiera tal-pajjiż ta' importazzjoni bħala servizz tat-trasport separat meta l-oġġetti importati huma valutati CIF (f'dan il-każ il-valur tas-servizz tat-trasport bejn il-fruntieri tal-pajjiż ta' esportazzjoni u ta' importazzjoni diġà hu inkluż fil-valur CIF tal-oġġetti; il-każ 4 fit-Tabella 3.4);

(c) it-trasport ta' oġġetti minn persuni mhux residenti fisem residenti li ma jinvolvix l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet ta' oġġetti (pereżempju t-trasport ta' oġġetti fi tranżitu jew it-trasport barra mit-territorju domestiku);

(d) it-trasport internazzjonali jew nazzjonali ta' passiġġieri fisem residenti minn trasportaturi mhux residenti.

L-importazzjonijiet ta' servizzi tat-trasport ma jinkludux it-trasport ta' oġġetti esportati wara li jkunu ħallew il-fruntiera tal-pajjiż ta' esportazzjoni meta jiġu provduti minn trasportatur mhux residenti (il-każijiet 5 u 6 fit-Tabella 3.3). L-esportazzjonijiet ta' oġġetti huma valutati FOB u tali servizzi ta' trasport kollha għandhom għalhekk jitqiesu bħala transazzjonijiet bejn persuni mhux residenti, jiġifieri bejn trasportatur mhux residenti u importatur mhux residenti. Dan japplika meta dawn is-servizzi ta' trasport jitħallsu taħt kuntratti tal-esportazzjoni CIF mill-esportatur.

3.176 L-importazzjonijiet fir-rigward ta' xiri dirett barra mill-pajjiż minn residenti jkopru x-xiri kollu ta' oġġetti u servizzi li jsir minn residenti waqt li qed jivvjaġġaw barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' negozju jew personali. Żewġ kategoriji għandhom jiġu distinti minħabba li jeħtieġu trattament differenti:

(a) l-infiq kollu relatat man-negozju minn vjaġġaturi tan-negozju huwa konsum intermedju;

(b) l-infiq l-ieħor kollu, huwiex minn vjaġġaturi tan-negozju jew vjaġġaturi oħra, huwa nfiq tal-konsum finali ta' unità domestika.

3.177 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tas-servizzi huma reġistrati fil-ħin li jingħataw. Dan il-ħin jikkoinċidi mal-ħin meta s-servizzi jiġu prodotti. L-importazzjonijiet tas-servizzi jiġu valutati bil-prezz tax-xiri u l-esportazzjonijiet tas-servizzi bil-prezzijiet bażiċi.

Tabella 3.3 — It-trattament tat-trasport ta' oġġetti esportati

	Territorju domestiku	Territorju intermedju	Territorju tal-pajjiż ta' importazzjoni
1. trasportatur residenti ⇒		2. trasportatur residenti ⇒	3. trasportatur residenti ⇒
4. trasportatur mhux residenti ⇒		5. trasportatur mhux residenti ⇒	6. trasportatur mhux residenti ⇒

	Esportazzjonijiet ta' oġġetti (FOB)	Esportazzjonijiet ta' servizzi	Importazzjonijiet ta' oġġetti (CIF/FOB)	Importazzjonijiet ta' servizzi
1.	x	—	—	—
2.	—	x	—	—
3.	—	x	—	—
4.	x	—	—	x
5.	—	—	—	—
6.	—	—	—	—

3.178 Spjegazzjoni dwar kif għandha tinqara din it-tabella: l-ewwel parti ta' din it-tabella tindika li hemm sitt possibbiltajiet ta' trasport ta' oġġetti esportati, skont jekk it-trasportatur huwiex residenti jew le u skont fejn iseħħ it-trasport: minn post fit-territorju domestiku sal-fruntiera nazzjonali, mill-fruntiera nazzjonali sal-fruntiera tal-pajjiż ta' importazzjoni jew mill-fruntiera tal-pajjiż ta' importazzjoni sa post fil-pajjiż ta' importazzjoni. Fit-tieni parti ta' din it-tabella, għal kull waħda minn dawn is-sitt possibbiltajiet, huwa indikat jekk l-ispejjeż tat-trasport għandhomx jiġu rreġistrati bħala esportazzjonijiet ta' oġġetti, esportazzjonijiet ta' servizzi, importazzjonijiet ta' oġġetti jew importazzjonijiet ta' servizzi.

Tabella 3.4 — It-trattament tat-trasportazzjoni ta' oġġetti importati

	Territorju domestiku	Territorju nofsani	Territorju tal-pajjiż esportatur
1. trasportatur residenti -		2. trasportatur residenti -	3. trasportatur residenti -
4. trasportatur mhux residenti -		5. trasportatur mhux residenti -	6. trasportatur mhux residenti -

	Valutazzjoni ta' oġġetti importati	Importazzjonijiet ta' oġġetti	Importazzjonijiet ta' servizzi	Esportazzjonijiet ta' oġġetti (FOB)	Esportazzjonijiet ta' servizzi
1.	CIF/FOB	—	—	—	—
2.	FOB CIF	— x	— —	—	— x
3.	CIF/FOB	x	—	—	x
4.	CIF/FOB	—	x	—	—
5.	FOB CIF	— x	x —	—	— —
6.	CIF/FOB	x	—	—	—

3.179 Spjegazzjoni dwar kif tinqara din it-tabella: L-ewwel parti ta' din it-tabella tindika li hemm sitt possibbiltajiet ta' trasportazzjoni ta' oġġetti importati, skont jekk it-trasportatur ikunx residenti jew le u skont fejn iseħħ it-trasport: minn post fil-pajjiż esportatur sal-fruntiera ta' dan il-pajjiż esportatur, mill-fruntiera tal-pajjiż esportatur sal-fruntiera tal-pajjiż importatur u mill-fruntiera nazzjonali sa post fit-territorju domestiku. Fit-tieni parti ta' din it-tabella, għal kull waħda minn dawn is-sitt possibbiltajiet, hemm indikat jekk l-ispejjeż tat-trasportazzjoni għandhomx jiġu rreġistrati bħala importazzjonijiet ta' oġġetti, importazzjonijiet ta' servizzi, esportazzjonijiet ta' oġġetti jew esportazzjonijiet ta' servizzi. F'xi każijiet (il-każijiet 2 u 5), din ir-reġistrazzjoni tiddependi mill-prinċipju tal-valutazzjoni applikat għall-oġġetti importati. Innota li t-tranżizzjoni mill-valutazzjoni tal-oġġetti importati fis-CIF sal-FOB tikkonsisti fi:

- (a) aġġustament CIF/FOB, jiġifieri minn 2 CIF sa 2 FOB (inaqqas l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet totali);
- (b) riklassifikazzjoni CIF/FOB, jiġifieri minn 5 CIF sa 5 FOB (tħalli l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet totali mhux mibdula).

TRANSAZZJONIJET FOĠĠETTI EŻISTENTI

3.180 *Definizzjoni:* L-oġġetti eżistenti huma oġġetti li diġà kellhom utent (minbarra inventarji).

3.181 L-oġġetti eżistenti jinkludu:

- (a) bini u oġġetti ta' kapital fiss oħra li jkunu nbiegħu minn unitajiet ta' produttori lil unitajiet oħra:
 - (1) biex jergħu jintużaw b'dan il-mod;
 - (2) li jridu jitwaqqgħu jew jiġġarfu; il-prodotti li jirriżultaw isiru materji primi (pereżempju ħadid tal-iskrappar) użati għall-produzzjoni ta' oġġetti ġodda (pereżempju azzar);
- (b) oġġetti ta' valur li jinbiegħu minn unità lil oħra;
- (c) oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul li jkunu nbiegħu mill-unitajiet domestiċi lil unitajiet oħra:
 - (1) biex jergħu jintużaw b'dan il-mod;
 - (2) biex jiġu mkissra u konvertiti f'materjali tad-demolizzjoni;
- (d) oġġetti li ma jdumux jintużaw (pereżempju karta tal-iskart, ċraret, ħwejjeġ qodma, fliexken qodma, eċċ.) li jkunu nbiegħu minn kwalunkwe unità, jew biex jergħu jintużaw jew biex isiru materja prima għall-manifattura ta' oġġetti ġodda.

It-trasferiment ta' oġġetti eżistenti jiġi rreġistrat bħala nefqa negattiva (akkwist) għall-bejjieġ u nefqa pożittiva (akkwist) għax-xerrej.

3.182 Din id-definizzjoni ta' oġġetti eżistenti għandha l-konsegwenzi li ġejjin:

- (a) meta l-bejgħ ta' ass fiss jew oġġett ta' valur eżistenti jseħħ bejn żewġ produttori residenti, il-valuri pożittivi u negattivi rreġistrati għall-formazzjoni grossa ta' kapital fiss iħassru 'l xulxin għall-ekonomija sħiħa minbarra għall-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda;

- (b) meta ass fiss immobbli eżistenti (pereżempju bini) jinbiegħ lil persuna mhux residenti, din tal-aħħar tiġi trattata bħala li qed tixtri ass finanzjarju, jiġifieri ekwiż ta' unità residenti nozzjonali. Din l-unità residenti nozzjonali mbagħad titqies li qed tixtri l-ass fiss. Il-bejgħ u x-xiri tal-ass fiss iseħħu bejn unitajiet residenti;
- (c) meta ass fiss mobbli eżistenti, bħal vapur jew inġenju tal-ajru, jiġi esportat, ma tiġi rreġistrata l-ebda formazzjoni grossa pożittiva ta' kapital fiss fl-ekonomija biex tikkumpensa l-formazzjoni grossa negattiva ta' kapital fiss tal-bejgħ;
- (d) oġġetti li jdumu jintużaw, bħall-vetturi, jistgħu jiġu klassifikati bħala assi fissi jew bħala oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul skont is-sid u l-iskop li jintużaw għalih. Jekk is-sjeda ta' oġġett bħal dan tiġi trasferita minn intrapriża lil unità domestika biex jintuża għall-konsum finali, tiġi rreġistrata formazzjoni grossa negattiva ta' kapital fiss għall-intrapriża u nefqa tal-konsum pożittiva għall-unità domestika. Fejn is-sjeda ta' oġġett bħal dan tiġi trasferita minn unità domestika lil intrapriża, għall-unità domestika jiġi rreġistrat infiq tal-konsum finali negattiv u għall-intrapriża tiġi rreġistrata formazzjoni grossa pożittiva ta' kapital fiss;
- (e) transazzjonijiet f'oġġetti ta' valur eżistenti għandhom jiġu rreġistrati bħala l-akkwist ta' oġġett ta' valur (formazzjoni grossa ta' kapital pożittiva) mix-xerrej u bħala ċ-ċessjoni ta' oġġett ta' valur (formazzjoni grossa ta' kapital negattiva) mill-bejgħ. Fil-każ ta' transazzjoni mal-bqija tad-dinja, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġett għandha tiġi rreġistrata. Il-bejgħ ta' oġġett ta' valur minn unità domestika m'għandux jiġi rreġistrat bħala infiq tal-konsum finali negattiv;
- (f) meta oġġetti militari li jdumu jintużaw eżistenti jinbiegħu barra mill-pajjiż mill-gvern, dan jiġi rreġistrat bħala esportazzjoni ta' oġġetti u bħala formazzjoni negattiva ta' kapital fiss mill-gvern.

3.183 It-transazzjonijiet f'oġġetti eżistenti jiġu rreġistrati fiż-żmien meta tinbidel is-sjeda. Jiġu applikati l-prinċipji ta' valutazzjoni adatti għat-tip ta' transazzjonijiet fil-prodotti involuti.

AKKWISTI MINGĦAJR IĊ-ĊESSJONIJIET TA' ASSI MHUX PRODOTTI (NP)

3.184 *Definizzjoni:* L-assi mhux prodotti jikkonsistu f'assi li ma ġewx prodotti fi ħdan il-fruntiera tal-produzzjoni, u li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi.

3.185 Tliet kategoriji ta' akkwisti mingħajr iċ-ċessjonijiet tal-assi mhux prodotti huma distinti:

- (a) akkwist mingħajr iċ-ċessjonijiet tar-riżorsi naturali (NP.1);
- (b) akkwist mingħajr iċ-ċessjonijiet ta' kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji (NP.2);
- (c) ix-xiri mingħajr il-bejgħ ta' assi tal-avvjament u tal-kummerċjalizzazzjoni (NP.3).

3.186 Ir-riżorsi naturali għandhom jikkonsistu fil-kategoriji li ġejjin:

- (a) art;
- (b) riżervi minerali u tal-enerġija;
- (c) riżorsi bijoloġiċi mhux kultivati;
- (d) riżorsi tal-ilma;
- (e) spettri tar-radju;
- (f) riżorsi naturali oħra.

Ir-riżorsi naturali jeskludu r-riżori bijoloġiċi kkultivati ta' assi prodotti. Ix-xiri jew il-bejgħ ta' riżorsi bijoloġiċi kkultivati ma jiġux irreġistrati bħala akkwist mingħajr iċ-ċessjoni ta' riżorsi naturali; jiġu rreġistrati bħala formazzjoni ta' kapital fiss. Barra minn hekk, il-pagamenti għall-użu temporanju tar-riżorsi naturali mhumiex irreġistrati bħala akkwist tar-riżorsi naturali; dawn huma rreġistrati bħala kiri, jiġifieri bħala introjtu mill-proprjetà (ara l-Kapitolu 15: Kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji).

3.187 L-art hija ddefinita bħala l-art fiha nnifisha, inkluża l-ħamrija li tkopriha u l-ilma tal-wiċċ assoċjat. L-ilma tal-wiċċ assoċjat jinkludi kwalunkwe ilmijiet interni (ġibjuni, lagijiet, xmajjar, eċċ) li fuqhom jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet tas-sjeda.

- 3.188 Il-punti li ġejjin mhumiex inklużi taħt it-titolu ta' art:
- (a) bini jew strutturi oħra fuq l-art jew li jgħaddu minnha (pereżempju toroq u mini);
 - (b) dwieli, ġonna tas-siġar tal-frott, jew pjantaġġuni oħra tas-siġar u għelejjet li qed jitkabbru, eċċ.;
 - (c) assi taħt il-livell tal-art;
 - (d) riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati;
 - (e) riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art.
- Il-punti (a) u (b) huma assi fissi prodotti, il-punti (c), (d) u (e) huma tipi ta' assi mhux prodotti.
- 3.189 L-akkwisti u ċ-ċessjonijiet tal-art u riżorsi naturali oħra huma valutati għall-prezzijiet tas-suq eżistenti fiż-żmien meta jseħħu l-akkwisti/disponimenti. It-transazzjonijiet fir-riżorsi naturali jiġu rreġistrati għall-istess valur fil-kontijiet tax-xerrej u f'dawk tal-bejjiegħ. Dan il-valur jeskludi l-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda tar-riżors naturali. Dawn l-ispejjeż huma ttrattati bħala formazzjoni grossa ta' kapital fiss.
- 3.190 Il-kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji bħala assi mhux prodotti jikkonsistu f'dawn il-klassijiet:
- (a) kuntratti tal-kiri operattivi trasferibbli;
 - (b) permessi għall-użu tar-riżorsi naturali, pereżempju kwoti tas-sajd;
 - (c) permessi biex jitwettqu attivitajiet speċifiċi, pereżempju permessi tal-emissjoni u liċenzji għal għadd limitat ta' każinos jew għall-operat ta' taxis f'ċertu żona;
 - (d) drittijiet għal oġġetti u servizzi futuri fuq bażi esklussiva, pereżempju kuntratti ta' futboler u dritt esklussiv ta' pubblikatur li jipubblika xogħlijiet ġodda minn awtur imsemmi.
- 3.191 Kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji bħala kategorija ta' assi mhux prodotti, jeskludu l-leasing operattiv tat-tali assi; il-pagamenti għall-leasing operattiv jiġu rreġistrati bħala konsum intermedju.
- Il-valur tal-akkwisti u ċ-ċessjonijiet tal-kuntratti, kuntratti tal-kiri u liċenzji jeskludi l-ispejjeż assoċjati tat-trasferiment tas-sjieda. L-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda huma komponent tal-formazzjoni grossa ta' kapital fiss.
- 3.192 *Definizzjoni:* Il-valur tal-assi tal-avvjament u kummerċjabbli huwa d-differenza bejn il-valur imħallas għal intrapriża bħala "negozzju attiv" u s-somma tal-assi tagħha mingħajr is-somma tal-passivi tagħha. Biex jiġi kkalkulat il-valur totali tal-assi mingħajr il-passivi, kull ass u passiv individwali jiġi identifikat u valutat separatament.
- 3.193 L-avvjament jiġi rreġistrat biss meta l-valur tiegħu jiġi evidenzjat minn transazzjoni tas-suq, pereżempju permezz tal-bejgħ tal-korporazzjoni sħiħa. Fejn l-assi kummerċjabbli identifikati jinbiegħu individwalment u separatament mill-korporazzjoni sħiħa, tali bejgħ jiġi rreġistrat ukoll taħt din il-punt.
- 3.194 L-akkwisti mingħajr iċ-ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti jiġu rreġistrati fil-kont kapitali tas-setturi, l-ekonomija totali u l-bqija tad-dinja.
-

KAPITOLU 4

TRANSAZZJONIJIET DISTRIBUTTIVI

- 4.01 *Definizzjoni:* It-transazzjonijiet distributtivi huma transazzjonijiet fejn il-valur miżjud iġġenerat mill-produzzjoni jiġi distribwit lill-fatturi tax-xogħol, tal-kapital kif ukoll lill-gvern, u transazzjonijiet li jwettqu ridistribuzzjoni tal-introjt u l-ġid.

Hemm distinzjoni bejn it-trasferimenti kurrenti u kapitali, fejn it-trasferimenti kapitali jwettqu ridistribuzzjoni tat-tfaddil jew tal-ġid u mhux tal-introjt.

KUMPENS TAL-IMPJEGATI (D.1)

- 4.02 *Definizzjoni:* Il-kumpens tal-impjegati (D.1) huwa definit bħala r-rimunerazzjoni totali, fi flus jew ekwivalenti, pagabbli minn persuna li tħaddem jew impjegat bi tpattija għal xogħol li jkun għamel dan tal-aħħar matul il-perijodu bażi tal-kontijiet.

Il-kumpens tal-impjegati huwa magħmul mill-komponenti li ġejjin:

- (a) pagi u salarji (D.11):

- pagi u salarji fi flus,
- pagi u salarji in natura;

- (b) kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D.12):

- kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.121):
 - kontribuzzjonijiet tal-pensjoni effettivi ta' min iħaddem (D.1211),
 - kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni effettivi ta' min iħaddem (D.1212);
- kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.122):
 - kontribuzzjonijiet tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.1221),
 - kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.1222).

Pagi u salarji (D.11)**Pagi u salarji fi flus**

- 4.03 Il-pagi u s-salarji fi flus jinkludu l-kontribuzzjonijiet soċjali, it-taxxi fuq l-introjt, u pagamenti oħra pagabbli mill-impjegat, inkluż dawk miżmuma minn min iħaddem u mħallsa direttament lill-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali, l-awtoritajiet tat-taxxa, eċċ., fisem l-impjegat:

Il-pagi u s-salarji fi flus jinkludu t-tipi ta' rimunerazzjoni li ġejjin:

- (a) pagi u salarji bażiċi pagabbli f'intervalli regolari;
- (b) pagamenti miżjuda, bħal pagamenti għal sahra, xogħol bil-lejl, fi tmien il-ġimgħa, ċirkostanzi sgradevoli jew perikolużi;
- (c) allokazzjonijiet għall-ġholi tal-ħajja, allokazzjonijiet lokali u allokazzjonijiet għall-espatrijazzjoni;
- (d) bonuses jew pagamenti eċċezzjonali oħra marbuta mal-prestazzjoni ġenerali tal-impriża li jingħataw taħt skemi ta' inċentivi; bonusijiet ibbażati fuq il-produttività jew il-profitti, il-bonuses tal-Milied jew tal-Ewwel tas-Sena minbarra l-benefiċċji soċjali tal-impjegat (ara l-punt (c) tal-paragrafu 4.07); il-paga "tat-13 sal-14-il xahar" magħrufa wkoll bħala l-paga supplimentari annwali;
- (e) allokazzjonijiet għat-trasport lejn ix-xogħol u lura, minbarra allokazzjonijiet jew rimbors tal-impjegati għal spejjeż tal-ivvjaġġar, is-separazzjoni, il-ġarr u d-divertiment imġarba fl-andament tad-doveri tagħhom (ara l-punt (a) tal-paragrafu 4.07);

- (f) paga tal-vaganzi għal vaganzi uffiċjali jew vaganzi annwali;
- (g) kummissjonijiet, tipps, imposti għall-attenzenza u tad-diretturi mħallsa lill-impjegati;
- (h) pagamenti mħallsa minn min iħaddem lill-impjegati tagħhom taħt skemi ta' tfaddil;
- (i) pagamenti eċċezzjonali lill-impjegati li jutilqu mill-impriża, fejn dawk il-pagamenti ma jkunux marbuta ma' ftehim kollettiv;
- (j) allokkazzjonijiet għad-djar imħallsa fi flus minn min iħaddem lill-impjegati tagħhom.

Pagi u salarji in natura

4.04 *Definizzjoni:* Il-pagi u s-salarji in natura jikkonsistu fi prodotti u servizzi, jew benefiċċji oħra mhux finanzjarji, li jingħataw mingħajr ħlas jew bi prezzijiet imnaqqsa minn min iħaddem, li jistgħu jintużaw mill-impjegati f'inhom u bid-diskrezzjoni tagħhom, għas-sodisfazzjon tal-bżonnijiet jew ix-xewqat tagħhom stess jew dawk tal-membri tal-familji tagħhom.

4.05 Eżempji ta' pagi u salarji in natura huma:

- (a) ikel u xorb, inkluż dawk ikkunsmati waqt l-ivvjaġġar fuq xogħol iżda minbarra l-ikel u x-xorb speċjali li jkunu meħtieġa minħabba l-kundizzjonijiet eċċezzjonali tax-xogħol. It-tnaqqis fil-prezzijiet miksub f'canteens mingħajr ħlas jew issussidjati, jew miksuba permezz ta' kupuni għall-ikel, huwa inkluż fil-pagi u s-salarji in natura;
- (b) servizzi ta' djar jew akkomodazzjoni mixtrija jew tal-kont proprju ta' tip li jista' jintuża mill-membri kollha tal-unità domestika li jappartjeni għaliha l-impjegati;
- (c) uniformijiet jew forom oħra ta' ħwejjeġ speċjali li l-impjegati jagħżlu li jilbsu ta' spiss barra x-xogħol kif ukoll ix-xogħol stess;
- (d) is-servizzi ta' vetturi jew oġġetti oħra li jdumu jintużaw pprovvuti għall-użu personali tal-impjegati;
- (e) oġġetti u servizzi prodotti bħala outputs mill-proċessi tal-produzzjoni ta' min iħaddem stess, bħal ivvjaġġar b'xejn għall-impjegati tal-linji tal-ferroviji jew tal-ajru, faħam b'xejn għall-ħaddiema fil-minjieri, jew ikel b'xejn għall-impjegati fl-agrikoltura;
- (f) l-għoti ta' faċilitajiet tal-isports, tar-rikreazzjoni jew tal-vaganzi għall-impjegati u l-familji tagħhom;
- (g) transportazzjoni lejn ix-xogħol u mix-xogħol, minbarra meta tkun organizzata fil-ħin ta' min iħaddem; ippardjar ta' karozzi meta kieku kien ikollu jsir ħlas għalih;
- (h) servizzi għall-kura tat-tfal tal-impjegati;
- (i) pagamenti għall-benefiċċju tal-impjegati, minn dawk li jħaddmu lil kunsilli tax-xogħlijiet jew korpi simili;
- (j) ishma mogħtija bħala bonus lill-impjegati;
- (k) self lill-impjegati b'rati mnaqqsa ta' imgħax. Il-valur ta' dan il-benefiċċju jiġi smat bħala l-ammont li l-impjegat ikollu jħallas li kieku l-imgħax kien bil-kundizzjonijiet tas-suq, mingħajr l-ammont ta' imgħax li effettivament tħallas. Il-benefiċċju jiġi rreġistrat f'pagi u salarji fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu, u l-pagament imputat korrispondenti ta' imgħax mill-impjegat lil min iħaddem jitniżżel fid-distribuzzjoni primarja tal-kont tal-introjtu;
- (l) opzjonijiet fuq it-titoli (stock options), meta min iħaddem jagħti impjegat l-għażla li jixtri t-titoli jew l-ishma bi prezz speċifikat f'data iktar 'il quddiem (ara l-paragrafi minn 4.168 sa 4.178);
- (m) l-introjti ġġenerati minn attivitajiet mhux osservati f'setturi korporattivi u ttrasferiti lill-impjegati li jipparteċipaw f' tali attivitajiet għall-użu privat tagħhom.

4.06 L-oġġetti u s-servizzi mogħtija lil impjegati bħala pagi u salarji in natura jiġu vvalutati fil-prezzijiet bażiċi meta jiġu prodotti minn min iħaddem, u bil-prezzijiet tax-xerrej meta mixtrija minn min iħaddem. Meta jingħataw b'xejn, il-valur sħiħ tal-pagi u s-salarji in natura jiġi kkalkulat skont il-prezzijiet bażiċi (jew il-prezzijiet tax-xerrej ta' min iħaddem meta jinxtraw minn min iħaddem) tal-oġġetti u s-servizzi kkonċernati. Dan il-valur jitnaqqas mill-ammont imħallas mill-impjegat meta l-oġġetti u s-servizzi jingħataw bi prezzijiet imnaqqsa minflok b'xejn.

4.07 Il-pagi u s-salarji ma jinkludux dan li ġej:

- (a) infiq minn min iħaddem meħtieġ għall-proċess tal-produzzjoni ta' min iħaddem. Dawn li ġejjin huma eżempji:
- (1) allokazzjonijiet jew ir-rimbors tal-impjegati għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, separazzjoni, ġarr u divertiment imġarrba fl-andament ta' xogħolhom;
 - (2) infiq għall-għoti ta' faċilitajiet fil-post tax-xogħol, eżamijiet mediċi meħtieġa minħabba n-natura tax-xogħol u l-għoti ta' ħwejjeġ għax-xogħol li jintlibsu għax-xogħol;
 - (3) servizzi ta' akkomodazzjoni fil-post tax-xogħol ta' tip li ma jstgħux jintużaw mill-unitajiet domestiċi tal-impjegat, pereżempju kabini, dormitorji, hostels tal-ħaddiema, u barrakki;
 - (4) ikel u xorb speċjali meħtieġa minħabba l-kundizzjonijiet eċċezzjonali tax-xogħol;
 - (5) allokazzjonijiet imħallsa lill-impjegati għax-xiri ta' għodda, tagħmir jew ħwejjeġ speċjali meħtieġa għax-xogħol tagħhom, jew dik il-parti tal-pagi u s-salarji tagħhom li, skont il-kuntratti tal-impjegati tagħhom, l-impjegati huma mitluba jużaw għal tali xiri. Meta l-impjegati li huma rikjesti mill-kuntratt tal-impjegati tagħhom li jixtru għodda, tagħmir, ħwejjeġ speċjali, eċċ. ma jiġux rimborsati bis-sħiħ, l-ispejjeż li jibqa' jitnaqqsu mill-ammonti li jirċievu f'pagi u salarji u l-konsum intermedju ta' min iħaddem jidied b'mod korrispondenti.

Dan l-infiq fuq il-prodotti u s-servizzi li min iħaddem huwa obbligat jipprovdi lill-impjegati tiegħu sabiex ikunu jstgħu jwettqu xogħolhom, jiġi ttrattat bħala konsum intermedju minn min iħaddem;

- (b) l-ammonti ta' pagi u salarji li min iħaddem iħallas lill-impjegati tiegħu temporanjament fil-każ ta' mard, maternità, korrimient industrijali, diżabilità, eċċ. Tali pagamenti jiġu ttrattati bħala benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali mhux tal-pensjoni (D.6222), u l-istess ammonti jitniżżlu taħt il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati mhux tal-pensjoni ta' min iħaddem (D.1222);
- (c) benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjegati, fl-għamla ta' allokazzjonijiet għat-tfal, il-konjuġi, il-familja, l-edukazzjoni jew allokazzjonijiet oħra fir-rigward tad-dipendenti, u fl-għamla tal-għoti ta' servizzi mediċi b'xejn (minbarra dawk meħtieġa minħabba n-natura tax-xogħol) lill-impjegati u l-familji tagħhom;
- (d) taxxi pagabbli minn min iħaddem fuq il-kont tal-pagi u s-salarji — pereżempju, taxxa tal-lista tal-pagi. Dawn it-taxxi pagabbli mill-intrapriżi jiġu evalwati bħala proporzjon tal-pagi u s-salarji imħallsa jew bħala ammont fiss għal kull persuna impjegata. Jiġu ttrattati bħala taxxi oħra fuq il-produzzjoni;
- (e) pagamenti lill-ħaddiema li jaħdmu mid-dar b'rati ta' xogħol bl-imqita. Meta l-introjt li jirċievi ħaddiem mid-dar ikun funzjoni tal-valur tal-outputs minn xi proċess tal-produzzjoni li għalih tkun responsabbli dik il-persuna, irrispettivament minn kemm sar xogħol, dan it-tip ta' rimunerazzjoni jimplika li l-ħaddiem jaħdem għal rasu.

Kontribuzzjonijiet Soċjali Ta' Min Iħaddem (D.12)

4.08 *Definizzjoni:* Il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem huma kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli minn min iħaddem lill-iskemi tas-sigurtà soċjali jew skemi tal-assigurazzjoni soċjali oħra marbuta mal-impjegati biex jiżguraw il-benefiċċji soċjali għall-impjegati tagħhom.

Ammont daqs il-valur tal-kontribuzzjonijiet soċjali li jħallas min iħaddem sabiex jiżgura li l-impjegati tiegħu jkunu intitolati għall-benefiċċji soċjali jitniżżel taħt il-kumpens tal-impjegati. Il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem jstgħu jkunu effettivi jew imputati.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.121)

4.09 *Definizzjoni:* Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.121) jikkonsistu fil-pagamenti minn min iħaddem għall-benefiċċji tal-impjegati tagħhom lill-assiguraturi (skemi tas-sigurtà soċjali u skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjegati). Tali pagamenti jkopru l-kontribuzzjonijiet statutorji, konvenzjonali, kuntrattwali u volontarji għall-assigurazzjoni kontra r-riskji jew il-bżonnijiet soċjali.

Għalkemm imħallsa direttament minn min iħaddem lill-assiguraturi, tali kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem jiġu ttrattati bħala komponenti tal-kumpens tal-impjegati. L-impjegati mbaġħad jitniżżlu li jħallsu l-kontribuzzjonijiet lill-assiguraturi.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem huma magħmula minn żewġ kategoriji, il-kontribuzzjonijiet marbuta mal-pensjonijiet u l-kontribuzzjonijiet għal benefiċċji oħra, li jiġu rreġistrati separatament taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni effettivi ta' min iħaddem (D.1211);

(b) il-kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni effettivi ta' min iħaddem (D.1212).

Il-kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni effettivi ta' min iħaddem jikkorrispondu għall-kontribuzzjonijiet marbuta mar-riskji u l-ħtiġijiet soċjali għajr il-pensjonijiet, bħal mard, maternità, korriment industrijali, diżabbiltà, sensji, eċċ. tal-impjegati tagħhom.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.122)

4.10 *Definizzjoni:* Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.122) jirrappreżentaw il-kontroparti ta' benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali (D.622) (mingħajr il-kontribuzzjonijiet soċjali eventwali tal-impjegati) imħallsa direttament minn min iħaddem lill-impjegati tiegħu jew lil persuni li kienu impjegati tiegħu u lil persuni eliġibbli oħrajn mingħajr l-involviment ta' intrapriża tal-assigurazzjoni jew fond awtonomu tal-pensjonijiet, u mingħajr ma jinħoloq fond speċjali jew riserva segregata għal dan l-iskop.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem jinqasmu f'żewġ kategoriji:

(a) il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.1221)

L-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali fir-rigward tal-pensjonijiet jiġu kklassifikati bħala skemi ta' kontribuzzjoni definita jew skemi ta' benefiċċju definit.

Skema ta' kontribuzzjoni definita hija waħda fejn il-benefiċċji jiġu determinati mill-kontribuzzjonijiet li jsiru lill-iskema u r-redditu mill-investment tal-fondi. Fil-waqt tal-irtirar huwa l-impjegat li jieħu fuqu r-riskji kollha fir-rigward tal-benefiċċji pagabbli. Għal dan it-tip ta' skemi ma hemmx kontribuzzjonijiet imputati sakemm min iħaddem ma jkunx jopera l-iskema hu stess. F'dak il-każ, l-ispejjeż tat-tħaddim tal-iskema jiġu ttrattati bħala kontribuzzjoni imputata pagabbli lill-impjegat bħala parti mill-kumpens tal-impjegati. Dan l-ammont jitniżżel ukoll bħala infiq tal-konsum finali mill-unitajiet domestiċi fuq servizzi finanzjarji.

Skema ta' benefiċċju definit hija waħda fejn il-benefiċċji pagabbli lill-membri jiġu determinati mir-regoli tal-iskema, jiġifieri bl-użu ta' formula biex jiġi determinat il-pagament jew pagament minimu. Fi skema tipika ta' benefiċċju definit, kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegat jagħmlu l-kontribuzzjonijiet, u l-kontribuzzjoni tal-impjegat tkun obligatorja, billi tkun perċentwal tas-salarju attwali. L-ispejjeż biex jintlaħqu l-benefiċċji kkwo-tati jkunu r-responsabbiltà ta' min iħaddem. Huwa min iħaddem li jieħu fuqu r-riskju għall-għoti tal-benefiċċji.

Fi skema ta' benefiċċju definit, hemm kontribuzzjoni imputata minn min iħaddem ikkalkulata skont il-kalkolu li ġej:

Il-kontribuzzjoni imputata minn min iħaddem hija daqs:

iż-żieda fil-benefiċċju minħabba l-perjodu attwali ta' impjeg

mingħajr is-somma tal-kontribuzzjoni effettiva ta' min iħaddem

mingħajr is-somma ta' kull kontribuzzjoni mill-impjegat

f'limkien ma' l-ispejjeż tat-tħaddim tal-iskema.

Xi skemi jistgħu jitqiesu li mhumiex kontributorji billi ma jsirux kontribuzzjonijiet effettivi la minn min iħaddem u lanqas mill-impjegat. Madankollu, kontribuzzjoni imputata minn min iħaddem tiġi kkalkulata u imputata kif għadu kif ġie deskritt.

Fejn l-intitolamenti tal-pensjonijiet ta' skemi għall-impjegati tal-gvern ma jitniżżlux fil-kontijiet tal-qalba, il-kontribuzzjonijiet imputatati tal-pensjoni tal-unitajiet tal-gvern għandhom jiġu stmati fuq il-bażi tal-kalkoli attwarji. Fejn il-kalkoli attwarji ma jistgħux jiksbu livell suffiċjenti ta' affidabbiltà, u ftali każijiet biss, huma possibbli żewġ approċċi oħra biex jiġu stmati l-kontribuzzjonijiet imputati tal-pensjoni minn unitajiet tal-gvern:

(1) abbażi ta' perċentwal raġonevoli tal-pagi u s-salarji mħallsa lill-impjegati attwali; jew

- (2) bħala ekwivalenti għad-differenza bejn il-benefiċċji attwali pagabbli u l-kontribuzzjonijiet attwali pagabbli (kemm mill-impjegati kif ukoll mill-gvern bħala dak li jħaddem);

- (b) il-kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.1222)

Minkejja li ċerti benefiċċji soċjali jitħallsu direttament minn min iħaddem, u mhux permezz tal-fondi tas-sigurtà soċjali jew assiguratari oħra, dan ma jżommhomx milli jitniżżlu bħala benefiċċji tal-benessri soċjali. Billi l-ispejjeż ta' tali benefiċċji jiffurmaw parti mill-ispejjeż tax-xogħol ta' min iħaddem, dawn jiġu inklużi wkoll fil-kumpens tal-impjegati. Ir-rimunerazzjoni tiġi għalhekk imputata għal tali impjegati f'valur ekwivalenti għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet soċjali li jinħtieġ biex jiġu żgurati l-intitolamenti għall-benefiċċji soċjali li jakkumulaw. Tali ammonti jikkunsidraw kull kontribuzzjoni effettiva li saret minn min iħaddem jew mill-impjegat u ma jiddependux biss fuq il-livelli tal-benefiċċji attwalment pagabbli iżda wkoll fuq il-modi li bihom il-passivi ta' min iħaddem taħt skemi bħal dawn aktarx li ser jevolvu fil-futur b'riżultat ta' fatturi bħal bidliet mistennija fin-numri, id-distribuzzjoni tal-etajiet u l-istennijiet tat-tul tal-ħajja tal-impjegati preżenti u preċedenti tagħhom. Il-valuri imputati għall-kontribuzzjonijiet huma bbażati fuq l-istess tip ta' kalkoli attwarji li jiddeterminaw il-livelli tal-primjums li jitolbu l-intrapriżi tal-assigurazzjoni.

Fil-prattika, madankollu, jista' jkun diffiċli li jiġu kkalkulati b'mod preċiż l-ammonti ta' tali kontribuzzjonijiet imputati. Min iħaddem jista' jagħmel stimi hu stess, forsi abbażi tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fi skemi ffinanzjati b'mod simili, sabiex jikkalkula l-passivi li aktarx ikollu fil-futur, u estimi bħal dawn jistgħu jintużaw meta jkunu disponibbli. Metodu aċċettabbli ieħor huwa l-użu ta' perċentwal raġonevoli tal-pagi u s-salarji mħallsa lill-impjegati attwali. Inkella, l-unika alternattiva Prattika hija li jintużaw il-benefiċċji mhux tal-pensjoni mhux iffinanzjati pagabbli minn min iħaddem waqt l-istess perijodu bażi tal-kontijiet bħala stima tar-rimunerazzjoni imputata li tkun meħtieġa biex tkopri l-kontribuzzjonijiet imputati. Il-benefiċċji mħallsa effettivament fil-perjodu attwali jipprovdu stima aċċettabbli tal-kontribuzzjonijiet u r-rimunerazzjoni imputata relatata.

- 4.11 Fil-kontijiet tas-setturi, l-ispejjeż tal-benefiċċji soċjali diretti jidhru l-ewwel fost l-użi fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt, bħala komponent tal-kumpens tal-impjegati, u t-tieni fost l-użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjt, bħala benefiċċji soċjali. Sabiex jiġi bilanċjat dan il-kont tal-aħħar, huwa miżmum li l-unitajiet domestiċi tal-impjegati jħallsu lura lis-setturi ta' min iħaddem il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem, li jiffinanzjaw, flimkien mal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegati eventwali, il-benefiċċji diretti tal-benessri soċjali mogħtija lilhom minn dawk l-istess persuni li jħaddmu. Dan iċ-ċirkwit nozzjonali huwa simili għal dak tal-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem, li jgħaddu mill-kontijiet tal-unijajiet domestiċi u mbagħad jiqiesu li tħallsu minnhom lill-assiguratari.

- 4.12 Ħin tar-reġistrazzjoni tal-kumpens tal-impjegati:

- (a) il-pagi u s-salarji (D.11) jiġu rreġistrati fil-perijodu li matulu jsir ix-xogħol. Madankollu, il-bonuses *ad hoc* jew pagamenti oħra eċċezzjonali bħall-pagamenti tat-13-il xahar jiġu rreġistrati meta għandhom jitħallsu. Il-ħin tar-reġistrazzjoni tal-opzjonijiet fuq it-titoli huwa mifruq fuq il-perijodu bejn id-data tal-għotja u d-data meta jistgħu jintużaw. Jekk id-data ma tkunx adegwata, il-valur tal-opzjoni jiġi rreġistrat fid-data meta tista' tintuża;
- (b) il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.121) jiġu rreġistrati fil-perijodu li matulu jsir ix-xogħol;
- (c) il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.122) jiġu rreġistrati skont il-kategoriji li ġejjin:
- (1) dawk li jirrappreżentaw il-kontroparti tal-benefiċċji soċjali diretti jiġu rreġistrati fil-perijodu li matulu jsir ix-xogħol;
- (2) dawk li jirrappreżentaw il-kontroparti tal-benefiċċji soċjali diretti volontarji jiġu rreġistrati fil-waqt meta jingħataw dawn il-benefiċċji.

- 4.13 Il-kumpens tal-impjegati jikkonsisti fil-komponenti li ġejjin:

- (a) il-kumpens tal-impjegati residenti minn dawk li jħaddmu residenti;
- (b) il-kumpens tal-impjegati residenti minn dawk li jħaddmu mhux residenti;
- (c) il-kumpens ta' impjegati mhux residenti minn dawk li jħaddmu residenti.

L-affarijiet elenkati fil-punti (a) to (c) jiġu rreġistrati kif ġej:

- (1) il-kumpens ta' impjegati residenti u mhux residenti minn gruppi ta' dawk li jħaddmu li huma residenti jiġbor flimkien l-affarijiet elenkati fil-punti (a) u (c) u jiġi rreġistrat bħala użi fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt tas-setturi u l-industriji li jappartjeni lilhom min iħaddem;

- (2) il-kumpens ta' impjegati residenti minn persuni li jħaddmu residenti u mhux residenti jiġbor flimkien l-affarijiet elenkati fil-punti (a) u (b) u jiġi rreġistrat bħala riżorsi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju tal-unitajiet domestiċi;
- (3) għal dak li hemm msemmi fil-punt (b), il-kumpens tal-impjegati residenti minn persuni li jħaddmu li mhumiex residenti, jiġi rreġistrat bħala użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti;
- (4) għal dak li hemm msemmi fil-punt (c), il-kumpens tal-impjegati mhux residenti minn persuni li jħaddmu li huma residenti, jiġi rreġistrat bħala riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

TAXXI FUQ IL-PRODUZZJONI U L-IMPORTAZZJONIJIET (D.2)

4.14 *Definizzjoni:* It-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2) jikkonsistu f'pagamenti obligatorji, mingħajr kontroparti, fi flus jew in natura, li jiġu imposti mill-gvern ġenerali, jew mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-produzzjoni u l-importazzjoni ta' oġġetti u servizzi u servizzi, l-impjegi tal-ħaddiema, is-sjeda jew l-użu ta' art, bini jew assi oħra użati fil-produzzjoni. Tali taxxi huma pagabbli irrispettivament mill-profitti li jkunu saru.

4.15 It-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet huma magħmula minn dawn li ġejjin:

- (a) it-taxxi fuq il-prodotti (D.21):
 - (1) it-taxxi tat-tip tal-valur miżjud (VAT) (D.211);
 - (2) taxxi u dazji fuq l-importazzjonijiet minbarra l-VAT (D.212);
 - dazji fuq l-importazzjonijiet (D.2121),
 - taxxi fuq l-importazzjonijiet minbarra VAT u dazji (D.2122);
 - (3) taxxi fuq il-prodotti, ħlief il-VAT u t-taxxi fuq l-importazzjonijiet (D.214);
- (b) taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni (D.29).

Taxxi Fuq Il-Prodotti (D.21)

4.16 *Definizzjoni:* It-taxxi fuq il-prodotti (D.21) huma taxxi li huma pagabbli għal kull unità ta' oġġett jew servizz partikolari prodott jew negozjat. It-taxxa tista' tkun ammont speċifiku ta' flus għal kull unità ta' kwantità ta' oġġett jew servizz, jew tista' tiġi kkalkulata bħala perċentwal speċifiku tal-prezz ta' kull unità jew il-valur tal-oġġetti u s-servizzi prodotti jew fi transazzjoni. It-taxxi vvalutati fuq prodott, irrispettivament minn liema unità istituzzjonali tħallas it-taxxa, huma inklużi fit-taxxi fuq il-prodotti, sakemm ma jkunux speċifikament inklużi taħt intestatura oħra.

Taxxi tat-tip tal-valur miżjud (VAT) (D.211)

4.17 *Definizzjoni:* Taxxa tat-tip tal-valur miżjud (VAT) hija taxxa fuq l-oġġetti jew is-servizzi li tinġabar fi stadji mill-intrapriżi u li fl-aħħar nett titħallas bis-sħiħ mix-xerrejja finali.

Din l-intestatura tinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud li tinġabar mill-gvern ġenerali u li tiġi applikata lill-prodotti nazzjonali u importati, kif ukoll lil taxxi deduċibbli oħra applikati taħt regoli simili għal dawk li jirregolaw il-VAT. It-taxxi tat-tip tal-valur miżjud minn hawn 'il quddiem se jissejħu "VAT". Il-karatteristika komuni tal-VAT hija li l-produtturi huma obligati jħallsu biss lill-gvern id-differenza bejn il-VAT fuq il-bejgħ tagħhom u l-VAT fuq ix-xiri tagħhom għall-konsum intermedju u l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss.

Il-VAT jiġi rreġistrat fuq bażi netta fis-sens li:

- (a) l-outputs tal-oġġetti u s-servizzi u l-importazzjonijiet jiġu vvalutati mingħajr VAT fatturata;
- (b) ix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġi rreġistrat bl-inklużjoni tal-VAT mhux deduċibbli. Il-VAT jiġi rreġistrat bħala mġarrab mix-xerrejja, mhux mill-bejjiegħa, u preċiżament minn dawk ix-xerrejja biss li ma jistgħux inaqqsuha. Il-parti l-kbira tal-VAT tiġi rreġistrata bħala mħallsa fuq l-użi finali, primarjament fuq il-konsum tal-unitajiet domestiċi.

Għall-ekonomija totali, il-VAT hija ekwivalenti għad-differenza bejn il-VAT totali fatturata u l-VAT deduċibbli totali (ara l-paragrafu 4.27).

Taxxi u dazji fuq l-importazzjonijiet minbarra l-VAT (D.212)

4.18 *Definizzjoni:* It-taxxi u d-dazji fuq l-importazzjonijiet, minbarra l-VAT, (D.212) jinkludu pagamenti obligatorji miġbura mill-gvern ġenerali jew l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropew fuq l-oġġetti importati, minbarra l-VAT, sabiex idaħħluhom fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fit-territorju ekonomiku, u fuq servizzi pprovduti lil unitajiet residenti minn unitajiet mhux residenti.

Dawn il-pagamenti jinkludu:

- (a) dazji fuq l-importazzjonijiet (D.2121): dawn jikkonsistu f'dazji doganali, jew ħlasijiet oħra fuq l-importazzjonijiet, pagabbli skont l-iskedi tariffarji doganali fuq oġġetti ta' tip partikolari meta jidħlu biex jintużaw fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż tal-utilizzazzjoni;
- (b) taxxi fuq l-importazzjonijiet, minbarra l-VAT u dazji fuq l-importazzjonijiet (D.2122).

Din l-intestatura tinkludi:

- (1) taxxi fuq il-prodotti agrikoli importati;
- (2) ammonti kumpensatorji monetarji ntaxxati fuq l-importazzjonijiet;
- (3) dazji tas-sisa u taxxi speċjali fuq ċerti prodotti importati, dment li dawn id-dazji u t-taxxi fuq prodotti simili ta' oriġini domestika jitħallsu mill-fergħa tal-produttur innifisha;
- (4) taxxi ġenerali fuq il-bejgħ pagabbli fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi;
- (5) taxxi fuq is-servizzi speċifiċi pprovduti minn intrapiżi mhux residenti lil unitajiet residenti fit-territorju ekonomiku;
- (6) profitti tal-intrapriżi pubbliċi li jeżerċitaw monopolju fuq l-importazzjoni ta' xi oġġetti jew servizzi, li jiġu ttrasferiti lill-Istat.

It-taxxi u d-dazji netti fuq l-importazzjonijiet, minbarra l-VAT, jiġu kkalkulati bit-tnaqqis tas-sussidji fuq l-importazzjonijiet (D.311) mit-taxxi u d-dazji fuq l-importazzjonijiet minbarra l-VAT (D.212).

Taxxi fuq il-prodotti, minbarra l-VAT u t-taxxi fuq l-importazzjonijiet (D.214)

4.19 *Definizzjoni:* It-taxxi fuq il-prodotti, minbarra l-VAT u t-taxxi fuq l-importazzjonijiet (D.214) jikkonsistu f'taxxi fuq l-oġġetti u s-servizzi li jsiru pagabbli b'riżultat tal-produzzjoni, l-esportazzjoni, il-bejgħ, it-trasferiment, il-kiri jew il-kunsinna ta' dawg l-oġġetti jew is-servizzi, b'riżultat tal-użu tagħhom għall-konsum personali jew il-formazzjoni ta' kapital proprju.

4.20 Din l-intestatura tinkludi, partikolarment:

- (a) id-dazji tas-sisa u t-taxxi fuq il-konsum (għajr dawg inklużi fit-taxxi u d-dazji fuq l-importazzjonijiet);
- (b) it-taxxi tal-boll fuq il-bejgħ ta' prodotti speċifiċi, bħal xorb alkoħoliku jew it-tabakk, u fuq dokumenti legali jew ċekkijiet;
- (c) it-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji u kapitali, pagabbli fuq ix-xiri jew il-bejgħ tal-assi mhux finanzjarji u finanzjarji, inkluż il-kambju ta' flus barranin. Dawn isiru pagabbli meta jinbidel is-sid ta' art jew assi oħra, ħlief b'riżultat tat-trasferimenti kapitali (primarjament il-wirt u r-rigali). Dawn jiġu ttrattati bħala taxxi fuq is-servizzi ta' intermedjarji;
- (d) taxxi tar-reġistrazzjoni tal-karozzi;
- (e) taxxi fuq id-divertiment;
- (f) taxxi fuq il-lotteriji, il-logħob tal-azzard u l-imħatri għajr dawg fuq ir-rebħ;
- (g) it-taxxi fuq il-primjums tal-assigurazzjoni;
- (h) taxxi oħra fuq servizzi speċifiċi: lukandi jew akkomodazzjoni, servizzi tad-djar, ristoranti, trasport, komunikazzjoni, reklamar;

- (i) taxxi ġenerali fuq il-bejgħ jew il-valur tal-bejgħ (minbarra taxxi tat-tip tal-VAT): dawn jinkludu t-taxxi fuq il-bejgħ bl-ingrossa u l-innut tal-manifatturi, it-taxxi fuq ix-xiri, it-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ;
- (j) il-profitti tal-monopolji fiskali li jiġu ttrasferiti lill-Istat, ħlief dawk li jeżerċitaw monopolju fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti jew servizz partikolari (inklużi f'D.2122). Il-monopolji fiskali huma intrapriżi pubbliċi li jkunu ngħataw monopolju legali fuq il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' tip partikolari ta' oġġetti jew servizz sabiex jiżdied id-dħul u mhux għat-tisħiħ tal-interessi tal-politika ekonomika jew soċjali pubblika. Meta intrapriża pubblika tingħata setgħat ta' monopolju bħala mezz ta' politika ekonomika jew soċjali maħsuba, minħabba n-natura speċjali tal-oġġetti jew is-servizz jew it-teknoloġija tal-produzzjoni — pereżempju, l-utilitajiet pubbliċi, l-uffiċċji tal-posta u t-telekomunikazzjonijiet, il-ferroviji, eċċ. — dan ma jitqiesx li huwa monopolju fiskali;
- (k) dazji fuq l-esportazzjoni u ammonti kumpensatorji monetarji miġbura fuq l-esportazzjonijiet.

4.21 It-taxxi netti fuq il-prodotti jinkisbu bit-tnaqis tas-sussidji fuq il-prodotti (D.31) mit-taxxi fuq il-prodotti (D.21).

Taxxi Oħra Fuq Il-Produzzjoni (D.29)

4.22 *Definizzjoni:* It-taxxi l-oħra fuq il-produzzjoni (D.29) jikkonsistu fit-taxxi kollha li l-intrapriżi jġarrbu b'riżultat tal-attivatajiet ta' produzzjoni tagħhom, indipendentement mill-kwantita jew il-valur tal-prodotti u s-servizzi prodotti jew mibjugħa.

Taxxi oħra fuq il-produzzjoni jisgħu jkunu pagabbli fuq l-art, l-assi fissi jew il-ħaddiema impjegati fil-proċess tal-produzzjoni jew fuq ċerti attivatajiet jew transazzjonijiet.

4.23 Taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29) jinkludu dawn li ġejjin:

- (a) taxxi fuq is-sjeda jew l-użu ta' art, bini jew strutturi oħra utilizzati mill-intrapriżi fil-produzzjoni (inklużi sidien-okkupanti ta' abitazzjonijiet);
- (b) taxxi fuq l-użu tal-assi fissi (pereżempju vetturi, makkinarju u tagħmir) għal skopijiet ta' produzzjoni, irriskettivament minn jekk l-assi humiex il-proprietà tal-okkupant jew mikrija;
- (c) taxxi fuq il-kont totali tal-pagi u t-taxxi fuq il-lista tal-pagi;
- (d) taxxi fuq it-transazzjonijiet internazzjonali (pereżempju l-ivvjaġġar barra mill-pajjiż, rimessi barranin, jew transazzjonijiet simili ma' min mhux residenti) għal skopijiet ta' produzzjoni;
- (e) taxxi mħallsa mill-intrapriżi għal-liċenzji kummerċjali u professjonali, jekk dawk il-liċenzji jingħataw awtomatikament mal-ħlas tal-ammonti dovuti. F'dan il-każ, aktarx li dawn ikunu sempliċement mezz biex jiżdied id-dħul, anki jekk il-gvern jista' jipprovdni ċertifikat, jew awtorizzazzjoni. Madankollu, jekk il-gvern juża l-ħruġ tal-liċenzji biex jeżerċita xi funzjoni regolatorja adatta, pereżempju, meta l-gvern iwettaq kontrolli tal-adattabilità jew is-sikurezza tal-post tan-negozju, tal-adattabilità jew is-sikurezza tat-tagħmir użat, tal-kompetenza professjonali tal-persunal impjegat, jew tal-kwalità jew l-istandard tal-prodotti jew is-servizzi prodotti qabel tingħata tali liċenzja, il-pagamenti jiġu ttrattati bħala xiri tas-servizzi mogħtija, sakemm l-ammonti mitluba għal-liċenzji ma jkunux sproporzjonati kompletament mal-ispejjeż tal-kontrolli mwettqa mill-gvern;
- (f) taxxi fuq it-tniġġis li jirriżulta mill-attivatajiet tal-produzzjoni. Dawn jikkonsistu fl-intaxxar tal-emissjoni jew il-ħruġ fl-ambjent ta' gassijiet jew likwidi ta' ħsara jew sustanzi dannużi oħra. Ma jinkludux pagamenti għall-ġbir u r-rimi ta' skart jew sustanzi ta' ħsara mill-awtoritajiet pubbliċi, li jikkostitwixxu konsum intermedjat tal-intrapriżi;
- (g) sottokumpens tal-VAT li jirriżulta mis-sistema ta' rati fissi, li ta' spiss tinstab fl-agrikoltura.

4.24 Taxxi oħra fuq il-produzzjoni jeskludu t-taxxi fuq l-użu personali tal-vetturi eċċ. mill-unitajiet domestiċi, li jiġu reġistrati taħt taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ.

Taxxi Fuq Il-Produzzjoni U L-Importazzjonijiet Imħallsa Lill-Istituzzjonijiet Tal-Unjoni Ewropea

4.25 It-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet imħallsa lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jinkludu t-taxxi miġbura mill-gvernijiet nazzjonali f'isem l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea: dħul mill-politika agrkola komuni: taxxi fuq prodotti agricoli importati, ammonti kumpensatorji monetarji imposti fuq esportazzjonijiet u importazzjonijiet, l-imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor u t-taxxa fuq l-isoglukożju, it-taxxi ta' koresponsabbiltà fuq il-ħalib u ċ-ċereali; dħul minn kummerċ ma' pajjiżi terzi: dazji doganali imposti fuq il-bażi tat-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej (TARIC).

It-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet imħallsa lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ma jinkludux it-tielet riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, li hija inkluża fi trasferimenti kurrenti oħra taħt l-intestatura "Riżorsi proprji tal-UE bbażati fuq il-VAT u l-ING (Introjtju Nazzjonali Gross)" (D.76) (ara l-paragrafu 4.140)

Taxxi Fuq Il-Produzzjoni U L-Importazzjonijiet: Ħin Tar-Reġistrazzjoni U L-Ammonti Li Għandhom Jiġu Rreġistrati

- 4.26 Ir-reġistrazzjoni tat-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet: it-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati meta jseħħu l-attivitajiet, it-transazzjonijiet jew l-avvenimenti l-oħra li jholqu l-obbligu għall-ħlas tat-taxxi.
- 4.27 Xi attivitajiet, transazzjonijiet jew avvenimenti ekonomiċi, li jiġġeneraw obbligu li jitħallsu t-taxxi, ma jindunawx bihom l-awtoritajiet tat-taxxa. Dawn l-attivitajiet, transazzjonijiet jew avvenimenti ma jirriżultawx f'assi jew passivi finanzjarji fl-għamla ta' ammonti pagabbli jew riċevibbli. L-ammonti rreġistrati huma biss dawk li hemm evidenza għalihom bl-evalwazzjonijiet tat-taxxa, dikjarazzjonijiet jew strumenti oħra li jholqu passivi fl-għamla ta' obbligi tal-ħlas fuq in-naħa ta' min iħallas it-taxxa. Ma jsirux imputazzjonijiet għal taxxi li ma hemmx evidenza għalihom mill-istimi tat-taxxa.

It-taxxi rreġistrati fil-kontijiet jiġu minn żewġ sorsi: ammonti ppruvati minn stimi u dikjarazzjonijiet jew irċevuti tal-flus.

- (a) Jekk jintużaw stimi u dikjarazzjonijiet, l-ammonti għandhom ikunu aġġustati b'koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti magħmula fuq stima u dawk iddikjarati li ma jkun nġabru qatt. Trattament alternattiv huwa li trasferiment kapitali (D.995) kif deskritt fil-punt (j) tal-paragrafu 4.165, lis-setturi rilevanti jiġi rreġistrat daqs l-istess aġġustament. Il-koeffiċjenti għandhom ikunu stmati fuq il-bażi tal-esperjenza tal-imgħoddi u l-aspettativi attwali fir-rigward ta' ammonti stmati u ddikjarati li ma jkun nġabru qatt. Għandhom ikunu speċifiċi għal tipi differenti ta' taxxi.
- (b) Jekk jintużaw irċevuti ta' flus, għandhom ikunu aġġustati fiż-żmien sabiex il-flus jiġu attribwiti meta tkun seħħet l-attività sabiex tiġġenera l-obbligu ta' taxxa. Dan l-aġġustament huwa bbażat fuq id-differenza medja ta' żmien bejn l-attività u l-irċevuta ta' taxxa fi flus kontanti.
- 4.28 Il-valur totali tat-taxxi rreġistrati jinkludi l-imgħax fuq l-arretrati tat-taxxi dovuti u l-multi imposti mill-awtoritajiet tat-taxxa fejn dan l-imgħax u dawn il-multi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament. Il-valur totali tat-taxxi jinkludi l-ħlasijiet imposti f'rabta mal-ġbir jew l-irkupru tat-taxxi pendenti. Il-valur totali jtnaqqas bl-ammont ta' kull roħs tat-taxxa mill-gvern ġenerali bħala politika ekonomika u kull rifiżjoni tat-taxxa minħabba ħlas żejjed.
- 4.29 Fis-sistema tal-kontijiet, it-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni (D.2) jtniżżlu kif ġej:
- (a) fuq in-naħa ta' l-użi fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtju tal-ekonomija totali;
- (b) fuq in-naħa tar-riżorsi fil-kont tal-allokkazzjoni tal-introjtju primarju tas-settur tal-gvern ġenerali u fil-kont estern tal-introjtju primarju u t-trasferimenti kurrenti.

It-taxxi fuq il-prodotti jtniżżlu bħala riżorsi fil-kont tal-prodotti u s-servizzi tal-ekonomija totali. B'hekk, ir-riżorsi tal-prodotti u s-servizzi — invaluatati mingħajr it-taxxi fuq il-prodotti — ikunu jstgħu jiġu bbilanċjati mal-użi jiet, li l-valur tagħhom ikun jinkludi tali taxxi.

Taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29) jiġu rreġistrati bħala użi fil-kontijiet tal-ġenerazzjoni tal-introjtju tal-industriji jew is-setturi li jħallsuhom.

SUSSIDJI (D.3)

- 4.30 *Definizzjoni:* Is-sussidji (D.3) huma ħlasijiet kurrenti mingħajr kontroparti li l-gvern ġenerali jew l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jagħmlu lil produtturi residenti.

Dawn li ġejjin huma eżempji tal-għanijiet għall-għoti tas-sussidji:

- (a) biex jiġu influwenzati l-livelli tal-produzzjoni;
- (b) biex jiġu influwenzati l-prezzijiet tal-prodotti; jew
- (c) biex tiġi influwenzata r-rimunerazzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni.

Il-produtturi mhux tas-suq jstgħu jirċievu *sussidji oħra fuq il-produzzjoni* biss jekk dawk il-ħlasijiet ikunu jiddependu fuq ir-regoli ġenerali applikabbli kemm għal produtturi tas-suq u kemm għal dawk mhux tas-suq.

Fl-output li mhux tas-suq, ma jiġux irreġistrati sussidji fuq il-prodotti (P.13).

4.31 Is-sussidji mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jkopru biss trasferimenti kurrenti li jsiru direttament minnhom lil unitajiet ta' produzzjoni residenti.

4.32 Is-sussidji huma kklassifikati fi:

(a) sussidji fuq il-prodotti (D.31):

(1) sussidji fuq l-importazzjonijiet (D.311);

(2) sussidji oħrajn fuq il-prodotti (D.319);

(b) sussidji oħrajn fuq il-produttjoni (D.39).

Sussidji Fuq Il-Prodotti (D.31)

4.33 *Definizzjoni:* Is-sussidji fuq il-prodotti (D.31) huma sussidji pagabbli għal kull unità ta' oġġett jew servizz manifatturat jew importat.

L-ammont ta' *sussidji fuq il-prodotti* jista' jiġi speċifikat b'dawn il-modi:

(a) ammont speċifiku ta' flus għal kull unità ta' kwantità ta' oġġett jew servizz;

(b) perċentwal speċifikat tal-prezz ta' kull unità;

(c) id-differenza bejn prezz speċifikat ta' referenza u l-prezz tas-suq imħallas minn xerrej.

Sussidju fuq prodott normalment isir pagabbli meta l-prodott jiġi manifatturat, jinbiegħ jew jiġi importat, iżda jista' jkun pagabbli wkoll f'ċirkostanzi oħrajn bħal fil-każ ta' meta prodott jiġi ttrasferit, jinkera, jiġi kkonsenjat jew jintuża għall-konsum proprju jew għall-formazzjoni tal-kapital proprju.

Is-sussidji fuq il-prodotti japplikaw biss għall-output tas-suq (P.11) jew għall-output għall-użu finali mill-produttur stess (P.12).

Sussidji fuq l-importazzjonijiet (D.311)

4.34 *Definizzjoni:* Is-sussidji fuq l-importazzjonijiet (D.311) jikkonsistu f'sussidji fuq oġġetti u servizzi li jsiru pagabbli meta l-prodotti jaqsmu l-fruntiera għall-użu fit-territorju ekonomiku jew meta s-servizzi jingħataw lil unitajiet istituzzjonali residenti.

Is-sussidji fuq l-importazzjonijiet jinkludu telf imġarrab minħabba politika maħsuba tal-gvern minn organizzazzjonijiet kummerċjali tal-gvern li l-funzjoni tagħhom tkun li jixtru prodotti mingħand dawk mhux residenti u mbagħad ibiegħuhom bi prezzijiet iktar baxxi lir-residenti.

Sussidji oħrajn fuq il-prodotti (D.319)

4.35 Is-sussidji oħrajn fuq il-prodotti (D.319) jinkludi dawn li ġejjin:

(a) is-sussidji fuq il-prodotti li jintużaw domestikament: dawn jikkonsistu f'sussidji pagabbli lill-produtturi residenti fir-rigward tal-produttjoni tagħhom li tintuża jew tiġi kkunsmata fit-territorju ekonomiku;

(b) telf ta' organizzazzjonijiet kummerċjali tal-gvern li l-funzjoni tagħhom tkun li jixtru l-prodotti ta' produtturi residenti u mbagħad ibiegħuhom bi prezzijiet iktar baxxi lir-residenti jew lil dawk mhux residenti, meta jiġġarbu bħala politika ekonomika jew soċjali maħsuba tal-gvern;

(c) sussidji lil korporazzjonijiet u "kważi" korporazzjonijiet pubbliċi biex jikkumpensaw għal telf persistenti li jġarbu fuq l-attivitajiet produttivi tagħhom minħabba li l-prezzijiet tagħhom ikunu inqas mill-ispejjeż medji tal-produttjoni b'riżultat ta' politika ekonomika jew soċjali maħsuba tal-gvern jew Ewropea;

(d) sussidji diretti fuq l-esportazzjonijiet pagabbli direttament lil produtturi residenti meta l-oġġetti jitilqu mit-territorju ekonomiku jew is-servizzi jingħataw lil dawk mhux residenti — ħliet ħlas mill-ġdid fuq il-fruntiera doganali ta' taxxi fuq il-prodotti li jkunu tħallsu diġà u t-tneħħija tat-taxxi li jkunu dovuti li kieku l-oġġetti kellhom jinbiegħu jew jintużaw fit-territorju ekonomiku.

Sussidji Oħrajn Fuq Il-Produzzjoni (D.39)

4.36 *Definizzjoni:* Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni (D.39) jikkonsisti f'sussidji għajr is-sussidji fuq prodotti li unitajiet ta' produtturi residenti jistgħu jirċievu b'konsegwenza tal-attivitajiet tagħhom ta' produzzjoni.

Għall-output tagħhom li mhux għas-suq, il-produtturi li ma jiproduċux għas-suq jistgħu jirċievu sussidji oħra fuq il-produzzjoni biss jekk daww il-pagamenti mill-gvern ġenerali jkunu jiddependu fuq regolamenti ġenerali applikabbli għall-produtturi tas-suq u wkoll għall-produtturi mhux tas-suq.

4.37 Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni (D.39) jinkludu l-eżempji li ġejjin:

- (a) sussidji fuq il-lista tal-pagi jew il-ħaddiema: jiġifieri f'sussidji pagabbli fuq il-kont totali tal-pagi jew tas-salarji, jew l-ammont sħiħ ta' ħaddiema, jew fuq l-impjieg ta' tipi partikolari ta' persuni bħal persuni b'diżabilità fiżika jew persuni li jkunu ilhom qiegħda għal żmien twil, jew fuq l-ispejjeż ta' skemi ta' taħriġ organizzati jew iffinanzjati mill-intrapriżi;
- (b) sussidji għat-tnaqqis tat-tniġġis: dawn jikkonsistu fis-sussidji attwali intiżi biex ikopru l-ispejjeż, jew xi wħud minnhom, tal-ipproċessar addizzjonali li jsir biex jitnaqqas jew jiġi eliminat il-ħruġ fl-ambjent ta' sustanzi li jniġġsu;
- (c) għotjiet ta' għajjnuna għall-ħlas tal-imgħax li jsiru lil unitajiet produtturi residenti, anki meta jkunu maħsuba biex jinkoraġġixxu l-formazzjoni ta' kapital. Meta għotja sservi l-iskop doppju li tiffinanzja kemm l-amortizzazzjoni tad-dejn kif ukoll il-ħlas tal-imgħax fuqu, u meta ma jkunx possibbli li titqassam bejn żewġ elementi, l-għotja sħiħa tiġi ttrattata bħala għotja għall-investment. Għotjiet ta' għajjnuna għall-ħlas tal-imgħax huma trasferimenti kurrenti maħsuba biex itaffu l-ispejjeż operattivi tal-produtturi. Dawn jiġu ttrattati fl-kontijiet bħala sussidji lill-produtturi li jibbenefikaw minnhom, anki meta d-differenza fl-imgħax titħallas direttament mill-gvern lill-istituzzjoni tal-kreditu li tagħti s-self;
- (d) kumpens żejjed tal-VAT li jirriżulta mis-sistema tar-rata fissa, ħafna drabi għall-eżempju misjub fl-agrikoltura.

4.38 Dawn li ġejjin ma jiġux ittrattati bħala sussidji (D.3):

- (a) trasferimenti kurrenti mill-gvern ġenerali lill-unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi. Dawn jiġu ttrattati jew bħala benefiċċji soċjali (D.62 jew D.63) jew bħala trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75);
- (b) trasferimenti kurrenti bejn partijiet differenti tal-gvern ġenerali fil-kapaċità tiegħu bħala produttur ta' oġġetti u servizzi mhux tas-suq, għajr sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni (D.39). It-trasferimenti kurrenti jiġu rreġistrati bħala trasferimenti kurrenti fil-gvern ġenerali (D.73);
- (c) għotjiet għall-investment (D.92);
- (d) pagamenti straordinarji fil-fondi tal-assigurazzjoni soċjali, safejn tali pagamenti jkunu maħsuba li jżidu r-riżervi attwarji ta' dawn il-fondi. Tali pagamenti jiġu rreġistrati bħala trasferimenti kapitali oħrajn (D.99);
- (e) trasferimenti magħmula mill-gvern ġenerali lil korporazzjonijiet u "kważi" korporazzjonijiet mhux finanzjarji biex ikopru t-telf akkumulat fuq bosta snin finanzjarji, jew telf eċċezzjonali minħabba fatturi barra mill-kontroll tal-intrapriża, li jiġu rreġistrati bħala trasferimenti kapitali oħrajn (D.99);
- (f) il-kanċellazzjoni tad-dejn li l-unitajiet produtturi għandhom mal-gvern (li jirriżulta, pereżempju, minħabba self avanzat minn aġenzija tal-gvern lil intrapriża mhux finanzjarja li tkun akkumulat telf kummerċjali fuq bosta snin finanzjarji). Tali transazzjonijiet jiġu ttrattati fil-kontijiet bħala trasferimenti kapitali oħrajn (D.99);
- (g) pagamenti li jsiru mill-gvern ġenerali jew mill-bqija tad-dinja għal ħsara lil, jew telf ta', prodotti kapitali minħabba atti ta' gwerra, avvenimenti politiċi oħra jew diżastri nazzjonali. Dawn jiġu rreġistrati bħala trasferimenti kapitali oħrajn (D.99);
- (h) l-ishma u ekwitajiet oħrajn fl-intrapriżi korporattivi mixtrija mill-gvern ġenerali, li jidhru taħt l-intestatura ekwità u ishma tal-fondi tal-investment (AF.5);
- (i) ħlasijiet li jsiru minn aġenzija tal-gvern ġenerali li tkun assumiet ir-responsabbiltà għall-ħlasijiet abnormali tal-pensjonijiet li jaffettwaw intrapriża pubblika. Dawn il-ħlasijiet għandhom jiġu rreġistrati taħt trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75);

- (j) ħlasijiet li jsiru mill-gvern ġenerali lil produtturi għas-suq biex iħallsu, parzjalment, jew bis-sħiħ, għal prodotti u servizzi li daww il-produtturi għas-suq jipprovdu direttament u individwalment lill-unitajiet domestiċi fil-kuntast ta' riskji jew ħtiġijiet soċjali (ara l-paragrafu 4.84), u li l-unitajiet domestiċi għandhom dritt għalihom. Dawn il-pagamenti huma inklużi fin-nefqa għall-konsum individwali tal-gvern ġenerali (P.31) u sussegwentement fit-trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni għas-suq mixtrija mill-gvern u NPISHs (D.632) u fil-konsum individwali effettiv tal-unitajiet domestiċi (P.41).
- 4.39 Ħin tar-reġistrazzjoni: Is-sussidji (D.3) għandhom jitniżżlu meta sseħħ it-transazzjoni jew l-avveniment (produzzjoni, bejgħ, importazzjoni, eċċ.) li jagħtu lok għas-sussidju.

Dawn li ġejjin huma każijiet partikolari:

- (a) is-sussidji fl-għamla tad-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-prezz tal-bejgħ mitlub minn aġenzija kummerċjali tal-gvern jiġu rreġistrati fil-waqt li l-prodotti jinxtrow mill-aġenzija;
- (b) is-sussidji maħsuba biex ikopru telf imġarrab minn produttur jiġu rreġistrati fil-waqt li l-aġenzija tal-gvern ġenerali tiddeċiedi li tkopri t-telf.
- 4.40 Is-sussidji (D.3) jiġu rreġistrati bħala:

- (a) użi negattivi fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt tal-ekonomija totali;
- (b) riżorsi negattivi fil-kont tal-allokkazzjoni tal-introjt primarju tas-settur tal-gvern ġenerali u fil-kont estern tal-introjt primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Is-sussidji fuq il-prodotti jiġu rreġistrati bħala riżorsi negattivi fil-kont tal-oġġetti u s-servizzi tal-ekonomija totali.

Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni (D.39) jitniżżlu bħala riżorsi fil-kontijiet tal-ġenerazzjoni tal-introjt tal-industriji jew is-setturi li jirċevuhom.

Il-konsegwenzi ta' sistema ta' rati tal-kambju differenti fuq it-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet u fuq is-sussidji: attwalment mhumiex applikabbli rati tal-kambju differenti fost l-Istati Membri. F'sistema bħal din:

- (a) it-taxxi impliċiti fuq l-importazzjonijiet jiġu ttrattati bħala taxxi fuq l-importazzjonijiet minbarra l-VAT u d-dazji fuq l-importazzjoni (D.2122);
- (b) it-taxxi impliċiti fuq l-esportazzjonijiet jiġu ttrattati bħala taxxi fuq il-prodotti, ħlief il-VAT u t-taxxi fuq l-importazzjoni (D.214);
- (c) is-sussidji impliċiti fuq l-importazzjonijiet jiġu ttrattati bħala sussidji fuq l-importazzjonijiet (D.311);
- (d) is-sussidji impliċiti fuq l-esportazzjonijiet jiġu ttrattati bħala sussidji oħrajn fuq il-prodotti (D.319).

INTROJTU MILL-PROPRJETÀ (D.4)

- 4.41 *Definizzjoni:* L-introjt mill-proprjetà (D.4) jakkumula meta s-sidien tal-assi finanzjarji u r-riżorsi naturali jqiegħduhom għad-dispożizzjoni ta' unitajiet istituzzjonali oħrajn. L-introjt pagabbli għall-użu ta' assi finanzjarji jissejjaħ introjt mill-investment, filwaqt li dak pagabbli għall-użu ta' riżorsi naturali jissejjaħ renta. L-introjt mill-proprjetà huwa s-somma tal-introjt mill-investment u r-renta.

L-introjti mill-proprjetà huma klassifikati kif ġej:

- (a) imġħax (D.41);
- (b) introjt distribwit tal-korporazzjonijiet (D.42):
- (1) dividendi (D.421);
 - (2) prelevamenti mill-introjt ta' kważi korporazzjonijiet (D.422);
- (c) qligħ mill-investment barrani dirett investit mill-ġdid (D.43);
- (d) introjt ieħor minn investment (D.44):
- (1) introjt mill-investment attribwibbli lil detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni (D.441);

(2) introjtu mill-investment pagabbli fuq intitolamenti tal-pensjoni (D.442);

(3) introjtu mill-investment attribwibbli lill-azzjonisti tal-fond ta' investment kollettiv (D.443);

(e) kirjiet (D.45).

Imgħax (D.41)

4.42 *Definizzjoni:* L-imgħax (D.41) huwa introjtu mill-proprjetà li jirċievu s-sidien tal-ass finanzjarju għat-tqegħid tiegħu għad-dispożizzjoni ta' unità istituzzjonali oħra. Huwa japplika għall-assi finanzjarji li ġejjin:

(a) depożiti (AF.2);

(b) titoli ta' dejn (AF.3);

(c) self (AF.4);

(d) kontijiet oħrajn riċevibbli (AF.8).

L-introjtu mill-holdings u l-allokazzjonijiet SDR u minn kontijiet tad-deheb mhux allokati jiġi ttrattat bħal imgħax. L-assi finanzjarji li jirriżultaw fl-imgħax huma pretensjonijiet tal-kredituri fil-konfront tad-debituri. Il-kredituri jsejlfu fondi lid-debituri li jwasslu għall-ħolqien ta' strument finanzjarju minn dawk elenkati hawn fuq.

Imgħax fuq depożiti u self

4.43 L-ammonti ta' imgħax fuq is-self u d-depożiti pagabbli lil istituzzjonijiet finanzjarji u riċevibbli minnhom jinkludu aġġustament għal marġni li jirrappreżenta ħlas impliċitu għas-servizzi pprovduti mill-istituzzjonijiet finanzjarji fl-għoti ta' self u l-aċċettament ta' depożiti. Il-ħlas jew l-irċevuta jinqas fil-parti tal-ħlas għas-servizz u fil-kunċett ta' imgħax tal-kontijiet nazzjonali. Il-ħlasijiet jew l-irċevuti effettivi lil jew minn istituzzjonijiet finanzjarji, deskritti bħala imgħax bankarju, jeħtieġ li jitqassmu sabiex il-kunċett ta' imgħax tal-kontijiet nazzjonali u l-kumpens għas-servizz jistgħu jiġu rreġistrati separatament. L-ammonti tal-imgħax tal-kontijiet nazzjonali mħallsa mis-selliefa lill-istituzzjonijiet finanzjarji huma inqas mill-imgħax bankarju mill-istima tal-valuri tal-kumpens pagabbli, filwaqt li l-ammonti tal-imgħax tal-kontijiet nazzjonali riċevibbli mid-depożituri huma ogħla mill-imgħax bankarju bl-ammont tal-ħlas għas-servizz pagabbli. Il-valuri tal-kumpens jitniżżlu bħala bejgħ ta' servizzi fil-kontijiet ta' produzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u bħala użi fil-kontijiet tal-klijenti tagħhom.

Imgħax fuq it-titoli tad-dejn

4.44 L-imgħax fuq it-titoli tad-dejn huwa l-imgħax fuq il-kambjali u strumenti simili fuq żmien qasir, u l-imgħax fuq bonds u obligazzjonijiet.

L-imgħax fuq il-kambjali u strumenti simili fuq żmien qasir

4.45 Id-differenza bejn il-valur nominali u l-prezz imħallas fil-waqt tal-ħruġ (jiġifieri l-iskont) hija kejl tal-imgħax pagabbli matul il-ħajja tal-kambjala. Iż-żieda fil-valur ta' kambjala minħabba l-akkumulazzjoni tal-imgħax dovut ma tikkostitwixxi qligħ nominali minħabba li tkun dovuta għal żieda fl-assi prinċipali u mhux bidla fil-prezz tal-assi. Bidliet oħra fil-valur tal-kambjali jiġu ttrattati bħala qligħ/telf nominali.

L-imgħax fuq bonds u obligazzjonijiet

4.46 Il-bonds u l-obbligazzjonijiet huma titoli fit-tul li jagħtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjonijiet għal introjtu varjabbli fi flus iddeterminat b'mod fiss jew b'kuntratt fl-għamla ta' ħlasijiet ta' kupuni, jew għal somma fissa ddikjarata f'data jew dati speċifiċi meta jinfeda t-titolu, jew it-tnejn li huma.

(a) bonds mingħajr kupuni: ma hemmx ħlasijiet ta' kupuni. L-imgħax ibbażat fuq id-differenza bejn il-prezz tal-fidi u l-prezz tal-ħruġ għandu jitqassam fuq is-sin sal-maturità tal-bond. L-imgħax dovut kull sena jiġi investit mill-ġdid fil-bond mid-detentur tiegħu, għalhekk għandhom jiġu rreġistrati kontropartijiet bl-istess valur tal-imgħax dovut fil-kont finanzjarju bħala l-akkwist ta' aktar bonds mid-detentur u bħala ħruġ ulterjuri ta' aktar bonds mill-emittenti jew mid-debitur (jiġifieri bħala tkabbir fil-"volum" tal-bond oriġinali);

(b) bonds oħra, inklużi bonds bi skont sinifikanti L-imgħax għandu żewġ komponenti:

(1) l-ammont ta' introjtu fi flus riċevibbli mill-ħlasijiet tal-kupuni kull perijodu;

- (2) l-ammont ta' imgħax dovut kull perijodu attribwibbli għad-differenza bejn il-prezz tal-fidi u l-prezz tal-ħruġ, ikkalkulat bl-istess mod bħall-bonds mingħajr kupuni;
- (c) titoli marbutin mal-indiċi:
- (1) l-ammonti tal-ħlasijiet tal-kupuni u/jew il-kapital pendenti huma marbuta ma' indiċi ġenerali tal-prezzijiet. Il-bidla fil-valur tal-kapital pendenti bejn il-bidu u t-tmiem ta' perijodu bażi tal-kontijiet partikolari minħabba l-moviment fl-indiċi rilevanti jiġi trattat bħala imgħax dovut f'dak il-perijodu, flimkien ma' kull imgħax dovut għall-pagament f'dak il-perijodu;
- (2) l-ammonti li għandhom jitħallsu fil-maturità huma marbutin ma' indiċi deġġa li jinkludi element ta' qligħ mill-holding. Id-dovuti tal-imgħax għandhom jiġu ddeterminati bl-iffissar tar-rata tad-dovuti fil-waqt tal-ħruġ. Għaldaqstant, l-imgħax huwa d-differenza bejn il-prezz tal-ħruġ u l-istennija tas-suq inizjali tal-ħlasijiet kollha li d-debitur ikun ser ikollu jagħmel; dan l-ammont jiġi rreġistrat bħala imgħax dovut matul il-ħajja tal-istrument. Dan l-approċċ jirreġistra bħala introjtu ir-rendita fil-maturità fil-waqt tal-ħruġ, u b'hekk jinkorpora r-riżultati tal-indiċizzazzjoni li huma previsti fil-waqt li l-istrument inħoloq. Kull devjazzjoni tal-indiċi ta' riferiment mill-andament mistenni oriġinarjament iwassal għal qligħ jew telf nominali li normalment ma jikkanċellax matul il-ħajja tal-istrument.

L-imgħax dovut b'riżultat tal-indiċar jiġi investit mill-ġdid b'mod effettiv fit-titolu u għandu jiġi rreġistrat fil-kontijiet finanzjarji tad-detentur u tal-emittenti.

Tpartit tar-rata tal-imgħax u ftehimiet ta' rata bil-quddiem

- 4.47 Il-ħlas li jirriżulta minn kull tip ta' arranġament ta' tpartit jitniżżel bħala transazzjoni fid-derivattivi finanzjarji fil-kont finanzjarju, u mhux bħala imgħax irreġistrat bħala introjtu mill-proprjeta'. It-transazzjonijiet skont il-ftehimiet tar-rati bil-quddiem jiġu rreġistrati bħala transazzjonijiet fid-derivattivi finanzjarji fil-kont finanzjarju, u mhux bħala introjtu mill-proprjeta'.

Imgħax fuq kirjiet finanzjarji

- 4.48 Kirja finanzjarja hija metodu ta' finanzjament pereżempju x-xiri ta' makkinarju u tagħmir. Il-lokatur jixtri t-tagħmir u l-kerrej jidħol f'kuntratt biex iħallas kera li tippermetti lil-lokatur, fuq il-perjodu tal-kuntratt, li jirkupra l-ispejjeż tiegħu inkluż l-imgħax fuq il-kapital użat għax-xiri tat-tagħmir.

Il-lokatur jitqies li qed jagħmel għotja b'self lill-kerrej ugwali għall-valur tal-prezz li x-xerrej ikun ħallas għall-assi, u dan is-self jitħallas fuq il-perjodu tal-kirja. Għalhekk il-kera li titħallas f'kull perijodu mill-kerrej titqies li għandha żewġ komponenti: ħlas mill-ġdid ta' kapital u ħlas ta' imgħax. Ir-rata tal-imgħax fuq is-self imputat jiġi stabbilit mill-ammont totali mħallas f'kera matul il-perjodu tal-kirja fil-konfront tal-prezz li x-xerrej ħallas għall-assi. Is-sehem tal-kera li jirrappreżenta l-imgħax jonqos fuq il-perjodu tal-kirja hekk kif il-kapital jitħallas lura. Is-self inizjali mill-kerrej, flimkien mal-ħlasijiet lura sussegwenti tal-kapital, jiġi rreġistrat fil-kontijiet finanzjarji tal-lokatur u l-kerrej. Il-pagamenti tal-imgħax jiġu rreġistrati bħala imgħax fil-kont tad-distribuzzjoni primarja tal-introjtu.

Imgħax ieħor

- 4.49 Interest ieħor huwa dan li ġej:

- (a) imgħax impost fuq overdrafts bankarji;
- (b) imgħax żejjed imħallas fuq depożiti li jitħallew iktar milli jkun inftehem oriġinarjament; kif ukoll
- (c) ħlasijiet iddeterminati minn lotterija, lid-detenturi tal-bonds.

Ħin tar-reġistrazzjoni

- 4.50 L-imgħax jiġi rreġistrat fuq il-baży tad-dovuti, jiġifieri, l-imgħax jiġi rreġistrat bħala dovut kontinwament fuq perijodu ta' żmien lill-kreditur fuq il-kapital pendenti. L-imgħax dovut f'kull perijodu baży tal-kontijiet għandu jkun irreġistrat kemm jekk jitħallas realment kif ukoll jekk jiżdied mal-kapital pendenti. Meta ma titħallasx, iż-żieda fil-kapital għandha tiġi rreġistrata fil-kont finanzjarju bħala akkwist ta' ass finanzjarju mill-kreditur u akkwist ugwali ta' passiv mid-debitur.
- 4.51 L-imgħax għandu jiġi rreġistrat qabel it-tnaqqis tat-taxxi imposti fuqu. L-imgħax riċevut u mħallas jiġi rreġistrat b'mod li jinkludi għotjiet ta' għajjuna għall-ħlas tal-imgħax, irrispettivament minn jekk daww l-għotjiet ikunux direttament imħallas lil istituzzjonijiet finanzjarji, jew lill-benefiċjarji (ara l-paragrafu 4.37).

Il-valur tas-servizzi pprovduti mill-intermedjarji finanzjarji allokat f'ost klijenti differenti, il-pagamenti jew l-irċevuti effettivi tal-imgħax lil jew mingħand intermedjarji finanzjarji jridu jiġu aġġustati biex jiġu eliminati l-marġnijiet li jirrappreżentaw l-ispejjeż impliċiti li saru mill-intermedjarji finanzjarji. L-ammont ta' imgħax imħallas lill-intermedjarji finanzjarji minn min jissellef għandu jtnaqqas bil-valuri stmati ta' ħlasijiet pagabbli, u, kuntrarju għal dan, l-ammonti ta' imgħax riċevibbli mid-depożituri għandhom jiżdiedu. Il-valuri tal-ħlasijiet jiġu ttrattati bħala pagamenti għal servizzi mogħtija minn intermedjarji finanzjarji lill-klijenti tagħhom u mhux bħala pagamenti ta' imgħax.

4.52 Fis-sistema tal-kontijiet, l-imgħax jitniżżel bħala:

- (a) riżorsi u użi fil-kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju tas-setturi;
- (b) riżorsi u użi fil-kont tal-introjtu primarji u t-trasferimenti kurrenti tal-bqija tad-dinja.

Introjtu Distribwit Tal-Korporazzjonijiet (D.42)

Dividendi (D.421)

4.53 *Definizzjoni:* Id-dividendi (D.421) huma forma ta' introjtu mill-proprjeta' li s-sidien tal-ishma (AF.5) jiġu intitolati għalihom billi jpoġġu fondi għad-dispożizzjoni tal-korporazzjonijiet.

Il-ġbir tal-kapital ta' ekwità permezz tal-ħruġ ta' ishma huwa mod kif jinġabru l-fondi. F'kuntrast mal-kapital tas-self, il-kapital ta' ekwità ma jwassalx għal passiv li hu fiss f'termini monetarji u ma jintitolax id-detenturi tal-ishma ta' korporazzjoni għal introjtu fiss jew predeterminat. Id-dividendi huma d-distribuzzjonijiet kollha tal-profitti mill-korporazzjonijiet lill-azzjonisti jew is-sidien tagħhom.

4.54 Id-dividendi jinkludu wkoll:

- (a) ishma maħruġa lill-azzjonisti f'pagament tad-dividend għas-sena finanzjarja. Il-ħruġ ta' ishma bonus li jirrappreżentaw il-kapitalizzazzjoni ta' fondi proprji fil-forma ta' riżervi u profitti mhux distribwiti u li jwasslu għal ishma ġodda lill-azzjonisti fi proporzjon mal-ammont ta' ishma li jkollhom mhuwiex inkluż;
- (b) l-introjtu mħallas lill-gvern ġenerali minn intrapriżi pubbliċi li huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti mhux ikkostitwiti bħala intrapriżi korporattivi;
- (c) l-introjti ġġenerati minn attivitajiet mhux osservati u ttrasferiti lis-sidien tal-korporazzjonijiet li jipparteċipaw f' tali attivitajiet għall-użu privat tagħhom.

4.55 Id-dividendi (D.421) jeskludu s-super dividendi.

Is-super dividendi huma dividendi li huma kbar rigward il-livell riċenti ta' dividendi u qligħ. Sabiex jiġi vvalutat jekk id-dividendi humiex kbar, jintuża l-kunċett ta' introjtu distribwibbli. L-introjtu distribwibbli ta' korporazzjoni huwa daqs l-introjtu tal-intrapriża flimkien mat-trasferimenti kurrenti kollha riċevibbli mingħajr it-trasferimenti kurrenti kollha pagabbli u mingħajr l-aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjonijiet. Il-proporzjon tad-dividendi mal-introjtu distribwibbli fil-passat riċenti jintuża biex tiġi vvalutata l-plawsibbiltà tal-livell kurrenti ta' dividendi. Jekk il-livell ta' dividendi ddikjarat ikun eċċessiv ħafna, id-dividendi li jikkawżaw l-eċċess jiġu ttrattati bħala transazzjonijiet finanzjarji u jiġu klassifikati bħala "super dividendi". Tali super dividendi jiġu ttrattati bħala l-irtirar tal-ekwità tas-sidien mill-korporazzjoni (F.5). Tali trattament japplika għal korporazzjonijiet, inkorporati jew kważi korporati, u kemm jekk soġġetti għall-kontroll privat barrani kif ukoll jekk domestiku.

4.56 Fil-każ ta' korporazzjonijiet pubbliċi, super dividendi huma pagamenti kbar u irregolari jew pagamenti li jeċċedu l-introjtu tal-intrapriża tal-perjodu bażi tal-kontijiet rilevanti, li jiġu ffinanzjati mir-riżervi akkumulati jew mill-bejgħ tal-assi. Is-super dividendi tal-korporazzjonijiet pubbliċi għandhom jiġu rreġistrati bħal irtirar ta' ekwità (F.5) għad-differenza bejn il-pagamenti u l-introjtu tal-intrapriża tal-perjodu bażi tal-kontijiet rilevanti (ara l-paragrafu 20.206).

Id-dividendi interim huma deskritti fil-paragrafu 20.207.

4.57 Ħin tar-reġistrazzjoni: Għalkemm id-dividendi jirrappreżentaw parti mill-introjtu li jkun ġie ġġenerat f'perjodu ta' żmien, id-dividendi ma jiġux irreġistrati fuq bażi tad-dovuti. Għal perjodu qasir wara li jiġi ddikjarat dividend iżda qabel ma jkun effettivament pagabbli, l-ishma jistgħu jinbiegħu "ex dividend" jiġifieri li d-dividend xorta jibqa' pagabbli lis-sid fid-data li d-dividend kien iddikjarat u mhux lis-sid fid-data li jkun pagabbli. Sehem mibjugħ "ex dividend" għalhekk ikun jiswa inqas minn wieħed mibjugħ mingħajr dan il-limitu. Id-dividendi għandhom jiġu rreġistrati fil-waqt meta l-prezz tas-sehem jibda jiġi kkwotat fuq bażi ex dividend u mhux bi prezz li jinkludi d-dividend.

Id-dividendi għandhom jiġu rreġistrati bħala:

- (a) l-użi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtju primarju tas-setturi fejn huma klassifikati l-korporazzjonijiet;
- (b) bħala riżorsi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtju primarju tas-setturi fejn huma klassifikati l-azzjonisti;
- (c) bħala użi u riżorsi fil-kont tal-introjtju primarji u t-trasferimenti kurrenti tal-bqija tad-dinja.

Prelevamenti mill-introjtju ta' kważi korporazzjonijiet (D.422)

4.58 *Definizzjoni:* Il-prelevamenti mill-introjtju ta' kważi korporazzjonijiet (D.422) huma l-ammonti li l-intraprendituri jipprelevaw għall-użu proprju mill-qligħ li jagħmlu minn kważi korporazzjonijiet li huma proprjetà tagħhom.

Tali prelevamenti għandhom jiġu rreġistrati qabel it-tnaqqis tat-taxxi kurrenti fuq l-introjtju, il-ġid, eċċ. li jitqiesu li dejjem jitħallsu mis-sidien tan-negozji.

Meta kważi korporazzjoni tagħmel qligħ kummerċjali, l-unità li tkun sidha tista' tagħżel li tħalli parti mill-qligħ jew il-qligħ kollu fin-negozju, speċjalment għal skopijiet ta' investment. Dan l-introjtju li jitħalla fin-negozju jidher bħala tfaddil mill-kważi korporazzjoni, u huwa biss dak il-qligħ li effettivament jiġi pprelevat mill-unitajiet possedenti li jiġi rreġistrat fil-kontijiet taħt l-intestatura tal-prelevamenti mill-introjtju ta' kważi korporazzjonijiet.

4.59 Meta l-qligħ isir fil-bqija tal-dinja mill-uffiċċji fergħat, aġenziji, eċċ. ta' intrapriżi residenti, safejn dawn l-uffiċċji fergħat eċċ. jiġu trattati bħala unitajiet mhux residenti, il-qligħ li jinżamm jidher bħala qligħ investit mill-ġdid f'investment barrani dirett (D.43). Huwa biss l-introjtju li jiġi ttrasferit effettivament lill-intrapriża prinċipali li jiġi ttrattat fil-kontijiet bħala prelevamenti mill-introjtju tal-kważi korporazzjonijiet li jasal mill-bqija tad-dinja. L-istess prinċipji jiġu applikati fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-uffiċċji fergħat, l-aġenziji, eċċ. li joperaw fit-territorju ekonomiku u l-intrapriża prinċipali mhux residenti li jagħmlu parti minnha.

4.60 Il-prelevamenti mill-introjtju tal-kważi korporazzjonijiet jinkludu l-eċċess operattiv nett riċevut mingħand residenti bħala sidien ta' artijiet u bini fil-bqija tad-dinja, jew minn persuni mhux residenti bħala sidien ta' artijiet u bini fit-territorju ekonomiku konċernat. Fir-rigward tat-transazzjonijiet fl-artijiet u l-bini li jsiru fit-territorju ekonomiku ta' pajjiż minn unitajiet mhux residenti, jinħolqu unitajiet residenti nozzjonali, fejn l-ekwità tkun tas-sidien mhux residenti.

Il-valur tal-kera ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sidien f'pajjiżi barranin jiġi rreġistrat bħala importazzjonijiet ta' servizzi u l-eċċess operattiv nett korrispondenti bħala introjtju primarju riċevut mill-bqija tad-dinja; il-valur tal-kera ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sidien mhux residenti jiġi rreġistrat bħala esportazzjonijiet ta' servizzi u l-eċċess operattiv nett korrispondenti bħala introjtju primarju mħallas lill-bqija tad-dinja.

Il-prelevamenti mill-introjtju tal-kważi korporazzjonijiet jinkludi l-introjtji ġġenerati mill-attivajiet mhux osservati ta' kważi korporazzjonijiet li jiġu ttrasferiti lis-sidien li jipparteċipaw ftali attivajiet għall-użu privat tagħhom.

4.61 Il-prelevamenti mill-introjtju ta' kważi korporazzjonijiet ma jinkludux l-ammonti li jirċievu s-sidien tagħhom minn:

- (a) bejgħ ta' oġġetti kapitali fissi eżistenti;
- (b) bejgħ ta' art u assi oħra mhux prodotti;
- (c) prelevament tal-ekwità.

Tali ammonti jiġu ttrattati bħala prelevamenti mill-ekwità fil-kont finanzjarju billi jammontaw għal likwidazzjoni parzjali jew totali tal-ekwità fil-kważi korporazzjoni. Jekk il-kważi korporazzjoni tkun proprjetà tal-gvern, u jekk iġġarrab defiċit operattiv persistenti minħabba politika soċjali u ekonomika maħsuba min-naħa tal-gvern, kwalunkwe trasferiment regolari ta' fondi fl-intrapriża li jsir mill-gvern biex ikopri t-telf tagħha għandu jitqies bħala sussidji.

4.62 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-prelevamenti mill-introjtju ta' kważi korporazzjonijiet jiġu rreġistrati meta dawn jitwettqu mis-sidien.

4.63 Fis-sistema tal-kontijiet, il-prelevamenti mill-introjtju ta' kważi korporazzjonijiet jidher bħala:

- (a) użi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtju primarju tas-setturi fejn huma klassifikati l-kważi-korporazzjonijiet;

(b) riżorsi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju tas-setturi proprjetarji;

(c) użi u riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Qligħ Investit Mill-Ġdid Fuq Investment Dirett Barrani (D.43)

4.64 *Definizzjoni:* Il-qliġ investit mill-ġdid fuq l-investment barrani dirett (D.43) huwa daqs l-eċċess operattiv tal-intrapriża tal-investment barrani dirett

Flimkien ma' kwalunkwe introjtu mill-proprjetà jew trasferimenti kurrenti riċevibbli

Mingħajr kwalunkwe introjtu mill-proprjetà jew trasferimenti kurrenti pagabbli, inkluż rimessi effettivi għal investituri diretti barranin u kwalunkwe taxxi kurrenti pagabbli fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ., tal-intrapriża tal-investment dirett barrani.

4.65 Intrapriża ta' investment dirett barrani hija intrapriża inkorporata jew mhux inkorporata li fiha investitur residenti f'ekonomija oħra huwa s-sid ta' 10 % jew iktar tal-ishma ordinarji jew tas-setgħa ta' votazzjoni f'intrapriża inkorporata, jew l-ekwivalenti għal intrapriża mhux inkorporata. L-intrapriżi ta' investment dirett barrani jinkludu dawk l-entitajiet li jiġu identifikati bħala sussidjarji, assoċjati u fergħat. Sussidjarju huwa meta l-investitur ikun sid ta' iktar minn 50 %, assoċjat hu meta l-investitur ikun sid ta' 50 % jew inqas, u fergħa tkun intrapriża mhux inkorporata miżmuma kompletament jew b'mod konġunt. Ir-relazzjoni ta' investment dirett barrani tista' tkun diretta jew indiretta b'riżultat ta' katina ta' sjieda. "Intrapriżi tal-investment dirett barrani" huwa kunċett usa' minn dak ta' "korporazzjonijiet b'kontroll barrani".

4.66 Id-distribuzzjonijiet effettivi jistgħu jsiru mill-introjtu intraprenditorjali tal-intrapriżi tal-investment dirett barrani fl-għamla ta' dividendi jew prelevamenti tal-introjtu minn kważi korporazzjonijiet. Barra minn hekk, il-qliġ mhux distribwit jitqies daqs li kieku ddistribwit jew rimess lil investituri diretti barranin fi proporzjon mal-ekwità tagħhom fl-intrapriża u sussegwentement investit mill-ġdid minnhom permezz ta' żidiet lill-ekwità fil-kont finanzjarju. Il-qliġ investit mill-ġdid fuq investment dirett barrani jista' jkun pożittiv kif ukoll negattiv.

4.67 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-qliġ investit mill-ġdid fuq investment dirett barrani jiġi rreġistrat meta jiġi ggdadanjat.

Fis-sistema ta' kontijiet, il-qliġ investit mill-ġdid fuq investment dirett barrani jiġi rreġistrat bħala:

(a) użi u riżorsi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju tas-setturi;

(b) riżorsi u użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Introjtu ieħor minn investment (D.44)

Introjtu mill-investment attribwibbli lid-detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni (D.441)

4.68 *Definizzjoni:* L-introjtu mill-investment attribwibbli lid-detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni jikkorrispondi mal-introjti primarji totali mill-investment ta' riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni. Ir-riżervi huma dawk fejn korporazzjoni tal-assigurazzjoni tirrikonoxxi passiv korrispondenti lid-detenturi tal-poloż.

Ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni jiġu investiti minn intrapriżi tal-assigurazzjoni f'assi finanzjarji jew f'artijiet (minn fejn jiġi rċevut l-introjtu nett mill-proprjetà, jiġifieri wara li jitnaqqas kull imgħax li jitħallas) jew f'bini (li jiġġenera eċċessi operattivi netti).

L-introjtu mill-investment attribwibbli lid-detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni jiġi rreġistrat separatament bejn id-detenturi tal-poloż tal-ħajja u dawk mhux tal-ħajja.

Għal poloz mhux tal-ħajja, il-korporazzjoni tal-assigurazzjoni għandha passiv lejn id-detentur tal-polza tal-ammont tal-primjum iddepożitat mal-korporazzjoni iżda li għadu mhux iggdadanjat, il-valur ta' kull pretensjoni dovuta iżda li għadha ma thallsix u riżerva għall-pretensjonijiet li għadhom mhux notifikati jew innotifikati iżda mhux riżolti. Għal dan il-passiv, il-korporazzjoni tal-assigurazzjoni għandha riżervi tekniċi. L-introjtu mill-investment fuq dawn ir-riżervi jiġi ttrattat bħala introjtu attribwibbli lid-detenturi tal-poloż, imbagħad iddistribwit lid-detenturi tal-poloż fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju u mħallas lura lill-korporazzjoni tal-assigurazzjoni bħala supplement tal-primjum fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu.

Għal unità istituzzjonali li topera, bi ħlas ta' miżata, skema standardizzata ta' garanzija tas-self, jista' jkun hemm ukoll introjtu mill-investment iggdadanjat fuq ir-riżervi tal-iskema u dan għandu wkoll jidher bħala distribwit lill-unitajiet li jħallsu l-imposti (li jistgħu ma jkunux l-istess unitajiet li għandhom jibbenefikaw mill-garanziji) u ttrattati bħala imposti supplementari fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu.

Għal poloz u annwalitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja, il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni għandhom passivi fil-konfront tad-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji ta' annwalità daqs il-valur preżenti tal-pretensjonijiet mistennija. Bħala kontroparti għal dawn il-passivi, il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni għandhom fondi li huma tad-detenturi tal-poloż li jikkonsistu f'bonuses iddikjarati b'poloz tal-qligħ kif ukoll provvedimenti kemm għad-detenturi tal-poloż u kemm għall-benefiċjarji ta' annwalità għall-ħlas ta' bonuses futuri u pretensjonijiet oħrajn. Dawk il-fondi jiġu investiti f'firxa ta' assi finanzjarji u mhux finanzjarji.

Il-bonuses iddikjarati lid-detenturi tal-poloż tal-ħajja jiġu rreġistrati bħala introjtu mill-investment riċevibbli mid-detenturi tal-poloż u jiġu ttrattati bħala supplimenti tal-primjums imħallsa mid-detenturi tal-poloż lill-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni.

L-introjtu mill-investment attribwibbli għad-detenturi tal-poloż tal-assigurazzjoni tal-ħajja jiġi rreġistrat bħala pagabbli mill-kumpanija tal-assigurazzjoni u riċevibbli mill-unitajiet domestiċi fil-kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju. Bil-kontra tal-każ ta' assigurazzjoni li mhux tal-ħajja jew il-pensjonijiet, l-ammont jimxi għat-tifdil u jiġi rreġistrat imbagħad bħala transazzjoni finanzjarja, speċifikament żieda fil-passivi tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja, flimkien ma' primjums ġodda mingħajr il-prezz tas-servizz mingħajr il-benefiċċji pagabbli.

Introjtu Mill-Investment Pagabbli Fuq Intitolamenti Tal-Pensjoni (D.442)

- 4.69 L-intitolamenti tal-pensjoni jirriżultaw minn tip wieħed minn żewġ skemi differenti tal-pensjoni. Dawn huma skemi ta' kontribuzzjoni definita u skemi ta' benefiċċju definit.

Skema ta' kontribuzzjoni definita hija waħda fejn il-kontribuzzjonijiet kemm minn min iħaddem u mill-impjegati jiġu investiti fisem l-impjegati bħala pensjonanti tal-futur. Ebda sors ieħor ta' finanzjament tal-pensjonijiet ma hu disponibbli u ma jsir ebda użu ieħor mill-fondi. L-introjtu mill-investment pagabbli fuq intitolamenti ta' kontribuzzjoni definita huwa daqs l-introjtu mill-investment fuq il-fondi flimkien ma' kwalunkwe introjtu mill-kiri ta' artijiet jew bini li jkunu proprjetà tal-fond.

Il-karatteristika ta' skema ta' benefiċċju definit hija li tintuża formola biex jiġi determinat il-livell ta' pagamenti li jsiru lill-pensjonanti. Din il-karatteristika tagħmilha possibbli li jiġi determinat il-livell ta' intitolamenti bħala l-valur preżenti tal-pagamenti futuri kollha, ikkalkulat bl-użu ta' assunzjonijiet attwarji dwar it-tul tal-ħajja u assunzjonijiet ekonomiċi dwar ir-rata tal-imgħax jew tal-iskont. Il-valur preżenti tal-intitolamenti li jkunu jeżistu fil-bidu tas-sena jżieded billi d-data meta l-intitolamenti jsiru pagabbli hija sena eqreb. Din iż-żieda titqies bħala introjtu mill-investment attribwit lid-detenturi tal-pensjoni fil-każ ta' skema ta' benefiċċju definit. Jekk l-iskema tal-pensjoni effettivament ikollhiex biżżejjed fondi biex tissodisfa l-obbligi kollha ma jaffettwax l-ammont taż-żieda u lanqas ma jaffettwax it-tip ta' żieda fil-fondi, jekk ikunx introjtu mill-investment jew qligħ nominali, pereżempju.

Introjtu Mill-Investment Attribwibbli Lill-Azzjonisti Tal-Fond Tal-Investment Kollettiv (D.443)

- 4.70 L-introjtu mill-investment attribwibbli lill-azzjonisti tal-fond tal-investment kollettiv, inkluż fondi mutwi u unitajiet fiduċjarji, tikkonsisti mill-komponenti separati li ġejjin:

- dividendi attribwibbli lill-azzjonisti tal-fond tal-investment kollettiv (D.4431),
- qligħ mhux distribwit attribwibbli lill-azzjonisti tal-fond tal-investment kollettiv (D.4432).

Il-komponent tad-dividendi jiġi rreġistrat bl-istess mod bħad-dividendi għall-korporazzjonijiet individwali, kif deskritt hawn fuq. Il-komponent tal-qligħ mhux distribwit jiġi rreġistrat bl-istess prinċipji bħal dawk deskritti għall-intrapriżi tal-investment barrani dirett iżda jiġi kkalkulat bl-esklużjoni ta' qligħ investit mill-ġdid fuq l-investment barrani dirett. Il-qligħ mhux distribwit li jifdal jiġi attribwit lill-azzjonisti tal-fond tal-investment li jtilqu mill-fond tal-investment mingħajr tifdil, u jerġa' jiġi injettat fil-fond mill-azzjonisti tal-fond tal-investment fi transazzjoni li tiġi rreġistrata fil-kont finanzjarju.

L-introjtu mill-proprjetà mill-fondi mutwi jiġi rreġistrat bħala introjtu mill-proprjetà tal-azzjonisti anki jekk ma jkunx distribwit iżda jerġa' jiġi investit fisimhom.

L-azzjonisti jħallsu indirettament mill-ishma tal-fond tagħhom lil kumpaniji amministrattivi li jmexxu l-investimenti tagħhom. Dan il-ħlas għas-servizz huwa nfiq mill-azzjonisti, u mhux infiq tal-fondi.

Ħin tar-reġistrazzjoni: introjtu ieħor minn investment jiġi rreġistrat meta jkun dovut.

- 4.71 Fis-sistema tal-kontijiet, introjtu ieħor minn investment jiġi rreġistrat bħala:

- (a) riżorsi fil-kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju tad-detenturi ta' poloż u ta' fondi tal-investment;

- (b) użi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju tal-assiguraturi, il-fondi tal-pensjoni u l-fondi tal-investment;
- (c) riżorsi u użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Renta (D.45)

- 4.72 *Definizzjoni:* Ir-renta hija l-introjtu li jirċievi sid riżors naturali għat-tqegħid tar-riżors naturali għad-dispożizzjoni ta' unità istituzzjonali oħra.

Hemm żewġ tipi differenti ta' renti fuq riżorsi: renta fuq l-art, u renta fuq riżorsi taħt l-art. Ir-renti fuq riżorsi għal riżorsi naturali oħrajn bħall-ispettra tar-radju jsegwu l-istess xejra.

Id-distinzjoni bejn renta u kiri hija li kera hija forma ta' introjtu fuq il-proprjetà filwaqt li kiri huwa pagament għal servizzi. Kirjiet huma pagamenti li jsiru taħt kirja operattiva biex jintuża ass fiss ta' unità oħra. Renta hija pagament li jsir taħt kirja ta' riżors għall-aċċess għal riżors naturali.

Renta fuq l-art

Ir-renta li tingħata lil sid l-art minn okkupant hija forma ta' introjtu mill-proprjetà. Ir-renti fuq l-art jinkludu wkoll ir-renti pagabbli lis-sidien ta' ilmiġiet interni u xmajjar għad-dritt biex dawn l-ilmiġiet jintużaw għal skopijiet ta' rikreazzjoni jew skopijiet oħra, inkluż is-sajd.

Sid ta' art iħallas it-taxxi tal-art u jkopri l-ispejjeż għall-manutenzjoni b'konsegwenza tal-fatt li hu sid l-art. Tali taxxi u l-infiq jiġu ttrattati bħala pagabbli mill-persuna intitolata li tuża l-art, li titqies li tnaqqashom mir-renta li kieku kienet tkun obligata tħallas lil sid l-art. Ir-renta mnaqqsa b'dan il-mod mit-taxxi jew spejjeż oħra li sid l-art ikun obligat iħallas tissejjaħ "renta wara t-taxxa".

- 4.73 Ir-renti fuq l-art ma jinkludux kiri ta' bini u abitazzjonijiet li jinsabu fuqha; dawk il-kirjiet jiġu ttrattati bħala l-ħlas għal servizz tas-suq mogħti mis-sid lill-okkupant tal-bini jew l-abitazzjoni, u jitniżżlu fil-kontijiet bħala l-konsum intermedju jew finali tal-kerrej. Jekk ma jkunx hemm bażi oġġettiva li fuqha l-ħlas jista' jinqasam bejn ir-renta fuq l-art u l-kera fuq il-bini li jinsab fuqha, l-ammont kollu jiġi ttrattat bħala renta meta l-valur tal-art jiġi stmat li hu iktar mill-valur tal-bini fuqha u, inkella, bħala kera.

Renta fuq assi taħt l-art

- 4.74 Din l-intestatura tinkludi d-drittijiet dovuti lis-sidien ta' depożiti ta' minerali jew fjuwils fossili (faħam, żejt jew gass naturali), kemm jekk unitajiet privati u kemm jekk governattivi, li jagħtuhom b'kera lil unitajiet istituzzjonali oħra u jippermettuhom jesploraw jew iħaffru għal tali depożiti f'perjodu speċifikat ta' żmien.

- 4.75 Ħin tar-reġistrazzjoni tar-renti: ir-renti għandhom jiġu rreġistrati fil-perjodu meta jkunu pagabbli.

- 4.76 Fis-sistema tal-kontijiet, ir-renti jiġu rreġistrati:

- (a) fost ir-riżorsi u fost l-użi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju tas-setturi;
- (b) fost ir-riżorsi u fost l-użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

TAXXI KURRENTI FUQ L-INTROJTU, IL-ĠID, EĊĊ. (D.5)

- 4.77 *Definizzjoni:* It-taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ. (D.5) ikopru l-pagamenti obligatorji unilaterali kollha, fi flus kontanti jew in natura, miġbura perjodikament mill-gvern ġenerali u mill-bqija tad-dinja fuq l-introjtu u l-ġid tal-unitajiet istituzzjonali, u xi taxxi perjodiċi li la jiġu evalwati fuq l-introjtu u lanqas fuq il-ġid.

It-taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ. jinqasmu fi:

- (a) it-taxxi fuq l-introjtu (D.51);
- (b) taxxi kurrenti oħra (D.59).

Taxxi Fuq L-Introjtu (D.51)

- 4.78 *Definizzjoni:* It-taxxi fuq l-introjtu (D.51) jikkonsistu f'taxxi fuq l-introjti, il-profitti u l-qligħ kapitali. Dawn jiġu vvalutati fuq l-introjti effettivi jew preżunti tal-individwi, l-unitajiet domestiċi, il-korporazzjonijiet jew l-NPIs. Dawn jinkludu t-taxxi evalwati fuq il-holdings ta' proprjetà, art jew proprjetà immobiljari meta dawn il-holdings jintużaw bħala bażi għall-istima tal-introjtu tas-sidien tagħhom.

It-taxxi fuq l-introjt jinkludu:

- (a) it-taxxi fuq l-introjt individwali jew tal-unità domestika, pereżempju introjt minn xogħol, proprjetà, intraprenditorija, pensjonijiet, eċċ., u jinkludu t-taxxi mnaqqsa minn min iħaddem, pereżempju t-taxxi "pay-as-you-earn". It-taxxi fuq l-introjt tas-sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati huma inklużi hawnhekk;
- (b) it-taxxi fuq l-introjt jew il-profitti tal-korporazzjonijiet;
- (c) it-taxxi fuq il-qligħ nominali;
- (d) it-taxxi fuq rebħiet minn lotteriji jew logħob tal-azzard, pagabbli fuq l-ammonti li jingħataw lir-rebbieħa, distinti mit-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ ta' produtturi li jorganizzaw logħob tal-azzard jew lotteriji li jitqiesu bħala taxxi fuq il-prodotti.

Taxxi Kurrenti Oħra (D.59)

4.79 Taxxi kurrenti oħra (D.59) tinkludi:

- (a) taxxi kurrenti fuq il-kapital li jikkonsistu minn taxxi pagabbli fuq is-sjieda jew l-użu tal-art jew il-bini misidien, u taxxi kurrenti fuq il-ġid nett u fuq assi oħra, pereżempju l-ġojjelli — ħlief it-taxxi msemmija f'D.29 (li jthallsu mill-intrapriżi b'riżultat tal-attivitajiet ta' produzzjoni tagħhom) u dawk f'D.51 (it-taxxi fuq l-introjt);
- (b) it-taxxi per capita, miġbura għall kull adult jew unità domestika, indipendentement mill-introjt jew il-ġid;
- (c) it-taxxi fuq l-infiq, pagabbli fuq l-infiq totali ta' persuni jew unitajiet domestiċi;
- (d) pagamenti minn unitajiet domestiċi għal-liċenzji għas-sjieda jew l-użu mhux kummerċjali ta' vetturi, dgħajjes jew inġenji tal-ajru, jew għal-liċenzji tal-kaċċa, sparar jew sajd rikreazzjonali, eċċ. Id-distinzjoni bejn taxxi u xiri ta' servizzi mill-gvern hija definita skont l-istess kriterji użati fil-każ ta' pagamenti mill-intrapriżi, b'mod partikolari jekk il-ħruġ tal-liċenzji jinvolvi f'it li xejn ħidma min-naħa tal-gvern, billi l-liċenzji jingħataw awtomatikament fuq ħlas tal-ammonti dovuti, aktarx li dawn ikunu sempliċement mezz biex jiżdied id-dħul, anki jekk il-gvern jista' jipprovdi xi tip ta' ċertifikat, jew awtorizzazzjoni; f'tali każijiet il-ħlas jiġi ttrattat bħala taxxi. Jekk madanakollu, il-gvern juża l-ħruġ tal-liċenzji biex jorganizza xi funzjoni regolatorja xierqa (bħall-verifika tal-kompetenza, jew il-kwalifiki, tal-persuni kkonċernati), il-pagamenti li jsiru għandhom jitqiesu bħala xiri ta' servizzi mill-gvern u mhux pagamenti ta' taxxi, sakemm ikun ċar li l-pagamenti jkunu bla ebda proporzjon għal kemm jiswa biex jingħataw is-servizzi;
- (e) taxxi fuq transazzjonijiet internazzjonali, pereżempju vvaġġar barra mill-pajjiż, rimessi barranin, investimenti barranin, eċċ., għajr dawk pagabbli mill-produtturi u d-dazji fuq l-importazzjoni mħallsa mill-unitajiet domestiċi.

4.80 It-taxxi kurrenti fuq l-introjt, il-ġid, eċċ. ma jinkludux:

- (a) taxxi fuq il-wirt, taxxi tas-suċċessjoni jew taxxi fuq l-għotjiet bejn persuni ħajjin, meqjusa li huma intaxxati fuq il-kapital tal-benefiċjarji u jidhru taħt l-intestatura tat-taxxi kapitali (D.91);
- (b) taxxi okkażjonali jew eċċezzjonali fuq il-kapital jew il-ġid, li jitniżżlu bħala taxxi kapitali (D.91);
- (c) taxxi fuq l-art, il-bini jew assi oħra li jkunu proprjetà tal-intrapriżi jew mikrija minnhom u li jużawhom għall-produzzjoni, u dawn it-taxxi jiġu ttrattati bħala taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni (D.29);
- (d) pagamenti minn unitajiet domestiċi għal-liċenzji għajr liċenzji għall-użu ta' vetturi, dgħajjes jew inġenji tal-ajru, jew liċenzji għall-kaċċa, sparar jew sajd ta' rikreazzjoni; liċenzji tas-sewqan jew tal-piloti, liċenzji għall-armi tan-nar, u imposti lill-gvern bħal dħul f'mużew jew librerija, ħlas għall-ġbir tal-iskart, ħlasijiet għall-passaporti, imposti tal-ajruport, imposti tal-qrati, eċċ. li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jiġu ttrattati bħala xiri ta' servizzi mogħtija mill-gvern, jekk jissodisfaw il-kriterji stipulati fil-punt (d) tal-paragrafu 4.79 biex jiġu rreġistrati bħala servizzi.

4.81 Il-valur totali tat-taxxi jinkludi l-imġhax fuq l-arretrati tat-taxxi dovuti u l-multi imposti mill-awtoritajiet tat-taxxi jekk ma jkunx hemm data biex dan l-imġhax u l-multi jkunu jistgħu jiġu identifikati separatament; jinkludi ħlasijiet imposti f'konnessjoni mal-ġbir u l-istimi tat-taxxi pendenti, mingħajr l-ammont ta' kull tnaqqis mill-gvern ġenerali minħabba politika ekonomika u kwalunkwe rifużjoni li ssir minħabba pagamenti żejda.

Is-sussidji u l-benefiċċji soċjali li jingħataw mis-sistema tat-taxxi fl-għamla ta' krediti tat-taxxa qed jiżdiedu u qed jiżdied ukoll l-irbit tas-sistemi tal-ħlas mas-sistemi tal-ġbir tat-taxxa. Il-krediti tat-taxxa jirrappreżentaw ħelsien mit-taxxa u għalhekk inaqqsu d-debitu fiskali tal-benefiċjarju.

Jekk is-sistema tal-kreditu tat-taxxa twassal biex il-benefiċjarju jirċievi l-eċċess meta l-ħelsien mit-taxxa jkun ikbar mill-passiv, is-sistema tal-kreditu tat-taxxa tkun sistema ta' kreditu tat-taxxa pagabbli. F'sistema ta' kreditu tat-taxxa pagabbli, il-pagamenti jistgħu jingħataw lil min ma jħallasx taxxa kif ukoll lil min iħallasha. F'sistema ta' kreditu tat-taxxa pagabbli, l-ammont kollu tal-kreditu tat-taxxa jiġi rreġistrat bħala infiq tal-gvern, u mhux bħala tnaqqis tad-dħul mit-taxxa.

Bil-kontra ta' dan, xi sistemi tal-kreditu tat-taxxa huma sistemi tal-kreditu tat-taxxa mhux pagabbli, meta l-kreditu tat-taxxa jkun limitati għad-daqs tal-obbligu ta' taxxa. F'sistema tal-kreditu tat-taxxa mhux pagabbli, il-kreditu tat-taxxa kollha huma integrati fis-sistema tat-taxxa u jnaqqsu d-dħul tal-gvern mit-taxxi.

- 4.82 It-taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ. jiġu rreġistrati fil-waqt meta jseħħu l-attivitajiet, it-transazzjonijiet jew l-avvenimenti l-oħra li jholqu l-passivi għall-ħlas.

Madankollu, xi attivitajiet, transazzjonijiet jew avvenimenti ekonomiċi, li skont il-leġislazzjoni tat-taxxa għandhom jimponu fuq l-unitajiet ikkonċernati l-obbligu li jitħallsu t-taxxi, jaħarbu l-attenzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa b'mod permanenti. Ma jkunx realistiku li wieħed jassumi li dawn l-attivitajiet, transazzjonijiet jew avvenimenti jagħtu lok għal assi finanzjarji jew passivi fl-għamla ta' pagabbli jew riċevibbli. L-ammonti li għandhom jiġu rreġistrati jiġu ddeterminati mill-ammonti dovuti għall-ħlas biss meta jkun hemm evidenza ta' dan fl-istimi tat-taxxa, id-dikjarazzjonijiet jew strumenti oħrajn li jholqu passivi fl-għamla ta' obbligi ċari għall-ħlas min-naħa ta' min iħallas it-taxxa. Ma jsirux imputazzjonijiet għal taxxi li ma hemmx evidenza għalihom mill-evalwazzjonijiet tat-taxxa.

It-taxxi rreġistrati fil-kontijiet jiġu minn żewġ sorsi: ammonti ppruvati minn stimuli u dikjarazzjonijiet jew irċevuti tal-flus.

- (a) Jekk jintużaw stimuli u dikjarazzjonijiet, l-ammonti għandhom ikunu aġġustati b'koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti magħmula fuq stima u dawk iddikjarati li ma jkun nġabru qatt. Bħala trattament alternattiv, trasferiment kapitali lis-setturi rilevanti jiġi rreġistrat bħala ugwali għall-istess aġġustament. Il-koeffiċjenti għandhom ikunu stmati fuq il-bażi tal-esperjenza tal-imgħoddi u l-aspettativi attwali fir-rigward ta' ammonti stmati u ddikjarati li ma jkun nġabru qatt. Għandhom ikunu speċifiċi għal tipi differenti ta' taxxi;
- (b) Jekk jintużaw irċevuti ta' flus kontanti, għandhom ikunu aġġustati skont iż-żmien sabiex il-flus kontanti ikunu attribwiti meta seħew l-attivitajiet, it-transazzjonijiet jew l-avvenimenti l-oħra sabiex jiġġeneraw l-obbligu ta' taxxa (jew meta l-ammont tat-taxxa kien iddeterminat, fil-każ ta' xi taxxi fuq l-introjtu). Dan l-aġġustament huwa bbażat fuq id-differenza medja ta' żmien bejn l-attivitajiet, it-transazzjonijiet jew l-avvenimenti l-oħrajn (jew id-determinazzjoni tal-ammont tat-taxxa) u l-irċevuta tat-taxxa tal-flus kontanti.

Meta jinżammu direttament minn min iħaddem, it-taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ. jiġu inklużi fil-pagi u s-salarji anki jekk min iħaddem ma jkunx għaddihom lill-gvern ġenerali. Is-settur tal-unitajiet domestiċi jidher li qed iħallas l-ammont sħiħ lis-settur tal-gvern ġenerali. L-ammonti li effettivament mhumex imħallsa jiġu newtralizzati taħt D.995 bħala trasferiment kapitali mill-gvern ġenerali lis-setturi ta' min iħaddem.

Fxi każijiet, l-obbligu li jitħallsu t-taxxi fuq l-introjtu jista' jiġi ddeterminat biss f'perijodu bażi tal-kontijiet aktar tard milli dak li fih isir dovut. Għalhekk, tinħtieġ xi flessibilità dwar il-waqt meta jiġu rreġistrati dawn it-taxxi. It-taxxi fuq l-introjtu li jitnaqqsu mis-sors, bħat-taxxi PAYE u l-prepagamenti regolari tat-taxxi fuq l-introjtu, jistgħu jiġu rreġistrati fil-perijodi li fih jitħallsu u kull obbligu ta' taxxa finali fuq l-introjtu jista' jiġi rreġistrat fil-perijodu li fih jiġi determinat l-obbligu.

It-taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ. jiġu rreġistrati bħala:

- (a) l-użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-setturi fejn hu kklassifikat min iħallas it-taxxa;
- (b) riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-gvern ġenerali;
- (c) riżorsi u użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

KONTRIBUZZJONIJIET U BENEFIĊĠI SOĊJALI (D.6)

- 4.83 *Definizzjoni:* Il-benefiċċji soċjali huma trasferimenti lill-unitajiet domestiċi, fi flus kontanti jew in natura, intiżi biex ittaffulhom il-piż finanzjarju ta' għadd ta' riskji jew ħtiġijiet, magħmula permezz ta' skemi organizzati kollettivament, jew mhux ftali skemi, minn unitajiet governattivi u NPISHs; dawn jinkludu ħlasijiet mill-gvern ġenerali lill-produtturi li individwalment jibbenefikaw lill-unitajiet domestiċi u li jsiru fil-kuntest ta' riskji jew ħtiġijiet soċjali.

- 4.84 Il-lista ta' riskji jew ħtiġijiet li jistgħu jagħtu lok għall-benefiċċji soċjali hija din li ġejja:

- (a) mard;
- (b) invalidità, diżabilità;

- (c) aċċident jew mard marbut max-xogħol;
- (d) xjuħija;
- (e) superstiti;
- (f) maternità;
- (g) familja;
- (h) il-promozzjoni tax-xogħol;
- (i) qgħad;
- (j) djar;
- (k) edukazzjoni;
- (l) stat ta' hteġa ġenerali.

Fil-każ tad-djar, il-ħlasijiet li jsiru mill-awtoritajiet pubbliċi lill-okkupanti sabiex inaqqsu l-kera tagħhom huma benefiċċji soċjali, bl-eċċezzjoni tal-benefiċċji speċjali mħallsa mill-awtoritajiet pubbliċi fil-kapaċità tagħhom bħala min iħaddem.

4.85 Il-benefiċċji soċjali jinkludu:

- (a) trasferimenti kurrenti jew ta' somma f'daqqa minn skemi li jirċievu l-kontribuzzjonijiet, ikopru l-komunità kollha jew taqsimiet kbar tal-komunità u jiġu imposti u kkontrollati minn unitajiet governattivi (skemi tas-sigurtà soċjali);
- (b) trasferimenti kurrenti jew ta' somma f'daqqa minn skemi minn min iħaddem fisem l-impjegati tagħhom, dawk li kienu impjegati jew dipendenti (skemi oħra ta' assigurazzjoni soċjali marbuta max-xogħol). Il-kontribuzzjonijiet jistgħu jsiru mill-impjegati u/jew minn min iħaddem; jistgħu jsiru wkoll minn persuni li jaħdmu għal rashom;
- (c) trasferimenti kurrenti minn unitajiet governattivi u NPISHs li ma jiddependux fuq ħlas preċedenti ta' kontribuzzjonijiet u li ġeneralment ikunu marbuta ma' stima tal-introjtu disponibbli. Tali trasferimenti normalment jissejġu assistenza soċjali.

4.86 Il-benefiċċji soċjali ma jinkludux:

- (a) pretensjonijiet tal-assigurazzjoni bbażati fuq poloz li nħarġu unikament fuq l-inizjattiva tal-persuna assigurata, indipendentement minn min iħaddimha jew il-gvern tagħha;
- (b) pretensjonijiet tal-assigurazzjoni fuq poloz li nħarġu bl-uniku skop li jinkiseb skont, anki jekk dawn il-poloz jorhorgu minn ftehim kollettiv.

4.87 Sabiex polza individwali tiġi ttrattata bħala parti minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, l-eventwalitajiet jew iċ-ċirkostanzi li l-parteċipanti jkunu assigurati kontra tagħhom għandhom jikkorrispondu mar-riskji jew il-ħtiġijiet elenkati fil-paragrafu 4.84, u, barra minn hekk, waħda jew iktar minn dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu sodisfatti:

- (a) il-parteċipazzjoni fl-iskema tkun obligatorja bil-liġi jew skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjegat ta' impjegat jew grupp ta' impjegati;
- (b) l-iskema hija waħda kollettiva mħaddma għall-benefiċċju ta' grupp partikolari ta' ħaddiema, kemm jekk ikunu impjegati, persuni li jaħdmu għal rashom jew qiegħda, u l-parteċipazzjoni tkun limitata għall-membri ta' dak il-grupp.
- (c) min iħaddem jagħmel kontribuzzjoni (effettiva jew imputata) lill-iskema fisem impjegat, irrispettivament minn jekk l-impjegat jagħmilx kontribuzzjoni wkoll.

4.88 Definizzjoni: L-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali huma skemi li fihom il-parteċipanti huma obligati, jew imħeġġa, mill-impjegati tagħhom jew mill-gvern ġenerali, biex jieħdu assigurazzjoni kontra ċerti eventwalitajiet jew ċirkostanzi li jistgħu jaffettwaw ħażin il-benessri tagħhom jew dak tad-dipendenti tagħhom. Ftali skemi, il-kontribuzzjonijiet soċjali jitħallsu mill-impjegati jew oħrajn, jew minn min iħaddem fisem l-impjegati tiegħu, sabiex jiżguraw l-intitolament għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali, fil-perijodi kurrenti jew sussegwenti, għall-impjegati jew kontributori oħra, id-dipendenti jew is-superstiti tagħhom.

L-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali huma organizzati għal gruppi ta' ħaddiema jew ikunu disponibbli bil-liġi lill-ħaddiema kollha jew il-kategoriji magħżula kollha ta' ħaddiema, inklużi l-persuni qiegħda kif ukoll l-impjegati. Dawn ivarjaw minn skemi privati organizzati għal gruppi partikolari ta' ħaddiema impjegati minn persuna waħda li tħaddem għal skemi ta' sigurtà soċjali li jkopru l-forza tax-xogħol sħiħa ta' pajjiż. Il-parteċipazzjoni f'dawn l-iskemi tista' tkun volontarja għall-ħaddiema kkonċernati, iżda huwa aktar komuni li tkun obbligatorja. Pereżempju, il-parteċipazzjoni fi skemi organizzati minn persuni individwali li jħaddmu tista' tkun meħtieġa mit-termeni u l-kundizzjonijiet tal-impjeg li jkunu ġew miftiehma kollettivament bejn min iħaddem u l-impjegati tiegħu.

4.89 Tista' ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' skemi ta' assigurazzjoni soċjali:

- (a) L-ewwel waħda tikkonsisti fi skemi ta' sigurtà soċjali li jkopru l-komunità kollha, jew taqsimiet kbar tal-komunità, li jkunu imposti, ikkontrollati u ffinanzjati mill-unitajiet tal-gvern. Il-pensjonijiet pagabbli taħt tali skemi jistgħu jkunu relatati jew le mal-livelli ta' salarju tal-benefiċjarju jew il-passat tax-xogħlijiet tiegħu. Huwa inqas komuni li l-benefiċċji mhux tal-pensjoni jkunu marbuta mal-livelli tas-salarju;
- (b) It-tieni tip jikkonsisti fi skemi oħra marbuta mal-impjegati. Tali skemi joħorġu minn relazzjoni bejn impjegat u min iħaddem fl-għoti ta' pensjoni u possibbilment intitolamenti oħra li huma parti mill-kundizzjonijiet tal-impjeg u fejn ir-responsabbiltà għall-għoti tal-benefiċċji ma tiddevolvix lill-gvern ġenerali taħt dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

4.90 L-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali organizzati mill-unitajiet governattivi għall-impjegati tagħhom stess, u mhux il-popolazzjoni kollha ta' nies impjegati, jiġu kklassifikati bħala skemi oħra marbuta mal-impjegati u mhux bħala skemi ta' sigurtà soċjali.

Kontribuzzjonijiet Soċjali Netti (D.61)

4.91 *Definizzjoni:* Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti huma l-kontribuzzjonijiet effettivi jew imputati mill-unitajiet domestiċi lill-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali biex jipprovdur għall-benefiċċji soċjali li jridu jitħallsu. Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti (D.61) jikkonsistu fi:

Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.611)

flimkien ma' kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.612)

flimkien ma' il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.613)

flimkien ma' is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi (D.614)

mingħajr Ħlasijiet għas-servizzi tal-iskema tal-assigurazzjoni soċjali (D.61SC).

Il-ħlasijiet għas-servizz tal-iskema tal-assigurazzjoni soċjali huma l-ħlasijiet għas-servizz mitluba mill-unitajiet li jamministraw l-iskemi. Dawn jidhru hawnhekk bħala parti mill-kalkolu għall-kontribuzzjonijiet soċjali netti (D.61); mhumiex transazzjonijiet ridistributtivi iżda parti mill-output u l-infiq ta' konsum.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.611)

4.92 Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.611) tikkorrispondu għall-fluss D.121.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem jitħallsu minn min iħaddem lill-iskemi ta' sigurtà soċjali u skemi tal-assigurazzjoni soċjali oħra marbuta mal-impjegati biex jiżguraw il-benefiċċji soċjali għall-impjegati tagħhom.

Peress li l-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem isiru għall-benefiċċju tal-impjegati tiegħu, il-valur tagħhom jiġi rreġistrat bħala wieħed mill-komponenti tal-kumpens tal-impjegati flimkien ma' pagi u salarji fi flus kontanti u in natura. Il-kontribuzzjonijiet soċjali mbagħad jiġu rreġistrati li tħallsu mill-impjegati bħala trasferimenti kurrenti lill-iskemi tas-sigurtà soċjali, u skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjegati.

Din l-intestatura tinqasam f'żewġ kategoriji:

(a) il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni effettivi ta' min iħaddem (D.6111) tikkorrispondu mal-fluss D.1211;

(b) il-kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni effettivi ta' min iħaddem (D.6112) tikkorrispondu mal-fluss D.1212.

4.93 Il-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi jistgħu jkunu obbligatori bis-saħħa ta' statut jew regolament, jew jistgħu jitħallsu b'riżultat ta' ftehimiet kollettivi f'industrija partikolari jew ftehimiet bejn min iħaddem u l-impjegati f'intrapriża partikolari, jew minħabba li huma miktuba fil-kuntratt tal-impjegat innifsu. F'ċerti każijiet, il-kontribuzzjonijiet jistgħu jkunu volontarji.

Tali kontribuzzjonijiet volontarji jkopru:

- (a) kontribuzzjonijiet soċjali li l-persuni li mhux obbligati legalment jikkontribwixxu għal fond ta' sigurtà soċjali;
 - (b) il-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa lill-intrapriżi tal-assigurazzjoni (jew fondi tal-pensjoni kklassifikati fl-istess settur) bħala parti mill-iskemi supplementari tal-assigurazzjoni organizzati minn intrapriżi għall-benefiċċju tal-impjegati tagħhom u li dawn tal-aħħar jissieħbu magħhom b'mod volontarju;
 - (c) il-kontribuzzjonijiet lil skemi tal-assigurazzjoni mutwi bi sħubija miftuħa għall-impjegati jew għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom.
- 4.94 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D.611) jiġu rreġistrati fil-waqt li jsir ix-xogħol li jagħti lok għall-obbligu li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet.
- 4.95 Il-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli lis-settur tal-gvern ġenerali rreġistrati fil-kontijiet jistgħu jiġu minn żewġ sorsi: ammonti ppruvati minn stimuli u dikjarazzjonijiet jew irċevuti tal-flus kontanti.

- (a) Jekk jintużaw stimuli u dikjarazzjonijiet, l-ammonti għandhom ikunu aġġustati b'koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti magħmula fuq stima u dawk iddikjarati li ma jkunu nġabru qatt. Bħala trattament alternattiv, jista' jiġi rreġistrat trasferiment kapitali lejn is-setturi rilevanti bħala ugwali għall-istess aġġustament. Il-koeffiċjenti għandhom ikunu stmati fuq il-bażi tal-esperjenza tal-imgħoddi u l-aspettativi attwali fir-rigward ta' ammonti stmati u ddikjarati li ma jkunu nġabru qatt. Dawn għandhom ikunu speċifiċi għat-tipi differenti ta' kontribuzzjonijiet soċjali;
- (b) Jekk jintużaw irċevuti tal-flus kontanti, dawn għandhom ikunu aġġustati skont iż-żmien sabiex il-flus kontanti jkunu attribwiti meta seħħet l-attività biex tiġġenera l-passiv tal-kontribuzzjoni soċjali (jew meta jinħoloq il-passiv). Dan l-aġġustament jista' jkun ibbażat fuq id-differenza medja ta' żmien bejn l-attività (jew il-ħolqien tal-passiv) u l-irċevuta tal-flus kontanti.

Meta jkunu miżmuma direttament minn min iħaddem, il-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli lis-settur tal-gvern ġenerali għandhom ikunu inklużi fil-pagi u s-salarji irrispettivament minn jekk min iħaddem ikunx għaddihom lill-gvern ġenerali. Is-settur tal-unitajiet domestiċi mbagħad jidher li qed iħallas l-ammont sħiħ lis-settur tal-gvern ġenerali. L-ammonti li effettivament mhumieq imħallsa jiġu newtralizzati taħt D.995 bħala trasferiment kapitali mill-gvern ġenerali lis-setturi ta' min iħaddem.

4.96 Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem jitniżżlu bħala:

- (a) użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi;
- (b) użi fil-kont estern tal-introjti primarji u trasferimenti kurrenti (fil-każ ta' unitajiet domestiċi mhux residenti);
- (c) riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-assiguraturi jew ta' min iħaddem li jkunu residenti;
- (d) riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u trasferimenti kurrenti (fil-każ tal-assiguraturi jew ta' min iħaddem li ma jkunux residenti).

Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.612)

4.97 *Definizzjoni:* Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.612) jirrappreżentaw il-kontroparti għall-benefiċċji soċjali (mingħajr il-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegati eventwali) mħallsa direttament minn min iħaddem (jiġifieri mhux marbuta mal-kontribuzzjonijiet effettivi ta' min iħaddem) lill-impjegati jew impjegati preċedenti tagħhom u persuni eliġibbli oħrajn.

Dawn jikkorrispondu għall-fluss D.122 kif deskritt taħt il-kumpens tal-impjegati. Il-valur tagħhom għandu jkun ibbażat fuq konsiderazzjonijiet attwarji jew fuq il-bażi ta' perċentwal raġonevoli tal-pagi u s-salarji li jitħallsu lill-impjegati attwali jew daqs il-benefiċċji mhux tal-pensjoni mingħajr fond pagabbli mill-intrapriża matul l-istess perjodu ta' kontabbiltà.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D.612) jinqasmu f'żewġ kategoriji:

- (a) Il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni imputati minn min iħaddem (D.6121). Dawn jikkorrispondu għall-fluss D.1221;

- (b) Il-kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.6122). Dawn jikkorrispondu għall-fluss D.1222.
- 4.98 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem li jirrappreżentaw il-kontroparti tal-benefiċċji soċjali diretti obligatorji għandhom jiġu rreġistrati fil-perijodu meta jsir ix-xogħol. Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem li jirrappreżentaw il-kontroparti tal-benefiċċji soċjali diretti volontarji jiġu rreġistrati fil-waqt li jingħataw il-benefiċċji.
- 4.99 Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem jiġu rreġistrati bħala:
- (a) użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi u fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti;
- (b) riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-setturi li lilhom jappartjenu min iħaddem jew l-assiguraturi residenti u fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.613)

- 4.100 *Definizzjoni:* Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-unitajiet domestiċi huma kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli fisem l-impjegati, dawk li jaħdmu għal rashom jew persuni mhux impjegati lill-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali

Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.613) jinqasmu f'żewġ kategoriji:

- (a) il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.6131);
- (b) il-kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.6132).

Ħin tar-reġistrazzjoni: Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi tal-unitajiet domestiċi jiġu rreġistrati fuq bażi tad-dovuti. Għal dawk li għandhom impjieg, dan huwa meta jsir ix-xogħol li joħloq l-obbligu li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet. Għal dawk il-persuni mingħajr impjieg, dan huwa l-waqt meta għandhom isiru l-kontribuzzjonijiet.

Fis-sistema tal-kontijiet, il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-unitajiet domestiċi jiġu rreġistrati:

- (a) fost l-użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi u fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.
- (b) fost ir-riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-setturi li fihom jappartjenu l-impjegaturi u fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi (D.614)

- 4.101 *Definizzjoni:* Is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi jikkonsistu fl-introjtu mill-proprjetà ggwadanjat matul il-perijodu bażi tal-kontijiet fuq l-istokk ta' intitolamenti tal-pensjoni u mhux tal-pensjoni.

Din l-intestatura tinqasam f'żewġ kategoriji:

- (a) is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tal-unitajiet domestiċi (D.6141);
- (b) is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet mhux tal-pensjoni tal-unitajiet domestiċi (D.6142). L-intestatura D.6142 tikkorrispondi għas-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet tal-unitajiet domestiċi marbuta mar-riskji u ħtiġijiet soċjali għajr il-pensjonijiet, bħall-mard, maternità, korriment industrijali, diżabilità, sensji, eċċ.

Is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi huma inklużi fl-introjtu mill-proprjetà pagabbli mill-amministraturi tal-fondi tal-pensjoni lill-unitajiet domestiċi fil-kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju (Introjtu mill-investiment pagabbli fuq intitolamenti tal-pensjoni D.442).

Billi dan l-introjtu jinżamm mill-amministraturi tal-fondi tal-pensjoni fil-prattika, jiġi ttrattat fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu bħala mħallas lura mill-unitajiet domestiċi lill-fondi tal-pensjoni fl-għamla ta' supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi.

Ħin tar-reġistrazzjoni: Is-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi jiġu rreġistrati meta jkunu dovuti.

Benefiċċji Soċjali Oħra Għajr Trasferimenti Soċjali In Natura (D.62)

4.102 L-intestatura D.62 hi magħmula minn tliet sottointestaturi:

Benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti (D.621);

Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali (D.622);

Benefiċċji tal-għajnuna soċjali fi flus kontanti (D.623).

Benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti (D.621)

4.103 *Definizzjoni:* Il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi flus huma benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali pagabbli fi flus kontanti lill-unitajiet domestiċi mill-fondi tas-sigurtà soċjali. Ir-rimborsi jiġu esklużi u ttrattati bħala trasferimenti soċjali in natura (D.632).

Tali benefiċċji jingħataw taħt skemi tas-sigurtà soċjali.

Dawn jistgħu jinqasmu fi:

— benefiċċji tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali fi flus (D.6211);

— benefiċċji mhux tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali fi flus (D.6212).

Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali (D.622)

4.104 *Definizzjoni:* Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali jikkorrispondu ma' benefiċċji pagabbli minn min iħaddem fil-kuntast ta' skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjeggi. Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjeggi huma benefiċċji soċjali (fi flus jew in natura) pagabbli mill-iskemi ta' assicurazzjoni soċjali apparti s-sigurtà soċjali lil kontributori għall-iskemi, id-dipendenti tagħhom jew is-superstiti tagħhom.

Normalment dawn ikunu jinkludu:

(a) il-pagament kontinwu ta' pagi normali, jew imnaqqsa, matul perijodi ta' assenza mix-xogħol minħabba problemi ta' saħħa, inċidenti, maternità, eċċ.;

(b) il-pagament ta' allokazzjonijiet għall-familja, l-edukazzjoni jew allokazzjonijiet oħrajn fir-rigward tad-dipendenti;

(c) il-pagament tal-pensjonijiet tal-irtirar jew tas-superstiti lil dawk li kienu impjegati jew is-superstiti tagħhom u l-pagament ta' allokazzjonijiet ta' tmiem l-impjieg lill-ħaddiema jew is-superstiti tagħhom fil-każ ta' sensja, nuqqas ta' kapaċità, mewt b'inċident, eċċ. (jekk marbuta ma' ftehimiet kollettivi);

(d) servizzi mediċi ġenerali mhux relatati max-xogħol tal-impjegat;

(e) djar ta' konvalenxa u ta' irtirar.

Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali (D.622) jistgħu jinqasmu fi:

— benefiċċji oħra tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali (D.6221);

— benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali li mhumiex tal-pensjoni (D.6222).

Benefiċċji tal-assistenza soċjali fi flus (D.623)

4.105 *Definizzjoni:* Il-benefiċċji tal-assistenza soċjali fi flus huma trasferimenti kurrenti pagabbli lill-unitajiet domestiċi mill-unitajiet tal-gvern jew NPISHs biex jissodisfaw l-istess ħtiġijiet bħall-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali iżda li ma jsirux taħt skema tal-assigurazzjoni soċjali li tirrikjedi l-parteċipazzjoni normalment permezz tal-kontribuzzjonijiet soċjali.

Għalhekk, dawn jeskludu l-benefiċċji kollha mħallsin mill-fondi tas-sigurtà soċjali. Il-benefiċċji tal-assistenza soċjali jistgħu jkunu pagabbli fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) ebda skema tal-assigurazzjoni soċjali ma teżisti biex tkopri ċ-ċirkostanzi kkonċernati;

(b) għalkemm jista' jkun hemm skema, jew skemi, ta' assicurazzjoni soċjali, l-unitajiet domestiċi kkonċernati ma jidhux sehem u mhumiex eliġibbli għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali;

- (c) il-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali mhumiex meqjusa adegwati biex ikopru l-ħtiġijiet ikkonċernati bil-benefiċċji tal-assistenza soċjali mħallsin ukoll;
- (d) Bħala kwistjoni ta' politika soċjali ġenerali.

Benefiċċji bħal dawn ma jinkludux trasferimenti kurrenti mħallsin b'reazzjoni għal avvenimenti jew ċirkostanzi li mhumiex normalment koperti minn skemi ta' assicurazzjoni soċjali (jiġifieri t-trasferimenti magħmula b'reazzjoni għal diżastri naturali, irreġistrati taħt trasferimenti kurrenti oħrajn jew taħt trasferimenti kapitali oħrajn).

4.106 Ħin tar-reġistrazzjoni tal-benefiċċji soċjali minbarra t-trasferimenti soċjali in natura (D.62):

- (a) fi flus kontanti, dawn jiġu rreġistrati meta l-pretensjonijiet fuq il-benefiċċji jkunu stabbiliti;
- (b) in natura, jiġu rreġistrati meta jingħataw is-servizzi, jew meta jseħħu l-bidliet fis-sjeda tal-oġġetti mogħtija direttament lill-unitajiet domestiċi minn produttori mhux tas-suq.

4.107 Benefiċċji soċjali oħrajn għajr trasferimenti soċjali in natura (D.62) jitniżżlu bħala:

- (a) użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-setturi li jagħtu l-benefiċċji;
- (b) użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ tal-benefiċċji mogħtija mill-bqija tad-dinja);
- (c) riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi;
- (d) riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ tal-benefiċċji mogħtija lill-unitajiet domestiċi mhux residenti).

Trasferimenti Soċjali In Natura (D.63)

4.108 *Definizzjoni:* It-trasferimenti soċjali in natura (D.63) jikkonsistu f'oġġetti u servizzi individwali pprovduti bla ħlas jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti lill-unitajiet domestiċi individwali mill-unitajiet tal-gvern u l-NPISHs, kemm jekk mixtrija fis-suq kif ukoll jekk manifatturati bħala output mhux għas-suq mill-unitajiet tal-gvern jew mill-NPISHs. Dawn jistgħu jkunu ffinanzjati mit-tassazzjoni, introjtu ieħor tal-gvern jew mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jew mid-donazzjonijiet u introjtu mill-proprietà fil-każ tal-NPISHs.

Is-servizzi li jingħataw bla ħlas, jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti, lill-unitajiet domestiċi, huma deskritti bħala servizzi individwali sabiex ikun hemm distinzjoni bejnhom u bejn is-servizzi kollettivi pprovduti lill-komunità kollha, jew lil taqsimiet kbar tal-komunità, bħad-difiża u d-dawl fit-toroq. Is-servizzi individwali jikkonsistu l-iktar f'servizzi tal-edukazzjoni u tas-saħħa, għalkemm tipi oħrajn ta' servizzi bħas-servizzi tad-djar, servizzi kulturali u ta' rikreazzjoni jingħataw ukoll b'mod frekwenti.

4.109 It-trasferimenti soċjali in natura (D.63) huma suddiviżi fi:

Trasferimenti soċjali in natura — gvern ġenerali u produzzjoni mhux għas-suq tal-NPISHs (D.631)

Definizzjoni: Trasferimenti soċjali in natura — gvern ġenerali u produzzjoni mhux għas-suq tal-NPISHs (D.631) huma oġġetti u servizzi individwali li jingħataw direttament lill-benefiċjarji mill-produtturi mhux tas-suq. Kull ħlas li jsir mill-unitajiet domestiċi nfushom għandu jitnaqqas.

Trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni tas-suq mixtrija mill-gvern ġenerali u l-NPISHs (D.632)

Definizzjoni: Trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni tas-suq mixtrija mill-gvern ġenerali u l-NPISHs (D.632) huma oġġetti u servizzi individwali:

- (a) fl-għamla ta' rimborsi mill-fondi tas-sigurtà soċjali tal-infiq approvat li sar mill-unitajiet domestiċi fuq oġġetti u servizzi speċifiċi; jew
- (b) mogħtija direttament lill-benefiċjarji mill-produtturi tas-suq li l-gvern ġenerali jixtri l-oġġetti u s-servizzi korrispondenti mingħandhom.

Kull ħlas li jsir mill-unitajiet domestiċi nfushom għandu jitnaqqas.

Meta unità domestika tixtri oġġett jew servizz li għalih se tkun sussegwentement rimborsata, parzjalment jew kompletament, minn fond tas-sigurtà soċjali, l-unità domestika tista' titqies bħallikieku qed taġixxi fisem il-fond tas-sigurtà soċjali. Fil-prattika, l-unità domestika tipprovi kreditu għal żmien qasir lill-fond tas-sigurtà soċjali li jkun likwidat hekk kif l-unità domestika titħallas lura.

L-ammont tan-nefqa rimborsat jiġi rreġistrat bħala mġarrab direttament mill-fond tas-sigurtà soċjali fil-mument li l-unità domestika tagħmel ix-xiri, filwaqt li l-unika nefqa rreġistrata għall-unità domestika hi d-differenza, jekk ikun hemm, bejn il-prezz imħallas mix-xerj u l-ammont rimborsat. B'hekk, l-ammont tan-nefqa rimborsat mhuwiex ittrattat bħala trasferiment kurrenti fi flus kontanti mill-fondi tas-sigurtà soċjali lill-unitajiet domestiċi.

- 4.110 Eżempji ta' trasferimenti soċjali in natura (D.63) huma trattamenti mediċi jew dentali, kirurġija, akkomodazzjoni fl-isptar, nuċċalijiet jew lentijiet tal-kuntatt, apparat jew tagħmir mediku, u oġġetti jew servizzi simili fil-kuntest tar-riskji jew ħtiġijiet soċjali.

Eżempji oħrajn li mhumiex koperti minn skema tal-assigurazzjoni soċjali huma d-djar soċjali, allokkazzjonijiet għall-abitazzjonijiet, day nurseries, taħriġ professjonali, tnaqqis fuq il-prezzijiet tat-trasport (sakemm ikun hemm għan soċjali), u oġġetti u servizzi simili fil-kuntest tar-riskji jew ħtiġijiet soċjali. Barra mill-ambitu tar-riskji jew il-bżonnijiet soċjali, meta l-gvern jagħti oġġetti u servizzi lill-unitajiet domestiċi individwali bħal servizzi ta' rikreazzjoni, kultura u sport b'xejn jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti, dawn jiġu ttrattati bħala trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni mhux għas-suq tal-gvern u NPISHs (D631).

- 4.111 Ħin tar-reġistrazzjoni: It-trasferimenti soċjali in natura (D.63) jiġu rreġistrati fil-waqt li jingħataw is-servizzi, jew meta jseħħu l-bidliet tas-sjeda tal-oġġetti mogħtija direttament lill-unitajiet domestiċi mill-produtturi.

It-trasferimenti soċjali in natura (D.63) jiġu rreġistrati:

- (a) fost l-użi fil-kont tar-ridistribuzzjoni tal-introjtu in natura tas-setturi li jagħtu l-benefiċċji;
- (b) fost ir-riżorsi fil-kont tar-ridistribuzzjoni tal-introjtu in natura tal-unitajiet domestiċi.

Il-konsum tal-oġġetti u s-servizzi ttrasferiti jiġi rreġistrat fl-użu tal-kont tal-introjtu disponibbli aġġustat.

Ma hemmx trasferimenti soċjali in natura mal-bqija tad-dinja (dawn jiġu rreġistrati f'D.62 Benefiċċji soċjali għajr it-trasferimenti soċjali in natura)

TRASFERIMENTI KURRENTI OĦRA (D.7)

Primjums Netti Tal-Assigurazzjoni Mhux Tal-Ħajja (D.71)

- 4.112 *Definizzjoni:* Il-primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.71) huma primjums pagabbli taħt poloz meħuda minn unitajiet istituzzjonali. Il-poloż meħuda minn unitajiet domestiċi individwali huma dawk meħuda fuq l-inizjattiva tagħhom u għall-ġid tagħhom stess, indipendentement minn min iħaddem jew mill-gvern u barra minn kull skema ta' assicurazzjoni soċjali. Il-primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jinvolvu kemm il-primjums effettivi pagabbli mid-detenturi tal-poloż sabiex jiksbu l-kopertura assigurativa matul il-perijodu bażi tal-kontijiet (primjums akkwistati) u s-supplementi tal-primjums pagabbli mill-introjtu mill-proprjetà attribwiti lid-detenturi tal-poloż tal-assigurazzjoni, wara li jitnaqqsu t-tariffi tas-servizz tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni li jieħdu ħsieb l-assigurazzjoni.

Il-primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja huma l-ammonti disponibbli biex jipprovdu kopertura kontra diversi avvenimenti jew inċidenti li jirriżultaw fi ħsara lil oġġetti jew proprjetà, jew dannu lil persuni minħabba kawżi naturali jew umani, pereżempju nirien, għargħar, ħabtiet, kollizzjonijiet, serq, vjolenza, inċidenti, mard, eċċ., jew kontra telf finanzjarju minħabba avvenimenti bħal mard, qgħad, inċidenti, eċċ.

Il-primjums tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja netti jinqasmu f'żewġ kategoriji:

- (a) il-primjums diretti netti tal-assigurazzjonijiet mhux tal-ħajja (D.711)
- (b) il-primjums netti tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.712).

- 4.113 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġu rreġistrati meta jiġu ggwadanjati.

Il-primjums tal-assigurazzjoni li minnhom jitnaqqsu t-tariffi tas-servizz huma dawk il-partijiet tal-primjums totali mħallsa fil-perijodu kurrenti, jew perijodi preċedenti, li jkopru riskji pendenti fil-perijodu kurrenti.

Irid ikun hemm distinzjoni bejn il-primjums iggwadanjati fil-perijodu attwali u l-primjums li jmisshom jitħallsu fil-perijodu attwali, li x'aktarx ikopru r-riskji fil-perijodi futuri kif ukoll fil-perijodu attwali.

Primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jitniżżlu bħala:

- (a) użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tad-detenturi tal-poloż residenti;
- (b) użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ tad-detenturi tal-poloż mhux residenti);
- (c) riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni residenti;
- (d) riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni mhux residenti).

Pretensjonijiet Tal-Assigurazzjoni Mhux Tal-Ħajja (D.72)

4.114 *Definizzjoni:* Il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.72) huma l-pretensjonijiet dovuti taħt kuntratti fir-rigward tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja; jiġifieri, l-ammonti li l-intrapriżi tal-assigurazzjoni huma obbligati li jħallsu b"kumpens għall-korrimenti jew danni mġarrba minn persuni jew oġġetti (inklużi oġġetti kapitali fissi).

Din l-intestatura tinqasam f'żewġ kategoriji:

- (a) pretensjonijiet tal-assigurazzjoni diretta mhux tal-ħajja (D.721);
- (b) pretensjonijiet tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.722).

4.115 Il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja ma tinkludix pagamenti li jikkostitwixxu benefiċċji soċjali.

Il-kumpens ta' pretensjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġi ttrattat bħala trasferiment lil min ikun għamel il-pretensjoni. Pagamenti bħal dawn jiġu ttrattati bħala trasferimenti kurrenti, anki meta ammonti kbar jistgħu jkunu involuti minħabba distruzzjoni aċċidentali ta' ass fiss jew korriment personali serju lil individwu.

Pretensjonijiet eċċezzjonalment kbar, pereżempju, wara diżastru, jistgħu ma jiġux ittrattati bħala trasferimenti kurrenti iżda bħala trasferimenti kapitali (ara l-punt (k) tal-paragrafu 4.165).

L-ammonti riċevuti minn min ikun għamel il-pretensjoni normalment ma jkunux impenjati għal għan partikolari u oġġetti jew assi li tkun saritilhom il-ħsara jew li ġew meqruda mhux bilfors jeħtieġu li jkunu msewwija jew sostitwiti.

Ċerti pretensjonijiet jinqalgħu minħabba dannu jew korriment li d-detenturi tal-poloż jikkawżaw lill-proprietà jew lill-persuni ta' partijiet terzi. Ftali każijiet, il-pretensjonijiet validi jiġu rreġistrati bħala pagabbli direttament mill-intrapriża tal-assigurazzjoni lill-partijiet li saritilhom il-ħsara u mhux indirettament permezz tad-detentur tal-polza.

4.116 Il-primjums u l-pretensjonijiet netti tar-riassigurazzjoni jiġu kkalkulati eżattament bl-istess mod bħall-primjums u l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Billi n-negozju tar-riassigurazzjoni huwa kkonċentrat fi ftit pajjiżi, il-biċċa l-kbira tal-poloż tar-riassigurazzjoni huma ma' unitajiet mhux residenti.

Xi unitajiet, speċjalment unitajiet tal-gvern, jistgħu jipprovdgu garanzija kontra l-falliment ta' debitur f'kundizzjonijiet li jkollhom l-istess karatteristiċi bħall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Dan iseħħ meta jinħarġu ħafna garanziji tal-istess tip u jkun possibbli li ssir stima realistika tal-livell ġenerali tal-fallimenti. F' tali każ, l-imposti mħallsa (u l-introjtu mill-proprietà ggwadanjat fuqhom) jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-primjums tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u s-sejħiet taħt il-garanziji standardizzati ta' self jiġu ttrattati bl-istess mod bħal pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.

4.117 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jiġu rreġistrati fil-mument li jseħħ l-aċċident jew kwalunkwe avveniment ieħor kopert mill-assigurazzjoni.

Dawn jitniżżlu bħala:

- (a) l-użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni residenti;
- (b) użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni mhux residenti);

- (c) riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-setturi benefiċjarji;
- (d) riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ tal-benefiċjarji mhux residenti).

Trasferimenti Kurrenti Fi Ħdan Il-Gvern Ġenerali (D.73)

- 4.118 *Definizzjoni:* It-trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali (D.73) jinkludu t-trasferimenti bejn is-sottosetturi differenti tal-gvern ġenerali (il-gvern ċentrali, il-gvern statali, il-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali) bl-eċċezzjoni tat-taxxi, sussidji, għotjiet ta' investment u trasferimenti kapitali oħrajn.

It-trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali (D.73) ma jinkludux transazzjonijiet fisem unità oħra; dawn jiġu rreġistrati darba biss fil-kontijiet, fir-riżorsi tal-unità benefiċjarja li fisimha ssir it-transazzjoni (ara l-paragrafu 1.78). Din is-sitwazzjoni tinqala' b'mod partikolari meta aġenzija tal-gvern (pereżempju dipartiment tal-gvern ċentrali) tiġbor it-taxxi li jiġu ttrasferiti awtomatikament, kollha jew parzjalment, lil aġenzija oħra tal-gvern (pereżempju awtorità lokali). Ftali każijiet, l-irċevuti tat-taxxa maħsuba għall-aġenzija l-oħra tal-gvern jidhru bħallikekku nġabru direttament minn dik l-aġenzija u mhux bħala trasferiment kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali. Din is-soluzzjoni tapplika partikolarment fil-każ tat-taxxi maħsuba għal aġenzija oħra tal-gvern fl-għamla ta' rati addizzjonali superimposti fuq taxxi imposti mill-gvern ċentrali. Id-dewmien fir-rimessi ta' taxxi mill-ewwel għat-tieni unità tal-gvern jagħti lok għall-entrati taħt "kontijiet oħrajn riċevibbli/pagabbli" fil-kont finanzjarju.

It-trasferimenti tal-irċevuti tat-taxxa li jiffurmaw parti minn block transfer mill-gvern ċentrali lil aġenzija tal-gvern oħra jiġu inklużi fit-trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali. Tali trasferimenti ma jikkorrispondux għal kategorija speċifika ta' taxxi u ma jsirux awtomatikament iżda l-iktar permezz ta' ċerti fondi (fondi tal-awtoritajiet lokali u tal-kontea) skont skali ta' tqassim stabbiliti mill-gvern ċentrali.

- 4.119 Ħin tar-reġistrazzjoni: It-trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali jiġu rreġistrati fil-mument li r-regolamenti fis-seħħ jistipulaw li għandhom isiru.
- 4.120 It-trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali jiġu rreġistrati bħala użi u riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-sottosetturi tal-gvern ġenerali. It-trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali huma flussi interni għas-settur tal-gvern ġenerali, u ma jidhrux f'kont konsolidat għas-settur kollu.

Kooperazzjoni Internazzjonali Kurrenti (D.74)

- 4.121 *Definizzjoni:* Il-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) tinkludi t-trasferimenti kollha fi flus kontanti jew in natura bejn il-gvern ġenerali u gvernijiet jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-bqija tad-dinja, bl-eċċezzjoni ta' għotjiet ta' investment u trasferimenti kapitali oħrajn.

- 4.122 L-intestatura D.74 tkopri:

- (a) il-kontribuzzjonijiet tal-gvern lill-organizzazzjonijiet internazzjonali (bl-esklużjoni tat-taxxi pagabbli mill-gvernijiet membri ta' organizzazzjonijiet supranazzjonali);
- (b) trasferimenti kurrenti li l-gvern ġenerali jista' jirċievi mill-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a). Ir-trasferimenti kurrenti li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jagħmlu direttament lill-produtturi tas-suq residenti jidhru bħala sussidji mħallsa mill-bqija tad-dinja;
- (c) it-trasferimenti kurrenti bejn il-gvernijiet, fi flus kontanti (pereżempju l-pagamenti maħsuba biex jiffinanzjaw id-defiċit tal-baġit ta' pajjiżi jew territorji barranin) jew in natura (pereżempju kontroparti ta' għotjiet ta' ikel, taġmir militari, għajjnuna ta' emerġenza wara diżastri naturali f'forma ta' ikel, ilbies, mediċini, eċċ.);
- (d) pagi u salarji mħallsin mill-gvern, istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew organizzazzjoni internazzjonali, lill-konsulenti jew esperti tal-għajjnuna teknika magħmula disponibbli lil pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti tinkludi trasferimenti bejn il-gvern ġenerali pubblika u organizzazzjonijiet internazzjonali li jinsabu fil-pajjiż, billi l-organizzazzjonijiet internazzjonali ma jiġux ittrattati bħala unitajiet istituzzjonali residenti tal-pajjiżi fejn jinsabu.

- 4.123 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-waqt li r-regolamenti fis-seħħ jistipulaw li t-trasferimenti għandhom isiru fil-każ tat-trasferimenti obbligatorji jew il-waqt meta jsiru t-trasferimenti fil-każ tat-trasferimenti volontarji.

4.124 Il-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti titniżżel bħala:

- (a) użi u riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-settur tal-gvern ġenerali;
- (b) riżorsi u użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Trasferimenti kurrenti varji (D.75)

Trasferimenti kurrenti lill-npishs (D.751)

4.125 *Definizzjoni:* It-trasferimenti kurrenti lill-NPISHs jinkludu l-kontribuzzjonijiet volontarji kollha (għajr il-wirt), abbonamenti ta' sħubija u għajjnuna finanzjarja li l-NPISHs jirċievu minn unitajiet domestiċi (inklużi unitajiet domestiċi mhux residenti) u, f'livell anqas, minn unitajiet oħrajn.

4.126 It-trasferimenti kurrenti lill-NPISHs jinkludu dawn li ġejjin:

- (a) abbonamenti regolari mħallsin mill-unitajiet domestiċi lit-trade unions u lil organizzazzjonijiet politiċi, sportivi, kulturali, reliġjużi u simili kklassifikati fis-settur tal-NPISHs;
- (b) kontribuzzjonijiet volontarji (minbarra l-wirt) minn unitajiet domestiċi, intrapriżi korporattivi u l-bqija tad-dinja lill-NPISHs, inklużi t-trasferimenti in natura fl-għamla ta' rigali ta' ikel, ħwejjeġ, kutri, mediċini, eċċ. lill-karità għad-distribuzzjoni lill-unitajiet domestiċi residenti jew mhux residenti. Dan it-trattament japplika għall-prodotti tal-konsum, billi t-trasferimenti ta' rigali kbar (l-oġġetti prezzjużi jiġu ttrattati bħala assi mhux finanzjarji) jitniżżlu fi trasferimenti kapitali oħrajn (D.99) (ara l-punt (e) tal-paragrafu 4.165).

Ir-rigali ta' artikoli mhux mixtieqa jew użati mill-unitajiet domestiċi ma jitniżżlux bħala trasferimenti;

- (c) l-assistenza u l-għotjiet mill-gvern ġenerali, minbarra trasferimenti li jsiru għall-iskop speċifiku tal-finanzjament tal-infiq kapitali, li jidhru taħt għotjiet ta' investiment.

Fit-trasferimenti kurrenti lill-NPISHs mhumiex inklużi pagamenti ta' sħubija jew abbonamenti lill-NPISHs tas-suq li jaqdu lin-negozji, bħall-kmamar tal-kummerċ jew assoċjazzjonijiet kummerċjali, li jiġu ttrattati bħala pagamenti għas-servizzi pprovduti.

4.127 Ħin tar-reġistrazzjoni: it-trasferimenti kurrenti lill-NPISHs jitniżżlu meta jsiru.

4.128 It-trasferimenti kurrenti lill-NPISHs jitniżżlu bħala:

- (a) użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-setturi kontribwenti;
- (b) użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti;
- (c) riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tas-setturi tal-NPISHs.

Trasferimenti kurrenti bejn l-unitajiet domestiċi (D.752)

4.129 *Definizzjoni:* It-trasferimenti kurrenti bejn l-unitajiet domestiċi (D.752) jikkonsistu fit-trasferimenti kurrenti kollha fi flus kontanti jew in natura, magħmula jew riċevuti, minn unitajiet domestiċi residenti lil, jew mingħand, unitajiet domestiċi oħra residenti jew mhux residenti. Partikolarment, dawn jinkludu rimessi mill-emigranti jew il-ħaddiema li jgħixu barra b'mod permanenti (jew jaħdmu barra għal perijodu ta' sena jew itwal) lil membri tal-familja tagħhom li jgħixu fil-pajjiż tal-orijini tagħhom, jew minn ġenituri lit-tfal f'post ieħor.

4.130 Il-ħin tar-reġistrazzjoni tat-trasferimenti kurrenti bejn l-unitajiet domestiċi għandhom jitniżżlu meta jsiru t-trasferimenti.

4.131 It-trasferimenti kurrenti bejn l-unitajiet domestiċi jitniżżlu bhala:

- (a) użi u riżorsi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi;
- (b) riżorsi u użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Trasferimenti kurrenti oħra varji (D.759)

Multi u penali

4.132 *Definizzjoni:* Il-multi u l-penali imposti fuq l-unitajiet istituzzjonali mill-qrati tal-liġi jew korpi kważi ġudizzjarji jiġu ttrattati bħala trasferimenti kurrenti mixxellanji oħrajn (D.759).

4.133 Dawn li ġejjin mhux inklużi fi trasferimenti kurrenti oħra varji (D.759):

- (a) multi u penali imposti mill-awtoritajiet tat-taxxa għall-evażjoni jew il-pagament tard tat-taxxi, li ma jistgħux jiġu distinti mit-taxxi nfushom u jibqgħu kklassifikati bħala taxxi;
- (b) pagamenti ta' imposti biex jinkisbu l-liċenzji, u dawn il-pagamenti jkunu taxxi jew pagamenti għal servizzi mogħtija mill-unitajiet governattivi.

4.134 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-multi u l-penali għandhom jiġu rreġistrati meta jirriżultaw il-passivi.

Lotteriji u loġħob tal-azzard

4.135 *Definizzjoni:* L-ammonti għax-xiri ta' biljetti tal-lotterija jew li jintlagħbu fuq l-imħatri jikkonsistu f'żewġ elementi: il-ħlas ta' tariffa għal servizz lill-unità li torganizza l-lotterija jew il-loġħob tal-azzard u trasferiment kurrenti residwali li jitħallas lir-rebbieħa.

It-tariffa għas-servizz tista' tkun sostanzjali u tkopri t-taxxi fuq il-produzzjoni tas-servizzi tal-loġħob tal-azzard. Fis-sistema, it-trasferimenti jitqiesu li seħħu direttament bejn dawk li jipparteċipaw fil-lotterija jew il-loġħob tal-azzard, jiġifieri, bejn unitajiet domestiċi. Meta jieħdu sehem unitajiet domestiċi mhux residenti jista' jkun hemm trasferimenti netti sinifikanti bejn is-settur tal-unitajiet domestiċi u l-bqija tad-dinja.

Ħin tar-reġistrazzjoni: it-trasferimenti kurrenti li jifdal jiġu rreġistrati meta jsiru.

Pagamenti ta' kumpens

4.136 *Definizzjoni:* Il-pagamenti ta' kumpens jikkonsistu fi trasferimenti kurrenti mħallsa minn unitajiet istituzzjonali lil unitajiet istituzzjonali oħrajn b'kumpens għal dannu lil persuni jew ħsara lil proprjetà, minbarra pagamenti ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Il-pagamenti ta' kumpens huma pagamenti obligatorji mogħtija minn qorti tal-ġustizzja, jew pagamenti volontarji miftiehma barra mill-qorti. Din l-intestatura tkopri pagamenti volontarji magħmula mill-unitajiet governattivi jew l-NPISHs b'kumpens għall-korrimenti jew il-ħsara kkawżata minn diżastri naturali minbarra dawk ikklassifikati bħala trasferimenti kapitali.

4.137 Ħin tar-reġistrazzjoni: il-pagamenti tal-kumpens jitniżżlu meta jsiru (pagamenti volontarji) jew meta jkunu dovuti (pagamenti obligatorji).

4.138 Forom oħra ta' trasferimenti kurrenti oħra varji:

- (a) it-trasferimenti kurrenti mill-NPISHs lill-gvern ġenerali li mhumiex taxxi;
- (b) il-pagamenti mill-gvern ġenerali lill-intrapriżi pubbliċi kklassifikati bħala intrapriżi mhux finanzjarji korporattivi u kważi korporattivi maħsuba biex ikopru tariffi abnormali ta' pensjonijiet;
- (c) fellowships tal-ivvjaġġar u għotjiet mogħtija lil unitajiet domestiċi residenti jew mhux residenti mill-gvern ġenerali jew l-NPISHs;
- (d) pagamenti ta' bonuses fuq it-tfaddil mogħtija f'intervalli mill-gvern ġenerali lill-unitajiet domestiċi sabiex jippremjahom għat-tifdil tagħhom matul il-perijodu;
- (e) ir-rifużjonijiet mill-unitajiet domestiċi ta' infiq imġarrab fisimhom mill-organizzazzjonijiet tal-benessri soċjali;
- (f) it-trasferimenti kurrenti mill-NPISHs lill-bqija tad-dinja;
- (g) sponsorjar minn korporazzjonijiet jekk dawk il-pagamenti ma jistgħux jitqiesu bħala xiri ta' reklamar jew servizzi oħrajn (pereżempju, trasferimenti għal skop tajjeb, jew boroż ta' studju);
- (h) trasferimenti kurrenti mill-gvern ġenerali lill-unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi, jekk ma jiġux irreġistrati bħala benefiċċji soċjali;
- (i) il-kontroparti tat-trasferiment mill-Bank Ċentrali lill-MFIs (S.122 u S.125) biex jiġi kopert il-konsum intermedju tal-parti allokata mhux direttament tal-output tal-Bank Ċentrali (ara l-Kapitolu 14: FISIM).

4.139 Ħin tar-reġistrazzjoni: it-trasferimenti elenkati fil-punt 4.138 jiġu rreġistrati meta jsiru, ħliet dawk mill-gvern ġenerali jew lilu, li jitniżżlu meta jkunu dovuti.

It-trasferimenti kurrenti mixxellanji oħrajn jidhru bhala:

- (a) riżorsi u użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjt tas-setturi kollha;

(b) riżorsi u użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

Riżorsi Proprji Tal-Ue Bbażati Fuq Il-Vat U L-Introjtu Nazzjonali Gross (Ing) (D.76)

4.140 *Definizzjoni:* It-tielet u r-raba' riżorsi proprji tal-UE bbażati fuq il-VAT u l-ING huma trasferimenti kurrenti mħallsin mill-gvern ġenerali ta' kull Stat Membru lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

It-tielet riżorsa proprja tal-UE bbażata fuq il-VAT (D.761) u r-raba' riżorsa proprja tal-UE bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) (D.762) huma kontribuzzjonijiet lill-baġit tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-livell tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru huwa bbażat fuq il-livelli tal-bażi tal-VAT tagħhom u l-ING tagħhom.

L-intestatura D.76 tinkludi wkoll kontribuzzjonijiet mixxellanji mhux fiskali tal-gvern lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (D.763).

Ħin tar-reġistrazzjoni: It-tielet u r-raba' riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING jiġu rreġistrati meta jkunu dovuti.

It-tielet u r-raba' riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING jitniżżlu bħala:

(a) użi fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu tal-gvern ġenerali;

(b) riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti.

AĠĠUSTAMENT GĦALL-BIDLA FL-INTITOLAMENTI TAL-PENSIJONI (D.8)

4.141 *Definizzjoni:* L-aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni (D.8) jirrappreżenta l-aġġustament meħtieġ biex fit-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tidher il-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni li l-unitajiet domestiċi għandhom dritt definittiv għalihom. Il-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni tiġi minn kontribuzzjonijiet u benefiċċji rreġistrati fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu.

4.142 Billi l-unitajiet domestiċi jiġu ttrattati fil-kontijiet finanzjarji u l-karti tal-bilanċ tas-sistema bħala sidien tal-intitolamenti tal-pensjoni, jinħtieġ punt ta' aġġustament biex ikun żgurat li kull eċċess tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni iktar mill-irċevuti tal-pensjoni ma jaffettwax it-tfaddil tal-unità domestika.

Biex dan l-effett jiġi newtralizzat, jinħtieġ aġġustament daqs:

Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi u imputati fir-rigward tal-pensjonijiet pagabbli fi skemi ta' pensjoni li l-unitajiet domestiċi jkollhom dritt definittiv għalihom

Flimkien ma' Il-valur totali tas-supplimenti tal-kontribuzzjoni pagabbli mill-introjtu mill-proprjetà attribwit lil benefiċjarji ta' skemi tal-pensjoni

Mingħajr Il-valur tal-ħlasijiet assoċjati għas-servizzi.

Mingħajr Il-valur totali tal-pensjonijiet imħallsin bħala benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali minn skemi tal-pensjoni.

jiżdied mal-introjtu disponibbli, jew l-introjtu disponibbli aġġustat, tal-unitajiet domestiċi fil-kontijiet tal-użu tal-introjtu qabel ma jasal fit-tfaddil.

B'dan il-mod, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi jkun l-istess bħal dak li kien ikun li kieku l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni u l-irċevuti tal-pensjoni ma kinux ġew irreġistrati bħala trasferimenti kurrenti fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu. Din l-entrata ta' aġġustament hi meħtieġa sabiex it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi jkun rikonċiljat mal-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni rreġistrata fil-kont finanzjarju tas-sistema. Jinħtieġu, naturalment, aġġustamenti opposti fil-kontijiet tal-użu tal-introjtu tal-unitajiet responsabbli għall-ħlas tal-pensjonijiet.

4.143 Ħin tar-reġistrazzjoni: l-aġġustament jiġi rreġistrat skont il-kalendarju tal-flussi li jikkomponuh.

4.144 L-aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni jiġi rreġistrat bħala:

(a) użi fil-kontijiet tal-użu tal-introjtu tas-setturi li fihom huma kklassifikati l-unitajiet responsabbli għall-ħlas tal-pensjonijiet;

(b) użi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ ta' istituzzjonijiet mhux residenti);

- (c) riżorsi fil-kont tal-użu tal-introjtu tas-settur tal-unitajiet domestiċi;
- (d) riżorsi fil-kont estern tal-introjti primarji u t-trasferimenti kurrenti (fil-każ ta' unitajiet domestiċi mhux residenti).

TRASFERIMENTI KAPITALI (D.9)

4.145 *Definizzjoni:* It-trasferimenti kapitali jirrikjedu l-akkwist jew iċ-ċessjoni ta' ass, jew assi, minn għallinqas wieħed mill-partijiet fit-transazzjoni. Irrispettivament minn jekk isirux fi flus jew in natura, dawn jirriżultaw f'bidla proporzjonata fl-assi finanzjarji, jew mhux finanzjarji, li jidhru fil-karti tal-bilanċ ta' parti waħda fit-transazzjoni jew tat-tnejn.

4.146 Trasferiment kapitali in natura jikkonsisti fit-trasferiment tas-sjeda ta' ass (minbarra inventarji u flus), jew il-kanċellazzjoni ta' passiv minn kreditur, mingħajr ma' tkun riċevuta kontroparti għalih.

Trasferiment kapitali fi flus kontanti jikkonsisti fit-trasferiment tal-flus kontanti li l-ewwel parti tkun akkwistat bit-tneħħija ta' ass, jew assi (minbarra inventarji), jew li t-tieni parti tkun mistennija, jew obbligata, tuża għall-akkwist ta' ass, jew assi (minbarra inventarji). It-tieni parti, dik li tirċievi, hija obbligata tuża l-flus biex takkwista ass, jew assi, bħala kundizzjoni li biha jsir it-trasferiment.

Il-valur tat-trasferiment ta' ass mhux finanzjarju jiġi evalwat bil-prezz stmat li bih l-ass, ġdid jew użat, jista' jinbiegħ fis-suq flimkien ma' spejjeż tat-trasport, tal-installazzjoni jew spejjeż oħra tat-trasferiment tas-sjeda mgħarrba mid-donatur iżda minbarra kwalunkwe spejjeż imgħarrba mill-persuna li tirċievi. It-trasferimenti tal-assi finanzjarji jiġu evalwati bl-istess mod bħal akkwisti jew ċessjonijiet oħra ta' assi jew passivi finanzjarji.

4.147 It-trasferimenti kapitali jinkludu t-taxxi kapitali (D.91), għotjiet tal-investment (D.92) u trasferimenti kapitali oħra (D.99).

Taxxi Kapitali (D.91)

4.148 *Definizzjoni:* It-taxxi kapitali (D.91) jikkonsistu f'taxxi miġbura f'intervalli irregolari u intervalli rari ħafna fuq il-valur tal-assi jew il-valur nett tal-unitajiet istituzzjonali jew fuq il-valuri tal-assi ttrasferiti bejn unitajiet istituzzjonali b'riżultat ta' wirt, rigali bejn il-persuni, jew trasferimenti oħrajn.

4.149 It-taxxi kapitali (D.91) jinkudu:

- (a) taxxi fuq it-trasferimenti kapitali: taxxi fuq il-wirt, taxxi tas-suċċessjoni u taxxi fuq rigali bejn il-persuni, li jkunu imposti fuq il-kapital tal-benefiċjarji. It-taxxi fuq il-bejgħ tal-assi mhumiex inklużi;
- (b) imposti kapitali: imposti okkażjonali u eċċezzjonali fuq assi jew il-valur nett ta' unitajiet istituzzjonali. Dawn jinkludu imposti ta' titjib jiġifieri taxxi fuq iż-żieda fil-valur tal-art agrikola minħabba l-permess tal-ippjanar biex tiġi żviluppata l-art għal raġunijiet kummerċjali jew residenzjali.

It-taxxi fuq il-qligħ kapitali ma jiġux irreġistrati bħala taxxi kapitali, iżda bħala taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ.

4.150 It-taxxi mniżżla fil-kontijiet jiġu minn żewġ sorsi: ammonti ppruvati minn stimi u dikjarazzjonijiet, jew irċevuti tal-flus kontanti.

- (a) Jekk jintużaw stimi u dikjarazzjonijiet, l-ammonti jiġu aġġustati b'koeffiċjent li jirrifletti l-ammonti stmati u ddikjarati li ma jkunx ingābru. Bħala trattament alternattiv, trasferiment kapitali lis-setturi rilevanti jiġi rreġistrat bħala ugwali għall-istess aġġustament. Il-koeffiċjenti jiġu stmati fuq il-bażi ta' esperjenza mgħoddija u stennijiet attwali fejn għandhom x'jaqsmu l-ammonti stmati u ddikjarati qatt miġbura. Dawn huma speċifiċi għal tipi differenti ta' taxxi;
- (b) Jekk jintużaw irċevuti tal-flus, għandhom ikunu aġġustati skont iż-żmien sabiex il-flus kontanti jkunu attribwiti meta seħħet l-attività biex tiġġenera l-obbligu ta' taxxa, jew jekk dan ma jkunx magħruf, meta l-ammont tat-taxxa ġie ddeterminat. Dan l-aġġustament huwa bbażat fuq id-differenza medja fiż-żmien bejn l-attività (jew id-determinazzjoni tal-ammont tat-taxxa) u l-irċevuta tat-taxxa fi flus.

4.151 It-taxxi kapitali jitnizzlu bhala:

- (a) bidliet fil-passivi u l-valur nett (-) fil-kont kapitali tas-setturi li filhom huma kklassifikati dawk li jħallu t-taxxa;
- (b) bidliet fil-passivi u l-valur nett (+) fil-kont kapitali tal-gvern ġenerali;

(c) bidliet fil-passivi u l-valur nett fil-kont kapitali tal-bqija tad-dinja.

Għotjiet Ta' Investment (D.92)

4.152 *Definizzjoni:* Għotjiet ta' investment (D.92) jikkonsistu fi trasferimenti kapitali fi flus jew in natura li jsiru mill-gvernijiet jew mill-bqija tad-dinja lil unitajiet istituzzjonali residenti jew mhux residenti biex jiffinanzjaw parti mill-ispejjeż, jew l-ispejjeż kollha, tal-akkwist ta' assi fissi minnhom.

L-għotjiet ta' investment mill-bqija tad-dinja jinkludu dawk imħallsin direttament mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (eż. trasferimenti mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD)).

4.153 L-għotjiet ta' investment in natura jikkonsistu fi trasferimenti ta' tagħmir tat-trasport, makkinarju u tagħmir ieħor mill-gvernijiet lil unitajiet residenti jew mhux residenti oħra u wkoll il-provvista diretta ta' bini jew strutturi oħrajn għal unitajiet residenti jew mhux residenti.

4.154 Il-valur tal-formazzjoni kapitali mwettqa mill-gvern ġenerali għall-benefiċċju ta' setturi oħrajn tal-ekonomija jiġi rreġistrat bħala għotjiet ta' investment kull meta l-benefiċjarju jkun identifikabbli u jsir sid il-kapital. F'każijiet bħal dawn, il-formazzjoni kapitali tiġi rreġistrata bħala bidliet fl-assi fil-kont kapitali tal-benefiċjarju u tiġi ffinanzjata b'għotja ta' investment li tiġi rreġistrata bħala bidliet fil-passivi u l-valur nett fl-istess kont.

4.155 L-għotjiet ta' investment (D.92) tinkludi kemm pagamenti f'somma f'daqqa maħsuba biex jiffinanzjaw il-formazzjoni kapitali matul l-istess perijodu, kif ukoll pagamenti bin-nifs fir-rigward ta' formazzjoni kapitali mwettqa f'perijodu preċedenti. Dawk il-partijiet tal-pagamenti annwali mill-gvern ġenerali lil intrapriżi li jirrappreżentaw l-amortizzazzjoni tad-dejn ta' intrapriżi li ttieħed bl-iskop ta' proġetti tal-gvern ta' formazzjoni kapitali jiġu ttrattati bħala għotjiet ta' investment.

4.156 L-għotjiet għall-ħelsien mill-imgħax li jsiru mill-gvern ġenerali huma esklużi mill-għotjiet ta' investment. It-teħid mill-awtoritajiet pubbliċi ta' parti mill-ispejjeż tal-imgħax huwa transazzjoni distributtiva kurrenti. Madankollu, meta għotja jkollha l-iskop doppju tal-finanzjament tal-amortizzazzjoni tad-dejn u l-ħlas tal-imgħax fuq il-kapital misluf, u meta ma jkunx possibbli li dawn iż-żewġ elementi jiġu separati, l-għotja sħiħa tiġi ttrattata fil-kontijiet bħala għotja ta' investment.

4.157 L-għotjiet ta' investment lil intrapriżi korporattivi u kważi korporattivi mhux finanzjarji jinkludu, minbarra għotjiet lil intrapriżi privati, għotjiet kapitali lil intrapriżi pubbliċi rikonoxxuti bħala unitajiet istituzzjonali, sakemm id-dipartiment tal-gvern li jagħmel l-għotja ma jżommx pretensjoni kontra l-intrapriża pubblika.

4.158 L-għotjiet ta' investment lis-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludu għotjiet ta' tagħmir u modernizzazzjoni lin-negozji minbarra intrapriżi korporattivi jew kważi korporattivi u għotjiet lill-unitajiet domestiċi għall-bini, ix-xiri u t-titjib tal-abitazzjonijiet.

4.159 L-għotjiet ta' investment lill-gvern ġenerali jinkludu pagamenti (ħliet għotjiet għall-ħelsien mill-imgħax) lil subset-turi tal-gvern ġenerali biex tiġi ffinanzjata l-formazzjoni kapitali. L-għotjiet ta' investment fi ħdan il-gvern ġenerali huma flussi interni lis-settur tal-gvern ġenerali u ma jidhrux f'kont konsolidat għas-settur sħiħ. Eżempji ta' għotjiet ta' investment fi ħdan il-gvern ġenerali huma trasferimenti mill-gvern ċentrali lill-awtoritajiet lokali għall-għan speċifiku li tiġi ffinanzjata l-formazzjoni kapitali fissa grossa tagħhom. It-trasferimenti intiżi għal skopijiet indeterminati varji jiġu rreġistrati bħala trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali, anki jekk dawn jintużaw biex ikopru n-nefqa fuq il-formazzjoni kapitali.

4.160 L-għotjiet ta' investment lil istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ mill-gvern ġenerali u mill-bqija tad-dinja huma distinti mit-trasferimenti kurrenti lil istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ billi jintużaw il-kriterji stipulati fil-paragrafu 4.159.

4.161 L-għotjiet ta' investment lill-bqija tad-dinja huma ristretti għal trasferimenti bl-għan speċifiku li jiffinanzjaw il-formazzjoni kapitali minn unitajiet mhux residenti. Dawn jinkludu, pereżempju, trasferimenti unilaterali għall-bini ta' pontijiet, toroq, fabriki, spatarijiet jew skejjet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew għall-bini tal-binjiet għal organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn jistgħu jinkludu pagamenti bin-nifs fuq perijodu ta' żmien kif ukoll pagament wieħed. Din l-intestatura tkopri wkoll il-provvista ta' oġġetti kapitali fissi b'xejn jew b'valur imnaqqas.

4.162 Ħin tar-reġistrazzjoni: l-għotjiet ta' investment fi flus kontanti jiġu rreġistrati meta l-pagament ikun dovut. L-għotjiet ta' investment in natura jiġu rreġistrati meta s-sjieda tal-ass tiġi ttrasferita.

4.163 L-għotjiet ta' investment jitniżżlu bħala:

(a) bidliet fil-passivi u l-valur nett (-) fil-kont kapitali tal-gvern ġenerali;

- (b) bidliet fil-passivi u l-valur nett (+) fil-kont kapitali tas-setturi li jirċievu l-għotjiet;
- (c) bidliet fil-passivi u l-valur nett fil-kont kapitali tal-bqija tad-dinja.

Trasferimenti Kapitali Oħra (D.99)

4.164 *Definizzjoni:* It-trasferimenti kapitali l-oħra (D.99) jkopru trasferimenti li mhux għotjiet ta' investiment u taxxi kapitali li huma stess ma jagħmlux distribuzzjoni mill-ġdid tal-introjtu iżda jgħaddu mill-ġdid it-tfaddil jew il-ġid fost is-setturi jew is-subsetturi differenti tal-ekonomija jew tal-bqija tad-dinja. Dawn jistgħu jsiru fi flus jew in natura (każijiet ta' teħid tad-dejn jew kanċellazzjoni ta' dejn) u jikkorrispondu għat-trasferimenti volontarji tal-ġid.

4.165 It-trasferimenti kapitali l-oħra (D.99) jinkludu t-transazzjonijiet li ġejjin:

- (a) pagamenti mill-gvern ġenerali jew mill-bqija tad-dinja lis-sidien tal-prodotti kapitali meqruda jew li saritilhom il-ħsara minħabba gwerra, avvenimenti politiċi oħra jew diżastri naturali (għargħar, eċċ.);
- (b) trasferimenti mill-gvern ġenerali lil intrapriżi korporattivi u kważi korporattivi mhux finanzjarji biex ikopru t-telf akkumulati fuq bosta snin finanzjarji jew telf eċċezzjonali minħabba kawżi li mhumiex fil-kontroll tal-intrapriża (anki fil-każ ta' injezzjoni kapitali);
- (c) trasferimenti bejn sottosetturi tal-gvern ġenerali maħsuba biex ikopru l-infiq mhux mistenni jew id-defiċits akkumulati. Dawn it-trasferimenti bejn is-sottosetturi tal-gvern ġenerali huma flussi fis-settur tal-gvern ġenerali u ma jidherx f'kont konsolidat għas-settur shif.
- (d) pagamenti ta' bonuses mhux rikorrenti fuq it-tfaddil mogħtija mill-gvern ġenerali lill-unitajiet domestiċi biex jippremjhom għat-tfaddil tagħhom fuq perijodu ta' bosta snin;
- (e) wirt, rigali kbar bejn il-persuni u donazzjonijiet bejn l-unitajiet li jagħmlu parti minn setturi differenti, inkluż wirt jew rigali kbar lil istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ (NPIs). Eżempji ta' rigali lill-NPIs huma rigali lill-universitajiet biex ikopru l-ispejjeż tal-bini ta' kulleġġi residenzjali ġodda, libreriji, laboratorji, eċċ.;
- (f) il-kontroparti tat-transazzjoni tal-kanċellazzjoni tad-dejn bi ftehim bejn l-unitajiet istituzzjonali li jagħmlu parti minn setturi jew sottosetturi differenti (pereżempju, il-kanċellazzjoni mill-gvern ta' dejn li pajjiż barrani għandu miegħu; pagamenti fi tweek ta' garanziji li jeħilsu debituri falluti mill-obbligi tagħhom) — ħliet għall-każ partikolari ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli lis-settur tal-gvern ġenerali (ara l-punt (j)). Tali kanċellazzjonijiet bi qbil reċiproku jġu ttrattati bħala trasferiment kapitali mill-kreditur lid-debitur daqs il-valur tad-dejn pendenti fil-waqt tal-kanċellazzjoni. Bl-istess mod, il-kontroparti tat-transazzjoni tat-teħid tad-dejn, u ta' transazzjonijiet simili oħra (attivazzjoni ta' garanziji marbutin ma' skemi ta' garanziji mhux standardizzati, jew riskedar tad-dejn meta parti mid-dejn tneħħiet jew ġiet trasferita), hija trasferiment kapitali ieħor. Madankollu, dawn li ġejjin huma esklużi:
 - (1) il-kanċellazzjoni ta' pretensjonijiet finanzjarji fil-konfront ta' kważi korporazzjonijiet u t-teħid tal-passivi tagħhom minn sid il-kważi korporazzjoni. Dan il-każ jġi ttrattat bħala transazzjoni fl-ekwiżità u ishma tal-fond tal-investiment (F.5);
 - (2) il-kanċellazzjoni ta' dejn u t-teħid tad-dejn ta' korporazzjoni pubblika mill-gvern li fis-sistema ma tibqax tidher bħala unità istituzzjonali. Dan il-każ jġi rreġistrat fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi (K.5);
 - (3) il-kanċellazzjoni ta' dejn u t-teħid tad-dejn ta' korporazzjoni pubblika mill-gvern bħala parti minn proċess li għaddej ta' privatizzazzjoni li għandu jinkiseb malajr. Dan il-każ jġi ttrattat bħala transazzjoni fl-ekwiżità u l-ishma tal-fond tal-investiment (F.5).

It-tħassir tad-dejn mhuwiex transazzjoni bejn l-unitajiet istituzzjonali u għalhekk ma jidher la fil-kont kapitali u lanqas fil-kont finanzjarju. Jekk il-kreditur jiddeċiedi li jħassar id-dejn, dan jtniżżel fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi tal-kreditur u tad-debitur. Il-provviżjonijiet għal dejn li ma jstax jitħallas jġu ttrattati bħala entrati tal-kontabbiltà li huma interni għall-unità produttiva istituzzjonali u ma jtniżżlux ħliet fil-każ ta' xi telf mistenni fuq self mhux produttiv, li jtniżżel bħala punti tal-memorandum fil-karti tal-bilanċ. Ir-rifjut unilaterali tal-ħlas tad-dejn minn debitur ukoll mhijiex transazzjoni u ma ttniżżilx;

- (g) dik il-parti ta' qligħ (jew telf) kapitali realizzati li tiġi ridistribwita lil settur ieħor, bħal, pereżempju, qligħ kapitali ridistribwit mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni lill-unitajiet domestiċi. Madankollu, il-kontroparti tat-transazzjonijiet tat-trasferimenti lill-gvern ġenerali tar-rikavati mill-privatizzazzjoni li jsir indirettament (permezz ta' kumpanija possedenti, pereżempju) jtniżżlu bħala transazzjonijiet finanzjarji fl-ekwiżità u l-ishma tal-fond tal-investiment (F.5) u ma jkollhomx impatt fuq il-livell tal-għoti/teħid nett tas-self tal-gvern ġenerali;

- (h) ħlasijiet kbar b'kumpens għall-ħsara jew korrimenti mhux koperti mill-poloż tal-assigurazzjoni (ħliet pagamenti mill-gvern ġenerali jew mill-bqija tad-dinja deskritti fil-punt (a)). Il-pagamenti jingħataw mill-qrati tal-liġi jew jiġu riżolti barra mill-qorti. Eżempji ta' għaliq jinkludu pagamenti ta' kumpens għal ħsara kkawżata minn splużjonijiet kbar, ħruġ taż-żejt, l-effetti sekondarji tal-mediċini, eċċ.;
- (i) pagamenti straordinarji fil-fondi tal-assigurazzjoni soċjali minn min iħaddem (inkluż il-gvern) jew mill-gvern (bħala parti mill-funzjoni soċjali tiegħu), sakemm dawn il-pagamenti jkunu maħsuba biex iżidu r-riżervi attwari ta' dawn il-fondi. L-aġġustament korrispondenti mill-fondi tal-assigurazzjoni soċjali lill-unitajiet domestiċi jitniżżel ukoll bħala trasferimenti kapitali oħra (D.99);
- (j) meta t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli lis-settur tal-gvern ġenerali jiġu rreġistrati fuq il-bażi ta' stimuli u dikjarazzjonijiet, il-parti li x'aktarx mhix se tinġabar tiġi newtralizzata fl-istess perijodu bażi tal-kontijiet. Dan isir billi jiġi rreġistrat 'Trasferiment kapitali ieħor' (D.99), bħala entrata taħt D.995, bejn il-gvern ġenerali u s-setturi rilevanti. Dan il-fluss D.995 għandu jiġi suddiviż skont il-kodifikazzjoni tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali differenti kkonċernati;
- (k) għotjiet tal-assigurazzjoni wara li sseħħ katastrofi: wara katastrofi, il-valur totali tal-pretensjonijiet marbutin mal-katastrofi, kif miġsub mill-informazzjoni tal-industrija tal-assigurazzjoni, jiġi rreġistrat bħala trasferiment kapitali mill-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni lid-detenturi tal-poloż. Meta l-informazzjoni dwar pretensjonijiet marbutin mal-katastrofi ma tkunx tista' tingħata mill-industrija tal-assigurazzjoni, il-pretensjonijiet marbutin mal-katastrofi jiġu stmati bħala d-differenza bejn il-pretensjonijiet infushom u l-pretensjonijiet aġġustati fil-perijodu tal-katastrofi;
- (l) assi mibnija mill-komunità fejn ir-responsabbiltà għall-manutenzjoni tiġi assunta mbagħad mill-gvern.

4.166 Il-ħin tar-reġistrazzjoni jiġi ddeterminat kif ġej:

- (a) trasferimenti kapitali oħrajn fi flus kontanti jiġu rreġistrati meta l-pagament imissu jsir;
- (b) trasferimenti kapitali oħrajn in natura jiġu rreġistrati meta s-sjieda tal-assi tiġi ttrasferita jew il-passiv jiġi kkanċellat mill-kreditur.

4.167 It-trasferimenti kapitali l-oħrajn jidhru fost il-bidliet fil-passivi u l-valur nett fil-kont kapitali tas-setturi u tal-bqija tad-dinja.

OPZJONIJIET FUQ IT-TITOLI TAL-IMPJEGATI (ESOS)

- 4.168 Forma partikolari ta' introjtu in natura hija l-prassi ta' persuna li tħaddem li jagħti impjegat l-għażla li jixtri titoli (ishma) bi prezz speċifiku f'xi data futura. L-ESO hija simili għal derivattiva finanzjarja u l-impjegat jista' jagħżel li ma jiħux din l-opzjoni, jew minħabba li l-prezz tas-sehem dak il-ħin ikun inqas mill-prezz li bih jista' jeżerċita din l-opzjoni jew minħabba li jkun telaq minn ma' dik il-persuna li kienet tħaddmu u għalhekk jitlef din l-opzjoni.
- 4.169 Tipikament, min iħaddem jinforma lill-impjegati tiegħu bid-deċiżjoni li jagħmel disponibbli opzjoni fuq it-titoli bi prezz partikolari (strike price jew il-prezz tal-eżerċizzju) wara ċertu żmien f'ċerti kundizzjonijiet (pereżempju, li l-impjegat ikun għadu qed jaħdem għal din il-persuna li tħaddem, jew skont kemm tkun sejra tajjeb l-intrapriża). Il-ħin meta ssir ir-reġistrazzjoni tal-opzjoni fuq it-titoli tal-impjegat fil-kontijiet nazzjonali għandu jkun speċifikat bir-reqqa. Id-"data tal-għoti" hija meta l-opzjoni tkun ingħata lill-impjegat, id-"data tal-użu" hija l-ewwel data minn meta tista' tibda tintuża din l-opzjoni, u d-"data tal-eżerċizzju" hija meta l-opzjoni tkun għet tabilħaqq użata (jew tiskadi).
- 4.170 Ir-rakkomandazzjonijiet tal-kontabbiltà tal-Bord tal-Istandards ta' Kontabbiltà Internazzjonali (IASB) huma li l-intrapriża tiegħu valur ġust għall-opzjonijiet fid-data tal-għoti billi tiegħu l-istrike price tal-ishma f'dak il-waqt immultiplikata bl-għadd ta' opzjonijiet li mistennija jkunu jistgħu jiġu eżerċitati fid-data tal-użu diviż bl-għadd ta' snin ta' servizz li mistennija jingħataw sad-data tal-użu.
- 4.171 Fis-SEK, jekk ma hemm la prezz tas-suq osservabbli u lanqas stima mill-korporazzjoni f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li saru, il-valutazzjoni tal-opzjonijiet tista' tiġi stmata permezz ta' mudell tal-ipprezzar tal-opzjonijiet fuq it-titoli. Tali mudelli għandhom l-għan li jaqbd u żewġ effetti fil-valur tal-opzjoni. L-ewwel effett huwa projezzjoni tal-ammont li bih il-prezz tas-suq tal-ishma kkonċernati se jibqgħu l-istrike price fid-data tal-użu. It-tieni effett jippermetti l-istennija li l-prezz se jogħla iktar bejn id-data tal-użu u d-data tal-eżerċizzju.
- 4.172 Qabel ma tiġi eżerċitata l-opzjoni, l-arranġament bejn min iħaddem u l-impjegat għandu l-għamla ta' derivattiva finanzjara u jidher bħala tali fil-kontijiet finanzjarji taż-żewġ partijiet.
- 4.173 Stima tal-valur tal-ESO għandu jsir fid-data tal-għoti. Dan l-ammont għandu jiġi inkluż bħala parti mill-kumpens tal-impjegati mifruż fuq il-perijodu bejn id-data tal-għoti u d-data tal-użu, jekk ikun possibbli. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-valur tal-opzjoni għandu jiġi rreġistrat fid-data tal-użu.

- 4.174 L-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-ESO jitħallsu minn min iħaddem u jiġu ttrattati bħala parti mill-konsum inter-medju bħal kull funzjoni amministrattiva oħra marbuta mal-kumpens tal-impjegati.
- 4.175 Għalkemm il-valur tal-opzjoni fuq it-titoli jiġi ttrattat bħala introjtu, ma hemmx introjtu mill-investment marbut mal-ESOs.
- 4.176 Fil-kont finanzjarju, l-akkwist tal-ESOs mill-unitajiet domestiċi jaqbel mal-parti korrispondenti tal-kumpens tal-impjegati b'passiv korrispondenti ta' min iħaddem.
- 4.177 Fil-prinċipju, kull bidla fil-valur bejn id-data tal-għotja u d-data tal-użu għandha tiġi ttrattata bħala parti mill-kumpens tal-impjegati filwaqt li kwalunkwe bidla fil-valur bejn id-data tal-użu u d-data tal-eżerċizzju ma tiġix ittrattata bħala kumpens tal-impjegati iżda bħala qligħ jew telf nominali. Fil-prattika, mhuwiex probabbli li l-istimi tal-ispejjeż tal-ESOs lil min iħaddem jiġu riveduti bejn id-data tal-għoti u d-data tal-eżerċizzju. Għal raġunijiet prammatiċi, għalhekk, iż-żieda kollha bejn id-data tal-għoti u d-data tal-eżerċizzju tiġi ttrattata bħala qligħ jew telf nominali. Żieda fil-valur tal-prezz tas-sehem iktar mill-istrike price huwa qligħ nominali għall-impjegat u telf nominali għal min iħaddem u viċe versa.
- 4.178 Meta ESO jiġi eżerċitat, l-entrata fil-karta tal-bilanċ tisparixxi u tiġi sostitwita mill-valur tal-istokks (ishma) akkwistati. Din il-bidla fil-klassifikazzjoni ssir permezz ta' transazzjonijiet fil-kont finanzjarju u mhux permezz tal-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi.
-

KAPITOLU 5

TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI

- 5.01 *Definizzjoni:* Transazzjonijiet finanzjarji (F) huma transazzjonijiet f'assi (AF) u passivi finanzjarji bejn l-unitajiet istituzzjonali residenti, kif ukoll bejnhom u unitajiet istituzzjonali mhux residenti.
- 5.02 Transazzjoni finanzjarja bejn unitajiet istituzzjonali hija likwidazzjoni jew ħolqien simultanju ta' ass finanzjarju u l-passiv kontroparti, jew bidla fis-sjeda ta' ass finanzjarju, jew assunzjoni ta' passiv.

KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA' TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI

Assi finanzjarji, pretensjonijiet finanzjarji, u passivi

- 5.03 *Definizzjoni:* Assi finanzjarji jikkonsistu fil-pretensjonijiet finanzjarji kollha, l-ekwità u l-komponent ta' ingotti tad-deheb tad-deheb monetarju.
- 5.04 Assi finanzjarji huma ħażna ta' valur li jirrappreżenta benefiċċju jew sensiela ta' benefiċċji li jakkumulaw lis-sid ekonomiku permezz taż-żamma jew l-użu tal-assi tul perijodu ta' żmien. Dawn huma mezz kif il-valur jiġi ttrasferit minn perijodu bażi tal-kontijiet għal ieħor. Il-benefiċċji jiġu likwidati permezz ta' pagamenti, li tipikament ikunu fi flus (AF.21) u depożiti trasferibbli (AF.22).
- 5.05 *Definizzjoni:* Pretensjoni finanzjarja hija l-jedd ta' kreditur li jirċievi pagament jew sensiela ta' pagamenti mingħand debitur.
- Il-pretensjonijiet finanzjarji huma assi finanzjarji li għandhom passivi korrispondenti. L-ekwità u l-unitajiet jew l-ishma f'fond ta' investiment (AF.5) jiġu ttrattati bħala ass finanzjarju b'passiv korrispondenti anki jekk il-pretensjoni tad-detentur fuq il-korporazzjoni ma jkunx ammont fiss.
- 5.06 *Definizzjoni:* Il-passivi jiġu stabbiliti meta debitur jiġi obligat jipprovdi pagament jew sensiela ta' pagamenti lill-kreditur.
- 5.07 Il-komponent tad-deheb monetarju f'ingotti tad-deheb miżmum mill-awtoritajiet monetarji bħala ass ta' riżerva għandu jiġi ttrattat bħala ass finanzjarju anki jekk id-detentur ma jkollux pretensjonijiet fuq unitajiet determinati oħrajn. M'hemm l-ebda passiv li jservi ta' kontroparti għall-ingotti tad-deheb.

Assi kontinġenti u passivi kontinġenti

- 5.08 *Definizzjoni:* Assi kontinġenti u passivi kontinġenti huma ftehimiet li bihom parti tiġi obligata tipprovdi pagament jew sensiela ta' pagamenti lil unità oħra biss fejn jipprevalu ċerti kundizzjonijiet speċifiċi.
- Peress li ma jagħtux lok għal passivi bla kundizzjoni, l-assi kontinġenti u l-passivi kontinġenti mhumieq meqjusa bħala assi u passivi finanzjarji.
- 5.09 Assi kontinġenti u passivi kontinġenti jinkludu:
- (a) garanziji ta' darba biss ta' pagament minn partijiet terzi billi l-pagament ikun meħtieġ biss jekk id-debitur ikun inadempjenti;
 - (b) impenji għal self li jipprovdu garanzija li l-fondi ser ikunu disponibbli, iżda ma jkun jeżistu l-ebda assi finanzjarji sakemm il-fondi fil-fatt isiru disponibbli;
 - (c) ittri ta' kreditu li jikkostitwixxu wegħdjet li jitwettaq pagament bil-kundizzjoni li jiġu ppreżentati ċerti dokumenti speċifikati b'kuntratt;
 - (d) linji ta' kreditu huma wegħdjet li jsir self lil klijent speċifikat sa limitu speċifikat;
 - (e) faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti sottoskritti (NIFs-note issuance facilities) jipprovdu garanzija li debitur potenzjali jkun jista' jbiegħ titoli ta' dejn fuq perijodu qasir magħrufa bħala noti, u li l-bank li jipprovdi l-faċilità jkun ser jakkwista kwalunkwe noti li ma jinbiegħux fuq is-suq jew ikun ser jipprovdi avvanzi ekwivalenti; u
 - (f) intitolamenti għal pensjoni skont skemi tal-pensjonijiet ta' min iħaddem b'benefiċċju definit mill-gvern bla finanzjament jew fondi tal-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali. Intitolamenti għall-pensjoni ta' dan it-tip jiġu rreġistrati fit-tabella supplimentari dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati sa ċerta data fl-assigurazzjoni soċjali, u mhux fil-kontijiet ewlenin.

- 5.10 Assi kontinġenti u passivi kontinġenti ma jinkludux:
- (a) riżervi ta' skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (AF.6);
 - (b) derivattivi finanzjarji (AF.7) fejn l-arranġamenti nfushom għandhom valur tas-suq minħabba li huma kummerċjabbli jew jistgħu jiġu kkompensati fis-suq.
- 5.11 Minkejja li l-assi kontinġenti u l-passivi kontinġenti mhumiex irreġistrati fil-kontijiet, dawn xorta huma importanti għall-politika u l-analiżi, u l-informazzjoni dwarhom jeħtieġ li tinġabar u titressaq bħala data supplimentari. Anki jekk l-ebda pagamenti ma jkunu dovuti għall-assi kontinġenti u l-passivi kontinġenti, livell għoli ta' kontinġenzi jaf jindika livell mhux mixtieg ta' riskju min-naħa ta' dawk l-unitajiet li joffruhom.

Kaxxa 5.1 — Trattament tal-garanziji fis-sistema

- B5.1.1. *Definizzjoni:* Garanziji huma arranġamenti li permezz tagħhom il-garanti jimpenja ruħu lil min ikun ser isellef li jekk min jissellef ikun inadempjenti, il-garanti jagħmel tajjeb għat-telf li min jislef kieku jkollu jġarrab.

Spiss jintalab dritt ta' pagament għall-għoti ta' garanzija.

- B5.1.2. Hemm tliet tipi differenti ta' garanziji. Dawn japplikaw biss għall-garanziji pprovduti fil-każ ta' assi finanzjarji. L-ebda trattament speċjali mhu propost għall-garanziji fil-forma ta' garanziji tal-manifatturi jew għamliet oħra ta' garanzija. It-tliet tipi ta' garanziji huma:

- (a) garanziji mogħtija permezz ta' derivattiva finanzjarja, bħal swap ta' inadempjenza tal-kreditu (credit default swap). Tali derivattivi huma msejsa fuq ir-riskju ta' inadempjenza ta' assi finanzjarji ta' referenza u mhumiex marbuta ma' self individwali jew titoli tad-dejn;
- (b) garanziji standardizzati jinħarġu f'għadd kbir, normalment għal ammonti pjuttost żgħar. Eżempju ta' dawn huma l-garanziji fuq il-kreditu għall-esportazzjoni jew garanziji fuq is-self lill-istudenti. Anki jekk il-grad tal-probabbiltà li tiġi uttilizzata xi garanzija standardizzata mhix magħrufa fiċ-ċert, il-fatt li hemm bosta garanziji simili jfisser li tista' ssir stima affidabbli tal-għadd ta' uttilizzazzjonijiet tal-garanzija. Il-garanziji standardizzati jiġu ttrattati bħala l-għejjun ta' assi finanzjarji u mhux ta' assi kontinġenti;
- (c) garanziji ta' darba biss, fejn ir-riskju assoċjat ma jkunx jista' jiġi kkalkulat b'mod preċiż, minħabba n-nuqqas ta' każijiet paragunabbli. L-għoti ta' garanzija ta' darba biss jitqies bħala ass kontinġenti jew passiv kontinġenti u ma jiġix irreġistrat bħala ass jew passiv finanzjarju.

Kategoriji ta' assi u passivi finanzjarji

- 5.12 Hemm tmien kategoriji distinti ta' assi finanzjarji:

AF.1 Deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament;

AF.2 Flus u depożiti;

AF.3 Titoli tad-dejn;

AF.4 Self;

AF.5 Ekwità u unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investment;

AF.6 Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati;

AF.7 Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati;

AF.8 Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli.

- 5.13 Kull ass finanzjarju għandu passiv bħala kontroparti, bl-eċċezzjoni tal-komponent tad-deheb monetarju f'ingotti tad-deheb miżmum mill-awtoritajiet monetarji bħala ass ta' riżerva kklassifikat fil-kategorija ta' deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (F.1). B'din l-eċċezzjoni, jiġu distinti tmien kategoriji ta' passivi li jikkorrespondu mal-kategoriji tal-assi finanzjarji kontroparti.

- 5.14 Il-klassifikazzjoni tat-transazzjonijiet finanzjarji tikkorrespondi mal-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi finanzjarji. Hemm tmien kategoriji distinti ta' transazzjonijiet finanzjarji relati ma':
- F.1 deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament;
 - F.2 flus u depożiti;
 - F.3 titoli tad-dejn;
 - F.4 self;
 - F.5 ekwità u unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investiment;
 - F.6 skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati;
 - F.7 derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati;
 - F.8 kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli.
- 5.15 Minħabba s-simetrija bejn il-pretenzjonijiet u l-passivi finanzjarji, it-terminu "strument" jintuża fir-rigward kemm tal-aspett tal-assi kif ukoll tal-passivi tat-transazzjonijiet finanzjarji. L-użu tiegħu ma jimplikax estensjoni tal-kopertura tal-assi u l-passivi finanzjarji billi jinkludi oġġetti barra mill-karta tal-bilanċ li xi kultant jiġu deskritti bħala strumenti finanzjarji fl-istatistika monetarja u finanzjarja.

Karti tal-bilanċ, kont finanzjarju u flussi oħrajn

- 5.16 L-assi finanzjarji miżmuma u l-passivi pendenti f'punt partikolari ta' żmien jiġu rreġistrati fil-karta tal-bilanċ. It-transazzjonijiet finanzjarji jirriżultaw f'bidliet bejn il-ftuħ u l-għeluq tal-karti tal-bilanċ. Madankollu, bidliet bejn il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ u l-karta tal-bilanċ tal-għeluq iseħħu wkoll minħabba flussi oħrajn, li ma jkunux interazzjonijiet bejn unitajiet istituzzjonali bi ftehim reċiproku. Il-flussi l-oħrajn relatati mal-assi u l-passivi finanzjarji jiġu disaggregati f'rivalutazzjonijiet fl-assi u l-passivi finanzjarji, u f'bidliet fil-volum tal-assi u l-passivi finanzjarji mhux dovuti għat-transazzjonijiet finanzjarji. Ir-rivalutazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-kont tar-rivalutazzjoni u l-bidliet fil-volum fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi.
- 5.17 Il-kont finanzjarju huwa l-kont finali fis-sekwenza tal-kontijiet li jirreġistraw it-transazzjonijiet. Il-kont finanzjarju m'għandux entrata saldatorja li tiġi trasferita għal kont ieħor. L-entrata saldatorja tal-kont finanzjarju, jiġifieri l-akkwisti netti tal-assi finanzjarji mingħajr it-tiġrib nett tal-passivi, hu l-għoti ta' self nett (+) jew it-teħid ta' self nett (-) (B.9F).
- 5.18 L-entrata saldatorja tal-kont finanzjarju hija kunċettwalment identika mal-entrata saldatorja tal-kont kapitali. Fil-prattika, normalment tinstab discrepanza bejniethom billi dawn jiġu kkalkulati abbażi ta' *data* statistika differenti.

Valutazzjoni

- 5.19 It-transazzjonijiet finanzjarji jiġu rreġistrati bil-valuri tat-transazzjoni, jiġifieri l-valuri fil-munita nazzjonali li biha l-assi u/jew il-passivi finanzjarji involuti jkunu nħolqu, ġew likwidati, skambjati jew assunti bejn l-unitajiet istituzzjonali, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali.
- 5.20 It-transazzjonijiet finanzjarji u t-transazzjonijiet kontroparti tagħhom finanzjarji jew mhux finanzjarji jiġu rreġistrati bl-istess valur tat-transazzjoni. Hemm tliet possibiltajiet:
- (a) it-transazzjoni finanzjarja ġgħib magħha pagament fil-munita nazzjonali: il-valur tat-transazzjoni jkun ugwali għall-ammont skambjat;
 - (b) it-transazzjoni finanzjarja hija transazzjoni f'munita barranija u t-transazzjoni kontroparti tagħha ma tkunx transazzjoni fil-munita nazzjonali: il-valur tat-transazzjoni jkun ugwali għall-ammont fil-munita nazzjonali fir-rata prevalenti tas-suq ta' meta jkun sar il-pagament; u
 - (c) la t-transazzjoni finanzjarja u l-anqas it-transazzjoni kontroparti tagħha ma huma transazzjonijiet fi flus kontanti jew xi mezz ieħor ta' pagament: il-valur tat-transazzjoni jkun il-valur tas-suq attwali tal-assi u/jew il-passivi finanzjarji involuti.

- 5.21 Il-valur tat-transazzjoni jirreferi għal transazzjoni finanzjarja speċifika u t-transazzjoni kontroparti tagħha. Fil-kunċett, il-valur tat-transazzjoni għandu jiġi distint minn valur imsejjes fuq prezz ikkwotat fuq is-suq, prezz tas-suq ġust, jew kwalunwe prezz ieħor maħsub biex jesprimi l-ġeneralità ta' prezzijiet għal xi klassi ta' assi u/jew passivi finanzjarji simili. Madankollu, f'każijiet fejn it-transazzjoni kontroparti ta' transazzjoni finanzjarja hija, pereżempju, trasferiment u għalhekk it-transazzjoni finanzjarja taf tkun saret għal konsiderazzjonijiet oħra għajr dawk purament kummerċjali, il-valur tat-transazzjoni jiġi identifikat skont il-valur tas-suq attwali tal-assi u/jew l-passivi finanzjarji involuti.
- 5.22 Il-valur tat-transazzjoni ma jinkludix tariffi għall-ogħti ta' servizz, drittijiet, kummissjonijiet, jew pagamenti simili għas-servizzi mogħtija biex jitwettqu t-transazzjonijiet; dawn għandhom jiġu rreġistrati bħala pagamenti għal servizzi. It-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji huma esklużi wkoll u jiġu ttrattati bħala taxxi fuq servizzi fi ħdan it-taxxi fuq prodotti. Meta transazzjoni finanzjarja tinvolvi l-ħruġ ġdid ta' passivi, il-valur tat-transazzjoni jkun ugħwali għall-ammont tal-passiv imġarrab, għajr kwalunkwe mġax imħallas minn qabel. Bl-istess mod, meta passiv jinfeda, il-valur tat-transazzjoni kemm għall-kreditur kif ukoll għad-debitur għandu jikkorrespondi għat-tnaqqis fl-obbligazzjoni.

Irreġistrar nett u gross

- 5.23 *Definizzjoni:* Ir-reġistrar nett tat-transazzjonijiet finanzjarji jfisser li l-akkwisti tal-assi finanzjarji jintwerew b'mod nett miċ-ċessjonijiet tal-assi finanzjarji, u li t-tiġrib ta' passivi jintwerew b'mod nett mir-ripagamenti tal-passivi.

It-transazzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu rrappreżentati b'mod nett fost assi finanzjarji b'karatteristiċi differenti u b'debitori jew kredituri differenti, sakemm dawn ikunu fl-istess kategorija jew sottokategorija.

- 5.24 *Definizzjoni:* Ir-reġistrar gross tat-transazzjonijiet finanzjarji jfisser li l-akkwisti u ċ-ċessjonijiet tal-assi finanzjarji jintwerew b'mod separat, bl-istess mod kif isir għat-tiġrib u r-ripagamenti tal-passivi.

Ir-reġistrar gross tat-transazzjonijiet finanzjarji juri l-istess ammont ta' self nett u tislif nett daqslikieku t-transazzjonijiet finanzjarji kienu ġew irreġistrati b'mod nett.

It-transazzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati b'mod gross f'każijiet ta' analiżi tas-swieq finanzjarji dettaljati.

Konsolidazzjoni

- 5.25 *Definizzjoni:* Konsolidazzjoni fil-kont finanzjarju tirreferi għall-proċess ta' transazzjonijiet kumpensatorji fl-assi finanzjarji fil-każ ta' xi grupp partikolari ta' unitajiet istituzzjonali kontra t-transazzjonijiet kontroparti fl-passivi għall-istess grupp ta' unitajiet istituzzjonali.

Il-konsolidazzjoni tista' titwettaq fil-livell tal-ekonomija totali, tas-setturi istituzzjonali u tas-subsetturi. Il-kont finanzjarju tal-bqija tad-dinja huwa kkonsolidat bid-definizzjoni tiegħu stess billi t-transazzjonijiet tal-unitajiet istituzzjonali mhux residenti mal-unitajiet istituzzjonali residenti biss jiġu rreġistrati.

- 5.26 Livelli differenti ta' konsolidazzjoni jixirqu għal tipi differenti ta' analiżi. Pereżempju, konsolidazzjoni tal-kont finanzjarju fil-każ ta' ekonomija totali tenfasizza it-transazzjonijiet finanzjarji tal-ekonomija mal-unitajiet istituzzjonali mhux residenti peress li t-transazzjonijiet finanzjarji kollha bejn l-unitajiet istituzzjonali residenti huma nnettjati fuq il-konsolidazzjoni. Il-konsolidazzjoni fil-każ tas-setturi tippermetti r-rintraċċar tat-transazzjonijiet finanzjarji kumplessivi bejn setturi b'self nett u dawk b'tislif nett. Il-konsolidazzjoni fil-livell subsettorjali fil-każ ta' korporazzjonijiet finanzjarji tista' tipprovdi ferm aktar dettall dwar l-intermedjazzjoni finanzjarja u tippermetti, pereżempju, l-identifikazzjoni tat-transazzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ma' korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn kif ukoll ma' setturi residenti oħrajn u ma' unitajiet istituzzjonali mhux residenti. Qasam ieħor fejn il-konsolidazzjoni tista' tkun istruttiva fil-livell subsettorjali huwa fi ħdan is-settur tal-gvern ġenerali, peress li ma jiġux eliminati t-transazzjonijiet bejn is-sottosetturi varji tal-gvern.
- 5.27 Bħala regola, l-entrati kontabbli fis-SEK 2010 ma jkunux ikkonsolidati, peress li kont finanzjarju kkonsolidat jirrikjedi informazzjoni dwar ir-raggruppament kontroparti tal-unitajiet istituzzjonali. Dan jirrikjedi *data* dwar it-transazzjoni finanzjarja abbażi ta' "mingħand min għal għand min". Pereżempju, il-kompilazzjoni tal-passivi konsolidati tal-gvern ġenerali tirrikjedi li ssir distinzjoni, fost id-detenturi ta' passivi tal-gvern ġenerali, bejn il-gvern ġenerali u unitajiet istituzzjonali oħrajn.

Netting

- 5.28 *Definizzjoni:* Netting ifisser il-konsolidazzjoni fil-livell ta' unità istituzzjonali waħdanija fejn l-entrati kontabbli fuq iż-żewġ naħat tal-kont għall-istess oġġett ta' transazzjoni jgħaddu għal xulxin. In-netting għandu jiġi evitat sakemm ma jkunx hemm nuqqas ta' *data* dwar is-sors.

- 5.29 Gradi differenti ta' netting jistgħu jiġu distinti hekk kif transazzjonijiet f'passivi jitnaqqsu mit-transazzjonijiet fl-assi finanzjarji għall-istess kategorija jew sotto-kategorija ta' assi finanzjarji.
- 5.30 Meta dipartiment ta' unità istituzzjonali jixtri bonds maħruġa minn dipartiment ieħor tal-istess unità istituzzjonali, il-kont finanzjarju tal-unità ma jirreġistrazz it-transazzjoni bħala akkwist ta' pretensjoni minn dipartiment fuq ieħor. It-transazzjoni tiġi rreġistrata bħala tifdija tal-passivi aktar milli akkwist ta' assi kkonsolidati. Strumenti finanzjarji ta' dan it-tip jitqiesu bħala nnettjati. In-netting għandu jiġi evitat jekk ikun meħtieġ li jinżamm strument finanzjarju kemm fuq in-naħa tal-ass kif ukoll fuq in-naħa tal-passiv biex tiġi segwita l-preżentazzjoni legali.
- 5.31 In-netting jaf ma jkunx jista' jiġi evitat fil-każ ta' transazzjonijiet ta' unità istituzzjonali fid-derivattivi finanzjarji fejn *data* separata dwar it-transazzjonijiet fl-assi u l-passivi normalment ma tkunx disponibbli. Huwa adatt li dawn it-transazzjonijiet jiġu nnettjati peress li l-valur ta' pożizzjoni fid-derivattivi finanzjarji jista' jibdel il-pożizzjoni tiegħu, jiġifieri mill-pożizzjoni ta' ass għaddi għall-pożizzjoni ta' passiv, hekk kif il-valur ta' strument li fuqu jkun imsejjes il-kuntratt derivattiv jinbidel fir-relazzjoni tiegħu mal-prezz fil-kuntratt.

Regoli tal-kontabbiltà għal transazzjonijiet finanzjarji

- 5.32 Entrata kwadruppla hija Prattika tal-kontabbiltà li permezz tagħha kull transazzjoni li tkun tinvolvi żewġ unitajiet istituzzjonali tiġi rreġistrata darbtejn minn kull unità. Pereżempju l-iskambju kummerċjali ta' oġġetti ma' flus kontanti jirriżulta f'entrati kemm fil-kont tal-produzzjoni kif ukoll fil-kont finanzjarju ta' kull unità. Il-kontabbiltà b'entrata kwadruppla tiżgura li jkun hemm is-simetrija fir-rappurtar mill-unitajiet istituzzjonali involuti, u b'hekk konsistenza fil-kontabbiltà.
- 5.33 Transazzjoni finanzjarja dejjem ikollha transazzjoni kontroparti. Din il-kontroparti tista' tkun transazzjoni finanzjarja oħra jew transazzjoni mhux finanzjarja.
- 5.34 F'każijiet fejn transazzjoni u l-kontroparti tagħha huma t-tnejn transazzjonijiet finanzjarji, huma jbiddu l-portafoll tal-assi u l-passivi finanzjarji u jistgħu jbiddu t-totali kemm tal-assi kif ukoll tal-passivi finanzjarji tal-unitajiet istituzzjonali, iżda ma jbiddux l-għoti ta' self nett/tisliif nett jew il-valur nett.
- 5.35 Il-kontroparti ta' transazzjoni finanzjarja tista' tkun transazzjoni mhux finanzjarja bħal transazzjoni fi prodotti, transazzjoni distributtiva, jew transazzjoni f'assi mhux prodotti mhux finanzjarji. F'każijiet fejn it-transazzjoni kontroparti ta' transazzjoni finanzjarja ma tkunx transazzjoni finanzjarja, is-self nett/it-tisliif nett tal-unitajiet istituzzjonali jinbidlu.

Transazzjoni finanzjarja bi trasferiment kurrenti jew trasferiment kapitali bħala kontroparti

- 5.36 It-transazzjoni kontroparti ta' transazzjoni finanzjarja tista' tkun trasferiment. F'każ li jkun hekk, it-transazzjoni finanzjarja tinvolvi bidla fis-sjieda ta' ass finanzjarju, jew assunzjoni ta' passiv bħala debitur, li hi magħrufa bħala assunzjoni ta' dejn, jew il-likwidazzjoni simultanja ta' ass finanzjarju u tal-passiv kontroparti, li hija magħrufa bħala kanċellazzjoni ta' dejn jew maħfra ta' dejn. L-assunzjoni ta' dejn u l-kanċellazzjoni ta' dejn huma trasferimenti kapitali (D.9) u jiġu rreġistrati fil-kont kapitali.
- 5.37 Jekk il-proprietarju ta' kważi korporazzjoni jassumi l-passivi minn din il-kważi korporazzjoni, jew jikkanċella pretensjonijiet finanzjarji kontraha, it-transazzjoni kontroparti tal-assunzjoni tad-dejn jew il-kanċellazzjoni tad-dejn tkun transazzjoni f'ekwità (F.51). Madanakollu, jekk l-operazzjoni tkun maħsuba biex tkopri telfiet akkumulati jew telfa partikolarment kbira, jew jekk issir fil-kuntest ta' telf persistenti, l-operazzjoni mbagħad tiġi kklassifikata bħala transazzjoni mhux finanzjarja — trasferiment kapitali jew trasferiment kurrenti.
- 5.38 Jekk gvern jikkanċella jew jassumi dejn minn korporazzjoni pubblika li toġhsfor bħala unità istituzzjonali fis-sistema, l-ebda transazzjoni ma tiġi rreġistrata fil-kont kapitali jew fil-kont finanzjarju. F'dan il-każ jiġi rreġistrat fluss fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi.
- 5.39 Jekk il-gvern jikkanċella jew jassumi dejn minn korporazzjoni pubblika bħala parti minn proċess ta' privatizzazzjoni li jrid jinkiseb f'perijodu qasir, it-transazzjoni kontroparti tkun transazzjoni f'ekwità (F.51) sat-total tar-riċevuti tal-privatizzazzjoni. Fi kliem ieħor, il-gvern, meta jikkanċella jew jassumi dejn ta' korporazzjoni pubblika, jitqies li jkun qiegħed b'mod temporanju jżid l-ekwità tiegħu fil-korporazzjoni. Privatizzazzjoni tfsisser li jiġi mċedi l-kontroll fuq dik il-korporazzjoni pubblika biċ-ċessjoni ta' ekwità. Kanċellazzjoni tad-dejn jew assunzjoni tad-dejn ta' dan it-tip twassal għal żieda fil-fondi proprji tal-korporazzjoni pubblika, anki fl-assenza ta' ħruġ ta' ekwità.

- 5.40 It-tħassir jew id-deprezzament ta' dejn mitluf mill-kredituri u l-kanċellazzjoni unilaterali ta' passiv minn debitur, li hi magħrufa bħala skonoxximent ta' dejn, mhumiex transazzjonijiet peress li ma jinvolvox interazzjonijiet bejn l-unitajiet istituzzjonali permezz ta' ftehim reċiproku. It-tħassir jew id-deprezzament ta' dejn mitluf mill-kredituri jiġi rreġistrat fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi.

Transazzjoni finanzjarja bl-introjt minn proprjetà bħala kontroparti

- 5.41 It-transazzjoni kontroparti ta' transazzjoni finanzjarja tista' tkun introjt minn proprjetà.
- 5.42 L-imgħax (D.41) huwa riċevibbli mill-kredituri u huwa pagabbli minn debituri ta' ċerti tipi ta' pretensjonijiet finanzjarji kklassifikati fil-kategoriji deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (AF.1), flus u depożiti (AF.2), titoli tad-dejn (AF.3) self (AF.4) u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8).
- 5.43 L-imgħax jiġi rreġistrat bħala li qed jakkumula kontinwament tul iż-żmien favur il-kreditur fuq l-ammont tal-prinċipal pendenti. It-transazzjoni kontroparti ta' entrata fl-imgħax (D.41) tkun transazzjoni finanzjarja li toħloq pretensjoni finanzjarja tal-kreditur kontra d-debitur. L-akkumulati ta' imgħax huwa rreġistrat fil-kont finanzjarju mal-istrument finanzjarju li hu konness miegħu. L-effett ta' din it-transazzjoni finanzjarja huwa li l-imgħax jiġi investit mill-ġdid. Il-pagament attwali tal-imgħax ma jiġix irreġistrat bħala mgħax (D.41), iżda bħala transazzjoni fi flus u depożiti (F.2) imqabbel mar-ripagament ekwivalenti tal-ass rilevanti li jnaqqas il-pretensjoni finanzjarja netta tal-kreditur kontra d-debitur.
- 5.44 Meta l-imgħax dovut ma jitħallasx meta jkun dovut, dan iwassal għal arretrati ta' imgħax. Peress li dak li jiġi rreġistrat huwa l-imgħax dovut, l-arretrati fuq l-imgħax ma jibdlux it-total tal-assi jew l-passivi finanzjarji.
- 5.45 L-introjt tal-korporazzjonijiet jikkonsisti f'dividendi (D.421), prelevazzjonijiet ta' introjt minn kważi korporazzjonijiet (D.422), qligħ investit mill-ġdid fuq investiment dirett barrani, (D.43) u qligħ miżmum ta' intrapriżi domestiċi. L-effett tat-transazzjoni finanzjarja kontroparti fil-każ ta' qligħ investit mill-ġdid huwa li l-introjt mill-proprjetà jerġa' jiġi investit fl-intrapriża tal-investiment dirett.
- 5.46 Id-dividendi huma rreġistrati bħala introjt mill-investiment meta l-ishma jibdeu jiġu kkwotati bħala ex dividend. Dan japplika wkoll għal prelevamenti ta' introjt minn kważi korporazzjonijiet. Fil-każ ta' dividendi jew prelevamenti straordinarjament kbar li ma jsewvux il-linja tal-esperjenza riċenti tal-ammont ta' introjt disponibbli għad-distribuzzjoni fost is-sidien ta' korporazzjoni, issir reġistrazzjoni differenti. Distribuzzjoni eċċessiva ta' dan it-tip tiġi rreġistrata bħala prelevament tal-ekwiwità fil-kont finanzjarju u mhux bħala introjt mill-investiment.
- 5.47 L-introjt mill-proprjetà riċevibbli minn fondi tal-investiment, nett ta' parti tal-ispejjeż ta' ġestjoni, u mogħtija lill-azzjonisti, anke jekk mhumiex distribwit, għandu jiġi rreġistrat fl-introjt mill-proprjetà b'entrata kontroparti fil-kont finanzjarju taħt l-ishma jew l-unitajiet ta' fondi tal-investiment. L-effett huwa li l-introjt mogħti lill-azzjonisti, li iżda ma jkunx ġie distribwit, jiġi ttrattat bħala investit mill-ġdid fil-fond.
- 5.48 L-introjt mill-investiment jiġi attribwit lid-detenturi tal-polza tal-assigurazzjoni (D.44), lid-detenturi ta' intitolamenti tal-pensjoni, u lid-detenturi ta' ishma tal-fondi ta' investiment. Irrispettivament mill-ammont li attwalment jiġi distribwit mill-korporazzjoni tal-assigurazzjoni, mill-fond tal-pensjoni jew mill-fond tal-investiment, l-ammont sħiħ tal-introjt mill-investiment li jkun iddaħħal mill-korporazzjoni assikurattiva jew mill-fond jiġi rreġistrat bħala distribwit lid-detentur tal-polza jew lid-detentur tal-ishma. L-ammont li ma jiġix attwalment distribwit jiġi rreġistrat fil-kont finanzjarju bħala investiment mill-ġdid.

Żmien ta' reġistrazzjoni

- 5.49 It-transazzjonijiet finanzjarji u t-transazzjonijiet kontroparti tagħhom jiġu rreġistrati fl-istess mument.
- 5.50 Meta l-kontroparti ta' transazzjoni finanzjarja tkun transazzjoni mhux finanzjarja, it-tnejn li huma jiġu rreġistrati fil-mument meta sseħħ it-transazzjoni mhux finanzjarja. Pereżempju, fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti jew servizzi li jwasslu għal kreditu kummerċjali, din it-transazzjoni finanzjarja tiġi rreġistrata meta jkun saru l-entrati fil-kont mhux finanzjarju rilevanti, meta tiġi ttrasferita s-sjeda tal-oġġetti jew meta jingħata s-servizz.
- 5.51 Meta l-kontroparti ta' transazzjoni finanzjarja tkun transazzjoni finanzjarja, hemm tliet possibbiltajiet:
- (a) jekk iż-żewġ transazzjonijiet ikun transazzjonijiet fi flus kontanti jew mezzi oħra ta' pagament: jiġu rreġistrati fil-mument tal-ewwel pagament;
- (b) jekk waħda biss miż-żewġ transazzjonijiet finanzjarji tkun transazzjoni fi flus kontanti jew mezzi oħra ta' pagament: jiġu rreġistrati fil-mument li jsir il-pagament; u

- (c) jekk l-ebda waħda miż-żewġ transazzjonijiet finanzjarji ma tkun transazzjoni fi flus kontanti jew mezzji oħra ta' pagament: jiġu rreġistrati fil-mument meta sseħħ l-ewwel transazzjoni finanzjarja.

Kont finanzjarju abbażi ta' "mingħand min għal għand min"

- 5.52 Il-kont finanzjarju "mingħand min għal għand min" jew il-kont finanzjarju skont id-debitur/kreditur huwa estensjoni tal-kont finanzjarju mhux konsolidat. Dan huwa preżentazzjoni bi tliet dimensjonijiet tat-transazzjonijiet finanzjarji fejn jintwerew iż-żewġ partijiet fi transazzjoni, flimkien man-natura tal-istrument finanzjarju li jkun suġġett għat-transazzjoni.

Din il-preżentazzjoni tipprovdi informazzjoni dwar ir-relazzjoni bejn id-debitur u l-kreditur u hija konsistenti mal-karta tal-bilanċ finanzjarju "mingħand min għal għand min". L-ebda informazzjoni mhi pprovduta dwar l-unitajiet istituzzjonali li lilhom ikunu nbiegħu jew li mingħandom ikunu nxtraw l-assi finanzjarji. Dan japplika wkoll għat-transazzjonijiet korrespondenti fpassivi. Il-kont finanzjarju "mingħand min għal għand min" huwa magħruf ukoll bħala l-matriċi tal-fluss tal-fondi (flow of funds matrix).

- 5.53 Abbażi tal-prinċipju tal-kontabbiltà b'entrata kwadruppla, kont finanzjarju "mingħand min għal għand min" għandu tliet dimensjonijiet: il-kategorija tal-istrument finanzjarju, is-settur tad-debitur u s-settur tal-kreditur. Kont finanzjarju "mingħand min għal għand min" jirrikjedi tabelli bi tliet dimensjonijiet li jkopru d-diżaggregazzjonijiet skont l-istrument finanzjarju, id-debitur u l-kreditur. Tabelli ta' dan it-tip juru t-transazzjonijiet finanzjarji interklassifikati skont is-settur tad-debitur u s-settur tal-kreditur kif murija fit-Tabella 5.1.
- 5.54 It-tabella għall-kategorija tal-istrument finanzjarju titoli tad-dejn turi li, bħala riżultat tat-transazzjonijiet fil-perijodu referenzjarju, it-titoli tad-dejn akkwistati, nett miċ-ċessjonijiet, mill-unitajiet domestiċi u minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi (275) jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq korporazzjonijiet mhux finanzjarji (65), korporazzjonijiet finanzjarji (43), il-gvern ġenerali (124) u l-bqija tad-dinja (43). It-tabella turi li, bħala riżultat tat-transazzjonijiet fil-perijodu referenzjarju, il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji ġarrbu, nett mit-tifdijiet, passivi fl-għamla ta' titoli tad-dejn ta' 147: il-passivi tagħhom f'din l-għamla lejn korporazzjonijiet oħra mhux finanzjarji żdiedu bi 30, lejn il-korporazzjonijiet finanzjarji bi 23, lejn il-gvern ġenerali b'5, lejn l-unitajiet domestiċi u l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi b'65 u lejn il-bqija tad-dinja b'24. L-ebda titoli tad-dejn ma nħarġu mill-unitajiet domestiċi jew mill-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservuhom. Minħabba l-preżentazzjoni konsolidata tal-bqija tad-dinja, l-ebda transazzjoni ma tintwera bejn l-unitajiet istituzzjonali mhux residenti. Tabelli simili jstgħu jiġu kkompilati għall-kategoriji tal-istrumenti finanzjarji kollha.

Tabella 5.1 — Kont finanzjarju abbażi ta' "mingħand min għal għand min" fil-każ tat-titoli tad-dejn

Settur tad-debitur / Settur tal-kreditur		Tiġrib nett ta' titoli tad-dejn minn						
		Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Il-gvern ġenerali	L-unitajiet domestiċi u l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservuhom	L-ekonomija nazzjonali	Il-bqija tad-dinja	Totali
Akkwist nett ta' titoli tad-dejn minn	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	30	11	67		108	34	142
	Korporazzjonijiet finanzjarji	23	22	25		70	12	82
	Gvern ġenerali	5	2	6		13	19	32
	L-unitajiet domestiċi u l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservuhom	65	43	124		232	43	275
	L-ekonomija nazzjonali	123	78	222		423	108	531
	Il-bqija tad-dinja	24	28	54		106		106
	Totali	147	106	276		529	108	637

- 5.55 Il-kont finanzjarju “mingħand min għal għand min” jippermetti analiżi ta’ min qiegħed jiffinanzja lil min, x’ammont huwa involut u permezz ta’ liema ass finanzjarju. Dan jipprovdi t-tweġibiet għal mistoqsijiet bħal:
- (a) X’inhuma s-setturi kontroparti għall-assi finanzjarji akkwistati netti jew tal-passivi mġarrba netti minn settur istituzzjonali?
 - (b) Liema huma l-korporazzjonijiet li magħhom jipparteċipa s-settur tal-gvern ġenerali?
 - (c) X’ammonti ta’ titoli tad-dejn jakkwistaw (netti miċ-ċessjonijiet) is-setturi residenti u l-bqija tad-dinja, li nħarġu (netti mit-tifdijiet) mill-gvern ġenerali, il-korporazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, u l-bqija tad-dinja?

KLASSIFIKA FID-DETTALL TAT-TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI SKONT IL-KATEGORIJA

Id-definizzjonijiet u d-deskrizzjonijiet li ġejjin jirrigwardjaw l-istrumenti finanzjarji. Meta transazzjoni tiġi rreġistrata, il-kodiċi li jintuża huwa F. Meta l-livell jew il-pożizzjoni ta’ stokk li fuqu jkun imsejjes ass jew passiv jiġi rreġistrat, il-kodiċi jkun AF.

Deheb monetarju u drittijiet speċjali ta’ prelevament (F.1)

- 5.56 Il-kategorija deheb monetarju u drittijiet speċjali ta’ prelevament (SDRs) (F.1) tikkonsisti f’żewġ sottokategoriji:
- (a) deheb monetarju (F.11); u
 - (b) drittijiet ta’ prelevament speċjali (SDRs) (F.12).

Deheb monetarju (F.11)

- 5.57 *Definizzjoni:* Id-deheb monetarju huwa deheb li għandhom titolu għalih l-awtoritajiet monetarji u li jinżamm f’assi ta’ riżerva.
- Dan jinkludi ingotti tad-deheb, u kontijiet f’deheb mhux allokat ma’ mhux residenti li jagħtu titolu għal pretensjoni ta’ kunsinna deheb.
- 5.58 L-awtoritajiet monetarji jinkludu l-bank ċentrali u l-istituzzjonijiet tal-gvern ċentrali li jwettqu operazzjonijiet li normalment huma attribwiti għall-bank ċentrali. Dawn l-operazzjonijiet jinkludu l-ħruġ tal-munita, iż-żamma u l-ġestjoni ta’ assi ta’ riżerva u l-operazzjoni tal-fondi ta’ stabilizzazzjoni tal-kambju.
- 5.59 Li tkun suġġett għall-kontroll effettiv tal-awtoritajiet monetarji jfisser li:
- (a) l-unità residenti tista’ tagħmel transazzjonijiet f’dawn il-pretensjonijiet fuq non-residenti biss bil-kundizzjonijiet speċifikati mill-awtoritajiet monetarji jew bl-approvazzjoni espressa tagħhom;
 - (b) l-awtoritajiet monetarji għandhom aċċess, fuq talba, għal dawn il-pretensjonijiet fuq in-mhux residenti biex dawn jissodisfaw il-bilanċ tal-bżonnijiet ta’ pagamenti finanzjarji u skopijiet relatati oħrajn; u
 - (c) hemm liġi preċedenti jew arranġament vinkolanti ieħor li jikkonferma il-punti (a) u (b) ta’ hawn fuq.
- 5.60 Id-deheb monetarju kollu hu inkluż fl-assi ta’ riżerva jew jinżamm minn organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Il-komponenti tiegħu huma:
- (a) ingotti tad-deheb (inkluż deheb monetarju miżmum f’kontijiet ta’ deheb allokat); u
 - (b) kontijiet ta’ deheb mhux allokat ma’ mhux residenti.
- 5.61 L-ingotti tad-deheb inklużi fid-deheb monetarju huwa l-uniku ass finanzjarju li għalih m’hemmx passiv kontroparti. Dan għandu l-għamla ta’ munita, ingotti jew bċejeċ tad-deheb ta’ purezza ta’ talanqas 995 parti għal kull 1 000. L-ingotti tad-deheb li ma jinżammux f’assi ta’ riżerva huma ass mhux finanzjarju u huma inklużi fid-deheb mhux monetarju.
- 5.62 Il-kontijiet f’deheb allokat jipprovdu s-sjieda ta’ biċċa deheb speċifika. Is-sjieda tad-deheb tinżamm mill-entità li tiddepożitali f’post sikur. Dawn il-kontijiet tipikament joffru faċilitajiet ta’ bejgħ, ħażna u xiri. Meta l-kontijiet f’deheb allokat jinżammu bħala ass ta’ riżerva, dawn jiġu kklassifikati bħala deheb monetarju, u għalhekk ikunu ass finanzjarju. Meta ma jinżammux bħala assi ta’ riżerva, il-kontijiet f’deheb allokat jirrappreżentaw sjieda ta’ komodità, jiġifieri deheb mhux monetarju.

- 5.63 F'kuntrast mal-kontijiet f'deheb allokat, il-kontijiet f'deheb mhux allokat jirrappreżentaw pretensjoni kontra l-operatur tal-kont sabiex jikkonsenja d-deheb. Meta l-kontijiet f'deheb mhux allokat jinżammu bħala ass ta' riżerva, dawn jiġu kklassifikati bħala deheb monetarju, u allura jkunu ass finanzjarju. Il-kontijiet f'deheb mhux allokat li ma jinżammux bħala assi ta' riżerva huma kklassifikati bħala depożiti.
- 5.64 It-transazzjonijiet f'deheb monetarju jikkonsistu l-aktar f'bejgħ u xiri ta' deheb monetarju fost l-awtoritajiet monetarji jew ċerti organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Ma jistax ikun hemm transazzjonijiet f'deheb monetarju li jinvolvu unitajiet istituzzjonali għajr dawk. Ix-xiri ta' deheb monetarju jiġi rreġistrat fil-kontijiet finanzjarji tal-awtoritajiet monetarji bħala żieda fl-assi finanzjarji u l-bejgħ jiġi rreġistrat bħala tnaqqis fl-assi finanzjarji. L-entrati kontroparti jiġu rreġistrati rispettivament bħala tnaqqis fl-assi finanzjarji jew żieda fl-assi finanzjarji tal-bqija tad-dinja.
- 5.65 Jekk l-awtoritajiet monetarji jżidu deheb mhux monetarju mat-titoli tagħhom ta' deheb monetarju (pereżempju, billi jixtru deheb mis-suq), jew jirrilaxxaw deheb monetarju mit-titoli tagħhom għal skopijiet mhux monetarji (pereżempju, billi jbiegħuh fuq is-suq), jitqiesu li jkunu immonetizzaw jew iddemonetizzaw id-deheb, rispettivament. Il-monetizzazzjoni jew id-demonetizzazzjoni tad-deheb ma twassalx għal entrati fil-kontijiet finanzjarji, iżda għal entrati fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi bħala bidla fil-klassifikazzjoni tal-assi jew il-passivi, jiġifieri l-klassifikazzjoni mill-ġdid tad-deheb minn oġġett ta' valur (AN.13) għal deheb monetarju. (AF.11) (paragrafi 6.22-6.24). Id-demonetizzazzjoni tad-deheb hija klassifikazzjoni mill-ġdid tad-deheb monetarju għal oġġett ta' valur.
- 5.66 Depożiti, titoli u self denominat f'deheb huma trattati bħala assi finanzjarji għajr id-deheb monetarju u huma kklassifikati flimkien ma' assi finanzjarji simili f'munita barranija fil-kategorija xierqa. It-partit tad-deheb huwa forma ta' ftehimiet tax-xiri mill-ġdid tat-titoli (repos) li jinvolvu jew deheb monetarju jew deheb mhux monetarju. Dawn jimplikaw l-iskambju ta' deheb ma' depożitu bi ftehim li t-transazzjoni titreġġa' lura f'data futura li jkun sar qbil dwarha bi prezz tad-deheb maqbul. B'segwitu tal-prattika ġenerali għar-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet mreġġa' lura, min jieħu d-deheb ma jirreġistrax id-deheb fil-karta tal-bilanċ tiegħu, filwaqt li min jipprova d-deheb ma jneħħix id-deheb mill-karta tal-bilanċ tiegħu. It-partit tad-deheb jiġi rreġistrat bħala self ikkollateralizzat miż-żewġ partijiet, fejn il-kollateral ikun id-deheb. It-partit tad-deheb monetarju jsir bejn l-awtoritajiet monetarji jew bejn l-awtoritajiet monetarji u partijiet oħra, filwaqt li t-partit tad-deheb mhux monetarju jikkonsisti fi transazzjonijiet simili iżda mingħajr l-involvement tal-awtoritajiet monetarji.
- 5.67 Is-self tad-deheb jikkonsisti fil-kunsinja tad-deheb għal perijodu partikolari ta' żmien. Bħal ma jiġri fi transazzjonijiet imraġġa' lura oħrajn, is-sjieda legali tad-deheb tiġi ttrasferita, iżda r-riskji u l-benefiċċji tal-bidliet fil-prezz tad-deheb jibqgħu fuq min isellef. Min jissellef id-deheb spiss juża dawn it-transazzjonijiet biex ikopri l-bejgħ tiegħu lil partijiet terzi fi żminijiet meta jkun hemm nuqqas ta' deheb. Jitħallas dritt lis-sid oriġinali talli jintuża d-deheb, u dan jinħadem fuq il-valur tal-ass li fuqu tissejjes it-transazzjoni u fuq it-tul ta' żmien tat-transazzjoni li titreġġa' lura.
- 5.68 Id-deheb monetarju huwa ass finanzjarju; id-drittijiet tas-self tad-deheb huma għalhekk pagamenti biex ass finanzjarju jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' unità istituzzjonali oħra. Id-drittijiet assoċjati mas-self ta' deheb monetarju huma trattati bħala imgħax. Dan japplika wkoll bħala konvenzjoni ta' simplifikazzjoni għad-drittijiet imħallsa fuq self ta' deheb mhux monetarju.

SDRs (F.12)

- 5.69 *Definizzjoni:* SDRs huma assi ta' riżerva internazzjonali maħluqa mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) u li jiġu allokat lill-membri tiegħu bħala suppliment għall-assi ta' riżerva eżistenti.
- 5.70 Id-Dipartiment tal-SDR tal-IMF jamministra l-assi ta' riżerva billi jalloka l-SDRs fost il-pajjiżi membri tal-IMF u ċerti aġenziji internazzjonali, li flimkien jissejħu l-partiċipanti.
- 5.71 Il-ħolqien tal-SDRs permezz tal-allokkazzjoni tagħhom, u t-terminazzjoni tagħhom permezz tal-kanċellazzjoni tagħhom, huma transazzjonijiet. L-allokkazzjonijiet tal-SDRs huma rreġistrati gross bħala akkwist ta' ass fil-kontijiet finanzjarji tal-awtoritajiet monetarji tal-partiċipant individwali, u bħala tiġrib ta' passiv mill-bqija tad-dinja.
- 5.72 L-SDRs jinżammu esklussivament minn detenturi uffiċjali, li huma l-banek ċentrali u ċerti aġenziji internazzjonali, u huma trasferibbli fost il-partiċipanti u detenturi uffiċjali oħrajn. It-titoli tal-SDRs jirrappreżentaw il-jedd assikurat u bla kundizzjoni ta' kull detentur li jakkwista assi ta' riżerva oħrajn, speċjalment tal-kambju f'munita barranija, minn membri oħra tal-IMF.
- 5.73 L-SDRs huma assi b'passivi mqabbla iżda l-assi jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-partiċipanti b'mod kollettiv u mhux fuq l-IMF. Partiċipant jista' jbiegħ it-titoli SDR tiegħu kollha jew xi wħud minnhom lil partiċipant ieħor u bi tpattija jirċievi assi oħra ta' riżerva, partikolarment fl-għamla ta' kambju ta' munita barranija.

Flus u depożiti (F.2)

- 5.74 *Definizzjoni:* Il-flus u d-depożiti huma l-flus fiċ-ċirkolazzjoni u d-depożiti, kemm fil-munita nazzjonali kif ukoll f'muniti barranin.
- 5.75 Hemm tliet sottokategoriji ta' transazzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' munita u depożiti:
- (a) flus (F.21);
- (b) depożiti trasferibbli (F.22); u
- (c) depożiti oħrajn (F.29).

Flus (F.21)

- 5.76 *Definizzjoni:* Flus huma l-karti tal-flus u l-muniti li jinħarġu jew jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet monetarji.
- 5.77 Il-flus jinkludu:
- (a) karti tal-flus u muniti maħruġa mill-awtoritajiet monetarji residenti bħala flus nazzjonali fiċ-ċirkolazzjoni miżmuma mir-residenti u minn mhux residenti; u
- (b) karti tal-flus u muniti maħruġa minn awtoritajiet monetarji mhux residenti bħala flus barranin fiċ-ċirkolazzjoni u miżmuma mir-residenti.
- 5.78 Flus ma jinkludux:
- (a) karti tal-flus u muniti li mhumiex fiċ-ċirkolazzjoni, pereżempju l-istokk fil-bank ċentrali tal-karti tal-flus tiegħu stess jew ta' ħażniet ta' karti tal-flus ta' emerġenza; u
- (b) muniti kommemorattivi li mhux soltu jintużaw biex isiru pagamenti bihom. Dawn jiġu kklassifikati bħala oġġetti ta' valur.

Kaxxa 5.2 — Flus maħruġin mill-Ewrosistema

- B5.2.1. Il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro maħruġa mill-Ewrosistema huma l-munita domestika tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Minkejja li hija trattata bħala munita domestika, l-euro li qegħdin għand ir-residenti ta' kull Stat Membru parteċipant jikkostitwixxu passivi tal-bank ċentrali nazzjonali residenti sal-punt biss tas-sehem nozzjonali tiegħu fil-ħruġ totali, abbażi ta' sehemu fil-kapital tal-BĊE. Konsegwenza ta' dan hija li, fiż-żona euro, mill-perspettiva nazzjonali, parti mill-munita domestika li qiegħda għand ir-residenti taf tkun pretensjoni finanzjarja ta' mhux residenti.
- B5.2.2. Il-flus maħruġin mill-Ewrosistema tinkludi l-karti tal-flus u l-muniti. Il-karti tal-flus jinħarġu mill-Ewrosistema; il-muniti jinħarġu mill-gvernijiet ċentrali taż-żona euro, minkejja li b'konvenzjoni dawn huma trattati bħala passivi tal-bank ċentrali nazzjonali li bħala kontroparti għandhom titolu ta' pretensjoni nozzjonali fuq il-gvern ġenerali. Il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro jistgħu jinżammu mir-residenti taż-żona euro jew minn mhux residenti taż-żona euro.

Depożiti (F.22 u F.29)

- 5.79 *Definizzjoni:* Id-depożiti huma kuntratti standardizzati u mhux negozjabbli mal-pubbliku kollu kemm hu, offruti minn korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti u, f'xi każijiet, mill-gvern ċentrali bħala d-debituri, u li jippermettu t-tqegħid u l-prelevament sussegwenti tal-ammont prinċipali mill-kreditur. Id-depożiti normalment jinvolvu li d-debitur jagħti lura l-ammont prinċipali kollu lill-investitur.

Depożiti trasferibbli (F.22)

- 5.80 *Definizzjoni:* Depożiti trasferibbli huma depożiti li jistgħu jinbiddu fi flus fuq talba u flus bi flus, at par, u li jistgħu jintużaw direttament biex bihom isir pagament b'ċekk, draft, ordni giro, debitu jew kreditu dirett jew xi faċilità oħra ta' pagament dirett, bla penali jew restrizzjonijiet.
- 5.81 Depożiti trasferibbli fil-biċċa l-kbira tagħhom jirrapreżentaw passivi ta' korporazzjonijiet residenti li jaċċettaw id-depożiti, li f'xi każijiet ikunu gvernijiet ċentrali, u unitajiet istituzzjonali mhux residenti. Id-depożiti trasferibbli jinkludu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
- (a) pożizzjonijiet interbankarji bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji;
- (b) depożiti miżmuma mill-bank ċentrali minn korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti feċċess tal-ammonti ta' riżervi li huma obbligati li jżommu, u li jistgħu jużaw bla twissija jew restrizzjoni;

- (c) depożiti li istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra jġarrbu vis-à-vis il-bank ċentrali fl-għamla ta' kontijiet f'deheb mhux allokati li jkun deheb mhux monetarju, kif ukoll id-depożiti korrispondenti fl-għamla ta' kontijiet f'metalli prezzjużi;
- (d) depożiti ta' munita barranija skont arranġamenti ta' tpartit;
- (e) il-pożizzjoni ta' riżerva tal-IMF li tiffirma l-"porzjon ta' riżerva", jiġifieri l-SDR jew l-ammonti f'munita barranija li pajjiż membru jista' jiġbed mill-IMF fi żmien qasir, u pretensjonijiet oħra fuq l-IMF li huma disponibbli minnufih għall-pajjiż membru li jkun, inkluż is-self tal-pajjiż li jirrapporta lura lill-IMF skont l-Arranġamenti Ġenerali tat-Tisliġ (GAB) u l-Arranġamenti l-Ġodda tat-Tisliġ (NAB).
- 5.82 Kontijiet ta' depożitu trasferibbli jista' jkollhom faċilitajiet għal overdraft. Jekk isir overdraft fuq il-kont, il-prelevament sa żero jkun il-prelevament ta' depożitu, u l-ammont tal-overdraft ikun l-għoti ta' self.
- 5.83 Is-setturi residenti kollha u l-bqija tad-dinja jistgħu jkunu detenturi ta' depożiti trasferibbli.
- 5.84 Depożiti trasferibbli jistgħu jinqasmu skont il-munita f'depożiti trasferibbli denominati fil-munita domestika u fil-munita barranin.

Depożiti oħra (F.29)

- 5.85 *Definizzjoni:* Depożiti oħra huma depożiti minbarra depożiti trasferibbli. Depożiti oħra ma jistgħux jintużaw biex isiru pagamenti ħliet meta jimmatuaw jew wara perijodu maqbul ta' twissija, u m'humiex skambjabbli ma' flus jew depożiti trasferibbli bla restrizzjonijiet sinifikanti jew il-pagament ta' penali.
- 5.86 Depożiti oħrajn jinkludu:
- (a) depożiti b'terminu ta' żmien, li huma depożiti li ma jkunux disponibbli minnufih, iżda jkunu disponibbli malli jimmatuaw kif ikun miftiehem. Id-disponibbiltà tagħhom hija suġġetta għal terminu fiss jew ikunu jistgħu jinfedw bi twissija ta' prelevament. Dawn jinkludu wkoll depożiti mal-banek ċentrali li jkunu miżmuma minn korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti bħala riżervi obbligatorji sal-punt li d-depożitaturi ma jkunux jistgħu jużawhom bla twissija jew restrizzjoni;
- (b) depożiti tat-tfaddil, kotba tat-tfaddil, ċertifikati tat-tfaddil mhux negozjabbli jew ċertifikati tad-depożiti mhux negozjabbli;
- (c) depożiti li jirriżultaw minn skema jew kuntratt tat-tfaddil. Dawn id-depożiti spiss jinvolvu obbligu fuq il-parti tad-depożitatur li jaffettwa pagamenti regolari tul perijodu ta' żmien partikolari, u l-kapital imħallas u l-imgħax dovut ma jsirx disponibbli sakemm jiskadi perijodu fiss ta' żmien. Dawn id-depożiti għali jgħu kkombinati mal-ħruġ, fi tmien il-perijodu tat-tfaddil, ta' self li jkun proporzjonat għat-tfaddil akkumulat, bil-għan li tinxtara jew tinbena abitazzjoni;
- (d) prova ta' depożitu maħruġ b'assoċjazzjonijiet ta' tfaddil jew ta' self, soċjetajiet tal-bini, unjonijiet tal-kreditu eċċ., li xi kultant jissejħu ishma, li jistgħu jinfedw fuq talba jew bi twissija relattivament qasira, iżda li ma jkunux trasferibbli;
- (e) pagamenti marġinali ripagabbli marbuta ma' derivattivi finanzjarji li huma passivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji;
- (f) ftehimiet ta' xiri mill-ġdid (repos) fuq perijodu qasir li huma passivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji; u
- (g) passivi lejn l-IMF li huma komponenti ta' riżervi internazzjonali u li mhumiex evidenzjati b'self; dawn jikkonsistu fl-użu ta' Fond ta' kreditu fi ħdan il-Kont tar-Riżorsi Ġenerali tal-IMF. Dan ikejjel l-ammont ta' flus ta' membru mal-IMF li l-membru huwa obbligat li jixtri mill-ġdid.
- 5.87 Depożiti oħra ma jinkludux ċertifikati negozjabbli ta' depożiti u ċertifikati ta' tfaddil negozjabbli. Dawn huma kklassifikati taħt titoli tad-dejn (AF.3).
- 5.88 Depożiti oħra jistgħu jinqasmu skont il-munita f'depożiti oħra denominati fil-munita domestika u f'munita barranin.

Titoli tad-dejn (F.3)

- 5.89 *Definizzjoni:* It-titoli tad-dejn huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu ta' prova ta' dejn.

Il-fatturi ewlenin tat-titoli tad-dejn

- 5.90 It-titoli tad-dejn għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:
- (a) data tal-ħruġ li fiha jinħareġ it-titolu tad-dejn;
 - (b) prezz tal-ħruġ li bih l-investituri jixtru t-titoli tad-dejn meta jinħarġu l-ewwel darba;
 - (c) data ta' tiffidja jew tal-maturità, li fiha jkun dovut ir-ripagament finali skedat kuntrattwalment tal-prinċipal;
 - (d) prezz tat-tiffidja jew valur nominali, li huwa l-ammont li għandu jitħallas mill-emittent lid-detentur fil-maturità;
 - (e) maturità oriġinali, li hija l-perijodu mid-data tal-ħruġ sal-pagament finali skedat kuntrattwalment;
 - (f) maturità reżidwa jew li tibqa', li hija l-perijodu mid-data ta' referenza sal-pagament finali skedat kuntrattwalment;
 - (g) rata tal-kupun li l-emittent iħallas lid-detenturi tat-titoli tad-dejn; il-kupun jista' jkun fiss tul il-ħajja tat-titolu tad-dejn jew ivarja mal-inflazzjoni, ir-rati tal-imgħax, jew il-prezzijiet tal-assi. Titoli tad-dejn bla kupun jew kontijiet ma joffru l-ebda imgħax b'kupun;
 - (h) dati tal-kupun, li fihom l-emittent iħallas il-kupun lid-detenturi tat-titoli;
 - (i) il-prezz tal-ħruġ, il-prezz tal-fidi, u r-rata tal-kupun jistgħu jkunu denominati (jew imħallsa) jew fil-munita nazzjonali inkella f'muniti barranin; u
 - (j) ir-rata tal-kreditu tat-titoli tad-dejn, li tivvaluta l-valur tal-kreditu ta' ħruġ ta' titoli tad-dejn individwali. Il-kategoriji tar-rati huma assenjati minn aġenziji rikonossuti.

Fir-rigward tal-punt (c) fl-ewwel subparagrafu, id-data tal-maturità taf taħbat mal-konverżjoni ta' titolu tad-dejn f'seħem. F'dan il-kuntest, il-konvertibbiltà tfisser li d-detentur jista' jiskambja titolu tad-dejn mal-ekwiżità komuni tal-emittent. Skambjabilità tfisser li d-detentur jista' jibdel it-titolu tad-dejn ma' ishma ta' korporazzjoni minbarra l-emittent. Titoli perpetwi, li ma jkollhom l-ebda data tal-maturità, huma kklassifikati bħala titoli tad-dejn.

- 5.91 It-titoli tad-dejn jinkludi assi u passivi finanzjarji li jistgħu jiġu deskritti skont klassifikazzjonijiet differenti — skont il-maturità, is-settur u s-subsettur detentur u emittenti, il-munita u t-tip ta' rata tal-imgħax.

Klassifikazzjoni skont il-maturità oriġinali u l-munita

- 5.92 Transazzjonijiet fit-titoli tad-dejn jinqasmu skont il-maturità oriġinali f'żewġ sottokategoriji:
- (a) titoli tad-dejn fuq perijodu qasir (F.31); u
 - (b) titoli tad-dejn fuq perijodu twil (F.32).
- 5.93 It-titoli tad-dejn jistgħu jkunu denominati fil-munita nazzjonali jew f'muniti barranin. Diżaggregazzjoni ulterjuri tat-titoli tad-dejn denominati fil-muniti barranin varji jistgħu jkunu xierqa u jvarjaw skont l-importanza relattiva tal-muniti barranin individwali għal ekonomija.
- 5.94 It-titoli tad-dejn kemm bi prinċipal kif ukoll b'kupun marbuta ma' munita barranija jiġu kklassifikati bħala denominati f'dik il-munita.

Klassifikazzjoni skont it-tip ta' rata tal-imgħax

- 5.95 It-titoli tad-dejn jistgħu jiġu kklassifikati skont it-tip tar-rata tal-imgħax. Hemm tliet gruppi ta' titoli tad-dejn distinti:
- (a) titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax fissa;
 - (b) titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax varjabbli; u
 - (c) titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax imħallta.

Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax fissa

- 5.96 Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax fissa jkopru:
- (a) titoli tad-dejn sempliċi, li jinħarġu u jinfedew flus bi flus;
 - (b) titoli tad-dejn maħruġa bi skont jew bi primjum vis-à-vis l-valur attwali tagħhom. Eżempji ta' dawn huma t-treasury bills, il-karti kummerċjali, kambjali, il-bill acceptances, il-bill endorsements, u ċ-ċertifikati tad-depożitu;
 - (c) bonds skontati ħafna li jkollhom pagamenti tal-imgħax żgħar u li jinħarġu bi skont konsiderevoli vis-à-vis l-valur attwali tagħhom;
 - (d) bonds bla kupun, li huma titoli tad-dejn bi pagament wieħed bla pagamenti bil-kupun. Il-bond tinbiegħ bi skont vis-à-vis l-valur attwali tagħha, u l-prinċipal jitħallas lura fil-maturità jew xi drabi jinfeda f'porzjonijiet. Il-bonds bla kupun jistgħu jinħolqu minn titoli tad-dejn b'rata fissa billi "jinqatgħu" l-kupuni, jiġifieri, billi l-kupuni jiġu sseparati mill-pagament finali tal-prinċipal tat-titolu u mbagħad jiġu nnegozjati indipendentement;
 - (e) il-Kummerċ Separat ta' Mgħax Irreġistrat u Titoli Prinċipali (STRIPS), jew titoli tad-dejn "stripped", li huma titoli li l-imgħaxijiet u l-porzjonijiet tal-pagament prinċipali tagħhom ġew isseparati, jew "stripped", u li allura jistgħu mbagħad jinbiegħu separatament;
 - (f) it-titoli tad-dejn perpetwu, eżerċitabbli (callable) u puttable, u t-titoli tad-dejn b'dispożizzjoni ta' fond b'amortizzament progressiv;
 - (g) bonds konvertibbli, li jistgħu, skont l-għażla tad-detenturi, jiġu konvertiti f'ekwità mill-emittent, biex imbagħad f'dak il-punt jiġu kklassifikati bħala ishma; u
 - (h) bonds skambjabbli, b'opzjoni inkorporata għall-iskambju tat-titolu f'shem f'korporazzjoni minbarra dik tal-emittent, li normalment tkun sussidjarja jew kumpannija li fiha l-emittent ikollu parti minnha, f'xi data futura u skont kundizzjonijiet maqbula.
- 5.97 Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax fissa jinkludu wkoll titoli tad-dejn oħrajn bħal bonds ta' garanzija tal-ekwità, bonds subordinati, ishma ta' preferenza mhux parteċipanti li jħallsu introjtu fiss, li iżda ma jistipulawx parteċipazzjoni fid-distribuzzjoni tal-valur residwu ta' korporazzjoni jekk din tiġi xolta, u strumenti diskontinwati (stapled instruments).

Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax varjabbli

- 5.98 Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax varjabbli jkollhom l-imgħax u/jew il-pagamenti prinċipali tagħhom marbuta ma':
- (a) indiċi tal-prezzijiet ġenerali fil-każ ta' oġġetti u servizzi (bħal indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur);
 - (b) rata tal-imgħax; jew
 - (c) prezz ta' ass.
- 5.99 Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax varjabbli normalment jiġu kklassifikati bħala titoli tad-dejn fuq perijodu twil, sakemm dawn ma jkollhomx maturità oriġinali ta' sena jew anqas.
- 5.100 It-titoli tad-dejn marbuta mal-prezzijiet tal-assi jew mal-inflazzjoni jinkludu dawk it-titoli tad-dejn maħruġa bħala bonds marbuta mal-inflazzjoni u bħala bonds marbuta ma' kommodità. Il-kupuni u/jew il-valur tal-fidi ta' bond marbut ma' kommodità huma marbuta mal-prezz ta' kommodità. It-titoli tad-dejn, li l-imgħax fuqhom ikun marbut mar-rata tal-kreditu ta' riċevitur tas-self ieħor, huma kklassifikati bħala titoli tad-dejn marbuta mal-indiċi, peress li r-rati tal-kreditu ma jinbidlux b'mod kontinwu b'rispons għall-kundizzjonijiet tas-suq.
- 5.101 Fil-każ ta' titoli tad-dejn marbuta mar-rata tal-imgħax, l-imgħax nominali kuntrattwali u/jew il-valur tal-fidi huma varjabbli fir-rigward tal-munita nazzjonali. Dak in-nhar tal-ħruġ, l-emittent ma jstax ikun jaf il-valur tal-imgħax u r-ripagamenti prinċipali.

Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax imħallta

- 5.102 Titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax imħallta jkollhom rata ta' kupun kemm varjabbli kif ukoll fissa tul ħajjithom u jiġu kklassifikati bħala titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax varjabbli. Dawn ikopru titoli tad-dejn li għandhom:
- (a) kupun fiss u kupun varjabbli fl-istess waqt;
 - (b) kupun varjabbli jew fiss sa punt ta' referenza u mbagħad kupun varjabbli jew fiss minn dak il-punt ta' referenza sad-data tal-maturità; jew

- (c) pagamenti bil-kupun li huma ffissati minn qabel tul haġet it-titoli tad-dejn, li iżda mhumiex kostanti mal-medda taż-żmien. Dawn jissejħu titoli tad-dejn imtarrġa.

Pjazzamenti privati

- 5.103 It-titoli tad-dejn jinkludu wkoll il-pjazzamenti privati. Il-pjazzamenti privati jinvolvu emittent li jbiegħ it-titoli tad-dejn direttament lil għadd żgħir ta' investituri. Il-valur tal-kreditu tal-emittenti ta' dawn it-titoli tad-dejn tipikament ma jiġix iwwalutat mill-aġenzji tar-rati tal-kreditu, u t-titoli ġeneralment la jinbiegħu u lanqas ma jingħataw prezz għdid, u għalhekk is-suq sekondarju tagħhom huwa limitat. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-pjazzamenti privati jissodisfaw il-kriterju tan-negozjabbiltà u huma kklassifikati bħala titoli tad-dejn.

Titolizzazzjoni

- 5.104 *Definizzjoni:* It-titolizzazzjoni hija l-ħruġ tat-titoli tad-dejn li għalih il-kupuni jew il-pagamenti prinċipali huma appoġġati minn assi speċifiċi jew minn flussi tal-introjtu futuri. Għadd ta' assi jew flussi tal-introjtu futuri jistgħu jiġi titolizzati; dawn jinkludu fost oħrajn, self fuq ipoteki residenzjali u kummerċjali; self tal-konsumatur; self korporattiv, self mill-gvern; kuntratti ta' assigurazzjoni; derivattivi tal-kreditu; u d-dħul futur.
- 5.105 It-titolizzazzjoni tal-assi jew tal-flussi tal-introjtu futuri huma innovazzjoni finanzjarja importanti li waslet għall-ħolqien u l-użu estensiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji ġodda għall-iffaċilitar tal-ħolqien, it-tqegħid fis-suq, u l-ħruġ tat-titoli tad-dejn. It-titolizzazzjoni nġhatat spinta minn konsiderazzjonijiet differenti. Fil-każ tal-korporazzjonijiet dawn jinkludu: finanzjament irħas minn dak disponibbli permezz tal-faċilitajiet bankarji; it-tnaqqis fir-rekwiżiti kapitali regolatorji; it-trasferiment ta' tipi varji ta' riskju bħar-riskju tal-kreditu jew ir-riskju tal-assigurazzjoni; u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament.
- 5.106 L-iskemi tat-titolizzazzjoni jvarjaw fi ħdan u tul is-swieq tat-titoli tad-dejn. Dawn l-iskemi jistgħu jingħabru f'żewġ tipi wiesja:
- (a) korporazzjoni finanzjarja involuta fit-titolizzazzjoni tal-assi u t-trasferiment tal-assi li jipprovdu kollaterali mid-detentur oriġinali, magħruf bħala bejgħ veru; u
- (b) l-iskemi tat-titolizzazzjoni jinvolvu korporazzjoni finanzjarja involuta fit-titolizzazzjoni tal-assi u t-trasferiment ta' riskju tal-kreditu biss, bl-użu ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (CDS) — is-sid oriġinali jżomm l-assi, iżda jgħaddi r-riskju tal-kreditu lil ħaddieħor. Din tissejjaħ titolizzazzjoni sintetika.
- 5.107 Fir-rigward ta' l-iskema msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 5.106, korporazzjoni tat-titolizzazzjoni tinholqu biex iżżomm assi tat-titolizzazzjoni jew assi oħra li jkunu ġew titolizzati mid-detentur oriġinali, u jinħarġu titoli tad-dejn kollatterizzati minn dawk l-assi.
- 5.108 Huwa essenzjali li jiġi stabbilit, b'mod partikolari, jekk il-korporazzjoni finanzjarja involuta fit-titolizzazzjoni tal-assi tamministrax attivament il-portafoll tagħha billi toħroġ titoli tad-dejn, minflok sempliċiment taġixxi bħala attività fiduċjarja li tamministra assi b'mod passiv jew ikollha titoli tad-dejn. Meta l-korporazzjoni finanzjarja tkun is-sid legali ta' portafoll ta' assi, tkun l-emittent ta' titoli tad-dejn li jippreżentaw imgħax fil-portafoll, ikollha sett sħiħ ta' kontijiet, tkun qed taġixxi bħala intermedjarju finanzjarju kklassifikat fost intermedjarji finanzjarji oħra. Il-korporazzjonijiet finanzjarji involuti fit-titolizzazzjoni tal-assi huma distinti minn entitajiet li jinħolqu biss biex iżommu portafolli speċifiċi ta' assi u passivi finanzjarji. L-entitajiet imsemmijin l-aħħar huma kkombinati mal-korporazzjonijiet prinċipali tagħhom, jekk ikunu residenti fl-istess pajjiż tal-korporazzjoni prinċipali. Madankollu, l-entitajiet mhux residenti jitqiesu bħala unitajiet istituzzjonali separati u jiġu kklassifikati bħala istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi.
- 5.109 Fir-rigward tal-skema msemmija fil-punt (b) tal-paragrafi 5.106, is-sid oriġinali tal-assi, jew ix-xerrej protettiv, permezz ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (CDS), jittrasferixxi r-riskju tal-kreditu konness ma' ġabra ta' assi ta' referenza diversifikati lil korporazzjoni tat-titolizzazzjoni, iżda jżomm l-assi nflushom. Ir-rikavat mill-ħruġ tat-titoli tad-dejn jitqiegħed f'depożitu jew finvestment sikur ieħor bħall-bonds AAA, u l-imgħax dovut tad-depożiti, flimkien mal-primjum mis-CDS, jiffinanzja l-imgħax fuq it-titoli tad-dejn maħruġa. Jekk ikun hemm xi inadempjenza, il-prinċipal li għandu jingħata lid-detenturi tal-ABS jitnaqqas — bil-porzjonijiet minuri jieħdu l-ewwel "hit" eċċ. Il-kupuni u l-pagamenti prinċipali jistgħu jiġu ridiretti wkoll lis-sid tal-kollateral oriġinali minn investituri fit-titoli tad-dejn biex jitpatta t-telf minħabba inadempjenza.
- 5.110 Titolu sostnut minn ass (ABS) huwa titolu tad-dejn li l-prinċipal u/jew l-imgħax tiegħu huwa pagabbli biss mill-flussi ta' flus kontanti prodotti minn ġabra speċifika ta' assi finanzjarji jew mhux finanzjarji.

Bonds koperti

- 5.111 *Definizzjoni:* Il-bonds koperti huma titoli tad-dejn maħruġa minn korporazzjoni finanzjarja, jew garantiti bis-sħiħ minn korporazzjoni finanzjarja. Fil-każ ta' inadempjenza min-naħa tal-korporazzjoni emittenti jew dik ta' garanzija finanzjarja, id-detenturi tal-bonds ikollhom pretensjoni prijoritarja fuq il-ġabra ta' kopertura, flimkien mal-pretensjoni ordinarja tagħhom fuq il-korporazzjoni finanzjarja.

Self (F.4)

5.112 *Definizzjoni:* Is-self jinholoq meta l-kredituri jisilfu fondi lid-debituri.

Il-karatteristiċi ewlenin tas-self

5.113 Is-self hu kkaratterizzat minn dawn il-fatturi li ġejjin:

- (a) il-kundizzjonijiet li jirregolaw self jiġu ffsati jew mill-korporazzjoni finanzjarja li tagħti s-self jew jiġu miftiehma bejn min jislef u min jissellef b'mod dirett jew permezz ta' intermedjarju;
- (b) l-inizjattiva li jittieħed self normalment tkun ta' dak li jissellef; u
- (c) self huwa dejn bla kundizzjoni għall-kreditur li għandu jitħallas lura mal-maturità u li jħalli l-imgħax.

5.114 Is-self jista' jkun assi jew passivi finanzjarji tas-setturi kollha residenti u tal-bqija tad-dinja. Il-korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti jirreġistraw l-obbligazzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien bħala depożiti u mhux bħala dejn.

Il-klassifikazzjoni tas-self skont il-maturità oriġinali, il-munita u l-iskop tas-self

5.115 It-transazzjonijiet f'self jistgħu jiġu kkategorizzati f'żewġ tipi skont il-maturità oriġinali:

- (a) self fuq perijodu qasir (F.41) b'maturità oriġinali fuq perijodu qasir, inkluż self ripagabbli kull meta jintalab; u
- (b) self fuq perijodu twil (F.42) b'maturità oriġinali fuq perijodu twil.

5.116 Għal finijiet analitiċi, is-self jista' jiġi sottokategorizzat ulterjorment kif ġej:

- (a) self denominat fil-munita nazzjonali; u
- (b) self denominat fil-munita barranin.

Fil-każ tal-unitajiet domestiċi, din is-sottokategorizzazzjoni li ġejja tkun siewja:

- (a) self għall-konsum;
- (b) self għal xiri ta' dar; u
- (c) self ieħor.

Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self u transazzjonijiet f'depożiti

5.117 Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self (F.4) u transazzjonijiet f'depożiti (F.22) hija li debitur joffri kuntratt standardizzat mhux negozjabbli fil-każ ta' self, imma mhux fil-każ ta' depożitu.

5.118 Is-self fuq perijodu qasir li jingħata lill-korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti huwa kklassifikat bħala depożiti trasferibbli jew depożiti oħra, u s-self fuq perijodu qasir aċċettat mill-unitajiet istituzzjonali għajr il-korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti huwa kklassifikat bħala self fuq perijodu qasir.

5.119 Il-pjazzament ta' fondi bejn il-korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti dejjem jiġi rreġistrat bħala depożiti.

Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self u transazzjonijiet f'titoli tad-dejn

5.120 Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self (F.4) u transazzjonijiet f'titoli tad-dejn (F.3) hija li s-self huwa strument finanzjarju mhux negozjabbli filwaqt li t-titoli tad-dejn huma strumenti finanzjarji negozjabbli.

5.121 Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-self huwa evidenzjat minn dokument waħdieni u t-transazzjonijiet fis-self jitwettqu bejn kreditur wieħed u debitur wieħed. Għall-kuntrarju, il-ħruġ tat-titoli tad-dejn jikkonsisti f'għadd kbir ta' dokumenti identiċi, li kull wieħed minnhom ikun prova ta' somma sempliċi, li lkoll flimkien jiffurmaw l-ammont totali missellef.

5.122 Jeżisti suq sekondarju fis-self. F'każijiet fejn is-self isir negozjabbli f'suq organizzat, dan għandu jiġi kklassifikat mill-ġdid minn self għal titoli tad-dejn, sakemm ikun hemm prova ta' kummerċ f'suq sekondarju, inkluża l-eżistenza ta' ġeneraturi tas-suq, u l-kwotazzjoni frekwenti tal-ass finanzjarju, bħal dik ipprovduta mill-bid-offer spreads. Normalment tkun involuta konverżjoni espliċita tas-self oriġinali.

- 5.123 Is-self standardizzat huwa offrut l-aktar mill-korporazzjonijiet finanzjarji, u dan spiss jingħata lill-unitajiet domestiċi. Il-korporazzjonijiet finanzjarji jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u l-unitajiet domestiċi jistgħu biss jagħżlu jekk jaċċettawx jew jirrifjutaw. Il-kundizzjonijiet tas-self mhux standardizzat madankollu normalment jirriżultaw min-negozjati bejn il-kreditur u d-debitur. Dan huwa kriterju importanti li jiffaċilita distinzjoni bejn is-self mhux standardizzat u t-titoli tad-dejn. Fil-każ ta' ħruġ ta' titoli pubbliċi, il-kundizzjonijiet tal-ħruġ jiġu ddeterminati minn min jissellef, possibbilment wara konsultazzjoni mal-bank/maniġer-bank ewlieni. Fil-każ ta' ħruġ ta' titoli privati, madankollu, il-kreditur u d-debitur jinnegozjaw il-kundizzjonijiet tal-ħruġ.

Id-distinzjoni bejn transazzjonijiet f'self, kreditu kummerċjali u kontijiet kummerċjali

- 5.124 Il-kreditu kummerċjali huwa kreditu estiż direttament mill-fornituri ta' oġġetti u servizzi lill-klijenti tagħhom. Il-kreditu kummerċjali jfeġġ meta pagament għal oġġetti u servizzi ma jsirx fl-istess waqt tal-bidla fis-sjeda ta' oġġett jew malli jingħata xi servizz.
- 5.125 Il-kreditu kummerċjali huwa distint minn self għall-kummerċ finanzjarju, li jiġi kklassifikat bħala self. Il-kontijiet kummerċjali miġbuda fuq klijent minn fornitur ta' oġġetti u servizzi, li mbagħad jiġu skontati mill-fornitur ma' korporazzjoni finanzjarja, isiru pretensjoni minn parti terza fuq il-klijent.

Self ta' titoli u ftehimiet ta' xiri mill-ġdid

- 5.126 *Definizzjoni:* Is-self ta' titoli huwa t-trasferiment temporanju ta' titoli minn min jislef lil min jissellef. Min jissellef it-titoli jista' jintalab jipprovdni xi assi bħala kollateral lil min jislef it-titoli fl-għamla ta' flus kontanti jew titoli. It-titolu legali jgħaddi fuq iż-żewġ naħat tat-transazzjoni biex b'hekk il-kollateral u t-titoli misselfa jkun jistgħu jinbiegħu jew jiġu mislufa mill-ġdid.
- 5.127 *Definizzjoni:* Ftehim ta' xiri mill-ġdid ta' titoli huwa arranġament li jinvolvi d-dispożizzjoni ta' titoli bħal titoli tad-dejn jew ishma bħala skambju ma' flus kontanti jew mezzi oħra ta' pagament, b'impenn li jergħu jinxtraw l-istess titoli jew oħrajn simili għalihom bi prezz fiss. L-impenn ta' xiri mill-ġdid jista' jkun jew f'data futura speċifikata inkella b'maturità "miftuħa".
- 5.128 Is-self tat-titoli b'kollateral fi flus kontanti u ftehimiet ta' xiri mill-ġdid (repos) huma termini differenti għal arranġamenti finanzjarji bl-istess effetti ekonomiċi: dawk ta' self titolizzat, peress li t-tnejn jinvolvu d-dispożizzjoni ta' titoli bħala kollateral għal self jew depożitu, fejn il-korporazzjoni li taċċetta d-depożiti tbiegħ it-titoli skont arranġament finanzjarju ta' dan it-tip. Il-karatteristiċi differenti taż-żewġ arranġamenti jintwerew fit-Tabella 5.2.

Tabella 5.2 — Il-karatteristiċi ewlenin tas-self tat-titoli u l-ftehimiet tax-xiri mill-ġdid

Karatteristika	Self tat-titoli		Ftehim tax-xiri	
	Kollateral fi flus kontanti	Bla kollateral fi flus kontanti	Titoli speċifiċi	Kollateral ġenerali
Metodi ta' skambju formali	Self tat-titoli bi ftehim ma' min jissellef li jirritornahom lil min isellef		Bejgħ ta' titoli u impenn li jergħu jinxtraw skont il-kundizzjonijiet ta' ftehim ewlieni	
Forma ta' skambju	Titoli kontra flus kontanti	Titoli kontra kollateral ieħor (jekk ikun hemm)	Titoli kontra flus kontanti	Flus kontanti kontra titoli
Ir-redditu jitħallas lill-fornitur ta'	Kollateral fi flus kontanti (min jissellef it-titoli)	Titoli (mhux titoli kollaterali) (min jislef it-titoli)	Flus kontanti	Flus kontanti
Ir-redditu ripagabbli bħala	Dritt	Dritt	Rata repo	Rata repo

- 5.129 It-titoli pprovduti skont il-ftehimiet dwar is-self u x-xiri mill-ġdid tat-titoli jitqiesu li ma jkunux biddlu s-sjeda ekonomika, għax min jislef xorta jibqa' l-benefiċjarju tal-introjtu prodott mit-titolu, u suġġett għar-riskji jew il-benefiċċji ta' kwalunkwe bidla fil-prezz tat-titolu.
- 5.130 La l-forniment u r-riċeviment tal-fondi skont il-ftehim tax-xiri mill-ġdid tat-titoli, u lanqas is-self ta' titoli b'kollateral fi flus kontanti, ma jinvolvux il-ħruġ mill-ġdid ta' titoli tad-dejn. It-tali forniment ta' fondi lill-unitajiet istituzzjonali għajr l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji jiġi ttrattat bħala self; fil-każ ta' korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti dan jiġi ttrattat bħala depożitu.

- 5.131 Jekk self ta' titoli ma jinvolvi forniment ta' flus kontanti, jiġifieri, jekk ikun hemm skambju ta' titolu ma' ieħor, jew jekk parti waħda tforni titolu bla kollateral, ma jkun hemm l-ebda transazzjoni f'self, depożiti jew titoli.
- 5.132 Eżerċizzji marġinali fi flus kontanti skont repo jiġu kklassifikati bħala self.
- 5.133 It-tpartit tad-deheb huwa ftehim simili ta' xiri mill-ġdid ta' titoli għajr li l-kollateral ikun deheb. Dan jinvolvi l-iskambju ta' deheb ma' depożiti ta' kambju barrani bi ftehim li t-transazzjoni titreġġa' lura f'data futura li jkun sar qbil dwarha bi prezz tad-deheb maqbul. It-transazzjoni tiġi rreġistrata bħala self kollateralizzat jew depożitu.

Kirjiet finanzjarji

- 5.134 *Definizzjoni:* Kirja finanzjarja hija kuntratt li bih sid il-kera, bħala s-sid legali ta' ass, jgħaddi r-riskji u l-benefiċċji tas-sjieda tal-ass lill-kerrej. Skont kiri finanzjarju, sid il-kera jitqies li jkun qed jgħaddi self lill-kerrej li permezz tiegħu dan tal-aħħar jakkwista l-ass. Minn hemm 'il quddiem l-ass mikri ma jintwerix fuq il-karta tal-bilanċ ta' sid il-kera iżda fuq dik tal-kerrej; is-self korrispondenti jintwera bħala ass ta' sid il-kera u bħala passiv tal-kerrej.
- 5.135 Il-kirjiet finanzjarji jistgħu jiġu distinti minn forom oħra ta' kirjiet minħabba li r-riskji u l-premijiet tas-sjieda jiġu ttrasferiti mis-sid legali tal-beni għall-utenti tal-beni. Tipi oħra ta' kirjiet huma (i) kirja operattiva; (ii) kirja ta' riżorsi. Kuntratti, kirjiet u liċenzji oħrajn, kif definit fil-Kapitolu 15, jistgħu wkoll jitqiesu bħala kirjiet.

Tipi oħra ta' self

- 5.136 Il-kategorija self tinkludi dawn li ġejjin:
- (a) overdraft fuq kontijiet ta' depożitu trasferibbli, fejn l-ammont tal-overdraft ma jiġix trattat bħala depożitu trasferibbli negattiv;
 - (b) l-overdrafts fuq kontijiet kurrenti oħra, pereżempju, bilanċi intragrupp bejn korporazzjonijiet mhux finanzjarji u s-sussidjarji tagħhom, iżda bl-esklużjoni ta' bilanċi li huma passivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji kklassifikati fis-sottokategorija tad-depożiti;
 - (c) il-pretensjonijiet finanzjarji tal-impjegati minħabba l-parteċipazzjoni fil-profiti tal-korporazzjoni;
 - (d) pagamenti marġinali ripagabbli marbuta ma' derivattivi finanzjarji li huma passivi tal-unitajiet istituzzjonali minbarra l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji;
 - (e) self li huwa kontroparti ta' aċċettazzjonijiet bankarji;
 - (f) self għall-ipoteki;
 - (g) kreditu tal-konsumatur;
 - (h) krediti rotattivi;
 - (i) self ta' pagament bin-nifs;
 - (j) self imħallas bħala garanzija għall-issodisfar ta' ċerti passivi;
 - (k) garanziji ta' depożiti bħala pretensjonijiet finanzjarji ta' korporazzjonijiet tar-riassigurazzjoni fuq korporazzjonijiet ċedenti;
 - (l) pretensjonijiet finanzjarji fuq l-IMF evidenzjati minn self fil-Kont tar-Riżorsi Ġenerali, inkluż self skont l-Arranġamenti Ġenerali għat-Tisli (GAB) u l-Arranġamenti l-Ġodda għat-Tisli (NAB); u
 - (m) passivi fuq l-IMF evidenzjati bi kreditu tal-IMF jew self b'Faċilità ta' Tkabbir u Taffija tal-Faqar (PRGF).
- 5.137 Il-każ speċjali ta' self mhux produttiv huwa diskuss fil-Kapitolu 7.

Assi finanzjarji esklużi mill-kategorija tas-self

- 5.138 Il-kategorija tas-self ma tinkludix:
- (a) kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8), inklużi krediti u avvanzi kummerċjali (AF.81); u

- (b) assi jew passivi finanzjarji li jfeġġu mis-sjeda ta' assi immobbli, bħal artijiet u strutturi, minn mhux residenti. Dawn huma kklassifikati fekwità oħra (AF.519).

Unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investment jew ta' ekwità (F.5)

- 5.139 *Definizzjoni:* Unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investment jew ta' ekwità huma pretensjonijiet residwi fuq l-assi tal-unitajiet istituzzjonali li jkunu haġġu l-ishma jew l-unitajiet.
- 5.140 L-ishma ta' fondi tal-investment u l-ekwità huma maqsuma f'żewġ sottokategoriji:
- (a) ekwità (F.51); u
- (b) ishma ta' fondi tal-investimenti jew unitajiet (F.52).

Ekwità (F.51)

- 5.141 *Definizzjoni:* Ekwità hija ass finanzjarju li hija pretensjoni fuq il-valur residwu ta' korporazzjoni, wara li l-pretensjonijiet l-oħrajn kollha jkunu ġew issodisfatti.
- 5.142 Is-sjeda tal-ekwità f'entitajiet legali normalment hija evidenzjata minn ishma, stokks, riċevuti depożitarji, parteċipazzjonijiet jew dokumenti simili. L-ishma u l-istokks ifissru l-istess.

Riċevuti depożitorji

- 5.143 *Definizzjoni:* Ir-riċevuti depożitorji jirrappreżentaw is-sjeda ta' titoli kkwotati fekonomiji oħrajn; is-sjeda ta' riċevuti depożitorji hija trattata bħala sjeda diretta tat-titoli li tkun imsejsa fuqhom. Depożitarju joħroġ ir-riċevuti kkwotati fuq borża waħda li tirrappreżenta s-sjeda tat-titoli kkwotati fuq borża oħra. Ir-riċevuti depożitorji jiffaċilitaw it-transazzjonijiet fit-titoli fekonomiji differenti minn dik fi fiha huma kkwotati. It-titoli li fuqhom ikunu msejsa jistgħu jkunu ishma jew titoli tad-dejn.
- 5.144 L-ekwità hija sottokategorizzata f'dawn li ġejjin:
- (a) ishma kkwotati (F.511);
- (b) ishma mhux ikkwotati (F.512); u
- (c) ekwità oħra (F.519).
- 5.145 Kemm l-ishma kkwotati kif ukoll daww li mhumiex ikkwotati huma negozjabbli, u jiġu deskritti bħala titoli tal-ekwità.

Ishma kkwotati (F.511)

- 5.146 *Definizzjoni:* L-ishma kkwotati huma titoli tal-ekwità kkwotati fuq borża. It-tali borża tista' tkun borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati jirreferu għalihom ukoll bħala ishma rreġistrati. L-eżistenza ta' prezzijiet ikkwotati ta' ishma kkwotati f'borża tfisser li l-prezzijiet attwali tas-suq huma normalment disponibbli.

Ishma mhux ikkwotati (F.512)

- 5.147 *Definizzjoni:* L-ishma mhux ikkwotati huma titoli tal-ekwità mhux ikkwotati fuq borża.
- 5.148 It-titoli tal-ekwità jinkludu ishma maħruġa minn kumpanniji mhux ikkwotati ta' responsabbiltà limitata kif ġej:
- (a) ishma kapitali li jagħtu lid-detenturi l-istatus ta' proprjetarji konġunti u jintitolawhom għal sehem fil-profitti totali distribwiti u għal sehem fl-assi netti fil-każ ta' likwidazzjoni.
- (b) dawn huma ishma li l-kapital tagħhom ikun tħallas lura, li iżda jkunu nżammu mid-detenturi li jibqgħu s-sidien konġunti u jibqgħu intitolati għal sehem fil-profitti li jibqa' wara li jkunu tħallsu d-dividendi fuq il-kapital irreġistrat li jibqa', kif ukoll għal sehem minn kwalunkwe eċċess li jibqa' jekk issir likwidazzjoni, jiġifieri l-assi netti mingħajr il-kapital irreġistrat li jibqa'.
- (c) l-ishma tad-dividendi, li jissejju wkoll ishma tal-fundaturi, ishma tal-profit u ishma tad-dividendi, li mhumiex parti mill-kapital irreġistrat. L-ishma tad-dividendi ma jagħtu lid-detenturi l-istatus ta' proprjetarji konġunti — id-detenturi għalhekk m'għandhomx id-dritt ta' sehem mir-ripagament ta' kapital irreġistrat, id-dritt ta' redditu minn dan il-kapital, id-dritt li jivvutaw fil-laqqgħat tal-azzjonisti, eċċ. Minkejja dan, dawn jintitolaw lid-detenturi għal proporzjon ta' kwalunkwe profitti li jibqa' wara li d-dividendi jkunu tħallsu fuq il-kapital irreġistrat u għal frazzjon ta' kwalunkwe eċċess li jibqa' f'każ ta' likwidazzjoni.

- (d) L-ishma jew stokks ta' preferenza parteċipattiva, li jintitolaw li d-detenturi jipparteċipaw fid-distribuzzjoni ta' valur residwu ta' korporazzjoni f'każ ta' xoljiment. Id-detenturi għandhom ukoll id-dritt li jipparteċipaw f'dividendi addizzjonali, jew li jirċevuhom apparti d-dividend b'perċentwal fiss. Id-dividendi addizzjonali normalment jitħallsu fi proporzjon għal kwalunkwe dividendi ordinarji ddikjarati. F'każ ta' likwidazzjoni, l-azzjonisti ta' preferenza parteċipanti jkollhom id-dritt għal sehem ta' kwalunkwe rikavat li jibqa' li jirċievu l-azzjonisti ordinarji, u jirċievu lura dak li jkunu ħallsu għall-ishma tagħhom.

Offerti pubbliċi inizjali, kwotazzjoni fil-borża, tneħħija tal-kwotazzjoni fil-borża u xiri lura tal-ishma

- 5.149 L-offerti pubbliċi inizjali (IPO), li jissejħu wkoll sempliċiment "offerti" jew "flotazzjoni", iseħħu meta korporazzjoni toħroġ titoli tal-ekwiżità għall-pubbliku għall-ewwel darba. Tali titoli tal-ekwiżità spiss jinħarġu minn korporazzjonijiet iżgħar fid-daqs u fl-età għal raġunijiet ta' finanzjament jew minn intrapriżi kbar sabiex jiġu kkwotati fil-borża. F'IPO, l-emittent jista' jakkwista l-assistenza ta' entità ta' sottoskrizzjoni, li tgħin biex jiġi ddetminat x'tip ta' titolu tal-ekwiżità jkun ser jinħareġ, l-aħjar prezz tal-offerti u l-aħjar mument biex jitwassal fis-suq.
- 5.150 Kwotazzjoni fil-borża tirreferi għall-fatt li l-ishma ta' korporazzjoni jkunu fil-lista ta' stokks negozjati uffiċjalment fuq il-borża. Normalment il-korporazzjoni emittenti hija dik li tapplika għall-kwotazzjoni fil-borża, iżda f'xi pajjiżi l-borża tista' tikkwota korporazzjoni, pereżempju peress li l-istokk tagħha jkun diġà qed jiġi nneozjat attivament permezz ta' kanali informali. Ir-rekwiżiti għall-kwotazzjoni inizjali normalment jinkludi storja ta' xi f'it snin ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji; dimensjoni suffiċjenti tal-ammont li jkun qed jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali, kemm f'termini assoluti kif ukoll bħala perċentwal tal-istokk totali pendenti; u prospett approvati, li normalment jinkludi opinjonijiet minn assessuri indipendenti. It-tneħħija tal-kwotazzjoni fil-borża tirreferi għall-prattika li l-ishma ta' korporazzjoni jitneħħew minn borża. Dan jiġri meta korporazzjoni ma tibqax tinneozja, ddikjara li hi falluta, ma tibqax tissodisfa r-regoli tal-kwotazzjoni tal-borża, jew tkun saret kważi korporazzjoni jew negozju mhux inkorporat, kif spiss jiġri minħabba fużjoni jew akkwiżizzjoni. Il-kwotazzjoni fil-borża tiġi rreġistrata bħala ħruġ ta' ishma kkwotati, u bħala fidi ta' ishma mhux ikkwotati, filwaqt li t-tneħħija tal-kwotazzjoni fil-borża tiġi rreġistrata bħala fidi ta' ishma kkwotati u ħruġ ta' ishma mhux ikkwotati fejn opportun.
- 5.151 Il-korporazzjonijiet jistgħu jixtru l-ekwiżità tagħhom stess permezz ta' xiri mill-ġdid tal-ishma, li jissejjaħ xiri lura tal-istokk jew riakkwist ta' ishma. Ir-riakkwist ta' ishma jiġi rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja, li tipprovdi flus kontanti lill-azzjonisti eżistenti bħala skambju għal parti mill-ekwiżità pendenti tal-korporazzjoni. Jiġifieri, il-flus kontanti jiġu skambjati għal tnaqqis fil-għadd ta' ishma pendenti. Il-korporazzjoni jew tirtira l-ishma inkella żżommhom bħala "stokk tat-teżor", li jkun disponibbli għall-ħruġ mill-ġdid.

Assi finanzjarji esklużi mit-titoli tal-ekwiżità

- 5.152 It-titoli tal-ekwiżità ma jinkludux:
- (a) ishma offruti għall-bejgħ li iżda ma ntxrawx meta nħarġu. Dawn ma jiġu irreġistrati;
 - (b) obligazzjonijiet (debentures) u stokk tas-self konvertibbli f'ishma. Dawn jiġu kklassifikati bħala titoli tad-dejn (AF.3) sal-mument meta jiġu kkonvertiti;
 - (c) l-ekwiżità tas-sħab b'responsabbiltà illimitata fi sħubiji inkorporati. Dawn jiġu kklassifikati bħala ekwiżità oħra;
 - (d) l-investimenti tal-gvern fil-kapital ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li huma kkostitwiti legalment bħala korporazzjonijiet b'kapital ta' ishma. Dawn jiġu kklassifikati bħala ekwiżità oħra (AF.519);
 - (e) il-ħruġ ta' ishma bonus: il-ħruġ bla pagament ta' ishma ġodda lill-azzjonisti fi proporzjon għat-titoli li għandhom. It-tali ħruġ, li la jibdel l-passiv tal-korporazzjoni vis-à-vis l-azzjonisti tal-ishma u lanqas il-proporzjon tal-assi li kull azzjonist jkollu fil-korporazzjoni, ma jikkostitwixxi transazzjoni finanzjarja. Lanqas il-ħruġ ta' ishma maqsuma ma jiġu rreġistrati.

Ekwiżità oħra (F.519)

- 5.153 *Definizzjoni:* Ekwiżità oħra tikkonsisti fil-forom kollha ta' ekwiżità għajr dawk ikklassifikati fis-sottokategoriji: ishma kkwotati (AF.511) u ishma mhux ikkwotati (AF.512).

5.154 Ekwiżità oħra tinkludi:

- (a) il-forom kollha tal-ekwiżità f'korporazzjonijiet li mhumiex ishma, inklużi dawn li ġejjin:
 - (1) l-ekwiżità fi sħubiji inkorporati sottoskritti minn sħab b'responsabbiltà illimitata;
 - (2) l-ekwiżità f'kumpanniji b'responsabbiltà limitata li s-sidien tagħhom ikunu sħab u mhux azzjonisti;

- (3) il-kapital investit fi sħubiji ordinarji jew b'responsabbiltà limitata rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti;
- (4) il-kapital investit f'soċjetajiet kooperattivi rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti;
- (b) l-investimenti tal-gvern ġenerali fil-kapital ta' korporazzjonijiet pubbliċi li l-kapital tagħhom ma jinqasamx f'ishma u, li bis-saħħa ta' leġislazzjoni speċjali huma rikonoxxuti bħala entitajiet legali indipendenti;
- (c) l-investimenti tal-gvern ġenerali fil-kapital tal-bank ċentrali;
- (d) l-investimenti tal-gvern fil-kapital ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u sopranazzjonali, għajr l-IMF, anki jekk dawn ikunu kostitwiti legalment bħala korporazzjonijiet b'kapital ta' ishma (pereżempju il-Bank Ewropew tal-Investment);
- (e) ir-riżorsi finanzjarji tal-BĊE kkontribwiti mill-banek ċentrali nazzjonali;
- (f) il-kapital investit fi kważi korporazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji; L-ammont tat-tali investimenti jikkorrespondi għal investimenti ġodda fi flus kontanti jew in natura, bi kwalunkwe prelevazzjonijiet ta' kapital imnaqsa minnhom;
- (g) il-pretensjonijiet finanzjarji li l-unitajiet mhux residenti jkollhom kontra unitajiet residenti nozzjonali u viċversa.

Valutazzjoni tat-transazzjonijiet f'ekwità

- 5.155 L-ishma l-ġodda jiġu rreġistrati fil-valur tal-ħruġ, li huwa l-valur nominali flimkien mal-primjum tal-ħruġ.
- 5.156 It-transazzjonijiet f'ishma fiċ-ċirkulazzjoni jiġu rreġistrati fil-valur transattiv tagħhom. Meta l-valur transattiv ma jkunx magħruf, dan jiġi approssimat permezz tal-kwota tal-borża jew il-prezz tas-suq fil-każ ta' ishma kkwotati u permezz tal-valur ekwivalenti tas-suq fil-każ ta' ishma mhux ikkwotati.
- 5.157 L-ishma scrip dividend huma ishma vvalutati fil-prezz implikat mill-proposta tal-emittent dwar id-dividend.
- 5.158 Il-ħruġ ta' ishma ta' bonus ma jiġux irreġistrati. Madankollu, f'każijiet fejn il-ħruġ ta' ishma ta' bonus jinvolvi bidliet fil-valur tas-suq totali tal-ishma ta' korporazzjoni, il-bidliet fil-valur tas-suq jiġu rreġistrati fil-kont ta' rivalutazzjoni.
- 5.159 Il-valur ta' transazzjoni ta' ekwità (F.51) hu l-ammont tal-fondi trasferiti mill-proprjetarji tal-korporazzjonijiet jew kważi korporazzjonijiet. F'xi każijiet, il-fondi jistgħu jiġu ttrasferiti billi jiġu assunti l-passivi tal-korporazzjoni jew kważi korporazzjoni.

Unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investimenti (F.52)

- 5.160 *Definizzjoni:* L-ishma ta' fondi tal-investment huma ishma ta' fondi tal-investment jekk il-fond ikollu struttura korporattiva. Dawn jissejħu unitajiet jekk il-fond ikun fiduċjarju. Il-fondi tal-investment huma intrapriżi ta' investment kollettivi li permezz tagħhom l-investituri jiġbru flimkien fondi għall-investment f'assi finanzjarji u/jew mhux finanzjarji.
- 5.161 Il-fondi tal-investment jissejħu wkoll fondi mutwi, fiduċjarji ta' unità, fiduċjarji tal-investment u impriżi għall-investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS); dawn jistgħu jkunu fondi miftuħin, semimiftuħin jew magħluqin.
- 5.162 L-ishma tal-fondi ta' investment jistgħu jkunu kkwotati jew mhux ikkwotati. Meta ma jkunux ikkwotati, dawn normalment ikunu ripagabbli fuq talba, skont valur li jikkorrespondi ma' sehemhom fil-fondi proprji tal-korporazzjoni finanzjarja. Dawn il-fondi proprji jiġu rivalutati regolament abbażi tal-prezzijiet tas-suq tal-komponenti varji tagħhom.
- 5.163 L-ishma tal-fondi ta' investment jiġu suddiviżi f'dawn li ġejjin:

Ishma jew unitajiet f'fond tas-suq tal-flus (MMF-money market fund) (F.521); u

Ishma /unitajiet f'fond ta' investment mhux ta' MMF (F.522).

Ishma jew unitajiet MMF (F.521)

- 5.164 *Definizzjoni:* L-ishma jew l-unitajiet MMF huma ishma maħruġa minn MMFs. L-ishma jew l-unitajiet MMF jistgħu jkunu trasferibbli u spiss jitqiesu bħala sostituti viċini għad-depożiti.

Ishma/unitajiet f'fond ta' investment mhux ta' MMF (F.522)

- 5.165 *Definizzjoni:* Ishma jew unitajiet oħra f'fondi ta' investment apparti l-ishma jew l-unitajiet MMF jirrappreżentaw pretensjoni fuq porzjon tal-valur ta' fond ta' investment għajr MMF. Dawn it-tipi ta' ishma u unitajiet jinħarġu minn fondi ta' investment.
- 5.166 Ishma jew unitajiet oħra mhux ikkwotati f'fondi ta' investment apparti l-ishma jew l-unitajiet MMF normalment ikunu ripagabbli fuq talba, skont valur li jikkorrespondi ma' sehemhom fil-fondi proprji tal-korporazzjoni finanzjarja. Tali fondi proprji jiġu rivalutati regolarmet abbażi tal-prezzijiet tas-suq tal-komponenti varji tagħhom.

Valutazzjoni tat-transazzjonijiet f'ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investment

- 5.167 Transazzjonijiet f'ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investment jinkludu l-valur tal-kontribuzzjonijiet netti għal fond.

Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (F.6)

- 5.168 L-iskemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati jinqasmu f'sitt sottokategoriji:

- (a) riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (F.61);
- (b) assurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità (F.62);
- (c) intitolamenti għall-pensjoni (F.63);
- (d) pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-manigġers tal-pensjoni (F.64);
- (e) intitolamenti għall-benefiċċji li mhumiex pensjoni (F.65); u
- (f) dispożizzjonijiet għal sejħiet skont garanziji standardizzati (F.66).

Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (F.61)

- 5.169 *Definizzjoni:* Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja huma pretensjonijiet finanzjarji li d-detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja jkollhom kontra l-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja fir-rigward ta' primjums mhux maqlugħa u pretensjonijiet imġarrba.
- 5.170 It-transazzjonijiet f'riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja għal primjums mhux maqlugħa u pretensjonijiet imġarrba huma konnessi ma' riskji bħal inċidenti, mard, jew nar, u anke mal-assigurazzjoni mill-ġdid.
- 5.171 Primjums mhux maqlugħa huma primjums imħallsa li iżda ma jkunux għadhom ġew maqlugħa. Il-primjums normalment jiġu fil-bidu tal-perijodu kopert mill-polza. Fuq bażi tad-dovuti, il-primjums jiġu maqlugħa tul il-perijodu tal-polza, biex b'hekk il-pagament inizjali jinvolti prepagament jew avvanz.
- 5.172 Il-pretensjonijiet pendenti huma pretensjonijiet dovuti li iżda ma jkunux għadhom tħallsu, u jinkludu każijiet fejn l-ammont ikun suġġett ta' tilwima jew l-avveniment li jkun iwassal għall-pretensjoni ikun seħħ iżda ma jkunx għadu ġie rrappurtat. Il-pretensjonijiet dovuti li iżda ma jkunux għadhom tħallsu jikkorrespondu għal riżervi kontra l-pretensjonijiet pendenti tal-assigurazzjoni, li huma ammonti identifikati mill-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni intiżi biex ikopru dak li jkunu mistennija jħallsu minħabba avvenimenti li jkunu seħħew li iżda l-pretensjonijiet fuqhom ikunu għadhom ma tħallsux.
- 5.173 Riżervi tekniċi oħra, bħar-riżervi ta' ekwalizzazzjoni, jistgħu jiġu identifikati mill-assiguraturi. Madankollu, dawn ikunu rikonoxxuti biss bħala passivi u assi korrispondenti meta jkun hemm avveniment li jaġhti lok għal passiv. Inkella, ir-riżervi ta' ekwalizzazzjoni jkunu entrati kontabbli interni mill-assiguratur li jirrappreżenta tfaddil intiż għall-kopertura ta' avvenimenti li jseħħu irregolarment, u ma jirrappreżentawx pretensjonijiet eżistenti tad-detenturi tal-polza.

Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità (F.62)

- 5.174 *Definizzjoni:* Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità jikkonsistu fi pretensjonijiet finanzjarji li d-detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-benefiċjarji ta' annwalitajiet ikollhom kontra korporazzjonijiet li jipprovdu l-assigurazzjoni fuq il-ħajja.
- 5.175 L-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-intitolament ta' annwalità jintużaw biex jipprovdu benefiċċji lid-detenturi ta' polza malli tiskadi l-polza, jew sabiex jiġu kkompensati l-benefiċjarji malli jmutu d-detenturi tal-polza, u għalhekk dawn jinżammu separati mill-fondi tal-azzjonisti. Ir-riżervi fil-forma ta' annwalitajiet huma msejsa fuq kalkolu attwarju tal-valur preżenti tal-obbligi li jiġu introjtu futur sakemm imutu l-benefiċjarji.
- 5.176 It-transazzjonijiet fl-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-intitolamenti ta' annwalità jikkonsistu f'addizzjonijiet bit-naqqisijiet imneħħija minnhom.

- 5.177 Addizzjonijiet f'termini ta' transazzjonijiet finanzjarji jikkonsistu fi:
- (a) primjums attwali maqlugħa tul il-perijodu bażi tal-kontijiet attwali; u
 - (b) supplimenti ta' primjum, li jikkorrespondu mal-introjtu mill-investment tal-intitolamenti attribwiti għad-detenturi tal-polza wara t-tnaqqis tat-tariffi tas-servizz.
- 5.178 It-tnaqqisijiet jikkonsistu fi:
- (a) l-ammonti dovuti lid-detenturi ta' dotazzjoni u politiki tal-assigurazzjoni simili; u
 - (b) il-pagamenti dovuti fuq il-poloż li jiġu mifdija qabel il-maturità.
- 5.179 Fil-każ ta' assicurazzjoni ta' grupp li tkun ittieħdet minn korporazzjoni f'isem l-impjegati tagħha, l-impjegati, li mhux min iħaddem, ikunu l-benefiċjarji peress li jkunu huma li jitqiesu bħala d-detenturi tal-polza.

Intitolamenti għall-pensjoni (F.63)

- 5.180 *Definizzjoni:* L-intitolamenti għall-pensjoni jikkonsistu fi pretensjonijiet finanzjarji li l-impjegati attwali u preċedenti jkollhom jew kontra:
- (a) dawk li jħaddmuhom;
 - (b) skema mfassla minn min iħaddem biex iħallas il-pensjonijiet bħala parti minn ftehim ta' kumpens bejn min iħaddem u l-impjegat; jew
 - (c) assiguratatur.
- 5.181 Transazzjonijiet f'intitolamenti tal-pensjoni jikkonsistu f'addizzjonijiet bit-tnaqqisijiet imneħħija minnhom, li għandhom jiġu distinti minn qligħ jew telf nominali fuq il-fondi investiti mill-fondi tal-pensjonijiet.
- 5.182 Addizzjonijiet f'termini ta' transazzjonijiet finanzjarji jikkonsistu fi:
- (a) kontribuzzjonijiet reali fi skemi tal-pensjoni pagabbli minn persuni impjegati, dawk li jħaddmu, persuni li jaħdmu għal rashom jew unitajiet istituzzjonali f'isem persuni individwali jew unitajiet domestiċi bi pretensjonijiet fuq l-iskema u maqlugħa matul il-perijodu bażi tal-kontijiet attwali; u
 - (b) supplimenti kontributorji li jikkorrespondu mal-introjtu maqluġh mill-investment tal-intitolamenti tal-pensjoni tal-iskema tal-pensjoni attribwita lill-unitajiet domestiċi parteċipanti, wara tnaqqis tat-tariffi għas-servizz matul il-perijodu għall-immaniġġar tal-iskema.
- 5.183 It-tnaqqisijiet jikkonsistu fi:
- (a) benefiċċji soċjali ugwali għall-ammonti pagabbli lil persuni rtirati jew id-dipendenti tagħhom fl-għamla ta' pagamenti regolari jew benefiċċji oħra; u
 - (b) benefiċċji soċjali li jikkonsistu fi kwalunkwe somom f'daqqa pagabbli lil persuni meta dawn jirtiraw.

Intitolamenti ta' pensjonijiet kontinġenti

- 5.184 Il-kategorija tal-intitolamenti għall-pensjoni ma tinkludix l-intitolamenti għal pensjoni kontinġenti stabbiliti minn unitajiet istituzzjonali kklassifikati bħala skemi tal-pensjoni ta' min iħaddem li jkunu benefiċċji mhux ifffinanzjati definiti mill-gvern jew fondi tal-pensjoni mis-sigurtà soċjali. It-transazzjonijiet tagħhom ma jiġux irreġistrati bi sħiħ u l-flussi u l-istokks l-oħra tagħhom ma jiġux irreġistrati fil-kontijiet prinċipali, iżda fit-tabella supplimentari dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati sa ċerta data fl-assigurazzjoni soċjali. L-intitolamenti għall-pensjoni kontinġenti mhumiex passivi tal-gvern ċentrali, tal-gvern statali, tal-gvern lokali jew tas-subsetturi tal-fondi tas-sigurtà soċjali u mhumiex assi finanzjarji tal-benefiċjarji prospettivi.

Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-manijers tal-pensjoni (F.64)

- 5.185 Min iħaddem jista' jidħol f'kuntratt ma' parti terza biex din teħodlu ħsieb il-fondi tal-pensjoni għall-impjegati tiegħu. Jekk min iħaddem ikompli jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-iskemi tal-pensjoni u jżomm ir-responsabbiltà ta' kwalunkwe defiċit fil-fondi kif ukoll id-dritt li jżomm kwalunkwe fondi eċċessivi, min iħaddem jitqies bħala l-manijer tal-pensjoni u l-unità li taħdem taħt id-direzzjoni tal-manijer tal-pensjoni titqies bħala l-amministratur tal-pensjoni. Jekk il-ftehim bejn min iħaddem u l-parti terza huwa tali li min iħaddem jgħaddi r-riskji u r-responsabbiltajiet fil-każ ta' kwalunkwe defiċit fil-finanzjament lill-parti terza bi tpattija għall-jedd tal-parti terza li jżomm kwalunkwe eċċess, il-parti terza ssir kemm il-manijer kif ukoll l-amministratur tal-pensjoni.

- 5.186 Meta l-manijer tal-pensjoni jkun unità differenti mill-amministratur u l-ammont dovut lill-fondi tal-pensjoni jaqa' taħt iż-żieda fl-intitolamenti, tiġi rreġistrata pretensjoni tal-fond tal-pensjoni fuq il-manijer tal-pensjoni. Meta l-ammont dovut lill-fond tal-pensjoni jisboq iż-żieda fl-intitolamenti, ikun hemm ammont mill-fond tal-pensjoni li jkun pagabbli lill-manijer tal-pensjoni.

Intitolamenti għal benefiċċji li mhumiex pensjoni (F.65)

- 5.187 L-eċċess tal-kontribuzzjonijiet netti fuq il-benefiċċji jirrappreżenta żieda fil-passiv tal-iskema tal-assigurazzjoni vis-à-vis l-benefiċjarji. Dan jintwera bħala aġġustament fl-użu tal-kont tal-introjtu. Bħala żieda f'passiv, dan jintwera wkoll fil-kont finanzjarju. Dan aktarx li jseħħ f'każijiet rari biss u, għal raġunijiet prammatiċi, il-bidliet f'intitolamenti mhux tal-pensjoni bħal dawn jistgħu jiddaħħlu ma' dawk li jirrigwardaw il-pensjoni.

Dispożizzjonijiet ta' sejħiet skont garanziji standardizzati (F.66)

- 5.188 *Definizzjoni:* Dispożizzjonijiet ta' sejħiet skont garanziji standardizzati huma pretensjonijiet finanzjarji li d-detenturi ta' garanziji standardizzati jkollhom kontra l-unitajiet istituzzjonali li jipprovdhom.
- 5.189 Id-dispożizzjonijiet marbuta ma' sejħiet skont garanziji standardizzati huma prepagamenti ta' drittijiet netti u dispożizzjonijiet li jissodisfaw sejħiet pendenti skont garanziji standardizzati. Bħad-dispożizzjonijiet għal riżervi u primjums tal-assigurazzjoni mħallsin minn qabel, id-dispożizzjonijiet ta' sejħiet skont garanziji standardizzati jinkludu drittijiet mhux maqlugħa (primjums) u sejħiet (pretensjonijiet) li ma jkunux għadhom tħallsu.
- 5.190 Garanziji standardizzati huma garanziji li jinħarġu f'għadd kbir, normalment għal ammonti pjuttost żgħar, fuq linji identiċi. Tali arranġamenti jinvolvu tliet partijiet min jislef, min jissellef u l-garanti. Jew min jissellef inkella min jislef jista' jidħol f'kuntratt mal-garanti li jħallas lil min jislef jekk min jissellef ikun inadempjenti. Eżempju ta' dawn huma l-garanziji fuq il-kreditu għall-esportazzjoni u l-garanziji fuq is-self lill-istudenti.
- 5.191 Minkejja li mhux possibbli li tiġi stabbilita l-probabilità ta' selliefa partikolari inadempjenti, huwa normali li jiġi smat kemm fost għadd ta' selliefa simili mistennija jkunu inadempjenti. B'mod li jixbaħ ħafna lil assiguratatur mhux fuq il-ħajja, garanti li jaħdem fuq linji kummerċjali jistenna li d-drittijiet kollha mħallsa, flimkien mal-introjtu fuq il-proprjetà maqlugħ mid-drittijiet u kwalunkwe riżervi, ikopru l-inadempjenzi mistennija u l-ispejjeż assoċjati u jħallu qligħ. Għaldaqstant, tali garanziji, li huma deskritti bħala garanziji standardizzati, jiġu ttrattati b'mod simili għal assiguratatur mhux fuq il-ħajja.
- 5.192 Il-garanziji standardizzati jkopru garanziji fuq strumenti finanzjarji varji bħal depożiti, titoli tad-dejn, self u kreditu kummerċjali. Dawn normalment jiġu provduti minn xi korporazzjoni finanzjarja, inklużi, imma mhux biss, il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni, iżda anki mill-gvern ġenerali.
- 5.193 Meta unità istituzzjonali toffri garanziji standardizzati, din titlob tariffi u ġġarrab passivi biex tissodisfa s-sejħa fuq il-garanzija. Il-valur tal-passivi fil-kontijiet tal-garanti huwa ugwali għall-valur preżenti tas-sejħiet mistennija skont il-garanziji eżistenti, netti minn kwalunkwe rkupri li l-garanti jistenna li jirċievi mingħand is-selliefa inadempjenti. Il-passiv jissejjaħ dispożizzjonijiet għas-sejħiet skont garanziji standardizzati.
- 5.194 Garanzija tista tkopri perijodu ta' għadd ta' snin. Dritt jista' jkun pagabbli ta' kull sena jew minn qabel. Fil-prinċipju d-dritt jirrappreżenta tariffi maqlugħa kull sena li l-garanzija tkun valida, bil-passiv jonqos hekk kif il-perijodu jiqsar (bil-preżunzjoni li s-sellief iħallas lura bin-nifs). Għaldaqstant ir-reġistrazzjoni ssegwi dik tal-annwalitajiet mad-dritt mħallas hekk kif il-passiv futur jonqos.
- 5.195 In-natura ta' skema ta' garanziji standardizzati hija li jkun hemm bosta garanziji tal-istess tip, minkejja li mhux ilkoll għal tul ta' żmien eżattament l-istess u b'dati tal-bidu u t-tmiem differenti.
- 5.196 Id-drittijiet netti jiġu kkalkulati bħala drittijiet riċevibbli flimkien ma' supplimenti tad-drittijiet (ugwali għall-introjtu mill-proprjetà attribwit għall-unità li tħallas id-drittijiet għall-garanzija) bl-ispejjeż tal-amministrazzjoni, eċċ. imnaqqa minnhom. Tali drittijiet netti jistgħu jkunu pagabbli minn kwalunkwe settur tal-ekonomija u huma riċevibbli mis-settur li fih jiġi kklassifikat il-garanti. Is-sejħiet skont skemi ta' garanziji standardizzati huma pagabbli mill-garanti u riċevibbli minn min jislef fl-isfond tal-istrument finanzjarju kopert mill-garanzija, sew jekk id-dritt ikun tħallas minn min jislef jew inkella minn min jissellef. It-transazzjoni finanzjarji jirreferu għad-differenza bejn il-pagament tad-drittijiet fil-każ ta' sejħiet u garanziji ġodda magħmula skont il-garanziji eżistenti.

Garanziji standardizzati u garanziji ta' darba biss

- 5.197 Il-garanziji standardizzati huma distinti mill-garanziji ta' darba biss skont żewġ kriterji:

- (a) il-garanziji standardizzati huma kkaratterizzati minn transazzjonijiet li spiss ikunu ripetuti b'karatteristiċi simili u kondiviżjoni tar-riskji; u
- (b) il-garanti jkunu jistgħu jistmaw it-telf medju abbażi tal-istatistika disponibbli.

Il-garanzji ta' darba biss huma individwali, u l-garanti ma jkunux jistgħu jagħmlu stima affidabbli tar-riskju tas-sejthiet. L-għoti ta' garanzji ta' darba biss huwa kontinġenza u ma jiġix irreġistrat. Dan għajr ċerti garanzji pprovduti mill-gvern u mfissra fil-Kapitolu 20.

Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.7)

5.198 Id-derivattivi finanzjarji u l-opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati jinqasmu f'żewġ sottokategoriji:

- (a) derivati finanzjarji (F.71); u
- (b) opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.72).

Derivattivi finanzjarji (F.71)

5.199 *Definizzjoni:* Derivattivi finanzjarji huma strumenti finanzjarji li huma marbuta ma' strument finanzjarju, jew indikatur jew komodita speċifiċi, u permezz tagħhom riskji finanzjarji speċifiċi jistgħu jkunu nnegozjati fi swieq finanzjarji bħala tali. Id-derivattivi finanzjarji jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu marbuta ma' ass finanzjarju jew mhux finanzjarju, ma' grupp ta' assi, jew ma' indiċi;
 - (b) ikunu jew negozjabbli jew tista' ssir tpattija għalihom fis-suq; u
 - (c) l-ebda ammont prinċipali huwa avanzat biex jitħallas lura.
- 5.200 Id-derivattivi finanzjarji jintużaw għal għadd ta' għanijiet li jinkludu l-immaniġġar tar-riskju, il-hedging, l-arbitraġġ bejn is-swieq, l-ispekulazzjoni u l-kumpens tal-impjegati. Id-derivattivi finanzjarji jippermettu lill-partijiet jinnegozjaw riskji finanzjarji speċifiċi bħar-riskju tar-rata tal-imgħax, il-munita, l-ekwiżità u r-riskju ta' prezz tal-komodità u r-riskju tal-kreditu, ma' entitajiet oħra li jkunu jridu jieħdu dawn ir-riskji, normalment bla ma jinnegozjaw f'ass ewlieni. Għaldaqstant, id-derivattivi finanzjarji jissejġu assi sekondarji.
- 5.201 Il-valur ta' derivattivi finanzjarju jroġ mill-prezz tal-ass li fuqu jkun imsejjes: Il-prezz ta' referenza. Il-prezz ta' referenza jista' jkun marbut mal-ass finanzjarju jew mhux finanzjarju, ma' rata tal-imgħax, ma' rata tal-kambju, ma' derivattiva oħra jew ma' firxa bejn żewġ prezzijiet. Il-kuntratt dwar id-derivattivi jista' jirreferi wkoll għal indiċi, basket ta' prezzijiet jew affarijiet oħra bħall-iskambju tal-emissjonijiet jew il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi.
- 5.202 Id-derivattivi finanzjarji jistgħu jiġu kkategorizzati skont l-istrument bħal opzjonijiet, riporti u derivattivi tal-kreditu, jew skont ir-riskju tas-suq bħal skambji ta' munita, skambji ta' rati tal-imgħax, eċċ.

Opzjonijiet

5.203 *Definizzjoni:* L-opzjonijiet huma kuntratti li jagħtu lid-detentur tal-opzjoni d-dritt, imma mhux l-obbligu, li jixtri mingħand emittent jew ibiegħu l-opzjoni ta' ass bi prezz predeterminat f'perjodu partikolari jew f'data partikolari.

Id-dritt tax-xiri jissejjaħ "call option", u d-dritt tal-bejgħ jissejjaħ "put option".

- 5.204 Ix-xerx tal-opzjoni jħallas primjum (il-prezz tal-opzjoni) għall-impenn tal-iskrittur tal-opzjoni li jbiegħ jew jixtri l-ammont speċifikat tal-ass li tkun imsejsa fuqu bil-prezz maqbul. Il-primjum huwa ass finanzjarju tad-detenturi tal-opzjoni u passiv tal-iskrittur tal-opzjoni. Il-primjum jista' kunċettwalment jitqies li jinkludi tariffa għal servizz, li għandha tiġi rreġistrata separatament. Madankollu, fin-nuqqas ta' data dettaljata, suppożizzjonijiet għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun possibbli fl-identifikazzjoni tal-element tas-servizz.
- 5.205 Iċ-ċertifikati huma forma ta' opzjonijiet. Dawn jagħtu lid-detentur id-dritt iżda mhux l-obbligu li jixtri mingħand l-emittent taċ-ċertifikat għadd ta' ishma jew bonds skont kundizzjonijiet speċifikati għal medda speċifikata ta' żmien. Hemm ukoll ċertifikati tal-munita msejsa fuq l-ammont ta' munita waħda meħtieġa biex tinxtara oħra u ċertifikati intermuniti marbuta ma' muniti terzi kif ukoll ċertifikati konnessi mal-indiċi, ma' basket jew ma' komoditajiet.
- 5.206 Iċ-ċertifikat jista' jkun stakkabbli u jiġi nnegozjat separatament mit-titolu tad-dejn. Minħabba f'hekk, fil-prinċipju, jiġu rreġistrati żewġ strumenti finanzjarji separati, iċ-ċertifikat bħala derivattivi finanzjarju u l-bond bħala titolu tad-dejn. Iċ-ċertifikati b'derivattivi inkorporati huma kkllassifikati skont il-karatteristiċi primarji tagħhom.

Riporti (forwards)

5.207 *Definizzjoni:* Ir-riporti huma kuntratti finanzjarji li skonthom iż-żewġ partijiet jaqblu li jiskambjaw kwantità speċifikata ta' assi li fuqhom ikunu msejsa bi prezz maqbul (il-prezz tal-eżerċitar) f'data speċifikata.

- 5.208 Il-futuri huma kuntratti ta' riporti nnegozjati fuq boroż organizzati. Il-futuri u kuntratti ta' riporti oħrajn tipikament, imma mhux dejjem, jiġu ssaldati permezz tal-pagament ta' flus kontanti jew il-provvediment ta' xi ass finanzjarju ieħor flok il-konsenja tal-ass li fuqu jkunu msejsa, u allura huma vvalutati u nnegozjati separatament minn dak li fuqu jkunu msejsa. Kuntratti komuni tal-għamla tar-riporti jinkludu tpartit u ftehimiet ta' rati tar-riporti (FRAs).

Opzjonijiet vis-à-vis riporti

- 5.209 L-opzjonijiet huma differenti mir-riporti f'dan li ġej:
- (a) Fit-tneissil tagħhom, normalment ma jkun hemm ebda pagament bil-quddiem għal kuntratt ta' riporti u l-kuntratt derivattiv jibda mill-valur ta' żero; fil-każ ta' opzjoni, jitħallas primjum meta jsir il-kuntratt, u fit-tneissil tiegħu, il-kuntratt huwa vvalutat fl-ammont tal-primjum.
- (b) Peress li l-prezzijiet tas-suq, ir-rati tal-imgħax jew tal-kambju jinbidlu tul haġġet kuntratt ta' riporti, il-kuntratt jaf jassumi valur pożittiv għal xi parti minnhom (bħala ass) u valur negattiv korrispondenti (passiv) għall-parti l-oħra. Tali pożizzjonijiet jafu jieħdu post xulxin bejn il-partijiet, skont l-iżviluppi tas-suq fl-ass li jkunu msejsa fuq inkonnessjoni mal-prezz tal-eżerċitar fil-kuntratt. Din il-karatteristika ma tagħmilhiex Prattika li jiġu identifikati transazzjonijiet f'assi separati mit-transazzjonijiet fil-passivi. B'differenza għal strumenti finanzjarji oħra, it-transazzjonijiet fir-riporti, allura, normalment jiġu rreġistrati b'mod nett fuq l-assi u l-passivi l-oħrajn. Fil-każ ta' opzjoni, ix-xerref dejjem ikun il-kreditur u l-iskrittur dejjem ikun id-debitur.
- (c) Mal-maturità, il-fidi jkun bla kundizzjoni fil-każ ta' riport, filwaqt li fil-każ ta' opzjoni, dan jiġi ddeterminat mix-xerref tal-opzjoni. Xi opzjonijiet jinfedew awtomatikament meta dawn ikunu pożittivi mal-maturità.

Tpartit (swaps)

- 5.210 *Definizzjoni:* It-tpartit huwa arranġament kuntrattwali bejn żewġ partijiet li jiftiehm u li jbiddu, tul perijodu ta' żmien u skont regoli stabbiliti minn qabel, flussi ta' pagamenti fuq ammont nozzjonali maqbul tal-prinċipal. L-aktar tipi komuni huma t-tpartit tar-rati tal-imgħax, tpartit fil-kambju ta' muniti barranin u tpartit tal-munita.
- 5.211 It-tpartiti fir-rati tal-imgħax huwa skambju ta' pagamenti ta' imgħax ta' karattru differenti fuq ammont nozzjonali tal-prinċipal, li qatt ma jiġi skambjat. Eżempji tat-tipi tar-rati tal-imgħax imparta huma r-rati fissi, ir-rati varjabbli u r-rati ddenominati f'munita. Il-pagamenti spiss isiru permezz ta' pagamenti netti fi flus kontanti li jammontaw għad-differenza attwali bejn iż-żewġ rati tal-imgħax stipulati fil-kuntratt applikati għall-prinċipal nozzjonali maqbul.
- 5.212 Tpartit ta' kambju barrani huwa transazzjonijiet f'muniti barranin b'rata ta' kambju dikjarata fil-kuntratt.
- 5.213 It-tpartit tal-munita jinvolvi skambji ta' flussi fi flus kontanti marbuta mal-pagamenti ta' imgħax u skambju ta' ammonti prinċipali b'rata tal-kambju maqbula f' tmiem il-kuntratt.

Ftehimiet ta' rati tar-riporti (FRAs)

- 5.214 *Definizzjoni:* FRAs huma arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom, żewġ partijiet, bil-għan li jipproteġu lilhom infushom kontra l-bdil fir-rati tal-imgħax, jiftiehm fuq ammont ta' imgħax li għandu jitħallas, f'data tal-pagament speċifikata, fuq ammont nozzjonali tal-prinċipal li qatt ma jiġi skambjat. Il-FRAs jitħallsu permezz ta' pagamenti netti fi flus kontanti b'mod simili għat-tpartit tar-rati tal-imgħax. Il-pagamenti huma relatati mad-differenza bejn il-ftehimiet ta' rati tar-riporti u r-rata tas-suq prevalenti fil-mument tal-pagament.

Derivattivi tal-kreditu

- 5.215 *Definizzjoni:* Id-derivattivi tal-kreditu huma derivattivi finanzjarji li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jiġu nnegozjati r-riskji tal-kreditu.

Id-derivattivi tal-kreditu huma mfassla għall-kummerċ fir-riskju ta' inadempjenza tat-titoli u s-self. Id-derivattivi tal-kreditu jafu jieħdu l-għamla ta' kuntratti tat-tip tar-riporti jew tal-opzjonijiet u, bħal derivattivi finanzjarji oħra, spiss isiru skont qbil legali standard li jiffaċilita l-valutazzjoni tas-suq. Ir-riskju tal-kreditu jingħadda mingħand il-bejgiegħ tar-riskju, li jkun qed jixtri l-protezzjoni, għal għand ix-xerref tar-riskju, li jkun qed ibiegħ il-protezzjoni, bi skambju għal primjum.

- 5.216 Ix-xerref tar-riskju jħallas fi flus kontanti lill-bejgiegħ tar-riskju f'każ ta' inadempjenza. Derivattiva tal-kreditu tista' tiġi ssaldata wkoll permezz tal-konsenja ta' titoli tad-dejn permezz tal-unità inadempjenti.
- 5.217 It-tipi ta' derivattivi tal-kreditu huma opzjonijiet ta' inadempjenza tal-kreditu, swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (CDS) u trasferimenti bi tpartit totali (total return swaps). Indiċi tas-CDS bħala indiċi tad-derivattivi tal-kreditu kummerċjali jirrifletti l-iżviluppi tal-primjums tas-CDS.

Swaps ta' inadempjenza tal-kreditu

- 5.218 *Definizzjoni:* Is-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (CDS) huma kuntratti tal-assigurazzjoni tal-kreditu. L-għan tagħhom huwa li jkopru t-telf lill-kredituri (xerrej ta' CDS) meta:
- (a) Avveniment ta' kreditu jseħħ inkonnessjoni ma' unità ta' referenza, minflok ma' jkun assoċjat ma' self jew titolu tad-dejn partikolari. Avveniment ta' kreditu li jaffettwa l-entità referenzjarja inkwistjoni jista' jkun inadempjenza, iżda anki nuqqas li jsir pagament ta' kwalunkwe passiv (kwalifikanti) li jkun dovut, bħal fil-każijiet ta' ristrutturar tad-dejn, ksar ta' patti u oħrajn.
 - (b) Strument tad-dejn partikolari, li tipikament ikun titolu tad-dejn jew self, jkun suġġett ta' inadempjenza. Bħal fil-każ tal-kuntratti ta' swap, ix-xerrej tas-CDS (meqjuż bħala l-bejjiegħ tar-riskju) jagħmel sensiela ta' pagamenti ta' primjum lix-xerrej tas-CDS (meqjuż bħala x-xerrej tar-riskju).
- 5.219 Fejn ma jkunx hemm inadempjenza fir-rigward tal-istrument tad-dejn jew l-unità assoċjata, il-bejjiegħ tar-riskju jkompli jħallas il-primjums sa tmiem il-kuntratt. Jekk ikun hemm każ ta' inadempjenza, ix-xerrej tar-riskju jikkompensa lill-bejjiegħ tar-riskju għat-telf u l-bejjiegħ tar-riskju ma jkomplix iħallas il-primjums.

L-istrumenti finanzjarji li mhumiex inklużi fid-derivattivi finanzjarji

- 5.220 Id-derivattivi finanzjarji ma jinkludux:
- (a) L-istrument li fuqu tkun imsejsa d-derivattiva finanzjarja;
 - (b) it-titoli tad-dejn strutturat li jorbtu titolu tad-dejn, jew basket ta' titoli tad-dejn, ma' derivattiva finanzjarja jew basket ta' derivattivi finanzjarji, fejn id-derivattivi jkunu inseparabbli mit-titolu tad-dejn u l-prinċipal investit inizjalment ikun kbir meta mqabbel mar-redditi prospettivi mid-derivattivi finanzjarji inkorporati. L-istrumenti finanzjarji meta jkunu investiti ammonti prinċipali żgħar meta mqabbla mar-redditi prospettivi, u li huma f-riskju bis-sħiħ, huma kklassifikati bħala derivattivi finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji fejn il-komponenti tat-titolu tad-dejn u tad-derivattiva finanzjarja jistgħu jiġu separati minn xulxin huma kklassifikati kif jixraq;
 - (c) il-pagamenti marġinali ripagabbli marbuta mad-derivattivi finanzjarji huma kklassifikati f'self jew depożiti oħra skont l-unitajiet istituzzjonali involuti. Madankollu, il-pagamenti marġinali mhux ripagabbli, li jnaqqsu jew jeliminaw il-pożizzjonijiet tal-ass/tal-passiv li jafu jfeġġu tul ħajjet il-kuntratt, jiġu ttrattati bħala pagamenti skont il-kuntratt, u kklassifikati bħala transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji;
 - (d) L-istrumenti sekondarji, li mhumiex negozjabbli u li ma jistgħux jitpattew fis-suq; u
 - (e) tpartit ta' deheb, li jkun tal-istess natura bħall-ftehimiet tax-xiri mill-ġdid tat-titoli.

Opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.72)

- 5.221 *Definizzjoni:* L-opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati huma ftehimiet li jsiru f'data partikolari li skonthom impjegat ikollu l-jedd li jixtri għadd partikolari ta' ishma mill-istokks ta' min iħaddem bi prezz iddikjarat jew fi żmien stipulat jew f'perijodu ta' żmien immedjatament wara d-data tal-vestment.

Tintuża t-terminoloġija li ġejja:

id-data tal-ftehim hija "d-data tal-għotja";

il-prezz tax-xiri maqbul ikun "il-prezz tal-eżerċitar";

l-ewwel data maqbula tax-xiri hija "id-data tal-vestment";

il-perijodu wara d-data tal-vestment li matulu jista' jseħħ ix-xiri huwa "l-perijodu tal-eżerċizzju".

- 5.222 It-transazzjonijiet fl-opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati jiġu rreġistrati fil-kont finanzjarju bħala l-kontroparti tal-element tal-kumpens tal-impjegati rrappreżentat mill-valur tal-opzjoni tal-istokk. Il-valur tal-opzjoni jinfirex tul il-perijodu bejn id-data tal-għoti u d-data tal-vestment; jekk id-data ma tkunx dettaljata biżżejjed, ir-reġistrazzjoni ssir fid-data tal-vestment. Minn hemm 'il quddiem, it-transazzjonijiet jiġu rreġistrati fid-data tal-eżerċizzju jew, jekk ikunu negozjabbli u fil-fatt jiġu nnegozjati, bejn id-data tal-vestment u tmiem il-perijodu tal-eżerċizzju.

Il-valutazzjoni ta' transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati

- 5.223 Il-kummerċ sekondarju fl-opzjonijiet u fl-għeluq tal-opzjonijiet qabel il-konsenja jinvolvu transazzjonijiet finanzjarji. Jekk opzjoni tipproċedi sal-konsenja, din taf tiġi jew ma tiġix eżerċitata. F'każijiet fejn l-opzjoni hija eżerċitata, jaf ikun hemm pagament mill-iskrittur tal-opzjoni lid-detenturi tal-opzjoni ugwali għad-differenza bejn il-prezz prevalenti fis-suq tal-ass li fuqu tkun imsejsa u l-prezz tal-eżerċitar, jew, minflok, jaf ikun hemm akkwist jew bejgħ tal-ass finanzjarju jew mhux finanzjarju li fuqu tkun imsejsa rreġistrat bil-prezz tas-suq prevalenti u pagament kontroparti bejn id-detenturi tal-opzjoni u l-iskrittur tal-opzjoni ugwali għall-prezz tal-eżerċitar. Id-differenza bejn il-prezz tas-suq prevalenti tal-ass li fuqu tkun imsejsa u l-prezz tal-eżerċitar hi fiż-żewġ każijiet ugwali għall-valur tal-likwidazzjoni tal-opzjoni, jiġifieri l-prezz tal-opzjoni fid-data tal-għeluq. F'dawk il-każijiet fejn l-opzjoni ma tkunx eżerċitata, ma sseħħ l-ebda transazzjoni. Madankollu, l-iskrittur tal-opzjoni jagħmel qligħ nominali u d-detentur tal-opzjoni jagħmel telf nominali (fiż-żewġ każijiet ugwali għall-primum imħallas meta jkun sar il-kuntratt) li għandhom jiġu rreġistrati fil-kont tar-rivalutazzjoni.
- 5.224 It-transazzjonijiet irreġistrati fil-każ tad-derivattivi finanzjarji jinkludu kwalunkwe kummerċ fil-kuntratti kif ukoll il-valur nett tal-pagamenti li jkunu saru. Jista' jkun hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu rreġistrati t-transazzjonijiet marbuta mal-istabbiliment tal-kuntratti derivattivi. Madankollu, f'bosta każijiet, iż-żewġ partijiet jidħlu għal kuntratt derivattiv bla ma jsir ebda pagament minn parti lill-oħra; f' tali każijiet il-valur tat-transazzjoni jistabbilixxi l-kuntratt bħala nill u ma jiġi rreġistrat xejn fil-kont finanzjarju.
- 5.225 Kwalunkwe kummissjonijiet imħallsa jew riċevuti b'mod espliċitu minn brokers jew intermedjarji għall-arranġament tal-opzjonijiet, il-futuri, it-tpartit (swaps) u kuntratti derivattivi oħra jitqiesu bħala pagamenti għal servizzi fil-kontijiet apposta għal dan. Il-partijiet fi tpartita ma jitqiesux li jkunu qed jipprovdu servizz lil xulxin, iżda kwalunkwe pagament lil terza parti għall-arranġament ta' tpartita jitqies bħala pagament għal servizz. Taħt arranġament ta' skambju, fejn l-ammonti prinċipali jiġu skambjati, il-flussi korrispondenti għandhom jiġu rreġistrati bħala transazzjoni fl-istrument li fuqu jkun imsejjes; L-influssi ta' pagamenti oħra għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kategorija derivattivi finanzjarji u l-opzjonijiet tal-istokks tal-impjegati (F.7). Waqt li l-primum imħallas lill-bejjieġh ta' opzjoni jista' kunċettwalment jitqies li jinkludi tariffa għas-servizz, fil-prattika mhuwiex dejjem possibli li tidistingwi l-element tas-servizz. Għalhekk, il-prezz sħiħ għandu jiġi rreġistrat bħala l-akkwist ta' ass finanzjarju mix-xerrej u bħala tiġrib ta' passiv mill-bejjieġh.
- 5.226 F'każ ta' kuntratti li ma jinvolvox l-iskambju ta' prinċipal, l-ebda transazzjoni ma tiġi rreġistrata fil-bidu. Fiż-żewġ każijiet, impliċitament, kull derivattiv finanzjarju b'valur inizjali ta' zero jinħoloq dak il-ħin. Sussegwentement, il-valur ta' kull tpartit għandu jkun ugwali għal xi waħda minn dawn li ġejjin:
- (a) fil-każ tal-ammonti prinċipali, il-valur tas-suq preżenti tad-differenza bejn il-valuri tas-suq tal-futur mistenni tal-ammonti li jridu jiġu skambjati mill-ġdid u l-ammonti speċifikati fil-kuntratt; u
- (b) fil-każ ta' pagamenti oħra, il-valur tas-suq preżenti tal-flussi futuri speċifikati fil-kuntratt.
- 5.227 Kull tibdil fil-valur tad-derivattiva finanzjarja maż-żmien għandu jiġi rreġistrat fil-kont ta' rivalwazzjoni.
- 5.228 L-iskambji mill-ġdid sussegwenti tal-prinċipal jiġu rregolati mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tat-tpartit u jstgħu jimplikaw assi finanzjarji li jkunu qegħdin jiġu skambjati bi prezz differenti mill-prezz prevalenti tas-suq tat-tali assi. Il-pagament kontroparti bejn il-partijiet f'kuntratt ta' tpartit ikun dak speċifikat fil-kuntratt. Id-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-prezz tal-kuntratt imbagħad tkun ugwali għall-valur ta' likwidità tal-ass/passiv kif japplika fid-data miftiehma u tiġi rreġistrata bħala transazzjoni f'derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.7). B'kollox, it-transazzjonijiet fid-derivattivi finanzjarji u l-opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati jridu jaqblu mal-qligħ jew telf totali tar-rivalutazzjoni tul il-perjodu tal-kuntratt ta' tpartit. Dan it-ttrattament huwa analogu għal dak stipulat fir-rigward tal-opzjonijiet, li jipproċedu għall-konsenja.
- 5.229 Fil-każ ta' unità istituzzjonali, tpartita jew ftehim dwar rata ta' riport jiġi rreġistrat taħt derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati fuq in-naħa tal-assi fejn ikollu valur ta' ass nett. Fil-każ ta' tpartita li jkollha valur ta' passiv nett, dan jiġi rreġistrat ukoll fuq in-naħa tal-assi b'konvenzjoni biex jiġi evitat li joqgħod jaqleb min-naħa tal-assi għan-naħa tal-passivi. Għaldaqstant, il-pagamenti netti negattivi jkabbru l-valur nett.

Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (F.8)

- 5.230 *Definizzjoni:* Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli huma assi u passivi finanzjarji maħluqa bħala kontroparti għal transazzjonijiet fejn ikun hemm differenza ta' żmien bejn dawn it-transazzjonijiet u l-pagamenti korrispondenti għalihom.
- 5.231 Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli jinkludu transazzjonijiet fi pretensjonijiet finanzjarji li joriġinaw minn pagament bikri jew tard għal transazzjonijiet fl-oġġetti jew is-servizzi, transazzjonijiet distributtivi jew transazzjonijiet finanzjarji fis-suq sekondarju.

5.232 Transazzjonijiet finanzjarji f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli jikkonsistu fi:

(a) Krediti u avvanzi kummerċjali (F.81); u

(b) Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, minbarra l-krediti u l-avvanzi kummerċjali (F.89).

Krediti u avvanzi kummerċjali (F.81)

5.233 *Definizzjoni:* Krediti u avvanzi kummerċjali huma pretensjonijiet finanzjarji li joriġinaw mill-estensjoni diretta ta' kreditu minn fornituri ta' oġġetti u servizzi lill-klijenti tagħhom, u avvanzi għal xogħol li jkun għadu qed isir jew li għad irid isir, fl-għamla ta' pagamenti minn qabel minn klijenti għal oġġetti u servizzi li ma jkunux għadhom ġew ipprovduti.

5.234 Il-krediti u l-avvanzi kummerċjali jfeġġu meta pagament għal oġġetti jew servizzi ma jsirx fl-istess waqt tal-bidla fis-sjeda ta' oġġett jew malli jingħata xi servizz. Jekk pagament isir qabel il-bidla fis-sjeda, allura jkun hemm avvanz.

5.235 Il-FISIM dovut li iżda ma jkunux għadu tħallas jiġi inkluż mal-istrument finanzjarju korrispondenti, li normalment ikun l-imgħax, u l-pagament bil-quddiem tal-primjums tal-assigurazzjoni jiġi inkluż fir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni (F.61); fl-ebda każ minn dawn ma jkun hemm ir-reġistrazzjoni krediti u avvanzi kummerċjali.

5.236 Is-sottokategorija krediti u avvanzi kummerċjali tinkludi:

(a) pretensjonijiet finanzjarji konnessi mal-konsenja tal-oġġetti jew is-servizzi fejn il-pagament ma jkunux għadu sar;

(b) krediti kummerċjali aċċettati minn korporazzjonijiet tal-fatturament ħlief meta jitqies bħala self;

(c) kera fuq bini dovuta tul iż-żmien; u

(d) arretrati li jikkonċernaw il-pagament ta' oġġetti u servizzi, meta ma jkunux evidenzjati minn self.

5.237 Il-krediti kummerċjali għandhom ikunu distinti mill-finanzi kummerċjali fl-għamla ta' kontijiet kummerċjali, u kreditu pprovdut minn partijiet terzi biex jifinanzjaw il-kummerċ.

5.238 Il-krediti u l-avvanzi kummerċjali ma jinkludux self għall-finanzjament ta' krediti kummerċjali. Dawn jiġu kklassifikati bħala self.

5.239 Il-krediti u l-avvanzi kummerċjali jistgħu jinqasmu skont il-maturità oriġinali fi krediti u avvanzi finanzjarji fuq perijodu qasir jew twil.

Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, minbarra l-krediti u l-avvanzi kummerċjali (F.89)

5.240 *Definizzjoni:* Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli huma pretensjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn differenzi taż-żmien bejn transazzjonijiet distributtivi jew transazzjonijiet finanzjarji fis-suq sekondarju u l-pagamenti korrispondenti.

5.241 Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli jinkludu l-pretensjonijiet finanzjarji maħluqa minħabba d-differenza fiż-żmien bejn it-transazzjonijiet akkumulati u l-pagamenti magħmula fir-rigward ta', pereżempju:

(a) il-pagi u s-salarji;

(b) it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali;

(c) id-dividendi;

(d) il-kera; u

(e) ix-xiri u l-bejgħ ta' titoli.

5.242 L-imgħax dovut u l-arretrati jiġu rreġistrati mal-ass jew passiv finanzjarju li fuqu jkunu dovuti, u mhux bħala kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli. Jekk l-imgħax dovut ma jkunux irreġistrat li hu investit mill-ġdid fl-ass finanzjarju, dan għandu jiġi kklassifikat f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli.

5.243 Fil-każ ta' self ta' titoli u drittijiet fuq self ta' deheb, li jitqiesu bħala imgħax, ir-reġistrazzjonijiet korrispondenti jiddaħħlu bħala kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, minflok mal-istrument li miegħu jirrelataw.

5.244 Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli ma jinkludux:

- (a) diskrepanzi statistiċi għajr differenzi fiż-żmien bejn transazzjonijiet f'oġġetti u servizzi, transazzjonijiet distributtivi jew transazzjonijiet finanzjarji u l-pagamenti korrispondenti;
- (b) pagamenti bikrija jew tard fil-ħolqien ta' assi finanzjarji jew fil-fidi ta' passivi oħra għajr dawk ikklassifikati f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli. Dawn il-pagamenti bikrija jew tard jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-istrument rilevanti;
- (c) l-ammonti tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lill-gvern ġenerali li għandhom jiġu inklużi f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli m'għandhomx jinkludu l-parti ta' dawn it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li x'aktarx ma tinġabarx u li għalhekk tirrappreżenta pretensjoni tal-gvern ġenerali li m'għandha ebda valur.

ANNEX 5.1

IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TRANSAZZJONIJET FINANZJARJI

5.A1.01 It-transazzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġi kklassifikati skont kriterji differenti — skont it-tip ta' strument finanzjarju, in-negozjabbiltà, it-tip ta' introjtu, il-maturità, il-munita u t-tip ta' imgħax.

Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont il-kategorija

5.A1.02 It-transazzjonijiet finanzjarji jiġu kklassifikati fil-kategoriji u s-sottokategoriji kif turi t-Tabella 5.3. Din il-klassifikazzjoni tat-transazzjonijiet fl-assi u l-passivi finanzjarji tikkorrespondi għall-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi finanzjarji.

Tabella 5.3 — Il-klassifikazzjoni tat-transazzjonijiet finanzjarji

Kategorija	Kodiċi		
Deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs)	F.1		
Deheb monetarju		F.11	
Drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs)		F.12	
Flus u depożiti	F.2		
Flus		F.21	
Depożiti trasferibbli		F.22	
Depożiti oħra		F.29	
Titoli ta' dejn	F.3		
Perijodu ta' żmien qasir		F.31	
Perijodu ta' żmien twil		F.32	
Self	F.4		
Perijodu ta' żmien qasir		F.41	
Perijodu ta' żmien twil		F.42	
Ekwiwità u unitajiet jew ishma ta' fondi tal-investment	F.5		
Ekwiwità		F.51	
Ishma kkwotati			F.511
Ishma mhux ikkwotati			F.512
Ekwiwità oħra			F.519
Ishma jew unitajiet ta' fond tal-investment		F.52	

Kategorija	Kodiċi		
Ishma jew unitajiet f'fond tas-suq tal-flus (MMFs)			F.521
Ishma/unitajiet f'fond ta' investiment mhux ta' MMF			F.522
Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati	F.6		
Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja		F.61	
Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità		F.62	
Intitolamenti għall-pensjoni		F.63	
Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq manijers ta' pensjonijiet		F.64	
Intitolamenti għal benefiċċji mhux tal-pensjoni		F.65	
Dispożizzjonijiet għal sejħiet skont garanziji standardizzati		F.66	
Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks għall-impjegati	F.7		
Derivattivi finanzjarji għajr opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati		F.71	
Opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati		F.72	
Oġġetti oħra riċevibbli/pagabbli ta' kontijiet oħra	F.8		
Kredituri u avvanzi kummerċjali		F.81	
Kontijiet oħra riċevibbli / pagabbli, minbarra kredituri u avvanzi kummerċjali		F.89	

5.A1.03 Il-klassifikazzjoni tat-transazzjonijiet finanzjarji u tal-assi u l-passivi finanzjarji hija msejja primarjament fuq il-likwidità, in-negozjabbiltà, u l-karatteristiċi legali tal-istrumenti finanzjarji. Id-definizzjonijiet tal-kategoriji ġenerali huma indipendenti mill-klassifikazzjoni tal-unitajiet istituzzjonali. Il-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi finanzjarji jistgħu jkomplu jiġu dettaljati skont klassifikazzjoni inkroċjata skont l-unità istituzzjonali. Eżempju ta' dan huwa l-klassifikazzjoni inkroċjata tad-depożiti trasferibbli bejn il-korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr il-bank ċentrali, bħala pożizzjonijiet interbankarji.

Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont in-negozjabbiltà

5.A1.04 Il-pretensjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu distinti skont jekk ikunx negożjabbli jew le. Pretensjoni tkun negożjabbli jekk is-sjieda tagħha tkun faċilment tista' tiġi trasferita minn unità għal oħra b'konsenja jew approvazzjoni jew tkun impattija fil-każ ta' derivattivi finanzjarji. Filwaqt li kwalunkwe strument finanzjarju jista' potenzjalment jiġi nnegożjat, l-istrumenti negożjabbli huma mfassla biex ikunu nnegożjati permezz ta' borża organizzata jew "barra l-borża", minkejja li jekk attwalment ikunx innegożjati mhix kundizzjoni neċessarja għan-negożjabbiltà. Il-kundizzjonijiet neċessarji tan-negożjabbiltà huma:

- (a) it-trasferibbiltà jew l-abbiltà tat-tpattija fil-każ tad-derivattivi finanzjarji;
- (b) l-istandardizzazzjoni ta' spiss evidenzjata permezz tal-funġibbiltà u l-eliġibbiltà ta' kodiċi ISIN; u
- (c) li d-detenturi ta' ass ma jżommx id-dritt ta' rikors kontra d-detenturi preċedenti.

5.A1.05 It-titoli, id-derivattivi finanzjarji u l-opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (AF.7) huma pretensjonijiet finanzjarji negożjabbli. It-titoli jinkludu t-titoli tad-dejn (AF.3), l-ishma kkwotati (AF.511), l-ishma mhux ikkwotati (AF.512), u l-ishma tal-fondi tal-investiment (AF.52). Id-derivattivi finanzjarji u l-opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati mhumiex ikklassifikati bħala titoli anki jekk ikunu strumenti finanzjarji negożjabbli. Dawn huma marbuta ma' indiċi jew assi finanzjarji u mhux finanzjarji speċifiċi li permezz tagħhom ir-riskji finanzjarji jistgħu jiġu nnegożjati fi swieq finanzjarji bi dritt proprju tagħhom.

5.A1.06 Id-deheb monetarju u l-SDRs (AF.1), il-flus u d-depożiti (AF.2), is-self (AF.4), l-ekwità oħra (AF.519), l-iskemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (AF.6) u l-kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8) mhumiex negożjabbli.

Titoli strutturati

5.A1.07 It-titoli strutturati tipikament jikkombinaw titolu, jew basket ta' titoli, ma' derivattiva finanzjarja, jew basket ta' direttivi finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji li mhumiex titoli strutturati huma, pereżempju, id-depożiti strutturati li jikkombinaw karatteristiċi ta' depożiti u ta' derivattivi finanzjarji. Filwaqt li t-titoli tad-dejn tipikament jinvolvu pagament fil-bidu ta' prinċipal li jrid jitħallas, dan ma japplikax għad-derivattivi finanzjarji.

Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont it-tip tal-introjtu

5.A1.08 It-transazzjonijiet finanzjarji jiġu kklassifikati skont it-tip ta' introjtu li jiġġeneraw. Ir-rabta tal-introjtu mal-assi u l-passivi finanzjarji korrispondenti jiffaċilita l-kalkolu tar-rati tar-redditu. It-Tabella 5.4 turi l-klassifikazzjoni dettaljata skont it-transazzjoni u skont it-tip ta' introjtu. Filwaqt li d-deheb monetarju u l-SDRs, id-depożiti, it-titoli tad-dejn, is-self u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli jiġi dovut fuqhom l-imgħax, l-ekwità tħallas prinċipalment f'dividendi, qligħ investit mill-ġdid jew prelevamenti minn introjtu ta' kważi korporazzjonijiet. L-introjtu mill-investment huwa attribwibbli lid-detenturi tal-ishma ta' fond tal-investment u tar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni. Ir-remunerazzjoni marbuta mal-parteċipazzjoni f'derivattiva finanzjarja ma tiġix irreġistrata bħala introjtu, għax l-ebda ammont prinċipali ma jkun fornut.

Tabella 5.4 — Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont it-tip tal-introjtu

Transazzjonijiet finanzjarji	Kodiċi	Tip ta' introjtu	Kodiċi
Deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs)	F.1	Imgħax	D.41
Flus	F.21	Xejn	
Depożiti trasferibbli	F.22	Imgħax	D.41
Depożiti oħra	F.29	Imgħax	D.41
Titoli ta' dejn	F.3	Imgħax	D.41
Self	F.4	Imgħax	D.41
Ekwità	F.51	Introjtu distribwit ta' korporazzjonijiet	D.42
		Qligħ investit mill-ġdid	D.43
Ishma kkwotati u mhux ikkwotati	F.511	Dividendi	D.421
	F.512	Qligħ investit mill-ġdid	D.43
Ekwità oħra	F.519	Prelevazzjonijiet minn introjtu ta' kważi korporazzjonijiet	D.422
		Qligħ investit mill-ġdid	D.43
		Dividendi	D.421
Ishma jew unitajiet ta' fond tal-investment	F.52	Introjtu minn investment attribwibbli għall-azzjonisti ta' fond tal-investment	D.443
Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati	F.6	Introjtu minn investment attribwibbli għal detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni	D.441
		Introjtu minn investment pagabbli fuq intitolamenti għall-pensjoni	D.442
Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks għall-impjegati	F.7	Xejn	
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	F.8	Imgħax	D.41

Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont it-tip ta' rata tal-imgħax

5.A1.09 L-assi u l-passivi finanzjarji li fuqhom huma dovuti l-imgħaxijiet jistgħu jinqasmu skont it-tip tar-rata tal-imgħax frata tal-imgħax fissa, varjabbli jew imħallta.

- 5.A1.10 Fil-każ ta' strumenti finanzjarji b'rata tal-imgħax fissa, il-pagamenti tal-imgħaxijiet nominali kuntrattwali huma fissi f'dik li hija l-munita tad-denominazzjoni għal ħajjet l-istrument finanzjarju jew għal ċertu ammont ta' snin. Fid-data tal-bidu, mill-perspettiva tad-debitur, iż-żmien u l-valur tal-pagamenti tal-imgħax u r-ripagamenti tal-prinċipal ikunu magħrufa.
- 5.A1.11 Fil-każ ta' strumenti finanzjarji b'rata tal-imgħax varjabbli, il-pagamenti tal-imgħax u l-prinċipal huma marbuta ma' rata tal-imgħax, l-indiċi tal-prezzijiet ġenerali għal oġġetti u servizzi jew il-prezz ta' ass. Il-valur ta' referenza jitla' u jinżel b'rispons għall-kundizzjonijiet tas-suq.
- 5.A1.12 L-istrumenti finanzjarji b'rata tal-imgħax imħallta għandhom kemm rata tal-imgħax varjabbli u fissa tul ħajjithom u jiġu kklassifikati bħala strumenti finanzjarji b'rata tal-imgħax varjabbli.

Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont il-maturità

- 5.A1.13 Fil-każ tal-analiżi tar-rati tal-imgħax, il-produttività tal-assi, il-likwidità jew il-kapaċità tal-manutenzjoni tad-dejn, jaf tkun meħtieġa diżaggregazzjoni tal-assi u l-passivi finanzjarji skont firxa ta' maturitajiet.

Maturità fuq medda ta' żmien qasir u twil

- 5.A1.14 *Definizzjoni:* Ass jew passiv finanzjarju b'maturità fuq medda ta' żmien qasir ikun ripagabbli fuq talba tal-kreditur, jew fi żmien sena jew anqas. Ass jew passiv finanzjarju b'maturità fuq medda ta' żmien twil ikun ripagabbli f'xi data 'l hinn minn sena, jew ma jkollu l-ebda maturità mistqarra.

Il-maturità oriġinali u l-maturità rimanenti

- 5.A1.15 *Definizzjoni:* Il-maturità oriġinali ta' assi jew passivi finanzjarji hija definita bħala l-perijodu mid-data tal-ħruġ sad-data tal-aħħar pagament skadat. Il-maturità rimanenti ta' assi jew passivi finanzjarji hija definita bħala l-perijodu mid-data ta' referenza sad-data tal-aħħar pagament skadat.
- 5.A1.16 Il-kunċett tal-maturità oriġinali jservi ta' għajjnuna biex wieħed jifhem l-attività tal-ħruġ tad-dejn. Għaldaqstant, it-titoli tad-dejn u s-self jinqasmu skont il-maturità oriġinali f'titoli tad-dejn u self fuq medda ta' żmien qasir u twil.
- 5.A1.17 Il-maturità rimanenti hija aktar rilevanti għall-analiżi tal-pożizzjonijiet tad-dejn u l-kapaċitajiet tal-manutenzjoni tad-dejn.

Il-klassifikazzjoni ta' transazzjonijiet finanzjarji skont il-munita

- 5.A1.18 Ħafna mill-kategoriji, is-sottokategoriji u s-sottopożizzjonijiet tal-assi u l-passivi finanzjarji jistgħu jiġu diżaggregati skont il-munita li fiha jkunu ġew denominati.
- 5.A1.19 L-assi jew il-passivi f'munita barranija jinkludu assi jew passivi finanzjarji denominati f'basket ta' muniti, pereżempju SDRs u assi jew passivi finanzjarji denominati fid-deheb. Id-distinzjoni bejn munita nazzjonali u muniti barranin hija ta' siwi partikolari fil-każ ta' flus u depożiti (AF.2), titoli tad-dejn (AF.3) u self (AF.4).
- 5.A1.20 Il-munita tal-pagament tista' tkun differenti minn dik tad-denominazzjoni. Il-munita tal-pagament tirreferi għall-munita li fiha l-valur tal-pożizzjonijiet u l-flussi ta' strumenti finanzjarji bħat-titoli jinqalbu kull meta jiġi effettwat xi pagament.

Kejl ta' flus

- 5.A1.21 Għall-fini tal-analiżi politika monetarja jista' jkun meħtieġ li fil-kont finanzjarju jiġu identifikati kejl ta' flus bħall M1, M2 u M3. Il-kejl tal-flus mhux definit fis-SEK 2010.

KAPITOLU 6

FLUSSI OĦRA

INTRODUZZJONI

- 6.01 Flussi oħra huma bidliet fil-valur tal-assi u l-passivi li ma jirriżultawx minn transazzjonijiet. Ir-raġuni li dawn il-flussi mhumiex transazzjonijiet hija marbuta mal-fatt li ma jissodisfawx wieħed jew iktar mill-karatteristiċi tat-transazzjonijiet, pereżempju, l-unitajiet istituzzjonali involuti jistgħu ma jkunux qed jaġixxu permezz ta' ftehim reċiproku, bħal fil-każ ta' sekwestru ta' assi mhux ikkumpensat, jew il-bidla tista' tkun dovuta għal avveniment naturali bħal terremot iktar milli fenomenu purament ekonomiku. Alternattivament, il-valur ta' ass espress f'munita barranija jista' jinbidel b'riżultat ta' bidla fir-rata tal-kambju.

BIDLIET OĦRA FL-ASSI U L-PASSIVI

- 6.02 *Definizzjoni:* Bidliet oħra fl-assi u l-passivi huma flussi ekonomiċi, minbarra dawk li jsiru permezz ta' transazzjonijiet rreġistrati fil-kontijiet kapitali u finanzjarji, li jibdli l-valur tal-assi u l-passivi

Qed jiddistingwixxu ruħhom żewġ tipi ta' "bidliet oħra": L-ewwel tip jikkonsisti f'bidliet fil-volum ta' assi u passivi. It-tieni tip huma l-qligħ u t-telf nominali.

Bidliet oħrajn fil-volum ta' assi u passivi (minn K.1 sa K.6)

- 6.03 Fil-kont kapitali, assi prodotti u mhux prodotti jistgħu jidħlu f'settur u joħorġu minnu permezz ta' akkwisti u ċessjonijiet ta' assi, il-konsum tal-kapital fiss jew addizzjonijiet għal, prelevazzjonijiet minn u telf rikorrenti minn inventarji. Fil-kont finanzjarju, l-assi u l-passivi finanzjarji jidħlu fis-sistema meta debitur jaċċetta l-obbligu li jħallas kreditur fil-futur, u jħalli s-sistema meta dan l-obbligu jiġi ssodisfat.
- 6.04 Bidliet oħra fil-volum tal-assi u l-passivi jinkludu flussi li jħallu l-assi u l-passivi jidħlu jew joħorġu mill-kontijiet b'mezzi oħra minbarra transazzjonijiet — pereżempju d-dahljet u l-ħruġ tal-iskoperti, it-tnaqqis u d-degredazzjoni ta' assi naturali.

Bidliet oħra fil-volum tal-assi u l-passivi jinkludu wkoll l-effett ta' avvenimenti esterni mhux antiċipati u eċċezzjonali li mhumiex ekonomiċi fin-natura tagħhom, u bidliet li jirriżultaw minn riklassifikazzjoni jew ristrutturar tal-unitajiet istituzzjonali jew tal-assi u l-passivi.

- 6.05 Bidliet oħrajn fil-volum tal-assi u l-passivi ikopru sitt kategoriji:

- (a) dieher ekonomiku tal-assi (K.1);
- (b) għejbien ekonomiku ta' assi mhux prodotti (K.2);
- (c) telfiet katastrofiċi (K.3);
- (d) qbid mhux ikkumpensat (K.4);
- (e) bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati x'imkien ieħor (K.5); u
- (f) bidliet fil-klassifikazzjoni (K.6).

Dieher ekonomiku tal-assi (K.1)

- 6.06 Id-dieher ekonomiku tal-assi jirrappreżenta ż-żieda fil-volum ta' assi prodotti u mhux prodotti li mhumiex ir-riżultat tal-produzzjoni. Inklużi hemm:
- (a) monumenti storiċi, eż. dawk l-istrutturi jew siti ta' importanza speċjali arkeoloġika, storika jew kulturali, meta jiġu rikonoxxuti għall-ewwel darba fil-karta tal-bilanċ;
 - (b) oġġetti ta' valur, bħall-ħaġar prezzjuż, antikitajiet u l-oġġetti tal-arti, meta l-valur għoli jew l-importanza artistika ta' oġġett li mhux diġà rreġistrat fil-karta tal-bilanċ jiġu rikonoxxuti għall-ewwel darba;
 - (c) skoperti ta' riżervi sfruttabbli ta' taħt l-art bħal riżervi ppruvati ta' faħam, żejt, gass naturali, minerali tal-metall jew minerali mhux tal-metall. Dan ikopri wkoll iż-żieda fil-valur tar-riżervi meta l-isfruttament isir ekonomikament vijabbli minħabba l-progress teknoloġiku jew minħabba bidliet relattivi fil-prezzijiet;

- (d) it-*tkabbir naturali ta' riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati, bħal foresti naturali u l-istokk tal-ħut, meta t-*tkabbir f'dawn l-*assi ekonomiċi mhuwiex taħt il-kontroll, ir-responsabbiltà u l-immaniġġar dirett ta' unità istituzzjonali u b'hekk mhuwiex ittrattat bħala produzzjoni;***
- (e) *trasferimenti ta' riżorsi oħra naturali lejn attività ekonomika: riżorsi naturali li jbiddu l-istatus biex jikkwalifikaw bħala assi ekonomiċi. Eżempji jinkludu l-isfruttament inizjali ta' foresti mhux mittiefsa, it-trasferiment ta' art mhux maħduma lejn art li tista' tintuża ekonomikament, ir-reklamazzjoni tal-art u l-pagament inizjali għall-estrazzjoni tal-ilma. Ir-riżorsi naturali jistgħu jakkwistaw ukoll il-valur bis-saħħa ta' attività ekonomika fil-qrib, pereżempju, l-art tista' tiġi rikonoxxuta bħala ta' valur minħabba żvilupp qrib tagħha jew il-ħolqien ta' triq ta' aċċess. L-ispiża tat-titjib tal-art hija rreġistrata bħala formazzjoni grossa ta' kapital fiss iżda kwalunkwe eċċess fiż-żieda tal-valur tal-art fuq il-valur tat-titjib tal-art huwa rreġistrat bħala dieher ekonomiku;*
- (f) *bidla fil-kwalità ta' assi naturali dovuti għall-bidliet fużi ekonomiċi. Il-bidliet fil-kwalità huma rreġistrati bħala bidliet fil-volum. Il-bidliet fil-kwalità rreġistrati hawnhekk iseħħu bħala l-kontroparti tal-bidliet fl-użu ekonomiku li jidhru bħala bidliet fil-klassifikazzjoni (ara l-paragrafu punt 6.21). Pereżempju, ir-riklassifikazzjoni minn art ta' kultivazzjoni għal art li qiegħda taħt il-bini tista' tirriżulta f'żieda fil-valur kif ukoll f'bidla fil-klassifikazzjoni. F'dan il-każ l-ass huwa diġà fi ħdan l-ambitu tal-*assi u hija l-bidla fil-kwalità tal-ass dovut għall-bidla fl-użu ekonomiku li titqies bħala d-dieher ta' ass. Eżempju ieħor huwa ż-żieda fil-valur tal-ifrat għall-ħalib meta jintbagħtu għall-qatla iktar kmieni milli mistenni;**
- (g) *id-dieher inizjali tal-valur mill-*għoti ta' kuntratti trasferibbli, kirjiet, liċenzji jew permessi. Il-valur f'dawn il-kuntratti, kirjiet, liċenzji jew permessi jirrappreżenta ass meta l-valur tal-intitolament li jattribwixxu jaqbeż id-drittijiet pagabbli u d-detentur jista' jirrealizza dan billi jittrasferihom fuq oħrajn; u**
- (h) *bidla fil-valur tal-avvjament u l-*assi ta' kummerċjalizzazzjoni, li timmaterjalizza meta l-unitajiet istituzzjonali huma mibjugħa bi prezzijiet li jeċċedu l-fondi tagħhom stess (ara l-paragrafu 7.07); l-eċċess tal-prezz tal-bejgħ fuq l-*assi proprji jissejjaħ avvjament akkwistat u assi ta' kummerċjalizzazzjoni. L-avvjament mhux ippruvat minn bejgħ/xiri ma jitqies bħala ass ekonomiku.***

Għejbien ekonomiku ta' assi mhux prodotti (K.2)

6.07 L-għejbien ekonomiku ta' assi mhux finanzjarji u mhux prodotti jinkludi:

- (a) *it-tnaqqis ta' riżorsi naturali, li jkopri t-*tnaqqis tal-valur ta' depożiti ta' assi taħt il-livell tal-art u t-*tnaqqis ta' riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati inklużi fl-ambitu tal-*assi (ara l-punt (e) tal-paragrafu 6.06) b'riżultat ta' ħsad, it-tneħħija ta' foresti jew użu lil hinn minn livelli sostenibbli ta' estrazzjoni. Ħafna mill-entrati possibbli hawnhekk huma l-*oppost tal-entrati deskritti fil-punti (c) sa (f) tal-paragrafu 6.06;*****
- (b) *għejbien ekonomiku ieħor ta' assi mhux prodotti, li jkopri:*
- (i) *id-deprezzament tal-valur tal-avvjament akkwistat u tal-*assi ta' kummerċjalizzazzjoni; u**
- (ii) *l-iskadenza tal-vantaġġi li ġejjin minn kuntratti trasferibbli, kirjiet, liċenzji u permessi.*

Telfiet katastrofiċi (K.3)

6.08 It-telfiet katastrofiċi rreġistrati bħala bidliet oħra fil-volum tal-*assi huma r-riżultat ta' avvenimenti fuq skala kbira, diskreti u rikonixxibbli li jeqirdu assi ekonomiċi.*

6.09 *Avvenimenti bħal dawn jinkludu terremoti kbar, eruzzjonijiet vulkaniċi, terremoti tal-baħar, uragani eċċezzjonalment qawwija, nixfa u diżastri naturali oħra; atti ta' gwerer, irvelli u avvenimenti politiċi oħra; u inċidenti teknoloġiċi bħal tixrid kbir tossiku jew ħruġ ta' partikkelli radjuattivi fl-arja. Eżempji ta' avvenimenti bħal dawn huma:*

- (a) *id-deterjorament fil-kwalità tal-art ikkawżata minn għarġar mhux normali jew dannu mir-riħ;*
- (b) *id-distruzzjoni ta' assi kkultivati minħabba nixfa jew epidemija;*
- (c) *id-distruzzjoni ta' binjiet, tagħmir jew oġġetti ta' valur f'nirien fil-foresti jew terremoti; u*
- (d) *id-distruzzjoni aċċidentali ta' flus jew ta' titoli bearer minħabba katastrofi naturali jew avvenimenti politiċi, jew id-distruzzjoni ta' prova ta' sjieda.*

Qbid mhux ikkumpensat (K.4)

- 6.10 Il-qbid mhux ikkumpensat iseħħ meta l-gvernijiet jew unitajiet istituzzjonali oħra jieħdu pussess tal-assi ta' unitajiet istituzzjonali oħra, inkluż unitajiet mhux residenti, mingħajr kumpens sħiħ, għal raġunijiet għajr il-pagament ta' taxxi, multi jew imposti simili. Il-qbid ta' proprjetà relatata ma' attività kriminali hija kkunsidrata bħala multa. Il-parti mhux ikkumpensata ta' tali qbid unilaterali hija rreġistrata bħala bidla oħra fil-volum.
- 6.11 Il-qbid ta' beni ipotekati u r-repussess ta' assi minn kredituri mhumieħ irreġistrati bħala qbid mhux ikkumpensat minħabba li, jew b'mod espliċitu jew b'fehmi ġenerali, il-fehmi bejn iż-żewġ partijiet jipprevedi dan il-perkors ta' rikors.

Bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati x'imkien ieħor (K.5)

- 6.12 Il-bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati (K.5) x'imkien ieħor huma l-effetti tal-avvenimenti mhux previsti fuq il-valur ekonomiku tal-assi.
- 6.13 Eżempji ta' bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati x'imkien ieħor ta' assi mhux finanzjarji jinkludu:
- (a) l-obsolenza mhux prevista. Suppożizzjonijiet li jintużaw biex jiġi dderivat il-konsum tal-kapital fiss ma jkoprox l-obsolenza tal-assi fissi. L-ammont inkluż għall-obsolenza prevista tagħhom jista' ma jilħaqx l-iskop tal-obsolenza proprja. L-entrati għandhom għalhekk isiru għat-tnaqqis fil-valur tal-assi fissi li jirriżultaw minn, pereżempju, l-introduzzjoni ta' teknoloġija mtejba;
 - (b) id-differenzi bejn allokkazzjonijiet inklużi fil-konsum ta' kapital fiss għal ħsara normali u t-telfiet reali. Il-konsum tal-kapital fiss ma jkoprix ħsara mhux prevista, u l-ammont stmat għal ħsara prevista normalment jista' ma jilħaqx jew jeċċedi l-ħsara reali. Għalhekk għandhom isiru aġġustamenti għat-tnaqqis mhux previsti jew żieda fil-valur tal-assi fissi minħabba tali avvenimenti. It-telfiet aġġustati għal dan mhumieħ kbar biżżejjed biex jitqiesu katastrofiċi;
 - (c) id-degradazzjoni tal-assi fissi mhux iġġustifikata fil-konsum tal-kapital fiss. Dan ikopri t-tnaqqis fil-valur tal-assi fissi minħabba, pereżempju, l-effetti mhux previsti tal-aċidità fl-arja u fix-xita fuq is-superfiċi tal-binjiet jew fuq il-vetturi;
 - (d) l-abbandun tal-faċilitajiet ta' produzzjoni qabel it-tlestija jew qabel ma jintużaw għall-użu ekonomiku;
 - (e) it-telfiet eċċeżżjonali fl-inventarji (pereżempju, minn dannu tan-nirien, minn serq, minn infestazzjoni ta' insetti ta' ħażna tal-qamħ) li mhumieħ meqjusa telfiet katastrofiċi.
- 6.14 Eżempji ta' bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati x'imkien ieħor rigward l-assi u l-passivi finanzjarji jinkludu:
- (a) telfiet eċċeżżjonali ta' flus jew titoli bearer minħabba, pereżempju, dannu min-nirien jew serq, li mhumieħ meqjusa telfiet katastrofiċi, u flus li jiġu rtirati miċ-ċirkolazzjoni minħabba li m'għadx għandhom valur legali, minbarra l-ammonti fejn ikun hemm bidla fil-klassifikazzjoni minn flus għall-oġġetti ta' valur;
 - (b) bidliet fil-pretensjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn kanċellazzjoni tad-dejn. Dawn huma esklużi mill-kont finanzjarju minħabba li m'hemmx fehim reċiproku bejn il-partijiet. B'mod speċifiku, kreditur jista' jiddeċiedi li huwa impossibbli li tiġi rkuprata pretensjoni finanzjarja, pereżempju minħabba falliment jew likwidazzjoni, u jneħħi dak l-obbligu mill-karta tal-bilanċ tiegħu. Ir-rikonoxximent tal-kreditur li l-pretensjoni ma tistax tinġabar hija rreġistrata bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi. L-obbligazzjoni korrispondenti għandha titneħħa wkoll mill-karta tal-bilanċ tad-debitur biex jinżamm bilanċ fil-kontijiet tal-ekonomija totali. Eċċeżżjoni għal dan il-prinċipju ġenerali hija prevista għal taxxi u kontributi soċjali pagabbli lill-gvern ġenerali (ara l-punt (d) tal-paragrafu 6.15);
 - (c) bidliet għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja, intitolamenti ta' annwalità u intitolamenti tal-pensjoni minħabba bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi;
 - (d) dispożizzjonijiet għal sejħiet taħt skemi ta' garanziji standardizzati meta s-sejħiet mistennija jaqbzū d-dħul u l-irkupri previsti.
- 6.15 Bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati x'imkien ieħor jeskludu:
- (a) bidliet fi pretensjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn deprezzament li jirrifletti l-valuri reali tas-suq ta' pretensjonijiet finanzjarji negozjabbli: dawn il-bidliet huma ġġustifikati fil-kont ta' rivalutazzjoni;

- (b) il-kanċellazzjoni ta' dejn bi ftehim reċiproku bejn id-debitur u l-kreditur (il-kanċellazzjoni tad-dejn jew maħfra tad-dejn): din hija rrekordjata bħala transazzjoni bejn il-kreditur u d-debitur (ara l-punt (f) tal-paragrafu 4.165);
- (c) iċ-ċaħda tad-dejn: il-kanċellazzjoni unilaterali ta' obbligazzjoni minn debitur mhijiex rikonoxxuta;
- (d) taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali li għandhom jitħallsu lil gvern ġenerali li l-gvern ġenerali jagħraf unilateralmnt bħala li x'aktarx ma jinġabru (ara l-paragrafi 1.57, 4.27 u 4.82).

Bidliet fil-klassifikazzjoni (K.6)

- 6.16 Bidliet fil-klassifikazzjoni jinkludu bidliet fil-klassifikazzjoni tas-setturi, bidliet tal-istruttura tal-unitajiet istituzzjonali u bidliet fil-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi.

Bidliet fil-klassifikazzjoni tas-setturi u l-istruttura tal-unità istituzzjonali (K.61)

- 6.17 Il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' unità istituzzjonali minn settur għal ieħor tittrasferixxi l-karta tal-bilanċ kollha tagħha, pereżempju, jekk unità istituzzjonali kklassifikata fis-settur tal-unitajiet domestiċi ssir distinta finanzjarjament mis-sid tagħha, din tista' tikkwalifika bħala kważi korporazzjoni li tiġi kklassifikata mill-ġdid fis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji.
- 6.18 Bidliet fil-klassifikazzjoni tas-settur jittrasferixxu l-karta tal-bilanċ kollha minn settur jew subsettur għal ieħor. It-trasferiment jista' jirriżulta f'konsolidazzjoni jew dekonsolidazzjoni ta' assi u passivi, li huma inklużi wkoll f'din il-kategorija.
- 6.19 Il-bidliet fil-istruttura tal-unitajiet istituzzjonali jkopru d-dieher u l-għejbin ta' ċerti assi u passivi finanzjarji li ġejjin minn ristrutturar korporattiv. Meta korporazzjoni tgħib bħala entità legali indipendenti minħabba li hi assorbita minn korporazzjoni waħda jew iktar, l-assi u l-passivi finanzjarji kollha, inklużi l-ishma u ekwità oħra li eżistew bejn dik il-korporazzjoni u dawk li assorbewha, jgħibu mis-Sistema. Madankollu, ix-xiri ta' ishma u ta' ekwità oħra ta' korporazzjoni bħala parti mill-amalgamazzjoni għandha tiġi rreġistrata bħala transazzjoni finanzjarja bejn il-korporazzjoni li xtrat u l-proprjetarji preċedenti tagħha. Is-sostituzzjoni ta' ishma eżistenti minn ishma fil-korporazzjoni li xtrat jew f'korporazzjoni ġdida għandha tiġi rreġistrata bħala fidi ta' ishma akkumpanjati mill-ħruġ ta' ishma ġodda. L-assi u l-passivi finanzjarji li eżistu bejn il-korporazzjoni assorbita u l-partijiet terzi ma jinbidlux u jgħaddu għall-korporazzjoni li tassorbi.
- 6.20 Simetrikament, meta korporazzjoni hi maqsuma legalment f'żewġ jew iktar unitajiet istituzzjonali, id-dieher tal-assi u l-passivi finanzjarji huwa rreġistrat bħala bidliet fil-klassifikazzjoni u l-istruttura tas-settur.

Bidliet fil-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi (K.62)

- 6.21 Il-bidliet fil-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi iseħħu meta l-assi u l-passivi jidhru taħt kategorija waħda fil-karta tal-bilanċ ta' ftuħ u taħt kategorija oħra fil-karta tal-bilanċ tal-għeluq. Eżempji huma bidliet fl-użu tal-art jew konverżjonijiet ta' abitazzjonijiet għall-użu kummerċjali jew viċe versa. Fil-każ tal-art, iż-żewġ entrati (entrata negattiva għall-kategorija l-qadima, waħda pożittiva għall-kategorija l-ġdida) għandhom isiru bl-istess valur. Kwalunkwe bidla fil-valur tal-art li tirriżulta minn din il-bidla fl-użu hi rreġistrata bħala bidla fil-volum iktar milli rivalutazzjoni u għalhekk bħala dieher ekonomiku ta' assi jew għejbin ekonomiku ta' assi mhux prodotti.
- 6.22 Dieher jew għejbien ta' deheb monetarju fil-forma ta' ingotti tad-deheb ma jistax jinħoloq permezz ta' transazzjoni finanzjarja iżda jidħol jew jidher mis-Sistema permezz ta' bidliet oħra fil-volum tal-assi.
- 6.23 L-ingotti tad-deheb joħlqu każ speċjali ta' bidla fil-klassifikazzjoni. L-ingotti tad-deheb jistgħu jkunu ass finanzjarju magħruf bħala deheb monetarju, jew oġġett ta' valur magħruf bħala deheb mhux monetarju, skont id-detentur u l-motivazzjoni għall-parteċipazzjoni. Il-monetizzazzjoni hija l-bidla fil-klassifikazzjoni tal-ingotti tad-deheb minn mhux monetarja għal monetarja. Id-demonetizzazzjoni hija l-bidla fil-klassifikazzjoni tal-ingotti tad-deheb minn monetarja għal mhux monetarja.
- 6.24 L-operazzjonijiet f'relazzjoni mal-ingotti tad-deheb huma rrekordjati kif ġej:
- (a) meta awtorità monetarja tbiegħ id-deheb monetarju li jkun ass ta' riżerva lil unità istituzzjonali mhux residenti li mhijiex awtorità monetarja jew lil unità istituzzjonali residenti, din tiġi rreġistrata bħala transazzjoni f'deheb mhux monetarju. Id-demonetizzazzjoni tad-deheb bħala bidla fil-klassifikazzjoni tal-ingotti tad-deheb minn monetarja għal waħda mhux monetarja sseħħ immedjatament qabel it-transazzjoni u hija rreġistrata bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi tal-awtorità monetarja;

- (b) meta awtorità monetarja tixtri d-deheb monetarju mingħand unità istituzzjonali mhux residenti jew residenti għall-assi ta' riżerva tagħha u dak id-deheb ma jkunx diġà ass ta' riżerva, tiġi rreġistrata transazzjoni f'deheb mhux monetarju ll-monetizzazzjoni tad-deheb bħala bidla fil-klassifikazzjoni tal-ingotti tad-deheb minn waħda mhux monetarja għal waħda monetarja sseħħ immedjatament wara t-transazzjoni u hija rreġistrata bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi tal-awtorità monetarja;
- (c) meta xerrej u bejjiegħ ikunu awtoritajiet monetarji ta' ekonomiji differenti u t-tnejn iżommu l-ingotti tad-deheb bħala parti mill-assi tagħhom ta' riżerva, din titqies bħala transazzjoni f'ingotti tad-deheb, li tiġi rreġistrata fil-kont finanzjarju;
- (d) f'każijiet oħra, l-ingotti tad-deheb ikunu mhux monetarji l-ħin kollu u huma rreġistrati bħala transazzjonijiet f'deheb mhux monetarju.

Il-każijiet ta' hawn fuq li jirrelataw għal awtorità monetarja japplikaw ukoll għal organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali.

- 6.25 Il-bidliet fil-klassifikazzjoni ta' assi u passivi ma jinkludux il-konverżjoni ta' titoli tad-dejn f'ishma, li hija rreġistrata bħala żewġ transazzjonijiet finanzjarji.

Qligħ u telf nominali (K.7)

- 6.26 Il-kont ta' rivalutazzjoni jirreġistra l-qligħ u t-telf nominali li jakkumulaw waqt perijodu bażi tal-kontijiet għas-sidien tal-assi u l-passivi, li jirrifletti l-bidliet fil-livell u l-istruttura tal-prezzijiet tagħhom. Il-qligħ u t-telf nominali (K.7) jinkludu l-qligħ u t-telf nominali newtrali (K.71) u l-qligħ u t-telf nominali reali (K.72).
- 6.27 *Definizzjoni:* Il-qligħ u t-telf nominali (K.7) li jirrelata ma' ass huma ż-żieda jew it-tnaqqis fil-valur tal-ass li jakkumula għas-sid ekonomiku tiegħu bħala riżultat ta' żieda jew tnaqqis fi prezzu. Il-qligħ u t-telf nominali li jirrelataw ma' passiv finanzjarju huma t-tnaqqis u ż-żieda fl-istima tal-passiv b'riżultat ta' tnaqqis jew żieda fi prezzu.
- 6.28 Qligħ nominali hu dovut għal żieda fil-valur ta' ass jew għal tnaqqis fil-valur ta' passiv. Telf nominali hu dovut għal tnaqqis fil-valur ta' ass jew għal żieda fil-valur ta' passiv.
- 6.29 Il-qligħ u t-telf nominali rreġistrati fil-kont ta' rivalutazzjoni huma dawk li jakkumulaw fuq l-assi jew il-passivi, kemm jekk realizzati jew le. Il-qligħ nominali jitqies li hu realizzat meta l-ass ikkonċernat jiġi mibjugħ, mifdi, użat jew inkella mogħti lil ħaddieħor, jew meta l-passiv jitħallas lura. Il-qligħ mhux realizzat hu wieħed li jakkumula fuq ass li għadu proprjetà jew passiv li għadu pendenti fl-aħħar tal-perijodu bażi tal-kontijiet. Il-qligħ realizzat normalment jinftehem bħala qligħ realizzat fil-perijodu kollu li matulu l-ass hu proprjetà jew passiv pendenti kemm jekk dan il-perijodu jikkoinċidi mal-perijodu bażi tal-kontijiet jew le. Madankollu, peress li l-qligħ u t-telf nominali huma rreġistrati fuq bażi tad-dovuti, id-distinzjoni bejn qligħ u telf realizzat u mhux realizzat, minkejja li hi utli għal ċerti għanijiet, ma tidhirx fil-klassifikazzjoni u fil-kontijiet.
- 6.30 Il-qligħ u t-telf nominali jinkludu qligħ u telf fuq kull tip ta' assi mhux finanzjarji u assi u passivi finanzjarji. B'hekk, il-qligħ u t-telf nominali fuq l-inventarji ta' kull tip ta' oġġetti miżmuma mill-produtturi, inkluża ħidma li għaddeja bħalissa, huma koperti wkoll.
- 6.31 Il-qligħ u t-telf nominali jistgħu jakkumulaw fuq l-assi miżmuma jew fuq passivi imġarrba għal kwalunkwe tul ta' żmien matul il-perijodu bażi tal-kontijiet u mhux biss fuq assi jew passivi li jidhru fil-karti tal-bilanċ tal-ftuħ u/jew tal-ghelugħ. Il-qligħ u t-telf nominali li jakkumula għall-proprjetarju ta' ass jew passiv partikolari, jew kwantità speċifika ta' tip speċifiku ta' ass jew passiv, bejn żewġ stadji fiż-żmien hu definit bħala "il-valur attwali ta' dak l-ass jew passiv fl-istadju l-aktar tard ta' żmien nieqes il-valur ta' dak l-ass jew passiv fl-istadju iktar bikri ta' żmien", jekk wieħed jassumi li sadanittant l-ass jew passiv innifsu ma jinbidilx, b'mod kwalitattiv jew kwantitattiv, matul dak il-perijodu.
- 6.32 Il-qligħ nominali (G) li jakkumula fuq kwantità speċifikata q ta' ass bejn iż-żminijiet o u t jista' jiġi espress b'dan li ġej: $G = (p_t - p_o) \times q$.

fejn p_o u p_t huma l-prezzijiet tal-ass fiż-żminijiet o u t rispettivament. Għall-assi u passivi finanzjarji b'valuri attwali fissi fil-munita nazzjonali, p_o u p_t huma unità skont id-definizzjoni u l-qligħ nominali huwa dejjem zero.

- 6.33 Sabiex jiġi kkalkolat il-qligħ u t-telf nominali, l-akkwisti u ċ-ċessjonijiet tal-assi jridu jkun vvalutati bl-istess mod kif huma rreġistrati fil-kontijiet kapitali u finanzjarji u l-istokks tal-assi jridu jkun vvalutati bl-istess mod kif huma rreġistrati fil-karta tal-bilanċ. Fil-każ ta' assi fissi, il-valur ta' akkwist hu l-ammont imħallas mix-xerrej lill-produttur, jew lill-bejjiegħ, b'żieda tal-ispejjeż assoċjati tat-trasferiment tas-sjieda mġarrba mix-xerrej. Il-valur ta' ċessjoni ta' ass fiss eżistenti hu l-ammont li jirċievi l-bejjiegħ mix-xerrej nieqes l-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda mġarrba mill-bejjiegħ.

- 6.34 Eċċezzjoni għall-każ deskritt fil-paragrafu 6.33 huwa meta l-prezz li jitħallas ivarja mill-valur tas-suq tal-ass. F'dan il-każ jiġi imputat trasferiment kapitali għad-differenza bejn il-prezz imħallas u l-valur tas-suq u l-akkwist jiġi rreġistrat fil-valur tas-suq. Dan iseħħ b'mod partikolari fi transazzjonijiet li jinvolvu setturi mhux tas-suq.
- 6.35 Jistgħu jkunu distinti erba' sitwazzjonijiet differenti li jagħtu lok għall-qligħ u t-telf nominali
- (a) ass miżmum matul il-perijodu bażi tal-kontijiet: il-qligħ nominali li jakkumula matul il-perijodu bażi tal-kontijiet hu ugwali għall-valur tal-karta tal-bilanċ tal-għeluq nieqes il-valur tal-karta tal-bilanċ tal-ftuħ nieqes kwalunkwe konsum tal-kapitali fiss fil-perijodu bażi tal-kontijiet. Dawn il-valuri huma l-valuri stmati tal-assi jekk ikunu akkwistati meta jitfasslu l-karti tal-bilanċ. Il-qligħ nominali mhuwiex realizzat;
- (b) ass miżmum fil-bidu tal-perijodu li hu mibjugħ matul il-perijodu: il-qligħ nominali li jakkumula hu ugwali għall-valur taċ-ċessjoni nieqed il-valur tal-karta tal-bilanċ tal-ftuħ nieqes kwalunkwe konsum tal-kapitali fiss fil-perijodu bażi tal-kontijiet li jseħħ qabel il-bejgħ. Il-qligħ nominali hu realizzat;
- (c) ass akkwistat matul il-perijodu u li għadu miżmum fl-aħħar tal-perijodu: il-qligħ nominali li jakkumula hu ugwali għall-valur tal-karta tal-bilanċ tal-għeluq nieqes il-valur tal-akkwist nieqes kwalunkwe konsum tal-kapitali fiss fil-perijodu bażi tal-kontijiet. Il-qligħ nominali mhuwiex realizzat; u
- (d) ass akkwistat u disponut matul il-perijodu bażi tal-kontijiet: il-qligħ nominali li jakkumula huwa ugwali għall-valur maċ-ċessjoni nieqes il-valur tal-akkwist nieqes kwalunkwe konsum tal-kapitali fiss fil-perijodu bażi tal-kontijiet bejn l-akkwist u ċ-ċessjoni. Il-qligħ nominali hu realizzat.
- 6.36 Il-qligħ u t-telf nominali inklużi huma daww li jakkumulaw fuq l-assi u l-passivi, kemm jekk realizzati jew le. Dawn huma rreġistrati fil-kont ta' rivalutazzjoni tas-setturi involuti, l-ekonomija totali u l-bqija tad-dinja.

Qligħ u telf nominali newtrali (K.71)

- 6.37 *Definizzjoni:* Il-qligħ u t-telf nominali newtrali (K.71) jirrelataw ma' assi u passivi u huma l-valur tal-qligħ u t-telf nominali li jakkumula jekk il-prezz tal-ass jew passiv jinbidel maż-żmien bl-istess proporzjon tal-livell tal-prezz ġenerali.
- 6.38 Il-qligħ u t-telf nominali newtrali jiġu identifikati sabiex tkun iffaċilitata d-derivazzjoni tal-qligħ u t-telf nominali reali li jerrgħu jgħassmu l-kapaċità ta' akkwist reali bejn is-setturi.
- 6.39 Wieheġ għandu jgħis li l-indiċi tal-prezz ġenerali hu denotat minn r . Il-qligħ nominali newtrali (NG) fuq kwantità speċifikata q ta' ass bejn iż-żminijiet o u t hu mbagħad mogħti minn din l-espressjoni li ġejja:

$$NG = p_o \times q (r_t/r_o - 1),$$
fejn $p_o \times q$ hu l-valur attwali tal-ass fiż-żmien o u r_t/r_o il-fattur tal-bidla fl-indiċi tal-prezz ġenerali bejn iż-żminijiet o u t . L-istess terminu r_t/r_o hu applikat għall-assi u l-passivi kollha.
- 6.40 Il-prezz tal-indiċi ġenerali li għandu jkun applikat għall-kalkolu tal-qligħ u t-telf nominali newtrali hu l-indiċi tal-prezz għan-nefqa aħħarija.
- 6.41 Il-qligħ u t-telf nominali newtrali huma rreġistrati fil-kont tal-qligħ u telf nominali newtrali, li hu sotto-kont tal-kont ta' rivalutazzjoni tas-setturi, tal-ekonomija totali u tal-bqija tad-dinja.

Qligħ u telf nominali u reali (K.72)

- 6.42 *Definizzjoni:* Il-qligħ u t-telf nominali reali (K.72) jirrelataw ma' ass jew passiv u huma d-differenza bejn il-qligħ u t-telf nominali u l-qligħ u t-telf nominali newtrali fuq dak l-ass.
- 6.43 Il-qligħ nominali reali (RG) fuq kwantità speċifikata q ta' ass bejn iż-żminijiet o u t hu mogħti minn:

$$RG = G - NG$$

$$\text{jew } RG = (p_t/p_o - r_t/r_o) \times p_o \times q$$

- 6.44 Il-valuri tal-qligħ u t-telf nominali reali fuq l-assi u l-passivi b'hekk jiddependu fuq il-movimenti tal-prezzijiet tagħhom matul il-perijodu kkonċernat, relatati mal-movimenti ta' prezzijiet oħra, fuq medja, kif imkejla mill-indiċi tal-prezz ġenerali.
- 6.45 Il-qligħ u t-telf nominali reali huma rreġistrati fil-kont tal-qligħ u t-telf nominali reali, li hu sottokont tal-kont ta' rivalutazzjoni.

Il-qligħ u t-telf nominali bit-tip ta' assi u passivi finanzjarji

Deheb monetarju u SDRs (AF.1)

- 6.46 Billi l-prezz tad-deheb monetarju huwa normalment ikkwotat f'dollari Amerikani, il-valur tad-deheb monetarju huwa suġġett għall-qligħ u t-telf nominali permezz ta' bidliet fir-rata tal-kambju kif ukoll il-prezz tad-deheb innfsu.
- 6.47 Billi l-SDRs jirrappreżentaw basket ta' muniti, il-valur tiegħu f'termini ta' muniti nazzjonali, u allura l-valur tal-qligħ u t-telf nominali, ivarja mar-rati tal-kambju tal-muniti fil-basket kontra l-munita nazzjonali.

Flus u depożiti (AF.2)

- 6.48 Il-valuri attwali tal-flus u d-depożiti denominati f'munita nazzjonali jibqgħu kostanti matul iż-żmien. Il-"prezz" ta' tali ass hu dejjem unità filwaqt li l-kwantità hi mogħtija mill-għadd ta' unitajiet tal-munita li fiha huma denominati. Il-qligħ u t-telf nominali fuq tali assi huma dejjem żero. Għal din ir-raġuni, id-differenza bejn il-valuri tal-istokks tal-ftuħ u tal-għeluq ta' tali assi, hi, bl-eċċezzjoni tal-bidliet l-oħra fil-volum, iġġustifikata kollha bil-valuri tat-transazzjonijiet fl-assi. Dan hu każ rari fejn hu normalment possibbli li jkunu dedotti t-transazzjonijiet mill-bidliet fiċ-ċifri tal-karta tal-bilanċ.
- 6.49 L-imgħax li jakkumula fuq id-depożiti hu rreġistrat fil-kont finanzjarju bħala wieħed investit mill-ġdid fl-istess ħin tad-depożiti.
- 6.50 Il-parteċipazzjonijiet f'munita barranija u d-depożiti denominati f'muniti oħra għandhom jirreġistraw qligħ u telf nominali minħabba bidliet fir-rati tal-kambju.
- 6.51 Sabiex jiġu kkalkulati l-qligħ u t-telf nominali newtrali u reali fuq l-assi ta' valur attwali fiss, hi meħtieġa d-data fuq iż-żminijiet u l-valuri tat-transazzjonijiet kif ukoll il-valuri tal-karti tal-bilanċ tal-ftuħ u tal-għeluq. Jekk wieħed jissoponi, pereżempju, li jsir depożitu u jiġi pprelevat fil-perijodu bażi tal-kontijiet filwaqt li l-livell tal-prezz ġenerali jkun qed jogħla. Il-qligħ newtrali fuq id-depożitu hu pożittiv u l-qligħ reali hu negattiv, l-ammont jiddependi fuq it-tul ta' żmien li d-depożitu hu pendenti u r-rata ta' inflazzjoni. Huwa impossibbli li jiġi rreġistrat tali telf reali mingħajr data dwar il-valur tat-transazzjonijiet magħmula matul il-perijodu bażi tal-kontijiet u iż-żminijiet li fihom kienu magħmula.
- 6.52 B'mod ġenerali, jista' jkun dedott li jekk il-valur totali assolut tat-transazzjonijiet pożittivi u negattivi hu kbir fir-rigward tal-livelli tal-karti tal-bilanċ tal-ftuħ u tal-għeluq, stimi approssimattivi tal-qligħ u t-telf nominali newtrali u reali fuq l-assi u l-passivi finanzjarji bil-valuri attwali fissi li ġejjin mid-data tal-karta tal-bilanċ biss jistgħu ma jkunux sodisfaċenti ħafna. Anke r-reġistrazzjoni tal-valuri tat-transazzjonijiet finanzjarji fuq bażi gross, jiġifieri r-reġistrazzjoni ta' depożiti magħmula u pprelevati separatament bħala distinti mill-valur totali tad-depożiti nieqes il-prelevamenti, tista' ma tkunx suffiċjenti mingħajr informazzjoni fuq iż-żmien tad-depożiti.

Titoli tad-dejn (AF.3)

- 6.53 Meta titolu tad-dejn fit-tul, bħal bond hu maħruġ bi primjum jew bi skont, inkluż bonds skontati ħafna u zero coupon bonds, id-differenza bejn il-prezz ta' ħruġ tiegħu u l-valur apparenti jew ta' fidi meta jimmatura, tkejjel l-imgħax li l-emittent hu obligat li jħallas matul il-ħajja tat-titolu tad-dejn. Tali imgħax hu rreġistrat bħala introjtu mill-proprietarji pagabbli mill-emittent tat-titolu tad-dejn fit-tul u riċevibbli mid-detentur tat-titolu tad-dejn, flimkien ma' kull imgħax ta' kupuni mħallas fir-realtà mill-emittent f'intervalli speċifiċi matul il-ħajja tat-titolu tad-dejn.
- 6.54 L-imgħax li jakkumula hu rreġistrat fil-kont finanzjarju bħala investit mill-ġdid fl-istess ħin fit-titolu tad-dejn mid-detentur tat-titolu tad-dejn. B'hekk, dan hu rreġistrat fil-kont finanzjarju bħala akkwist ta' ass li hu miżjud mal-ass eżistenti. B'hekk, iż-żieda gradwali fil-valur tas-suq ta' titolu tad-dejn li hu attribwit mal-akkumulazzjoni ta' imgħax dovut u investit mill-ġdid, tirrifletti tkabbir fil-prinċipal pendenti — jiġifieri, fid-daqs tal-ass. Essenzjalment hija żieda fil-kwantum jew fil-volum u mhux żieda fil-prezz. Din ma tiġġenerax qligħ nominali għad-detentur tat-titolu tad-dejn fit-tul jew telf nominali għall-emittent. It-titoli tad-dejn jinbidlu b'mod kwalitattiv maż-żmien hekk kif jersqu lejn il-maturità u hu essenzjali li jkun rikonossut li iż-żidiet fil-valuri tagħhom dovuti għall-akkumulazzjoni tal-imgħax dovut mhumiex bidliet fil-prezzijiet u ma jiġġenerawx qligħ nominali.

- 6.55 Il-prezzijiet ta' titoli tad-dejn fit-tul b'imgħax fiss jinbidlu wkoll, madankollu, meta r-rati tal-imgħax tas-suq jinbidlu, il-prezzijiet ivarjaw bil-maqlub mal-movimenti tar-rati tal-imgħax. L-impatt ta' bidla speċifika fir-rata tal-imgħax fuq il-prezz ta' titoli tad-dejn fit-tul individwali hi inqas aktar mat-titolu jkun viċin tal-maturità. Il-bidliet fil-prezzijiet tat-titoli tad-dejn fit-tul li huma attribwiti għall-bidliet fir-rati ta' imgħax tas-suq jikkostitwixxu bidliet fil-prezzijiet u mhux fil-kwantum. B'hekk, huma jiġġeneraw qligħ jew telf nominali kemm għall-emittenti kif ukoll għad-detenturi tat-titoli tad-dejn. Żieda fir-rati tal-imgħax tiġġenera qligħ nominali għall-emittent tat-titolu tad-dejn u telf nominali ugwali għad-detentur tat-titolu tad-dejn, u vice versa fil-każ ta' tnaqqis fir-rati tal-imgħax.
- 6.56 Titoli tad-dejn bir-rata tal-imgħax varjabbli għandhom il-kupun jew il-pagamenti kapitali tagħhom marbuta ma' indiċi ta' prezz ġenerali għal oġġetti u servizzi, bħall-indiċi tal-prezz tal-konsumatur, rata tal-imgħax bħall-EURIBOR, il-LIBOR jew rendita tal-bond, jew prezz ta' ass.

Meta l-ammonti tal-pagamenti tal-kupun u/jew il-kapital pendenti huma marbuta ma' indiċi ta' prezz ġenerali jew wiesja', il-bidla fil-valur tal-kapital pendenti bejn il-bidu u t-tmiem ta' perijodu bażi tal-kontijiet partikolari minħabba l-moviment fl-indiċi rilevanti huwa trattat bħala imgħax li jakkumula f'dak il-perijodu, flimkien ma' kull imgħax li jrid jitħallas f'dak il-perijodu.

Meta l-indiċjar tal-ammonti li jridu jitħallsu mal-maturità jinkludi motiv ta' qligħ nominali, tipikament indiċjar ibbażat fuq entrata waħda ddefinita b'mod preċiż, kwalunkwe devjazzjoni tal-indiċi ta' bażi mir-rotta mistennija oriġinarjament twassal għall-qligħ u t-telf nominali, li normalment ma jiġux ikkompensati waqt il-perkors tal-eżistenza tal-istrument.

- 6.57 Il-qligħ u t-telf nominali jistgħu jakkumulaw fuq titoli tad-dejn fuq żmien qasir bl-istess mod għal titoli tad-dejn fit-tul. Madankollu, peress li t-titoli tad-dejn fuq żmien qasir għandhom żminijiet ħafna iqsar għall-maturità, il-qligħ nominali ġġenerat minn bidliet fir-rata ta' imgħax hu ġeneralment ħafna inqas milli fuq titoli tad-dejn fit-tul bl-istess valuri nominali.

Self (AF.4)

- 6.58 L-istess sitwazzjoni tal-flus u d-depożiti tapplika għas-self li mhuwiex negozjabbli. Madankollu, meta self eżistenti hu mibjugħ lil unità istituzzjonali oħra, it-tniżil fil-valur tas-self, li hija d-differenza bejn il-prezz tal-fidi u l-prezz tat-transazzjoni għandha tiġi rreġistrata taħt il-kont ta' rivalutazzjoni tal-bejjiegħ u tax-xerrej fil-mument li ssir it-transazzjoni.

Ekwiżità u ishma ta' fondi ta' investment (AF.5)

- 6.59 L-ishma tal-bonus iżidu l-għadd ta' ishma u l-valur nominali tal-ishma maħruġa iżda waħedhom ma jbiddux il-valur tas-suq tal-ishma kollha. Dan japplika wkoll għal dividend tal-istokk li jkun distribuzzjoni pro-rata ta' ishma addizzjonali ta' stokk ta' korporazzjoni lis-sidien tal-istokk komuni. L-ishma tal-bonus u dividendi tal-istokk ma jiddaħħlux fil-kontijiet. Madankollu, dan il-ħruġ hu maħsub biex itejjeb il-likwidità tal-ishma fis-suq u b'hekk il-valur tas-suq totali tal-ishma maħruġ jista' jiżdied: kull bidla għandha tiġi rreġistrata bħala qligħ nominali.

Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (AF.6)

- 6.60 Meta r-riżervi u l-intitolamenti għall-iskemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati huma denominati fil-munita nazzjonali, ma hemm l-ebda qligħ u telf nominali, l-istess bħal ma hemmx għall-flus jew depożiti u self. L-assi użati minn istituzzjonijiet finanzjarji biex jintlaħqu l-impenji huma suġġetti għall-qligħ u t-telf nominali.
- 6.61 Il-passivi għad-detenturi u l-benefiċjarji tal-polza jinbiddu b'riżultat ta' transazzjonijiet, bidliet oħra ta' volum u rivalutazzjonijiet. Ir-rivalutazzjonijiet huma dovuti għal bidliet fis-suppożizzjonijiet ta' mudelli ewlenin għall-kalkoli attwarji. Dawk is-suppożizzjonijiet huma r-rata ta' skont, ir-rata tal-pagi u r-rata ta' inflazzjoni.

Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq it-titoli tal-impjegati (AF.7)

- 6.62 Il-valur tad-derivati finanzjarji jista' jinbidel minħabba bidliet fil-valur tal-istrument bażiku, bidliet fil-volatilità tal-prezz tal-istrument bażiku, jew għax ikun qed jersaq lejn id-data ta' eżekuzzjoni jew ta' maturità. Dawn il-bidliet kollha fil-valur għad-derivati finanzjarji u għażliet tal-istokk tal-impjegat għandhom jiġu kkunsidrati bħala bidliet fil-prezz u rreġistrati bħala rivalutazzjoni.

Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8)

- 6.63 L-istess sitwazzjoni bħal dik tal-flus, depożiti u self domestiċi tapplika għal kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, li mhumiex innegożjati. Madankollu, meta kreditu kummerċjali eżistenti jinbiegħ lill-unità istituzzjonali oħra, id-differenza bejn il-prezz tal-fidi u l-prezz tat-transazzjoni għandha tiġi rreġistrata bħala rivalutazzjoni fil-mument li ssir it-transazzjoni. Madankollu, billi kreditu kummerċjali ġeneralment għandu natura ta' żmien qasir, il-bejgħ ta' kreditu kummerċjali jista' jimplika l-ħolqien ta' strument finanzjarju ġdid.

Assi denominati f'munita barranija

- 6.64 Il-valur tal-assi u l-passivi denominati f'munia barranija hu mkejje mill-valur tas-suq kurrenti tagħhom f'munita barranija kkonvertita f'munita nazzjonali bir-rata tal-kambju attwali. B'hekk il-qligħ u t-telf nominali jista' jseħħ mhux biss minħabba li l-prezz tal-ass jinbidel iżda wkoll minħabba l-bidliet fir-rata tal-kambju. Il-valur totali tal-qligħ u t-telf nominali li jakkumula matul il-perijodu bażi tal-kontijiet huwa kkalkulat billi jittnaqqas il-valur tat-transazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum mid-differenza bejn il-valuri tal-karti tal-bilanċ tal-ftuħ u tal-għeluq. Għal dan l-għan, it-transazzjonijiet fl-assi u l-passivi finanzjarji denominati f'munita barranija jiġu konvertiti f'munita nazzjonali billi jintużaw ir-rati tal-kambju fiż-żmien li jseħħu t-transazzjonijiet, filwaqt li l-valuri tal-karti tal-bilanċ tal-ftuħ u tal-għeluq jiġu konvertiti billi jintużaw ir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati li magħhom jirrelataw il-karti tal-bilanċ. Dan jimplika li l-valur totali tat-transazzjonijiet bħala akkwisti netti — akkwisti mingħajr ċessjonijiet — espressi f'munita barranija hu, fil-fatt, konvertit minn rata tal-kambju medja ppeżata fejn il-piżijiet huma mogħtija l-valuri tat-transazzjonijiet kondotti fuq dati differenti.
-

KAPITOLU 7

IL-KARTI TAL-BILANĊ

- 7.01. Definizzjoni: karta tal-bilanċ hija dikjarazzjoni, imfassla għal waqt partikolari, tal-valuri tal-assi li jkunu proprjetà ekonomika u tal-passivi dovuti ta' unità istituzzjonali jew grupp ta' unitajiet.
- 7.02. L-entrata saldatorja ta' karta tal-bilanċ tissejjaħ valur nett (B.90). L-istokk tal-assi u l-passivi rreġistrati fil-karta tal-bilanċ jiġi vvalutat bil-prezzijiet xierqa, li normalment ikunu l-prezzijiet tas-suq li jippreddominaw fid-data li l-karta tal-bilanċ tkun relatata magħha, iżda għal xi kategoriji fil-valuri nominali tagħhom. Karta tal-bilanċ tiffassal għas-setturi u s-sub-setturi istituzzjonali residenti, l-ekonomija nazzjonali totali u l-bqija tad-dinja.
- 7.03. Il-karta tal-bilanċ ittemm is-sekwenza tal-kontijiet, turi l-effett finali tal-entrati fil-kontijiet tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu tal-introjt u fil-kontijiet tal-akkumulazzjoni fuq l-istokk tal-ġid ta' ekonomija.
- 7.04. Għal setturi istituzzjonali, l-entrata saldatorja fuq il-karta tal-bilanċ hija l-valur nett.
- 7.05. Għall-ekonomija nazzjonali totali, l-entrata saldatorja ta' spiss tissejjaħ il-ġid nazzjonali - il-valur totali tal-assi mhux finanzjarji u l-assi finanzjarji netti fir-rigward tal-bqija tad-dinja.
- 7.06. Il-karta tal-bilanċ tal-bqija tad-dinja tiġi kkompilata bl-istess mod bħall-karti tal-bilanċ tas-setturi u s-sub-setturi istituzzjonali residenti. Tikkonsisti kompletament mill-pożizzjonijiet fl-assi u l-passivi finanzjarji ta' dawk mhux residenti vis-à-vis ir-residenti. Fil-BPM6, il-karta tal-bilanċ korrispondenti mfassla mill-perspettiva tar-residenti vis-à-vis dawk mhux residenti tissejjaħ il-pożizzjoni internazzjonali tal-investment (IIP – International investment position).
- 7.07. Il-fondi proprji huma definiti bħala s-somma ta' valur nett (B.90) flimkien mal-valur tal-ekwità u l-ishma tal-fond tal-investment (AF.5) bħala passivi fil-karta tal-bilanċ.
- 7.08. Għas-setturi u s-sub-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-korporazzjonijiet finanzjarji, fondi proprji hija indikatur analitikament sinifikanti simili għall-valur nett.
- 7.09. Il-valur nett tal-korporazzjonijiet normalment ikun differenti mill-valur tal-ishma tagħhom u ekwità oħra maħruġa. Fil-każ ta' kważi korporazzjonijiet, il-valur nett ikun żero, minħabba li l-valur tal-ekwità tal-proprjetarju hi meġjusa li tkun daqs l-assi tiegħu nieqes il-passiv tiegħu mhux marbut mal-ekwità. B'hekk, il-valur nett tal-impriżi ta' investment dirett residenti, li huma fergħat ta' impriżi mhux residenti u għalhekk ittrattati bħala kważi korporazzjonijiet, ikun żero wkoll.
- 7.10. L-entrata saldatorja tal-assi u l-passivi finanzjarji tissejjaħ il-valur finanzjarju nett (BF.90).
- 7.11. Karta tal-bilanċ tirrelata mal-valur tal-assi u l-passivi f'mument partikolari taż-żmien. Il-karti tal-bilanċ jiġu kkompilati fil-bidu u fit-tmiem ta' perijodu bażi tal-kontijiet; il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ fil-bidu tal-perijodu hija l-istess bħall-karta tal-bilanċ tal-għeluq irrekordjata fit-tmiem tal-perijodu preċedenti.
- 7.12. Identità bażika tal-kontabbiltà torbot il-valur tal-istokk ta' tip speċifiku ta' assi kif jidher fil-karta tal-bilanċ tal-ftuħ u l-karta tal-bilanċ tal-għeluq kif ġej:

il-valur tal-istokk ta' tip speċifiku ta' assi fil-karta tal-bilanċ tal-ftuħ

<i>flimkien ma'</i>	transazzjonijiet	il-valur totali ta' dak l-ass akkwistat fit-transazzjonijiet li jseħħu fil-perijodu bażi tal-kontijiet
<i>nieqes</i>		il-valur totali ta' dak l-ass disponut fit-transazzjonijiet li jseħħu fil-perijodu bażi tal-kontijiet
<i>nieqes</i>		il-konsum tal-kapital fiss (jekk ikun il-każ)
<i>flimkien ma'</i>	bidliet oħra fil-volum tal-assi	bidliet pożittivi oħra fil-volum li jaffettwaw dak l-ass
<i>nieqes</i>		bidliet negattivi oħra fil-volum li jaffettwaw dak l-ass

<i>flimkien ma'</i>	rivalutazzjonijiet	il-valur tal-qligħ nominali matul il-perijodu li jirriżulta mill-bidliet fil-prezz ta' dak l-ass
<i>niegħes</i>		il-valur tat-telf nominali matul il-perijodu li jirriżulta mill-bidliet fil-prezz ta' dak l-ass

hu daqs il-valur tal-istokk ta' dak l-ass fil-karta tal-bilanċ tal-għeluq.

Tista' ssir tabella li torbot il-valur tal-istokk ta' tip speċifiku ta' passiv fil-karta tal-bilanċ tal-ftuħ u l-karta tal-bilanċ tal-għeluq.

- 7.13 Ir-rabtiet ta' kontabbiltà bejn il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ u l-karta tal-bilanċ tal-għeluq permezz ta' transazzjonijiet, bidliet oħra fil-volum tal-assi u l-passivi, u qligħ u telf nominali huma murija skematikament fl-Anness 7.2.

TIPI TA' ASSI U PASSIVI

Definizzjoni ta' ass

- 7.14 L-assi rreġistrati fil-karti tal-bilanċ huma assi ekonomiċi.
- 7.15 *Definizzjoni:* ass ekonomiku huwa maħżen ta' valur li jirrappreżenta l-benefiċċji li jakkumulaw lis-sid ekonomiku billi jżomm jew juża l-entità fuq perijodu ta' żmien. Huwa mezz ta' trasferiment tal-valur minn perijodu bażi tal-kontijiet għal ieħor.
- 7.16 Il-benefiċċji ekonomiċi jikkonsistu f'introjti primarji bħall-eċċess operattiv, fejn is-sid ekonomiku juża l-ass, jew l-introjtu mill-proprjeta, fejn is-sid ekonomiku jħalli lil oħrajn jużawh. Il-benefiċċji jirriżultaw mill-użu tal-ass u l-valur, inkluż il-qligħ u t-telf nominali, li jiġi realizat meta l-assi jiġi dispost jew itterminat.
- 7.17 Is-sid ekonomiku ta' ass mhux neċessarjament ikun is-sid legali. Is-sid ekonomiku huwa l-unità istituzzjonali intitolata li titlob għall-benefiċċji marbuta mal-użu tal-ass bis-saħħa tal-fatt li aċċettat ir-riskji marbuta miegħu.
- 7.18 Ħarsa ġenerali tal-klassifikazzjoni u l-kopertura tal-assi ekonomiċi tingħata fit-Tabella 7.1. Id-definizzjoni dettaljata ta' kull kategorija tal-assi hija stipulata fl-Anness 7.1.

ESKLUŻJONIJIET MILL-AMBITU TAL-ASSI U L-PASSIVI

- 7.19 Esklużi mill-ambitu tal-assi u l-passivi:
- (a) il-kapital uman;
 - (b) l-assi naturali li mhumiex ikkunsidrati assi ekonomiċi (pereżempju l-arja, l-ilma tax-xmara);
 - (c) oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul; u
 - (d) l-assi u l-passivi kontinġenti, li mhumiex assi u passivi finanzjarji (ara l-paragrafu 7.31).

KATEGORIJI TA' ASSI U PASSIVI

- 7.20 Huma distinti żewġ kategoriji ewlenin ta' entrati fil-karti tal-bilanċ: assi mhux finanzjarji (denotati bħala AN) u assi u passivi finanzjarji (denotati bħala AF).
- 7.21 L-assi mhux finanzjarji huma diviżi f'assi mhux finanzjarji prodotti (denotati AN.1) u assi mhux finanzjarji mhux prodotti (denotati AN.2).

Assi mhux finanzjarji prodotti (AN.1)

- 7.22 Definizzjoni: L-assi mhux finanzjarji prodotti (AN.1) huma outputs mill-proċessi tal-produzzjoni.
- 7.23 Il-klassifikazzjoni tal-assi prodotti mhux finanzjarji (AN.1) hi maħsuba biex tiddistingwi bejn l-assi fuq il-baży tar-rwol tagħhom fil-produzzjoni. Tikkonsisti f'dan li ġej: assi fissi li jintużaw ripetutament jew kontinwament fil-produzzjoni għal iktar minn sena; l-inventarji użati fil-produzzjoni bħala konsum intermedjarju, mibjugħa jew inkella disponut; u oġġetti ta' valur. L-oġġetti ta' valur mhumiex użati primarjament għall-produzzjoni jew għall-konsum, iżda huma akkwistati u miżmuma primarjament bħala maħżen tal-valur.

Assi mhux finanzjarji u mhux prodotti (AN.2)

- 7.24 Definizzjoni: L-assi mhux finanzjarji u mhux prodotti (AN.2) huma assi ekonomiċi li ma jinħolqux permezz ta' proċessi tal-produzzjoni. Dawn jikkonsistu f'assi naturali, kuntratti, kirjiet, liċenzji, permessi, u avvjament u assi tal-kummerċjalizzazzjoni.
- 7.25 Il-klassifikazzjoni ta' assi mhux prodotti hi maħsuba biex l-assi jiġu distinti fuq il-bażi tal-mod kif inħolqu. Uħud minn dawn l-assi jseħħu fin-natura, filwaqt li oħrajn, li huma magħrufa bħala kostruzzjonijiet tas-soċjetà, jinħolqu minn azzjonijiet legali jew tal-kontabbiltà.
- 7.26 L-għażla ta' liema assi naturali jiġu inklużi fil-karta tal-bilanċ tiġi ddeterminata, f'konformità mad-definizzjoni ġenerali tal-ass ekonomiku, minn jekk l-assi humiex soġġetti għal sjieda ekonomika effettiva u jekk humiex kapaċi li jgħibu benefiċċji ekonomiċi lill-proprjetarji tagħhom, bit-teknoloġija, bl-għarfien, bl-opportunitajiet ekonomiċi eżistenti, ir-riżorsi disponibbli u s-sett ta' prezzijiet relattivi. L-assi naturali fejn id-drittijiet tas-sjieda ma ġewx stabbiliti, bħall-ibħra miftuħa jew l-arja, huma esklużi.
- 7.27 Il-kuntratti, il-kirjiet, il-liċenzji u l-permessi huma meqjusa bħala assi mhux finanzjarji biss meta ftehim legali jagħti benefiċċji ekonomiċi lid-detentur f'eċċess tal-ammonti pagabbli skont il-ftehim, u d-detentur jista' legalment u fil-prattika jirrealizza tali benefiċċji billi jittrasferihom lil ħaddieħor.

Assi u passivi finanzjarji (AF)

- 7.28 Definizzjoni: L-assi finanzjarji (AF) huma assi ekonomiċi, li jinkludu l-pretensjonijiet finanzjarji kollha, l-ekwità u l-komponent f'ingotti tad-deheb tad-deheb monetarju (il-paragrafu 5.03). Il-passivi jiġu stabbiliti meta d-debituri jkunu obbligati jipprovdu pagament jew serje ta' pagamenti lill-kredituri (il-paragrafu 5.06).
- 7.29 L-assi finanzjarji huma mħażen ta' valur li jirrappreżentaw benefiċċju jew serje ta' benefiċċji dovuti lis-sid ekonomiku billi dan iżomm jew juża l-assi fuq perijodu ta' żmien. Huma mezz biex il-valur jiġi ttrasferit minn perijodu bażi tal-kontijiet wieħed għall-ieħor. Il-benefiċċji jiġu skambjati b'mezzi tal-pagamenti (il-paragrafu 5.04).
- 7.30 Kull ass finanzjarju għandu passiv kontroparti, bl-eċċezzjoni tal-komponent f'ingotti tad-deheb tad-deheb monetarju, li jiġi kklassifikat fil-kategorija tad-deheb monetarju u d-drittijiet speċjali ta' prelevament (AF.1).
- 7.31 L-assi kontinġenti u l-passivi kontinġenti huma ftehimiet fejn parti waħda tkun obbligata tipprovdi pagament jew serje ta' pagamenti lil unità oħra biss jekk ikunu jippredominaw ċerti kundizzjonijiet speċifiċi (il-paragrafu 5.08). Dawn mhumiex assi u passivi finanzjarji.
- 7.32 Il-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi finanzjarji tikkorrispondi mal-klassifikazzjoni tat-transazzjonijiet finanzjarji (il-paragrafu 5.14). Id-definizzjonijiet tal-kategoriji u s-sotto-kategoriji tal-assi u l-passivi finanzjarji u l-ispejgazzjonijiet supplementari jingħataw fil-Kapitolu 5 u mhumiex ripetuti hawnhekk iżda l-Anness 7.1 fih sommarju tal-assi u l-passivi kollha definiti fis-sistema.

Tabella 7.1 – Klassifikazzjoni tal-assi

AN.	ASSI MHUX FINANZJARJI (AN.1 + AN.2)
AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti
AN.11	Assi Fissi ⁽¹⁾
AN.111	Abitazzjonijiet
AN.112	Binjiet u strutturi oħra
AN.1121	Binjiet li mhumiex abitazzjonijiet
AN.1122	Strutturi oħra
AN.1123	Titjib tal-artijiet
AN.113	Makkinarju u tagħmir
AN.1131	Tagħmir tat-trasport

AN.	ASSI MHUX FINANZJARJI (AN.1 + AN.2)
AN.1132	Tagħmir tal-ICT
AN.1139	Makkinarju u tagħmir ieħor
AN.114	Sistemi tal-armi
AN.115	Riżorsi bijoloġiċi kkultivati
AN.1151	Riżorsi f'għamla ta' animali li jipproduċu prodotti ripetuti
AN.1152	Riżorsi f'għamla ta' siġar, uċuħ tar-raba' u pjanti li jipproduċu prodotti ripetuti
AN.117	Prodotti tal-proprjetà intellettuali
AN.1171	Riċerka u żvilupp
AN.1172	Esplorazzjoni u valutazzjoni minerali
AN.1173	Databases u software tal-kompjuter
AN.11731	Software tal-kompjuter
AN.11732	Databases
AN.1174	Xogħlijiet rikreattivi, letterarji jew artistiki oriġinali
AN.1179	Prodotti oħra tal-proprjetà intellettuali
AN.12	Inventarji
AN.121	Materjali u provvisti
AN.122	Xogħol għaddej
AN.1221	Xogħol għaddej fuq assi bijoloġiċi kkultivati
AN.1222	Xogħol għaddej ieħor
AN.123	Oġġetti lesti
AN.124	Inventarji militari
AN.125	Oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid
AN.13	Oġġetti ta' valur
AN.131	Metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż
AN.132	Antikitajiet u oġġetti oħra tal-arti
AN.133	Oġġetti oħra ta' valur
AN.2	<i>Assi mhux finanzjarji u mhux prodotti</i>
AN.21	Riżorsi naturali
AN.211	Art
AN.2111	Art li fuqha jinsabu binjiet u strutturi oħra
AN.2112	Art ikkultivata
AN.2113	Art rikreattiva u ilma tal-wiċċ assoċjat
AN.2119	Art oħra u ilma tal-wiċċ assoċjat

AN.	ASSI MHUX FINANZJARJI (AN.1 + AN.2)
AN.212	Riżervi minerali u tal-enerġija
AN.213	Riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati
AN.214	Riżorsi tal-ilma
AN.215	Riżorsi naturali oħra
AN.2151	Spettru tar-radju
AN.2159	Oħrajn
AN.22	Kuntratti, kirjiet u liċenzji
AN.221	Kirjiet operattivi li jistgħu jitqiegħdu fis-suq
AN.222	Permessi għall-użu tar-riżorsi naturali
AN.223	Permessi biex isiru attivitajiet speċifiċi
AN.224	Intitolament għal oġġetti u servizzi futuri fuq bażi esklussiva
AN.23	Xiri nieqes bejgħ tal-avvjament u tal-assi ta' kummerċjalizzazzjoni

(¹) Entrata tal-memorandum AN.m: oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul.

AF	ASSI FINANZJARJI (¹) (AF.1 + AF.2 + AF.3 + AF.4 + AF.5 + AF.6 + AF.7 + AF.8)
AF.1	Deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs)
AF.11	Deheb monetarju
AF.12	Drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs)
AF.2	Flus u depożiti
AF.21	Flus
AF.22	Depożiti trasferibbli
AF.29	Depożiti oħra
AF.3	Titoli tad-dejn
AF.31	Perijodu ta' żmien qasir
AF.32	Perijodu ta' żmien twil
AF.4	Titoli tad-dejn
AF.41	Perijodu ta' żmien qasir
AF.42	Perijodu ta' żmien twil
AF.5	Ekwiwità u ishja jew unitajiet tal-fond tal-investiment
AF.51	Ekwiwità
AF.511	Ishja kkwotati
AF.512	Ishja mhux ikkwotati
AF.519	Ekwiwità oħra

AF	ASSI FINANZJARJI ⁽¹⁾ (AF.1 + AF.2 + AF.3 + AF.4 + AF.5 + AF.6 + AF.7 + AF.8)
AF.52	Ishma jew unitajiet tal-fond tal-investiment
AF.521	MMF tas-suq tal-flus
AF.522	Ishma/unitajiet f'fond ta' investiment mhux ta' MMF
AF.6	Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati
AF.61	Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja
AF.62	Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità
AF.63	Intitolamenti għall-pensjoni
AF.64	Talbiet ta' fondi tal-pensjoni fuq manijers ta' pensjonijiet
AF.65	Intitolamenti għal benefiċċji mhux tal-pensjoni
AF.66	Dispożizzjonijiet għal sejħiet għal garanziji standardizzati
AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks għall-impjegati
AF.71	Derivattivi finanzjarji
AF.72	Opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli
AF.81	Kreditu u avvanzi kummerċjali
AF.89	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, bl-esklużjoni tal-kreditu u l-avvanzi kummerċjali

(¹) Entrati tal-memorandum AF.m1 Investiment barrani dirett; AF.m2: Self mhux produttiv.

VALUTAZZJONI TAL-ENTRATI FIL-KARTI TAL-BILANĊ

Prinċipji ġenerali tal-valutazzjoni

- 7.33 Kull entrata fil-karta tal-bilanċ tiġi vvalutata bħallikieku qed tiġi akkwistata fid-data li l-karta tal-bilanċ hija relatata magħha. L-assi u l-passivi jiġu vvalutati fil-prezzijiet tas-suq fid-data tal-karta tal-bilanċ.
- 7.34 Il-valuri rreġistrati għandhom jirriflettu l-prezzijiet osservati fis-suq fid-data tal-karta tal-bilanċ. Meta ma jiġux osservati prezzijiet tas-suq, li jista' jkun il-każ jekk ikun hemm suq imma ma jkunux ġew mibjugħa assi fih reċentement, l-estimi għandhom isiru mill-prezz li kieku jkun hemm jekk l-assi jiġu akkwistati fis-suq fid-data tal-karta tal-bilanċ.
- 7.35 Il-prezzijiet tas-suq normalment ikunu disponibbli għal ħafna mill-assi u l-passivi finanzjarji, tal-proprjetà immobbli eżistenti (binjiet u strutturi oħra flimkien mal-art li tinsab taħthom), tagħmir tat-trasport eżistenti, uċuħ tar-raba' u bhejjem, kif ukoll għall-assi fissi prodotti ġodda u inventarji.
- 7.36 L-assi mhux finanzjarji prodotti fuq il-kont proprju għandhom jiġu vvalutati bil-prezzijiet bażiċi jew, jekk dawn ma jkunux disponibbli, bil-prezzijiet bażiċi ta' oġġetti simili, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, skont kemm ikunu swew.
- 7.37 Barra mill-prezzijiet tas-suq osservati, l-estimi bbażati fuq il-prezzijiet osservati jew l-ispejjeż imġarrba, il-valuri tal-assi mhux finanzjarji jistgħu jiġu stmati bi:
- ir-rivalutazzjoni u l-akkumulazzjoni tal-akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet matul il-ħajjiet tal-assi; jew
 - il-valur preżenti, jiġifieri l-valur skontat, tal-benefiċċji ekonomiċi futuri.

- 7.38 Il-valutazzjoni tas-suq hija l-prinċipju ewlieni għall-valutazzjoni tal-pożizzjonijiet (u t-transazzjonijiet) fl-istrumenti finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji huma identiċi għall-pretensjonijiet finanzjarji. Huma assi finanzjarji li għandhom passiv korrispondenti. Il-valur tas-suq huwa dawk li bih l-assi finanzjarji jiġu akkwistati jew disponuti, bejn partijiet volontarji, fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali biss, bl-esklużjoni ta' kummissjonijiet, miżati u taxxi. Fid-determinazzjoni tal-valuri tas-suq, il-partijiet kummerċjali għandhom iqisu wkoll l-imgħax dovut.
- 7.39 Il-valwazzjoni nominali tirrifletti s-somma tal-fondi li kienu tressqu oriġinarjament, flimkien ma' kull avvanz sussegwenti, nieqes il-pagamenti li jkunu saru, flimkien ma' kwalunkwe imgħax dovut. Il-valur nominali mhuwiex l-istess bħall-valur nominali.
- (a) Il-valur nominali fil-munita domestika ta' strument finanzjarju denominat f'munita barranija jinkludi l-qligħ jew it-telf nominali li jirriżultaw minn movimenti fir-rati tal-kambju.
- Il-valur tal-istrumenti finanzjarji denominati f'munita barranin għandu jiġi kkonvertit fil-munita nazzjonali bir-rata tal-kambju tas-suq prevalenti fid-data li magħha tirrelata l-karta tal-bilanċ. Din ir-rata għandha tkun il-punt tan-nofs bejn ir-rati attwali tax-xiri u tal-bejgħ għat-transazzjonijiet tal-munita.
- (b) Għal strumenti finanzjarji bħat-titoli tad-dejn marbuta ma' indiċi dejjaq, il-valur nominali jista' jinkludi wkoll il-qligħ u t-telf nominali li jirriżultaw minn movimenti fl-indiċi.
- (c) Fi kwalunkwe punt speċifiku ta' żmien, il-valur tas-suq ta' strument finanzjarju jista' jiddevja mill-valur nominali tiegħu minħabba rivalutazzjonijiet li jirriżultaw mill-bidliet fil-prezz tas-suq. Iċ-ċaqliq fil-prezzijiet tas-suq jirriżultaw mill-kundizzjonijiet tas-suq ġenerali, bħal bidliet fir-rata tal-imgħax tas-suq, ċirkostanzi speċifiċi, bħal bidliet fil-perċezzjoni tal-affidabbiltà ta' min ikun ħareġ titolu tad-dejn, u bidliet fil-likwidità tas-suq ġenerali u fil-likwidità tas-suq speċifika għal dak it-titolu tad-dejn.
- (d) Għalhekk, l-ekwazzjoni bażika li ġeja tapplika għall-pożizzjonijiet:
- $$\text{Valur tas-suq} = \text{Valur nominali} + \text{Rivalutazzjonijiet li jirriżultaw mill-bidliet fil-prezz tas-suq.}$$
- 7.40 Għal ċerti assi mhux finanzjarji l-prezz tal-akkwist inizjali rivalutat jonqos għal zero matul il-ħajja prevista tal-ass. Il-valur ta' dan l-ass, fi kwalunkwe mument partikolari, jingħata mill-prezz tal-akkwist attwali tiegħu nieqes il-valur akkumulat ta' dan it-tnaqqis.
- 7.41 Il-biċċa l-kbira tal-assi fissi jistgħu jiġu rreġistrati fil-karti tal-bilanċ bil-prezzijiet tax-xerrejja attwali mnaqqsa għall-konsum akkumulat tal-kapital fiss; dan huwa magħruf bħala l-kost nett tas-sostituzzjoni. Is-somma tal-valuri mnaqqsa tal-assi fissi kollha li għadhom qed jintużaw hi deskritta bħala l-istokk kapitali nett. L-istokk kapitali gross jinkludi l-valuri tal-konsum akkumulat tal-kapital fiss.

ASSI MHUX FINANZJARJI (AN)

Assi mhux finanzjarji prodotti (AN.1)

Assi fissi (AN.11)

- 7.42 L-assi fissi jiġu rreġistrati bil-prezzijiet tas-suq jekk ikun possibbli (jew prezzijiet bażiċi fil-każ tal-produzzjoni tal-kont proprju ta' assi ġodda) jew, jekk dan ma jkunx possibbli, bil-prezzijiet tax-xerrejja fl-akkwist nieqes il-konsum akkumulat tal-kapital fiss. L-ispejjeż tax-xerrej għat-trasferiment tas-sjieda tal-assi fissi, imnaqqsa kif xieraq permezz tal-konsum tal-kapital fiss fil-perjodu li x-xerrej jistenna li jżomm l-ass ekonomiku, huma inklużi fil-valur tal-karta tal-bilanċ.

Prodotti tal-proprjetà intellettuali (AN.117)

- 7.43 L-esplorazzjoni u l-valutazzjoni minerali (il-kategorija AN.1172) għandha tiġi vvalutata jew fuq il-bażi tal-ammonti akkumulati mħallsa lill-unitajiet istituzzjonali oħra li jwettqu attivitajiet ta' esplorazzjoni u evalwazzjoni, jew fuq il-bażi tal-ispejjeż imġarrba għall-esplorazzjoni mwettqa fuq il-kont proprju. Dik il-parti tal-esplorazzjoni mwettqa fil-passat li għadha ma ġietx kompletament imnaqqsa għandha tiġi vvalutata bil-prezzijiet u l-ispejjeż tal-perjodu attwali.
- 7.44 L-oriġinali tal-prodotti tal-proprjetà intellettuali, bħas-software tal-kompjuter u x-xogħlijiet oriġinali tad-divertiment, tal-letteratura jew tal-arti, għandhom jiġu vvalutati bil-prezz tal-akkwist meta nnegozjati fuq is-swieq. Il-valur inizjali jiġi stmat billi jingħaddu flimkien l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, rivalutati kif xieraq għall-prezzijiet tal-perjodu attwali. Jekk ma jkunx possibbli li jiġi stabbilit il-valur b'dan il-metodu, jiġi stmat il-valur preżenti tal-irċevuti futuri mistennija li jirriżultaw mill-użu tal-ass.

Spejjeż tat-trasferiment tas-sjieda fuq assi mhux prodotti (AN.116)

- 7.45 L-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda fuq assi mhux prodotti minbarra l-art jidhru separatament fil-kont kapitali, u jiġu ttrattati bħala formazzjoni grossa tal-kapitali fiss, iżda fil-karti tal-bilanċ tali spejjeż jiddaħħlu fil-valur tal-ass li jkun marbutin miegħu anki jekk l-ass ma jkunx prodott. Għalhekk, ma hemmx spejjeż tat-trasferiment tas-sjieda li jidhru separatament fil-karti tal-bilanċ. L-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda tal-assi finanzjarji jiġu ttrattati bħala konsum intermedju, fejn l-assi jiġu akkwistati minn korporazzjonijiet jew mill-gvern, bħala konsum finali fejn l-assi jiġu akkwistati mill-unitajiet domestiċi u bħala esportazzjoni tas-servizzi fejn l-assi jiġu akkwistati minn mhux residenti.

Inventarji (AN.12)

- 7.46 L-inventarji għandhom jiġu vvalutati bil-prezzijiet prevalenti fid-data li magħha tirrelata l-karta tal-bilanċ, u mhux bil-prezzijiet li bihom il-prodotti kienu vvalutati meta ddaħħlu fl-inventarji.
- 7.47 L-inventarji ta' materjali u provvisti jiġu vvalutati bil-prezzijiet tax-xerrejja, u l-inventarji tal-oġġetti lesti u tal-oġġetti li għadhom qed jinħadmu jiġu vvalutati bil-prezzijiet bażiċi. L-inventarji ta' oġġetti maħsuba għall-bejgħ mill-ġdid mingħajr ipproċessar addizzjonali mid-distributuri jiġu vvalutati bil-prezzijiet prevalenti fid-data li magħha tirrelata l-karta tal-bilanċ, bl-esklużjoni tal-ispejjeż tat-trasport imġarrba mill-bejjieġha bl-ingrossa jew il-bejjieġha bl-imnut. Għall-inventarji ta' ħidma li għaddejjja, il-valur tal-karta tal-bilanċ tal-għeluq jiġi stmat billi tiġi applikata l-frazzjoni tal-ispiża totali tal-produzzjoni mġarrba fl-aħħar tal-perijodu mal-prezz bażiku ta' prodott lest simili fid-data li magħha tirrelata l-karta tal-bilanċ. Jekk il-prezz bażiku tal-prodotti lesti mhux disponibbli, jiġi stmat mill-valur tal-ispiża tal-produzzjoni b'żieda għall-eċċess operattiv nett mistenni jew l-introjtura mħallat nett stmat.
- 7.48 L-uċuħ tar-raba' għall-użu waħdieni (ħlief l-injam) li qed jinħadmu u l-bhejjem imrobbija għall-qatla jistgħu jiġu vvalutati b'referenza għall-prezzijiet ta' tali prodotti fis-swieq. Is-siġar għall-injam jiġu vvalutati billi jiġi skontat ir-rikavat futur tal-bejgħ tal-injam bil-prezzijiet attwali wara t-tnaqqis tal-ispejjeż biex l-injam jinġieb għall-maturità, biex jinqatgħu s-siġar, eċċ.

Oġġetti ta' valur (AN.13)

- 7.49 L-oġġetti ta' valur bħal xogħlijiet tal-arti, antikitajiet, ġojjelli, ħaġar prezzjuż, deheb mhux monetarju u metalli oħrajn jiġu vvalutati bil-prezzijiet attwali. Jekk jeżistu swieq organizzati għal dawn l-assi, dawn għandhom jiġu vvalutati bil-prezzijiet attwali jew stmati li jgħibu, minbarra l-miżati jew il-kummissjonijiet tal-aġenti, jekk jinbiegħu fis-suq fid-data li magħha tirrelata l-karta tal-bilanċ. Inkella, għandhom jiġu vvalutati bil-prezzijiet tal-akkwist, i-valutati mill-ġdid għal-livell tal-prezz attwali.

Assi mhux finanzjarji u mhux prodotti (AN.2)**Riżorsi naturali (AN.21)***Art (AN.211)*

- 7.50 Fil-karta tal-bilanċ l-art hi vvalutata bil-prezz attwali tagħha fis-suq. Kull nefqa fuq it-titjib tal-art titniżżel bħala formazzjoni grossa tal-kapital fiss u l-valur addizzjonali li tipprovd i jiġi eskluż mill-valur tal-art li jidher fil-karta tal-bilanċ u minflok jidher f'kategorija separata tal-assi għal titjib tal-art (AN.1123).
- 7.51 L-art tiġi vvalutata bil-prezz stmat miksub jekk tinbiegħ fis-suq, **esklużi** l-ispejjeż involuti fit-trasferiment tas-sjieda għal bejgħ fil-futur. Meta jseħħ trasferiment, dan jitniżżel konvenzjonalment bħala formazzjoni grossa tal-kapital fiss u l-ispejjeż jiġi esklużi mill-valur tal-art f'AN.211 irreġistrat fil-karta tal-bilanċ u minflok irreġistrat bħala ass f'AN.1123. Dan jitnaqqas għal zero bil-konsum tal-kapital fiss fil-perijodu li s-sid il-ġdid jistenna li juża l-art.
- 7.52 Jekk il-valur tal-art ma jistax jiġi sseparat minn dak tal-bini jew strutturi oħra li jinsabu fuqha, l-assi kkombinati jiġu kklassifikati flimkien fil-kategorija tal-ass li għandu l-ikbar valur.

Riżervi minerali u tal-enerġija (AN.212)

- 7.53 Ir-riżervi tad-depożiti minerali li jinsabu fuq jew taħt il-wieċ tad-dinja li jistgħu jiġu sfruttati ekonomikament bit-teknoloġija attwali u l-prezzijiet relattivi jiġu vvalutati bil-valur preżenti ta' redditi netti previsti li jirriżultaw mill-isfruttament kummerċjali ta' dawġ l-assi.

Assi naturali oħrajn (AN.213, AN.214 u AN.215)

- 7.54 Il-prezzijiet tas-suq osservati għar-riżorsi bijoloġiċi (AN.213) mhux ikkultivati, ir-riżorsi tal-ilma (AN.214) u r-riżorsi naturali (AN.215) l-oħra aktarx li ma jkunux disponibbli, b'hekk normalment jiġu vvalutati fil-valur preżenti tar-redditi futuri mistennija minnhom.

Kuntratti, kirjiet u liċenzji (AN.22)

7.55 *Definizzjoni:* Il-kuntratti, il-kirjiet u l-liċenzji jiġu rreġistrati bħala assi meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-termini tal-kuntratt, il-kirja jew il-liċenzja jispecificaw prezz għall-użu ta' ass jew il-provvista ta' servizz li jvarja mill-prezz tas-suq prevalenti; u

(b) parti waħda mill-kuntratt tista' tirrealizza d-differenza fil-prezz.

Il-kuntratti, il-kirjiet u l-liċenzji jistgħu jiġu vvalutati billi tittieħed informazzjoni tas-suq mit-trasferimenti tal-istrumenti li jagħtu d-drittijiet, jew jiġu stmati bħala l-valur preżenti tar-redditi futuri mistennija fid-data tal-karta tal-bilanċ imqabbla mas-sitwazzjoni meta jibda l-ftehim legali.

7.56 Il-kategorija tkopri assi li jistgħu jirriżultaw minn kirjiet operattivi negozjabbli, liċenzji għall-użu ta' riżorsi naturali, permessi biex isiru attivitajiet speċifiċi u intitolamenti għal oġġetti u servizzi futuri fuq bażi esklussiva.

7.57 Il-valur tal-ass huwa daqs il-valur preżenti nett tad-differenza bejn il-prezz prevalenti u dak iffissat fil-ftehim. Jekk il-kundizzjonijiet l-oħra jibqgħu l-istess, dan jonqos hekk kif il-perjodu tal-ftehim jiskadi. Il-bidliet fil-valur tal-ass minħabba l-bidliet fil-prezz prevalenti jiġu rreġistrati bħala qligħ u telf nominali.

7.58 L-assi ta' kirja operattiva negozjabbli jiġu rreġistrati biss bħala assi meta l-kerrej jeżerċita d-drittijiet tiegħu li jirrealizza d-differenza fil-prezz.

Xiri nieqes il-bejgħ tal-avvjament u l-assi tal-kummerċjalizzazzjoni (AN.23)

7.59 Il-valur fil-karta tal-bilanċ tal-avvjament u l-assi tal-kummerċjalizzazzjoni huwa d-differenza bejn l-prezz imħallas meta tinbiegħ unità istituzzjonali u l-valur irreġistrat għall-fondi tiegħu stess, irrivalutat għal kull tnaqqis sussegwenti billi l-valur inizjali jiġi deprezzat bħala tneħħija ekonomika ta' assi mhux prodotti (K.2). Ir-rata tad-deprezzament tkun skont l-istandards kummerċjali tal-kontabbiltà.

7.60 L-assi tal-kummerċjalizzazzjoni jikkonsistu f'oġġetti bħal ismijiet kummerċjali, mastheads, trademarks, logos u ismijiet tad-domains.

ASSI U PASSIVI FINANZJARJI (AF)

7.61 L-assi u l-passivi finanzjarji bħala strumenti finanzjarji negozjabbli bħat-titoli tad-dejn, it-titoli tal-ekwità, l-ishma jew l-unitajiet tal-fond tal-investment u derivattivi finanzjarji, jiġu vvalutati bil-valur tas-suq. L-istrumenti finanzjarji li ma jkunux negozjabbli jiġu vvalutati bil-valur nominali (ara l-paragrafi 7.38 u 7.39). Il-kontroparti tal-assi u l-passivi finanzjarji għandhom l-istess valuri fil-karta tal-bilanċ. Il-valuri għandhom jeskludu l-kummissjonijiet, il-miżati u t-taxxi. Il-kummissjonijiet, il-miżati u t-taxxi jiġu rreġistrati bħala servizzi mogħtija fit-twettiq tat-tranżazzjonijiet.

Deheb monetarju u SDRs (AF.1)

7.62 Id-deheb monetarju (AF.11) għandu jiġi vvalutat bil-prezz stabbilit fis-swieq tad-deheb organizzati.

7.63 Il-valur tal-SDRs (AF.12) jiġi ddeterminat kuljum mill-IMF u r-rati fir-rigward tal-muniti domestiċi jinkisbu miswieg tal-kambju barrani.

Flus u depożiti (AF.2)

7.64 Għall-flus (karti u muniti - AF.21), il-valutazzjoni ssir abbażi tal-valur nominali tal-munita.

7.65 Għad-depożiti (AF.22, AF.29), il-valuri rreġistrati fil-karta tal-bilanċ huma l-valuri nominali.

7.66 Il-flus u d-depożiti f'munita barranija jiġu kkonvertiti f'munita domestika fil-punt nofsani tad-differenza bejn ir-rati tal-kambju tal-offerta tal-bejgħ u tal-offerta tax-xiri prevalenti fid-data tal-karta tal-bilanċ.

Titoli tad-dejn (AF.3)

7.67 It-titoli tad-dejn jitniżżlu bil-valur tas-suq.

7.68 It-titoli tad-dejn b'terminu qasir (AF.31) jiġu vvalutati bil-valur tas-suq. Jekk il-valuri tas-suq ma jkunux disponibbli, sakemm ma jkunx hemm kundizzjonijiet ta' inflazzjoni għolja jew rati ta' imgħax nominali għolja, il-valur tas-suq jista' jiġi approssimat mill-valur nominali għal:

(a) titoli tad-dejn b'terminu qasir maħruġa flivell ugwali; u

(b) titoli tad-dejn skontati b'terminu qasir.

7.69 It-titoli tad-dejn fit-tul (AF.32) jiġu vvalutati bil-valur tas-suq, kemm jekk ikunu bonds li fuqhom jitħallas l-imgħax regolament kif ukoll jekk ikunu bonds skontati ħafna jew bonds zero-coupon li fuqhom jitħallas imgħax minimu jew ma jitħallas l-ebda imgħax.

Self (AF.4)

7.70 Il-valuri li għandhom jiġu rreġistrati fil-karti tal-bilanċ tal-kredituri u wkoll tad-debituri huma l-valuri nominali irrispettivament minn jekk is-self huwiex produttiv jew mhux produttiv.

Ekwià u ishma jew unitajiet tal-fond tal-investiment (AF.5)

7.71 L-ishma kkwotati (AF.511) jiġu vvalutati bil-valuri tas-suq tagħhom. L-istess valur jiġi adottat kemm għan-naħa tal-assi kif ukoll għan-naħa tal-passiv, minkejja li l-ishma u l-ekwià l-oħra mhumiex, legalment, passiv tal-emittent, iżda dritt ta' sjiada ta' sehem fil-valur ta' likwidazzjoni ta' korporazzjoni, fejn il-valur tal-likwidazzjoni ma jkunx magħruf minn qabel.

7.72 L-ishma kkwotati jiġu vvalutati bi prezz rappreżentattiv ta' nofs is-suq osservat fil-borża jew fi swieq finanzjarji organizzati oħra.

7.73 Il-valuri tal-ishma mhux ikkwotati (AF.512), li mhumiex innegożjati fis-swieq organizzati, għandhom ikunu stmati b'referenza għal:

(a) il-valuri tal-ishma kkwotati meta jkun il-każ;

(b) il-valur tal-fondi proprji; jew

(c) il-profitti previsti jiġu skontati bl-applikazzjoni ta' prezz tas-suq xieraq għall-proporzjoni tal-qligħ mal-qligħ reċenti kkorreġuti tal-unità istituzzjonali.

Madankollu, dawn l-istimi għandhom jikkunsidraw id-differenzi bejn l-ishma kkwotati u mhux ikkwotati, b'mod speċjali l-likwidità tagħhom, u għandhom jikkunsidraw il-valur nett akkumulat matul il-ħajja tal-korporazzjoni u l-fergħa tagħha ta' negozju.

7.74 Il-metodu ta' stima applikat jiddependi fuq l-istatistika bażika disponibbli. Dan jista' jikkunsidra, pereżempju, id-data dwar l-attivitajiet ta' amalgamazzjoni li jinvolvu ishma mhux ikkwotati. Jekk il-valur tal-fondi proprji tal-korporazzjonijiet mhux ikkwotati jimxi b'mod simili, f'medja u fi proporzjon tal-kapital nominali tagħhom, għal dak ta' korporazzjonijiet simili b'ishma kkwotati, allura l-valur tal-karta tal-bilanċ jista' jiġi kkalkulat permezz ta' proporzjon. Dan il-proporzjon iqabbel il-valur tal-fondi proprji ta' korporazzjonijiet mhux ikkwotati ma' dak ta' korporazzjonijiet ikkwotati:

il-valur ta' ishma mhux ikkwotati = il-prezz tas-suq ta' ishma simili kkwotati × (il-fondi proprji ta' korporazzjonijiet mhux ikkwotati)/(il-fondi proprji ta' korporazzjonijiet simili kkwotati).

7.75 Il-proporzjon tal-prezz tas-sehem mal-fondi proprji jista' jvarja skont il-fergħa tan-negozju. B'hekk, preferibbilment jiġi kkalkulat il-prezz attwali tal-ishma mhux ikkwotati skont il-fergħa. Jista' jkun hemm differenzi oħra bejn il-korporazzjonijiet ikkwotati u mhux ikkwotati, li jistgħu jkollhom effett fuq il-metodu tal-istima.

7.76 Ekwià oħra (AF.519) hija ekwià li mhix fil-forma ta' titoli. Jista' jinkludi ekwià fi kważi korporazzjonijiet (bħal fergħat, kumpanniji fiduċjarji, kumpannija b'responsabbiltà limitata u shubji oħra), korporazzjonijiet pubbliċi, fondi mhux inkorporati u unitajiet nozzjonali (inkluż unitajiet residenti nozzjonali maħluqa biex jirriflettu s-sjiada mhux residenti ta' proprjetà immobbli u riżorsi naturali). Is-sjiada ta' organizzazzjonijiet internazzjonali mhux fl-għamla ta' ishma hija kklassifikata bħal ekwià oħra.

7.77 L-ekwià l-oħra ta' kważi korporazzjonijiet tiġi vvalutata skont il-fondi proprji tagħhom billi l-valur nett tagħhom ikun konvenzjonalment żero. Għal unitajiet oħrajn, għandu jittieħed il-metodu ta' valutazzjoni l-iktar xieraq minn fost il-metodi użati għal ishma mhux ikkwotati.

- 7.78 Il-korporazzjonijiet li joħorġu ishma jew unitajiet jistgħu addizzjonalment ikollhom ekwità oħra.
- 7.79 L-ishma jew l-unitajiet tal-fondi tal-investment (AF.52) jiġu vvalutati bil-prezz tas-suq jekk ikunu ikkwotati. Jekk ma jkunux ikkwotati, il-valur tas-suq jista' jiġi stmat kif deskritt għall-ishma mhux ikkwotati. Jekk ikunu jistgħu jinfedew mill-fond innifsu jiġu vvalutati bil-valur tal-fidi tagħhom.

Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (AF.6)

- 7.80 L-ammonti irreġistrati għar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (AF.61) ikopru primjums imħallsa iżda mhux iggwadanjati flimkien mal-ammonti mwarrba għal pretensjonijiet pendenti. Dawn tal-aħħar jirrappreżentaw il-valur preżenti tal-ammonti li mistennija jitħallsu għar-riżoluzzjoni tal-pretensjonijiet, inklużi pretensjonijiet ikkontestati u allokazzjoni għal pretensjonijiet biex ikopru inċidenti li ġraw diġà iżda li għadhom ma ġewx irrappurtati.
- 7.81 L-ammonti rreġistrati għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-intitolamenti ta' annwalità (AF.62) jirrappreżentaw ir-riżervi meħtieġa biex ikopru l-pretensjonijiet futuri mistennija kollha.
- 7.82 L-ammonti rreġistrati għall-intitolamenti tal-pensjoni (AF.63) jiddependu fuq it-tip ta' skema tal-pensjoni.
- 7.83 Fi skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit, il-livell tal-benefiċċji tal-pensjoni mwiegħda lil impjegati parteċipanti jiġi determinat b'formola miftiehma minn qabel. Il-passiv ta' skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit ikun daqs il-valur preżenti tal-benefiċċji mwiegħda.
- 7.84 Fi skema ta' kontribuzzjoni definita, il-benefiċċji mħallsa jiddependu mir-rendiment tal-assi akkwistati mill-iskema tal-pensjoni. Il-passiv ta' skema b'kontribuzzjoni definita hu l-valur tas-suq attwali tal-assi tal-fond. Il-valur nett tal-fondi jkun dejjem żero.
- 7.85 Il-valur imniżżel għall-provvedimenti għal sejħiet taħt garanziji standardizzati (AF.66) huwa l-livell mistenni ta' pretensjonijiet nieqes il-valur ta' kull irkupru mistenni.

Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq it-titoli tal-impjegati (AF.7)

- 7.86 Id-derivattivi finanzjarji (AF.71) għandhom ikunu inklużi fil-karti tal-bilanċ bil-valur tas-suq tagħhom. Jekk id-data tal-prezzijiet tas-suq ma tkunx disponibbli, pereżempju fil-każ ta' opzjonijiet barra mill-borża, dawn għandhom jiġu vvalutati fl-ammont meħtieġ għall-akkwist jew il-kumpens tal-kuntratt jew l-ammont tal-primjum pagabbli.
- 7.87 Għall-opzjonijiet, l-emittent tal-opzjoni jitqies li għarrab passiv kontroparti li jirrappreżenta l-ispiża tax-xiri tad-drittijiet tad-detentur tal-opzjoni.
- 7.88 Il-valur tas-suq tal-opzjonijiet u kuntratti bil-quddiem jista' jvarja bejn pożizzjonijiet pożittivi (assi) u negattivi (passivi) skont il-movimenti tal-prezz tal-istrumenti sottostanti u għalhekk jista' jvarja bejn assi u passivi għall-emittenti u d-detenturi. Xi opzjonijiet u kuntratti bil-quddiem joperaw fuq pagamenti ta' marġni b'likwidazzjoni kuljum tal-profiti jew it-telf; f'dawn il-każijiet, il-valur tal-karta tal-bilanċ ikun żero.
- 7.89 L-opzjonijiet fuq it-titoli tal-impjegati (AF.72) jiġu vvalutati b'referenza għall-valur ġust tal-ekwità mogħtija. Il-valur ġust jitkejjel fid-data tal-għotja bil-valur tas-suq ta' opzjonijiet negozjati ekwivalenti jew, jekk ma jkunx disponibbli, permezz ta' mudell tal-ipprezzar tal-opzjonijiet.

Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8)

- 7.90 Il-kredituri u l-avvanzi kummerċjali (AF.81) u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli minbarra kredituri u avvanzi kummerċjali (AF.89), li jirriżultaw minħabba differenzi ta' ħin bejn it-transazzjonijiet distributtivi, bħal taxxi, kontribuzzjonijiet soċjali, dividendi, kirjiet, pagi u salarji, u transazzjonijiet finanzjarji, jiġu vvalutati, għall-kredituri u wkoll għad-debituri, bil-valur nominali. Kull ammont ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli taħt AF.89 għandu jeskludi l-ammonti li aktarx ma jinġabrux billi jirrappreżentaw pretensjoni tal-gvern mingħajr valur.

KARTI TAL-BILANĊ FINANZJARJI

- 7.91 Il-karta tal-bilanċ finanzjarja turi, fuq ix-xellug tagħha, l-assi finanzjarji u, fuq il-lemin tagħha, il-passivi. L-entrata saldatorja tal-karta tal-bilanċ finanzjarja hi l-assi finanzjarji netti (BF.90).

- 7.92 Il-karta tal-bilanċ finanzjarja ta' settur jew sub-settur residenti tista' tkun konsolidata jew mhux konsolidata. Il-karta tal-bilanċ finanzjarja mhux konsolidata turi l-assi u l-passivi finanzjarji kollha tal-unitajiet istituzzjonali kklassifikati fis-settur jew is-sub-settur, inklużi dawk fejn jinżamm l-ass jew il-passiv korrispondenti f'dak is-settur jew is-sub-settur. Il-karta tal-bilanċ finanzjarja kkonsolidata telimina l-assi u l-passivi finanzjarji li għandhom kontropartijiet fl-istess settur jew sub-settur. Il-karta tal-bilanċ finanzjarja tal-bqija tad-dinja tiġi kkonsolidata b'definizzjoni. Bħala regola, l-entrati tal-kontabbiltà fis-Sistema ma jiġux ikkonsolidati. Għalhekk, il-karta tal-bilanċ finanzjarja ta' settur jew sub-settur residenti għandha tiġi ppreżentata fuq bażi mhux ikkonsolidata.
- 7.93 Il-karta tal-bilanċ finanzjarja 'mingħand min għal għand min' (il-karta tal-bilanċ skont id-debitur/kreditur) hija estensjoni tal-karta tal-bilanċ finanzjarja, li turi wkoll diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont is-settur tad-debitur u diżaggregazzjoni tal-passivi skont is-settur tal-kreditur. B'hekk, tipprovi informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn id-debitur u l-kreditur u hija konsistenti mal-kont finanzjarju skont id-debitur/kreditur.

ENTRATI TA' MEMORANDUM

- 7.94 Sabiex jidhru entrati ta' imgħax analitiku iktar speċjalizzat għal setturi partikolari, għandhom ikunu inklużi tliet tipi ta' entrati ta' memorandum bħala punti ta' appoġġ fil-karti tal-bilanċ:
- (a) oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul (AN.m);
 - (b) investiment dirett barrani (AF.m1);
 - (c) self mhux produttiv (AF.m2).

Oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul (AN.m)

- 7.95 Definizzjoni: L-oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul huma oġġetti li jservu fit-tul użati minn unitajiet domestiċi ripetutament matul perijodi ta' żmien ta' iktar minn sena għall-konsum finali. Dawn huma inklużi fil-karti tal-bilanċ bħala entrati ta' memorandum. Jiġu esklużi mill-karta tal-bilanċ ewlenija billi jiġu rreġistrati bħala użi fis-settur tal-unitajiet domestiċi tal-kont tal-użu tal-introjtu bħala kkunsmati fil-perijodu tal-kont, u mhux jiġu kkunsmati gradwalment.
- 7.96 L-istokks tal-oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul miżmuma mill-unitajiet domestiċi bħala konsumaturi finali – tagħmir tat-trasport (AN.1131) u makkinarju u tagħmir ieħor (AN.1139) – għandhom jiġu vvalutati bil-prezzijiet tas-suq fl-entrata tal-memorandum, netti mill-ispejjeż akkumulati ekwivalenti għall-konsum tal-kapital fiss. Fil-Kapitolu 23 hemm lista sħiħa tas-sottogruppi u l-oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul.
- 7.97 L-oġġetti li jservu fit-tul, bħall-vetturi, jistgħu jiġu kklassifikati bħala assi fissi jew bħala oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul skont il-klassifikazzjoni tas-settur tas-sid u l-iskop li għalih jintużaw. Pereżempju, vettura tista' tintuża parzjalment minn kważi korporazzjoni għall-produzzjoni u parzjalment minn unità domestika għall-konsum finali. Il-valuri fil-karta tal-bilanċ għas-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) għandhom jirriflettu l-proporzjoni tal-użu li hu attribwit għall-kważi korporazzjoni. Jeżisti eżempju simili għas-subsettur ta' min iħaddem (li jinkludu ħaddiema b'kont proprju) (S.141+S.142). Il-proporzjon attribwit lis-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14) bħala konsumaturi finali għandu jiġi rreġistrat fl-entrata tal-memorandum, nett mill-ispejjeż akkumulati ekwivalenti għall-konsum tal-kapital fiss.

Investiment dirett barrani (AF.m1)

- 7.98 L-assi u l-passivi finanzjarji li jikkostitwixxu investiment dirett għandhom jiġu rreġistrati skont in-natura tal-investiment fil-kategoriji tas-self (AF.4), ekwità u unitajiet/ishma tal-fond tal-investiment (AF.5) jew kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8). L-ammont tal-investiment dirett inkluż fi ħdan kull waħda minn dawn il-kategoriji għandu jiġi rreġistrat bħala entrata ta' memorandum separata.

Self mhux produttiv (AF.m2)

- 7.99 Il-self jiġi rreġistrat fil-karta tal-bilanċ bil-valur nominali.
- 7.100 Ċertu self li għal xi żmien id-debituri ma jkunux ħallu l-ammonti dovuti jiġi inkluż bħala entrata ta' memorandum fil-karta tal-bilanċ tal-kreditur. Tali self jissejjaħ self mhux produttiv.
- 7.101 *Definizzjoni:* self ma jkunx produttiv meta (a) il-pagamenti tal-imgħax jew il-prinċipal ikunu ttardjaw b'90 jum jew iktar mid-data meta kienu dovuti; (b) l-imgħax pagabbli ta' 90 jum jew iktar ikun ġie kapitalizzat, irrifinanzjat jew ittardjat bi ftehim; jew (c) il-pagamenti ikunu ttardjaw b'inqas minn 90 jum iżda jkun hemm raġunijiet tajba oħrajn (bħal rikjesta ta' falliment minn debitur) biex wieħed jiddubita li l-pagamenti ser isiru bis-sħiħ.
- 7.102 Din id-definizzjoni ta' self mhux produttiv għandha tiġi interpretata li tqis il-konvenzjonijiet nazżjonali ta' meta self jitqies li ma jkunx produttiv. Ladarba self jiġi kklassifikat bħala mhux produttiv, is-self (jew kull self alternattiv) għandu jibqa' kklassifikat hekk sakemm jaslu l-pagamenti jew sakemm il-prinċipal fuq dan is-self jew self sussegwenti li jissostitwixxi l-oriġinali jiġi kkanċellat.

7.103 Għal self mhux produttiv jinħtieġu żewġ entrati tal-memorandum:

- (a) il-valur nominali ta' tali self, kif imniżżel fil-karta tal-bilanċ ewlenija; u
- (b) il-valur ekwivalenti tas-suq ta' tali self.

7.104 L-eqreb approssimazzjoni għall-valur ekwivalenti tas-suq huwa l-valur ġust, li huwa l-valur li japprossima għall-valur li jirriżulta minn transazzjoni tas-suq bejn żewġ partijiet. Il-valur ġust jista' jiġi stabbilit bit-transazzjonijiet fi strumenti komparabbli, jew bl-użu tal-valur preżenti skontat tal-flussi ta' flus kontanti; li jista' jkun disponibbli mill-karta tal-bilanċ tal-kreditur. Fin-nuqqas tad-data tal-valur ġust, l-entrata ta' memorandum jkollu juża t-tieni l-aħjar metodu u juri l-valur nominali nieqes it-telf mistenni tas-self.

Reġistrazzjoni tas-self mhux produttiv

- 7.105 Is-self mhux produttiv tal-gvern ġenerali u s-setturi tal-korporazzjonijiet finanzjarji għandu jtnizzel bħala entrati tal-memorandum, flimkien ma' setturi oħra li jkollhom ammonti sinifikattivi. Jekk sinifikattiv, is-self lil jew mill-bqija tad-dinja, jiġi rreġistrat ukoll bħala entrati tal-memorandum.
- 7.106 It-tabella li ġeġja tiddekrivi l-pożizzjonijiet u l-flussi li jiġu rreġistrati għal self mhux produttiv biex tintwera stampa iktar sħiħa tal-istokks, it-transazzjonijiet, ir-riklassifikazzjonijiet u l-kanċellazzjonijiet.
- 7.107 L-eżempju juri ammont pendenti ta' self b'valur nominali ta' 1 000 Ft-1, li minnhom 500 huma produttivi u 500 mhumiex. Il-parti l-kbira tas-self mhux produttiv, 400, hija koperta minn provvedimenti kontra t-telf tas-self, filwaqt li 100 mhumiex. It-tieni parti tat-tabella tipprovdi informazzjoni supplimentari dettaljata dwar il-valur ekwivalenti tas-suq tas-self mhux produttiv. Dan jiġi derivat bħala d-differenza bejn il-valur nominali u l-provvedimenti kontra t-telf tas-self. Ft-1, dan jiġi meqjus li hu 375. Fil-perjodu minn t-1 għal t, il-partijiet mis-self jiġu riklassifikati minn 'produttiv' jew 'għad mhux kopert' għal 'mhux produttiv' jew viċe versa, jew ikkanċellati. Il-flussi jidhru fil-kolonna korrispondenti tat-tabella. Għall-provvedimenti kontra t-telf tas-self, il-valuri nominali u l-valuri ekwivalenti tas-suq jiġu ppreżentati wkoll.
- 7.108 L-evalwazzjonijiet tal-provvedimenti kontra t-telf tas-self għandhom isiru fil-qafas tal-istandards tal-kontabbiltà, l-istatus legali u r-regoli tat-tassazzjoni applikabbli lill-unitajiet, li jistgħu jwasslu għal riżultati pjuttost eteroġenji f'termini tal-ammonti u t-tul tal-provvedimenti kontra t-telf tas-self. Dan jagħmilha diffiċli biex is-self mhux produttiv jiġi rreġistrat fil-kontijiet prinċipali u minħabba f'hekk jiġu rreġistrati bħala entrata tal-memorandum. Huwa preferibbli minflok li jingħataw il-valuri ekwivalenti tas-suq bħala entrati tal-memorandum flimkien mal-valuri nominali tas-self, produttiv u mhux produttiv.

Reġistrazzjoni tas-self mhux produttiv

Pożizzjonijiet	Stokk	Transazzjoni	Riklassifikazzjoni	Kanċellazzjoni	Stokk
	t-1	period t-1 to t			t
Valur nominali					
Self	1 000	200	0	- 90	1 110
Self produttiv	500	200	- 50		650
Self mhux produttiv	500		50	- 90	460
Kopert minn provvedimenti kontra t-telf tas-self	400		70	- 90	380
Għadu mhux kopert minn provvedimenti kontra t-telf tas-self	100		- 20		80
Valur ekwivalenti tas-suq					
Self mhux produttiv	375		24	- 51	348
= Valur nominali	500		50	- 90	460
- Provvedimenti kontra t-telf tas-self	125		26	- 39	112
li minnu għadu mhux kopert	100		- 20		80

ANNEX 7.1

DEFINIZZJONI TA' KULL KATEGORIJA TA' ASSI

Klassifikazzjoni ta' assi	Sommarju
Assi mhux finanzjarji (AN)	Oġġetti mhux finanzjarji li d-drittijiet tas-sjieda tagħhom jiġu infurzati minn unitajiet istituzzjonali, individwalment jew kollettivament, u li s-sidien tagħhom jistgħu jiksbu benefiċċji ekonomiċi billi jżommuhom, jużawhom jew iħallu lil oħrajn jużawhom fuq perijodu ta' żmien. Jikkonsistu f'assi fissi, inventarji, oġġetti ta' valur, kostruzzjonijiet tas-soċjetà u prodotti tal-proprjetà intellettuali.
Assi mhux finanzjarji prodotti (AN.1)	Assi mhux finanzjarji li huma outputs mill-proċessi tal-produzzjoni. L-assi prodotti mhux finanzjarji jikkonsistu f'assi fissi, inventarji u oġġetti ta' valur, kif definit hawn taħt.
Assi fissi (AN.11)	Assi prodotti mhux finanzjarji li jintużaw ripetutament jew kontinwament fil-proċessi tal-produzzjoni għal iktar minn sena. Assi fissi jikkonsistu f'abitazzjonijiet, binjiet u strutturi oħra, makkinarju u tagħmir, sistemi tal-armi, riżorsi bijoloġiċi kkultivati, u prodotti tal-proprjetà intellettuali, kif definit hawn taħt.
Abitazzjonijiet (AN.111)	<p>Il-binjiet li jintużaw kollha kemm huma jew primarjament bħala residenzi, inkluż kull struttura assoċjata, bħal pereżempju garaxxijiet, u strutturi kollha installati b'mod permanenti fir-residenzi. Dgħajjes użati bħala djar, barkuni, djar mobbli u karavans użati bħala residenzi prinċipali tal-unitajiet domestiċi huma wkoll inklużi, kif ukoll monumenti pubbliċi (ara AN.1121) identifikati primarjament bħala abitazzjonijiet. Huma inklużi wkoll l-ispejjeż tat-tindif u l-preparazzjoni tas-sit.</p> <p>Eżempji jinkludu binjiet residenzjali, bħal pereżempju binjiet b'abitazzjoni waħda jew tnejn u binjiet residenzjali oħra maħsuba biex jiġu okkupati mhux għal fitt żmien.</p> <p>L-abitazzjonijiet mhux kompleti huma inklużi sal-punt li l-utent finali jkun meġjus li jkun ħa s-sjieda, jew minħabba li l-kostruzzjoni hi fuq il-kont proprju jew inkella kif ippruvata mill-eżistenza ta' kuntratt ta' bejgħ/xiri. L-abitazzjonijiet akkwistati għall-persunal militari huma inklużi għaliex jintużaw, l-istess bħall-abitazzjonijiet akkwistati minn unitajiet ċivili, għall-produzzjoni tas-servizzi tad-djar.</p> <p>Il-valur tal-abitazzjonijiet huwa nett mill-valur tal-art taħt l-abitazzjonijiet, li huwa inkluż f'art (AN.211) jekk ikklassifikat separatament.</p>
Binjiet u strutturi oħra (AN.112)	<p>Binjiet u strutturi oħrajn jikkonsistu f'binjiet li mhux abitazzjonijiet, strutturi oħra u titjib tal-art, kif definit hawn taħt.</p> <p>Il-binjiet u l-istrutturi mhux kompleti huma inklużi sal-punt li l-utent finali jkun meġjus li jkun ħa s-sjieda, jew minħabba li l-kostruzzjoni hi fuq il-kont proprju jew inkella kif ippruvata mill-eżistenza ta' kuntratt ta' bejgħ/xiri. Il-binjiet u l-istrutturi akkwistati għal skopijiet militari huma inklużi.</p> <p>Il-valur ta' binjiet u strutturi oħra huwa nett mill-valur tal-art taħt l-abitazzjonijiet, li jiġi inkluż f'art (AN.211) jekk ikklassifikat separatament.</p>
Binjiet li mhux abitazzjonijiet (AN.1121)	<p>Il-binjiet għajr akkomodazzjonijiet, inkluż strutturi, faċilitajiet u tagħmir li huma partijiet integrali mill-istrutturi u l-kostijiet assoċjati tat-tindif u l-preparazzjoni tas-sit. Il-monumenti pubbliċi (ara AN.1122) identifikati primarjament bħala binjiet mhux residenzjali huma inklużi wkoll.</p> <p>Il-monumenti pubbliċi huma identifikabbli minħabba s-sinifikanza storika, nazzjonali, reġjonali, lokali, reliġjuża jew simbolika partikolari. Jiġu deskritti bħala pubbliċi minħabba li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u mhux minħabba li huma proprjetà tas-settur pubbliku. Il-visitaturi normalment ikollhom iħallu biex jidħlu fihom. Il-konsum ta' kapital fiss fuq monumenti ġodda, jew fuq titjib maġġuri lil monumenti eżistenti, għandu jiġi kkalkulat fuq is-suppożizzjoni ta' ħajjiet ta' servizz twal kif xieraq.</p> <p>Eżempji oħra ta' binjiet li mhux abitazzjonijiet jinkludu mħażen u binjiet industrijali, binjiet kummerċjali, binjiet għad-divertiment pubbliku, lukandi, ristoranti, binjiet għal skopijiet edukattivi, binjiet għal skopijiet ta' saħħa</p>

Klassifikazzjoni ta' assi	Sommarju
Strutturi oħra (AN.1122)	<p>Strutturi li mhumiex strutturi residenzjali, inklużi l-ispejjeż tat-toroq, tad-drenaġġi u t-tindif u l-preparazzjoni tas-sit. Inklużi wkoll huma monumenti pubbliċi mhux ikklassifikati bħala abitazzjonijiet jew binjiet li mhumiex abitazzjonijiet; xaftijiet, mini u strutturi oħra marbuta mal-minjieri tar-riżervi tal-minerali u l-enerġija; u l-bini ta' digi u bini kontra l-għarar maħsuba biex itejbu l-art maġenbhom iżda li mhux integrali għalihom.</p> <p>Pereżempju, awtostradi, toroq, linji tal-ferroviji u runways tal-ajruplani; pontijiet, awtostradi elevati, mini u subways; mogħdijiet tal-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet fl-ilma oħra; pajpijiet fuq distanzi twal, linji tal-komunikazzjoni u tal-enerġija; pajpijiet u kejbils lokali, xogħlijiet anċillari; bini għall-minjieri u l-manifattura; u kostruzzjonijiet għall-isport u r-rekreazzjoni.</p>
Titjib tal-artijiet (AN.1123)	<p>Il-valur tal-azzjonijiet li jwasslu għat-titjib kbir fil-kwantità, il-kwalità jew il-produttività tal-art, jew jipprevjenu d-deterjorament tagħha.</p> <p>Pereżempju, iż-żieda fil-valur tal-assi li jirriżultaw mit-tindif tal-art, il-contouring tal-art, il-ħolqien tal-bjar u l-watering holes.</p> <p>Tinkludi wkoll l-ispejjeż tat-trasferiment tas-sjieda tal-art li għad iridu jiġu kkanċellati.</p>
Makkinarju u tagħmir (AN.113)	<p>It-tagħmir tat-trasport, tagħmir tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u makkinarju u tagħmir ieħor, kif definiti hawn taħt, għajr dawk akkwistati minn unitajiet domestiċi għall-konsum finali.</p> <p>Għodda li huma relattivament irħas u mixtrija b'rata relattivament stabbli, bħal pereżempju għodda tal-idejn, jistgħu jkunu esklużi. Huma esklużi wkoll il-makkinarju u t-tagħmir integrali għall-bini, dawn huma inklużi fl-abitazzjonijiet u l-bini mhux residenzjali.</p> <p>Il-makkinarju u t-tagħmir mhux komplut hu eskluż, sakemm mhumiex prodotti għall-użu proprju, minħabba li l-utent finali hu meqjus li jieħu s-sjieda tagħhom biss malli jirċievi l-ass. Il-makkinarju u t-tagħmir għajr is-sistemi tal-armi akkwistati għal skopijiet militari huma inklużi.</p> <p>Il-makkinarju u t-tagħmir bħal vetturi, għamara, tagħmir tal-kċina, kompjuters, tagħmir tal-komunikazzjoni, eċċ., li jiġu akkwistati mill-unitajiet domestiċi għall-konsum finali ma jiġux ittrattati bħala ass. Minflok huma jiġu inklużi fl-entrata tal-memorandum ta' oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul fil-karta tal-bilanċ tal-unitajiet domestiċi. Dgħajjes użati bħala djar, barkuni, djar mobbli u karavans użati mill-unitajiet domestiċi bħala residenzi prinċipali huma inklużi fl-abitazzjonijiet.</p>
Tagħmir tat-trasport (AN.1131)	<p>Tagħmir għall-ġarr ta' persuni u oġġetti. Pereżempju prodotti li mhux parts inklużi fil-Klassifikazzjoni tal-Prodotti skont l-Attività 2008 (CPA 2008) diviżjoni 29: vetturi motorizzati, karrijiet u semi-karrijiet, u d-diviżjoni 30: tagħmir tat-trasport ieħor.</p>
Tagħmir tal-ICT (AN.1132)	<p>Tagħmir tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT): tagħmir li juża kontrolli elettroniċi u l-komponenti elettroniċi użati fit-tagħmir. Eżempji huma prodotti fil-grupp 261 tas-CPA 2008: tagħmir u bords elettroniċi, u 262 kompjuter u tagħmir periferali.</p>
Makkinarju u tagħmir ieħor (AN.1139)	<p>Il-makkinarju u t-tagħmir mhux ikklassifikat imkien ieħor. L-eżempji jinkludu prodotti għajr il-partijiet, l-installazzjoni, servizzi ta' tiswija u manutenzjoni inklużi fis-CPA 2008 diviżjoni 26: prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi (ħliet il-gruppi 261 u 262), diviżjoni 27: tagħmir elettriku, diviżjoni 28: makkinarju u tagħmir mhux ikklassifikati mkien ieħor, diviżjoni 31: għamara, u diviżjoni 32: oġġetti mmanifatturati oħra.</p>
Sistemi tal-armi (AN.114)	<p>Vetturi u tagħmir ieħor bħal vapuri tal-gwerra, sottomarini, inġenji tal-ajru militari, tankijiet, trasportaturi tal-missili u lanċaturi eċċ. Il-biċċa l-kbira tal-armi li jintużaw darba li jipprovdu jitniżżlu bħala inventarji militari (ara AN.124) iżda oħrajn, bħall-missili ballistiċi b'kapaċità distruttiva kbira, li jitqiesu li jipprovdu deterrenza kontinwa kontra l-aggressuri jiġu kklassifikati bħala assi fissi.</p>

Klassifikazzjoni ta' assi	Sommarju
Riżorsi bijoloġiċi kkultivati (AN.115)	<p>Bhejjem għat-tgħammir, għall-ħalib, għax-xogħol, eċċ. u vinji, meded ta' siġar tal-frott u pjantaġġuni oħra ta' siġar li jagħtu prodotti b'mod ripetut li huma taħt il-kontroll, ir-responsabbiltà u l-ġestjoni diretta tal-unitajiet istituzzjonali, kif definiti hawn taħt.</p> <p>L-assi kkultivati mhux maturi huma esklużi sakemm mhumiex prodotti għall-użu proprju.</p>
Riżorsi ta' animali li jagħtu prodotti b'mod ripetut (AN.1151)	<p>Annimali li t-tkabbir u r-riġenerazzjoni naturali tagħhom ikunu taħt il-kontroll, ir-responsabbiltà u l-ġestjoni diretta ta' unitajiet istituzzjonali. Dawn jinkludu stokks tat-tgħammir (inklużi ħut u tjur), bhejjem għall-ħalib, bhejjem għax-xogħol, nġaġ jew annimali oħra użati għall-produzzjoni tas-suf u annimali użati għat-trasport, it-tlielaq jew id-divertiment.</p>
Riżorsi ta' siġar, uċuħ tar-raba' u pjanti li jagħtu prodotti b'mod ripetut (AN.1152)	<p>Is-siġar (inklużi vinji u arbuxelli) ikkultivati għall-prodotti li jagħtu sena wara sena, inklużi dawk ikkultivati għall-frott u l-lewż, għal-linfa u r-reżina u għall-prodotti tal-qoxra u tal-weraq tas-siġra, li t-tkabbir u r-riġenerazzjoni naturali tagħhom ikunu taħt il-kontroll, ir-responsabbiltà u l-ġestjoni diretta ta' unitajiet istituzzjonali.</p>
Prodotti ta' proprjetà intellettuali (AN.117)	<p>Assi fissi li jikkonsistu fir-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp, l-esplorazzjoni u l-evalwazzjoni minerali, softwer u databases tal-kompjuter, divertiment, xogħlijiet oriġinali letterarji jew artistiċi u prodotti ta' proprjetà intellettuali oħra, kif definiti hawn taħt, maħsuba għall-użu ta' iktar minn sena.</p>
Riċerka u żvilupp (AN.1171)	<p>Jikkonsisti fil-valur tal-infiq fuq xogħol kreattiv li jsir fuq bażi sistematika sabiex jiżdied l-għarfien, inkluż l-għarfien tal-bniedem, tal-kultura u tas-soċjetà, u l-użu ta' dan l-għarfien sabiex jinħolqu applikazzjonijiet ġodda.</p> <p>Il-valur jiġi ddeterminat f'termini tal-benefiċċji ekonomiċi mistennija fil-futur. Sakemm il-valur ma jistax jiġi stmat b'mod raġonevoli, konvenzjonalment jiġi vvalutat bħala s-somma tal-ispejjeż, inkluż dawk ta' riċerka u żvilupp bla suċċess. Ir-riċerka u l-iżvilupp li ma jipprovdwx benefiċċji lis-sid ma jiġux ikklassifikati bħala assi u minflok jitniżżlu bħala konsum intermedju.</p>
Esplorazzjoni u evalwazzjoni minerali (AN.1172)	<p>Il-valur tal-infiq fuq l-esplorazzjoni għaż-żejt u l-gass naturali u għad-depożiti mhux taż-żejt u l-evalwazzjoni sussegwenti tas-sejbiet li jsiru. Dan l-infiq jinkludi l-ispejjeż ta' qabel il-liċenzji, spejjeż tal-liċenzji u tal-akkwist, spejjeż ta' evalwazzjoni u l-ispejjeż reali tat-titqib u t-tħaffir, kif ukoll l-ispejjeż ta' sondaġġi mill-ajru u sondaġġi oħrajn, spejjeż tat-trasport, eċċ, imġarrba sabiex ikun possibbli li jitwettqu t-testijiet.</p>
Softwer tal-kompjuter (AN.11731)	<p>Programmi tal-kompjuter, deskrizzjonijiet tal-programmi u materjal ta' appoġġ kemm għas-softwer tas-sistemi kif ukoll għal dak tal-applikazzjonijiet. Huma inklużi l-iżvilupp inizjali u l-estensjonijiet sussegwenti tas-softwer kif ukoll l-akkwist ta' kopji li huma kklassifikati bħala assi AN.11731.</p>
Databases (AN.11732)	<p>Fajls ta' data organizzati biex jippermettu l-aċċess u l-użu tad-data b'mod effettiv fl-użu tar-riżorsi. Għal databases maħluqa esklużivament għall-użu proprju, il-valutazzjoni tiġi stmata skont l-ispejjeż, li għandhom jeskludu dawk għas-sistema tal-ġestjoni tad-database u l-akkwist tad-data.</p>
Xogħlijiet oriġinali tad-divertiment, letterarji jew artistiċi (AN.1174)	<p>Films oriġinali, reġistrazzjonijiet awdjo, manuskritti, tapes, mudelli, eċċ., li fuqhom huma rreġistrati jew inkorporati prestazzjonijiet ta' drammi, programmi tar-radju u tat-televiżjoni, prestazzjonijiet mużikali, avvenimenti sportivi, prodotti letterarji u artistiċi, eċċ. Huma inklużi x-xogħlijiet li jsiru għall-kont proprju. F'ċerti każijiet, bħall-films, jista' jkun hemm iktar minn oriġinali waħda.</p>
Prodotti oħra ta' proprjetà intellettuali (AN.1179)	<p>Informazzjoni ġdida, għarfien speċjalizzat, eċċ., mhux ikklassifikati mkien ieħor, li l-użu tagħhom fil-produzzjoni hu ristrett għall-unitajiet li stabbilixxew drittijiet ta' proprjetà fuqhom jew għall-unitajiet oħra li jkollhom liċenzja minn tali unitajiet.</p>

Klassifikazzjoni ta' assi	Sommarju
Inventarji (AN.12)	Assi prodotti li jikkonsistu f'oġġetti u servizzi li nħolqu fil-perjodu, kurrenti jew perjodu preċedenti miżmuma għall-bejgħ, l-użu fil-produzzjoni jew użu ieħor f'data iktar tard. Dawn jikkonsistu f'materjali u provvisti, xogħol fl-idejn, oġġetti lesti u oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid, kif definiti hawn taħt. Huma inklużi l-inventarji kollha miżmuma mill-gvern, inklużi, iżda mhux limitati għal, inventarji ta' materjali strateġiċi, qamħ u komoditajiet oħra ta' importanza speċjali għan-nazzjon.
Materjali u provvisti (AN.121)	Oġġetti li l-proprjetarji tagħhom bi ħsiebhom jużawhom bħala inputs intermedji fil-proċessi tal-produzzjoni tagħhom stess u mhux biex jerġgħu jbigħuhom.
Xogħol fl-idejn (AN.122)	Oġġetti u servizzi li huma parzjalment lesti iżda li mhumiex normalment mogħtija lill-unitajiet oħra mingħajr ipproċessar addizzjonali jew li mhumiex maturi, u li l-proċess ta' produzzjoni tagħhom ser jtkompla mill-istess produttur f'perjodu sussegwenti. Huma esklużi l-istrutturi parzjalment lesti li għalihom il-proprjetarju finali hu meqjus li jkun assumu l-proprjetà, jew minħabba li l-produzzjoni hi għall-użu proprju jew inkella kif pruvat minn kuntratt ta' bejgħ/xiri. Il-kategorija AN.122 tikkonsisti f'xogħol fl-idejn fuq assi kkultivati u xogħol ieħor fl-idejn, kif definiti hawn taħt.
Xogħol fl-idejn fuq assi bijoloġiċi kkultivati (AN.1221)	Il-bhejjem imrobbija għall-prodotti li jirriżultaw biss mal-qatla, bħal tjur u ħut imrobbija kummerċjalment, siġar u veġetazzjoni oħra li jagħtu prodotti darba biss mad-distruzzjoni u assi immaturi kkultivati li jagħtu prodotti b'mod ripetut.
Xogħol ieħor fl-idejn (AN.1222)	Oġġetti għajr assi kkultivati u servizzi li kienu parzjalment ipproċessati, iffabrikati jew immuntati mill-produttur iżda li normalment ma jiġux mibjugħa, konsenjati jew mogħtija lill-oħrajn mingħajr ipproċessar addizzjonali.
Oġġetti lesti (AN.123)	Oġġetti li huma lesti għall-bejgħ jew għall-konsenja mill-produttur.
Inventarji militari (AN.124)	Munizzjon, missili, rockets, bombi u oġġetti oħra militari li jintużaw darba biss u li jitwasslu bl-armi jew b'sistemi tal-armi. Jeskludi xi tipi ta' missili b'kapaċità distruttiva kbira (ara AN.114).
Oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid (AN.125)	Oġġetti akkwistati minn impriżi, bħal bejjiegħa bl-ingrossa u bl-immnut, bl-għan li jbigħuhom mill-ġdid mingħajr ipproċessar addizzjonali (jiġifieri, mhux mibdula għajr billi jiġu ppreżenti f'modi li huma attraenti għall-klijent).
Oġġetti ta' valur (AN.13)	Assi prodotti li mhumiex użati primarjament għall-produzzjoni jew il-konsum, li huma mistennija li jidiedu fil-valur jew mill-inqas li ma jonqsux fil-valur reali, li ma jiddeterjorawx maż-żmien f'kundizzjonijiet normali u li jiġu akkwistati u miżmuma primarjament bħala ħażniet ta' valur. Oġġetti tal-valur jikkonsistu f'metalli u ħaġar prezzjuż, antikitajiet u xogħlijiet ta' arti u oġġetti oħra ta' valur, kif definiti hawn taħt.
Metalli u ħaġar prezzjuż (AN.131)	Metalli u ħaġar prezzjuż li mhumiex miżmuma minn impriżi għall-użu bħala inputs fil-proċessi ta' produzzjoni.
Antikitajiet u xogħlijiet ta' arti oħra (AN.132)	Pitturi, skulturi, eċċ., rikonossuti bħala xogħlijiet ta' arti u antikitajiet.
Oġġetti oħra ta' valur (AN.133)	Oġġetti ta' valur mhux ikklassifikati mkien ieħor, bħal kollezzjonijiet u ġojjelli ta' valur notevoli msawra minn ħaġar prezzjuż u metalli.
Assi mhux finanzjarji mhux prodotti (AN.2)	Assi mhux finanzjarji li jinħolqu b'modi li mhumiex proċessi ta' produzzjoni. Assi mhux prodotti jikkonsistu f'riżorsi naturali, kuntratti, kirjiet u liċenzji, u assi ta' avvjament u ta' kummerċjalizzazzjoni, kif definiti hawn taħt.

Klassifikazzjoni ta' assi	Sommarju
Riżorsi naturali (AN.21)	Assi mhux prodotti li jseħħu fin-natura u li fuqhom tista' tiġi nfużata u trasferita l-proprjetà. Assi ambjentali li fuqhom ma humiex, jew ma jistgħux ikunu, infurzati drittijiet ta' proprjetà, bħall-ibħra miftuħa jew l-arja, huma esklużi. Jikkonsistu f'art, riżervi minerali u tal-enerġija, riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati, riżorsi tal-ilma u riżorsi naturali oħra, kif definiti hawn taħt.
Art (AN.211)	L-art, inkluż il-kopertura tal-ħamrija u kull ilma tal-wiċċ assoċjat, li fuqhom huma infurzati drittijiet ta' proprjetà. Huma eżkluzi l-binjiet u l-istrutturi oħra li jinsabu fuq l-art jew li jgħaddu minnha, ħxejjex ikkultivati, siġar u annimali; assi taħt il-livell tal-art, riżorsi bioloġiċi li mhumiex ikkultivati u r-riżorsi tal-ilma taħt l-art.
Riżervi minerali u tal-enerġija (AN.212)	Riżervi ppruvati ta' depożiti minerali li jinsabu fuq jew taħt il-wiċċ tal-art li huma ekonomikament sfruttabbli, minħabba t-teknoloġija attwali u l-prezzijiet relattivi. Id-drittijiet ta' proprjetà għall-assi taħt il-livell tal-art huma normalment separabbli minn dawk tal-art innifisha. Il-kategorija AN.212 tikkonsisti f'riżervi magħrufa ta' faħam, żejt, gass jew fjuwils oħra, minerali metalliċi u dawk mhux metalliċi.
Riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati (AN.213)	Riżorsi ta' annimali, siġar, uċuħ tar-raba' u pjanti li jagħtu prodotti kemm darba u kemm b'mod ripetut li fuqhom huma infurzati drittijiet ta' proprjetà iżda li għalihom it-tkabbir u/jew ir-riġenerazzjoni naturali mhumiex taħt il-kontroll, ir-responsabbiltà u l-ġestjoni diretta tal-unitajiet istituzzjonali. Eżempji huma l-foresti verġni u s-sajd fit-territorju tal-pajjiż. Għandhom ikunu inklużi biss dawk ir-riżorsi li huma attwalment, jew li x'aktarx dalwaqt ser ikunu, sfruttabbli għall-skopijiet ekonomiċi.
Riżorsi tal-ilma (AN.214)	Akwiferi u riżorsi oħra ta' ilma ta' taħt l-art sal-punt li l-iskarsezza tagħhom twassal għall-infurzar ta' drittijiet ta' proprjetà u/jew tal-użu, valtuazzjoni tas-suq u xi miżura ta' kontroll ekonomiku.
Riżorsi naturali oħra (AF.215)	Dan ikopri l-ispettru tar-radju elettromanjetiku (AN.2151) u riżorsi naturali oħra (AN.2159) li mhumiex ikklassifikati mkien ieħor.
Spettra tar-radju (AN.2151)	L-ispettru elettromanjetiku. Il-kirjiet jew il-liċenzji biex jintuża l-ispettru huma kklassifikati f'post ieħor (AN.222) jekk jissodisfaw id-definizzjoni ta' assi.
Oħrajn (AN.2159)	Riżorsi natural oħrajn li mhumiex ikklassifikati mkien ieħor.
Kuntratti, kirjiet u liċenzji (AN.22)	<p>Ftehim kuntrattwali biex isiru attivitajiet fejn il-ftehim jagħti benefiċċji ekonomiċi lid-detentur oltre l-miżati pagabbli u fejn id-detentur jista' jirrealizza dawn il-benefiċċji legalment u b'mod prattiku.</p> <p>L-assi mniżżel fil-kategorija AN.22 jirrappreżenta l-qligħ potenzjali li jista' jiġi realizat oltre l-valur nominali tal-assi meta l-prezz tas-suq għall-użu ta' assi jew għall-forniment ta' servizz jeċċedi l-prezz fil-kuntratt, il-kirja jew il-liċenzja, jew il-prezz li jista' jinkiseb fl-assenza ta' kuntratt, kirja jew liċenzja. Kuntratti, kirjiet u liċenzji jikkonsistu f'assi li jistgħu jirriżultaw minn kirjiet operattivi negozjabbli, permessi għall-użu tar-riżorsi naturali, permessi biex isiru attivitajiet speċifiċi, u intitolamenti għal oġġetti u servizzi futuri fuq bażi esklużiva.</p>
Kirjiet operattivi negozjabbli (AN.221)	<p>Drittijiet ta' proprjetà ta' terzi marbutin ma' assi mhux finanzjarji għajr riżorsi naturali, meta l-kirja tagħti benefiċċji ekonomiċi lid-detentur oltre l-miżati pagabbli u d-detentur jista' jirrealizza dawn il-benefiċċji legalment u b'mod prattiku, billi jittrasferihom.</p> <p>L-assi mniżżel fil-kategorija AN.221 huwa l-valur lid-detentur tat-trasferiment tad-drittijiet li jintuża l-assi sottostanti, jiġifieri l-eċċess tal-prezz tat-trasferiment realizzabbli fuq l-ammont pagabbli lil min joħroġ il-permess.</p> <p>Eżempji jinkludu meta kerrej ta' binja jkollu kera fissa iżda r-rata tas-suq tal-kera tkun oġhla. Jekk il-kerrej ikun jista' jirrealizza d-differenza fil-prezz permezz ta' sullokazzjoni, f'dak il-każ id-drittijiet li jiġi realizat il-valur jirrappreżentaw assi ta' kirja operattiva negozjabbli.</p>

Klassifikazzjoni ta' assi	Sommarju
AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq titoli għall-impjegati				
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli	- 3			
			B.1032	Bidliet fil-valur nett minħabba qligħ/telf nominali reali	- 2

Tabella 8.16 — Sekwenza sħiħa tal-kontijiet għall-bqija tad-dinja (kont tat-transazzjonijiet esterni) (ikompli)

V.IV: Kont tal-assi u l-passivi esterni

V.IV.1: Karta tal-bilanċ tal-ftuħ

Assi			Passivi u valur nett		
AN	Assi mhux finanzjarji	0	AF	Passivi finanzjarji	1 274
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti	0	AF.1	Deheb monetarju u SDRs	770

Assi			Passivi u valur nett		
AN.21	Riżorsi naturali	0	AF.2	Munita u depożiti	116
AN.22	Kuntratti, kirjiet u liċenzji	0	AF.3	Titoli ta' dejn	77
AN.23	Xiri nieqes bejgħ tal-avvjament u tal-assi ta' kummerċjalizzazzjoni	0	AF.4	Self	17
			AF.5	Ishma/unitajiet ta' fondi tal-ekwità u tal-investment	203
AF	Assi finanzjarji	805	AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	25
AF.1	Deheb monetarju u SDRs		AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq titoli għall-impjegati	7
AF.2	Munita u depożiti	105	AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli	59
AF.3	Titoli ta' dejn	125			
AF.4	Self	70			
AF.5	Ishma/unitajiet ta' fondi ta' ekwità u ta' investment	345			
AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	26			
AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq titoli għall-impjegati	0			
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli	134			
			B.90	Valur nett	- 469

V.IV.2: Bidliet fil-karta tal-bilanċ

Bidliet fl-assi			Bidliet fil-passivi u l-valur nett		
AN	Assi mhux finanzjarji		AF	Passivi finanzjarji	72
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti		AF.1	Deheb monetarju u SDRs	12
AN.21	Riżorsi naturali		AF.2	Munita u depożiti	- 2
AN.22	Kuntratti, kirjiet u liċenzji		AF.3	Titoli ta' dejn	23
AN.23	Xiri nieqes bejgħ tal-avvjament u tal-assi ta' kummerċjalizzazzjoni		AF.4	Self	35
			AF.5	Ishma/unitajiet ta' fondi ta' ekwità u ta' investment	15
AF	Assi finanzjarji	54	AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	0
AF.1	Deheb monetarju u SDRs	1	AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq titoli għall-impjegati	3
AF.2	Munita u depożiti	11	AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli	- 14
AF.3	Titoli ta' dejn	13			
AF.4	Self	4			

Bidliet fl-assi			Bidliet fil-passivi u l-valur nett		
AF.5	Ishma/unitajiet ta' fondi ta' ekwità u ta' investiment	15			
AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	0			
AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq titoli għall-impjegati	0			
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli	10			
			B.10	Bidliet fil-valur nett Dovuti għal:	- 6
			B.101	Bilanċ estern kurrenti u trasferimenti kapitali	- 10
			B.102	Bidliet oħra fil-volum tal-assi	0
			B.103	Qligħ/telf nominali	4
			B.1031	Qligħ/telf nominali newtrali	6
			B.1032	Qligħ/telf nominali reali	- 2

V.IV.3: Karta tal-bilanċ tal-għeluq

Assi			Passivi u valur nett		
AN	Assi mhux finanzjarji		AF	Passivi finanzjarji	1 346
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti		AF.1	Deheb monetarju u SDRs	782
AN.21	Riżorsi naturali		AF.2	Munita u depożiti	114
AN.22	Kuntratti, kirjiet u liċenzji		AF.3	Titoli ta' dejn	100
AN.23	Xiri nieqes bejgħ tal-avvjament u tal-assi ta' kummerċjalizzazzjoni		AF.4	Self	52
			AF.5	Ishma/unitajiet ta' fondi ta' ekwità u ta' investiment	218
AF	Assi finanzjarji	859	AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	25
AF.1	Deheb monetarju u SDRs	1	AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq titoli għall-impjegati	10
AF.2	Munita u depożiti	116	AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli	45
AF.3	Titoli ta' dejn	138			
AF.4	Self	74			
AF.5	Ishma ta' fondi ta' ekwità u ta' investiment	360			
AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	26			
AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq stokk għall-impjegati				
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli	144			
			B.90	Valur nett	- 475

KONT TAL-OĠĠETTI U S-SERVIZZI (0)

- 8.78 L-iskop tal-kont tal-oġġetti u s-servizzi hu li juri, skont il-grupp tal-prodotti u għall-ekonomija totali, il-provvista tal-prodotti u l-użi tagħhom. Il-kont mhuwiex parti mis-sekwenza tal-kontijiet, iżda pjuttost mezz li jsostni l-identità bejn il-provvista u l-użu tal-prodotti fl-ekonomija. Dan jirrappreżenta flivell aggregat it-tqabbil tal-provvista u l-użu ta' prodotti fir-ringieli tal-provvista u t-tabelli tal-użu.
- 8.79 Għaldaqstant juri, skont il-grupp tal-prodotti u għall-ekonomija totali, ir-riżorsi (output u importazzjonijiet) u l-użi tal-oġġetti u s-servizzi (konsum intermedju, konsum finali, formazzjoni grossa ta' kapital fiss, bidliet fl-inventarji, akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur, u esportazzjonijiet).
- 8.80 Minħabba l-mod ta' kif l-output jiġi valutat skont il-prezzijiet bażiċi u l-użi skont il-prezzijiet tax-xerrej, it-taxxi (nieqes is-sussidji) fuq il-prodotti għandhom jiġu inklużi fit-taqsima tar-riżorsi.
- 8.81 L-użi huma rreġistrati fuq in-naħa tal-lemin tal-kont tal-oġġetti u s-servizzi u r-riżorsi fuq in-naħa tax-xellug, jiġifieri fuq in-naħa opposta minn dik użata fil-kontijiet kurrenti għas-setturi istituzzjonali, għax il-flussi tal-prodotti huma l-kontrapartijiet tal-flussi monetarji.
- 8.82 Il-kont tal-oġġetti u s-servizzi bħala definizzjoni jkun f'bilanċ u għaldaqstant m'għandux entrata saldatorja.

Tabella 8.17 — Kont 0: Kont tal-oġġetti u s-servizzi

Riżorsi			Użi		
P.1	Output	3 604	P.2	Konsum intermedju	1 883
P.11	Output tas-suq	3 077	P.3	Nefqa għall-konsum finali	1 399
P.12	Output għall-użu finali proprju	147	P.31	Nefqa tal-konsum individwali	1 230
P.13	Output mhux tas-suq	380	P.32	Nefqa tal-konsum kollettiv	169
D.21	Taxxi fuq il-prodotti	141	P.5g	Formazzjoni grossa ta' kapital	414
D.31	Sussidji fuq il-prodotti	- 8	P.511	Akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' assi fissi.	359
P.7	Importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi	499	P.5111	Akkwisti ta' assi fissi ġodda	358
P.71	Importazzjonijiet tal-oġġetti	392	P.5112	Akkwist ta' assi fissi eżistenti	9
P.72	Importazzjonijiet tas-servizzi	107	P.5113	Ċessjonijiet ta' assi fissi eżistenti	- 8
			P.512	Spejjeż ta' trasferiment ta' proprjeta' fuq assi mhux prodotti	17
			P.52	Bidla fl-inventarji	28
			P.53	Akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur	10
			P.6	Esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi	540
			P.61	Esportazzjonijiet tal-oġġetti	462
			P.62	Esportazzjonijiet tas-servizzi	78

KONTIJET EKONOMIĊI INTEGRATI

- 8.83 Il-kontijiet ekonomiċi integrati jagħtu ħarsa ġenerali konċiża tal-kontijiet ta' ekonomija, b'mod partikolari l-kontijiet kurrenti, kontijiet tal-akkumulazzjoni u karti tal-bilanċ.

- Dawn iġibu flimkien fl-istess tabella l-kontijiet tas-setturi istituzzjonali kollha, l-ekonomija totali u l-bqija tad-dinja, u jibbilanċjaw il-flussi kollha u l-assi u l-passivi kollha. Huma jippermettu wkoll li l-aggregati jinqraw direttament.
- 8.84 Fit-tabella tal-kontijiet ekonomiċi integrati, l-użi, l-assi u l-bidliet fl-assi huma rreġistrati fuq in-naħa tax-xellug, filwaqt li r-riżorsi, il-passivi, il-bidliet fil-passivi u l-valur nett huma rreġistrati fuq in-naħa tal-lemin.
- 8.85 Sabiex it-tabella tkun tista' tinqara filwaqt li tagħti stampa tal-proċess ekonomiku sħiħ, il-livelli ta' aggregazzjoni użati huma l-ogħla kompatibbli ma' ftehim tal-istruttura tas-sistema.
- 8.86 Il-kolonna fit-tabella jirrappreżentaw is-setturi istituzzjonali, jiġifieri: korporazzjonijiet mhux finanzjarji, korporazzjonijiet finanzjarji, gvern ġenerali, istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu l-unitajiet domestiċi, u unitajiet domestiċi. Hemm ukoll kolonna għall-ekonomija totali, kolonna għall-bqija tad-dinja, u kolonna li tibbilanċja l-użi u r-riżorsi tal-oġġetti u s-servizzi.
- 8.87 Ir-ringieli fit-tabella jirrappreżentaw id-diversi kategoriji ta' transazzjonijiet, assi u passivi, entrati saldatorji u ċerti aggregati

Tabella 8.18 — Kontijiet ekonomiċi integrati

Kontijiet kurrenti

Kontijiet	Użi									Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji	
	Totali	Oġġetti u servizzi (res)	Il-bqija tad-dinja	S.1 Ekonomija totali	S.15 NPISHs	S.14 Unitajiet domestiċi	S.13 Gvern ġenerali	S.12 Korporazzjonijiet finanzjarji	S.11 Korporazzjonijiet mhux finanzjarji		
1. Kont tal-produzzjoni/kont estern tal-oġġetti u s-servizzi	499	499								P.7	Importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi
	540		540							P.6	Esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi
	3 604	3 604								P.1	Output
	1 883			1 883	17	115	222	52	1 477	P.2	Konsum intermedju
	133	133								D.21-D.31	Taxxi nieqes sussidji fuq prodotti
	1 854			1 854	15	155	126	94	1 331	B.1g/B.1*g	Valur miżjud, gross/prodott domestiku gross
	222			222	3	23	27	12	157	P.51c	Konsum tal-kapital fiss
	1 632			1 632	12	132	99	82	1 174	B.1n/B.1*n	Valur miżjud, nett/prodott domestiku nett
	- 41		- 41							B.11	Bilanċ estern tal-oġġetti u s-servizzi
II.1.1. Kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu	1 150			1 150	11	11	98	44	986	D.1	Kumpens tal-impjegati
	191		0	191						D.2-D.3	Taxxi nieqes sussidji fuq il-prodozzjoni u l-importazzjonijiet
	133		0	133						D.21-D.31	Taxxi nieqes sussidji fuq prodotti
	58		0	58	1	- 1	1	4	53	D.29-D.39	Taxxi oħrajn nieqes sussidji fuq il-produzzjoni
	452			452	3	84	27	46	292	B.2g	Eċċess operattiv, gross
	61			61		61				B.3g	Introjtu mħallat, gross
	238			238	0	69	0	34	135	B.2n	Eċċess operattiv, nett
	53			53		53				B.3n	Introjtu mħallat, nett

Kontijiet	Użi										Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji
	Totali	Oġġetti u servizzi (res)	Il-bqija tad-dinja	S.1 Ekonomija totali	S.15 NPISHs	S.14 Unitajiet domestiċi	S.13 Gvern ġenerali	S.12 Korporazzjonijiet finanzjarji	S.11 Korporazzjonijiet mhux finanzjarji		
II.1.2 Kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju	435		44	391	6	41	42	168	134	D.4	Introjtu mill-proprjetà
	1 864			1 864	4	1 381	198	27	254	B.5g/B.5*g	Bilanċ tal-introjti primarji, gross/ Introjtu nazzjonali, gross
	1 642			1 642	1	1 358	171	15	97	B.5n/B.5*n	Bilanċ tal-introjti primarji, nett/ Introjtu nazzjonali, nett
II.2 Kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu	213		1	212	0	178	0	10	24	D.5	Taxxi kurrenti fuq l-introjtu, ġid eċċ.
	333		0	333		333				D.61	Kontribuzzjonijiet soċjali netti
	384		0	384	5	0	112	205	62	D.62	Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti in natura
	299		16	283	2	71	136	62	12	D.7	Trasferimenti kurrenti oħra
	1 826			1 826	37	1 219	317	25	228	B.6g	Introjtu disponibbli, gross
	1 604			1 604	34	1 196	290	13	71	B.6n	Introjtu disponibbli, nett
II.3 Kont tar-ridistribuzzjoni tal-introjtu in natura	215			215	31		184			D.63	Trasferimenti soċjali in natura
	1 826			1 826	6	1 434	133	25	228	B.7g	Introjtu disponibbli aġġustat, gross
	1 604			1 604	3	1 411	106	13	71	B.7n	Introjtu disponibbli aġġustat, nett
II.4 Kont tal-użu tal-introjtu										B.6g	Introjtu disponibbli, gross
										B.6n	Introjtu disponibbli, nett
	1 399			1 399	1	1 230	168			P.4	Konsum finali reali
	1 399			1 399	32	1 015	352			P.3	Nefqa għall-konsum finali
	11		0	11	0		0	11	0	D.8	Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti għall-pensjoni
	427			427	5	215	- 35	14	228	B.8g	Tfaddil, gross
	205			205	2	192	- 62	2	71	B.8n	Tfaddil, nett
	- 13		- 13							B.12	Bilanċ estern kurrenti

Riżorsi											
		S.11	S.12	S.13	S.14	S.15	S.1				
	Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Gvern ġenerali	Unitajiet domestiċi	NPISHs	Ekonomija totali	Il-bqija tad-dinja	Oġġetti u servizzi (użi)	Totali	Kontijiet
P.7	Importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi							499		499	I. Kont tal-produzzjoni/kont estern tal-oġġetti u s-servizzi
P.6	Esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi								540	540	
P.1	Output	2 808	146	348	270	32	3 604			3 604	
P.2	Konsum intermedju								1 883	1 883	
D.21-D.31	Taxxi nieqes sussidji fuq prodotti						133			133	
B.1g/B.1*g	Valur miżjud, gross/prprodott domestiku gross	1 331	94	126	155	15	1 854			1 854	
P.51c	Konsum tal-kapital fiss	157	12	27	23	3	222			222	II.1.2 Kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju
B.1n/B.1*n	Valur miżjud, nett/prodott domestiku nett	1 174	82	99	132	12	1 632			1 632	
B.11	Bilanċ estern tal-oġġetti u s-servizzi							- 41		- 41	
D.1	Kumpens tal-impjegati				1 154		1 154	2		1 156	
D.2-D.3	Taxxi nieqes sussidji fuq il-prodozzjoni u l-importazzjonijiet			191			191	0		191	
D.21-D.31	Taxxi nieqes sussidji fuq prodotti			133			133	0		133	
D.29-D.39	Taxxi oħrajn nieqes sussidji fuq il-produzzjoni			58			58	0		58	
B.2g	Eċċess operattiv, gross	292	46	27	84	3	452			452	
B.3g	Introjtu mħallat, gross				61		61			61	
B.2n	Eċċess operattiv, nett	135	34	0	69	0	238			238	
B.3n	Introjtu mħallat, nett				53		53			53	
D.4	Introjtu mill-proprietà	96	149	22	123	7	397	38		435	

Riżorsi											
		S.11	S.12	S.13	S.14	S.15	S.1				
	Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Gvern ġenerali	Unitajiet domestiċi	NPISHs	Ekonomija totali	Il-bqija tad-dinja	Oġġetti u servizzi (użi)	Totali	Kontijiet
B.5g	Bilanċ tal-introjti primarji, gross/introjtu nazzjonali, gross	254	27	198	1 381	4	1 864			1 864	II.2 Kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu
B.5n/B.5*n	Bilanċ tal-introjti primarji, nett/introjtu nazzjonali, nett	97	15	171	1 358	1	1 642			1 642	
D.5	Taxxi kurrenti fuq l-introjtu, ġid eċċ.			213			213	0		213	
D.61	Kontribuzzjonijiet soċjali netti	66	213	50	0	4	333	0		333	
D.62	Benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali in natura				384		384	0		384	
D.7	Trasferimenti kurrenti oħra	6	62	104	36	36	244	55		299	
B.6g	Introjtu disponibbli, gross	228	25	317	1 219	37	1 826			1 826	
B.6n	Introjtu disponibbli, nett	71	13	290	1 196	34	1 604			1 604	
D.63	Trasferimenti soċjali in natura				215		215			215	
B.7g	Introjtu disponibbli aġġustat, gross	228	25	133	1 434	6	1 826			1 826	II.4 Kont tal-użu tal-introjtu
B.7n	Introjtu disponibbli aġġustat, nett	71	13	106	1 411	3	1 604			1 604	
B.6g	Introjtu disponibbli, gross	228	25	317	1 219	37	1 826			1 826	
B.6n	Introjtu disponibbli, nett	71	13	290	1 196	34	1 604			1 604	
P.4	Konsum finali reali								1 399	1 399	
P.3	Nefqa għall-konsum finali								1 399	1 399	
D.8	Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti għall-pensjoni				11		11	0		11	
B.8g	Tfaddil, gross										
B.8n	Tfaddil, nett										
B.12	Bilanċ estern kurrenti										

Tabella 8.18 — Kontijiet ekonomiċi integrati

Kontijiet tal-akkumulazzjoni

Bidliet fl-assi											
Kontijiet	Totali	Oġġetti u servizzi (res)	Il-bqija tad-dinja	S.1 Ekonomija totali	S.15 NPISHs	S.14 Unitajiet domestiċi	S.13 Gvern ġenerali	S.12 Korporazzjonijiet finanzjarji	S.11 Korporazzjonijiet mhux finanzjarji		Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji
III.1.1 Kont tal-bidla fil-valur nett dovut għat-tfaddil u t-trasferimenti kapitali										B.8n	Tfaddil, nett
										B.12	Bilanċ estern kurrenti
										D.9r	Trasferimenti kapitali, riċevibbli
										D.9p	Trasferimenti kapitali, pagabbli (-)
	192		- 29	221	20	236	- 81	- 16	62	B.101	Bidliet fil-valur nett dovuti għal tfaddil u trasferimenti kapitali
III.1.2 Kont tal-akkwisti ta' assi mhux finanzjarji	414			414	5	55	38	8	308	P.5g	Formazzjoni grossa ta' kapital
	- 222			- 222	- 3	- 23	- 27	- 12	- 157	P.51c	Konsum tal-kapital fiss (-)
	28			28	0	2	0	0	26	P.52	Bidliet fl-inventarji
	10			10	0	5	3	0	2	P.53	Akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur
	0		0	0	1	4	2	0	- 7	NP	Akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti
	0		- 10	10	- 4	174	- 103	- 1	- 56	B.9	Għoti ta' self nett (+)/ teħid ta' self nett (-)
III.2 Kont finanzjarju	483		47	436	2	189	- 10	172	83	F	Akkwist nett ta' assi finanzjarji
	0		1	- 1			0	- 1		F.1	Deheb monetarju u SDRs
	100		11	89	2	64	- 26	10	39	F.2	Munita u depożiti
	95		9	86	- 1	10	4	66	7	F.3	Titoli ta' dejn
	82		4	78	0	3	3	53	19	F.4	Self
	119		12	107	0	66	3	28	10	F.5	Ishma ta' fondi ta' ekwità u ta' investment
	48		0	48	0	39	1	7	1	F.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati
	14		0	14	0	3	0	8	3	F.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq stokk għall-impjegati
	25		10	15	1	4	5	1	4	F.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli

Bidliet fl-assi												
Kontijiet	Totali	Oġġetti u servizzi (res)	Il-bqija tad-dinja	S.1 Ekonomija totali	S.15 NPISHs	S.14 Unitajiet domestiċi	S.13 Gvern ġenerali	S.12 Korporazzonijiet finanzjarji	S.11 Korporazzonijiet mhux finanzjarji		Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji	
III.3.1 Kont tal-bidliet oħra fil-volum tal-assi	33			33	0	0	7	0	26	K.1	Dieher ekonomiku tal-assi	
	- 11			- 11	0	0	- 2		- 9	K.2	Għajbien ekonomiku ta' assi mhux prodotti	
	- 11			- 11	0	0	- 6	0	- 5	K.3	Telf mill-katastrofi	
	0			0	0	0	5	0	- 5	K.4	Sekwestri mhux ikkumpensati	
	2			2	0	2	0	1	1	K.5	Bidliet oħra fil-volum, mhux ikklassifikati mkien ieħor	
	0			0	0	0	- 4	- 2	6	K.6	Bidliet fil-klassifikazzjoni	
	13			13	0	0	0	- 1	14		Bidliet oħra fil-volum, totali	
												Li minnhom
	- 7			- 7	0	0	- 3	- 2	- 2	AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti	
	17			17	0	0	3	0	14	AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti	
	3			3	0	0	0	1	2	AF	Assi/passivi finanzjarji	
										B.102	Bidliet fil-valur nett dovuti għal bidliet oħra fil-volum tal-assi	
III.3.2 Kont tar-rivalutazzjoni										K.7	Qligħ/telf nominali	
	280			280	8	80	44	4	144	AN	Assi mhux finanzjarji	
	126			126	5	35	21	2	63	AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti	
	154		0	154	3	45	23	2	81	AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti	
	91		7	84	2	16	1	57	8	AF	Assi/passivi finanzjarji	
											B.103	Bidliet fil-valur nett dovuti għal qligħ (+)/telf (-) nominali

Bidliet fil-passivi u l-valur nett

		S.11	S.12	S.13	S.14	S.15	S.1				
	Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Gvern ġenerali	Unitajiet domestiċi	NPISHs	Ekonomija totali	Il-bqija tad-dinja	Oġġetti u servizzi (użi)	Totali	Kontijiet
B.8n	Tfaddil, nett	71	2	- 62	192	2	205			205	II.1.1 Kont tal-bidla fil-valur nett dovut għat-tfaddil u t-trasferimenti kapitali
B.12	Bilanċ estern kurrenti							- 13		- 13	
D.9r	Trasferimenti kapitali, riċevibbli	33	0	6	23	0	62	4		66	
D.9p	Trasferimenti kapitali, pagabbli (-)	- 16	- 7	- 34	- 5	- 3	- 65	- 1		- 66	
B.101	Bidliet fil-valur nett dovuti għal tfaddil u trasferimenti kapitali	88	- 5	- 90	210	- 1	202	- 10		192	II.1.2 Kont tal-akkwisti ta' assi mhux finanzjarji
P.5g	Formazzjoni grossa ta' kapital								414	414	
P.51c	Konsum tal-kapital fiss (-)								- 222		
P.52	Bidliet fl-inventarji								28	28	
P.53	Akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur								10	10	
NP	Akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti								0		
B.9	Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-)	- 56	- 1	- 103	174	- 4	10	- 10		0	III.2 Kont finanzjarju
F	Tiġrib nett ta' passivi	139	173	93	15	6	426	57		483	
F.1	Deheb monetarju u SDRs										
F.2	Munita u depożiti		65	37			102	- 2		100	
F.3	Titoli ta' dejn	6	30	38	0	0	74	21		95	
F.4	Self	21	0	9	11	6	47	35		82	
F.5	Ishma ta' fondi ta' ekwità u ta' investiment	83	22				105	14		119	
F.6	Skemi ta' assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati		48	0			48	0		48	
F.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq titoli għall-impjegati i	3	8	0	0	0	11	3		14	
F.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	26		9	4		39	- 14		25	

Bidliet fil-passivi u l-valur nett

		S.11	S.12	S.13	S.14	S.15	S.1				
	Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Gvern ġenerali	Unitajiet domestiċi	NPISHs	Ekonomija totali	Il-bqija tad-dinja	Oġġetti u servizzi (użi)	Totali	Kontijiet
K.1	Dieher ekonomiku tal-assi										II.3.1 Kont tal-bidliet oħra fil-volum tal-assi
K.2	Għajbien ekonomiku ta' assi mhux prodotti										
K.3	Telf mill-katastrofi										
K.4	Sekwestri mhux ikkumpensati										
K.5	Bidliet oħra fil-volum, mhux ikklassifikati mkien ieħor	0	0	0	1	0	1			1	
K.6	Bidliet fil-klassifikazzjoni	0	0	2	0	0	2			2	
	Bidliet oħra totali fil-volum	0	0	2	1	0	3			3	
	Li minnhom										
AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti										
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti										
AF	Assi/passivi finanzjarji	0	0	2	1	0	3			3	
B.102	Bidliet fil-valur nett dovuti għal bidliet oħra fil-volum tal-assi	14	-1	-2	-1	0	10			10	
K.7	Qligħ/telf nominali										III.3.2 Kont tar-rivalutazzjoni
AN	Assi mhux finanzjarji										
AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti										
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti										
AF	Assi/passivi finanzjarji	18	51	7	0	0	76	15		91	
B.103	Bidliet fil-valur nett dovuti għal qligħ (+)/telf (-) nominali	134	10	38	96	10	288	4		292	

Tabella 8.18 — Kontijiet ekonomiċi integrati

Karti tal-Bilanċ
Assi

				S.1	S.15	S.14	S.13	S.12	S.11		
Kontijiet	Totali	Oġġetti u servizzi (res)	Il-bqija tad-dinja	Ekonomija totali	NPISHs	Unitajiet domestiċi	Gvern ġenerali	Korporazzjonijiet finanzjarji	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji		Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji
IV.1 Karta tal-bilanċ tal-ftuħ	4 621			4 621	159	1 429	789	93	2 151	AN	Assi mhux finanzjarji
	2 818			2 818	124	856	497	67	1 274	AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti
	1 803			1 803	35	573	292	26	877	AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti
	9 036		805	8 231	172	3 260	396	3 421	982	AF	Assi/passivi finanzjarji
										B.90	Valur nett
IV.2 Bidliet fil-karta tal-bilanċ											Bidliet totali fl-assi
	480			480	11	115	57	- 4	301	AN	Assi mhux finanzjarji
	294			294	7	67	29	- 4	195	AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti
	186			186	4	48	28	0	106	AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti
	577		54	523	4	205	- 9	230	93	AF	Assi/passivi finanzjarji
										B.10	Bidliet fil-valur nett, totali
										B.101	Tfaddil u trasferimenti kapitali
										B.102	Bidliet oħra fil-volum tal-assi
									B.103	Qligħ (+)/telf(-) nominali	
IV.3 Karta tal-bilanċ tal-għeluq	5 101			5 101	170	1 544	846	89	2 452	AN	Assi mhux finanzjarji
	3 112			3 112	131	923	526	63	1 469	AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti
	1 989			1 989	39	621	320	26	983	AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti
	9 613		859	8 754	176	3 465	387	3 651	1 075	AF	Assi/passivi finanzjarji
										B.90	Valur nett

Passivi u valur nett

		S.11	S.12	S.13	S.14	S.15	S.1				
	Transazzjonijiet u flussi oħra, stokk u entrati saldatorji	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Gvern ġenerali	Unitajiet domestiċi	NPISHs	Ekonomija totali	Il-bqija tad-dinja	Oġġetti u servizzi (użi)	Totali	Kontijiet
AN	Assi mhux finanzjarji										IV.1 Karta tal-bilanċ tal-ftuħ
AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti										
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti										
AF	Assi/passivi finanzjarji	3 221	3 544	687	189	121	7 762	1 274		9 036	
B.90	Valur nett	- 88	- 30	498	4 500	210	5 090	- 469		4 621	
	Bidliet totali fl-assi										IV.2 Bidliet fil-karta tal-bilanċ
AN	Assi mhux finanzjarji										
AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti										
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti										
AF	Assi/passivi finanzjarji	157	224	102	16	6	505	72		577	
B.10	Bidliet fil-valur nett, totali	237	4	- 54	304	9	500	- 6		494	
B.101	Tfaddil u trasferimenti kapitali	88	- 5	- 90	210	- 1	202	- 10		192	
B.102	Bidliet oħra fil-volum tal-assi	14	- 1	- 2	- 1	0	10			10	
B.103	Qligħ (+)/telf(-) nominali	134	10	38	96	10	288	4		292	
AN	Assi mhux finanzjarji										IV.3 Karta tal-bilanċ tal-għeluq
AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti										
AN.2	Assi mhux finanzjarji mhux prodotti										
AF	Assi/passivi finanzjarji	3 378	3 768	789	205	127	8 267	1 346		9 613	
B.90	Valur nett	149	- 26	444	4 804	219	5 590	- 475		5 115	

AGGREGATI

- 8.88 L-aggregati huma indikaturi ta' sinteżi tar-riżultat tal-attività tal-ekonomija totali u fatturi ewlenin għal skopijiet ta' analiżi makroekonomika u paraguni tul iż-żmien u l-isparju.

Prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq (PDG)

- 8.89 Il-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq hu r-riżultat finali tal-attività ta' produzzjoni tal-unitajiet tal-produtturi residenti. Jista' jiġi definit bi tliet metodi:

- (a) approċċ tal-produzzjoni: il-PDG hu s-somma tal-valur gross miżjud tad-diversi setturi istituzzjonali jew id-diversi industrij bl-addizzjoni tat-taxxi u t-tnaqqis is-sussidji fuq il-prodotti (li mhumiex allokati għal setturi u industrij). Hu wkoll l-entrata saldatorja fil-kont tal-produzzjoni tal-ekonomija totali;
- (b) approċċ tan-nefqa: il-PDG hu s-somma tal-użi finali tal-oġġetti u s-servizzi minn unitajiet istituzzjonali residenti (konsum finali u formazzjoni grossa ta' kapital), bl-addizzjoni tal-esportazzjonijiet u t-tnaqqis tal-importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi;
- (c) approċċ tal-introjtu: il-PDG hu s-somma tal-użi fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu tal-ekonomija totali (kumpens tal-impjegati, taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjonijiet nieqes is-sussidji, eċċess operattiv gross u introjtu mħallat tal-ekonomija totali).

- 8.90 Meta jitnaqqas il-konsum tal-kapital fiss mill-PDG, niksbu l-prodott domestiku nett bil-prezzijiet tas-suq (PDN).

Eċċess operattiv tal-ekonomija totali

- 8.91 L-eċċess operattiv gross (jew nett) tal-ekonomija totali hu s-somma tal-eċċessi operattivi grossi (jew netti) tad-diversi industrij jew id-diversi setturi istituzzjonali.

Introjtu mħallat tal-ekonomija totali

- 8.92 L-introjtu mħallat gross (jew nett) tal-ekonomija totali hu identiku għall-introjtu mħallat gross (jew nett) tas-settur tal-unitajiet domestiċi.

Introjtu imprenditorjali tal-ekonomija totali

- 8.93 L-introjtu imprenditorjali gross (jew nett) tal-ekonomija totali hu s-somma tal-introjti imprenditorjali grossi (jew netti) tad-diversi setturi.

Introjtu nazzjonali (bil-prezzijiet tas-suq)

- 8.94 L-introjtu nazzjonali gross (jew nett) (bil-prezzijiet tas-suq) jirrappreżenta l-introjtu primarju totali riċevibbli minn unitajiet istituzzjonali residenti: kumpens ta' impjegati, taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjonijiet nieqes sussidji, introjtu mill-proprjetà (riċevibbli nieqes pagabbli), eċċess operattiv (gross jew nett) u introjtu mħallat (gross jew nett).

L-introjtu nazzjonali gross (bil-prezzijiet tas-suq) hu daqs il-PDG bit-tnaqqis tal-introjtu primarju pagabbli minn unitajiet istituzzjonali residenti lil unitajiet istituzzjonali mhux residenti bl-addizzjoni tal-introjtu primarju riċevibbli minn unitajiet istituzzjonali residenti mill-bqija tad-dinja.

L-introjtu nazzjonali mhuwiex kunċett ta' produzzjoni iżda kunċett ta' introjtu, li hu iżjed sinjifikanti jekk ikun espress f'termini netti, jiġifieri wara t-tnaqqis tal-konsum tal-kapital fiss.

Introjtu disponibbli nazzjonali

- 8.95 L-introjtu disponibbli gross (jew nett) hu s-somma tal-introjti disponibbli gross (jew nett) tas-setturi istituzzjonali. L-introjtu disponibbli gross (jew nett) hu daqs l-introjtu nazzjonali gross (jew nett) (bil-prezzijiet tas-suq) bit-tnaqqis tat-trasferimenti kurrenti (taxxi kurrenti fuq l-introjtu, ġid eċċ., kontribuzzjonijiet soċjali, benefiċċji soċjali u trasferimenti kurrenti oħra) pagabbli lil unitajiet mhux residenti, bl-addizzjoni ta' trasferimenti kurrenti riċevibbli minn unitajiet residenti mill-bqija tad-dinja.

Tfaddil

8.96 Dan l-aggregat ikejjel il-porzjon tal-introjt disponibbli nazzjonali li mhuwiex użat għan-nefqa għall-konsum finali. It-tfaddil nazzjonali gross (jew nett) hu s-somma tat-tfaddil gross (jew nett) tad-diversi setturi istituzzjonali.

Bilanċ estern kurrenti

8.97 L-entrata saldatorja fil-kont estern tal-introjt primarju u t-trasferimenti kurrenti tirrappreżenta l-eċċess (jekk ikun negattiv) jew id-defiċit (jekk ikun pożittiv) tal-ekonomija totali fuq it-transazzjonijiet kurrenti tagħha (kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi, introjt primarji, trasferimenti kurrenti) mal-bqija tad-dinja.

Għoti ta' self nett (+) jew teħid ta' self nett (-) tal-ekonomija totali

8.98 L-għoti ta' self nett (+) jew it-teħid ta' self nett (-) tal-ekonomija totali hu s-somma tal-għoti jew it-teħid ta' self nett tas-setturi istituzzjonali. Dan jirrappreżenta r-riżorsi netti li l-ekonomija totali taqmel disponibbli lill-bqija tad-dinja (jekk ikun pożittiv) jew li tirċievi mill-bqija tad-dinja (jekk ikun negattiv). L-għoti ta' self nett (+) jew it-teħid ta' self nett (-) tal-ekonomija totali hu ugwali iżda b'sinjal oppost għat-teħid ta' self nett (-) jew l-għoti ta' self nett (+) tal-bqija tad-dinja.

Valur nett tal-ekonomija totali

8.99 Il-valur nett tal-ekonomija totali hu s-somma tal-valur nett tas-setturi istituzzjonali. Dan jirrappreżenta l-valur tal-assi mhux finanzjarji tal-ekonomija totali bit-tnaqqis tal-bilanċ tal-assi u l-passivi finanzjarji tal-bqija tad-dinja.

Nefqa u dħul tal-gvern ġenerali

In-nefqa u d-dħul tal-gvern ġenerali huma definiti b'referenza għal lista tal-kategoriji tas-SEK.

8.100 In-nefqa tal-Gvern tinkludi l-kategoriji tas-SEK li ġejjin, irreġistrati taħt in-naħa tal-użi tal-kontijiet tal-gvern ġenerali, bl-eċċezzjoni ta' D.3 li huwa rreġistrat taħt in-naħa tar-riżorsi tal-kontijiet tal-gvern ġenerali:

P.2	Konsum intermedju
P.5	Formazzjoni grossa ta' kapital
D.1	Kumpens lill-impjegati
D.29	Taxxi oħra fuq il-produzzjoni, pagabbli
D.3	Sussidji, pagabbli
D.4	Introjt mill-proprietà, pagabbli
D.5	Taxxi kurrenti fuq l-introjt, ġid, eċċ.
D.62	Benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali in natura
D.632	Trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni tas-suq mixtrija
D.7	Trasferimenti kurrenti oħra
D.8	Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti għall-pensjoni
D.9p	Trasferimenti kapitali, pagabbli
NP	Akkwisti nieqes ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti

Id-dħul tal-gvern jinkludi l-kategoriji tas-SEK li ġejjin, irreġistrati taħt in-naħa tar-riżorsi tal-kontijiet tal-gvern ġenerali, bl-eċċezzjoni ta' D.39 li huwa rreġistrat taħt in-naħa tal-użi tal-kontijiet tal-gvern ġenerali:

- P.11 Output tas-suq
- P.12 Output għall-użu finali proprju
- P.131 Ħlasijiet għal output mhux tas-suq
- D.2 Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet, riċevibbli
- D.39 Sussidji oħra fuq il-produzzjoni, riċevibbli
- D.4 Introjtu mill-proprjetà, riċevibbli
- D.5 Taxxi kurrenti fuq l-introjtu, ġid, eċċ.
- D.61 Kontribuzzjonijiet soċjali netti
- D.7 Trasferimenti kurrenti oħra
- D.9r Trasferimenti kapitali, riċevibbli

Bħala definizzjoni, id-differenza bejn id-dħul tal-gvern ġenerali u n-nefqa tal-gvern ġenerali hi l-għoti ta' self nett (+)/it-teħid ta' self nett (-) tas-settur tal-gvern ġenerali.

It-transazzjonijiet D.41 (imgħax), D.73 (trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali), D.92 (għotjiet għall-investiment) u D.99 (trasferimenti kapitali oħra) huma konsolidati. It-transazzjonijiet l-oħra mhumiex konsolidati.

KAPITOLU 9

TABELLI TAL-PROVVISTA U L-UŻU U L-QAFAS INPUT-OUTPUT

INTRODUZZJONI

- 9.01 L-iskop ta' dan il-Kapitolu huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-tabelli tal-provvista u tal-użu u l-qafas input-output.
- 9.02 Il-qalba tal-qafas input-output hija t-tabelli tal-provvista u l-użu bil-prezzijiet kurrenti u l-prezzijiet tas-sena preċedenti. Il-qafas jiġi kkompletat mit-tabelli simetriċi ta' input-output li jiġu derivati mit-tabelli tal-provvista u l-użu permezz ta' assunzzjonijiet jew *data* addizzjonali.
- It-tabelli tal-provvista u l-użu u t-tabelli tal-input-output simetriċi jistgħu jiġu estiżi u modifikati għal skopijiet speċifiċi bħall-kontijiet tal-produttività, il-kontijiet tax-xogħol, il-kontijiet trimestrali, il-kontijiet reġjonali u l-kontijiet ambjentali f'termini monetarji jew fiżiċi.
- 9.03 It-tabelli tal-provvista u l-użu huma matriċi li jiddeskrivu l-valuri tat-transazzjonijiet fi prodotti għall-ekonomija nazzjonali kkattegorizzati mit-tip tal-prodott u l-industrija. Dawn it-tabelli juru:
- (a) l-istruttura tal-ispejjeż tal-produzzjoni u l-introjt ġġenerat fil-proċess tal-produzzjoni;
 - (b) il-flussi tal-oġġetti u s-servizzi prodotti fl-ekonomija nazzjonali;
 - (c) il-flussi tal-oġġetti u s-servizzi bejn l-ekonomija domestika u l-bqija tad-dinja; għall-analiżi f'kuntest Ewropew, tinħtieġ distinzjoni bejn il-flussi intra-UE u l-flussi ma' pajjiżi barra mill-UE.
- 9.04 Tabella tal-provvista turi l-provvista ta' oġġetti u servizzi skont il-prodott u skont l-industrija tal-produzzjoni, li tidistingwi l-provvista bejn l-industrija domestiċi u l-importazzjonijiet. Fit-Tabella 9.1 hemm deskrizzjoni skematika ta' tabella tal-provvista.

Tabella 9.1 — Deskrizzjoni skematika ta' tabella tal-provvista

Provvisti	Industrija tal-produzzjoni	Bqija tad-Dinja	Totali
Prodotti	Valuri tal-output	Valuri tal-importazzjoni	Provvista totali skont il-prodott
Totali	Output totali tal-industrija	Importazzjonijiet totali	Provvista totali

- 9.05 Tabella tal-użu turi l-użu tal-oġġetti u s-servizzi kkattegorizzati skont il-prodott u skont it-tip tal-użu. L-użi jidhru fil-kolonna kif ġej:
- (a) konsum intermedju skont l-industrija;
 - (b) nefqa tal-konsum finali: unitajiet domestiċi, il-gvern u NPISH;
 - (c) formazzjoni grossa ta' kapital; u
 - (d) esportazzjonijiet.
- Fil-kolonna taħt il-konsum intermedju skont l-industrija, it-tabella turi l-komponenti tal-valur miżjud gross, kif ġej:
- (a) kumpens tal-impjegati;
 - (b) taxxi oħra nieqes is-sussidji fuq il-produzzjoni;
 - (c) introjtu mħallat nett, l-eċċess operattiv nett u konsum ta' kapital fiss.

Fit-Tabella 9.2 hemm deskrizzjoni skematika ta' tabella tal-użu.

Tabella 9.2 — Deskrizzjoni skematika ta' tabella tal-użu

Użijiet	Industriji	Konsum finali	Formazzjoni grossa ta' kapital	Bqija tad-dinja	Totali
Prodotti					
Totali	Konsum intermedju	Konsum finali	Formazzjoni grossa ta' kapital	Esportazzjonijiet	Użu totali
Komponenti tal-valur miżjud	Kumpens tal-impjegati Taxxi oħra nieqes is-sussidji Eċċess operattiv nett Konsum ta' kapital fiss				

9.06 Fit-tabelli tal-provvista u l-użu japplikaw l-identitajiet li ġejjin:

- (a) għal kull industrija, l-output ikun daqs il-konsum intermedju flimkien mal-valur miżjud gross;
- (b) għal kull prodott, il-provvista tkun daqs is-somma tal-użi kollha, li jidhru fringieli bbilanċjati fil-qafas tal-provvista u l-użu.

Din l-identità tkun valida biss meta l-provvista u l-użu jkunu fuq l-istess bażi ta' valutazzjoni, jiġifieri t-tnejn ikunu bil-prezzijiet tax-xerrejja jew it-tnejn bil-prezzijiet bażiċi (ara l-paragrafi minn 9.30 sa 9.33).

Skont, għal kull prodott:

Il-provvista bil-prezzijiet tax-xerrejja tkun daqs

L-output tal-prodott bil-prezzijiet bażiċi

flimkien ma' L-importazzjonijiet bil-prezzijiet bażiċi

flimkien ma' Il-marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport

flimkien ma' It-taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodotti

li huwa daqs l-użu tal-prodott bil-prezzijiet tax-xerrejja, li huwa daqs

Id-domanda intermedja għall-prodott

flimkien ma' In-nefqa tal-konsum finali

flimkien ma' Il-formazzjoni grossa ta' kapital

flimkien ma' Esportazzjonijiet

Fil-livell tal-ekonomija totali, id-domanda intermedja totali tkun daqs il-konsum intermedju totali. Il-marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport jingħaddu flimkien għal zero fuq l-ekonomija kollha billi dawn ikunu kumpensati mill-output tal-industriji li jipproduċu dawn il-marġnijiet u għalhekk din l-identità tista' tiġi stabbilita bħala:

Output + importazzjonijiet + taxxi fuq il-prodotti mingħajr is-sussidji fuq il-prodotti = Konsum intermedju + konsum finali + formazzjoni gross ta' kapital + esportazzjonijiet

għalhekk

Output – konsum intermedju + taxxi fuq il-prodotti mingħajr is-sussidji fuq il-prodotti

= konsum finali + formazzjoni gross ta' kapital + esportazzjonijiet nieqes importazzjonijiet

li juri l-ekwivalenza tal-approċċi tal-produttjoni u n-nefqa għall-kejl tal-Prodott Domestiku Gross (PDG).

(c) Il-valur miżjud gross bħala d-differenza bejn l-output u l-konsum intermedju skont l-industrija. Dan huwa identiku għas-somma tal-introjti ġġenerati. Għalhekk, il-valur miżjud gross huwa daqs is-somma tal-kumpens tal-impjegati, il-konsum ta' kapital fiss, l-eċċess operattiv nett/l-introjtu mħallat, u taxxi oħra nieqes is-sussidji fuq il-produzzjoni. B'dan il-mod, il-konsistenza tal-approċċ tal-introjtu għall-kejl tal-PDG tista' tiġi vverifikata mal-approċċ tal-produzzjoni.

9.07 It-tabelli tal-provvista u l-użu huma l-qafas ċentrali għall-analiżijiet tal-industrija, bħall-analiżi tal-output, il-valur miżjud, il-kumpens tal-impjegati, l-impjegi, l-eċċess operattiv/introjtu mħallat, it-taxxi (nieqes is-sussidji) fuq il-produzzjoni, il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss, il-konsum ta' kapital fiss u l-istokk ta' kapital.

9.08 It-tabelli tal-provvista u l-użu fihom il-flussi fil-kontijiet li ġejjin:

(a) il-kont tal-oġġetti u s-servizzi;

(b) il-kont tal-produzzjoni;

(c) il-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu.

Dawn il-kontijiet juru l-ġenerazzjoni tal-introjtu u l-provvista u l-użu tal-oġġetti u s-servizzi skont is-settur istituzzjonali. It-tabelli tal-provvista u l-użu jistgħu jikkomplimentaw din l-informazzjoni billi juru t-tqassim skont l-industrija u billi juru l-bidliet fil-volumi u l-prezzijiet. L-informazzjoni skont is-settur istituzzjonali fil-kontijiet tas-settur u l-informazzjoni skont l-industrija fit-tabelli tal-provvista u l-użu jistgħu jiġu kkollegati b'tabelli ta' klassifikazzjoni inkrojta bħal dik mogħtija fit-Tabella 9.3 hawn taħt.

Tabella 9.3 — Tabella li tikkollega t-tabelli tal-provvista u l-użu mal-kontijiet tas-setturi

	Industriji (NACE)	Total
Settur		
S.11 Korporazzjonijiet mhux finanzjarji		
Konsum intermedju		
Valur miżjud gross		
Kumpens tal-impjegati		
Taxxi oħra nieqes is-sussidji fuq il-produzzjoni		
Konsum ta' kapital fiss		
Eċċess operattiv nett/introjtu mħallat		
Output		
Formazzjoni grossa ta' kapital fiss		
Stokk ta' assi fissi		
Impjegi		
S.12 Korporazzjonijiet finanzjarji		
Konsum intermedju		
...		
Impjegi		
S.13 Gvern ġenerali		
S.14 Unitajiet domestiċi		

	Industriji (NACE)	Total
S.142 Ħaddiema li jaħdmu għal rashom		
Servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sidien		
S.15 NPISH		
Totali tas-setturi		
Konsum intermedju		
....		
Impjiegi		

9.09 Tabella simetrika tal-input-output tidher fit-Tabella 9.4, u hija matriċi li turi kif il-provvista taqbel mal-użi permezz ta' kategorizzazzjoni prodott bi prodott jew industrija b'industrija tal-output u t-transazzjonijiet dettaljati tal-konsum intermedju u l-użi finali. Hemm differenza kunċettwali waħda kbira bejn tabella simetrika tal-input-output u tabella tal-użu: fit-tabella tal-użu, l-entrati juru kif il-prodotti jintużaw mill-industriji fil-konsum intermedju, filwaqt li f'tabella simetrika tal-input-output hemm żewġ preżentazzjonijiet alternattivi:

- (a) l-entrati juru kif il-prodotti jintużaw għall-konsum intermedju biex isiru l-prodotti; jew
- (b) l-entrati juri kif l-outputs tal-industrija jintużaw fil-konsum intermedju tal-industriji l-oħra biex jinħoloq l-output industrijali.

Għalhekk, f'tabella simetrika input-output, tintuża klassifikazzjoni skont il-prodott jew l-industrija kemm għar-ringieli kif ukoll għall-kolonni.

Tabella 9.4 — Deskrizzjoni skematika ta' tabella simetrika input-output, għall-prodotti

	Prodotti manifatturati	Konsum finali	Formazzjoni grossa ta' kapital	Bqija tad-dinja	Total
Prodotti użati	Konsum intermedju	Konsum finali tal-unitajiet domestiċi, NPISHs u l-gvern	Formazzjoni grossa ta' kapital	Esportazzjonijiet	
Totali					
Komponenti tal-valur miżjud gross					
Bqija tad-dinja					
Total					

9.10 Il-biċċa l-kbira tal-informazzjoni statistika li tista' tinkiseb minn unitajiet produtturi tindika liema tip ta' prodott mmanifatturaw u biegħu u, normalment f'inqas dettall, liema tip ta' prodott xtraw u użaw. Il-format tat-tabelli tal-provvista u l-użu huwa ddisinjat biex jaqbel ma' dan it-tip ta' informazzjoni statistika (jiġifieri l-prodotti użati mill-industrija).

9.11 Bil-maqlub ta' dan, l-informazzjoni skont il-prodott jew skont l-industrija kif rikjest mit-tabella simetrika input-output spiss ma tkunx disponibbli. Pereżempju, l-istharrġiet tal-industriji normalment jipprovdu informazzjoni dwar it-tip ta' prodott użati fil-produzzjoni, u dwar il-prodotti mmanifatturati u mibjugħa. L-informazzjoni dwar l-inputs użati fil-produzzjoni ta' prodott speċifiċi normalment ma tkunx disponibbli.

9.12 L-informazzjoni rranġata fl-għamla ta' tabelli tal-provvista u l-użu hija l-punt inizjali għall-kostruzzjoni ta' tabelli simetriċi input-output li għandhom għamla aktar analitika. L-informazzjoni tal-industrija skont il-prodott fit-tabelli tal-provvista u l-użu tista' tiġi kkonvertita f'tabelli simetriċi billi tiżdied informazzjoni addizzjonali dwar l-istrutturi tal-input, jew billi jiġu assunti strutturi identiċi tal-input jew ishma tas-suq skont il-prodott jew l-industrija.

9.13 It-tabelli tal-provvista u l-użu u l-qafas input-output jikkombinaw tliet rwoli differenti:

- deskrizzjoni;
- għodda tal-istatistika;
- għodda għall-analiżi.

DESKRIZZJONI

9.14 It-tabelli tal-provvista u l-użu jagħtu deskrizzjoni sistematika tal-ġenerazzjoni tal-introjtu u l-provvista ta' prodott, u l-użu skont l-industrija. L-iżviluppi tal-inputs u l-outputs tal-proċessi tal-produzzjoni tal-industriji individwali jidheru fil-kuntest tal-ekonomija nazzjonali, jiġifieri marbuta mal-proċessi tal-produzzjoni ta' industriji domestiċi oħra u l-bqija tad-dinja u n-nefqa tal-konsum finali.

Rwol importanti tat-tabelli tal-provvista u l-użu huwa li juru l-bidliet fl-istruttura tal-ekonomija, jiġifieri bidliet fl-importanza ta' industriji varji, bidliet fl-inputs użati u l-outputs li jiġu prodotti u bidliet fil-kompożizzjoni tan-nefqa tal-konsum finali, il-formazzjoni grossa ta' kapital, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. Tali bidliet jistgħu jirriflettu l-iżviluppi bħall-globalizzazzjoni, l-esternalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-bidliet fl-ispejjeż tax-xogħol, it-taxxi, il-prezzijiet tal-żejt u r-rati tal-kambju.

It-tabelli tal-provvista u l-użu bi prezzijiet tas-sena preċedenti jintużaw biex tiġi kkompilata statistika dwar it-tkabbir fil-volum tal-PDG, għad-deskrizzjoni tal-bidliet fl-istruttura ekonomika f'termini nominali jew ta' volum. Dawn jipprovdu wkoll qafas li fih jiġu ppreżentati l-bidliet nazzjonali fil-prezz u bidliet fl-ispejjeż tax-xogħol.

GĦODDA TAL-ISTATISTIKA

9.15 Bl-użu tal-informazzjoni dwar il-produzzjoni, in-nefqa u l-introjtu fil-konstruzzjoni ta' tabelli tal-provvista u l-użu, u r-rikonċiljazzjoni ta' stimi inkonsistenti, jiġi ġġenerat sett affidabbli u bbilanċjat ta' kontijiet nazzjonali, inklużi l-estimi ta' aggregati ewlenin bħall-PDG bil-prezzijiet kurrenti u l-prezzijiet tas-sena preċedenti.

9.16 Biex jitkejjel il-PDG bil-prezzijiet tas-suq, jistgħu jiġu adottati tliet approċċi: l-approċċ tal-produzzjoni, l-approċċ tan-nefqa u l-approċċ tal-introjtu. Dawn it-tliet approċċi differenti jintużaw fil-kompilazzjoni tat-tabelli tal-provvista u l-użu kif ġej:

- (a) skont l-approċċ tal-produzzjoni, il-PDG bil-prezzijiet tas-suq huwa daqs l-output bil-prezzijiet bażiċi nieqes il-konsum intermedju bil-prezzijiet tax-xerrejja, flimkien mat-taxxi (nieqes is-sussidji) fuq il-prodotti;
- (b) skont l-approċċ tan-nefqa, il-PDG bil-prezzijiet tas-suq huwa daqs is-somma tal-kategoriji tal-użu finali nieqes l-importazzjonijiet: nefqa tal-konsum finali + formazzjoni grossa ta' kapital + esportazzjonijiet – importazzjonijiet;
- (c) skont l-approċċ tal-introjtu, il-PDG bil-prezzijiet tas-suq huwa daqs is-somma tal-kumpens tal-impjegati, il-konsum ta' kapital fiss, taxxi oħra nieqes is-sussidji fuq il-produzzjoni u l-eċċess operattiv nett/introjtu mħallat, flimkien mat-taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodotti.

Stima waħda tal-PDG bil-prezzijiet tas-suq tirriżulta meta t-tabelli tal-provvista u l-użu jiġu bbilanċjati.

9.17 It-tabelli tal-provvista u l-użu huma partikolarment utli għall-istima tal-PDG bil-prezzijiet tas-suq skont l-approċċ tal-produzzjoni u l-approċċ tan-nefqa. Is-sorsi ewlenin tad-*data* għal dan huma l-istħarriġiet tan-negozju u d-*data* amministrattiva bħar-rekords tal-VAT u d-dazji tas-sisa. It-tabelli tal-provvista u l-użu jintużaw biex l-informazzjoni mill-approċċi tal-produzzjoni u tan-nefqa tingħaqad flimkien billi jiġu kkalkulati u bbilanċjati l-provvista u l-użu fil-livell tal-prodott. F'dan il-metodu, il-provvista ta' prodott speċifiku tiġi kkalkulata u allokata għal użi varji, bħan-nefqa tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi, il-konsum intermedju u l-esportazzjonijiet. Il-metodu tal-introjtu ma jipprovdi l-istess eżerċizzju ta' bbilanċjar robust, billi l-eċċess operattiv u l-introjtu mħallat normalment jiġu stmati bħala residwali abbażi tal-informazzjoni miż-żewġ approċċi l-oħra. Madankollu, l-metodu ta' dħul itejjeb l-ibbilanċjar tat-tabelli tal-provvista u l-użu meta l-istruttura tal-komponenti tad-dħul tal-fatturi tista' tiġi stmata. Il-konsistenza tat-tabelli tal-provvista u l-użu mal-kontijiet tas-setturi tista' tiġi kkontrollata permezz tat-tabelli ta' kollegament kif jidher fit-Tabella 9.3. Dan il-konfront jista' jgħin fl-istima tal-PDG bil-prezzijiet tas-suq, bil-paragun tal-informazzjoni mill-kontijiet tal-profit u t-telf tal-kumpanniji mal-istimi tal-industrija ekwivalenti.

9.18 It-tabelli tal-provvista u l-użu għandhom varjetà ta' skopijiet ta' statistika:

- (a) l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet u inkonsistenzi fis-sorsi tad-*data*;

- (b) biex isiru stimi bir-residwal, pereżempju l-istima tal-konsum finali ta' prodotti speċifiċi bħala residwal wara li jkunu ġew allokati l-użi l-oħra tal-prodotti;
- (c) biex isiru stimi bl-estrapolazzjoni ta' ċifri minn perijodu ta' bażi għal perijodi aktar tard li għalihom hemm informazzjoni inqas affidabbli. Pereżempju, iċ-ċifri annwali jistgħu jiġu stmati abbażi taċ-ċifri dettaljati tal-provvista u l-użu għal sena ta' referenza, u suċċessivament, iċ-ċifri trimestrali jistgħu jiġu stmati bl-estrapolazzjoni mill-perijodu ta' referenza.
- (d) għall-kontroll u t-titjib tal-konsistenza, il-plawsibbiltà u l-kompletezza taċ-ċifri fit-tabelli tal-provvista u l-użu u ċifri derivati bħal dawk fil-kontijiet tal-produzzjoni. Għal dan il-għan, il-proċess ta' bilanċjar mhuwiex limitat għat-tabelli tal-provvista u l-użu bil-prezzijiet kurrenti:
- (1) bl-għajnuna tat-tabelli bħat-Tabella 9.3 li juru r-rabta mal-kontijiet tas-settur, jista' jsir paragun dirett bejn l-istimi tal-produzzjoni, n-nefqa u l-introjt mis-sistema tal-provvista u l-użu, u dawk minn sorsi indipendenti fil-kontijiet tas-settur. Ir-rikonċiljazzjoni f'dan l-istadju tiggarrantixxi li, wara l-proċess tal-ibbilanċjar tal-provvista u l-użu, tinkiseb konsistenza bejn it-tabelli tal-provvista u l-użu u l-kontijiet tas-settur;
 - (2) id-derivazzjoni tat-tabelli simetriċi input-output mit-tabelli tal-provvista u l-użu tista' tagħti feedback li jirrivela l-inkonsistenzi u d-dgħufijiet fit-tabelli tal-provvista u l-użu;
 - (3) bil-kompilazzjoni tat-tabelli tal-provvista u l-użu bil-prezzijiet kurrenti u f'termini ta' volum għal sentejn jew aktar, l-istimi tal-bidliet fil-volumi, il-valuri u l-prezzijiet jistgħu jiġu bbilanċjati simultanjament: meta mqabbel mal-kompilazzjoni u l-ibbilanċjar tat-tabelli tal-provvista u l-użu għal sena waħda fiżolazzjoni bil-prezzijiet kurrenti biss, dan huwa estensjoni kbira tal-effettività tal-qafas tal-provvista u l-użu;
- (e) l-ippeżar u l-kalkolu tan-numri tal-indiċi u l-kejl ta' prezz u ta' volum, eż. tal-PDG bid-deflazżjoni tal-użi finali skont il-prodott jew tal-PDG bl-applikazzjoni tal-metodu tad-deflazżjoni doppja skont l-industrija. Id-deflazżjoni ssir fl-aktar livell baxx possibbli tal-aggregazzjoni tat-transazzjonijiet, konsistenti mal-istimi affidabbli tal-movimenti tal-prezz, għar-raġunijiet li ġejjin:
- (1) b'mod ġenerali, l-indikaturi tal-prezz u l-volum ikunu aktar rappreżentattivi f'livell baxx ta' aggregazzjoni;
 - (2) il-bidla fil-kwalità tista' titkejjel aħjar f'livell aktar baxx ta' aggregazzjoni, eż. jistgħu jitqiesu l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-provvista u l-użu ta' grupp ta' prodotti;
 - (3) l-indiċijiet tal-prezzijiet disponibbli mill-istatistika dwar il-prezzijiet spiss ikunu tat-tip Laspeyres. L-oġġezzjoni li dawn jiġu applikati minflok it-tip Paasche li teoretikament hu aktar adatt, tkun anqas severa jekk dawn jintużaw f'livell baxx ta' aggregazzjoni.

L-ibbilanċjar tal-provvista u l-użu ta' prodott ikun eħfef meta n-numru ta' prodott jkun ikbar u d-*data* tas-sors tkun disponibbli f'dan il-livell ta' dettall. Il-kwalità tar-riżultati bbilanċjati tkun ogħla; dan huwa partikolarment minnu meta jkun hemm lakuni fid-*data*.

GĦODDA GĦALL-ANALIŻI

9.19 Vantaġġ analitiku kbir tat-tabelli input-output huwa li dawn jippermettu l-kejl mhux biss tal-effetti primarji meta jkun hemm pereżempju bidliet fil-prezzijiet tal-enerġija jew fl-ispejjeż tax-xogħol, iżda wkoll tal-effetti sekondarji u effetti aktar indiretti. Pereżempju, żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija taffettwa mhux biss dawk l-industriji li jużaw l-enerġija b'mod intensiv, iżda wkoll dawk l-industriji li jużaw l-outputs tal-produtturi b'użu intensiv tal-enerġija. Tali effetti indiretti jistgħu jkunu rilevanti ħafna, billi kultant ikunu aktar sinifikanti mill-effetti diretti.

IT-TABELLI TAL-PROVVISTA U L-UŻU F'AKTAR DETTALL

Klassifikazzjonijiet

9.20 Il-klassifikazzjoni użata għall-industriji fit-tabelli tal-provvista, l-użu u l-input-output hija n-NACE u l-klassifikazzjoni użata għall-prodotti hija s-CPA; dawn il-klassifikazzjonijiet huma kompletament allinjati ma' xulxin: f'kull livell ta' aggregazzjoni, is-CPA juri l-prodotti prinċipali tal-industriji skont in-NACE.

- 9.21 Fit-tabelli tal-provvista u l-użu, il-klassifikazzjoni għall-prodotti hija mill-inqas dettaljata daqs il-klassifikazzjoni għall-industriji, eż. il-livell bi tliet ċifri tas-CPA u l-livell b'żewġ ċifri tan-NACE.
- 9.22 Il-klassifikazzjonijiet tal-industriji u l-prodotti jistgħu jkunu bbażati fuq tliet tipi differenti ta' kriterji: il-kriterji tal-provvista, il-kriterji tad-domanda u d-daqs. Għall-analiżi tal-produttività, il-prodotti u l-produtturi tagħhom fil-prinċipju jiġu kklassifikati skont it-tip ta' proċess tal-produzzjoni. Għall-analiżi tad-domanda, il-prodotti jiġu kklassifikati skont is-similarità tal-iskop, pereżempju l-oġġetti lussużi jinġabru flimkien, jew is-similarità fil-kummerċjalizzazzjoni, bħall-post fejn jinbiegħu. Għall-analiżi input-output, tintuża l-istess klassifikazzjoni tal-prodotti jew l-industriji għall-provvista u d-domanda. Il-klassifikazzjoni tiġi definita b'tali mod li d-daqs ta' kull klassi ma tkunx parti żgħira wisq jew kbira wisq tal-ekonomija nazzjonali. Għall-klassifikazzjonijiet internazzjonali, dan jimplika li, f'ħafna pajjiżi, l-importanza kwantitattiva tal-biċċa l-kbira tal-klassijiet hija waħda sostanzjali.
- 9.23 Il-klassifikazzjonijiet tal-industriji u l-prodotti fil-kontijiet nazzjonali huma neċessarjament ibbażati fuq taħlita ta' tali kriterji u wkoll il-wirt tal-passat. Huma prinċipalment definiti mill-perspettiva tal-produttur, u għalhekk huma inqas adatti għall-analiżi tal-provvista u d-domanda. Il-kompilaturi u l-utenti tad-*data* tal-kontijiet nazzjonali dwar l-industriji u l-prodotti għandu jkollhom idea tajba ta' x'inhu inkluż u eskluż minn kull grupp u l-implikazzjonijiet tagħhom. Pereżempju, l-attivitajiet tal-industrija tal-proprjetà immobbli jinkludu s-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sidien u l-industrija tal-assigurazzjoni teskludi l-fondi tas-sigurtà soċjali.
- 9.24 L-unitajiet ta' attività ekonomika (KAUs) fil-livell lokali f'industrija waħda jista' jkollhom proċessi ta' produzzjoni differenti. Dan jista' jirrifletti differenzi sostanzjali fl-integrazzjoni vertikali, bl-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet anċillari bħat-tindif, it-trasport, l-amministrazzjoni u s-servizzi tal-canteen, il-kiri ta' makkinarju u ħaddiema b'kuntratt minn aġenziji ta' ħaddiema temporanji, u l-kummerċjalizzazzjoni. Jista' wkoll jirrifletti differenzi bejn produtturi legali u illegali jew bejn produtturi f'reġjuni differenti.
- 9.25 Minħabba l-bdil fl-importanza ekonomika tal-industriji u l-prodotti differenti, il-bidliet fil-proċessi tal-produzzjoni u d-dehra ta' prodotti ġodda, il-klassifikazzjonijiet tal-industriji u l-prodotti jiġu aġġornati ta' spiss. Madankollu, għandu jinstab bilanċ bejn l-aġġornament dwar il-bidliet fl-ekonomija u l-bżonn għall-komparabbiltà tad-*data* fuq tul ta' żmien flimkien mal-ispejjeż li dawn il-bidliet kbar ifissru għall-produtturi u l-utenti tad-*data*.
- 9.26 Il-klassifikazzjoni tal-prodotti fit-tabelli tal-provvista u l-użu ġeneralment tkun aktar dettaljata mill-klassifikazzjoni tal-industriji. Hemm erba' raġunijiet ewlenin għal dan.
- (a) id-*data* disponibbli dwar il-prodotti spiss tkun aktar dettaljata minn dik dwar l-industriji;
 - (b) l-output karatteristiku ta' industrija waħda jkun soġġett għal sistemi tat-taxxa u prezzijiet sostanzjalment differenti, pereżempju meta jkun hemm diskriminazzjoni fil-prezzijiet. Il-kompilazzjoni u l-analiżi jibbenefikaw mid-distinzjoni bejn il-prodotti differenti;
 - (c) biex ikun hemm deflazżjoni ta' kwalità għolja u l-istima ta' kejl f'termini tal-volum, il-gruppi tal-prodotti huma omoġenji u marbuta sew mad-deflaturi disponibbli tal-prezzijiet;
 - (d) biex ikun żgurat proċess tal-kompilazzjoni trasparenti, jinħtieġu prodotti separati biex jirrivellaw il-konvenzjonijiet nazzjonali speċifiċi kbar fil-kontijiet, bħas-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sidien, l-assigurazzjoni u l-output għas-suq u mhux għas-suq mill-unitajiet tal-gvern.
- 9.27 Id-distinzjoni bejn l-output għas-suq, l-output għall-użu finali proprju u l-output mhux għas-suq għandha tintuża biss għall-output totali skont l-industrija; id-distinzjoni mhix meħtieġa għal kull grupp ta' prodotti.
- 9.28 Id-distinzjoni bejn il-produtturi tas-suq, il-produtturi għall-użu finali proprju u l-produtturi mhux tas-suq tintuża għall-industrija meta jkun hemm dawn it-tipi differenti ta' produtturi preżenti. Ġeneralment, din id-distinzjoni tintuża biss għas-sottoklassifikazzjoni ta' għadd limitat ħafna ta' industriji bħas-saħħa u l-edukazzjoni.
- 9.29 Għall-analiżi tal-ekonomija tal-Istati Membri tal-UE minn perspettiva Ewropea jew għad-derivazzjoni ta' tabelli tal-provvista u l-użu għall-UE kollha, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet jiġu suddiviżi fi:
- (a) flussi intra-UE, li jiddistingwu bejn l-Unjoni Monetarja Ewropea u Stati Membri oħra;
 - (b) l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ma' pajjiżi mhux membri tal-UE.

Prinċipji ta' valutazzjoni

9.30 Fit-tabella tal-provvista, il-flussi tal-oġġetti u s-servizzi jiġu vvalutati bil-prezzijiet bażiċi. Fit-tabella tal-użu, il-flussi tal-oġġetti u s-servizzi jiġu vvalutati bil-prezzijiet bażiċi. Sabiex ikun hemm valutazzjoni konsistenti għat-tabelli tal-provvista u l-użu, it-Tabella 9.5 turi t-transizzjoni tal-provvista bil-prezzijiet bażiċi għall-provvista bil-prezzijiet tax-xerrejja. Billi l-provvista tkun daqs l-użu għall-prodotti, issa hemm żewġ identitajiet:

(a) il-provvista bil-prezzijiet tax-xerrejja tkun daqs l-użu bil-prezzijiet tax-xerrejja;

(b) il-provvista bil-prezzijiet bażiċi tkun daqs l-użu bil-prezzijiet bażiċi.

9.31 Il-valur miżjud gross jiġi rreġistrat bil-prezzijiet bażiċi. Dan huwa l-output ivvalutat bil-prezzijiet bażiċi nieqes il-konsum intermedju vvalutat bil-prezzijiet tax-xerrejja.

9.32 Il-valur miżjud gross bil-kost tal-fatturi mhuwiex kunċett użat fis-SEK. Dan jista' jiġi derivat mill-valur miżjud bil-prezzijiet bażiċi bit-tnaqqis ta' taxxi oħra (nieqes is-sussidji) fuq il-produzzjoni.

9.33 It-transizzjoni mill-provvista bil-prezzijiet bażiċi għall-prezzijiet tax-xerrejja tinvolvi:

(a) ir-riallokazzjoni tal-marġnijiet tal-kummerċ;

(b) ir-riallokazzjoni tal-marġnijiet tat-trasport;

(c) iż-żieda tat-taxxi fuq il-prodotti (ħlief il-VAT li tista' titnaqqas);

(d) it-tnaqqis ta' sussidji fuq il-prodotti.

Tapplika transizzjoni simili għat-trasformazzjoni tal-użu bil-prezzijiet tax-xerrejja fl-użu bil-prezzijiet bażiċi; madankollu, dan ser jammonta għat-tnaqqis tat-taxxi fuq il-prodotti u ż-żieda tas-sussidji fuq il-prodotti. It-Tabelli 9.8 u 9.9 juru t-transizzjoni faktar dettall. Dawn it-tabelli għandhom ukoll skopijiet analitiċi, bħall-analiżi tal-prezzijiet u l-analiżi tal-konsegwenzi tal-bidliet fir-rati tat-taxxi fuq il-prodotti.

9.34 Għalhekk, it-tabelli li ġejjin jirriżultaw mill-proċess tal-ibbilanċjar:

(a) it-Tabelli tal-provvista u l-użu 9.5 u 9.6 juru r-riżultati finali tat-totali tal-ibbilanċjar tal-provvista u l-użu skont il-prodotti bil-prezzijiet tax-xerrejja;

(b) it-tabelli tal-marġnijiet tal-kummerċ u tat-trasport (Tabella 9.7) u tat-taxxi (nieqes is-sussidji) fuq il-prodotti (Tabella 9.8).

Tabella 9.5 — Tabella tal-provvista bi prezzijiet bażiċi, u t-trasformazzjoni fi prezzijiet tax-xerrejja

Provvisti	Industriji (NACE) 1 – 2 – 3 – 4 – ...	Bqija tad-dinja	Provvista totali bil-prezzijiet bażiċi	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport	It-taxxi nieqes is-sussidji fuq il- prodotti	Provvista totali bi prezzijiet tax-xerrejja
Prodotti (CPA)	Output skont il-prodott u l- industrija	Impor- tazzjoni- jiet skont il-prodott (CIF)	Provvista totali skont il- prodott			
1						
2						
3						
4						
Totali	Output totali skont l-industrija			0		
Output tas-suq				0		
Output għall-użu finali proprju		0		0		
Output mhux tas-suq		0		0		

Tabella 9.6 — Tabella tal-użu bil-prezzijiet tax-xerrejja

Użi	Industriji (NACE) 1 - 2 - 3 - 4 - ...	Konsum finali	Formazzjoni grossa ta' kapital	Bqija tad-dinja	Totali
Prodotti (CPA) 1 2 3 4 ...	Konsum intermedju tal-prodotti skont l-industrija	Nefqa tal-konsum finali skont il-prodott u skont (a) l-unitajiet domestiċi (b) l-NPISH (c) il-gvern	Formazzjoni grossa ta' kapital skont il-prodott u skont (a) il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss (b) il-bidliet fl-oġġetti ta' valur (c) il-bidliet fl-inventarji	Esportazzjonijiet skont il-prodott (FOB)	Użu totali skont il-prodott
Totali	Konsum intermedju totali skont l-industrija	Konsum finali totali	Formazzjoni grossa totali ta' kapital	Total tal-esportazzjonijiet	Użu totali tal-prodotti
Kumpens tal-impjegati Taxxi oħra nieqes is-sussidji fuq il-produzzjoni Konsum ta' kapital fiss Eċċess operattiv nett Introjtu mħallat	Komponenti tal-valur miżjud gross skont l-industrija				
Total	Inputs totali skont l-industrija				
Informazzjoni supplimentari Formazzjoni grossa ta' kapital fiss Stokk ta' kapital fiss Impjiegi					

Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport

Tabella 9.7 — Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport — provvista

	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq il-provvista tal-prodotti			Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport
	Kummerċ bl-ingrossa	Kummerċ bl-imnut	Trasport	
Prodotti (CPA) 1 2 3 4				Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq il-provvista totali skont il-prodott
Total	Kummerċ bl-ingrossa totali	Kummerċ bl-imnut totali	Trasport totali	Marġnijiet totali fuq il-provvista skont il-prodott

Tabella 9.7 — Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport — użu (tkompli)

	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq l-użu tal-prodotti					
	Industriji (NACE) 1 - 2 - 3 - 4 - ...	Konsum finali	Formazzjoni grossa ta' kapital	Esportazzjonijiet	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport	
Prodotti (CPA)	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq il-konsum intermedju skont il-prodott u l-industrija	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq in-nefqa tal-konsum finali skont il-prodott u skont	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq il-formazzjoni grossa ta' kapital skont il-prodott u skont	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq l-esportazzjonijiet	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq l-użu totali skont il-prodott	
1		(a) l-unitajiet domestiċi	(a) il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss			
2		(b) l-NPISH	(b) il-bidliet fl-oġġetti ta' valur			
3		(c) il-gvern	(c) il-bidliet fl-inventarji			
4						
Total	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq il-konsum intermedju, total skont l-industrija	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq il-konsum finali	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq il-formazzjoni grossa ta' kapital	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport fuq l-esportazzjonijiet	Marġnijiet totali fuq l-użu skont il-prodott	

- 9.35 Parti mit-transizzjoni tat-tabelli tal-provvista minn prezzijiet bażiċi għal prezzijiet tax-xerrejja, u t-transizzjoni tat-tabelli tal-użu bil-prezzijiet tax-xerrejja fi prezzijiet bażiċi, hija r-riallokazzjoni tal-marġnijiet tal-kummerċ. Il-valutazzjoni bil-prezzijiet bażiċi timplika li l-marġnijiet tal-kummerċ jiġu rreġistrati bħala parti mill-kummerċ tal-prodotti, filwaqt li l-valutazzjoni bil-prezzijiet tax-xerrejja timplika li l-marġnijiet tal-kummerċ jiġu allokati lill-prodotti li japplikaw għalihom. L-istess sitwazzjoni tapplika għall-marġnijiet tat-trasport.
- 9.36 It-total tal-marġnijiet tal-kummerċ skont il-prodott huwa daqs it-total tal-marġnijiet tal-kummerċ mill-industriji tal-kummerċ flimkien mal-marġnijiet tal-kummerċ minn industriji oħra. L-istess identità tapplika għall-marġnijiet tat-trasport.
- 9.37 Il-marġnijiet tat-trasport jinkludu l-ispejjeż tat-trasport imħallsa separatament mix-xerrej u inklużi fl-użu tal-prodotti bil-prezzijiet tax-xerrejja iżda mhux fil-prezzijiet bażiċi ta' output ta' manifattur jew fil-marġnijiet tal-kummerċ ta' kummerċjanti bl-ingrossa jew bl-innut. Dawn il-marġnijiet tat-trasport jinkludu partikolarment:
- (a) it-trasport ta' oġġetti minn fejn ikunu mmanifatturati sa fejn ix-xerrej jirċevihom, fil-każ li l-manifattur iħallas parti terza għat-trasport u, sakemm dak l-ammont jiġi ffatturat separatament lix-xerrej;
 - (b) it-trasport ta' oġġetti rranġat mill-manifattur jew mill-kummerċjant bl-ingrossa jew bl-innut b'tali mod li x-xerrej ikollu jħallas separatament għall-ispejjeż tat-trasport anki meta t-trasport isir mill-manifattur jew mill-kummerċjant bl-ingrossa jew bl-innut stess.
- 9.38 L-ispejjeż l-oħra kollha għat-trasport tal-oġġetti ma jitniżżlux bħala marġnijiet tat-trasport, eż.:
- (a) jekk il-manifattur jittrasporta l-oġġetti hu stess, tali spejjeż tat-trasport jiġu inklużi fil-prezzijiet bażiċi tal-output tal-manifattur; dan it-trasport jirrappreżenta attività aċċellari u l-ispejjeż individwali tat-trasport ma jkunux identifikabbli bħala spejjeż tat-trasport;
 - (b) jekk il-manifattur jorganizza t-trasport tal-oġġetti mingħajr fattura separata għas-servizzi tat-trasport, tali spejjeż tat-trasport jiġu inklużi fil-prezzijiet bażiċi tal-output tal-manifattur; tali spejjeż tat-trasport ikunu identifikabbli bħala tali u rreġistrati bħala parti mill-konsum intermedju tal-manifattur;
 - (c) jekk il-kummerċjanti bl-ingrossa u bl-innut jirranġaw biex l-oġġetti jiġu mċaqilqa minn fejn jirċevuhom huma għall-post fejn jirċevihom ix-xerrej, l-ispejjeż involuti jiġu inklużi fil-marġni tal-kummerċ jekk it-trasport ma jiġix fatturat separatament lix-xerrej. Għal darb'oħra, bħal fil-każ tal-manifatturi, tali spejjeż jirrappreżentaw attività aċċellari ta' kummerċjanti bl-ingrossa u bl-innut jew ix-xiri ta' servizz intermedju, u b'hekk jidħlu fil-marġnijiet tal-kummerċ iżda mhux f'dawk tat-trasport;

(d) jekk unità domestika tixtri oġġetti għal skopijiet ta' konsum finali u tirranġa t-trasport minn parti terzi, dawn l-ispejjeż tat-trasport involuti jiġu rreġistrati bħala nefqa tal-konsum finali fuq servizzi tat-trasport u ma jiġux inklużi fil-marġnijiet tal-kummerċ jew tat-trasport.

9.39 It-Tabella 9.7 turi stampa pjuttost issimplifikata ta' matriċi tal-marġnijiet tal-kummerċ u tat-trasport, għar-raġunijiet li ġejjin:

- (a) fit-trasformazzjoni tal-użi, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kummerċ bl-ingrossa u l-kummerċ bl-imnut sabiex jitqiesu d-differenzi fil-prezzijiet tagħhom. Fit-tfassil tat-tabelli, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-kummerċjanti bl-ingrossa jbiegħu direttament lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-industriji, pereżempju l-għamara, u li l-kummerċjanti bl-imnut jbiegħu lill-industriji bħall-ħwienet tal-kafe u ristoranti, kif ukoll lill-unitajiet domestiċi;
- (b) fil-kalkolu u l-analiżi tal-marġnijiet tal-kummerċ fuq prodotti għan-nefqa tal-konsum finali mill-unitajiet domestiċi, għal kull grupp ta' prodotti, l-aktar kanali ta' distribuzzjoni importanti jistgħu jiġu distinti wkoll sabiex jitqiesu d-differenzi fil-prezzijiet tagħhom; id-distinzjoni bejn il-kummerċ bl-ingrossa u l-kummerċ bl-imnut mhix dettaljata biżżejjed. Pereżempju, jistgħu jinxtaw oġġetti u servizzi mill-unitajiet domestiċi minn supermarket, ħanut tal-merċa, ħanut tal-fjuri, department store, barra mill-pajjiż jew miksuba bħala introjtu in natura. Għal xi prodotti, il-bejgħ sekondarju huwa importanti pereżempju fil-każ ta' bejgħ tas-sigaretti mill-ħwienet tal-kafe, ir-ristoranti u l-pompi tal-petrol. Il-bejgħ mill-ħwienet bl-imnut jiġi aġġustat sabiex jinkiseb il-valur tal-bejgħ lill-unitajiet domestiċi, pereżempju bejgħ lin-negozji, lill-gvern u lit-turisti għandu jitnaqqas. Tabilħaqq, dawn id-distinzjonijiet jistgħu jsiru biss jekk s-sorsi tad-data disponibbli jipprovdu biżżejjed informazzjoni għall-istimi tal-importanza ta' kull wieħed mill-kanali tad-distribuzzjoni. Anki għall-kummerċjant jew trasportatur wieħed, il-prodotti differenti ġeneralment ikollhom marġnijiet differenti. Id-data dwar il-marġnijiet skont it-tip ta' prodott hija l-aktar adatta u l-aktar li tintuża meta disponibbli;
- (c) fil-kalkolu tal-marġnijiet tat-trasport, hija utli distinzjoni skont it-tip ta' trasport, pereżempju bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u mogħdijiet interni tal-ilma, u bit-triq.

Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodozzjoni u l-importazzjonijiet

9.40 It-taxxi fuq il-prodozzjoni u l-importazzjonijiet jikkonsistu:

- (a) mit-taxxi fuq il-prodotti (D.21):
- (1) mit-taxxi tat-tip tal-valur miżjud (VAT) (D.211);
 - (2) mit-taxxi u dazji fuq l-importazzjonijiet eskluż il-VAT (D.212);
 - (3) mit-taxxi fuq il-prodotti, ħlief il-VAT u t-taxxi fuq l-importazzjonijiet (D.214);
- (b) minn taxxi oħra fuq il-prodozzjoni (D.29).

Hemm kategoriji simili distinti għas-sussidji.

9.41 Il-provvista bil-prezzijiet bażiċi tinkludi taxxi oħra nieqes is-sussidji fuq il-prodozzjoni. Sabiex issir it-transizzjoni mill-prezzijiet bażiċi għall-prezzijiet tax-xerrejja, jiżdedu t-taxxi diversi fuq il-prodotti u jitnaqqsu s-sussidji fuq il-prodotti.

Tabella 9.8 — Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodotti

Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-provvista

	Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-provvista tal-prodotti						Taxxi totali nieqes is-sussidji fuq il-prodotti
	VAT	Taxxi fuq l-importazzjonijiet		Taxxi oħra fuq il-prodotti	Sussidji fuq l-importazzjonijiet	Sussidji oħra fuq il-prodotti	
Prodotti (CPA)							Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-provvista totali skont il-prodott u skont l-użu
1							
2							
3							
4							
Totali							

Tabella 9.8 — Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodotti (tkompli)

Taxxi nieqes is-sussidji fuq l-użi

	Taxxi totali nieqes is-sussidji fuq il-prodotti	Taxxi nieqes is-sussidji fuq l-użi tal-prodotti
		Industriji (NACE) 1 - 2 - 3 - 4 -
Prodotti (CPA)	Taxxi nieqes is-sussidji fuq l-prodotti għall-utenti finali	Taxxi nieqes is-sussidji fuq il-konsum intermedju tal-prodotti skont l-industrija
1	Konsum finali	
2	(a) unitajiet domestiċi	
3	(b) NPISH	
4	(c) gvern	
	Formazzjoni grossa ta' kapital:	
	(d) formazzjoni grossa ta' kapital fiss	
	(e) bidliet fl-oġġetti ta' valur	
	(f) bidliet fl-inventarji	
	Esportazzjonijiet	

9.42 It-Tabella 9.8 tat-taxxi nieqes is-sussidji fuq il-prodotti hija ssimplifikata, fil-modi li ġejjin:

(a) għall-użu ta' prodotti, it-tipi differenti ta' taxxi fuq il-prodotti mhumiex distinti u s-sussidji ma jidhrux separatament; għall-provvista ta' prodotti, jiġu distinti tliet tipi biss ta' taxxi fuq il-prodotti u żewġ tipi biss ta' sussidji. Ġeneralment, huwa utli li kull tip ewlieni ta' taxxa jew sussidji fuq il-prodotti jidher separatament u mbagħad it-total jiġi allokat lill-gruppi diversi tal-prodotti;

(b) jistgħu japplikaw rati tat-taxxa u sussidji differenti lil kanali ta' distribuzzjoni differenti; dawn tal-aħħar għandhom għalhekk jiġu distinti meta jkun rilevanti u jkun hemm biżżejjed informazzjoni.

9.43 It-taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti huma l-ammonti dovuti għall-ħlas biss meta jkun hemm evidenza permezz ta' valutazzjonijiet tat-taxxa, dikjarazzjonijiet eċċ. jew l-ammonti effettivament imħallsa. Fil-kompilazzjoni tat-tabelli tal-provvista u l-użu, it-taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti normalment jiġu stmati skont il-prodott bl-applikazzjoni tar-rati uffiċjali tat-taxxa jew tas-sussidju lill-flussi varji tad-domanda. Wara għandha ssir valutazzjoni tad-differenzi fir-rigward tal-valutazzjonijiet tat-taxxa jew l-ammonti effettivament imħallsa.

(a) xi wħud minn dawn id-differenzi jindikaw li l-istima inizjali tat-taxxi fuq il-prodotti fit-tabelli tal-provvista u l-użu ma jikkonformawx mad-definizzjonijiet tas-SEK:

(1) fil-każ tal-eżenzjoni, l-istima inizjali tat-taxxi fuq il-prodotti għalhekk titnaqqas;

(2) fil-każ ta' attivitajiet ekonomiċi moħbija jew l-evazzjoni tal-ħlas tat-taxxi fuq il-prodotti, bħal meta l-ħlas tat-taxxi jkun obligatorju iżda ma jkunx hemm valutazzjoni tat-taxxa, l-istima tat-taxxi fuq il-prodotti għalhekk titnaqqas;

(b) fxi ċirkostanzi, id-differenzi jistgħu jindikaw li l-istima inizjali tat-taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti hija żbaljata, pereżempju billi l-output ta' xi prodott ikun sottostimat. Modifiki tal-estimi tal-flussi tal-oġġetti u s-servizzi jistgħu mbagħad isiru.

9.44 Il-VAT tista' titnaqqas, ma titnaqqasx jew ma tkunx applikabbli:

(a) il-VAT li tista' titnaqqas tapplika għall-biċċa l-kbira tal-konsum intermedju, il-biċċa l-kbira tal-formazzjoni grossa ta' kapital fiss u parti mill-bidliet fl-inventarji;

(b) il-VAT li ma tistax titnaqqas ta' spiss tapplika għan-nefqa tal-konsum finali mill-unitajiet domestiċi, parti mill-formazzjoni grossa ta' kapital fiss bħal abitazzjonijiet ġodda okkupati mis-sidien, parti mill-bidliet fl-inventarji u parti mill-konsum intermedju, pereżempju l-konsum intermedju tal-unitajiet governattivi u l-korporazzjonijiet finanzjarji;

(c) il-VAT ġeneralment ma tapplikax għal:

- (1) esportazzjonijiet lejn pajjiżi barra mill-UE;
- (2) il-bejgħ ta' kull oġġett jew servizz soġġett għal rata tal-VAT ta' żero irrispettivament mill-użu tagħhom; madankollu, rata tal-VAT ta' żero timplika li l-VAT imħallsa fuq ix-xiri għad tista' tiġi rkuprata; il-konsum intermedju u l-formazzjoni grossa ta' kapital ta' dawn il-produtturi għalhekk jiġu kkoreġuti bl-ammont ta' VAT irkuprat;
- (3) kull produttur eżentat mir-reġistrazzjoni tal-VAT, bħal negozji żgħar u organizzazzjonijiet reliġjużi; f'din is-sitwazzjoni, id-dritt li l-VAT fuq ix-xiri tiġi rkuprata jkun ġeneralment ristrett.

9.45 Il-VAT tiġi rreġistrata netta: il-provvisti kollha jiġu vvalutati bil-prezzijiet bażiċi, jiġifieri mingħajr il-VAT iffatturata; l-użi intermedji u finali jiġu rreġistrati bil-prezzijiet tax-xerrejja, jiġifieri mingħajr il-VAT li tista' titnaqqas.

Kunċetti bażiċi oħra

9.46 Fit-tabelli tal-provvista u l-użu, jintużaw żewġ entrati ta' aġġustament fir-rikonċiljazzjoni tal-valutazzjoni tal-importazzjonijiet fit-tabelli tal-provvista u l-użu u l-valutazzjoni misjuba fil-kontijiet tas-settur istituzzjonali.

Fit-tabella tal-provvista, sabiex tinkiseb valutazzjoni komparabbli mal-produzzjoni domestika fl-istess grupp ta' prodotti, l-importazzjonijiet tal-oġġetti jiġu vvalutati bil-valuri CIF. Il-valur CIF jinkludi s-servizzi tat-trasport u l-assigurazzjoni pprovduti mir-residenti, bħat-trasport tal-individwu stess jew trasport minn trasportaturi residenti speċjalizzati. Sabiex tinkiseb valutazzjoni konsistenti bejn l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet, l-esportazzjonijiet tas-servizzi għandhom jinkludu dan il-valur.

Fil-kontijiet tas-settur istituzzjonali, l-importazzjonijiet tal-oġġetti jiġu vvalutati b'valuri FOB, jiġifieri konformi mal-valutazzjoni għall-esportazzjonijiet tal-oġġetti. Madankollu, fil-każ tal-valutazzjoni FOB il-valur tas-servizzi tat-trasport u l-assigurazzjoni pprovduti mir-residenti, li huwa inkluż fl-esportazzjoni tas-servizzi, ikun iżgħar billi jkopri biss dawq is-servizzi pprovduti fil-pajjiż li qed jesporta. Ir-riżultat tal-użu ta' prinċipji differenti ta' valutazzjoni huwa li l-importazzjonijiet totali netti jkunu l-istess, iżda li kemm l-importazzjonijiet totali kif ukoll l-esportazzjonijiet totali jkunu ikbar għall-valutazzjoni CIF.

Iż-żewġ prinċipji ta' valutazzjoni jistgħu jiġu rikonċiljati fit-tabelli tal-provvista u l-użu bl-introduzzjoni ta' entrati ta' aġġustament għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-esportazzjonijiet. L-entrati ta' aġġustament għandhom ikunu daqs il-valur tas-servizzi tat-trasport u l-assigurazzjoni mir-residenti inkorporati fil-valur CIF iżda mhux fil-valur FOB, jiġifieri jirreferu għat-trasport u l-assigurazzjoni mill-fruntiera tal-pajjiż li qed jesporta sal-fruntiera tal-pajjiż li qed jimporta. Tali entrati ta' aġġustament, ladarba jiġu inkorporati fit-tabelli tal-provvista u l-użu, ma jeħtieġu ebda trattament speċjali fil-kalkoli tal-input-output.

9.47 It-trasferiment ta' oġġetti eżistenti jiġi rreġistrat fit-tabella tal-użu bħala nefqa negattiva għall-bejgiegħ u nefqa pożittiva għax-xerrej. Għall-grupp ta' prodotti involut, it-trasferiment ta' oġġett eżistenti jammonta għal riklassifikazzjoni fost l-użi. L-ispejjeż tat-transazzjoni biss mhumiex trattati bħala riklassifikazzjoni: dawn jiġu rreġistrati bħala użu ta' servizzi, pereżempju, servizzi tan-negozju jew professjonali. Għall-iskopijiet tad-deskrizzjoni u l-analiżi, jista' jkun utli li jintwera li, għal xi gruppi ta' prodotti, id-daqs relattiv tat-trasferiment ta' oġġetti eżistenti separatament, pereżempju l-importanza tal-karozzi second-hand fis-suq tal-karozzi ġodda kif ukoll karozzi second-hand, jew ir-rwol tal-karta riċiklata fil-provvista tal-prodotti tal-karti.

9.48 Biex wieħed jifhem tajjeb it-tabelli tal-provvista u l-użu, huwa utli li jifakkru xi wħud mill-konvenzjonijiet tal-kontabbiltà użati fis-SEK.

(a) l-industriji jikkonsistu minn grupp ta' unitajiet ta' attività ekonomika (KAUs) lokali involuti f'attività ekonomika identika jew simili. Karatteristika importanti tat-tabelli tal-provvista u l-użu hija li dawn jirreġistraw l-attivitàjiet sekondarji separatament. Dan jimplika li l-KAUs ma jeħtieġux ikunu omoġeni fl-attivitàjiet tal-produzzjoni tagħhom. Il-kunċett ta' KAUs huwa spjegat f'aktar dettall fil-Kapitolu 2. Unità tal-produzzjoni kompletament omoġenja tintuża ftabella simetrika input-output skont il-prodott;

(b) jekk stabbiliment li jwettaq biss attivitàjiet purament anċillari jkun osservabbli statistikament, jiġifieri l-kontijiet separati għall-produzzjoni li jagħmel ikunu disponibbli faċilment, jew jekk ikun f'post ġeografikament differenti mill-istabbiliment li jaqdi, dan jitniżżel bħala unità separata u jiġi allokat lill-klassifikazzjoni industrijali korrispondenti għall-attività prinċipali tiegħu, fil-kontijiet kemm nazzjonali kif ukoll reġjonali. Fin-nuqqas ta' data bażika adatta disponibbli, l-output tal-attività anċillari jista' jiġi stmat billi jingħaddu l-ispejjeż.

Jekk l-ebda waħda minn dan il-kondizzjonijiet ma tkun sodisfatta, l-inputs kollha kkunsmati minn attività anċillari bħall-materjali, ix-xogħol, il-konsum ta' kapital fiss, jiġu trattati bħala inputs fl-attività prinċipali jew sekondarja li huma jappoġġaw;

- (c) l-oġġetti jew is-servizzi prodotti u kkunsmati fl-istess perijodu ta' kontabbiltà u fl-istess KAU lokali ma jiġux identifikati b'mod separat. Għalhekk dawn ma jiġux irreġistrati bħala parti mill-output jew il-konsum intermedju ta' tali KAU lokali;
- (d) ipproċessar minuri, manutenzjoni, servicing jew tiswija fisem KAUs lokali oħrajn għandhom jiġu rreġistrati netti, jiġifieri mingħajr il-valur tal-oġġetti involuti;
- (e) l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet iseħħu meta jkun hemm bidla fis-sjieda bejn residenti u dawk mhux residenti. Il-moviment fiżiku ta' oġġetti minn fruntiera nazzjonali għall-oħra, fiha innifsu ma jimplikax importazzjoni jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti. Oġġetti mibgħuta barra għall-ipproċessar ma jiġux rreġistrati bħala esportazzjonijiet u importazzjonijiet. Bil-maqlub ta' dan, ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti ma' dawk mhux residenti mingħajr mal-oġġetti jidhru fl-ekonomija tan-negozjant jiġu rreġistrati bħala esportazzjonijiet u importazzjonijiet fil-kontijiet tal-produttur u x-xerrej finali, u esportazzjoni netta ta' oġġetti negozjati tidher fil-kontijiet tal-ekonomija merkantili;
- (f) l-oġġetti dewwiema jistgħu jinkrew jew ikunu soġġetti għal kiri operattiv. F'dawn il-każijiet, huwa jiġu rreġistrati bħala formazzjoni ta' kapital fiss u stokk ta' kapital fiss fl-industrija tas-sid tagħhom; fl-industrija tal-utent jiġi rreġistrat il-konsum intermedju bl-ammont tal-keramika mħallas;
- (g) persuni li jaħdmu permezz ta' aġenziji temporanji jiġu rreġistrati bħala impjegati fl-industrija ta' dawk l-aġenziji u mhux fl-industrija fejn ikunu qed jaħdmu verament. B'konsegwenza ta' dan, fl-industrija tal-aħħar, il-miżati mħallsa lill-aġenzija għall-provvista tal-ħaddiema jiġu rreġistrati bħala konsum intermedju u mhux bħala kumpens tal-impjegati. Il-manodopera esternalizzata tiġi trattata bħala servizzi pprovduti;
- (h) l-impjeg u l-kumpens tal-impjegati huma kunċetti wesgħin:
- (1) l-impjeg għal raġunijiet soċjali wkoll jgħodd bħala impjeg; dan japplika, pereżempju, għal postijiet tax-xogħol għal persuni b'diżabbiltà, proġetti ta' impjeg għal persuni li ilhom żmien twil qiegħda u programmi ta' impjegi għal żgħażagħ li qed ifittxu x-xogħol. B'konsegwenza ta' dan, in-nies involuti huma impjegati u jirċievu kumpens ta' impjegati u mhux trasferimenti soċjali, għalkemm il-produttività tagħhom tista' tkun inqas minn dik ta' impjegati oħra;
 - (2) l-impjegi jinkludu każijiet fejn il-persuni involuti ma jkunux mistennija jaħdmu, eż. persuni mkeċċija iżda li jirċievu għal perijodu partikolari ħlasijiet mingħand dak li kien iħaddimhom qabel. Madankollu, l-impjeg f'termini ta' sığhat maħduma ma jġarrabx distorsjonijiet minn din il-konvenzjoni, billi fil-fatt ma jkunux inħadmu sığhat.

Informazzjoni supplimentari

9.49 It-Tabella 9.6 tal-użu fiha informazzjoni supplimentari: formazzjoni grossa ta' kapital fiss, stokkijiet ta' assi fissi u impjegi skont l-industrija. It-tqassim f'impjegati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom huwa informazzjoni addizzjonali ta' valur. L-informazzjoni dwar il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss u stokkijiet ta' assi fissi skont l-industrija hija meħtieġa biex jiġi derivat il-konsum ta' kapital fiss skont l-industrija u għar-reġistrazzjoni tal-VAT li ma tistax titnaqqas fuq il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss. Huwa importanti għal skopijiet ta' kompilazzjoni li l-impjegi jidhru skont l-industrija:

- iċ-ċifri tal-impjegi spiss jintużaw biex jiġu estrapolati l-valuri tal-output, il-kumpens tal-impjegati, il-konsum intermedju u l-introjtu mħallat;
- il-proporzjonijiet ewlenin bħall-output, il-kumpens tal-impjegati u l-introjtu mħallat għal kull unità ta' xogħol bħas-sığhat maħduma, jistgħu jitqabblu fuq tul ta' żmien u skont l-industrija biex tiġi kkontrollata l-plawsibbiltà tal-estimi;
- huwa utli li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-valuri skont l-industrija u d-data tal-impjegi skont l-industrija. Pereżempju, mingħajr rabta espliċita mad-data dwar l-impjegi, il-proċess ta' bilanċjar jista' jirriżulta f'tibdil fil-valuri skont l-industrija mingħajr tibdil korrispondenti fiċ-ċifri tal-impjegi.

Huwa utli wkoll li tiddied l-informazzjoni dwar l-impjegi skont l-industrija għall-analiżi tal-impjegi u l-produttività.

SORSI TAD-DATA U BBILANĊJAR

9.50 Għall-kompilazzjoni tal-output skont l-industrija u l-prodott, is-sorsi ewlenin tad-data normalment ikunu sħarriġiet ekonomiċi tal-intrapriżi, sħarriġiet tal-produzzjoni u rapporti annwali jew kontijiet tan-negozju minn kumpanniji kbar. L-isħarriġiet ġeneralment ikunu eżawrjenti għall-kumpanniji kbar filwaqt li jsir sħarriġ b'kampjun għall-kumpanniji ta' daqs żgħir. Għal xi attivitajiet speċifiċi, jistgħu jkun relevanti sorsi ta' data differenti, pereżempju għal korpi superviżorji, kontijiet tal-gvern lokali u ċentrali jew fondi tas-sigurtà soċjali.

- 9.51 Tali *data* tiġi użata biex jitħejja l-ewwel sett inkomplet ta' tabelli tal-provvista u l-użu. Dawn jiġu bbilanċjati f'diversi passi. L-ibbilanċjar manwali f'livell baxx ta' aggregazzjoni, jipprovdi kontrolli importanti fuq l-iżbalji fis-sorsi tad-*data*, żbalji fis-sistema u fl-istess ħin jistgħu jsiru modifiki tad-*data* bażika, biex issir korrezzjoni tad-differenzi kunċettwali u l-unitajiet nieqsa. Jekk ir-rikonċiljazzjoni ssir f'livell ogħla ta' aggregazzjoni, bl-użu ta' proċess awtomatiku ta' bbilanċjar jew proċess sekwenzjali strett ħafna ta' bbilanċjar, il-biċċa l-kbira ta' dawk il-kontrolli jkunu nieqsa, billi l-iżbalji jikkonċellaw ruħhom u l-kawżi tal-iżball ma jkunux jistgħu jiġu ttraċċati.

GĦODDA GĦALL-ANALIŻI U L-ESTENSIJONIJIET

- 9.52 Għall-analiżi, jistgħu jintużaw tliet tipi ta' tabelli:

- tabelli tal-provvista u l-użu;
- tabella simetrika input-output industrija b'industrija;
- tabella simetrika input-output prodott bi prodott.

It-tabelli simetriċi input-output jistgħu jiġu derivati mit-tabelli tal-provvista u l-użu, bil-prezzijiet kurrenti, u wkoll bil-prezzijiet tas-snin preċedenti.

- 9.53 It-Tabella 9.6 dwar l-użu ma turix sa liema punt l-oġġetti u s-servizzi użati jkunu ġew prodotti domestikament jew importati. Din l-informazzjoni hija neċessarja għal analiżijiet fejn ir-rabta bejn il-provvista u l-użu tal-oġġetti u s-servizzi fl-ekonomija nazzjonali għandha rwol. Pereżempju l-analiżi tal-impatt tat-tibdil fl-esportazzjonijiet jew n-nefqa tal-konsum finali fuq l-importazzjonijiet, il-produzzjoni domestika u varjabbli relatati bħall-impjeggi. Għalhekk, il-qafas input-output jibbenefika minn tabelli separati tal-użu għall-prodotti importati u l-oġġetti u s-servizzi prodotti domestikament.
- 9.54 It-tabella tal-użu għall-prodotti importati tiġi kkompilata billi tiġi sfruttata l-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-użi tal-importazzjonijiet, pereżempju għal xi prodotti l-intrapriżi importaturi ewlenin jistgħu jkunu magħrufa u għal xi produttori tista' teżisti informazzjoni dwar l-ammont ta' importazzjonijiet. Madankollu, ġeneralment l-informazzjoni statistika diretta dwar l-użu tal-importazzjonijiet tkun skarsa. Għalhekk, normalment din l-informazzjoni jeħtieġ tiġi supplimentata minn assunzjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-grupp ta' prodotti li għandu jintuża.
- 9.55 It-tabella tal-użu għall-oġġetti u s-servizzi prodotti domestikament tista' mbagħad tinkiseb bit-tnaqqis tat-tabella tal-użu għall-prodotti importati mit-tabella tal-użu għall-ekonomija intiera.
- 9.56 Fit-teorija, jeżistu erba' mudelli bażiċi għat-trasformazzjoni ta' tabella tal-provvista u l-użu f'tabella simetrika input-output. Dawn il-mudelli huma bbażati jew fuq it-teknoloġija jew fuq assunzjonijiet ta' struttura fissa tal-bejgħ. L-aktar li tintuża hija l-assunzjoni tat-teknoloġija tal-prodott: kull prodott jiġi prodott fil-mod speċifiku tiegħu, irrISPETTIVAMENT mill-industrija li fih jiġi prodott. Din l-assunzjoni spiss tintuża biex tiġi derivata tabella input-output prodott bi prodott. It-tieni mudell komuni juża l-assunzjoni tal-istruttura fissa ta' bejgħ tal-prodotti (assunzjoni tas-sehem tas-suq): kull prodott għandu l-istruttura tal-bejgħ speċifika tiegħu, irrISPETTIVAMENT mill-industrija li tipproduċih; dan l-approċċ spiss jintuża biex tiġi derivata tabella input-output industrija b'industrija. Huma possibbli mudelli ibridi li jħalltu dawn l-assunzjonijiet. Il-mudelli bbażati fuq assunzjonijiet ta' teknoloġija tal-industrija jew ta' strutturi fissi ta' bejgħ tal-industrija għandhom inqas relevanza Prattika minħabba l-probabbiltà baxxa li jseħħu fil-prattika. Fil-Kapitolu 11 tal-*Eurostat Manual of Supply, Use and Input-output Tables (2008 edition)* ⁽¹⁾ hemm diskussjoni tal-mudelli alternattivi u l-proċessi ta' trasformazzjoni.
- 9.57 L-għażla tal-aħjar assunzjoni li għandha tiġi applikata f'kull każ mhijiex waħda faċli. Tiddependi mill-istruttura tal-industrija nazzjonali, eż. il-grad ta' speċjalizzazzjoni, u fuq l-omoġeneità tat-teknoloġiji nazzjonali użati għall-produzzjoni ta' prodotti fl-istess grupp ta' prodotti u, mhux l-inqas, fuq il-livell ta' dettall tad-*data* bażika.

L-applikazzjoni sempliċi tal-assunzjoni tat-teknoloġija tal-prodott tagħti riżultati li mhumiex aċċettabbli, billi l-koeffiċjenti input-output li xi kultant jiġu ġġenerati jkunu improbabbli jew saħansitra impossibbli, fl-għamla ta' koeffiċjenti negattivi. Il-koeffiċjenti improbabbli jistgħu jkunu dovuti għal żbalji fil-kejl u għall-eteroġeneità tat-taħlita tal-prodotti fl-industrija li l-prodott trasferit ikun il-prodott prinċipali tagħha. Dan jista' jiġi indirizzat billi jsiru aġġustamenti bbażati fuq informazzjoni supplimentari jew l-użu ta' ġudizzju infurmat kemm jista' jkun. Soluzzjoni oħra tkun li tiġi applikata l-assunzjoni alternattiva tal-istruttura fissa ta' bejgħ tal-prodotti. Fil-prattika, l-użu ta' assunzjonijiet ta' teknoloġija mħallta, flimkien ma' informazzjoni supplimentari, wera li huwa approċċ utli għall-kompilazzjoni ta' tabelli simetriċi input-output.

⁽¹⁾ Eurostat, *Eurostat Manual of Supply, Use and Input-Output Tables (2008 edition)*, 2008, (tinstab fuq: <http://epp.eurostat.ec.europa.eu>).

9.58 It-tabella simetrika input-output tista' titqassam f'żewġ tabelli:

(a) matriċi li turi l-użu tal-importazzjonijiet; il-format ta' din it-tabella huwa l-istess bħal dak tat-tabella tal-importazzjoni li tappoġġja t-tabella tal-provvista u l-użu, ħliet li tintuża struttura simetrika bl-istess klassifikazzjoni fuq iż-żewġ assi;

(b) tabella simetrika input-output għall-output domestiku.

It-tabella tal-aħħar għandha tintuża fil-kalkolu tal-koeffiċjenti akkumulati, jiġifieri l-invers Leontief. L-invers Leontief huwa l-invers tad-differenza bejn il-matriċi I tal-identità u l-matriċi tal-koeffiċjenti tal-input tekniku miksuba mill-matriċi tal-output domestiku użat għall-konsum domestiku. L-invers Leontief jista' wkoll jiġi derivat għall-importazzjonijiet. Wieħed għandu mbagħad jassumi li l-importazzjonijiet ġew prodotti bl-istess mod bħall-prodotti domestiċi kompetituri.

9.59 It-tabelli tal-provvista u l-użu u t-tabelli simetriċi input-output jistgħu jintużaw bħala għodod tal-analiżi ekonomika. Iż-żewġ tipi ta' tabelli għandhom mertu differenti. It-tabelli simetriċi input-output huma disponibbli faċilment għall-kalkolu mhux biss tal-effetti diretti iżda wkoll tal-effetti indiretti u kumulattivi. Jistgħu jkunu wkoll ta' kwalità tajba meta għarfien espert u tipi differenti ta' statistika jkunu ntużaw fid-derivazzjoni tat-tabelli mit-tabelli tal-provvista u l-użu.

9.60 It-tabelli industrija b'industrija huma utli għat-tweqqif tal-analizzijiet marbuta mal-industriji, eż. ir-riforma fiskali, l-analiżi tal-impatt, il-politika fiskali u l-politika monetarja; huma eqreb ukoll għas-sorsi varji tal-istatistika. It-tabelli prodott bi prodott huma adatti sew għall-analizzijiet marbuta mal-unitajiet omoġenji tal-produzzjoni, eż. il-produttività, il-paragun tal-istrutturi tal-ispejjeż, l-effetti tal-impjiegi, il-politika tal-enerġija u l-politika ambjentali.

9.61 Madankollu, il-karatteristiċi analitiċi tat-tabelli prodott bi prodott u t-tabelli industrija b'industrija mhumiex differenti b'mod sinifikattiv. Id-differenzi bejn it-tabelli prodott bi prodott u t-tabelli industrija b'industrija huma kkawżati mill-eżistenza ta' ammont ġeneralment limitat ta' produzzjoni sekondarja. Fil-prattika, l-użi analitiċi tat-tabelli input-output jassumu impliċitament teknoloġija tal-industrija, irrispettivament minn kif ikunu ġew kompilati t-tabelli oriġinarjament. Barra minn hekk, fil-prattika, kull tabella prodott bi prodott hija tabella industrija b'industrija manipolata, billi għad fiha l-karatteristiċi kollha tal-KAU istituzzjonali u tal-intrapriżi tat-tabelli tal-provvista u l-użu.

9.62 Ġeneralment, ħafna tipi speċifiċi ta' analiżi huma moqdija minn tabelli tal-provvista u l-użu u tabelli simetriċi input-output, pereżempju:

(a) analiżi tal-produzzjoni, l-istrutturi tal-ispejjeż u l-produttività;

(b) analiżi tal-prezzijiet;

(c) analiżi tal-impjiegi;

(d) analiżi tal-istruttura tal-formazzjoni ta' kapital, il-konsum finali, l-esportazzjonijiet, eċċ.;

(e) analiżi tat-tkabbir ekonomiku bl-użu tal-ishma tal-ispejjeż akkumulati biex jiġu allokati importazzjonijiet lill-użi finali diversi;

(f) analiżi tal-kontribuzzjoni lit-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi tal-esportazzjonijiet lil (gruppi ta') pajjiżi oħra;

(g) analiżi tal-importazzjonijiet tal-enerġija meħtieġa;

(h) analiżi tal-impatt tat-teknoloġiji ġodda;

(i) analiżi tal-effetti tat-tibdil fir-rati tat-taxxa (eż. il-VAT) jew l-introduzzjoni ta' paga minima nazzjonali;

(j) analiżi tar-relazzjoni bejn il-produzzjoni domestika u l-ambjent, eż. konċentrazzjoni fuq l-użu ta' prodotti speċifiċi bħall-fjuwil, il-karti u l-ħġieġ jew l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu.

Mudell makro jista' wkoll jinkludi biss l-ishma tal-ispejjeż akkumulati kkalkulati mit-tabelli input-output. B'dan il-mod, l-informazzjoni mit-tabella input-output dwar l-effetti diretti u indiretti, eż. l-importanza tal-ispejjeż tax-xogħol jew l-importazzjonijiet tal-enerġija għall-konsum privat jew l-esportazzjonijiet, tiġi inkorporata fil-mudell makro u tista' tintuża għall-analiżi u l-previżjonijiet.

9.63 Sabiex jaqdu skopijiet aktar speċifiċi, it-tabelli tal-provvista u l-użu u t-tabelli simetriċi input-output jistgħu jiġu modifikati bl-introduzzjoni ta' klassifikazzjonijiet alternattivi u supplimentari. L-aktar eżempji importanti huma dawn li ġejjin:

- (a) klassifikazzjonijiet aktar dettaljati tal-prodotti u l-industriji bbażati fuq il-klassifikazzjonijiet nazzjonali jew biex jittqiesu l-iskopijiet speċifiċi, eż. għall-analiżi tar-rwol tar-riċerka u l-iżvilupp fl-ekonomija nazzjonali;
- (b) tqassim ġeografiku aktar dettaljat tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet, eż. il-kummerċ intra-UE sottoklassifikat skont il-pajjiż, u l-kummerċ extra-UE sottoklassifikat skont ir-reġjun ekonomiku u xi pajjiżi speċifiċi bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina, l-Indja u l-Ġappun;
- (c) il-klassifikazzjoni tal-importazzjonijiet fi:
 - (1) importazzjonijiet ta' prodotti li jiġu prodotti wkoll domestikament ("importazzjonijiet kompetittivi");
 - (2) importazzjonijiet ta' prodotti li ma jiġux prodotti domestikament ("importazzjonijiet komplementari").

Iż-żewġ tipi ta' importazzjonijiet jistgħu jkunu mistennija li jkollhom relazzjoni differenti mal-ekonomija nazzjonali u jkollhom importanza differenti. L-importazzjonijiet kompetittivi jistgħu jkunu s-suġġett tal-analiżi u l-politika ekonomika billi jistgħu jkunu sostitut għall-output domestiku; għalhekk jistgħu jiġu inkorporati bħala kategorija separata ta' użu finali potenzjali fit-tabelli tal-użu. Għall-importazzjonijiet komplementari, pereżempju fil-każ ta' żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-enerġija, l-analiżijiet ser jiffokaw prinċipalment fuq l-impatt tal-bidliet fil-prezzijiet tagħhom u l-ekonomija nazzjonali;

- (d) klassifikazzjoni tal-kumpens tal-impjegati skont il-kriterji bħal-livell tal-edukazzjoni, part-time/full-time, l-età u s-sess. Din il-klassifikazzjoni mbagħad tista' tiġi applikata wkoll lill-informazzjoni supplimentari dwar l-impjegati. B'dan il-mod, it-tabelli tal-provvista u l-użu jistgħu jintużaw ukoll għall-analiżijiet tas-suq tax-xogħol;
- (e) tqassim tal-kumpens tal-impjegati f:
 - (1) pagi u salarji, inklużi kontribuzzjonijiet soċjali mill-impjegati;
 - (2) kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem.

Dan it-tqassim jippermetti li ssir analiżi tar-rwol tal-kontribuzzjonijiet soċjali fuq il-prezz tal-inputs ta' xogħol u t-trasferiment ta' dan il-piż għall-eċċess operattiv gross;

- (f) il-klassifikazzjoni tal-konsum finali skont l-iskop, li għall-unitajiet domestiċi huwa COICOP, għall-NPISH huwa COPNI u għall-gvern huwa COFOG. Il-klassifikazzjoni funzjonali ta' din in-nefqa jippermetti li jiġi vvalutat l-impatt ta' kull funzjoni tal-bqija tal-ekonomija. Pereżempju, l-importanza tan-nefqa pubblika u privata fuq is-saħħa, it-trasport u l-edukazzjoni tista' mbagħad tiġi vvalutata.

KAPITOLU 10

KEJL TA' PREZZ U TA' VOLUM

- 10.01 F'sistema ta' kontijiet ekonomiċi, il-flussi u l-istokkijiet kollha huma espressi f'unitajiet monetarji. L-unità monetarja hija l-uniku denominatur komuni li jista' jintuża biex jinstab il-valur ta' transazzjonijiet estremament diversi reġistrati fil-kontijiet u biex jinkisbu entrati saldatorji sinifikanti.

Il-problema hija li meta tintuża unità monetarja bħala unità ta' kejl, din l-unità la hija stabbli u lanqas ma hija standard internazzjonali. Tħassib kbir fl-analiżi ekonomika huwa l-kejl tat-tkabbir ekonomiku f'termini ta' volum bejn perijodi differenti. Għalhekk huwa neċessarju li wieħed jiddistingwi, fil-bidliet tal-valuri għal ċerti aggregati ekonomiċi, il-bidliet li jirriżultaw unikament minn bidliet fil-prezz mill-bqija li jissejjaħ il-bidla fil-"volum".

L-analiżi ekonomika tirrigwarda wkoll paraguni fl-ispazju, jiġifieri bejn ekonomiji nazzjonali differenti. Dawn jiffukaw fuq paraguni internazzjonali f'termini ta' volum tal-livell ta' produzzjoni u introjtu, iżda l-livell tal-prezzijiet huwa wkoll ta' interess. Għalhekk huwa neċessarju li d-differenzi jiġu maħduma fil-valur ta' aggregati ekonomiċi bejn pari jew gruppi ta' pajjiżi f'komponenti, li jirriflettu d-differenzi fil-volum u d-differenzi fil-prezz.

- 10.02 Fil-każ ta' paraguni temporali ta' flussi u stokkijiet, għandha tingħata l-istess importanza lill-kejl preċiż tal-bidliet fil-prezzijiet u fil-volumi. Fil-medda qasira ta' żmien, l-osservazzjoni tal-bidliet fil-prezzijiet mhijiex inqas intersantanti mill-kejl fil-volum tal-provvista u d-domanda. Fuq medda itwal ta' żmien, l-istudju ta' tkabbir ekonomiku għandu jqis il-movimenti fil-prezzijiet relattivi tat-tipi differenti ta' oġġetti u servizzi.

L-objettiv primarju mhuwiex li sempliċement jiġi pprovdut kejl komprensiv ta' bidliet fi prezzijiet u volumi għall-aggregati ewlenin tas-sistema, iżda biex jinbena sett ta' kejl interdipendenti li jippermetti analiżijiet sistematiċi u ddettaljati tal-inflazzjoni, tat-tkabbir u tal-fluttwazzjonijiet ekonomiċi.

- 10.03 Ir-regola ġenerali għall-paraguni fl-ispazju hija li għandu jkun hemm kejl preċiż kemm fil-komponenti tal-volumi kif ukoll tal-prezzijiet tal-aggregati ekonomiċi. Billi d-diskrepanza bejn il-formuli Laspeyres u Paasche spiss hija sinifikanti fil-paraguni spazjali, il-formula tal-Indiċi Fisher hija l-unika waħda aċċettabbli għal dan l-iskop.

- 10.04 Kontijiet ekonomiċi għandhom il-vantaġġ li jipprovdu qafas adatt biex tinbena sistema ta' indiċijiet ta' volum u ta' prezz kif ukoll li tiġi żgurata l-konsistenza tad-*data* statistika. Il-vantaġġi ta' approċċ tal-kontabbiltà, fil-qosor jistgħu jitfissru kif ġej:

(a) fuq livell kunċettwali, l-użu ta' qafas ta' kontabbiltà li jkopri s-sistema ekonomika kollha jirrikjedi li l-prezzijiet u l-unitajiet fiżiċi għall-prodotti differenti u l-flussi fis-sistema jkunu speċifikati b'mod konsistenti. F'qafas ta' dan it-tip, il-kunċetti ta' prezzijiet u volumi għal grupp speċifiku ta' prodotti jiġu ddefiniti b'mod identiku kemm fir-riżorsi kif ukoll fl-użi;

(b) fuq il-livell ta' statistika, l-użu tal-qafas tal-kontijiet ekonomiċi jimponi limiti ta' kontabbiltà li għandhom jiġu rrispettati kemm fil-prezzijiet kurrenti kif ukoll f'termini ta' volum u normalment jirrikjedu li jsiru xi aġġustamenti biex jiżguraw il-konsistenza tad-*data* tal-prezzijiet u tal-volumi;

(c) barra minn hekk, il-ħolqien ta' sistema integrata ta' indiċijiet ta' prezz u ta' volum fil-kuntest ta' sistema ta' kontijiet ekonomiċi jippermetti lill-kontabilista nazzjonali jwettaq kontrolli żejda. Jekk wieħed jassumi l-eżistenza ta' sistema bbilanċjata ta' tabelli tal-provvista u l-użu fil-prezzijiet kurrenti, il-kostruzzjoni ta' tabelli bbilanċjati bħal dawn f'termini ta' volum tfisser li sistema ta' indiċijiet tal-prezzijiet impliċiti tista' tiġi dderivata awtomatikament. L-eżaminar tal-plawsibilità ta' dawn l-indiċijiet dderivati jista' jwassal għal revizzjoni u korrezzjoni tad-*data* f'termini ta' volum u anki, f'xi każijiet, tal-valuri fil-prezzijiet kurrenti;

(d) l-approċċ tal-kontabbiltà jippermetti li jitkejlu l-bidliet fil-prezzijiet u l-volumi għal ċerti entrati saldatorji fil-kontijiet, b'dan tal-aħħar jiġi dderivat b'definizzjoni minn elementi oħra fil-kontijiet.

- 10.05 Minkejja l-iżvantaġġi ta' sistema integrata bbażata fuq il-bilanċ, kemm fit-total u kemm skont l-industrija, tat-transazzjonijiet fl-oġġetti u fis-servizzi, għandu jiġi rikonoxxut li l-indiċijiet ta' prezz u ta' volum li jkunu inkisbu b'dan il-mod ma jilhqax il-tiġijiet kollha u ma jwegħbu l-mistoqsijiet kollha possibbli fuq is-suġġett tal-bidla fil-prezzijiet jew volum. Il-limiti ta' kontabbiltà u l-għażla tal-formuli tal-indiċijiet ta' prezz u ta' volum, għalkemm essenzjali għal bini ta' sistema koerenti, xi kultant jistgħu jkunu ta' xkiel. Hemm b'żonn ukoll ta' informazzjoni għal perijodi iqsar, pereżempju mensili jew trimestrali. F'dawn il-każijiet, forom oħra ta' indiċijiet ta' prezz u ta' volum jistgħu jkunu utli.

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-INDIĊIJET TA' PREZZ U TA' VOLUM FIL-KONTIJET NAZZJONALI

10.06 Fost il-flussi, li jidhru fil-kontijiet ekonomiċi fil-prezzijiet kurrenti, hemm xi wħud, li l-biċċa l-kbira jikkonċernaw prodotti, fejn id-distinzjoni bejn il-bidliet fil-prezz u fil-volum hija simili għal dik li ssir fil-livell mikroekonomiku. Għal ħafna flussi oħra fis-sistema, id-distinzjoni hija ħafna inqas ovvja.

Meta l-flussi fil-kontijiet ikopru grupp ta' transazzjonijiet elementari f'oġġetti u servizzi, il-valur ta' kull wieħed ekwivalenti għall-prodott ta' għadd ta' unitajiet fiżiċi u l-prezz unitarju rispettiv tagħhom, huwa suffiċjenti li jkun magħruf t-tqassim tal-fluss fil-komponenti tiegħu sabiex jiġu ddeterminati l-bidliet fil-prezzi u l-volum fuq tul ta' żmien.

Meta fluss ikollu għadd ta' transazzjonijiet marbuta mad-distribuzzjoni u l-intermedjazzjoni finanzjarja kif ukoll mal-entrati saldatorji bħall-valur miżjud, huwa diffiċli jew anki impossibbli li jiġu sseparati direttament il-valuri kurrenti f'komponenti ta' prezzijiet u volumi u jkollhom jiġu adottati soluzzjonijiet speċjali.

Teżisti wkoll il-ħtieġa li titkejjel l-kapaċità tal-akkwist reali ta' għadd ta' aggregati, bħall-kumpens ta' impjegati, l-introjt disponibbli tal-unitajiet domestiċi jew l-introjt nazzjonali. Dan jista' jsir, pereżempju, billi issir deflazzjoni ta' dawn permezz ta' indiċi tal-prezzijiet tal-oġġetti u s-servizzi li jistgħu jinxtraw permezz tagħhom.

10.07 L-oġġettivi u l-proċedura segwiti fil-kejl tal-kapaċità tal-akkwist reali tal-istimi tal-introjt huma differenti minn dawk segwiti meta ssir deflazzjoni ta' oġġetti u servizzi u entrati saldatorji. Għall-flussi tal-oġġetti u s-servizzi, tista' tiġi stabbilita sistema ta' indiċijiet ta' prezz u ta' volum, li ttiprovdi qafas konsistenti għal kejl tat-tkabbir ekonomiku. Il-valutazzjoni f'termini reali tal-flussi tal-introjt tuża indiċijiet tal-prezzijiet li mhumix strettament marbuta mal-fluss tal-introjt. Għalhekk l-għażla tal-prezz għat-tkabbir tal-introjt jista' jvarja skont l-oġġettivi tal-analiżi. mhemm l-ebda prezz uniku identifikat fis-sistema integrata tal-indiċijiet ta' prezz u ta' volum.

Is-sistema integrata tal-indiċijiet ta' prezz u ta' volum

10.08 Id-diviżjoni sistematika tal-bidliet fil-valuri kurrenti f'komponenti "bidliet fil-prezz" u "bidliet fil-volum" hija ristretta għal flussi li jirrappreżentaw transazzjonijiet, irreġistrati fil-kontijiet tal-oġġetti u s-servizzi u fil-qafas ta' appoġġ għall-provvista u l-użu. Din titwettag kemm għad-data marbuta mal-industrija u l-prodotti individwali, kif ukoll għal dawk marbuta mal-ekonomija sħiħa. Il-flussi li jirrappreżentaw l-entrati saldatorji, bħal valur miżjud, ma jistgħux jiġu suddiviżi fil-komponenti tal-prezzijiet u l-volumi; dan jista' jsir biss b'mod indirett billi jintużaw il-flussi ta' transazzjonijiet rilevanti.

L-użu tal-qafas ta' kontabbiltà jimponi limitu doppju fuq il-kalkolu tad-data:

- (a) il-bilanċ tal-kont tal-oġġetti u s-servizzi għandu għal kwalunkwe sekwenza ta' sentejn jinkiseb kemm fi prezzijiet kurrenti kif ukoll f'termini ta' volum;
- (b) kull fluss fil-livell tal-ekonomija sħiħa għandu jkun ugwali għas-somma tal-flussi korrispondenti għall-industriji diversi.

It-tielet limitu, mhux inerenti fl-użu ta' qafas ta' kontabbiltà iżda riżultat ta' għażla deliberata, huwa li kull bidla fil-valur tat-transazzjonijiet għandha tiġi attribwita jew għal bidla fil-prezz jew għal bidla fil-volum, jew għal taħlita tat-tnejn.

Jekk dawn it-tliet rekwiżiti jiġu ssodisfati, valutazzjoni tal-kontijiet tal-oġġetti u servizzi u kontijiet tal-produzzjoni f'termini ta' volum tfisser li jista' jinkiseb sett integrat ta' indiċijiet ta' prezz u ta' volum.

10.09 L-entrati li għandhom jitqiesu fil-kostruzzjoni ta' sett integrat bħal dan huma dawn li ġejjin:

Transazzjonijiet fi prodotti

Output	P.1
Output għas-suq	P.11
Output għall-użu finali proprju	P.12
Output mhux għas-suq	P.13
Konsum intermedju	P.2

Nefqa tal-konsum finali	P.3
Nefqa tal-konsum individwali finali	P.31
Nefqa tal-konsum kollektiv finali	P.32
Konsum finali effettiv	P.4
Konsum finali effettiv individwali	P.41
Konsum finali effettiv kollektiv	P.42
Formazzjoni grossa ta' kapital	P.5
Formazzjoni grossa ta' kapital fiss	P.51
Bidliet fl-inventarji	P.52
Akkwist mingħajr iċ-ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur	P.53
Esportazzjonijiet ta' oġġetti u ta' servizzi	P.6
Esportazzjonijiet ta' oġġetti	P.61
Esportazzjonijiet ta' servizzi	P.62
Importazzjonijiet ta' oġġetti u ta' servizzi	P.7
Importazzjonijiet ta' oġġetti	P.71
Importazzjonijiet ta' servizzi	P.72
Taxxi u sussidji fuq prodotti	
Taxxi fuq prodotti, eskluża l-VAT	D.212 and D.214
Sussidji fuq prodotti	D.31
VAT fuq prodotti	D.211
Entrati saldatorji	
Valur miżjud	B.1
Prodott Domestiku Gross	B.1*g

Indiċijiet oħra ta' prezz u ta' volum

- 10.10 Minbarra l-kejl ta' prezzijiet u volumi meqjus hawn fuq, l-aggregati li ġejjin jistgħu jitqassmu fil-komponenti tagħhom stess ta' prezzijiet u volumi. L-oġġetti għal dawn il-kejl ivarjaw.

L-inventarji fil-bidu u fit-tmiem rispettivament ta' kull perijodu jista' jkollhom jiġu kkalkulati f'termini ta' volum sabieq jinħadmu l-aggregati tal-karta tal-bilanċ. L-istokk tal-assi fissi prodotti jrid jiġi kkalkulat f'termini ta' volum biex jistma l-proporzjonijiet ta' output kapitali, kif ukoll biex jikseb bażi biex jistma l-konsum ta' kapital fiss f'termini ta' volum. Il-kumpens tal-impjegati jista' jiġi kkalkulat f'termini ta' volum għall-iskopijiet ta' kejl tal-produktività u f'xi każijiet wkoll meta l-outputs jiġu stmati bl-użu ta' data f'termini ta' volum fuq l-inputs. Il-konsum ta' kapital fiss, taxxi oħra fuq il-produzzjoni u sussidji oħra fuq il-produzzjoni għandhom jiġu stmati wkoll f'termini ta' volum meta jkunu qed jiġu kkalkulati l-kosti f'termini ta' volum.

- 10.11 Il-kumpens ta' impjegati huwa element ta' introjtu. Għall-iskop li titkejjel il-kapaċità tal-akkwist, dan jista' jiġi vvalutat f'termini reali billi issir deflazzjoni permezz ta' indiċi li jirrifletti l-prezzijiet ta' prodotti mixtrija mill-impjegati. Elementi oħra ta' introjtu, bħal introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi u introjtu nazzjonali, jistgħu wkoll jitkejlu f'termini reali fl-istess mod ġenerali.

PRINĊIPI ĠENERALI TAL-KEJL TAL-INDIĊIJET TA' PREZZ U TA' VOLUM

Definizzjoni tal-prezzijiet u tal-volumi tal-prodotti tas-suq

- 10.12 L-indiċijiet ta' volum u ta' prezz jistgħu jiġu dderivati biss għal varjabbli li għandhom elementi ta' prezz u kwantità. Il-kunċetti ta' prezz u kwantità huma marbuta mill-qrib ma' dawk ta' prodotti omoġeni, jiġifieri prodotti li għalihom huwa possibbli li jiġu ddefiniti unitajiet li huma kollha meqjusa ekwivalenti u li għalhekk jistgħu jiġu skambjati għall-istess valur monetarju. Għalhekk huwa possibbli li jiġi ddefinit il-prezz ta' prodott omoġenju bħala l-ammont ta' flus li għalih kull unità ta' prodott tista' tiġi skambjata.

Għal kull fluss ta' prodott omoġenju, eż. l-output, huwa għalhekk possibbli li jiġi ddefinit prezz (p), kwantità (q) korrispondenti għall-għadd ta' unitajiet u valur (v) ddefinit bl-ekwazzjoni:

$$v = p \times q$$

Kwalità, prezz u prodotti omoġenji

10.13 Mod ieħor biex jiġi ddefinit prodott omoġenju huwa li tgħid li jikkonsisti minn unitajiet tal-istess kwalità.

Prodotti omoġenji għandhom rwol essenzjali fil-kontijiet nazzjonali. Tabilħaqq, l-output huwa vvalutat bi prezz bażiku ddeterminat mis-suq fil-mument meta jsir, jiġifieri ħafna drabi qabel il-bejgħ. L-unitajiet prodotti għalhekk għandhom jiġu vvalutati, mhux bil-prezz li bih ser effettivament jinbigħu, iżda bil-prezz li bih l-unitajiet ekwivalenti jinbigħu fil-ħin tal-produzzjoni tal-unitajiet ikkonċernati. Dan huwa possibbli b'mod rigoruż għal prodotti omoġenji biss.

10.14 Fil-prattika, madankollu, żewġ unitajiet ta' prodott b'karatteristiċi fiżiċi identiċi jistgħu jinbigħu bi prezzijiet differenti għal żewġ tipi ta' raġunijiet:

(a) żewġ unitajiet b'karatteristiċi fiżiċi identiċi jistgħu jitqiesu mhux ekwivalenti jekk jinbigħu f'postijiet differenti, f'perijodi differenti jew skont kondizzjonijiet differenti. F'dan il-każ, l-unitajiet għandhom jitqiesu bħala korrispondenti għal prodotti omoġenji differenti;

(b) żewġ unitajiet b'karatteristiċi fiżiċi identiċi jistgħu jinbigħu bi prezzijiet differenti, jew minħabba nuqqas ta' informazzjoni, jew minħabba restrizzjonijiet għal-libertà ta' akkwist, jew minħabba l-eżistenza ta' swieq paralleli. F'dan il-każ, l-unitajiet għandhom jitqiesu li jappartjenu għall-istess prodott omoġenju.

Prodott omoġenju għalhekk jista' jiġi ddefinit ukoll bħala prodott li minnu l-unitajiet kollha jinbigħu bl-istess prezz f'kompetizzjoni perfetta. Fin-nuqqas ta' kompetizzjoni perfetta, il-prezz tal-prodott omoġenju jiġi ddefinit bil-prezz medju tal-unitajiet tiegħu. Għalhekk, fil-kontijiet nazzjonali, għal kull prodott omoġenju mhemmx hliief prezz wieħed, u għalhekk huwa possibbli li jiġu applikati regoli ġenerali ta' valutazzjoni tal-prodotti.

10.15 In-nuqqas ta' informazzjoni jfisser li x-xerrejja mhux bilfors dejjem qed ikunu infurmati sew dwar differenzi eżistenti ta' prezzijiet u għalhekk jistgħu jixtru bi prezzijiet ogħla involontarjament. Dan, jew l-oppost, jista' jiġri wkoll f'sitwazzjonijiet fejn xerrejja u bejjiegħa individwali jinnegozjaw jew jiġġebdu fuq il-prezz. Min-naħa l-oħra, id-differenza bejn il-prezz medju ta' oġġett mixtri minn suq jew bażar, fejn ta' spiss ikun hemm tiġbid bħal dan, u l-prezz tal-istess oġġett mibjugħ f'tip ta' ħanut tal-bejgħ bl-innut differenti, bħal department store, għandha normalment tiġi ttrattata bħala li tirrifletti differenzi fil-kwalità minħabba kondizzjonijiet differenti ta' bejgħ.

10.16 Id-diskriminazzjoni fil-prezz timplika li l-bejjiegħa jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jitolbu prezzijiet differenti għal kategoriji differenti ta' xerrejja għal oġġetti u servizzi identiċi mibjugħa eżattament fl-istess ċirkustanzi. F' tali każijiet, ma hemm l-ebda libertà ta' għażla jew libertà ta' għażla limitata min-naħa tax-xerrej li jappartjeni għal kategorija speċjali. Il-prinċipju adottat huwa li varjazzjonijiet fil-prezz għandhom jitqiesu bħala diskriminazzjoni fil-prezz meta jintalbu prezzijiet differenti għal unitajiet identiċi mibjugħa eżattament fl-istess ċirkustanzi f'suq separabbli b'mod ċar, jiġifieri, meta jintalbu prezzijiet differenti għall-istess prodott omoġenju. Varjazzjonijiet fil-prezzijiet dovuti għal diskriminazzjoni bħal din ma jikkostitwixx differenzi fil-volum.

Il-possibbiltà tar-rinegozjar tal-oġġetti f'suq partikolari timplika li diskriminazzjoni fil-prezz għal dawn it-tipi ta' prodotti fhafna każijiet tista' titqies bħala insinifikanti. Id-differenzi fil-prezz li jistgħu jeżistu għal oġġetti normalment jistgħu jiġu interpretati bħala dovuti għal nuqqas ta' informazzjoni jew għall-eżistenza tas-swieq paralleli.

Fl-industriji tas-servizzi, pereżempju fit-trasportazzjoni, il-produtturi jistgħu jitolbu prezzijiet irħas lill-gruppi ta' individwi b'introjti tipikament żgħar, bħal pensjonanti jew studenti. Jekk tali individwi huma liberi li jivvjaġġaw fi kwalunkwe ħin li jagħżlu, dan għandu jiġi ttrattat bħala diskriminazzjoni fil-prezz. Madankollu, jekk dawn jintalbu tariffi orħos fuq kondizzjoni li jivvjaġġaw biss f'ċerti ħinijiet, tipikament ħinijiet inqas intensivi, dawn qed jiġu offriti trasport ta' kwalità inferjuri billi trasport bil-kondizzjonijiet u trasportazzjoni mingħajr kondizzjonijiet jistgħu jitqiesu prodotti omoġenji differenti.

10.17 Jistgħu jeżistu s-swieq paralleli għal diversi raġunijiet. Ix-xerrejja jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jixtru kemm jixtiequ bi prezz baxx minħabba li jkun hemm provvista insuffiċjenti disponibbli b'dak il-prezz, u jista' jkun li jkun hemm suq sekondarju parallel fejn jiġu kkwotati prezzijiet ogħla. Hemm ukoll il-possibbiltà li jkun hemm suq parallel, fejn il-bejjiegħa jistgħu jitolbu prezzijiet orħos minħabba li jkunu jistgħu jevitaw ċerti taxxi.

10.18 Għalhekk, jekk il-kwalità tiġi ddefinita bil-karatteristiċi kollha komuni għall-unitajiet kollha ta' prodott omoġenju, id-differenzi fil-kwalità huma riflessi mill-fatturi li ġejjin:

(a) karatteristiċi fiżiċi;

- (b) konsenji f'postijiet differenti;
- (c) konsenji f'ħinijiet differenti tal-ġurnata jew f'perijodi differenti tas-sena;
- (d) differenzi fil-kondizzjonijiet tal-bejgħ jew iċ-ċirkustanzi jew l-ambjent fejn jiġu fornuti l-oġġetti jew is-servizzi.

Prezzijiet u volum

- 10.19 L-introduzzjoni tal-kunċett ta' volum fil-kontijiet nazzjonali saret minħabba x-xewqa li jiġi eliminat l-effett tal-varjazzjoni fil-prezz fix-xejra tal-valuri espressi f'unitajiet monetarji, u għalhekk jidher bħala użu estiż tal-kunċett ta' kwantità għal gruppi ta' prodotti. Infatti, għal prodott omoġenju speċifiku l-ekwazzjoni $v = p \times q$ tippermetti li bidla ta' valur fuq tul ta' żmien titqassam f'bidla ta' prezz u bidla ta' kwantità. Fil-prattika, madankollu, hemm wisq prodotti omoġenji li għandhom jiġu ttrattati individwalment, bir-riżultat li kontabilisti nazzjonali jkollhom jaħdmu f'livell aktar aggregat. F'dan il-livell aggregat, madankollu, l-ekwazzjoni $v = p \times q$ ma għadhiex utli aktar minħabba li, filwaqt li huwa possibbli li l-valuri jiġu aggregati, ma jagħmilx sens li jiġu aggregati kwantitajiet sabieħ jiġu dderivati prezzijiet.
- 10.20 Madankollu, hemm mod faċli kif titqassam il-bidla fil-valur ta' sett ta' prodotti omoġenji bejn żewġ perijodi: wieħed minnhom jitqies bħala l-perijodu ta' bażi u l-ieħor bħala l-perijodu kurrenti. L-effett tal-bidla fil-prezz jista' jiġi kkompensat billi jiġi kkalkulat x'kien ikun il-valur tas-sett ta' prodotti kieku ma kienx hemm bidla fil-prezzijiet, jiġifieri billi jiġu applikati l-prezzijiet tal-perijodu ta' bażi għall-kwantitajiet tal-perijodu kurrenti. Dan il-valur bi prezzijiet tal-perijodu ta' bażi jiddefinixxi l-kunċett ta' volum.

B'dan il-mod, il-valur ta' sett ta' prodotti fil-perijodu kurrenti jista' jinkiteb bħala:

$$v^1 = \sum_i p_i^1 \times q_i^1$$

Fejn l-esponent 1 jirreferi għall-perijodu kurrenti u l-indiċi għal prodott omoġenju speċifiku. Il-volum tas-sett ta' prodotti għall-perijodu kurrenti għalhekk huwa ddefinit f'relazzjoni mal-perijodu ta' bażi bil-formula:

$$\text{Volume} = \sum_i p_i^0 \times q_i^1$$

Fejn l-esponent 0 jirreferi għall-perijodu ta' bażi. Billi jitqabbel il-volum tas-sett ta' prodotti għall-perijodu kurrenti u l-valur totali tagħhom għall-perijodu ta' bażi huwa possibbli li titkejjel bidla li mhijiex affettwata bl-ebda varjazzjoni fil-prezz. Indiċi ta' volum għalhekk jista' jiġi kkalkulat bil-formula:

$$IVol^1 = \frac{\sum_i p_i^0 \times q_i^1}{\sum_i p_i^0 \times q_i^0}$$

L-indiċi ta' volum li huwa ddefinit hekk huwa indiċi Laspeyres ta' kwantitajiet fejn kull indiċi bażi huwa ppeżat bil-proporzjon tal-prodott bażiku fil-valur totali tal-perijodu ta' bażi.

Ladarba l-kunċett ta' volum ikun ġie ddefinit, huwa possibbli li jiġi ddefinit b'analoġija bl-ekwazzjoni $v = p \times q$, mhux prezz iżda indiċi ta' prezz. L-indiċi ta' prezz għalhekk huwa ddefinit bil-proporzjon bejn il-valur għall-perijodu kurrenti u l-volum, jiġifieri bil-formula:

$$IP^1 = \frac{\sum_i p_i^1 \times q_i^1}{\sum_i p_i^0 \times q_i^1}$$

Dan l-indiċi huwa l-indiċi ta' prezz Paasche fejn kull indiċi ta' prezz ta' bażi huwa ppeżat bil-proporzjon tal-prodott bażiku fil-valur totali għall-perijodu kurrenti.

L-indiċijiet ta' volum u ta' prezz ddefiniti b'dan il-mod juru l-ekwazzjoni:

Indiċi ta' valur = indiċi ta' prezz × indiċi ta' volum

Din l-ekwazzjoni hija verżjoni aktar ġenerali tal-ekwazzjoni $v = p \times q$ u tippermetti li kwalunkwe bidla fil-valur ta' sett ta' prodotti titqassam f'bidla fil-volum u bidla fil-prezz.

Fil-kalkolu tal-volum, il-kwantitajiet jiġu ppeżati bil-prezzijiet tal-perijodu ta' bażi, sabieħ ir-riżultat jiddependi mill-istruttura tal-prezzijiet. Bidliet fl-istruttura tal-prezzijiet x'aktarx li jkunu inqas importanti għal perijodi iqsar milli għal perijodi itwal. Għalhekk, il-kalkolu tal-volum isir biss għal sentejn suċċessivi, jiġifieri l-volum jiġi kkalkulat bil-prezzijiet tas-sena ta' qabel.

Għal paraguni fuq perijodi ta' żmien itwal, l-indiċijiet ta' volum Laspeyres u l-indiċijiet ta' prezz Paasche jiġu kkalkulati l-ewwel f'relazzjoni mas-sena ta' qabel u mbagħad jiġu ddeterminati l-indiċijiet katina.

- 10.21 Il-vantaġġi ewlenin tal-użu tal-indiċijiet ta' prezz Paasche u l-indiċijiet ta' volum Laspeyres huma s-semplificazzjoni u l-kalkolu u l-karatteristika tal-addittività fil-bilanċi tal-provvista u l-użu.
- 10.22 L-indiċijiet katina jippreżentaw l-iżvantaġġ li huma jwasslu għal volumi li ma fihom l-ebda addittività u għalhekk ma jistgħux jintużaw fil-proċeduri ta' bilanċjar ta' prodotti bbażati fuq it-tabelli tal-provvista u l-użu.
- 10.23 Id-*data* ta' volumi mhux addittivi kkalkulata bl-indiċijiet katina għandha tiġi ppubblikata mingħajr ebda aġġustament. Dan il-metodu huwa trasparenti u jindika lill-utenti safejn tasal din il-problema. Dan ma jipprekludix il-possibilità li jista' jkun hemm ċirkustanzi fejn il-kompilaturi jistgħu jaħsbu li huwa preferibbli li jiġu eliminati d-diskrepanzi sabiex tittejjeb il-konsistenza totali tad-*data*. Meta l-valuri tas-sena ta' referenza jiġu estrapolati permezz tal-indiċijiet ta' volum katina, għandu jiġi spjegat lill-utenti għaliex mhemmx addittività fit-tabelli.
- 10.24 Fil-prattika, minħabba li huwa impossibbli li jitkejlu l-prezzijiet u l-kwantitajiet għall-prodotti kollha omoġenji ta' ekonomija, l-indiċijiet ta' volum jew prezz jiġu kkalkulati billi jintużaw kampjuni ta' prodotti omoġenji rappreżentattivi, bl-idea sottostanti tkun li l-volumi jew il-prezzijiet ta' prodotti mhux inklużi fil-kampjun jinbiddu fl-istess mod bħall-medja tal-kampjun. Għalhekk huwa neċessarju li tintuża klassifikazzjoni ta' prodott li hija ddettaljata u prattikabbli sabiex kull prodott identifikat ikollu omoġeneità massima, irrispettivament mill-livell ta' dettall użat fil-preżentazzjoni tar-riżultati.
- 10.25 Meta l-ekwazzjoni torbot l-indiċijiet ta' valur, ta' prezz u ta' volum, żewġ indiċijiet biss għandhom jiġu kkalkulati. Normalment, l-indiċijiet ta' valur jinkisbu direttament sempliċement billi jitqabblu l-valuri totali għall-perjodu kurrenti u l-perjodu ta' bażi. Imbagħad hija kwistjoni li wieħed jagħżel bejn indiċi ta' prezz u indiċi ta' volum li għandu jiġi kkalkulat. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-assunzjoni ta' bidla parallela li tirfed il-metodu hija ppruvata aktar bil-prezzijiet milli bil-volumi minħabba li l-prezzijiet ta' prodotti differenti huma ta' spiss influwenzati b'mod sinifikanti minn ċerti fatturi bħall-kost tal-materja prima u l-paġi. F'dan il-każ, l-indiċi ta' prezz għandu jiġi kkalkulat billi jintuża kampjun ta' prodotti ta' kwalità kostanti fuq tul ta' żmien, bil-kwalità tiġi ddeterminata mhux biss bil-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott iżda wkoll bil-kondizzjonijiet ta' bejgħ, kif spjegat hawn fuq. B'dan il-mod, il-varjazzjonijiet kollha fil-valur totali kkawżat minn bidliet strutturali fost il-prodotti diversi ser jidhru bħala varjazzjonijiet fil-volum u mhux fil-prezz.

Fxi każijiet, madankollu, ikun aktar faċli li wieħed jikkalkula indiċi ta' volum u jużah biex joħroġ indiċi ta' prezz. Xi kultant, jista' anki jkun saħansitra preferibbli li jiġi kkalkulat l-indiċi ta' valur fuq il-baży ta' indiċi ta' prezz u indiċi ta' volum.

Prodotti ġodda

- 10.26 Il-metodu ta' kalkolu ta' indiċijiet ta' prezz u ta' volum deskritt hawn fuq jassumi li l-prodotti jeżistu fis-sentejn suċċessivi. Infatti, madankollu, ħafna prodotti jitfaċċaw u jisparixxu minn sena għall-oħra u l-indiċijiet ta' prezz u ta' volum għandhom jirriflettu dan. Meta l-volum jiġi ddefinit billi jintużaw l-prezzijiet tas-sena ta' qabel, ma jkun hemm l-ebda diffikultà partikolari fil-każ ta' prodotti li kienu jeżistu fis-sena ta' qabel, iżda li ma għadhomx jeżistu fis-sena kurrenti, minħabba li huma marbuta sempliċement mal-kwantità żero għas-sena kurrenti. Il-problema hija aktar kkomplicata fil-każ ta' prodotti ġodda, minħabba li għas-sena ta' qabel mhux possibbli li jitkejjel il-prezz ta' prodott li ma eżistix.

Hemm żewġ tipi ta' approċċi f'każ bħal dan għall-istima tal-prezz għas-sena ta' qabel: tal-ewwel jassumi li l-prezz tal-prodott il-ġdid jinbidel bħall-prezz ta' prodott simili, filwaqt li t-tieni jipprova jikkalkula direttament x'kien ikun il-prezz tal-prodott il-ġdid kieku eżista fil-perjodu ta' baży. L-ewwel approċċ jikkonsisti sempliċement mill-użu ta' indiċi ta' prezz ikkalkulat fuq il-baży ta' kampjun ta' prodott omoġenji li jeżistu fis-sentejn suċċessivi, u fil-prattika dan huwa l-metodu li jintuża għall-biċċa l-kbira ta' prodott ġodda minħabba li l-prodotti ġodda huma ġeneralment wisq numerużi biex ikunu speċifikati espliċitament, speċjalment meta tiġi applikata strettament id-definizzjoni ta' prodott omoġenji. Bit-tieni approċċ, il-metodi li jintużaw l-aktar huma l-metodu edoniku li jikkonsisti milli jiġi ddeterminat il-prezz ta' prodott fuq il-baży tal-karatteristiċi ewlenin tiegħu u l-metodu ta' input li juża l-kost tal-prodott biex jikkalkula l-prezz tiegħu.

Il-kwistjoni ta' prodott ġodda hija ta' importanza partikolari f'ċerti oqsma. Ħafna oġġetti ta' kapital huma prodott biss bħala oġġett wieħed u b'hekk jidhru bħala prodott ġodda. Dan huwa l-każ ukoll ta' bosta servizzi li qatt mhuma pprovduti fl-istess mod eżatt, pereżempju s-servizzi fir-riċerka u l-iżvilupp.

- 10.27 Għal transazzjonijiet fis-servizzi huwa frekwentement aktar diffiċli li jiġu speċifikati l-karatteristiċi li jiddeterminaw l-unitajiet fiżiċi u jistgħu jinbtu differenzi fl-opinjoni dwar il-kriterji li għandhom jintużaw. Din id-diffikultà tista' tikkonċerna industrij importanti bħal servizzi finanzjarji intermedjarji, kummerċ tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-immut, servizzi għall-intrapriżi, edukazzjoni, riċerka u żvilupp, saħħa jew rikreazzjoni. L-għażla ta' unitajiet fiżiċi għal tali attivitajiet hija ppreżentata fil-Manwal dwar kejl ta' prezz u ta' volum fil-kontijiet nazżjonali ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Eurostat, *Handbook on price and volume measures in national accounts*, 2001 (disponibbli fuq: <http://epp.eurostat.ec.europa.eu>).

Prinċipji għal servizzi mhux tas-suq

10.28 L-istabbiliment ta' sistema komprensiva ta' indiċijiet ta' prezz u ta' volum li tkopri l-provvista u l-użi ta' oġġetti u servizzi jinvolvi diffikultà partikolari meta jitkejjel l-output tas-servizzi mhux tas-suq. Tali servizzi jvarjaw mis-servizzi tas-suq billi ma jinbigħux fi prezz tas-suq u l-valur tagħhom fi prezzijiet kurrenti huwa kkalkulat bħala s-somma tal-ispejjeż imġarrba. Dawn l-ispejjeż jikkonsistu mill-konsum intermedju, il-kumpens tal-impjegati, taxxi oħra nieqsa s-sussidji fuq il-produzzjoni u l-konsum ta' kapital fiss.

10.29 Fin-nuqqas ta' prezz unitarju tas-suq, il-kost unitarju ta' servizz mhux tas-suq jista' jitqies bħala l-ekwivalenti għall-prezz. Infatti, il-prezz ta' prodott tas-suq jikkorrispondi għan-nefqa li għandu jgħarrab x-xerrej sabiex jieħu l-pussess tiegħu, filwaqt li l-kost unitarju ta' servizz mhux tas-suq jikkorrispondi għall-infiq li s-soċjetà għandha għarrab sabiex tagħmel użu minnu. Għalhekk, fejn huwa possibbli li jiġu ddefiniti unitajiet ta' kwantità għal servizzi mhux tas-suq, huwa possibbli wkoll li jiġu applikati prinċipji ġenerali għal kalkolu tal-indiċijiet ta' volum u ta' prezz li huma ddefiniti hawn fuq.

Ġeneralment, huwa possibbli li jiġu ddefiniti unitajiet ta' kwantità għal servizzi mhux tas-suq li huma kkunsmati fuq bażi individwali, bħas-servizzi tal-edukazzjoni u tas-saħħa, li jfisser li l-prinċipji ġenerali għandhom jiġu applikati regolament fil-każ ta' servizzi bħal dawn.

Il-metodu li jikkonsisti mill-kalkolu tal-volum billi jiġu applikati l-ispejjeż unitarji tas-sena ta' qabel għall-kwantitajiet tas-sena kurrenti jissejjaħ il-metodu output.

10.30 Huwa diffiċli, madanakollu, li jiġu ddefiniti unitajiet ta' kwantità għal servizzi kollettivi mhux tas-suq, bħal pereżempju servizzi marbuta mal-gvern ġenerali, il-ġustizzja u d-difiża. F'dan il-każ, għalhekk, jeħtieġ li jintużaw metodi oħra b'analoġija mal-metodu ġenerali. Dan il-metodu jiddefinixxi volum fuq il-baży ta' prezzijiet tas-sena ta' qabel, jiġifieri jiddefinixxi il-volum bħala n-nefqa li x-xerrejja jkun għarrbu jekk il-prezzijiet ma jkunux inbidlu. Id-definizzjoni tal-aħħar tista' tintuża meta ma jkun possibbli li tiġi ddefinita unità ta' kwantità kemm-li darba tiġi applikata, mhux għal unità ta' prodott, iżda għan-nefqa sħiħa. Minħabba li l-valur ta' servizz mhux tas-suq jiġi ddeterminat mill-ispejjeż involuti, huwa għalhekk possibbli li l-volum jiġi kkalkulat mill-valur tal-ispejjeż bil-prezzijiet tal-perijodu ta' baży, jiġifieri mill-valur fil-prezzijiet tal-perijodu ta' baży tal-konsum intermedju, il-kumpens tal-impjegati, taxxi oħra netti mis-sussidji tal-produzzjoni u l-konsum tal-kapitali fiss. Dan il-metodu huwa magħruf bħala l-metodu input. Il-kalkolu f'termini ta' volum tal-kumpens tal-impjegati, il-konsum ta' kapital fiss, it-taxxi u s-sussidji fuq il-produzzjoni huwa kopert fil-paragrafi li jmiss.

Anki fl-aktar każ favorevoli tas-servizzi mhux tas-suq kkunsmati fuq baży individwali, bħal dawk tal-edukazzjoni u tas-saħħa, mhuwiex dejjem faċli li jiġu distinti prodotti omoġenji. Tabilħaqq, il-karatteristiċi ta' tali servizzi rari jiġu ddefiniti b'mod preċiż biżżejjed biex ikun possibbli li jiġi ddeterminat b'ċertezza jekk żewġ unitajiet ta' servizzi differenti jistgħux jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti, jiġifieri jekk ikollhom jitqiesu bħala korrispondenti ma' prodott wieħed omoġenju jew ma' żewġ prodotti separati. Żewġ kriterji ekwivalenti jistgħu jinżammu mill-kontabilisti nazzjonali:

- (a) il-kriterju tal-kost unitarju: żewġ unitajiet ta' servizzi mhux tas-suq jitqiesu ekwivalenti jekk ikollhom l-istess kost unitarju. Dan il-kriterju huwa bbażat fuq l-idea li, kollettivament, dawk li jibbenefikaw mis-servizzi pubbliċi huma wkoll dawk li jiddeċiedu u jħallsu għalihom. Pereżempju, iċ-ċittadini jiddeċiedu dwar is-servizzi pubbliċi permezz tar-rappreżentanti tagħhom u jħallsu għalihom permezz tat-taxxi tagħhom. Taħt tali kondizzjonijiet, iċ-ċittadini ma jistgħux jiġu mistennija li jħallsu prezzijiet differenti għal unitajiet ta' servizzi li huma qjisu ekwivalenti. Għalhekk, skont dan il-kriterju, żewġ unitajiet ta' servizzi ta' kostijiet differenti għandhom jitqiesu bħala korrispondenti għal prodotti differenti u prodott omoġenju mhux tas-suq huwa kkaratterizzat bl-unità tal-ispiża unitarja tagħha;
- (b) il-kriterju tar-riżultat: żewġ unitajiet ta' servizzi mhux tas-suq jitqiesu ekwivalenti jekk ikollhom l-istess riżultat. Dan il-kriterju huwa bbażat fuq l-idea li żewġ unitajiet ta' servizzi meqjusa miċ-ċittadini bħala ekwivalenti madankollu jistgħu jiġu prodotti b'kosti differenti minħabba li iċ-ċittadini ma jikkontrollawx kompletament il-proċess ta' produzzjoni ta' dawn is-servizzi. Il-kriterju tal-kost unitarju għalhekk ma jibqax rilevanti u għandu jiġi sostitwit minn kriterju li jikkorrispondi għall-utilità tas-servizzi mhux tas-suq għas-soċjetà.

Billi l-kriterju tar-riżultat ta' spiss jidher aktar rilevanti, ammont kbir ta' xogħlijiet tkomplew biex jiġu żviluppatti metodi bbażati fuq dan il-kriterju u qed titkompla r-riċerka biex dawn jittejjbu. Fil-prattika, tali metodi ta' spiss jirriżultaw fl-introduzzjoni tal-kalkolu tal-volum tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikati għall-kwantitajiet: imbagħad jieħdu l-isem ta' metodi b'korrezzjoni espliċita għall-kwalità.

Id-diffikultà prinċipali għall-implimentazzjoni ta' tali metodi hija marbuta mad-definizzjoni u l-kejl tar-riżultat. Tabilħaqq, l-kejl tar-riżultat jippresupponi d-definizzjoni tal-oġġettivi, li mhuwiex daqshekk sempliċi fil-qasam tas-servizzi mhux tas-suq. Pereżempju, liema huma l-oġġettivi tas-servizz pubbliku tas-saħħa: it-titjib tal-istat tas-saħħa pubblika jew il-ħajja itwal? It-tnejn li huma, ċertament, iżda mbagħad kif għandek tqis oġġettivi diversi li mhumieq

ekwivalenti? Pereżempju, x'inhu l-aħjar trattament, dak li jagħti l-possibbiltà li tgħix sena addizzjonali f'saħħa tajba jew dak li jagħti l-possibbiltà li tgħix sentejn addizzjonali b'saħħa dgħajfa? Barra minn hekk, l-istimi tar-riżultati huma ta' spiss kontroversjali, għalhekk, f'bosta pajjiżi, il-kontroversji fuq it-titjib jew id-deterjorazzjoni tal-pres-tazzjoni tal-istudenti fl-iskola huma rikorrenti.

Fl-Unjoni Ewropea, minħabba d-diffikultajiet kunċettwali u n-nuqqas ta' kunsens fuq il-metodi output aġġustati għall-kwalità (ibbażati fuq ir-riżultat), tali metodi huma esklużi mill-qafas ċentrali sabiex tiġi ppreservata l-kompa-rabbiltà tar-riżultati. Tali metodi huma rriżervati fuq bażi opzjonali għal tabelli supplementari filwaqt li titkompla r-riċerka. Għalhekk, fil-qasam tas-saħħa u tal-edukazzjoni mhux tas-suq, l-istimi tal-produzzjoni u tal-konsum f'termini ta' volum għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' kejl ta' output dirett — mingħajr aġġustament għall-kwalità — billi jitqiesu l-kwantitajiet prodotti bl-ispejjeż unitarji ta' dawk is-servizzi tas-sena ta' qabel, mingħajr ma jiġu kkoreġuti bl-ebda mod biex jittieħed kont tal-kwalità. Dawn il-metodi għandhom jiġu applikati sa livell suffiċjenti ta' dettall, bil-livell minimu jiġi ddefinit mill-*Manwal dwar il-kejl ta' prezz u ta' volum fil-kontijiet nazzjonali tal-Eurostat*.

Għalkemm l-użu ta' metodi bbażati fuq l-input għandu ġeneralment jiġi evitat, huwa possibbli li fil-qasam tas-saħħa, jiġi applikat il-metodu input meta l-varjetà tas-servizzi tkun tali li jkun prattikament impossibbli li jiġu ddeterminati prodotti omoġenji. Barra minn hekk, l-istimi tal-kontijiet nazzjonali għandhom jiġu akkumpanjati b'informazzjoni ta' spjegazzjoni li tiġbed l-attenzjoni tal-utenti għall-metodi ta' kejl.

Prinċipji għall-valur miżjud u l-PDG

- 10.31 Il-valur miżjud, l-entrata saldatorja fil-kont ta' produzzjoni, huwa l-unika entrata saldatorja li tagħmel parti mis-sistema ta' integrazzjoni ta' indiċijiet ta' prezz u ta' volum. Il-karatteristiċi partikolari ħafna ta' din l-entrata għandhom, madankollu, jiġu enfasizzati, kif għandha tiġi enfasizzata wkoll it-tifsira tal-indiċijiet ta' volum u ta' prezz relatati magħha.

Il-valur miżjud, diversament mill-flussi varji ta' oġġetti u servizzi, ma jirrappreżentax xi kategorija speċifika ta' transazzjonijiet. Għalhekk, ma jistax jiġi maqsum f'komponent ta' prezz u f'komponent ta' volum.

- 10.32 *Definizzjoni:* Il-valur miżjud f'termini ta' volum huwa ddefinit bħala d-differenza bejn l-output f'termini ta' volum u l-konsum intermedju f'termini ta' volum.

$$VA = \sum P(0) Q(1) - \sum p(0) q(1)$$

fejn P u Q huma prezzijiet u kwantitajiet għall-output u p u q huma prezzijiet u kwantitajiet għall-konsum intermedju. Il-metodu teoretikament korrett għall-kalkolu tal-valur miżjud f'termini ta' volum huwa permezz ta' deflazżjoni doppja, jiġifieri, id-deflazżjoni separata taż-żewġ flussi tal-kont ta' produzzjoni (output u konsum intermedju) u l-kalkolu tal-bilanċ ta' dawk iż-żewġ flussi vvalutati mill-ġdid.

- 10.33 Fxi każijiet, meta d-*data* statistika tibqa' inkompleta jew mhux suffiċjentement affidabbli, jista' jkun neċessarju li jintuża indikatur uniku. Jekk ikun hemm *data* tajba fuq il-valur miżjud fil-prezzijiet kurrenti, alternattiva waħda għad-deflazżjoni doppja hija d-deflazżjoni tal-valur miżjud kurrenti b'mod dirett permezz ta' indiċi ta' prezz għall-output. Dan jimplika l-assunzjoni li prezzijiet għall-konsum intermedju jinbidlu bl-istess rata tal-output. Proċedura oħra possibbli hija li jiġi estrapolat il-valur miżjud fis-sena ta' bażi permezz ta' indiċi ta' volum għall-output. L-indiċi ta' volum jista' jiġi kkalkulat jew direttament mid-*data* ta' kwantità jew billi ssir deflazżjoni tal-valur kurrenti tal-output b'indiċi adatt ta' prezz. Dan il-metodu jassumi li l-bidliet fil-volum huma l-istess għall-output u għall-konsum intermedju.

Għal ċerti industrij tas-servizzi tas-suq u mhux tas-suq, bħas-servizzi finanzjarji, is-servizzi kummerċjali jew id-difiża, jista' ma jkunx possibbli li jinkisbu stimi sodisfaċenti ta' bidliet ta' prezz jew ta' volum għall-output. Ftali każijiet, il-movimenti tal-valur miżjud f'termini ta' volum jistgħu jiġu stmati permezz ta' bidliet fil-kumpens ta' impjegati b'rati ta' pagi tas-sena ta' qabel u konsum ta' kapital fiss f'termini ta' volum. Il-kompilaturi tad-*data* jistgħu jiġu mgħiegħla jadottaw espedjenti bħal dawn, anke meta ma jkunx hemm raġuni valida biex wieħed jassumi li l-produttività tax-xogħol ser tibqa' l-istess fil-medda qasira jew twila ta' żmien.

- 10.34 Min-natura tagħhom stess, għalhekk, l-indiċijiet ta' prezz u ta' volum għall-valur miżjud huma differenti mill-indiċijiet korrispondenti għall-flussi ta' oġġetti u servizzi.

L-istess japplika għall-indiċijiet ta' prezz u ta' volum ta' entrati saldatorji aggregati bħall-prodott domestiku gross. Il-valur tal-aħħar huwa ekwivalenti għas-somma tal-valuri kollha miżjuda tal-industriji kollha, jiġifieri għas-somma ta' entrati saldatorji, bit-taxxi miżjuda u s-sussidji mnaqqsa fuq prodotti; u minn lat ieħor dan jista' jidher li jirrappreżenta l-entrata saldatorja bejn it-total tal-użi finali u l-importazzjonijiet.

PROBLEMI SPEĊIFIĊI FL-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI

10.35 Għalkemm essenzjalment limitata għat-transazzjonijiet li jinvolvu oġġetti u servizzi, is-sistema integrata tal-indiċijiet ta' prezz u ta' volum ma teskludix il-possibbiltà li jiġi kkalkulat l-kejl ta' bidliet fil-prezz u l-volum għal ċerti transazzjonijiet oħra.

Taxxi u sussidji fuq prodotti u importazzjonijiet

10.36 Il-possibbiltà msemmija hawn fuq teżisti, b'mod partikolari, fil-każ ta' taxxi u sussidji marbuta direttament mal-kwantità jew il-valur tal-oġġetti u s-servizzi li huma soġġetti għal ċerti transazzjonijiet. Fit-tabelli tal-provvista u l-użu, il-valuri ta' dawk it-taxxi u sussidji jintwerew b'mod espliċitu. Bl-applikazzjoni tar-regoli deskritti hawn taħt, huwa possibbli li jinkiseb kejl ta' prezz u ta' volum għall-kategoriji ta' taxxi u sussidji li huma reġistrati fil-kontijiet ta' oġġetti u servizzi, jiġifieri:

(a) taxxi fuq prodotti, minbarra VAT (D.212 u D.214);

(b) sussidji fuq prodotti (D.31);

(c) VAT fuq prodotti (D.211).

10.37 L-aktar każ sempliċi huwa dak tat-taxxi li jirrappreżentaw ammont fiss għal kull unità ta' kwantità tal-prodott li huwa suġġett għat-transazzjoni. Il-valur tad-dħul minn taxxa bħal din jiddependi:

(a) mill-kwantità ta' prodotti involuti fit-transazzjoni;

(b) mill-ammont intaxxat għal kull unità, jiġifieri l-prezz tat-tassazzjoni.

It-tqassim tal-bidla fil-valur fiż-żewġ komponenti tagħha kważi ma tippreżenta l-ebda diffikultà. Il-varjazzjoni fil-volum hija ddeterminata mill-bidla fil-kwantitajiet tal-prodotti intaxxati; il-varjazzjoni fil-prezz tikkorrispondi għall-bidla fl-ammont intaxxat għal kull unità, jiġifieri għall-bidla fil-prezz ta' tassazzjoni.

10.38 Każ aktar frekwenti huwa dak fejn it-taxxa tirrappreżenta ċertu perċentwali tal-valur tat-transazzjoni. Il-valur tad-dħul minn taxxa bħal din għalhekk tiddependi:

(a) mill-kwantità ta' prodotti involuti fit-transazzjoni;

(b) mill-prezz tal-prodotti involuti fit-transazzjoni;

(c) mir-rata tat-taxxa (bħala perċentwali).

Il-prezz ta' tassazzjoni mbagħad jinkiseb billi tiġi applikata r-rata għall-prezz tal-prodott. Il-bidla fil-valur tad-dħul minn taxxa ta' dan it-tip tista' wkoll tinqasam f'bidla tal-volum, iddeterminata mill-bidla fil-kwantitajiet tal-prodotti intaxxati, u bidla fil-prezz korrispondenti għall-bidla fil-prezz ta' tassazzjoni ($b \times c$).

10.39 L-ammont ta' taxxi fuq il-prodotti, eskluża l-VAT (D.212 u D.214) jitkejjel f'termini ta' volum, billi jiġi applikat għall-kwantitajiet ta' prodotti manifatturati jew importati l-prezzijiet ta' tassazzjoni tas-sena ta' bażi, jew billi jiġu applikati għall-valur tal-output jew tal-importazzjonijiet, rivalorizzati fil-prezzijiet tas-sena ta' bażi, ir-rati tat-taxxa tas-sena ta' bażi. Għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li l-prezzijiet ta' tassazzjoni jistgħu jvarjaw fost użi differenti. Jittieħed kont ta' dan fit-tabelli tal-provvista u l-użu.

10.40 Bl-istess mod, l-ammont ta' sussidji fuq il-prodotti (D.31) jitkejjel f'termini ta' volum billi jiġu applikati għall-kwantitajiet ta' prodotti manifatturati jew importati l-prezzijiet ta' sussidju tas-sena ta' bażi jew billi jiġu applikati għall-valur tal-output jew tal-importazzjonijiet, rivalorizzati fil-prezzijiet tas-sena ta' bażi, ir-rati tas-sussidju tas-sena ta' bażi, b'kont meħud tal-prezzijiet differenti ta' sussidji għall-użi differenti.

10.41 Il-VAT fuq prodotti (D.211) hija, kemm għall-ekonomija kollha kif ukoll għal industriji individwali u utenti oħra, ikkalkulata fuq bażi netta u tirreferi biss għal VAT li ma tistax titnaqqas. Dan huwa ddefinit bħala d-differenza bejn il-VAT iffatturata fuq il-prodotti u l-VAT li tista' titnaqqas mill-utenti ta' dawn il-prodotti. Alternattivament, jista' jkun possibbli wkoll li l-VAT tiġi ddefinita fuq prodotti bħala s-somma tal-ammonti kollha li ma jstgħux jitnaqqsu u li għandhom jitħallsu mill-utenti.

Il-VAT li ma tistax titnaqqas f'termini ta' volum tista' tiġi kkalkulata billi jiġu applikati r-rati ta' VAT fis-seħħ fis-sena ta' qabel għall-flussi espressi fil-prezzijiet tas-sena ta' qabel. Kwalunkwe bidla fir-rata tal-VAT għas-sena kurrenti ser għalhekk tkun riflessa fl-indiċi ta' prezz u mhux fl-indiċi ta' volum tal-VAT li ma tistax titnaqqas.

Il-frazzjoni tal-VAT li ma tistax titnaqqas fil-VAT iffatturata u għalhekk VAT li ma tistax titnaqqas tista' tinbidel:

- (a) jew minħabba bidla fid-dritt li titnaqqas il-VAT, li tirriżulta minn bidla fil-liġijiet jew regolamenti fil-qasam fiskali, b'effett immedjat jew le;
- (b) jew minħabba bidliet fix-xejra ta' użi tal-prodott (pereżempju, żieda fil-proporzjon tal-użi li fuqhom il-VAT tista' titnaqqas).

Bidla fl-ammont ta' VAT li tista' titnaqqas li tirriżulta minn bidla fid-dritt li titnaqqas il-VAT ser tiġi ttrattata bil-metodu deskritt bħala bidla fil-prezz ta' tassazzjoni, hekk kif ser tiġi ttrattata bidla fir-rata ta' VAT iffatturata.

Min-naħa l-oħra, bidla fl-ammont ta' VAT li tista' titnaqqas li tirriżulta minn bidla fix-xejra tal-użi tal-prodott tikkostitwixxi bidla fil-volum ta' VAT li tista' titnaqqas li tiġi riflessa fl-indiċi tal-volum tal-VAT fuq il-prodotti.

Taxxi oħra u sussidji fuq il-produzzjoni

- 10.42 It-trattament ta' taxxi oħra (D.29) u sussidji (D.39) fuq il-produzzjoni jqajjem diffikultà partikolari, sakemm, b'definizzjoni, mhux possibbli li jiġu assenjati direttament lil unitajiet li huma prodotti. Fil-każ ta' servizzi mhux tas-suq, din id-diffikultà hija aggravata mill-fatt li dawn jintużaw biss meta mhux possibbli li jiġu ddefiniti unitajiet ta' kwantità. Ġeneralment madankollu, huwa possibbli li tiġi evitata din id-diffikultà billi jiġu ddefiniti taxxi oħra u sussidji fuq produzzjoni f'termini ta' volum, bl-ammont li għalihom ikunu għolew kieku ma kien hemm l-ebda bidla fir-regoli tat-taxxi u l-prezzijiet kumplessivament fir-rigward tas-sena ta' qabel. Pereżempju, it-taxxi fuq il-proprjetà jew l-użu ta' ass jistgħu jiġu evalwati f'termini ta' volum billi jiġu applikati għall-perijodu kurrenti r-regoli u l-prezz ta' assi tas-sena ta' qabel.

Konsum ta' kapital fiss

- 10.43 Il-kalkolu tal-kejl ta' volum tal-konsum ta' kapital fiss joħloq xi problemi meta tkun disponibbli *data* tajba dwar il-kompożizzjoni tal-istokk tal-oġġetti ta' kapital fiss. Il-metodu ta' inventarju perpetwu, użat minn bosta pajjiżi, diġà jimplika, għall-istima tal-konsum ta' kapital fiss fil-prezzijiet kurrenti, il-bżonn li l-ewwel jitwettaq kalkolu tal-istokk tal-oġġetti ta' kapital fiss f'termini ta' volum. Biex wieħed jagħmel transizzjoni minn valutazzjoni ta' kost storiku għal wieħed ta' spiża ta' sostituzzjoni, huwa neċessarju li l-ewwel jiġu vvalutati oġġetti kapitali akkwistati fuq għadd ta' perijodi differenti fuq bażi omoġenja, jiġifieri prezzijiet ta' sena ta' bażi. L-indiċijiet ta' prezz u ta' volum dderivati fil-proċess għalhekk jistgħu jintużaw biex jiġi kkalkulat il-valur tal-konsum ta' kapital fiss f'termini ta' volum u l-indiċi ta' prezz assoċjat.

Meta ma jkunx hemm inventarju perpetwu tal-istokk tal-oġġetti ta' kapital fiss, il-bidla fil-konsum ta' kapital fiss f'termini ta' volum tista' tinkiseb bid-deflazzjoni tad-*data* tal-prezzijiet kurrenti bl-indiċijiet tal-prezzijiet dderivati minn *data* fuq il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss skont il-prodott. Imbagħad għandu jittieħed kont tal-istruttura taż-żmien tal-oġġetti kapitali akkwistati.

Kumpens tal-impjegati

- 10.44 Għall-iskop li jitkejjel il-volum tal-input mix-xogħol tal-impjegati, il-kwantità unitarja għall-kumpens tal-impjegati tista' titqies ekwivalenti għal xogħol ta' siegħa ta' tip u livell ta' ħila speċifiċi. Bħal ma jiġri fir-rigward tal-oġġetti u s-servizzi, għandhom jiġu rikonnoxxuti kwalitajiet differenti ta' xogħol u għandom jiġu kkalkulati kwantitajiet relattivi għal kull tip separat ta' xogħol. Il-prezz assoċjat ma' kull tip ta' xogħol huwa l-kumpens mħallas għal kull siegħa, li tabilħaqq jista' jvarja, bejn tipi differenti ta' xogħol. Il-kejl ta' volum tax-xogħol li jkun sar jista' jiġi kkalkulat bħala medja ppeżata tal-kwantitajiet relattivi għal tipi differenti ta' xogħol, ppeżati bil-valuri tal-kumpens ta' impjegati fis-sena ta' qabel jew fis-sena ta' bażi fissa. Alternattivament, l-indiċi tar-rata tal-pagi tista' tiġi kkalkulata għax-xogħol billi tiġi kkalkulata l-medja ppeżata tal-bidliet proporzjonali fir-rati ta' kull siegħa ta' kumpens għal tipi differenti ta' xogħol, dejjem bl-istess kumpens tal-impjegati bħala piż. Jekk indiċi ta' volum tat-tip Laspeyres jiġi kkalkulat indirettament permezz tad-deflazzjoni tal-bidliet fil-kumpens tal-impjegati f'valuri kurrenti b'indiċi tal-bidla medja fil-kumpens ta' kull siegħa, tal-aħħar għandu jkun tip ta' indiċi Paasche.

Stokkijiet ta' assi fissi prodotti u inventarji

- 10.45 Il-volumi bil-prezzijiet tas-sena ta' qabel huma meħtieġa kemm għall-istokkijiet ta' assi fissi prodotti kif ukoll għall-inventarji. Fir-rigward tal-ewwel, *data* bħal din kif meħtieġa għall-kalkolu tal-proporzjonijiet ta' kapital għall-output hija disponibbli jekk isir użu tal-metodu tal-inventarju perpetwu. F'każijiet oħra, informazzjoni dwar il-valuri tal-istokkijiet ta' assi tista' tinġabar mill-produtturi, u d-deflazzjoni tista' ssir permezz tal-indiċijiet tal-prezzijiet użati għall-formazzjoni ta' kapital fiss, b'kont meħud tal-istruttura ta' età tal-istokkijiet.

Il-bidliet fl-inventarji jitkejlu permezz tal-valur tal-entrati fl-inventarji nieqes il-valur tal-prelevazzjonijiet mill-inventarji, u l-valur ta' kwalunkwe telf rikorrenti ta' oġġetti miżmuma fl-inventarji matul perijodu speċifiku. Il-volumi fil-prezzijiet tas-sena ta' qabel jistgħu jiġu dderivati bid-deflazżjoni ta' dawn il-komponenti. Fil-prattika, madankollu, huwa rari li l-entrati u l-prelevazzjonijiet tal-istokkijiet ikunu verament magħrufa, u ta' spiss l-unika informazzjoni disponibbli hija l-valur tal-istokkijiet fil-bidu u fl-aħħar tal-perijodu. Ftali każijiet, ta' spiss ikun neċessarju li wieħed jassumi entrati u prelevazzjonijiet regolari matul il-perijodu kurrenti, sabiex il-prezz medju għall-perijodu jkun jista' jitqies rilevanti kemm għall-entrati kif ukoll għall-prelevazzjonijiet. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kalkolu tal-varjazzjoni fl-istokkijiet permezz tad-differenza bejn il-valuri tal-entrati u l-prelevazzjonijiet għandhu jkun l-istess bħal-kalkolu tad-differenza bejn il-valuri tal-istokkijiet inizjali u finali. Il-varjazzjoni fl-istokkijiet f'termini ta' volum tista' mbagħad tiġi kkalkulata permezz tad-deflazżjoni tal-istokkijiet inizjali u finali biex jinġiebu f'konformità mal-prezz medju tal-perijodu ta' bażi. Meta l-varjazzjonijiet fl-istokkijiet jkunu magħrufa f'termini ta' kwantità, ikun possibbli, filwaqt li wieħed jassumi għal darb'oħra entrati u prelevazzjonijiet regolari, li jiġi kkalkulat il-volum tal-varjazzjoni fl-istokkijiet billi jiġi applikat il-prezz medju tal-perijodu ta' bażi għall-varjazzjoni fl-istokkijiet f'termini ta' kwantità.

KEJL TA' INTROJTU REALI GĦALL-EKONOMIJA TOTALI

- 10.46 Ġeneralment mhuwiex possibbli li l-flussi ta' introjtu jiġu diviżi f'komponent ta' prezz u f'komponent ta' kwantità u għal din ir-raġuni, il-kejl tal-prezzijiet u l-volumi ma jistax jiġu ddefinit bl-istess mod bħall-flussi u l-istokkijiet ta' prodotti. Il-flussi ta' introjtu jistgħu jitkejlu f'termini reali biss fil-każ li wieħed jaġġel xi basket speċifiku ta' oġġetti u servizzi li fuqhom l-introjtu huwa tipikament minfuq u juża l-indiċijiet tal-prezzijiet għal dan il-basket bħala deflatur tal-introjti kurrenti. L-għażla hija dejjem arbitrarja fis-sens li huwa rari li l-introjtu jintefaġ speċifikament f'xiri matul il-perijodu fil-kwistjoni. Fit mill-introjtu jista' jifaddal għal xiri f'perijodi aktar tard, jew alternattivament, ix-xiri matul il-perijodu jista' jiġi ffinanzjat parzjalment minn tfaddil li jkun sar qabel.
- 10.47 Il-prodott domestiku gross ikejjel, fi prezzijiet tas-sena ta' qabel, il-produzzjoni totali (nieqes il-konsum intermedju) f'termini ta' volum għall-ekonomija totali. L-introjtu reali totali tar-residenti huwa influwenzat mhux biss mill-volum ta' produzzjoni iżda wkoll mir-rata li biha l-esportazzjonijiet jistgħu jiġu skambjati kontra l-importazzjonijiet mill-bqija tad-dinja. Jekk il-kondizzjonijiet tal-kummerċ jitjiebu, ikunu meħtieġa inqas esportazzjonijiet biex jitħallas volum speċifiku ta' importazzjonijiet, sabiex flivell speċifiku ta' produzzjoni domestika, oġġetti u servizzi jistgħu jiġu riallokati minn esportazzjonijiet għal konsum jew formazzjoni kapitali.

L-introjtu domestiku gross reali jista' jiġi dderivat billi jiżdied l-hekk imsejjaħ qligħ kummerċjali maċ-ċifri tal-volum fuq il-prodott domestiku gross. Il-qligħ kummerċjali — jew, jekk ikun il-każ, it-telf — huwa ddefinit bħala:

$$T = \frac{X - M}{P} - \left[\frac{X}{P_x} - \frac{M}{P_m} \right]$$

jiġifieri, il-bilanċ kurrenti ta' esportazzjonijiet nieqes l-importazzjonijiet, deflata bl-indiċi tal-prezzijiet P, nieqes id-differenza bejn il-valur deflata tal-esportazzjonijiet u l-valur deflata tal-importazzjonijiet. L-għażla ta' deflatur P adatt għall-bilanċi kummerċjali kurrenti għandu jitħalla għall-awtoritajiet statistiċi f'pajjiż, b'kont meħud taċ-ċirkustanzi partikolari ta' dak il-pajjiż. Fiċ-ċirkustanzi fejn ikun hemm inċertezza dwar l-għażla ta' deflatur, medja tal-indiċijiet tal-prezzijiet tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni x'aktarx li tipprovdi deflatur adatt.

Diversi aggregati tal-introjtu reali huma identifikati u ddefiniti kif ġej.

prodott domestiku gross f'termini ta' volum

magħdud mal-qligħ jew it-telf kummerċjali mill-bidliet f'termini ta' kummerċ

ugwali għall-introjtu domestiku gross reali

magħdud mal-introjti primarji reali riċevibbli minn barra

nieqes l-introjti primarji reali pagabbli lil pajjiżi barranin

ugwali għall-introjtu nazzjonali gross reali

magħdud mat-trasferimenti kurrenti reali riċevibbli minn barra

nieqes trasferiment kurrenti reali pagabbli lil pajjiżi barranin

ugwali għall-introjtu nazzjonali gross disponibbli reali

nieqes konsum ta' kapital fiss f'termini ta' volum

ugwali għall-introjtu nazzjonali nett disponibbli reali.

Sabiex wieħed ikun jista' jesprimi d-diversi aggregati ta' introjtu nazzjonali f'termini reali, huwa rrakkomandat li r-riċevibbli u l-pagabbli ta' introjti primarji u t-trasferimenti lejn u minn pajjiżi barranin għandhom jiġu deflatati b'indiċi ta' nefqa finali domestika gross. L-introjtu nazzjonali disponibbli reali għandu jiġi espress fuq bażi netta billi mill-valur gross tiegħu jitnaqqas il-konsum ta' kapital fiss f'termini ta' volum.

INDIĊIJET TA' PREZZ U VOLUM INTERSPAZJALI

- 10.48 Il-fatt li l-pajjiżi għandhom livelli ta' prezz u muniti differenti joffri sfida għall-paraguni interspazjali tal-prezzijiet u l-volumi. Ir-rati ta' skambju nominali mhumiex fatturi ta' konverżjoni adatti f'paraguni bħal dawn, billi ma jirriflettux b'mod adegwat id-differenzi fil-livell ta' prezz, u billi mhumiex stabbli biżżejjed fuq tal' ta' żmien.
- 10.49 Minflok, jiġu applikati l-paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist (PPPs). Il-PPP hija ddefinita bħala l-għadd ta' unitajiet ta' munita tal-pajjiż B li hija meħtieġa fil-pajjiż B sabiex tinxtara l-istess kwantità ta' oġġetti u servizzi li unita waħda tal-munita tal-pajjiż A tixtri f'pajjiż A. Il-PPPs għalhekk jistgħu jiġu interpretati bħala r-rata ta' skambju ta' munita artifiċjali komunament magħrufa bħala l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist (PPS). Jekk l-infiq ta' pajjiżi A u B espress f'muniti nazzjonali jiġi kkonvertit f'PPS, iċ-ċifri li jirriżultaw jiġu espressi fil-livell tal-istess prezz u l-istess munita, u b'hekk jippermettu paragon sinifikattiv tal-volumi.
- 10.50 Il-PPPs għal oġġetti u servizzi tas-suq huma bbażati fuq sħarriġiet internazzjonali dwar il-prezzijiet. Tali sħarriġiet dwar il-prezzijiet jitwettqu b'mod simultanju fil-pajjiżi kollha parteċipanti, abbażi ta' kampjun komuni ta' prodotti. Il-kampjuni huma speċifikati b'mod ċar fit-termini tal-karatteristiċi tekniċi tagħhom, kif ukoll f'termini ta' varjabbli oħra li wieħed jassumi li jinfluenzaw il-prezz, bħall-ispejjeż tal-installazzjoni u t-termini ta' bejgħ. Filwaqt li tingħata priorità lill-komparabbiltà tal-elementi tal-kampjun, din għandha xorta waħda tiġi ppeżata kontra r-rappreżentattività tagħhom fis-swieq nazzjonali. Il-kampjun ta' prodotti għandu idealment ikun rappreżentattiv b'mod ugwali fil-pajjiżi kollha parteċipanti.
- 10.51 Għal servizzi mhux tas-suq, il-paraguni interspazjali jiffaċċjaw l-istess problema bħal daww intertemporal, billi fl-edba waħda miż-żewġ dimensjonijiet ma jeżistu prezzijiet tas-suq. Tradizzjonalment, ġie applikat approċċ ta' input (jew approċċ tal-kost tal-input), skont l-assunzjoni li l-output huwa ugwali għas-somma tal-inputs. Dan l-approċċ, li jimplika paraguni diretti jew indiretti tal-volum tal-inputs, jonqos milli jieħu kont tad-differenzi fil-produttività. Għal din ir-raġuni, għall-paraguni intertemporal, jiġu ppreferuti metodi li jiffokaw fuq il-kejl dirett tal-output jew fuq il-prezzijiet tal-output li jintużaw sussegwentement għad-deflazżjoni tan-nefqa, tal-anqas għal servizzi individwali bħall-edukazzjoni u s-saħħa.
- 10.52 Fil-kalkolu tal-PPPs, huma applikati l-istess formuli tan-numru ta' indiċi li jintużaw fil-kalkolu tal-indiċijiet temporali. F'kuntest bilaterali li jinvolvi żewġ pajjiżi, A u B, kwalunkwe wieħed miż-żewġ pajjiżi jista' jintuża biex jipprovdni l-piżijiet. Mil-lat tal-pajjiż A, jista' jiġi kkalkulat indiċi tat-tip Laspeyres bil-piżijiet minn pajjiż A kif jista' jiġi kkalkulat ukoll indiċi tat-tip Paasche billi jintużaw il-piżijiet mill-pajjiż B. Madankollu, jekk iż-żewġ ekonomiji huma strutturalment differenti, il-lakuna bejn dawn iż-żewġ indiċijiet tista' tkun partikolarment kbira, u r-riżultat aħħari jiġi influwenzat sew bl-għażla tal-indiċi. F'paraguni binarij, għalhekk huwa preferibbli li tiġi applikata l-medja tat-tnejn, jiġifieri, l-indiċi Fisher.
- 10.53 Piżijiet numeriċi espliċiti normalment mhumiex disponibbli fil-livell ta' elementi individwali tal-kampjun. Għalhekk, tiġi applikata forma ta' ppeżar impliċitu bbażata fuq jekk il-pajjiżi jaraw element partikolari bħala rappreżentant tax-xejra domestika ta' konsum jew le. L-aktar livell baxx ta' aggregazzjoni li għalih huma disponibbli l-piżijiet numeriċi, huwa msejjaħ il-livell tal-pożizzjonijiet ta' bażi (basic heading — BH).
- 10.54 It-transittività timplika li l-PPP diretta bejn il-pajjiżi A u C hija ugwali għall-PPP indiretta dderivata billi tiġi mmultiplikata l-PPP diretta bejn il-pajjiżi A u B (jew kwalunkwe pajjiż terz) u l-PPP diretta bejn pajjiżi B u C. Il-PPPs Fisher fil-livell BH mhumiex transittivi, iżda huwa possibbli li jiġu dderivati minnhom sett ta' PPPs transittivi li jixbhu l-indiċijiet Fisher oriġinali, billi jintuża l-kriterju ta' lanqas kwadrati għal dan l-iskop. Bl-applikazzjoni tal-hekk imsejja formula Éltető-Köves-Szulc (EKS) jiġu minimizzati d-devjazzjonijiet bejn l-indiċijiet oriġinali Fisher u jiġi prodott sett komplut ta' PPPs transittivi fil-livell BH.
- 10.55 Is-sett ta' PPPs transittivi li jirriżulta għall-pajjiżi kollha u l-BHs kollha jiġu aggregati sal-livell tal-PDG totali billi jintuża l-infiq mill-kontijiet nazzjonali bħala piżijiet. Il-PPPs aggregati fil-livell tal-PDG jew kwalunkwe kategorija oħra jistgħu jiġu applikati, pereżempju, fil-kalkolu tal-infiq reali u l-indiċijiet ta' volum spazjali. PPP diviża bir-rata ta' kambju nominali bejn żewġ pajjiżi tipproduċi indiċi tal-livell tal-prezzijiet (PLI), li jista' jintuża fl-analiżijiet tal-livelli komparattivi tal-prezzijiet tal-pajjiżi.
- 10.56 Il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) hija responsabbli għall-kalkolu tal-PPPs għall-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 1445/2007 ⁽¹⁾. Fil-prattika, dawn il-kalkoli PPP huma inklużi fi programm usa tal-PPP kkoordinat b'mod konġunt mill-Eurostat u l-OECD. Il-metodi ddetaljati użati fil-programm huma deskritti fil-*Eurostat-OECD Methodological manual on purchasing power parities* ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tal-Kapaċità tal-Akkwist u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom (ĠU L 336, 20.12.2007, p. 1).

⁽²⁾ Eurostat - OECD, *Eurostat-OECD Methodological manual on purchasing power parities*, 2006 (jinsab fuq: <http://epp.eurostat.ec.europa.eu>).

KAPITOLU 11

POPOLAZZJONI U INPUTS TA' XOGĦOL

- 11.01 Il-paraguni bejn il-pajjiżi, jew bejn l-industriji jew is-setturi fl-istess ekonomija, huwa aktar utli għal ċerti skopijiet meta l-aggregati fil-kontijiet nazzjonali (pereżempju, prodott domestiku gross, il-konsum finali tal-familji, il-valur miżjud ta' industrija, il-kumpens tal-impjegati) jitqiesu frabta mal-għadd ta' abitanti u l-varjabbli tal-inputs ta' xogħol. Għal tali każijiet, id-definizzjonijiet ta' popolazzjoni u ta' inputs ta' xogħol għandhom ikunu konsistenti mal-konċetti użati fil-kontijiet nazzjonali, u jirriflettu l-konfini ta' produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali.
- 11.02 L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jiddeskrivi l-oqfsa u l-kejl tal-istatistika tal-popolazzjoni u l-impjeg, u li jipprovi gwida safejn daww l-oqfsa jikkorrispondu għas-sistema tal-kontijiet nazzjonali.
- 11.03 L-inputs ta' xogħol huma kklassifikati fuq il-bażi tal-istess unitajiet statistiċi kif jintużaw għall-analiżi tal-produzzjoni, jiġifieri l-unità ta' attività ekonomika fil-livell lokali u l-unità istituzzjonali.
- 11.04 L-aggregati li magħhom huma marbuta ċ-ċifri għall-popolazzjoni u l-inputs ta' xogħol huma ta' spiss it-totali annwali. F' tali każijiet, ikollhom jintużaw l-inputs ta' xogħol medji u l-popolazzjoni medja matul is-sena. Meta jsiru sħarriġiet għadd ta' drabi matul is-sena, iċ-ċifra li tittieħed hija l-medja tar-riżultati miksuba f'dawn id-dati diversi. Meta jsir sħarriġ tul perijodu fis-sena, il-perijodu użat irid ikun rappreżentattiv; l-aħħar informazzjoni disponibbli dwar il-varjazzjonijiet matul is-sena irid jintuża fl-istima tad-*data* għas-sena sħiħa. Pereżempju, fl-istima tal-medja tal-impjeg, irid jitqies li xi wħud ma jaħdmux matul is-sena kollha, pereżempju l-ħaddiema każwali u l-ħaddiema staġunali.

POPOLAZZJONI TOTALI

- 11.05 *Definizzjoni:* Fdata partikolari, l-popolazzjoni totali ta' pajjiż tikkonsisti mill-persuni kollha, nazzjonali jew barranin, li huma stabbiliti b'mod permanenti fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż, anki jekk ikunu nieqsa għal xi żmien. Medja annwali tal-għadd ta' abitanti tipprovi bażi adatta għal stima tal-varjabbli tal-kontijiet nazzjonali jew biex tintuża bħala denominatur fil-paraguni.
- 11.06 Il-popolazzjoni totali għall-kontijiet nazzjonali hija ddefinita skont il-konċett ta' residenza kif deskritt fil-Kapitolu 2. Persuna li toqgħod, jew għandha l-ħsieb li toqgħod, fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż għal perijodu ta' sena jew aktar titqies bħala stabbilita hemmhekk b'mod permanenti. Persuna titqies bħala nieqsa b'mod temporanju jekk tkun stabbilita b'mod permanenti fil-pajjiż iżda toqgħod, jew għandha l-ħsieb li toqgħod, fil-bqija tad-dinja għal perijodu ta' anqas minn sena. L-individwi kollha li jappartjenu għall-istess unità domestika huma residenti fejn l-unità domestika għandha ċentru ta' interess ekonomiku predominanti: dan huwa fejn l-unità domestika għandha abitazzjoni, jew sensiela ta' abitazzjonijiet, li l-membri tal-unità domestika jittrattaw, jew jużaw, bħala r-residenza prinċipali tagħhom. Membru ta' unità domestika residenti jibqa' residenti anki jekk dak l-individwu jivvjaġġa frekwentement barra mit-territorju ekonomiku minħabba li ċ-ċentru tiegħu ta' interess ekonomiku predominanti jibqa' fl-ekonomija li fiha hija residenti l-unità domestika.
- 11.07 Il-popolazzjoni totali ta' pajjiż tinkludi:
- ċittadini stabbiliti fil-pajjiż;
 - persuni ċivili nazzjonali li joqogħdu barra għal perijodu ta' inqas minn sena. Pereżempju ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera, ħaddiema staġunali, u turisti;
 - persuni ċivili barranin stabbiliti fil-pajjiż għal perijodu ta' sena jew aktar, inklużi l-persunal u membri tal-unità domestika li jakkumpanjawhom, tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u ta' organizzazzjonijiet ċivili internazzjonali li jinsabu fit-territorju ġeografiku tal-pajjiż;
 - persunal militari barrani li jaħdem ma' organizzazzjonijiet militari internazzjonali li jinsabu fit-territorju ġeografiku tal-pajjiż;
 - persunal ta' assistenza teknika barranija fuq missjoni ta' durata twila li jaħdem fil-pajjiż għal aktar minn sena, u jitqies bħala impjegat mill-gvern li jospita f'isem il-gvern, jew l-organizzazzjoni internazzjonali, li jiffinanzjalhom xogħolhom.

Il-popolazzjoni totali tinkludi wkoll dawn li ġejjin, ikun kemm ikun twil is-soġġorn tagħhom barra mill-pajjiż:

- studenti nazzjonali twil kemm ikun twil il-perijodu ta' studju tagħhom barra;

- (b) membri tal-forzi armati tal-pajjiż stazzjonati fil-bqija tad-dinja;
 - (c) ċittadini li huma parti mill-persunal ta' bażijiet xjentifiċi nazzjonali stabbiliti barra mit-territorju ġeografiku tal-pajjiż;
 - (d) ċittadini li huma parti mill-persunal ta' missjonijiet diplomatiċi barra mill-pajjiż;
 - (e) ċittadini nazzjonali li huma membri tal-ekwipaġġ tad-dgħajjes tas-sajd, bastimenti oħra, inġenji tal-ajru u pjattaformi f'wiċċ il-baħar li joperaw barra mit-territorju ekonomiku;
 - (f) pazjenti li jirċievu trattament mediku barra mill-pajjiż.
- 11.08 Bil-maqlub ta' dan, il-popolazzjoni totali ta' pajjiż ma tinkludix:
- (a) persuni ċivili barranin li joqogħdu fit-territorju għal anqas minn sena, bħal ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera, ħaddiema staġunali, turisti, u pazjenti;
 - (b) persuni ċivili nazzjonali li joqogħdu barra għal perijodu ta' sena jew aktar;
 - (c) persunal militari nazzjonali li jaħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jinsabu fil-bqija tad-dinja;
 - (d) persunal ta' assistenza teknika nazzjonali fuq missjoni ta' durata twila li jaħdem barra u jitqies bħala impjegat mill-gvern li jospita fisem il-gvern, jew organizzazzjoni internazzjonali, li jiffinanzjalhom xogħolhom;
 - (e) studenti barranin indipendentement mid-durata tal-istudji tagħhom fil-pajjiż;
 - (f) membri tal-forzi armati ta' pajjiż barrani li jkunu stazzjonati fil-pajjiż;
 - (g) il-persunal barrani ta' bażijiet xjentifiċi barranin li jinsabu fit-territorju ġeografiku tal-pajjiż;
 - (h) membri ta' missjonijiet diplomatiċi barranin stazzjonati fil-pajjiż.
- 11.09 Id-definizzjoni ta' popolazzjoni mogħtija hawn fuq hija differenti mill-popolazzjoni attwali, jew de facto, li tikkonsisti minn persuni attwalment preżenti fit-territorju ġeografiku ta' pajjiż f'data partikolari. Hija differenti wkoll mill-popolazzjoni reġistrata.

POPOLAZZJONI EKONOMIKAMENT ATTIVA

- 11.10 *Definizzjoni:* Il-popolazzjoni ekonomikament attiva hija magħmula mill-persuni kollha, li jipprovdu, jew huma disponibbli li jipprovdu, il-provvista ta' xogħol għall-attivitajiet produttivi li jaqgħu fil-konfini ta' produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali. Hija tinkludi l-persuni kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-inklużjoni fl-impjieg jew fil-qgħad kif iddefinit sussegwentement.

L-istandards rilevanti fuq l-istatistika dwar il-forza tax-xogħol jinżammu mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). L-istandards tal-ILO jinsabu fir-"Riżoluzzjonijiet", li jiġu adottati mis-sessjonijiet tal-Konferenza Internazzjonali tal-Istatisti tax-Xogħol (ICLS). Dik l-aktar rilevanti għall-ġbir u l-kompilazzjoni tad-data tal-forza tax-xogħol hija r-Riżoluzzjoni li Tikkonċerna l-Istatistika dwar il-popolazzjoni ekonomikament attiva, l-impjieg, il-qgħad u s-sottoimpjieg⁽¹⁾. Din ir-riżoluzzjoni ġiet adottata mit-Tlethta il Konferenza Internazzjonali tal-Istatisti tax-Xogħol f'Ottubru 1982, u emendata permezz ta' riżoluzzjoni tat-Tmintax-il ICLS f'Diċembru 2008. F' dik ir-riżoluzzjoni l-forza tax-xogħol hija definita f'termini ta' individwi involuti f'attività inklużi fid-dominju ta' produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali.

IMPJIEG

- 11.11 *Definizzjoni:* L-impjieg ikopri l-persuni kollha involuti f'attività produttiva li taqa' fid-dominju ta' produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali.

Il-persuni f'impjieg huma persuni impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom. Il-persuni li għandhom aktar minn xogħol wieħed huma kklassifikati bħala impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom skont ix-xogħol ewlieni tagħhom.

⁽¹⁾ http://www.ilo.org/global/statistics-and-databases/standards-and-guidelines/resolutions-adopted-by-international-conferences-of-labour-statisticians/WCMS_087481/lang-en/index.htm

Impjegati

11.12 *Definizzjoni:* L-impjegati huma ddefiniti bħala persuni li, bi ftehim, jaħdmu ma' unita' istituzzjonali residenti u jirċievu rimunerazzjoni rreġistrata bħala kumpens tal-impjegati.

"L-impjegati" jikkorrispondu mad-definizzjoni tal-ILO ta' "impjegat imħallas". Teżisti relazzjoni bejn min iħaddem u impjegat meta jkun hemm kuntratt, li jista' jkun formali jew informali, bejn intrapriża u persuna, volontarjament aċċettat miż-żewġ partijiet, li bih il-persuna taħdem għall-intrapriża b'rimunerazzjoni fi flus kontanti jew in natura.

Il-persuni li jkollhom kemm post ta' impjegat kif ukoll post ta' min jaħdem għal rasu huma kklassifikati bħala impjegati jekk l-impjegat ta' impjegat jikkostitwixxi l-attività prinċipali tagħhom skont l-introjtu. Jekk ma jkunx hemm *data* dwar l-introjtu, issir referenza għas-siġhat maħduma.

11.13 Il-kategoriji segwenti ta' impjegati huma inklużi:

- (a) persuni ingaġġati minn min iħaddem b'kuntratt ta' impjegat. Eżempji ta' dawn huma ħaddiema tal-id u mhux tal-id, persunal tal-ġestjoni, persunal domestiku, u persuni li jwettqu attività produttiva bi ħlas skont programmi ta' impjegat;
- (b) impjegati pubbliċi u impjegati oħra tal-gvern li għandhom termini u kondizzjonijiet ta' impjegat stabbiliti bil-liġi pubblika;
- (c) il-forzi armati, li jikkonsistu minn dawk li daħlu volontarjament kemm għal ingaġġ fit-tul kif ukoll għal żmien qasir, u koskritti inklużi koskritti li jaħdmu għal skopijiet ċivili;
- (d) ministri tar-reliġjon, jekk jitħallsu direttament mill-gvern ġenerali jew istituzzjoni li ma tagħmilx profit;
- (e) sidien ta' korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet jekk jaħdmu f'dawk l-intrapriżi;
- (f) studenti li għandhom impenn formali li bih jikkontribwixxu xi ftehim mix-xogħol tagħhom bħala input fil-proċess ta' produzzjoni ta' intrapriża b'rimunerazzjoni fi flus kontanti jew in natura bħal servizzi ta' edukazzjoni;
- (g) ħaddiema mid-dar jekk ikun hemm ftehim espliċitu li l-ħaddiem mid-dar jitħallas abbażi tax-xogħol li jagħmel: jiġifieri, l-ammont ta' xogħol li jiġi kkontribwit bħala input f'xi proċess ta' produzzjoni; ħaddiem mid-dar huwa impjegat jekk il-kuntratt tiegħu ma' min iħaddem huwa essenzjalment biex jipprovi x-xogħol;
- (h) persuni impjegati minn aġenziji ta' impjegat temporanju, li għandhom jiġu inklużi fl-industrija tal-aġenzija li timpjegahom, u mhux fl-industrija tal-intrapriża li għaliha fil-fatt jaħdmu.

11.14 Persuni temporanjament mhux fl-impjegat ukoll jitqiesu bħala impjegati kemm-il darba għandhom rabta ta' impjegat formali. Din ir-rabta formali għandha tkun iddeterminata skont kriterju wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (a) li jibqgħu jirċievu paga jew salarju;
- (b) assigurazzjoni ta' ritorn għax-xogħol wara tmiem il-kontinġenza, jew ftehim rigward id-data ta' ritorn.

Din tkopri persuni temporanjament mhux fl-impjegat minħabba mard jew korriment, btala jew vaganza, strajk jew lockout, liv ta' studju jew taħriġ, liv tal-omm jew tal-ġenitur, tnaqqis fl-attività ekonomika, diżorganizzazzjoni temporanja jew sospensjoni ta' xogħol minħabba raġunijiet bħal maltemp, ħsara mekkanika jew elettrika, jew skarsezza ta' materja prima jew karburanti. Hija tkopri ukoll assenzi temporanji oħra b'liv jew mingħajru.

Persuni Li Jaħdmu Għal Rashom

11.15 *Definizzjoni:* Il-persuni li jaħdmu għal rashom huma ddefiniti bħala persuni li huma sidien uniċi, jew sidien konġunti, tal-intrapriżi mhux inkorporati li fihom jaħdmu, esklużi dawk l-intrapriżi mhux inkorporati li huma kklassifikati bħala kważi-korporazzjonijiet. Il-persuni li jkollhom kemm post ta' impjegat kif ukoll post ta' min jaħdem għal rasu huma kklassifikati hawnhekk jekk l-impjegat ta' min jaħdem għal rasu jikkostitwixxi l-attività prinċipali tagħhom skont l-introjtu.

Jekk ma jkunx hemm *data* dwar l-introjtu, jistgħu jintużaw is-siġhat maħduma, minflok.

Il-persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jkunu temporanjament mhux fl-impjieg matul il-perijodu ta' referenza. Il-kumpens għax-xogħol għal rashom huwa introjtu mħallat.

11.16 Il-persuni li jaħdmu għal rashom jinkludu l-kategoriji li ġejjin:

- (a) membri tal-familja li jaħdmu mingħajr ħlas, inklużi dawk li jaħdmu f'intrapriżi mhux inkorporati f'attività ta' produzzjoni għas-suq;
- (b) ħaddiema mid-dar li l-introjtu tagħhom huwa funzjoni tal-valur tal-outputs minn xi proċess ta' produzzjoni li għalih huma responsabbli; Il-kuntratt ta' dawn il-ħaddiema mid-dar huwa li jipprovdu oġġetti jew servizzi lill-parti li tikkummissjonahom;
- (c) ħaddiema li jeżerċitaw attività ta' produzzjoni li daħlu għaliha kompletament għall-konsum finali għalihom stess jew għall-formazzjoni ta' kapital tagħhom stess, kemm individwalment kif ukoll kollettivament. Din il-produzzjoni għandha tkun parti sinifikanti mill-użu finali tagħhom biex tiġi reġistrata.

Ħaddiema volontarji mingħajr ħlas huma inklużi mal-persuni li jaħdmu għal rashom jekk l-attivitàjiet volontarji tagħhom jirriżultaw f'oġġetti, pereżempju l-konstruzzjoni ta' abitazzjoni, knisja jew bini ieħor. Iżda jekk l-attivitàjiet volontarji tagħhom jirriżultaw f'servizzi, pereżempju kura jew tindif mingħajr ħlas, ma jiġux inklużi taħt l-impjieg, peress li dawn is-servizzi volontarji huma esklużi mill-produzzjoni.

Għalkemm is-servizzi li jipprovdu l-membri tal-unità domestika lilhom infushom bħala sidien tal-abitazzjonijiet tagħhom huma inklużi fid-dominju ta' produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali, ma hemm l-ebda input ta' xogħol fil-produzzjoni ta' tali servizzi; is-sidien okkupanti ta' abitazzjonijiet ma jitqisux bħala persuni li jaħdmu għal rashom.

Impjieg U Residenza

11.17 Ir-riżultati tal-attività tal-unitajiet ta' produzzjoni huma konsistenti bħala kopertura mal-impjieg jekk dan tal-aħħar jinkludi kemm ir-residenti kif ukoll dawk mhux residenti li jaħdmu għal unitajiet ta' produzzjoni residenti.

L-impjieg, għalhekk, jinkludi wkoll il-kategoriji li ġejjin:

- (a) ħaddiema konfinali mhux residenti, jiġifieri persuni li jaqsmu l-fruntiera kuljum biex jaħdmu fit-territorju ekonomiku;
- (b) ħaddiema staġunali mhux residenti, jiġifieri persuni li jittrasferixxu ruħhom fit-territorju ekonomiku u joqogħdu hemm għal inqas minn sena biex jaħdmu f'industriji li perjodikament jeħtieġu xogħol addizzjonali;
- (c) membri tal-forzi armati tal-pajjiż stazzjonati fil-bqija tad-dinja;
- (d) ċittadini li huma parti mill-persunal ta' bażijiet xjentifiċi nazzjonali stabbiliti barra mit-territorju ġeografiku tal-pajjiż;
- (e) ċittadini li huma parti mill-persunal ta' missjonijiet diplomatiki barra mill-pajjiż;
- (f) membri tal-ekwipaġġ tad-dgħajjes tas-sajd, bastimenti oħra, inġenji tal-ajru u pjattaformi f'wiċċ il-baħar imħaddma minn unitajiet residenti;
- (g) impjegati lokali ta' korpi tal-gvern ġenerali li jinsabu barra mit-territorju ekonomiku.

11.18 Il-kategoriji li ġejjin huma esklużi mill-impjieg:

- (a) residenti li huma ħaddiema konfinali jew ħaddiema staġunali, jiġifieri li jaħdmu f'territorju ekonomiku ieħor;
- (b) ċittadini li huma membri tal-ekwipaġġ tad-dgħajjes tas-sajd, bastimenti oħra, inġenji tal-ajru u pjattaformi f'wiċċ il-baħar imħaddma minn unitajiet mhux residenti;
- (c) impjegati lokali ta' aġenziji ta' gvern barranin li jinsabu fit-territorju ġeografiku tal-pajjiż;
- (d) il-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali ċivili li jinsabu fit-territorju ġeografiku tal-pajjiż (inklużi impjegati lokali direttament ingaġġati);
- (e) membri tal-forzi armati li jaħdmu ma' organizzazzjonijiet militari internazzjonali li jinsabu fit-territorju ġeografiku tal-pajjiż;
- (f) ċittadini li jaħdmu f'bażijiet xjentifiċi barranin stabbiliti fit-territorju ekonomiku.

11.19 Sabiex tkun tista' ssir it-transizzjoni lejn il-kunċetti ġeneralment użati fl-istatistika dwar il-forza tax-xogħol (impjeg fuq bażi nazżjonali), is-SEK b'mod speċjali tipprevedi li dawn l-punti li ġejjin jintwerew separatament:

- (a) il-forzi bil-lieva (mhux inklużi fl-istatistika tal-forza tax-xogħol, iżda inklużi fis-SEK taħt servizzi tal-gvern ġenerali);
- (b) residenti li jaħdmu għal unitajiet ta' produzzjoni mhux residenti (inklużi fl-istatistika tal-forza tax-xogħol iżda mhux inklużi fl-impjeg kif iddefinit fis-SEK);
- (c) mhux residenti li jaħdmu ma' unitajiet ta' produzzjoni residenti (mhux inklużi fl-istatistika tal-forza tax-xogħol iżda inklużi fl-impjeg kif iddefinit fis-SEK);
- (d) ħaddiema residenti li jgħixu permanentement f'istituzzjoni;
- (e) ħaddiema residenti taħt l-età meqjusa fl-istatistika tal-forza tax-xogħol.

QGĦAD

11.20 *Definizzjoni:* Skont il-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (it-13-il-Konferenza Internazzjonali tal-Istatistiċi tax-Xogħol), speċifikati aktar fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1897/2000⁽¹⁾, il-kunċett ta' qgħad jinkludi l-persuni kollha 'l fuq minn età speċifika li matul il-perijodu ta' referenza kienu:

- (a) "mingħajr xogħol", jiġifieri mhux f'impjeg imħallas jew impjeg għal rashom;
- (b) "attwalment disponibbli għax-xogħol", jiġifieri kienu disponibbli għal impjeg imħallas jew impjeg għal rashom matul il-perijodu ta' referenza; u
- (c) "ifittxu x-xogħol", jiġifieri ħadu passi speċifiċi f'perijodu reċenti speċifikat biex ifittxu impjeg imħallas jew impjeg għal rashom.

11.21 Il-passi speċifiċi jistgħu jinkludu: reġistrazzjoni fi skambju ta' impjeg pubbliku jew privat; applikazzjoni ma' min iħaddem; verifika f'siti tax-xogħol, azjendi agrikoli, kanċelli ta' fabbriki, suq jew postijiet oħra fejn jinġabru ħaddiema; pubblikazzjoni ta' riklami fil-gazzetti jew twebgħib għalihom; tfittxija ta' assistenza ta' ħbieb jew qraba; tfittxija ta' art, bini, makkinarju jew tagħmir għall-istabbiliment ta' impriża proprja; applikazzjoni għal permessi u liċenzji jew riżorsi finanzjarji, eċċ.

IMPJIEGI

11.22 *Definizzjoni:* Impjeg huwa kuntratt espliċitu jew impliċitu bejn persuna u unità istituzzjonali residenti biex ttwettaq xogħol b'kumpens għal perijodu definit jew sa kemm jingħata avviż ieħor.

Din id-definizzjoni tkopri it-termini li ġejjin:

- (a) il-kuntratt espliċitu jew impliċitu huwa marbut mal-forniment ta' input ta' xogħol, mhux mal-provvista ta' produzzjoni ta' oġġett jew servizz;
- (b) ix-xogħol ifisser kull attività li tikkontribwixxi għall-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi fid-dominju ta' produzzjoni. Il-legalità tax-xogħol u l-età tal-ħaddiem huma irrilevanti;
- (c) il-kumpens għandu jiġi interpretat hawnhekk f'sens wiesa', inkluż introjtu mħallas ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

Fdin id-definizzjoni ta' impjeg, kemm l-impjegi ta' impjegat kif ukoll ta' min jaħdem għal rasu huma koperti, jiġifieri, impjeg ta' impjegat jekk il-persuna tappartjeni għal unità istituzzjonali diversa minn min iħaddem u impjeg ta' min jaħdem għal rasu jekk il-persuna tappartjeni għall-istess unità istituzzjonali ta' min iħaddem.

11.23 Il-kunċett ta' impjegi huwa differenti mill-kunċett ta' impjegar kif iddefinit hawn fuq.

- (a) L-impjegi jinkludu t-tieni, it-tielet xogħol, eċċ. tal-istess persuna. Dawk it-tieni, it-tielet, eċċ. impjegi ta' persuna jistgħu jew suċċessivament jiġu wieħed wara l-ieħor fil-perijodu ta' referenza (normalment, ġingħa) jew, bħal meta wieħed ikollu impjeg ta' filgħaxija kif ukoll impjeg ta' filgħodu, b'mod parallel ma' xulxin.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1897/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' s'harriġ għal kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil-Komunità f'dak li għandu x'jaqşam mad-definizzjoni operattiva tal-qgħad (ĠU L 228, 8.9.2000, p. 18).

- (b) Min-naħa l-oħra, it-terminu impjegati jinkludi persuni temporanjament 'il-bogħod mix-xogħol iżda li għandhom "rabta formali mal-impjeg tagħhom" fil-forma pereżempju ta' "assikurazzjoni ta' ritorn lura lejn ix-xogħol jew ftehim dwar id-data tar-ritorn". Tali intendiment bejn min iħaddem u persuna bis-sensja jew mhux fuq ix-xogħol minħabba taħriġ ma jgħoddx bħala impjeg fis-sistema.

Impjegati U Residenza

- 11.24 Impjegati fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż huwa kuntratt espliċitu jew impliċitu bejn persuna (li tista' tkun residenti fit-territorju ekonomiku ieħor) u unità istituzzjonali residenti fil-pajjiż.

Għall-kejl tal-input ta' xogħol fl-attività ekonomika domestika, ir-residenza biss tal-unità istituzzjonali ta' produzzjoni hija rilevanti, peress li l-produtturi residenti biss jikkontribwixxu għall-prodott domestiku gross.

- 11.25 Barra minn hekk:

- (a) L-impjegati huma inklużi fl-għadd tal-impjegati fit-territorju ekonomiku meta l-impjegati ta' produttur residenti jkunu qed jaħdmu temporanjament fit-territorju ekonomiku ieħor u meta n-natura u t-tul ta' żmien tal-attività ma jiġġustifikawx li tiġi trattata bħala unità residenti nozzjonali ta' dak it-territorju l-ieħor;
- (b) L-impjegati huma esklużi mill-għadd ta' impjegati fit-territorju ekonomiku meta mwettqa għal unitajiet istituzzjonali mhux residenti, jiġifieri, għal unitajiet b'ċentru ta' interess f'pajjiż ieħor li ma għandhom ebda ħsieb li jkunu attivi fit-territorju domestiku għal sena jew aktar;
- (c) L-impjegati tal-persunal ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u dawk ta' persunal ingaġġat lokalment minn ambaxxati barranin huma esklużi mill-għadd, peress li l-unitajiet ta' impjegati mhumiex residenti.

L-EKONOMIJA MHUX OSSERVATA

- 11.26 Il-valur tal-attività ta' produzzjoni li mhumiex direttament osservati huma bħala prinċipju inklużi fid-dominju ta' produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali. It-tliet tipi li ġejjin ta' din l-attività huma għalhekk inklużi:

- (a) attivitajiet illegali fejn il-partijiet huma sħab li jintervjenu volontarjament fi transazzjoni ekonomika;
- (b) attivitajiet moħbija u klandestini fejn it-transazzjonijiet infushom mhumiex kontra l-liġi, iżda ma jiġux irrapportati biex jiġi evitat l-iskrutinju uffiċjali;
- (c) attivitajiet deskritti bħala "informali", tipikament fejn ma jinżammux reġistri.

Fil-prinċipju, ir-rimunerazzjoni ta' dawn il-ħaddiema hija inklużi fil-kumpens tal-impjegati jew fl-introjt mħallat. Dan l-aġġustament għandu jitqies fid-data dwar l-impjegati u l-impjegati awtonomu meta jiġu kkalkulati l-proporzjonijiet u statistika oħra.

Attivitajiet illegali fejn waħda mill-partijiet ma tintervenix volontarjament (pereżempju serq) mhumiex transazzjonijiet ekonomiċi u għalhekk mhumiex inklużi fid-dominju ta' produzzjoni.

TOTAL TA' SIGĦAT MAĦDUMA

- 11.27 *Definizzjoni:* It-total ta' sghat maħduma jirrappreżentaw l-għadd aggregat ta' sghat attwalment maħduma bħala impjegati jew persuna li taħdem għal rasha matul il-perijodu ta' kontabbiltà, meta l-output tagħhom huwa fid-dominju ta' produzzjoni.

Minħabba d-definizzjoni wiesgħa ta' impjegati li tkopri persuni temporanjament mhux fuq ix-xogħol iżda b'rabta formali, u ħaddiema part-time, il-kejl adatt għall-kalkolu tal-produttività mhix l-għadd ta' rjus iżda t-total ta' sghat maħduma.

It-total ta' sghat maħduma huwa l-aktar kejl adatt ta' inputs ta' xogħol għall-kontijiet nazzjonali.

Speċifika tas-sghat effettivament maħduma

- 11.28 Is-sghat totali effettivament maħduma tirrappreżenta dawk is-sghat ta' xogħol li kkontribwixxew għall-produzzjoni u jistgħu jiġu ddefiniti b'referenza għad-dominju ta' produzzjoni tal-kontijiet nazzjonali. L-istandard tal-ILO li

hemm fir-“Riżoluzzjoni dwar il-Kejl tal-Ħin tax-Xogħol”, adottata mit-Tmintax-il-Konferenza Internazzjonali tal-Istatistiċi tax-Xogħol f'Diċembru 2008 ⁽¹⁾, jiddefinixxi s-*sigħat* effettivament maħduma bħala l-ħin li l-persuni jgħaddu fit-tweqqi ta' attivitajiet li jikkontribwixxu għall-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi matul perijodu speċifikat ta' referenza. Ir-riżoluzzjoni tiddefinixxi s-*sigħat* maħduma kif ġej:

- (1) is-*sigħat* effettivament maħduma jseħħu fit-tipi kollha ta' impjegji skont arranġamenti ta' xogħol u kumpens li jvarjaw, imħallsa jew mhux imħallsa, li jistgħu jsiru f'kull tip ta' post.
- (2) is-*sigħat* effettivament maħduma mhumiex marbuta ma' konċetti amministrattivi jew legali u għalhekk japplikaw għall-persuni kollha li jaħdmu u jistgħu jseħħu fis-*sigħat* normali jew kuntrattwali jew bħala sahra.
- (3) l-istatistika ta' *sigħat* effettivament maħduma għandha tinkludi:
 - (a) *sigħat* effettivament maħduma matul perijodi normali ta' xogħol u li jikkontribwixxu direttament għall-produzzjoni;
 - (b) ħin imħallas iddedikat għat-taħriġ;
 - (c) il-ħin maħdum flimkien mis-*sigħat* maħduma matul il-perijodi normali tax-xogħol, magħruf bħala sahra. Ta' min jinnota li s-*sigħat* ta' sahra maħduma għandhom jiġu inklużi anki jekk mhumiex imħallsa;
 - (d) il-ħin li wieħed iqatta' fuq kompiti bħat-tħejjija tal-post tax-xogħol, tiswijiet u żamma, tħejjija u tindif ta' għodda, u t-tħejjija ta' riċevuti, reġistri tal-ħinijiet u rapporti;
 - (e) il-ħin li wieħed iqatta' jistenna jew ta' permanenza matul sfrattu għal żmien qasir matul il-ġurnata tax-xogħol għal tali raġunijiet bħal nuqqas ta' forniment ta' xogħol, makkinarju bil-ħsara, jew inċidenti, jew ħin li wieħed iqatta' fuq il-post tax-xogħol li matulu ma jsir ebda xogħol iżda li jitħallas skont kuntratt iggarantit ta' impjegġ;
 - (f) il-ħin li jikkorrispondi għal perijodi qosra ta' mistrieħ matul il-ġurnata tax-xogħol, inklużi waqfiet tat-te u l-kafe;
 - (g) arranġamenti ta' xogħol on-call. Meta dan iseħħ 'il bogħod mill-post tax-xogħol, pereżempju d-dar, il-ħin jiġi inkluż fis-*sigħat* effettivament maħduma skont il-grad ta' kemm l-attivitajiet mhux ta' xogħol u tal-movimenti tal-persuna huma ristretti;
 - (h) is-*sigħat* maħduma mill-persunal tal-forza tad-difiża, inklużi koskritti, għandhom jiġu inklużi anki jekk ikunu barra mill-ambitu ta' sħarriġ tal-forza tax-xogħol ta' pajjiż;
- (4) l-istatistika ta' *sigħat* effettivament maħduma għandha teskludi:
 - (a) *sigħat* imħallsa iżda mhux maħduma, bħal liv annwali mħallas, btajjel pubbliċi mħallas, liv għal mard imħallas, liv tal-ġenituri, strajkijiet, “liv qasir” għal viżiti mediċi eċċ., għeluq temporanju minħabba maltemp;
 - (b) waqfien għall-ikel;
 - (c) ħin li wieħed iqatta' jivvjaġġa bejn id-dar u x-xogħol, għalkemm kwalunkwe xogħol li jsir waqt il-ħin tal-ivvjaġġar għandu jiġi inkluż;
 - (d) edukazzjoni li mhix taħriġ.

Definizzjonijiet iktar eżawrjenti ta' dawn il-kriterji jistgħu jinstabu fir-“Riżoluzzjoni dwar il-Kejl tal-Ħin tax-Xogħol” tal-ICLS ta' Diċembru 2008.

11.29 It-total ta' *sigħat* maħduma huwa l-għadd aggregat ta' *sigħat* effettivament maħduma matul il-perijodu ta' kontabilità f'impjegġi ta' persuni impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom fit-territorju ekonomiku:

- (a) inkluż xogħol barra mit-territorju ekonomiku għall-unitajiet istituzzjonali li jħaddmu u li huma residenti, u li ma għandhomx ċentru ta' interess ekonomiku predominanti hemmhekk;
- (b) eskluż xogħol għal unitajiet istituzzjonali barranin li jħaddmu u li ma għandhomx ċentru ta' interess ekonomiku predominanti fit-territorju ekonomiku.

⁽¹⁾ http://www.ilo.org/global/statistics-and-databases/standards-and-guidelines/resolutionsadopted-by-international-conferences-of-labour-statisticians/WCMS_112455/lang-en/index.htm

- 11.30 Ħafna stħarriġiet ta' intrapriżi jirreġistraw sigħat imħallsa mhux sigħat maħduma. F'dawn il-każijiet, is-sigħat maħduma għandhom jiġu smati għal kull grupp ta' impjeg, bl-użu ta' kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar liv imħallas eċċ.
- 11.31 Għal analiżi taċ-ċiklu ta' negozju, jista' jkun utli li jiġu aġġustati s-sigħat totali maħduma billi jiġi adottat għadd standard ta' ġranet ta' xogħol kull sena.

EKWIVALENZA FULL-TIME

- 11.32 *Definizzjoni:* L-impjeg full-time ekwivalenti, li huwa ugwali għall-għadd ta' impjegji full-time ekwivalenti, huwa ddefinit bħala s-sigħat totali maħduma diviżi bil-medja tal-għadd ta' sigħat maħduma f'sena f'impjegji full-time fit-territorju ekonomiku.
- 11.33 Din id-definizzjoni mhux bilfors tiddekrivi kif il-kunċett jiġi smat: billi t-tul ta' impjeg full-time nbidel matul iż-żmien u huwa differenti minn industrija għal oħra, jintużaw metodi li, għal kull grupp ta' impjeg, jistabbilixxu l-proporzjon medju u l-medja tas-sigħat ta' impjeg inqas minn full-time. L-ewwel għandha ssir stima ta' ġimgħa full-time normali f'kull grupp ta' impjeg. Grupp ta' impjeg jista' jiġi ddefinit, f'industrija, skont is-sess tal-ħaddiema u t-tip ta' xogħol. Is-sigħat miftiehma b'kuntratt jikkostitwixxu, għall-impjegji ta' impjegat, il-kriterji adatti biex jiġu ddeterminati dawn iċ-ċifri. L-ekwivalenti full-time jiġi kkalkolat separatament f'kull grupp ta' impjeg, u wara jingħaddu flimkien.
- 11.34 Is-sigħat totali maħduma huma l-aqwa kejl tal-inputs ta' xogħol, iżda fejn din l-informazzjoni tkun nieqsa, l-ekwivalenza full-time tista' tkun l-aqwa alternattiva disponibbli: tista' ssir stima tagħha aktar faċilment u permezz tagħha jistgħu jsiru paraguni ma' pajjiżi li jistgħu jistmaw biss l-impjeg full-time ekwivalenti.

INPUT TA' XOGħOL TAL-IMPJEGATI B'KUMPENS KOSTANTI

- 11.35 *Definizzjoni:* Għal inputs ta' xogħol ta' tip u kwalifiki simili fil-perjodu ta' bażi, l-input ta' xogħol tal-impjegati b'kumpens kostanti huma kejl tal-inputs ta' xogħol attwali vvalutati fil-livelli ta' kumpens ta' impjegji ta' impjegat matul perjodu ta' bażi magħżul.
- 11.36 Il-kumpens tal-impjegati bi prezzijiet kurrenti diviż bl-inputs ta' xogħol tal-impjegat b'kumpens kostanti jagħti indiċi ta' prezz ta' kumpens impliċitu li jista' jitqabbel mal-indiċi ta' prezz impliċitu tal-użi finali.
- 11.37 L-iskop tal-kunċett ta' input ta' xogħol tal-impjegat b'kumpens kostanti huwa li jiġu deskritti t-tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol, pereżempju minn ħaddiema b'paga aktar baxxa għal ħaddiema b'paga ogħla. Biex tkun effettiva, l-analiżi għandha ssir fuq bażi ta' industrija.

KEJL TA' PRODUTTIVITÀ

- 11.38 *Definizzjoni:* Il-produttività hija kejl ta' produzzjoni minn proċess ta' produzzjoni, għal kull unità ta' input. Pereżempju, il-produttività tax-xogħol titkejjel tipikament bħala proporzjon ta' output għal kull xogħol-siegħa, li jkun input. Huwa għalhekk essenzjali li l-kejl tax-xogħol li jintuża fi studji fejn l-output huwa bbażat fuq kejl tal-kontabbiltà nazzjonali jkun konsistenti fil-kunċett u l-kopertura mal-kontijiet nazzjonali.

KAPITOLU 12

KONTIJET NAZZJONALI TRIMESTRALI

INTRODUZZJONI

- 12.01 Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji u l-karatteristiċi ewlenin tal-kontijiet nazzjonali trimestrali.
- 12.02 Il-kontijiet nazzjonali trimestrali huma kontijiet nazzjonali li l-perijodu ta' referenza tagħhom huwa tliet xhur. Huma sistema ta' indikaturi trimestrali integrati. Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jipprovdu qafas ta' kontabbiltà komprensiv li fih tista' tiġi kkompilata u ppreżentata *data* ekonomika f'format li huwa mfassal għal skopijiet ta' analiżi ekonomika, teħid ta' deċiżjonijiet u tfassil ta' politika, fuq bażi ta' kull tliet xhur.
- 12.03 Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jadottaw l-istess prinċipji, definizzjonijiet, u struttura bħall-kontijiet nazzjonali annwali. Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jużaw il-kunċetti tal-kontijiet nazzjonali annwali kemm-il darba ma jkunx indikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu.
- 12.04 Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jkopru s-sekwenza sħiħa tal-kontijiet u l-karti tal-bilanċ. Fil-prattika, il-limiti ta' disponibbiltà ta' *data*, ħin, u riżorsi jfissru li l-kontijiet nazzjonali trimestrali jkunu inqas kompluti mill-kontijiet nazzjonali annwali.

B'paragun mal-kontijiet nazzjonali annwali, il-kontijiet nazzjonali trimestrali huma aktar limitati fl-ambitu tagħhom. Jikkonċentraw fuq il-kejl tal-PDG, il-kejl tal-provvista u l-użu ta' oġġetti u servizzi, u t-tnissil tal-introjt. Id-dettalji dwar l-attività industrijali u t-transazzjonijiet speċifiċi huma limitati. Dan jirrifletti kompromess bejn iż-żmien opportun u l-ambitu, id-dettall u l-affidabbiltà.

- 12.05 Ipparagunati mal-kontijiet nazzjonali annwali, il-kontijiet nazzjonali trimestrali jiġu kkompilati u rilaxxati aktar ta' spiss. Jipprovdu ħarsa ġenerali minn kmieni lejn l-iżviluppi ekonomiċi u jistgħu jintużaw għal stimi minn kmieni ta' kontijiet nazzjonali annwali.
- 12.06 Is-sensiliet kronoloġiċi tal-istatistika tal-kontijiet nazzjonali trimestrali, minħabba l-frekwenza trimestrali tagħhom, jippreżentaw xejra staġunali u huma affettwati minn avvenimenti kalendarji. Ix-xejra staġunali titferrex permezz ta' proċeduri ta' aġġustament staġunali u kalendarju.
- 12.07 Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jserrħu fuq sorsi ta' *data* aktar limitati mill-kontijiet nazzjonali annwali u l-kompilazzjoni tagħhom titlob aktar użu ta' strateġiji tekniċi statistiċi u ekonometriċi. Hemm żewġ approċċi għall-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali trimestrali: l-approċċ dirett u l-approċċ indirett.
- 12.08 L-approċċ dirett huwa bbażat fuq id-disponibbiltà, f'intervalli ta' tliet xhur, ta' sorsi ta' *data* simili għal dawk li jintużaw għall-kompilazzjoni tal-kontijiet annwali; skont dan l-approċċ, jiġu applikati metodi simili ta' kompilazzjoni. L-approċċ indirett juża strateġiji tekniċi ta' stima statistika u ekonometrika li jużaw informazzjoni mill-kontijiet annwali u l-indikaturi fuq medda qasira ta' żmien biex jinterpolaw u jesterpolaw mill-estimi annwali. L-għażla bejn dawn iż-żewġ approċċi tiddependi minn kemm l-informazzjoni użata fil-produzzjoni tal-kontijiet annwali tkun disponibbli malajr fl-istess forma fil-livell trimestrali.
- 12.09 L-iskop tal-kontijiet nazzjonali trimestrali huwa differenti minn dak tal-kontijiet nazzjonali annwali. Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jikkonċentraw fuq il-movimenti fuq medda qasira ta' żmien tal-ekonomija u jipprovdu kejl koerenti ta' dawn il-movimenti fil-qafas tal-kontijiet nazzjonali. L-enfasi titqiegħed fuq ir-rati ta' tkabbir u l-karatteristiċi tagħhom tul iż-żmien bħall-aċċellerazzjoni u d-deċellerazzjoni jew il-bidla fis-sinjal. L-enfasi tal-kontijiet nazzjonali annwali tinsab fuq il-livelli u l-istruttura tal-ekonomija, kif ukoll ir-rati ta' tkabbir.

Il-kontijiet nazzjonali annwali huma inqas adatti mill-kontijiet nazzjonali trimestrali għall-analiżijiet taċ-ċiklu tan-negozju minħabba li *d-data* annwali taħbi żviluppi ekonomiċi fuq medda qasira ta' żmien.

- 12.10 Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jistgħu jintużaw fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali annwali. Itejbju l-affidabbiltà u ż-żmien opportun tal-kontijiet nazzjonali annwali u, f'ċerti pajjiżi, il-kontijiet nazzjonali annwali ġejjin direttament mill-aggregazzjoni matul is-sena tal-kontijiet nazzjonali trimestrali. Dawn ir-rvoli differenti jirriflettu differenzi fid-disponibbiltà tad-*data* u fil-proċessi ta' kompilazzjoni.
- 12.11 Sensiela ta' *data* tidħol fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali trimestrali, bħall-istatistika fuq medda qasira ta' żmien dwar il-produzzjoni, il-prezzijiet, l-impjieg u l-kummerċ barrani, l-indikaturi tal-fiduċja tan-negozju u *d-data* dwar il-konsumaturi u dik amministrattiva bħad-dħul tal-VAT. B'paragun ma' dawn l-indikaturi, il-kontijiet nazzjonali trimestrali joffru:

(a) ambitu usa';

- (b) kompjutezza;
- (c) qafas koerenti ta' kontijiet nazzjonali;
- (d) konsistenza mal-kunċetti u d-data fil-kontijiet nazzjonali;
- (e) paragunabilità internazzjonali bbażata fuq qafas metodoloġiku internazzjonali — l-SNA tal-2008.

12.12 Il-kopertura tal-kontijiet nazzjonali trimestrali tikkorrispondu mal-kopertura tal-kontijiet annwali, biex tiġbor fiha s-sekwenza sħiħa tal-kontijiet u l-aggregati li jikkorrispondu kif ukoll il-qafas tal-provvista u tal-użu. Madankollu, id-disponibbiltà mnaqqsa ta' informazzjoni u l-frekwenza trimestrali tal-kompilazzjoni normalment iwasslu għal kopertura u ambitu mnaqqsa għall-kontijiet nazzjonali trimestrali.

Il-qafas tal-kontijiet trimestrali jinkludi dan li ġej:

- (a) aggregati ewlenin, inklużi l-impjeg u l-popolazzjoni;
- (b) kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji skont is-settur istituzzjonali;
- (c) tqassim b'livell ta' dettall limitat ta' aggregati ewlenin bħall-valur miżjud gross, in-nefqa tal-konsum finali, il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi, u l-impjeg; u
- (d) sekwenza ta' kontabbiltà simplifikata.

Dawn l-elementi huma kkomplementati b'mod utli, għal skopijiet ta' kompilazzjoni, minn qafas simplifikat ta' provvista u użu.

KARATTERISTIĊI SPEĊIFIĊI TAL-KONTIJET NAZZJONALI TRIMESTRALI

12.13 Il-kwistjonijiet ta' kompilazzjoni li huma importanti b'mod speċjali għall-kontijiet nazzjonali trimestrali huma:

- (a) ħin ta' reġistrazzjoni;
- (b) stimi flash;
- (c) ibbilanċjar u benchmarking;
- (d) kejl ta' volum marbut mal-indiċi-katina; u
- (e) aġġustamenti staġunali u kalendarji.

Ħin ta' reġistrazzjoni

12.14 Ir-regoli dwar il-ħin ta' reġistrazzjoni li japplikaw għall-kontijiet nazzjonali trimestrali huma l-istess bħal dawk li japplikaw għall-kontijiet nazzjonali annwali. Iżda, jinqalgħu problemi speċifiċi ta' kejl fir-rigward tal-ħin ta' reġistrazzjoni minħabba l-perijodu iqsar ta' reġistrazzjoni. Dan jaffettwa, b'mod partikolari, l-kejl ta':

- (a) xogħol li jkun għaddej;
- (b) attivitajiet f'perijodi speċifiċi fi żmien sena; u
- (c) pagamenti ta' frekwenza baxxa.

12.15 Għall-kontijiet nazzjonali trimestrali, ir-reġistrazzjoni ta' attivitajiet ikkonċentrati f'perijodi speċifiċi f'sena hija importanti. Id-daqs ta' tali attivitajiet skont it-trimestru, bħall-output tal-agrikoltura, il-kostruzzjoni u t-turiżmu, jiddependi minn fatturi esterni bħat-temp u l-btajjel uffiċjali. Il-ħlas ta' pagi, taxxi, benefiċċji soċjali u dividendi jista' jkun soġġett għal effetti trimestrali temporanji bħall-bonusis annwali li jitħallsu f'xahar wieħed. L-iżbalji fil-kejl tal-waqt u d-daqs ta' avvenimenti bħal dawn iwasslu għal żbalji fil-kejl tat-tkabbir trimestrali.

Ħidma li għaddejja

12.16 Ix-xogħol li jkun għaddej huwa output mhux komplut li għadu mhux lest għall-kunsinna. Dan iseħħ meta l-produzzjoni ddum iktar minn perijodu wieħed. Ċikli ta' produzzjoni twal iseħħu f'attivitajiet bħall-agrikoltura, il-bini, il-manifattura ta' makkinarju, karozzi u vapuri, u servizzi bħall-iżvilupp ta' software, servizzi arkitettoniċi, il-ġbid ta' film jew avvenimenti sportivi kbar. Proċessi ta' produzzjoni twal bħal dawn ta' spiss jiġu akkumpanjati minn pagamenti progressivi, l-aktar f'attivitajiet bħall-bini ta' vapuri, il-bini ta' inġenji tal-ajru, il-produzzjoni tal-inbid u kuntratti ta' reklamar.

Il-kejl ta' produzzjoni bħal din jeħtieġ li proċess wieħed jinqasam f'perijodi separati. Dan huwa aktar diffiċli għall-kontijiet nazzjonali trimestrali milli għal kontijiet nazzjonali annwali. Madankollu, l-istess prinċipji japplikaw għall-kejl tax-xogħol li jkun għaddej fuq bażi trimestrali u annwali.

Attivitajiet ikkondensati f'perijodi speċifiċi fi żmien sena

12.17 L-allokazzjoni tal-output abbażi tal-ispejjeż imġarrba tul iż-żmien hija l-mezz normali ta' allokazzjoni ta' produzzjoni eventwali lil perijodi abbażi tad-dovuti, iżda dan mhux dejjem japplika bis-sħiħ. Ebdaw output ma għandu jkun allokata lil perijodi li fihom ma hemmx proċess ta' produzzjoni għaddej, anke jekk ikun hemm spejjeż għaddejjin. Dan japplika għall-ispiża tal-użu tal-kapital, pereżempju pagamenti ta' kera għall-użu ta' makkinarju. Din is-sitwazzjoni tista' tapplika għall-agrikoltura, fejn jista' ma jkunx hemm produzzjoni f'ċerti perijodi. Eżempju ieħor ta' perijodi mingħajr output jista' jseħħ fl-industriji tal-ipproċessar tal-ikel li huma dipendenti fuq prodotti mill-ħsad.

Pagamenti ta' frekwenza baxxa

12.18 Għal attività li sseħħ matul is-sena, il-pagamenti ta' frekwenza baxxa huma pagamenti li jsiru darba fis-sena, jew pagamenti bin-nifs mhux spissi tul is-sena. Eżempji ta' pagamenti bħal dawn huma d-dividendi, l-imgħax, it-taxxi, is-sussidji u l-bonuses tal-impjegati, bħall-bonus tal-aħħar tas-sena u l-bonus tal-btajjel. It-transazzjonijiet distributtivi kollha bħal dawn jiġu reġistrati fuq bażi tad-dovuti, meta saret it-talba aktar milli meta tħallset. Din il-kwistjoni tal-waqt tar-reġistrazzjoni sseħħ ukoll fil-kontijiet nazzjonali annwali, meta l-pagamenti jistgħu parzjalment jirreferixxu għal sena ta' kontijiet oħra.

12.19 Sabiex jiġu ttrattati dawn il-kwistjonijiet ta' żmien, issir distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' pagament:

- (a) pagamenti li għandhom karattru purament *ad hoc* għandhom jiġu reġistrati fil-perijodu li fih fil-fatt isiru. Id-dividendi, pereżempju, normalment jiġu ddeterminati biss wara li jingħalqu l-kotba fuq sena fiskali u ma jistgħux jirreferu għall-profitti tal-kumpanija tul dik is-sena;
- (b) pagamenti li għandhom rabta fissa ma' perijodu partikolari (eż. dovuti f'perijodu preċedenti jew akkumulati fuq għadd ta' perijodi bażi tal-kontijiet) għandhom jiġu allokati lill-perijodi li fihom huma dovuti. Eżempji ta' dawn huma t-taxxi fuq id-dħul u l-prodotti, li jistgħu jinġabru f'perijodu sussegwenti.

12.20 L-applikazzjoni tal-prinċipji tad-dovuti għad-*data* trimestrali f'każijiet bħal dawn tista' tkun estremament diffiċli, u huma meħtieġa metodi alternattivi, bħal bażi ta' flus kontanti aġġustati, jew l-allokazzjoni ta' pagamenti tad-dovuti lill-perijodi sabiex ikun hemm tgħawwiġ minimu tal-karatteristiċi tas-sensiliet kronoloġiċi.

Stimi rapidi

12.21 Il-kontijiet nazzjonali trimestrali jipprovdu ħarsa ġenerali tal-istat tal-ekonomija f'it żmien wara tmiem it-tliet xhur ta' referenza. Id-disponibbiltà f'waqtha ta' informazzjoni bħal din tgħin biex tidentifika u tinterpreta l-bixriet ekonomiċi. Għal din ir-raġuni, stimi rapidi ta' aggregati makroekonomiċi ewlenin inklużi t-tkabbir tal-PDG u l-indikaturi tal-kontijiet nazzjonali trimestrali jiġu kkompilati aktar ta' spiss mill-awtoritajiet tal-istatistika.

12.22 Stima rapida hija stima bikrija ta' varjabbli ekonomiku għall-iktar perijodu ta' referenza reċenti. L-istima rapida hija normalment ikkalkulata fuq *data* mhux kompluta, iżda bl-użu tal-istess mudell statistiku jew ekonometriku bħal dak użat għal stimi regolari. Il-ġbir ta' stimi rapidi tiġbor fiha kemm jista' jkun *data*. Id-differenzi bejn stimi rapidi u stimi tradizzjonali huma kif ġej:

- (a) il-waqt opportun: stimi rapidi huma disponibbli aktar kmieni minn stimi tradizzjonali;
- (b) eżattezza: hemm kompromess bejn il-waqt opportun u l-eżattezza. Stimi rapidi b'mod ġenerali għandhom aktar tendenza għar-reviżjoni minn dawk tradizzjonali;
- (c) kopertura: l-għadd ta' fatturi varjabbli koperti minn stimi rapidi huwa iktar limitat minn stimi tradizzjonali;
- (d) informazzjoni: stimi rapidi huma msejsa fuq inqas informazzjoni. Spiss l-informazzjoni għal stimi tradizzjonali ma tkunx disponibbli kollha;
- (e) metodu ta' stima: minħabba n-nuqqas ta' *data*, stimi rapidi jserrħu aktar fuq metodi ekonometriċi u suppożizzjonijiet.

Ibbilanċjar u valutazzjoni komparattiva ta' kontijiet nazzjonali trimestrali

12.23 Il-kontijiet nazzjonali trimestrali huma ġabra koerenti ta' kontijiet ikkompilati fuq bażi trimestrali. Huma parti integrali mill-qafas ta' kontijiet nazzjonali u huma konsistenti mal-kontijiet annwali.

12.24 Il-konsistenza interna tal-kontijiet trimestrali tinkiseb bir-rikonċiljazzjoni ta' stimi tal-provvista u l-użu għall-kontijiet fuq bażi trimestrali. Il-konsistenza mal-kontijiet annwali hija żgurata jew b'valutazzjoni komparattiva tal-kontijiet trimestrali mal-kontijiet annwali jew bil-ħruġ tal-kontijiet annwali mill-kontijiet trimestrali.

Ibbilanċjar

12.25 Il-proċess ta' bbilanċjar jew rikonċiljazzjoni huwa parti integrali mill-proċess ta' ġbir tal-kontijiet nazzjonali. Jagħmel l-aqwa użu tas-sorsi differenti ta' informazzjoni filwaqt li jirfed il-kejl differenti fil-kontijiet. F'termini wiesa', l-ibbilanċjar ifittex li jdaħħal id-*data* statistika ta' bażi li fuqha jserrħu l-approċċi differenti għall-ġbir tal-PDG u l-partijiet l-oħra tal-kontijiet f'qafas ta' provvista u użu, u b'hekk tintuża l-informazzjoni kollha disponibbli b'mod effettiv.

12.26 Il-prinċipji u l-proċeduri tal-proċess ta' bbilanċjar applikati għall-kontijiet annwali japplikaw għall-kontijiet trimestrali, bi proċeduri addizzjonali li jirriflettu l-frekwenza trimestrali tal-ġbir. Dawn il-proċeduri addizzjonali jirriflettu l-karatteristiċi li ġejjin ta' kontijiet trimestrali:

- (a) iż-żamma tal-konsistenza bejn *data* aġġustata staġjonalment u *data* mhux aġġustata;
- (b) l-iżguraw tal-konsistenza bejn il-prezz kurrenti u l-kejl tal-volum;
- (c) ir-rikonċiljazzjoni tal-kejl minn approċċi differenti għall-ġbir tal-PDG.

Qafas ta' provvista u użu simplifikat trimestrali jgħin fl-ibbilanċjar tal-kontijiet nazzjonali trimestrali. Meta jiġu kkompilati regolament skedi tal-provvista u l-użu, l-informazzjoni fl-iskedi trimestrali tal-provvista u l-użu tista' tintrabat b'mod espliċitu magħhom bħala parti mill-proċess ta' bbilanċjar u valutazzjoni komparattiva.

Konsistenza bejn il-kontijiet trimestrali u annwali — valutazzjoni komparattiva

12.27 Il-proċess ta' allinjament tal-kontijiet trimestrali ma' dawk annwali jista' jsir f'żewġ modi:

- (a) l-allinjament tal-kontijiet trimestrali mal-kontijiet annwali, magħruf ukoll bħala valutazzjoni komparattiva;
- (b) il-ħruġ tal-kontijiet annwali mill-kontijiet trimestrali.

12.28 Id-diskrepanzi bejn il-kontijiet trimestrali u dawk annwali ġejjin l-aktar mid-differenzi fis-sorsi, u d-disponibilità ta' informazzjoni minn sorsi komuni.

12.29 Jistgħu jintużaw ħafna metodi differenti għar-rikonċiljazzjoni tal-aggregati trimestrali u dawk annwali li jikkorrispondu magħhom.

Il-metodu ideali huwa li jiġu identifikati l-kawżi tad-differenzi u li jinħarġu aggregati ġodda, rikonċiljati trimestrali u annwali bl-użu tal-informazzjoni kollha disponibbli.

Il-metodi tekniċi ta' valutazzjoni komparattiva jiżguraw konsistenza bejn iż-żewġ settijiet ta' aggregati billi wieħed jittieħed bħala standard u l-ieħor jiġi adattat biex ikun konsistenti miegħu, permezz ta' medda ta' metodi li tifrex minn aġġustamenti matematiċi għal proċeduri statistiċi u ekonometriċi kumplessi. It-teknika ta' valutazzjoni komparattiva għandha l-għan li tiżgura l-koerenza tal-kontijiet taż-żewġ settijiet ta' aggregati f'dak li għandu x'jaqsam ma' konservazzjoni ta' movimenti jew kriterji ddefiniti sewwa oħrajn.

Il-valutazzjoni komparattiva hija parti integrali mill-proċess ta' ġbir u, bħala prinċipju, għandha titwettaq fl-iktar livell dettaljat ta' ġbir. Fil-prattika dan jista' jimplika valutazzjoni komparattiva ta' sensiliet differenti fi stadji differenti tul iż-żmien, fejn tintuża *data* minn xi sensiliet li diġà ġew ivvalutati b'mod komparattiv, biex issir stima ta' sensiliet oħra, segwiti bit-tieni u t-tielet ċiklu ta' valutazzjoni komparattiva.

12.30 Meta aggregati trimestrali jittieħdu bħala kriterju komparattiv, l-aggregati annwali jinħarġu permezz jingħaddu ċ-ċifri trimestrali xierqa. B'dan il-mod, tiġi żgurata l-konsistenza.

12.31 Spiss ħafna, ir-rikonċiljazzjoni bejn l-aggregati trimestrali u dawk annwali tirriżulta minn taħlita ta' approċċi ta' valutazzjoni komparattiva: pereżempju, l-istimi annwali preliminari jistgħu joħorġu bl-aggregazzjoni taċ-ċifri trimestrali, u, malli ssir disponibbli l-informazzjoni annwali u jiġi rivedut l-aggregat annwali, il-kriterju komparattiv jiġi applikat biex jiġu riveduti ċ-ċifri trimestrali li jikkorrispondu.

Kejl marbut mal-indiċi-katina ta' tibdil fil-prezz u l-volum

12.32 Għal kontijiet nazzjonali annwali, il-kejl tat-tibdil fil-prezz u l-volum bħala prinċipju jsir permezz ta' indiċi-katina annwali. Fisem il-koerenza, il-kejl trimestrali tat-tibdil fil-prezz u l-volum huwa ristrett mill-kejl marbut mal-indiċi-katina annwali.

- 12.33 Il-konsistenza bejn il-kejl tal-prezz u l-volum tal-kontijiet trimestrali u annwali titlob jew li l-kejl annwali jinħareġ mill-kejl trimestrali jew li *d-data* trimestrali tkun ristretta mill-kejl annwali bl-użu ta' teknika ta' valutazzjoni komparattiva. Dan huwa minnu anki jekk jiġi sodisfatt ir-rekwiżit bażiku li l-kejl trimestrali u annwali jiġi bbażat fuq l-istess metodi ta' ġbir u preżentazzjoni, pereżempju bl-użu tal-istess formula ta' indiċi, l-istess sena ta' bażi u l-istess perijodu ta' referenza. Il-konsistenza stretta mhix possibbli billi l-indiċijiet trimestrali normalment ma jirriflettux eżattament l-istess tkabbir bħall-indiċijiet annwali korrispondenti, minħabba l-forma matematika tal-indiċi.
- 12.34 Filwaqt li l-kejl tal-volum trimestrali marbut mal-indiċi-katina jista' jiġi bbażat fuq frekwenza trimestrali ta' rbit mal-indiċi-katina, l-irbit mal-indiċi-katina bħala prinċipju jrid isir kull sena. Il-kejl tal-volum trimestrali huwa marbut mal-indiċi-katina kull sena.
- 12.35 Is-sensiliet ta' volum marbutin mal-indiċi-katina tal-kontijiet nazzjonali trimestrali huma tibdil fil-volum trimestrali bl-użu tal-medji annwali tal-prezzijiet tas-sena ta' qabel. Jistgħu jintużaw tliet approċċi għall-irbit mal-indiċi-katina annwali tal-indiċijiet ta' volum trimestrali:
- duplikazzjoni annwali;
 - duplikazzjoni ta' trimestru;
 - approċċ tul is-sena.
- Il-ħolqien ta' sensiela kronoloġika bl-applikazzjoni ta' wieħed mit-tliet metodi tekniċi ta' rbit mal-indiċi-katina normalment iġib interruzzjonijiet strutturali fis-sensiela marbuta mal-indiċi-katina riżultanti, u l-impatt ta' dan huwa ddeterminat mill-approċċ ta' rbit magħżul u mill-bidla tal-istruttura tal-prezz tul iż-żmien.
- 12.36 L-approċċ tad-duplikazzjoni annwali juża l-valuri medji annwali tas-sena rispettiva ta' qabel fil-prezzijiet ta' dik is-sena. Dan jirriżulta f'aggregati annwali ta' kejl ta' volum trimestrali identiċi għas-sensiliet tal-kontijiet nazzjonali annwali marbuta mal-indiċi-katina miksuba b'mod indipendenti. Barra minn hekk, ir-rati ta' tibdil trimestru b'trimestru ġewwa l-istess sena kalendarja bejn Q1 u Q 4 mhumiex affettwati mill-interruzzjonijiet. Madankollu, is-sensiela tal-volum hija affettwata mill-interruzzjonijiet li jseħħu mir-raba' trimestru ta' sena sal-ewwel trimestru tas-sena ta' wara, li jidhru wkoll fir-rata rispettiva ta' tibdil trimestru b'trimestru.
- 12.37 B'kuntrast, l-approċċ tad-duplikazzjoni ta' trimestru ġeneralment iwassal għal rati ta' tibdil bla tgħawwiġ trimestru b'trimestru għat-trimestri kollha tas-sena, billi l-irbit mal-indiċi-katina jirreferi għall-kwantitajiet tar-raba' trimestru tas-sena rispettiva ta' qabel ivvalutata bil-prezzijiet medji ta' dik is-sena. Iżda, b'differenza mill-approċċ ta' duplikazzjoni annwali, l-approċċ ta' duplikazzjoni trimestrali jwassal għal sensieli trimestrali marbuta mal-indiċi-katina li mhumiex konsistenti mas-sensiliet tal-kontijiet nazzjonali annwali marbuta mal-indiċi-katina miksuba b'mod indipendenti.
- 12.38 L-approċċ tul is-sena kollha ta' rbit mal-indiċi-katina jwassal għal rati ta' tkabbir sena b'sena bla tgħawwiġ għat-trimestri kollha, billi l-irbit mal-indiċi-katina jirreferi għall-volumi tal-istess trimestru fis-sena rispettiva ta' qabel, ivvalutati bil-prezzijiet medji ta' dik is-sena. Iżda dan l-approċċ iwassal għal riżultati li huma affettwati minn interruzzjonijiet strutturali f'kull trimestru, biex kull rata ta' tibdil trimestru b'trimestru hija affettwata minn interruzzjoni. Għalhekk, l-approċċ tul is-sena għandu l-ikbar impatt fuq il-profil intra-annwali ta' sensiela.
- 12.39 Jekk l-effetti ta' sostituzzjoni (tibdil fil-volumi minħabba spustamenti fl-istruttura tal-prezz) f'sena minnhom ikunu żgħar, it-tliet approċċi għall-irbit mal-indiċi-katina trimestrali tal-volumi jwasslu għal riżultati simili ħafna.
- Abbażi ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi bħall-konsistenza tat-tkabbir trimestrali mat-tkabbir annwali marbut mal-indiċi-katina u s-semplċità u t-trasparenza tal-komputazzjoni, il-metodu tad-duplikazzjoni annwali huwa l-metodu rakkomandat.

Aġġustamenti staġjonali u kalendarji

- 12.40 Staġjonalità hija kwalunkwe xejtra li tirrepeti ruħha fuq bażi regolari matul l-istess perijodu ta' kull sena.
- Eżempju ta' dan huwa l-bejgħ tal-ġelat fis-sajf. Avvenimenti ripetuti regolarment jiferrxu tul is-sena permezz ta' aġġustament għall-istaġjonalità, filwaqt li l-impatt ta' avvenimenti irregolari jibqa' mhux affettwat. L-aġġustament għall-istaġjonalità jinkludi t-tolleranza għat-tul differenti tax-xhur u t-trimestri. Ir-riżultati aġġustati staġjonalment jirriflettux avvenimenti "normali" u li jirrepetu lilhom infushom tul is-sena kollha li fiha jseħħu. Is-sensiliet aġġustati staġjonalment jikxfu b'mod iktar ċar mis-sensiliet aġġustati mhux staġjonalment il-karatteristiċi li ġejjin, pereżempju:
- tibdil fil-bixra; u
 - punti ta' bidla fiċ-ċiklu tan-negozju.
- 12.41 L-effett kalendarju huwa l-impatt fuq sensiela kronoloġika ta' dawn li ġejjin:
- l-għadd u l-kompożizzjoni tal-ġranet tax-xogħol u tal-kummerċ;
 - l-okkorrenza ta' btajjel fissi u mobbli;
 - snin biżestili u fenomeni oħra tal-kalendarju bħall-ġranet li jaħbtu bejn il-btajjel.

- 12.42 Il-preżenza ta' effetti staġjonali u kalendarji fis-sensjeli kronoloġiċi tal-kontijiet nazzjonali trimestrali toskura l-bixra fit-tkabbir tal-aggregati tal-kontijiet nazzjonali trimestrali. Għalhekk, l-aġġustamenti għall-effetti staġjonali u kalendarji jgħinu fit-tfassil tal-inferenzi dwar bixriet mill-kontijiet nazzjonali trimestrali; barra min hekk, l-aġġustament staġjonali jiżvela l-impatt tal-effetti jew avvenimenti ewlenin irregolari biex jgħin biex jinftehm u l-iżviluppi ekonomiċi permezz tal-istatistika tal-kontijiet nazzjonali trimestrali.
- 12.43 Il-varjazzjonijiet staġjonali huma spiss l-effett ta' varjazzjonijiet fl-użu tal-enerġija, l-attività turistica, il-kondizzjonijiet tat-temp li jaffettwaw l-attività fil-miftuħ bħall-bini, il-bonuses tas-salarji u l-effetti tal-btajjel fissi, kif ukoll kull tip ta' prassi istituzzjonali jew amministrattiva. Il-varjazzjonijiet staġjonali fil-kontijiet nazzjonali trimestrali jiddependu wkoll fuq is-sorsi tad-data u l-metodi ta' ġbir użati.
- 12.44 Għal stima ta' min jorbot fuqha tal-fatturi staġjonali, is-sensjeli kronoloġiċi jistgħu jkunu jeħtieġu jiġu ttrattati minn qabel. Dan ma jħallix li devjazzjonijiet bħad-devjazzjonijiet tal-impuls, bidliet tranżitorji u spustamenti ta' livell, effetti kalendarji u btajjel nazzjonali jaffettwaw il-kwalità tal-istimi staġjonali. Madankollu, id-devjazzjonijiet għandhom jibqgħu jidhru fid-data aġġustata staġjonalment sakemm ma jkunux riżultat ta' żbalji, għax jistgħu jirriflettaw avvenimenti speċifiċi bħal strajks, diżastri naturali, eċċ. Għalhekk id-devjazzjonijiet għandhom jiddaħħlu mill-ġdid fis-sensjeli kronoloġiċi wara li tkun saret stima tal-komponenti staġjonali.

Sekwenza tal-ġbir tal-kejl tal-volum marbut mal-indiċi-katina aġġustata staġjonalment

- 12.45 Il-ġbir tal-kejl tal-volum marbut mal-indiċi-katina tal-kontijiet nazzjonali trimestrali aġġustati staġjonalment u kalendarjament hija r-riżultat ta' sekwenza ta' operazzjonijiet li tinkludi aġġustament staġjonali u kalendarji, irbit mal-indiċi-katina, valutazzjoni komparattiva u bbilanċjar, applikat għall-informazzjoni bażika jew aggregata disponibbli.
- 12.46 Is-sekwenza ta' applikazzjoni tal-passi differenti tal-proċess ta' ġbir tal-kejl tal-volum marbut mal-indiċi-katina tal-kontijiet nazzjonali trimestrali aġġustati staġjonalment tiddependi fuq il-karatteristiċi tal-proċess ta' produzzjoni u fuq il-livell ta' aggregazzjoni li fih tiġi applikata.

Idealment, is-sensjeli tal-volum marbuta mal-indiċi-katina aġġustati staġjonalment jinkisbu bl-aġġustament staġjonali tas-sensjeli marbuta mal-indiċi-katina, u wara ssir valutazzjoni komparattiva tas-sensjeli aġġustati marbuta mal-indiċi-katina.

- 12.47 Hemm sistemi ta' ġbir tal-kontijiet nazzjonali trimestrali li fihom tiġi prodotta data aġġustata staġjonalment fl-livell dettaljat ħafna, u wkoll fl-livell li fih ma jsir ebda rbit mal-indiċi-katina, eż. meta jiġu prodotti kontijiet nazzjonali trimestrali minn skedi trimestrali ta' provvista u użu. L-ordni f'dan il-każ huwa aġġustament staġjonali, u warajh ibbilanċjar, irbit mal-indiċi-katina u valutazzjoni komparattiva. Fl-livell mhux aggregat, l-istimi tal-komponent staġjonali jistgħu ma jkunux daqstant ta' min jorbot fuqhom daqs fl-livelli ogħla ta' kontijiet nazzjonali trimestrali. Attenzjoni partikolari tkun trid imbagħad meħtieġa għar-reviżjonijiet tal-komponent staġjonali. Barra minn hekk, l-ibbilanċjar u l-irbit mal-indiċi-katina ta' data aġġustata ma għandux jirriżulta fli tiddaħħal xejra staġjonali fis-sensjela.
- 12.48 Il-kejl tal-volum tal-kontijiet nazzjonali trimestrali fi prezzijiet medji tas-sena ta' qabel jista' jintrabat mal-indiċi-katina bl-użu tat-teknika ta' duplikazzjoni ta' trimestru, duplikazzjoni annwali jew tul is-sena. Mill-perspettiva tal-aġġustament staġjonali tal-kejl tal-volum tal-kontijiet nazzjonali trimestrali, hemm preferenza għat-teknika ta' duplikazzjoni ta' trimestru u ta' duplikazzjoni annwali. It-teknika ta' tul is-sena mhix rakkomandata billi tista' ddaħħal interruzzjonijiet f'kull moviment individwali trimestru b'trimestru tas-sensjela.
- 12.49 Il-kejl tal-volum trimestrali marbut mal-indiċi-katina aġġustat staġjonalment huwa ristrett għad-data annwali rispettiva marbuta mal-indiċi-katina aġġustata mhux staġjonalment bl-użu tat-teknika ta' valutazzjoni komparattiva jew ta' limitazzjoni li jimminimizzaw l-impatt tat-tibdil trimestru b'trimestru tas-sensjela. Il-valutazzjoni komparattiva hija meħtieġa għal raġunijiet purament prattiċi, eż. il-konsistenza tar-rati ta' tkabbir medji annwali. Il-valutazzjoni komparattiva ma għandhiex tirriżulta fli tiddaħħal xejra staġjonali fis-sensjela. Ir-referenza għandha tkun is-sensjela annwali marbuta mal-indiċi-katina miksuba b'mod indipendenti f'forma mhux aġġustata għall-kontijiet nazzjonali trimestrali aġġustati staġjonalment biss. Eċċezzjonijiet mill-konsistenza mixtieqa tul iż-żmien huma aċċettabbli jekk l-istaġjonalità tkun qed tinbidel malajr.
- 12.50 L-effett kalendarju jista' jinqasam f'komponent staġjonali u non-staġjonali. Dak tal-ewwel jikkorrispondi mas-sitwazzjoni medja kalendarja li tirrepeti ruħha kull sena fl-istess staġun; dan tal-aħħar jikkorrispondi mad-devjazzjoni tal-fatturi varjabbli kalendarji, bħal numri ta' ġranet tax-xogħol/kummerċ, btajjel mobbli u ġranet tas-snin biżestili, mill-medja speċifika għax-xahar jew għat-trimestru.
- 12.51 L-aġġustament kalendarju jneħħi mis-sensjela l-komponenti non-staġjonali li għalih hemm evidenza statistika u spjegazzjoni ekonomika. L-effetti kalendarji, li għalihom sensjela jsirilha aġġustament, għandhom ikunu identifikabbli u biżżejjed stabbli tul iż-żmien jew, alternattivament, għandu jkun possibbli li jsir mudell b'mod adatt tal-impatt tagħhom li jinbidel tul iż-żmien.

KAPITOLU 13

KONTIJET REĠJONALI

INTRODUZZJONI

- 13.01 Dan il-Kapitolu jiddeskrivi l-kontijiet reġjonali b'mod ġenerali u jiċċara l-iskopijiet u l-prinċipji kunċettwali ewlenin u l-problemi ta' għbir tipiċi għall-kontijiet reġjonali.
- 13.02 *Definizzjoni:* Il-kontijiet reġjonali huma speċifikazzjoni reġjonali tal-kontijiet korrispondenti tal-ekonomija nazzjonali. Il-kontijiet reġjonali jipprovdu diżaggregazzjoni reġjonali għall-aggregati ewlenin bħall-valur gross miżjud mill-industrija u l-introjtu tal-unitajiet domestiċi.
- 13.03 Il-kunċetti tal-kontijiet nazzjonali għandhom jintużaw għall-kontijiet reġjonali sakemm ma jkunx indikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

It-totali nazzjonali jaħbu d-differenzi fil-kundizzjonijiet u r-rendimenti ekonomiċi reġjonali. Ġeneralment il-popolazzjonijiet u l-attivitajiet ekonomiċi ma jkunux imqassma b'mod uniformi fost ir-reġjuni. Ir-reġjuni urbani ġeneralment ikunu speċjalizzati fis-servizzi, filwaqt li l-agrikoltura, attivitajiet tal-minjieri u l-manifattura għandhom tendenza li jkunu jinsabu freġjuni mhux urbani. Kwistjonijiet ewlenin bħall-globalizzazzjoni, l-innovazzjoni, it-tixjib, it-tassazzjoni, il-faqar, il-qgħad u l-ambjent spiss ikollhom dimensjoni ekonomika reġjonali. Għaldaqstant il-kontijiet reġjonali huma element komplementari importanti għall-kontijiet nazzjonali.

- 13.04 Il-kontijiet reġjonali huma magħmula mill-istess ġabra ta' kontijiet bħall-kontijiet nazzjonali, jiġifieri jagħmlu l-istrutturi, l-iżviluppi u d-differenzi ekonomiċi reġjonali viżibbli. Il-problemi kunċettwali u fil-kejl jirriżultaw f'ġabra ta' kontijiet għar-reġjuni li jkunu iktar limitati fl-ambitu u fid-dettall mill-kontijiet nazzjonali.

It-tabelli dwar l-attivitajiet tal-produzzjoni reġjonali skont l-industrija juru:

- (a) id-daqs u d-dinamika tal-produzzjoni u l-impjiegi skont ir-reġjun;
- (b) il-kontribut tar-reġjuni għall-aggregati nazzjonali;
- (c) l-ispeċjalizzazzjoni ta' kull reġjun;
- (d) ir-rwol tar-reġjuni varji għal kull industrija.

Il-kontijiet reġjonali tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi juru l-introjtu primarju u disponibbli tal-unitajiet domestiċi skont ir-reġjun, kif ukoll is-sorsi u d-distribuzzjoni tal-introjtu fost ir-reġjuni.

- 13.05 F'bosta Stati Membri, ir-reġjuni flivelli varji għandhom awtonomija sostanzjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għalhekk, il-kontijiet reġjonali li jikkorrispondu għal dawn ir-reġjuni, jkunu għalhekk, importanti għall-politika nazzjonali u reġjonali.

- 13.06 Il-kontijiet reġjonali jaqdu wkoll skopijiet amministrattivi speċifiċi importanti, eż:

- (a) biex jallokaw id-dħul minn taxxa nazzjonali speċifika lill-gvernijiet reġjonali;
- (b) biex jallokaw il-fondi bħala parti mill-Politika Ewropea ta' Koeżjoni.

- 13.07 Il-kontijiet reġjonali jistgħu jintużaw b'mod flessibbli flivelli ta' aggregazzjoni differenti. Dan ma jikkorrispondix biss għar-reġjuni ġeografiċi. Ir-reġjuni ġeografiċi jistgħu jkunu raggruppati wkoll skont l-istruttura ekonomika, il-post fejn jinsabu u r-relazzjonijiet ekonomiċi ma' reġjuni (ġirien) oħrajn. Dan huwa partikolarment siewi għall-analiżi tal-istrutturi u l-iżvilupp ekonomiċi nazzjonali u Ewropew.

- 13.08 Il-kontijiet reġjonali għandhom jinġabru fuq il-bażi tad-*data* reġjonali miġbura direttament, u d-*data* nazzjonali b'diżaggregazzjonijiet reġjonali abbażi ta' assunzjonijiet. Iktar kemm tkun kompluta d-*data* miġbura direttament, inqas ikun hemm bżonn ta' assunzjonijiet. In-nuqqas ta' informazzjoni reġjonali kompluta, aġġornata u affidabbli biżżejjed jirrikjedi assunzjonijiet fil-għbir tal-kontijiet reġjonali. Dan jimplika li xi differenzi bejn ir-reġjuni mhumiex bilfors riflessi fil-kontijiet reġjonali.

TERRITORJU REĠJONALI

- 13.09 L-ekonomija reġjonali ta' pajjiż hija parti mill-ekonomija totali ta' dak il-pajjiż. L-ekonomija totali hija definita f'termini ta' unitajiet u setturi istituzzjonali. Hija magħmula mill-unitajiet istituzzjonali kollha li għandhom ċentru ta' interess ekonomiku predominanti fit-territorju ekonomiku ta' pajjiż (ara l-paragrafu 2.04.) It-territorju ekonomiku ma jikkoinċidix eżattament mat-territorju ġeografiku (ara l-paragrafu 2.05). It-territorju ekonomiku ta' pajjiż huwa maqsum f'territorji reġjonali u t-territorju extra-regio.
- 13.10 It-territorju reġjonali jikkonsisti f'dik il-parti tat-territorju ekonomiku ta' pajjiż li tkun assenjata direttament lil reġjun, inkluż kull żona ħielsa, imħażen u fabbriki taħt kontroll tad-dwana.
- 13.11 It-territorju extra-regio huwa magħmul minn partijiet tat-territorju ekonomiku ta' pajjiż li ma jistgħux ikunu assenjati lil reġjun wieħed. Tikkonsisti f'dan li ġej:
- (a) l-ispazju nazzjonali tal-ajru, l-ibħra territorjali u l-blata kontinentali li tinsab f'ibħra internazzjonali li fihom il-pajjiż igawdi drittijiet esklussivi;
 - (b) territorji mdawrin minn pajjiżi oħra (jiġifieri territorji ġeografiċi li jinsabu fil-bqija tad-dinja u li jintużaw, skont trattati jew ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati, minn aġenziji tal-gvern ġenerali tal-pajjiż — ambaxxati, konsulati, bażijiet militari, bażijiet xjentifiċi, eċċ.);
 - (c) depożiti ta' żejt, gass naturali, eċċ. fl-ilmijiet internazzjonali, barra mill-blata kontinentali tal-pajjiż, li jkunu mħaddma minn unitajiet residenti.
- 13.12 Il-klassifikazzjoni NUTS tipprovi diżaggregazzjoni uniformi tat-territorju ekonomiku tal-Unjoni Ewropea. Għal skopijiet nazzjonali, il-kontijiet reġjonali jistgħu jinġabru wkoll flivell reġjonali iktar dettaljat.

UNITAJIET U KONTIJET REĠJONALI

- 13.13 Għall-ekonomija nazzjonali jistgħu jiġu distinti żewġ tipi ta' unitajiet. L-ewwel, ir-reġistri għall-unità istituzzjonali jirriflettu l-flussi li jaffettwaw l-introitu, it-transazzjonijiet finanzjarji u tal-kapital, flussi oħrajn u l-karti tal-bilanċ. It-tieni, ir-reġistri għat-tip lokali ta' unità ta' attività ekonomika (KAU lokali) juru l-flussi li jseħħu fil-proċess tal-produzzjoni u fl-użu tal-oġġetti u s-servizzi.

Unitajiet istituzzjonali

- 13.14 Għall-kontijiet reġjonali, skont il-livell reġjonali, jistgħu jiġu distinti żewġ tipi ta' unitajiet istituzzjonali:
- (a) Unitajiet unireġjonali, fejn iċ-ċentru tal-interess ekonomiku predominanti jkun f'reġjun wieħed. Eżempji ta' unitajiet unireġjonali huma l-unitajiet domestiċi, il-korporazzjonijiet li l-KAUs lokali tagħhom jkunu fl-istess reġjun, il-biċċa l-kbira tal-gvernijiet lokali u reġjonali, parti mis-sigurtà soċjali u l-NPISHs.
 - (b) Unitajiet multireġjonali, fejn iċ-ċentru tal-interess ekonomiku predominanti jkun fiktur minn reġjun wieħed. Il-korporazzjonijiet u l-NPISHs huma eżempji ta' unitajiet li jinvolvu iktar minn reġjun wieħed. Eżempji oħrajn huma unitajiet istituzzjonali li l-attività tagħhom jinvolvu l-pajjiż shif, bħall-gvern ċentrali u għadd żgħir ta' korporazzjonijiet li għandhom monopolju jew kważi monopolju.
- 13.15 It-transazzjonijiet kollha tal-unitajiet istituzzjonali unireġjonali jiġu allokatu lir-reġjun fejn ikollhom iċ-ċentru ta' interess ekonomiku predominanti. Għall-unitajiet domestiċi, iċ-ċentru ta' interess ekonomiku predominanti jinsab fir-reġjun fejn ikunu residenti, mhux ir-reġjun fejn jaħdmu. Unitajiet unireġjonali oħrajn ikollhom iċ-ċentru tal-interess ekonomiku predominanti tagħhom fejn ikunu jinsabu.
- 13.16 Uħud mit-transazzjonijiet tal-unitajiet multireġjonali ma jistgħux jiġu allokatu lir-reġjuni. Dan huwa l-każ għall-biċċa l-kbira tat-transazzjonijiet distributtivi u finanzjarji. Konsegwentement, l-entrati saldatorji tal-unitajiet multireġjonali bħat-tfaddil u s-self nett ma jiġux irreġistrati fil-livell reġjonali għall-unitajiet multireġjonali.

Unitajiet tat-tip ta' attività lokali u attivitajiet ta' produzzjoni reġjonali skont l-industrija

- 13.17 L-intrapriżi jistgħu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' produzzjoni fiktur minn post wieħed, u għall-kontijiet reġjonali jinħtieġ li l-attivitajiet jiġu allokati għall-post. Meta l-intrapriżi jinqasmu skont il-post, il-partijiet maqsuma jissejħu unitajiet lokali.
- 13.18 L-unitajiet istituzzjonali jistgħu jiġu kklassifikati abbażi tal-attivitajiet ekonomiċi biex jiġu deskritti l-attivitajiet ta' produzzjoni tal-ekonomija skont l-industrija. Dan jirriżulta f'industriji eteroġeni, billi ħafna intrapriżi jkollhom attivitajiet sekondarji sostanzjali li jkunu differenti mill-attività prinċipali tagħhom. Iwassal ukoll biex għal ċertu industriji l-prodott prinċipali tal-industrija jkun proporzjon żgħir tal-output totali. Sabiex jinkisbu gruppi ta' produtturi li l-attivitajiet tagħhom ikunu iktar omoġeni f'termini ta' output, struttura tal-ispejjeż u teknoloġija tal-produzzjoni, l-intrapriżi jinqasmu f'unitajiet iżgħar u iktar omoġeni. Dawn jissejħu unitajiet tat-tip ta' attività.
- 13.19 L-unità lokali tat-tip ta' attività (KAU lokali) hija l-parti ta' unità ta' tip ta' attività (KAU) li tikkorrispondi ma' unità lokali. Meta KAU jinvolvi ruħu f'attivitajiet ta' produzzjoni f'diversi reġjuni, l-informazzjoni dwar il-KAU tinqasam sabiex jinkisbu l-kontijiet reġjonali. Għal dan il-qsim, tinħtieġ informazzjoni dwar il-kumpens tal-impjegati, jew l-impjegati jekk din ma tkunx disponibbli, u l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss. Għal intrapriżi li jinsabu f'post wieħed u li l-attività prinċipali tagħhom tirrappreżenta l-biċċa l-kbira tal-valur miżjud, il-KAU lokali tkun l-istess bħall-intrapriża.
- 13.20 Industrija għal reġjun tikkonsisti fi grupp ta' KAUs lokali involuti fl-istess tip ta' attività, jew simili.
- 13.21 Fid-definizzjoni ta' KAU lokali hemm tliet każijiet distinti:
- attivitajiet ta' produzzjoni b'input sinifikanti ta' xogħol f'post fiss. Input sinifikanti ta' xogħol, f'dan il-kuntest, huwa minimu tal-ekwivalenza annwali ta' persuna waħda li regolament taħdem nofs ġurnata;
 - attivitajiet ta' produzzjoni mingħajr input sinifikanti ta' xogħol f'post fiss ġeneralment ma titqiesx bħala KAU lokali separat u l-produzzjoni għandha tiġi attribwita lill-unità lokali li tkun responsabbli għall-ġestjoni ta' din il-produzzjoni. Madankollu, hemm eżempjonijiet għal din ir-regola, pereżempju l-impjegati tar-riħ, l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass, hubs tal-internet u l-istazzjonijiet kompletament awtomatiċi tal-petrol. Dawn l-attivitajiet tal-produzzjoni jistgħu jkunu jinsabu f'reġjun wieħed u jkunu mmexxija kompletament f'reġjun differenti. L-output ta' tali attivitajiet ma jiġix irreġistrat fir-reġjun fejn jitmexxew, billi l-produzzjoni ssir fir-reġjun l-ieħor. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss għandha titniżżel fl-istess reġjun bħall-output assoċjat u l-valur miżjud;
 - għal attività ta' produzzjoni mingħajr post fiss, jiġi applikat il-kunċett tar-residenza (ara l-paragrafu 2.04) fil-livell nazzjonali. Pereżempju, il-proġetti kbar tal-bini li jsiru minn kuntratturi minn reġjuni oħra jitniżżlu bħala KAU lokali separat. Eżempji ta' proġetti kbar tal-bini huma l-bini ta' pontijiet, diġi u stazzjonijiet tal-enerġija, li jieħdu sena jew iktar biex jitlestew u li jiġu mmexxija minn uffiċċju lokali fil-post. Għal proġetti tal-bini ta' inqas minn sena, ir-residenza tal-kumpanija prinċipali tal-bini tintuża biex tiġi allokata l-produzzjoni skont ir-reġjun.
- 13.22 It-transazzjonijiet tal-produzzjoni bejn il-KAUs lokali, li jagħmlu parti mill-istess unità istituzzjonali u jinsabu f'reġjuni differenti, jitniżżlu. Madankollu, ma jitniżżlux il-konsenji ta' output anċillari bejn il-KAUs lokali, sakemm ma jkunux osservabbli (ara l-paragrafu 1.31). Dan jimplika li jitniżżlu biss konsenji ta' output prinċipali jew sekondarju bejn il-KAUs lokali, safejn din tkun prassi fil-kontijiet nazzjonali.
- 13.23 Jekk stabbiliment involut biss f'attivitajiet anċillari jkun osservabbli statistikament, jiġifieri li jkun hemm disponibbli faċilment il-kontijiet separati għall-produzzjoni li jwettaq, jew jekk ikun f'post ġeografikament differenti mill-istabbiliment li jaqdi, dan jitniżżel bħala unità separata u jiġi allokat lill-klassifikazzjoni industrijali li tikkorrispondi mal-attività prinċipali tiegħu, fil-kontijiet nazzjonali u wkoll dawk reġjonali. Fin-nuqqas ta' data bażika xierqa, l-output tal-attività anċillari jiġi stmat bl-addizzjoni tal-ispejjeż.

METODI TA' REĠJONALIZZAZZJONI

- 13.24 Il-kontijiet reġjonali huma bbażati fuq il-transazzjonijiet tal-unitajiet li huma residenti f'territorju reġjonali. Ġeneralment, il-kontijiet reġjonali jinġabru permezz ta' dawn li ġejjin:
- metodi axxendenti;

(b) metodi dixxendenti; jew

(c) taħlita ta' metodi axxendenti u dixxendenti.

- 13.25 Il-metodu axxendenti tal-istima ta' aggregat reġjonali jikkonsisti fil-ġbir dirett tad-*data* għall-unitajiet residenti u l-ġabra tal-istimi reġjonali bl-aggregazzjoni.

Metodu pseudo-axxendenti jkun aċċettabbli jekk ma tkunx disponibbli *data* għall-KAUs lokali. Id-*data* għall-KAUs lokali tista' tiġi stmata minn *data* tal-intrapriżi, tal-KAUs jew tal-unitajiet lokali permezz ta' mudelli ta' distribuzzjoni. L-istimi jiġu aggregati biex jinkisbu totali reġjonali bħal fil-metodu axxendenti.

Fit-tieni stadju tal-proċess ta' ġbir, l-istimi axxendenti jiġu rikonċiljati mat-totali mill-kontijiet nazzjonali.

- 13.26 Meta tkun disponibbli biss informazzjoni fil-livell tal-unitajiet li jkun fihom diversi KAUs lokali involuti f'attivitajiet u reġjuni differenti, jintużaw indikaturi bħall-kumpens tal-impjegati, u l-impjiegi skont ir-reġjun, biex issir diżaggregazzjoni reġjonali skont l-industrija.

- 13.27 Il-metodu dixxendenti huwa d-distribuzzjoni ta' total nazzjonali fost ir-reġjuni, mingħajr ma jiġu distinti l-unitajiet residenti skont ir-reġjun. Iċ-ċifra nazzjonali tiġi distribwita permezz ta' indikatur li jkun distribwit fost ir-reġjuni bl-istess mod bħall-fattur varjabbli li għandu jiġi stmat.

Il-kunċett ta' unità residenti skont ir-reġjun jinħtieġ sabiex tinkiseb koperatura reġjonali tal-indikatur użat biex tiġi prodotta l-allokazzjoni reġjonali tal-varjabbli meħtieġ.

- 13.28 Metodi axxendenti rarament jintużaw fil-forma pura tagħhom. Metodi mħallta huma aċċettabbli wkoll. Pereżempju, l-istimi reġjonali ta' fattur varjabbli jew ta' aggregat ta' fatturi varjabbli jistgħu jkunu possibbli biss bl-għajruna tal-metodu axxendenti flivell makroreġjonali. Għal stimi flivell reġjonali iktar dettaljat, imbagħad jiġi applikat metodu dixxendenti.

- 13.29 Il-miżuri diretti tal-valuri reġjonali huma aħjar mill-miżuri indiretti. Jekk tkun disponibbli mikrodata sħiħa u affidabbli fil-livell tal-KAUs lokali, il-valuri reġjonali li jikkorrispondu fil-kunċett mal-valuri nazzjonali jiġu stmati bil-metodu axxendenti. Biex tinkiseb konsistenza mat-totali tal-kontijiet nazzjonali, dawk l-istimi tal-kontijiet reġjonali mbagħad jiġu magħmula konsistenti mal-aggregati tal-kontijiet nazzjonali.

- 13.30 Il-kejl indirett fuq il-bażi tal-aggregati nazzjonali u indikatur li jkun korrelat mal-fattur varjabbli li għandu jitkejjel huwa soġġett għall-żbalji fil-kejl. Pereżempju, iċ-ċifri nazzjonali tal-valur miżjud gross skont l-industrija jistgħu jiġu allokati lir-reġjuni permezz tal-istatistika reġjonali tal-impjiegi, bl-assunzjoni li, għal kull industrija, il-valur miżjud gross għal kull impjegat ikun l-istess għar-reġjuni kollha. Il-ġbir flivelli ta' diżaggregazzjoni dettaljata tal-industrija jtejjeb il-kalkoli dixxendenti.

- 13.31 L-aggregati tal-produzzjoni jiġu allokati lir-reġjun fejn tkun residenti l-unità li ttwettaq it-transazzjonijiet relevanti. Ir-residenza tal-KAU lokali hija kriterju essenzjali għall-allokazzjoni ta' tali aggregati lil reġjun partikolari. Il-kunċett tar-residenza huwa ppreferut minn approċċ territorjali fejn l-attivitajiet tal-produzzjoni jiġu allokati fuq il-bażi ta' fejn jinsabu.

- 13.32 Għal industriji speċifiċi, bħall-bini, il-produzzjoni tal-enerġija u d-distribuzzjoni tal-enerġija, in-netwerks tal-komunikazzjoni, it-trasport u l-intermedjazzjoni finanzjarja, u għal xi transazzjonijiet fil-kontijiet tal-unitajiet domestiċi bħall-introjtu mill-proprjetà, hemm problemi speċifiċi fl-allokazzjoni lir-reġjuni. Għall-komparabbiltà internazzjonali tal-kontijiet reġjonali, jintużaw l-istess metodi ta' ġbir, jew metodi li jipproduċu riżultati simili.

- 13.33 Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss tiġi allokata lir-reġjuni skont is-sjieda. L-assi fissi li jkunu ta' unità multireġjonali jiġu allokati lill-KAUs lokali fejn jintużaw. L-assi fissi f'kirja operattiva jiġu rreġistrati fir-reġjun ta' sid l-assi, u dawk f'kirja finanzjarja jiġu rreġistrati fir-reġjun tal-utent.

AGGREGATI GĦALL-ATTIVITAJIET TA' PRODUZZJONI

Il-valur miżjud gross u l-prodott domestiku gross skont ir-reġjun

- 13.34 Jistgħu jintużaw tliet approċċi għall-istima tal-prodott domestiku gross reġjonali: l-approċċi tal-produzzjoni, tal-introjtu u tan-nefqa.
- 13.35 L-approċċ tal-produzzjoni jkejjel il-prodott domestiku gross reġjonali bil-prezzijiet tas-suq bħala s-somma tal-valur miżjud gross bi prezzijiet bażiċi, flimkien mat-taxxi mingħajr is-sussidji fuq il-prodotti. Il-valur miżjud gross bil-prezzijiet bażiċi jitkejjel bħala d-differenza bejn l-output bi prezzijiet bażiċi u l-konsum intermedju bil-prezzijiet tax-xerrej.
- 13.36 L-approċċ tal-introjtu jkejjel il-prodott domestiku gross reġjonali bil-prezzijiet tas-suq billi jkejjel u jaggrega l-użi varji fil-parti reġjonali tal-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu tal-ekonomija totali: il-kumpens tal-impjegati, l-eċċess operattiv gross u t-taxxi nieqes is-sussidji fuq il-produzzjoni. L-informazzjoni skont l-industrija fuq il-kumpens tal-impjegati u l-impjiegi spiss tkun disponibbli fil-livell reġjonali. Din l-informazzjoni tintuża fl-istima tal-valur miżjud gross skont l-industrija direttament jew permezz tal-metodu tal-produzzjoni. L-approċċ tal-introjtu għall-prodott domestiku gross reġjonali jirkeb fuq l-approċċ tal-produzzjoni.
- 13.37 L-informazzjoni dwar l-eċċess operattiv gross ġeneralment ma tkunx disponibbli skont l-industrija u r-reġjun. L-informazzjoni dwar l-eċċess operattiv gross tal-produtturi tas-suq tista' tinkiseb mill-kontijiet tan-negozju tal-intrapriżi. Ħafna drabi ma tkunx disponibbli diżaggregazzjoni skont is-settur istituzzjonali u skont ir-reġjun. Dan huwa xkiel għall-użu tal-approċċ tal-introjtu għall-istima tal-prodott domestiku gross reġjonali.
- 13.38 It-taxxi (mingħajr is-sussidji) fuq il-produzzjoni jikkonsistu f'taxxi (mingħajr is-sussidji) fuq il-prodotti u t-taxxi l-oħra (mingħajr is-sussidji) fuq il-produzzjoni. L-allokazzjoni tat-taxxi (mingħajr is-sussidji) fuq il-prodotti hija diskussa fil-paragrafu 13.43. Għat-taxxi l-oħrajn (mingħajr is-sussidji) fuq il-produzzjoni, tista' tkun disponibbli informazzjoni skont l-industrija, eż. f'analiżi tan-negozji jew b'inferenza mit-tip speċifiku ta' taxa jew sussidju tal-industrija involuta. Dan jista' mbagħad ikun indikatur għall-allokazzjoni tal-valur miżjud gross skont ir-reġjun.
- 13.39 Għall-kejl tal-prodott domestiku gross reġjonali, l-approċċ tal-infiq ma jintużax minħabba nuqqas ta' informazzjoni. Eżempji fejn hemm nuqqas ta' data huma informazzjoni diretta dwar bejgħ u xiri interreġjonali, u diżaggregazzjoni tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet bejn ir-reġjuni.

L-allokazzjoni tal-FISIM lill-industriji utenti

- 13.40 Is-Servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejjla indirettament (FISIM) jiġu ttrattati fil-kontijiet reġjonali bl-istess mod bħal fil-kontijiet nazzjonali. L-allokazzjoni tal-konsum intermedju tal-FISIM mill-industriji utenti lir-reġjuni toħloq problema, għax l-istimi tal-istokks tas-self u d-depożiti normalment ma jkunx disponibbli skont ir-reġjun. Fejn dan ikun il-każ, l-allokazzjoni tal-FISIM lill-industriji utenti ssir bit-tieni l-aħjar metodu: l-output gross reġjonali jew il-valur miżjud gross skont l-industrija jintużaw bħala indikaturi tad-distribuzzjoni.

Impjiegi

- 13.41 Il-miżuri tal-produzzjoni reġjonali huma konsistenti mal-istimi tal-impjiegi f'reġjun meta l-impjiegi jinkludu kemm ir-residenti kif ukoll in-nonresidenti li jaħdmu għal unitajiet ta' produtturi reġjonali. L-impjiegi reġjonali huma definiti konsistentement mal-prinċipji li jirregolaw l-impjiegi u r-residenza għall-ekonomija nazzjonali (ara l-paragrafu 11.17).

Kumpens tal-impjegati

- 13.42 Għall-produtturi, il-kumpens tal-impjegati huwa allokati lill-KAUs lokali fejn in-nies ikunu impjegati. Fejn din id-data ma tkunx disponibbli, il-kumpens tal-impjegati jiġi allokati, bħala t-tieni l-aħjar metodu, abbażi tas-siġhat maħduma. Jekk la l-kumpens tal-impjegati u lanqas is-siġhat maħduma ma jkunx disponibbli, jintuża l-għadd ta' impjegati għal kull KAU lokali. Il-kumpens tal-impjegati fil-kontijiet tal-unitajiet domestiċi jiġi allokati lir-reġjuni skont ir-residenza.

It-transizzjoni mill-valur miżjud gross reġjonali għall-PGD reġjonali

- 13.43 Sabiex jiġi kkalkulat il-PGD bil-prezzijiet tas-suq għar-reġjuni, it-taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti jiġu allokati lir-reġjuni. B'konvenzjoni, dawn it-taxxi u s-sussidji suprareġjonali jiġu allokati abbażi tad-daqs relattiv tal-valur miżjud gross tal-industriji kollha fir-reġjun ivvalutat bi prezzijiet bażiċi. Jistgħu jiġu applikati metodi alternattivi ta' allokazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ għat-territorji b'sistemi fiskali speċifiċi, li jirriżultaw frati sostanzjalment differenti tat-taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti f'pajjiż.

- 13.44 Iċ-ċifri għal kull abitant jistgħu jiġu kkalkulati għall-PGD tar-reġjuni kollha. Dawn iċ-ċifri ma jiġux ikkalkulati għall-miżuri extra-regio.
- 13.45 Il-prodott domestiku gross reġjonali għal kull abitant jista' jiġi sostanzjalment influwenzat mill-flussi ta' ħaddiema li jivvjaġġaw bejn ir-reġjuni. Il-flussi netti ta' ħaddiema li jivvjaġġaw għal 60 reġjuni oħra jgħollu l-produzzjoni għal livelli oġġla minn dak possibbli mill-popolazzjoni attiva residenti. Il-PDG għal kull abitant jidher relattivament għoli f'reġjuni li aktar jilqgħu ħaddiema barranin milli jibagħtu (flussi 'l barra netti), u relattivament baxx f'reġjuni li aktar jibgħatu ħaddiema lejn reġjuni oħra milli jilqgħu (flussi 'l għewwa netti).

Rati tat-Tkabbir tal-Volum tal-valur miżjud gross reġjonali

13.46 Fil-kejl tal-bidliet fil-prezz u l-volum, japplikaw għar-reġjuni wkoll il-prinċipji applikati lill-ekonomija nazzjonali. Madankollu, hemm problemi bid-*data* reġjonali li jagħmlu l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji lir-reġjuni waħda diffiċli. Eżempji tad-diffikultajiet huma dawn li ġejjin:

- (a) spiss informazzjoni dwar it-tibdil fil-prezzijiet reġjonali ma tkunx disponibbli;
 - (b) jekk il-valur miżjud reġjonali bi prezzijiet kurrenti jkun stmat direttament u mhux bit-tnaqqis tal-konsum intermedju mill-output, allura d-deflazżjoni doppja tal-valur miżjud reġjonali ma tkunx possibbli;
 - (c) fin-nuqqas ta' tabelli tal-provvista u l-użu reġjonali, il-bidliet fil-prezz u l-volum ma jistgħux jitkejlu u jiġu vvalutati f'qafas bħal dan.
- 13.47 Approċċ użat ta' spiss huwa għalhekk id-deflazżjoni tal-valur miżjud reġjonali skont l-industrija fuq il-bażi tal-bidliet fil-prezz nazzjonali skont l-industrija. Dan isir fl-iktar livell dettaljat li fih ikun disponibbli il-valur miżjud gross fil-prezzijiet kurrenti. Jitqiesu d-differenzi bejn il-bidliet nazzjonali u reġjonali fil-prezz minħabba differenzi fl-istruttura ekonomika skont l-industrija. Madankollu, din is-soluzzjoni hija xorta vulnerabbli għad-differenzi kbar bejn il-bidliet nazzjonali u reġjonali fil-prezz. Dawn huma eżempji ta' dawn id-differenzi:
- (a) differenzi fl-istruttura tal-ispejjeż u l-kompożizzjoni tal-outputs f'industrija waħda bejn il-produtturi f'reġjuni differenti. Jista' jkun hemm varjazzjonijiet kbar fil-bidliet tal-prezz fost ir-reġjuni għal industrija waħda;
 - (b) differenzi reġjonali fil-bidliet tal-prezz ta' inputs kbar, eż. tibdil fil-prezz tax-xogħol, l-art u l-kera tal-uffiċċji. L-eżistenza ta' ftehimiet nazzjonali tal-pagi mingħajr differenzjazzjoni reġjonali timplika li d-differenzi reġjonali fit-tibdil fir-rati tal-pagi huma żgħar.

13.48 Id-deflazżjoni tal-valur miżjud reġjonali ssir permezz ta':

- (a) deflaturi reġjonali meta disponibbli u ta' kwalità tajba biżżejjed, bl-użu tal-bidliet fil-prezz tal-outputs minflok l-inputs. Fxi każijiet, id-deflaturi reġjonali jistgħu jinkisbu indirettament billi tiġi kkombinata l-informazzjoni dwar it-tibdil fil-valur mat-tibdil fil-volum. Meta jintużaw il-prezzijiet reġjonali (possibbilment flimkien mad-deflaturi nazzjonali skont l-industrija), ir-rati ta' tkabbir reġjonali jiġu kkalkulati biex ikunu konsistenti mar-rati ta' tkabbir nazzjonali;
- (b) deflazżjoni doppja meta possibbli. Dan huwa partikolarment adatt fejn il-bidla fil-prezz tal-konsum intermedju tiddevja minn dik tal-output u fejn il-konsum intermedju jkun sostanzjali.

KONTIJET REĠJONALI TAL-INTROJTU TAL-UNITAJET DOMESTIĊI

13.49 Id-distribuzzjoni u r-ridistribuzzjoni tal-introjt jirriżultaw f'entrati saldatorji, primarjament l-introjt primarju u l-introjt disponibbli. Fil-kontijiet reġjonali dawn il-miżuri tal-introjt huma limitati għall-unitajiet domestiċi.

13.50 Il-kontijiet reġjonali tal-unitajiet domestiċi huma speċifikazzjoni reġjonali tal-kontijiet korrispondenti fil-livell nazzjonali. Għal raġunijiet ta' kejl, il-kontijiet huma limitati għal:

- (a) l-kont tal-allokkazzjoni tal-introjt primarju;
- (b) l-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjt.

Dawn il-kontijiet jirreġistraw l-introjt primarju u l-introjt disponibbli tal-unitajiet domestiċi li jkunu residenti f'reġjun (ara Tabella 13.1).

Tabella 13.1 — Il-kontijiet reġjonali tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi

		Reġjun				Korrezzjoni għall-flussi reġjonali mingħajr kontroparti nazzjonali	Total nazzjonali
		a	b		Extra-regio		
Allokazzjoni tal-introjtu primarju							
Riżorsi	B.2/B.3 Eċċess operattiv nett/ introjtu mħallat						
	D.1 Kumpens lill-impjegati (D.1)						
	D.4 Introjtu mill-proprjeta' riċevibbli					Introjtu mill-proprjeta' intrareġjonali marbut ma' B2/B3 imnaqqas	
Użi	D.4 Introjtu mill-proprjeta' pagabbli					L-introjtu mill-proprjeta' intrareġjonali marbut ma' B2/B3 imnaqqas	
	B.5 Introjtu primarju (entrata saldatorja)						
Kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu għall-unitajiet domestiċi							
Riżorsi	B.5 Introjtu primarju						
	D.62 Benefiċċji soċjali minbarra benefiċċji soċjali in natura						
	D.7 Trasferimenti kurrenti riċevibbli oħra						
Użi	D.5 Taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid eċċ.						
	D.61 Kontribuzzjonijiet soċjali						
	D.7 Trasferimenti kurrenti pagabbli oħra						
	B.6 Introjtu disponibbli (entrata saldatorja)						
	Informazzjoni supplimentari						
	Popolazzjoni (għadd ta' abitanti)						
	Introjtu primarju per capita						
	Introjtu disponibbli per capita						

- 13.51 Il-kontinġent reġjonali tal-unitajiet domestiċi huma bbażati fuq l-unitajiet domestiċi li huma residenti f'territorju reġjonali. L-għadd ta' persuni li huma membri tal-unitajiet domestiċi residenti flimkien jagħmlu l-popolazzjoni residenti totali tar-reġjun.
- 13.52 Ir-regoli għad-determinazzjoni tar-residenza tal-unitajiet domestiċi fil-livell nazzjonali għandhom japplikaw ukoll għall-kontinġent reġjonali tal-unitajiet domestiċi. B'eċċezzjoni, meta r-reġjun li jospita jkun fl-istess pajjiż bħar-reġjun tar-residenza, studenti u pazjenti fit-tul jiġu ttrattati bħala residenti tar-reġjun li jospitahom jekk idumu hemm iktar minn sena.
- 13.53 Il-kontinġent tal-unitajiet domestiċi jistgħu jiġu estiżi bil-kontinġent tal-użu tal-introjt. Dan jirrikjedi l-allokazzjoni skont ir-reġjun tal-istatistika tal-kontinġent nazzjonali dwar l-infiq tal-konsum finali mill-unitajiet domestiċi u l-aġġustament għall-bidla fl-ekwità netta tal-unitajiet domestiċi fir-riservi tal-fondi tal-pensjoni. It-tfaddil reġjonali mill-unitajiet domestiċi huwa l-entrata saldatorja.
- 13.54 L-allokazzjoni skont ir-reġjun tal-infiq tal-konsum finali mill-unitajiet domestiċi tirrikjedi informazzjoni reġjonali affidabbli minn, pereżempju, sħarriġ estiż tal-baġit tal-unitajiet domestiċi. Madankollu, spiss ma jkunx hemm diżaggregazzjoni reġjonali bħal din u fil-kontinġent nazzjonali l-infiq tal-konsum finali mill-unitajiet domestiċi ħafna drabi tiġi stmata minn informazzjoni oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa iktar diffiċli li ssir diżaggregazzjoni reġjonali.
- 13.55 Il-gvernijiet jista' jkollhom rwol importanti fl-għoti ta' servizzi ta' edukazzjoni, kura tas-saħħa u servizzi soċjali lill-unitajiet domestiċi, permezz ta' trasferimenti soċjali in natura. Ir-rwol ta' dawn it-trasferimenti soċjali in natura jvarja b'mod sostanzjali bejn pajjiżi differenti u jista' juri flutwazzjonijiet kbar maż-żmien. L-allokazzjoni ta' dawn it-trasferimenti soċjali in natura lir-reġjuni timplika li jista' jinkiseb il-konsum finali reġjonali effettiv tal-unitajiet domestiċi u l-introjt disponibbli aġġustat tal-unitajiet domestiċi. Jekk wieħed iqis ir-rwol importanti tat-trasferimenti soċjali in natura f'xi Stati Membri, il-paragun tal-konsum finali effettiv u l-introjt disponibbli effettiv tal-unitajiet domestiċi fl-Istati Membri jista' jagħti stampa differenti minn paragun ibbażat fuq l-infiq tal-konsum finali u l-introjt disponibbli tal-unitajiet domestiċi.
-

KAPITOLU 14

SERVIZZI TA' INTERMEDJAZZJONI FINANZJARJA MKEJLA INDIRETTAMENT (FISIM)

IL-KUNĊETT TA' FISIM U L-IMPATT TAL-ALLOKAZZJONI GĦALL-UTENT TAGĦHOM FUQ L-AGGREGATI EWLENIN

- 14.01 Mod tradizzjonali wieħed li bih jingħataw servizzi finanzjarji huwa permezz ta' intermedjazzjoni finanzjarja. Dan huwa l-proċess li permezz tiegħu istituzzjoni finanzjarja bħal bank taċċetta depożiti minn unitajiet li jixtiequ jirċievu mgħax fuq il-fondi, u tislifhom lil unitajiet li ma għandhomx biżżejjed fondi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Il-bank għalhekk jipprovdi mekkaniżmu li jippermetti li l-ewwel unità ssellef lit-tieni. L-unità li tislef il-fondi taċċetta rata ta' mgħax iktar baxxa minn dik li titħallas minn min jissellef. "Rata ta' referenza" ta' mgħax hija r-rata li biha kemm min jislef kif ukoll min jissellef ikun kuntent bin-negozju li għamel. Id-differenza bejn ir-rata ta' referenza u r-rata mħallsa lid-depożituri u li titħallas minn min jissellef hija imposta ta' servizz ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM). Il-FISIM totali hija s-somma taż-żewġ drittijiet impliċiti mħallsa minn min jissellef u min jislef.
- 14.02 Iżda, huwa rari l-każ li l-ammont ta' fondi misluf minn istituzzjoni finanzjarja jkun jaqbel eżatt mal-ammont iddepożitat magħhom. Xi flejjes jistgħu jkunu ġew iddepożitati iżda ma jkunux għadhom mislufa; xi self jista' jkun iffinanzjat mill-fondi tal-bank stess u mhux minn fondi msellfin. Madankollu, id-depożitur tal-fondi jirċievi l-istess ammont ta' mgħax u servizz ta' intermedjazzjoni kemm jekk il-fondi tiegħu jkunu mislufa kemm jekk le, u min jissellef iħallas l-istess rata ta' mgħax u jirċievi l-istess servizz ta' intermedjazzjoni kemm jekk il-fondi tiegħu jkunu pprovduti mill-fondi intermedjati kif ukoll mill-fondi stess tal-bank. Għal din ir-raġuni ssir stima tal-FISIM għas-self kollu u d-depożiti kollha offruti minn istituzzjoni finanzjarja jkun xi jkun is-sors tal-fondi. L-ammonti ta' mgħax reġistrati jiġu kkalkolati bħala r-rata ta' referenza multiplikata bil-livell ta' self jew depożitu kkonċernat. Id-differenza bejn dawk l-ammonti u l-ammonti li istituzzjoni finanzjarja attwalment tirċievi jew tħallas jiġu reġistrati bħala l-imposta indiretta ta' servizz imħallas minn min jissellef jew mid-depożitur lill-istituzzjoni finanzjarja. L-ammonti reġistrati fis-sistema bħala mgħax huma deskritti bħala "imgħax tas-SEK" u l-ammonti totali attwalment imħallsa lill-istituzzjoni finanzjarja jew minnha huma deskritti bħala "imgħax tal-bank". L-imposta ta' servizz impliċitu totali hija s-somma tal-imgħax tal-bank fuq self, bl-imgħax tas-SEK mnaqqas fuq l-istess self, bl-imgħax tas-SEK miżjud fuq depożiti, bl-imgħax tal-bank imnaqqas fuq l-istess depożiti.
- 14.03 Il-FISIM japplika biss għal self u depożiti pprovduti minn istituzzjonijiet finanzjarji jew iddepożitati fihom. L-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati ma hemmx għalfejn ikunu residenti; lanqas ma hemm għalfejn li jkunu residenti l-klijenti tal-istituzzjoni finanzjarja. L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-FISIM iseħħu. L-istituzzjoni finanzjarja ma għandhiex għalfejn toffri faċilitajiet ta' teħid ta' depożitu flimkien mas-self. Is-sussidjarji finanzjarji tal-bejjiegħa bl-imnut huma eżempji ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jsellfu mingħajr ma jaċċettaw depożiti. Min jislef il-flus u għandu kontijiet dettaljati biżżejjed biex jitqies bħala korporazzjoni jew kważi-korporazzjoni jista' jirċievi l-FISIM.
- 14.04 Biex jitqies l-impatt tal-allokazzjoni tal-FISIM fuq il-PDG u d-dħul nazzjonali, meta mqabbel mas-sitwazzjoni fejn il-FISIM ma jiġix allokat, iridu jitqiesu ħames każijiet:
- (a) jiġi pprovdut self u jittieħdu depożiti minn intermedjarji finanzjarji (FIs) residenti għall-konsum intermedju ta' produttori tas-suq (inklużi unitajiet domestiċi bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati u ta' abitazzjonijiet):
- il-produzzjoni tal-FISIM tal-FIs hija kontrobalancjata mill-konsum intermedju tal-produttori tas-suq. Għalhekk, ma hemmx impatt fuq il-PDG u d-dħul nazzjonali;
- (b) jiġi pprovdut self u jittieħdu depożiti minn FIs residenti għall-konsum intermedju ta' produttori mhux tas-suq u għall-konsum finali tal-unitajiet domestiċi:
- meta l-FISIM jiġi kkunsmat minn produttori mhux tas-suq, bħala konsum intermedju, il-produzzjoni ta' dawn il-produttori tiżdied bl-istess ammont billi l-konsum intermedju huwa parti mis-somma tal-ispejjeż tagħhom u l-fluss tal-kontroparti huwa żieda tal-infiq tal-konsum finali. Għalhekk, il-PDG u d-dħul nazzjonali jiżdiedu bl-ammont ta' FISIM allokat.
- Barra minn hekk, meta l-FISIM jiġi kkunsmat mill-unitajiet domestiċi bħala konsumaturi finali, il-PDG u d-dħul nazzjonali jiżdiedu bl-ammont ta' FISIM allokat;
- (c) jiġi pprovdut self u jittieħdu depożiti mill-FIs residenti lil dawk li mhumix FIs u li mhux residenti (esportazzjonijiet ta' FISIM):
- l-esportazzjonijiet tal-FISIM jiġu reġistrati, u jżidu l-PDG. Iżda fit-transizzjoni mill-PDG għad-dħul nazzjonali, din iż-żieda titpatta minn tnaqqis ta' mgħax riċevibbli bit-tnaqqis tal-imgħax pagabbli lill-bqija tad-dinja (billi l-FISIM jitnaqqas mill-imgħax riċevibbli fuq self u jiżdied mal-imgħax pagabbli fuq id-depożiti). Għalhekk, l-esportazzjonijiet tal-FISIM ma għandhomx impatt fuq id-dħul nazzjonali;
- (d) jiġi pprovdut self u jittieħdu depożiti minn FIs mhux residenti għall-konsum intermedju ta' produttori tas-suq, inklużi unitajiet domestiċi bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati u ta' abitazzjonijiet (importazzjonijiet tal-FISIM):

il-PDG jonqos bl-ammont ta' din il-kategorija ta' importazzjonijiet tal-FISIM, billi l-kontroparti tagħhom huwa l-konsum intermedju. Iżda fit-transizzjoni mill-PDG għad-dħul nazzjonali, dan it-tnaqqis jipporta minn żieda ta' mgħax riċevibbli bit-tnaqqis tal-ammont pagabbli lill-bqija tad-dinja (billi l-FISIM jiżdied mal-imgħax riċevibbli fuq depożiti u jitnaqqas mill-imgħax pagabbli fuq id-depożiti). Għalhekk, din il-kategorija ta' importazzjonijiet ma għandiex impatt fuq id-dħul nazzjonali;

- (e) jiġi pprovdut self u jittieħdu depożiti minn Fls mhux residenti għall-konsum intermedju ta' produttori mhux tas-suq u għall-konsum finali ta' unitajiet domestiċi (importazzjonijiet tal-FISIM):

importazzjonijiet tal-FISIM minn produttori mhux tas-suq jikkorrispondu mal-konsum intermedju. Il-produzzjoni ta' dawn il-produtturi tiżdied bl-istess ammont billi l-konsum intermedju huwa parti tas-somma tal-ispejjeż tagħhom u l-fluss ta' kontroparti hija żieda tal-infiq tal-konsum finali. Fil-kejl tal-PDG mill-approċċ tal-produzzjoni, iż-żieda fil-konsum intermedju titpatta biż-żieda fil-produzzjoni, filwaqt li l-valur miżjud jibqa' ma jinbidilx. Fil-kejl tal-PDG min-naħa tal-infiq, iż-żieda fl-infiq tal-konsum finali hija newtralizzata miż-żieda ta' importazzjonijiet ta' servizzi. Iżda fit-transizzjoni mill-PDG għad-dħul nazzjonali, hemm żieda ta' mgħax riċevibbli bit-tnaqqis tal-ammont pagabbli lill-bqija tad-dinja (billi l-FISIM jiżdied mal-imgħax riċevibbli fuq id-depożiti u jitnaqqas mill-imgħax pagabbli fuq is-self). Għalhekk, id-dħul nazzjonali jiżdied bl-ammont ta' din il-kategorija ta' importazzjonijiet tal-FISIM.

Barra minn hekk, meta l-FISIM jiġi importat minn unitajiet domestiċi bħala konsumaturi finali, ma hemmx impatt fuq iż-żidiet tal-PDG u tad-dħul nazzjonali billi hemm żieda ta' mgħax riċevibbli bit-tnaqqis tal-ammont pagabbli lill-bqija tad-dinja.

Bi drawwa, il-FISIM mhux ikkalkulat għal self interbankarju u depożiti bejn Fls residenti, lanqas bejn Fls residenti u Fls mhux residenti. Iżda s-self interbankarju u d-depożiti jintużaw għall-kalkolu tar-rati ta' referenza.

14.05 Mill-ħames każijiet ippreżentati fil-paragrafu 14.04, nistgħu nagħmlu taqsira tal-impatt tal-allokkazzjoni tal-FISIM fuq il-PDG u d-dħul nazzjonali hekk kif ġej:

- (a) il-PDG jiżdied bl-ammont tal-FISIM prodott mill-Fls residenti u allokat lis-setturi S.13 (gvern ġenerali), S.14 (għall-unitajiet domestiċi bħala konsumaturi), S.15 (NPISHs) u S.2 (il-bqija tad-dinja);
- (b) il-PDG jonqos bl-ammont tal-FISIM importat allokat lil S.11 (korporazzjonijiet mhux finanzjarji), S.12 (korporazzjonijiet finanzjarji) esklużi S.121 (bank ċentrali), S.122 (korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali) u S.125 (intermedjarji oħra finanzjarji, għajr korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni), u S.14 (għall-unitajiet domestiċi bħala sidien ta' abitazzjonijiet u intrapriżi mhux inkorporati);
- (c) id-dħul nazzjonali jiżdied bl-ammont tal-FISIM (prodott mill-Fls residenti jew importati) allokat lis-setturi S.13 (gvern ġenerali), S.14 (għall-unitajiet domestiċi bħala konsumaturi) u S.15 (NPISHs).

KALKOLU TAL-PRODUZZJONI TAL-FISIM SKONT IS-SETTUR S.122 U S.125

14.06 Il-FISIM huwa prodott mill-Fls: il-bank ċentrali (S.121); korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali (S.122); u intermedjarji finanzjarji oħra, għajr korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125).

Il-kalkoli tal-FISIM jiffukaw fuq is-sottosetturi S.122 u S.125; bi drawwa, il-FISIM ma jiġix ikkalkolat għall-bank ċentrali (ara l-Parti VI).

Data statistika meħtieġa

14.07 Għal kull wieħed mis-sottosetturi S.122 u S.125, tinħtieġ *data* fil-forma ta' skeda ta' stokks ta' self u depożiti kategorizzati skont is-setturi tal-utent, u bil-medja maħduma fuq perijodu ta' erba' trimestri, u l-imgħax dovut li jikkorrispondi. L-imgħax jiġi kkalkulat wara l-allokkazzjoni mill-ġdid ta' sussidji ta' rati ta' mgħax lir-riċevituri.

Rati ta' referenza

14.08 Fil-karti tal-bilanċ tal-intermedjarji finanzjarji inklużi fis-sottosetturi S.122 u l-S.125, is-self u d-depożiti fl-unitajiet residenti jridu jinfirdu biex issir differenza bejn self u depożiti:

- li huma interbankarji (jiġifieri ġewwa l-unitajiet istituzzjonali li jipprovdu l-FISIM inkluż fis-sottosetturi S.122 u S.125),
- li jittieħdu b'impenn mas-setturi tal-utenti istituzzjonali (S. 11 – sottosetturi oħra S.12 – S.13 – S.14 – S.15) (għajr mal-banek ċentrali).

Barra minn hekk, is-self u d-depożiti fil-bqija tad-dinja (S.2) jinfirdu f'self u depożiti f'intermedjarji finanzjarji mhux residenti u self u depożiti f'oħrajn mhux residenti.

Rata ta' referenza interna

- 14.09 Biex jinkiseb il-prodott tal-FISIM tal-Fls residenti skont is-settur istituzzjonali tal-utent residenti, ir-rata ta' referenza interna tiġi kkalkolata b'hal l-proporzjon ta' mgħax riċevibbli fuq self fi ħdan u bejn is-sottosetturi S.122 u S.125 għall-istokks fuq self fi ħdan u bejn is-sottosetturi S.122 u S.125 kif ġej:

$$\frac{\text{imgħax riċevibbli fuq self fi ħdan u bejn is – sottosetturi S.122 u S.125}}{\text{stokk ta' self fi ħdan u bejn is – sottosetturi S.122 u S.125}}$$

Fit-teorija, ir-rata interna ta' referenza hija l-istess meta tintuża *data* dwar depożiti aktar milli dwar self. Minħabba inkonsistenzi ta' *data*, l-istima mid-*data* dwar id-depożiti ser tkun differenti mill-istima mid-*data* tas-self.

Meta d-*data* dwar id-depożiti tkun aktar ta' min jorbot fuqha, ir-rata ta' referenza interna għandha tiġi kkalkolata fuq id-depożiti interbankarji b'hal l-proporzjon ta':

$$\frac{\text{imgħax pagabbli fuq depożiti fi ħdan u bejn is – sottosetturi S.122 u S.125}}{\text{stokk ta' depożiti fi ħdan u bejn is – sottosetturi S.122 u S.125}}$$

Jekk kemm id-*data* dwar self kif ukoll id-*data* dwar id-depożiti tkun ta' min jorbot fuqha, ir-rata ta' referenza interna għandha tiġi kkalkolata fuq self u depożiti interbankarji b'hal l-proporzjon bejn l-*imgħax riċevibbli fuq self* flimkien għall-*imgħax pagabbli fuq depożiti fil-pussess tal-Fls bejniethom*, u l-istokk ta' self flimkien mal-istokk ta' depożiti fil-pussess tal-Fls fisem Fls oħra.

F'każijiet fejn Fls residenti, għall-klijenti residenti tagħhom, jipprovdu self u jieħdu depożiti espressi f'muniti barranin, għandhom jiġu kkalkolati bosta rati ta' referenza interni skont il-munita jew il-gruppi ta' muniti jekk dan itejjeb l-istimi b'mod sinifikanti. Dan ikun jeħtieġ qsim skont il-munita jew gruppi ta' muniti kemm tal-kalkolu tar-rati ta' referenza "interna" kif ukoll tas-self u d-depożiti minn Fls residenti lejn kull settur ta' utent residenti.

Rati ta' referenza esterni

- 14.10 Biex jiġu determinati l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-FISIM, ir-rata ta' referenza użata hija r-rata medja interbankarja ppeżata mil-livelli tal-istokks fl-intestaturi "self bejn l-Fls residenti minn naħa, u Fls mhux residenti min-naħa l-oħra" u "depożiti bejn Fls residenti minn naħa, u Fls mhux residenti min-naħa l-oħra", li huma inklużi fil-karta tal-bilanċ tal-Fls. Għalhekk ir-rata ta' referenza esterna tiġi kkalkolata b'hal l-proporzjon ta' mgħax fuq self flimkien ma' mgħax fuq depożiti bejn Fls residenti u Fls mhux residenti għall-istokk ta' self flimkien mal-istokk ta' depożiti bejn l-Fls residenti u l-Fls mhux residenti.

Bosta rati ta' referenza esterna jridu jiġu kkalkolati għal muniti differenti jew gruppi ta' muniti, jekk id-*data* tkun disponibbli għal kull munita jew grupp ta' muniti għall-kategoriji li ġejjin, u jekk dan itejjeb l-istimi b'mod sinifikanti:

(a) self u depożiti minn Fls mhux residenti lejn kull settur ta' utent;

(b) self u depożiti minn Fls residenti lejn utenti mhux residenti.

Diżaggregazzjoni dettaljata tal-FISIM skont is-settur istituzzjonali.

- 14.11 Bi drawwa, ebda FISIM interbankarja ma għandha tiġi kkalkolata bejn Fls residenti, lanqas bejn Fls residenti u Fls mhux residenti. Il-FISIM jiġi kkalkulat fil-konfront tas-setturi ta' utent istituzzjonali mhux bankarji biss.

Għal kull settur istituzzjonali li mhux FI, jeħtieġ li jkun hemm *data* skont l-iskeda li ġejja ta' self u d-depożiti mogħtija mill-Fls residenti:

	Stokks	Imgħax riċevibbli minn Fls residenti		Stokks	Imgħax pagabbli minn Fls residenti
Self mogħti minn Fls residenti (S.122 u S.125)			Depożiti f'Fls residenti (S.122 u S.125)		

Il-FISIM totali skont is-settur istituzzjonali jinkiseb bħala s-somma tal-FISIM fuq self mogħti lis-settur istituzzjonali u l-FISIM fuq depożiti tas-settur istituzzjonali.

Il-FISIM fuq self mogħti lis-settur istituzzjonali ssir stima tiegħu mill-imgħax riċevibbli fuq self bit-tnaqqis ta' (stokks ta' self multiplikati bir-rata ta' referenza interna).

Il-FISIM fuq id-depożiti tas-settur istituzzjonali ssir stima tiegħu minn (stokks ta' depożiti multiplikati bir-rata ta' referenza interna) bl-imgħax pagabbli fuq id-depożiti mnaqqas.

Parti mill-produzzjoni hija esportata; fuq il-bażi tal-karta tal-bilanċ tal-Fls nosservaw:

	Stokks	Imgħax riċevibbli minn Fls residenti		Stokks	Imgħax pagabbli minn Fls residenti
Self lil nonresidenti mhux bankarji			Depożiti f'nonresidenti mhux bankarji		

L-esportazzjonijiet tal-FISIM issir stima tagħhom permezz tar-rata ta' referenza interbankarja esterna, għal self mogħti lil non-residenti (esklużi l-Fls), bħala mgħax riċevibbli bit-tnaqqis ta' (stokk ta' self multiplikati bir-rata ta' referenza esterna)

L-esportazzjonijiet tal-FISIM fuq depożiti ta' nonresidenti (esklużi l-Fls) issir stima tagħhom minn (stokks ta' depożiti multiplikati bir-rata ta' referenza esterna) bl-imgħax pagabbli mnaqqas.

Meta bosta rati ta' referenza jintużaw għal muniti differenti jew gruppi ta' muniti, is-self u d-depożiti jinqasmu kemm skont is-setturi ta' utent istituzzjonali kif ukoll skont il-munita (jew gruppi ta' muniti) li fihom jiġu denominati.

Diżaggregazzjoni fil-konsum intermedjarju u finali tal-FISIM allokat lill-unitajiet domestiċi

14.12 Il-FISIM li trid tiġi attribwita lill-unitajiet domestiċi maqsumin fil-kategoriji li ġejjin:

- (a) konsum intermedju ta' unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala sidien ta' abitazzjonijiet;
- (b) konsum intermedju ta' unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati; u
- (c) konsum finali ta' unitajiet domestiċi.

Il-metodu ta' stima jeħtieġ diżaggregazzjoni tas-self lill-unitajiet domestiċi (stokks u mgħax) fil-kategoriji korrispondenti li ġejjin:

- (i) self fuq abitazzjonijiet;
- (ii) self lill-unitajiet domestiċi bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati; u
- (iii) self ieħor lill-unitajiet domestiċi.

Self lill-unitajiet domestiċi bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati u self fuq abitazzjonijiet ġeneralment jintwera għalih fid-diversi analiżijiet tas-self fl-istatistika finanzjarja u monetarja. Self ieħor lill-unitajiet domestiċi jinkiseb bħala dak li jifdal wara li jitnaqqsu mit-total iż-żewġ kategoriji ta' self imsemmijin qabel. Il-FISIM għal self lill-unitajiet domestiċi għandu jitqassam bejn it-tliet kategoriji fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar stokks u mgħax għal kull wieħed mit-tliet gruppi. Is-self fuq abitazzjonijiet mhux l-istess bħal self ipotekarju, billi s-self ipotekarju jista' jkollu skopijiet oħra.

Id-depożiti tal-unitajiet domestiċi jinqasmu hekk:

- (1) depożiti ta' unitajiet domestiċi bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati; u
- (2) depożiti ta' unitajiet domestiċi bħala konsumaturi.

Fin-nuqqas ta' statistika dwar depożiti ta' unitajiet domestiċi bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati, l-istokks tad-depożiti jiġu kkalkolati skont wieħed mill-metodi li ġejjin:

Metodu 1

L-istokks tad-depożiti jiġu kkalkolati bis-suppożizzjoni li l-proporzjon tal-istokks ta' depożiti għall-valur miżjud osservat għall-iżgħar korporazzjonijiet japplika għall-intrapriżi mhux inkorporati.

Metodu 2

L-istokks tad-depożiti jiġu kkalkolati bis-suppożizzjoni li l-proporzjon tal-istokks ta' depożiti għall-valur tal-bejgħ osservat għall-iżgħar korporazzjonijiet japplika għall-intrapriżi mhux inkorporati.

Il-FISIM fuq depożiti ta' unitajiet domestiċi jrid jinqasam bejn FISIM fuq id-depożiti ta' unitajiet domestiċi bħala sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati u FISIM fuq depożiti ta' unitajiet domestiċi bħala konsumaturi abbażi tal-istokks medji ta' dawk iż-żewġ kategoriji, li għalihom, fil-każ ta' nuqqas ta' aktar tagħrif, tista' tintuża l-istess rata ta' mgħax.

Bħala alternattiva, fejn ma jkunx hemm informazzjoni ddettaljata dwar self u depożiti ta' unitajiet domestiċi, il-FISIM lill-unitajiet domestiċi jiġi allokati għall-konsum intermedju u l-konsum finali bis-suppożizzjoni li s-self kollu huwa attribwibbli lill-unitajiet domestiċi bħala produttori jew sidien ta' abitazzjonijiet u li d-depożiti kollha huma attribwibbli lill-unitajiet domestiċi bħala konsumaturi.

KALKOLU TA' IMPORTAZZJONIJIET TAL-FISIM

14.13 L-Fls mhux residenti jagħtu self lil residenti u jirċievu depożiti minn residenti. Tinħtieġ *data* skont it-tabella li ġejja minn kull settur istituzzjonali.

	Stokks	Imgħax riċevibbli minn Fls mhux residenti u pagabbli mill-utenti residenti		Stokks	Imgħax pagabbli minn Fls mhux residenti u riċevibbli mill-utenti residenti
Self mogħti minn Fls mhux residenti			Depożiti f'Fls mhux residenti		

L-importazzjonijiet tal-FISIM għal kull settur istituzzjonali jiġu kkalkolati kif ġej:

l-importazzjonijiet tal-FISIM għal self issir stima tagħhom mill-imgħax riċevibbli minn Fls mhux residenti bit-naqqis ta' (stokks ta' self multiplikati bir-rata ta' referenza esterna);

l-importazzjonijiet tal-FISIM għal depożiti ssir stima tagħhom bħala (stokks ta' depożitu multiplikati bir-rata ta' referenza esterna) bit-naqqis tal-imgħax pagabbli minn Fls mhux residenti.

Huwa rrakkomandat li ħafna rati ta' referenza esterni jintużaw skont il-munita jew gruppi ta' muniti (ara l-paragrafu 14.10).

FISIM F'TERMINI TA' VOLUM

14.14 L-istimi tal-volum tal-FISIM jiġu kkalkolati permezz tal-istokks ta' self u depożiti deflazjonati għall-prezzijiet tal-perijodu ta' bażi bl-użu ta' indiċi tal-prezzijiet ġenerali bħal pereżempju l-korrettur tal-prezz impliċitu għad-domanda domestika finali.

Il-prezz tal-FISIM għandu żewġ komponenti: l-ewwel huwa d-differenza bejn ir-rata ta' mgħax tal-bank u r-rata ta' referenza (jew bil-maqlub fil-każ ta' depożiti) li tirrappreżenta l-marġini ta' qligħ tal-intermedjarju finanzjarju; it-tieni huwa l-indiċi tal-prezz użat fid-deflazjoni tal-istokks ta' self u depożiti skont il-prezzijiet tal-perijodu ta' bażi.

Il-FISIM f'termini ta' volum jiġi kkalkolat kif ġej:

$$\text{FISIM f'volum fuq is – self mogħti lis – settur istituzzjonali} = \frac{\text{FISIM fuq is – self mogħti lis – settur istituzzjonali}}{\text{indiċi tal – prezz}} \times \frac{\text{marġini tal – perijodu ta' bażi}}{\text{marġini effettiv}}$$

$$\text{FISIM f'volum fuq id – depożiti tas – settur istituzzjonali} = \frac{\text{FISIM fuq id – depożiti tas – settur istituzzjonali}}{\text{indiċi tal – prezz}} \times \frac{\text{marġini tal – perijodu ta' bażi}}{\text{marġini effettiv}}$$

Il-marġini tal-perijodu ta' bażi fuq self huwa ugwali għar-rata ta' mgħax effettiv fuq self bir-rata ta' referenza mnaqqa.

Il-marġini tal-perijodu ta' bażi fuq depożiti huwa ugwali għar-rata ta' referenza bir-rata ta' mgħax effettiva fuq id-depożiti mnaqqa.

F'termini nominali, il-marġini effettiv huwa ugwali għall-proporzjon tal-FISIM għall-istokks, u għalhekk, jekk il-marġini effettiv jiġi sostitwit bil-marġini effettiv fiż-żewġ formoli ta' hawn fuq jirriżulta dan li ġej:

$$\text{FISIM f'volum fuq is – self mogħti lis – settur istituzzjonali} = \frac{\text{stokks ta' self mogħti lis – settur istituzzjonali}}{\text{indiċi tal – prezz}} \times \text{marġini tal – perijodu ta' bażi}$$

$$\text{FISIM f'volum fuq id – depożiti tas – settur istituzzjonali} = \frac{\text{stokks ta' depożiti tas – settur istituzzjonali}}{\text{indiċi tal – prezz}} \times \text{marġini tal – perijodu ta' bażi}$$

KALKOLU TAL-FISIM SKONT L-INDUSTRIJA

14.15 L-allokazzjoni ta' FISIM fost industrijati utenti hija bbażata fuq l-istokks ta' self u depożiti ta' kull industrija u, jekk din l-informazzjoni ma tkunx ta' min jorbot fuqha, fuq l-output ta' kull industrija.

L-OUTPUT TAL-BANK ĊENTRALI

14.16 L-output tal-bank ċentrali trid, skont id-drawwa, titkejjel bħala s-somma tal-ispejjeż, jiġifieri l-konsum intermedju tiegħu, il-kumpens tal-impjegati, il-konsum tal-kapital fiss u taxxi oħra bis-sussidji fuq il-produzzjoni mnaqqa. Il-FISIM ma jridx jiġi kkalkolat għall-bank ċentrali.

Il-kummissjonijiet u t-tariffi għal servizzi mkejla direttament iffatturati mill-bank ċentrali kemm fir-rigward ta' unitajiet residenti kif ukoll fir-rigward ta' dawk mhux residenti għandhom jiġu allokati lil dawn l-unitajiet.

Il-parti tat-total tal-output tal-bank ċentrali (is-somma tal-ispejjeż bil-kummissjonijiet u d-drittijiet imnaqqa) li ma tinbiegħx biss, skont id-drawwa, għandha tiġi allokata lill-konsum intermedju ta' Fls oħra — is-sottosetturi S.122 (korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr il-bank ċentrali) u S.125 (intermedjarji oħra finanzjarji, għajr korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni), fi proporzjon mal-valur miżjud rispettiv ta' kull wieħed minn dawn is-sottosetturi.

Biex jiġu bbilanċjati l-kontijiet tas-sottosetturi S.122 u S.125, l-ammont tal-konsum intermedju rispettiv tagħhom tas-servizz pprovdut mill-bank ċentrali jrid jiġi kkontrobalanċjat minn trasferiment kurrenti (ikklassifikat taħt D.759, "trasferimenti kurrenti mixxellanji oħra") li jasal mingħand il-bank ċentrali, għall-istess ammont.

KAPITOLU 15

KUNTRATTI, KIRJIET U LIĊENZJI

INTRODUZZJONI

- 15.01 Kuntratti huma ftehimiet fuq it-termini li skonthom oġġetti, servizzi u assi huma pprovduti lill-konsumatur. Kuntratti li jirrapreżentaw bejgħ dirett ta' oġġetti, servizzi jew assi jiddeterminaw il-valur u l-ħin tar-reġistrazzjoni tat-transazzjoni, li fil-każ ta' oġġetti hija l-bidla fis-sjeda. Id-differenza bejn il-ħin tal-pagament u l-ħin tar-reġistrazzjoni huwa rifless fl-annotazzjonijiet reġistrati bħala kontijiet oħra riċevibbli jew pagabbli fil-kont finanzjarju.
- 15.02 Kirjiet, liċenzji u permessi huma kuntratti li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tal-pagamenti u s-sjeda ekonomika tal-assi; Xi wħud mill-kuntratti huma tip separat ta' assi mhux finanzjarju.
- 15.03 F'dan il-Kapitolu, ir-reġistrazzjoni ta' diversi gruppi ta' kuntratti kumplessi u l-flussi u l-istokks sottostanti tagħhom huma diskussi f'seba' taqsimiet:
- (a) id-distinzjoni bejn kera operatorja, kera ta' riżorsi u kera finanzjarja;
 - (b) permessi biex jintuża riżors naturali;
 - (c) permessi biex jitwettqu attivitajiet speċifiċi;
 - (d) sħubijiet pubbliċi-privati
 - (e) kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi;
 - (f) kuntratti tal-kirjiet operattivi negozjabbli;
 - (g) intitolamenti għal oġġetti u servizzi futuri fuq bażi esklużiva.

ID-DISTINZJONI BEJN KERA OPERATORJA, KERA TA' RIŻORSI U KERA FINANZJARJA

15.04 Tliet tipi ta' kera ta' assi mhux finanzjarja huma distinti (ara Tabella 15.1):

- (a) kera operatorja;
- (b) kera ta' riżorsi;
- (c) kera finanzjarja.

Kull waħda minn dawn it-tipi ta' kera tirrelata mal-użu ta' assi mhux finanzjarju:

- fil-każ ta' kera operatorja u kera ta' riżorsi, ma hemm l-ebda bidla fis-sjeda ekonomika u s-sid legali jibqa' s-sid ekonomiku. Il-kera ta' riżorsi tintuża għal riżors naturali, bħal art u l-ispettru tal-frekwenzi tar-radju. Il-kera operatorja tintuża għall-assi l-oħra kollha mhux finanzjarji,
- fil-każ ta' kera finanzjarja, hemm bidla fis-sjeda ekonomika tal-assi, u s-sid legali tal-assi mhuwiex meqjus is-sid ekonomiku. Kera finanzjara tista' tapplika għall-assi kollha mhux finanzjarji, inklużi, f'ċerti sitwazzjonijiet, ir-riżors naturali.

15.05 Kull entità bħal prodott u servizz, riżors naturali, assi jew passiv finanzjarji għandhom kemm sid legali kif ukoll sid ekonomiku. F'ħafna każijiet is-sidien ekonomiċi u legali jkun l-istess. Meta ma jkunux, is-sid legali jagħti r-responsabilità għar-riskju involut fl-użu tal-entità l-attività ekonomika lis-sid ekonomiku flimkien mal-benefiċċji assoċjati. Min-naħa tiegħu s-sid legali jaċċetta mis-sid ekonomiku pagamenti għal pakkett ieħor ta' riskji u benefiċċji.

Tabella 15.1 — Ir-reġistrazzjoni ta' tliet tipi differenti ta' kera

Tip ta' kera	Metodu ta' reġistrazzjoni għall-utent
Kera operatorja (mhux għal riżorsi naturali)	L-utent mhux is-sid ekonomiku tal-assi mhux finanzjarju Il-kirjiet huma rreġistrati bħala pagamenti għal servizz, konsum intermedju jew infiq tal-konsum finali mill-gvern ġenerali, il-familji u l-NPISHs
Kera ta' riżorsi (għal riżorsi naturali biss)	L-utent mhux is-sid ekonomiku tar-riżors naturali. Il-pagamenti huma l-kirjiet (introjtu mill-proprjetà)
Kera finanzjarja	L-utent huwa s-sid ekonomiku ta' assi mhux finanzjarju, iffinanzjat permezz ta' self minn sid il-kera. Il-biċċa l-kbira tal-pagamenti huma ripagamenti tal-kapital u pagamenti ta' interessi fuq is-self. Parti mill-pagamenti ta' interessi jistgħu jiġu rreġistrati bħala FISIM meta s-sellief ikun intermedjarju finanzjarju. Dan il-pagament huwa kklassifikat bħala konsum intermedju jew infiq tal-konsum finali min-naħa tal-gvern ġenerali, l-unitajiet domestiċi u l-NPISHs.

Tabella 15.2 — Ir-reġistrazzjoni ta' tliet tipi differenti ta' kera, skont it-tip ta' transazzjoni

Tip ta' transazzjoni	Tip ta' użu, u assi involut
Konsum intermedju	Kera operatorja ta' assi prodotti, pereżempju makkinarju u drittijiet ta' proprjetà intellettuali Servizzi FISIM fuq kera finanzjarja
Konsum tal-kapital fiss	Għal assi prodotti biss, u għas-sid ekonomiku biss
Infiq tal-konsum finali	Kera operatorja ta' oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul Xiri ta' oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul (inkluż meta ffinanzjati minn kera finanzjarja jew xiri bin-nifs) Servizzi FISIM fuq kera finanzjarja għal konsumaturi finali
Xiri ta' assi mhux finanzjarji	
Formazzjoni ta' kapital fiss	Xiri ta' assi prodotti (inkluż meta ffinanzjati minn kera finanzjarja)
Akkwist tar-riżorsi naturali	Xiri ta' riżorsi naturali, inkluż id-dritt li jintużaw sakemm jiġu estinti
Akkwist ta' assi oħra mhux prodotti	Xiri tad-dritt li jintuża riżors naturali għal perijodu estiż, pereżempju kwota tas-sajd
Pagamenti tal-introjtu tal-proprjetà	
Renta	Kera ta' riżorsi, jiġifieri għall-pagament għall-użu ta' riżors naturali
Imgħax	Kera finanzjarja, jiġifieri x-xiri ta' assi mhux finanzjarju ffinanzjat fl-istess ħin b'selfa
Transazzjoni finanzjarja: self	Kera finanzjarja, jiġifieri x-xiri ta' ass mhux finanzjarju ffinanzjat fl-istess ħin b'self

15.06 *Definizzjoni:* Is-sid ekonomiku ta' entitajiet bħal oġġett u servizz, riżorsa naturali, assi jew passiv finanzjarju huwa l-unità istituzzjonali intitolata biex titlob il-benefiċċji assoċjati mal-użu tal-entità matul attività ekonomika bis-saħħa li jiġu aċċettati r-riskji assoċjati.

15.07 *Definizzjoni:* Is-sid legali ta' entitajiet bħal oġġett u servizz, riżors naturali, assi jew passiv finanzjarju huwa l-unità istituzzjonali intitolata bil-liġi u sostenibbli skont il-liġi biex titlob il-benefiċċji assoċjati mal-entitajiet.

Kiri Operatorju

- 15.08 *Definizzjoni:* Kera operatorja hija kera fejn is-sid legali jkun ukoll is-sid ekonomiku u jaċċetta r-riskji operatorji u jirċievi l-benefiċċji ekonomiċi mill-assi billi jitlob ħlas għall-użu tiegħu, f'attività produttiva.
- 15.09 Indikatur wieħed ta' kera operatorja jikkonsisti fil-fatt li hija r-responsabbiltà tas-sid legali li jipprovdi għat-tiswija u l-manteniment tal-assi.
- 15.10 Taħt kera operatorja l-assi jibqa' fuq il-karta ta' bilanċ tas-sid.
- 15.11 Il-pagamenti li jsiru għal assi prodotti skont kera operatorja jitqiesu bħala kirjiet u huma rreġistrati bħala pagamenti għal servizz (ara Tabella 15.2). Il-karattru ta' kirja operatorja huwa deskritt l-aħjar f'termini ta' tagħmir minħabba li l-kirjiet operatorji jsiru spiss għal vetturi, krejnijiet, magni tat-tħaffir, eċċ. Madankollu, kwalunkwe tip ta' assi mhux finanzjarju jista' jkun soġġett għal kera operatorja. Is-servizz ipprovdut mis-sid imur lil hinn mis-sempliċi provvista tal-assi. Dan jinkludi elementi oħra bħal konvenjenza u sigurtà. Fil-każ ta' tagħmir, is-sid, jew is-sid tat-tagħmir, normalment iżomm l-istokk tat-tagħmir fi stat tajjeb sabiex ikun jista' jinkera fuq talba jew fi żmien qasir. Normalment is-sid għandu jkun speċjalista fit-tħaddim tat-tagħmir. Dan huwa importanti fil-każ ta' tagħmir ikkumplikat ħafna, bħall-komputers, fejn il-kerrej jista' ma jkollux l-għarfien espert jew il-faċilitajiet meħtieġa biex issir manutenzjoni tajba tat-tagħmir. Is-sid jista' jimpenja ruħu wkoll li jissostitwixxi t-tagħmir fil-każ ta' ħsara serja jew deġiema. Fil-każ ta' bini, is-sid huwa responsabbli għall-integrità strutturali tal-bini u għar-rimpjazzament fil-każ ta' ħsara minħabba disastri naturali, pereżempju, u normalment huwa responsabbli biex jiżgura li l-liftijiet, is-sistemi ta' tisħin u ta' ventilazzjoni jaħdmu sew.
- 15.12 Il-kiri operatorju oriġinalment ġie żviluppat biex jilħaq il-ħtiġijiet ta' utenti li jeħtieġu ċerti tipi ta' tagħmir f'intervalli regolari biss. Ħafna kirjiet operatorji jsiru għal perijodi qosra għalkemm is-sid jista' jgħedded il-kirja meta l-perijodu jiskadi u l-istess utent jista' juża l-istess biċċa apparat diversi drabi. Madankollu, bl-evoluzzjoni ta' tipi ta' makkinarju dejjem aktar ikkumplikati, speċjalment fil-qasam tal-elettronika, il-faċilitajiet ta' manutenzjoni u ta' appoġġ (back-up) ipprovduti minn sid huma fatturi importanti li jistgħu jinfluwenzaw utent biex jikri iktar milli jixtri. Fatturi oħra li jistgħu jikkonvinċu l-utenti biex jikru fuq perijodi twal iktar milli jixtru huma l-konsegwenzi għall-karta tal-bilanċ, il-fluss tal-flus kontanti jew l-obbligu ta' taxxa tal-intrapriża.

Kirjiet Finanzjarji

- 15.13 *Definizzjoni:* Kirja finanzjarja sseħħ meta s-sid ikun is-sid legali ta' assi iżda l-kerrej ikun is-sid ekonomiku billi tal-aħħar iġorr ir-riskji operatorji u jirċievi l-benefiċċji ekonomiċi billi juża l-assi f'attività produttiva. Min-naħa tiegħu, is-sid jaċċetta pakkett ieħor ta' riskji u benefiċċji mill-kerrej, fil-forma ta' ripagamenti assoċjati mas-self. Ta' spiss huwa l-każ li s-sid, għalkemm is-sid legali tal-assi, qatt ma jwettaq it-twassil fiżiku tal-assi iżda jaċċetta li jwasslu direttament lill-kerrej. Indikatur wieħed ta' kera finanzjarja huwa l-fatt li hija r-responsabbiltà tas-sid ekonomiku li jipprovdi għal kwalunkwe tiswija u manteniment tal-assi.
- 15.14 Taħt kera finanzjarja, is-sid legali jidher bħala li qed joħroġ self lill-kerrej, li l-kerrej juża biex jakkwista l-assi. Minn hemm 'il quddiem l-assi jidher fuq il-karta tal-bilanċ tal-kerrej u mhux tas-sid; is-self korrespondenti jintwera bħala ass ta' sid il-kera u bħala passiv tal-kerrej. Pagamenti taħt kera finanzjarja huma ttrattati mhux bħala kirjiet iżda bħala l-pagament ta' imgħax u ripagament fuq il-prinċipju ta' self imputat. Jekk is-sid huwa intermedju finanzjarju, parti mill-pagament hija meqjusa wkoll bħala imposta ta' servizz (FISIM).
- 15.15 Ħafna drabi n-natura tal-assi soġġett għal kera finanzjarja tista' tkun distinta mhux ħażin mill-assi li jintużaw mis-sid fl-attività produttiva tiegħu, pereżempju ajruplan kummerċjali b'sjieda legali minn bank iżda mikri lil linja tal-ajru. Ma jagħmel l-ebda sens ekonomiku li wieħed jirreġistra la l-ajruplan u lanqas il-konsum tiegħu ta' kapital fiss fil-kontijiet tal-bank jew li jitneħħew mill-kontijiet tal-linja tal-ajru. Il-mezz ta' kera finanzjarja jevita din il-forma mhux mixtieqa ta' reġistrazzjoni tas-sjieda tal-ajruplan u t-tnaqqis fil-valur tiegħu filwaqt li jinżamm korrett il-valur nett taż-żewġ partijiet matul it-tul tal-kirja.
- 15.16 Huwa komuni li l-perijodu ta' kera finanzjarja jkun tul il-ħajja ekonomika kollha tal-assi. Meta dan isseħħ, il-valur tas-self imputat jikkorrispondi għall-valur preżenti tal-pagamenti li jridu jsiru skont il-ftehim tal-kera. Dan il-valur għandu jkopri l-kost tal-assi u normalment jinkludi wkoll dritt impost mis-sid, li jkun ingemgħa tul il-perijodu tal-kirja. Pagamenti li jsiru regolarment lis-sid jistgħu jiġu rreġistrati bħala erba' komponenti: pagamenti ta' imgħax, ripagamenti tal-kapital fuq is-selva imputata, l-imposta tas-sid u FISIM (jekk is-sid huwa intermedjarju finanzjarju). Jekk it-termini ta' ftehim ma jispeċifikawx kif għandhom jiġu identifikati l-ewwel tliet elementi, ir-ripagament tal-kapital għandu jikkorrispondi għat-tnaqqis fil-valur tal-assi (il-konsum tal-kapital fiss), l-imgħax pagabbli għandu jikkorrispondi għar-redditu mill-kapital fuq l-assi u l-imposta tas-servizz għad-differenza bejn l-ammont totali pagabbli u dawk iż-żewġ elementi.

- 15.17 Tista' teżisti wkoll kera finanzjarja meta l-perijodu ta' kera ikun inqas mill-ħajja ekonomika tal-assi. F'dan il-każ, il-valur tas-self imputat għal darb'oħra jkopri l-kosti tal-assi u t-tariffa imposta mis-sid flimkien mal-valur tal-imposti tas-servizzi li jridu jsiru skont it-termini tal-kera. Pagamenti li jsiru b'mod regolari lis-sid għandhom jiġu rreġistrati bħala pagamenti tal-imgħax u ripagamenti tal-kapital fuq is-self imputat, it-tariffa tas-sid, u għall-FISIM (jekk is-sid ikun intermedju finanzjarju). Dan jista' jinkludi wkoll prepagamenti li jiffinanzjaw ix-xiri mill-ġdid tal-assi fl-aħħar tal-perijodu tal-kera. Fl-aħħar tal-kera, l-assi jista' jiġi ttrasferit għall-karta tal-bilanċ tal-kerrej, skont l-arranġamenti kuntrattwali. Il-valur tal-ammonti residwi pendenti fuq is-self għandhom ikunu ugwali għall-valur tas-suq mistenni tal-assi fl-aħħar tal-perijodu tal-kera kif iddeterminat fil-bidu tal-kirja. F'dan il-punt, l-assi jista' jiġi rritornat lis-sid, jew tingħata alternattiva oħra lill-kerrej li jixtri legalment l-assi, jew jista' jerġa' jsir arranġament ġdid għall-kera.

Kirja finanzjarja sseħħ meta l-kerrej iġorr ir-riskji u l-benefiċċji assoċjati mal-użu tal-assi. Għalhekk, kwalunkwe qligħ u telf nominali fuq il-valur mistenni tal-assi fl-aħħar tal-perijodu tal-kera għandu jiġġarrab mill-kerrej. F'dan il-każ, meta l-assi jiġi akkwistat legalment mill-kerrej fl-aħħar tal-perijodu tal-kera, imbagħad il-pagamenti fi flus kontanti jiġu rreġistrati bħala l-pagament mill-ġdid tas-self billi l-assi huwa diġà fuq il-karta tal-bilanċ tal-kerrej.

Jekk l-assi jerġa' jmur lura għand is-sid, it-transazzjoni li tirrappreżenta x-xiri tal-assi għandha tiġi rreġistrata fil-valur tas-suq kurrenti tal-assi. Ir-rikavati jintużaw biex jerġa' jitħallas l-ammont li jibqa' fuq is-self u kwalunkwe differenza bejn dawk l-ammonti hija rreġistrata bħala trasferiment tal-kapital. Il-pagamenti tul il-perijodu tal-kirja ħafna drabi jinkludu prepagamenti tal-akkwist tal-assi sabiex it-transazzjoni ssir għall-ebda kunsiderazzjoni ta' flus kontanti, billi s-self jitħallas kollu mill-ġdid f'dan il-ħin.

Jekk perijodu ieħor ta' kera jiġi nnegozjat, imbagħad il-kuntratt ġdid ikollu bżonn jiġi analizzat biex jara jekk hemmx kontinwazzjoni ta' kirja finanzjarja jew ta' kirja operatorja.

- 15.18 Għalkemm kirja finanzjarja tkun tipikament għal bosta snin, it-tul tal-kirja ma tiddeterminax jekk il-kirja għandhiex titqies bħala kirja operatorja jew waħda finanzjarja. F'xi każijiet, l-assi jista' jinkera għal perijodu qasir, forsi sena waħda biss f'ħin speċifiku, iżda l-kuntratt jinkludi l-kundizzjoni li l-kerrej jieħu r-responsabbiltà kollha għall-assi, inkluż il-manteniment u l-kopertura kollha għal ħsara eċċezzjonali. Anke jekk il-perijodu tal-kirja jkun qasir, u anke jekk is-sid jista' ma jkunx istituzzjoni finanzjarja, jekk il-kerrej jaċċetta l-maġġoranza tar-riskji assoċjati mal-użu tal-assi fil-produzzjoni kif ukoll il-benefiċċji, il-kirja tiġi rreġistrata bħala kirja finanzjarja u mhux bħala kirja operatorja. Madankollu, fil-prattika, huwa diffiċli li wieħed jiddevja mir-reġistrar fil-kontijiet tan-negozju, li jsegwi l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, fejn il-kirjiet finanzjarji huma limitati għal kirjiet li jkopru 1 biċċa l-bkbra tal-ħajja ekonomika tal-assi.

- 15.19 Kwalunkwe korporazzjoni li tispeċjalizza f'kirja finanzjarja, anke jekk imsejħa kumpanija tal-proprjetà jew kumpanija li tikri l-inġenji tal-ajru, għandha tiġi kklassifikata bħala intermedjarju finanzjarju li joffri self lill-unitajiet li jikru l-assi mingħandhom. Jekk il-kerrej ma jkunx intermedjarju finanzjarju, il-pagamenti assoċjati mas-self imputat jinqasmu f'pagamenti mill-ġdid ta' kapital u interess biss; jekk il-kerrej ikun korporazzjoni finanzjarja, ikun inkluż komponent ieħor li jirrapreżenta l-imposta tas-servizz (FISIM).

- 15.20 Ix-xiri bin-nifs huwa tip ta' kirja finanzjarja.

Definizzjoni: Arranġament bix-xiri bin-nifs jeżisti meta oġġetti dewwiemi jinbigħ lil xerrej bi skambju għal pagamenti miftiehma futuri. Ix-xerrej jieħu pussess tal-prodott immedjatament, għalkemm legalment jibqa' proprjetà tas-sid bħala kollateral/garanzija sakem il-pagamenti kollha miftiehma jkunu saru mill-kerrej.

- 15.21 Ix-xiri bin-nifs normalment huwa ristrett għal oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul, u ħafna mix-xerrejja huma fis-settur tal-unitajiet domestiċi. Dawk li jiffinanzjaw il-kuntratti tax-xiri bin-nifs tipikament ikunu unitajiet istituzzjonali separati f'kooperazzjoni mill-qrib ma' bejjiegħa ta' oġġetti li jservu fit-tul.

- 15.22 Fil-każ ta' xiri bin-nifs, il-prodott dewwiemi jiġi rreġistrat bħallikieku mixtri mix-xerrej fil-jum li dan jieħu pussess tal-assi bil-prezz tas-suq li jkun ġie rrealizzat fi transazzjoni ekwivalenti. Ix-xerrej jirċievi self imputat ta' valur ekwivalenti. Il-pagamenti mix-xerrej lildak li jiffinanzja jiġu rreġistrati bħala pagamenti mill-ġdid ta' kapital u imgħaxijiet, billi jintuża l-istess metodu bħal dak applikat għal-kirja finanzjarja. L-attività produttiva li ssir minn dawk li jiffinanzjaw il-kuntratti ta' kirja bin-nifs hija intermedjazzjoni finanzjarja. Billi s-soltu ma jitolbox ħlas dirett għas-servizzi tagħhom, l-output sħiħ tagħhom huwa l-FISIM, ikkalkulat bħala introjtu mill-proprjetà riċevibbli nieqes l-imgħax pagabbli. Bħal fil-każ ta' kirja finanzjarja konvenzjoanli, l-ammont ta' imgħax pagabbli jista' jkun diffiċli li jiġi osservat u għalhekk għandu jkun smat.

Kirjiet Ta' Riżorsi

- 15.23 *Definizzjoni:* Kera ta' riżorsi hija waħda fejn is-sid ta' riżors naturali jagħmilha disponibbli għal kerrej bi skambju ma' pagament irreġistat bħala kera.

- 15.24 F'kera ta' riżorsi, l-assi tar-riżors jibqa' fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid anke jekk ikun qed jintuża mill-kerrej. Kwalunkwe tnaqqis fil-valur ta' riżors naturali huwa rreġistrat bħala l-għajbien ekonomiku ta' assi mhux prodotti (taħt K.21, "tnaqqis tar-riżorsi naturali"). Mhuwiex irreġistrat bħala transazzjoni simili għall-konsum ta' kapital fiss, minħabba li ma hemm l-ebda kapital fiss x'jiġi kkunsmat. L-oġġetti pagabbli dovuti skont kera ta' riżorsi, u dawn l-oġġetti pagabbli biss, huma rreġistrati bħala kera.
- 15.25 Il-każ klassiku ta' assi soġġett għal kera ta' riżorsi hija l-art. Madankollu, l-użu ta' riżorsi naturali oħra huwa rreġistrat bl-istess mod, eż. injam, ħut, ilma, riżorsi minerali u spettri tar-radju.

Permessi Biex Jintuża Riżors Naturali

- 15.26 Il-permessi biex jintuża riżors naturali jistgħu jinħarġu mill-gvern, iżda jistgħu jinħarġu wkoll minn sidien privati, bħal bdiewa u negozji.
- 15.27 Meta jinħarġu permessi għall-użu ta' riżors naturali, jistgħu jiġu distinti tliet possibbiltajiet ta' rreġstrar (ara t-Tabella 15.3):
- (a) is-sid jista' jestendi jew iżomm il-permess għall-użu kontinwu tal-assi minn perijodu ta' kirja għall-oħra;
- (b) is-sid jista' jippermetti li jintuża l-assi tar-riżors għal perijodu ta' żmien estiż b'tali mod li effettivament l-utent jikkontrolla l-użu tar-riżors waqt dan iż-żmien bi ftit intervent, jekk xejn, min-naħa tas-sid;
- (c) is-sid jippermetti li l-assi tar-riżors jintuża sakemm jispiċċa.

L-ewwel għażla hija rreġistrata bħala kera ta' riżorsi; din għandha tiġi rreġistrata bħala kera.

It-tieni għażla tista' mhux biss twassal għar-reġistrazzjoni tal-kera iżda wkoll għall-ħolqien ta' assi għall-utent, distint mir-riżors innifsu iżda fejn il-valur tal-assi tar-riżors u l-assi li jippermetti l-użu tiegħu huma relatati.

Dan l-assi (kategorija AN.222) huwa rikonoxxut biss jekk il-valur tiegħu, il-benefiċċji għad-detentur fl-eċċess tal-valur li jakkumula għall-kwistjonijiet, huwa realizzabbli permezz tat-trasferiment tal-assi. Dawn il-permessi huma osservati l-ewwel permezz tad-dieher ekonomiku tal-assi (kategorija K.1, ara punt g) tal-paragrafu 6.06). Jekk il-valur tal-assi ma jiġix realizzat ikollu tendenza lejn iż-żero hekk kif jintemm il-perijodu tal-kera.

It-tielet għażla tirriżulta fil-bejgħ (jew possibbilment l-esproprjazzjoni) tar-riżors naturali nnifsu.

Tabella 15.3 — Ir-reġistrazzjoni ta' tliet tipi differenti ta' permessi għall-użu ta' riżorsi naturali

Tip ta' użu	Metodu ta' reġistrazzjoni
Permess għall-użu temporanju, possibbilment għal żmien twil	Kera ta' riżorsi: kera (introjtu mill-proprjeta)
Kontroll mill-utent waqt perijodu estiż, ir-riskji u l-benefiċċji mġarrba mill-utent, trasferibilità ta' permess f'valur realizzabbli	Kiri u ħolqien ta' assi ġdid għad-dritt tal-użu tar-riżors naturali
Użu sakemm jispiċċa; użu permanenti (ir-riskji u l-benefiċċji kollha mġarrba mill-utent)	Bejgħ ta' riżors naturali

- 15.28 Sabiex issir distinzjoni bejn kera, ħolqien ta' assi ġdid u bejgħ tar-riżors naturali, il-kriterju ewlieni huwa t-trasferiment tar-riskji u l-benefiċċji. Jekk ir-riskji u l-benefiċċji kollha jkun għad trasferiti jinbigħ ir-riżors naturali. Assi ġdid jinħoloq jekk it-traferiment ta' riskji u benefiċċji jirriżulta f'permess separat u trasferibbli b'valur realizzabbli. Bl-użu ta' kriterji oħra, bħall-ftehim minn qabel fuq pagamenti, il-pagament mill-ewwel, it-tul ta' permess u t-trattament tal-kontijiet tan-negozju, jistgħu ikunu qarrieqa billi ma jirriflettux neċessarjament it-trasferiment tar-riskji u l-benefiċċji.
- 15.29 Riżorsi naturali, bħar-riżorsi tal-art u minerali, jistgħu jiġu akkwistati minn dawk li mhux residenti. Madankollu, il-bejgħ tar-riżors naturali ma għandux jiġi rreġistrat bħala bejgħ lil unità mhux residenti. F'każijiet bħal dawn, tinħoloq unità residenzjali kunċettwali li żżomm it-titolu għar-riżors naturali; l-unita mhux residenti imbagħad ikollha l-pussess tal-ekwità tal-unita residenti kunċettwali. Reġistrazzjoni simili applika f'każ tal-akkwist minn residenti ta' riżors naturali fil-bqija tad-dinja.

15.30 Id-dħul tal-gvern minn tip speċifiku ta' riżors naturali (eż. dħul minn żejt u gass naturali) jista' jikkonsisti f'medda wiesgħa ta' transazzjonijiet. Eżempji huma:

- (a) kera fil-każ ta' kera ta' riżors;
- (b) dispożizzjoni ta' assi mhux prodott, eż. bejgħ ta' riżorsi naturali jew bejgħ ta' liċenzji biex jiġu sfruttati matul perijodu estiż ta' żmien;
- (c) dividend minn korporazzjoni pubblika li tisfrutta riżorsi naturali;
- (d) taxa korporattiva mħallsa minn korporazzjonijiet li jisfruttaw riżorsi naturali.

Permessi Biex Isiru Attivitajiet Speċifiċi

15.31 Barra mil-liċenzji u l-kirjiet li jridu jintużaw bħala assi, jista' jingħata permess għal sehem fattività partikolari, pjuttost indipendentement minn kwalunkwe assi involuti fl-attività. Il-permessi mhumiex dipendenti fuq kriterju ta' kwalifika (bħal li tgħaddi eżami biex tikkwalifika għal permess biex issuq karozza) iżda huma mfassla biex jillimitaw l-għadd ta' unitajiet individwali intitolati biex jieħdu sehem fl-attività. Permessi bħal dawn jistgħu jinħarġu minn gvern jew minn unitajiet istituzzjonali privati u japplikaw trattamenti differenti għaż-żewġ każijiet.

Tabella 15.4 — Ir-reġistrazzjoni tal-użu u x-xiri ta' assi mhux finanzjarji, permezz tat-tip ta' transazzjoni u fluss

Tip ta' transazzjoni	Tip ta' użu/ xiri u tip ta' assi u tip ta' pagament
Konsum intermedju	Kera operatorja ta' assi prodotti, eż. makkinarju u drittijiet ta' proprjetà intellettwali Pagamenti regolari minn korporazzjonijiet għat-twassil tal-ilma Servizzi FISIM marbuta mal-provvista ta' kera finanzjarja
Konsum tal-kapital fiss	Għal assi prodotti biss u għas-sid ekonomiku
Infiq tal-konsum finali	Kera operatorja ta' oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul Xiri ta' oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul, inkluż meta ffinanzjati minn kera finanzjarja, jew permezz ta' ftehim ta' kera bin-nifs
Xiri ta' assi mhux finanzjarji	
Formazzjoni ta' kapital fiss	Xiri ta' assi prodotti (inklużi meta ffinanzjati permezz ta' kera finanzjarja)
Akkwist ta' riżorsi naturali	Xiri ta' riżorsi naturali inkluż id-dritt li dan tintuża sa ma jispiċċa Xiri tad-dritt li jintuża riżors naturali għal perijodu estiż eż. kwota għas-sajd
Akkwist ta' assi oħra mhux prodotti	Arranġamenti trasferibbli ta' time-share Xiri ta' kuntratt trasferibbli għal parti terza Kuntratti għal produzzjoni futura, pereżempju kuntratti ma' plejers tal-futbol u kittieba
Pagament bħala introjtu mill-proprjetà	Kera ta' riżorsi, jiġifieri għall-pagament għall-użu ta' riżors naturali għal żmien qasir
Kera	Pagamenti regolari għad-dritt li jiġi estratt l-ilma Kera finanzjarja, jiġifieri x-xiri ta' assi mhux finanzjarju ffinanzjat fl-istess ħin b'self
Trasferiment minn introjtu	Permessi maħruġa minn gvern għat-tweqqif ta' attività speċifika mhux dipendenti fuq kriterji ta' kwalifika, jew bi ħlas disproporzjonat meta mqabbel mal-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-iskema ta' permess Permessi ta' emissjoni maħruġa mill-gvern biex jikkontrolla l-emmissjonijiet totali
Taxxi oħra fuq il-produzzjoni	
Transazzjoni finanzjarja: self	Kera finanzjarja, jiġifieri x-xiri ta' assi mhux finanzjarju ffinanzjat fl-istess ħin b'self
Bidliet oħra fil-volum tal-assi	Eżawriment tar-riżorsi naturali mis-sid Qtuġh illegali ta' siġar, sajd jew kaċċa (qbid mhux ikkumpensat ta' assi kkultivati jew riżorsi naturali)
Bidla fil-prezz tal-assi	Skadenza ta' kuntratti, liċenzji u permessi rreġistrati bħala assi

- 15.32 Meta l-gvernijiet jirrestrinġu l-għadd ta' karozzi intitolati li joperaw bħala taxis jew jillimitaw l-għadd ta' każinòjiet billi joħorġu permessi, pereżempju, fil-fatt ikunu qeġhdin joħlqu profitti ta' monopolju għall-operaturi approvati u jirkupraw f'it mill-profitti bħala t-tariffa. Dawn it-tariffi huma rreġistrati bħala taxxi oħra. Dan il-prinċipju japplika għall-każijiet kollha fejn il-gvern joħroġ permessi biex jillimita l-għadd ta' unitajiet li joperaw f'qasam partikolari fejn il-limitu huwa f'fissat arbitrarjament u mhuwiex dipendenti biss fuq kriterji ta' kwalifika.
- 15.33 Bħala prinċipju, jekk il-permess huwa validu għal bosta snin, il-pagament għandu jiġi rreġistrat fuq bażi tad-dovuti permezz ta' kont riċevibbli ieħor jew annotazzjoni pagabbli għall-ammont tat-tariffa tal-permess li tkopri s-snin li ġejjin.
- 15.34 L-inċentiv biex wieħed jikseb permess bħal dan huwa li d-detentur tal-permess jemmen li b'dan huwa jakkwista d-dritt li jagħmel profitti b'monopolju billi l-introġtu futur ikun ikbar mill-pagamenti biex jakkwista d-drittijiet għalihom. Il-benefiċċju għad-detentur fl-eċċess tal-valur akkumulat għall-emittent jiġi trattat bħala assi jekk id-detentur tal-permess jista' jirrealizza dan billi jittrasferixxi l-assi. Dan it-tip ta' assi huwa deskritt bħala permess biex jitwettqu attivitajiet speċifiċi (AN.223).
- 15.35 Il-permess biex jitwettqu attivitajiet speċifiċi bħala assi l-ewwel jidher fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi. Bidliet fil-valur, kemm 'il fuq, kemm 'l isfel, jiġu rreġistrati fil-kont ta' rivalutazzjoni.
- 15.36 Il-valur tal-permess bħala assi jiġi ddeterminat mill-valur li fih ikun jista' jinbigħ jew, jekk l-ebda ċifra bħal din ma' tkun disponibbli, jiġi stmat fil-valur preżenti tal-flussi futuri tal-profitti b'monopolju. Jekk il-permess jiġi mibjugħ lil ħaddieħor, is-sid il-ġdid jassumi d-dritt li jirċievi rimborż mill-gvern jekk il-permess jitħassar kif ukoll id-dritt li jikseb il-profitti b'monopolju.
- 15.37 Permess maħruġ mill-gvern biex titwettaq attività speċifika jista' jiġi trattat bħala assi biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- l-attività kkonċernata ma tużax assi tal-gvern; jekk tagħmel dan, il-permess biex jintuża l-assi jiġi trattat bħala kera operatorja, kera finanzjarja, kera ta' riżorsi jew possibbilment l-akkwist ta' assi li jirrappreżenta permess biex jintuża assi għad-diskrezzjoni ta' kerrej fuq perijodu estiż;
 - il-permess ma jinħariġx soġġett għal kriterju ta' kwalifika; permessi bħal dawn huma trattati jew bħala taxxi jew bħala pagamenti għal servizzi;
 - l-għadd ta' permessi huwa limitat u b'hekk jippermetti lid-detentur jagħmel profitti b'monopolju waqt li jwettaq l-attività kkonċernata;
 - id-detentur tal-permess għandu jkun jista' jbigħ il-permess lil parti terza.
- Jekk kwalunkwe minn dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, il-pagamenti jiġu trattati bħala taxxi jew bħala pagamenti għal servizzi.
- 15.38 Għal unitajiet minbarra l-gvern, huwa ħafna inqas komuni li wieħed ikun jista' jillimita l-parteċipazzjoni f'attività speċifika. Eżempju wieħed huwa meta jew ikun obbligatorju jew inkella mixtieq li wieħed ikun jagħmel parti minn assoċjazzjoni professjonali u meta jkun hemm limitu strett fuq l-għadd ta' parteċipanti. Eżempju ta' dan huwa meta sid ta' proprjeta' jillimita l-għadd ta' unitajiet li jkunu qed joperaw fuq il-proprjeta' tiegħu, eż. lukanda b'politika li tħalli kumpannija tat-taxis waħda biss tiġbor lill-viżitaturi. F'dawn it-tipi ta' każijiet, il-permessi jiġu trattati bħala pagamenti għal servizzi. Fil-prinċipju l-pagament jista' jiġi rreġistrat fuq bażi tad-dovuti matul il-perijodu li għalih huwa validu l-permess. M'hemm l-ebda raġuni, fil-prinċipju, għaliex permessi bħal dawn ma jistgħux jiġu trattati bħala assi jekk ikunu kummerċjabbli għalkemm din tista' ma tkunx sitwazzjoni komuni.
- 15.39 Permess maħruġ minn unità oħra minbarra l-gvern biex twettaq attività speċifika jiġi trattat bħala assi biss meta jkunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- l-attività kkonċernata ma tużax assi tal-emittent tal-permess; jekk tagħmel dan, il-permess biex jintuża l-assi jiġi trattat bħala kera operatorja, kera finanzjarja jew kera ta' riżorsi;
 - l-għadd ta' permessi huwa limitat u b'hekk jippermetti lid-detentur jagħmel profitti b'monopolju waqt li jwettaq l-attività kkonċernata;
 - id-detentur tal-permess għandu jkollu s-setgħa kemm legalment kif ukoll fil-prattika biex ibigħ il-permess lil parti terza.

Jekk il-kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, il-pagamenti jiġu rreġistrati bħala pagamenti għal servizz.

- 15.40 Il-gvernijiet joħorġu permessi ta' emmissjonijiet biex jikkontrollaw l-emmissjonijiet totali. Dawn il-permessi ma jinvolvu l-użu ta' assi naturali, billi m'hemmx valur allokat lill-atmosfera, allura mhijex assi ekonomiku u t-tariffi tal-permess huma b'hekk ikklassifikati bħala taxxi. Il-permessi huma negozjabbli u ser ikun hemm suq attiv fihom. Il-permessi għalhekk jikkostitwixxu assi u għandhom jiġu vvalutati fil-prezz tas-suq li għalih jistgħu jinbigħu.

Sħubijiet Pubbliċi-Privati (Ppp)

- 15.41 Sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) huma kuntratti fit-tul bejn żewġ unitajiet, fejn unita' waħda takkwista jew tibni assi jew sett ta' assi, toperah għal perijodu u imbagħad tgħaddi l-assi lil unita' oħra. Arranġamenti bħal dawn normalment isiru bejn intrapriża privata u gvern iżda kombinazzjonijiet oħra huma possibbli, b'korporazzjoni pubblika bħala parti jew NPI privata bħala t-tieni parti.

Il-gvernijiet jipparteċipaw f'PPP għal għadd ta' raġunijiet, bħat-tama li amministrazzjonijiet privati jwasslu għal produzzjoni iktar effiċjenti u li aċċess għal varjetà usa' ta' sorsi finanzjarji jista' jinkiseb u x-xewqa li jitnaqqas id-dejn tal-gvern.

Fil-perijodu tal-kuntratt il-kuntrattur tal-PPP għandu s-sjieda legali. Kif il-perijodu tal-kuntratt ikun intemm, il-gvern ikollu sjieda kemm ekonomika kif ukoll legali.

Aktar dettalji dwar it-trattament tal-PPP jingħataw f'Kapitolu 20 (kontinġent tal-gvern).

Kuntratti Ta' Konċessjoni Ta' Servizz

- 15.42 Kuntratti ta' konċessjoni jipprovdu kumpanija bid-dritt esklussiv li jipprovdi ċerti servizzi. Pereżempju, fil-każ ta' konċessjoni ta' servizz pubbliku, kumpanija privata tidħol fi ftehim mal-gvern biex ikollha d-dritt esklussiv li tħaddem, iżżomm u twettaq investiment f'utilità pubblika (bħal sistema tal-provvista tal-ilma jew awtostrada bin-nollijiet) għal għadd ta' snin. Il-kuntratti ta' konċessjoni tas-servizz m'għandhomx jiġu rreġistrati bħala assi meta ma jkunux trasferibbli jew l-ebda valur ma jkun jista' jiġi rrealizzat billi jiġu ttrasferiti.

Kirjiet Operatorji Negozjabbli (An.221)

- 15.43 Kirjiet operatorji kummerċjabbli huma drittijiet ta' proprjetà ta' parti terza li jirrelataw għal assi mhux finanzjarji minbarra riżorsi naturali. Il-kera għandha tagħti benefiċċji ekonomiċi lid-detentur fl-eċċess tat-tariffi pagabbli u d-detentur għandu jkun jista' jirrealizza dawk il-benefiċċji billi jittrasferihom. Il-valur tal-kirja huwa l-benefiċċju għad-detentur fl-eċċess tal-valur akkumulat lill-emittent. Kirjiet operatorji kummerċjabbli jistgħu jinkludu kull tip ta' kuntratti ta' kirjiet u ta' kirjiet **operatorji**. Pereżempju, kerrej jista' jisulloka appartament lil parti terza.

Intitolamenti Għal Oġġetti U Servizzi Futuri Fuq Bażi Esklussiva (An.224)

- 15.44 Kuntratti għal produzzjoni futura ukoll jistgħu jagħtu lok għall-assi tad-drittijiet ta' proprjetà ta' parti terza. Il-valur ta' kuntratti bħal dawn huwa l-benefiċċju għall-utent fl-eċċess tal-valur akkumulat lill-emittent. Xi eżempji huma:

- (a) drittijiet esklussivi biex iqabdbu persuna taħdem għalihom (eż. plejers tal-futbol) jew biex jipubblikaw xogħlijiet letterarji jew prestazzjonijiet mużikali. Il-valur ta' dawn id-drittijiet huwa l-profitt li jista' jsir fuq it-trasferiment tad-drittijiet minbarra l-ispejjeż tal-kanċellazzjoni tal-kuntratt eżistenti;
- (b) arranġamenti ta' time-share. Parti biss mill-arranġamenti tat-time-share għandha titqies bħala l-akkwist ta' assi:
 - (1) jekk is-sid ikollu spazju nominat, disponibbli dejjem, huwa eliġibbli li jaġixxi bħala parti mill-kumitat ta' ġestjoni għall-iskema, jew jista' jbigħ jew jagħti l-allokkazzjoni meta jrid, allura l-arranġament x'aktarx li jkun assi tal-istess tip ta' dar;
 - (2) jekk is-sid ikollu ftehim fiss biex ikollu xi forma ta' akkomodazzjoni disponibbli f'perijodu ta' żmien speċifiku għal tul ta' żmien fiss, x'aktarx li dan jirrapreżenta kera mħallsa minn qabel, jiġifieri infiq tal-konsum finali mħallsa minn qabel mill-unitajiet domestiċi;
 - (3) din il-kera mħallsa minn qabel tista' tiġi ssullokata okkażjonalment jew mibjugħa għall-bqija tal-perijodu bħala kera operatorja trasferibbli;
 - (4) parteċipant fi skema bbażata fuq il-punti jista' jkollu kont riċevibbli biss permezz ta' assi.

KAPITOLU 16

ASSIGURAZZJONI

INTRODUZZJONI

- 16.01 L-assigurazzjoni hija attività li permezz tagħha unitajiet istituzzjonali jew gruppi ta' unitajiet jipproteġu lilhom infushom minn konsegwenzi finanzjarji negattivi ta' avvenimenti inċerti speċifiċi. Jistgħu jiġu identifikati żewġ tipi ta' assicurazzjoni: assicurazzjoni soċjali u assicurazzjoni oħra.
- 16.02 L-assigurazzjoni soċjali hija skema li tkopri riskji u ħtiġijiet soċjali. Hija spiss organizzata kollettivament għal grupp; il-parteċipazzjoni fl-iskema hija ġeneralment obligatorja jew imħeġġa minn parti terza. L-assigurazzjoni soċjali tinkludi: skemi ta' sigurtà soċjali li jkunu imposti, ikkontrollati u ffinanzjati mill-gvern; u skemi relatati mal-impjieg li jkunu pprovduti jew operati minn min iħaddem f'isem l-impjegati tiegħu. L-assigurazzjoni soċjali hija deskritta f'Kapitolu 17.
- 16.03 L-assigurazzjoni minbarra assicurazzjoni soċjali tkopri avvenimenti bħal mewt, soppravivenza fil-ħajja, nar, diżastri naturali, għargħar, inċidenti tat-traffiku, eċċ. L-assigurazzjoni kontra l-mewt u s-soppravivenza fil-ħajja hija magħrufa bħala assicurazzjoni tal-ħajja, u l-assigurazzjoni kontra l-avvenimenti l-oħra kollha hija magħrufa bħala assicurazzjoni mhux tal-ħajja.
- 16.04 Dan il-Kapitolu jikkonċerna l-assigurazzjoni tal-ħajja u l-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Jiddeskrivi kif l-attivitajiet tal-assigurazzjoni jiġu rreġistrati fil-kontijiet.
- 16.05 Id-drittijiet u l-obbligi tal-assigurazzjoni huma definiti minn polza tal-assigurazzjoni. Il-polza hija ftehim bejn assigurat u unità istituzzjonali oħra, imsejħa d-detentur ta' polza. Skont il-ftehim, id-detentur ta' polza jagħmel pagament imsejjaħ primjum lill-assigurat u meta jseħħ avveniment speċifikat, l-assigurat jagħmel pagament imsejjaħ pretensjoni lid-detentur ta' polza jew lil persuna nominata. B'dan il-mod, id-detentur ta' polza jipproteġi kontra ċerti forom ta' riskju; billi jiġbor ir-riskji flimkien l-assigurat għandu l-għan li jirċievi aktar mill-irċevuta ta' primjums milli jkollu jħallas lura bħala pretensjonijiet.
- 16.06 Il-polza tal-assigurazzjoni tiddefinixxi r-rwoli tal-partijiet involuti, li huma kif ġej:
- (a) l-assigurat li jipprovdi kopertura;
 - (b) id-detentur ta' polza responsabbli li jħallas il-primjums;
 - (c) il-benefiċjarju li jirċievi kumpens;
 - (d) il-persuna jew l-oġġett assigurat li jkun soġġett għar-riskju.
- Fil-prattika, id-detentur ta' polza, il-benefiċjarju u l-assigurat jistgħu jkunu l-istess persuna. Il-polza telenka dawk ir-rwoli u tispeċifika l-persuna li tikkorrispondi għal kull rwol.
- 16.07 L-aktar forma komuni ta' assicurazzjoni tissejjaħ assicurazzjoni diretta, fejn unitajiet istituzzjonali jassiguraw lilhom infushom mal-assigurat kontra l-konsegwenzi finanzjarji ta' riskji speċifiċi. Iżda assiguraturi diretti jistgħu min-naħa l-oħra jassiguraw lilhom infushom, billi jassiguraw parti mir-riskji assigurati direttament ma' assiguraturi oħrajn. Din tissejjaħ riassigurazzjoni, u dawk li jipprovduha jissejħu riassiguraturi.

Assigurazzjoni diretta

- 16.08 Hemm żewġ tipi ta' assicurazzjoni diretta: assicurazzjoni tal-ħajja u assicurazzjoni mhux tal-ħajja.
- 16.09 *Definizzjoni:* L-assigurazzjoni tal-ħajja hija attività li permezz tagħha detentur ta' polza jagħmel pagamenti regolari lil assigurat li għalihom l-assigurat jggarantixxi li jipprovdi somma miftehma, jew annwalità, lill-benefiċjarju, f'data speċifika jew qabel jekk il-persuna assigurata tmut qabel. Polza tal-ħajja tista' tipprovdi benefiċċji li jirriżultaw minn sensiela ta' riskji. Pereżempju, polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja għax-xjuħija tista' tipprovdi benefiċċju meta l-assigurat jagħlaq 65 sena u, wara l-mewt tal-assigurat, tista' tagħti benefiċċju lill-konjuġi superstiti sal-mewt tagħhom.
- 16.10 L-assigurazzjoni tal-ħajja tkopri wkoll assicurazzjoni supplimentari kontra l-korriment personali inklużi l-inkapaċità għall-impjeg, l-assigurazzjoni kontra l-mewt li tirriżulta minn inċident u l-assigurazzjoni kontra diżabilità li tirriżulta minn inċident jew mard.
- 16.11 Xi klassijiet ta' assicurazzjoni tal-ħajja jipprovdu kumpens f'każ li l-avveniment assigurat iseħħ, eż. assicurazzjoni li hija marbuta ma' self ipotekarju u li tħallas biss benefiċċju biex tifdi l-ipoteka jekk min jaqla l-flus imut qabel il-maturità tas-self korrispondenti. Ħafna minn dawn il-klassijiet fihom element sinifikanti ta' tfaddil flimkien ma' element ta' kopertura tar-riskju. Minħabba l-element kbir ta' tfaddil, l-assigurazzjoni tal-ħajja titqies bħala forma ta' tfaddil, u t-transazzjonijiet korrispondenti huma rreġistrati fil-kont finanzjarju.

- 16.12 *Definizzjoni:* L-assigurazzjoni mhux tal-ħajja hija attività li permezz tagħha detentur ta' polza jagħmel pagamenti regolari lil assigurat u ta' dan l-assigurat jggarantixxi li jipprovdli somma miftehna lill-benefiċjarju jekk iseħħ avveniment minbarra l-mewt ta' persuna. Eżempji ta' avvenimenti bħal dawn huma: inċidenti, mard, nar, eċċ. L-assigurazzjoni kontra inċidenti li tkopri riskji marbuta mal-ħajja hija klassifikata bħala assigurat mhux tal-ħajja f'hafta pajjiżi Ewropej.
- 16.13 Polza tal-ħajja li tipprovdli benefiċċju f'każ ta' mewt f'perijodu speċifiku iżda fl-ebda ċirkostanzi oħra, normalment imsejħa assigurat b'terminu, hija meqjusa fil-kontijiet nazzjonali bħala assigurat mhux tal-ħajja, għaliex pretensjoni tkun pagabbli biss jekk iseħħ kontinġenza speċifika, u għall-ebda raġuni oħra. Fil-prattika, minħabba l-metodu li bih l-unitajiet tal-assigurat jżommu l-kontijiet tagħhom, jista' jkun li mhux dejjem ikun possibbli li tiġi separata l-assigurat b'terminu mill-assigurat tal-ħajja. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-assigurat b'terminu tista' titqies bl-istess mod bħall-assigurat tal-ħajja.
- 16.14 L-assigurat tal-ħajja u mhux tal-ħajja t-tnejn jinvolvu t-tifrix ta' riskju. L-assiguraturi normalment jirċievu pagamenti regolari żgħar ta' primjums mid-detenturi ta' polza u jħallsu somom akbar lil dawk li jagħmlu l-pretensjoni meta jseħħ l-avvenimenti koperti mill-polza. Għal assigurat mhux tal-ħajja, ir-riskji jitqassmu mal-popolazzjoni kollha li jagħmel il-poloż tal-assigurat. Assigurat jistabbilixxi l-primjums imposti biex jiġi pprovdut servizz ta' assigurat f'sena skont l-ammont ta' pretensjonijiet li jistenna li jħallas fl-istess sena. Normalment, l-għadd ta' persuni li jagħmlu l-pretensjoni jkun hafta iżgħar min-numru ta' detenturi ta' polza. Għal detentur individwali ta' polza tal-assigurat mhux tal-ħajja ma hemm l-ebda relazzjoni bejn il-primjums imħallsa u l-pretensjonijiet li jsiru, anki fuq perijodu fit-tul, iżda l-assigurat jistabbilixxi relazzjoni bħal din għal kull klassi ta' assigurat mhux tal-ħajja fuq bażi annwali. Għall-assigurat tal-ħajja, relazzjoni bejn il-primjums u l-pretensjonijiet tul iż-żmien hija importanti kemm għad-detenturi ta' polza kif ukoll għall-assigurat. Għal xi ħadd li jagħmel polza tal-assigurat tal-ħajja, il-benefiċċji li jingħataw huma mistennija li jkunu mill-inqas daqs il-primjums imħallsa sad-data li fih jingħata l-benefiċċju u dan huwa forma ta' tfaddil. L-assigurat irid jgħaqqad dan l-aspett ta' polza mal-kalkoli attwarji dwar il-popolazzjoni assigurata f'dak li għandu x'jaqsam mal-istennija tal-ħajja, inklużi r-riskju ta' inċidenti fatali, meta jistabbilixxi r-relazzjoni bejn il-livelli ta' primjums u l-benefiċċji. Barra minn hekk, fl-intervall ta' bejn l-irċevuta tal-primjums u l-pagament tal-benefiċċji, l-assigurat jirċievi introjtu billi jinvesti parti mill-primjums li jkun irċieva. Dan l-introjtu jaffettwa wkoll il-livelli tal-primjums u l-benefiċċji stabbiliti mill-assiguraturi.
- 16.15 Hemm differenzi sinifikanti bejn l-assigurat tal-ħajja u mhux tal-ħajja li jwasslu għal tipi differenti ta' dħul fil-kontijiet. Assigurat mhux tal-ħajja tikkonsisti f'ridistribuzzjoni fil-perijodu attwali bejn id-detenturi kollha ta' polza u fit persuni li jagħmlu l-pretensjoni. L-assigurat tal-ħajja prinċipalment terġa' tqassam mill-ġdid primjums imħallsa tul perijodu ta' żmien bħala benefiċċji mħallsa iktar tard lill-istess detentur ta' polza.

Riassigurat

- 16.16 *Definizzjoni:* Assigurat jista' jikseb protezzjoni kontra għadd kbir mhux mistenni ta' pretensjonijiet, jew pretensjonijiet kbar wisq, billi joħroġ polza tar-riassigurat ma' riassigurat. Il-korporazzjonijiet tar-riassigurat huma kkonċentrat f'għadd limitat ta' ċentri finanzjarji, u b'hekk hafta mill-flussi tar-riassigurat huma transazzjonijiet mal-bqija tad-dinja. Huwa komuni għar-riassiguraturi li joħorġu poloż tar-riassigurat ma' riassiguraturi oħra biex ikomplu jferru r-riskji tagħhom. Dan it-tip ta' riassigurat estizza tisesejjah retroċessjoni.
- 16.17 Il-limitazzjoni tar-riskji tista' tinkiseb ukoll meta grupp ta' assiguraturi msejħa sottoskritturi jaċċettaw b'mod konġunt ir-riskji assoċjati ma' polza unika. Kull assigurat individwali huwa responsabbli biss għas-sehem tiegħu tal-polza, jirċievi s-sehem korrispondenti tal-primjum u jħallas l-istess sehem f'każ ta' pretensjoni jew benefiċċju mħallas. Il-ġestjoni tal-polza ssir jew mill-kap amministrattiv jew mis-sensar tal-assigurat. Lloyds of London huwa eżempju ta' suq tal-assigurat fejn riskji diretti u indiretti jitqassmu fuq għadd kbir ta' sottoskritturi.
- 16.18 Jeżistu diversi possibiltajiet mal-assigurat dirett biex tiġi organizzata kopertura indiretta kontra r-riskji li jkun aċċetta l-assigurat. Huma identifikati l-klassijiet ta' riassigurat li ġejjin:
- riassigurat proporzjonali fejn id-detentur ta' polza jċedi lil riassigurat persentaġġ miftiehem tar-riskji kollha, jew tar-riskji kollha f'portafoll speċifiku ta' poloż tal-assigurat diretta. Dan ifisser li l-assigurat dirett jittrasferixxi l-persentaġġ korrispondenti tal-primjums lir-riassigurat li mbagħad jilħaq l-istess proporzjon tal-pretensjonijiet meta dovuti. F'każijiet bħal dawn, kwalunkwe kummissjoni tar-riassigurat mħallsa mir-riassigurat lid-detentur ta' polza titqies bħala tnaqqis fil-primjums tar-riassigurat aċċettati;
 - riassigurat mhux proporzjonali magħrufa bħala riassigurat ta' eċċess ta' telf, fejn ir-riassigurat ikun f'riskju biss jekk l-ammont tal-pretensjoni diretta taqbeż limitu stabbilit. Jekk ma jkun hemm l-ebda jew fit pretensjonijiet diretti l fuq mil-limitu, ir-riassigurat jista' jgħaddi sehem tal-profitti tiegħu lill-assigurat dirett. Il-qsim tal-profitti jitqies fil-kontijiet bħala trasferiment kurrenti mir-riassigurat għall-assigurat dirett, b'mod simili għall-pagament tal-pretensjonijiet.

L-unitajiet involuti

- 16.19 L-unitajiet istituzzjonali involuti fl-assigurazzjoni diretta u r-riassigurazzjoni huma l-biċċa l-kbira assiguraturi. Huwa possibbli għal tip ieħor ta' intrapriża li twestaq l-assigurazzjoni bħala attività mhux prinċipali, iżda normalment ir-regolamenti legali li għandhom x'jaqsmu mal-kondotta tal-assigurazzjoni jfissru li għandu jinżamm sett ta' kontijiet separati li jkopri l-aspetti kollha tal-attività tal-assigurazzjoni, u b'hekk tista' tiġi identifikata unità istituzzjonali separata, klassifikata fis-sotto-setturi tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) u tal-fondi tal-pensjonijiet (S.129). Il-gvern jista' jwestaq attivitajiet ta' assigurazzjoni oħra, imma bl-istess mod x'aktarx li tiġi identifikata unità separata. Wara li ġie osservat li jistgħu jkunu involuti setturi oħra, f'dan li ġej huwa preżunt li l-assiguraturi, residenti jew mhux residenti, iwettqu l-assigurazzjoni kollha.
- 16.20 Unitajiet li huma involuti primarjament f'attivitajiet relatati mill-qrib mal-assigurazzjoni, imma li ma jidhrux f'riskji huma stess, huma impriżi tal-assigurazzjoni awżiljarji. Dawn l-unitajiet huma kklassifikati fis-sotto-settur tal-awżiljarji finanzjarji (S.126) u jinkludu pereżempju dawn li ġejjin:
- (a) sensara tal-assigurazzjoni;
 - (b) istituzzjonijiet privati mingħajr skop ta' qligħ li jservu intrapriżi tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet;
 - (c) unitajiet li l-attività prinċipali tagħhom hija li jaħdmu bħala awtoritajiet ta' sorveljanza tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni, tal-fondi tal-pensjonijiet u tas-swieq tal-assigurazzjoni.

PRODUZZJONI TAL-ASSIGURAZZJONI DIRETTA

- 16.21 Il-kumpannija tal-assigurazzjoni taċċetta primjum minn klijent u żżommu sakemm issir pretensjoni jew jiskadi l-perijodu tal-assigurazzjoni. Sadanittant, il-kumpannija tal-assigurazzjoni tinvesti l-primjum u l-introjtu minn investimenti jkun sors ieħor ta' fondi li minnu tkun tista' tħallas kwalunkwe pretensjoni dovuta. Il-kumpannija tal-assigurazzjoni tistabbilixxi l-livell tal-primjums b'tali mod li s-somma tal-primjums flimkien mal-introjtu minn investment maqluġh fuqhom nieqes il-pretensjoni mistennija jħallu marġni li l-kumpannija tal-assigurazzjoni tista' żżomm; dan il-marġni jirrappreżenta l-output tal-kumpannija tal-assigurazzjoni. L-output tal-industrija tal-assigurazzjoni titkejjel billi jiġu riflessi l-linji ta' politika ta' tfassil tal-primjums tal-assiguraturi. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jiġu identifikati erba' elementi separati. Dawn huma:

- (a) il-primjums maqluġha;
- (b) is-supplimenti tal-primjums;
- (c) il-pretensjonijiet magħmula, jew il-benefiċċji dovuti;
- (d) ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni.

Kull waħda minn dawn hija diskussa separatament qabel ma jiġi diskuss il-kejl tal-output għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja diretta, l-assigurazzjoni tal-ħajja diretta u r-riassigurazzjoni rispettivament.

Primjums maqluġha

- 16.22 *Definizzjoni:* Il-primjums maqluġha huma l-proporzjon ta' primjums kontabbilizzati li jkunu ġew iggwadanjati matul il-perijodu bażi tal-kontijiet. Il-primjums kontabbilizzati jkopru l-perijodu kkuntrattat fil-polza tal-assigurazzjoni. Id-differenza bejn il-primjums kontabbilizzati u l-primjums maqluġha huma ammonti mwarrba, u inklużi fir-riżervi għall-primjum mhux iggwadanjat. Dawn l-ammonti huma meqjusa bħala assi tad-detenturi ta' polza. Il-kunċett ta' primjum iggwadanjat fil-kontabbiltà tal-assigurazzjoni huwa konsistenti mal-prinċipju tar-reġistrazzjoni tal-akkumulazzjonijiet tal-kontijiet nazżjonali.

- 16.23 Il-primjum tal-assigurazzjoni huwa primjum regolari pagabbli kull xahar jew kull sena, jew primjum uniku normalment imħallas fil-bidu tal-perijodu assigurat. Il-primjums uniċi huma komuni għall-assigurazzjoni ta' riskji assoċjati ma' avvenimenti kbar, bħall-konstruzzjoni ta' bini jew tagħmir kbir u t-trasport ta' oġġetti bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar jew bl-ajru.

- 16.24 Il-primjums maqluġha fis-sena inkwistjoni jieħdu l-għamla li ġejja:

primjums kontabbilizzati

flimkien mar-riżervi għall-primjums mhux maqluġha fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà.

bit-tnaqqis tar-riżervi għall-primjums mhux maqluġha fit-tmiem tas-sena finanzjarja.

Jew ippreżentati b'mod differenti, jieħdu l-għamla li ġejja:

primjums kontabbilizzati

bit-tnaqqis tal-bidla (bit-tnaqqis taż-żieda jew flimkien mat-tnaqqis) fir-riżervi għall-primjums mhux maqluġha

- 16.25 Ir-riżervi għal primjums mhux maqlugħa u riżervi oħra huma inklużi fir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (AF.61) u r-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja (AF.62). Il-paragrafi 16.43 sa 16.45 jipprovdu deskrizzjoni tar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni.
- 16.26 Id-detenturi ta' polza spiss iridu jħallsu taxxa ddedikata fuq il-pagament tal-primjum tal-assigurazzjoni. F'ħafna pajjiżi l-primjums tal-assigurazzjoni tal-ħajja huma esklużi minn din it-taxxa tal-assigurazzjoni. Peress li l-assiguraturi jkollhom jittrasferixxu din it-taxxa lill-gvern, l-ammonti rilevanti ma jidhru fil-kontijiet annwali tal-assiguraturi. Ammont relativament żgħir biss — l-ammont residwu li jikkonċerna s-sena li għad trid tiġi ttrasferita lill-gvern — jista' jiġi inkluż fil-karta tal-bilanċ tal-assiguraturi taħt il-kreditu tan-negożju. Il-pagamenti tat-taxxa mhumiex irreġistrati bħala tali fil-kontijiet tal-assiguraturi. Taxxa bħal din hija ttrattata bħala taxxa fuq prodotti fil-kontijiet nazzjonali. Id-detenturi ta' polza huma meqjusa li jħallsu dawn l-ammonti direttament fil-kontijiet tal-awtoritajiet tat-taxxa.

Supplimenti tal-primjum

- 16.27 *Definizzjoni:* Is-supplimenti tal-primjum huma l-introjtu maqluġh mill-investiment tar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni tal-assiguraturi, li jirrappreżentaw obbligazzjonijiet lejn id-detenturi ta' polza.
- 16.28 Għall-assigurazzjoni tal-ħajja b'mod partikolari, imma wkoll fuq livell inqas għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-ammont totali tal-benefiċċji dovuti jew pretensjonijiet li jsiru f'perijodu partikolari spiss jaqbeż il-primjums maqluġha. Primjums normalment jitħallsu regolament, spiss fil-bidu ta' perijodu tal-assigurazzjoni, filwaqt li l-pretensjonijiet isiru wara; u fil-każ tal-assigurazzjoni tal-ħajja l-benefiċċji spiss ikunu dovuti ħafna snin wara. Fiż-żmien ta' bejn meta jitħallas il-primjum u meta tkun pagabbli l-pretensjoni, is-somma involuta tkun disponibbli għall-assiguratur biex jinvestiha u jaqla' introjtu minnha. Dawn l-ammonti jissejħu riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni. L-introjtu maqluġh fuq ir-riżervi jagħmilha possibbli għall-assiguraturi li jitolbu primjums aktar baxxi milli kien ikun il-każ mod ieħor. Il-miżura tas-servizz ipprovdut tqis id-daqs ta' dan l-introjtu kif ukoll id-daqs relattiv tal-primjums u l-pretensjonijiet.
- 16.29 Għal assigurazzjoni mhux tal-ħajja, għalkemm primjum jista' jkun pagabbli fil-bidu ta' perijodu ta' kopertura, il-primjums ikunu maqluġha biss fuq bażi kontinwa waqt li jgħaddi l-perijodu. Fi kwalunkwe punt qabel tmien il-kopertura, l-assiguratur iżomm ammont dovut lid-detentur ta' polza relatat ma' servizzi u pretensjonijiet potenzjali li jkollhom jiġu pprovduti fil-futur. Dan huwa forma ta' kreditu estiż mid-detentur ta' polza lill-assiguratur imsejjaħ primjums mhux maqluġha. B'mod simili, għalkemm il-pretensjonijiet ikunu jridu jitħallsu mill-assiguratur meta l-kontinġenza speċifikata fil-polza sseħħ, jista' jkun li dawn jitħallsux qabel xi żmien wara, ħafna drabi minħabba negożjati dwar l-ammonti dovuti. Din hija forma oħra simili ta' kreditu, deskritta bħala riżervi kontra pretensjonijiet pendenti.
- 16.30 Jeżistu riżervi simili għall-assigurazzjoni tal-ħajja iżda barra dawn hemm żewġ elementi oħra ta' riżervi tal-assigurazzjoni, riżervi attwarji għall-assigurazzjoni tal-ħajja u riżervi għall-assigurazzjoni bi profit. Dawn jirrappreżentaw ammonti mwarra għal pagamenti ta' benefiċċji fil-futur. Ir-riżervi ġeneralment jiġu investiti f'assi finanzjarji u l-introjtu jkun f'forma ta' introjtu minn investiment. Dawn jistgħu jintużaw biex jifinanzjaw attività ekonomika bħall-proprjetà, biex jiġġeneraw bilanċ nett operattiv fi stabbiliment separat jew bħala attività sekondarja.

- 16.31 L-introjtu kollu mill-investiment attribwit lid-detenturi ta' polza jidher bħala pagabbli lid-detenturi ta' polza fil-kont tad-distribuzzjoni primarja tal-introjtu. Għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-istess ammont imbagħad jitħallas mill-ġdid lill-assiguratur bħala supplimenti tal-primjum fid-distribuzzjoni sekondarja tal-kont tal-introjtu. Għall-assigurazzjoni tal-ħajja, il-primjums u s-supplimenti tal-primjum jidhru fil-kont finanzjarju.

Aġġustament tal-pretensjonijiet magħmula u benefiċċji dovuti

- 16.32 *Definizzjoni:* Il-pretensjonijiet magħmula u l-benefiċċji dovuti huma l-obbligi finanzjarji tal-assiguraturi fir-rigward tal-benefiċjarju li jikkonċernaw ir-riskji li joħloq l-avveniment fil-perijodu inkwistjoni kif definit mill-polza.
- 16.33 Il-kunċett ta' pretensjonijiet magħmula fl-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u benefiċċji dovuti fl-assigurazzjoni tal-ħajja huma konsistenti mal-bażi ta' kejl tal-akkumulazzjonijiet fil-kontijiet nazzjonali.

Aġġustament tal-pretensjonijiet li tħallsu fl-assigurazzjoni mhux tal-ħajja

- 16.34 Tista' ssir distinzjoni bejn pretensjonijiet imħallsa u pretensjonijiet magħmula. Pretensjonijiet magħmula jirreferu għall-ammonti dovuti minn riskji assigurati li jkunu sejhew fis-sena. Jekk id-detentur ta' polza jkunx irrapporta l-avveniment korrispondenti jew le huwa irrelevant. Parti mill-pretensjonijiet jitħallsu fis-sena ta' wara jew saħansitra aktar tard. Mill-banda l-oħra pretensjonijiet li jirriżultaw minn avvenimenti li sejhew fis-sena ta' qabel jithallsa fis-sena attwali. Il-parti mhux imħallsa tal-pretensjonijiet magħmula tinżied mar-riżerva għall-pretensjonijiet pendenti.
- 16.35 Pretensjonijiet magħmula fl-assigurazzjoni mhux tal-ħajja fis-sena kalendarja jieħdu l-għamla li ġeja:

pretensjonijiet imħallsa

bit-tnaqqis tar-riżerva għal pretensjonijiet pendenti fil-bidu tas-sena finanzjarja

f'limkien mar-riżerva għal pretensjonijiet pendenti fl-aħħar tas-sena finanzjarja.

Jew ippreżentati mod ieħor, jieħdu l-għamla li ġejja:

pretensjonijiet imħallsa

flimkien mal-bidla (flimkien maż-żieda jew bit-tnaqqis taż-żieda) fir-riżervi għall-pretensjonijiet pendenti.

- 16.36 Kwalunkwe spiża relatata mal-pretensjonijiet imġarrba tal-assiguratur, kemm esterna kif ukoll interna, mhijiex inkluża fil-pretensjonijiet magħmula. Dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu jikkonsistu fi: spejjeż tal-akkwist, ġestjoni tal-polza, ġestjoni tal-investment, u trattament ta' pretensjonijiet. Xi spejjeż jistgħu ma jkunux identifikabbli separatament fid-*data* tas-sors ta' kontabbiltà. L-ispejjeż esterni jinkludu nfiq għal xogħlijiet li l-assiguratur ikun ikkummissjona lil unità oħra, b'hekk irreġistrati fil-kontijiet bħala konsum intermedju. L-ispejjeż interni jinkludu nfiq għal xogħlijiet imwettqa mill-impjegati tal-assiguratur stess, b'hekk irreġistrati fil-kontijiet bħala spejjeż tax-xogħol.
- 16.37 Fil-każ ta' katastrofijiet, it-telf imġarrab ma għandux jaffettwa l-valur tal-pretensjonijiet. It-telf katastrofiku għandu jiġi rreġistrat bħala trasferiment tal-kapital mill-assiguratur għad-detentur ta' polza. Il-vantaġġ ta' dan it-tip ta' reġistrazzjoni huwa li l-introjtu disponibbli tad-detentur ta' polza ma jiżdiedx kontrointuwittivament kif ikun il-każ jekk il-pretensjonijiet jiġu rreġistrati b'mod ieħor (ara l-paragrafi 16.92 u 16.93).
- 16.38 Il-produzzjoni ta' servizzi tal-assigurazzjoni hija proċess kontinwu, mhux biss meta jseħħ ir-riskju. Madankollu, il-livell ta' pretensjonijiet li jsiru minn detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jvarja minn sena għal sena u jista' jkun hemm avvenimenti li jikkawżaw livell għoli ta' pretensjonijiet. La l-volum u lanqas il-prezz tas-servizzi tal-assigurazzjoni ma huwa affettwat direttament mill-volatilità tal-pretensjonijiet. L-assiguraturi jstabbilixxu l-livell ta' primjums abbażi tal-istima tagħhom stess tal-probabbiltà li jsiru pretensjonijiet. Għal din ir-raġuni, l-formula użata għall-kalkolu tal-prodott tuża pretensjonijiet aġġustati magħmula, li hija stima aġġustata għall-volatilità fil-pretensjonijiet.
- 16.39 L-istima għall-pretensjonijiet aġġustati magħmula tista' tkun derivata statistikament f'approċċ ta' stennija bbażat fuq l-esperjenza preċedenti tal-livell ta' pretensjonijiet. Iżda meta titqies l-istorja passata ta' pretensjonijiet pagabbli, madankollu, għadu jkun hemm konċessjoni għas-sehem ta' dawn il-pretensjonijiet li jiġu sodisfatti taħt it-termini tal-polza tar-riassigurazzjoni tal-assiguratur dirett. Pereżempju, meta l-assiguratur dirett ikollu riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf, magħrufa bħala riassigurazzjoni mhux proporzjonali, il-livell ta' primjums jiġi stabbilit biex ikopri t-telf sat-telf massimu kopert mill-polza tar-riassigurazzjoni tiegħu flimkien mal-primjum tar-riassigurazzjoni li jkun irid iħallas. Taħt polza tar-riassigurazzjoni proporzjonali, il-primjums jiġu stabbiliti biex ikopru l-proporzjon ta' pretensjonijiet li jkun irid jitħallas flimkien mal-primjum tar-riassigurazzjoni.
- 16.40 Metodu alternattiv għall-aġġustament ta' pretensjonijiet magħmula għall-volatilità huwa li tintuża *data* tal-kontabbiltà dwar il-bidla fil-fondi proprji u fir-riżervi tal-ekwalizzazzjoni. Ir-riżervi tal-ekwalizzazzjoni huma ammonti li l-assiguraturi jwarrbu f'konformità mar-rekwiżiti legali jew amministrattivi biex ikopru pretensjonijiet kbar irregolari u mhux mistennija fil-futur. Dawn l-ammonti huma inklużi fir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni li mhix tal-ħajja (AF.61).

Benefiċċji dovuti tal-assigurazzjoni tal-ħajja

- 16.41 Benefiċċji dovuti tal-assigurazzjoni tal-ħajja huma l-ammonti pagabbli taħt il-polza fil-perijodu bażi tal-kontijiet inkwisjoni. Ma jinħtieġ l-ebda aġġustament għall-volatilità mhux mistennija fil-każ tal-assigurazzjoni tal-ħajja.
- 16.42 Kull spiża relatata ma' benefiċċji ma għandix tiġi inkluża fil-benefiċċji dovuti, iżda għandha tiġi rreġistrata bħala konsum intermedju u spejjeż tax-xogħol.

Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni

- 16.43 *Definizzjoni:* Ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni huma l-ammonti li l-assiguraturi jkunu warrbu. Ir-riżervi huma assi għad-detenturi ta' polza u passivi għall-assiguraturi. Ir-riżervi tekniċi jistgħu jiġu identifikati bejn assigurazzjoni mhux tal-ħajja u tal-ħajja u annwalitajiet.
- 16.44 Skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE ⁽¹⁾, issir distinzjoni bejn seba' tipi ta' riżervi tekniċi. F'kull każ l-ammont gross tar-riassigurazzjoni, l-ammont mogħti lir-riassiguraturi u l-ammont nett jidhru fil-karta tal-bilanċ. Is-seba' kategoriji huma dawn li ġejjin:
- (a) riżerva għall-primjums mhux maqluġha — id-differenza bejn il-primjums kontabbilizzati u l-primjums maqluġha. Din ir-riżerva tista', skont il-leġislazzjoni nazzjonali, tinkludi element separat marbut ma' riskji mhux skaduti;

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7).

- (b) riżervi għall-assigurazzjoni tal-ħajja — tali riservi jirriflettu l-valur attwali tal-benefiċċji mistennija futuri (inklużi iżda mhux limitati għal bonuses iddikjarati) bit-tnaqqs tal-valur attwali tal-primjums futuri. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu jistabbilixxu limitu għar-rata tal-iskont li jintuża fil-kalkolu tal-valur attwali;
- (c) riżerva għal pretensjonijiet pendenti — id-differenza bejn pretensjonijiet magħmula u pretensjonijiet imħallsa. Din hija ugwali għall-ispiża finali totali stmata għal impriża tal-assigurazzjoni tal-ħlas tal-pretensjonijiet kollha li jirriżultaw minn avvenimenti li jkun saru sal-aħħar tas-sena finanzjarja, sew jekk irrappurtati u sew jekk le, bit-tnaqqs tal-ammonti diġà mħallsa fir-rigward ta' dawn il-pretensjonijiet;
- (d) riżerva għal bonusijiet u ribassi (sakemm mhux fil-kategorija msemmija fil-punt (b)) — tinkludi l-ammonti maħsuba għad-detenturi ta' polza jew benefiċjarji tal-kuntratt permezz ta' bonuses u ribassi, sal-punt li dawn l-ammonti ma jkunux diġà ġew akkreditati lid-detenturi ta' poloz jew lill-benefiċjarji tal-kuntratt;
- (e) riżerva tal-ekwalizzazzjoni tinkludi l-ammonti mwarra b'konformità mar-rekwiżiti legali jew amministrattivi biex jiġu ekwalizzati varjazzjonijiet fil-proporzjonijiet ta' telf fi snin futuri jew biex tipprevedi riskji speċjali. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom mnejn ma jippermettux din ir-riżerva;
- (f) riżervi tekniċi oħra jinkludu, fost l-oħrajn, ir-riżerva għal riskji mhux skaduti jekk ma jkunux inklużi fil-kategorija msemmija fil-punt (a). Dan il-punt jista' jinkludi wkoll ir-riżervi għax-xjuħija b'kont meħud tal-effett taż-żieda fl-età fuq l-ammont ta' pretensjonijiet, eż. fl-assigurazzjoni tas-saħħa;
- (g) riżervi tekniċi għal poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja fejn ir-riskju tal-investment jiġġarrab mid-detenturi ta' polza. Dan għandu jinkludi r-riżervi tekniċi stabbiliti biex ikopru passivi għad-detenturi ta' polza fil-kuntest ta' poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja fejn il-valur tar-redditu jiġi ddeterminat b'referenza għall-investimenti li għalihom id-detentur ta' polza jassumi r-riskju, jew b'referenza għal indiċi, bħal fil-każ ta'assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma' indiċi. Dan il-punt għandu jinkludi wkoll ir-riżervi tekniċi li jikkonċernaw tontini.

16.45 Meta jiġu derivati l-bidliet fir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni (F.61 u F.62) użati fil-kalkoli tal-output, il-qligħ u t-telf nominali realizzati u mhux realizzati li mhumiex inklużi.

Definizzjoni tal-produzzjoni tal-assigurazzjoni

- 16.46 L-assiguraturi jipprovdu servizz tal-assigurazzjoni għall-klijenti tagħhom, iżda ma jitolbux tariffa espliċita għas-servizz tagħhom.
- 16.47 L-assiguratour jiġbor il-primjums u jħallas il-pretensjonijiet jew il-benefiċċji meta jseħħ l-avveniment assigurat. Il-pretensjonijiet jew il-benefiċċji jikkompensaw lill-benefiċjarju għall-konsegwenzi finanzjarji tal-avveniment assigurat.
- 16.48 Ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni huma fondi li l-assiguraturi jużaw biex jinvestu u jagħmlu l-qligħ. Dawn il-fondi u d-dħul mill-investment korrispondenti (supplimenti tal-primjums) huma obbligati lejn il-benefiċjarji.
- 16.49 Din it-taqsimha tiddeskrivi t-tagħrif meħtieġ għall-kalkolu tal-output għas-servizzi tal-assigurazzjoni diretta u tari-assigurazzjoni.

Assigurazzjoni mhux tal-ħajja

- 16.50 L-output tal-assiguratour huwa s-servizz mogħti lill-benefiċjarji.
- 16.51 Jekk qed jintuża approċċ ta' stennijiet, il-formula biex jiġi kkalkolata l-output hija:

Primjums maqlugħa

flimkien mas-supplimenti tal-primjum

bit-tnaqqs tal-pretensjonijiet aġġustati magħmula;

fejn il-pretensjonijiet aġġustati magħmula jkun aġġustati għall-volatilità fil-pretensjonijiet bl-użu ta' *data* storika jew *data* tal-kontabbiltà dwar bidliet fir-riżervi tal-ekwalizzazzjoni u l-fondi proprji. Is-supplimenti tal-primjum huma inqas volatili mill-pretensjonijiet, u ma huwa meħtieġ l-ebda aġġustament għall-volatilità. Fl-istima tal-pretensjonijiet aġġustati, it-tagħrif huwa maqsum skont il-prodott, pereżempju assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur, assigurazzjoni tal-bini, eċċ.

Jekk id-data tal-kontabbiltà meħtieġa ma tkunx disponibbli u d-data statistika storika ma tkunx biżżejjed biex tippermetti stimi medji raġonevoli tal-output li għandu ssir, l-output tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja tista' tiġi stmata bħala s-somma tal-ispejjeż (inklużi spejjeż intermedji, tax-xogħol u spejjeż tal-kapital) biż-żieda ta' konċessjoni għall-“profit normalni”.

Assigurazzjoni tal-ħajja

16.52 L-output tal-assigurazzjoni tal-ħajja diretta tiġi kkalkolata separatament bħala:

Primjums maqlugħa;

flimkien mas-supplimenti tal-primjum;

bit-tnaqqis tal-benefiċċji dovuti;

bit-tnaqqis taż-żidiet (*flimkien mat-tnaqqis*) fir-riżervi tekniċi u l-assigurazzjoni bi profitti.

16.53 Jekk ma tkunx disponibbli *data* adegwata għall-kalkolu tal-assigurazzjoni tal-ħajja skont din il-formula, għandu jintuża approċċ ibbażat fuq it-total tal-ispejjeż, simili għal dak deskritt għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Fejn għandha x'taqsam l-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, hija inkluża konċessjoni għall-profitti normali.

16.54 Fil-kalkolu tal-output, il-qligħ u t-telf nominali ma għandhomx jiġu inklużi.

Riassigurazzjoni

16.55 Il-formula biex tiġi kkalkolata l-output tas-servizzi ta' riassigurazzjoni hija analoga għal dik għall-assigurazzjoni diretta. Madankollu, billi l-motivazzjoni ewlenija tar-riassigurazzjoni hija li tillimita l-esponiment tal-assiguratur dirett għar-riskju, assiguratur jieħu ħsieb il-pretensjonijiet eċċezzjonalment kbar bħala kwistjoni ta' negozju normali. Għal din ir-raġuni, u billi s-suq għar-riassigurazzjoni huwa kkonċentrat fi ftit kumpanniji kbar mad-dinja kollha, huwa inqas probabbli li r-riassiguratur jesperjenza telf kbir mhux mistenni milli jesperjenza assiguratur dirett, speċjalment f'każ tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf.

16.56 L-output tar-riassigurazzjoni titkejjel bl-istess mod bħal dak użat għall-output tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja diretta. Minkejja dan, hemm xi pagamenti partikolari għar-riassigurazzjoni. Tali pagamenti huma kummissjonijiet pagabbli lill-assiguratur dirett taħt *ir-riassigurazzjoni proporzjonali* u qsim tal-profitti fir-riassigurazzjoni ta' *eċċess ta' telf*. Meta dawn jitqiesu, l-output tar-riassigurazzjoni hija kkalkolata bħala:

Primjums maqlugħa bit-tnaqqis tal-kummissjonijiet pagabbli;

flimkien mas-supplimenti tal-primjum;

bit-tnaqqis tal-pretensjonijiet aġġustati magħmula u l-qsim tal-profitti.

TRANSAZZJONIJIET ASSOĊJATI MAL-ASSIGURAZZJONI MHUX TAL-ĦAJJA

16.57 Din it-taqsimat iddeskrivi s-sett ta' dħul li jirreġistra l-implikazzjonijiet kollha ta' polza tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Il-poloz jistgħu jinħarġu minn negozji, unitajiet domestiċi bħala individwi u unitajiet fil-bqija tad-dinja. Madankollu, meta polza maħruġa minn membru ta' unità domestika tikkwalifika bħala assigurazzjoni soċjali, id-dħul meħtieġ huwa kif deskritt fil-Kapitolu 17.

Allokazzjoni tal-output tal-assigurazzjoni fost l-utenti

16.58 L-output tal-assiguraturi mhux tal-ħajja huwa deskritt fil-paragrafu 16.51. Il-valur tal-output tal-assiguraturi huwa rreġistrat bħala użu kif ġej:

(a) konsum intermedju ta' negozji, inklużi s-setturi li ġejjin: korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11), korporazzjonijiet finanzjarji (S.12), gvern ġenerali (S.13), unitajiet domestiċi bħala min iħaddem (S.141) u ħaddiema għal rashom (S.142), jew istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.15);

(b) infiq tal-konsum finali ta' unitajiet domestiċi bħala individwi (S.143 u S.144); jew

(c) esportazzjonijiet għal detenturi ta' polza mhux residenti (S.2).

16.59 Il-valur tal-output huwa allokat lill-utenti skont it-tip ta' assigurazzjoni.

16.60 Alternattivament, il-valur tal-produzzjoni huwa allokat bħala użi lid-detenturi ta' polza proporzjonalment mal-primjums attwali pagabbli tagħhom.

16.61 L-allokazzjoni tal-produzzjoni għall-konsum intermedju tinqasam skont l-industrija.

Servizzi tal-assigurazzjoni mogħtija lil u mill-bqija tad-dinja

16.62 Assiguraturi residenti jistgħu jipprovdu kopertura ta' assigurazzjoni għal unitajiet domestiċi u negozji fil-bqija tad-dinja, u l-unitajiet domestiċi u n-negozji residenti jistgħu jixtru l-kopertura minn assiguraturi fil-bqija tad-dinja. L-introjt mill-investment attribwit mill-assiguraturi residenti lid-detenturi ta' polza jinkludi allokazzjoni għal detenturi ta' polza fil-bqija tad-dinja. Dawn id-detenturi ta' polza mhux residenti mbagħad jħallsu wkoll supplimenti tal-primjum lill-assiguratur residenti.

16.63 Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw ukoll għat-trattament ta' negozji u unitajiet domestiċi residenti li joħorġu poloz ma' assiguratari mhux residenti. Id-detenturi ta' polza residenti jirċievu introjtu attribwit minn investiment minn barra u jħallu primjums u supplimenti barra mill-pajjiż. L-istima tad-daqs ta' dawn il-flussi hija diffiċli, speċjalment meta ma jkunx hemm assiguratari residenti li miegħu jkunu jistgħu jsiru paraguni. Tista' tintuża *data* kontroparti biex isiru stimi għall-ekonomija nazzjonali. Il-livell ta' transazzjonijiet minn residenti jrid ikun magħruf u l-proporzjon ta' supplimenti ta' primjums għal primjums attwali fl-ekonomija li tipprovdi s-servizzi jista' jintuża biex jiġi smat l-introjtu minn investiment riċevibbli u s-supplimenti tal-primjums pagabbli.

Id-dħul tal-kontabbiltà

16.64 B'kollox huma rreġistrati sitt pari ta' transazzjonijiet fir-rigward tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li ma tkunx parti mill-assigurazzjoni soċjali; żewġ pari marbuta mal-kejl tal-produzzjoni u l-konsum tas-servizz tal-assigurazzjoni, tliet pari marbuta mad-distribuzzjoni u wieħed fil-kont finanzjarju. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, is-seba' transazzjoni marbuta mad-distribuzzjoni tista' tiġi rreġistrata fil-kont kapitali. Il-valur tal-output tal-attività, l-introjtu minn investiment li għandu jiġi attribwit lid-detenturi ta' polza u l-valur tal-imposta fuq is-servizz jiġu kkalkolati speċifikament għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja bil-mod deskritt hawn taħt.

16.65 It-transazzjonijiet tal-produzzjoni u l-konsum huma kif ġej:

- (a) billi l-attività kollha ta' dan it-tip minn unitajiet istituzzjonali residenti hija mwettqa mill-assiguratari, l-output (P.1) huwa rreġistrat fil-kont tal-produzzjoni tal-assiguratari;
- (b) is-servizz jista' jiġi kkunsmat minn kwalunkwe mis-setturi tal-ekonomija jew mill-bqija tad-dinja; il-valur tas-servizz huwa pagabbli lill-assiguratari. Pagamenti minn negozju jikkostitwixxu l-konsum intermedju (P.2), irreġistrat fil-kont tal-produzzjoni tagħhom. Il-pagamenti tal-assigurazzjoni minn unitajiet domestiċi bħala individwi huma l-infiq tal-konsum finali (P.3), irreġistrat fl-użu tal-kont tal-introjtu. Il-pagamenti mill-bqija tad-dinja huma rreġistrati bħala esportazzjonijiet ta' servizzi (P.62) fil-kont estern tal-oġġetti u s-servizzi.

16.66 It-transazzjonijiet distributtivi huma introjtu minn investiment attribwit lid-detenturi ta' polza fir-rigward tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, u pretensjonijiet tal-assigurazzjoni:

- (a) l-introjtu minn investiment mill-investiment tar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.441) huwa attribwit lid-detenturi ta' polza. B'hekk huwa rreġistrat bħala pagabbli mill-assiguratari u bħala riċevibbli mis-setturi kollha u l-bqija tad-dinja. L-introjtu minn investiment għandu jkun allokat fost id-detenturi ta' polza proporzjonalment għar-riżervi tekniċi mhux tal-ħajja tagħhom, jew inkella proporzjonalment għall-primjum attwali kontabbilizzat (pagabbli). Kemm l-ammonti pagabbli kif ukoll dawk riċevibbli huma rreġistrati fl-allokazzjoni tal-kont tal-introjtu primarju;
- (b) il-primjums tal-assigurazzjoni diretta mhux tal-ħajja netti (D.711) huma l-ammonti ta' primjums u introjtu minn investiment użati sabiex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż tal-assiguratari. Tali primjums huma kkalkolati bħala primjums maqlugħa flimkien mas-supplimenti tal-primjums bit-tnaqqis tal-valur tal-output tal-assiguratari. Dawn il-primjums netti huma rreġistrati bħala pagabbli mis-setturi kollha tal-ekonomija jew tal-bqija tad-dinja u bħala riċevibbli mill-assiguratari. L-allokazzjoni tal-primjums netti bejn is-setturi titwettaq skont l-allokazzjoni tal-output;
- (c) il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni diretta mhux tal-ħajja (D.721) huma ammonti li fir-rigward tagħhom l-assiguratari jiġu obbligati li jagħtu lid-detentur ta' polza meta jseħħ avveniment. Il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni huma rreġistrati bħala riċevibbli mis-setturi kollha tal-ekonomija u tal-bqija tad-dinja u bħala pagabbli mill-assiguratari. Kemm il-primjums netti kif ukoll il-pretensjonijiet jiġu rreġistrati fid-distribuzzjoni sekondarja tal-kont tal-introjtu. Xi pretensjonijiet jirriżultaw minħabba dannu jew korrimenti li d-detentur ta' polza jikkawża lill-proprietà jew persuni ta' partijiet terzi. F'każijiet bħal dawn, il-pretensjonijiet validi jiġu rreġistrati bħala pagabbli direttament mill-assiguratari lill-partijiet milquta u mhux indirettament permezz tad-detentur ta' polza;
- (d) il-pretensjonijiet li jirriżultaw minn telf katastrofiku huma trasferimenti tal-kapital oħra (D.99) minflok trasferimenti kurrenti, u dawn jiġu rreġistrati fil-kont tal-kapital bħala pagabbli lid-detenturi ta' polza mill-assiguratari;
- (e) il-karta tal-bilanċ finanzjarja tirreġistra r-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (AF.61). Dawn ir-riżervi jiġu rreġistrati bħala passivi tal-assiguratari u assi tas-setturi kollha u tal-bqija tad-dinja. Ir-riżervi jikkonsistu f'pagamenti minn qabel ta' primjums u pagamenti ta' pretensjonijiet. Mhijiex meħtieġa diżaggregazzjoni ta' din il-kategorija, għalkemm iż-żewġ komponenti huma meħtieġa fil-kalkolu tal-primjums maqlugħa u l-pretensjonijiet magħmula.

16.67 It-Tabella 16.1 turi eżempju tal-kotba tal-kontijiet ta' dawn il-flussi.

Tabella 16.1 Assigurazzjoni mhux tal-ħajja

	Użi jew assi					Riżorsi j					Total	
	S.1	S.15	S.14	S.13	S.12	S.11	S.12	S.13	S.14	S.15		S.1
Entri korrispondenti tal-												
Kont tal-oġġetti u servizzi												
Kont tal-bqija tad-dinja												
Entri korrispondenti tal-												
Kont tal-bqija tad-dinja												
Kont tal-oġġetti u servizzi												
Total												
	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
	6	6	0	0	0	6	6	0	0	6	6	6
	4	0	4	0	3	1	0	0	3	0	4	4
	6	0	6	0	6	0	0	0	1	0	6	6
	44	1	43	0	31	4	0	0	0	0	44	44
	45	0	45	0	45	45	0	1	35	0	42	45
	2	2	2	2	2	0	0	0	0	0	2	2
	74	0	74	0	40	0	9	25	74	74	74	74
	81	0	81	0	44	0	11	26	81	81	81	81
	7	0	7	0	4	0	2	1	7	7	7	7
	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0

Transazzjonijiet u entrati salidatorji

Kont estern

P.62 Esportazzjonijiet fis-servizzi

P.72 Importazzjonijiet fis-servizzi

Kont tal-produzzjonijiet

P.1 Output

P.2 Kosum intermedjarju

Distribuzzjonijiet tal-kont tal-introjtu

D.441 primarju

Property income attributable to

insurance

għad-detenturi ta' polza tal-assi-

gurazzjoni

Distribuzzjoni sekondarja tal-kont

primarju

Primjums tal-assigurazzjoni mhux

tal-ħajja netti

D.721 Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni

mhux tal-ħajja

Użu tal-kont ta' introjtu disponibbli

P.3 Infiq tal-konsum finali

Karta tal-bilanċ finanzjarja (ftuħ)

Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni

tal-ħajja

Karta tal-bilanċ finanzjarja

(għeluq)

Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni

tal-ħajja

Transazzjoni finanzjarja

Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni

tal-ħajja

F.61 Transazzjoni finanzjarja

Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni

tal-ħajja

AF.61 Kont ta' rievalwazzjoni

tal-ħajja

Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni

tal-ħajja

TRANSAZZJONIJIET TAL-ASSIGURAZZJONI TAL-ĦAJJA

- 16.68 Din it-taqsimha tiddekrivi kif ir-reġistrazzjonijiet għall-assigurazzjoni tal-ħajja huma differenti mir-reġistrazzjonijiet għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Għal polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja l-benefiċċji mill-polza huma ttrattati bħala bidliet fil-ġid, irreġistrati fil-kont finanzjarju. Għal polza li tikkwalifika bħala assicurazzjoni soċjali, il-benefiċċji fil-forma ta' pensjonijiet jiġu rreġistrati bħala introjtu fid-distribuzzjoni sekondarja tal-kont tal-introjtu. Irraġuni għat-ttrattament differenti hija li polza minbarra dik tal-assigurazzjoni soċjali tinħareġ kompletament bl-inizjattiva tad-detentur ta' polza. Poloz li jikkwalifikaw bħala assicurazzjoni soċjali jirriflettu l-intervenzjoni ta' parti terza, normalment il-gvern jew min iħaddem, biex iħeġġeġ jew jobbliga lid-detentur ta' polza jaġmel riżerva għal introjtu fl-irtirar. L-assigurazzjoni soċjali hija deskritta fil-Kapitolu 17.
- 16.69 Id-detentur ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja huwa individwu klassifikat mas-settur tal-unitajiet domestiċi (S.143 jew S.144). Jekk kumpannija toħroġ polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' impjegat, din hija assicurazzjoni b'terminu u mhux assicurazzjoni tal-ħajja. It-transazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'hekk isiru biss bejn l-assiguraturi (klassifikati fis-sottosettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni — S.128) u unitajiet domestiċi residenti bħala individwi (S.143 u S. 144), sakemm ma jiġux esportati għal unitajiet domestiċi mhux residenti (klassifikati fis-settur tal-bqija tad-dinja — S.2). Il-valur tal-output tal-assigurazzjoni tal-ħajja jkun jaqbel mal-valur tal-infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi u esportazzjonijiet fis-servizzi, billi jiġi segwit l-istess approċċ bħal tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. L-introjtu minn investiment attribwit għad-detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni huwa ttrattat bħala supplimenti tal-primjum. Madankollu, il-primjums u l-pretensjonijiet ma jidhrux separatament fil-każ tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhumiex ittrattati bħala trasferimenti kurrenti. Minflok dawn jikkostitwixxu komponenti ta' transazzjoni netta rreġistrata fil-kont finanzjarju, fejn l-assi finanzjarji involuti huma l-assigurazzjoni tal-ħajja u d-drittijiet għal annwalitajiet.
- 16.70 Hemm erba' pari ta' transazzjonijiet irreġistrati fil-kontijiet; żewġ pari marbuta mal-produzzjoni u l-konsum tas-servizz tal-assigurazzjoni, par wieħed juri l-attribuzzjoni tal-introjtu minn investiment lil detenturi ta' polza u par wieħed juri l-bidla fid-drittijiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tal-annwalitajiet.
- (a) l-output (P.1) tal-assigurazzjoni tal-ħajja huwa rreġistrat fil-kont ta' produzzjoni għall-assiguraturi;
 - (b) il-valur tas-servizzi kkunsmati huwa rreġistrat fl-infiq tal-konsum finali (P.3) mill-unitajiet domestiċi fl-użu ta' kont tad-dħul disponibbli jew bħala pagabbli mill-bqija tad-dinja, meġus bħala esportazzjonijiet ta' servizzi (P.62) lil unitajiet domestiċi mhux residenti. Pagamenti mill-unitajiet domestiċi lill-assiguraturi mhux residenti huma importazzjonijiet ta' servizzi (P.72);
 - (c) l-introjtu minn investiment maqluġ mill-investiment ta' riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja attribwiti lid-detenturi tal-poloż (D.441) huwa rreġistrat fl-allokkazzjoni tal-kont tal-introjtu primarju. Il-bonuses iddikjarati b'konnessjoni mal-poloż tal-ħajja huma ttrattati bħala mqassmin lid-detenturi ta' polza anki jekk jaqbuż l-introjtu minn investiment iggwadanjat mill-istituzzjoni li tiddikjara l-bonus. L-introjtu minn investiment huwa rreġistrat bħala pagabbli mill-assiguraturi u riċevibbli mill-unitajiet domestiċi residenti u unitajiet domestiċi mhux residenti fil-bqija tad-dinja. L-introjtu minn investiment għandu jiġi allokat fost id-detenturi ta' polza b'mod proporzjonali għar-riżervi tekniċi tal-ħajja tagħhom, jew jekk dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, proporzjonalment għall-primjums kontabbilizzati;
 - (d) il-karta tal-bilanċ finanzjarja għandha dħul għar-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja u l-intitolamenti tal-annwalità (AF.62). Dawn ir-riżervi jiġu rreġistrati bħala passivi tal-assiguraturi u assi tal-unitajiet domestiċi u tal-bqija tad-dinja. Dawn l-ammonti jirriflettu l-karattru ta' tfaddil tal-poloż tal-assigurazzjoni tal-ħajja. Dan jinkludi l-ħlas minn qabel ta' primjums u l-ħlas ta' benefiċċji. Mhijiex meħtieġa diżaggregazzjoni ta' din il-kategorija, għalkemm iż-żewġ komponenti huma meħtieġa fil-kalkolu tal-primjums maqluġha u l-benefiċċji dovuti.
- 16.71 Ir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja u d-drittijiet tal-annwalitajiet jirriflettu l-poloż li jipprovdu somma f'daqqa f'data speċifika. Is-somma f'daqqa tista' tintuża biex tinxtara annwalità li hija stess tbiddel somma f'daqqa f'sensiela ta' pagamenti. Id-drittijiet kondizzjonali tad-detenturi ta' polza individwali — l-ammont riċevibbli waqt jew wara l-maturità bħala pagament ta' somma f'daqqa jew annwalità — ma jammontawx għall-valur tal-passivi tal-assigurat. Id-differenza tinkiseb mill-kundizzjonalità u l-kalkolu tal-valur preżenti. L-ammont li għandu jiġi rrapportat taħt l-assigurazzjoni tal-ħajja u l-intitolamenti tal-annwalità huwa definit skont il-prinċipji ta' kontabbiltà tal-assigurat.
- 16.72 It-Tabella 16.2 turi eżempju ta' tali flussi.

Tabella 16.2 Assigurazzjoni tal-ħajja

Total	Użi jew assi					Riżorsi jew passivi					Total	
	S.1	S.15	S.14	S.13	S.12	S.11	S.12	S.13	S.14	S.15		S.1
	Entrati korrispondenti tal-servizzi u Kont tal-bqija tad-dinja	Ekonomija totali	NPIShs	Unitajiet domestiċi	Gvern ġenerali	Korporazzjonijiet finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Unitajiet domestiċi	NPIShs	Ekonomija totali	Entrati korrispondenti tal-servizzi u Kont tal-bqija tad-dinja
0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4
7	7	7	7	7	7	7	7	7	7	7	7	7
4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4
221	0	221	221	221	221	221	221	221	221	221	221	221
243	0	243	243	243	243	243	243	243	243	243	243	243
22	0	22	22	22	22	22	22	22	22	22	22	22
0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0

Transazzjonijiet u entrati saldatorji

Kont estern

Esportazzjonijiet fis-servizzi

Importazzjonijiet fis-servizzi

Kont tal-produzzjonijiet

Output

Distribuzzjonijiet tal-kont tal-introjtu

primarju

Introjtu mill-propjeta li jista' jiġi

attribwit

għad-detenturi ta' polza

tal-assigurazzjoni

Użu tal-kont ta' introjtu disponibbli

Infig tal-konsum finali

Karta tal-bilanċ finanzjarja (ftuħ)

Riżervi tekniċi tal

assigurazzjoni tal-ħajja

Karta tal-bilanċ finanzjarja

(għeluq)

Riżervi tekniċi tal

assigurazzjoni tal-ħajja

Transazzjoni finanzjarja

Riżervi tekniċi tal

assigurazzjoni tal-ħajja

Kont ta' rievalwazzjoni

Riżervi tekniċi tal


assigurazzjoni tal-ħajja

TRANSAZZJONIJIET ASSOĊJATI MAR-RIASSIGURAZZJONI

- 16.73 Il-kontijiet tar-riassiguraturi huma ħafna drabi l-istess bħall-kontijiet tal-assiguraturi diretti. L-unika differenza hija li t-transazzjonijiet tal-assigurazzjoni diretta mad-detenturi ta' polza li huma stess ma jipprovdux assigurazzjoni, jiġu sostitwiti bi transazzjonijiet tal-assigurazzjoni bejn ir-riassiguraturi u l-assiguraturi diretti.
- 16.74 It-transazzjonijiet tal-assigurazzjoni huma rreġistrati grossi tar-riassigurazzjoni. Il-primjums l-ewwel huma pagabbli lill-assiguratur dirett li mbagħad jista' jħallas proporzjon mill-primjum lir-riassiguratur (ċessjoni), li mbagħad jista' jħallas ammont iżgħar lil riassiguratur ieħor, u jkompli sejrjn hekk (retroċessjoni). Bl-istess mod, l-istess japplika għall-pretensjonijiet jew benefiċċji. It-trattament gross huwa konformi mal-perspettiva oriġinali tad-detentur ta' polza. Dan id-detentur ta' polza normalment ma jkunx konxju ta' kwalunkwe ammont ċedut mill-assiguratur dirett lir-riassiguratur u, jekk ir-riassiguratur ifalli, l-assiguratur dirett jibqa' obligat iħallas l-ammont sħiħ tal-pretensjonijiet fuq ir-riskji ċeduti.
- 16.75 L-output tal-assigurazzjoni diretta hija kkalkolata grossa tar-riassigurazzjoni. Il-kalkolu alternattiv nett tar-riassigurazzjoni jkun li tintwera parti mill-primjums tad-detenturi ta' polza diretti li qed jitħallsu lill-assiguratur dirett u parti lir-riassiguratur, iżda dan il-mod ta' reġistrazzjoni, imsejjaħ "reġistrazzjoni netta", mhuwiex permess.

Id-Dijagramma 1 hawn taħt turi dan il-proċess.

Ċart 1 — Flussi bejn detenturi ta' polza, assicuraturi diretti u riassiguraturi



16.76 Iċ-ċart 1 tiġbor fil-qosor il-flussi li ġejjin:

- 1 Id-detentur ta' polza jagħmel il-pagament tal-primjum gross tar-riassigurazzjoni lill-assiguratur dirett (1a), li l-parti tar-riassigurazzjoni tiegħu tiġi trasferita lir-riassiguratur (1b).
 - 2 B'mod simili, il-pagament tal-pretensjoni jiġi rreġistrat, iżda fid-direzzjoni opposta. Il-pretensjoni titħallas mir-riassiguratur lill-assiguratur dirett (2b). L-assiguratur dirett iżid ma' dan l-ammont il-pretensjoni tiegħu stess li mbagħad titħallas lid-detentur ta' polza (2a).
 - 3 Kemm l-assiguratur dirett kif ukoll ir-riassiguratur irċievew introjtu minn proprjeta' mill-investment tar-riżervi tekniċi tagħhom. L-introjtu minn proprjeta' jiġi trasferit mir-riassiguratur lill-assiguratur dirett (3b) li mbagħad iżid dan l-ammont għall-introjtu minn proprjeta' tiegħu stess li jkun qala' u mbagħad jqassmu lid-detentur ta' polza (3a).
- 16.77 Il-flussi grossi kollha bejn id-detentur ta' polza u l-assiguratur dirett jinkludu l-ammonti korrispondenti tal-flussi bejn l-assiguratur dirett u r-riassiguratur; għal din ir-raġuni dawn il-vleġeġ jidhru aktar hoxxin fid-dijagramma.
- 16.78 Bħal fl-assigurazzjoni diretta, pereżempju wara diżastru katastrofiku, parti mill-pretensjonijiet tar-riassigurazzjoni huma rreġistrati bħala trasferimenti tal-kapital minflok trasferimenti kurrenti.
- 16.79 L-output sħiħ tar-riassiguratur huwa l-konsum intermedju tal-assiguratur dirett li jżomm il-polza tar-riassigurazzjoni. Kif ġie osservat hawn fuq, ħafna poloz tar-riassigurazzjoni jkunu bejn assicuraturi residenti fekonomiji differenti. B'hekk, il-valur tal-produzzjoni f'dawn il-każijiet jirrappreżenta importazzjonijiet mill-assiguratur li joħroġ il-polza tar-riassigurazzjoni u esportazzjonijiet mir-riassiguratur.
- 16.80 Ir-reġistrazzjoni ta' flussi assoċjati mar-riassigurazzjoni tixbaħ lir-reġistrazzjoni għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja ħlief li d-detentur ta' polza tar-riassigurazzjoni dejjem ikun assiguratur ieħor.
- 16.81 It-transazzjonijiet tal-produzzjoni u l-konsum huma kif ġej:

- (a) l-output (P.1) jiġi rreġistrat fil-kont tal-produzzjoni tar-riassiguraturi. Is-servizzi ta' riassigurazzjoni spiss huma mogħtija minn riassiguraturi mhux residenti u f'dawn il-każijiet jiġu rreġistrati bħala importazzjonijiet ta' servizzi (P.72);

- (b) is-servizz tar-riassiguratur jista' jiġi kkunsmat biss minn assiguratatur dirett jew riassiguratatur ieħor. Jekk id-detentur ta' polza jkun residenti, l-użu tas-servizz tar-riassigurazzjoni jiġi rreġistrat bħala konsum intermedju (P.2) tal-unità tad-detentur ta' polza. Meta d-detentur ta' polza ma jkunx residenti, l-użu jiġi rreġistrat bħala esportazzjonijiet ta' servizzi (P.62).
- 16.82 It-transazzjonijiet distributtivi jkopru introjtu minn investiment attribwit lil detenturi ta' polza fir-rigward tar-riassigurazzjoni, primjums tar-riassigurazzjoni netti u pretensjonijiet tar-riassigurazzjoni:
- (a) l-introjtu minn investiment (D.441) iggwadanjat mir-riassiguratatur mill-investiment ta' riżervi tekniċi tar-riassigurazzjoni huwa pagabbli lid-detenturi ta' polza li jistgħu jkunu assiguratatur diretti jew riassiguratatur. Kemm ir-riassiguratatur kif ukoll l-assiguratatur diretti jistgħu jkunu jew residenti jew mhux residenti;
- (b) il-primjums netti tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.712) huma pagabbli mid-detenturi ta' polza u riċevibbli mir-riassiguratatur. Kull waħda mill-unitajiet li għandhom jagħmlu l-pagament jew li għandhom jirċievu l-pagament tista' tkun mhux residenti;
- (c) il-pretensjonijiet tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.722) huma pagabbli mir-riassiguratatur u riċevibbli mid-detenturi ta' polza, residenti jew mhux residenti. Kemm il-primjums netti kif ukoll il-pretensjonijiet jiġu rreġistrati fid-distribuzzjoni sekondarja tal-kont tal-introjtu;
- (d) il-karta tal-bilanċ finanzjarja għandha rreġistrar jkoll li jirriflettu r-riżervi tekniċi tar-riassigurazzjoni (taħt AF.61, "riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja"). Dawn ir-riżervi jiġu rreġistrati bħala passivi tar-riassiguratatur u assi tad-detenturi ta' polza. Dawn id-detenturi ta' polza jistgħu jkunu assiguratatur diretti jew riassiguratatur.
- 16.83 Il-kummissjonijiet pagabbli mir-riassiguratatur għall-assiguratatur bħala d-detentur ta' polza tar-riassigurazzjoni huma trattati bħala tnaqqis fil-primjums pagabbli għar-riassiguratatur. Il-kondiviżjoni tal-profitti pagabbli mir-riassiguratatur lill-assiguratatur dirett huwa rreġistrat bħala trasferiment attwali. Għalkemm jiġu rreġistrati b'mod differenti, kemm il-kummissjonijiet pagabbli kif ukoll il-kondiviżjoni tal-profitti jnaqqsu l-output tar-riassiguratatur.
- 16.84 Jekk il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni diretta huma meġjusa bħala kapital u mhux bħala trasferimenti kurrenti, il-pretensjonijiet ta' riassigurazzjoni għall-istess avveniment huma wkoll ikkunsidrati bħala trasferimenti tal-kapital oħra (D.99).

IT-TRANSAZZJONIJET ASSOĊJATI MAL-AWŻILJARJI TAL-ASSIGURAZZJONI

- 16.85 L-output ta' servizzi awżiljarji tal-assigurazzjoni huwa vvalutat abbażi tal-miżati jew kummissjonijiet mitluba. Fil-każ ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li joperaw bħala assoċjazzjonijiet tan-negozju għall-intrapriżi tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, l-output tagħhom jiġi vvalutat bl-ammonti tal-abbonamenti mħallsa mill-membri tal-assoċjazzjonijiet. Dan l-output jintuża bħala konsum intermedju mill-membri tal-assoċjazzjonijiet.

ANNWALITAJIET

- 16.86 L-aktar każ sempliċi ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja huwa wieħed fejn isiru sensiela ta' pagamenti mid-detentur ta' polza lill-assiguratatur tul iż-żmien għal pagament uniku li jingħata bħala pretensjoni f'xi punt fil-futur. Bl-aktar forma sempliċi tal-annwalità, l-ekwivalenti għad-detentur ta' polza, imsejjaħ il-benefiċjarju ta' annwalità, iħallas somma f'daqqa lill-assiguratatur u għaliha jirċievi sensiela ta' pagamenti jew għal perijodu speċifikat jew għall-bqija tal-ħajja tal-benefiċjarju ta' annwalità jew għall-bqija tal-ħajja tal-benefiċjarju ta' annwalità u persuna oħra nominata.
- 16.87 L-annwalitajiet huma organizzati mill-assiguratatur u huma mezz ta' ġestjoni tar-riskju. Il-benefiċjarju ta' annwalità jevita r-riskju billi jaqbel li jaċċetta sensiela ta' pagamenti magħrufa, magħrufa jew f'termini assoluti jew soġġetti għal formula, bħal pereżempju tkun marbuta ma' indiċi, bi skambju għal pagament uniku. L-assiguratatur jieħu r-riskju li billi jinvesti l-pagament uniku jiggwadanja aktar milli jkun imħallas lill-benefiċjarju ta' annwalità bħala sensiela ta' pagamenti. L-istennija tal-ħajja titqies fid-determinazzjoni tas-sensiela ta' pagamenti.
- 16.88 Meta tibda l-annwalità, ikun hemm trasferiment ta' fondi mill-unità domestika għall-assiguratatur. F'ħafna sitwazzjonijiet, madankollu, dan jista' jkun biss "investiment mill-ġdid" minn somma f'daqqa pagabbli minn dak l-assiguratatur jew assiguratatur ieħor minn maturità ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja normali immedjatament f'annwalità. F'każ bħal dan m'hemmx bżonn li jiġi rreġistrat il-pagament tas-somma f'daqqa u l-akkwist tal-annwalità; ser ikun hemm biss bidla mir-riżervi tal-assigurazzjoni tal-ħajja għar-riżervi tal-annwalità fis-sottosettur tal-assiguratatur u tal-fond tal-pensjonijiet. Jekk annwalità tiġi akkwistata indipendentament mill-maturità ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja, dan jiġi rreġistrat bħala par ta' transazzjonijiet finanzjarji bejn l-unità domestika u l-assiguratatur. L-unità domestika tagħmel pagament lill-assiguratatur u bi skambju jirċievi assi li jirriżultaw mit-termini tal-annwalità. L-assiguratatur jirċievi assi finanzjarji mill-unità domestika u jkollu obbligu lejha.

16.89 L-annwalitajiet jintemmu bil-mewt, u f'dan il-punt kwalunkwe riżerva li jkun għad fadal għall-benefiċjarju ta' annwalità jiġu trasferiti lill-assiguratur. Madankollu, jekk wieqed jassumi li l-assiguratur kien bassar l-istennija tal-ħajja b'mod preċiż, għall-grupp kollu tal-benefiċjarji ta' annwalità, il-fondi medji li jibqgħu wara l-mewt ikunu żero. Jekk l-aspettattivi tal-ħajja jinbidlu, għandhom isiru reviżjonijiet fir-riżervi. Għall-annwalitajiet fis-seħħ, żieda fl-aspettattivi tal-ħajja ser tnaqqas l-ammont disponibbli għall-assiguratur bħala imposta fuq is-servizz, bil-possibbiltà li dan isir negattiv. F'każ bħal dan, l-assiguratur jkollu joħroġ mill-fondi tiegħu stess u jittama li jerġa' jibnihom mill-ġdid fil-futur billi jimponi imposti fuq is-servizz oġhla mal-annwalitajiet il-ġodda.

REĠISTRAZZJONI TAL-PRETENSIJONIJIET TAL-ASSIGURAZZJONI MHUX TAL-ĦAJJA

Trattament ta' pretensjonijiet aġġustati

16.90 Iż-żmien li fih jiġu rreġistrati l-pretensjonijiet magħmula normalment ikun meta jseħħ l-avveniment relatat. Dan il-prinċipju jiġi applikat anki meta, fil-każ ta' pretensjonijiet ikkontestati, il-ħlas jista' jsir snin wara li jkun seħħ l-avveniment. Issir eċċezzjoni fil-każijiet fejn il-possibbiltà li wieħed jagħmel pretensjoni tiġi rikonoxxuta ħafna wara li jkun seħħ l-avveniment. Pereżempju, sensiela importanti ta' pretensjonijiet ġew rikonoxxuti biss meta l-esponiment għall-asbestos ġie stabbilit bħala kawża ta' marda serja u ġie ġġudikat li jwassal għal pretensjonijiet taħt polza tal-assigurazzjoni valida fiż-żmien tal-esponiment. F'każijiet bħal dawn il-pretensjoni tiġi rreġistrata fiż-żmien meta l-kumpanija tal-assigurazzjoni taċċetta l-obbligu. Dan jista' ma jkunx l-istess żmien ta' meta jkun sar qbil dwar id-daqs tal-pretensjoni jew meta titħallas il-pretensjoni.

16.91 Minħabba li l-formula għall-output tuża l-pretensjonijiet aġġustati u mhux il-pretensjonijiet attwali, il-primjums u l-pretensjonijiet netti jkunu ugwali biss f'perijodu speċifiku meta l-pretensjonijiet attwali jkollhom l-istess valuri bħall-pretensjonijiet mistennija. Iżda bejn wieħed u ieħor għandhom ikunu ugwali tul perijodu ta' snin eskluża s-sena li fih jiġi rreġistrat id-diżastru.

Trattament tat-telf katastrofiku

16.92 Il-pretensjonijiet huma rreġistrati bħala trasferimenti kurrenti pagabbli mill-assiguratur għad-detentur ta' polza. Hemm każ wieħed fejn il-pretensjonijiet huma rreġistrati bħala trasferimenti tal-kapital oħrajn (D.99) aktar milli trasferimenti kurrenti u dan huwa wara li jkun sar katastrofu kbir. Il-kriterji għal meta l-effetti ta' diżastru għandhom jiġu trattati b'dan il-mod għandhom jiġu ddeterminati skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, iżda dawn jistgħu jinvolvu l-għadd ta' detenturi ta' polza affettwati u l-ammont tal-ħsara magħmula. Ir-raġunament għar-reġistrazzjoni tal-pretensjonijiet bħala trasferimenti tal-kapital f'dan il-każ ġej mill-fatt li ħafna mill-pretensjonijiet ser ikunu relatati ma' distruzzjoni jew ħsara serja fuq assi bħal abitazzjoni, bini u strutturi.

16.93 Wara katastrofu, il-valur totali tal-pretensjonijiet li jaqbżu l-primjums huwa rreġistrat bħala trasferiment tal-kapital mill-assiguratur għad-detentur ta' polza. It-tagħrif dwar il-livell ta' pretensjonijiet li għandu jiġi sodisfatt taħt il-poloż tal-assigurazzjoni jinkiseb mill-industrija tal-assigurazzjoni. Jekk l-industrija tal-assigurazzjoni ma tkunx tista' tipprovdi dan it-tagħrif, approċċ wieħed sabiex jiġi smat il-livell ta' pretensjonijiet relatati mal-katastrofi huwa li tittieħed id-differenza bejn il-pretensjonijiet aġġustati u l-pretensjonijiet attwali fil-perijodu tal-katastrofi.

KAPITOLU 17

ASSIGURAZZJONI SOĊJALI INKLUŻ IL-PENSIJONIJIET

INTRODUZZJONI

- 17.01 *Definizzjoni:* L-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali huma skemi fejn il-parteċipanti huma obbligati, jew imħeġġa, minn parti terza biex jieħdu assicurazzjoni kontra ċerti riskji jew ċirkostanzi soċjali li jistgħu jaffettwaw ħażin il-benesseri tagħhom jew dak tad-dipendenti tagħhom. F'dawn l-iskemi, il-kontribuzzjonijiet soċjali jitħallsu mill-impjegati jew minn oħrajn, jew minn min iħaddem fisem l-impjegati tagħhom, sabiex ikunu intitolati għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali, fil-perijodi attwali jew sussegwenti, għall-impjegati jew kontributori oħra, id-dipendenti jew is-superstiti tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet għall-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jistgħu jitħallsu wkoll minn persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni mhux impjegati, jew fisimhom.
- 17.02 Hemm żewġ tipi ta' skemi tal-assigurazzjoni soċjali:
- (a) L-ewwel waħda tikkonsisti fi skemi ta' sigurtà soċjali li jkopru l-komunità kollha, jew partijiet kbar tal-komunità, li jkunu imposti, ikkontrollati u ffinanzjati mill-unitajiet tal-gvern. Il-pensjonijiet pagabbli skont dawn l-iskemi jistgħu jkunu relatati jew le mal-livelli ta' salarju tal-benefiċjarju jew il-passat tax-xogħlijiet tiegħu. Huwa inqas komuni li l-benefiċċji mhux tal-pensjoni jkunu marbuta mal-livelli tas-salarju;
- (b) It-tieni tip jikkonsisti fi skemi oħra marbuta mal-impjegati. Dawn l-iskemi joħorġu minn relazzjoni bejn impjegat u min iħaddem fl-għoti ta' pensjoni u possibbilment intitolamenti oħra li huma parti mill-kundizzjonijiet tal-impjegat u fejn ir-responsabbiltà għall-għoti tal-benefiċċji ma taqax f'idejn il-gvern ġenerali taħt dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali.
- 17.03 L-ambitu tal-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jvarja minn pajjiż għall-ieħor, jew minn skema għall-oħra fl-istess pajjiż. Dawn li ġejjin huma eżempji ta' skemi bħal dawn:
- (a) Il-gvern ġenerali jobbliga lill-impjegati kollha jipparteċipaw fi skema tas-sigurtà soċjali;
- (b) Min iħaddem jagħmel kundizzjoni tal-impjegat li l-impjegati jipparteċipaw fi skema tal-assigurazzjoni speċifikata minn min iħaddem;
- (c) Min iħaddem jinkoraġġixxi lill-impjegati jidħlu fi skema billi jagħmel kontribuzzjonijiet fisem l-impjegati;
- (d) Trade union tirraġa kopertura tal-assigurazzjoni vantaġġjuża disponibbli biss lill-membri tat-trade union; jew
- (e) L-iskemi minbarra s-sigurtà soċjali jistgħu jkunu arranġati ma' korporazzjoni tal-assigurazzjoni bħala polza ta' grupp jew serje ta' poloz, jew jistgħu jkunu ġestiti minn korporazzjoni tal-assigurazzjoni għal tariffa. Alternattivament, l-iskemi jistgħu jkunu ġestiti minn min iħaddem direttament jew fisimu jew minn min iħaddem fisem l-impjegati u d-dipendenti tagħhom jew minn oħrajn fisem grupp speċifikat.

Tabella 17.1 — Skemi tal-assigurazzjoni soċjali

Tip ta' assicurazzjoni	Karatteristiċi	Forma ta' organizzazzjoni	Settur/Sottosettur:
Sigurtà soċjali	Il-parteċipanti huma obbligati mill-gvern ġenerali li jassiguraw kontra ċerti riskji soċjali.	Organizzata mill-gvern ġenerali permezz tal-fondi tas-sigurtà soċjali	Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314)
Skemi tal-assigurazzjoni soċjali relatati mal-impjegati minbarra s-sigurtà soċjali	Min iħaddem jista' jagħmilha bħala kundizzjoni tal-impjegati li l-impjegati jassiguraw kontra ċerti riskji soċjali	Organizzati minn min iħaddem fisem l-impjegati tiegħu u d-dipendenti tiegħu jew minn oħrajn fisem grupp speċifikat	Settur jew sottosettur ta' min iħaddem, il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni jew istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi

Skemi tal-assigurazzjoni soċjali, assistenza soċjali u poloz tal-assigurazzjoni individwali

- 17.04 L-assistenza soċjali mhijiex parti mill-assigurazzjoni soċjali. Il-benefiċċji tal-assistenza soċjali huma pagabbli indipendentement mill-parteċipazzjoni fi skema tal-assigurazzjoni soċjali, jiġifieri mingħajr ma jridu jsiru kontribuzzjonijiet li jikkwalifikaw lil skema tal-assigurazzjoni soċjali.

- 17.05 L-assistenza soċjali hija distinta mis-sigurtà soċjali, fl-eliġibbiltà li tirċievi l-benefiċċji tal-assistenza soċjali mill-gvern ġenerali, u ma tiddependix mill-għażla ta' parteċipazzjoni kif jidher mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet. Normalment il-membri kollha tal-unitajiet domestiċi residenti huma intitolati japplikaw għall-assistenza soċjali iżda l-kundizzjonijiet li fihom tingħata ħafna drabi jkunu restrittivi. Ta' spiss ikun hemm valutazzjoni tal-introjtu disponibbli, inkluż il-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali, f'relazzjoni mal-perċezzjoni tal-bżonnijiet ta' unità domestika. Dawk l-unitajiet domestiċi li jaqgħu taħt ċertu limitu minimu biss jistgħu jkunu intitolati għal dan it-tip ta' assigurazzjoni soċjali.
- 17.06 Il-poloż tal-assigurazzjoni individwali jikkwalifikaw bħala skemi tal-assigurazzjoni soċjali jekk ikopru r-riskji u l-bżonnijiet soċjali bħall-mard u x-xjuħija. Sabiex polza individwali tiġi trattata bħala parti minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, l-eventwalitajiet jew iċ-ċirkostanzi li l-parteeipanti jkunu assigurati kontra tagħhom għandhom jikkorrispondu mar-riskji jew il-bżonnijiet elenkati fil-paragrafu 4.84; u barra minn hekk, waħda jew iktar minn dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu sodisfatti:
- (a) Il-parteeipazzjoni fl-iskema hija obligatorja jew permezz tal-liġi jew skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjegat ta' impjegat, jew grupp ta' impjegati;
 - (b) L-iskema hija kollettiva u hija mħaddma għall-benefiċċju ta' grupp ta' ħaddiema nominat, kemm jekk impjegati, persuni jaħdmu għal rashom jew persuni qiegħda, u l-parteeipazzjoni hija ristretta għall-membri ta' dak il-grupp;
 - (c) Min iħaddem jagħmel kontribuzzjoni (attwali jew imputata) lill-iskema fisem impjegat, sew jekk l-impjegat jagħmel ukoll kontribuzzjoni u sew jekk le.
- 17.07 Il-pretenzjonijiet tal-assigurazzjoni fuq poloż meħuda bl-iskop waħdieni li jinkiseb skont, anki jekk dawk il-poloż jirriżultaw minn ftehim kollettiv, huma esklużi mill-assigurazzjoni soċjali. Dawn il-poloż tal-assigurazzjoni individwali jitniżżlu bħala assigurazzjoni tal-ħajja u assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Il-pretenzjonijiet tal-assigurazzjoni bbażati fuq poloż meħuda biss fuq l-inizjattiva stess tal-assigurat, indipendentement minn min iħaddmu jew mill-gvern, huma wkoll esklużi mill-assigurazzjoni soċjali.

Benefiċċji soċjali

- 17.08 Il-benefiċċji soċjali jsiru pagabbli meta jseħħu ċertu avvenimenti, jew jeżistu ċerti kondizzjonijiet, li jistgħu jaffettwaw ħażin il-benesseri tal-unitajiet domestiċi kkonċernati jew billi jimponu domandi addizzjonali fuq ir-riżorsi tagħhom jew inaqqsu l-introjti tagħhom. Il-benefiċċji soċjali jistgħu jiġu provduti fi flus kontanti jew in natura. Hemm għadd ta' ċirkostanzi li fihom il-benefiċċji soċjali jistgħu jkunu pagabbli:
- (a) Il-benefiċjarji, jew id-dipendenti tagħhom, jeħtieġu trattament mediku, dentali jew ieħor, jew kura fl-isptar, konvalenxenza jew kura fit-tul, b'riżultat ta' mard, korrimenti, maternità, invalidità kronika, xjuħija, eċċ. Il-benefiċċji soċjali jistgħu jingħataw in natura fil-forma ta' trattamenti jew kura b'xejn jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti, jew billi titħallas lura n-nefqa li ssir mill-unitajiet domestiċi. Il-benefiċċji soċjali fi flus kontanti jistgħu jkunu pagabbli wkoll lil benefiċjarji li jeħtieġu l-kura tas-saħħa.
 - (b) Il-benefiċjarji għandhom jappoġġjaw dipendenti ta' tipi differenti: konjugi, tfal, qraba xjuħ, nies morda, eċċ. Il-benefiċċji soċjali normalment jitħallsu fi flus kontanti fil-forma ta' allowances regolari għal dipendenti jew għall-familja.
 - (c) Il-benefiċjarji jsofru tnaqqis fl-introjtu minħabba li ma jistgħux jaħdmu full-time, jew ma jistgħu jaħdmu xejn. Il-benefiċċji soċjali normalment jitħallsu regolarment, fi flus kontanti, u għat-tul taż-żmien tal-kundizzjoni. F'ċerti każijiet tista' tingħata somma f'daqqa addizzjonali jew minflok ħlas regolari. Eżempji ta' raġunijiet għaliex il-persuni ma jkunux jistgħu jaħdmu:
 - (1) Irtirar volontarju jew obligatorju;
 - (2) Qgħad involontarju, inklużi sensji temporanji u xogħol b'ħinijiet qosra;
 - (3) Mard, korrimenti aċċidentali, it-twelid ta' wild, eċċ., li jipprevienu persuna milli taħdem, jew milli taħdem full time.
 - (d) Il-benefiċjarji jirċievu l-pagamenti bħala kumpens għat-tnaqqis fl-introjtu minħabba l-mewt ta' min jaqla' l-għajxien tal-familja.
 - (e) Il-benefiċjarji jingħataw akkomodazzjoni b'xejn jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti jew billi jitħallas lura għan-nefqa li ssir mill-unitajiet domestiċi. Dawn huma benefiċċji soċjali in natura.

- (f) Il-benefiċjarji jingħataw allokkazzjonijiet li jkopru l-ispejjeż tal-edukazzjoni fisimhom jew fisem id-dipendenti tagħhom. Is-servizzi tal-edukazzjoni jistgħu jingħataw bħala benefiċċji soċjali in natura.

Benefiċċji soċjali pprovduti mill-gvern ġenerali

- 17.09 Il-gvern ġenerali jagħti benefiċċji soċjali bħala pagamenti taħt is-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali jew trasferiment soċjali in natura.
- 17.10 Is-sigurtà soċjali tirreferi għall-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali mħaddma mill-gvern ġenerali.
- 17.11 Id-definizzjoni ta' benefiċċji soċjali tinkludi l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Tipikament il-gvern ġenerali jagħmel it-tali servizzi disponibbli għall-membri kollha tal-komunità mingħajr il-ħtieġa tal-parteċipazzjoni fi skema jew rekwiżiti għall-kwalifika. Dawn is-servizzi jiġu trrattati bħala trasferimenti soċjali in natura u mhux bħala parti mis-sigurtà soċjali jew l-assistenza soċjali. Minbarra s-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni pprovduti mill-gvern ġenerali, it-tali servizzi jistgħu jingħataw ukoll lil individwi minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi. Dawn is-servizzi huma trrattati wkoll bħala trasferimenti soċjali in natura u mhux bħala parti mill-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali.

Benefiċċji soċjali pprovduti minn unitajiet istituzzjonali oħra

- 17.12 Il-benefiċċji soċjali jistgħu jingħataw minn min iħaddem lill-impjegati tiegħu u d-dipendenti tiegħu jew jistgħu jiġu pprovduti minn unitajiet oħra bħat-trade unions. Il-benefiċċji soċjali kollha pprovduti minn unitajiet minbarra l-gvern ġenerali jsiru taħt skema tal-assigurazzjoni soċjali.

Il-pensjonijiet u forom oħra ta' benefiċċji

- 17.13 Il-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali u l-kontribuzzjonijiet korrispondenti jinqasnu bejn dawk relatati mal-pensjonijiet u dawk relatati mal-forom l-oħra kollha ta' benefiċċju. L-iktar benefiċċju importanti tal-pensjoni kopert mill-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali huwa l-introjtu fl-irtirar, iżda hemm eżempji oħra. Pereżempju, il-pensjonijiet jistgħu jkunu pagabbli wkoll lir-romol jew persuni oħra li jsufu korrimient industrijali u ma jkunux jistgħu jibqgħu jaħdmu. Il-persuna bil-paga ewlenija ma tkunx tista', minħabba mewt jew inkapaċità, tkompli tipprovdni introjtu, u għalhekk il-pagamenti jsiru u jitniżżlu bħala pensjonijiet.
- 17.14 Il-benefiċċji l-oħra kollha jingħabru flimkien bħala benefiċċji mhux tal-pensjoni. Id-distinzjoni bejn benefiċċji tal-pensjoni u mhux tal-pensjoni hija importanti għaliex il-passivi jiġu rreġistrati għall-pensjonijiet hemmx jew le assi attwalment allokatati biex jissodisfaw l-intitolamenti, iżda r-riżervi għall-benefiċċji mhux tal-pensjoni jitniżżlu biss meta dawn ikunu jeżistu attwalment.

BENEFIĊĊJI TAL-ASSIGURAZZJONI SOĊJALI MINBARRA L-PENSIJONI

- 17.15 *Definizzjoni:* Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali, jew benefiċċji mhux tal-pensjoni, huma benefiċċji li l-benefiċjarji jirċievu, direttament jew indirettament, skont avvenimenti speċifiċi u normalment f'termini legali jew kuntrattwali predeterminati.

Minbarra l-introjtu fl-irtirar, jistgħu jiġu koperti għadd ta' kontinġenzi oħra bħall-assigurazzjoni tas-saħħa, l-assigurazzjoni kontra l-qgħad u benefiċċji tal-assigurazzjoni għall-kura fit-tul.

- 17.16 Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali jiġu pprovduti lill-benefiċjarji taħt is-sigurtà soċjali u taħt skemi relatati mal-impjieg minbarra s-sigurtà soċjali.

Skemi tas-sigurtà soċjali minbarra l-iskemi tal-pensjoni

- 17.17 *Definizzjoni:* L-iskemi tas-sigurtà soċjali minbarra l-iskemi tal-pensjoni huma skemi tal-assigurazzjoni kuntrattwali fejn il-benefiċjarji bħala parteċipanti ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali huma obbligati mill-gvern ġenerali jassiguraw kontra r-riskji minbarra x-xjuħija u riskji oħra relatati mal-età. Il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali minbarra l-benefiċċji tal-pensjoni, magħrufa bħala l-benefiċċji mhux tal-pensjoni, jiġu pprovduti lill-benefiċjarji mill-gvern ġenerali.
- 17.18 Il-benefiċjarji normalment jagħmlu kontribuzzjonijiet obligatorji lil skema tas-sigurtà soċjali minbarra skema tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali li frekwentament tkun iffanzjata fuq bażi "pay-as-you-ġo". Il-kontribuzzjonijiet "pay-as-you-ġo" f'perjodu jintużaw biex jiffinanzjaw il-benefiċċji fl-istess perijodu. Ma hemm l-ebda element ta' tfaddil involut, la għall-gvern ġenerali, la għal min iħaddem li jopera l-iskema u lanqas għall-benefiċjarji li jipparteċipaw fiha. Għalhekk, ġeneralment ma jistax jirriżulta eċċess u, jekk hemm nuqqas fir-riżorsi, il-gvern jista' jkollu s-setgħa li jbidde l-impenji mhux biss relatati mal-impjieg fil-futur iżda wkoll għal impjieg fil-passat. Madankollu, f'ċerti pajjiżi l-iskemi tas-sigurtà soċjali minbarra l-iskemi tal-pensjoni jistgħu jakkumulaw ir-riżervi, magħrufa bħala fondi ta' protezzjoni.

- 17.19 L-intitolamenti tas-sigurtà soċjali minbarra dawk tal-pensjoni, bħala ammonti pendenti għal skema tas-sigurtà soċjali, mhumiex rikonoxxuti fil-kontijiet nazżjonali ewlenin tal-ESA. L-istimi tal-ammonti pendenti tal-intitolamenti taħt l-iskemi tas-sigurtà soċjali minbarra l-pensjonijiet, kif ukoll ta' kwalunkwe skema oħra li mhix tal-pensjoni marbuta mal-impjiegi pprovduta mill-gvern ġenerali, ma jiġux inklużi fil-kontijiet ewlenin u ma jitniżżlux fit-Tabella 17.5.

Skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjiegi

- 17.20 *Definizzjoni:* Skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjiegi huma skemi tal-assigurazzjoni kuntrattwali, li jew ikunu obbligatori bil-liġi jew imħeġġa minn parti terza. Fi skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjiegi, min iħaddem jista' jagħmilha bħala kundizzjoni tal-impjegat li l-impjegati, il-benefiċjarji, jipparteċipaw fi skema tal-assigurazzjoni soċjali speċifikata minn min iħaddem biex jassigura kontra r-riskji, minbarra dawk tax-xjuħija u relatati mal-età. Dawn l-iskemi marbuta mal-impjiegi jiġu pprovduti lill-benefiċjarji minn min iħaddem jew minn unitajiet oħra fisem min iħaddem.
- 17.21 Skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali marbuta mal-impjiegi jidhru, bħall-iskemi tal-pensjoni marbuta, bħala parti mill-pakkett ta' kumpens, u n-negożjati bejn l-impjegati u min iħaddem jistgħu jiffokaw fuq il-kondizzjonijiet attwali tas-servizz u l-iskali tal-pagi. Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali minbarra l-pensjonijiet ħafna drabi jiġu pprovduti minn min iħaddem privat minn skemi li dan tal-aħħar jikkontrolla jew jikkuntratta lil parti terza bħal korporazzjoni tal-assigurazzjoni li tipprovd l-benefiċċji soċjali bħall-kopertura medika privata.

Reġistrazzjoni tal-istokks u l-flussi skont it-tip ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali mhux tal-pensjoni

Skemi tas-sigurtà soċjali

- 17.22 Bħala rikonoxximent tal-fatt li s-sigurtà soċjali normalment hija ffinanzjata fuq bażi "pay-as-you-ġo", l-intitolamenti dovuti taħt is-sigurtà soċjali bħall-benefiċċji soċjali inklużi l-pensjonijiet ma jidhru fil-kontijiet nazżjonali ewlenin.
- 17.23 L-intitolamenti tal-pensjoni li jirriżultaw mill-iskemi tas-sigurtà soċjali huma inklużi fit-tabella supplimentari għall-intitolamenti tal-pensjoni fl-assigurazzjoni soċjali akkumulati sa ċertu data, iżda dan mhuwix il-każ għall-intitolamenti li jirriżultaw mill-iskemi tas-sigurtà soċjali, minbarra l-iskemi tal-pensjoni.
- 17.24 Ir-reġistrazzjoni tal-flussi għall-iskemi tas-sigurtà soċjali minbarra l-pensjonijiet tirreferi għall-kontribuzzjonijiet li jsiru minn min iħaddem u mill-impjegati u għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali.
- 17.25 Kwalunkwe kontribuzzjoni li ssir minn min iħaddem tiġi ttrattata bħala parti mill-kumpens tal-impjegati. Tiġi rreġistrata bħala transazzjoni distributtiva pagabbli minn min iħaddem u riċevibbli mill-impjegat. L-impjegat imbagħad iħallas ammont ugwali għal dak li jirċievi minn min iħaddem flimkien ma' kwalunkwe kontribuzzjoni tiegħu lill-fond tas-sigurtà soċjali. Dan l-ammont jitniżżel bħala użu għall-unitajiet domestiċi u bħala riżorsa għall-gvern.
- 17.26 Kwalunkwe kontribuzzjoni minn persuni li jaħdmu għal rashom jew mhux impjegati jiġu inklużi wkoll mal-kontribuzzjonijiet mill-unitajiet domestiċi lill-gvern.
- 17.27 Il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jitniżżlu bħala transazzjonijiet distributtivi, mill-gvern ġenerali lill-unitajiet domestiċi.
- 17.28 It-tabella 17.2 turi t-transazzjonijiet marbuta ma' skema tal-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali. Dawn huma identiċi għat-transazzjonijiet marbuta mal-iskemi tas-sigurtà soċjali minbarra l-pensjonijiet.

Skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali mhux tal-pensjoni marbuta mal-impjiegi

- 17.29 Għal skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali mhux tal-pensjoni marbuta mal-impjiegi, l-intitolamenti tal-partiċipanti normalment jiġu rreġistrati waqt li jkun qed jakkumulaw. L-introjtu mill-investment gwadanjat fuq intitolamenti eżistenti jiġi rreġistrat bħala mqassam lill-benefiċjarji u riinvestit minnhom fl-iskema.
- 17.30 Il-kontribuzzjoni soċjali li ssir minn min iħaddem lil skema tal-assigurazzjoni fisem impjegat tiġi ttrattata bħala parti mill-kumpens tal-impjegati.
- 17.31 L-introjtu mill-investment fuq intitolamenti akkumulati jitniżżel bħala mqassam lill-unitajiet domestiċi mill-iskema. L-introjtu mill-investment jinkludi l-imgħax u d-dividendi flimkien, jekk l-unità istituzzjonali jkollha l-ishma fihom, mal-introjtu mqassam tal-iskemi ta' investment kollettiv. Huwa possibbli li l-iskema tkun sid ta' proprjetà u tiġġenera eċċess operattiv nett, u dan jiġi inkluż mal-introjtu mill-investment imqassam lill-benefiċjarji. F'dak il-każ, it-terminu "introjtu mill-investment" għandu jiġi interpretat li jinkludi dak is-sors ta' introjtu. Il-qliġ u t-telf nominali ġġenerati mill-investment tal-intitolamenti kumulati ma jiġux inklużi fl-introjtu mill-investment iżda jiġu rreġistrati bħala bidliet oħra minħabba r-rivalutazzjonijiet.

- 17.32 Parti mill-introjtu mqassam lill-unitajiet domestiċi tintuża biex jintlaħqu l-ispejjeż tat-tħaddim tal-iskema. Din l-ispiża tidher bħala output tal-iskema u bħala infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi. Il-parti li jifdal mill-introjtu mqassam tiġi ttrattata bħala supplimenti ta' kontribuzzjonijiet imħallsa lura mill-unitajiet domestiċi lill-iskema.
- 17.33 Il-kontribuzzjonijiet soċjali jidhru li tħallu mill-unitajiet domestiċi lill-iskema. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet soċjali huwa magħmul mill-kontribuzzjonijiet attwali minn min iħaddem bħala parti mill-kumpens tal-impjegati, kontribuzzjonijiet attwali mill-impjegati u minn individwi li qabel kienu jipparteċipaw fi skema, persuni li jaħdmu għal rashom u mhux impjegati kif ukoll dawk li rtiraw, u s-supplimenti ta' kontribuzzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 17.32.
- 17.34 Dawk li jikkontribwixxu lejn skema tal-assigurazzjoni soċjali, u li mhumiex impjegati, jistgħu jkunu persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni mhux impjegati, li jipparteċipaw bis-saħħa tal-professjoni tagħhom jew l-istatus tal-impjegat preċedenti tagħhom.
- 17.35 Il-benefiċċji soċjali mħallsa lill-unitajiet domestiċi mill-amministratur tal-iskema jidhru bħala transazzjonijiet distributivi taħt benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali.
- 17.36 Il-ħlas tas-servizz mogħti mill-amministratur tal-iskema, valur daqs dak tal-output tal-iskema, jitniżżel bħala infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi.
- 17.37 Żieda fl-intitolamenti kkawżata minn iktar kontribuzzjonijiet milli benefiċċji tidher bħala mħallsa mill-iskema tal-assigurazzjoni soċjali lill-unitajiet domestiċi. Ir-raġuni għal dan huwa li minħabba li din iż-żieda fl-intitolamenti taffettwa direttament il-valur nett tal-unitajiet domestiċi, din għandha tiġi inkluża fit-tfaddil tas-settur tal-unitajiet domestiċi.
- 17.38 L-aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti mħallsa mill-iskema lill-unitajiet domestiċi jitniżżel bħala pretensjoni mill-unitajiet domestiċi lill-iskema.
- 17.39 It-tabella 17.3 turi t-transazzjonijiet għal skema tal-pensjonijiet marbuta mal-impjegi. Dawn huma identiċi għat-transazzjonijiet marbutin mal-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali minbarra l-iskemi tal-pensjonijiet.

PENSIJONIJET

- 17.40 *Definizzjoni:* Il-pensjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali huma benefiċċji li l-benefiċjarji jirċievu malli jirtiraw, normalment taħt temini legali jew kuntrattwali determinati minn qabel u tipikament fil-forma ta' annwalità garantita.

L-iktar benefiċċju importanti tal-pensjoni tal-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali huwa l-introjtu fl-irtirar, iżda jista' jkun hemm għadd ta' każijiet oħra. Pereżempju, il-pensjonijiet jistgħu jkunu pagabbli wkoll lir-romol jew lil persuni li jsofru korriment industrijali u ma jkunux jistgħu jibqgħu jaħdmu. L-avvenimenti kollha li jirriżultaw fil-pagamenti minħabba li min jaqla' l-għajxien tal-familja ma jkunx għadu jista', minħabba mewt jew inkapaċità, jipprovdni introjtu għalih u d-dipendenti tiegħu, jiġu trattati bħala pensjonijiet.

Tipi ta' skemi tal-pensjonijiet

- 17.41 Il-pensjonijiet mogħtija lill-benefiċjarji jistgħu jkollhom l-għamliet li ġejjin:

- (a) Skemi tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali;
- (b) Assistenza soċjali; u
- (c) Poloz individwali tal-assigurazzjoni marbuta mal-pensjonijiet.

Dawn normalment jiġu pprovduti minn fondi tas-sigurtà soċjali, entitajiet oħra tal-gvern, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, jew unitajiet istituzzjonali bħala min iħaddem. Madankollu, istituzzjonijiet oħra jistgħu jkunu involuti, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali. L-użu tat-terminu "fondi tas-sigurtà soċjali" ma jfissirx li dejjem ikun hemm fond attwali tal-assi maħluq fl-iskema. Il-fondi tas-sigurtà soċjali u l-iskemi tas-sigurtà soċjali huma termini sinonimi.

- 17.42 Il-pensjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali jiġu pprovduti lill-benefiċjarji bħala parteċipanti fl-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali. Il-parti pprovduta mill-gvern ġenerali tisseejjah pensjonijiet tas-sigurtà soċjali, inklużi fondi tas-sigurtà soċjali, u l-parti pprovduta minn unitajiet oħra tisseejjah pensjonijiet oħra marbuta mal-impjegi. Id-diviżjoni bejn liema pensjonijiet jingħataw mis-sigurtà soċjali u liema minn skemi oħra marbuta mal-impjegi tvarja konsiderevolment minn pajjiż għall-ieħor bil-konsegwenza li l-kopertura u għalhekk il-perċezzjonijiet nazzjonali tat-terminu "sigurtà soċjali" jvarjaw konsiderevolment.

L-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali

- 17.43 *Definizzjoni:* L-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali huma skemi tal-assigurazzjoni kuntrattwali fejn il-benefiċjarji bħala parteċipanti ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali huma obbligati mill-gvern ġenerali jassiguraw kontra x-xjuħija u riskji oħra relatati mal-età bħal diżabbiltà, saħħa, eċċ. Il-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali huma pprovduti lill-benefiċjarji mill-gvern ġenerali.
- 17.44 Meta l-gvern ġenerali jieħu r-responsabbiltà għall-għoti tal-pensjonijiet lil partijiet kbar tal-komunità, il-funzjoni tas-sigurtà soċjali tkun qiegħda tabilħaqq taqdi r-rwol ta' skema ta' diversi persuni li jħaddmu.
- 17.45 Il-benefiċjarji normalment jagħmlu kontribuzzjonijiet obligatorji lil skema tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali li ħafna drabi tkun iffinanzjata fuq bażi "pay-as-you-ġo". Il-kontribuzzjonijiet f'perjodu jintużaw biex jiffinanzjaw il-benefiċċji fl-istess perjodu. Ma hemm l-ebda element ta' tfaddil involut, la għall-gvern ġenerali, la għal min iħaddem li jopera l-iskema u lanqas għall-benefiċjarji li jipparteċipaw fiha. Għalhekk, ma jkunx hemm eċċess fl-iskema, u, jekk ikun hemm nuqqas ta' riżorsi, il-gvern jista' jkollu s-setgħa li jibdel l-impenji, mhux biss dawk marbuta mal-impjeggi fil-futur iżda wkoll għall-passat. Madankollu, f'ċerti pajjiżi l-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali jistgħu jakkumulaw ir-riżervi, magħrufa bħala fondi tal-protezzjoni.
- 17.46 L-inqas forma ta' pensjoni tas-sigurtà soċjali hija bażika ħafna. Il-livell jista' jiġi ffixsat indipendentement mid-daqs tal-kontribuzzjonijiet, għalkemm mhux mill-fatt li l-kontribuzzjonijiet ikunu saru għal perjodu ta' żmien partikolari jew f'kondizzjonijiet speċifiċi oħra. Id-dritt tal-impjegat għal pensjoni bis-sigurtà soċjali ħafna drabi jkun trasferibbli minn persuna li tħaddem għall-oħra.
- 17.47 Bil-maqlub ta' dan, f'ċerti pajjiżi l-maġġoranza tal-pensjoni jew il-pensjoni kollha tista' tingħata permezz tas-sigurtà soċjali. F'dan il-każ, il-gvern jaġixxi bħala intermedjarju għal min iħaddem sabiex ladarba l-gvern ikun irċieva l-kontribuzzjonijiet għall-iskema mħallsa minn min iħaddem u l-unitajiet domestiċi; il-gvern imbagħad jieħu r-riskju li jagħmel il-pagament eventwali. Il-gvern jieħu mingħand min iħaddem ir-riskju li l-ispiża tal-pensjonijiet tkun kbira wisq biex l-intrapriża tħallasha u jassigura l-popolazzjoni li l-pensjonijiet ser jitħallsu, għalkemm jista' jagħmel dan bil-kwalifikazzjoni li jista' jibdel l-ammont tal-pensjonijiet pagabbli, anki retrospectivament.
- 17.48 L-intitolamenti tal-pensjoni bħala ammonti pendenti għal skema tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali mhumiex rikonoxxuti fil-kontijiet nazzjonali ewlenin tal-ESA. L-istimi tal-ammonti pendenti tal-intitolamenti taħt l-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali kif ukoll ta' kwalunkwe skema oħra tal-pensjoni b'benefiċċju definit marbuta mal-impjeggi pprovduti mill-gvern ġenerali ma jiġux inklużi fil-kontijiet nazzjonali ewlenin iżda jiġu rreġistrati fit-tabella supplimentari għall-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati sa ċertu data li tidher fit-Tabella 17.5.

Skemi oħra tal-pensjoni marbuta mal-impjeggi

- 17.49 *Definizzjoni:* Skemi oħra tal-pensjoni marbuta mal-impjeggi huma skemi tal-assigurazzjoni kuntrattwali, jew obligatorji bil-liġi, jew imħeġġa mill-gvern, jew fejn min iħaddem jagħmilha bħala kundizzjoni tal-impjeg li l-impjegati (il-benefiċjarji) jipparteċipaw fi skema tal-assigurazzjoni soċjali speċifikata minn min iħaddem biex jassigura riskji kontra x-xjuħija u oħrajn relatati mal-età. Dawn il-pensjonijiet marbuta mal-impjeggi jiġu pprovduti lill-benefiċjarji minn min iħaddem jew minn unitajiet oħra fisem min iħaddem.
- 17.50 Sakemm min iħaddem u l-benefiċjarji ma jaqblux li jbiddu l-ammonti pagabbli, l-iskemi tal-pensjoni mħaddma minn min iħaddem privat normalment ma jkunx soġġetti għal aġġustamenti restrospektivi. Madankollu, hemm ir-riskju min iħaddem ma jkunx jista' jħallas għaliex ikun falla. Il-protezzjoni għall-intitolamenti tal-pensjoni tal-individwi qed issir dejjem iżjed komuni. Il-pensjoni li tinbena ma' min iħaddem tista' ma tkunx trasferibbli lil persuna ġdida li tħaddem. Qed isir dejjem iżjed komuni li l-iskemi ta' min iħaddem ikollhom ir-riżervi allokati. Anki jekk ma hemmx riżervi, il-konvenzjonijiet tal-kontabbiltà jistgħu jirrikjedju li dawn jirrikonoxxu l-intitolamenti tal-pensjoni ta' impjegati attwali u tal-passat fil-kontijiet tagħhom.
- 17.51 Pensjonijiet oħra marbuta mal-impjeggi huma meġjusa bħala parti mill-pakkett tal-kumpens, u n-negozjati bejn l-impjegati u min iħaddem jistgħu jiffokaw fuq il-kundizzjonijiet attwali tas-servizz u l-iskali tas-salarji u l-intitolamenti tal-pensjoni. Ħafna drabi l-pensjonijiet jiġu pprovduti minn min iħaddem privat minn skemi li dan tal-aħħar jikkontrolla jew jikkuntratta lil parti terza, bħal korporazzjoni tal-assigurazzjoni. Kultant ikun possibbli għal uniti speċjalizzata li taqbel li tassumi r-responsabbiltà għall-provvista tal-pensjonijiet għal min iħaddem talli tassumi r-riskju li tiżgura li jkun hemm fondi biżżejjed disponibbli biex jingħataw il-pensjonijiet imwiegħda. Arranġament bħal dan jissejjaħ skema tal-pensjoni ta' diversi persuni li jħaddmu.
- 17.52 Kemm l-impjegati attwali kif ukoll dawk ta' qabel, li huma l-benefiċjarji, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet għall-iskema u huma meġjusa li jirċievu introjtu mill-proprjetà minnha. Dan l-introjtu mill-proprjetà mbagħad jiġi trattat bħala supplimenti tal-kontribuzzjonijiet pagabbli minnhom.

- 17.53 L-iskemi tal-pensjoni huma kategorizzati skont in-natura tagħhom fi skemi ta' kontribuzzjoni definita u skemi ta' benefiċċju definit.

Skemi ta' kontribuzzjoni definita

- 17.54 *Definizzjoni:* Skema ta' kontribuzzjoni definita hija skema tal-pensjoni fejn il-benefiċċji jiġu definiti esklussivament f'termini tal-livell tal-fond mibni mill-kontribuzzjonijiet li saru matul il-ħajja tax-xogħol tal-impjegat u ż-żidiet fil-valur li jirriżultaw mill-investiment ta' dawn il-fondi mill-maniġer tal-iskema tal-pensjoni.
- 17.55 Ir-riskju sħiħ tal-iskema b'kontribuzzjoni definita biex tipprovdi introjtu xieraq meta wieħed jirtira jinġarr mill-impjegat.
- 17.56 Il-provvista ta' dettalji dwar l-iskemi ta' kontribuzzjoni definita hija pjuttost sempliċi peress li jridu jkunu disponibbli kontijiet sħaħ u ma hemmx involuta valutazzjoni attwarja. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-iskemi huma fis-setturi tal-korporazzjonijiet (il-kolonna A tat-Tabella 17.5) iżda jista' jkun li f'xi każijiet, il-gvern ikun imexxi l-iskema. L-intitolamenti tal-pensjoni tal-iskemi kollha tal-pensjoni b'kontribuzzjoni definita huma inklużi fil-kontijiet nazzjonali ewlenin.

Skemi ta' benefiċċju definit

- 17.57 *Definizzjoni:* Skema ta' benefiċċju definit hija skema tal-pensjoni fejn il-benefiċċji pagabbli lill-impjegati malli jirtiraw ikunu determinati bl-użu ta' formula, jew waħedha jew flimkien ma' ammont minimu garantit pagabbli.
- 17.58 Ir-riskju ta' skema ta' benefiċċju definit biex tipprovdi introjtu xieraq meta wieħed jirtira jinġarr minn min iħaddem jew l-unità li taġixxi f'ismu.

Skemi nozzjonali ta' kontribuzzjoni definita u skemi ibridi

- 17.59 L-iskemi nozzjonali ta' kontribuzzjoni definita u l-iskemi ibridi jinġabru flimkien bħala skemi ta' benefiċċju definit.
- 17.60 *Definizzjoni:* Skema nozzjonali ta' kontribuzzjoni definita hija simili għal skema ta' kontribuzzjoni definita iżda b'ammont minimu garantit pagabbli.
- 17.61 Fi skema nozzjonali ta' kontribuzzjoni definita, il-kontribuzzjonijiet (kemm mill-impjegat kif ukoll minn min iħaddem) jiġu kkreditati lil, u akkumulati, fil-kontijiet individwali. Dawk il-kontijiet individwali huma nozzjonali, fis-sens li l-kontribuzzjonijiet lill-iskemi jintużaw għall-ħlas tal-benefiċċji tal-pensjoni lill-pensjonanti attwali. Mal-irtirar, il-bilanċ akkumulat jiġi konvertit f'annwalità permezz ta' formula, ibbażata, fost fatturi oħra, fuq kejl tal-istennija ta' ħajja, u jiġi rivedut kull sena biex jiġi aġġornat ma' kejl tal-livell ta' għajxien.
- 17.62 L-iskemi ibridi huma daww l-iskemi li għandhom kemm element ta' benefiċċju definit kif ukoll ta' kontribuzzjoni definita. Skema hija kklassifikata bħala "ibrida" jew għaliex ikunu preżenti kemm dispożizzjonijiet ta' benefiċċju definit kif ukoll ta' kontribuzzjoni definita jew għaliex fiha skema nozzjonali ta' kontribuzzjoni definita u, fl-istess ħin, benefiċċju definit jew dispożizzjoni ta' kontribuzzjoni definita. Il-provvediment jista' jkun ikkombinat għal benefiċjarju wieħed, jew differenzjat skont gruppi ta' benefiċjarji skont it-tip ta' kuntratt, pensjoni pprovduta, eċċ.
- 17.63 Ir-riskju tal-provvista ta' introjtu xieraq meta wieħed jirtira jinqasam bejn min iħaddem u l-impjegat taħt skema ta' kontribuzzjonijiet nozzjonali u taħt skema ibrida.
- 17.64 F'ċerti każijiet, ir-riskju ta' min iħaddem jista' jinġarr minn skema ta' diversi persuni li jħaddmu li topera l-iskema ta' pensjoni ta' benefiċċju definit fisem min iħaddem.

Skemi ta' benefiċċju definit paragonati ma' skemi ta' kontribuzzjoni definita

- 17.65 Id-differenza fundamentali fil-kontabbiltà għal skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit paragonata ma' skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita hija li, għal skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit, il-benefiċċju għall-impjegat fil-perijodu attwali jiġi determinat f'termini tal-impenji li jkun ħa min iħaddem fil-livell tal-pensjoni, filwaqt li għal skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita l-benefiċċju għall-impjegat fil-perijodu attwali jiġi determinat mill-kontribuzzjonijiet li jsiru lill-iskema u l-introjtu mill-investimenti u qligħ u telf nominali li jsir fuqhom u fuq kontribuzzjonijiet preċedenti. Għalhekk, filwaqt li fil-prinċipju hemm informazzjoni kompluta disponibbli dwar il-benefiċċji għall-parteċipant fl-iskema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita, il-benefiċċji għall-parteċipanti fi skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit jiġu stmati b'mod attwarjali.

- 17.66 Hemm erba' sorsi ta' bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni fi skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit. L-ewwel minn dawn, iż-żieda fis-servizz attwali, hija ż-żieda fl-intitolamenti assoċjata mal-pagi u s-salarji ggwadanjati fil-perjodu attwali. It-tieni sors, iż-żieda tas-servizzi tal-passat, hija ż-żieda fil-valur tal-intitolamenti minħabba l-fatt li għall-parteċipanti kollha fl-iskema, l-irtirar (u l-mewt) ikunu sena eqreb. It-tielet bidla fil-livell tal-intitolamenti hija tnaqqis minħabba l-ħlas tal-benefiċċji lil dawk tal-iskema li jirtiraw. Ir-raba' sors ta' bidla jiġi minn fatturi oħra, fatturi li huma riflessi fil-bidliet l-oħra fil-kont tal-assi.
- 17.67 Bħal fil-każ ta' skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita, min iħaddem u/jew l-impjegat jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet attwali lill-iskema fil-perjodu attwali. Madankollu, dawn il-pagamenti jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw iż-żieda fil-benefiċċji dovuti mill-impjegati tas-sena attwali. Għalhekk, kontribuzzjoni addizzjonali minn min iħaddem tiġi imputata biex toħloq ugwaljanza bejn il-kontribuzzjonijiet (attwali u imputati) u ż-żieda fl-intitolamenti tas-servizz attwali. Dawn il-kontribuzzjonijiet imputati normalment ikunu pożittivi iżda huwa possibbli li jkunu negattivi jekk is-somma tal-kontribuzzjonijiet irċevuti taqbeż iż-żieda fl-intitolamenti tas-servizz attwali.
- 17.68 Fit-tmien il-perjodu bażi tal-kontijiet, il-livell tal-intitolamenti tal-pensjoni dovuti lill-impjegati tal-passat u tal-preżent jista' jiġi kkalkulat permezz tal-istima tal-valur preżenti tal-ammonti li jridu jitħallsu meta persuna tirtira bl-użu ta' kalkoli attwarji. Element wieħed fiż-żieda ta' dan l-ammont minn sena għall-oħra huwa l-fatt li l-valur preżenti tal-intitolamenti li jeżistu fil-bidu tas-sena, u li jkunu għadhom dovuti fl-aħħar tas-sena, ikun żdied għaliex il-futur issa jkun sena eqreb u għalhekk għandu jintuża fattur ta' skont inqas għall-kalkolu tal-valur preżenti. Ir-raġuni għaż-żieda fl-intitolamenti għas-servizz tal-passat huwa dan ir-rilassament tal-iskont.
- 17.69 Differenza bażika oħra bejn skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit u skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita tikkonċerna l-ħlas għall-ispiża tal-operat tal-iskema tal-pensjoni. Taħt skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita r-riskju jinġarr kollu mill-benefiċjarji. L-iskema tal-pensjoni titħaddem fisimhom u dawn iħallsu l-ispiża tagħha. Minħabba li l-iskema tista' tiġi operata minn unità li mhix dak li jħaddem, jixraq li l-ispiża tat-tħaddim tiġi ttrattata bħala parti mill-introjtu tal-investment li jinżamm mill-iskema għall-ispejjeż tagħha u biex tiġġenera qligħ. Fir-rigward tal-kontabbiltà għall-assigurazzjoni, l-introjtu mill-investment jiġi trattat bħala dak attribwit kollu lill-benefiċjarji, b'parti użata biex tintlaħaq l-ispiża u l-bqija riinvestita fl-iskema.
- 17.70 Għal skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit, is-sitwazzjoni hija differenti. Ir-riskju li l-fond jista' ma jkunx biżżejjed biex jilħaq l-intitolamenti tal-pensjoni huwa parzjalment jew totalment ta' min iħaddem, jew unità li taġixxi fismu, u mhux tal-benefiċjarji biss. L-iskema tista' tkun ikkontrollata direttament minn min iħaddem u tkun parti tal-istess unità istituzzjonali jew tista' tkun purament nozzjonali. Anki f'dan il-każ, hemm spejjeż assoċjati mat-tħaddim tal-iskema. Għalkemm dawn l-ispejjeż jinġarru inizjalment minn min iħaddem, huwa xieraq li dawn jitqiesu bħala forma ta' introjtu in natura pprovdut lill-impjegati u għall-konvenzjenza jistgħu jiġu inklużi mal-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem. Dan jassumi li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-impjegati attwali u xejn minn dawk irtirati. Jassumi wkoll li l-attribuzzjoni li għandha ssir fil-każ ta' skema nozzjonali tista' tiġi applikata f'ċirkostanzi oħra wkoll.
- 17.71 Għal skema ta' benefiċċju definit, huwa improbabbli li l-persuni li jaħdmu għal rashom jew li mhux impjegati jikkontribwixxu attwalment, għalkemm huwa possibbli jekk dawn kellhom impjeg preċedenti li jwassal għal pensjoni ta' benefiċċju definit u jkollhom id-dritt li jkomplu jipparteċipaw. Dawk il-persuni li kienu impjegati preċedentement, humiex jirċievu pensjoni jew le, jirċievu introjtu mill-proprjetà u jħallsu supplimenti ta' kontribuzzjoni.

Amministratur tal-pensjonijiet, manġer tal-pensjonijiet, fond tal-pensjoni u skema tal-pensjoni ta' diversi persuni li jħaddmu

- 17.72 L-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jistgħu jiġu organizzati minn min iħaddem jew mill-gvern, jistgħu jiġu organizzati mill-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fisem l-impjegati jew unitajiet istituzzjonali separati jistgħu jkunu stabbiliti biex iżommu u jmexxu l-assi li għandhom jintużaw biex jitħallsu l-pensjonijiet u għad-distribuzzjoni tal-pensjonijiet. Is-sottosettur tal-fond tal-pensjonijiet jikkonsisti biss f'dawk il-fondi tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali li huma unitajiet istituzzjonali separati mill-unitajiet li ħolquhom.
- 17.73 Min iħaddem jista' jikkuntratta ma' unità oħra biex imexxi l-iskema tal-pensjoni u jirraġa ħlasijiet lill-benefiċjarji. Hemm diversi modi kif dan jista' jsir.
- 17.74 L-ewwel, l-operatur tal-iskema tal-pensjoni, l-amministratur tal-pensjonijiet, sempliċement jaġixxi bħala l-aġent ta' min iħaddem, billi jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-iskema tal-pensjoni, u r-responsabbiltà għal kwalunkwe nuqqas fl-iskema, jew il-benefiċċju ta' kwalunkwe bilanċ pożittiv, tibqa' ta' min iħaddem.
- 17.75 It-tieni, il-manġer tal-pensjonijiet jkun responsabbli wkoll għad-determinazzjoni tat-termini ta' skema oħra tal-pensjoni marbuta mal-impjegati u għandu r-responsabbiltà aħharja għall-intitolamenti tal-pensjoni. Il-manġer tal-pensjonijiet għandu wkoll livell sinifikanti ta' responsabbiltà għall-politika fit-tul tal-investment fl-assi, inkluża

s-selezzjoni ta' għażliet tal-investiment u l-istruttura tal-fornituri amministrattivi. Għalkemm l-istess unità ħafna drabi jista' jkollha l-funzjonijiet kemm ta' maniġer tal-pensjonijiet kif ukoll ta' amministratur tal-pensjonijiet, f'ċerti każijiet dawn huma r-responsabbiltajiet ta' unitajiet differenti.

- 17.76 It-tielet, huwa komuni li unità waħda tikkuntratta ma' min iħaddem biex tiġġestixxi l-iskemi tal-pensjoni tiegħu bħala skema tal-pensjoni ta' diversi persuni li jħaddmu. L-arranġamenti huma tali li l-iskema tal-pensjoni ta' diversi persuni li jħaddmu taċċetta r-responsabbiltà għal kwalunkwe nuqqas fil-fondi biex jilhqgħu l-intitolamenti bħala kumpens għad-dritt li jżomm kwalunkwe fond żejjed. Bil-ġbir komuni tar-riskji fuq min iħaddem, l-iskema ta' diversi persuni li jħaddmu tistenna li tibbilanċja n-nuqqas ta' fondi u l-fondi żejda sabiex toħroġ b'eċċess fuq l-iskemi kollha meħudin f'mod simili għal kif korporazzjoni tal-assigurazzjoni tiġbor ir-riskju għal ħafna klijenti. F'dan il-każ, l-iskema tal-pensjonijiet b'diversi persuni li jħaddmu hija l-maniġer tal-pensjonijiet.
- 17.77 Meta l-gvern jieħu r-responsabbiltà għall-għoti tal-benefiċċji lil partijiet kbar tal-komunità, il-funzjoni tas-sigurtà soċjali taqdi r-rwol ta' skema ta' diversi persuni li jħaddmu. Bħall-korporazzjoni tal-assigurazzjoni, il-gvern imbagħad jieħu r-responsabbiltà għal kull nuqqas fil-fondi biex jitħallsu l-passivi tal-pensjonijiet jew jista' jkun intitolat li jżomm kull eċċess iġġenerat. Ħafna drabi jkun il-każ madankollu li, is-sigurtà soċjali tiġi ffinanzjata fuq bażi "pay-as-you-ġo" għalhekk ma jstax ikun li jirriżulta eċċess u, jekk ikun hemm nuqqas fir-riżorsi, il-gvern jista' jkollu s-setgħa jibdel l-intitolamenti marbuta mhux biss mal-impjegati fil-futur iżda wkoll għall-passat.
- 17.78 Ir-responsabbiltà tal-maniġer tal-pensjonijiet għal kwalunkwe nuqqas ta' fondi, jew il-benefiċċju ta' kwalunkwe fondi żejda, ta' skema tal-pensjoni tiġi rreġistrata bħala r-relazzjoni ta' passivi/assi mal-amministratur tal-pensjonijiet. Il-bidla fil-passiv bejn il-maniġer tal-pensjonijiet u l-amministratur tal-pensjonijiet titniżżel skont il-perjodu. Mhumiex l-intitolamenti tal-pensjoni tal-iskema li jiġu rreġistrati bħala passivi tal-maniġer tal-pensjonijiet, iżda d-differenza bejn l-intitolamenti tal-pensjoni u l-assi miżmuma mill-iskema. Meta l-assi miżmuma mill-iskema jkunu ikbar mill-intitolamenti tal-pensjoni, sitwazzjoni deskritta bħala finanzjament żejjed, relazzjoni tal-passiv/assi mal-maniġer tal-pensjonijiet tiġi rreġistrata fejn hemm ċertezza li kwalunkwe finanzjament żejjed isir il-proprijeta' tal-maniġer tal-pensjonijiet fil-każ tal-likwidazzjoni tal-iskema.
- 17.79 Kull qligħ u telf nominali fuq l-assi ġestiti mill-amministratur tal-pensjonijiet jiġu attribwiti lill-maniġer tal-pensjonijiet sabiex il-valur nett tal-fond tal-pensjoni jibqa' eżattament zero l-ħin kollu.

Reġistrazzjoni tal-istokks u l-flussi skont it-tip ta' skema tal-pensjoni fl-assigurazzjoni soċjali

Transazzjonijiet għall-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali

- 17.80 Fir-rikonoxximent tal-fatt li s-sigurtà soċjali normalment tiġi ffinanzjata fuq bażi "pay-as-you-ġo", l-intitolamenti tal-pensjoni dovuti taħt is-sigurtà soċjali ma jidhrux fil-kontijiet nazzjonali ewlenin. Fil-każ li l-pajjiżi kollha kellhom benefiċċji simili pprovduti taħt is-sigurtà soċjali u taħt l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali, il-paraguni internazzjonali jkunu iktar sempliċi. Madankollu, dan mhuwix il-każ u l-perċezzjonijiet nazzjonali ta' x'inhu kopert mis-sigurtà soċjali jvarjaw ħafna.
- 17.81 L-intitolamenti tal-pensjoni li jirriżultaw minn skemi tas-sigurtà soċjali mhumiex inklużi fil-kontijiet nazzjonali ewlenin. Id-diversità ta' dawn l-iskemi u l-iskemi ta' dawk li jħaddmu tvarja fl-Istati Membri. L-intitolamenti tal-pensjoni li jirriżultaw minn skemi tas-sigurtà soċjali huma inklużi fit-tabella supplementari għall-intitolamenti tal-pensjoni fl-assigurazzjoni soċjali akkumulati sa ċertu data (Tabella 17.5) biex id-data bejn il-pajjiżi tkun tista' titqabbel.
- 17.82 Ir-reġistrazzjoni tal-flussi għall-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali tirreferi għall-kontribuzzjonijiet li jsiru minn min iħaddem u mill-impjegati u għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali.
- 17.83 Kwalunkwe kontribuzzjoni li ssir minn min iħaddem tiġi ttrattata bħala parti mill-kumpens tal-impjegati. Titniżżel bħala transazzjoni distributtiva minn min iħaddem lill-impjegat. L-impjegat imbagħad iħallas dak li jirċievi minn min iħaddem flimkien ma' kwalunkwe kontribuzzjoni li jagħmel f'ismu lill-fond tas-sigurtà soċjali. Dan l-ammont jitniżżel li tħallas mill-unitajiet domestiċi lill-gvern.
- 17.84 Kwalunkwe kontribuzzjoni li ssir minn persuni li jħaddmu għal rashom jew mhux impjegati jiġu inklużi wkoll mal-kontribuzzjonijiet mill-unitajiet domestiċi lill-gvern.
- 17.85 Il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jitniżżlu bħala transazzjonijiet distributtivi mill-gvern ġenerali lill-unitajiet domestiċi.
- 17.86 It-Tabella 17.2 turi t-transazzjonijiet ta' skema tal-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Tabella 17.2 — Kontijiet għall-kontribuzzjonijiet soċjali u l-benefiċċji tal-pensjoni mħallsa permezz tas-sigurtà soċjali

Użi					Tip ta' kont u ransazzjoni	Riżorsi				
Min iħad-dem	Fond tas-sigurtà soċjali	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali		Min iħad-dem	Fond tas-sigurtà soċjali	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali
Kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu										
139,0				139,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħad-dem (D.1211)					
Kont tal-allokkazzjoni tal-introjtu primarju										
					Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħad-dem (D.1211)			139,0		139,0
Kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu										
		226,0		226,0	Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (pensjonijiet)		226,0			226,0
		139,0		139,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħad-dem (D.6111)		139,0			139,0
		87,0		87,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali tal-unitajiet domestiċi (D.6131);		87,0			87,0
	210,0			210,0	Benefiċċji tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti (D.6211);			210,0		210,0

Transazzjonijiet għal skemi oħra tal-pensjoni marbuta mal-impjegi

- 17.87 Għal skemi oħra marbuta mal-impjegi, l-intitolamenti tal-pensjoni tal-parteċipanti normalment jiġu rreġistrati kif jinbnew. L-introjtu mill-investiment iggwadanjat mill-intitolamenti tal-pensjoni eżistenti jiġi rreġistrat bħala mqassam lill-benefiċjarji u riinvestit minnhom fl-iskema tal-pensjoni.
- 17.88 Ir-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet għal skema ta' kontribuzzjoni definita hija anqas ikkumplikata mir-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet għal skema ta' benefiċċju definit.
- 17.89 Għaż-żewġ tipi ta' skemi, huwa meqjus li jeżisti fond tal-pensjoni. Għal skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita, għandu jeżisti fond reali. Għal skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit jista' jeżisti fond reali jew jista' jkun fond nozzjonali. Jekk jeżisti, jista' jkun parti mill-istess unità istituzzjonali bħal min iħad-dem, jista' jkun unità istituzzjonali separata bi skema tal-pensjoni awtonoma, jew jista' jkun parti minn istituzzjoni finanzjarja oħra, jew korporazzjoni tal-assigurazzjoni jew skema tal-pensjoni ta' diversi persuni li jħaddmu.

Transazzjonijiet għal skemi tal-pensjoni b'kontribuzzjoni definita

- 17.90 Il-kontribuzzjoni li ssir minn min iħad-dem lil skema tal-pensjoni b'kontribuzzjoni definita f'isem impjegat tiġi trattata bħala kumpens lill-impjegati.
- 17.91 L-introjtu mill-investiment fuq intitolamenti tal-pensjoni akkumulati jitniżżel ukoll bħala mqassam lill-unitajiet domestiċi mill-fond tal-pensjoni. L-introjtu mill-investiment jinkludi l-imgħax u d-dividendi pagabbli flimkien mal-introjtu mqassam tal-iskemi ta' investiment kollettiv jekk il-fond tal-pensjoni jkollu l-ishma fihom. Huwa possibbli li l-fond tal-pensjoni jkollu l-proprjetà tiegħu u jiġġenera eċċess operattiv nett, li jiġi inkluż flimkien mal-introjtu mill-investiment bħala dak imqassam lill-benefiċjarji tal-pensjoni. F'dan il-każ, it-terminu introjtu mill-investiment jinkludi dan is-sors ta' introjtu, jekk ikun jeżisti. Il-qligħ u t-telf nominali ġġenerati mill-investiment tal-intitolamenti tal-pensjoni kkumulati mhumiex inklużi fl-introjtu mill-investiment iżda jiġu rreġistrati bħala bidliet oħra minħabba r-rivalutazzjonijiet.
- 17.92 Parti mill-introjtu mqassam lill-unitajiet domestiċi jintuża għall-ispejjeż tat-tħaddim tal-fond tal-pensjoni. Din l-ispiża tidher bħala output tal-fond tal-pensjoni u bħala infiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi. Il-bqija tal-introjtu mqassam jiġi trattat bħala supplimenti tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni mħallsa lura mill-unitajiet domestiċi lill-fond tal-pensjoni.

- 17.93 Il-kontribuzzjonijiet soċjali jitniżżlu li tħallsu mill-unitajiet domestiċi lill-fond tal-pensjoni. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet soċjali huwa magħmul mill-kontribuzzjonijiet attwali minn min iħaddem bħala parti mill-kumpens tal-impjegati, kontribuzzjonijiet attwali mill-impjegati u possibbilment minn individwi oħra, bħal individwi li qabel kienu jipparteċipaw fi skema, persuni li jaħdmu għal rashom u persuni mhux impjegati kif ukoll dawk li rtiraw, u s-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 17.92. Għaċ-ċarezza, u għat-titjib tal-paragun ma' skemi ta' benefiċċju definit, is-supplimenti jidhru bil-valur sħiħ. Il-kontribuzzjonijiet totali li jsiru mill-unitajiet domestiċi lill-fond tal-pensjoni huma netti fl-istess mod li l-primjums tal-assigurazzjoni jkunu netti, jiġifieri huma t-total tal-kontribuzzjonijiet kollha li saru mingħajr il-ħlasijiet għas-servizz.
- 17.94 Dawk li jikkontribwixxu, ħliet dawk li huma impjegati, għal skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita jistgħu jinkludu persuni li jaħdmu għal rashom li jipparteċipaw fi skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita jew jistgħu jkunu persuni mhux impjegati li jipparteċipaw fi skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita bis-saħħa tal-professjoni jew l-istatus tal-impjeg ta' qabel tagħhom.
- 17.95 Il-benefiċċji tal-pensjoni lill-unitajiet domestiċi mill-fond tal-pensjoni huma mniżżla bħala transazzjonijiet distributtivi taħt benefiċċji oħra tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali (D.6221).
- 17.96 Hemm ukoll transazzjoni għas-servizz ipprovdut mill-fond tal-pensjoni (daqqs il-valur tal-output tal-fond tal-pensjoni), imniżżel bħala nfiq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi.
- 17.97 Iż-żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni kkawżata minn iktar kontribuzzjonijiet milli benefiċċji tidher bħala mħallsa mill-fond tal-pensjoni lill-unitajiet domestiċi. Bl-istess mod, tnaqqis fl-intitolamenti tal-pensjoni kkawżat minn defiċit fil-kontribuzzjonijiet imqabbla mal-benefiċċji, jitniżżel bħala pagament mill-unitajiet domestiċi lill-fond tal-pensjoni. Il-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni taffettwa direttament il-valur nett tal-unitajiet domestiċi, u għalhekk it-faddil tas-settur tal-unitajiet domestiċi. Peress li l-biċċa l-kbira miż-żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni tal-parteċipanti fi skema tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita, u għalhekk finalment il-finanzjament għall-benefiċċji, tiġi mill-qligħ mill-assi li mhuwiex inkuż fis-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet tal-parteċipanti fi skemi tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita, l-aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni għal dawn l-individwi ħafna drabi jkun negattiv.
- 17.98 L-aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni mħallsa mill-fond tal-pensjoni lill-unitajiet domestiċi jitniżżel bħala pretensjoni mill-unitajiet domestiċi lill-fond tal-pensjoni.
- 17.99 It-Tabella 17.3 turi l-entrati neċessarji għar-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet relatati ma' skema ta' kontribuzzjoni definita. Huwa iżjed sempliċi mit-tabella korrispondenti għal skema ta' benefiċċju definit, minħabba n-nuqqas ta' transazzjonijiet imputati.

Tabella 17.3 — Kontijiet għall-benefiċċji tal-pensjoni pagabbli taħt skema ta' kontribuzzjoni definita

Użi					Tip ta' kont u transazzjonijiet	Riżorsi				
Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali		Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali
Kont tal-produzzjoni										
					Output (P.1)		1,4			1,4
Kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt										
11,0				11,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħaddem (D.1211)					
Distribuzzjoni tal-introjt primarju										
					Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħaddem (D.1211)			11,0		11,0
			3,0	3,0	Introjt mill-proprjeta' (D.4)		3,0			3,0
	16,2			16,2	Introjt mill-investiment pagabbli fuq l-intitolamenti tal-pensjoni (D.442)			16,2		16,2

Użi					Tip ta' kont u transazzjonijiet	Riżorsi				
Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali		Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali
Kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu										
		37,3		37,3	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni totali tal-unitajiet domestiċi		37,3			37,3
		11,0		11,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħaddem (D.6111)		11,0			11,0
		11,5		11,5	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.6131);		11,5			11,5
		16,2		16,2	Supplimenti tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tal-unitajiet domestiċi (D.6141)		16,2			16,2
		- 1,4		- 1,4	Ħlasijiet għas-servizzi tal-iskema tal-assigurazzjoni soċjali (D.61SC)		- 1,4			- 1,4
	26,0			26,0	Benefiċċji oħra tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali (D.6221)			26,0		26,0
Kont tal-użu tal-introjtu										
		1,4		1,4	Infiq tal-konsum finali (P.3)					
	11,3			11,3	Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni (D.8)			11,3		11,3
- 11,0	- 11,8	25,8	- 3,0	0	Tfaddil					
Tibdil fl-assi					Kont finanzjarju	Bidliet fil-passivi				
					Teħid ta' self/għoti ta' self nett (B.9)	- 11,0	- 11,8	25,8	- 3,0	0,0
		11,3		11,3	Intitolamenti għall-pensjoni (F.63)		11,3			11,3
- 11,0	- 0,5	14,5	- 3,0	0,0	Assi finanzjarji oħra					

Flussi oħra marbuta ma' skemi tal-pensjoni b'kontribuzzjoni definita

- 17.100 Il-fatturi l-oħra li jaffettwaw il-bidla fl-entrata tal-karta tal-bilanċ għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni jidhru fil-kontijiet tal-bidliet l-oħra fl-assi. B'mod partikolari, l-intitolamenti tal-benefiċjarji tal-iskema juru l-qliġ jew it-telf mill-holding fil-kont tar-rivalutazzjoni li jikkorrispondu eżattament għal dawk fuq l-assi miżmuma mill-fond tal-pensjoni biex jissodisfa dawn l-obbligi.
- 17.101 L-investiment tal-intitolamenti ta' skemi tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita jwassal għal qligħ jew telf mill-holding. Dan il-qligħ jew telf iseħħ permezz ta' bidliet fil-valur tal-assi miżmuma mill-fond tal-pensjoni, u ammont ugwali eżattament għall-qligħ u t-telf nominali għandu jiġi attribwit bħala żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni tal-benefiċjarji. Dan jtniżżel fil-kont tar-rivalutazzjoni.

Transazzjonijiet għal skemi tal-pensjoni b'benefiċċju definit

- 17.102 Għal skemi tal-pensjoni ta' benefiċċju definit, min iħaddem għandu r-responsabbiltà li jilħaq il-pagamenti tal-pensjoni. Alternattivi li jinvolvu l-użu ta' skema ta' diversi persuni li jħaddmu jew fejn il-gvern jassumi r-responsabbiltà fisem min iħaddem isegwu d-definizzjonijiet mogħtija fil-paragrafi 17.76 u 17.77.
- 17.103 Il-kontribuzzjoni totali li ssir minn min iħaddem lil skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit fisem l-impjegat tiegħu għandha tkun biżżejjed biex b'hekk, flimkien ma' kwalunkwe kontribuzzjoni attwali tal-impjegat u minbarra l-ispiża tat-tħaddim tal-iskema, tkun taqbel maż-żieda għas-servizz kurrenti fl-intitolamenti tal-pensjoni tal-impjegat. Il-kontribuzzjoni minn min iħaddem tinqasam f'parti attwali u waħda imputata, din tal-aħħar ikkalkulata sabiex ikun hemm qbil preċiż bejn il-kontribuzzjonijiet kollha fil-fond li jżidu mal-intitolamenti tal-impjegat u l-ispiża għas-servizz attwali ta' dawn l-intitolamenti.
- 17.104 Il-kontribuzzjoni minn min iħaddem tiġi kkalkulata f'relazzjoni mal-intitolament tal-pensjoni għadjanat fil-perijodu irrappreżentat minn kwalunkwe introjtu mill-investiment iġġwadanjat mill-iskema fl-istess perijodu jew kwalunkwe finanzjament żejjed tal-iskema. L-intitolament tal-perijodu attwali huwa parti mill-kumpens tal-impjegat, u jekk il-valur sħiħ tal-kontribuzzjoni ta' min iħaddem ma jgħix inkluż, il-kumpens tal-impjegat ma jgħix rifless kollu u l-eċċess operattiv ta' min iħaddem ikun esaġerat. Huwa importanti li l-kontribuzzjonijiet ikomplu jiġu rreġistrati anki fil-każ ta' waqfien tal-kontribuzzjonijiet meta min iħaddem ma jagħmilx kontribuzzjoni attwali, il-benefiċċju lil min iħaddem jitqies bħala bidla fil-passivi bejn il-fond tal-pensjoni u min iħaddem. Dan iħalli l-valur nett tat-tnejn l-istess bħal meta l-kontribuzzjonijiet ma jgħux irreġistrati f'waqfien tal-kontribuzzjonijiet, mingħajr ma jitnaqqas il-kumpens tal-impjegat b'mod artifiċjali.
- 17.105 Fi skemi ta' benefiċċju definit, huwa possibbli perijodu ta' kwalifikazzjoni qabel ma impjegat isir eliġibbli biex jirċievi pensjoni malli jirtira. Minkejja dan il-perijodu ta' kwalifikazzjoni, kemm il-kontribuzzjonijiet kif ukoll l-intitolamenti għandhom jiġu rreġistrati mill-bidu tal-impjeg, aġġustati b'fattur li jirrifletti l-probabbiltà li l-impjegat jissodisfa tabilħaq il-perijodu ta' kwalifikazzjoni.
- 17.106 Is-somma tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali u imputati ta' min iħaddem tiġi ttrattata bħala parti mill-kumpens tal-impjegat. Din tiġi rreġistrata bħala użu ta' min iħaddem fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu, u riżorsa mill-impjegat fl-allokkazzjoni tal-kont tad- tal-introjtu primarju.
- 17.107 Iż-żieda fil-valur preżenti tal-intitolamenti tal-impjegati li baqgħu jaħdmu u dawk li ma għadhomx jikkontribwixxu iżda jibqgħu eliġibbli għall-pensjonijiet fil-futur tirrappreżenta l-introjtu mill-investiment mqassam lill-impjegati. Ma jsir l-ebda tnaqqis għal kwalunkwe ammont li jista' jiġi ffinanzjat mill-qligħ mill-holding jew li mhuwiex imqabbel attwalment mill-fondi eżistenti. L-introjtu mill-investiment mqassam lill-impjegati jaqbel mal-ammont li huwa dovut inekwivokament lill-impjegat taħt il-ftehimiet prevalenti; il-mezzi li bihom min iħaddem jista' finalment iqabbel dan l-obbligu mhumiex rilevanti għar-reġistrazzjoni ta' dan bħala introjtu mill-investiment ħliel għall-mezzi li bihom l-imgħax jew id-dividendi jiġu ffinanzjati tabilħaq jaffettwaw ir-reġistrazzjoni tagħhom bħala introjtu mill-investiment. L-introjtu mill-investiment jitniżżel bħala użu għall-fond tal-pensjoni u riżorsa għall-unitajiet domestiċi. Dan jiġi riinvestit immedjatament mill-unitajiet domestiċi fil-fond u inkluż fis-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni.
- 17.108 Fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu, il-kontribuzzjonijiet soċjali jidhru bħala użu tal-unitajiet domestiċi u riżorsa għall-fond tal-pensjoni. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli hu maġmūl mill-kontribuzzjonijiet attwali u imputati minn min iħaddem bħala parti mill-kumpens tal-impjegati, minbarra l-ammont tal-ispejjeż tat-tmexxija tal-iskema tal-pensjoni, flimkien mal-kontribuzzjonijiet attwali mill-impjegati flimkien mas-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 17.107. Kif spjegat fir-rigward ta' skemi ta' kontribuzzjoni definita, il-kontijiet juru l-valur sħiħ tal-kontribuzzjonijiet u s-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet b'entrata ta' tpaċija li tirrappreżenta l-ħlasijiet għas-servizz pagabbli. L-ammont imħallas attwalment huwa ċifra ta' kontribuzzjonijiet netti.
- 17.109 Il-benefiċċji tal-pensjoni lill-unitajiet domestiċi mill-iskema tal-pensjoni jitniżżlu fil-kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu. Meta l-benefiċċji jittieħdu f'termini ta' annwalità, il-pagamenti ta' annwalità jidhru hawnhekk u mhux is-somom f'daqqa pagabbli mal-irtirar.
- 17.110 Fil-kont tal-użu tal-introjtu, hemm entrata għall-ħlas tas-servizz ipprovdut mill-fond tal-pensjoni, ugwali għall-valur tal-output tal-fond tal-pensjoni biż-żieda tal-output tal-intrapriżi li joperaw l-annwalitajiet mixtrija bl-intitolamenti tal-pensjoni. Huwa muri bħala użu għall-unitajiet domestiċi u riżorsa għall-fond tal-pensjoni.
- 17.111 Barra minn hekk, fil-kont tal-użu tal-introjtu, hemm entrata li turi ż-żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni kkawżata mill-għoti ta' iktar intitolamenti tal-pensjoni minn min iħaddem, minn naħa waħda, mingħajr it-tnaqqis mill-benefiċċji riċevibbli, min-naħa l-oħra. Dan l-ammont jitniżżel bħala riżorsa għall-unitajiet domestiċi u bħala użu għall-fond tal-pensjoni. Ir-raġuni għal dan huwa li minħabba li din il-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni taffettwa direttament il-valur nett tal-unitajiet domestiċi, din għandha tiġi inkluż f'it-tfaddil tas-settur tal-unitajiet domestiċi.

- 17.112 L-ammont fil-kont tal-użu tal-introjt bħala mħallas mill-fond tal-pensjonijiet lill-unitajiet domestiċi jidher fil-kont finanzjarju bħala bidla fl-assi tal-unitajiet domestiċi vis-à-vis l-fond tal-pensjoni.
- 17.113 Organizzazzjonijiet oħra, bħal trade union, jistgħu joperaw skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit għall-membri tagħhom, li f'kull rispett tkun parallela għal skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit ta' min iħaddem. Tiġi segwita l-istess reġistrazzjoni eżatta ħlief li r-referenzi għal min iħaddem għandhom jiġu mifhuma li jirreferu għall-manijer tal-iskema u r-referenzi għall-impjegat għandhom jiġu mifhuma li jirreferu għall-parteċipant fl-iskema.
- 17.114 Sabiex tiġi deskritta r-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet konnessi ma' skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit, it-Tabella 17.4 turi eżempju numeriku. Iċ-ċifri imputati jidhru b'ittri grass; dawk li jirriżultaw minn allokkazzjoni ġdida jidhru b'ittri korsivi.

Tabella 17.4 — Kontijiet għall-benefiċċji tal-pensjoni pagabbli taħt skema ta' benefiċċju definit

Użi					Tip ta' kont u transazzjonijiet	Riżorsi				
Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali		Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali
Kont tal-produzzjoni										
					Output (P.1)		0,6			0,6
Kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt										
10,0				10,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħaddem (D.1211)					
4,1				4,1	Il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.1221)					
Kont tal-allokkazzjoni tal-introjt primarju										
					Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħaddem (D.1211)			10,0		10,0
					Il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.1221)			4,1		4,1
			2,2	2,2	Introjt mill-proprjeta' (D.4)		2,2			2,2
	4,0			4,0	Introjt mill-investiment pagabbli fuq l-intitolamenti tal-pensjoni (D.442)			4,0		4,0
Kont tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjt										
		19,0		19,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni totali tal-unitajiet domestiċi		19,0			19,0
		10,0		10,0	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attwali ta' min iħaddem (D.6111)		10,0			10,0
		4,1		4,1	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni imputati ta' min iħaddem (D.6121)		4,1			4,1
		1,5		1,5	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni effettivi tal-unitajiet domestiċi (D.6131)		1,5			1,5
		4,0		4,0	Supplimenti tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tal-unitajiet domestiċi (D.6141)		4,0			4,0

Użi					Tip ta' kont u transazzjonijiet	Riżorsi				
Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali		Min iħaddem	Fond tal-pensjoni	Unitajiet domestiċi	Setturi oħra	Ekonomija totali
		- 0,6		- 0,6	Ħlasijiet għas-servizzi tal-iskema tal-assigurazzjoni soċjali (D.61SC)		- 0,6			- 0,6
	16,0			16,0	Benefiċċji oħra tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali (D.6221)			16,0		16,0
Kont tal-użu tal-introjtu										
		0,6		0,6	Infq tal-konsum finali (P.3)					
	3			3	Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni (D.8)			3		3
- 14,-1	- 1,2	17,5	- 2,2	0	Tfaddil					
Tibdil fl-assi					Kont finanzjarju	Bidliet fil-passivi				
					Teħid ta' self/għoti ta' self nett (B.9)	- 14,1	- 1,2	17,5	- 2,2	0
		3		3	Intitolamenti għall-pensjoni (F.63)		3			3
	4,1			4,1	Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-maniġers tal-pensjoni (F.64)	4,1				4,1
- 10,-0	- 2,3	14,5	- 2,2	0	Assi finanzjarji oħra					

- 17.115 Il-kalkoli attwarji juru li ż-żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni li ġejja mis-servizz attwali, jiġifieri l-ammont nett tal-intitolamenti tal-pensjoni ulterjuri "gwadanjati" fis-sena konċernata hija 15. L-unitajiet domestiċi (id-detenturi ta' poloz/l-impjegati) jikkontribwixxu 1.5. Għalhekk, min iħaddem hu obligat jipprovdi 13.5. Barra minn hekk, l-ispiża tat-tħaddim tal-iskema hija stmata għal 0.6. Għalhekk, bħala total, min iħaddem għandu jipprovdi 14.1. Fil-fatt hu jikkontribwixxi 10, allura l-4.1 li jifdal hija kontribuzzjoni imputata. L-output ta' 0.6 jidher fil-kont tal-produzzjoni; il-konsum ta' dan is-servizz jiġi rrapportat fil-'kont tal-użu tal-introjtu'. Il-kontribuzzjonijiet minn min iħaddem jidher bħala użu għal min iħaddem fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu u riżorsa għall-unitajiet domestiċi fil-kont tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju.
- 17.116 Fil-kontijiet tal-allokazzjoni tal-introjtu primarju, jidher l-introjtu mill-proprjetà. Iż-żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni li ġejjin mis-servizz tal-passat, dovuta għar-rilassament tal-fattur tal-iskont minħabba li l-irtirar hu sena eqreb, hija 4. Din tidher bħala fluss imputat tal-introjtu mill-proprjetà mill-fond tal-pensjoni lill-unitajiet domestiċi. Fl-istess ħin, il-fond tal-pensjoni tabilħaqq jiġgwadanja 2.2 mill-introjtu mill-investiment tal-fondi li jiġġestixxi. F'dan il-punt, għalhekk, hemm nuqqas ta' 1.8 fir-riżorsi tal-fond tal-pensjoni iżda ma jidherx fil-kontijiet kurrenti.
- 17.117 Fil-kontijiet tad-distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu, jidher l-pagamenti mill-unitajiet domestiċi lill-fond tal-pensjoni. Dawn jistgħu jidher f'wieħed minn żewġ modi. Is-somma tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-unitajiet domestiċi għandha tkun uguali għaż-żieda fl-intitolamenti li ġejja mis-servizz attwali (15) flimkien ma' dik mill-introjtu fuq intitolamenti tal-passat (4) jew 19 b'kollox. L-ammonti mħallsa attwalment huma 10 rċevuti bħala kontribuzzjonijiet attwali ta' min iħaddem, 4.1 bħala kontribuzzjonijiet imputati, 1.5 tal-kontribuzzjonijiet proprji tal-unitajiet domestiċi, suppliment tal-kontribuzzjonijiet ta' 4 mingħajr il-ħlasijiet għas-servizz ta' 0.6; għal darb'oħra 19 b'kollox.
- 17.118 Fil-kont tal-użu tal-introjtu, kif ukoll ix-xiri tal-ħlasijiet għas-servizzi bħala parti mill-infq tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi, il-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni tidher bħala użu għall-fond tal-pensjoni u riżorsa għall-unitajiet domestiċi. F'dan l-eżempju, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet tal-unitajiet domestiċi ta' 19 huwa mqabbel mal-benefiċċji tal-pensjoni ta' 16. Għaldaqstant, hemm żieda ta' 3 fl-intitolamenti tal-pensjoni dovuti lill-unitajiet domestiċi.

Relazzjonijiet	Nru tar-Ringjela	Reġistrazzjoni	Kontijiet nazzjonali ewlenin							Mhux fil-kontijiet nazzjonali ewlenin	Skemi ta' pensjoni totali	Kontrappartijiet Intitolamenti tal-pensjoni ta' unitajiet domestiċi mhux residenti ⁽⁴⁾
		Maniġer tal-pensjoni	Gvern mhux ġenerali			Gvern ġenerali						
		Skemi ta' kontribuzzjoni definita	Skemi tal-benefiċċji definiti u skemi oħra ⁽¹⁾ bil-kontribuzzjonijiet mhux definiti	Totali	Skemi bil-kontribuzzjonijiet definiti	Skemi ta' benefiċċju definit għal impjegati tal-gvern ġenerali ⁽²⁾			Skemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali			
						Klassifikati f'korporazzjonijiet finanzjarji	Klassifikati fil-gvern ġenerali ⁽²⁾	Klassifikati fil-gvern ġenerali				
Numru tal-kolonna	A	B	C	D	E	F	G	H	I	J		
	7	Tibdil fid-drittijiet minħabba l- bidliet negozjati fl-istruttura tal-iskema										
Bidliet fid-drittijiet tal-pensjoni minħabba flussi oħra												
	8	Bidliet fl-intitolamenti dovuti għar-rivalutazzjonijiet ⁽⁶⁾										
	9	Bidliet fid-drittijiet minħabba bidliet oħra fil-volum ⁽⁶⁾										
Karta tal-bilanċ tal-għeluq												
1+ 5 sa 9	10	Intitolamenti għall-pensjoni										
Indikaturi relatati												
	11	Output										

⁽¹⁾ Dawn l-iskemi l-oħra bil-kontribuzzjoni mhux definita, li huma ħafna drabi magħrufa bħala skemi ibridi, għandhom kemm element ta' benefiċċju definit kif ukoll element ta' kontribuzzjoni definita.

⁽²⁾ Skemi organizzati mill-gvern ġenerali għall-impjegati attwali u preċedenti tiegħu.

⁽³⁾ Dawn huma skemi ta' benefiċċju definit mhux awtonomi li l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom jiġu reġistrati fil-kontijiet nazzjonali ewlenin.

⁽⁴⁾ Id-data tal-kontrapparti għal unitajiet domestiċi mhux residenti tidher separatament biss meta r-relazzjonijiet tal-pensjoni mal-bqija tad-dinja jkunu sinifikanti.

⁽⁵⁾ Dawn is-supplimenti jirrapreżentaw ir-redditu fuq il-pretensjonijiet tal-membri mill-iskemi tal-pensjoni, kemm mill-introjtu mill-investimenti fuq l-assi tal-iskemi bil-kontribuzzjoni definita kif ukoll għall-iskemi tal-benefiċċji definiti permezz tar-rilassament tar-rata tal-iskont applikata.

⁽⁶⁾ Qsim iżjed dettaljat ta' dawn il-pożizzjonijiet għandu jkun ipprovdut għall-kolonna G u H abbażi tal-mudelli tal-kalkoli li twettqu għal dawn l-iskemi. Iċ-ċelluli li jidhru bħala mhumiex applikabbli; iċ-ċelluli ■ għandu jkun fihom data differenti mill-kontijiet nazzjonali ewlenin.

Il-kolonna tat-tabella

17.125 Il-kolonna tat-tabella jirreferu għal tliet gruppi ta' skemi tal-pensjoni, kif ġej:

- Skont it-tip ta' reġistrazzjoni fl-iskemi tal-pensjoni reġistrati kompletament fil-kontijiet nazzjonali ewlenin (minn kolonna A sa F) u daww li l-intitolamenti tagħhom jiġu reġistrati biss fit-tabella supplimentari (minn kolonna G sa H);
- Skont it-tip ta' maniġer tal-pensjoni fl-iskemi tal-pensjoni li mhumiex tal-gvern ġenerali (minn kolonna A sa C) u tal-gvern ġenerali (minn kolonna D sa H); l-iskemi tal-pensjoni inkluża s-sigurtà soċjali kklassifikati taħt gvern ġenerali jidhru fil-kolonna D, F, G u H; u

- (3) Skont it-tip ta' skema tal-pensjoni fi skemi ta' kontribuzzjoni definita (kolonni A u D) u l-iskemi ta' benefiċċju definit (kolonna B u minn E sa G).
- 17.126 Fil-maġġoranza, il-benefiċjarji tal-iskemi tal-pensjoni huma unitajiet domestiċi residenti. F'ċerti pajjiżi, l-għadd ta' unitajiet domestiċi mhux residenti li jirċievu benefiċċji tal-pensjoni jista' jkun sinifikanti. F'dan il-każ, il-kolonna J tiżdied biex jintwera t-total għall-unitajiet domestiċi mhux residenti.
- 17.127 Id-deċiżjoni li jiġu rreġistrati l-intitolamenti tal-pensjoni ta' skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit relatata mal-impjegat mhux iffinanzjata fejn il-gvern huwa l-manijer tal-pensjonijiet fil-kontijiet nazzjonali standard jew biss fit-tabella supplimentari tiddependi fuq in-natura tal-iskema ta' benefiċċju definit. Il-prinċipju ta' gwida għall-inklużjoni fil-kontijiet nazzjonali huwa kemm l-iskema tkun tixbah l-iskema nazzjonali tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali.
- 17.128 Hemm diversità kbira ta' skemi fl-UE, u l-inklużjoni tal-iskemi kollha twassal għall-inkonsistenzi fir-reġistrazzjoni. Għalhekk l-intitolamenti ta' skemi ta' benefiċċju definit marbuta mal-impjegat mhux iffinanzjati fejn il-gvern huwa l-manijer tal-pensjonijiet jiġu rreġistrati biss fit-tabella supplimentari. Dan jaffettwa l-metodu tal-kalkolu fil-kontijiet nazzjonali ewlenin tal-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem għal dawn l-iskemi.
- 17.129 L-iskemi tal-pensjoni jiġu kklassifikati ulterjorment skont il-manijer tal-pensjoni, bħala manijers tal-pensjoni tal-gvern u mhux tal-gvern. Id-definizzjoni ta' manijer tal-pensjoni tingħata fil-paragrafu 17.75.
- 17.130 Ċerti skemi tal-pensjoni ta' min iħaddem fihom sħubija mħallta, pereżempju jinkludu kemm impjegati tal-gvern kif ukoll impjegati ta' korporazzjonijiet pubbliċi, u ħafna skemi tal-pensjoni ffriżaw is-sħubija tal-parteċipanti li ċċaqalqu għand persuna oħra li tħaddem. Skema bi proporzjon żgħir ta' impjegati mhux tal-gvern xorta waħda tiġi deskritta bħala skema b'manijer tal-pensjoni tal-gvern.
- 17.131 L-iskemi ta' benefiċċju definit iffinanzjati mill-gvern ġenerali għall-impjegati tagħha stess jidhru fil-kolonni E u F. Il-kolonna E turi skemi ġestiti minn fond tal-pensjoni jew korporazzjoni tal-assigurazzjoni u l-kolonna F turi dawk l-iskemi ġestiti mill-gvern ġenerali stess. L-iskemi tal-gvern għall-impjegati tiegħu stess fejn l-intitolamenti tal-pensjoni ma jidhru fil-kontijiet nazzjonali ewlenin jidhru fil-kolonna G. Is-somma tal-kolonni E, F u G għalhekk turi r-responsabbiltà totali tal-gvern għall-intitolamenti tal-pensjoni għall-impjegati tiegħu stess.
- 17.132 L-iskemi tal-pensjoni jiġu kklassifikati skont it-tip ta' skema bħala skemi tal-pensjoni ta' kontribuzzjoni definita (kolonni A u D) u skemi tal-pensjoni ta' benefiċċju definit (kolonni B, E, F u G). Il-kolonna H hi relatata mal-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali.

Ir-ringieli tat-tabella

- 17.133 Ir-ringieli tat-tabella huma relatati mal-pożizzjonijiet, transazzjonijiet u flussi oħra tal-karta tal-bilanċ assoċjati mal-intitolamenti tal-pensjoni tal-iskemi inklużi fit-tabella supplimentari u jidhru separatament fit-Tabella 17.6. Hemm rikonċiljazzjoni bejn l-istokk inizjali tal-intitolamenti tal-pensjoni ta' skemi bħal dawn fil-bidu ta' perijodu u l-istokk finali tal-intitolamenti tal-pensjoni fl-aħħar ta' perijodu, b'kunsiderazzjoni tat-transazzjonijiet kollha u flussi oħra matul il-perijodu. Għal skemi rreġistrati fil-kolonni G u H, l-istokks tal-intitolamenti tal-pensjoni mhumiex irreġistrati fil-kontijiet nazzjonali ewlenin, iżda ħafna mit-transazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-kontijiet nazzjonali ewlenin.

Tabella 17.6 — Ir-ringieli tat-tabella supplimentari dwar l-intitolamenti tal-pensjoni fl-assigurazzjoni soċjali akkumulati sa ċertu data

Nru tal-Ringiela	
	Karta tal-bilanċ tal-ftuħ
1	Intitolamenti għall-pensjoni
	Tibdiliet fl-intitolamenti tal-pensjoni minħabba t-transazzjonijiet
2	Żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni minħabba l-kontribuzzjonijiet soċjali
2.1	Kontribuzzjonijiet soċjali reali ta' min iħaddem
2.2	Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem

Nru tal-Ringjela	
2.3	Kontribuzzjonijiet soċjali reali tal-unitajiet domestiċi
2.4	Supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi ⁽¹⁾
2.5	Mingħajr: Ħlasijiet għas-servizz tal-iskema tal-pensjoni
3	Żieda oħra (attwarja) fl-intitolamenti tal-pensjoni fl-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali
4	Tnaqqis fl-intitolamenti tal-pensjoni minħabba l-ħlas tal-benefiċċji tal-pensjoni
5	Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni minħabba l-kontribuzzjonijiet soċjali u l-benefiċċji tal-pensjoni
6	Trasferimenti tal-intitolamenti tal-pensjoni bejn l-iskemi
7	Tibdil fl- intitolamenti minħabba bidliet negozjati fl-istruttura tal-iskema
	Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni dovuti għal flussi ekonomiċi oħra
8	Bidliet fl-intitolamenti dovuti għar-rivalutazzjonijiet ⁽²⁾
9	Bidliet fl-intitolamenti minħabba bidliet oħra fil-volum ⁽²⁾
	Karta tal-bilanċ tal-għeluq
10	Intitolamenti għall-pensjoni
	Indikaturi relatati
11	Output

⁽¹⁾ Dawn is-supplimenti jirrappreżentaw ir-redditu fuq il-pretensjonijiet tal-membri fuq l-iskemi tal-pensjoni, kemm permezz ta' introjtu mill-investiment fuq assi ta' skemi ta' kontribuzzjoni definita u għal skemi ta' benefiċċju definit permezz ta' rilassament tal-fattur tal-iskont applikat.

⁽²⁾ Għandu jingħata tqassim iktar dettaljat ta' dawn il-pożizzjonijiet għall-kolonni G u H abbażi tal-kalkoli ta' mudell li twettqu għal dawk l-iskemi (ara l-paragrafi 17.158 – 17.160).

Karti tal-bilanċ tal-ftuħ u l-għeluq

17.134 Ir-ringjela 1 turi l-istokk inizjali tal-intitolamenti tal-pensjoni, li huma eżattament ekwivalenti għall-istokks finali tal-perijodu bażi tal-kontijiet preċedenti. Ir-ringjela 10 turi l-istokks tal-għeluq korrispondenti tal-intitolamenti tal-pensjoni fi tmien il-perijodu bażi tal-kontijiet.

Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni minħabba t-transazzjonijiet

17.135 Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem u l-impjegat jiġi rreġistrati fir-ringieli 2.1 u 2.3, bħal fil-kontijiet nazzjonali ewlenin. Fil-każ ta' ċerti skemi tal-pensjoni, notevolment l-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, huwa neċessarju li l-kontribuzzjonijiet soċjali attwali marbuta mal-pensjonijiet jiġu distinti mill-kontribuzzjonijiet soċjali marbuta ma' riskji soċjali oħra bħall-qgħad.

17.136 Għall-iskemi tal-pensjoni ta' benefiċċju definit, il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem ġeneralment jitkeġju bħala l-entrata saldatorja – il-bidliet fl-intitolamenti matul is-sena mhux inklużi fringieli oħra tat-tabella jitpoġġew fir-ringjela 2.2. Din ir-ringjela tkopri "effetti tal-esperjenza" fejn l-eżitu osservat tas-suppożizzjonijiet tal-immudellar tal-pensjonijiet (ir-rata tat-tkabbir tal-pagi, ir-rata tal-inflazzjoni u r-rata tal-iskont) ivarja mil-livelli supponuti. F'din ir-ringjela jidher zero għal skemi ta' kontribuzzjoni definita.

17.137 Ir-ringjela 2.4 turi l-introjtu mill-proprjetà ggwadanjat jew imputat fl-iskemi, li jgħaddi mis-settur tal-unitajiet domestiċi jew tal-bqija tad-dinja. Wieħed għandu jinnota li għall-iskemi ta' benefiċċju definit kollha inklużi s-sigurtà soċjali, humiex iffinanzjati jew le, dan l-introjtu mill-proprjetà huwa ekwivalenti għar-rilassament tar-rata tal-iskont. Fi kliem ieħor, il-valur huwa ugħali għar-rata ta' skont immultiplikata bl-intitolamenti tal-pensjoni fil-bidu tal-perijodu bażi tal-kontijiet.

17.138 Ċerti entrati fir-ringieli tal-kolonni G u H, speċifikament il-kontribuzzjonijiet attwali li jsiru kemm minn min iħaddem kif ukoll mill-impjegati, jidher fil-kontijiet nazzjonali ewlenin, anki jekk l-intitolamenti u l-bidla fl-intitolamenti ma jidherx. Entrati oħra fil-kolonni G u H li jidher biss fit-tabella supplementari huma oskurati fit-tabella u spjegati hawn taħt.

- 17.139 Il-kontribuzzjoni imputata minn min iħaddem għal dawk l-iskemi tal-gvern li għalihom l-intitolamenti jidhru fil-kolonna G iżda mhux fil-kontijiet nazzjonali ewlenin jeħtieġu kunsiderazzjoni speċjali. Fil-kontijiet nazzjonali ewlenin, il-kontribuzzjonijiet imputati għandhom jiġu stmati fuq il-bażi tal-kalkoli attwarji. Fil-każijiet fejn il-kalkoli attwarji ma jistgħux jiksbu livell suffiċjenti ta' affidabbiltà u f'dawk il-każijiet biss, huma possibbli żewġ approċċi oħra biex jiġu stmati l-kontribuzzjonijiet imputati tal-pensjoni tal-unità tal-gvern:
- (1) abbażi ta' perċentwal raġonevoli tal-pagi u s-salarji mħallsa lill-impjegati attwali; jew
- (2) bħala ekwivalenti għad-differenza bejn il-benefiċċji attwali pagabbli u l-kontribuzzjonijiet attwali pagabbli (kemm mill-impjegati kif ukoll mill-gvern bħala min iħaddem).
- Il-partiti għas-supplimenti tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-unitajiet domestiċi u l-bidliet l-oħra fl-intitolamenti jidhru fuq l-istess bażi bħall-iskemi privati.
- 17.140 Entrata kkalkulata fuq l-istess bażi attwarja fir-rigward tas-sigurtà soċjali tidher fir-ringiela 3 bħala "akkumulazzjoni (attwarja) oħra tal-intitolamenti tal-pensjoni fil-fondi tas-sigurtà soċjali". Għalhekk, hija distinta mill-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem.
- 17.141 Billi t-tabella supplimentari tagħti elaborazzjoni sħiħa tal-bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni fil-perijodu bażi tal-kontijiet, jeħtieġ li tiddaħħal ringiela speċifika biex tindirizza l-każ meta l-kontribuzzjonijiet soċjali attwali lill-iskema tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali ma jkunux attwarji, u, għalhekk, ikun hemm kontribuzzjoni imputata, li ma tkunx ir-responsabbiltà ta' ebda persuna li tħaddem. Dawn it-transazzjonijiet imputati tal-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali jidhru fir-ringiela 3 bħala żieda attwarja oħra tal-intitolamenti tal-pensjoni fl-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. L-entrati f'din ir-ringiela jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi – il-każijiet negattivi jseħħu fi skema tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali fejn ir-rata tal-iskont tkun ogħla mir-rata interna ta' redditu tal-iskema. Ir-rata interna tar-redditu ta' skema tal-pensjoni hija r-rata tal-iskont li hija ugwali għall-valur preżenti tal-kontribuzzjonijiet attwali mħallsa u l-valur skontat tal-intitolamenti tal-pensjoni dovuti permezz ta' dawk il-kontribuzzjonijiet. L-entrati negattivi jseħħu pereżempju meta jkunu nġabru kontribuzzjonijiet iktar mil-livell attwarju meħtieġ sabiex jiġi ffinanzjat nuqqas fil-likwidità fuq perijodu qasir.
- 17.142 Ir-ringiela 3 ma tirrappreżentax trasferimenti ta' flus kontanti mid-dħul tat-taxxa, u għandha tiġi rreġistrata fil-kontijiet standard bħala trasferimenti kurrenti bejn l-unitajiet tal-gvern jekk dawn ma jkollhomx impatt fuq l-intitolamenti tal-pensjoni. F'ċerti Stati Membri, il-gvernijiet jagħmlu trasferimenti lill-iskemi tal-pensjoni li jżidu l-intitolamenti tal-pensjoni (pereżempju fejn it-trasferimenti jsiru għal gruppi soċjali speċifiċi li ma jistgħux jikkontribwixxu direttament), li jindika li l-ammonti għandhom jiġu inklużi b'mod impliċitu f'din iċ-ċifra fir-ringiela kkalkulata permezz tad-differenza.
- 17.143 Id-differenzi fil-perijodu bażi tal-kontijiet li jinsabu bejn it-tkabbir fil-pagi supponut u attwali (jiġifieri l-parti tat-tkabbir fil-pagi tal-"effetti tal-esperjenza" jew "effetti attwarji" fl-immudellar) jeħtieġ jiġu riflessi fit-transazzjonijiet (il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem), flimkien mal-effetti l-oħra kollha tal-esperjenza.
- 17.144 Ir-ringiela 3 fiha kull "effett tal-esperjenza" osservat għall-iskemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali fejn l-eżitu osservat tas-suppożizzjonijiet tal-immudellar tal-pensjonijiet (ir-rata tat-tkabbir fil-pagi, ir-rata tal-inflazzjoni u r-rata tal-iskont) fi kwalunkwe sena waħda huwa differenti mil-livelli supponuti.
- 17.145 Ir-ringiela 4 turi l-benefiċċji tal-pensjoni li jitħallsu matul il-perijodu bażi tal-kontijiet. Il-ħlas tal-benefiċċji tal-pensjoni għandu l-effett ta' "ħlas" ta' wħud mill-intitolamenti tal-pensjoni inklużi fl-istokks inizjali fir-ringiela 1.
- 17.146 Ir-ringiela 5 tippreżenta l-bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni dovuti għall-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji. Hija r-ringiela 2 flimkien mar-ringiela 3 mingħajr ir-ringiela 4. Din l-entrata saldatorja mkejla mill-kontijiet mhux finanzjarji hija ekwivalenti għal dik imkejla mill-kontijiet finanzjarji.
- 17.147 Karatteristika waħda tal-ambjent li qed jinbidel tal-pensjonijiet hija ż-żieda fil-possibbiltà li jkun hemm "pensjonijiet li jinġarru", sabiex persuna li tbiddel ix-xogħol tista' tittrasferixxi l-intitolament tal-pensjoni mill-persuna li kienet tħaddem qabel għal wieħed mal-persuna ġdida li tħaddem. Meta dan iseħħ, l-intitolament tal-pensjoni tal-unità domestika kkonċernata ma jiġix affettwat iżda ssir transazzjoni bejn iż-żewġ skemi tal-pensjoni hekk kif dik ġdida tassumi l-passiv ta' dik ta' qabel. Barra minn hekk, ikun hemm transazzjoni kontroparti f'ċerti assi biex taqbel ma' dawn il-passivi.
- 17.148 Jekk il-gvern jassumi r-responsabbiltà għall-provvista tal-pensjonijiet għall-impjegati ta' unità mhux tal-gvern permezz ta' transazzjoni espliċita, kwalunkwe ħlas mill-unità mhux tal-gvern jeħtieġ tiġi rreġistrata bħala kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa minn qabel (F.89). Dan it-tip ta' arranġament jiġi diskuss iżjed fil-paragrafi 20.272 sa 20.275.

- 17.149 Meta unità waħda tiegħa fidha r-responsabbiltà għall-intitolamenti tal-pensjoni minn unità oħra, jitniżżlu żewġ transazzjonijiet fir-ringiela 6. L-ewwel, ikun hemm trasferiment tal-intitolamenti tal-pensjoni mill-iskema tal-pensjoni oriġinali għall-iskema tal-pensjoni ġdida. It-tieni, jista' jkun hemm trasferiment fi flus kontanti jew assi finanzjarji oħra biex jikkompensaw l-iskema tal-pensjoni ġdida. Huwa possibbli li l-valur tat-trasferiment tal-assi finanzjarji ma jkunx eżattament ugwali għall-valur tal-intitolamenti tal-pensjoni trasferiti. F'dak il-każ hija meħtieġa t-tielet entrata fit-transazzjonijiet tat-trasferimenti tal-kapital biex jiġu riflessi korrettament il-bidliet fil-valur nett taż-żewġ unitajiet ikkonċernati.
- 17.150 Min iħaddem qed jirrifirma dejjem iżjed l-iskemi tal-pensjoni li jiġġestixxu b'reazzjoni għal fatturi demografiċi u oħrajn. Ir-riformi jistgħu jieħdu l-forma ta' bidla fil-formola tal-benefiċċju, bidla fl-età tal-irtirar, jew bidla f'dispożizzjonijiet oħra tal-iskema.
- 17.151 Ir-riformi tal-pensjoni ippromulgati biss iwasslu għar-reġistrazzjoni fil-kontijiet nazzjonali, fl-istimi tal-intitolamenti tal-pensjoni fis-sena li fiha l-promulgazzjoni sseħħ u sussegwentement fil-flussi osservati. Tħabbira minn min iħaddem dwar l-intenzjoni tiegħu li jirrifirma l-pensjonijiet mhijiex bażi suffiċjenti biex jiġu introdotti l-effetti tar-riforma fid-data tal-kontijiet nazzjonali.
- 17.152 F'ċerti każijiet ta' riforma, min iħaddem jagħżel li jħalli d-drittijiet awtorizzati tal-membri eżistenti mingħajr tibdil u japplika biss l-arranġamenti riformati għall-akkwist fil-futur ta' intitolamenti addizzjonali. Ma għandu jkun hemm l-ebda impatt immedjat fuq il-benefiċċji tal-pensjoni attwali. L-impatt għandu jidher fil-miżuri futuri tal-benefiċċji tal-pensjoni, f'konformità mal-approċċ tal-akkumulazzjoni sa ċerta data.
- 17.153 Madankollu, f'ċerti każijiet min iħaddem jiddeċiedi li jagħmel riformi li jaffettwaw l-intitolamenti dovuti sa ċerta data għall-membri eżistenti; pereżempju, żieda ġenerali fl-età tal-irtirar għall-membri kollha. Dawn it-tipi ta' riformi jbiddu l-istokk tal-intitolamenti tal-pensjoni matul is-sena li fiha jiġu promulgati. Dan l-effett għandu jiġi rreġistrat bħala fluss. Jista' jkun kbir ħafna billi jaffettwa l-intitolamenti attwali u futuri tal-pensjoni.
- 17.154 Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni jiġu rreġistrati bħala transazzjonijiet kif ġej:
- (a) Jekk l-intitolamenti ta' skema tal-pensjoni jiġu inklużi fil-kontijiet nazzjonali ewlenin, u min iħaddem jaqbel li jbiddu it-termini tal-intitolamenti tal-pensjoni permezz ta' negozjar mal-impjegat affettwat, din il-bidla tiġi rreġistrata bħala transazzjoni fil-kontijiet nazzjonali ewlenin (taħt kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem);
 - (b) Jekk l-intitolamenti ta' skema tal-pensjoni ma jiġux irreġistrati fil-kontijiet nazzjonali ewlenin, u min iħaddem jaqbel fuq bidla fit-termini tal-intitolamenti tal-pensjoni permezz ta' negozjar mal-impjegati affettwati, din il-bidla tiġi rreġistrata bħala transazzjoni fit-tabella supplimentari;
 - (c) Fil-każ tas-sigurtà soċjali, jekk ikun hemm qbil fuq il-bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni mill-awtoritajiet parlamentari, dan għandu jiġu rreġistrat fit-tabella supplimentari daqs li kieku ġie nnegozjat.
- 17.155 Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni li huma imposti mingħajr negozjar jiġu rreġistrati bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi.
- 17.156 Il-bidliet fl-intitolamenti dovuti sa ċerta data li jirriżultaw minn servizz fil-passat jitniżżlu bħala trasferimenti tal-kapital.
- 17.157 Ir-ringiela 7 turi l-impatt tar-riformi tal-istrutturi tal-iskema tal-pensjoni fuq l-intitolamenti relatati mas-servizz tal-passat.
- Bidliet fl-intitolamenti tal-pensjoni dovuti għal flussi ekonomiċi oħra*
- 17.158 Ir-ringieli 8 u 9 huma għall-flussi l-oħra bħal rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum assoċjati mal-iskemi tal-pensjoni fl-assigurazzjoni soċjali. It-Tabella 17.7 turi l-flussi l-oħra, maqsuma f'rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum.
- 17.159 Ir-rivalutazzjonijiet huma dovuti għal bidliet fis-suppożizzjonijiet ta' mudelli ewlenin tal-kalkoli attwarji. Dawn is-suppożizzjonijiet huma r-rata ta' skont, ir-rata tal-pagi u r-rata ta' inflazzjoni. L-effetti tal-esperjenza ma jiġux inklużi hawnhekk sakemm ma jkunx possibbli li jiġu identifikati separatament. Bidliet oħra fl-istimi attwarji aktarx li jiġu rreġistrati bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi. L-effetti tal-bidliet fil-prezz dovuti għall-investment tal-intitolamenti jiġu rreġistrati bħala rivalutazzjonijiet li jidhru fil-kont tar-rivalutazzjoni.
- 17.160 Meta s-suppożizzjonijiet demografiċi użati fil-kalkoli attwarji jinbiddu, dawn jiġu rreġistrati bħala bidliet oħra fil-volum tal-assi.

Tabella 17.7 — Flussi oħra bħala rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum tal-assi

<u>Rivalutazzjonijiet</u>
Bidliet fir-rata tal-iskont supponuta
Bidliet fl-iżviluppi supponuti fil-pagi
Bidliet fl-iżviluppi supponuti fil-prezzijiet
<u>Bidliet oħra fil-volum tal-assi</u>
Bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi
Bidliet oħrajn

Indikaturi relatati

17.161 Is-servizzi finanzjarji prodotti mill-iskemi tal-pensjoni kollha jiġu rreġistrati bħala mħallsa mill-membri tal-iskema, u għalhekk l-ispejjeż tal-iskemi tal-pensjoni ma jiġux irreġistrati bħala konsum intermedju ta' min iħaddem li jopera l-iskema. Għaldaqstant, iċ-Ċart 17.1 turi s-servizzi finanzjarji bħala separati mill-kontribuzzjonijiet soċjali. Il-preżentazzjoni tas-servizzi finanzjarji f'dan il-mod tfisser li ċ-ċifri murija bħala kontribuzzjonijiet riċevuti mill-impjegati minn min iħaddimhom huma eżattament l-istess bħal dik il-parti tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impjegati lill-iskema tal-pensjoni. Barra minn hekk, mhuwiex neċessarju li jidher liema element tal-kontribuzzjonijiet soċjali jkopri t-tariffa tas-servizz. Huwa s-suppliment tal-kontribuzzjoni tal-unitajiet domestiċi li jkopri l-ħlas għas-servizz għal skema ta' kontribuzzjoni definita u hija l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem jew tal-unitajiet domestiċi li tagħmel dan għal għal skema ta' benefiċċju definit.

Minħabba li l-output jiġi rreġistrat għall-iskemi kollha tal-pensjoni ta' min iħaddem, li l-membri tal-iskema jikkonsomaw, ir-ringiela 11 turi l-output skont it-tip ta' skema.

Dijagramma 17.1 — Intitolamenti tal-pensjoni u l-bidliet tagħhom

	Kontribuzzjonijiet (attwali, imputati li minnhom: introjtu mill- proprjetà) (ringieli 2 u 3)	Benefiċċji tal-pensjoni (ringiela 4)	
		Servizzi finanzjarji	
	Flussi oħra (rivalutazzjonijiet, bidliet oħra fil-volum) (ringieli 8 u 9)	Bidliet fl-intitolamenti tal- pensjoni (minħabba transazzjonijiet u flussi oħra ekonomiċi)	
Intitolamenti għall-pensjoni fil-bidu tal-perjodu (ringiela 1)			Intitolamenti għall-pensjoni fi tmiem tal-perjodu (ringiela 10)
Stokk ft_0	Transazzjonijiet u flussi oħra bejn t_0 u t_1		Stokk ft_1

Din iċ-ċart hija purament illustrattiva u ma għandhiex tiġi attribwita tifsira speċifika lid-daqsijiet differenti tal-kaxxi.

Suppożizzjonijiet attwarji

Intitolamenti dovuti sa ċerta data

- 17.162 L-intitolamenti tal-pensjoni fil-kontijiet nazzjonali jitkejlu fuq bażi grossa. L-ebda ass jew kontribuzzjoni soċjali akkumulati ma jitqiesu fil-kompilazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' intitolamenti netti. L-intitolamenti tal-pensjoni minħabba l-benefiċċji tal-pensjoni attwali u futuri biss huma koperti.
- 17.163 Il-kunċett tal-passiv dovut sa ċerta data huwa xieraq għall-fini tal-kontijiet nazzjonali. Dan jinkludi l-valur preżenti tal-intitolamenti tal-pensjoni li jirriżulta mill-intitolamenti tal-pensjoni dovuti diġà. Pereżempju, ikopri l-intitolamenti tal-pensjoni dovuti lill-ħaddiema attwali, inklużi l-intitolamenti tal-pensjoni diferiti, u l-bqija tal-intitolamenti tal-pensjoni tal-pensjonanti eżistenti.
- 17.164 Bħad-data kollha tal-kontijiet nazzjonali, id-data titkejjel ex-post, għaliex tinkludi biss il-valuri attwali tal-intitolamenti li jirriżultaw mid-drittijiet tal-pensjoni dovuti fid-data tal-karta tal-bilanċ. Il-metodu huwa bbażat fuq avvenimenti u transazzjonijiet tal-passat osservabbli, bħas-sħubija fl-iskema fl-pensjoni u l-kontribuzzjonijiet imħallsa. Madankollu, dawn il-miżuri ex-post jiddependu wkoll fuq għadd ta' suppożizzjonijiet fil-proċess tal-immudellar. L-istimi jsiru għall-probabbiltà tal-kontributuri attwali li jmutu jew isiru inkapaċi qabel ma jaslu sal-età tal-pensjoni. Il-miżuri jirriflettu wkoll bidliet futuri fil-fluss tal-ħlas minħabba kwalunkwe leġislazzjoni promulgata qabel is-sena li għaliha qed jiġu kkalkulati l-intitolamenti tal-pensjoni. Fl-aħħar nett, il-metodu jeħtieġ xi suppożizzjonijiet importanti dwar l-iżviluppi futuri, notevolment dwar ir-rata tal-iskont għall-ħlasijiet futuri tal-pensjoni.

Rata ta' skont

- 17.165 Ir-rata tal-iskont applikata għall-istimi tal-benefiċċji tal-pensjoni futuri fil-każ tal-intitolamenti dovuti sa ċerta data hija waħda mis-suppożizzjonijiet l-aktar importanti li trid issir fl-immudellar tal-iskemi tal-pensjoni, minħabba li l-impatt akkumulat tagħha fuq ħafna deċenni jista' jkun kbir ħafna. Ir-rata tal-iskont minn approċċ magħżul tista' tinbidel maż-żmien, u dan jista' jwassal għal rivalutazzjonijiet fil-kontijiet.

- 17.166 Ir-rata tal-iskont tista' tidher bħala ekwivalenti għar-rata tar-redditu ħielsa mir-riskju mistennija fuq l-assi miżmuma minn skema tal-pensjoni. Fil-każ ta' intitolamenti tal-pensjoni li jridu jitħallsu fil-futur, ir-rata tal-iskont tista' tidher ukoll bħala l-ispiża tal-kapital fis-sens li l-pagamenti futuri jridu jiġu ffinanzjati mill-gvern, permezz tas-sorsi tas-soltu:

- (a) Akkwisti netti tal-passivi, bħas-self u titoli tad-dejn;
- (b) Bejgħ nett tal-assi; u
- (c) Dħul tal-gvern.

Ir-rata tal-iskont tista' tiġi derivata minn din l-ispiża tal-finanzjament.

- 17.167 Ir-rata tal-iskont għandha tkun rata mingħajr riskju. Fis-sentenzi li ġejjin jingħataw xi kriterji għall-identifikazzjoni tar-rati xierqa. Ir-rata tal-iskont fuq bonds ta' kwalità għolja tal-gvern jew korporattivi, eż. bi klassifikazzjoni "AAA" tipprovdi referenza xierqa. Ir-renditi għal bonds korporattivi ta' kwalità għolja jistgħu jintużaw biss fejn is-swieq ikunu wisgħin. Il-bonds għandu jkollhom maturità residwali daqs l-intitolamenti tal-pensjoni. Huwa rakkomandat l-użu tar-rata tal-iskont ibbażata fuq maturità fit-tul, fejn din titqies li hija 10 snin jew iktar. Il-medja ta' diversi snin tar-rata tal-iskont, marbuta mat-tul taċ-ċiklu ekonomiku, tista' tiġi applikata biex tiffaċilita s-serje temporali tar-rata tal-iskont. Is-suppożizzjoni dwar ir-rata tal-iskont u dwar l-iżvilupp futur tal-pagi għandha tkun konsistenti. L-Istati Membri huma mitluba jipprovdu l-elementi li juru l-validità tar-rata tal-iskont użata għall-intitolamenti tal-pensjoni fid-dawl tal-kriterji varji msemmija hawn fuq.

- 17.168 L-istess rata tal-iskont għandha tintuża għall-iskemi tal-pensjoni kollha fejn il-gvern ikun il-maniġer tal-pensjonijiet (inklużi skemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali) fi kwalunkwe livell tal-gvern peress li r-riżultat mixtiegħ għandu javviċina renditi ħielsa mir-riskju.

Tkabbir fil-pagi

- 17.169 L-iskemi tal-pensjoni ta' benefiċċju definit ta' spiss japplikaw formola għas-salarju tal-membri - kemm jekk ikun is-salarju finali, medja ta' perijodu ta' snin, jew il-qliġ matul il-ħajja - għad-determinazzjoni tal-livell tal-pensjoni. Il-pensjonijiet finali mħallsa jiġu affettwati mit-tkabbir medju tas-salarji tal-membri, partikolarment permezz tal-promozzjonijiet u l-progress fil-karriera.

- 17.170 Għalhekk jixraq li wieħed jikkunsidra liema suppożizzjonijiet jistgħu jsiru għall-iżvilupp futuri tal-pagi. L-iżvilupp supponut fuq perijodu ta' żmien twil tal-pagi għandu jikkorrispondi mar-rata tal-iskont osservata. Fit-tul, iż-żewġ varjabbli huma interdependenti.

- 17.171 Il-professjoni tal-kontabbiltà tuża żewġ metodi attwarji għall-kejl tal-impatt taż-żidiet fil-pagi. L-obbligu ta' benefiċċju dovut (ABO) jirreġistra biss il-benefiċċji dovuti attwalment sa ċerta data. Din tirrapreżenta l-ammont li l-impjegat jieħu kieku kellu jitleq mill-kumpanija l-għada, u jista' jkun il-bażi hħall-valutazzjoni tal-valur nett ta' persuna fil-każ ta' ftehim ta' divorzju, pereżempju.
- 17.172 L-obbligu ta' benefiċċju proġettat (PBO) huwa miżura iżjed prudenti ta' dak li probabbli għandu jkun il-livell tal-intitolament eventwali. Għal individwu, il-PBO tagħmel suppożizzjonijiet dwar kemm-il promozzjoni futura l-persuna aktarx tiegħu u tikkalkula s-salarju finali b'dan il-mod. Imbagħad, jekk dak l-individwu ikun fil-fatt ħadem biss 20 minflok l-40 sena mistennija, din taqşam bin-nofs is-salarju finali tiegħu u tikkalkula l-intitolament tal-pensjoni għall-individwu daqs li kieku kien is-salarju attwali tiegħu. Meta l-ABO ta' individwu jiżdied fi stadji hekk kif jiġi promoss, il-PBO jiżdied gradwalment maż-żmien. Għall-individwu, il-PBO huwa dejjem oġhla mill-ABO sa żmien tal-irtirar meta l-ABO jilħaq il-PBO.
- 17.173 L-impatt taż-żidiet fil-pagi jeħtieġ jiġi rifless fit-transazzjonijiet, għaliex l-għoti ta' żieda fil-paga hija deċiżjoni ekonomika konxja li tittieħed minn min iħaddem. Barra minn hekk, kunċettwalment l-approċċi tal-ABO u PBO jwasslu, maż-żmien, għar-reġistrazzjoni tal-istess transazzjonijiet, anki jekk il-waqt meta jsiru dawn it-transazzjonijiet ivarja skont id-demografija tal-iskema.
- 17.174 Il-bidliet fis-suppożizzjonijiet tal-bidliet futuri fil-pagi, li ġeneralment isiru kull ftit snin b'reazzjoni għal revizzjoni ġenerali tas-suppożizzjonijiet tal-immudellar tal-pensjonijiet jew minħabba ristrutturar kbir tal-forza tax-xogħol, jiġu rreġistrati bħala flussi oħra (rivalutazzjonijiet).
- 17.175 Għadd ta' varjanti possibbli fl-applikazzjoni tal-metodi tal-ABO u PBO huma osservati fil-prattika skont kif jiġu trattati l-effetti tal-prezzijiet u l-pagi.
- 17.176 Fattur importanti huwa t-trattament tal-arranġamenti tal-indiċjar fuq il-pensjonijiet, fejn il-pensjoni li trid titħallas għandha tiżdied skont it-ktabbir tal-pagi nominali wara l-irtirar.
- 17.177 Minħabba l-importanza tal-effetti tal-pagi, huwa rakkomandat li l-għażla ta' approċċ ABO jew PBO tkun imsejjsa fuq il-formola tal-benefiċċju sottostanti fl-iskema tal-pensjoni. Meta din il-formola tinkludi b'mod impliċitu jew espliċitu fattur għaż-żidiet fil-pagi (qabel jew wara l-irtirar) allura jiġi segwit approċċ PBO. Meta fattur bħal dan ma jkunx preżenti, għandu jintuża approċċ ABO.

Assunzjonijiet demografiċi

- 17.178 Il-pagamenti tal-pensjoni futuri huma soġġetti għall-effetti demografiċi, f'termini tal-bilanċ tal-età/sess tal-membri u l-lonġevità tagħhom. It-tabelli demografiċi huma stabbiliti sew għall-immudellar tal-iskemi tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni tal-ħajja.
- 17.179 Fil-każ ta' skemi tal-pensjoni marbuta mal-impjegati, is-sħubija tal-iskema hija definita sew u għalhekk id-data għandha tkun disponibbli. Fil-każ ta' skemi tas-sigurtà soċjali, tintuża d-data tal-popolazzjoni ġenerali jekk ma tkunx disponibbli data speċifika dwar is-sħubija fis-sigurtà soċjali.
- 17.180 Fl-użu tat-tabelli tal-lonġevità, magħrufa wkoll bħala tabelli tal-mortalità, tabelli li huma speċifikati fir-rigward tas-sess u gruppi ta' impjegati huma preferuti. Il-grupp ta' membri li jirċievu pensjoni tad-diżabbiltà għandu jiġi mmudellat b'suppożizzjonijiet differenti ta' lonġevità, jekk ikun possibbli.
- 17.181 Is-suppożizzjonijiet tal-lonġevità għandhom jinkludu ż-żieda fil-lonġevità maż-żmien.
- 17.182 L-immudellar tal-iskemi tal-pensjoni jista' jinvolvi l-użu ta' suppożizzjonijiet demografiċi minbarra l-lonġevità, pereżempju r-rati tal-fertilità futuri, ir-rati tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema jew ir-rati tal-migrazzjoni fil-każ fejn il-benefiċċju tal-pensjoni jew il-formula tal-indiċjar tkun ibbażata fuq "proporzjon tad-dipendenza" jew tip ta' approċċ simili.
- 17.183 Meta l-irtirar kmieni fi skema jkun attwarjament newtrali, l-immudellar ma jiġix affettwat. L-irtirar kmieni li mhux attwarjament newtrali għandu effett, u dan jiġri spiss meta wieħed iqis il-mod kif normalment jiġu applikati rati ta' imgħax differenti fl-irtirar kmieni. Għalhekk, l-immudellar xieraq tal-kompontament tal-irtirar kmieni huwa importanti, b'mod partikolari fejn riforma tgħolli l-età tal-pensjoni futura.

KAPITOLU 18

KONTIJET TAL-BQIJA TAD-DINJA

INTRODUZZJONI

18.01 Il-kontijiet tas-setturi istituzzjonali residenti juru attività ekonomika: il-produzzjoni; il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni u r-ridistribuzzjoni tal-introjt; il-konsum; u l-akkumulazzjoni tal-assi u tal-passivi. Dawn il-kontijiet jaqdbu t-transazzjonijiet fost l-unitajiet residenti, u t-transazzjonijiet ta' bejn l-unitajiet residenti u dawk li mhumiex residenti li jiffurmaw il-bqija tad-dinja.

18.02 Is-SEK hija sistema magħluqa billi ż-żewġ naħat ta' kull transazzjoni huma rreġistrati fil-kontijiet bħala użu u riżorsa. Għall-unitajiet residenti, dan jippermetti t-tfassil ta' sett artikolat u koerenti ta' kontijiet, u l-attivitàjiet ekonomiċi kollha għal kull unità istituzzjonali huma inklużi fis-sekwenza tal-kontijiet. Dan mhuwiex il-każ għall-unitajiet mhux residenti. Unitajiet mhux residenti jistgħu jiġu osservati biss permezz tal-interazzjoni tagħhom mal-unitajiet residenti tal-ekonomija li tkun qiegħda titkejjel, u għaldaqstant huma biss it-transazzjonijiet tagħhom mal-unitajiet residenti li jistgħu jiġu rreġistrati. Dan isir permezz tal-ħolqien ta' settur imsejjaħ is-settur "tal-bqija tad-dinja", u l-kumpilazzjoni ta' sett speċjali ta' kontijiet b'entrati limitati li għall-unitajiet mhux residenti juru biss it-transazzjonijiet mal-unitajiet residenti.

18.03 Is-sekwenza tal-kontijiet għas-settur tal-bqija tad-dinja hija kif ġej:

- (a) il-kont estern tal-oġġetti u s-servizzi (V.I), li jkopri l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi;
- (b) il-kont estern tal-introjti primarji u sekondarji (V.II), li jkopri l-kumpens tal-impjegati, l-introjt mill-proprjeta' u mill-investment, u t-trasferimenti kurrenti bħalma huma t-trasferimenti personali (inklużi r-rimessi tal-ħaddiema) u l-ghajnunha internazzjonali;
- (c) il-kontijiet esterni ta' akkumulazzjoni (V.III), jikkonsistu:
 - (1) fil-kont tal-kapital (V.III.1), li jkopri trasferimenti ta' kapital u akkwisti li minnhom ikunu tnaqqsu ċ-ċessjonijiet ta' assi mhux finanzjarji li ma jkunux prodotti;
 - (2) fil-kont finanzjarju (V.III.2), li juri t-transazzjonijiet f'assi u f'passivi finanzjarji;
 - (3) f'tibdiliet oħra fil-volum tal-kont tal-assi (V.III.3.1), li juru sekwestri mhux kompensati eċċ.;
 - (4) fil-kont ta' rivalutazzjoni (V.III.3.2), li juri qligħ u telf nominali;
- (d) il-kont estern tal-assi u tal-passivi (V.IV) jippreżenta l-karti tal-bilanċ tal-bidu u tal-għeluq, u t-tibdil fil-valur ta' dawk l-assi u l-passivi bejn il-karti tal-bilanċ tal-bidu u dawk tal-għeluq.

Is-sekwenza sħiħa tidher fil-Kapitolu 8, u n-numri tal-kont f'parentesi hawn fuq jirreferu għan-numri tal-kontijiet f'dak il-kapitolu.

18.04 Billi l-kontijiet jiffasslu skont il-perspettiva tas-settur tal-bqija tad-dinja, l-importazzjonijiet fl-ekonomija domestika jintwerew bħala riżorsa, u l-esportazzjonijiet mill-ekonomija domestika bħala użu tal-kont estern tal-oġġetti u s-servizzi. Issir revoka simili fil-kontijiet tal-bqija tad-dinja. Jekk il-bilanċ ikun pożittiv, dan ifisser eċċess għall-bqija tad-dinja, u defiċit għall-ekonomija domestika kollha. B'mod simili, bilanċ negattiv juri defiċit għall-bqija tad-dinja, u eċċess għall-ekonomija domestika. Ass finanzjarju miżmum mill-bqija tad-dinja huwa passiv għall-ekonomija domestika, u passiv miżmum mill-bqija tad-dinja huwa attiv għall-ekonomija domestika.

18.05 Il-qafas standard għall-istatistika dwar it-transazzjonijiet u l-pożizzjonijiet bejn ekonomija u l-bqija tad-dinja huwa stipulat fil-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Pożizzjoni tal-Investment Internazzjonali 2008 (is-Sitt edizzjoni) (BPM6) ⁽¹⁾. Dak il-manwal huwa armonizzat mas-Sistema tal-Kontijiet Nazjonali 2008, imma jstabbilixxi l-interazzjonijiet bejn l-ekonomija domestika u l-bqija tad-dinja f'sett ta' kontijiet u karti tal-bilanċ li jippreżentaw l-informazzjoni f'mod differenti. Dan il-kapitolu jistipula l-kontijiet tas-settur tal-bqija tad-dinja tas-SEK 2010, u kif dawn jirrelataw mal-kontijiet internazzjonali tal-BPM6.

⁽¹⁾ International Monetary Fund, *Balance of Payments and International Investment Position Manual*, Sixth Edition (BPM6), 2009, ISBN 978-1-58906-812-4 (disponibbli fuq: <http://www.imf.org>).

TERRITORJU EKONOMIKU

- 18.06 Il-kunċett ta' territorju ekonomiku l-aktar użat huwa ż-żona taħt il-kontroll ekonomiku effettiv ta' gvern wieħed. Madankollu, jistgħu jintużaw il-unions ekonomiċi jew monetarji, ir-reġjuni, jew id-dinja kollha kemm hi, billi dawn jistgħu wkoll ikunu ċ-ċentru għall-politika jew analiżi makroekonomika. Id-definizzjoni sħiħa tingħata fil-Kapitolu 2 (paragrafi 2.04 – 2.06)
- 18.07 Biex jiġi ddeterminat jekk entità hijiex residenti f'territorju ekonomiku partikolari, wieħed irid jistabbilixxi:
- (1) jekk l-entità tikkwalifikax bħala unità istituzzjonali, u, jekk dan hu l-każ;
 - (2) jekk l-entità tissodisfax il-kriterji stipulati fil-Kapitolu 2 riward id-determinazzjoni tar-“residenza”.

Ir-residenza

- 18.08 Ir-residenza ta' kull unità istituzzjonali hija t-territorju ekonomiku li miegħu l-unità għandha l-aktar konnessjoni b'saħħitha, espressa bħala ċ-ċentru ta' interess ekonomiku predominanti tiegħu. Il-kunċetti huma identiċi fis-SEK, is-SNA 2008 u l-BPM6. L-introduzzjoni tat-terminoloġija “ċentru ta' interess ekonomiku predominanti” ma jfissirx li entitajiet b'operazzjonijiet sostanzjali f'żewġ territorji jew aktar ma għadhomx jeħtieġu li jinqasmu (ara l-paragrafu 18.12) jew li l-unitajiet istituzzjonali mingħajr kwalunkwe preżenza fiżika sinifikanti jistgħu jiġu injorati (ara l-paragrafi 18.10 u 18.15). Il-kunċett ta' residenza iġenerali, u b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi, l-intrapriżi u entitajiet oħra, huwa deskritt f'aktar dettall fil-Kapitolu 2.

UNITAJIET ISTITUZZJONALI

- 18.09 Il-kunċett ta' “unità istituzzjonali” huwa identiku fis-SEK, is-SNA 2008 u l-BPM6. Id-definizzjoni ġenerali tingħata fil-Kapitolu 2, paragrafi 2.12 – 2.16. Minħabba l-fokus fuq l-ekonomija nazzjonali, jeżistu trattamenti speċjali għall-unitajiet f'sitwazzjonijiet transkonfinali. F'ċerti każijiet, entitajiet legali huma kkumbinati f'unità istituzzjonali waħda jekk huma residenti fl-istess ekonomija, imma ma jkunux ikkumbinati jekk huma residenti f'ekonomiji differenti. B'mod simili, entità legali waħda tista' tinqasam meta jkun hemm operazzjonijiet sostanzjali f'żewġ ekonomiji jew aktar. B'riżultat ta' dawk it-trattamenti, ir-residenza tal-unitajiet ikkonċernati tidher aktar ċara u l-kunċett tat-territorju ekonomiku jissaħħaħ.
- 18.10 L-użu tal-Entitajiet Speċjali (SPEs) minn korporazzjonijiet u gvernijiet huwa normalment biex iżid il-finanzi. Fejn l-SPE ikun resident fl-istess ekonomija bħala dak ewlieni, imbagħad it-trattament jkun aktar sempliċi. L-SPE normalment mhu ser ikollu l-ebda wieħed mill-attributi li jagħmluh entità separata minn dik ewlenija, u l-assi u l-passivi mġarrba mill-SPE ser jintwerew fil-kontijiet tal-korporazzjoni ewlenija. Fejn l-SPE ma tkunx residenti, il-kriterji għar-residenza għas-settur tal-bqija tad-dinja jitolbu li tiġi rikonossuta entità separata. F'dan il-każ, l-assi u l-passivi mġarrba mill-SPE jintwerew fis-settur tal-bqija tad-dinja, u mhux fis-settur tal-ekonomija domestika. It-trattament ta' SPEs mhux residenti li jagħmlu parti mill-gvern ġenerali huwa definit fil-paragrafu 2.14.
- 18.11 Membri ta' unità domestika għandhom ikunu kollha residenti fl-istess ekonomija. Jekk persuna tgħix f'ekonomija differenti mill-membri l-oħra ta' unità domestika, dik il-persuna ma titqiesx bħala membru ta' dik l-unità domestika, anki jekk ikollhom l-istess introjtu u spejjeż, jew jekk ikollhom xi assi flimkien.

FERGĦAT BĦALA TERMINU UŻAT FIL-KONTIJET INTERNAZZJONALI TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI

- 18.12 Fergħa hija intrapriża mhux inkorporata li tagħmel parti minn unità mhux residenti, magħrufa bħala l-entità ewlenija. Hija ttrattata bħala residenti u kwazikorporazzjoni fit-territorju fejn tinsab. L-identifikazzjoni tal-fergħat bħala unitajiet istituzzjonali separati teħtieġ indikazzjonijiet ta' operazzjonijiet sostanzjali li jistgħu jkunu separati mill-bqija tal-entità. Fergħa hija rikonossuta fil-każijiet li ġejjin:

- (a) jew jeżisti sett komplut ta' kontijiet, inkluża karta tal-bilanċ għall-fergħa; jew
- (b) inkella jkun possibbli u jagħmel sens, kemm minn perspettiva ekonomika kif ukoll minn dik legali, li, jekk meħtieġ, jiġu kkompilati dawk il-kontijiet. Id-disponibbiltà ta' reġistri separati tindika li teżisti unità attwali u dan jgħin fil-prattiċità tal-preparazzjoni tal-istatistika.

B'żieda ma' dan, wieħed jew aktar mill-fatturi li ġejjin għandhom it-tendenza li jkunu preżenti:

- (a) il-fergħa tidħol għal impenn jew inkella tippjana li tidħol għal impenn ta' produzzjoni fuq skala sinifikanti u dik il-produzzjoni tkun ibbażata f'territorju li huwa differenti minn dak fejn hemm l-uffiċċju ewlieni tagħha, għal sena jew aktar:
 - (i) jekk il-proċess tal-produzzjoni jinvolvi preżenza fiżika, allura l-operazzjonijiet għandhom jinsabu fiżikament f'dak it-territorju;

(ii) jekk il-produzzjoni ma tinvolvi preżenza fiżika, bħalma huma ċerti każijiet ta' servizzi bankarji, dawk ta' assigurazzjoni, servizzi finanzjarji oħrajn, is-sjeda tal-privattivi, marki kummerċjali jew drittijiet tal-awtur, in-negozjar u l-"manifatturar virtwali", allura l-operazzjonijiet għandhom jiġu rikonossuti li huma fit-territorju minħabba r-reġistrazzjoni jew id-domiċilju legali ta' dawk l-operazzjonijiet f'dak it-territorju;

(b) ukoll jekk ikollha status ta' eżenzjoni mit-taxxa, il-fergħa hija rikonossuta li tkun soġġetta għas-sistema tat-taxxa fuq l-introju, jekk ikun hemm, tal-ekonomija li fiha tkun tinsab.

18.13 L-identifikazzjoni tal-fergħat għandha implikazzjonijiet għar-rappurtaġġ tal-istatistika kemm tal-entità ewlenija kif ukoll tal-fergħa. L-operazzjonijiet tal-fergħa huma esklużi mill-unità istituzzjonali tal-uffiċċju ewleni tagħha u d-delinjazzjoni tal-entità ewlenija u tal-fergħa għandha ssir b'mod konsistenti fiż-żewġ ekonomiji affettwati. Fergħa tista' tiġi identifikata għall-proġetti ta' kostruzzjoni jew operazzjonijiet mobbli bħalma huma t-trasport, is-sajd jew il-konsultazzjoni. Madankollu, jekk l-operazzjonijiet ma jkunux sostanzjali biżżejjed biex jidentifikaw fergħa, huma jiġu ttrattati bħala esportazzjoni tal-prodotti jew is-servizzi mill-uffiċċju ewleni.

18.14 F'ċerti każijiet, operazzjonijiet preliminari relatati ma' proġett ta' investiment dirett li ser jitwettagħ fil-geġjieni qabel l-inkorporazzjoni huma evidenza biżżejjed biex tiġi stabbilita residenza bir-riżultat li tiġi stabbilita kważikorporazzjoni. Pereżempju, spejjeż legali u dawk ta' liċenzji għal proġett jintwerew li ġġarrbu minn kważikorporazzjoni, u huma parti mill-flussi ta' investiment dirett f'dik l-unità aktar milli mill-bejgħ ta' liċenzji lill-persuni li mhumiex residenti, jew esportazzjonijiet ta' servizzi, rispettivament, lill-uffiċċju ewleni.

UNITAJIET RESIDENTI NOZZJONALI

18.15 Meta art li tinsab f'territorju tkun il-proprjetà ta' entità mhux residenti, għall-iskopijiet tal-istatistika unità nozzjonali li tkun ttrattata bħala resident tiġi identifikata bħala s-sid ta' dik l-art. L-unità residenti nozzjonali hija kważikorporazzjoni. Dan it-trattament ta' unità nozzjonali bħala resident jiġi applikat ukoll għall-bini, strutturi u titjib ieħor assoċjati fuq din l-art, il-kirjiet tal-art għal perijodi twal, u s-sjeda ta' riżorsi naturali li mhumiex art. B'riżultat ta' dan it-trattament, l-unità mhux residenti hija s-sid tal-unità residenti nozzjonali, minflok ikollha l-proprjetà tal-art b'mod dirett, għalhekk hemm passiv ta' ekwità għall-entità mhux residenti, iżda l-art u r-riżorsi naturali jibqgħu dejjem assi tal-ekonomija fejn jinsabu. L-unità residenti nozzjonali normalment tforni servizzi lis-sid tagħha, pereżempju akkomodazzjoni fil-każ ta' villeġġjaturi.

18.16 B'mod ġenerali, jekk unità mhux residenti jkollha kirja fuq medda twila ta' żmien fuq ass immobbli bħalma hu l-bini, dan huwa assoċjat mal-impenn li tidħol għalih għall-produzzjoni fl-ekonomija fejn tinsab. Jekk għal xi raġuni ma jkun hemm l-ebda attività ta' produzzjoni assoċjata, tinħoloq ukoll unità residenti nozzjonali biex tkopri din il-kirja. Għaldaqstant, l-unità mhux residenti hija trattata bħala s-sid tal-unità residenti nozzjonali u mhux il-bini, li hu l-proprjetà tal-ekonomija fejn jinsab.

INTRAPRIŻI MULTI-TERRITORJALI

18.17 Xi fit intrapriżi joperaw bħala operazzjoni bla xkiel f'aktar minn territorju ekonomiku wieħed, tipikament għal attivitajiet transkonfinali bħalma huma l-linji tal-ajru, il-linji tal-bastimenti, skemi idroelettriċi fuq xmajjar transkonfinali, pajplajns, pontijiet, mini u kejbils ta' taħt il-baħar. Fergħat separati jeħtieġu jiġu identifikati sakemm l-entità ma titmexxiex bħala operazzjoni waħda bl-ebda kontijiet jew teħid ta' deċiżjonijiet separati għal kull territorju li topera fiha. F'każijiet bħal dawn, minħabba l-fokus ċentrali fuq id-data għal kull ekonomija nazzjonali, huwa neċessarju li l-operati jitqassmu bejn l-ekonomiji. L-operati jkunu mbaġħad proratati skont l-indikatur xieraq li jkun speċifiku għall-intrapriża tal-proporzjonijiet ta' operazzjonijiet f'kull territorju. It-trattament ta' proratazzjoni jista' wkoll jiġi adottat għall-intrapriżi f'żoni li jkunu suġġetti għall-amministrazzjoni konġunta minn żewġ gvernijiet jew aktar.

ANALIŻI ĠEOGRAFIKA

18.18 Għall-għan tal-kompilazzjoni tal-kontijiet tal-Unjoni Ewropea, is-settur tal-bqija tad-dinja (S.2) huma sottokategorizzati:

(a) fl-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (S.21):

(1) fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (S.211):

(i) fl-Istati Membri taż-żona tal-euro (S.2111);

(ii) fl-Istati Membri barra miż-żona tal-euro (S.2112);

(2) fl-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (S.212):

(i) fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (S.2121);

(ii) fl-istituzzjonijiet u l-entitajiet Ewropej, għajr il-BĊE (S.2122);

(b) fil-pajjiżi mhux membri u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux residenti fl-Unjoni Ewropea (S.22).

18.19 Għall-għan tal-kompilazzjoni tal-kontijiet taż-żona tal-euro, is-sottosetturi t'hawn fuq jistgħu jinġabru kif ġej:

L-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-Bank Ċentrali Ewropew
(S.2I = S.2111 + S.2121)

Il-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li mhumiex residenti fiż-żona tal-euro
(S.2X = S.2112 + S.2122 + S.22)

Deskrizzjoni tal-Kontijiet Ewropej hija pprovduta fil-Kapitolu 19.

IL-KONTIJET INTERNAZZJONALI TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI

18.20 Il-kontijiet nazzjonali huma differenti mill-kontijiet internazzjonali murija f'BPM6. Il-kontijiet internazzjonali juru t-transazzjonijiet bejn ekonomija u l-ekonomija domestika u l-ekonomiji barranin mill-perspettiva tal-ekonomija domestika. Għalhekk l-importazzjonijiet huma murija bħala użu (debitu) u l-esportazzjonijiet bħala riżors (kreditu).

Forma fil-qasir tal-kontijiet internazzjonali kif ippreżentati f'BPM6 tingħata fit-Tabella 18.1.

18.21 It-tieni differenza kbira bejn il-kontijiet internazzjonali tal-bilanċ tal-pagamenti, u l-kontijiet tas-settur tal-bqija tad-dinja fis-SEK, huwa l-użu ta' kategoriji funzjonali fil-kontijiet internazzjonali minflok l-istrumenti fil-klassifikazzjonijiet tat-transazzjonijiet finanzjarji fis-SEK. Din il-kwistjoni tkompli tiġi diskussa fil-paragrafi 18.57 u 18.58.

ENTRATI SALDATORJI FIL-KONTIJET KURRENTI TAL-KONTIJET INTERNAZZJONALI

18.22 L-istruttura tal-entrati saldatorji fil-bilanċ tal-pagamenti hija kemmxejn differenti minn dik fil-kontijiet nazzjonali, peress li fil-kontijiet internazzjonali kull kont għandu l-entrata saldatorja tiegħu u oħra li tinġarr għall-kont li jmiss. Biex jintwera dan, il-kont tal-introjtu primarju għandu l-entrata saldatorja tiegħu (bilanċ fuq l-introjtu primarju) u bilanċ kumulattiv (bilanċ fuq l-oġġetti, is-servizzi u l-introjtu primarju). Il-bilanċ estern fuq l-introjtu primarju jikkorrispondi mal-bilanċ tal-introjti primarji u huwa l-entrata li ssostni l-Introjt Nazzjonali Gross (ING). Il-bilanċ attwali estern jikkorrispondi mat-tfaddil mill-bqija tad-dinja b'mod relattiv mal-ekonomija domestika. L-entrati saldatorji fl-istruttura BPM6 tal-kontijiet jintwerew fit-Tabella 18.1.

Tabella 18.1 — Il-kontijiet internazzjonali tal-flussi fil-bilanċ tal-pagamenti

Bilanċ tal-Pagamenti			
Kontijiet kurrenti	Krediti	Debiti	Bilanċ
Kont tal-oġġetti u s-servizzi			
Oġġetti	462	392	70
Servizzi	78	107	- 29
Oġġetti u servizzi	540	499	41
Kont ta' introjtu primarju			
Kumpens tal-impjegati	6	2	
Imgħax	13	21	
Introjtu mqassam ta' korporazzjonijiet	36	17	
Qligħ riinvestit	14	0	
Introjtu primarju	69	40	29
Oġġetti, servizzi u introjtu primarju	609	539	70

Bilanċ tal-Pagamenti			
Kont ta' introjtu sekondarju	Krediti	Debiti	Bilanċ
Taxxi fuq l-introjtu, ġid	1	0	
Primjums tal-assigurazzjoni netti mhux fuq il-ħajja	2	11	
Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja	12	3	
Trasferimenti internazzjonali kurrenti	1	31	
Trasferimenti kurrenti mixxellanji	1	10	
Introjtu sekondarju	17	55	- 38
Bilanċ ta' kont kurrenti			32
Kont tal-kapital			
Akkwisti/ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti	0		
Trasferimenti ta' kapital	1	- 4	
Bilanċ ta' kont tal-kapital			- 3
Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-)			29
Kont finanzjarju (skont il-kategorija funzjonali)	Bidla fl-assi	Bidla fil-passivi	Bilanċ
Investiment dirett	- 4	8	
Investiment tal-portafoll	17	7	
Derivattivi finanzjarji eċċ.	3	0	
Investiment ieħor	42	22	
Assi ta' riżerva	8	—	
Bidla totali fl-assi/fil-passivi	66	37	
Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-) (finanzjarju)			29
Żbalji netti u omissjonijiet			0

IL-KONTIJET GĦAS-SETTUR TAL-BQIJA TAD-DINJA U R-RELAZZJONI TAGĦHOM MAL-KONTIJET INTERNAZZJONALI TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI

Il-kont estern tal-oġġetti u s-servizzi

18.23 Il-kont tal-oġġetti u s-servizzi jikkonsisti biss f'importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi minħabba li dawn huma l-uniċi transazzjonijiet f'oġġetti u servizzi b'dimensjoni transkonfinali. L-oġġetti u s-servizzi huma rreġistrati meta jkun hemm bidla fis-sjieda ekonomika minn unità f'ekonomija waħda għal unità f'pajjiż ieħor. Għalkemm normalment ikun hemm moviment fiżiku tal-oġġetti meta jkun hemm bidla fis-sjieda, dan mhux neċessarjament il-każ. Fil-każ tan-negozjar, oġġetti jistgħu jbiddu s-sjieda tagħhom mingħajr ma jbiddu l-post sakemm ma jkunux mibjugħa mill-ġdid lil xi parti terza.

It-tabelli 18.2 u 18.3 juru kif introjtu primarju u sekondarju jiġi reġistrat fis-SEK u fil-BPM6.

Tabella 18.2 — Kont estern tal-oġġetti u s-servizzi (SEK V.1)

Użi			Riżorsi		
P.6	Esportazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi	540	P.7	Importazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi	499
P.61	Esportazzjonijiet tal-oġġetti	462	P.71	Importazzjonijiet tal-oġġetti	392
P.62	Esportazzjonijiet tas-servizzi	78	P.72	Importazzjonijiet tas-servizzi	107
B.11	Bilanċ estern tal-oġġetti u s-servizzi	- 41			

Tabella 18.3 — Kont tal-oġġetti u s-servizzi tal-BPM6

Kontijiet kurrenti	Krediti	Debiti	Bilanċ
Kont tal-oġġetti u s-servizzi			
Oġġetti	462	392	70
Servizzi	78	107	- 29
Oġġetti u servizzi	540	499	41

- 18.24 Oġġetti li jbiddu l-postijiet minn ekonomija għall-oħra imma ma jbiddux is-sjeda ekonomika u ma jidhrux fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet. Għaldaqstant, l-oġġetti mibgħuta barra mill-pajjiż għall-ipproċessar, jew li jiġu lura wara l-ipproċessar, ma jidhrux bħala importazzjonijiet jew esportazzjonijiet ta' oġġetti; hija biss it-tariffa li jkun sar ftehim dwarha għall-ipproċessar li tidher bħala servizz.
- 18.25 Il-bilanċ tal-pagamenti jenfasizza d-distinzjoni bejn oġġetti u servizzi. Dik id-distinzjoni tirrifletti interessi tal-politika, peress li hemm trattati internazzjonali separati li jkopru l-oġġetti u s-servizzi. Tirrifletti wkoll kwistjonijiet ta' *data*, peress li d-*data* dwar l-oġġetti ġeneralment tinkiseb minn sorsi doganali, filwaqt li d-*data* dwar is-servizzi normalment tinkiseb minn reġistri ta' pagamenti jew analiżi.
- 18.26 L-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti hija s-sors ewlieni ta' *data* għall-oġġetti. Standards internazzjonali jingħataw fl-istatistika dwar il-kummerċ Internazzjonali tal-Oġġetti: Kunċetti u Definizjonijiet (!) Rev. 2 (IMTS). Il-BPM6 jidentifika xi sorsi possibbli ta' differenza bejn il-valur tal-oġġetti rreġistrati fl-istatistika dwar il-kummerċ tal-oġġetti u fil-bilanċ tal-pagamenti. Huwa jirrakkomanda wkoll tabella standard ta' rikonċiljazzjoni biex tgħin lill-utenti jifhmu dawn id-differenzi. Sors ewlieni tad-differenza ġej mill-fatt li l-istandards għall-IMTS jużaw valutazzjoni tat-tip CIF (spiża, assigurazzjoni u trasport) għall-importazzjonijiet, filwaqt li l-bilanċ tal-pagamenti juża valutazzjoni FOB uniformi (il-valur fil-fruntiera doganali tal-ekonomija li tesperta, jiġifieri abbord mingħajr ħlas) kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet. Għaldaqstant huwa neċċessarju li jiġu esklużi l-ispejjeż ta' trasport u ta' assigurazzjoni li ntefqu bejn il-fruntiera doganali tal-esportatur u l-fruntiera doganali tal-importatur. Minħabba l-varjazzjonijiet bejn il-valutazzjoni tat-tip FOB u l-arranġamenti kuntrattwali attwali, xi spejjeż tat-trasport u tal-assigurazzjoni jeħtieġ li tingħatalhom allokkazzjoni ġdida.

Il-prinċipji tal-valutazzjoni huma l-istess fis-SEK u fil-bilanċ tal-pagamenti. Il-valutazzjoni FOB għandha għaldaqstant tintuża għar-reġistrazzjoni tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-prodotti (ara l-paragrafu 18.32).

- 18.27 Il-bidla abbażi tas-sjeda użata għall-bilanċ tal-pagament tfisser li l-entrati tal-oġġetti ser ikollhom żmien ta' rappurtaġġ li jkun konsistenti mal-flussi finanzjarji korrispondenti. Fil-BPM6, m'għadx fadal eċċezzjonijiet għall-prinċipju tal-bidla fis-sjeda. B'kuntrastr għal dan, l-IMTS issegwi ż-żmien tal-ipproċessar doganali. Filwaqt li ż-żmien ħafna drabi jkun approssimazzjoni aċċettabbli, f'ċerti każijiet jistgħu jiġu meħtieġa aġġustamenti, bħalma huma prodotti mibgħuta b'konsenja. Fil-każ tal-oġġetti mibgħuta barra mill-pajjiż għall-ipproċessar bl-ebda bidla fis-sjeda, il-valuri taċ-ċaqliq tal-prodotti huma inklużi fl-IMTS, imma l-bidliet fis-sjeda huma l-preżentazzjoni primarja fil-bilanċ tal-pagamenti, u għaldaqstant il-bilanċ tal-pagamenti ser juri biss it-tariffi relatati mas-“servizzi ta' manifattura dwar inputs fiżiċi li jkunu l-proprietà ta' ħaddieħor”; madankollu, il-valuri taċ-ċaqliq tal-oġġetti huma rakkomandati bħala partiti supplimentari biex wieħed jifhem in-natura ta' dawn l-arranġamenti ta' pproċessar. Aktar dettalji dwar ir-reġistrazzjoni ta' arranġamenti ta' pproċessar jingħataw aktar tard f'dan il-kapitolu. Jistgħu jiġu meħtieġa aġġustamenti oħra fl-IMTS sabiex l-istimi jkunu konformi mal-bidla fis-sjeda ekonomika tal-oġġetti, b'mod ġenerali jew minħabba l-kopertura partikolari ta' kull pajjiż. Eżempji possibbli jinkludu n-negozjar, deheb mhux monetarju, oġġetti li jidhru jew jitolqu mit-territorju b'mod illegali, u oġġetti miġjuba fil-portijiet minn trasportaturi.

(!) *International Merchandise Trade Statistics: Concepts and definitions*, United Nations, 1998, ISBN 92-1-161410-4 (jinsab fuq: <http://unstats.un.org>).

18.28 Esportazzjonijiet mill-ġdid huma oġġetti barranin (oġġetti prodotti f'ekonomiji oħrajn u li jkunu ġew importati preċedentement b'bidla fis-sjeda ekonomika) li jiġu esportati bl-ebda trasformazzjoni sostanzjali mill-istat li kienu fil meta ġew importati qabel. Minħabba li l-prodotti esportati mill-ġdid mhumiex prodotti fl-ekonomija kkonċernata, għandhom inqas konnessjoni mal-ekonomija minn esportazzjonijiet oħra. Ekonomiji li huma punti ta' trasbord kbar u lok għall-bejgiegħa bl-ingrossa ta' sikwit ikollhom valuri kbar ta' esportazzjonijiet mill-ġdid. L-esportazzjonijiet mill-ġdid iżidu ċ-ċifri kemm għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-esportazzjonijiet u fejn l-esportazzjoni mill-ġdid tkun sinifikanti, il-proporzjonijiet tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet mal-aggregati ekonomiċi jiżiedu wkoll. Għaldaqstant huwa utli li l-esportazzjonijiet mill-ġdid jintwerew separatament. Oġġetti li ġew importati u li qed jistennew biex jiġu esportati mill-ġdid huma rreġistrati f'inventarji tas-sid ekonomiku residenti.

Kummerċ bi transitu jsir meta l-oġġetti jgħaddu minn pajjiż fi triqthom lejn id-destinazzjoni finali, u għall-pajjiż li minnu jkunu għaddew, huma ġeneralment esklużi minn statistika dwar il-kummerċ barrani, statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-kontijiet nazzjonali.

Kummerċ bi kważi transitu huma oġġetti importati fil-pajjiż, li jkunu għaddew mid-Dwana għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fi ħdan l-UE, u mbagħad mibgħuta f'pajjiż terz fl-UE. L-entità użata għal meta jgħaddu mid-Dwana normalment ma tkunx unità istituzzjonali kif definit fil-Kapitolu 2, u għaldaqstant ma tiksibx sjeda tal-oġġetti. F'dan il-każ, l-importazzjoni tintwera fil-kontijiet nazzjonali bħala importazzjoni diretta għad-destinazzjoni finali, bħal fil-każ ta' kummerċ bi transitu sempliċi. Il-valur xieraq huwa dak irreġistrat meta l-oġġetti jidhru fil-pajjiż aħħari ta' destinazzjoni.

18.29 L-oġġetti huma ppreżentati f'livell aggregat fil-bilanċ tal-pagamenti. Analiżi aktar dettaljata ta' komoditajiet tista' tinkiseb minn *data* IMTS.

18.30 Fil-bilanċ tal-pagamenti, jiġi prodott dettall għat-tmax-il komponent standard ta' servizzi li ġejjin:

- (a) servizzi ta' manifattura fir-rigward tal-inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor;
- (b) servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija mhux inklużi mkien ieħor;
- (c) trasport;
- (d) vjaġġar;
- (e) kostruzzjoni;
- (f) servizzi ta' assigurazzjoni u ta' pensjoni;
- (g) servizzi finanzjarji;
- (h) tariffi għall-użu tal-proprjetà intellettuali mhux inklużi mkien ieħor;
- (i) telekomunikazzjoni, servizzi tal-kompjuter u tal-informatika;
- (j) servizzi oħrajn ta' negozju;
- (k) servizzi personali, kulturali u ta' divertiment; u
- (l) servizzi u oġġetti tal-gvern mhux inklużi mkien ieħor.

18.31 Tlieta mill-komponenti standard tal-bilanċ tal-pagamenti msemmija hawn fuq huma bbażati fuq it-transitur, jiġifieri, jirrelataw ma' min jakkwista jew ma' min jipprovi, aktar milli mal-prodott innifsu. Dawn jaqgħu fil-kategoriji ta' vjaġġar, kostruzzjoni u oġġetti u servizzi tal-gvern li mhumiex inklużi mkien ieħor:

- (a) l-ivvjaġġar ikopri l-oġġetti u s-servizzi kollha, miġsuba minn dawk li mhumiex residenti matul iż-żjarat tagħhom, kemm jekk għall-użu personali jew biex jagħtuhom. L-ivvjaġġar jinkludi l-oġġetti, it-trasport lokali, l-akkomodazzjoni, l-ikliet u servizzi oħrajn;
- (b) il-kostruzzjoni tkopri l-valur totali tal-prodott li jitlesta mill-kuntrattur, inkluż kwalunkwe materjal li jinkiseb lokalment u għaldaqstant ma jkunx reġistrat fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-oġġetti;
- (c) oġġetti u servizzi tal-gvern mhux inklużi mkien ieħor ikopru varjetà ta' elementi li ma jistgħux jiġu allokati f'intestaturi aktar speċifiċi.

Minbarra dawk it-tliet elementi bbażati fuq it-transitur, il-komponenti li jifdal huma bbażati fuq il-prodott, li jsiru mill-kategoriji aktar dettaljati ta' CPA Rev.2. Standards addizzjonali għas-servizzi tal-kummerċ jintwerew fil-Manwal dwar Statistika tal-Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi ⁽¹⁾ (MSITS), li hu armonizzat mal-kontijiet internazzjonali.

Valutazzjoni

- 18.32 Il-prinċipji tal-valutazzjoni huma l-istess fis-SEK u fil-kontijiet internazzjonali. Fiż-żewġ każijiet, jintużaw il-valuri tas-suq, bil-valuri nominali użati għal ċerti pożizzjonijiet fi strumenti fejn il-prezzijiet tas-suq ma jkunux jistgħu jiġu osservati. Fil-kontijiet internazzjonali, il-valutazzjoni tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-oġġetti hija każ speċjali fejn jintuża punt ta' valutazzjoni uniformi, jiġifieri l-valur fuq il-fruntiera doganali tal-ekonomija li tesporta, jiġifieri, il-valutazzjoni tat-tip FOB (abbord mingħajr ħlas). Dan it-trattament iġib miegħu valutazzjoni konsistenti bejn l-esportatur u l-importatur u jipprovi għal bażi konsistenti għall-kejl f'ċirkustanzi fejn il-partijiet jista' jkollhom medda wiesgħa ta' arranġamenti kuntrattwali differenti, minn "ex xogħlijiet" festrem wieħed (fejn l-importatur ikun responsabbli għall-arranġament tat-trasport u l-assigurazzjoni kollha) lid-"dazju tal-kunsinna mħallas" festrem ieħor (fejn l-esportatur ikun responsabbli għall-arranġament tat-trasport kollu, tal-assigurazzjoni u ta' kwalunkwe dazju fuq l-importazzjonijiet).

Prodotti għall-Ipproċessar

- 18.33 Bejn is-SEK 95 u s-SEK 2010, kien hemm bidla fundamentali fit-trattament tal-oġġetti mibgħuta barra mill-pajjiż għall-ipproċessar mingħajr bidla fis-sjeda. Fis-SEK 95, tali oġġetti intwerew bħala esportazzjonijiet li jkunu ntbagħtu barra mill-pajjiż, u mbagħad irreġistrati bħala importazzjonijiet malli jaslu lura minn barra l-pajjiż, f'valur ogħla minħabba l-ipproċessar. Dan kien magħruf bħala l-metodu ta' reġistrar gross, u effettivament japplika bidla fis-sjeda sabiex iċ-ċifri ta' kummerċ internazzjonali jirrappreżentaw stima tal-valur tal-oġġetti li jkunu qed jiġu negozjati. L-SNA 2008, il-BPM6 u s-SEK 2010 ma japplikawx bidla fis-sjeda, iżda minflok juru biss entrata waħda — importazzjoni tas-servizz ta' proċessar. Dan ikun esportazzjoni tas-servizz għall-pajjiż fejn iseħħ l-ipproċessar. Dan ir-reġistrar huwa aktar konsistenti mar-reġistri istituzzjonali u transazzjonijiet finanzjarji assoċjati. Dan, madankollu, jikkawża inkonsistenza mal-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti (IMTS). L-IMTS ikompli juri l-valur gross tal-esportazzjonijiet għall-proċess u għall-oġġetti proċessati importati li jidħlu lura.
- 18.34 Sabiex tiġi evitata tali inkonsistenza fil-kontijiet nazzjonali, il-valur tal-oġġetti esportati jista' jiġi rreġistrat ma' dak tal-oġġetti importati bħala partiti supplimentari, il-valuri jkunu dawk irreġistrati fl-IMTS. Dan ser jippermetti li s-servizz ta' proċessar nett jiġi derivat bħala l-valur tal-oġġetti proċessati esportati bil-valur tal-oġġetti mhux ipproċessati importati mnaqqas. Huwa dan is-servizz li jkun rreġistrat fil-kontijiet nazzjonali. Għaldaqstant, għall-pajjiż li jkollu l-oġġetti pproċessati barra mill-pajjiż, l-esportazzjonijiet ser jtinizzlu maġenb l-oġġetti importati proċessati, bħala partiti supplimentari fil-kont estern tal-oġġetti u s-servizzi. Dan se jirrikonċilja l-entrati tal-IMTS maċ-ċifra ta' servizzi ta' importazzjoni netta li tirrifletti l-ispejjeż tal-ipproċessar.
- 18.35 Eżempju relatat mat-trattament tal-oġġetti għall-ipproċessar fit-tabelli tal-użu u l-provvista ser juru din il-bidla. Ikkunsidra l-każ fejn kumpannija tal-manifatturar tal-ikel tkabbar u tipproċessa l-ħxejjex, imbagħad testernalizza t-tqegħid fil-laned tal-ħxejjex lil proprjetà sussidjarja kollha kemm hi barra mill-pajjiż, u mbagħad tehdhom lura fil-laned u tkompli tbigħ l-ikel fil-laned.
- 18.36 Fit-Tabella 18.4 dwar l-it-trattament, fis-SEK 95, ta' oġġetti għall-ipproċessar bħala kummerċ internazzjonali, iċ-ċifri tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet għandhom jaqblu mal-entrati fl-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti (IMTS). L-esportazzjonijiet tal-oġġetti lis-sussidjarja barra mill-pajjiż li tqiegħed l-ikel fil-laned huma 50, u mbagħad il-ħxejjex fil-landa jiġu lura bħala importazzjonijiet ta' 90.

Tabella 18.4 — It-trattament tal-oġġetti għall-ipproċessar bħala kummerċ internazzjonali tas-SEK 95

	Xiri	Domanda aħħarija		Total
		Nefqa tal-unità domestika	Esportazzjonijiet	
Bejgħ	Manifatturar tal-ikel			
Ikel		90	50	140
Importazzjonijiet tal-ikel fil-laned	90			90
Valur miżjud	50		PDG (E) =	50
Output totali	140			

⁽¹⁾ United Nations, Eurostat, OECD, IMF, WTO et al, *Manual on Statistics of International Trade in Services*, 2011, (jinsab fuq: <http://unstats.un.org>)

Tabella 18.5 — It-trattament tal-oġġetti għall-ipproċessar bħala kummerċ internazzjonali tas-SEK 2010

Bejgħ	Xiri	Domanda aħħarija		Total
	Manifatturar tal-ikel	Nefqa tal-unità domestika	Esportazzjonijiet	
lkel		90	0	90
Importazzjonijiet tas-servizzi tat-tqegħid fil-laned	40			40
Valur miżjud	50		PDG (E) =	50
Output totali	90			

18.37 It-Tabella 18.5 turi it-trattament tal-oġġetti għall-ipproċessar fuq bażi netta tas-SEK 2010: huwa biss il-kummerċ fis-servizzi li jintwera u mhux ser ikun hemm l-ebda tqabbil maċ-ċaqliq fl-oġġetti rreġistrati fl-IMTS. Il-pożizzjoni netta, tal-esportazzjonijiet bl-importazzjonijiet imnaqqsa, ser tintwera fil-kontijiet internazzjonali tal-bilanċ tal-pagamenti u l-kontijiet tas-settur tal-bqija tad-dinja korrispondenti. Il-BPM6 jirrakkomanda li fejn ikun magħruf li l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet fl-IMTS jirriflettu sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda bidla fis-sjeda, hemmhekk it-tnejn ikunu rreġistrati maġenb xulxin fiċ-ċifri tal-bilanċ tal-pagamenti, sabiex l-element tas-servizzi jkun jista' jiġi kkalkulat immedjatament. Għaldaqstant, għall-industrija tal-manifatturar tal-ikel, il-ħxejjex mibgħuta barra mill-pajjiż biex jitqiegħdu fil-laned jintwerew bħala esportazzjoni ta' 50, u l-ħxejjex fil-laned li jkunu reġgħu ġew importati jintwerew bħala importazzjoni ta' 90. Dawk iċ-ċifri jistgħu jitpoġġew maġenb xulxin fl-istatistika tal-kontijiet internazzjonali bħala partiti supplimentari, bl-esportazzjonijiet li jkunu rreġistrati bħala importazzjonijiet negattivi, biex b'hekk tiġi derivata importazzjoni netta ta' 40 ta' servizzi tat-tqegħid fil-laned.

Ir-reġistrazzjoni ta' dan l-eżempju fil-BPM6 jintwera fit-Tabella 18.6.

Tabella 18.6 — Reġistrazzjoni tal-ipproċessar fil-BPM6

Kontijiet kurrenti	Krediti	Debiti	Bilanċ
Kont tal-oġġetti u s-servizzi			- 40
Servizzi (komponenti standard)			
"Servizzi ta' manifatturar fuq l-inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor"		40	- 40
Partiti supplimentari			
Oġġetti għall-ipproċessar barra mill-pajjiż	50	90	- 40

Negożjar

Oġġetti li jaqgħu taħt in-negożjar

18.38 In-negożjar huwa definit bħala x-xiri ta' prodotti minn resident (tal-ekonomija li tikkompila) minn persuna li mhux residenti flimkien max-xiri mill-ġdid sussegwenti tal-istess oġġetti għal persuna oħra li mhux residenti mingħajr ma l-oġġetti ikunu preżenti fl-ekonomija li qiegħda tikkompila. In-negożjar iseħħ għat-transazzjonijiet li jinvolvu oġġetti fejn il-pussess fiżiku tal-oġġetti mis-sid mhuwiex neċessarju biex iseħħ il-proċess. Dawn u l-kjarifiċi li ġejjin li jirrelataw man-negożjar isegwu l-paragrafi korrispondenti fil-BPM6 (paragrafi 10.41 sa 10.48).

18.39 L-arranġamenti tan-negożjar jintużaw għall-kummerċ bil-grossa u kummerċ bl-imnut. Dawn jistgħu jintużaw ukoll fit-trattament tal-komoditajiet u għall-ġestjoni u l-finanzjament tal-proċessi ta' manifattura globali. Pereżempju, intrapriża tista' tikkontratta l-assemblar ta' oġġett fost kuntrattur wieħed jew aktar, biex b'hekk l-oġġetti jinkisbu minn din l-intrapriża u jinbiegħu mill-ġdid mingħajr ma jgħaddu mit-territorju tas-sid. Jekk il-forma fiżika tal-oġġetti tinbidel matul il-perijodu li l-oġġetti ikunu proprjetà ta' xi ħadd, b'riżultat tas-servizzi ta' manifatturar li twettqu minn entitatjiet oħra, it-transazzjonijiet tal-oġġetti jiġu rreġistrati taħt merkanzija ġenerali minflok taħt negożjar. F'każijiet oħrajn fejn il-forma tal-oġġetti ma tinbidilx, l-oġġetti jiġu inklużi taħt negożjar, bil-prezz

tal-bejgħ li jirrifletti spejjeż tal-ipproċessar minuri kif ukoll il-marġini tal-kummerċ bil-grossa. F'każijiet fejn in-negozjant ikun l-organizzatur ta' proċess ta' manifatturar globali, il-prezz tal-bejgħ jista' jkopri wkoll elementi bħalama huma l-provvista tal-ippjanar, il-ġestjoni, il-privattivi u kapaċitajiet oħra, il-kummerċjalizzazzjoni u l-finanzjament. Partikolarment għall-oġġetti ta' teknoloġija għolja, dawn il-kontribuzzjonijiet mhux fiżiċi jistgħu jkunu kbar b'relazżjoni mal-valur tal-materjali u tal-assemblar.

- 18.40 Oġġetti li jaqgħu taħt in-negozjar huma rreġistrati fil-kontijiet tas-sid fl-istess mod bħal kull oġġett ieħor li hu proprjetà tiegħu. Madankollu, l-oġġetti huma dettaljati b'mod speċifiku fl-istatistika tal-kontijiet internazzjonali tal-ekonomija tan-negozjant għax huma ta' interess fihom nnifishom u għax mhumiex koperti mis-sistema doganali ta' dik l-ekonomija.

It-trattament tan-negozjar huwa li:

- (a) l-akkwist tal-oġġetti min-negozjanti jintwera taħt l-oġġetti bħala esportazzjoni negattiva tal-ekonomija tan-negozjant;
- (b) il-bejgħ tal-oġġetti jintwera taħt l-oġġetti mibjugħa taħt in-negozjar bħala esportazzjoni pożittiva tal-ekonomija tan-negozjant;
- (c) id-differenza bejn il-bejgħ u x-xiri ta' oġġetti għan-negozjar tintwera bħala element "esportazzjonijiet netti ta' oġġetti taħt in-negozjar". Dan l-element jinkludi l-marġini tan-negozjanti, il-qligħ u t-telf nominali, u bidliet fl-inventarji tal-oġġetti taħt in-negozjar. B'riżultat tat-telf jew iż-żidiet fl-inventarji, esportazzjonijiet netti tal-oġġetti taħt in-negozjar jistgħu jkunu negattivi f'ċerti każijiet; u
- (d) entrati tan-negozjar huma vvalutati fil-prezzijiet ta' transizzjonijiet kif miftiehem mill-partijiet, mhux FOB.
- 18.41 L-elementi tan-negozjar jidhru biss bħala esportazzjonijiet fil-kontijiet tal-ekonomija tat-territorju tan-negozjant. Fl-ekonomiji kontroparti li jespertaw u jimportaw, jespertaw bejgħ lin-negozjanti u jimportaw xiri minn negozjanti jkunu inklużi taħt merkanzija ġenerali.
- 18.42 Kummerċ bil-grossa, kummerċ bl-imnut, trattament ta' komoditajiet, u ġestjoni tal-manifatturar jistgħu jitwettqu wkoll skont arranġamenti fejn l-oġġetti jkunu preżenti fl-ekonomija tas-sid, f'liema każ huma jkunu rreġistrati bħala merkanzija ġenerali, aktar milli bħala negozjar. F'każijiet fejn l-oġġetti ma jgħaddux mill-ekonomija tas-sid, imma l-forma fiżika tal-oġġetti tinbidel, għax ikunu proċessati f'ekonomija oħra, transazzjonijiet internazzjonali huma rreġistrati taħt merkanzija ġenerali, aktar milli taħt negozjar (it-tariffa ta' pproċessar hija rreġistrata bħala servizz ta' manifattura mħallas mis-sid).
- 18.43 Meta negozjant ibiġh mill-ġdid oġġetti lil resident tal-istess ekonomija bħal dik tan-negozjant, dan ma jaqbilx mad-definizzjoni ta' negozjar. Skont dan, ix-xiri ta' oġġetti jintwera fl-importazzjonijiet ta' merkanzija ġenerali lill-ekonomija f'dak il-każ. Jekk l-entità li tkun xtrat mingħand in-negozjant fl-istess ekonomija sussegwentament tbiġh mill-ġdid l-oġġetti lil resident ta' ekonomija oħra, kemm jekk l-oġġetti jidhru fl-ekonomija tan-negozjant u anki jekk le, il-bejgħ tal-oġġetti huwa rreġistrat fl-esportazzjonijiet tal-merkanzija ġenerali mill-ekonomija tan-negozjant. Filwaqt li tali każ huwa simili ħafna għan-negozjar, dan ma jissodisfax id-definizzjoni mogħtija fil-paragrafu 18.38. B'żieda ma' dan, mhuwiex prattiku li l-ewwel negozjant jirreġistra x-xiri bħala negozjar minħabba li dan in-negozjant jista' ma jkunx jaf jekk it-tieni negozjant ikunx ser iġib l-oġġetti fl-ekonomija jew le.

Esportazzjonijiet u importazzjonijiet tal-FISIM

- 18.44 Imgħax attwali fuq għoti ta' self imħallas u self li jthallas lura jinkludi element ta' introjtu u tariffa għal servizz. Istituzzjonijiet li jagħtu l-kreditu jaħdmu billi joffru rati tal-imgħax lid-depożitaturi tagħhom li huma aktar baxxi mir-rati li huma jiċċarġjaw lil min jissellef mingħandhom. Il-marġini tal-imgħax li jirriżultaw jintużaw mill-korporazzjonijiet finanzjarji biex inaqqsu mill-ispejjeż tagħhom u biex jipprovdw eċċess operattiv. Il-marġini tal-imgħax huma alternattiva biex il-klijenti jiġu mitluba jħallsu b'mod espliċitu għas-servizzi finanzjarji. Is-SEK tippreskrivi l-imputazzjoni ta' tariffa ta' servizz għal FISIM. Il-kunċett ta' FISIM u l-linji gwida għall-istimi tal-valur tal-FISIM jingħataw fil-Kapitolu 14.
- 18.45 L-istituzzjonijiet finanzjarji li jitolbu ħlas impliċitu għall-FISIM mhumiex neċessarjament residenti, lanqas ma jeħtieġu jkunu residenti l-klijenti ta' dawn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' dan it-tip ta' servizz finanzjarju huma possibbli. Il-linji gwida għall-kompilazzjoni tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet FISIM huma fil-paragrafu 14.10.

Il-kont estern tal-introjtu primarju u sekondarju

It-Tabelli 18.7 u 18.8 juru eżempju ta' reġistrazzjoni ta' introjtu primarju u sekondarju fis-SEK u fil-BPM6.

Tabella 18.7 — Kont estern ta' introjti primarji u sekondarji (SEK V.II)

Użi			Riżorsi		
			B.11	Bilanċ estern tal-oġġetti u s-servizzi	- 41
D.1	Kumpens tal-impjegati	6	D.1	Kumpens tal-impjegati	2
D.2	Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet	0	D.2	Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet	0
D.3	Sussidji	0	D.3	Sussidji	0
D.4	Introjtu fuq proprjetà	63	D.4	Introjtu fuq proprjetà	38
D.5	Taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid	1	D.5	Taxxi kurrenti fuq l-introjtu, il-ġid	0
D.6	Kontribuzzjonijiet u benefiċċji soċjali	0	D.6	Kontribuzzjonijiet u benefiċċji soċjali	0
D.7	Trasferimenti kurrenti oħra	16	D.7	Trasferimenti kurrenti oħra	55
D.8	Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti għall-pensjoni	0	D.8	Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti għall-pensjoni	0
B.12	Bilanċ estern kurrenti	- 32			

Tabella 18.8 — Il-kont tal-introjtu primarju u l-kont tal-introjtu sekondarju tal-BPM6

	Kodiċi SEK	Kredit	Debit	Bilanċ
Minn oġġetti u servizzi				41
Kont ta' introjtu primarju				
Kumpens tal-impjegati	D.1	6	2	
Imgħax	D.4	13	21	
Introjtu mqassam ta' korporazzjonijiet		36	17	
Qligħ riinvestit		14	0	
Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet	D.2	0	0	
Sussidji	D.3	0	0	
Introjtu primarju		69	40	29
Oġġetti, servizzi u introjtu primarju		609	539	70
Kont ta' introjtu sekondarju				
Taxxi fuq l-introjtu, il-ġid	D.5	1	0	
Primjums tal-assigurazzjoni netti mhux fuq il-ħajja	D.6, D.7, D.8	2	11	
Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja		12	3	
Trasferimenti internazzjonali kurrenti		1	31	
Trasferimenti kurrenti mixxellanji		1	10	
Introjtu sekondarju		17	55	- 38
Bilanċ ta' kont kurrenti				32

Il-kont ta' introjtu primarju

- 18.46 Fil-bilanċ tal-pagamenti, l-entrati fil-kont ta' introjtu primarju jinkludu kumpens tal-impjegati u l-introjtu mill-proprjetà, eżattament bħal fl-allokkazzjoni fil-kont tal-introjtu primarju fis-SEK. Pagamenti ta' taxxi fuq il-produzzjoni mir-residenti u s-sussidji mogħtija lir-residenti mill-gvern domestiku huma rreġistrati fil-ġenerazzjoni tal-kont tal-introjtu, kont li ma jiffurmax parti mill-bilanċ ta' pagamenti. Kwalunkwe pagament ta' taxxa fuq il-produzzjoni pagabbli minn resident lil gvern ieħor kif ukoll kwalunkwe sussidju li resident jirċievi minn gvern ieħor huma rreġistrati fil-kont ta' introjtu primarju tal-bilanċ tal-pagamenti. L-entrati li jaqblu għall-gvern domestiku jintwerew fl-allokkazzjoni tal-kont tal-introjtu primarju u għall-gvernijiet barranin fil-kolonna għall-bqija tad-dinja ta' dak il-kont u fil-kont ta' introjtu primarju tal-bilanċ tal-pagamenti.
- 18.47 Il-kera tista' tiżdied f'sitwazzjonijiet transkonfinali, iżda rarament, minħabba li l-art kollha titqies li tkun il-proprietà tar-residenti, inkluż jekk meħtieġ billi tinħoloq unità residenti kunċettwali. Jekk dawk l-unitajiet residenti kunċettwali jkunu proprjetà ta' dawk li mhumiex residenti, allura kwalunkwe introjtu li jkunu qalgħu dawn l-unitajiet ikun klassifikat bħala introjtu minn investiment dirett u mhux bħala kera. Eżempju fejn il-kera tkun reġistrata fil-kontijiet internazzjonali huma d-drittijiet għas-sajd fuq il-medda qasira taż-żmien fl-ilmijiet territorjali pprovduta lill-flotot tas-sajd barranin. Huwa komuni fil-kontijiet internazzjonali li jintuża t-terminu introjtu minn investiment li jfisser introjtu mill-proprjetà eskluża l-kera. Introjtu mill-investiment jirrifletti introjtu li jkun hemm mis-sjeda tal-assi finanzjarji, u d-diżaggregazzjoni tal-introjtu mill-investiment jaqbel ma' dak tal-assi u l-passivi finanzjarji sabiex ir-rati tar-redditu jkunu jistgħu jiġu kkalkulati.

Introjtu minn investiment dirett

- 18.48 Ir-rwol tal-investiment dirett huwa partikolarment importanti u jiġi rifless kemm fil-flussi kif ukoll fil-pożizzjonijiet fil-kontijiet internazzjonali. Fil-każ ta' investiment dirett, huwa assunt li proporzjon tal-qligħ ritenut ta' intrapriża jkun mqassam lill-investitur dirett bħala forma ta' introjtu mill-investiment. Il-proporzjon jikkorrispondi mal-assi tal-investitur dirett fl-intrapriża.
- 18.49 Qligħ ritenut huwa ugwali għall-eċċess nett operattiv tal-intrapriża flimkien mal-introjtu kollu mill-proprjetà li minnhom jitnaqqas l-introjtu pagabbli mill-proprjetà (qabel ma jiġi kkalkulat qligħ riinvestit) flimkien ma' trasferimenti kurrenti li minnhom jitnaqqas t-trasferimenti kurrenti pagabbli u l-element għall-aġġustament tal-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni. Qligħ riinvestit dovut minn sussidjarji immedjati huwa inkluż fl-introjtu mill-proprjetà li tirċievi l-intrapriża ta' investiment dirett.
- 18.50 Qligħ riinvestit jista' jkun negattiv, pereżempju fejn l-intrapriża tagħmel telf jew fejn id-dividendi jkunu mqassma minn qligħ ta' assi, jew f'perjodu ta' tliet xhur fejn jitħallas dividend annwali. Hekk kif il-qligħ pożittiv riinvestit huwa ttrattat bħala injezzjoni tal-ekwiżità fl-intrapriża tal-investiment dirett mill-investitur dirett, qligħ negattiv riinvestit huwa ttrattat bħala rtirar tal-ekwiżità.

Għal intrapriża ta' investiment dirett li hija proprjetà 100 fil-mija minn persuna mhux residenti, qligħ riinvestit huwa ugwali għal qligħ ritenut u l-bilanċ tal-introjti primarji tal-intrapriża huwa eżattament żero.

Il-kont tal-introjtu sekondarju (trasferimenti kurrenti) tal-BPM 6

- 18.51 Il-kont tal-introjtu sekondarju juri trasferimenti kurrenti bejn ir-residenti u dawk li mhumiex residenti. Il-firxa ta' entrati tat-trasferimenti kurrenti tikkorrispondi eżattament għal dawk fid-distribuzzjoni sekondarja tal-kont ta' introjtu. Bosta minn dawk l-entrati huma partikolarment importanti fil-kontijiet internazzjonali, speċjalment il-kooperazzjoni internazzjonali attwali u r-rimessi mibgħuta minn individwi li jaħdmu barra mill-pajjiż lill-pajjiżi tal-orijini tagħhom.
- 18.52 Trasferimenti personali transkonfinali huma trasferimenti bejn unità domestika għall-oħra u huma ta' interess għax huma sors importanti ta' finanzjament internazzjonali għal xi pajjiżi li jipprovdu għadd kbir ta' persuni li jaħdmu barra mill-pajjiż tal-orijini tagħhom fuq medda twila ta' żmien. Trasferimenti personali jinkludu rimessi minn ħaddiema fuq medda twila ta' żmien, jiġifieri, dawk li jbiddu l-ekonomija ta' residenza tagħhom.
- 18.53 Ħaddiema oħrajn, bħalma huma l-ħaddiema konfinali u dawk staġjonali ma jbiddux l-ekonomija tar-residenza tagħhom mill-ekonomija tal-pajjiż tal-orijini tagħhom. Minflok it-trasferimenti, it-transazzjonijiet internazzjonali ta' dawn il-ħaddiema jinkludu kumpens tal-impjegati, taxxi u spejjeż tal-ivvjaġġar. Fil-bilanċ tal-pagamenti, preżentazzjoni supplimentari tar-rimessi personali għib flimkien trasferimenti personali ma' dawk l-elementi relatati. Rimessi personali jinkludu trasferimenti personali, kumpens tal-impjegati bit-taxxi u l-ivvjaġġar imnaqqsa minnhom, u trasferimenti ta' kapital bejn unitajiet domestiċi.
- 18.54 Fluss tal-assigurazzjoni, speċjalment flussi relatati mal-assigurazzjoni mill-ġdid, jistgħu jkunu importanti internazzjonalment. It-transazzjonijiet bejn l-assiguratur dirett u r-riassiguratur huma rreġistrati bħala sett separat kollu kemm hu ta' transazzjonijiet u l-ebda konsolidazzjoni ma sseħħ bejn it-transazzjonijiet tal-assiguratur dirett bħala l-emittent tal-politiki lill-klijenti tagħha, min-naħa, u d-detentur ta' polza mar-riassiguratur, min-naħa l-oħra.

Il-kont tal-kapital estern

- 18.55 L-elementi tal-kont tal-kapital soġġett għat-transazzjonijiet internazzjonali huma aktar ristretti minn dawk koperti fis-setturi domestiċi. L-entrati fil-kont tal-kapital ikopru biss akkwisti u ċessjonijiet ta' assi mhux finanzjarji mhux prodotti u trasferimenti ta' kapital. M'hemm l-ebda transazzjoni rreġistrata bħala formazzjoni tal-kapital tal-assi prodotti minħabba li l-użu aħħari tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-oġġetti mhuwiex magħruf fil-ħin tar-reġistrazzjoni. Lanqas mhuma inklużi l-akkwisti u ċ-ċessjonijiet tal-art.
- 18.56 Għoti ta' self nett jew teħid ta' self nett huwa l-entrata saldatorja għas-somma tal-kontijiet kurrenti u tal-kapital u għall-kont finanzjarju. Dan ikopri l-istrumenti kollha użati biex jipprovdju jew jakkwistaw finanzjament, mhux biss l-għoti ta' self jew it-teħid ta' self. Kunċettwalment, l-għoti ta' self nett jew it-teħid ta' self nett tal-BPM6 għandu l-istess valur bħall-element tal-kontijiet nazzjonali korrispondenti għall-ekonomija totali, u l-istess għall-element tal-kontijiet nazzjonali tal-bqija tad-dinja imma bis-sinjal bil-maqlub. It-Tabelli 18.9, 18.10 u 18.11 juru r-reġistrazzjoni tal-elementi tal-kont kurrenti u tal-kapital u l-bilanċ li jirriżulta kemm fis-SEK kif ukoll fil-BPM6.

Tabella 18.9 — Bidla fil-valur nett minħabba bilanċ estern kurrenti u trasferimenti ta' kapital (SEK V.III.1.1) ⁽¹⁾

Bidla fl-assi			Bidla fil-passivi u l-valur nett		
			B.12	Bilanċ estern kurrenti	- 32
			D.9	Trasferimenti tal-kapital, riċevibbli	4
			D.9	Trasferimenti tal-kapital, pagabbli	- 1
B.101	Bidliet fil-valur nett dovut għal bilanċ estern kurrenti u trasferimenti tal-kapital	- 29			

⁽¹⁾ Għall-bqija tad-dinja, din l-entrata tirreferi għall-bidliet fil-valur nett minħabba bilanċ estern kurrenti u trasferimenti ta' kapital.

Tabella 18.10 — Akkwist tal-kont tal-assi mhux finanzjarji (SEK V.III.1.2)

Bidliet fl-assi			Bidliet fil-passivi u l-valur nett		
			B.101	Bidliet fil-valur nett dovut għal bilanċ estern kurrenti u trasferimenti tal-kapital	- 29
NP	Akkwisti mingħajr ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti	0			
B.9	Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett(-)	- 29			

Tabella 18.11 — Kont tal-kapital tal-BPM6

	Kredit	Debit	Bilanċ
Bilanċ ta' kont kurrenti			32

Kont tal-kapital

Akkwisti/ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti	0		
Trasferimenti ta' kapital	1	4	
Bilanċ ta' kont tal-kapital			- 3
Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-)			29

Il-kont finanzjarju estern u l-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali (IIP)

18.57 Il-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti u l-IIP huma ta' importanza partikolari minħabba li dawn jipprovdu fehma tal-finanzjament internazzjonali kif ukoll tal-likwidità u l-vulnerabbiltà internazzjonali. Meta mqabbel mal-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji użata fis-SEK, il-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji fil-bilanċ tal-pagamenti hija bbażata fuq il-kategoriji funzjonali (ara l-paragrafu 18.21), flimkien ma' *data* addizzjonali dwar strumenti u setturi istituzzjonali. It-tabelli 18.12 u 18.13 juru l-kont finanzjarju fis-SEK u fil-BPM6 rispettivament.

Tabella 18.12 — Kont finanzjarju (SEK V.III.2)

Bidliet fl-assi			Bidliet fil-passivi u l-valur nett		
F	Akkwisti netti ta' assi finanzjarji	37	F	Ksib nett tal-passivi	66
F.1	Deheb monetarju u SDRs	1	F.1	Deheb monetarju u SDRs	0
F.2	Flus u depożiti	11	F.2	Flus u depożiti	- 2
F.3	Titoli ta' dejn	9	F.3	Titoli ta' dejn	20
F.4	Self	4	F.4	Self	45
F.5	Ekwiwità u ishma tal-fondi tal-investiment	2	F.5	Ekwiwità u ishma tal-fondi tal-investiment	14
F.6	Skemi ta' garanzija, assigurazzjoni u pensjoni standardizzati	0	F.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	0
F.7	Derivattivi finanzjarji u għażliet ta' stokks għall-impjegati	0	F.7	Derivattivi finanzjarji u għażliet ta' stokks għall-impjegati	3
F.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	10	F.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	- 14
			B.9	Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-)	- 29

Tabella 18.13 — Kont finanzjarju tal-BPM6

Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-) (kontijiet kurrenti u tal-kapital)			29
Kont finanzjarju (skont il-kategorija funzjonali)	Bidla fl-assi	Bidla fil-passivi	Bilanċ
Investiment dirett	- 4	8	
Investiment tal-portafoll	17	7	
Derivattivi finanzjarji eċċ.	3	0	
Investiment ieħor	42	22	
Assi ta' riżerva	8	—	
Bidla totali fl-assi/fil-passivi	66	37	
Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-) (Kont finanzjarju)			29
Żbalji netti u omissjonijiet			0

18.58 Il-kategoriji funzjonali tal-BPM6 jagħtu informazzjoni dwar il-motivazzjoni u r-relazzjoni bejn il-partijiet, li huma ta' interess partikolari għall-analiżi ekonomika internazzjonali. *Data* skont il-kategorija funzjonali tkompli tiġi subdiviżja skont l-istrument u s-settur istituzzjonali, li tagħmilha possibbli li jkun hemm rabta bejniethom u mas-SEK korrispondenti u l-elementi ta' statistika finanzjarja u dik monetarja. Il-klassifikazzjoni tas-settur istituzzjonali fil-BPM6 hija l-istess bħal dak fis-SEK, għalkemm normalment tkun imqasra (għal ħames setturi fil-komponenti standard). B'żieda ma' dan, jintuża sottomettur supplimentari għall-awtoritajiet monetarji, li huwa sottomettur funzjonali marbut li jirriżerva l-assi. Dan ikopri l-bank ċentrali u kwalunkwe parti tal-gvern ġenerali jew tal-korporazzjonijiet finanzjarji għajr il-bank ċentrali li għandu l-assi ta' riżerva, u għaldaqstant huwa rilevanti għall-pajjiżi fejn xi wħud mir-riżervi jew ir-riżervi kollha jinżammu barra mill-bank ċentrali.

18.59 Ir-rabtiet ewlenin bejn il-kategoriji ta' strument finanzjarju tal-kontijiet nazzjonali u l-kategoriji funzjonali tal-kontijiet internazzjonali jintwerew fit-Tabella 18.14. Il-kategoriji funzjonali jintużaw kemm fuq in-naħa tal-assi kif ukoll fuq in-naħa tal-passivi tal-kont finanzjarju tal-BPM6. Rabtiet li mhumiex relattivament komuni mhumiex qed jintwerew.

Tabella 18.14 — Rabtiet bejn il-kategoriji funzjonali tal-BPM6 u l-kategoriji tal-istrument finanzjarju tas-SEK

Strumenti tas-SEK	Kategoriji tal-kont internazzjonali funzjonali				
	Investiment dirett	Investiment tal-portafoll	Derivattivi finanzjarji	Investiment ieħor	Assi ta' riżerva
Deheb monetarju					X
Drittijiet ta' Disinn Speċjali (SDRs)				X	X
Flus u depożiti					
Munita				X	X
Pożizzjonijiet interbankarji				X	X
Depożiti trasferibbli oħra	X			X	X
Depożiti oħra	X			X	X
Titoli ta' dejn	X	X			X
Self	X			X	X
Ekwiżità u ishma tal-fondi tal-investiment					
Ekwiżità:					
Ishma kkwotati	X	X			X
Ishma mhux ikkwotati	X	X			X
Ekwiżità oħra	X			X	
Ishma/unitajiet tal-fond ta' investiment:					
Ishma/unitajiet tal-fond tas-suq tal-flus	X	X			X
Ishma/unitajiet oħra tal-fond tal-investiment mhux tal-MMF	X	X		X	X
Skemi ta' assigurazzjoni, pensjoni u garanzija standardizzata					
Riservi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja	X			X	
Assigurazzjoni tal-ħajja u intitolamenti ta' annwalità	X			X	
Intitolamenti għall-pensjoni				X	
Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq manijers ta' pensjonijiet	X			X	
Intitolamenti għal benefiċċji mhux tal-pensjoni				X	
Dispożizzjonijiet għal sejħiet għal garanziji standardizzati	X			X	
Derivattivi finanzjarji u għażliet ta' stokks għall-impjegati					
Derivattivi finanzjarji			X		X

Strumenti tas-SEK	Kategoriji tal-kont internazzjonali funzjonali				
	Investiment dirett	Investiment tal-portafoll	Derivattivi finanzjarji	Investiment ieħor	Assi ta' riżerva
Għażliet ta' stokks għall-impjegati			X		
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli					
Krediti u avvanzi kummerċjali	X			X	
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli minbarra krediti u avvanzi kummerċjali	X			X	

KARTI TAL-BILANĊ GĦAS-SETTUR TAL-BQIJA TAD-DINJA

- 18.60 L-IIP hija l-parti tal-karti tal-bilanċ koperta fil-kontijiet internazzjonali. It-terminoloġija tenfasizza l-komponenti speċifiċi tal-karta tal-bilanċ nazzjonali li huma inklużi. L-IIP tkopri biss assi u passivi finanzjarji. F'każ ta' proprjetà li tkun proprjetà b'mod dirett f'pajjiż minn unita mhux residenti, unita residenti kunċettwali titqies bħala s-sid tal-proprjetà, u b'konsegwenza ta' dan tkun soġġetta għal s-jeda mill-unità li mhix residenti f'termini ta' ass finanzjarju (ara wkoll il-paragrafu 18.16). Fil-każ ta' pretensjonijiet finanzjarji, ikun hemm element transkonfinali meta parti waħda tkun residenti u l-parti l-oħra ma tkunx residenti. B'żieda ma' dan, filwaqt li ngott tad-deheb huwa ass li ma għandux passiv ta' kontroparti, huwa inkluż fl-IIP meta jinżamm bħala ass ta' riżerva, minħabba r-rwol tiegħu fil-pagamenti internazzjonali. Madankollu, assi mhux finanzjarji huma esklużi, peress li ma għandhomx passiv ta' kontroparti jew aspett internazzjonali ieħor.
- 18.61 L-entrata saldatorja fuq l-IIP huwa l-IIP nett. L-IIP nett flimkien mal-assi mhux finanzjarji fil-karta tal-bilanċ nazzjonali huwa ugwali għall-valur nett nazzjonali, minħabba li l-pretensjonijiet finanzjarji netti minn resident għall-ieħor huma zero fil-karta tal-bilanċ nazzjonali. It-Tabella 18.15 turi eżempju ta' karta tal-bilanċ għas-settur tal-bqija tad-dinja, u t-Tabella 18.16 tipprovdi eżempju ta' IIP.
- 18.62 L-istess kategoriji wesgħin jintużaw għall-introjt mill-investment u l-IIP. B'riżultat ta' dan, ir-rati medji tar-redditu jistgħu jiġu kkalkulati. Ir-rati tar-redditu jistgħu jitqabblu fuq medda ta' żmien u għal strumenti u maturitajiet differenti. Pereżempju, ix-xejriet tar-redditu fuq l-investment dirett jistgħu jiġu analizzati, jew tali redditu jista' jitqabbel ma' strumenti oħrajn.

Tabella 18.15 — Karti tal-bilanċ għas-settur tal-bqija tad-dinja (SEK)

		Bilanċ tal-bidu	Bidliet minħabba t-transazzjonijiet	Bidliet oħra fil-volum	Rivalutazzjoni	Bilanċ tal-għeluq
Assi						
Assi mhux finanzjarji						
Assi finanzjarji		805	37	0	7	849
AF.1	Deheb monetarju u SDRs	0	1	0	0	1
AF.2	Flus u depożiti	105	11	0	0	116
AF.3	Titoli ta' dejn	125	9	0	4	138
AF.4	Self	70	4	0	0	74
AF.5	Ekwiżità u ishma ta' fondi ta' investment	345	2	0	3	350
AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	26	0	0	0	26
AF.7	Derivattivi finanzjarji u għażliet ta' stokks għall-impjegati	0	0	0	0	0

		Bilanċ tal-bidu	Bidliet minħabba t-transazzjonijiet	Bidliet oħra fil-volum	Rivalutazzjoni	Bilanċ tal-għeluq
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	134	10	0	0	144
Passivi		1 074	66	0	3	1 143
AF.1	Deheb monetarju u SDRs	770	0	0	0	770
AF.2	Flus u depożiti	116	-2	0	0	114
AF.3	Titoli ta' dejn	77	20	0	2	99
AF.4	Titoli ta' dejn	17	45	0	0	62
AF.5	Ekwiżità u ishma ta' fondi ta' investiment	3	14	0	1	18
AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati	25	0	0	0	25
AF.7	Derivattivi finanzjarji u għażliet ta' stokks għall-impjegati	7	3	0	0	10
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	59	-14	0	0	45
	Valur nett	269				265

Tabella 18.16 — Id-dikjarazzjoni integrata dwar l-IIP tal-BPM6

Pożizzjoni tal-investiment internazzjonali (IIP)	Pożizzjoni tal-bidu	Transazzjonijiet	Bidliet oħra fil-volum	Rivalutazzjoni	Pożizzjoni tal-għeluq
Assi					
Investiment dirett	42	-4	0	1	39
Investiment tal-portafoll	40	17	0	2	59
Derivattivi finanzjarji	0	3	0	0	3
Investiment ieħor	152	42	0	0	194
Assi ta' riżerva	63	8	0	0	71
Assi totali	297	66	0	3	366
Passivi					
Investiment dirett	132	8	0	2	142
Investiment tal-portafoll	180	7	0	5	192
Derivattivi finanzjarji	0	0	0	0	0
Investiment ieħor	261	22	0	0	283
Passivi totali	573	37	0	7	617
Pożizzjoni tal-investiment internazzjonali nett (IIP nett)	-276	29	0	-4	-251

KAPITOLU 19 KONTIJET EWROPEJ

INTRODUZZJONI


- 19.01 Minħabba l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea jeħtieġ li jiġi kkompilat sett sħiħ ta' kontijiet li jirrifletti l-ekonomija Ewropea fis-sħiħ u jippermetti analiżi u tfassil ta' politika aħjar fil-livell Ewropew. Il-kontijiet Ewropej ikopru l-istess sett ta' kontijiet, u huma bbażati fuq l-istess kunċetti bħall-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri.
- 19.02 Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-fatturi distintivi tal-kontijiet Ewropej, jiġifieri, l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea u taż-żona tal-euro. Il-kontijiet Ewropej jeħtieġu li tingħata attenzjoni partikolari lid-definizzjoni ta' unitajiet residenti, għall-kontijiet tal-bqija tad-dinja u għall-preżentazzjoni tal-valuri nett tat-transazzjonijiet ekonomiċi intra-Ewropej (flussi) u għall-karti tal-bilanċ finanzjarji (stokks).
- 19.03 It-territorju ekonomiku tal-Unjoni Ewropea jikkonsisti minn:
- (a) It-territorji ekonomiċi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; u
 - (b) It-territorji ekonomiċi tal-istituzzjonijiet Ewropej.
- 19.04 It-territorju ekonomiku taż-żona tal-euro jikkonsisti minn:
- (a) It-territorji ekonomiċi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; u
 - (b) It-territorju ekonomiku tal-Bank Ċentrali Ewropew.

MILL-KONTIJET NAZZJONALI GĦAL DAWK EWROPEJ

- 19.05 Il-kontijiet Ewropej kunċettwalment mhumiex ugwali għas-somma tal-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri wara li ssir konverżjoni għal munita komuni. Jeħtieġ jiżdedu l-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej residenti. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' residenza jimbidel meta wieħed jgħaddi mill-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-kontijiet Ewropej. Il-modi kif il-qligħ investit mill-ġdid tal-intrapriżi ta' investiment dirett barrani jew ta' Entitajiet bi Skop Speċjali jiġi trattat huma eżempji tajba f'dan il-kuntest. Fil-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri, intrapriża ta' investiment dirett barrani jista' jkollha investituri li huma residenti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro. Il-qligħ investit mill-ġdid korrispondenti ma jiġix irregiſtrat bħala tali fil-kontijiet Ewropej. Barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ li l-Entitajiet bi Skop Speċjali jiġu klassifikati mill-ġdid fl-istess settur istituzzjonali bħall-kumpannija prinċipali ta' tagħhom meta din tkun residenti fi Stat Membru ieħor. Finalment, il-flussi ekonomiċi transkonfinali u l-istokks finanzjarji bejn il-pajjiżi Ewropej jeħtieġ li jiġu klassifikati mill-ġdid. Dawn id-differenzi huma ppreżentati fid-dijagrammi 19.1 u 19.2 bis-suppożizzjoni, għal raġunijiet ta' sempliċità, ta' żona Ewropea magħmula minn żewġ Stati Membri biss: A u B. Il-flussi u l-istokks li jinvolvu lil residenti u lil dawk li mhumiex residenti jidhru b'mod skematiku permezz tal-vleġeġ.


Dijagramma 19.1 — Aggregazzjoni tal-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri

Meta l-kontijiet nazzjonali tal-pajjiżi A u B huma aggregati, il-kontijiet aggregati tal-bqija tad-dinja jirregiſtraw l-intraflussi bejn il-pajjiżi A u B, u ma' pajjiżi oħra u istituzzjonijiet Ewropej.



Dijagramma 19.2 — Kontijiet Ewropej

L-Unjoni Ewropea / iż-żona tal-euro titqies bħala entità waħda: il-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej / il-Bank Ċentrali Ewropew huma inklużi u fil-kontijiet tal-bqija tad-dinja jiġu rreġistrati biss it-transazzjonijiet tal-unitajiet residenti ma' pajjiżi terzi.

**Konverżjoni ta' data fil-muniti differenti**

19.06 Fil-kontijiet Ewropej, il-flussi ekonomiċi u l-istokks tal-assi u l-passivi għandhom jiġu espressi fi standard mone-tarju uniku. Għal dan l-iskop, id-data rreġistrata fil-muniti nazzjonali differenti tinqaleb f'euro permezz ta':

- (a) L-użu tar-rati tal-kambju tas-suq (jew medja tagħhom) li jkunu prevalenti tul il-pejodu ta' żmien li fih ikunu qed jiġu kkompilati l-kontijiet;

jew

- (b) L-użu ta' rati tal-kambju fissi, matul il-perijodu ta' żmien sħiħ. Ir-rata fissa tista' tkun dik prevalenti fi tmiem il-perijodu, fil-bidu, jew bħala medja tar-rati tal-kambju matul il-perijodu ta' żmien sħiħ. Ir-rata tal-kambju użata taffetwa l-piż (fiss) ta' Stat Membru partikolari fl-aggregati Ewropej;

jew

- (c) Il-kalkolu tal-indiċi bejn perijodi konsekuttivi bħala l-medja ppeżata tal-indiċijiet ta' tkabbir tad-data ta' kull Stat Membru espressa fil-munita nazzjonali. Il-piżijiet jinbnew bħala s-sehem maqlub tar-rata tal-kambju ta' kull Stat Membru fl-ewwel perijodu ta' paragun. Wara li jintgħażel perijodu ta' referenza bħala punt ta' riferiment, l-indiċi marbut (indiċijiet parzjali mmultiplikati) jista' jiġi applikat għal dan il-punt ta' riferiment biex jiġu ġġenerati l-livelli għall-perijodi l-oħra ta' osservazzjoni.

Bil-metodu (a), il-piżijiet tal-Istati Membri fl-aggregati Ewropej jiġu aġġornati skont il-paritajiet tal-muniti rispettivi tagħhom. Il-livelli tal-aggregati Ewropej għalhekk huma aġġornati l-ħin kollu, iżda l-movimenti tagħhom jistgħu jkunu affettwati minn varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju. Fil-każ tal-proporzjonijiet, l-impatt tal-varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju fuq in-numeratur u d-denominatur jista' jinqata' fil-biċċa l-kbira tiegħu.

Bil-metodu (b), il-piżijiet tal-Istati Membri mhumiex aġġornati, u dan jiproteġi l-movimenti tal-aggregati Ewropej mill-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju. Madankollu, il-livelli tal-aggregati Ewropej jistgħu jkunu influwenzati mill-għażla tar-rati tal-kambju (fissi) li jirriflettu l-paritajiet tal-muniti tal-Istati Membri f'mument partikolari.

Il-metodu (c) jiproteġi l-movimenti tal-aggregati Ewropej mill-varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju filwaqt li l-livelli tal-aggregati Ewropej jirriflettu b'mod ġenerali l-paritajiet fis-seħħ għal kull perijodu ta' żmien. Dan huwa askapitu tal-addittività u r-restrizzjonijiet l-oħra tal-kontabbiltà. Jekk dawn huma meħtieġa, huma għandhom jiġu restawrati bħala l-aħħar miżura.

19.07 Il-kontijiet Ewropej jistgħu wkoll jiġu kkalkolati bil-konverżjoni tad-data rreġistrata fil-muniti nazzjonali differenti għal standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS). Il-metodi (a), (b) jew (c) stabbiliti fil-paragrafu 19.06 jistgħu jintużaw għal dan l-iskop billi jissostitwixxu r-rati tal-kambju bil-paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist (PPPs) korrispondenti.

Istituzzjonijiet Ewropej

19.08 Fl-ESA, l-istituzzjonijiet Ewropej huma magħmula minn dawn l-entitajiet:

- (a) Istituzzjonijiet mhux finanzjarji Ewropej: Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

- (b) Korpi mhux finanzjarji Ewropej, inklużi l-entitajiet koperti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (eż. il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku; il-Kumitat tar-Reġjuni, l-aġenziji Ewropej eċċ.) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; u
- (c) Istituzzjonijiet u korpi finanzjarji Ewropej inklużi b'mod partikolari: il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment.

Ta' min jinnota li fil-kategorija b), l-aġenziji Ewropej ma jinkludux aġenziji agrikoli ta' regolamentazzjoni tas-suq li l-attività ewlenija tagħhom tikkonsisti minn xiri u bejgħ ta' prodotti agrikoli biex jistabbilizzaw il-prezzijiet. Dawn l-aġenziji jitqiesu bħala residenti fl-Istat Membru li fih iwettqu l-attivitàjiet tagħhom.

- 19.09 L-istituzzjonijiet u l-korpi mhux finanzjarji Ewropej koperti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jiffurmaw unità istituzzjonali waħda li prinċipalment tipprovdi servizzi governattivi mhux tas-suq għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea. Hija għalhekk klassifikata fis-sottosettur "Istituzzjonijiet u korpi Ewropej" (S. 1315) ⁽¹⁾ tas-settur "gvern ġenerali" (S.13).
- 19.10 Sakemm il-baġit tiegħu ma jiġix adottat bħala parti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jifforma unità istituzzjonali għaliha klassifikata fis-sottosettur "Istituzzjonijiet u korpi Ewropej" (S.1315) tas-settur "gvern ġenerali" (S.13).
- 19.11 Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa unità istituzzjonali klassifikata fis-sottosettur il-"bank ċentrali" (S.121) tas-settur "korporazzjonijiet finanzjarji" (S.12).
- 19.12 Il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment huma żewġ unitajiet separati, klassifikati fis-sottosettur "intermedjarji finanzjarji oħra, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni" (S.125) tas-settur "korporazzjonijiet finanzjarji" (S.12).
- 19.13 It-territorju ekonomiku tal-istituzzjonijiet Ewropej jinkludi ż-żoni territorjali li jinsabu fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew f'pajjiżi mhux tal-UE, bħal rappreżentanzi, delegazzjonijiet, uffiċċji eċċ.
- 19.14 It-transazzjonijiet ewlenin tal-istituzzjonijiet Ewropej jiġu rreġistrati taħt riżorsi u użi kif deskritt fl-anness.

Il-kont tal-bqija tad-dinja

- 19.15 Fil-kontijiet Ewropej, il-kontijiet tal-bqija tad-dinja jirreġistraw il-flussi ekonomiċi u l-istokks finanzjarji tal-assi u l-passivi ta' bejn l-unitajiet residenti tal-Unjoni Ewropea/taż-żona tal-euro u l-unitajiet mhux residenti. Għalhekk, il-kontijiet Ewropej tal-bqija tad-dinja jeskludu transazzjonijiet li jseħħu fl-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro. Il-flussi li jseħħu fl-UE/iż-żona tal-euro jissejħu "intra-flussi" u l-pożizzjonijiet finanzjarji bejn residenti tal-UE/iż-żona tal-euro jissejħu "intra-stokks".
- 19.16 L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-oġġetti jinkludu l-kummerċ kważi-transit, jiġifieri:
- (a) Oġġetti importati minn pajjiżi terzi fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro minn entità li ma titqisx bħala unità istituzzjonali u li wara jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro; u
- (b) Oġġetti li jaslu minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro li wara jiġu esportati lejn pajjiżi terzi minn entità li ma titqisx bħala unità istituzzjonali.

L-esportazzjonijiet ta' oġġetti għandhom jiġu vvalutati "FOB" fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro.

Għal oġġetti fi kważi-transitu li għandhom jiġu trasportati, l-ispejjeż ta' trasport u distribuzzjoni fl-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro għandhom jitqiesu bħala output ta' servizzi ta' trasport jekk min iġorr huwa residenti fl-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro u bħala importazzjonijiet ta' servizzi ta' trasport jekk ma jkunx.

- 19.17 Fil-kontijiet Ewropea, l-attività ta' negozju tinkludi biss ix-xiri ta' oġġetti minn resident tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro mingħand persuna mhux residenti u l-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tal-istess oġġetti lil persuna mhux residenti mingħajr ma l-oġġetti jkunu preżenti fl-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro. Tiġi rreġistrata l-ewwel bħala esportazzjoni negattiva tal-oġġetti u wara bħala esportazzjoni pożittiva tal-oġġetti, u xi differenzi fiż-żmien bejn ix-xiri u l-bejgħ jiġu rreġistrati bħala bidliet fl-inventarji (ara l-paragrafi 18.41 u 18.60).

Fejn negozjant li huwa resident tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro jixtri oġġetti minn persuna mhux residenti u wara jbiegħhom lil resident ta' Stat Membru ieħor, ix-xiri jiġi rreġistrat bħala esportazzjoni negattiva fil-kontijiet nazzjonali tal-Istat Membru tan-negozjant iżda bħala importazzjoni fil-kontijiet Ewropej.

⁽¹⁾ Dan il-kodiċi huwa speċifiku għall-Kontijiet Ewropej. Mhux imsemmi fil-Kapitolu 23 "Klassifikazzjonijiet", billi l-Kapitolu 23 jippreżenta l-kodiċijiet li għandhom jintużaw fil-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri waqt li l-Istituzzjonijiet Ewropej huma rreġistrati fis-settur tal-bqija tad-dinja.

- 19.18 Intrapriża ta' investiment dirett barrani hija residenti tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro meta investitur li mhux resident jipposedi 10 fil-mija jew aktar tal-ishma normali jew tas-setgħa ta' votazzjoni (għal intrapriża inkorporata) jew l-ekwivalenti (għal intrapriża mhux inkorporata).

Fil-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri, intrapriża ta' investiment dirett barrani jista' jkollha investituri li huma residenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro. Il-qligħ investit mill-ġdid korrispondenti ma jiġix irreġistrat bħala tali fil-kontijiet Ewropej.

Bilanċjar tat-transazzjonijiet

- 19.19 Metodu wieħed ta' kif jiġu kkompilati l-kontijiet tal-bqija tad-dinja jikkonsisti mill-irtirar tal-flussi intra-Ewropej, kemm fuq in-naħa tar-riżorsi kif ukoll fuq in-naħa tal-użi, mill-kontijiet tal-bqija tad-dinja tal-Istati Membri. Għalkemm dawn il-flussi-mera fit-teorija għandhom jaqtgħu lil xulxin, ġeneralment fil-prattika ma jiġrix hekk minħabba r-reġistrar asimetriku tal-istess transazzjoni fil-kontijiet nazzjonali tal-kontropartiti.
- 19.20 L-asimetriji joħolqu nuqqas ta' taqbil, fil-kontijiet Ewropej, bejn l-ekonomija totali u l-kontijiet tal-bqija tad-dinja. Il-kompilazzjoni tal-kontijiet Ewropej għalhekk teħtieġ rikonċiljazzjoni tal-kontijiet. Dan jinkiseb b'metodi ta' rikonċiljazzjoni bħall-minimu tal-inqas kaxxi jew l-allokkazzjoni proporzjonali. Fil-każ tal-oġġetti, l-istatistika kummerċjali intra-Unjoni tista' tintuża biex jiġu allokat i asimetriji skont il-kategorija tal-infiq.
- 19.21 It-tneħħija tal-asimetriji u l-ibbilanċjar sussegwenti tal-kontijiet iġġib aktar differenzi bejn l-aggregati Ewropej u s-somma tal-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

Miżuri ta' prezz u ta' volum

- 19.22 Il-kontijiet mhux finanzjarji Ewropej bil-prezzijiet tas-sena ta' qabel jistgħu jiġu kkompilati, għal transazzjonijiet f'oġġetti u servizzi, bl-użu ta' metodoloġija simili bħal dik tal-kontijiet Ewropej bil-prezzijiet attwali. L-ewwel, il-kontijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej/il-Bank Ċentrali Ewropew, ikkompilati bil-prezzijiet tas-sena ta' qabel, jiġu aggregati. It-tieni, it-transazzjonijiet transkonfinali bejn l-Istati Membri, ivvalutati bil-prezzijiet tas-sena ta' qabel, jiġu eliminati mill-kontijiet tal-bqija tad-dinja. It-tielet, id-diskrepanzi li jirriżultaw bejn ir-riżorsi u l-użi jiġu eliminati bl-użu tal-metodu magħżul biex jiġu bbilanċjati t-transazzjonijiet Ewropej bil-prezzijiet attwali.
- 19.23 Il-kontijiet Ewropej bil-prezzijiet tas-sena ta' qabel jippermettu l-kalkolu tal-indiċijiet tal-volum bejn il-perijodu attwali u s-sena ta' qabel. Wara li jintgħażel perijodu ta' referenza bħala punt ta' riferiment, l-indiċijiet tal-volum jistgħu jintrabtu u wara jiġu applikati għall-kontijiet Ewropej bil-prezzijiet attwali tas-sena tal-punt ta' riferiment. Dan jiġġenera kontijiet Ewropej f'volum għal kwalunkwe perijodu ta' osservazzjoni. Is-serje miksuba b'dan il-mod mhumiex addittivi. Jekk l-addittività u restrizzjonijiet oħra ta' kontabbiltà jkunu meħtieġa għal miżuri f'termini ta' volum għal skopjiet speċifiċi, dawn għandhom jiġu stabbiliti mill-ġdid bħala l-aħħar pass sabiex tinkiseb serje aġġustata.

Karti tal-bilanċ

- 19.24 Fil-kontijiet Ewropej, il-karti tal-bilanċ finanzjarji jistgħu jiġu kkompilati bl-użu ta' trattament simili bħal dak għat-transazzjonijiet:
- Il-karti tal-bilanċ finanzjarji tal-Istati Membri huma kkomplementati bl-istokks tal-assi miżmuma u l-passivi assunti mill-istituzzjonijiet Ewropej li huma residenti tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro;
 - L-istokks tal-assi finanzjarji ta' residenti tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro miżmuma minn resident ieħor (intra-stokks) jitneħħew mill-kontijiet nazzjonali tal-bqija tad-dinja; u
 - Żbilanċi maħluqa minn nuqqas ta' taqbil bejn l-intra-stokks tal-assi finanzjarji u l-passivi korrispondenti jiġu allokat i għat-taqsimiet differenti permezz ta' bbilanċjar.
- 19.25 Fil-kontijiet Ewropej, karti tal-bilanċ mhux finanzjarji jistgħu jiġu kkompilati bħala s-somma tal-karti tal-bilanċ mhux finanzjarji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro.

Matriċijiet "minn min għal min"

- 19.26 "Il-matriċijiet "minn min għal min" jaqgħu fid-dettall it-transazzjonijiet ekonomiċi (rispettivament assi finanzjarji miżmuma) bejn is-setturi istituzzjonali. Fil-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri, dawn il-matriċijiet janalizzaw fid-dettall it-transazzjonijiet/assi finanzjarji bejn is-setturi ta' oriġini/kreditur u destinazzjoni/debitur, kif ukoll bejn is-setturi domestiċi u l-bqija tad-dinja.
- 19.27 Fil-kontijiet Ewropej, il-matriċijiet "minn min għal min" jistgħu jiġu kkompilati bl-aggregazzjoni tal-matriċijiet nazzjonali u l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' flussi u stokks intra-Ewropej bħala flussi u stokks residenti. Għal dan l-iskop, għandha għalhekk issir distinzjoni f'dawn il-matriċijiet nazzjonali bejn it-transazzjonijiet, u l-assi finanzjarji miżmuma, fil-konfront tal-unitajiet residenti tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro u dawk mhux residenti fil-kont tal-bqija tad-dinja. Barra minn hekk, il-flussi u l-istokks fil-konfront tal-unitajiet residenti tal-Unjoni Ewropea/iż-żona tal-euro jeħtieġ li jiġu differenzjati aktar skont is-setturi ta' kontroparti.

ANNEX 19.1

IL-KONTIJJET TAL-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ

Riżorsi

- 19.28. Ir-riżorsi ewlenin tal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej mhux finanzjarji jinkludu dawn li ġejjin:
- (a) Dazji doganali u agrikoli;
 - (b) Tariffi fuq il-produzzjoni fuq il-produtturi taz-zokkor, l-isoglukożju u l-ġulepp tal-inulina;
 - (c) Ir-riżorsa tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; u
 - (d) Ir-riżorsa tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG)
- 19.29. Fil-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej, dawn il-flussi huma rreġistrati bħala riżorsi tas-sottosettur tal-"Istituzzjonijiet u korpi Ewropej" (S.1315) u bħala użi tal-bqija tad-dinja (S.211).
- 19.30. Id-dazji doganali u agrikoli jinġabru fil-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea skont it-tariffa doganali komuni. Jiġu klassifikati bħala "taxxi u dazji fuq importazzjonijiet eskluża l-VAT" (D.212) u jinkludu l-ispejjeż tal-ġbir.
- 19.31. It-tariffi fuq il-produzzjoni jinġabru fuq il-kwoti taz-zokkor, l-isoglukożju u l-ġulepp tal-inulina li għandhom il-produtturi. Jiġu klassifikati bħala "taxxi fuq prodotti, minbarra l-VAT u taxxi ta' importazzjoni" (D.214) u jinkludu l-ispejjeż tal-ġbir.
- 19.32. Sehem fiss tal-ammonti miġbur skont il-punti a) u b) tal-paragrafu 19A.01.01 jinżamm mill-Istati Membri bħala spejjeż tal-ġbir. Dan is-sehem kien 25 % fl-2009. Fil-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej, dawn l-ispejjeż tal-ġbir jiġu rreġistrati, fuq in-naħa tal-użi, bħala "konsum intermedju" (P.2) tas-sottosettur "Istituzzjonijiet u korpi Ewropej" (S.1315). Fuq in-naħa tar-riżorsi, jiġu rreġistrati bħala "importazzjonijiet ta' servizzi" (P.72) fil-kontijiet tal-bqija tad-dinja (S.211).
- 19.33. Ir-riżorsa tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tiġi kkalkolata bl-applikazzjoni ta' rata perċentwali fissa, magħrufa bħala r-rata ta' sejħa tal-VAT, lill-bażi armonizzata ta' valutazzjoni tal-VAT ta' kull Stat Membru. Il-bażi VAT tingħata l-ogħla limitu fir-rigward tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG). L-għoti tal-ogħla limitu tal-bażi VAT tfisser li, jekk il-bażi VAT ta' Stat Membru taqbeż ċertu perċentwali tal-bażi ta' valutazzjoni tad-DNG ta' dan l-Istat Membru, ir-rata ta' sejħa tal-VAT ma tiġix applikata għall-bażi VAT iżda għal dan il-perċentwali tal-aħħar tal-bażi ta' valutazzjoni tad-DNG. Ir-riżorsa tat-Taxxa tal-Valur Miżjud tinkludi ħlasijiet għas-sena attwali kif ukoll bilanċi mis-snin ta' qabel, li jikkorrispondu għar-reviżjonijiet ta' bażijiet tal-VAT tal-passat, meta jkun waslu biex jiġihallu. Ir-riżorsa tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud hija klassifikata taħt "Riżorsi proprji tal-UE bbażati fuq il-VAT u d-DNG" (D.76).
- 19.34. Ir-riżorsa tad-Dħul Nazzjonali Gross hija kontribuzzjoni residwa għall-baġit tal-istituzzjonijiet Ewropej li tiġi vvalutata fuq il-livelli tad-Dħul Nazzjonali Gross ta' kull Stat Membru. Tiġi klassifikata taħt "Riżorsi proprji tal-UE bbażati fuq il-VAT u d-DNG" (D.76) u tinkludi rimborżi kif ukoll il-bilanċ tal-ħlasijiet għas-snin ta' qabel. Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi baġitarji mħallsa mill-Istati Membri l-oħra lill-pajjiżi kkonċernati tiġi wkoll irreġistrata taħt D76, bħala riżorsi u użi tal-bqija tad-dinja (S.211).
- 19.35. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jiġu klassifikati bħala "kooperazzjoni internazzjonali attwali" (D.74).
- 19.36. Is-sottoskrizzjonijiet tal-Istati Membri għall-kapital ikkontribwit tal-Bank Ewropew tal-Investment, il-Fond Ewropew tal-Investment u l-Bank Ċentrali Ewropew jiġu rreġistrati fil-kontijiet finanzjarji bħala "ekwità oħra" (F.519). Jiġu rreġistrati bħala tibdil fl-assi tal-bqija tad-dinja (S.211) u tibdil fil-passivi tas-sottosetturi "intermedjarji finanzjarji oħra, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni" (S.125)/ "bank ċentrali" (S.121).
- 19.37. Mgħax pagabbli fuq self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investment, wara t-tnaqqis tas-Servizzi ta' Intermedjazzjoni Finanzjarja Mkejla Indirettament (SIFMI), jiġi klassifikat bħala "mgħax" (D.41). Fil-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej jiġu rreġistrati bħala użi tal-bqija tad-dinja (S.2) u riżorsi ta' "intermedjarji finanzjarji oħra, minbarra korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet" (S.125).
- 19.38. Mgħax pagabbli fuq self mogħti mill-Bank Ċentrali Ewropew jiġi klassifikat bħala "mgħax" (D.41). Fil-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej jiġu rreġistrati bħala użi tal-bqija tad-dinja (S.211) u riżorsi tas-sottosettur "bank ċentrali" (S.121).

Użi

19.39. Ħlasijiet magħmula minn istituzzjonijiet u korpi Ewropej mhux finanzjarji jikkonsistu minn dawn li ġejjin:

- (a) Transazzjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' għażen bħala produtturi mhux tas-suq, prinċipalment: "konsum intermedju" (P.2), "formazzjoni grossa tal-kapital fiss" (P.51) u "kumpens tal-impjegati" (D.1);
- (b) Transazzjonijiet distributtivi relatati mat-trasferimenti mill-istituzzjonijiet Ewropej lill-Istati Membri. Dawn jistgħu jkunu l-forma ta' "sussidji fuq il-prodotti" (D.31), "sussidji oħra fuq il-produzzjoni" (D.39), "kooperazzjoni internazzjonali attwali" (D.74), "trasferimenti attwali mixxellanji oħra" (D.759), "għotjiet ta' investiment" (D.92) u "trasferimenti oħra ta' kapital" (D.99); u
- (c) Ħlasijiet tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp lil pajjiżi terzi li huma klassifikati bħala "kooperazzjoni internazzjonali attwali" (D.74).

19.40. Il-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej jirreġistraw il-ħlasijiet magħmula minn istituzzjonijiet u korpi mhux finanzjarji Ewropej bħala użi tas-sottosettur "Istituzzjonijiet u korpi Ewropej" (S.1315) u riżorsi tal-bqija tad-dinja (S.211 jew S.22).

19.41. Ħlasijiet magħmula minn istituzzjonijiet u korpi mhux finanzjarji Ewropej jiġu ġeneralment irreġistrati abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' nfiq provduti mill-Istati Membri. Ħlasijiet bil-quddiem u ex-post jiġu rreġistrati fil-kontijiet finanzjarji tal-istituzzjonijiet Ewropej bħala "kontijiet riċevibbli/pagabbli oħra, bl-esklużjoni ta' krediti kummerċjali u ħlas bil-quddiem" (F0.89).

19.42. Ħlasijiet magħmula minn istituzzjonijiet u korpi finanzjarji Ewropej jikkonsistu minn dawn li ġejjin:

- (a) Transazzjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' għażen bħala produtturi ta' servizzi finanzjarji għas-suq, prinċipalment: "konsum intermedju" (P.2), "formazzjoni grossa tal-kapital fiss" (P.51) u "kumpens tal-impjegati" (D.1);
- (b) Ħlasijiet ta' mgħax (D.41).

Billi s-sottoskrizzjonijiet tal-Istati Membri għall-kapital tal-Bank Ewropew tal-Investment mhumiex meqjusa bħala investiment dirett barrani, ma hemmx fluss imputat ta' qligħ investit mill-ġdid (D.43) x'jiġi rreġistrat fil-kontijiet tiegħu.

19.43. Il-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej jirreġistraw il-ħlasijiet magħmula minn istituzzjonijiet u korpi finanzjarji Ewropej bħala użi tas-sottosettur "Intermedjarji finanzjarji oħra, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet" (S.125) u riżorsi tal-bqija tad-dinja (S.211 jew S.22).

Konsolidazzjoni

19.44. Fil-kontijiet Ewropej il-flussi bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej normalment ma jiġux ikkonsolidati, fost ir-riżorsi u l-użi, fis-sottosettur "gvern ġeneral" (S.13). Madankollu, fil-każ ta' "kooperazzjoni internazzjonali attwali" (D.74), il-ħlasijiet tal-Istati Membri lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jiffinanzjaw eż. l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jiġu kkonsolidati u rreġistrati, f' kontijiet Ewropej, bħala użi ta' "gvern ċentrali (bl-esklużjoni tas-sigurtà soċjali)" nazzjonali (S.1311) u riżorsi tal-bqija tad-dinja (S.22).

KAPITOLU 20

IL-KONTIJET TAL-GVERN

INTRODUZZJONI

- 20.01 L-attivitajiet tal-gvern huma ppreżentati separatament minn dawk tal-bqija tal-ekonomija għaliex is-setgħat, il-motivazzjoni, u l-funzjonijiet tal-gvern huma differenti minn dawk ta' setturi oħra. Dan il-kapitolu jippreżenta l-kontijiet tas-settur tal-gvern ġenerali u l-istatistika tal-finanzi tal-gvern (SFG) li tagħti stampa integrata tal-attivitajiet ekonomiċi tal-gvern: id-dħul, l-infiq, id-defiċit/l-eċċess, il-finanzjament, flussi ekonomiċi oħra u l-karta tal-bilanċ.
- 20.02 Il-gvernijiet għandhom is-setgħat li jgħollu t-taxxi u imposti obligatorji oħra u jgħaddu liġijiet li jaffettwaw l-imġiba tal-unitajiet ekonomiċi. Il-funzjonijiet ekonomiċi prinċipali tal-gvern huma dawn:
- (a) il-provvista ta' oġġetti u servizzi lill-komunità, għal konsum kollettiv bħall-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, u l-infurzar tal-liġi, jew għal konsum individwali bħas-servizzi tal-edukazzjoni, tas-saħħa, tar-rikreazzjoni u kulturali, u l-finanzjament tal-provvista tagħhom barra mit-tassazzjoni jew introjti oħra;
 - (b) ir-ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid permezz tal-ħlasijiet ta' trasferiment bħat-taxxi u l-benefiċċji soċjali;
 - (c) l-impenn f'tipi oħra ta' produzzjoni mhux tas-suq.
- 20.03 Il-preżentazzjoni tas-SFG dwar l-attivitajiet ekonomiċi tal-gvern ġenerali tippreżenta s-sekwenza normali tal-kontijiet b'mod aktar adatt għall-analisti u dawk li jfasslu l-politika tal-finanzi tal-gvern. Il-preżentazzjoni tas-SFG tuża aggregati u entrati saldatorji definiti f'termini tal-kunċetti, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u r-regoli tal-kontabbiltà tas-SEK sabiex jitkejlu b'mod konsistenti ma' varjabbli makroekonomiċi oħra, u bl-istess kejl fpajjiżi oħra. Xi entrati bħat-tfaddil u l-ġhoti ta' self nett/t-teħid ta' self nett huma diġà disponibbli fis-sekwenza tal-kontijiet. Entrati oħra, bħad-dħul totali, l-infiq totali, il-piż tat-taxxi u d-dejn totali, mhumiex murija espliċitament.
- 20.04 Regoli addizzjonali dwar xi kwistjonijiet aktar diffiċli rigward il-klassifikazzjoni u l-kejl għas-settur tal-gvern ġenerali jinsabu fit-Taqsima "Kwistjonijiet ta' kontabbiltà relatati mal-gvern ġenerali".

DEFINIZZJONI TAS-SETTUR TAL-GVERN ĠENERALI

- 20.05 Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti mill-unitajiet tal-gvern kollha u l-istituzzjonijiet kollha mingħajr skop ta' qligħ (NPIs) mhux tas-suq li huma kkontrollati mill-unitajiet tal-gvern. Huwa jkopri wkoll produttori oħra mhux tas-suq kif identifikati fil-paragrafi 20.18 sa 20.39.
- 20.06 L-unitajiet tal-gvern huma entitajiet legali stabbiliti bi proċess politiku li għandhom awtorità leġislattiva, ġudizzjarja jew eżekuttiva fuq unitajiet istituzzjonali oħra f'qasam partikolari. Il-funzjoni prinċipali tagħhom hija li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-komunità u lill-unitajiet domestiċi b'mod mhux abbażi tas-suq u li jiddistribwixxu mill-ġdid l-introjtu u l-ġid.
- 20.07 Unità tal-gvern normalment għandha l-awtorità li tiġbor fondi permezz ta' trasferimenti obligatorji minn unitajiet istituzzjonali oħra. Sabiex tissodisfa r-rekwiżiti bażiċi ta' unità istituzzjonali, unità tal-gvern għandu jkollha l-fondi tagħha li tkun ġabret mill-introjtu minn unitajiet oħra jew irċeviet bħala trasferimenti minn unitajiet oħra tal-gvern, u għandu jkollha l-awtorità li tiżborża t-tali fondi biex tissodisfa l-għanijiet ta' politika tagħha. Din għandha tkun tista' wkoll tissellef fondi akkont proprju.

Identifikazzjoni tal-unitajiet fil-gvern

Unitajiet tal-gvern

- 20.08 Fil-pajjiżi kollha, hemm entità ewlenija, b'mod partikolari fil-gvern ċentrali li teżerċita s-setgħat nazzjonali eżekuttivi, leġislattivi u ġudizzjarji. Id-dħul u l-infiq tagħha huma rregolati u kkontrollati direttament mill-Ministeru tal-Finanzi, jew l-ekwivalent tiegħu, permezz ta' baġit ġenerali approvat bil-leġislatura. Minkejja d-daqs u d-diversità tagħha, din l-entità normalment hija unità istituzzjonali waħda. Id-dipartimenti ministerjali, l-aġenziji, il-bordijiet, il-kummissjonijiet, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-korpi leġislattivi huma parti minn din l-unità ewlenija tal-gvern ċentrali. Il-ministeri separati fi ħdanha mhumiex rikonoxxuti bħala unitajiet istituzzjonali separati, billi ma għandhomx l-awtorità li jipposedu assi proprji, jieħdu passivi, jew jimpenjaw ruħhom fi transazzjonijiet indipendentement.

- 20.09 Is-sottosetturi tal-gvern ġenerali bħall-gvernijiet statali u lokali jistgħu jinkludu unitajiet tal-gvern ewlenin primarji bħal ma hemm deskritti fil-paragrafu 20.08, b'kull waħda relatata ma' livell tal-gvern u żona ġeografika partikolari.
- 20.10 Minbarra din l-unità primarja, hemm entitajiet tal-gvern li għandhom identitajiet legali separati u awtonomija sostanzjali, inkluża diskrezzjoni fuq il-volum u l-kompożizzjoni tal-infiq tagħhom u sors dirett ta' dħul, bħal taxxi dedikati. Entitajiet bħal dawn ħafna drabi jiġu stabbiliti biex iwettqu funzjonijiet speċifiċi, bħall-konstruzzjoni ta' toroq jew il-produzzjoni mhux tas-suq tas-servizzi tas-saħħa, tal-edukazzjoni jew tar-riċerka. Dawn l-entitajiet huma meqjusa bħala unitajiet tal-gvern separati fejn iżommu settijiet sħaħ ta' kontijiet, oġġetti proprji jew assi bħala dritt tagħhom, jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet mhux tas-suq li jinżammu responsabbli għalihom bil-liġi, u jista' jkollhom passivi u jidħlu f'kuntratti. Tali entitajiet (flimkien mal-istituzzjonijiet li jaħdmu mingħajr skop ta' qligħ li huma kkontrollati mill-gvern) huma magħrufa bħala "unitajiet extra-baġitarji" għaliex għandhom baġits separati, jirċievu trasferimenti sostanzjali mill-baġit ewlieni, u s-sorsi primarji tal-finanzjament tagħhom huma ssupplimentati bis-sorsi proprji ta' dħul li jaqgħu barra mill-baġit ewlieni. Dawn l-unitajiet extra-baġitarji huma klassifikati għas-settur tal-gvern ġenerali sakemm mhumiex fil-parti l-kbira tagħhom produttori tas-suq ikkontrollati minn unità oħra tal-gvern.
- 20.11 Il-baġit ġenerali ta' kwalunkwe livell tal-gvern jista' jinkludi intrapriżi mhux inkorporati li huma produttori tas-suq u kważikorporazzjonijiet. Jekk jikkwalifikaw bħala unitajiet istituzzjonali, intrapriżi bħal dawn ma jiġux meqjusa bħala parti mill-gvern ġenerali, iżda jiġu klassifikati għas-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jew finanzjarji.
- 20.12 Il-fondi tas-sigurtà soċjali huma unitajiet tal-gvern li huma dedikati għall-operazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali. L-iskemi tas-sigurtà soċjali huma skemi tal-assigurazzjoni soċjali li jkopru l-komunità kollha jew parti kbira minnha, li huma imposti u kkontrollati mill-gvern. Fond tas-sigurtà soċjali huwa unità istituzzjonali jekk ikun organizzat separatament mill-attivitajiet l-oħra tal-unitajiet tal-gvern, iżomm l-assi u l-passivi tiegħu separatament, u jinvolvi ruħu fi transazzjonijiet finanzjarji fuq akkont proprju.

NPIs klassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali

- 20.13 L-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ (NPIs) li huma produttori mhux tas-suq u kkontrollati mill-unitajiet tal-gvern huma unitajiet tas-settur tal-gvern ġenerali.
- 20.14 Il-gvernijiet jistgħu jaqgħu xi NPIs minflok aġenziji tal-gvern biex iwettqu politiki tal-gvern minħabba li huma jitqiesu bħala aktar distakkati, oġġettivi, u inqas soġġetti għal pressjonijiet politiċi. Pereżempju, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-istabbiliment u ż-żamma ta' standards f'oqsma bħas-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent u l-edukazzjoni huma oqsma li fihom l-NPIs jistgħu jkunu aktar effettivi minn aġenziji tal-gvern.
- 20.15 Il-kontroll ta' NPI huwa definit bħala l-kapaċità għad-determinazzjoni tal-politika ġenerali jew tal-programm tal-NPI. L-intervent pubbliku f'forma ta' regolamenti ġenerali applikabbli għall-unitajiet kollha li jaħdmu fl-istess attività, mhuwiex rilevanti waqt id-deċiżjoni dwar jekk il-gvern għandux kontroll fuq unità individwali. Għad-determinazzjoni ta' jekk NPI hijiex ikkontrollata mill-gvern, għandhom jiġu kkunsidrati l-ħames indikaturi ta' kontroll li ġejjin:
- il-ħatra tal-uffiċjali;
 - dispożizzjonijiet oħra tal-istrument ta' aġevolazzjoni bħall-obbligi fl-istatut tal-NPI;
 - il-ftehimiet kuntrattwali;
 - il-livell ta' finanzjament;
 - l-esponiment għar-riskju.


Indikatur wieħed jista' jkun biżżejjed biex jiġi stabbilit kontroll. Madankollu, jekk NPI li tkun iffinanzjata prinċipalment mill-gvern tibqa' kapaċi tiddetermina l-politika jew il-programm tagħha sa punt sinifikanti skont kif imsemmi fl-indikaturi l-oħra, għalhekk ma tkunx meqjusa li hija kkontrollata mill-gvern. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, għadd ta' indikaturi jistgħu jindikaw kontroll b'mod kollettiv. Deċiżjoni bbażata fuq dawn l-indikaturi kollha tkun waħda ġudizzjarja min-natura tagħha.

- 20.16 Il-karatteristika mhux tas-suq ta' NPI tiġi ddeterminata bl-istess mod bħal fil-każ ta' unitajiet oħra tal-gvern ġenerali.

Unitajiet oħra tal-gvern ġenerali

- 20.17 Jista' jkun diffiċli li wieħed jiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni ta' produttori ta' oġġetti u servizzi li joperaw taħt l-influenza tal-unitajiet tal-gvern. L-alternattivi huma li jiġu klassifikati bħala gvern ġenerali jew, jekk dawn jikkwalifikaw bħala unitajiet istituzzjonali, bħala korporazzjonijiet pubbliċi. Għal dawn il-każijiet tintuża d-dijagramma deċiżjonali li ġejja.

Dijagramma 20.1: Dijagramma deċiżjonali



Kontroll pubbliku

20.18 Il-kontroll fuq entità huwa l-abbiltà għad-determinazzjoni tal-politika jew tal-programm ġenerali ta' dik l-entità. Sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' kontroll mill-gvern, il-kriterji użati huma daww użati għal korporazzjonijiet li jistgħu jkunu korporazzjonijiet pubbliċi, kif stabbilit fil-paragrafu 2.32.

Delineazzjoni tas-suq/mhux tas-suq

Il-kunċett ta' prezzijiet ekonomikament sinifikanti

20.19 Il-produtturi mhux tas-suq jipprovdu l-output kollu jew kważi kollu tagħhom lil oħrajn mingħajr ħlas jew għal prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti. Prezzijiet ekonomikament sinifikanti huma prezzijiet li għandhom influwenza sostanzjali fuq l-ammonti ta' prodotti li l-produtturi huma lesti li jipprovdu u fuq l-ammonti ta' prodotti li x-xerrejja jixtiequ jikkwistaw. Huwa l-kriterju li jintuża għall-klassifikazzjoni tal-output u l-produtturi bħala tas-suq jew mhux tas-suq, li b'hekk jiddeċiedi jekk unità istituzzjonali li fiha l-gvern għandu kontroll, għandhiex tiġi nnominata bħala produttur mhux tas-suq u għalhekk klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali, jew bħala produttur tas-suq u għalhekk klassifikata bħala korporazzjoni pubblika.

20.20 Filwaqt li l-valutazzjoni ta' jekk prezz huwiex ekonomikament sinifikanti titwettaq fil-livell ta' kull output individwali, il-kriterju li jiddetermina l-karattru tas-suq/mhux tas-suq ta' unità jiġi applikat fil-livell tal-unità.

20.21 Meta l-produtturi jkunu kumpanniji privati, jista' jiġi preżunt li l-prezzijiet huma ekonomikament sinifikanti. B'kuntrastrast ma' dan, meta jkun hemm kontroll pubbliku, il-prezzijiet tal-unità jistgħu jiġu stabbiliti jew immo-difikati għall-iskopijiet tal-politika pubblika, li jista' jikkawża diffikultajiet fid-determinazzjoni ta' jekk prezz huwiex ekonomikament sinifikanti. Il-korporazzjonijiet pubbliċi ħafna drabi jiġu stabbiliti mill-gvern biex jipprovdu oġġetti u servizzi li s-suq ma jipproduċix fil-kwantitajiet jew bil-prezzijiet konformi mal-politika tal-gvern. Għal tali unitajiet pubbliċi li jgawdu mill-appoġġ tal-gvern, il-bejgħ jista' jkopri parti kbira mill-ispejjeż tagħhom, iżda dawn jirreaġixxu b'mod differenti mill-korporazzjonijiet privati għall-forzi tas-suq.

- 20.22 Biex tiġi analizzata d-differenza bejn produttur tas-suq u mhux tas-suq fir-rigward tal-bidliet fil-kondizzjonijiet tas-suq, huwa utli li jiġi speċifikat liema unitajiet huma l-konsumaturi tal-oġġetti u s-servizzi konċernati u jekk il-produttur fil-fatt jikkompetix fis-suq jew jekk huwiex l-uniku fornitur.

Kriterji tax-xerrej tal-output ta' produttur pubbliku

L-output jinbiegħ primarjament lill-korporazzjonijiet u l-unitajiet domestiċi

- 20.23 Prezzijiet ekonomikament sinifikanti normalment jirriżultaw meta jiġu sodisfatti żewġ kondizzjonijiet:
- (1) Il-produttur ikollu incenċiv biex jaġġusta l-provvista bil-għan li jagħmel qligħ maż-żmien jew, bħala minimu, biex ikopri l-ispejjeż tal-kapital u spejjeż oħra tal-produzzjoni, inkluż il-konsum tal-kapital fiss, permezz tal-bejgħ, u
 - (2) il-konsumaturi huma liberi li jagħżlu abbażi tal-prezzijiet mitluba.

L-output jinbiegħ biss lill-gvern

- 20.24 Xi servizzi huma tipikament meħtieġa bħala servizzi anċillari. Huma jinkludu attivitajiet bħal trasport, finanzjament u investiment, xiri, bejgħ, kummerċjalizzazzjoni, servizzi ta' kompjuter, komunikazzjonijiet, tindif u manutenzjoni. Unità li tipprovdi dan it-tip ta' servizzi esklużivament lill-unità prinċipali tagħha jew lil unitajiet oħra fl-istess grupp ta' unitajiet hija unità anċillari. Din mhijiex unità istituzzjonali separata u tiġi klassifikata mal-unità prinċipali tagħha. L-unitajiet anċillari jipprovdu l-output tagħhom kollu lis-sidien tagħhom għall-użu bħala konsum intermedju jew formazzjoni grossa tal-kapital fiss.
- 20.25 Jekk produttur pubbliku jbigħ biss lill-gvern u huwa l-uniku fornitur tas-servizzi tiegħu, jiġi preżunt li huwa produttur mhux tas-suq dment li ma jikkompetix ma' produttur privat. Każ tipiku huwa l-offerta għal kuntratt mal-gvern fuq termini kummerċjali u għalhekk il-ħlasijiet tal-gvern huma biss għas-servizzi mogħtija.
- 20.26 Jekk produttur pubbliku huwa wieħed minn diversi fornituri tal-gvern, dan huwa kkunsidrat bħala produttur tas-suq jekk huwa jikkompeti ma' produtturi oħra fis-suq u l-prezzijiet tiegħu jissodisfaw il-kriterji ġenerali ta' prezzijiet li jkunu ekonomikament sinifikanti, kif definit fil-paragrafi minn 20.19 sa 20.22.

L-output jinbiegħ lill-gvern u lil oħrajn

- 20.27 Jekk produttur pubbliku huwa l-uniku fornitur tas-servizzi tiegħu, jiġi preżunt li huwa produttur tas-suq jekk il-bejgħ tiegħu lil unitajiet mhux tal-gvern huwa aktar minn nofs l-output totali tiegħu jew il-bejgħ tiegħu lill-gvern jissodisfaw l-kondizzjoni tal-offerta msemmija fil-paragrafu 20.25.
- 20.28 Jekk ikun hemm diversi fornituri, produttur pubbliku huwa produttur tas-suq jekk jikkompeti mal-produtturi l-oħra permezz ta' offerti għal kuntratt mal-gvern.

It-test tas-suq/mhux tas-suq

- 20.29 Il-klassifikazzjoni tas-settur tal-unitajiet tal-gvern prinċipali, li huma involuti fil-provvista ta' oġġetti u servizzi fuq bażi mhux tas-suq u /jew fir-ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid, hija waħda ċara.

Għal produtturi oħra li joperaw taħt il-kontroll tal-gvern, tkun meħtieġa valutazzjoni tal-attività u r-riżorsi tagħhom. Sabiex jiġi deċiż jekk dawn humiex unitajiet tas-suq, u jekk jitolbux prezzijiet ekonomikament sinifikanti, għandhom jiġu vverifikati l-kriterji stabbiliti fil-paragrafi minn 20.19 sa 20.28. Fil-qosor, il-kondizzjonijiet huma dawn li ġejjin:

- (a) il-produttur huwa unità istituzzjonali (kondizzjoni neċessarja; ara wkoll id-dijagramma deċiżjonali fil-paragrafu 20.17);
- (b) il-produttur mhuwiex fornitur iddedikat ta' servizzi anċillari;
- (c) il-produttur mhuwiex l-uniku fornitur tal-oġġetti u s-servizzi lill-gvern, jew, fejn jinsab dak il-produttur, huwa għandu kompetituri; u
- (d) il-produttur għandu incenċiv biex jaġġusta l-provvista biex iwettaq attività vijabbli li tirrendilu qligħ, biex ikun jista' jopera f'kondizzjonijiet tas-suq u jilħaq l-obbligji finanzjarji tiegħu.

L-abbiltà li twettaq attività tas-suq tiġi vverifikata b'mod partikolari permezz tal-kriterju kwantitattiv tas-soltu (il-kriterju ta' 50 %), bl-użu tal-proporzjon tal-bejgħ meta mqabbel mal-ispejjeż tal-produzzjoni (kif definit fil-paragrafi 20.30 u 20.31). Biex tkun produttur tas-suq, l-unità pubblika għandha tkopri tal-inqas 50 % tal-ispejjeż tagħha permezz tal-bejgħ tagħha tul perijodu sostnut fuq diversi snin.

- 20.30 Għat-test tas-suq/mhux tas-suq, il-bejgħ tal-oġġetti u s-servizzi jikkorrispondu mal-fatturi tal-bejgħ, fi kliem ieħor mal-output tas-suq (P.11) miżjud bil-ħlas għall-output mhux tas-suq (P.131), jekk ikun hemm. Il-produzzjoni proprja mhix ikkunsidrata bħala parti mill-bejgħ f'dan il-kontest. Il-bejgħ jeskludi wkoll il-ħlasijiet kollha li jaslu mingħand il-gvern dment li dawn ma jingħatawx lil produtturi oħra li jagħmlu l-istess attività.
- 20.31 L-ispejjeż tal-produzzjoni huma s-somma tal-konsum intermedju, il-kumpens tal-impjegati, il-konsum tal-kapital fiss u taxxi oħra fuq il-produzzjoni. Għall-iskopijiet tat-test tas-suq/mhux tas-suq, l-ispejjeż tal-produzzjoni jiżdiedu bit-tariffa tal-imgħax nett u jitnaqqsu bil-valur ta' kwalunkwe produzzjoni imputata, b'mod partikolari l-produzzjoni fuq akkont proprju. Is-sussidji fuq il-produzzjoni ma jitnaqqasux.

Intermedjazzjoni finanzjarja u l-limitu tal-gvern

- 20.32 Il-każ tal-unitajiet impenjati fattivajiet finanzjarji jeħtieġ kunsiderazzjoni speċjali. L-intermedjazzjoni finanzjarja hija l-attività li fiha l-unitajiet jiksbu assi finanzjarji u fl-istess ħin jeħlu passivi akkont proprju billi jimpenjaw ruħhom fi transazzjonijiet finanzjarji.
- 20.33 Intermedjarju finanzjarju jpoġġi ruħu fir-riskju li jeħel passivi akkont proprju. Pereżempju, jekk unità finanzjarja pubblika tiġġestixxi assi iżda ma tpoġġix ruħha fir-riskju li teħel passivi akkont proprju, din mhix intermedjarju finanzjarju u l-unità tiġi klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali aktar milli fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji.
- 20.34 L-applikazzjoni tal-kriterju kwantitattiv tat-test tas-suq/mhux tas-suq għal korporazzjonijiet pubbliċi involuti fl-intermedjazzjoni finanzjarja jew fil-ġestjoni tal-assi ġeneralment mhijiex rilevanti, minħabba li l-qligħ tagħhom jiġi kemm minn introjtu minn proprjetà kif ukoll minn qligħ nominali.

Każijiet dubjużi

Uffiċċji Prinċipali Pubbliċi

- 20.35 L-uffiċċji prinċipali pubbliċi huma entitajiet li l-funzjoni ewlenija tagħhom hija l-kontroll u d-direzzjoni ta' grupp ta' sussidjarji taħt il-kontroll ta' unità tal-gvern. Hemm żewġ każijiet distinti:
- (a) sa fejn l-uffiċċju prinċipali pubbliku jkun unità istituzzjonali u impenjat fil-ġestjoni ta' produtturi tas-suq, dan jiġi klassifikat skont l-attività ewlenija tal-grupp, fis-settur S.11 jekk l-attività ewlenija hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji, jew fis-settur S.12 jekk tipproduċi prinċipalment servizzi finanzjarji (ara wkoll il-paragrafi 2.23 u 2.59);
- (b) jekk l-uffiċċju prinċipali pubbliku mhuwiex unità istituzzjonali, u għalhekk xi kultant jissejjaħ "shell", jew jaġixxi bħala aġent tal-gvern, billi jaġixxi għal skopijiet tal-politika pubblika, bħad-direzzjoni tal-fondi fost is-sussidjarji jew l-organizzazzjoni tal-privatizzazzjoni jew l-annullament, dan jiġi klassifikat fis-settur tal-gvern ġenerali.
- 20.36 It-terminu, "uffiċċju prinċipali pubbliku", li qed jintuża hawnhekk ikopri l-unitajiet li huma magħrufa wkoll bħala "kumpanniji possedenti pubbliċi".
- 20.37 Is-sussidjarji li jiffurmaw parti mill-grupp, impenjat fil-produzzjoni u ż-żamma ta' sett shħ ta' kontijiet, huma meqjusin bħala unitajiet istituzzjonali anke jekk taw parti mill-awtonomija tad-deċiżjoni tagħhom lill-korp ċentrali (ara l-paragrafu 2.13). It-test tas-suq/mhux tas-suq jiġi applikat lill-unitajiet individwali. Għalhekk jista' jiġri li sussidjarja waħda, iżda mhux l-oħrajn, tiġi rikonoxxuta bħala mhux tas-suq u klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali.

Fondi tal-pensjonijiet

- 20.38 L-iskemi tal-pensjoni ta' min iħaddem huma arranġamenti stabbiliti biex jipprovdu benefiċċji tal-irtirar lill-parteċipanti, abbażi ta' relazzjoni kuntrattwali bejn min iħaddem u l-impjegat. Dawn jinkludu skemi iffinanzjati, mhux iffinanzjati u parzjalment iffinanzjati.
- 20.39 Skema ffinanzjata ta' kontribuzzjoni definita, stabbilita minn unità tal-gvern, mhijiex trattata bħala skema tas-sigurtà soċjali, fejn ma hemm l-ebda garanzija tal-gvern dwar il-livell tal-pensjonijiet dovuti u l-livell tal-pensjonijiet huwa inċert għaliex jiddependi mill-prestazzjoni tal-assi. Bħala konsegwenza, l-unità identifikata bħala li tiġġestixxi l-iskema — kif ukoll il-fond stess jekk hija unità istituzzjonali separata — hija kkunsidrata bħala korporazzjoni finanzjarja, klassifikata taħt is-sottosettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet.

Kważikorporazzjonijiet

- 20.40 Il-kważikorporazzjonijiet huma intrapriżi mhux inkorporati li jiffunzjonaw bħallikieku kienu korporazzjonijiet. Il-kważikorporazzjonijiet huma trattati bħala korporazzjonijiet: jiġifieri, bħala unitajiet istituzzjonali separati mill-unitajiet li jappartjenu għalihom fir-rikonoxximent tal-komportament ekonomiku u finanzjarju distint tagħhom. Għaldaqstant, l-istabbilimenti tas-suq ikkontrollati minn unitajiet tal-gvern u rikonoxxuti bħala kważikorporazzjonijiet huma raggruppati mal-korporazzjonijiet fis-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jew finanzjarji.

- 20.41 Stabbiliment tal-gvern, jew grupp ta' stabbilimenti impenjati fl-istess tip ta' produzzjoni taħt ġestjoni komuni, jiġi trattat bħala kważikorporazzjoni pubblika jekk:
- (a) iżomm prezzijiet għall-output tiegħu li huma ekonomikament sinifikanti;
 - (b) huwa meqjus li għandu l-awtonomija fit-tehdid ta' deċiżjonijiet; u
 - (c) jeżisti sett komplet ta' kontijiet li jippermetti li l-bilanċi operattivi, it-tfaddil, l-assi u l-passivi tiegħu jiġu identifikati u mkejla separatament, jew ikun possibbli li jinħoloq sett komplet ta' kontijiet ta' dan it-tip.
- 20.42 L-ammont ta' introjtu rtirat minn kważikorporazzjoni matul perijodu bażi tal-kontijiet partikolari jiġi deċiż mis-sid. Irtrar bħal dan huwa ekwivalenti għall-ħlas ta' dividend minn korporazzjoni lill-azzjonisti tagħha. Abbażi tal-ammont tal-introjtu rtirat, jiġi ddeterminat, l-ammont tal-qligħ miżmum fil-kważikorporazzjoni. Is-sid jista' jinvesti aktar kapital fl-intrapriża jew jirtira kapital minnha billi jiddisponi minn uħud mill-assi tagħha, u t-tali flussi ta' kapital għandhom ikunu wkoll identifikabli fil-kontijiet kull meta jseħħu. Il-flussi tal-introjtu mill-investment u minn proprjetà fil-kważikorporazzjoni jiġu rreġistrati bl-istess mod bħal flussi simili fil-korporazzjonijiet. B'mod partikolari, l-għotjiet ta' investment jiġu rreġistrati bħala trasferimenti ta' kapital.
- 20.43 L-entitajiet tal-produtturi li mhumiex trattati bħala kważikorporazzjonijiet jibqgħu integrati mal-unitajiet tal-gvern li huma l-proprjetarji tagħhom. Waqt li l-unitajiet tal-gvern jikkonsistu l-aktar minn produtturi mhux tas-suq, l-istabbilimenti tas-suq jistgħu jeżistu f'unità tal-gvern. Il-bejgħ ta' dawn l-istabbilimenti tas-suq huwa separat minn kwalunkwe bejgħ incidental, li huwa output sekondarju mibjugħ minn stabbilimenti mhux tas-suq bi prezzijiet ekonomikament sinifikanti. Bħala riżultat, eċċess operattiv nett li mhuwiex żero huwa possibbli għal unità tal-gvern: l-eċċess operattiv nett iġġenerat mill-istabbilimenti tas-suq.

Aġenziji ta' ristrutturar

- 20.44 Xi unitajiet pubbliċi huma involuti fir-ristrutturar tal-korporazzjonijiet. Tali korporazzjonijiet jistgħu jew jistgħu ma jkunux ikkontrollati mill-gvern. Dawn l-aġenziji ta' ristrutturar jistgħu jkunu unitajiet pubbliċi li ilhom żmien twil jew aġenziji maħluqa għal dan l-iskop speċjali. Il-gvern jiffinanzja r-ristrutturar b'diversi modi: direttament, permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital bħal pereżempju trasferimenti ta' kapital, self jew akkwisti ta' ekwità, jew indirettament, permezz tal-għoti ta' garanziji. Il-kriterji prinċipali li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tas-settur tal-aġenziji ta' ristrutturar huma jekk dawn l-entitajiet humiex intermedjarji finanzjarji, il-karattru tas-suq tal-attività ewlenija u l-livell ta' riskju assunt mill-aġenzija pubblika. F'ħafna każijiet, il-livell ta' riskju li jittieħed mill-aġenzija ta' ristrutturar huwa baxx minħabba li taġixxi b'appoġġ finanzjarju pubbliku u fisem il-gvern. L-aġenziji ta' ristrutturar jistgħu jittrattaw il-privatizzazzjoni jew l-annullament.

Aġenziji ta' privatizzazzjoni

- 20.45 L-ewwel tip ta' aġenzija ta' ristrutturar tiġġestixxi l-privatizzazzjoni tal-unitajiet tas-settur pubbliku. Jeżistu żewġ każijiet:
- (a) l-unità ta' ristrutturar, hu x'inhu l-istatus ġuridiku tagħha, taġixxi bħala aġent dirett tal-gvern jew għandha tal ta' hagna limitat. Il-funzjoni ewlenija tagħha hija r-ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid nazzjonali, jiġifieri d-direzzjoni tal-fondi minn unità għal oħra. L-unità ta' ristrutturar tiġi klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali;
 - (b) l-unità ta' ristrutturar hija kumpannija possedenti li tikkontrolla u tiġġestixxi grupp ta' sussidjarji, u parti żgħira biss tal-attività tagħha hija ddedikata għat-tweqqif tal-privatizzazzjoni u d-direzzjoni ta' fondi minn sussidjarja waħda għal oħra fisem il-gvern u għal skopjiet ta' ordni pubbliku. L-unità hija klassifikata bħala korporazzjoni, u kwalunkwe transazzjoni li ssir fisem il-gvern għandha tiġi direzzjonata mill-ġdid permezz tal-gvern ġenerali.

Strutturi ta' annullament

- 20.46 It-tieni tip ta' aġenzija ta' ristrutturar tiġġestixxi assi danneġġati, u tista' tiġi stabbilita fi kriżi bankarja jew kriżi finanzjarja oħra. Tali aġenziji strutturi ta' annullament jew "bad banks". Aġenzija ta' ristrutturar għandha tiġi klassifikata skont il-livell ta' riskju li għandha, b'kunsiderazzjoni tal-livell ta' appoġġ finanzjarju tal-gvern.

Fil-każ l-aktar komuni, l-aġenzija ta' ristrutturar tixtri assi għal prezzijiet oġhla minn dawk tas-suq bl-appoġġ finanzjarju dirett jew indirett tal-gvern. L-attività tagħha jirriżultaw f'ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid nazzjonali. Jekk l-istruttura ta' annullament, ma tpoġġix ruħha friskju, hija tiġi klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali.

Entitajiet bi skop speċjali

- 20.47 L-entitajiet bi skop speċjali (SPEs), imsejħa wkoll strumenti ad hoc (SPVs), jistgħu jiġu stabbiliti għall-konvenjenza finanzjarja mill-gvernijiet jew minn entitajiet privati. L-SPE tista' tkun involuta f'operazzjonijiet fiskali, inklużi t-titolizzazzjoni ta' assi, it-tehdid ta' self fisem il-gvern eċċ. SPEs bħal dawn ma jiġux trattati bħala unitajiet istituzzjonali separati meta jkunu residenti. Dawn l-entitajiet jiġu klassifikati skont l-attivitàta' prinċipali tas-sid u l-SPEs li jwettqu operazzjonijiet fiskali jiġu klassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali.
- 20.48 L-SPEs mhux residenti huma dejjem rikonoxxuti bħala unitajiet istituzzjonali separati. Il-flussi u l-pożizzjonijiet tal-istokk kollha bejn il-gvern ġenerali u l-SPE mhux residenti għandhom jiġu rreġistrati fil-kontijiet tal-gvern ġenerali u fil-kontijiet tal-SPE. Barra minn hekk, meta SPEs mhux residenti bħal dawn jimpenjaw ruħhom f'teħid ta' self tal-gvern jew jeħlu nfiq tal-gvern barra mill-pajjiż, anke jekk ma jkun hemm l-ebda flussi rreġistrati bejn il-gvern u l-SPE relatati ma' daww l-attivitàta' fiskali, it-transazzjonijiet jiġu imputati fil-kontijiet kemm tal-gvern kif ukoll tal-entità mhux residenti biex jirriflettu l-attivitàta' fiskali tal-gvern. Jekk SPE mhux residenti timpenja ruħha f'operazzjoni ta' titolizzazzjoni li ma tinvolvix bejgħ ta' assi, l-operazzjoni tiġi meqjusa bħala transazzjoni ta' tehdid ta' self tal-gvern. Is-sostanza ekonomika ta' din it-transazzjoni għandha tiddaħħal fil-kontijiet bl-impunitazzjoni tat-tehdid ta' self tal-gvern ġenerali mill-SPE mhux residenti bl-istess valur u fl-istess żmien meta l-SPE teħel passiv lil kreditur barrani.

Impriżi konġunti

- 20.49 Ħafna unitajiet pubbliċi jidħlu fi ftehimiet ma' entitajiet privati jew unitajiet oħra pubbliċi biex jaġhmlu diversi attivitajiet b'mod konġunt. L-attivitàta' jistgħu jirriżultaw fi prodott tas-suq jew mhux tas-suq. L-operazzjonijiet konġunti jistgħu jiġu strutturati b'mod wiesgħa bħala wieħed minn tliet tipi: unitajiet ikkontrollati b'mod konġunt, hawnhekk imsejħa impiżi konġunti; operazzjonijiet ikkontrollati b'mod konġunt; u assi kkontrollati b'mod konġunt.
- 20.50 Impriża konġunta tirrikjedi l-istabbiliment ta' korporazzjoni, sħubija jew unità oħra istituzzjonali li fiha kull parti jkollha kontroll konġunt fuq l-attivitàta' tal-unità. Bħala unità istituzzjonali, l-impriża konġunta tista' tidħol f'kuntratti fisimha u tiġbor finanzi għall-skopjiet proprji. Impriża konġunta żżomm ir-rekords tal-kontabbiltà proprja tagħha.
- 20.51 Normalment, il-perċentwali tas-sjeda jkun biżżejjed għad-determinazzjoni tal-kontroll. Jekk kull sid ikollu perċentwali ugwali tal-impriża konġunta, għandhom jiġu kkunsidrati l-indikaturi l-oħra ta' kontroll.
- 20.52 L-unitajiet pubbliċi jistgħu jidħlu wkoll f'arranġamenti operattivi konġunti li ma jitmexxewx minn unitajiet istituzzjonali separati. F'dan il-każ, ma hemm l-ebda unitajiet li jeħtieġu klassifikazzjoni, iżda wieħed irid jiżgura li s-sjeda tal-assi tiġi rreġistrata b'mod korrett u l-arranġamenti ta' taqsim ta' dħul u spejjeż isiru skont id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li jirregola. Pereżempju, żewġ unitajiet jistgħu jaqblu li jkunu responsabbli għal stadji differenti ta' proċess tal-produzzjoni konġunt jew unità waħda jista' jkollha ass jew kumpless ta' assi relatati iżda ż-żewġ unitajiet jaqblu li jaqsmu d-dħul u l-ispejjeż.

Aġenziji regolatorji tas-suq

- 20.53 L-aġenziji pubbliċi li jaħdmu fil-qasam tal-agrikoltura jistgħu jwettqu żewġ tipi ta' attivitàta':

(a) li jixtru, jżommu u jbigħu oġġetti agrikoli u oġġetti oħra tal-ikel fis-suq; jew

(b) li jkunu esklużivament jew prinċipalment distributuri ta' sussidji jew trasferimenti oħra għall-produtturi.

Fl-ewwel każ, minħabba li taġixxi bħala produttur tas-suq, l-unità istituzzjonali tiġi klassifikata fis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11). Fit-tieni każ, l-unità istituzzjonali tiġi klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali (S.13).

- 20.54 Fejn l-aġenzija regolatorja tas-suq twestaq iż-żewġ attivitajiet deskritti fil-paragrafu 20.53, hija tinqasam f'żewġ unitajiet istituzzjonali, skont l-attivitàta' prinċipali, waħda klassifikata fis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11), l-oħra fis-settur tal-gvern ġenerali (S.13). F'każ li jkun diffiċli li l-aġenzija tinqasam b'dan il-mod, il-konvenzjoni hija li t-test normali għall-klassifikazzjoni ta' settur jiġi aġġustat bl-applikazzjoni tal-kriterju "attivitàta' prinċipali" fuq il-bażi tal-ispejjeż. Jekk l-ispejjeż tal-unità jkun marbut b'mod sinifikanti ħafna mal-attivitàta' tal-ġestjoni tas-suq, l-unità tiġi klassifikata fis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Huwa rakkomandat limitu ta' 80 % tal-proporzjon tal-ispejjeż meta mqabbla mal-bejgħ. Jekk il-proporzjon tal-ispejjeż meta mqabbla mal-bejgħ konnessi mal-attivitàta' regolatorja huma inqas minn dan il-limitu, l-unità tiġi klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali (S.13).

Awtoritajiet supranazzjonali

- 20.55 Ċerti pajjiżi huma parti ta' ftehim istituzzjonali fejn il-pajjiżi jiffirmaw parti ta' awtorità supranazzjonali. Normalment arranġament bħal dan jimplika trasferimenti monetarji mill-pajjiżi membri lill-awtorità supranazzjonali u l-kuntrarju. L-awtorità supranazzjonali timpenja ruħha wkoll fi produzzjoni mhux tas-suq. Fil-kontinġent nazzjonali tal-pajjiżi membri, l-awtoritajiet supranazzjonali huma unitajiet istituzzjonali mhux residenti li huma klassifikati f'sottosettur speċifiku tal-bqija tad-dinja.

Is-sottosetturi tal-gvern ġenerali

- 20.56 Skont l-arranġamenti amministrattivi u legali, ġeneralment hemm aktar minn livell wieħed tal-gvern f'pajjiż. Fil-Kapitolu 2, tliet livelli tal-gvern huma speċifikati: ċentrali, tal-istat (jew reġjonali) u lokali, b'sottosettur għal kull livell. Minbarra dawn il-livelli tal-gvern, l-eżistenza u d-daqs tas-sigurtà soċjali u r-rwol tagħha fil-politika finanzjarja jeħtieġu li l-istatistika għall-unitajiet kollha tas-sigurtà soċjali tiġi kumpilata bħala r-raba' sottosettur separat tal-gvern ġenerali. Mhux il-pajjiżi kollha għandhom il-livelli kollha; uħud jista' jkollhom biss gvern ċentrali jew gvern ċentrali u livell ieħor aktar baxx. Fil-pajjiżi li għandhom aktar minn tliet livelli, l-unitajiet differenti għandhom jiġu klassifikati kollha f'wieħed mil-livelli ta' hawn fuq.

Gvern ċentrali

- 20.57 Is-sottosettur gvern ċentrali (bl-esklużjoni tas-sigurtà soċjali) (S.1311) jikkonsisti mill-unitajiet kollha tal-gvern li għandhom sfera nazzjonali ta' kompetenza, minbarra l-unitajiet tas-sigurtà soċjali. L-awtorità politika tal-gvern ċentrali ta' pajjiż testendi fuq it-territorju sħiħ tal-pajjiż. Il-gvern ċentrali jista' jimponi taxxi fuq l-unitajiet istituzzjonali kollha residenti u fuq unitajiet mhux residenti impenjati f'attivitajiet ekonomiċi fil-pajjiż. Il-gvern ċentrali huwa tipikament responsabbli għall-provvista ta' servizzi kollettivi għall-benefiċċju tal-komunità kollha, bħad-difiża nazzjonali, ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra, l-ordni u s-sikurezza pubbliċi, u għar-regolazzjoni tas-sistema soċjali u ekonomika tal-pajjiż. Barra minn hekk, jista' jkollu spejjeż fuq il-provvista ta' servizzi, bħall-edukazzjoni jew is-saħħa, primarjament għall-benefiċċju tal-unitajiet domestiċi, u jista' jagħmel trasferimenti lil unitajiet oħra istituzzjonali, inklużi livelli oħra tal-gvern.
- 20.58 Il-kumpilazzjoni tal-istatistika għall-gvern ċentrali hija importanti minħabba r-rwol speċjali li għandha fl-analiżi tal-politika ekonomika. Huwa l-aktar permezz tal-gvern ċentrali li l-politika finanzjarja jkollha impatti fuq il-pressjonijiet inflazzjonarji jew deflazzjonarji fl-ekonomija. Ġeneralment huwa fil-livell tal-gvern ċentrali li korpi li jieħu d-deċiżjonijiet jifformula u jwettaq politiki diretti lejn għanijiet ekonomiċi nazzjonali.
- 20.59 Is-sottosettur tal-gvern ċentrali huwa sottosettur kbir u kumpless fil-parti l-kbira tal-pajjiżi. Huwa ġeneralment kompost minn grupp ċentrali ta' dipartimenti jew ministeri li jagħmlu unità istituzzjonali waħda flimkien ma' korpi mixxellenji li joperaw taħt il-kontroll tal-gvern ċentrali b'identità legali separata u b'awtonomija suffiċjenti biex jiffirmaw unitajiet addizzjonali tal-gvern ċentrali.
- 20.60 Il-grupp ċentrali ewlieni jew il-gvern ċentrali primarju kultant jissejjaħ gvern ċentrali baġitarju li jenfasizza l-fatt li element essenzjali tad-dikjarazzjoni tar-rappurtar ewlenija tiegħu huwa l-"baġit". Dan jissuġġerixxi li l-baġit jipprovi delimitazzjoni impliċita tal-unità istituzzjonali sottostanti tal-gvern ċentrali. Huwa kultant jissejjaħ l-"Istat", li ma għandux jiġi konfuż mal-kunċett tal-gvern statali bħal provinċji, länder, distretti, repubbliki, prefetturi, jew reġjuni amministrattivi f'sistema ta' gvern federali. Meta tiġi mfassla s-sekwenza sħiħa tal-kontinġent għall-gvern ċentrali baġitarju, ħafna drabi jkun xieraq li jiġu inklużi l-attivitajiet ta' fondi extra-baġitarji, meta dawn ma jkunux unitajiet istituzzjonali, u ġeneralment l-operazzjonijiet kollha tat-Teżor mhux rappurtati fil-baġit.
- 20.61 Il-komponent l-ieħor tal-gvern ċentrali jikkonsisti minn korpi oħra tal-gvern ċentrali, imsejħa wkoll unitajiet extra-baġitarji, li jinkludu aġenziji jew entitajiet extra-baġitarji li jikkwalifikaw bħala unitajiet istituzzjonali, intrapriżi pubbliċi mhux tas-suq bi status ġuridiku u NPI mhux tas-suq ikkontrollata mill-pubbliku.
- 20.62 Il-gvern ċentrali jista' jinqasam f'żewġ komponenti: gvern ċentrali baġitarju u korpi oħra tal-gvern ċentrali. Dan it-taqsim huwa kwistjoni ta' ġudizzju u jista' jiġi influwenzat minn kunsiderazzjonijiet prattiċi. Kriterju importanti huwa l-kopertura istituzzjonali tal-"baġit". Madankollu, il-kompożizzjoni eżatta għandha tkun magħrufa b'mod preċiż u miftiehma bejn il-kompilaturi fuq il-livell nazzjonali, sabiex tiġi rinfurzata l-konsistenza tad-*data* tas-sors. Il-kapaċità li tiġi mfassla sekwenza sħiħa tal-kontinġent ta' dawn iż-żewġ "sottosetturi" tal-gvern ċentrali hija importanti għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-*data*.

Gvern statali

- 20.63 Is-sottosettur gvern statali (bl-esklużjoni tas-sigurtà soċjali) (S.1312) jikkonsisti mill-unitajiet kollha tal-gvern f'sistema ta' gvern federali li għandhom sfera ta' kompetenza statali jew reġjonali, possibbilment minbarra unitajiet tas-sigurtà soċjali. Stat huwa l-ikbar żona ġeografika li fiha l-pajjiż kollu jiġi diviż għal skopjiet politiċi jew amministrattivi. Tali żoni huma magħrufa b'termini oħra, bħal provinċji, länder, distretti, repubbliki, jew

reġjuni amministrattivi. Huma lkoll igawdu livell suffiċjenti ta' setgħa meħtieġa f'sistema ta' gvern federali. L-awtorità leġislattiva, ġudizzjarja, u eżekuttiva ta' gvern statali testendi fuq iż-żona kollha ta' stat individwali, li normalment tinkludi diversi lokalitajiet, iżda ma testendix fuq stati oħra. F'ħafna pajjiżi ma jeżistix gvernijiet statali. F'pajjiżi federali, ħafna setgħat u responsabbiltajiet jistgħu jiġu assenjati lill-gvernijiet statali, u l-kumpilazzjoni ta' sottosettur tal-gvern statali hija xierqa f' tali każijiet.

- 20.64 Gvern statali normalment għandu awtorità finanzjarja biex jimponi t-taxxi fuq unitajiet istituzzjonali li huma residenti, jew impenjati f'attivitajiet ekonomiċi, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu. Sabiex tiġi rikonoxxuta bħala unità tal-gvern, l-entità għandha tkun kapaċi tippossedji assi, tiġbor fondi, u teħel passivi fuq akkont proprju, u għandha tkun intitolata wkoll li tonfoq jew talloka mill-inqas parti mit-taxxi jew introjtu ieħor li tirċievi skont il-politiki proprji. Madankollu, l-entità tista' tirċievi trasferimenti mill-gvern ċentrali li jkunu marbutin ma' ċerti skopijiet speċifiċi. Gvern statali huwa kapaċi jaħtar uffiċjali b'mod indipendenti minn kontroll amministrattiv estern. Jekk entità tal-gvern li topera fi stat tiddependi kompletament minn fondi tal-gvern ċentrali, u jekk il-gvern ċentrali jiddetta wkoll il-modi kif għandhom jintefqu dawk il-fondi, allura l-entità tiġi trattata bħala aġenzija tal-gvern ċentrali.

Gvern lokali

- 20.65 Is-sottosettur gvern lokali (bl-esklużjoni tas-sigurtà soċjali) (S.1313) jikkonsisti mill-unitajiet tal-gvern li għandhom sfera ta' kompetenza lokali (possibbilment minbarra unitajiet tas-sigurtà soċjali). Il-gvernijiet lokali tipikament jipprovdu sensiela wiesgħa ta' servizzi lir-residenti lokali, li wħud minnhom jistgħu jkunu ffinanzjati minn għotjiet minn livelli oġhla tal-gvern. L-istatistika għall-gvern lokali tkopri varjetà wiesgħa ta' unitajiet tal-gvern, bħal kontej, muniċipalitajiet, bliet, bliet żgħar, muniċipji, distretti tal-iskejjel, u distretti tal-ilma u s-sanità. Ħafna drabi l-unitajiet tal-gvern lokali b'responsabbiltajiet funzjonali differenti għandhom awtorità fuq l-istess żoni ġeografiċi. Pereżempju, unitajiet tal-gvern separati li jirrappreżentaw belt, kontea, u distrett tal-iskola għandhom awtorità fuq l-istess żona. Barra minn hekk, żewġ gvernijiet lokali kontigwi jew aktar jistgħu jorganizzaw unità tal-gvern b'awtorità reġjonali li hija responsabbli lejn il-gvernijiet lokali. Unitajiet bħal dawn huma klassifikati fis-sottosettur tal-gvern lokali.
- 20.66 L-awtorità leġislattiva, ġudizzjarja u eżekuttiva tal-unitajiet tal-gvern lokali hija ristretta għall-iżgħar żoni ġeografiċi distintivi għal skopjiet amministrattivi u politiċi. L-ambitu tal-awtorità tal-gvern lokali ġeneralment huwa ħafna inqas minn dak tal-gvern ċentrali jew statali, u gvernijiet bħal dawn jistgħu jew jistgħu ma jkunux intitolati li jimponu taxxi fuq unitajiet istituzzjonali jew attivitajiet ekonomiċi li jseħħu fiż-żoni tagħhom. Dawn ħafna drabi jiddependu minn għotjiet minn livelli oġhla tal-gvern, u jaġixxu sa ċertu punt bħala aġenti tal-gvernijiet ċentrali jew statali. Sabiex jiġu trattati bħala unitajiet istituzzjonali, madankollu, dawn għandhom ikunu intitolati li jkollhom assi proprji, jiġbru fondi, u jeħlu passivi billi jissellfu fuq akkont proprju. Dawn għandhom ukoll ikollhom kontroll fuq kif fondi bħal dawn jintefqu, u għandhom ikunu kapaċi jaħtru l-uffiċjali tagħhom b'mod indipendenti minn kontroll amministrattiv estern.

Fondi tas-sigurtà soċjali

- 20.67 Is-sottosettur fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314) jikkonsisti mill-unitajiet kollha tas-sigurtà soċjali, irrispettivament mil-livell tal-gvern li jopera jew jiġġestixxi l-iskemi. Jekk skema tas-sigurtà soċjali ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' unità istituzzjonali, din tiġi klassifikata mal-unità prinċipali tagħha f'wieħed mis-sottosetturi l-oħra tas-settur tal-gvern ġenerali. Jekk l-isptarijiet pubbliċi jipprovdu servizz mhux tas-suq lill-komunità kollha u jekk huma kkontrollati mill-iskemi tas-sigurtà soċjali, dawn għandhom jiġu klassifikati fis-sottosettur tal-fondi tas-sigurtà soċjali.

IL-PREŻENTAZZJONI TAL-ISTATISTIKA TAL-FINANZI TAL-GVERN

Qafas

- 20.68 L-esperjenza turi li għall-gvern, preżentazzjoni alternattiva għas-sekwenza tal-kontijiet tas-SEK fil-qafas ċentrali hija adattata aktar għal ċerti rekwiżiti analitiċi. Din l-alternattiva hija magħrufa bħala l-preżentazzjoni tal-istatistika tal-finanzi tal-gvern (SFG). Hija tagħti stampa differenti iżda xorta waħda integrata tal-kontijiet tal-gvern bil-kejl li ġej tal-attività ekonomika tal-gvern: il-livelli tad-dħul, l-infiq, id-defiċit/l-eċċess, il-finanzjament, flussi ekonomiċi oħra u l-karta tal-bilanċ.
- 20.69 Il-preżentazzjoni tal-SFG ibbażata fuq is-SEK tikkonsisti minn transazzjonijiet irreġistrati f'kontijiet kurrenti diversi tas-SEK, il-kont kapitali u l-kont finanzjarju, u l-arranġament mill-ġdid tagħhom għal transazzjonijiet mhux finanzjarji fi preżentazzjoni ta' kont uniku, li huwa aktar adatt għall-analiżi fiskali.
- 20.70 Fis-sistema tas-SFG, id-dħul huwa definit bħala l-aggregat tat-transazzjonijiet kollha rreġistrati taħt riżorsi pożittivi fil-qafas ċentrali tas-SEK, u s-sussidji riċevibbli fil-kontijiet kurrenti kif ukoll trasferimenti ta' kapital riċevibbli rreġistrati fil-kont kapitali. L-infiq huwa aggregat tat-transazzjonijiet kollha rreġistrati taħt użi pożittivi u taħt sussidji pagabbli fil-kontijiet kurrenti kif ukoll l-infiq kapitali — il-formazzjoni grossa tal-kapital flimkien ma' trasferimenti ta' kapital pagabbli — irreġistrati fil-kont kapitali. Dan il-kejl tad-dħul u l-infiq huwa speċifiku għall-preżentazzjoni tal-SFG, iżda t-transazzjonijiet sottostanti huma dawk tas-SEK.

- 20.71 Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq, li hija ekwivalenti għall-eċċess/id-defiċit, hija l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett (B.9). Il-finanzjament tal-eċċess/id-defiċit jidher fil-kont finanzjarju, fejn jiġu rreġstrati l-akkwisti netti tal-assi finanzjarji u t-tiġrib nett f'passivi. Kull entrata għall-infiq u d-dħul għandha entrata kontraparti fil-kont finanzjarju. It-transazzjonijiet finanzjarji jistgħu jwasslu wkoll għal żewġ entrati fil-kont finanzjarju. Dan jirrifletti l-prinċipju ta' entrata doppja fejn kull transazzjoni jkollha transazzjoni pariġġ fil-kont finanzjarju. Fil-prinċipju, l-għoti ta' self nett/ it-teħid ta' self nett jista' jiġi derivat ukoll minn transazzjonijiet f'assi u passivi finanzjarji.
- 20.72 Il-preżentazzjoni tas-SGF tidher hawn taħt:

Preżentazzjoni tal-Istatistika tal-Finanzi tal-Gvern	
	Dħul
	Taxxi
	Kontribuzzjonijiet soċjali
	Bejgħ ta' oġġetti u servizzi
	Dħul attwali ieħor
	Dħul minn trasferimenti ta' kapital
<i>nieqes</i>	Infiq
	Konsum intermedju
	Kumpens tal-impjegati
	Mgħax
	Sussidji
	Benefiċċji soċjali
	Nfiq attwali ieħor
	Nfiq fi trasferimenti ta' kapital
	Nfiq f'investiment
<i>ugwali</i>	Għoti ta' self nett/teħid ta' self nett
<i>ugwali</i>	Transazzjonijiet finanzjarji netti

- 20.73 Kontijiet addizzjonali fis-sistema tas-SGF huma għal flussi ekonomiċi oħra, u karti tal-bilanċ koerenti mas-sekwenza tal-kontijiet tas-SEK. Tali kontijiet jippermettu rikonċiljazzjoni kompleta tal-bidla fil-karta tal-bilanċ u l-flussi li jseħħu matul il-perijodu bażi tal-kon tiziet. Għal kull ass jew passiv, tista' tiġi applikata l-identità li ġejja:

	Karta tal-bilanċ tal-ftuħ
<i>flimkien</i>	transazzjonijiet
<i>flimkien</i>	rivalutazzjonijiet
<i>flimkien</i>	bidliet oħra fil-volum
<i>ugwali</i>	Karta tal-bilanċ tal-għeluq

- 20.74 Il-karta tal-bilanċ turi l-livell tal-assi totali — mhux finanzjarji u finanzjarji — kif ukoll l-istokks tal-passivi dovuti, li jippermetti li jiġu kkalkolat dan li ġej: il-valur nett bħala assi totali nieqes il-passivi totali, u l-valur nett finanzjarju bħala assi finanzjarji totali nieqes il-passivi totali.
- 20.75 L-istatistika tal-finanzi tal-gvern tippreżenta l-prestazzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali u tas-sottosetturi tiegħu, jew kwalunkwe gruppi ta' unitajiet tal-gvern, u anke unitajiet istituzzjonali individwali bħall-gvern ċentrali baġitarju.

Dħul

- 20.76 Transazzjoni ta' dħul hija waħda li żżid il-valur nett, u għandha impatt pożittiv fuq l-għoti ta' self nett (+) / it-teħid ta' self nett (-). Id-dħul tal-gvern huwa normalment iddominat minn imposti obbligatorji imposti mill-gvern fil-forma ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali. Għal ċerti livelli tal-gvern, it-trasferimenti minn unitajiet oħra tal-gvern u l-għotjiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali huma sors ewlieni ta' dħul. Kategoriji oħra ġenerali ta' dħul jinkludu l-introjt minn proprjetà, il-bejgħ ta' oġġetti u servizzi, u trasferimenti mixxellenji minbarra għotjiet. Id-dħul totali tal-gvern ta' perijodu bażi tal-kontijiet huwa kkalkolat bl-għadd tat-transazzjonijiet li huma riċevibbli, kif jidher hawn taħt:

Dħul totali	=	taxxi totali	D.2 + D.5 + D.91
	+	kontribuzzjonijiet soċjali totali	D.61
	+	bejgħ totali ta' oġġetti u servizzi	P.11 + P.12 + P.131
	+	dħul attwali ieħor	D.39 + D.4 + D.7
	+	dħul kapitali ieħor	D.92 + D.99

Taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali

- 20.77 It-taxxi totali jinkludu taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2), taxxi attwali fuq l-introjt u l-ġid eċċ. (D.5) u t-taxxi kapitali (D.91). Il-kontribuzzjonijiet soċjali totali jikkonsistu minn kontribuzzjonijiet soċjali attwali (D.611) u kontribuzzjonijiet soċjali imputati (D.612).
- 20.78 L-istima tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali tista' tkun diffiċli. Il-problemi involuti u s-soluzzjonijiet rakkomandati huma deskritti fit-Taqsima "Kwistjonijiet ta' kontabbiltà relatati mal-gvern ġenerali" ta' dan il-kapitolu. Filwaqt li t-taxxi huma rreġistrati f'diversi kontijiet tal-qafas ċentrali tas-SEK, fil-preżentazzjoni tal-istatistika tal-finanzi tal-gvern it-taxxi kollha huma preżentati bħala kategorija waħda ta' dħul, b'sottoklassifikazzjonijiet skont il-baży taxxabli. It-taxxi kapitali jidheru bħala dħul mit-taxxi fil-preżentazzjoni tal-istatistika tal-finanzi tal-gvern.
- 20.79 Id-*data* ⁽¹⁾ tad-dħul mit-taxxa u l-kontribuzzjonijiet soċjali tintuża għall-kumpilazzjoni tal-proporzjonijiet tal-piż totali tat-taxxa jew fiskali, bħall-proporzjon tat-taxxa totali meta mqabbla mal-livell tal-PDG, użat fil-paraguni internazzjonali. F'dan il-kuntest, kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji jiġu preżentati simultanjament mal-istatistika tat-taxxa u jiġu inklużi fil-kejl tal-piż fiskali jew tal-imposti obbligatorji.

Bejgħ

- 20.80 Il-bejgħ totali tal-oġġetti u s-servizzi jikkonsisti mill-output tas-suq (P.11) u ħlasijiet għall-output mhux tas-suq (P.131). Dawn jinkludu wkoll — barra mill-każijiet fejn jintużaw għat-test tas-suq/mhux tas-suq (ara l-paragrafu 20.30) — output għall-użu finali proprju (P.12). Ħafna mill-output tal-gvern ġenerali jikkonsistu minn oġġetti u servizzi li ma jinbiegħu jew li jinbiegħu għal prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti. Id-distribuzzjoni ta' output mhux tas-suq mhijiex konformi mal-kunċett tad-dħul. Għall-oġġetti u s-servizzi, il-bejgħ attwali u xi bejgħ imputat speċifiku biss huma inklużi fid-dħul.
- 20.81 L-output tas-suq (P.11) tal-gvern jikkonsisti minn:
- (a) l-output tas-suq ta' stabbilimenti tas-suq inklużi fil-gvern, bħal fabbrika tal-armi li hija parti mill-ministeru tad-difiża, jew kantini stabbiliti minn unitajiet tal-gvern għall-impjegati tagħhom, li jitolbu prezzijiet ekonomikament sinifikanti;
 - (b) prodotti tas-suq sekondarji mibjugħin minn stabbilimenti mhux tas-suq, kultant imsejjaħ "bejgħ inċidentali", bħal dawk li jirriżultaw minn kuntratti ta' rikerka u żvilupp bejn universitajiet u korporazzjonijiet pubbliċi, jew pubblikazzjonijiet mibjugħin minn unitajiet tal-gvern għal prezzijiet ekonomikament sinifikanti.
- 20.82 Il-"bejgħ inċidentali" msemmi fuq huwa distint minn tariffi ta' mużew imħallsa mill-viżitaturi, li normalment huma ħlasijiet parzjali għal output mhux tas-suq (P.131). Ħlasijiet parzjali sinifikanti oħra jinkludu l-ħlasijiet lil sptarjiet jew skejjeġ, meta dawn mhumiex tas-suq.
- 20.83 Il-valur tal-formazzjoni ta' kapital fuq akkont proprju huwa meqjus bħala dħul fl-istatistika tal-finanzi tal-gvern ibbażata fuq is-SEK, u huwa inkluż taħt il-bejgħ. Il-bejgħ jinkludi wkoll il-valur tal-oġġetti u s-servizzi prodotti u provduti bħala kumpens tal-impjegati in natura jew bħala ħlas ieħor in natura.

⁽¹⁾ Il-kalkolu tad-dħul totali mit-taxxa u l-kontribuzzjonijiet soċjali, abbaży tal-SEK, huwa konsistenti ma' dak tal-istatistika tad-Dħul tal-OECD, ħliet fir-reġistrar ta' krediti ta' taxxa pagabbli u ta' kontribuzzjonijiet soċjali imputati. Ir-reġistrar tal-SEK tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali huwa armonizzat ukoll mal-preżentazzjoni tal-istatistika tal-finanzi pubbliċi tal-FMI, b'xi differenzi fid-diżagregazzjoni.

20.84 Id-dħul tal-bejgħ fl-istatistika tal-finanzi tal-gvern ibbażata fuq is-SEK jieħu perspettiva ta' output: dan ma jvarjax minn output, filwaqt li l-bejgħ attwali lill-klijenti jvarja permezz ta' bidliet fl-inventarji. Madankollu, bidliet bħal dawn fl-inventarji probabbli jkunu żgħar għall-unitajiet tal-gvern u produtturi oħra mhux tas-suq, li l-parti l-kbira tagħhom ikunu impenjati fil-produzzjoni ta' servizzi aktar milli fil-produzzjoni ta' oġġetti. Il-bejgħ huwa vvalutat għall-prezzijiet bażiċi.

Kaxxa 20.1 — Mill-qafas ċentrali tas-SEK għat-transazzjonijiet u l-aggregati tas-SFG (statistika tal-finanzi tal-gvern)

Riżorsi tas-SEK		Dħul tas-SFG tas-SEK
P.1	Output, li minnu	
	Output tas-suq (P.11)	Bejgħ ta' oġġetti u servizzi
	Output għall-użu finali proprju (P.12)	Bejgħ ta' oġġetti u servizzi
	Output mhux tas-suq (P.13), li minnu:	
	— Ħlasijiet għal output mhux tas-suq (P.131)	Bejgħ ta' oġġetti u servizzi
	— Output mhux tas-suq, ieħor (P.132)	Mhux meqjusa fid-dħul totali
D.2	Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (riċevibbli)	Taxxi totali
D.3	Sussidji (riċevibbli)	Dħul attwali ieħor
D.4	Introjtu minn proprjetà	Dħul attwali ieħor
D.5	Taxxi attwali fuq introjtu u ġid	Taxxi totali
D.61	Kontribuzzjonijiet soċjali	Kontribuzzjonijiet soċjali totali
D.7	Trasferimenti attwali oħra	Dħul attwali ieħor
D.91r	Taxxi kapitali (riċevibbli)	Taxxi totali
D.92r	Għotjiet ta' investiment (riċevibbli)	Dħul kapitali ieħor
D.99r	Trasferimenti ta' kapital oħra (riċevibbli)	Dħul kapitali ieħor
Użi u transazzjonijiet tal-kapital tas-SEK		Nfiq tas-SFG tas-SEK
P.2	Konsum intermedju	Konsum intermedju
D.1	Kumpens tal-impjegati	Kumpens tal-impjegati
D.2	Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (pagabbli)	Nfiq attwali ieħor
D.3	Sussidji (pagabbli)	Sussidji
D.41	Mgħax	Mgħax
D.4	Introjtu minn proprjetà (għajr D.41)	Nfiq attwali ieħor
D.5	Taxxi attwali fuq l-introjtu	Nfiq attwali ieħor
D.62	Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali in natura	Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali in natura
D.632	Trasferiment soċjali in natura permezz ta' produtturi tas-suq	Trasferimenti soċjali in natura permezz ta' produtturi tas-suq
D.7	Trasferimenti attwali oħra	Nfiq attwali ieħor
D.8	Aġġustament għall-bidliet fid-drittijiet għall-pensjoni	Nfiq attwali ieħor
P.31	Nfiq tal-konsum individwali fuq output tas-suq	Trasferimenti soċjali in natura permezz ta' produtturi tas-suq

	Użi u transazzjonijiet tal-kapital tas-SEK	Nfiq tas-SFG tas-SEK
P.31	Nfiq tal-konsum individwali fuq output mhux tas-suq	Mhux meqjusin f'Infiq totali
P.32	Nfiq tal-konsum kollettiv	Mhux meqjusin f'Infiq totali
P.5	Formazzjoni grossa tal-kapital	Nfiq kapitali
NP	Akkwist nieqes iċ-ċessjoni ta' assi mhux prodotti	Nfiq kapitali
D.92p	Għotja ta' investiment (pagabbli)	Nfiq kapitali
D.99p	Trasferimenti ta' kapital oħra (pagabbli)	Nfiq kapitali

Fil-qafas ċentrali tas-SEK, l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett (B.9) huwa l-entrata saldatorja tal-kont kapitali. L-entrata saldatorja tal-gvern ġenerali fil-preżentazzjoni tas-SFG tas-SEK hija identika għall-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett (B.9). Din il-kaxxa tispjega għaliex.

Il-qafas ċentrali tas-SEK

L-ewwel kont huwa l-kont tal-produzzjoni, u għalhekk l-ewwel riżorsa ta' settur istituzzjonali fis-SEK huwa l-output tiegħu. Minħabba li l-maġġoranza tas-servizzi provduti mill-gvern ma jinbigħux bi prezzijiet ekonomikament sinifikanti u għalhekk "mhumieq tas-suq", l-output tal-gvern jitkejjel, skont in-norma, bħala s-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni.

Bl-istess mod, l-infiq tal-konsum kollettiv finali, li jikkonsisti minn servizzi tradizzjonali provduti lill-komunità mill-gvern bħal pereżempju servizzi ġenerali, difiża, sikurezza u ordni pubbliku, jitkejjel bħala s-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni. Huwa skont in-norma wkoll, li l-infiq tal-konsum kollettiv (P.32) huwa ugwali għall-konsum finali attwali (P.4) tal-gvern.

L-infiq tal-konsum individwali finali tal-unitajiet domestiċi li huwa provdut direttament mill-gvern fuq bażi mhux tas-suq jitkejjel ukoll permezz tal-ispejjeż tal-produzzjoni tiegħu.

Bħala riżultat, żewġ tipi ta' flussi jiġu "imputati" fil-kontijiet tas-SEK tal-gvern:

- (1) Min-naħa tar-riżorsi, l-output mhux tas-suq, ieħor (P.132) irregjistrat fil-kont tal-produzzjoni;
- (2) Min-naħa tal-użi, il-konsum finali attwali (P.4) u t-trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni mhux tas-suq (D.631). Dawk huma rregjistrati fil-kont tar-ridistribuzzjoni tal-introjtu in natura, u fil-kont tal-użu tal-introjtu disponibbli aġġustat.

Kull fluss imputat huwa ugwali għas-somma tal-flussi attwali: l-ispejjeż tal-produzzjoni. Dawn iż-żewġ tipi ta' flussi imputati, fuq in-naħa tar-riżorsi u fuq in-naħa tal-użi, jibbilanċjaw fis-sekwenza tal-kontijiet tas-SEK.

Il-preżentazzjoni tal-istatistika tas-SFG tas-SEK

L-istess kategoriji ta' transazzjonijiet bażiċi jintużaw fil-preżentazzjoni tas-SFG tas-SEK, iżda l-aktar abbażi tal-flussi monetari attwali, għall-kisba tad-dħul totali u l-infiq totali tal-gvern. Huma biss għażla ta' flussi imputati li jiġu kkunsidrati: kontribuzzjonijiet soċjali imputati u trasferimenti ta' kapital in natura.

L-eliminazzjoni min-naħa tar-riżorsi tal-output mhux tas-suq (P.132) għall-kisba tad-dħul totali, u l-eliminazzjoni min-naħa tal-użi tal-konsum finali attwali (P.4=P.32) u t-trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni mhux tas-suq (D.631) għall-kisba tal-infiq totali, jirriżultaw fl-istess entrata saldatorja: l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett (B.9).

L-uniċi trasferimenti soċjali in natura li jitqiesu għall-infiq totali aggregat tas-SFG tal-gvern huma trasferimenti soċjali in natura provduti lill-unitajiet domestiċi permezz tal-produtturi tas-suq (D.632), għaliex huma soġġetti għal ħlasijiet reali tal-unitajiet tal-gvern. Dawn it-transazzjonijiet huma dawk ukoll li għandhom jiżdiedu mas-somma tal-ispejjeż tal-produzzjoni (ugwali għall-output mhux tas-suq, oħrajn P.132) biex jinkiseb l-infiq tal-konsum finali tal-gvern ġenerali.

$$P.3 = P.132 + D.632$$

Dħul ieħor

- 20.85 Dħul attwali ieħor jikkonsisti minn introjtu minn proprjetà (D.4), sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) u trasferimenti attwali oħra (D.7).
- 20.86 L-introjtu minn proprjetà jikkonsisti minn imġax (D.41), introjtu distribwit tal-korporazzjonijiet (dividendi u ritirar mill-introjtu ta' kważikorporazzjonijiet) (D.42) u, b'mod aktar marġinali, qligħ riinvestit f'investiment dirett barrani tal-gvern (D.43), introjtu ieħor minn investiment (D.44) u kiri (D.45).
- 20.87 It-trasferimenti attwali oħra (D.7) jinkludu prinċipalment trasferimenti intragovernattivi. Dawn għandhom jiġu kkonsolidati meta jitfasslu l-kontijiet tas-settur kollu.
- 20.88 Dħul kapitali ieħor jikkonsisti minn għotjiet ta' investiment (D.92) u trasferimenti ta' kapital oħra (D.99) rċevuti minn unitajiet oħra, l-aktar minn unitajiet oħra tal-gvern (għalkemm billi l-konsolidazzjoni titwettaq meta jiġu preżentati l-istatistiki, id-daqs apparenti tagħhom jista' jiċkien) u istituzzjonijiet tal-UE, iżda wkoll minn unitajiet varji oħra, li jirriflettu transazzjonijiet bħal ħlas lura minn debitur sussegwentement għall-attivazzjoni ta' garanzija.
- 20.89 L-għotjiet, li kultant huma definiti f'sistemi statistiċi oħra bħala trasferimenti minbarra sussidji rċevuti minn unità tal-gvern waħda minn unità oħra tal-gvern jew organizzazzjoni internazzjonali, mhumiex kategorija tas-SEK. L-ammont tagħhom għandu jkun ekwivalenti għas-somma tad-dħul minn trasferiment li ġej: D.73 + D.74 + D.92, flimkien ma' D.75 + D.99 f'xi każijiet.
- 20.90 Is-sussidji rċevuti mill-unitajiet tal-gvern jikkonsistu biss minn sussidji oħra fuq il-produzzjoni. Meta jiġu rċevuti minn entitajiet li jipproduċu li jappartjenu għall-gvern ġenerali, is-sussidji fuq il-prodotti huma inklużi fil-valutazzjoni tal-output u l-bejgħ għal prezzijiet bażiċi.

Nfiq

- 20.91 Transazzjoni ta' nfiq hija waħda li għandha impatt negattiv fuq l-għoti ta' self nett (+)/ it-teħid ta' self nett (-). L-infiq totali jikkonsisti minn infiq attwali u dak kapitali. L-infiq attwali jinkludi spejjeż relatati mal-produzzjoni (kumpens tal-impjegati u konsum intermedju); introjtu minn proprjetà pagabbli (li huwa prinċipalment imġax); u ħlasijiet ta' trasferimenti (bħal pereżempju benefiċċji soċjali, għotjiet attwali lil gvernijiet oħra, u trasferimenti attwali oħra mixxellenji).
- 20.92 L-infiq totali tal-gvern ta' perijodu bażi tal-kontijiet huwa kkalkolat bl-użu tal-ekwazzjoni li ġejja, li tgħodd flimkien it-transazzjonijiet li huma pagabbli:

Nfiq totali	=	konsum intermedju	P.2
	+	kumpens tal-impjegati	D.1
	+	mġax	D.41
	+	benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali in natura	D.62
	+	trasferimenti soċjali in natura permezz ta' produttori tas-suq	D.632
	+	sussidji	D.3
	+	nfiq attwali ieħor	+ (D.4 - D.41) + D.5 + D.7 + D.8
	+	nfiq kapitali	+ NP + D.92 + D.99

Kumpens tal-impjegati u konsum intermedju

- 20.93 Il-kumpens tal-impjegati u l-konsum intermedju huma l-ispejjeż tal-produzzjoni għall-unitajiet tal-gvern.
- 20.94 Il-kumpens tal-impjegati (D.1) jinkludi l-pagi u s-salarji (D.11) mħallsa kif ukoll il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D.12), inklużi l-kontribuzzjonijiet soċjali imputati, li jidhru fis-SEK bħala użi tal-unitajiet domestiċi u bħala riżorsi tal-gvern, u għalhekk ma għandhomx jiġu kkonsolidati. Il-kumpens huwa rreġistrat fuq bażi tad-dovuti, meta jsir ix-xogħol, u mhux meta l-paga tkun dovuta għall-ħlas jew meta titħallas. Il-pagi jinkludu l-bonus u somom f'daqqa oħra (minħabba arretrati jew tiġdid ta' kuntratt) mħallsa, u ż-żmien tar-reġistrazzjoni rilevanti jista' jkun diffiċli biex jiġi ddeterminat: meta jiġu koperti perijodi twal ta' impjeg, ħafna drabi huwa ż-żmien tad-determinazzjoni tal-bonus aktar milli l-perijodu ta' żmien li l-bonus ikun maħsub li jkopri b'mod nominali.

- 20.95 Il-konsum intermedju (P.2) jikkonsisti minn oġġetti u servizzi kkonsmati matul il-perijodu bażi tal-kontijiet fil-proċess tal-produzzjoni. Dan huwa differenti fil-kunċett mix-xiri, u tipi oħra possibbli ta' akkwisti: kwalunkwe akkwist jidhul fl-inventarji qabel jitneħħa mal-konsum. L-oġġetti u s-servizzi jistgħu jinkisbu minn stabbiliment tal-gvern tas-suq u mhux tas-suq ukoll.
- 20.96 Bħala kunċett, iż-żmien tar-reġistrazzjoni ta' konsum intermedju huwa ċar: fiż-żmien meta l-prodott jintuża fil-proċess tal-produzzjoni. Iż-żmien tar-reġistrazzjoni ta' xiri u akkwisti oħra huwa fil-kunċett dak tal-kunsinna, għalkemm jista' jkun hemm każijiet fejn ikun diffiċli li tiġi aċċertata l-kunsinna.

Nfiq f'benefiċċji soċjali

- 20.97 L-infiq f'benefiċċji soċjali jikkonsisti minn benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali in natura (D.62), li, huma wkoll, jikkonsistu l-aktar minn ħlasijiet fi flus kontanti, u minn trasferimenti soċjali in natura provduti lill-unitajiet domestiċi permezz ta' produtture tas-suq (D.632). It-trasferimenti soċjali in natura permezz ta' produtture tas-suq huma oġġetti u servizzi ta' finanzjament tal-infiq tal-gvern provduti lill-unitajiet domestiċi mill-produtturi tas-suq. Eżempji tipiċi huma l-kura tas-saħħa, u oġġetti u servizzi provduti mit-tobba u l-ispijzara, iffinanzjati minn unitajiet tal-gvern, permezz ta' skemi tas-sigurtà soċjali jew programmi ta' assistenza soċjali.
- 20.98 L-infiq f'benefiċċji soċjali jeskludi t-trasferimenti soċjali in natura provduti lill-unitajiet domestiċi minn produtture mhux tas-suq tal-gvern. Il-gvernijiet ħafna drabi jipproduċu servizzi u oġġetti u jgħaddhom b'xejn jew għal prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti. Sabiex tiġi evitata d-dupplikazzjoni, fil-preżentazzjoni tal-istatistika tal-finanzi tal-gvern, l-ispejjeż rilevanti tal-produzzjoni ta' dawn l-oġġetti u s-servizzi jiġu rreġistrati darba biss bħala nfiq — konsum intermedju, kumpens tal-impjegati, taxxi oħra fuq il-produzzjoni — u bħala dħul — sussidji oħra fuq il-produzzjoni. Fis-sekwenza tal-kontijiet tas-SEK, dawn l-ispejjeż huma bbilanċjati minn riżorsa taħt output mhux tas-suq, u rreġistrati għal darb'oħra bħala użu taħt infiq tal-konsum finali (P.3) għal distribuzzjoni bħala trasferimenti soċjali in natura. Jista' jkun rilevanti, għal skopjiet analitiċi, li jiġi kkalkolat aggregat aktar wiesgħa ta' trasferimenti soċjali sabiex tiġi inklużi din tal-aħħar: benefiċċju soċjali fi flus kontanti (D.62) flimkien ma' trasferimenti soċjali in natura (D.63).
- 20.99 Fis-SEK, anke meta l-benefiċċji tal-irtirar imħallsa lill-impjegati tal-gvern jitqiesu bħala l-likwidazzjoni ta' passiv tal-gvern (ara t-Taqsima "Kwistjonijiet ta' kontabbiltà relatati mal-gvern ġenerali"), huma jiġu rreġistrati wkoll bħala ħlas ta' nfiq attwali u l-kontribuzzjonijiet relatati jiġu inklużi bħala dħul. Madankollu meta l-iskema tkun iffinanzjata, tali kontribuzzjonijiet u benefiċċji huma meqjusa bħala finanzjament, u għalhekk mal-infiq jiġi miżjud aġġustament għall-bidla fid-drittijiet għall-pensjoni (D.8): din hija ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali rċevuti bħala pensjonijiet jew benefiċċji oħra tal-irtirar nieqes il-benefiċċji soċjali mħallsa għall-pensjonijiet jew benefiċċji oħra tal-irtirar għal dawk l-iskemi li l-obbligi tagħhom huma rikonxxuti bħala passivi.

Mgħax

- 20.100 L-infiq f'imgħax jinkludi dak li hu dovut għall-ispejjeż tat-tiġrib tal-passivi, notevolment fuq self, kambjali, flus tal-karti u bonds, iżda wkoll passivi ta' depożiti jew strumenti oħra li huma passivi tal-gvern. L-imgħax jiġi rreġistrat fuq bażi tad-dovuti (ara t-Taqsima "Kwistjonijiet ta' kontabbiltà relatati mal-gvern ġenerali").
- 20.101 L-infiq f'imgħax jiġi aġġustat għall-FISIM fl-istatistika tal-finanzi tal-gvern ibbażata fuq is-SEK. L-imgħax imħallas lill-istituzzjonijiet finanzjarji fuq self u depożiti jitqassam f'komponent ta' servizz, li jiġi rreġistrat bħala konsum intermedju, u komponent ta' introjtu minn proprjetà li jiġi rreġistrat bħala mgħax imħallas. L-istess aġġustament japplika għad-dħul mill-imgħax tal-gvern imħallas minn istituzzjonijiet finanzjarji fuq depożiti jew self.

Nfiq attwali ieħor

- 20.102 Nfiq attwali ieħor jikkonsisti minn taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29), introjtu minn proprjetà minbarra mgħax (D.4 — D.41), taxxi attwali fuq l-introjtu u l-ġid eċċ. (D.5), trasferimenti attwali oħra (D.7) u l-aġġustament għall-bidla fid-drittijiet għall-pensjoni (D.8).
- 20.103 Filwaqt li taxxi oħra fuq il-produzzjoni mħallsa mill-unitajiet tal-gvern jiġu rreġistrati bħala nfiq tal-gvern, it-taxxi fuq il-prodotti ma jidhrux separatament bħala nfiq tal-gvern. Dan huwa għaliex, min-naħa waħda, peress li tali taxxi mhumiex riżorsa għall-produtturi tas-suq tal-gvern, li l-output tagħhom huwa vvalutat għall-prezzijiet bażiċi, huma ma jidhrux taħt l-użi tagħhom, u, min-naħa l-oħra, it-taxxi fuq il-prodotti li jidħlu fil-konsum intermedju tal-gvern huma inklużi fil-valutazzjoni tiegħu għall-prezzijiet tax-xiri.

Nfiq kapitali

- 20.104 L-infiq kapitali jinkludi trasferimenti ta' kapital, fil-forma ta' għotjiet ta' investiment (D.92) u trasferimenti ta' kapital oħra (D.99), kif ukoll infiq f'investiment: il-formazzjoni grossa tal-kapital (P.5, li tikkonsisti minn formazzjoni grossa tal-kapital fiss — P.51g, flimkien ma' bidliet fl-inventarji — P.52, u akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur — P.53); u akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet ta' assi mhux finanzjarji mhux prodotti (NP). Iċ-ċessjonijiet ta' assi mhux finanzjarji, bħall-bini, mhumiex irreġistrati bħala dħul, iżda bħala nfiq kapitali negattiv. Dan jagħmel l-għoti ta' self nett/ it-teħid ta' self nett (B.9) aktar pożittiv.

Konnessjoni ma' nfiq tal-konsum finali tal-gvern (P.3)

- 20.105 Li ssir konnessjoni bejn l-infiq totali tal-gvern u l-komponenti tiegħu mal-infiq tal-konsum finali tal-gvern (P.3) huwa importanti għall-utenti tal-istatistika fiskali u statistika makroekonomika oħra.
- 20.106 L-infiq tal-konsum finali mill-gvern ġenerali huwa ugwali għat-total tal-output tiegħu (P.1), flimkien mal-infiq fi prodotti forniti lill-unitajiet domestiċi permezz ta' produttori tas-suq (jiġifieri trasferimenti soċjali in natura (D.632), nieqes il-bejgħ ta' oġġetti u servizzi (P.11+P.12+P.131).
- 20.107 L-output tal-gvern — output tas-suq, formazzjoni ta' kapital fuq akkont proprju u output mhux tas-suq — huwa ugwali għas-somma tal-ispejjeż tiegħu tal-produzzjoni (kumpens tal-impjegati, konsum intermedju, konsum ta' kapital fiss, u taxxi fuq il-produzzjoni mħallsa nett ta' sussidji rċevuti fuq il-produzzjoni), flimkien mal-eċċess operattiv nett (B.2n) iġġenerat mill-istabbilimenti tas-suq tal-gvern.
- 20.108 Għaldaqstant, il-kalkolu li ġej jaġhti l-infiq tal-konsum finali bl-użu ta' entrati magħżula tal-infiq u d-dħul tal-gvern, kif ukoll l-eċċess operattiv nett (B.2n):

	Kumpens tal-impjegati (D.1)
<i>flimkien ma'</i>	Konsum intermedju (P.2)
<i>flimkien ma'</i>	Konsum ta' kapital fiss (P.51c1)
<i>flimkien ma'</i>	Taxxi oħra fuq il-produzzjoni, pagabbli (D.29 U)
<i>nieqes</i>	Sussidji oħra fuq il-produzzjoni, riċevibbli (D.39 R)
<i>flimkien ma'</i>	Eċċess operattiv, nett (B.2n)
<i>ugwali għal</i>	Output (P.1)

u:

	Output
<i>nieqes</i>	Bejgħ ta' oġġetti u servizzi (P.11+P.12+P.131)
<i>flimkien ma'</i>	Trasferimenti soċjali in natura permezz ta' produttori tas-suq (D.632)
<i>ugwali għal</i>	Nfiq tal-konsum finali (P.3)

Nfiq tal-gvern skont il-funzjoni (COFOG)

- 20.109 Il-klassifikazzjoni tat-transazzjonijiet tal-infiq bl-użu tal-Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG) hija integrali għall-preżentazzjoni tal-finanzi tal-gvern: din hija strument analitiku ewlieni tal-infiq tal-gvern, partikolarment utli għal paraguni internazzjonali. Din il-klassifikazzjoni turi l-iskop li għalih isiru t-transazzjonijiet tal-infiq. Tali skopijiet ivarjaw mill-arranġament amministrattiv tal-gvernijiet, pereżempju unità amministrattiva responsabbli għas-servizzi tas-saħħa tista' twestaq attivitajiet bi skop edukattiv, bħal taħriġ ta' professjonisti mediċi. Hija meħtieġa kontraprezentazzjoni tat-transazzjonijiet tal-gvern skont in-natura ekonomika (il-klassifikazzjoni tas-soltu tas-SEK) u skont il-funzjonijiet.
- 20.110 Il-klassifikazzjoni COFOG tiddekrivi l-infiq tal-gvern skont għaxar funzjonijiet ewlenin stabbiliti hawn taħt, u skont żewġ livelli addizzjonali ta' aktar diżaggregazzjoni dettaljata mhux ippreżentat hawnhekk. Pereżempju, it-tieni livell huwa meħtieġ biex tingħata informazzjoni dwar l-infiq fir-Riċerka u l-Iżvilupp, kif ukoll biex tingħata informazzjoni dwar l-infiq tal-gvern iddedikat għar-riskji u l-ħtiġijiet soċjali tal-protezzjoni soċjali.
- 20.111 Il-klassifikazzjoni COFOG hija konsistenti mad-distinzjoni li ssir bejn servizzi mhux tas-suq kollettivi u servizzi mhux tas-suq individwali provduti mill-gvern: l-ewwel sitt funzjonijiet jikkorrespondu għal servizzi kollettivi, kif ukoll xi partijiet limitati tal-oħrajn. Dan jaġhmel possibbli l-kalkolu tal-infiq tal-konsum kollettiv finali tal-gvern. L-aggregat tal-infiq totali u t-transazzjonijiet tal-infiq skont il-funzjoni huma konsistenti ma' daww fl-istatistika tal-finanzi tal-gvern tas-SEK. Għalhekk ma jinkludix trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni mhux tas-suq (D.631), li diġà jiġu meqjusin mal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-gvern.

Tabella 20.1 — COFOG, l-għaxar funzjonijiet tal-gvern

Kodiċi	Funzjoni	Tip ta' servizz
01	Servizzi pubbliċi ġenerali	Kollektiv
02	Difiża	Kollektiv
03	Ordni u sikurezza pubbliċi	Kollektiv
04	Affarijiet ekonomiċi	Kollektiv
05	Protezzjoni ambjentali	Kollektiv
06	Djar u kumditajiet tal-komunità	Kollektiv
07	Saħħa	Prinċipalment individwali
08	Rikreazzjoni, kultura u reliġjon	Prinċipalment kollektiv
09	Edukazzjoni	Prinċipalment individwali
10	Protezzjoni soċjali	Prinċipalment individwali

Entrati saldatorji**L-għoti ta' self nett / it-teħid ta' self nett (B.9)**

- 20.112 L-għoti ta' self nett (+)/it-teħid ta' self nett (-) tal-gvern (B.9) huwa d-differenza bejn id-dħul totali u l-infiq totali. Huwa ugwali għall-entrata saldatorja tal-kont kapitali (B.9N) fil-kontijiet tas-SEK. Dan jirrappreżenta l-ammont li l-gvern għandu disponibbli biex isellef jew għandu jissellef biex jifinanzja l-operazzjonijiet mhux finanzjarji tiegħu.
- 20.113 L-għoti ta' self nett (+)/it-teħid ta' self nett (-) huwa wkoll l-entrata saldatorja tal-kont finanzjarju (B.9F fil-qafas ċentrali). Fit-teorija, huwa l-istess bħall-entrata saldatorja tal-kont kapitali, għalkemm fil-prattika jista' jkun hemm diskrepanza.
- 20.114 It-terminu "għoti ta' self nett/teħid ta' self nett" huwa speċi ta' terminu fil-qosor. Meta l-varjabbli jkun pożittiv (jiġifieri li juri kapaċità ta' finanzjament), dan għandu jissejjaħ għoti ta' self nett (+); meta jkun negattiv (jiġifieri juri l-ħtieġa ta' teħid ta' self), dan għandu jissejjaħ teħid ta' self nett (-).

Bidliet fil-valur nett minħabba tfaddil u trasferimenti ta' kapital (B.101)

- 20.115 Id-differenza bejn it-transazzjonijiet kollha li jaffettwaw il-valur nett matul il-perjodu bażi tal-kontijiet hija l-entrata saldatorja: il-bidliet fil-valur nett minħabba tfaddil u trasferimenti ta' kapital (B.101).
- 20.116 Il-bidliet fil-valur nett minħabba tfaddil u trasferimenti ta' kapital jipprovdu miżura utli tal-kontijiet u l-politiki tal-gvern għaliex huma jirrappreżentaw ir-riżorsi miksuba jew ikkonsmati fl-operazzjonijiet attwali tal-gvern.
- 20.117 Il-bidliet fil-valur nett minħabba tfaddil u trasferimenti ta' kapital huma ugwali għall-għoti ta' self nett/ it-teħid ta' self nett biż-żieda tal-akkwist nett ta' assi mhux finanzjarji (P.5+NP) nieqes il-konsum ta' kapital fiss (P.51c1).

	Tfaddil nett flimkien ma' trasferimenti ta' kapital (B.101)
<i>nieqes</i>	Akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet ta' assi mhux finanzjarji (P.5+NP)
<i>flimkien ma'</i>	Konsum ta' kapital fiss (P.51c1)
<i>ugwali għal</i>	Għoti ta' self nett/teħid ta' self nett (B.9)
<i>ugwali għal</i>	Transazzjonijiet f'assi finanzjarji nieqes passivi (Finanzjament)

Finanzjament

- 20.118 Il-kont finanzjarju tal-gvern fis-SFG jirreġistra t-transazzjonijiet fl-assi u l-passivi finanzjarji kif deskritt fil-Kapitolu 5.

Transazzjonijiet f'assi

- 20.119 Il-flus u d-depożiti (F.2) jirriflettu prinċipalment iċ-ċaqliq fid-depożiti tal-gvern fil-banek, notevolment fil-banek ċentrali, li jista' jvarja b'mod sostanzjali minn perijodu għall-ieħor, b'mod partikolari minħabba l-operazzjonijiet tat-Teżor. Unitajiet oħra tal-gvern bħal pereżempju l-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali, għandhom ukoll depożiti sostanzjali fil-kontijiet tal-bank.
- 20.120 It-titoli ta' dejn (F.3) prinċipalment jirriflettu x-xiri nett ta' kambjali, flus tal-karti jew bonds maħruġa mill-banek, korporazzjonijiet mhux finanzjarji, jew persuni mhux residenti inklużi gvernijiet barranin, ix-xiri li jsir b'mod predominanti minn fondi tas-sigurtà soċjali b'ħafna assi jew fondi ta' riżerva oħra. Ix-xiri mill-gvern ta' bonds maħruġa minn unitajiet oħra tal-gvern residenti jiġi rapportat taħt din l-intestatura fi preżentazzjoni mhux ikkonsolidata, iżda huwa eskluż minn din l-intestatura fi preżentazzjoni kkonsolidata u minflok jiġi rapportat bħala ħlas lura ta' dejn.
- 20.121 Is-self (F.4) jinkludi, minbarra self lil unitajiet oħra tal-gvern, self lil gvernijiet barranin, korporazzjonijiet pubbliċi u studenti. Il-kanċellazzjoni ta' self huwa wkoll rifless hawn b'entrata kontraparti taħt infig fi trasferiment ta' kapital. Is-self mogħti mill-gvern li x'aktarx ma jitħallasx lura jiġi rreġistrat fis-SEK bħala trasferimenti ta' kapital, u ma jiġix rapportat hawnhekk.
- 20.122 L-ekwiwità u l-ishma ta' fondi ta' investiment (F.5) juru l-akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet ta' ekwiwità f'korporazzjonijiet mill-unitajiet tal-gvern. Dawn jistgħu jirriflettu injezzjonijiet ta' ekwiwità f'korporazzjonijiet pubbliċi jew investiment ta' portafoll, rikavati mill-privatizzazzjoni jew superdividendi. Huma jikkonsistu prinċipalment minn dawn li ġejjin:
- (a) injezzjonijiet ta' ekwiwità (ġeneralment fil-forma ta' flus kontanti) lil korporazzjonijiet pubbliċi speċifiċi fejn il-gvern jaġixxi bħala investitur bl-aspettattiva ta' redditu fuq il-fondi investiti. Tali injezzjonijiet, ma jitqisux bħala nfiq tal-gvern fil-kontijiet nazzjonali;
 - (b) l-investimenti ta' portafoll, fil-forma ta' xiri ta' ishma kwotati fis-suq li jsiru mill-unitajiet tal-gvern, bħal pereżempju fondi tas-sigurtà soċjali b'ħafna assi, jew operazzjonijiet oħra ta' investiment ta' portafoll;
 - (c) investiment nett f'fondi mutwi, li huma strumenti ta' investiment alternattivi. B'mod partikolari, il-pjazza-menti fil-fondi mutwi tas-suq monetarju jiġu rapportati hawn, minflok taħt flus u depożiti, minkejja li huma sostituti fil-qrib għad-depożiti tal-bank;
 - (d) il-privatizzazzjonijiet imwettqa minn aġenziji tal-privatizzazzjoni speċjali, peress li tali entitajiet jiġu klas-sifikati fil-gvern ġenerali;
 - (e) id-distribuzzjonijiet mill-korporazzjonijiet pubbliċi lis-sidien tagħhom li jeċċedu l-qligħ operattiv tagħhom minbarra qligħ/telf nominali, irreġistrati bħala transazzjonijiet finanzjarji bħala rtirar ta' ekwiwità li tixbah lil likwidazzjoni parzjali tal-intrapriża, minflok bħala dħul tal-gvern.
- 20.123 It-transazzjonijiet f'kontijiet riċevibbli oħra (F.8) għandhom l-impatt tal-prinċipju tad-dovuti applikabbli fis-SEK għar-reġistrazzjoni ta' transazzjonijiet meta jkun hemm l-obbligu ta' ħlas, mhux meta l-ħlas fil-fatt isir, minkejja li l-kontijiet pubbliċi jew ir-reġistrazzjonijiet tal-baġit ikun ilhom ibbażati fuq flus kontanti f'ħafna pajjiżi. L-impatt fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-gvern ma jirriżultax direttament mid-defiċit, peress li d-dħul tal-gvern jista' jissarraff, jew l-infiq tal-gvern jista' jitħallas, f'perijodi bażi tal-kontijiet differenti mit-transazzjoni ekonomika nfisha. Riċevibbli oħra jinkludu riċevibbli ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali kif ukoll ammonti li jikkonċernaw transazzjonijiet tal-UE (ammonti mħallsa mill-gvern f'isem l-UE iżda li għadhom ma ġewx rimborżati mill-UE), krediti kummerċjali jew ħlas bil-quddiem għall-infiq, bħal tagħmir militari jew okkażjonijiet rari ta' pagi jew benefiċċji mħallsa xahar bil-quddiem, eċċ. Filwaqt li fit-teorija tali assi huma temporanji fin-natura tagħhom, u jisparixxu individwalment wara ċertu ammont ta' żmien, il-fluss rapportat għal settur, bħall-gvern ġenerali, normalment ikollu medja ta' aktar minn żero anke fuq perijodu ta' żmien, għaliex l-istokk tar-riċevibbli għandhom tendenza li jikbru mal-bqija tal-ekonomija.
- 20.124 Fil-parti l-kbira tal-pajjiżi, id-deheb monetarju u l-SDRs huma ġestiti mill-bank ċentrali. Meta jkun ġestiti mill-gvern, dawn jiġu rreġistrati fil-kont finanzjarju tal-gvern.
- 20.125 It-transazzjonijiet finanzjarji huma rreġistrati bil-valuri tat-transazzjoni, jiġifieri, il-valuri fil-munita nazzjonali li fiha l-assi u/jew il-passivi finanzjarji involuti jiġu maħluqin, likwidati, skambjati jew assunti bejn l-unitajiet istituzzjonali, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali biss.

- 20.126 Il-valur tat-transazzjoni jirreferi għal transazzjoni finanzjarja speċifika u t-transazzjoni kontroparti tagħha. Fit-teorija, il-valur tat-transazzjoni għandu jkun distint mill-valur ibbażat fuq prezz ikkwotat fis-suq, prezz tas-suq ġust, jew kwalunkwe prezz li hu intiż li jesprimi l-ġeneralità tal-prezzijiet għal klassi ta' assi u/jew passivi finanzjarji simili jew anke identiċi. Il-valur li għandu jiġi rapportat fil-kontijiet finanzjarji għal self mibjugħ fis-suq sekondarju huwa l-valur li għalih is-self inbigħ, u mhux il-valur nominali, u r-rikonċiljazzjoni mal-bilanċ tiddaħħal fil-bidliet l-oħra fil-kontijiet tal-assi.
- 20.127 Madankollu, fil-każijiet fejn it-transazzjoni kontraparti ta' transazzjoni finanzjarja hija, pereżempju, trasferiment u għalhekk it-transazzjoni finanzjarja ma ssirx purament għal kunsiderazzjonijiet kummerċjali, il-valur tat-transazzjoni huwa identifikat bil-valur tas-suq attwali tal-assi u/jew passivi finanzjarji involuti. Għaldaqstant, self mixtri minn gvern bil-valur nominali tiegħu, minflok bil-valur ġust jew deprezzat tiegħu jinqasam bejn entrata bħala self fil-kontijiet finanzjarji bil-valur ġust u trasferiment ta' kapital, bħala rikonoxximent ta' trasferiment ta' ġid mill-gvern.
- 20.128 Il-valur tat-transazzjoni ma jinkludix tariffi, drittijiet, kummissjonijiet, u ħlasijiet simili għas-servizzi provduti biex jitwettqu t-transazzjonijiet; dawn għandhom jiġu rreġistrati bħala ħlasijiet għal servizzi. It-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji huma wkoll esklużi u trattati bħala taxxi fuq is-servizzi fit-taxxi fuq il-prodotti. Meta transazzjoni finanzjarja tinvolvi ħruġ ġdid ta' passivi, il-valur tat-transazzjoni huwa ugwali għall-ammont tal-passiv bl-esklużjoni ta' kwalunkwe mgħax imħallas bil-quddiem. Bl-istess mod, meta jinfeda passiv, il-valur tat-transazzjoni kemm għall-kreditur kif ukoll għad-debitur għandu jikkorrespondi għat-tnaqqis tal-passiv.

Transazzjonijiet fpassivi

- 20.129 It-transazzjonijiet fpassivi huma rreġistrati bil-valur li bih dawn il-passivi jinħarġu jew jinfedew. Dan il-valur jista' ma jkunx il-valur nominali. Transazzjoni fpassivi tinkludi l-impatt tal-imgħax akkumulat.
- 20.130 Ix-xiri mill-ġdid ta' passiv minn unità hija rreġistrata bħala ħlas lura fil-passivi u mhux bħala akkwist tal-assi. Bl-istess mod, fil-livell ta' sottosettur jew settur, ix-xiri minn unità tal-gvern ta' passiv maħruġ minn unità oħra tas-sottosettur ikkonċernat, għandu jiġi preżentat fil-preżentazzjoni kkonsolidata, bħala ħlas lura ta' passiv minn dak is-sottosettur.
- 20.131 Il-kiri finanzjarju u l-kuntratti ta' sħubiji pubbliċi-privati (PPP) meta l-ass huwa fil-karta tal-bilanċ tal-gvern, jimplikaw ir-rikonoxximent ta' dejn tal-kerrej jew il-garanti. Il-ħlasijiet fuq kiri jew kuntratti ta' PPP bħal dawn mhumiex infiq għall-ammonti sħaħ, iżda huma manutenzjoni tad-djun: ħlas lura ta' self u nfiq f'imgħax.
- 20.132 Il-finanzjament ippreżentat bħala krediti kummerċjali fit-tul jew arranġamenti riċevibbli/pagabbli tal-kontijiet għandhom jiġu klassifikati bħala self, għaliex dawn jinvolvu l-provvista ta' finanzjament fit-tul għall-benefiċċju tal-parti li tissellef li hija distinta minn faċilità ta' teżor fejn il-bejjiegħa normalment jipprovdut lix-xerejja bi kreditu finanzjarju għal perijodu qasir. Meta tiġi estiża b'mod konsiderevoli l-maturità tal-obbligju tal-ħlas, il-konstruttur jassumi rwol finanzjarju li huwa separat mill-attività l-oħra tiegħu ta' produttur.
- 20.133 Is-somom fdaqqa skambjati fil-bidu fuq swaps mhux bir-rata tas-suq huma klassifikati bħala self (AF.4) meta s-somma fdaqqa tiġi rċevuta mill-gvern. Is-swaps mhux bir-rata tas-suq jinqasmu fil-karta tal-bilanċ f'komponent ta' self u komponent ta' swap regolari "at-the-money".
- 20.134 Bl-istess mod bħar-riċevibbli, it-transazzjonijiet f'kontijiet oħra pagabbli jirriflettut l-impatt taż-żmien tal-prinċipju tad-dovuti, iżda fuq in-naħa tal-passivi: meta l-infiq ikun dovut iżda jkun għadu ma tħallasx, jew meta l-ħlasijiet ikunu saru qabel ir-reġistrazzjoni tad-dħul. Minbarra l-kreditu kummerċjali, meta dawn ikunu fuq perijodu qasir, il-pagabbli jinkludu somom irċevuti mill-UE iżda jkunu għadhom ma tħallsux mill-gvern lill-benefiċjarju finali, ħlasijiet minn qabel f'taxxi jew rifużjonijiet ta' taxa li għadhom mhux imħallsa.

Flussi ekonomiċi oħra

- 20.135 Kemm il-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi kif ukoll il-kont ta' rivalutazzjoni tas-SFG tas-SEK huma identiċi għall-kontijiet deskritti fil-Kapitolu 6. Il-bidliet kollha fl-assi u l-bidliet fil-passivi li jirriżultaw minn avvenimenti li mhumiex transazzjonijiet ekonomiċi huma rreġistrati f'wieħed minn dawn il-kontijiet.

Kont ta' rivalutazzjoni

- 20.136 Ir-rivalutazzjonijiet huma l-istess bħal kif inhu deskritt fil-Kapitolu 6. Informazzjoni oħra rilevanti bħal entrati ta' memoranda, pereżempju, rivalutazzjonijiet fl-ekwiwità ta' korporazzjonijiet pubbliċi miżmuma minn unitajiet tal-gvern, probabbli jkunu partikolarment importanti u, fl-istes ħin, ikunu diffiċli biex jitkejlu għaliex x'aktarx ma jkunx hemm prezzijiet tas-suq.

20.137 Fis-SEK, l-entrati fil-karti tal-bilanċ idealment ikunu bil-valur tas-suq, minbarra xi strument speċifiku jew tnejn, u ċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax rifless fl-indiċi tas-suq tal-ekwiżità iwassal għal bidliet notevoli fil-valur tal-istokk kif ukoll fil-valur nett tal-unitajiet istituzzjonali. Bidliet bħal dawn mhumiex introjtu fis-SEK, u għalhekk mhumiex dħul jew infiq tal-gvern, u ma jaffettwawx id-defiċit/l-eċċess tal-gvern. Il-bidliet jiġu rreġistrati fil-kont ta' rivalutazzjoni, li jwassal għal bidliet fil-valur nett minħabba qligħ/telf nominali (B.103). Il-bidliet fil-valur finanzjarju nett tal-gvern matul perijodu bażi tal-kontijiet huma affettwati sostanzjalment mir-rivalutazzjonijiet. Is-sorsi ewlenin ta' rivalutazzjonijiet li jaffettwaw il-valur nett finanzjarju huma, minbarra l-impatt tal-assi u l-passivi espressi f'munita barranija, dawn li ġejjin:

(a) l-assi tal-proprjetà immobbli tal-gvern;

(b) l-ekwiżità tal-gvern;

(c) passivi fuq titoli.

20.138 Meta injezzjoni ta' kapital mill-gvern f'korporazzjoni pubblika titqies bħala trasferiment ta' kapital, il-valutazzjoni tal-ekwiżità tas-sehem tal-gvern fil-benefiċjarju ġeneralment jiżdied, b'entrati fil-kont ta' rivalutazzjoni u mhux fil-kont finanzjarju.

20.139 Meta self jew kreditu kummerċjali eżistenti jinbiegħ lil unità istituzzjonali oħra, id-differenza bejn il-prezz tal-ħlas lura u l-prezz tat-transazzjoni tiġi rreġistrata fil-kont ta' rivalutazzjoni tal-bejjiegħ u tax-xerrej meta ssir it-transazzjoni.

Kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi

20.140 Il-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi jinkludi flussi li la huma transazzjonijiet ekonomiċi u lanqas rivalutazzjonijiet. Pereżempju, huwa juri l-impatt ta' bidla fil-klassifikazzjoni tas-settur tal-unitajiet.

20.141 It-tħassir ta' self li ma jirriflettix kanċellazzjoni ta' dejn bi ftehim bilaterali espliċitu jew impliċitu mhuwiex transazzjoni u huwa rreġistrat fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi, mingħajr impatt fuq l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett.

Karti tal-bilanċ

20.142. L-istess definizzjoni ta' ass tintuża fil-kontijiet tal-gvern ġenerali tas-SFG bħal fil-Kapitolu 7. Il-klassifikazzjoni u l-valur tal-assi u l-passivi huma identiċi fis-SEK u fis-SFG ibbażata fuq is-SEK.

20.143 Is-somma tal-passivi tista' titqies bħala stokk ta' dejn. Madankollu, id-definizzjoni tad-dejn ta' gvern fil-kuntest tas-sorveljanza fiskali tvarja mill-istokk totali ta' passivi fis-SEK u fis-SFG, kemm f'termini tal-ambitu tal-passivi meqjusa kif ukoll f'termini ta' valutazzjoni.

20.144 Xi assi huma aktar speċifiċi għall-gvern: assi ta' wirt, bħal monumenti storiċi; assi ta' infrastruttura, bħal toroq u faċilitajiet tal-komunikazzjoni; u ishma ta' ekwiżità f'korporazzjonijiet pubbliċi li ma għandhomx ekwivalent privat.

20.145 Min-naħa tal-passivi, il-passiv tal-ekwiżità (AF.5) normalment ma jiġix irreġistrat għall-unitajiet tal-gvern. Madankollu, flivell aktar aggregat tas-sottosetturi tal-gvern, il-passiv ta' ekwiżità jista' jidher jekk l-entitajiet ikunu ġew klassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali, bħala riżultat tat-test tas-suq/mhux tas-suq.

20.146 Il-valur nett huwa l-entrata saldatorja (B.90) tal-karta tal-bilanċ:

Valur nett	=	Assi totali	
		nieqes	Passivi totali

20.147 Il-fondi proprji huma s-somma tal-valur nett (B.90) u l-ekwiżità (AF.5) maħruġa. Għalhekk, fis-SEK, il-fondi proprji tal-unitajiet huma definiti bħala assi nieqes passivi, minbarra passivi ta' ekwiżità, filwaqt li l-valur nett huwa definit bħala assi nieqes passivi, inklużi passivi ta' ekwiżità. Il-valur nett tas-SEK mhux l-istess bħall-kontabbiltà tan-negożju ta' ekwiżità jew ta' valur nett tal-azzjonisti. Il-valur nett tal-kontabbiltà tan-negożju huwa kunċett eqreb għall-fondi proprji tas-SEK.

- 20.148 Meta l-valur nett (B.90) tas-settur tal-gvern ġenerali ma jkunx jista' jiġi kkalkolat — minħabba nuqqas ta' informazzjoni għall-kejl tal-istokk tal-assi mhux finanzjarji — jiġi ppreżentat il-valur nett finanzjarju (BF.90), li juri d-differenza bejn l-assi finanzjarji totali u l-passivi totali.
- 20.149 Is-SEK tivvaluta l-karta tal-bilanċ għall-valur tas-suq, minbarra tliet strumenti speċifiċi: flus u depożiti (AF.2), self (AF.4) u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.8). Għal dawn it-tliet strumenti, il-valuri li jiġu rreġistrati fil-karti tal-bilanċ kemm tal-kredituri kif ukoll tad-debituri huma l-ammonti tal-kapital li d-debituri jkun u obligati kuntrattwalment iħallu lura lill-kredituri, anke fil-każijiet meta s-self ikun ġie nnegozjat għal skont jew primjum, inkluż l-imgħax akkumulat.
- 20.150 Il-passivi fuq titoli huma vvalutati għall-valur tas-suq. Anke jekk id-debitur ikun obligat biss għall-valur tal-kapital, il-valur tas-suq huwa sinifikanti għaliex id-debitur huwa obligat iħallas flussi ta' flus kontanti fil-futur, li fir-rigward tagħhom, il-valur tagħhom ivarja skont ir-rendita tas-suq, u l-valur tas-suq jirrifletti l-prezz li l-gvern ikollu jħallas li kieku jħallas lura l-istrument billi jixtrih lura fis-suq.
- 20.151 L-ekwiżità kwotata tiġi vvalutata bl-użu tal-prezz ta' kwotazzjoni l-aktar reċenti meta titfassal il-karta tal-bilanċ. Ekwità mhux kwotata tista' tiġi vvalutata permezz tal-paragun ta' proporzjonijiet bħal pereżempju fondi proprji għall-valur tal-kotba meta mqabbla mal-valur tas-suq tal-ekwiżità, fi klassijiet simili ta' kumpanniji kwotati. Approċċi oħra jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni ta' ekwiżità mhux kwotata, bħall-użu ta' fondi proprji tal-korporazzjoni, li jpoġġi l-valur nett għal zero. Dan l-approċċ jista' jintuża għall-korporazzjonijiet pubbliċi li għandhom tipi uniċi ta' attivitajiet, bħal pereżempju meta l-gvern ikollu ishma ta' ekwiżità fil-banek ċentrali. Madankollu, mhuwiex rakkomandat li jintużaw il-fondi proprji għall-valur tal-kotba, mingħajr aġġustamenti, aktar milli jintuża l-valur nominali tal-ekwiżità maħruġa.

Konsolidazzjoni

- 20.152 Il-konsolidazzjoni hija metodu ta' preżentazzjoni tal-kontijiet għal sett ta' unitajiet bħallikieku kienu entità waħda (unità, settur, jew sottosettur). Hija tinvolvi l-eliminazzjoni ta' transazzjonijiet u pożizzjonijiet ta' stokk reċiproċi u flussi ekonomiċi oħra assoċjati fost l-unitajiet li qed jiġu kkonsolidati.
- 20.153 Il-konsolidazzjoni hija importanti għas-settur tal-gvern ġenerali u s-sottosetturi tiegħu. Pereżempju, il-valutazzjoni tal-impatt ġenerali tal-operazzjonijiet tal-gvern fuq l-ekonomija totali jew is-sostenibilità tal-operazzjonijiet tal-gvern hija aktar effettiva meta l-kejl tal-operazzjonijiet tal-gvern ikun sett ta' statistika kkonsolidata. Sabiex jiġu relatati l-aggregati tal-gvern mal-ekonomija in ġenerali bħal fi proporzjonijiet ta' dħul jew infiq għall-PDG, huwa aħjar li t-taqbil intern tal-fondi jiġi eliminat u jiġu inklużi biss dawġ it-transazzjonijiet li jaqsmu l-fruntieri ma' setturi domestiċi oħra u mas-settur tal-bqija tad-dinja. Dan għandu rilevanza partikolari għat-transazzjonijiet li ġejjin:
- (a) introjtu minn proprjetà bħal imgħax;
 - (b) trasferimenti attwali u ta' kapital;
 - (c) transazzjonijiet f'assi u passivi finanzjarji.
- 20.154 Il-konsolidazzjoni ma taffettwax l-entrati saldatorji għaliex l-entrati kkonsolidati jidhru simetrikament f'kull kont. Pereżempju, għotja minn gvern ċentrali lil unità tal-gvern lokali hija kkonsolidata permezz tat-tħassir tal-infiq mill-gvern ċentrali u d-dħul mill-gvern lokali, li jħalli l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett tal-gvern ċentrali kif inhu.
- 20.155 Kunċettwalment, in-natura tal-konsolidazzjoni hija li telimina l-flussi kollha fost l-unitajiet ikkonsolidati, iżda wieħed għandu jikkunsidra l-prattiċità. Kunċettwalment it-transazzjonijiet fil-kont tal-produzzjoni, bħal bejgħ u xiri ta' oġġetti u servizzi, ma jistgħux jiġu kkonsolidati. Id-deċiżjoni dwar il-livell ta' dettall li jintuża fil-konsolidazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-utilità tal-politika tad-*data* kkonsolidata u l-importanza relattiva tad-diversi tipi ta' transazzjonijiet jew stokks.
- 20.156 Meta jitfasslu l-kontijiet ikkonsolidati tal-gvern, is-SEK tippreskrivi l-konsolidazzjoni tat-transazzjonijiet ewlenin li ġejjin (fl-ordni ta' importanza):
- (a) trasferimenti attwali u ta' kapital, bħall-għotjiet ta' gvern ċentrali lil livelli aktar baxxi tal-gvern;
 - (b) mgħax li jirriżulta minn parteċipazzjoni intergovernattiva ta' assi u passivi finanzjarji;
 - (c) transazzjonijiet, flussi ekonomiċi u stokks oħra f'assi u passivi finanzjarji, bħal self lil gvernijiet oħra jew akkwisti ta' titoli tal-gvern minn unitajiet tas-sigurtà soċjali.

- 20.157 Ix-xiri/il-bejgħ ta' oġġetti u servizzi bejn l-unitajiet tal-gvern mhumiex ikkonsolidati fis-SEK. Dan għaliex il-kontijiet juru l-bejgħ abbażi tal-output, u mhux abbażi taċ-ċessjonijiet u għalhekk huwa diffiċli li tittieħed deċiżjoni dwar min qed jagħmel it-transazzjoni kontraparti għal dan l-output. Barra minn hekk, il-konsum intermedju u l-output isegwu żewġ regoli ta' valutazzjoni differenti, prezzijiet bażiċi u prezzijiet tax-xiri, li joħloq diffikultajiet addizzjonali.
- 20.158 It-taxxi jew is-sussidji mħallsa minn unità jew entità waħda ta' gvern lil oħra ma għandhomx jiġu kkonsolidati. Madankollu, t-taxxi jew is-sussidji fuq il-prodotti ma jistgħux jiġu kkonsolidati fis-sistema għaliex ma hemmx min jagħmel it-transazzjoni kontraparti tas-settur fis-SEK għal tali transazzjonijiet: l-ammonti rilevanti mhumiex rikonoxxuti separatament bħala nfiq u dħul (rispettivament) u minflok huma inklużi fi, jew esklużi mill-valur tal-konsum intermedju jew tal-bejgħ.
- 20.159 L-akkwisti/iċ-ċessjonijiet ta' assi mhux finanzjarji, inklużi t-transazzjonijiet intergovernattivi ta' art, bini, u tagħmir mhumiex ikkonsolidati, għaliex diġà jidhru fuq bażi netta fil-kont: akkwisti nieqes iċ-ċessjonijiet. Il-kontijiet mhux ikkonsolidati u dawk ikkonsolidati dejjem juru ammonti ugwali għal dawk l-entrati.
- 20.160 Xi tipi ta' transazzjonijiet li jidhru li jsiru bejn żewġ unitajiet tal-gvern qatt ma jiġu kkonsolidati għaliex dawn jiġu direzzjonati mill-ġdid fis-Sistema lejn unitajiet oħra. Pereżempju: il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem, kemm jekk ikunu mħallsa lis-sigurtà soċjali kif ukoll jekk ikunu mħallsa lill-fondi tal-pensjonijiet tal-gvern, huma jiġu trattati bħala mħallsa lill-impjegat bħala parti tal-kumpens u mbaġhad imħallsa mill-impjegat lill-fond. It-taxxi miżmuma mill-unitajiet tal-gvern mill-kumpens tal-impjegati tagħhom, bħal taxxi li jitnaqqsu mill-paga (PAYE), u mħallsa lil sottosetturi oħra tal-gvern, jiġu trattati bħala mħallsa direttament minn min iħaddem. L-unità tal-gvern hija sempliċiment aġent ta' ġbir, f'dan il-każ għat-tieni unità tal-gvern.
- 20.161 Bil-konsolidazzjoni jqumu ħafna diffikultajiet prattiċi. Pereżempju, meta transazzjoni li għandha tiġi kkonsolidata tiġi identifikata fir-rekords ta' unità waħda, huwa mistenni li t-transazzjoni korrispondenti tinstab fil-kontijiet tal-kontraparti; iżda din tista' ma tidhirx hemmhekk, billi tista' tkun irreġistrata f'perijodu differenti, jista' jkollha valur differenti, jew tista' tkun klassifikata bħala tip differenti ta' transazzjoni minħabba prattiċi ta' kontabbiltà differenti. Dawn id-diffikultajiet huma inerenti fis-sistema kwadrupla ta' reġistrazzjoni użata fis-SEK, iżda jistgħu jkunu aktar ovvjati fi transazzjonijiet intergovernattivi.

KWISTJONIJET TA' KONTABBILTÀ RELATATI MAL-GVERN ĠENERALI

- 20.162 Il-prinċipji tal-kontijiet nazzjonali ġeneralment japplikaw għas-settur tal-gvern ġenerali bl-istess mod bħas-setturi l-oħra tal-ekonomija. Madankollu, minħabba n-natura ekonomika tal-attivitajiet tal-unitajiet tal-gvern jew minħabba kunsiderazzjonijiet prattiċi, jingħataw regoli addizzjonali f'din it-taqsim.
- 20.163 B'mod simili, il-prinċipji tal-kontijiet nazzjonali japplikaw bl-istess mod għall-kejl tad-dħul tal-gvern u l-infiq tal-gvern. Madankollu, dawn il-prinċipji, inkluż notevolment il-prinċipju tad-dovuti, jiġu applikati minħabba li l-affidabbiltà kreditizja u r-restrizzjonijiet tal-likwidità tal-gvern huma fundamentalment differenti minn kejl ieħor. Jekk l-infiq jiġi rreġistrat fil-kontijiet tal-gvern meta jsir minn kull unità tal-gvern, irrISPETTIVAMENT mill-ispazji twal ta' żmien sal-ħlas, id-dħul għandu jiġi rreġistrat fil-kontijiet biss meta jkun hemm probabbiltà kbira u ċertezza suffiċjenti li l-flussi ta' flus kontanti rispettivi ser iseħħu effettivament.
- 20.164 Meta transazzjoni tiġi klassifikata, il-kontabbilisti nazzjonali mhumiex neċessarjament ristretti bl-identifikazzjoni tat-transazzjoni fil-kontijiet pubbliċi tal-gvern jew fiż-żamma tal-kotba ta' korporazzjoni. Pereżempju, ħlas kbir lill-gvern li jsir mir-riżervi jew mill-bejgħ ta' assi ta' korporazzjoni u msejjaħ "dividend" fil-kontijiet pubbliċi jiġi kkategorizzat bħala superdividend u jiġi rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja fil-kontijiet nazzjonali — huwa rtirar ta' ekwità. Ir-rappurtar tar-realtà ekonomika meta dan ikun differenti mill-forma legali huwa prinċipju ta' kontabbiltà fundamentali li jagħti konsistenza u li jiżgura li transazzjonijiet ta' tip simili jipproduċu effetti simili fuq il-kontijiet makroekonomiċi, irrISPETTIVAMENT mill-arranġamenti legali. Dan huwa ta' importanza partikolari għat-transazzjonijiet li jinvolvu l-gvern ġenerali.

Dħul mit-taxxa

Karattru tad-dħul mit-taxxa

- 20.165 It-taxxi huma ħlasijiet mhux rifużi obbligatorji, fi flus kontanti jew in natura, li jsiru mill-unitajiet istituzzjonali lill-gvern ġenerali jew korpi supranazzjonali li jeżerċitaw is-sovranità jew setgħat oħra tagħhom. Huma normalment jikkostitwixxu l-parti l-kbira tad-dħul tal-gvern. It-taxxi jintwerew fis-sistema bħala transazzjonijiet, għaliex jitqiesu bħala interazzjonijiet bejn l-unitajiet imwettqa permezz ta' ftehim reċiproku. It-taxxi jiġu deskritti bħala mhux rifużi għaliex il-gvern ma jipprovdix xejn proporzjonali bi skambju għall-ħlas li jsir mill-unità individwali li tagħmel il-ħlas.

- 20.166 Madankollu, hemm każijiet fejn il-gvern jipprovdi xi ħaġa lill-unità individwali għall-ħlas, fil-forma ta' għoti dirett ta' permess jew awtorizzazzjoni. F'dan il-każ, il-ħlas huwa parti minn proċess mandatorju li jiżgura r-rikonossiment tas-sjeda proprja u t-twettiq ta' attivitajiet bil-liġi. Il-kategorizzazzjoni ta' ħlasijiet bħal dawn bħala taxxa, jew bħala l-bejgħ ta' servizz, jew il-bejgħ ta' ass mill-gvern, teħtieġ regoli addizzjonali. Dawk ir-regoli huma stipulati fil-Kapitolu 4.

Krediti tat-taxxa

- 20.167 Il-ħelsien mit-taxxa jista' jieħu l-forma ta' allowance, eżenzjoni, jew tnaqqis tat-taxxa — li jitnaqqas mill-bażi tat-taxxa — jew ta' kreditu tat-taxxa — li jitnaqqas direttament mill-obbligu ta' taxxa dovuta mill-unità domestika jew korporazzjoni benefiċjarja. Il-kreditu tat-taxxa jistgħu jkunu pagabbli, fis-sens li kwalunwke ammont tal-kreditu li jaqbeż l-obbligu ta' taxxa jitħallas lill-benefiċjarju. B'kuntrast, xi kreditu tat-taxxa mhumiex pagabbli u huma deskritti bħala "rifondibbli". Dawn huma limitati għad-daqs tal-obbligu ta' taxxa.
- 20.168 Fil-kontijiet nazżjonali, il-ħelsien mit-taxxa li jiġi inkorporat fis-sistema tat-taxxa jiġi rreġistrat bħala li jnaqqas l-obbligu ta' taxxa u għalhekk bħala li jnaqqas id-dħul mit-taxxa tal-gvern. Dan huwa l-każ tal-allowances, l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis tat-taxxa, billi dawn jidħlu direttament fil-kalkolu tal-obbligu ta' taxxa. Dan ikun ukoll il-każ għal kreditu tat-taxxa mhux pagabbli għaliex il-valur tagħhom għall-kontribwent huwa limitat għad-daqs tal-obbligu ta' taxxa tagħhom. B'kuntrast, dan mhuwiex il-każ għal kreditu tat-taxxa pagabbli, li skont id-definizzjoni jistgħu jaffettwaw dawk li mhumiex kontribwenti kif ukoll lil dawk li huma. Minħabba li huma pagabbli, il-kreditu tat-taxxa pagabbli jiġu klassifikati bħala infiq u jiġu rreġistrati hekk għall-ammont totali tagħhom. Id-dħul mit-taxxa tal-gvern għalhekk huwa dak li jkun dovut, bla ebda tnaqqis għall-kreditu tat-taxxa pagabbli mogħtija, u l-infiq tal-gvern jinkludi l-kreditu tat-taxxa pagabbli mogħtija kollha. Dan ma għandu l-ebda impatt fuq it-teħid ta' self nett/l-għoti ta' self nett tal-gvern ġenerali, iżda għandu impatt kemm fuq il-piż tat-taxxa kif ukoll fuq l-infiq tal-gvern, u fuq il-proporzjonijiet korrispondenti għall-PDG. Il-preżentazzjoni tal-istatistika għandha tippermetti d-derivazzjoni tal-kreditu tat-taxxi fuq bażi netta.

Ammonti li għandhom jiġu rreġistrati

- 20.169 Ir-reġistrazzjoni korretta tad-dħul mit-taxxa hija essenzjali għall-kejl tal-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-gvern. L-ammonti li għandhom jiġu rreġistrati għandhom jikkorrispondu għall-ammonti li x'aktarx verament jinġabru mill-gvern: dan jimplika li l-ammonti ddikjarati iżda meqjusin li ma jinġabru ma għandhomx jiġu rreġistrati bħala dħul.

Ammonti li ma jinġabru

- 20.170 Fil-każijiet kollha, l-ammonti li l-gvern realistikament jistenna li jiġbor biss għandhom jiġu rreġistrati. It-taxxi li ma jinġabru ma għandhomx jitqiesu fl-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett tal-gvern ġenerali u ġeneralment lanqas fid-dħul totali. Għaldaqstant, l-impatt fuq l-għoti ta' self nett/ it-teħid ta' self nett tal-gvern ġenerali ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali rreġistrati fis-sistema fuq bażi tad-dovuti għandu jkun ekwivalenti fuq tul raġonevoli ta' żmien għall-ammonti korrispondenti verament irċevuti. Ir-regoli għar-reġistrazzjoni tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali huma spjegati fil-Kapitolu 4.

Żmien ta' reġistrazzjoni

Reġistrazzjoni tad-dovuti

- 20.171 Il-kontabbiltà tad-dovuti tirreġistra flussi fiż-żmien meta l-valur ekonomiku jinħoloq, jiġi trasformat, skambjat, trasferit jew jintemm. Huwa differenti mir-reġistrazzjoni ta' flus kontanti u fil-prinċipju mir-reġistrazzjoni ta' dovuti għall-ħlas, definiti bħala ħlasijiet fl-aħħar ħin li jistgħu jsiru mingħajr imposti jew penali addizzjonali. Jekk ikun hemm perjodu ta' żmien bejn il-mument li ħlas ikun dovut u l-mument li l-ħlas fil-fatt isir, jeħtieġ li l-ammont jiġi rreġistrat bħala riċevibbli jew pagabbli fil-kontijiet finanzjarji. Ir-reġistrazzjoni tas-SEK ssir fuq bażi tad-dovuti. Għal xi transazzjonijiet, bħal ħlas ta' dividendi jew xi trasferimenti speċifiċi, tintuża d-data ta' skadenza tal-ħlas.

Reġistrazzjoni tad-dovuti tat-taxxi

- 20.172 Għall-gvern, ir-reġistrazzjoni tad-dħul u l-pretensjonijiet waqt l-avveniment sottostanti huwa b'mod partikolari diffiċli, għaliex ħafna drabi r-reġistrazzjonijiet tal-gvern, għat-taxxa pereżempju, isiru abbażi ta' flus kontanti. Meta t-taxxi dovuti jiġu kkalkolati mill-valutazzjonijiet tat-taxxi dovuti, ikun hemm ir-riskju ta' reġistrazzjoni żejda tad-dħul mit-taxxa, u sussegwentement ta' aggregat finanzjarju kruċjali għall-gvern.
- 20.173 Il-perjodu ta' żmien bejn il-mument li transazzjoni tiġi rreġistrata bħala dovuta fil-kontijiet mhux finanzjarji, u l-mument li l-ħlas fil-fatt isir, jagħti lok għar-reġistrazzjoni ta' kont riċevibbli fil-kont finanzjarju fil-kontijiet ta' parti waħda u ta' kont pagabbli fil-kontijiet tal-parti l-oħra. F'każijiet meta ħlas bil-quddiem, li jkopri żewġ perjodi bażi tal-kontijiet jew aktar, isir lill-gvern, jiġi rreġistrat kont pagabbli, li huwa tip ta' self, fil-kont finanzjarju tal-gvern għall-ammonti dovuti f'perjodi futuri. Dan il-passiv jintemm meta jiġu rreġistrati l-ammonti dovuti tat-transazzjoni fil-perjodi futuri. Madankollu, ir-reġistrazzjoni ta' passiv bħal dan isseħħ biss meta l-gvern ikollu, legalment jew permezz ta' obbligu kostruttiv, l-obbligu li jħallas lura lill-kontribwent l-ammonti mħallsa bil-quddiem jekk l-avveniment taxxabli ma jseħħ.

- 20.174 Skont ir-reġistrazzjoni tad-dovuti, it-taxxi għandhom jiġu rreġistrati meta jseħħu l-attivitàjiet, it-transazzjonijiet jew avvenimenti oħra li jgħodqu l-obbligu li titħallas taxxa — fi kliem ieħor meta jseħħu l-avvenimenti taxxabli — u mhux meta l-ħlasijiet ikunu dovuti jew meta dawn fil-fatt isiru. Dan iż-żmien normalment hu meta jiġi gwadanjat introjtu jew meta sseħħ transazzjoni (bħax-xiri ta' oġġetti u servizzi) li tiġġenera l-obbligu, safejn dak l-obbligu ta' taxxa jista' jitkejjel b'mod affidabbli. L-arranġamenti istituzzjonali differenti għat-tassazzjoni (l-eżistenza jew le ta' valutazzjonijiet, bħal-listi tal-proprjetà taxxabli) jistgħu jwasslu fil-prattika għall-użu ta' metodi ta' reġistrazzjoni differenti, skont il-karatteristiċi tat-taxxa. Għalhekk, notevolment meta ma jkunx hemm valutazzjonijiet affidabbli disponibbli jew l-ammonti li probabbli ma jinġabru ma jistgħux jiġu stmati b'mod affidabbli, il-metodu ta' flus kontanti aġġustat biż-żmien jitqies bħala alternattiva aċċettabbli għad-dovuti.
- 20.175 Fil-prattika, meta t-taxxi huma bbażati fuq valutazzjonijiet, hija permessa xi flessibilità fir-rigward taż-żmien tar-reġistrazzjoni fejn il-kejl ma jistax isir b'mod affidabbli qabel iż-żmien tal-valutazzjoni. B'mod partikolari, għat-taxxi fuq l-introjtu, is-sistemi tat-taxxa jistgħu jeħtieġu l-iżvilupp ta' lista ta' proprjetà taxxabli jew forma oħra ta' valutazzjoni tat-taxxa qabel ma l-ammonti tat-taxxa dovuti jsiru magħrufa b'mod affidabbli, b'kunsiderazzjoni tal-bidliet fir-rati tat-taxxa u l-ħlas finali. Dan il-mument, li jista' jkun dak fejn l-imġiba ekonomika tal-unitajiet domestiċi tiġi affettwata, huwa żmien ta' reġistrazzjoni aċċettabbli. Dan mhuwiex neċessarjament il-perijodu bażi tal-kontijiet li fih jiġi rċevut il-ħlas.

Imgħax

- 20.176 L-imgħax huwa nfiq imħallas minn debitur għall-użu tal-fondi ta' unità oħra. Taħt it-termini tal-istrument finanzjarju li jsir qbil dwaru bejniethom, l-imgħax (D.41) huwa l-ammont li d-debitur isir obbligat li jħallas lill-kreditur matul perijodu ta' żmien partikolari mingħajr it-tnaqqis tal-ammont tal-kapital dovut.
- 20.177 L-imgħax huwa klassifikat fl-introjtu minn proprjetà (D.4). B'differenza mid-dividendi (D.421), l-imgħax (D.41) jagħti d-dritt lid-detentur/min isellef għal introjtu fiss u determinat minn qabel (jew skont referenza miftehma fil-każ ta' rata tal-imgħax li tinbidel). L-imgħax normalment huwa entrata ta' spiża maġġuri tal-gvern ġenerali, peress li l-gvernijiet ħafna drabi huma debituri strutturali fis-suq.
- 20.178 Fis-sistema, l-imgħax huwa rreġistrat fuq bażi tad-dovuti, jiġifieri l-imgħax jiġi rreġistrat bħala dovut li jakkumula kontinwament maż-żmien lill-kreditur fuq l-ammont tal-kapital dovut.
- 20.179 Hemm żewġ modi kif jista' jiġi ddeterminat il-valur ta' titolu skontat tul il-ħajja tiegħu meta r-rata tal-imgħax prevalenti tkun differenti mir-rata prevalenti meta jkun inħareġ it-titolu. L-approċċ tad-debitur huwa mill-perspettiva tal-unità li toħroġ it-titolu u l-approċċ tal-kreditur huwa mill-perspettiva tal-unità li għandha t-titolu. Mill-approċċ tad-debitur, ir-rata tal-imgħax li jkun hemm qbil dwarha mal-ħruġ tintuża tul il-ħajja tat-titolu. Mill-approċċ tal-kreditur, ir-rata tal-imgħax attwali tintuża biex jiġi vvalutat l-imgħax bejn kwalunkwe żewġ punti fil-ħajja tat-titolu.
- 20.180 L-imgħax dovut huwa rreġistrat skont l-approċċ tad-debitur, jiġifieri: abbażi tar-rata jew il-ir-rendita prevalenti fiż-żmien tal-ħolqien tal-istrument finanzjarju. Għalhekk, l-infiq f'imgħax li għandu jiġi rreġistrat fuq it-titoli tad-dejn b'rata fissa ma jvarjax maż-żmien skont varjazzjonijiet fis-suq, minkejja li l-valur tas-suq tat-titoli jvarja u li, għaldaqstant, l-ispejjeż ta' opportunità ta' dan id-dejn ivarjaw. B'dak il-mod, l-infiq f'imgħax jevita l-volatilità implikata mill-approċċ tal-kreditur. Ix-xiri mill-ġdid tat-titoli fis-suq, għal primjum jew bi skont fuq il-kapital dovut, ma jwassalx għal kwalunkwe entrata fid-dħul jew l-infiq fiż-żmien tax-xiri jew wara. Minflok, kwalunkwe primjum jew skont ta' xiri mill-ġdid jirrifletti l-ħlas, irreġistrat fil-kontijiet finanzjarji, ta' qligħ jew telf nominali li akkumula fil-passat u li ġie rreġistrat fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni dak iż-żmien.
- 20.181 Ir-reġistrazzjoni tal-imgħax bħala dovut li jakkumula kontinwament għandha l-konsegwenza, pereżempju fuq titolu, li t-tariffa tal-imgħax dovut tiġi rreġistrata minn meta t-titolu jkun inħareġ, mingħajr ma tistenna iż-żmien meta jsir l-ewwel ħlas tal-kupun (ħafna drabi fis-sena ta' wara, fil-każ klassiku ta' titolu bi ħlas annwali tal-kupun). Dan ifisser ukoll li l-imgħax dovut fuq it-titoli jibda jidher bħala passiv malli l-imgħax maħruġ jiġi investit mill-ġdid taħt l-ass finanzjarju li jgħorru. Bħala riżultat, l-istokk tal-imgħax dovut akkumulat, għandu dejjem jiġi miżjud mal-valur tal-kapital tal-istrument sottostanti, u, sussegwentement, kwalunkwe ħlas tal-imgħax inaqqas il-passiv tad-debitur. Dan il-prinċipju bażiku jkopri l-istrumenti finanzjarji kollha li jgħorru l-imgħax.
- 20.182 F'ħafna pajjiżi, il-bonds u l-flus tal-karti tal-gvern joħorġu f'segmenti fuqdiversi, fuq diversi snin, bl-istess kondizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rata nominali tal-imgħax. Minħabba li r-rendita tas-suq fi żmien il-bejgħ sussegwenti tas-segmenti tvajra, kull segment fil-fatt jinbiegħ għal primjum jew skontat. Għalhekk, ir-rata tal-imgħax li tiġi miftehma meta joħroġ il-bond tintuża għall-kalkolu tal-imgħax, li jvarja għal kull segment, billi jirrifletti l-amortizzazzjonijiet differenti tal-primjum jew l-iskontijiet fi żmien il-ħruġ, b'mod simili għall-amortizzazzjoni tal-iskontijiet fuq bonds tal-kupuni zero.

- 20.183 Il-prezz ta' ħruġ tal-bonds u l-flus tal-karti maħruġa f'segmenti funġibbli, u li jgħorru kupuni, jinkludi ammont għall-kupuni dovuti sa dik id-data, li huma fil-fatt "mibjugħin" mal-ħruġ. Tali kupuni mibjugħin la huma dħul tal-gvern fiż-żmien tal-bejgħ u lanqas ma huma trattati bħala primjum. Minflok huma jidhru bħala ħlas finanzjarju bil-quddiem.

Bonds skontati u bil-kupuni żero

- 20.184 Il-bonds bil-kupuni żero huma strumenti fejn id-debitur mhuwiex obligat jagħmel ħlasijiet fuqhom lill-kreditur sakemm il-bond titħallas lura. L-ammont tal-kapital misluf huwa aktar baxx mill-valur tal-bond li jitħallas lura mid-debitur. Fil-fatt, il-passiv tad-debitur jitħallas bi ħlas wieħed mal-maturità filwaqt li jkopri kemm l-ammonti tal-kapital kif ukoll l-imgħax dovut matul il-ħajja tal-istrument. Id-differenza bejn l-ammont imħallas lura fl-aħħar tal-kuntratt u l-ammont misluf inizjalment huwa l-imgħax u jiġi allokat fuq il-perjodi bażi tal-kontijiet bejn il-bidu u t-tmiem tal-kuntratt. L-imgħax dovut matul kull perijodu huwa trattat bħallikieku tħallas mid-debitur u ġie investit mill-ġdid bħala ammont addizzjonali tal-istess passiv. L-infiq f'imgħax u ż-żidiet fil-passiv jiġu rreġistrati simultanjament matul kull perijodu.
- 20.185 Iż-żieda gradwali fil-valur tas-suq ta' bond li hija attribwibbli għall-akkumulazzjoni tal-imgħax dovut u investit mill-ġdid tirrifletti tkabbir fil-kapital dovut, jiġifieri, fid-daqs tal-ass.
- 20.186 L-istess prinċipju japplika għall-bonds skontati jew bonds maħruġa għal primjum. F'dan il-każ, l-infiq f'imgħax li għandu jiġi rreġistrat huwa l-ammont ta' mgħax ta' kupon dovut kif speċifikat fil-kuntratt, flimkien mal-ammont li jakkumula f'kull perijodu attribwibbli għad-differenza bejn il-prezz tal-ħlas lura u l-prezz tal-ħruġ.

Titoli marbuta mal-indiċi

- 20.187 It-titoli marbuta mal-indiċi huma strumenti finanzjarji, normalment bonds fit-tul, li għalihom l-ammonti tal-ħlasijiet perijodiċi u/jew tal-kapital huma marbutin mal-indiċi tal-prezzijiet jew indiċi oħra. Kwalunkwe ħlas żejjed lil kredituri minħabba bidliet fl-indiċi huma meqjusin bħala mgħax, inkluż l-irfiġh tal-kapital, li għandu jiġi rreġistrat bħala li jakkumula kontinwament. Meta l-valur tal-kapital ikun marbut ma' indiċi, id-differenza bejn il-prezz tal-ħlas lura eventwali u l-prezz tal-ħruġ tiġi trattata bħala mgħax li jakkumula matul il-ħajja tal-ass, flimkien ma' kwalunkwe mgħax dovut f'dak il-perijodu.

Derivattivi finanzjarji

- 20.188 Il-ħlasijiet fuq transazzjonijiet ta' swaps mhuwiex meqjusin bħala introjtu minn proprjetà fis-SEK. Il-ħlasijiet relatati ma' derivattivi finanzjarji huma transazzjonijiet finanzjarji, li għandhom jiġu rreġistrati fiż-żmien tal-iskambju effettiv tal-istrument finanzjarju.

Deċiżjonijiet tal-qorti

- 20.189 Meta qorti tal-ġustizzja tiddeċiedi li għandu jitħallas kumpens, jew li għandha tiġi mreġġa' lura transazzjoni, li tirriżulta minn jew hija relatata ma' avvenimenti tal-passat, iż-żmien tar-reġistrazzjoni tal-infiq jew tad-dħul huwa meta r-rikorrenti jkollhom dritt awtomatiku u inkonvertibbli għal ammont mogħti li jista' jiġi ddeterminat individwalment, u meta jkun improbabbli li r-rikorrenti jonqsu milli jitolbu dak li hu dovut lilhom. Meta qorti tal-ġustizzja sempliċiment tistabbilixxi prinċipju ta' kumpens, jew meta l-pretensjonijiet għandhom jiġu riveduti għall-eligjibiltà u fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont mis-servizzi amministrattivi, l-infiq jew id-dħul jiġi rreġistrat hekk kif il-valur tal-obbligu jiġi ddeterminat b'mod affidabbli.

Nfiq militari

- 20.190 Is-sistemi tal-armi militari, li jinkludu vetturi u taġmhir ieħor bħal vapuri tal-gwerra, sottomarini, inġenji tal-ajru militari, tankijiet, ġarriera u pjattaformi tal-illanċjar tal-missili eċċ., jintużaw kontinwament fil-produzzjoni tas-servizzi ta' difiża. Dawn huma assi fissi, bħal dawk użati kontinwament għal aktar minn sena waħda fil-produzzjoni ċivili. L-akkwist taġmhir jiġi rreġistrat bħala formazzjoni grossa tal-kapital fiss, jiġifieri bħala nfiq kapitali. Oġġetti li jintużaw darba, bħall-ammunizzjon, missili, rokits u bombi huma trattati bħala inventarji militari. Madankollu, ċerti tipi ta' missili ballistiċi jitqiesu bħala li jipprovdu servizz dejjem għaddej ta' deterrenza u għalhekk jissodisfaw il-kriterji ġenerali għal klassifikazzjoni bħala assi fissi.
- 20.191 Iż-żmien tar-reġistrazzjoni tal-akkwist ta' ass huwa iż-żmien tat-trasferiment tas-sjieda tal-ass. Fil-każ ta' kuntratti fit-tul li jinvolvu sistemi kumplessi, iż-żmien tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-assi għandu jkun mal-kunsinna reali tal-assi, mhux iż-żmien tal-ħlasijiet fi flus kontanti. Jekk xi kuntratti fit-tul ikopru wkoll il-provvista ta' servizzi, l-infiq tal-gvern għandu jiġi rreġistrat fiż-żmien tal-provvista tas-servizzi, separatament mill-provvista tal-assi.

20.192 Jekk it-tagħmir militari jinkera, it-transazzjoni tiġi rreġistrata b'mod kostanti bħala kera finanzjarja u mhux bħala kera operattiva. Dan jimplika li r-reġistrazzjoni ta' akkwist ta' ass militari hija mqabbla mal-ħolqien ta' self imputat mill-kerrej tal-gvern. Konsegwentement, il-ħlasijiet mill-gvern huma rreġistrati bħala manutenzjoni tad-djun, parti bħala ħlas lura tas-self, parti oħra bħala mgħax.

Relazzjonijiet tal-gvern ġenerali mal-korporazzjonijiet pubbliċi

Investiment ta' ekwità f'korporazzjonijiet pubbliċi u distribuzzjoni tal-qligħ

20.193 L-unitajiet tal-gvern għandhom relazzjoni mill-qrib mal-korporazzjonijiet u l-kważikorporazzjonijiet pubbliċi li jippossiedu. Minkejja din ir-relazzjoni mill-qrib, il-flussi bejn unita' tal-gvern u l-korporazzjoni jew il-kważikorporazzjoni kkontrollata tagħha relatata mal-investiment ta' ekwità tagħha, huma trattati bl-istess mod bħall-flussi bejn kwalunkwe korporazzjoni u s-sidien tagħha: l-investimenti ta' ekwità mill-investitur fl-unita' li jsir investiment fiha; id-distribuzzjonijiet tal-qligħ mill-unita' li jsir investiment fiha, lill-investitur.

Investiment ta' ekwità

20.194 Investiment ta' ekwità jseħħ meta l-aġenti ekonomiċi jpoġġu fondi għad-dispożizzjoni tal-korporazzjonijiet, bħala skambju għal wegħda ta' dividendi futuri jew tipi oħra ta' redditu. L-ammont investit huwa magħruf bħala kapital ta' ekwità, u huwa parti mill-fondi proprji tal-korporazzjoni u l-korporazzjoni għandha livell għoli ta' liberta' fil-mod kif tużahom. Bħala skambju għal dan, is-sidien jirċievu ishma jew xi forma oħra ta' ekwità. Dawn jirrappreżentaw drittijiet ta' proprjeta' fuq il-korporazzjonijiet u l-kważikorporazzjonijiet u jintitolaw lid-dententuri għal:

(a) sehem ta' kwalunkwe dividend (jew irtirar ta' introju mill-kważikorporazzjonijiet) imħallsa bl-għażla tal-korporazzjoni iżda mhux għal introju fiss u determinat minn qabel; u

(b) sehem fl-assi netti tal-korporazzjoni fil-każ tal-likwidazzjoni tagħha

u għalhekk, l-ishma, huma assi finanzjarji.

20.195 Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-irtirar ta' ekwità mill-korporazzjoni lis-sid tagħha u r-redditu fuq investiment ta' ekwità, notevolment l-introju gwadanjat fil-forma ta' dividendi. Huma biss id-distribuzzjonijiet regolari mill-introju intraprenditorjali li jiġu rreġistrati bħala dividendi mill-korporazzjonijiet jew l-irtirar ta' introju mill-kważikorporazzjonijiet. Ħlasijiet kbar u irregolari lis-sid huma rreġistrati bħala rtirar ta' ekwità.

20.196 Meħtieġ li jiġi determinat meta l-ħlasijiet tal-gvern fil-korporazzjonijiet pubbliċi jkunu nfiq tal-gvern jew akkwist ta' ass u għalhekk ikunu transazzjoni finanzjarja, u għall-kuntrarju meta d-distribuzzjonijiet lill-gvern mill-korporazzjonijiet pubbliċi jkunu dħul tal-gvern jew transazzjoni finanzjarja.

Injezzjonijiet ta' kapital

Sussidji u injezzjonijiet ta' kapital

20.197 Is-sussidji huma trasferimenti kurrenti, li normalment isiru fuq bażi regolari, mill-gvern, jew okkażjonalment mill-bqija tad-dinja lil produtturi, imfassla biex jinfluwenzaw il-livelli ta' produzzjoni tagħhom, il-prezzijiet li bihom jinbiegħ l-output tagħhom jew ir-remunerazzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni.

20.198 Il-ħlasijiet lill-korporazzjonijiet pubbliċi fuq bażi kbira u irregolari, ħafna drabi msejħa "injezzjonijiet ta' kapital", mhumiex sussidji. Dawn huma avvenimenti li għandhom l-għan li jikkapitalizzaw jew jirrikapitalizzaw il-korporazzjoni benefiċjarja, li jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' din tal-aħħar f'perspettiva fit-tul. Skont it-"test tal-injezzjoni ta' kapital", injezzjonijiet ta' kapital bħal dawn huma jew trasferimenti ta' kapital jew inkella akkwisti ta' ekwità, jew kombinazzjoni tat-tnejn. Iż-żewġ każijiet huma kif jidher hawn taħt:

(a) ħlas li jkopri telf akkumulat, eċċezjonali jew futur, jew ipprovdut għal skopjiet ta' ordni pubbliku, jiġi rreġistrat bħala trasferiment ta' kapital. Telf eċċezjonali huwa telf kbir irreġistrat f'perjodu bażi tal-kontijiet wieħed fil-kontijiet tan-negozju ta' korporazzjoni, li normalment jirriżulta minn rivalutazzjonijiet 'l isfel tal-assi tal-karta tal-bilanċ, b'tali mod li l-korporazzjoni tiffaċċja theddida ta' diffikultà finanzjarja (fondi proprji negattivi, ksur ta' solvenza, eċċ);

(b) ħlas fejn il-gvern jaġixxi bħala azzjonist fis-sens li għandu aspettattiva valida li jiggwadanja rata suffiċjenti ta' redditu, fil-forma ta' dividendi jew qligħ nominali huwa akkwist ta' ekwità. Il-korporazzjoni għandha tgawdi livell għoli ta' liberta' fil-mod kif tuża l-fondi provduti. Meta l-investituri privati huma parti mill-injezzjoni ta' kapital, u l-kondizzjonijiet għall-investituri privati u dawk tal-gvern huma simili, dan huwa evidenza li l-ħlas x'aktarx ikun akkwist ta' ekwità.

- 20.199 F'ħafna każijiet, il-ħlasijiet li jsiru mill-unitajiet tal-gvern lill-korporazzjonijiet pubbliċi huma maħsuba biex jikkompensaw għal telf fil-passat jew fil-futur. Il-ħlasijiet tal-gvern jiġu trattati bħala akkwist ta' ekwità biss jekk ikun hemm evidenza suffiċjenti tal-profittabbiltà futura tal-korporazzjoni u tal-kapaċità tagħha li tħallas dividendi.
- 20.200 Peress li l-injezzjonijiet ta' kapital iżidu l-fondi proprji tal-unità li jsir investiment fiha, huwa probabbli li jwasslu wkoll għal żieda fis-sehem tal-ekwità tal-investitur fl-unità investita. Dan huwa awtomatikament il-każ ta' dawk il-korporazzjonijiet pubbliċi posseduti 100 % li l-ekwità tagħhom hija l-valur tal-fondi proprji tagħhom. Żieda bħala din fl-ekwità ma tintużax bħala kriterju biex tiġi ġġudikata n-natura tal-injezzjoni ta' kapital; minflok, din twassal għal entrata fil-kont ta' rivalutazzjoni meta l-injezzjoni tiġi rreġistrata bħala trasferiment ta' kapital, u għal entrata fil-kontijiet finanzjarji meta l-injezzjoni tiġi rreġistrata bħala żieda fl-ekwità.

Regoli applikabbli għal ċirkostanzi partikolari

- 20.201 L-injezzjonijiet ta' kapital li jitwettqu fil-kuntest tal-privatizzazzjoni, meta l-privatizzazzjoni tkun mistennija li sseħħ f'inqas minn sena, huma rreġistrati bħala transazzjoni f'ekwità bl-ammont li ma jaqbiż ir-rikavati mill-privatizzazzjoni, il-bqija huwa soġġett għat-test tal-injezzjoni ta' kapital. Ir-rikavati mill-privatizzazzjoni huma meqjusin li jħallsu lura l-injezzjoni ta' kapital.
- 20.202 L-injezzjonijiet ta' kapital jistgħu jitwettqu permezz tal-kanċellazzjoni ta' dejn jew l-assunzjoni ta' dejn. Skont ir-regoli ta' kontabbiltà applikabbli għal dawk l-avvenimenti, il-ħlas huwa trasferiment ta' kapital, minbarra fil-każ tal-privatizzazzjoni meta jkun akkwist ta' ekwità, li l-valur tiegħu jkun fi ħdan l-ammont ta' rikavati mill-privatizzazzjoni.
- 20.203 L-injezzjonijiet ta' kapital in natura, permezz tal-provvista ta' assi mhux finanzjarji, ma għandhomx impatt fuq l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett. Meta l-injezzjoni tkun mistennija li tiġwadanja rata suffiċjenti ta' redditu, hija tiġi trattata bħala bidla fl-istruttura (K.61), u l-ass provdut jidħol fil-karta tal-bilanċ tal-korporazzjoni permezz tal- bidla l-oħra fil-volum tal-kontijiet tal-assi. Meta l-injezzjoni ma tkunx mistennija li tiġwadanja rata suffiċjenti ta' redditu, jiġi rreġistrat trasferiment ta' kapital (għotja ta' investiment, D.92) flimkien ma' entrata mqabbla fiċ-ċessjoni ta' assi mhux finanzjarji (P.5 jew NP).

Operazzjonijiet fiskali

- 20.204 L-operazzjonijiet fiskali jitwettqu mill-gvern u huma ffinanzjati permezz tal-baġit taħt il-proċeduri baġitarji tas-soltu. Madankollu, xi operazzjonijiet li joriġinaw minn unitajiet tal-gvern jistgħu jinvolvu l-intervent ta' entitajiet mhux irregolati bil-qafas tal-gvern legali, inklużi korporazzjonijiet pubbliċi. Għalkemm dawn ma jiġux rappurtati fil-baġit, u jistgħu jaħarbu l-proċeduri ta' kontroll tas-soltu, huwa xieraq li huma jiġu rreġistrati fid-dħul u l-infiq tal-gvern. Dan huwa għaliex is-SEK tirrikonoxxi meta l-gvern ikun il-parti prinċipali għal operazzjoni u l-korporazzjoni pubblika tkun qed tagħxi bħala aġent.

Distribuzzjonijiet tal-korporazzjonijiet pubbliċi

Dividendi versus l-irtirar ta' ekwità

- 20.205 Il-qligħ minn investiment ta' ekwità fil-korporazzjonijiet pubbliċi jista' jiġi rreġistrat bħala transazzjoni distributiva li normalment ikunu dividendi, jew bħala transazzjoni finanzjarja. Id-dividendi huma introjtu minn proprjetà. Ir-riżorsa disponibbli għad-distribuzzjoni ta' dividendi hija l-introjtu intraprenditorjali tal-korporazzjoni. Għaldaqstant, ir-riżorsi li minnhom jitħallsu d-dividendi la jinkludu r-rikavati tal-bejgħ tal-assi u lanqas id-distribuzzjoni ta' qligħ mir-rivalutazzjoni. Id-dividendi ffinanzjati minn, jew ibbażati fuq, sorsi bħala dawn huma rreġistrati bħala rtirar ta' ekwità. L-istess prinċipji bażiċi japplikaw għal irtirar mill-introjtu tal-kważikorporazzjonijiet.
- 20.206 Ħlasijiet kbar u irregolari jew ħlasijiet li jaqbuż l-introjtu intraprenditorjali tas-sena jissejħu superdividendi. Dawn jiġu ffinanzjati minn riżervi akkumulati jew bejgħ ta' assi, u jiġu rreġistrati bħala rtirar ta' ekwità ugwali għad-differenza bejn il-ħlas u l-introjtu intraprenditorjali tal-perijodu bażi tal-kontijiet rilevanti. Fl-assenza ta' kejl tal-introjtu intraprenditorjali, jista' jintuża l-profitt operattiv fil-kontijiet tan-negożju bħala alternattiva.
- 20.207 Id-dividendi interim jiġu rreġistrati bħala introjtu minn proprjetà (D.42) safejn dawn jistgħu jiġu relatati mal-introjtu akkumulat tal-korporazzjoni. Fil-prattika, għandhom jiġu sodisfatti żewġ kondizzjonijiet:
- (a) il-korporazzjoni li qed tagħmel il-ħlas tagħmel il-kontijiet ta' perijodu qasir disponibbli għall-pubbliku u l-ħlas ikun ibbażat fuq minn tal-inqas żewġ kwarti ta' sena;
 - (b) il-ħlas interim għandu jkun fl-istess proporzjon bħad-dividendi mħallsa fis-snin preċedenti, konsistenti mar-rata normali ta' redditu lill-azzjonist u max-xejra ta' tkabbir tal-korporazzjoni.

Jekk dawn il-kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, il-ħlas interim jiġi rreġistrat bħala ħlas bil-quddiem finanzjarju, klassifikat taħt kont riċevibbli/pagabbli ieħor (F.8), sakemm jiġi determinat ir-riżultat annwali, minħabba l-ħtieġa li jitwettaq it-test tas-superdividendi jiġifieri t-taqbil tad-dividendi interim mal-introjtu intraprenditorjali tas-sena.

Taxxi versus l-irtirar ta' ekwità

- 20.208 It-taxxi għandhom bażi legali u huma taħt il-kontroll ta' proċedura leġislattiva. Dawn it-transazzjonijiet, li jsiru permezz ta' ftehim reċiproku, jikkostitwixxu d-dħul ewlieni tal-gvern ġenerali.
- 20.209 Madankollu, jista' xi drabi jiġri, li transazzjoni deskritta bħala taxa fid-dokumenti legali ma tiġix irreġistrata bħala tali fis-SEK. Pereżempju fil-każ ta' privatizzazzjoni indiretta. Jekk korporazzjoni holding pubblika tbigħ is-sjeda ta' ekwità tagħha f'korporazzjoni pubblika oħra u tħallas parti mir-rikavati lill-gvern taħt l-intestatura tat-taxxa, jew hija obbligata li tħallas taxa ġġenerata bl-avveniment tal-privatizzazzjoni u l-qligħ realizzat ssugwentement taħt l-intestatura tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali, il-ħlas jiġi rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja.

Privatizzazzjoni u nazzjonalizzazzjoni

Privatizzazzjoni

- 20.210 Il-privatizzazzjoni normalment tinvolvi l-bejgħ mill-gvern ta' ishma jew ekwità oħra f'korporazzjoni pubblika. Ir-rikavati mill-privatizzazzjoni mhumiex dħul tal-gvern iżda transazzjoni finanzjarja rreġistrata fil-kont finanzjarju, bl-ebda impatt fuq id-defiċit/l-eċċess tal-gvern, għaliex dan l-avveniment huwa newtrali fir-rigward tal-valur nett u huwa klassifikazzjoni mill-ġdid tal-assi (AF.5 kontra AF.2) fil-karta tal-bilanċ tal-gvern. Bejgħ dirett ta' assi mhux finanzjarji, bħal bini u art minflok korporazzjoni sħiħa, jiġi rreġistrat fil-kont kapitali bħala ċessjonijiet ta' assi fissi jew assi mhux finanzjarji mhux prodotti, dment li ma jitwettaqx fil-kuntest ta' ristrutturar korporattiv.
- 20.211 Kwalunkwe xiri ta' servizzi għall-kisba ta' dan il-proċess għandu, madankollu, jiġi rreġistrat bħala konsum intermedju tal-gvern, u ma għandux jitnaqqas mir-rikavati minn privatizzazzjoni. Għalhekk, ir-rikavati mill-privatizzazzjoni għandhom jiġu rreġistrati gross fil-kontijiet finanzjarji.

Privatizzazzjonijiet indiretti

- 20.212 Il-privatizzazzjoni tista' sseħħ b'arranġamenti istituzzjonali aktar kumplikati. Pereżempju, l-assi ta' korporazzjoni pubblika jistgħu jinbiegħu minn kumpannija holding pubblika, jew korporazzjoni pubblika oħra, ikkontrollata minn gvern, u r-rikavati kollha jew parti minnhom jingħataw lill-gvern. Fil-każijiet kollha, il-ħlas lill-gvern tar-rikavati fuq il-bejgħ tal-assi b'dan il-mod għandu jiġi rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja, irrispettivament mill-mod kif jiġi preżentat fil-kotba tal-gvern jew tas-sussidjarja tiegħu, bi tnaqqis simultanju fl-ishma u fl-ekwitajiet l-oħra li jikkorrispondu għal-likwidazzjoni parzjali tal-assi tal-kumpannija holding. Kwalunkwe rikavati mill-privatizzazzjoni li jinżammu mill-holding huma qligħ mill-privatizzazzjoni tal-gvern li huma investiti mill-ġdid permezz ta' injezzjoni ta' kapital, li mbagħad tkun soġġetta għat-test tal-injezzjoni ta' kapital biex tiġi ddeterminata n-natura tal-ħlas.
- 20.213 Jista' jiġri wkoll li l-kumpannija holding pubblika, jew korporazzjoni pubblika oħra, taġixxi bħala "aġenzija ta' ristrutturar". F'kuntest bħala dan, ir-rikavati tal-bejgħ ma jistgħux jitħallsu lill-gvern iżda jinżammu mill-aġenzija ta' ristrutturar għall-injezzjoni ta' kapital f'intrapriżi oħra. Meta l-unità ta' ristrutturar, hu x'inhu l-istatus ġuridiku tagħha, taġixxi bħala aġent dirett tal-gvern, il-funzjoni ewlenija tagħha hija li tirruttura u tbidel l-istatus tas-sjeda tal-korporazzjonijiet pubbliċi u tidderieġi l-fondi minn unità għal oħra. Il-klassifikazzjoni tal-unità ġeneralemment tkun fis-settur tal-gvern ġenerali. Madankollu, meta l-unità ta' ristrutturar tkun kumpannija holding li tikkontrolla grupp ta' sussidjarji, u parti żgħira biss tal-attività tagħha tkun iddedikata għad-direzzjoni ta' fondi bil-mod deskritt hawn fuq, f'isem il-gvern u għal skopijiet ta' ordni pubbliku, il-kumpannija holding pubblika hija klassifikata f'wieħed mis-setturi tal-korporazzjonijiet skont l-attività ewlenija tagħha, u t-transazzjonijiet li jsiru f'isem il-gvern huma direzzjonati mill-ġdid permezz tal-gvern.

Nazzjonalizzazzjoni

- 20.214 Nazzjonalizzazzjoni tfisser li l-gvern jassumi l-kontroll ta' assi speċifiċi jew korporazzjoni sħiħa, normalment permezz tal-akkwist tal-maġġoranza jew tal-investment sħiħ tal-korporazzjoni.
- 20.215 In-nazzjonalizzazzjoni normalment tieħu l-forma ta' xiri ta' ishma: il-gvern jixri l-ishma kollha jew parti minnhom fil-korporazzjoni bil-prezz tas-suq — jew bi prezz qrib biżżejjed, b'kunsiderazzjoni tal-prattiki tas-suq normali fir-rigward tal-valutazzjoni ta' korporazzjonijiet fl-istess attività. It-transazzjoni ssir permezz ta' ftehim reċiproku, anke jekk is-sid ta' qabel jista' jkollu ftit għażla fir-rigward tar-rifjut tal-offerta, jew tan-negozjar tal-prezz. Ix-xiri tal-ishma huwa transazzjoni finanzjarja li għandha tiġi rreġistrata fil-kont finanzjarju.
- 20.216 Eċċezzjonalment, il-gvern jista' jikseb sjeda fuq korporazzjoni permezz ta' approprazzjoni jew konfiska: il-bidla fis-sjeda tal-assi mhijiex ir-riżultat ta' transazzjoni li ssir permezz ta' ftehim reċiproku. Ma jsir l-ebda ħlas lissidien, jew tali ħlas li jsir ma jirriflettix il-valur ġust tal-assi. Id-differenza bejn il-valur tas-suq tal-assi akkwistati u kwalunkwe kumpens provdut hija rreġistrata bħala sekwestru mingħajr kumpens fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi.

Transazzjonijiet mal-bank ċentrali

20.217 Fil-prattika jiġu osservati żewġ tipi ta' ħlasijiet mill-bank ċentrali lill-gvern:

- (a) Ħlasijiet li jsiru fuq bażi regolari, normalment fil-forma ta' dividendi, abbażi tal-attività attwali tal-bank ċentrali (bħal ġestjoni ta' riżervi tal-kambju ta' muniti barranin). Dawn il-ħlasijiet huma rreġistrati bħala dividendi dment li ma jkunux ogħla mill-kejl tal-introjtu operattiv nett, li jikkonsisti minn introjtu minn proprjetà nett, nett tal-ispejjeż u ta' kwalunkwe trasferimenti. Ammonti li jaqbżu din is-somma għandhom jiġu rreġistrati bħala tnaqqis fl-ekwiżità.
- (b) Ħlasijiet eċċezzjonali li jsiru wara l-bejgħ jew ir-rivalutazzjoni tal-assi ta' riżerva. Dawn il-ħlasijiet jiġu rreġistrati bħala rtirar ta' ekwiżità. Ir-raġuni hija li l-valur ta' tali assi jaffettwa l-valur tal-passiv ta' ekwiżità tal-bank ċentrali u l-assi ta' ekwiżità tal-gvern. Għalhekk, il-qliġh nominali fuq l-assi ta' riżerva tal-bank ċentrali għandhom kontraparti fl-assi ta' ekwiżità tal-gvern permezz tal-passiv ta' ekwiżità tal-bank ċentrali.

Il-ħlasijiet mill-gvern ċentrali lill-bank ċentrali għandhom jiġu rreġistrati b'mod simili għal dak ta' korporazzjonijiet pubbliċi oħra. B'mod partikolari, il-ħlasijiet kbar jiġu soġġetti għat-"test tal-injezzjoni ta' kapital" biex jiġi ddeterminat il-karattru tal-ħlasijiet.

Ristrutturar, fużjonijiet u riklassifikazzjonijiet

20.218 Meta korporazzjoni pubblika tiġi ristrutturata, l-assi u l-passivi finanzjarji jistgħu jidhru jew ma jibqgħux jidhru b'mod li jirrifletti relazzjonijiet finanzjarji ġodda. Dawn il-bidliet huma rreġistrati bħala bidliet fil-klassifikazzjoni u l-istruttura tas-settur fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi. Eżempju ta' ristrutturar bħal dan huwa meta korporazzjoni tinqasam f'żewġ unitajiet istituzzjonali jew aktar u jinħolqu assi u passivi finanzjarji ġodda.

20.219 Ix-xiri ta' ishma u ekwiżità oħra ta' korporazzjoni bħala parti minn fużjoni, min-naħa l-oħra, għandu jiġi rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja bejn il-korporazzjoni tax-xiri u s-sid preċedenti.

20.220 Kwalunkwe bidla fil-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi mhux relatata mar-ristrutturar jew il-bidliet fil-klassifikazzjoni tas-settur, bħall-monetizzazzjoni jew id-demonetizzazzjoni tad-deheb hija rreġistrata bħala bidla fil-klassifikazzjoni tal-assi jew il-passivi fil-kont tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi.

Operazzjonijiet ta' dejn

20.221 L-operazzjonijiet ta' dejn jistgħu jkunu partikolarment importanti għas-settur tal-gvern ġenerali, għaliex ħafna drabi dawn iservu bħala mezz għall-gvern biex jipprovi għajna ekonomika lil unitajiet oħra. Ir-reġistrazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet hija koperta fil-Kapitolu 5. Il-prinċipju ġenerali għal kwalunkwe kanċellazzjoni jew assunzjoni ta' dejn ta' unità minn unità oħra, permezz ta' ftehim reċiproku huwa li jiġi rikonoxxut li hemm trasferiment volontarju tal-ġid bejn iż-żewġ unitajiet. Dan ifisser li t-transazzjoni kontraparti tal-passiv assunt jew tal-pretensjoni mħassra hija trasferiment ta' kapital. Minħabba li normalment ma jiġi osservat l-ebda fluss ta' flus, dan jista' jiġi karatterizzat bħala trasferiment ta' kapital in natura.

Assunzjonijiet ta' dejn, kanċellazzjoni ta' dejn u tħassir ta' dejn*Assunzjoni u kanċellazzjoni ta' dejn*

20.222 L-assunzjoni ta' dejn isseħħ meta unità tassumi responsabbiltà għall-passiv dovut ta' unità oħra lejn kreditur. Dan isseħħ frekwentament meta gvern ikun iggarantixxa d-dejn ta' unità oħra u l-garanzija tissejjaħ jew tiġi attivata.

20.223 Meta gvern jassumi dejn, it-transazzjoni kontraparti tal-passiv ġdid tal-gvern hija trasferiment ta' kapital favur id-debitur f'inadempjenza. Il-każ fejn ass finanzjarju jiġi rreġistrat bħala kontraparti għandu jiġi eżaminat bir-reqqa. Jeżistu żewġ kuntesti differenti:

- (a) ass finanzjarju reali li jkun jeżisti qabel jiġi akkwistat kontra parti terza, bħal fil-każ ta' assigurazzjoni ta' esportazzjoni garantita. Għaldaqstant, il-gvern jirreġistra, bħala t-transazzjoni kontraparti tal-passiv il-ġdid tiegħu, l-akkwist ta' ass finanzjarju ugwali għall-valur preżenti tal-ammont mistenni li jirċievi. Jekk dan l-ammont ikun ugwali għall-passiv assunt, ma huma meħtieġa l-ebda entrati oħra. Jekk l-ammont mistenni li jiġi rkuprat ikun inqas mill-passiv assunt, il-gvern jirreġistra trasferiment ta' kapital għad-differenza bejn il-passiv u l-valur tal-ass akkwistat;
- (b) il-gvern sempliċiment jirreġistra pretensjoni kontra l-korporazzjoni benefiċjarja, li f'ħafna każijiet tkun korporazzjoni pubblika li tkun qiegħda f'diffikultà. Ġeneralment, minħabba l-valur tassew ipotetiku ta' din il-pretensjoni, tali pretensjoni ma tiġix irreġistrata. Ħlasijiet mill-ġdid futuri possibbli mill-benefiċjarju jiġu rreġistrati bħala dħul mill-gvern.

- 20.224 Il-ħlasijiet ta' dejn fisem oħrajn huma simili għall-assunzjonijiet ta' dejn, iżda l-unità li tagħmel il-ħlasijiet ma tassumix id-dejn kollu. It-transazzjonijiet irreġistrati huma simili.
- 20.225 Il-kanċellazzjoni ta' dejn (jew il-maħfra ta' dejn) hija l-estinzjoni jew it-tnaqqis ta' pretensjoni permezz ta' ftehim bejn il-kreditur u d-debitur. Il-kreditur jirreġistra trasferiment ta' kapital pagabbli għall-ammont ikkanċellat u l-unità l-oħra tirreġistra trasferiment ta' kapital riċevibbli. Ħafna drabi huwa preżunt li jsir ftehim reċiproku għalkemm dan mhux stabbilit formalment fil-każ li l-gvern iċedi l-pretensjonijiet, bħal fil-każ ta' self lill-istudenti u self lill-bdiewa.
- 20.226 L-assunzjonijiet u l-kanċellazzjonijiet ta' dejn li tibbenfika minnhom entità kkontrollata jirriżultaw f'żieda fil-valur tal-ekwiżità fl-unità li jkun qed isir investiment fiha, li hija riflessa fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni. Jekk id-dejn tal-gvern jiġi assunt minn gvern ieħor, huwa jirreġistra dħul mit-trasferiment ta' kapital, dejn ġdid lill-unità tal-gvern li qed tagħmel l-assunzjoni, jew it-tnejn.
- 20.227 L-assunzjonijiet u l-kanċellazzjonijiet ta' dejn li jitwettqu fil-kuntest tal-privatizzazzjoni jiġu rreġistrati bħala transazzjonijiet f'ekwiżità għall-ammont li ma jaqbiżx ir-rikavati mill-privatizzazzjoni, filwaqt li l-bqija huwa trasferiment ta' kapital, sabiex tiġi żgurata n-newtralità tal-kontabbiltà tal-mod kif titmexxa l-privatizzazzjoni. Il-privatizzazzjoni għandha titwettaq fi żmien sena.
- 20.228 Meta gvernijiet debituri joffru li jħallsu lura d-dejn b'antiċipazzjoni, għal valur taħt il-valur tal-kapital li jinkludi l-imgħax b'lura, l-avveniment iwassal għal entrata fil-kont kapitali b'impatt fuq is-self nett /it-teħid ta' self nett tal-gvern, billi hija preżunta għotja mill-kreditur. Meta ħlas lura bikri jwassal għall-ħlas ta' penali jew imposta lil min sellef kif previst fil-kuntratt, l-ammont għandu jiġi rreġistrat bħala introjtu ta' min sellef. Fil-każ tat-titoli, xiri lura fuq is-suq iwassal għal entrata fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni, dment li l-ħlas lura bikri ma jkunx imponut fuq id-detentur tat-titoli.
- 20.229 Id-differenza fil-valur fil-każ ta' bejgħ lil terza parti tal-pretensjonijiet tal-gvern kontra gvernijiet oħra twassal għal entrata ta' trasferiment ta' kapital fil-kontijiet kapitali, b'impatt fuq id-defiċit tal-gvern, għaliex in-natura tal-pretensjoni timplika intenzjoni oriġinali li jingħata benefiċċju, u l-bejgħ huwa mod kif jitmexxa r-ristrutturar tad-dejn.
- 20.230 Bħala riżultat, l-infiq fi trasferiment ta' kapital tal-gvern huwa dħul tad-debitur, f'rikonossiment tal-fatt li huwa l-benefiċjarju ġenwin tat-transazzjoni, b'entrata fil-kont tal-bqija tad-dinja li taqbel mal-infiq tal-gvern kreditur. Għall-bejgiegħ, il-valur tat-transazzjoni tal-pretensjoni disponuta huwa l-valur tal-kapital. Il-valur tal-pretensjoni jidħol fil-kontijiet ġodda tal-kreditur kif ukoll tad-debitur, jiġifieri, rispettivament, fil-karta tal-bilanċ tal-bank u l-kontijiet ROW — għall-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali, bil-valur imnaqqas tiegħu.
- 20.231 F'każijiet aktar rari, meta l-iskont negozjat mat-terza parti jew ma' debitur li joffri li jixtri lura d-dejn tagħha jirrifletti biss bidliet fir-rati tal-imgħax tas-suq, u mhux bidla fl-affidabilità tal-kreditu, il-kreditur gvern jista' jiġi preżunt li jaġixxi bħala investitur normali. Id-differenza, nett ta' kwalunkwe penali jew tariffa, tiddaħħal fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni. Test wieħed huwa jekk l-ammont imħallas lura setgħax qabeż il-valur tal-kapital.

Assunzjoni ta' dejn li tinvolvi trasferiment ta' assi mhux finanzjarji

- 20.232 Jekk gvern irid jirrilaxxa l-piż tad-dejn ta' korporazzjoni pubblika, jista' wkoll, flimkien mad-dejn assunt minn unità tal-gvern, jakkwista assi mhux finanzjarji bħall-infrastruttura tat-trasport pubbliku. Din l-assunzjoni ta' dejn li tinvolvi trasferiment ta' assi mhux finanzjarji lill-unità tal-gvern hija meqjusa li ssir permezz ta' ftehim reċiproku, u għandha eżattament l-istess impatt bħal assunzjoni ta' dejn fuq l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett tal-gvern: l-ammont tat-trasferiment ta' kapital li għandu jiġi rreġistrat favur il-korporazzjoni huwa uguali għall-ammont tad-dejn assunt. L-akkwist ta' assi mhux finanzjarji ma għandux effett negattiv fuq l-għoti ta' self nett (+)/it-teħid ta' self nett (-).

Tħassir jew deprezzament ta' dejn

- 20.233 It-tħassir ta' dejn huwa t-tnaqqis minn kreditur fil-karta tal-bilanċ tal-ammont dovut lilu, normalment meta kreditur jikkonkludi li obbligu ta' dejn ma għandux valur jew għandu fitt valur, għaliex id-dejn ma jkunx ser jitħallas; id-debitur ikun fallut, sparixxa jew ma jkunx jista' jiġi mfittex realistikament għall-irkupru b'mod li jiġġustifika id-diversi spejjeż li twettqu. Id-deprezzament ta' dejn jirreferi għat-tnaqqis minn kreditur fil-valur kontabbli ta' ass fil-karta tal-bilanċ tiegħu.
- 20.234 Id-deprezzament u t-tħassir huma azzjonijiet ta' kontabbiltà interni mill-kreditur u għalhekk ħafna drabi mhumiex rikonossuti bħala transazzjonijiet, għaliex ma jitwettqu permezz ta' ftehim reċiproku. Madankollu, jiġri li d-deprezzament u t-tħassir ma jammontawx għal annullament tal-pretensjoni fuq id-debitur u bħala konsegwenza huwa komuni li jkun hemm treġġiġh lura tad-deprezzament u b'mod inqas frekwenti tat-tħassir.

20.235 Id-deprezzament ta' dejn ma jwassalx għal entrati fil-karta tal-bilanċ tal-kreditur għaliex il-valur kontabbli tad-dejn diġà jirrifletti l-valur tas-suq tal-istrument jew huwa ekwivalenti għall-valur nominali fil-każ ta' self, dment li l-valur tas-suq ma jiġix irrappreżentat mill-valur deprezzat tal-kotba (fil-każ fejn id-deprezzament jidħol fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni). B'kuntrast, it-tħassir ta' dejn iwassal għat-tneħħija tal-ass mill-karta tal-bilanċ tal-kreditur permezz ta' bidla oħra fil-volum għall-ammont li joħroġ — il-valur tal-kapital għas-self, il-valur tas-suq għat-titoli, dment li t-tħassir ma jirriflettix avveniment ta' kanċellazzjoni ta' dejn. Għaldaqstant, b'differenza mill-assunzjoni ta' dejn jew il-kanċellazzjoni ta' dejn, it-tħassir u d-deprezzament ta' dejn ma jħallux impatt fuq l-għoti ta' self/teħid ta' self nett tal-gvern.

Ristrutturar ieħor tad-dejn

20.236 Ir-ristrutturar tad-dejn huwa ftehim biex it-termini u l-kondizzjonijiet għall-ħlas tal-imgħax ta' dejn eżistenti jinbidlu, normalment b'termini aktar favorevoli għad-debitur. L-istrument tad-dejn li qed jiġi ristrutturat huwa kkuensidrat bħala mitmum u sostitwit minn strument ta' dejn ġdid bit-termini u l-kondizzjonijiet il-ġodda. Jekk ikun hemm differenza fil-valur bejn l-istrument tad-dejn mitmum u l-istrument tad-dejn il-ġdid, din tkun tip ta' kanċellazzjoni ta' dejn u jkun meħtieġ trasferiment ta' kapital biex jingħata kont tad-differenza.

20.237 Swap ta' dejn għal ekwità jseħħ meta kreditur jaqbel li jissostitwixxi d-dejn dovut lilu b'titolu ta' ekwità. Pereżempju, il-gvern jista' jaqbel ma' intrapriża pubblika tiegħu li jaċċetta żieda fis-sehem tal-ekwità tal-gvern fl-intrapriża pubblika minflok self eżistenti. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-avveniment għandu jkun soġġett għat-test tal-injezzjoni ta' kapital. Kwalunkwe differenza fil-valur tal-istrument tad-dejn li jintemm u tal-ekwità li tiġi rikonoxxuta hija trasferiment ta' kapital b'entrata rreġistrata fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni.

20.238 L-arretrati tad-dejn iseħħu meta debitor jonqos milli jħallas l-imgħax jew il-kapital. L-istrument tad-dejn normalment ma jinbidilx, iżda li wieħed ikun jaf l-ammont tal-arretrati tad-dejn jista' jipprovi informazzjoni importanti.

Xiri ta' dejn 'il fuq mill-valur tas-suq

20.239 L-akkwist ta' dejn għal valur 'il fuq mill-valur tas-suq, fil-bidu jissejjaħ self konċessjonali u aktar tard jissejjaħ annullament ta' dejn. It-tnejn huma maħsuba biex jingħata benefiċċju u, għaldaqstant hija meħtieġa r-reġistrazzjoni ta' nfiq, bħal trasferiment ta' kapital.

20.240 L-annullament ta' dejn iseħħ meta debitor iqabbel l-istrumenti tad-dejn ma' assi finanzjarji li jiġġeneraw influssi tal-manutenzjoni tad-djun li huma ekwivalenti jew akbar. Anke meta l-istrumenti annullati jkunu ġew trasferiti lil entità separata, il-pożizzjoni gross xorta għandha tiġi rreġistrata billi jittieħed kont tal-entità l-ġdida bħala unità anċillari u din tiġi kkuensolidata mal-unità li tagħmel annullament. Jekk l-unità anċillari ma tkunx residenti, hija tiġi trattata bħala entità bi skop speċjali u t-transazzjonijiet tal-gvern ma' din l-unità għandhom jiġu trattati kif deskritt fit-Taqsima "Il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-finanzi tal-gvern".

20.241 Dejn maħruġ fuq termini konċessjonali. Ma teżisti l-ebda definizzjoni preċiża tas-self konċessjonali, iżda huwa ġeneralment aċċettat li dan iseħħ meta unitajiet tas-settur tal-gvern ġenerali jsejlfu lil unitajiet oħra b'mod li r-rata tal-imgħax kuntrattwali tiġi stabbilita intenzjonalment taħt ir-rata tal-imgħax tas-suq li kieku kienet tiġi applikata normalment. Il-livell ta' konċessjonalità jista' jittejjeb b'perijodi ta' grazzja, frekwenzi tal-ħlasijiet, u perijodu ta' maturità li huma favorevoli għad-debitur. Billi t-termini ta' self konċessjonali huma aktar favorevoli għad-debitur milli kieku jippermettu l-kondizzjonijiet tas-suq, is-self konċessjonali effettivament jinkludi trasferiment mill-kreditur lid-debitur.

20.242 Is-self konċessjonali jiġi rreġistrat bil-valur nominali tiegħu bħal self ieħor, iżda t-trasferiment ta' kapital jiġi rreġistrat bħala entrata ta' memorandum fil-punt dwar l-orijini tas-self, ugwali għad-differenza bejn il-valur tal-kuntratt tad-dejn u l-valur preżenti tiegħu bl-użu ta' rata tal-iskont tas-suq rilevanti. Ma hemm l-ebda rata unika tal-imgħax tas-suq li għandha tintuża għall-kejl tat-trasferiment ta' kapital. Ir-Rata ta' Referenza tal-Imgħax Kummerċjali ppubblikata mill-OECD tista' tkun applikabbli meta s-self jinħareġ minn wieħed mill-pajjiżi membri tagħha.

Annullamenti u Kawzjonijiet

20.243 Kawzjoni huwa terminu li jfisser salvataġġ minn diffikultà finanzjarja. Ħafna drabi jintuża meta unità tal-gvern tipprovi assistenza finanzjarja għal perijodu qasir lil korporazzjoni biex tgħinha tissupera perijodu ta' diffikultà finanzjarja jew injezzjoni aktar permanenti ta' riżorsi finanzjarji biex tgħin fir-rikapitalizzazzjoni tal-korporazzjoni. Il-kawzjonijiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji ħafna drabi jissejju annullament finanzjarju. Il-kawzjonijiet x'aktarx jinvolvu transazzjonijiet ta' darba pubbliċizzati ħafna b'valuri kbar u, għalhekk, jistgħu jiġu identifikati faċilment.

20.244 L-intervent tal-gvern ġenerali jista' jieħu diversi forom. Dawn li ġejjin huma eżempji:

(a) gvern jista' jiggarrantixxi assistenza għal ċerti passivi tal-intrapriża;

- (b) gvern jista' jipprovdi finanzjament ta' ekwità b'termini eċċezzjonalment favorevoli;
- (c) gvern jista' jixtri assi mill-intrapriża li teħtieġ assistenza għal prezzijiet ogħla mill-valur tas-suq veru tagħhom;
- (d) gvern jista' joħloq entità bi skop speċjali jew tip ieħor ta' korp pubbliku biex jifinanzja u/jew jiġġestixxi l-bejgħ tal-assi jew il-passivi tal-intrapriża li teħtieġ assistenza.

20.245 Il-garanziji tal-gvern matul kawzjoni huma trattati bħala garanziji ta' darba lil entitajiet f'diffikultà finanzjarja. Eżempju huwa meta l-entità ma tistax jew għandha diffikultajiet sostanzjali biex tissodisfa l-obbligi tagħha għaliex il-kapaċitajiet għall-ġenerazzjoni tal-flus kontanti tagħha huma limitati jew in-negozjabilità tal-assi tagħha hija limitata ħafna minħabba avvenimenti eċċezzjonali. Dan normalment iwassal għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' kapital fil-bidu, bħallikieku l-garanzija tissejjaħ, għad-dewmien sħiħ tal-garanzija mogħtija jew, fil-każ li tkun disponibbli stima affidabbli, bl-ammont tas-sejħa mistennija, li huwa t-telf mistenni tal-gvern. Ara wkoll il-paragrafu 20.256.

20.246 Jekk il-gvern jixtri l-assi mill-intrapriża li teħtieġ l-assistenza, l-ammont imħallas normalment ikun aktar mill-prezz tas-suq veru tal-assi. Ix-xiri għandu jiġi rreġistrat bil-prezz tas-suq attwali u jiġi rreġistrat trasferiment ta' kapital għad-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-ammont totali mħallas.

20.247 Matul kawzjoni, il-gvernijiet ħafna drabi jixtru s-self minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-valur nominali tagħhom minflok bil-valur tas-suq tagħhom. Anke jekk is-self jiġi rreġistrat bil-prezzijiet nominali, it-transazzjoni għandha tinqasam bir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' kapital u entrata fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni. Jekk ikun hemm informazzjoni affidabbli li xi self ikun irrekuperabbli, kompletament jew għal kważi l-ammont totali tiegħu, jew jekk ma jkunx hemm informazzjoni affidabbli dwar it-telf mistenni, dan is-self jitqies b'valur żero u jiġi rreġistrat trasferiment ta' kapital għall-valur nominali preċedenti tiegħu.

20.248 Jekk unità istituzzjonali pubblika tinħoloq mill-gvern bl-uniku komputu tagħha li tassumi l-ġestjoni tal-kawzjoni, l-unità għandha tiġi klassifikata fis-settur tal-gvern ġenerali. Jekk l-unità l-għdida hija maħsuba li tkun negozju attiv bil-kawzjoni bħala komputu temporanju, il-klassifikazzjoni tagħha bħala unità tal-gvern jew korporazzjoni pubblika ssir skont ir-regoli ġenerali kif deskritt fit-taqsimha dwar l-aġenziji ta' ristrutturar hawn fuq. L-unitajiet li jixtru assi finanzjarji minn korporazzjonijiet b'diffikultà finanzjarja bil-għan li jbigħuhom b'mod ordnat, ma jistgħux jitqiesu bħala intermedjarji finanzjarji għaliex dawn ma jpoġġux ruħhom friskju. Huma jiġu klassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali.

Garanziji tad-dejn

20.249 Il-garanzija tad-dejn hija arranġament li fih il-garanti jaqbel li jħallas kreditur jekk id-debitur jonqos. Għall-gvern ġenerali, l-għoti ta' garanzija huwa mod kif jappoġġa l-attivitajiet ekonomiċi mingħajr il-ħtieġa għal inġinier immedjat ta' flus kontanti. Il-garanziji għandhom impatt sinifikanti fuq l-imġiba tal-aġenti ekonomiċi billi jimmodifikaw il-kondizzjonijiet tal-għoti tas-self u t-teħid tas-self fis-swieq finanzjarji.

20.250 Għal kull garanzija, hemm tliet partijiet involuti: min isellef, id-debitur, u l-garanti. Oriġinarjament, l-istokks u l-flussi tar-relazzjoni tal-kreditu huma rreġistrati bejn min isellef u d-debitur, filwaqt li wara s-sejħa, l-istokks u l-flussi relatati mar-relazzjoni ta' garanzija huma rreġistrati bejn min isellef u l-garanti. Għalhekk, l-attivazzjoni tal-garanziji tinvolvi r-reġistrazzjoni tal-flussi u l-bidliet fil-karti tal-bilanċ tad-debitur, tal-kreditur, u tal-garanti.

20.251 Hemm tliet tipi ewlenin ta' garanziji:

- (i) Garanziji li jissodisfaw id-definizzjoni ta' derivattivi finanzjarji;
- (ii) Garanziji standardizzati; u
- (iii) Garanziji ta' darba.

Garanziji tat-tip derivattiv

20.252 Il-garanziji li jissodisfaw id-definizzjoni ta' derivattivi finanzjarji huma dawk li huma kummerċjati attivament fis-swieq finanzjarji, bħal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu. Id-derivattivi jiġi ibbażat fuq ir-riskju tal-inadempjenza ta' strument ta' referenza u ġeneralment ma jkunx verament konness ma' self jew bond individwali.

- 20.253 Meta tiġi inizjata garanzija bħal din, ix-xerref iħallas lill-istituzzjoni finanzjarja li toħloq id-derivattiv. Din tiġi rreġistrata bħala transazzjoni f'derivattivi finanzjarji. Il-bidliet fil-valur tad-derivattiv huma rreġistrati bħala rivalutazzjonijiet. Jekk l-istrument ta' referenza jkun f'inaċċipjenza, il-garanti jħallas lix-xerref għat-telf teoretiku tiegħu fuq il-bond ta' referenza. Dan jiġi rreġistrat ukoll bħala transazzjoni f'derivattivi finanzjarji.

Garanziji standardizzati

- 20.254 Il-garanziji standardizzati jkopru tipi simili ta' riskju ta' kreditu għal għadd kbir ta' każijiet. Mhuwiex possibbli li tingħata stima preċiża tar-riskju ta' self f'inaċċipjenza iżda huwa possibbli li jiġi stmat kemm, minn għadd kbir ta' self bħal dan, ikunu f'inaċċipjenza. It-ttrattament ta' garanziji standardizzati huwa spjegat fil-Kapitolu 5.

Garanziji ta' darba

- 20.255 Il-garanziji ta' darba jeżistu fejn il-kondizzjonijiet tas-self jew is-sigurtà jkunu tant partikolari li ma jkunx possibbli li l-livell ta' riskju assoċjat mas-self jiġi kkalkolat bi kwalunkwe livell ta' preċiżjoni. Ġeneralment, l-għoti ta' garanzija ta' darba jitqies bħala kontinġenza u mhuwiex irreġistrat bħala ass/passiv finanzjarju fil-karta tal-bilanċ tal-garanti.
- 20.256 F'każijiet eċċezzjonali, ċerti garanziji ta' darba mogħtija mill-gvernijiet lil korporazzjonijiet f'ċerti sitwazzjonijiet ta' diffikultà finanzjarja definiti sew (pereżempju meta l-korporazzjoni għandha fondi proprji negattivi), li jimplika probabbiltà għolja ħafna ta' sejħa, jiġu trattati bħallikieku tali garanziji ssejħu mill-bidu (ara wkoll il-paragrafu 20.245).
- 20.257 L-attivazzjoni ta' garanzija ta' darba tiġi trattata bl-istess mod bħal assunzjoni ta' dejn. Id-dejn oriġinali jiġi likwidat u jinħoloq dejn ġdid bejn il-garanti u l-kreditur. L-assunzjoni ta' dejn timplika r-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' kapital favur id-debitur f'inaċċipjenza. It-trasferiment ta' kapital jiġi kkumpensat bi transazzjoni finanzjarja, billi l-passiv finanzjarju jiġi trasferit mill-korporazzjoni għall-gvern.
- 20.258 L-attivazzjoni ta' garanzija tista' teħtieġ jew tista' ma tkunx teħtieġ ħlas lura tad-dejn minnufih. Il-prinċipju tad-dovuti għaż-żmien tar-reġistrazzjoni jissuġġerixxi li l-ammont totali tad-dejn assunt għandu jiġi rreġistrat fiż-żmien meta l-garanzija tiġi attivata u d-dejn assunt. Il-garanti jsir id-debitur il-ġdid, u l-ħlasijiet lura tal-kapital mill-garanti u l-imgħax dovut fuq id-dejn assunt għandhom jiġu rreġistrati meta dawn il-flussi jseħħu. Għaldaqstant, meta s-sejħiet tal-garanziji jinvolvu biss il-ħlas tal-manutenzjoni tad-djun dovut fuq id-dejn matul il-perijodu bażi tal-kontijiet, bħal fil-każ ta' sejħiet għal flus kontanti, jiġi rreġistrat trasferiment ta' kapital għall-ammonti mħallsa. Madankollu, meta tiġi osservata tendenza ta' sejħiet parzjali bħal tliet darbiet wara xulxin, u jkunu mistennija jkomplu, tiġi rreġistrata assunzjoni ta' dejn.
- 20.259 Meta d-debitur oriġinali jħallas lura lill-garanti waqt li jkun ġie rreġistrat inċi fuq is-sejħiet ta' garanzija fil-passat, jiġi rreġistrat dħul mill-garanti. Madankollu, dan id-dħul għandu jiġi ttestjat bit-test ta' superdividend meta d-debitur ikun ikkontrollat mill-garanti; kwalunkwe eċċess tar-rifużjoni fuq introjtu intraprenditorjali jiġi rreġistrat bħala ritirar ta' ekwità.

Titolizzazzjoni

Definizzjoni

- 20.260 It-titolizzazzjoni tikkonsisti mill-ħruġ ta' titoli abbażi tal-flussi ta' flus kontanti li mistennija jiġu ġġenerati mill-assi, jew minn flussi oħra ta' introjtu. It-titoli li jiddependu fuq il-flussi ta' flus kontanti mill-assi jissejħu "titoli sostnuti minn assi" (ABS).
- 20.261 Fit-titolizzazzjoni, l-oriġinatur jittrasferixxi d-drittijiet tas-sjieda fuq l-assi, jew id-drittijiet li jirċievi flussi futuri speċifiċi, lil unità tat-titolizzazzjoni, li min-naħa tagħha tħallsu ammont mis-sors ta' finanzjament proprju tagħha. Unità tat-titolizzazzjoni bħal din ħafna drabi tkun magħrufa bħala entità bi skop speċjali. L-unità tat-titolizzazzjoni tikseb il-finanzjament proprju tagħha bil-ħruġ ta' titoli bl-użu tal-assi jew id-drittijiet għal flussi futuri trasferiti mill-oriġinatur bħala kollateral. Il-kwistjoni ewlenija fir-reġistrazzjoni tal-ħlas mill-unità tat-titolizzazzjoni lill-oriġinatur hija biex jiġi ddeterminat jekk it-trasferiment tal-ass huwiex bejgħ ta' ass eżistenti lill-unità tat-titolizzazzjoni, jew mod ta' teħid ta' self bl-użu ta' flussi futuri ta' dħul bħala kollateral.

Kriterji għar-rikonoxximent ta' bejgħ

- 20.262 Sabiex it-titolizzazzjoni tiġi trattata bħala bejgħ, ass li jista' jiġi kkummerċjalizzat għandu jeżisti fil-karta tal-bilanċ tal-gvern u għandu jkun hemm bidla sħiħa tas-sjieda għall-unità tat-titolizzazzjoni kif evidenzjat bit-trasferiment tar-riskju u l-kumpensi konnessi mal-ass.
- 20.263 Għaldaqstant, it-titolizzazzjoni tal-flussi ta' dħul futuri li mhumiex rikonoxxuti bħala r-redditu ta' assi ekonomiċi, bħad-drittijiet futuri fuq is-sjieda ta' żejt, hija teħid ta' self mill-oriġinatur.

- 20.264 Meta t-titolizzazzjoni tinvolvi flussi assoċjati ma' ass finanzjarju jew mhux finanzjarju, ir-riskji u l-kumpensi assoċjati mas-sjieda tal-assi għandhom jiġu trasferiti sabiex jiġi rreġistrat bejgħ.
- 20.265 Jekk il-gvern iżomm interess benefiċjali fit-titolizzazzjoni, permezz taż-żamma ta' prezz tax-xiri diferit, li huwa d-dritt għal flussi żejda 'l fuq mill-valur tat-titolizzazzjoni oriġinali, jew id-dritt għas-sjieda tal-aħħar segment maħruġ mill-unità tat-titolizzazzjoni, jew permezz ta' mezzi oħra, l-ebda bejgħ ma jkun seħħ, u l-avveniment ikun teħid ta' self mill-oriġinatur.
- 20.266 Jekk il-gvern, bħala oriġinatur, jigarantixxi l-ħlas lura ta' kwalunkwe dejn imġarrab mill-unità tat-titolizzazzjoni relatat mal-assi, ir-riskji assoċjati mal-ass ma jkunux ġew trasferiti. L-ebda bejgħ ma jkun seħħ u l-avveniment ikun teħid ta' self mill-oriġinatur. Il-garanziji jistgħu jkunu f'diversi forom bħal kuntratti ta' assigurazzjoni, derivattivi, jew klawżoli tas-sostituzzjoni ta' assi.
- 20.267 Jekk jiġi determinat li l-kuntratt tat-titolizzazzjoni jinvolvi l-bejgħ veru ta' ass kummerċjabbli, il-klassifikazzjoni fis-settur tal-unità tat-titolizzazzjoni għandha tiġi eżaminata. Fit-Taqsima "Definizzjoni tas-settur tal-gvern ġenerali" hemm imniżżlin il-kriterji biex jiġi stabbilit jekk l-unità tat-titolizzazzjoni hijiex unità istituzzjonali u jekk għandhiex funzjoni ta' intermedjazzjoni finanzjarja. Jekk l-unità tat-titolizzazzjoni tiġi klassifikata fis-settur tal-gvern, it-titolizzazzjoni tkun teħid ta' self mill-gvern. Jekk l-unità tat-titolizzazzjoni tiġi klassifikata bħala intermedjarju finanzjarju ieħor (S.125), it-titolizzazzjoni tiġi rrapportata bħala bejgħ ta' assi: bl-ebda impatt dirett fuq id-dejn tal-gvern, u b'impatt fuq id-defiċit tal-gvern jekk il-flussi jiġu titolizzati fuq ass mhux finanzjarju.
- 20.268 Jekk il-gvern jipprovi ċertu kumpens, fil-forma ta' flus kontanti wara l-avveniment, jew mezzi oħra bħal garanziji, li għaldaqstant ineħħi t-trasferiment tar-riskji, titolizzazzjoni oriġinarjament meqjusa bħala bejgħ tiġi klassifikata minnufih bħala teħid ta' self, bit-transazzjonijiet li ġejjin: tiġrib ta' passiv u akkwist ta' assi b'infq fi trasferiment ta' kapital fil-każ li l-valur tal-passiv jaqbeż dak tal-ass.

Reġistrazzjoni tal-flussi

- 20.269 Meta operazzjoni ta' titolizzazzjoni tiġi rreġistrata bħala teħid ta' self, il-flussi ta' flus kontanti li jgħaddu għall-unità tat-titolizzazzjoni huma rreġistrati l-ewwel fil-kontijiet tal-gvern u fl-istess ħin bħala ħlas lura ta' dejn, kemm l-imġax kif ukoll il-kapital.
- 20.270 Meta l-flussi ta' flus kontanti jintemmu qabel l-amortizzazzjoni tad-dejn, il-bqija tal-passiv titneħħa mill-karta tal-bilanċ tal-gvern permezz ta' bidla oħra fil-volum.
- 20.271 Wara li jintemm kompletament id-dejn, kwalunkwe flussi ta' flus kontanti li jgħaddu għall-unità tat-titolizzazzjoni f' konformità mal-kuntratt tat-titolizzazzjoni jiġu rreġistrati bħala nfiq tal-oriġinatur.

Kwistjonijiet oħra

Obbligi tal-pensjoni

- 20.272 It-ttrattament tal-iskemi tal-pensjoni huwa deskritt fil-Kapitolu 17, fejn hemm inkluża tabella supplimentari fil-kontijiet nazżjonali prinċipali tas-SEK, fejn jitqiesu l-obbligi kollha tal-iskemi tal-pensjoni, inklużi obbligi tal-pensjoni li jirriżultaw mill-iskemi tas-sigurtà soċjali. Id-drittijiet għall-pensjoni ta' skemi ta' benefiċċju definiti relatati mal-impjeg mhux iffinanzjati u sponsorizzati mill-gvern għandhom jiġu rreġistrati biss f'dawk il-kontijiet supplimentari.

Ħlasijiet ta' somom f'daqqa

- 20.273 Kultant, l-unitajiet jistgħu jħallsu somom f'daqqa lill-gvern talli jieħu wħud mill-obbligi tal-pensjoni tagħhom. Transazzjonijiet kbar ta' darba bħal dawn iseħħu bejn gvern u unità oħra, normalment korporazzjoni pubblika, ħafna drabi f'konnessjoni mal-bidla fl-istatus tal-korporazzjoni, jew mal-privatizzazzjoni tagħha. Il-gvern normalment jassumi l-obbligi konċernati bħala skambju għal ħlas fi flus kontanti li jkopri d-defiċit mistenni li jirriżulta mit-trasferiment.
- 20.274 Fil-kunċett, minħabba li huwa skambju ugwali ta' flus kontanti għat-tiġrib ta' obbligu li huwa passiv, it-transazzjoni ma għandhiex taffettwa l-kejl tal-valur nett u l-valur nett finanzjarju, u ma għandhiex tbiddel l-għoti tas-self nett/it-teħid tas-self nett tal-gvern. Madankollu, l-obbligu tal-pensjoni jista' ma jidhirx bħala passiv fil-karta tal-bilanċ ta' kwalunkwe waħda mill-unitajiet li tittrasferixxi jew tassumi l-obbligi. Pereżempju, meta jiġu trasferiti lill-gvern, l-obbligi tal-pensjoni jistgħu jiġu amalgamati ma' skema tas-sigurtà soċjali li għaliha mhuwa rikonoxxut l-ebda obbligu.

20.275 F'dan il-kuntest, ħlas ta' somma f'daqqa bħal dan għandu jitqies bħala ħlas bil-quddiem ta' kontribuzzjonijiet soċjali. B'kunsiderazzjoni tad-diversi arranġamenti osservati fil-prattika u sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorzjoni fil-kalkolu ta' ċerti aggregati bħal pereżempju l-ispejjeż tax-xogħol u l-imposti obbligatorji, is-somma f'daqqa tiġi rreġistrata bħala ħlas bil-quddiem finanzjarju (F.8), jiġifieri ħlas bil-quddiem ta' trasferimenti attwali mixxellenji (D.75) li fil-futur jiġu rreġistrati b'mod proporzjonali mal-ħlasijiet tal-pensjonijiet relatati. Bħala riżultat, il-ħlas ta' somma f'daqqa ma għandux impatt fuq l-għoti ta' self nett/it-teħid ta' self nett tal-gvern ġenerali fis-sena tat-trasferiment tal-obbligi.

Shubji pubbliċi-privati

Ambitu tal-PPP

20.276 Is-shubji pubbliċi-privati (PPPs) huma kuntratti fit-tul kumplessi bejn żewġ unitajiet, li waħda minnhom normalment tkun korporazzjoni (jew grupp ta' korporazzjonijiet, privat jew pubbliku) imsejħa l-operatur jew is-sieħeb, u l-oħra normalment tkun unità tal-gvern, imsejħa l-garanti. Il-PPPs jinvolve nfiq ta' kapital sinifikanti biex jinħolqu jew jiġu rrinovati assi fissi mill-korporazzjoni, li mbagħad topera u tiġġestixxi l-assi biex tipproduċi u tagħti servizzi jew lill-unità tal-gvern jew lill-pubbliku ġenerali fisem l-unità pubblika.

20.277 Fl-aħħar tal-kuntratt, il-garanti normalment jikseb sjieda legali tal-assi fissi. L-assi fissi, f'ħafna każijiet, ikunu karatteristika ta' xi servizz pubbliku ewlieni bħal pereżempju skejjet jew universitajiet, sptarijiet u ħabsijiet. Huma jistgħu jkunu wkoll assi ta' infrastruttura għaliex ħafna mill-proġġetti l-kbar meħudin permezz tal-PPPs jinvolve l-provvista ta' trasport, komunikazzjoni, utilitajiet, jew servizzi oħra tipikament deskritti bħala servizzi ta' infrastruttura.

20.278 Deskrizzjoni ġenerali li tinkludi l-problemi ta' kontabbiltà l-aktar komuni hija diN li ġeja: Korporazzjoni taqbel li takkwista kumpless ta' assi fissi u li mbagħad tuża dawk l-assi flimkien ma' inputs ta' produzzjoni oħra biex tipproduċi servizzi. Dawk is-servizzi jistgħu jingħataw lill-gvern, jew għal użu bħala input għall-produzzjoni proprja tiegħu, bħal pereżempju fis-servizzi tal-manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur, jew għad-distribuzzjoni lill-pubbliku mingħajr ħlas, bħal pereżempju, servizzi tal-edukazzjoni, f'liema każ il-gvern jagħmel ħlasijiet perijodiċi matul il-perijodu tal-kuntratt u l-korporazzjoni tistenna li tirkupra l-ispejjeż tagħha u tiġġwadanja rata adegwata ta' redditu fuq l-investment tagħha minn dawk il-ħlasijiet.

20.279 Il-kuntratti ta' PPP skont din id-definizzjoni jinvolve li l-garanti jħallas lill-operatur tariffi ta' "disponibbiltà" jew ta' "domanda", u għaldaqstant jikkostitwixxu arranġament ta' akkwist pubbliku. B'kuntrast għall-kuntratti l-oħra ta' servizz fit-tul, jinħoloq ass dedikat. Għalhekk, kuntratt ta' PPP jimplika x-xiri mill-gvern ta' servizz prodott minn sieħeb permezz tal-ħolqien ta' ass. Jista' jkun hemm ħafna varjazzjonijiet fil-kuntratti tal-PPP li jirrigwardaw id-dispożizzjoni tal-assi fl-aħħar tal-kuntratt, l-operazzjoni u l-manutenzjoni meħtieġa tal-assi matul il-kuntratt, il-prezz, il-kwalità u l-volum tas-servizzi provduti, eċċ.

20.280 Meta l-korporazzjoni tbigħ is-servizzi direttament lill-pubbliku pereżempju permezz ta' triq b'pedaġġ, il-kuntratt jidher bħala konċessjoni aktar milli bħala PPP. Il-prezz jiġi regolat regolament mill-gvern u jiġi stabbilit f'livell li l-korporazzjoni tistenna li jkun ser jippermettilha tirkupra l-ispejjeż tagħha u tiġġwadanja rata adegwata ta' redditu fuq l-investment tagħha. Fl-aħħar tal-perijodu tal-kuntratt, il-gvern jista' jakkwista s-sjieda legali u l-kontroll operazzjonali tal-assi, possibbilment mingħajr ħlas.

20.281 Fil-kuntratt tal-PPP, il-korporazzjoni takkwista l-assi fissi u hija s-sid legali tal-assi matul il-perijodu tal-kuntratt f'xi każijiet bl-appoġġ tal-gvern. Il-kuntratt ħafna drabi jeħtieġ li l-assi jissodisfaw id-disinn, il-kwalità u l-kapaċità speċifikati mill-gvern, li jintużaw bil-mod speċifikat mill-gvern biex jipproduċu s-servizzi meħtieġa mill-kuntratt, u li jinżammu skont l-istandards definiti mill-gvern.

20.282 Barra minn hekk, l-assi tipikament għandhom hajiet ta' servizz ħafna itwal mill-perijodu tal-kuntratt sabiex il-gvern ikun jista' jikkontrolla l-assi, iġorr ir-riskji u jirċievi l-kumpensi għal porzjon kbir tal-hajiet ta' servizz tal-assi. Għalhekk, ħafna drabi jkun diffiċli biex jiġi ddeterminat jekk hijiex il-korporazzjoni jew jekk huwiex il-gvern li jgħorr il-maġġoranza tar-riskji u li jirċievi l-maġġoranza tal-kumpensi.

Sjieda ekonomika u allokkazzjoni tal-ass

20.283 Bħal bil-kuntratti tal-kera, is-sid ekonomiku tal-assi f'PPP huwa ddeterminat bil-valutazzjoni ta' liema unità għandha l-maġġoranza tar-riskju u liema unità hija mistennija tirkievi l-maġġoranza tal-kumpensi tal-assi. L-ass, u konsegwentement il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss, għandhom jiġu allokatil lil din l-unità. L-elementi ewlenin ta' riskju u kumpens li għandhom jiġu vvalutati huma:

- (a) ir-riskju tal-kostruzzjoni, li jinkludi spejjeż akbar milli ppjanat, il-possibbiltà ta' spejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn kunsinna tard, nuqqas ta' sodisfazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet jew tal-kodiċi tal-bini, u riskji ambjentali u oħra li jeħtieġu ħlasijiet lil partijiet terzi;

- (b) ir-riskju tad-disponibbiltà, li jinkludi l-possibbiltà ta' spejjeż addizzjonali bħal manutenzjoni u finanzjament, u t-tiġrib ta' penali għalix il-volum jew il-kwalità tas-servizzi ma jissodisfawx l-istandards speċifikati fil-kuntratt;
 - (c) ir-riskju tad-domanda, li jinkludi l-possibbiltà li d-domanda għas-servizzi tkun oġhla jew aktar baxxa milli mistenni;
 - (d) il-riskju tal-valur residwu u tal-iskadenza, li jinkludu r-riskju li l-ass ikun inqas mill-valur mistenni tiegħu fl-aħħar tal-kuntratt u l-livell safejn il-gvern għandu l-għażla li jakkwista l-assi;
 - (e) l-eżistenza ta' garanti li jffinanzja jew jagħti garanziji, jew ta' klawżoli ta' terminazzjoni vantaġġużi notevolment dwar l-avvenimenti ta' terminazzjoni fuq l-inizjattiva tal-operatur.
- 20.284 Ir-riskji u l-kumpensi huma tal-operatur jekk ir-riskju tal-kostruzzjoni u jew ir-riskji tad-domanda jew tad-disponibbiltà jkunu ġew trasferiti effettivament. Finanzjament maġġuri, garanziji li jkopru l-maġġoranza ta' imposti ffinanzjati, jew klawżoli ta' terminazzjoni li jipprevedu rimborż maġġuri lill-fornitur tal-finanzi favvenimenti ta' terminazzjoni fuq l-inizjattiva tal-operatur iwasslu għall-assenza ta' trasferiment effettiv ta' kwalunkwe minn dawn ir-riskji.
- 20.285 Barra minn hekk, minħabba l-ispeċifità tal-kuntratti tal-PPP, li jinvolvu assi kumplessi, u meta l-valutazzjoni tar-riskji u l-kumpensi mhijiex konklużiva, waħda mill-kwistjonijiet rilevanti hija li wieħed jara liema unità għandha influwenza deċiżiva fuq in-natura tal-ass u kif it-termini u l-kondizzjonijiet tas-servizzi prodotti bl-ass jiġu determinati, b'mod partikolari:
- (a) il-livell safejn il-gvern jiddetermina d-disinn, il-kwalità, id-daqs, u l-manutenzjoni tal-assi;
 - (b) il-livell safejn il-gvern jista' jiddetermina s-servizzi prodotti, l-unitajiet li lilhom jiġu provduti s-servizzi, u l-prezzijiet tas-servizzi prodotti.
- 20.286 Id-dispożizzjonijiet ta' kull kuntratt tal-PPP għandhom jiġu evalwati sabiex tittieħed deċiżjoni dwar liema unità hija s-sid ekonomiku. Minħabba l-kumplessità u l-varjetà tal-PPPs, il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' kull kuntratt għandhom jiġu kkunsidrati, u mbagħad jintgħażel it-trattament ta' kontabbiltà li jirrifletti bl-aħjar mod ir-relazzjonijiet ekonomiċi sottostanti.

Kwistjonijiet tal-kontabbiltà

- 20.287 Jekk il-korporazzjoni tiġi vvalutata bħala s-sid ekonomiku u jekk — kif normalment il-każ — il-gvern jikseb sjieda legali u ekonomika fl-aħħar tal-kuntratt mingħajr ħlas espliċitu, tiġi rreġistrata transazzjoni għall-akkwist tal-assi mill-gvern. Approċċ ġenerali wieħed huwa li l-gvern gradwalment jibni pretensjoni finanzjarja u l-korporazzjoni gradwalment takkumula passiv korrispondenti b'mod li l-valur tat-tnejn ikun ugwali għall-valur residwu mistenni tal-assi fl-aħħar tal-perijodu tal-kuntratt. L-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ teħtieġ li t-transazzjonijiet monetarji eżistenti jitranġaw mill-ġdid jew li jiġu kostruwiti transazzjonijiet ġodda bl-użu ta' assunzjonijiet dwar il-valuri tal-assi u r-rati tal-imgħax mistennija. Dan jimplika li l-ħlasijiet tal-PPP għandhom jittqasmu, meta l-ass tal-PPP mhuwiex fil-karta tal-bilanċ tal-gvern, f'komponent li jirrappreżenta l-akkwist ta' ass finanzjarju.
- 20.288 Approċċ alternattiv huwa li tiġi rreġistrata l-bidla tas-sjieda legali u ekonomika fl-aħħar bħala trasferiment ta' kapital in natura. L-approċċ tat-trasferiment ta' kapital ma jirriflettix ir-realtà ekonomika sottostanti wkoll, iżda l-limitazzjonijiet tad-*data*, l-inċertezza dwar il-valur residwu mistenni tal-assi, u d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li jippermettu li jiġu eżerċitati diversi għażliet minn kwalunwe parti bl-użu tal-approċċ, jagħmlu t-trasferiment ta' kapital l-għażla l-aktar prudenti.
- 20.289 Problema sinifikanti oħra tfeġġ meta l-gvern jiġi vvalutat bħala s-sid ekonomiku tal-assi iżda ma jagħmel l-ebda ħlas espliċitu fil-bidu tal-kuntratt. Għandha tiġi kostruwita transazzjoni għall-akkwist. Is-suġġeriment l-aktar komuni huwa li l-akkwist isir b'kuntratt ta' kera finanzjarju imputat minħabba s-similarità mal-kuntratti ta' kera finanzjarji reali. L-implimentazzjoni ta' dik l-għażla, madankollu, tiddependi fuq id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-kuntratt, kif jiġu interpretati, u possibbilment fatturi oħra. Pereżempju, self jista' jiġi imputat u l-ħlasijiet effettivi mill-gvern lill-korporazzjoni, jekk jeżistu, jistgħu jitranġaw mill-ġdid sabiex porzjon ta' kull ħlas jirrappreżenta l-ħlas lura tas-self. Jekk ma jkunx hemm ħlasijiet effettivi mill-gvern, jistgħu jiġu kostruwiti transazzjonijiet mhux monetarji għal ħlasijiet ta' self. Mezzi oħra ta' ħlas mill-gvern għall-ass jistgħu jkunu ħlas bil-quddiem ta' kera operattiva jekk kera operattiva tkun imputata jew ass mhux tanġibbli għad-dritt tal-korporazzjoni li taċċedi l-assi għall-produzzjoni tas-servizzi.

20.290 Problema importanti oħra tikkonċerna l-kejl tal-produzzjoni. Irrispettivament mid-deċizzjoni li tittieħed dwar liema unità hija s-sid ekonomiku tal-assi matul il-perjodu tal-kuntratt u dwar kif il-gvern eventwalment jiksibhom, għandha tingħata attenzjoni li l-produzzjoni titkejjel b'mod korrett. Għal darb'oħra, hemm għażliet u x-xewqa tagħhom tvarja skont is-sitwazzjoni eżatta u d-disponibbiltà tad-*data*. Id-diffikultà tfeġġ meta l-gvern jiġi vvalutat bħala s-sid ekonomiku tal-assi iżda l-assi jintużaw mill-korporazzjoni biex tipproduċi s-servizzi. Jixraq li l-valur tas-servizzi kapitali jintwera bħala spiża tal-produzzjoni tal-korporazzjoni, iżda dan jista' jeħtieġ l-impurtazzjoni tal-kuntratt ta' kera operattiv, li mbagħad jista' jeħtieġ riarranġament tat-transazzjonijiet attwali jew kostruzzjoni tat-transazzjonijiet mhux monetarji għall-identifikazzjoni tal-ħlasijiet tal-kera. Alternattiva hija li tintwera l-ispiża tas-servizzi kapitali fil-kont tal-produzzjoni tas-settur tal-gvern ġenerali iżda li l-output tal-gvern jiġi klassifikat bl-istess mod bħall-klassifikazzjoni tal-output tal-korporazzjoni sabiex l-output totali fl-ekonomija jiġi klassifikat b'mod korrett.

Transazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u supranazzjonali

20.291 Transazzjonijiet li jseħħu bejn unitajiet residenti u organizzazzjonijiet internazzjonali jew supranazzjonali huma klassifikati fis-settur tal-bqija tad-dinja.

20.292 Eżempju ta' transazzjonijiet bħal dawn huwa bejn residenti mhux tal-gvern u istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, fejn dawn huma kkunsidrati bħala l-partijiet prinċipali tat-transazzjoni anke jekk l-unitajiet tal-gvern ikollhom ir-rwol ta' aġent intermedjarju fid-direzzjoni tal-fondi. Ir-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet ewlenin issir direttament bejn iż-żewġ partijiet u ma għandhiex impatt fuq is-settur tal-gvern. Ir-rwol tal-gvern jiġi rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja (F.89).

20.293 Ir-reġistrazzjoni ta' transazzjonijiet speċifiċi bejn residenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea hija stabbilita hawn taħt għal diversi kategoriji:

(a) Taxxi: xi taxxi fuq il-prodotti, bħal dazji u sisa fuq l-importazzjoni, huma pagabbli lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew organizzazzjonijiet supranazzjonali oħra. Dawn jiffurmaw tliet kategoriji:

(1) dawk pagabbli direttament, bħal pereżempju fil-passat l-imposta tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar fuq it-tħaffir tal-minjieri u l-entitajiet li jipproduċu l-ħadid u l-azzar, li jiġu rreġistrati direttament;

(2) dawk li jinġabru mill-gvernijiet nazzjonali bħala aġenti f'isem l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew organizzazzjonijiet supranazzjonali oħra, iżda fejn it-taxxa titqies bħala pagabbli direttament mill-produtturi residenti. Eżempji huma l-imposti fuq prodotti agrikoli importati, l-ammonti ta' kumpens monetarju imposti fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet, l-imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor u t-taxxa fuq l-isoglukosju, it-taxxi ta' koresponsabbiltà fuq il-ħalib u ċ-ċereali, u d-dazji doganali imposti abbażi tat-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej. Dawn huma rreġistrati direttament mill-produtturi lill-organizzazzjoni supranazzjonali, bir-rwol tal-gvern bħala intermedjarju rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja;

(3) ir-riċevibbli tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud f'kull Stat Membru. Dawn huma rreġistrati bħala riċevibbli mill-gvernijiet nazzjonali, bl-ammonti li l-Istati Membri jipprovdu lill-Unjoni Ewropea rreġistrati bħala trasferiment attwali (D.76). Iż-żmien tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment mill-gvern huwa meta jkollu jitħallas.

(b) Sussidji: kwalunkwe sussidju pagabbli direttament minn organizzazzjonijiet supranazzjonali lil produtturi residenti huwa rreġistrat bħala pagabbli direttament mill-organizzazzjoni supranazzjonali minflok mill-unità tal-gvern residenti. Is-sussidji pagabbli lil produtturi residenti u ddiriguti permezz ta' unitajiet tal-gvern bħala intermedjarji huma rreġistrati b'mod simili direttament bejn il-partijiet prinċipali, iżda joħlqu wkoll entrati f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (F.89) fil-kontijiet finanzjarji tal-gvern.

(c) Trasferimenti attwali mixxellenji: il-kontribuzzjonijiet lill-baġit tal-Unjoni Ewropea mill-Istati Membri għat-tielet u r-raba' tipi ta' ħlas imfassla biex jagħtu lill-Unjoni Ewropea r-riżorsi proprji tagħha. It-tielet riżorsa hija kkalkolata bl-applikazzjoni ta' rata fissa għall-baġit tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' kull Stat Membru. Ir-raba' riżorsa hija bbażata fuq id-dħul nazzjonali gross ta' kull Stat Membru. Tali ħlasijiet huma kkunsidrati bħala trasferimenti obligatorji mill-gvernijiet lill-Unjoni Ewropea. Dawn huma klassifikati bħala trasferimenti attwali mixxellenji u rreġistrati meta jkollhom jithallasu.

(d) Kooperazzjoni internazzjonali attwali: il-parti l-kbira tat-trasferimenti attwali l-oħra, fi flus kontanti jew in natura, bejn unitajiet tal-gvern u mhux residenti, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, huma klassifikati bħala kooperazzjoni internazzjonali attwali. Dan jinkludi għajna attwali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, pagi pagabbli lill-għallima, konsulenti u aġenti oħra tal-gvern f'attivitajiet barra mill-pajjiż eċċ. Karatteristika waħda tal-kooperazzjoni internazzjonali attwali hija li din tikkonsisti minn trasferimenti li jsiru fuq bażi volontarja.

- (e) Trasferimenti ta' kapital: għotjiet ta' investment, fi flus kontanti jew in natura, u trasferimenti oħra ta' kapital, b'mod speċjali għalix it-transazzjoni kontraparti tal-kanċellazzjoni ta' dejn jew tal-assunzjoni ta' dejn, tista' tkun pagabbli jew riċevibbli minn organizzazzjoni internazzjonali jew supranazzjonali.
- (f) Transazzjonijiet finanzjarji: xi transazzjonijiet finanzjarji, normalment is-self, jistgħu jiġu rreġistrati meta jingħataw minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal pereżempju l-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali. L-investimenti tal-gvern fil-kapital ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u supranazzjonali minbarra l-Fond Monetarju Internazzjonali huma klassifikati bħala ekwità oħra (F.519), dment li ma jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' ħlas lura, f'liema każ jiġu klassifikati bħala kooperazzjoni internazzjonali attwali.
- 20.294 L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jagħmlu trasferimenti attwali u ta' kapital sinifikanti permezz tal-Fondi Strutturali bħall-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni. Il-benefiċjarji finali ta' dawn it-trasferimenti jistgħu jkunu unitajiet tal-gvern jew mhux tal-gvern.
- 20.295 L-għotjiet imħallsa mill-Fondi Strutturali spiss jinvolvu kofinanzjament, fejn l-Unjoni Ewropea tiffinanzja b'mod konġunt investment li jsir mill-gvern. Jista' jkun hemm taħlita ta' ħlasijiet bil-quddiem, ħlasijiet interim u finali, li jistgħu jiġu direġuti permezz ta' minn tal-inqas unità waħda tal-gvern. L-unitajiet tal-gvern residenti jistgħu jagħmlu wkoll ħlasijiet bil-quddiem tad-dħul mistenni mill-Unjoni Ewropea.
- 20.296 Meta l-unitajiet mhux tal-gvern ikunu l-benefiċjarji, kwalunkwe ħlas li jsir mill-gvern bil-quddiem tad-dħul ta' flus kontanti tal-Unjoni Ewropea huma rreġistrati bħala transazzjonijiet finanzjarji f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli. Il-kontraparti tat-transazzjoni finanzjarja hija l-Unjoni Ewropea jekk il-punt tad-dovuti tat-transazzjoni mhux finanzjarja jkun seħħ, inkella hija l-benefiċjarja. Il-pożizzjonijiet tal-kontijiet riċevibbli/pagabbli jirrilaxxaw meta jitħallsu l-flus kontanti.
- 20.297 Iż-żmien tar-reġistrazzjoni tat-trasferimenti tal-infiq tal-gvern kofinanzjat huwa ż-żmien meta tingħata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea.
- 20.298 Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-ħlas bil-quddiem tal-gvern jaqbeż l-ammont permissibbli malli dan jiġi ddeterminat mill-proċess tal-awtorizzazzjoni. Jekk il-benefiċjarju jkun f'pożizzjoni li jħallas lura l-eċċess, dan jirrilaxxa l-kontijiet oħra pagabbli li jkollu mal-gvern. Jekk il-benefiċjarju ma jistax iħallas lura, allura jiġi rreġistrat trasferiment ta' kapital mill-gvern li jħassar il-kontijiet oħra pagabbli.
- 20.299 Meta l-unitajiet tal-gvern ikunu l-benefiċjarji, id-dħul tal-gvern jitmexxa 'l quddiem biex jaqbel maż-żmien tal-infiq li jitbiegħed mir-regoli ġenerali dwar iż-żmien tar-reġistrazzjoni għal trasferimenti bħal dawn. Jekk ikun hemm distakk konsiderevoli ta' żmien bejn l-infiq tal-gvern u d-dħul tal-flus kontanti, allura d-dħul jista' jiġi rreġistrat meta l-pretensjoni tiġi preżentata lill-Unjoni Ewropea; dan japplika biss meta: ma tkunx disponibbli informazzjoni affidabbli dwar iż-żmien tal-infiq; jew l-ammonti jkunu kbar; jew id-distakk ta' żmien bejn l-infiq u l-preżentazzjoni tal-pretensjoni jkun żgħir.
- 20.300 Il-ħlasijiet bil-quddiem kollha mill-Unjoni Ewropea lill-unitajiet tal-gvern bħala benefiċjarji finali fil-bidu tal-programm pluriennali huma rreġistrati bħala ħlasijiet finanzjarji bil-quddiem.

Assistenza għall-iżvilupp

- 20.301 Il-gvernijiet jipprovdu assistenza lil pajjiżi oħra billi jselfu fondi b'rata tal-imgħax li tkun intenzjonalment inqas mir-rata tal-imgħax tas-suq għal self b'riskju komparabbli (self konċessjonali kif deskritt fit-Taqsima "Kwistjonijiet ta' kontabbiltà relatati mal-gvern ġenerali" "Operazzjonijiet ta' dejn"), jew għotjiet fi flus kontanti u in natura.
- 20.302 Ir-reġistrazzjoni tal-assistenza internazzjonali permezz ta' għotjiet in natura, bħal kunsinji ta' ħażniet tal-ikel, ħafna drabi toħloq diffikultà. Il-prezzijiet tal-oġġetti jew is-servizzi li jiġu kunsinjati in natura, bħall-ħażniet tal-ikel, fil-pajjiż li qed jirċievi jistgħu jkunu differenti sew mill-prezzijiet fil-pajjiż donatur. Bħala prinċipju ġenerali, il-valur tad-donazzjoni lir-riċevitur għandu jitqies bħala ugwali għall-ispiża tal-provvista ta' assistenza lir-riċevitur. Minn dan isegwi li l-prezzijiet tal-pajjiż donatur għandhom jintużaw bħala bażi għall-kalkolu tal-valur tad-donazzjoni. Minbarra l-oġġetti jew is-servizzi fihom infushom, għandhom jiġu inklużi l-ispejjeż supplimentari kollha identifikabbli mal-kunsinna tal-oġġetti jew is-servizzi, bħat-trasport lill-pajjiż barrani, il-kunsinna fi ħdan il-pajjiż, il-kumpens tal-impjegati tal-gvern tal-pajjiż donatur li jħejju l-vjeġġi jew jissorveljaw il-kunsinna tagħhom, l-assigurazzjoni, eċċ.

IS-SETTUR PUBBLIKU

20.303 Is-settur pubbliku jikkonsisti mill-gvern ġenerali u l-korporazzjonijiet pubbliċi. L-elementi li jikkomponu s-settur pubbliku huma diġà preżenti fl-istruttura tas-settur prinċipali tas-sistema u jistgħu jitranġaw mill-ġdid għall-kompilazzjoni tal-kontijiet tas-settur pubbliku. Dan isir billi s-sotto-setturi tas-settur tal-gvern ġenerali u s-sotto-setturi pubbliċi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u finanzjarji jitpoġġew flimkien.

Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Korporazzjonijiet finanzjarji	Gvern ġenerali	NPISHs	Unitajiet domestiċi
Pubbliċi	Pubbliċi	Pubbliċi	Privati	Privati
Privati	Privati			

20.304 Il-korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi jistgħu jinqasmu ulterjorament fil-bank ċentrali, u korporazzjonijiet pubbliċi oħra, li jistgħu jiġu sottodiviżi ulterjorament fis-sotto-setturi tal-korporazzjonijiet finanzjarji kif adatt.

Tabella 20.2 — Is-settur pubbliku u s-sotto-setturi tiegħu

Gvern Ġenerali				Korporazzjonijiet pubbliċi		
Gvern ċentrali	Gvern statali	Gvern lokali	Sigurtà soċjali	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji pubbliċi	Korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi	
					Bank ċentrali	Korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħra

20.305 Il-kontijiet tas-settur pubbliku jistgħu jiġi kostruwiti skont il-qafas u s-sekwenza tal-kontijiet tas-SEK, u fil-prinċipju kemm il-verżjonijiet ikkonsolidati kif ukoll dawk mhux ikkonsolidati huma utli analitikament. Il-preżentazzjonijiet alternattivi, bħall-ekwivalenti kkonsolidati u mhux ikkonsolidati tal-preżentazzjoni tal-Ististika tal-Finanzi tal-Gvern deskritti qabel f'dan il-kapitolu, huma utli wkoll.

20.306 L-unitajiet istituzzjonali kollha inklużi fis-settur pubbliku huma unitajiet residenti kkontrollati mill-gvern, direttament jew indirettament mill-unitajiet tas-settur pubbliku aggregati. Il-kontroll fuq entità hu definit bħala l-kapaċità għad-determinazzjoni tal-politika ġenerali tal-entità. Dan huwa deskritt f'aktar dettall hawn taħt.

20.307 Id-distinzjoni bejn unità tas-settur pubbliku li hi parti tal-gvern ġenerali jew korporazzjoni pubblika hija ddeterminata bit-test tas-suq/mhux tas-suq, kif deskritt fil-Kapitolu 3 u hawn fuq. L-unitajiet tas-settur pubbliku mhux tas-suq huma klassifikati fil-gvern ġenerali u l-unitajiet tas-settur pubbliku tas-suq huma klassifikati bħala korporazzjonijiet pubbliċi. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali hija ċerti istituzzjonijiet finanzjarji li jissorveljaw jew iservu s-settur finanzjarju, li huma klassifikati bħala korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi irrispettivament minn jekk humiex tas-suq jew mhux tas-suq.

20.308 Il-forma legali ta' korp mhijiex gwida għall-klassifikazzjoni tas-settur tiegħu. Pereżempju, ċerti korporazzjonijiet tas-settur pubbliku kostitwiti legalment jistgħu jkunu unitajiet mhux tas-suq u għalhekk klassifikati taħt il-gvern ġenerali minflok bħala korporazzjonijiet pubbliċi.

Kontroll tas-settur pubbliku

20.309 Il-kontroll ta' unità tas-settur pubbliku residenti huwa definit bħala l-kapaċità għad-determinazzjoni tal-politika ġenerali tal-unità. Dan jista' jseħħ permezz tad-drittijiet diretti ta' unità unika tas-settur pubbliku jew id-drittijiet kollettivi ta' ħafna unitajiet. L-indikaturi ta' kontroll li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati:

- (a) drittijiet ta' ħatra, veto jew tneħħija ta' maġġoranza tal-uffiċjali, il-bord tad-diretturi, eċċ. Id-drittijiet ta' ħatra, tneħħija, approvazzjoni jew veto ta' maġġoranza tal-bord ta' tmexxija tal-entità huma biżżejjed għad-determinazzjoni tal-kontroll. Tali drittijiet jistgħu jinżammu direttament minn unità waħda tas-settur pubbliku, jew indirettament mill-unitajiet aggregati tas-settur pubbliku. Jekk l-ewwel sett ta' ħatriet huwa kkontrollat mis-settur pubbliku iżda sostituzzjonijiet sussegwenti mhumiex soġġetti għal dawn il-kontrolli, allura l-entità tibqa' fis-settur pubbliku sakemm il-maġġoranza tad-diretturi ma jkunux ħatriet ikkontrollati;

- (b) drittijiet ta' ħatra, veto jew tneħħija ta' personal prinċipali. Jekk il-kontroll tal-politika ġenerali huwa ddeterminat effettivament minn membri influwenti tal-bord, bħall-kap eżekuttiv, il-president u d-direttur tal-finanzi, allura s-setgħat ta' ħatra, veto jew tneħħija ta' dan il-personal jingħataw aktar prominenza;
- (c) drittijiet ta' ħatra, veto jew tneħħija ta' maġġoranza tal-ħatriet għal kumitati prinċipali tal-entità. Jekk il-fatturi prinċipali tal-politika ġenerali, bħar-remunerazzjoni tas-salarji ta' personal għoli u l-istrategġija tan-negożju, huma delegati lis-sottokumitati, allura d-drittijiet ta' ħatra, tneħħija jew veto tad-diretturi fuq dawn is-sottokumitati huwa determinant tal-kontroll;
- (d) sjieda tal-maġġornaza tal-interess tal-vot. Dan normalment jiddetermina l-kontroll meta d-deċiżjonijiet isiru fuq bażi ta' vot wieħed għal sehem wieħed. L-ishma jistgħu jinżammu direttament jew indirettament, mal-ishma fil-pussess tal-unitajiet aggregati kollha tas-settur pubbliku. Jekk id-deċiżjonijiet ma jsirux fuq bażi ta' vot wieħed għal sehem wieħed, is-sitwazzjoni għandha tiġi analizzata sabiex wieħed jara jekk is-settur pubbliku għandux vot ta' maġġoranza;
- (e) drittijiet taħt ishma u għażliet speċjali. Dawn l-ishma tad-deheb jew speċjali xi darba kienu komuni fil-korporazzjonijiet privatizzati u jinsabu wkoll f'ċerti entitajiet bi skop speċjali. Fxi każijiet huma jagħtu lill-entitajiet tas-settur pubbliku xi drittijiet residwi għall-protezzjoni tal-interessi; tali drittijiet jistgħu jkunu permanenti jew limitati biż-żmien. L-eżistenza ta' ishma bħal dawn fiha nfisha mhijiex indikatur ta' kontroll, iżda teħtieġ tiġi analizzata b'attenzjoni, b'mod partikolari ċ-ċirkostanzi fejn is-setgħat jistgħu jiġu invokati. Jekk is-setgħat jinfluwenzaw il-politika ġenerali attwali tal-entità huma jkunu importanti għad-deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni. F'każijiet oħra dawn ikunu setgħat ta' riżerva li jistgħu jikkonferixxu drittijiet għall-kontroll tal-politika ġenerali fi żminijiet ta' emerġenza eċċ., dawn huma għudikati bħala irrilevanti jekk ma jinfluwenzawx il-politika eżistenti, għalkemm fil-każ li jintużaw, huma normalment jazzjonaw riklassifikazzjoni immedjata. L-eżistenza ta' għażla ta' xiri tal-ishma lill-entitajiet tas-settur pubbliku f'ċerti ċirkostanzi hija sitwazzjoni simili, u huwa meħtieġ għudizzju dwar jekk is-setgħat implimentattivi tal-għażla jinfluwenzawx il-politika ġenerali tal-entità;
- (f) drittijiet ta' kontroll permezz ta' ftehimiet kuntrattwali. Jekk il-bejgħ kollu ta' entità huwa lil entità unika tas-settur pubbliku, jew ġabra ta' entitajiet tas-settur pubbliku, hemm ambitu għal influwenza dominanti li tista' tiġi għudikata bħala kontroll. Il-preżenza ta' klijenti oħra, jew il-potenzjal li jkollha klijenti oħra, hija indikatur li l-entità mhix ikkontrollata mill-unitajiet tas-settur pubbliku. Jekk l-entità hija ristretta milli titt-ratta mal-klijenti tas-settur mhux pubbliku minħabba influwenza tas-settur pubbliku, allura dan huwa indikatur ta' kontroll tas-settur pubbliku;
- (g) drittijiet ta' kontroll minn ftehimiet/permess ta' teħid ta' self. Dawk li jsejlfu ħafna drabi jimponu kontrolli bħala kondizzjonijiet biex isir is-self. Jekk is-settur pubbliku jimponi kontrolli permezz tal-għoti ta' self, jew għall-protezzjoni tal-esponiment tiegħu għar-riskju minn garanzija, li huma aktar iebes minn dawk li entità tas-settur privat normalment tiffaċċja minn bank, huwa indikatur ta' kontroll. Jekk entità teħtieġ permess mis-settur pubbliku biex tissellef, allura dan huwa indikatur ta' kontroll;
- (h) kontroll permezz ta' regolazzjoni eċċessiva. Meta r-regolazzjoni hija tant stretta li tiddetta effettivament il-politika ġenerali tan-negożju, din hija forma ta' kontroll. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu fxi każijiet ikollhom involviment regolatorju b'saħħtu, b'mod partikolari fl-oqsma bħal tal-monopolji u l-utilitajiet privatizzati li jkollhom element ta' servizz pubbliku. Huwa possibbli li jkun jeżisti involviment regolatorju fl-oqsma importanti, bħall-iffissar tal-prezzijiet, mingħajr ma l-entità ċċedi l-kontroll tal-politika ġenerali. L-għażla li tidħol jew topera f'ambjent irregolat ħafna hija wkoll indikatur li l-entità mhijiex soġġetta għal kontroll;
- (i) oħrajn. Il-kontroll jista' jinkiseb ukoll minn setgħat jew drittijiet statutorji li jinsabu fil-kostituzzjoni tal-entità, pereżempju rigward il-limitazzjoni tal-attivitajiet, l-għanijiet u l-aspetti operattivi, l-approvazzjoni tal-baġits jew il-prevenzjoni tal-entità milli tiddel il-kostituzzjoni tagħha, ixxolji lilha nfisha, tapprova dividendi, jew ittemm ir-relazzjoni tagħha mas-settur pubbliku. Entità li hija ffinanzjata kompletament jew kważi kompletament mis-settur pubbliku hija kkontrollata li hija kkontrollata jekk il-kontrolli fuq dak il-fluss ta' finanzjament ikunu restrittivi biżżejjed biex jiddettaw il-politika ġenerali f'dak il-qasam.
- 20.310 Kull każ ta' klassifikazzjoni jeħtieġ jiġi għudikat fuq il-merti tiegħu u xi wħud minn dawn l-indikaturi kollha jistgħu ma jkunux rilevanti għall-każ individwali. Xi indikaturi, bħal (a), (c) u (d) fil-paragrafu 20.309, huma biżżejjed waħedhom biex jistabbilixxu kontroll. Għal oħrajn għadd ta' indikaturi separati jistgħu kollettivament jindikaw kontroll.

Banek ċentrali

- 20.311 Il-banek ċentrali huma ġeneralment meqjusa li huma korporazzjonijiet finanzjarji pubbliċi, anke fil-każ fejn is-sid legali uniku jew ta' maġġoranza tagħhom ma jkunx il-gvern. Huma kkontrollati bħala korporazzjonijiet pubbliċi permezz ta' gvernijiet li għandhom sjieda ekonomika jew li jeżerċitaw kontroll b'mezzi oħra.

- 20.312 Bank ċentrali huwa intermedjarju finanzjarju, li l-attività tiegħu hija soġġetta għal dispożizzjonijiet legali speċifiċi, u li jitpoġġa taħt il-kontroll ġenerali tal-gvern li jirrappreżenta l-interess nazzjonali, anke jekk il-bank ċentrali jgawdi grad għoli ta' awtonomija jew indipendenza fir-rigward tal-eżerċitar tal-attività ewlenija tiegħu (notevolment il-politika monetarja). Il-kwistjoni ewlenija hawnhekk hija r-rikonoxximent tal-funzjoni u l-attività ewlenin tal-bank ċentrali — il-ġestjoni tal-assi ta' riżerva tan-nazzjon, il-ħruġ tal-munita nazzjonali u t-tmexxija tal-politika monetarja — aktar milli l-istatus ġuridiku tiegħu. Il-gvern ħafna drabi għandu dritt formali għar-rikavati minn likwidazzjoni.
- 20.313 Minħabba l-eżistenza ta' interess benefiċjali bħal dan jew minħabba r-rwol tal-gvern, is-sjieda tal-gvern fuq l-ekwità tal-bank ċentrali — jew, tal-inqas, fuq l-assi ta' riżerva ġestiti mill-bank ċentrali — hija rikonoxxuta fil-kontijiet nazzjonali, bħala sjieda ekonomika anke f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ma għandux sjieda legali.

Kważikorporazzjonijiet pubbliċi

- 20.314 Il-kważikorporazzjonijiet pubbliċi ma għandhomx il-karatteristiċi legali ta' korporazzjonijiet indipendenti iżda jaġixxu b'mod suffiċjentement differenti mis-sidien tagħhom, u aktar bħal entitajiet fis-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji jew finanzjarji, li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala unitajiet istituzzjonali.
- 20.315 L-attivitajiet tal-kważikorporazzjoni għandhom ikunu kkonfinati, b'informazzjoni suffiċjenti li tippermetti li jiġi kkomplet sett komplet ta' kontijiet (ara punt (f) tal-paragrafu 2.13), u jkunu unitajiet tas-suq.

Entitajiet bi Skop Speċjali u Mhux residenti

- 20.316 L-entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jistabbilixxu jew jużaw entitajiet bi skop speċjali (SPEs) jew strumenti bi skop speċjali. Unitajiet bħal dawn ħafna drabi ma jkollhomx impjegati jew assi mhux finanzjarji u jkollhom preżenza fiżika żgħira lil hinn minn "pjanċa tar-ram" li tikkonferma l-post tar-reġistrazzjoni tagħhom. Dawn jistgħu jkunu residenti f'territorju differenti.
- 20.317 L-unitajiet tal-SPEs stabbiliti mis-settur pubbliku għandhom jiġu investigati sabiex wieħed jara jekk għandhomx is-setgħa li jaġixxu indipendentement, humiex ristretti fl-attivitajiet tagħhom, u jgorrux ir-riskji u l-kumpensi assoċjati mal-assi u l-passivi li għandhom. Jekk dawn ma jissodisfawx tali kriterji ma għandhomx jiġu rikonoxxuti bħala unitajiet istituzzjonali separati u, jekk huma residenti, huma kkonsolidati fl-unità tas-settur pubbliku li ħolqithom. Jekk mhumiex residenti dawn huma rikonoxxuti bħala parti tal-bqija tad-dinja u kwalunkwe transazzjoni li jagħmlu tiġi direzzjonata mill-ġdid permezz tal-unità tas-settur pubbliku li ħolqithom.
- 20.318 Impriżi konġunti internazzjonali mhux residenti bejn il-gvernijiet, fejn l-ebda parti ma għandha kontroll tal-unità, huma mqassma lill-gvernijiet bħala unitajiet residenti nozzjonali.

Impriżi konġunti

- 20.319 L-unitajiet tas-settur pubbliku u privat jistgħu jidħlu f'impriża konġunta fejn tiġi stabbilita unità istituzzjonali. Dik l-unità tista' tidħol f'kuntratti f'isimha u tiġbor finanzi għall-iskopijiet proprji tagħha. L-unità hija alllokata lis-setturi pubbliċi jew privati skont liema parti tikkontrollaha.
- 20.320 Fil-prattika fil-parti l-kbira tal-impriżi konġunti hemm kontroll konġunt. Jekk l-unità hija klassifikata bħala mhux tas-suq din hija, skont in-norma, klassifikata taħt il-gvern ġenerali għaliex l-imġiba tagħha hija dik ta' unità tal-gvern. Jekk l-unità hija klassifikata bħala produttur tas-suq u l-kontroll huwa mqassam b'mod ugwali, allura l-unità hija mqassma f'nofsijiet, nofs wieħed allokat lis-settur pubbliku u l-ieħor lis-settur privat.

KAPITOLU 21

RABTIET BEJN KONTIJET TAN-NEGOZJI U KONTIJET NAZZJONALI U L-KEJL TAL-ATTIVITÀ KORPORATTIVA

21.01 Il-kontijiet tan-negozji jirrappreżentaw, flimkien mas-sondaġġi tan-negozji, sors ewlieni ta' informazzjoni għall-attività korporattiva fil-kontijiet nazzjonali. Il-kontabbiltà nazzjonali tikkondividi għadd ta' karatteristiċi mal-kontabbiltà tan-negozji, u dawk li huma l-aktar ovvjji huma:

- (a) ir-reġistrazzjoni ta' transazzjonijiet fil-kontijiet, jiġifieri f'tabelli b'żewġ kolonni;
- (b) il-valutazzjoni monetarja;
- (c) l-użu ta' entrati saldatorji;
- (d) ir-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet hekk kif iseħħu; u
- (e) il-koerenza interna tas-sistema tal-kontijiet.

Madankollu, il-kontabbiltà nazzjonali, mhix l-istess f'għadd ta' punti, għax għandha għan differenti: il-kontabbiltà nazzjonali għandha l-għan li tiddekrivi f'qafas koerenti l-attivitajiet kollha ta' pajjiż u mhux biss dawk ta' intrapriża jew grupp ta' intrapriżi. Dan l-għan ta' stampa konsistenti fl-entitajiet kollha f'ekonomija u r-relazzjoni tagħhom mal-bqija tad-dinja, iwassal għal xi restrizzjonijiet li ma jaffettwawx il-kontabbiltà tan-negozji.

21.02 Il-kontabbiltà nazzjonali għandha standards internazzjonali li huma prattikati f'kull pajjiż fid-dinja kollha. L-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-kontabbiltà tan-negozji mhix l-istess fost il-pajjiżi. Madankollu, il-kontabbiltà tan-negozji miexja lejn l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali komuni. L-armonizzazzjoni fuq livell dinji bdiet fid-29 ta' Ġunju 1973 bil-ħolqien tal-Kumitat Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASB) li l-missjoni tiegħu kienet li jiżviluppa standards ta' kontabbiltà bażiċi li kienu jissejħu IAS (Standards Internazzjonali tal-Kontabbiltà) u aktar tard IFRS (Standards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju), li jkunu jistgħu jiġu applikati fid-dinja kollha. Fl-Unjoni Ewropea, il-kontijiet ikkonsolidati tal-kumpanniji tal-UE kkwotati fil-borża jitħejjew skont il-qafas ta' referenza tal-IFRS mill-2005 'il quddiem.

21.03 Linji gwida dettaljati dwar il-kontenut tal-kontijiet tan-negozji u dwar kif issir rabta bejn il-kontijiet tan-negozji u l-kontijiet nazzjonali jinsabu f'manwali speċjalizzati. Dan il-kapitolu jagħti tweġiba għall-mistoqsijiet l-aktar komuni li tqajmu matul il-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali fuq il-bażi tal-kontijiet tan-negozji, u jindirizza kwis-tjonijiet speċifiċi dwar il-kejl tal-attività korporattiva.

XI REGOLI U METODI SPEĊIFIĊI TAL-KONTABBILTÀ TAN-NEGOZJI

21.04 Sabiex tiġi estratta informazzjoni mill-kontijiet tan-negozji, il-kontabbilisti nazzjonali għandhom jiffmu l-istandards tal-kontabbiltà internazzjonali għall-korporazzjonijiet privati u għall-korpi governattivi. L-istandards għall-korporazzjonijiet privati jitfasslu u jinżammu mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB), u għall-korpi governattivi, mill-Bord tal-Istandards tal-Kontabbiltà Internazzjonali tas-Settur Pubbliku (IPSASB). Il-paragrafi li ġejjin jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà tan-negozji.

Żmien ta' reġistrazzjoni

21.05 Il-kontijiet tan-negozji jirreġistraw it-transazzjonijiet meta jseħħu, li jirriżultaw fi pretensjonijiet u obbligi, indipendentement mill-ħlas. Din hija reġistrazzjoni bbażata fuq id-dovuti, b'mod kuntrarju għal waħda bbażata fuq flus kontanti. Il-kontijiet nazzjonali jsiru wkoll fuq bażi tad-dovuti.

Entrata doppja u entrata kwadrupla tal-kontabbiltà

21.06 Fil-kontijiet tan-negozji, kull transazzjoni tal-intrapriża hija rreġistrata f'minn tal-inqas żewġ kontijiet differenti, darba fuq in-naħa tad-debitu u darba fuq in-naħa tal-kreditu għall-istess ammont. Din is-sistema ta' entrata doppja tippermetti verifika tal-konsistenza tal-kontijiet.

F'kontijiet nazzjonali, tista' tintuża wkoll sistema ta' entrata kwadrupla għall-parti l-kbira tat-transazzjonijiet. Transazzjoni hija riflessa darbejn minn kull unità istituzzjonali involuta, pereżempju darba bħala transazzjoni mhux finanzjarja fil-kontijiet tal-produzzjoni, tal-introjt u tal-kapital, u darba bħala transazzjoni finanzjarja assoċjata mal-bidla fl-assi u l-passivi finanzjarji.

Valutazzjoni

21.07 Fil-kontijiet tan-negozji u fil-kontijiet nazzjonali, it-transazzjonijiet jiġu rreġistrati bil-prezz li jkun sar qbil dwaru minn dawk involuti fit-transazzjoni.

L-assi u l-passivi huma ġeneralment ivalutati fil-kost oriġinali jew storiku tagħhom fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-entitajiet tan-negozji, possibbilment flimkien ma' prezzijiet oħra, eż. il-prezzijiet tas-suq għall-inventarji. L-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu vvalutati bil-valur ġust, u dan għandu l-għan li jirrifletti l-prezzijiet osservati fis-suq bl-użu ta' metodi speċifiċi ta' valutazzjoni, jekk meħtieġ.

Fil-kontijiet nazzjonali, l-assi u l-passivi jiġu rreġistrati bil-valuri fis-seħħ fiż-żmien ikkonċernat tal-karta tal-bilanċ, u mhux bil-valutazzjoni oriġinali tagħhom.

Dikjarazzjoni tal-introjtu u l-karta tal-bilanċ

- 21.08 Għall-kontijiet tan-negozji, jitħejjew żewġ dikjarazzjonijiet finanzjarji: id-dikjarazzjoni tal-introjtu u l-karta tal-bilanċ. Id-dikjarazzjoni tal-introjtu tiġbor flimkien it-transazzjonijiet għall-introjtu u l-ispejjeż, u l-karta tal-bilanċ l-istokks tal-assi u l-passivi. Dawn id-dikjarazzjonijiet juru l-bilanċi tal-kontijiet, u t-transazzjonijiet flivell aggregat. Id-dikjarazzjonijiet huma ppreżentati fil-forma ta' kontijiet. Iż-żewġ dikjarazzjonijiet huma marbutin mill-qrib ma' xulxin. Il-bilanċ tad-dikjarazzjoni tal-introjtu huwa l-profitt jew it-telf tal-intrapriża. Dan il-profitt jew it-telf huwa inkluż ukoll fil-karta tal-bilanċ.
- 21.09 Il-kontijiet ta' transazzjoni li l-bilanċ tagħhom huwa inkluż fid-dikjarazzjoni tal-introjtu huma kontijiet tal-fluss. L-għan tagħhom huwa li juru t-totali tal-introjtu u tal-infiq matul is-sena finanzjarja.
- 21.10 Il-karti tal-bilanċ huma kontijiet tal-istokk. Huma juru l-valur tal-assi u tal-passivi fi tmiem is-sena finanzjarja.

KONTIJET NAZZJONALI U KONTIJET TAN-NEGOZJI: KWISTJONIJET PRATTIĊI

- 21.11 Sabiex il-kontabbilisti nazzjonali jkunu jistgħu jużaw il-kontijiet tan-negozji fuq skala kbira, u mhux biss f'każijiet iżolati, għandhom jiġu sodisfatti għadd ta' kondizzjonijiet.

L-ewwel waħda hija l-aċċess għall-kontijiet tan-negozji. Normalment, il-pubblikazzjoni tal-kontijiet hija mandatorja għall-intrapriżi l-kbar. Il-bażijiet ta' *data* ta' tali kontijiet jiġu stabbiliti minn korpi privati jew pubbliċi, u huwa importanti li l-kontabbilisti nazzjonali jkollhom aċċess għalihom. Għall-intrapriżi l-kbar, huwa ġeneralment possibbli li jinkisbu kontijiet direttament mingħandhom.

It-tieni kondizzjoni hija grad minimu ta' standardizzazzjoni tad-dokumenti ta' kontabbiltà ppubblikati mill-intrapriżi, billi din hija kondizzjoni neċessarja għall-ipproċessar kompjuterizzat. Livell għoli ta' standardizzazzjoni huwa ħafna drabi assoċjat mal-eżistenza ta' korp li jiġbor il-kontijiet mill-intrapriżi f'din il-forma standardizzata. Il-ġbir jista' jiġi organizzat fuq bażi volontarja, bħal fil-każ tal-korp li jmexxi ċentru tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji li jwettaq analiżi għall-membri tiegħu, jew jista' jsir mandatorju bil-liġi, bħal fil-każ fejn il-korp li jkun qiegħed jiġbor ikun l-awtorità tat-taxxi. Fiż-żewġ każijiet, il-kontabbilisti nazzjonali għandhom jagħmlu talba biex ikollhom aċċess għall-bażijiet ta' *data*, filwaqt li jirrispettaw il-politika ta' kunfidenzjalità li tapplika.

- 21.12 Il-kontijiet tan-negozji jistgħu jintużaw meta l-kontijiet ma jiġux ikkompilati fuq bażi standardizzata. F'ħafna pajjiżi, is-setturi tal-ekonomija huma ddominati minn għadd żgħir ta' intrapriżi kbar, u l-kontijiet ta' dawh l-intrapriżi l-kbar jistgħu jintużaw għall-kontijiet nazzjonali. Informazzjoni utli tista' tinsab ukoll fin-noti ta' mal-kontijiet, bħal ma huma aktar dettall jew gwida dwar kif jiġu interpretati l-entrati fil-kontijiet.
- 21.13 Is-sondaġġi tan-negozji huma l-akbar sors ta' *data* għall-kontijiet nazzjonali dwar l-attivajiet korporattivi. Tali sondaġġi jipprovdu riżultati sodisfaċenti jekk il-mistoqsijiet li jsiru jkunu kompatibbli mal-entrati u l-kunċetti tal-kontijiet tan-negozji. Intrapriża mhix ser tippovdi informazzjoni affidabbli li ma tkunx ibbażata fuq is-sistema ta' informazzjoni interna proprja tagħha. Is-sondaġġi tan-negozji huma ġeneralment meħtieġa, anke fl-aħjar każ fejn il-kontabbilisti nazzjonali jkollhom aċċess għall-bażijiet ta' *data*, billi l-informazzjoni li tkun ftali bażijiet ta' *data* rari tkun dettaljata biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet kollha tal-kontabbilisti nazzjonali.
- 21.14 Il-globalizzazzjoni tikkomplika l-użu tal-kontijiet tan-negozji fit-thejjja tal-kontijiet nazzjonali. Il-kontijiet tan-negozji għandhom jifasslu fuq bażi nazzjonali sabiex ikunu utli u dan mhux il-każ meta l-intrapriżi jkollhom sussidjarji barra mill-pajjiż. Meta l-attività tal-intrapriża testendi lil hinn mit-territorju nazzjonali, huma meħtieġa aġġustamenti biex tinħoloq stampa nazzjonali bbażata fuq il-kontijiet tan-negozji tal-intrapriża. L-intrapriżi għandhom jipprovdu lill-bażi ta' *data* tal-kontijiet tan-negozji, il-kontijiet fuq bażi nazzjonali, jew l-aġġustamenti li jrendu l-kontijiet tal-intrapriża fuq bażi nazzjonali. Meta l-kontijiet tal-intrapriżi jinġabru mill-awtorità tat-taxxa, l-awtorità tat-taxxa ġeneralment tirrekjedi li d-*data* tkun provduta fuq bażi nazzjonali sabiex tkun tista' tikkalkula t-taxxa fuq il-profitt, u dan huwa l-aktar każ favorevoli għal użu fil-kontijiet nazzjonali.
- 21.15 Kondizzjoni Prattika oħra hi li s-sena finanzjarja għandha tikkorrispondi mal-perijodu ta' referenza tal-kontijiet nazzjonali. Għall-kontijiet annwali, dan ikun ġeneralment is-sena kalendarja, u għaldaqstant ikun preferut li, sabiex isir l-aħjar użu tal-kontijiet tan-negozji, il-maġġoranza ta' dawn l-intrapriżi jibdeu is-sena finanzjarja tagħhom fl-1 ta' Jannar. L-intrapriżi jistgħu jagħżlu dati oħra għall-bidu tas-sena finanzjarja. Għall-operazzjonijiet li jikkorrispondu ma' flussi fil-kontijiet nazzjonali, ħafna drabi huwa aċċettabbli li jinħolqu mill-ġdid kontijiet abbażi tas-sena kalendarja billi jiġu kkombinati proporzjonijiet ta' sentejn finanzjarji suċċessivi, iżda għall-karti tal-bilanċ dan il-metodu jagħti riżultati li huma inqas sodisfaċenti, speċjalment għal entrati li x'aktarx jesperjenzaw varjazzjonijiet rapidi matul is-sena. Ta' spiss jiġu kkompilati kontijiet kull trimestru minn intrapriżi kbar iżda dawn rarament jinġabru fuq bażi sistematika.

TRANSIZZJONI MINN KONTIJET TAN-NEGOZJI GĦAL KONTIJET NAZZJONALI: L-EŻEMPJU TA' INTRAPRIŻI MHUX FINANZJARJI

21.16 L-użu ta' data mill-kontijiet tan-negozji ta' intrapriżi mhux finanzjarji għat-tnejn tal-kontijiet nazzjonali jeħtieġ diversi aġġustamenti. Dawn l-aġġustamenti jistgħu jitpoġġew fi tliet kategoriji: aġġustamenti kunċettwali, aġġustamenti li jippermettu konsistenza mal-kontijiet ta' setturi oħra, aġġustamenti għall-eżawrjenza.

Aġġustamenti kunċettwali

21.17 L-aġġustamenti kunċettwali huma meħtieġa minħabba li l-kontijiet tan-negozji mhumiex ibbażati fuq eżattament l-istess kunċetti bħall-kontijiet nazzjonali u fejn dawn il-kunċetti huma qrib xulxin, il-metodi ta' valutazzjoni jistgħu jkunu differenti. Xi eżempji ta' aġġustamenti kunċettwali għall-kalkolu tal-output huma dawn li ġejjin:

- (a) aġġustament għat-transizzjoni għall-prezz bażiku. Il-valur tal-bejgħ tal-intrapriżi ġeneralment ikun nett mill-VAT iżda ħafna drabi jinkludi t-taxxi fuq il-prodotti. Għall-kuntrarju, is-sussidji fuq il-prodotti rarament jiġu inklużi fil-valur tal-bejgħ. Għaldaqstant, jeħtieġ li jsir aġġustament lid-*data* minn kontijiet tan-negozji billi jitnaqqsu dawn it-taxxi fuq il-prodotti u jiżdiedu s-sussidji fuq il-prodotti sabiex wieħed jasal għal stima ta' output bil-prezzijiet bażiċi;
- (b) primjums tal-assigurazzjoni. Il-primjums tal-assigurazzjoni mħallsa mill-intrapriżi huma parti mill-infiq tagħhom, iżda l-kontijiet nazzjonali jeħtieġu li dawn jitqassmu fi tliet elementi: primjums netti, is-servizz tal-assigurazzjoni u supplimenti tal-primjum. Il-parti li tikkorrispondi mas-servizz biss hija konsum intermedju, u ssir korrezzjoni bit-tnaqqis tal-primjums netti u s-supplimenti tal-primjums mill-ħlas gross.

Aġġustamenti biex tinkiseb konsistenza mal-kontijiet ta' setturi oħra

21.18 Il-kontijiet nazzjonali jirrikjedu li l-kontijiet tal-intrapriżi jkunu konsistenti ma' dawk ta' intrapriżi u unitajiet oħra f'setturi istituzzjonali oħra. Għalhekk, it-taxxi u s-sussidji vvalutati abbażi tal-kontijiet tal-intrapriżi għandhom ikunu konsistenti ma' dawk li jirċievi jew li jħallas il-gvern ġenerali. Fil-prattika, dan mhux qiegħed jiġi osservat u tenħtieġ regola sabiex tinkiseb konsistenza. Normalment informazzjoni mill-gvern ġenerali hija aktar affidabbli minn dik tal-intrapriżi, u d-*data* mill-kontijiet tan-negozji hija aġġustata.

Eżempji ta' aġġustamenti għall-eżawrjenza

21.19 L-aġġustamenti f'*data* ta' kontabbiltà ta' intrapriża għall-eżawrjenza huma pereżempju l-assenza mill-fajls tal-istatistika, l-eżenzjoni mit-taxxa u d-dikjarazzjonijiet soċjali u l-evażjoni.

Eżempji ta' aġġustamenti speċifiċi huma dawn li ġejjin:

- (a) evażjoni fir-rigward tal-output mibjugħ u l-bejgħ ta' oġġetti għal bejgħ mill-ġdid. Intrapriżi jistgħu jissottovalutaw il-valur tal-bejgħ biex jevitaw iħallsu taxxa, u jsir aġġustament għal din id-dikjarazzjoni abbażi ta' informazzjoni provduta mill-uffiċċji tat-taxxa;
- (b) introjtu in natura huwa rikumpens tal-impjegat fil-forma ta' oġġetti u servizzi provduti mingħajr ħlas. Meta dan l-output u l-introjtu ma jiġux irreġistrati fil-kontijiet tan-negozji, isir aġġustament fil-valuri rreġistrati, għal użu fil-kontijiet nazzjonali. Meta l-impjegati jingħataw residenza mingħajr ħlas, tiġi inklużi stima tal-kiri tal-proprietà korrispondenti fl-output u l-introjtu tal-impjegati fejn dawn ma jkunux diġa' inklużi fil-kontijiet tan-negozji;
- (c) tips. Meta impjegat jirċievi tips minn klijenti tal-intrapriża dawn għandhom jitqiesu bħala parti mill-valur tal-bejgħ u għaldaqstant mill-output. Tips li mhumiex irreġistrati bħala output u introjtu tal-impjegat fil-kontijiet tan-negozji jiġu smati u l-output u l-introjtu jiġu aġġustati għall-kontijiet nazzjonali.

KWISTJONIJET SPEĊIFIĊI

Qligħ/telf nominali

21.20 Il-qligħ u t-telf nominali jirrappreżentaw waħda mid-diffikultajiet ewlenin fit-trasizzjoni mill-kontijiet tan-negozji għall-kontijiet nazzjonali, l-aktar minħabba n-natura tal-informazzjoni disponibbli fil-kontijiet tan-negozji. Pereżempju, konsum intermedju ta' materja prima jista' ma jkunx xiri dirett, iżda tneħħija mill-istokk. Fil-kontijiet nazzjonali, it-tneħħija mill-istokk hija vvalutata fil-prezz attwali tas-suq, filwaqt li fil-kontijiet tan-negozji t-tneħħija mill-istokk hija vvalutata bil-kost storiku tiegħu, jiġifieri fil-prezz tal-oġġetti meta nxtraw. Id-differenza bejn iż-żewġ prezzijiet titqies bħala qligħ/telf nominali fil-kontijiet nazzjonali.

21.21 L-eliminazzjoni ta' qligħ/telf nominali fuq l-istokks mhux faċli billi din teħtieġ il-ġbir ta' bosta biċċiet ta' informazzjoni ta' kontabbiltà supplementari u l-użu ta' ħafna suppożizzjonijiet. L-informazzjoni miġbura għandha tkun marbuta man-natura tal-prodotti maħżuna u l-bidla fil-prezzijiet matul is-sena. Billi l-informazzjoni disponibbli dwar in-natura tal-prodotti x'aktarx tkun marbuta mal-bejgħ u x-xiri aktar milli mal-istokks innifishom, jeinhtieġ li l-estimi jkunu bbażati fuq mudelli li r-rilevanza tagħhom hija diffiċli li tiġi vverifikata. Iżda, minkejja l-impreċizzjoni tiegħu, dan l-eżerċizzju huwa l-prezz li jrid jitħallas għall-użu tad-*data* mill-kontabbiltà tan-negozji.

- 21.22 Il-valutazzjonijiet tal-assi b'valur ġust jipprovdu stampa aħjar tal-karta tal-bilanċ mill-valutazzjonijiet bil-kost storiku imma jiġġeneraw ukoll aktar *data* dwar qligħ/telf nominali.

Globalizzazzjoni

- 21.23 Il-globalizzazzjoni tagħmel l-użu tal-kontijiet tan-negozji aktar diffiċli meta n-negozji jkollhom stabbilimenti barranin. L-attività li titwettaq lil hinn mill-fruntieri nazzjonali għandha tiġi eskluża mill-kontijiet sabiex dawn jiġu użati għall-kontijiet nazzjonali. Din l-esklużjoni hija diffiċli ħlief fl-aħjar każ fejn ir-regolamenti tat-taxxa jeħtieġu li l-intrapriżi jipubblikaw il-kontijiet għall-attività tagħhom esklussivament fit-territorju nazzjonali. L-eżistenza tal-gruppi multinazzjonali timponi problemi ta' valutazzjoni, peress li l-iskambji bejn is-sussidjarji jistgħu jsiru fuq il-bażi ta' prezzijiet li ma jkunux osservati fis-suq miftuħ, imma stabbiliti biex jimminimizzaw il-piż tat-taxxa globali. Il-kontabbilisti nazzjonali jagħmlu aġġustamenti biex il-prezzijiet tat-transazzjonijiet bejn il-gruppi jkunu konformi mal-prezzijiet tas-suq. Fil-prattika dan hu estremament diffiċli, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni u n-nuqqas ta' suq komparabbli ħieles għall-prodotti li jkunu speċjalizzati ħafna. Jistgħu jsiru aġġustamenti biss f'każijiet eċċezzjonali, abbażi ta' analiżi li tkun aċċettata mill-esperti fil-qasam ikkonċernat.
- 21.24 Il-globalizzazzjoni għenet ir-riintroduzzjoni tar-reġistrazzjoni tal-importazzjoni u l-esportazzjoni abbażi tal-bidla fis-sjieda tal-oġġetti, aktar milli tal-bidla tal-lokalità fiżika. Dan jagħmel il-kontijiet tan-negozji aktar adatti għall-kontijiet nazzjonali, peress li l-kontijiet tan-negozji huma wkoll ibbażati fuq bidla fis-sjieda tal-oġġetti aktar milli fuq bidla fiżika tal-lokalità. Meta intrapriża tqiegħed l-ipproċessar ma' intrapriża bbażata barra mit-territorju ekonomiku nazzjonali, il-kontijiet tan-negozji huma fuq il-bażi adatta biex jaġixxu bħala sors ta' *data* għall-kontijiet nazzjonali. Filwaqt li dan jgħin, jibqgħu ħafna kwistjonijiet ta' kejl fl-istima ta' negozji multinazzjonali fil-kontijiet nazzjonali.

Merġers u akkwisti

- 21.25 Ir-ristrutturar korporattiv jikkawża d-dieher u l-ghajbin ta' assi u passivi finanzjarji. Fejn korporazzjoni tgħib bħala entità legali indipendenti minħabba li għet assorbita minn korporazzjoni waħda jew iktar, l-assi/il-passivi finanzjarji kollha inklużi l-ishma u ekwità oħra li kien hemm bejn dik il-korporazzjoni u dawk li assorbewha jgħibu mis-sistema tal-kontijiet nazzjonali. Dak l-ghajbin huwa rreġistrat bħala bidliet fil-klassifikazzjoni tas-settur u fl-istruttura fil-kontijiet tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi.
- 21.26 Madankollu, ix-xiri ta' ishma u ekwità oħra ta' korporazzjoni bħala parti minn merġer huwa rreġistrat bħala transazzjoni finanzjarja bejn il-korporazzjoni li qed tixtri u s-sid ta' qabel. Is-sostituzzjoni ta' ishma eżistenti minn ishma fl-akkwist jew minn korporazzjoni ġdida hija rreġistrata bħala fidi ta' ishma akkumpanjati mill-ħruġ ta' ishma ġodda. L-assi/il-passivi finanzjarji li kienu jeżistu bejn il-korporazzjoni li għet assorbita u partijiet terzi jibqgħu ma jinbidlux u jgħaddu għand il-korporazzjoni(jiet) li qed tassorbi(jassorbu).
- 21.27 Meta korporazzjoni tkun legalment maqsuma f'żewġ unitajiet istituzzjonali jew iktar, l-assi u l-passivi finanzjarji ġodda (id-dieher ta' assi finanzjarji) huma rreġistrati bħala bidliet fil-klassifikazzjoni tas-settur u fl-istruttura.

KAPITOLU 22

KONTIJJET SATELLITA

INTRODUZZJONI

22.01 Dan il-kapitolu jipprovdi introduzzjoni ġenerali għal kontijiet satellita. Huwa jiddeskrivi u jiddiskuti kif il-qafas ċentrali jista' jintuża bħala sistema modulari li taqdi ħafna ħtiġijiet importanti u speċifiċi ta' *data*.

22.02 Il-kontijiet satellita jelaoraw jew jimmodifikaw it-tabelli u l-kontijiet fil-qafas ċentrali sabiex jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' *data*.

22.03 Il-qafas ċentrali jikkonsisti f'dan li ġej:

- (a) il-kontijiet ekonomiċi integrati (kontijiet tas-settur istituzzjonali) li jipprovdu ħarsa ġenerali tal-flussi u l-istokks ekonomiċi kollha;
- (b) il-qafas input-output li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-provvista u l-użu ta' oġġetti u servizzi bi prezzijiet attwali u f'termini ta' volum;
- (c) tabelli li jorbtu l-informazzjoni tal-industrija fil-qafas input-output mal-kontijiet fis-settur istituzzjonali;
- (d) tabelli dwar l-infiq skont il-funzjoni tal-gvern, l-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet;
- (e) tabelli dwar il-popolazzjoni u l-impjegji.

Dawn il-kontijiet u t-tabelli jistgħu jkunu fuq bażi annwali jew ta' kull tliet xhur, u jistgħu jkunu nazzjonali jew reġjonali.

22.04 Il-kontijiet satellita jistgħu jilhqgħu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' *data* billi jipprovdu iżjed dettall, billi jirranġaw mill-ġdid il-kunċetti mill-qafas ċentrali jew billi jipprovdu informazzjoni supplimentari, bħal flussi u stokks mhux monetarji. Dawn jistgħu jiddevjaw mill-kunċetti ċentrali. It-tibdil ta' daww il-kunċetti jista' jtejjeb il-konnessjoni mal-kunċetti tat-teorija ekonomika bħall-benessri jew l-ispejjeż ta' transazzjonijiet, il-kunċetti amministrattivi bħall-introjt jew il-profitti taxxabbli fil-kontijiet tan-negozji, u l-kunċetti ta' politika bħall-industrija strateġiċi, l-ekonomija tal-għarfien u l-investimenti tan-negozji użati fil-politika ekonomika nazzjonali jew Ewropea. Ftali każijiet, is-sistema satellita ser ikun fiha tabella li turi l-konnessjoni bejn l-aggregati prinċipali tagħha u daww fil-qafas ċentrali.

22.05 Il-kontijiet satellita jistgħu jvarjaw minn tabelli sempliċi għal sett estiż ta' kontijiet. Il-kontijiet satellita jistgħu jinġabru u jiġu ppubblikati fuq bażi annwali jew kull tliet xhur. Għal xi kontijiet satellita, il-produzzjoni f'intervalli aktar estiżi bħal darba kull ħames snin hija adatta.

22.06 Il-kontijiet satellita jista' jkollhom diversi karatteristiċi:

- (a) konnessjonijiet għal funzjonijiet, bħal f'kontijiet satellita funzjonali;
- (b) konnessjonijiet għal industriji jew prodotti, li huwa tip wieħed ta' kontijiet ta' settur speċjali;
- (c) konnessjonijiet għal setturi istituzzjonali, it-tieni tip ta' kontijiet ta' settur speċjali;
- (d) estensjoni ma' *data* fiżika jew *data* oħra mhux monetarja;
- (e) dettall addizzjonali;
- (f) użu ta' kunċetti supplimentari;
- (g) modifika ta' xi kunċetti bażiċi;
- (h) użu ta' mmudellar jew inklużjoni ta' riżultati sperimentali.

Għal kont satellita speċifiku, tista' tapplika karatteristika waħda jew iżjed minn dawn msemmija fil-punti (a) sa (h). Dan jintwera fit-Tabella 22.1.

Tabella 22.1 — Ħarsa ġenerali tal-kontijiet satellita u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom

	Tmien karatteristiċi ta' kontijiet satellita								
	Kontijiet funzjonali	Kontijiet ta' settur speċjali		Inklużjoni ta' data mhux monetarja	Dettall addizzjonali	Kunċetti supplimentari	Kunċetti bażiċi differenti	Riżultati sperimentali u aktar użu ta' mudellar	Parti mill-programm ta' trasmissjoni tal-UE
Konnessjonijiet għal industriji jew prodotti		Konnessjonijiet għal setturi istituzzjonali							
<i>1. Il-kontijiet satellita deskritti f'dan il-kapitolu</i>									
Agrikoltura		X			X	X			X
Ambjentali	X	X		X	X	X	X	X	X
Saħħa	X	X		X	X		X		X
Produzzjoni tal-unitajiet domestiċi			X	X	X		X	X	
Xogħol u SAM		X	X	X	X				
Produttività u tkabbir		X		X	X	X	X	X	X
R&Ż	X	X		X	X		X	X	
Protezzjoni soċjali	X			X	X				X
Turiżmu	X	X		X	X	X			
<i>2. Il-kontijiet satellita deskritti f'kapitoli oħra</i>									
Bilanċ tal-pagamenti			X		X				X
Finanzi tal-gvern			X		X	X			X
Statistika monetarja u finanzjarja, u fluss ta' fondi			X		X	X			X
Tabella tal-pensjoni supplimentari			X		X	X	X	X	X
<i>3. Eżempji ta' kontijiet satellita oħra b'linji gwida internazzjonali, jew fil-programm ta' trasmissjoni tad-data tal-UE</i>									
Attività korporattiva			X		X				
Settur informali					X			X	
Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt			X		X			X	
Settur pubbliku			X		X				
Tabelli tad-dħul mit-taxxa			X		X				X

22.07 F'dan il-kapitolu, ser jiġu diskussi l-karatteristiċi tal-kontijiet satellita u d-disa' kontijiet satellita differenti li ġejjin ser jiġu deskritti fil-qosor:

- (a) kontijiet agrikoli;
- (b) kontijiet ambjentali;
- (c) kontijiet tas-saħħa;

- (d) kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi;
- (e) kontijiet tax-xogħol u matriċijiet tal-kontabbiltà soċjali;
- (f) kontijiet tal-produttività u t-tkabbir;
- (g) kontijiet tar-R&Ż;
- (h) kontijiet tal-protezzjoni soċjali;
- (i) kontijiet tat-turiżmu.

Kapitoli oħra għandhom deskrizzjonijiet ta' kontijiet satellita oħra bħall-bilanċ tal-pagamenti, l-istatistika tal-finanzi tal-gvern, l-istatistika monetarja u finanzjarja u t-tabella tal-pensjoni supplimentari.

Fl-2008 SNA, ġew deskritti fit-tul diversi kontijiet satellita li huma koperti b'mod limitat fis-SEK 2010. Xi eżempji huma dawn li ġejjin:

- (a) 2008 SNA Kapitolu 21 Kontijiet tal-attività korporattiva;
- (b) 2008 SNA Kapitolu 22 Kontijiet tas-settur pubbliku;
- (c) 2008 SNA Kapitolu 23 Kontijiet ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt; u
- (d) 2008 SNA Kapitolu 25 Kontijiet tas-Settur Informali.

Għall-paragun internazzjonali tal-livell u l-kompożizzjoni tat-taxxi, l-istatistika tad-dħul mit-taxxa nazzjonali tiġi rrapportata lill-OECD, lill-FMI u lill-Eurostat. Il-kunċetti u d-data huma kompletament marbuta ma' daww fil-kontijiet nazzjonali. L-istatistika tad-dħul mit-taxxa hija eżempju ta' kont satellita tal-kontijiet nazzjonali.

Daww l-eżempji huma ta' kontijiet satellita stabbiliti sew, għax huma soġġetti għal linji gwida internazzjonali jew diġà jiffurmaw parti minn programm ta' trasmissjoni internazzjonali. Il-kontijiet satellita żviluppatti f'diversi pajjiżi juru l-importanza u l-utilità tal-kontijiet satellita, u xi eżempji huma:

- (e) il-kontijiet tas-settur kulturali u kreattiv, li juru l-importanza ekonomika tas-setturi kulturali u kreattivi;
- (f) il-kontijiet tal-edukazzjoni, li juru l-importanza ekonomika tal-provvista, l-użu u l-finanzjament tal-edukazzjoni;
- (g) il-kontijiet tal-enerġija, li juru l-importanza ekonomika tad-diversi tipi ta' enerġija u l-konnessjoni tagħhom mal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-taxxi u s-sussidji tal-gvern;
- (h) il-kontijiet tas-sajd u tal-forestrija, li juru l-importanza ekonomika tagħhom għan-nazzjon u r-reġjuni;
- (i) il-kontijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), li juru l-provvista u l-użu ta' prodotti prinċipali tal-ICT u l-produtturi tagħhom;
- (j) il-kont tar-ridistribuzzjoni skont in-nefqa pubblika, li juri liema gruppi ta' introjtu jibbenefikaw min-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-kultura u l-akkomodazzjoni;
- (k) il-kontijiet tal-bini residenzjali, li juru l-importanza ekonomika tal-bini residenzjali għan-nazzjon u r-reġjuni;
- (l) il-kontijiet relatati mas-sigurtà, li juru n-nefqa pubblika u privata fuq is-sigurtà;
- (m) il-kontijiet relatati mal-isports, li juru l-importanza ekonomika tal-isports;
- (n) il-kontijiet tal-ilma, li juru l-interazzjoni bejn is-sistema fiżika tal-ilma u l-ekonomija fil-livell nazzjonali u tal-baċini tax-xmajjar.

22.08 Grupp prinċipali ta' kontijiet satellita għandu approċċ funzjonali. Id-diversi klassifikazzjonijiet funzjonali huma deskritti f'dan il-kapitolu.

- 22.09 Il-firxa wiesgħa ta' kontijiet satellita turi li l-kontijiet nazzjonali jservu bħala qafas ta' referenza għal varjetà ta' statistika. Huma juru wkoll il-merti u l-limitazzjonijiet tal-qafas ċentrali. Permezz tal-applikazzjoni tal-kunċetti, il-klassifikazzjonijiet u l-preżentazzjonijiet bħat-tabelli tal-provvista u tal-użu tal-qafas ċentrali għal firxa wiesgħa ta' suġġetti, jintwerew il-flessibilità u r-rilevanza tal-approċċ tal-kontijiet satellita għal dawn is-suġġetti. Fl-istess ħin, iż-żidiet, l-arranġamenti mill-ġdid u l-modifiki kunċettwali juru l-limitazzjonijiet tal-qafas ċentrali għall-istudju ta' dawn is-suġġetti. Pereżempju, il-kontijiet ambjentali jessendu l-qafas ċentrali biex jitqiesu l-esternalitajiet ambjentali u l-kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi jessendu l-limitu ta' produzzjoni biex jinkludi s-servizzi tal-unitajiet domestiċi mhux imħallsa. B'dan il-mod, huma juru li l-kunċetti tal-qafas ċentrali tal-prodott, l-introjtu u l-konsum mhumiex kejl komplut tal-benessri.
- 22.10 Il-vantaġġi prinċipali tal-kontijiet satellita jinkludu dawn li ġejjin:
- (a) dawn huma bbażati fuq sett ta' definizzjonijiet ċari;
 - (b) l-applikazzjoni ta' approċċ ta' kontabbiltà sistematika. Xi eżempji huma d-disaggregazzjoni ta' total wieħed f'diversi dimensjonijiet, bħall-provvista u l-użu ta' oġġetti u servizzi skont il-prodott u skont l-industrija; min jipproduċi, min iħallas u min jibbenefika minn servizz; il-kontabbiltà sistematika ta' fluss ta' stokk; u l-kontabbiltà konsistenti f'termini monetarji u mhux monetarji. L-approċċ tal-kontabbiltà sistematika huwa kkaratterizzat minn konsistenza u koerenza. Huwa jippermetti wkoll analizzjiet taż-żamma tal-kotba bbażati fuq id-dekompożizzjoni, fejn tibdil fit-total huwa spjegat f'termini ta' bidliet fil-partijiet, tibdil fil-valur huwa spjegat b'bidliet fil-volum u fil-prezz, u bidliet fl-istokks huma spjegati bil-flussi korrispondenti u proporzjonijiet kostanti użati fl-analiżi tal-input-output. Tali analizzjiet taż-żamma tal-kotba jistgħu jiġu supplimentati b'mudellar li fih titqies l-imġiba ekonomika;
 - (c) konnessjoni mal-kunċetti bażiċi tal-kontabbiltà nazzjonali. Xi eżempji huma l-kunċetti ta' stokks u flussi speċifiċi bħall-produzzjoni, il-kumpens tal-impjegati, it-taxxi, il-benefiċċji soċjali u l-formazzjoni ta' kapital, il-kunċetti fil-klassifikazzjonijiet skont l-industrija u skont is-settur istituzzjonali bħall-industriji tal-agrikoltura u l-manifatturar jew is-settur tal-gvern, u l-entrati saldatorji prinċipali bħall-valur miżjud, il-prodott domestiku, l-introjtu disponibbli u l-valur nett. Tali kunċetti bażiċi tal-kontabbiltà nazzjonali huma stabbiliti sew madwar id-dinja, stabbli matul iż-żmien u l-kejl tagħhom huwa relattivament immuni għall-pressjoni politika;
 - (d) konnessjoni mal-istatistika tal-kontijiet nazzjonali; dawn huma faċilment disponibbli, komparabbli matul iż-żmien, ikkompilati fuq standards internazzjonali komuni, u jqiegħdu l-kejl tal-kontijiet satellita fil-kuntest tal-ekonomija nazzjonali u l-komponenti prinċipali tagħha, bħar-relazzjoni mat-tkabbir ekonomiku u l-finanzi pubbliċi.

Klassifikazzjonijiet funzjonali

- 22.11 Il-klassifikazzjonijiet funzjonali jikklassifikaw l-infiq skont is-settur, u skont l-iskop tal-infiq. Huma juru l-imġiba tal-konsumaturi, il-gvern, l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt u l-produtturi.
- 22.12 L-erba' klassifikazzjonijiet funzjonali differenti li jeżistu fis-SEK huma kif ġej:
- (a) klassifikazzjoni tal-Konsum Individwali skont l-Iskop (COICOP);
 - (b) klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG);
 - (c) klassifikazzjoni tal-Iskopijiet ta' Istituzzjonijiet mingħajr Skop ta' Profitt (COPNI);
 - (d) klassifikazzjoni tal-Infiq tal-Produtturi skont l-Iskop (COPP).
- 22.13 Fis-COICOP, ġew identifikati 14-il kategorija ewlenija:
- (a) ikel u xorb mhux alkoħoliku;
 - (b) xorb alkoħoliku, tabakk u narkotiċi;
 - (c) ħwejjeġ u xedd is-saqajn;

- (d) akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u karburanti oħra;
- (e) arredamenti, tagħmir tal-unitajiet domestiċi u manutenzjoni ta' rutina fl-unitajiet domestiċi;
- (f) saħħa;
- (g) trasport;
- (h) komunikazzjoni;
- (i) rikreazzjoni u kultura;
- (j) edukazzjoni;
- (k) ristoranti u lukandi;
- (l) oġġetti u servizzi mixxellanji;
- (m) infiq tal-konsum individwali ta' istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi; u
- (n) infiq tal-konsum individwali tal-gvern ġenerali.

L-ewwel 12-il kategorija jagħtu s-somma tal-infiq totali tal-konsum individwali mill-unitajiet domestiċi. L-aħħar tnejn jidentifikaw l-infiq tal-konsum individwali mill-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi (NPISHs) u s-setturi tal-gvern ġenerali, jiġifieri t-trasferimenti soċjali in natura tagħhom. Flimkien, l-14-il entrata jirrappreżentaw il-konsum finali reali mill-unitajiet domestiċi.

- 22.14 L-infiq tal-konsum individwali tal-NPISHs u l-gvern ġenerali jinqasam f'ħames sottokategoriji komuni li jirriflettu l-kwistjonijiet prinċipali ta' politika: akkomodazzjoni, saħħa, rikreazzjoni u kultura, edukazzjoni u protezzjoni soċjali. Dawn huma wkoll funzjonijiet tas-COICOP għall-infiq tal-konsum individwali mill-unitajiet domestiċi; il-protezzjoni soċjali hi sottokategorija ta' 12-il oġġetti u servizz *mixxellanju*. B'konsegwenza, is-COICOP turi għal kull waħda minn dawn il-ħames sottokategoriji, ir-rwol tal-unitajiet domestiċi privati, il-gvern u l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi. Pereżempju, tista' tiddekrivi r-rwol tal-gvern fil-provvista tal-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni.
- 22.15 Is-COICOP taqdi wkoll xi użi prinċipali oħra bħall-użu tas-sottokategoriji biex turi l-infiq minn unitajiet domestiċi fuq oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul. Is-sondaġġi dwar il-baġit tal-unitajiet domestiċi spiss jużaw skema ta' klassifikazzjoni bbażata fuq is-COICOP għall-għbir ta' informazzjoni dwar l-infiq tal-unitajiet domestiċi. Din tista' mbagħad tiġi allokata lill-prodotti għal tabella tal-provvista u tal-użu.
- 22.16 Il-klassifikazzjoni tal-infiq tal-gvern skont il-funzjoni (COFOG) hi għodda prinċipali għad-deskrizzjoni u l-analiżi tal-finanzjament tal-gvern. L-10 kategoriji prinċipali identifikati huma:
- (a) servizzi pubbliċi ġenerali;
 - (b) difiża;
 - (c) ordni u sigurtà pubbliċi;
 - (d) affarijiet ekonomiċi;
 - (e) protezzjoni ambjentali;
 - (f) faċilitajiet ta' akkomodazzjoni u tal-komunità;
 - (g) saħħa;
 - (h) rikreazzjoni, kultura u reliġjon;
 - (i) edukazzjoni; u
 - (j) protezzjoni soċjali.

Il-klassifikazzjoni tista' tintuża biex jiġi kklassifikat l-infiq għall-konsum individwali u kollettiv mill-gvern. Madankollu, hija sservi wkoll biex turi r-rwol ta' tipi oħra ta' nfiq bħas-sussidji, l-għotjiet għall-investiment u l-assistenza soċjali fi flus kontanti, għal skopijiet ta' politika.

22.17 Għad-deskrizzjoni u l-analiżi tal-infiq ta' istituzzjonijiet privati mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi, tintuża s-COPNI. Id-disa' kategoriji prinċipali identifikati huma:

- (a) akkomodazzjoni;
- (b) saħħa;
- (c) rikreazzjoni u kultura;
- (d) edukazzjoni;
- (e) protezzjoni soċjali;
- (f) reliġjon;
- (g) partiti politiċi, xogħol u organizzazzjonijiet professjonali;
- (h) protezzjoni ambjentali; u
- (i) servizzi mhux ikklassifikati mkien ieħor.

22.18 Għad-deskrizzjoni u l-analiżi tal-imgħiba tal-produtturi, tista' tintuża s-COPP. Ġew identifikati sitt kategoriji ewlenin:

- (a) infiq fuq l-infrastruttura;
- (b) infiq fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp;
- (c) infiq fuq il-protezzjoni ambjentali;
- (d) infiq fuq il-kummerċjalizzazzjoni;
- (e) infiq fuq l-iżvilupp tar-riżorsi umani;
- (f) infiq fuq il-programmi ta' produzzjoni attwali, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni.

Flimkien mal-informazzjoni skont it-transazzjoni, is-COPP tista' tipprovdi informazzjoni dwar l-"esternalizzazzjoni" ta' servizzi tan-negozji, jiġifieri s-sostituzzjoni ta' attivitajiet aċċillari b'xirjiet ta' servizzi korrispondenti minn produtturi oħra bħat-tindif, il-forniment tal-ikel, it-trasport u r-riċerka.

22.19 Is-COFOG u s-COPP juru l-infiq fuq il-protezzjoni ambjentali mill-gvern u l-produtturi. Din l-informazzjoni tintuża biex tiġi deskritta u analizzata l-interazzjoni bejn it-tkabbir ekonomiku u l-ambjent.

22.20 Xi nfiq, bħall-infiq tal-konsum finali u l-konsum intermedju, jista' jiġi kklassifikat skont il-funzjoni u skont il-grupp ta' prodotti. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti turi liema prodotti huma involuti u tagħti deskrizzjoni tal-proċessi differenti ta' produzzjoni u l-konnessjonijiet tagħhom mal-provvista u l-użu tal-prodotti. Dan jikkuntrasta mal-klassifikazzjonijiet funzjonali kif ġej:

- (a) l-infiq fuq prodotti differenti jista' jaqdi funzjoni waħda;
- (b) l-infiq fuq prodott wieħed jista' jaqdi funzjonijiet differenti;
- (c) xi nfiq mhuwiex transazzjonijiet fi prodotti, iżda jista' jkun importanti ħafna għal klassifikazzjoni funzjonali, eż. sussidji u benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti għall-klassifikazzjoni tal-infiq mill-gvern ġenerali.

KARATTERISTIĊI PRINĊIPALI TAL-KONTIJET SATELLITA**Kontijet satellita funzjonali**

- 22.21 Il-kontijet satellita funzjonali jiffukaw fuq id-deskrizzjoni u l-analiżi tal-ekonomija għal funzjoni, bħall-ambjent, is-saħħa, u r-riċerka u l-iżvilupp. Għal kull funzjoni huma jipprovdu qafas tal-kontabbiltà sistematiku. Ma jipprovdux ħarsa ġenerali tal-ekonomija nazzjonali, iżda jiffukaw fuq dak li hu rilevanti għall-funzjoni. Għal dan il-għan, huma juru dettall li ma jidherx fil-qafas ċentrali aggregat, jirranġaw mill-ġdid l-informazzjoni, iżidu l-informazzjoni dwar flussi u stokks mhux monetarji, jinjoraw dak li hu irrilevanti għall-funzjoni magħżula u jiddefinixxu l-aggregati funzjonali bħala l-kunċetti ewlenin.
- 22.22 Il-qafas ċentrali hu primarjament istituzzjonali fin-natura tiegħu. Kont satellit funzjonali jista' jikkombina approċċ funzjonali ma' analiżi tal-attività u tal-prodott. Tali approċċ ikkombinat huwa utli għal ħafna oqsma, bħall-kultura, l-isport, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, it-turiżmu, il-protezzjoni ambjentali, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), l-ghajjnuna għall-iżvilupp, it-trasport, is-sigurtà u l-akkomodazzjoni. Il-parti l-kbira ta' dawn l-oqsma jirreferu għal servizzi; huma ġeneralment ikopru numru ta' attivitajiet u jikkorrispondu f'ħafna każijiet ma' suġġetti li huma relatati ma' kwistjonijiet ta' tkabbir ekonomiku jew ta' tħassib soċjali.
- 22.23 Kunċett ewlieni fil-kontijet satellita funzjonali huwa l-infiq nazzjonali fuq il-funzjoni kif jidher fit-Tabella 22.2. Dan il-kunċett ewlieni hu utli wkoll biex jiddefinixxi l-kopertura tal-kont satellita funzjonali.
- 22.24 Li jiġu analizzati l-użi għal funzjoni jinvolvi li jsiru mistoqsijiet bħal "Kemm hemm riżorsi ddedikati għall-edukazzjoni, it-trasport, it-turiżmu, il-protezzjoni ambjentali, u l-ipproċessar tad-*data*". Sabiex tingħata tweġiba għal mistoqsijiet bħal dawn, iridu jittieħdu deċiżjonijiet rigward:
- (a) liema prodotti huma rilevanti għal dan il-qasam konċernat. L-infiq nazzjonali jinkludi l-użi kollha attwali ta' tali prodotti u l-formazzjoni ta' kapital filhom;
- (b) għal liema attivitajiet ser jiġi rreġistrat il-kapital;
- (c) liema trasferimenti huma rilevanti għal dan il-qasam;

Tabella 22.2 — Infiq nazzjonali fuq funzjoni jew prodott

	Serje ta' <i>data</i> annwali
Konsum finali reali tal-prodotti magħżulin	
Prodotti tas-suq	
Prodotti mhux tas-suq	
Individwali	
Kollektiv	
Konsum intermedju	
Reali	
Intern	
Formazzjoni grossa ta' kapital	
Fil-prodotti magħżulin	
Oħra	
Trasferimenti attwali magħżulin	
Trasferimenti ta' kapital magħżulin	
Użi ta' unitajiet ta' residenti ffinanzjati mill-kumpliment tad-dinja	
Infiq nazzjonali	

Tabella 22.3 — Il-provvista ta' prodotti karatteristiċi u konnessi

	Output skont l-industrija				Produtturi oħra			Total	Impor- tazzjoni	Provvista totali bil-prezzijiet bażiċi	Marġnijiet tal-kummerċ u t-trasport	Taxxi fuq il-prodotti	Sussidji fuq il-prodotti	Provvista totali bil-prezzijiet tax-xerrejja
	Produtturi karatteristiċi				Produtturi oħra									
	Prodott prin- ċipali	Prodott sekondarju	Anċillari	Total	Prinċipali	Sekondarju	Anċillari							
Prodotti karatteristiċi														
1.														
2.														
...														
Prodotti konnessi														
1.														
2.														
....														
Prodotti oħra														
Total														

Tabella 22.4 — L-użu ta' prodotti karatteristiċi u konnessi

	Spejjeż tal-produzzjoni skont l-industrija				Produtturi oħra			Total	Espor-tazzjoni	Konsum finali			Total	Formazz-joni grossa ta' kapital	Użu totali bil-prezzi-jiet tax-xerrejja
	Produtturi karatteristiċi				Produtturi oħra					Unitajiet domestiċi	Gvern	NPISH			
	Prodott prinċipali	Prodott sekondarju	Anċillari	Total	Prinċipali	Sekondarju	Anċillari			Kollektiv	Individwali				
Prodotti karatteristiċi															
1.															
2.															
...															
Prodotti konnessi															
1.															
2.															
....															
Prodotti oħra															
Total															
Kumpens tal-impjegati															
Taxxi netti oħra fuq il-produzzjoni															
Konsum ta' kapital fiss															
Prodotti speċifiċi (karatteristiċi jew konnessi)															
Oħra															
Eċċess operattiv, nett															
Total															
Informazzjoni supplimentari															
Inputs tax-xogħol															
Formazzjoni grossa ta' kapital fiss															
Prodotti speċifiċi															
Oħra															
Stokk ta' kapital fiss, nett															
Prodotti speċifiċi															
Oħra															

- 22.25 Skont il-qasam, it-tfassil ta' kont satellita ser jenfasizza dan li ġej:
- (a) l-analiżijiet dettaljati tal-produzzjoni u l-użi tal-oġġetti u s-servizzi speċifiċi, bħar-R&Ż, l-ICT jew it-trasport;
 - (b) l-analiżi dettaljata ta' trasferimenti, bħal għall-protezzjoni soċjali;
 - (c) il-produzzjoni, l-użi u t-trasferimenti b'mod ugwali, bħal għall-edukazzjoni u s-saħħa;
 - (d) użi bħal dawn, f'oqsma bħat-turiżmu u l-protezzjoni ambjentali;
 - (e) il-finanzjament tal-protezzjoni soċjali u s-saħħa mill-gvern u l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profit.
- 22.26 Jistgħu jiġu identifikati żewġ tipi ta' prodotti: prodotti karatteristiċi u prodotti konnessi. L-ewwel kategorija tkopri l-prodotti li huma tipiċi għall-qasam li qed jiġi studjat. Għal tali prodotti, il-kont satellita jista' juri kif dawn il-prodotti jiġu magħmula, x'tipi ta' produttori huma involuti, liema xorta ta' xogħol u kapital fiss jużaw u l-effiċjenza tal-proċess ta' produzzjoni. Pereżempju, għas-saħħa, il-prodotti karatteristiċi huma s-servizzi tas-saħħa, is-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika, is-servizzi tal-edukazzjoni u tar-R&Ż fis-saħħa.
- 22.27 Il-prodotti konnessi huma rilevanti għal funzjoni mingħajr ma jkunu tipiċi, sew minħabba n-natura tagħhom jew għax huma klassifikati f'kategoriji usa' ta' prodotti. Pereżempju, għas-saħħa, it-trasport ta' pazjenti huwa servizz konness. Eżempji oħra ta' prodotti konnessi huma prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi oħra, bħal nuċċalijiet. Għal tali prodotti, il-kont satellita ma jurix il-karatteristiċi tal-produzzjoni. Il-linja ta' distinzjoni preċiża bejn il-prodotti karatteristiċi u dawk konnessi tiddependi fuq l-organizzazzjoni ekonomika fil-pajjiż u l-iskop ta' kont satellita.
- 22.28 Xi servizzi jistgħu jidhru f'żewġ kontijiet satellita jew iżjed. Pereżempju, ir-riċerka fis-servizzi tas-saħħa f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja hi prodott rilevanti għal kontijiet satellita dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp, kif ukoll l-edukazzjoni u s-saħħa. Dan jimplika wkoll li l-infiq nazzjonali fuq diversi funzjonijiet jista' parzjalment ddupplikar; aggregazzjoni sempliċi ta' tali nefqiet sabiex jinkiseb total bħala perċentwali tal-PDG, tista' tinvolvi għadd doppju.
- 22.29 Il-kunċetti fil-kont satellita jistgħu jiddevjaw minn dawk fil-qafas ċentrali. Pereżempju, ix-xogħol volontarju jista' jiġi inkluż fil-kontijiet satellita dwar l-edukazzjoni u s-saħħa. Għal kont satellita dwar it-trasport, is-servizzi tat-trasport anċillari jistgħu jintwerew separatament. Għal kont satellit dwar l-għajna għall-iżvilupp, is-self li jingħata taħt kondizzjonijiet preferenzjali huma kkunsidrati. Il-benefiċċji jew l-ispejjeż li jirriżultaw minn rati tal-imgħax aktar baxxi minn dawk fis-suq huma rreġistrati bħala trasferimenti impliċiti.
- 22.30 Għal kontijiet satellita dwar il-protezzjoni soċjali u l-għajna għall-iżvilupp, it-trasferimenti speċifiċi huma l-aktar komponenti importanti tal-infiq nazzjonali. F'oqsma oħra, bħall-edukazzjoni u s-saħħa, il-parti ewlenija tat-trasferimenti, li l-parti l-kbira tagħhom huma in natura, huma mezz ta' finanzjament tal-akkwist mill-utenti. Dan jimplika li dawn huma diġà inklużi fl-infiq fuq il-konsum finali, konsum intermedju u formazzjoni ta' kapital u ma għandhomx jiġu rreġistrati darbtejn. Madankollu, dan ma japplikax għat-trasferimenti kollha, eż. l-għotjiet lill-istudenti jistgħu jservu biex jifinanzjaw diversi nfiq minbarra miżati tal-iskola jew kotba tal-iskola; din il-parti residwali għandha mbagħad tiġi rreġistrata bħala trasferiment fil-kont satellita.
- 22.31 Il-kont satellita funzjonali jista' jipprovdi ħarsa ġenerali tal-utenti jew tal-benefiċjarji. Il-klassifikazzjoni tal-utenti u l-benefiċjarji tista' tkun ibbażata fuq il-klassifikazzjoni ta' setturi istituzzjonali u tipi ta' produttori, eż. produttori tas-suq, produttori mhux tas-suq, il-gvern bħala konsumatur kollettiv, unitajiet domestiċi bħala konsumaturi u l-kumplament tad-dinja. Jistgħu jiġu identifikati diversi sottokategoriji, eż. skont l-industrija u skont is-sottosettur istituzzjonali.
- 22.32 F'ħafna kontijiet satellita, l-unitajiet domestiċi jew l-individwi huma l-aktar tip importanti ta' utenti u benefiċjarji. Sabiex ikunu utli għall-politika u l-analiżi soċjali, ikun jinħtieġ aktar disaggregazzjoni tal-unitajiet domestiċi. Jistgħu jintużaw diversi kriterji skont l-iskopijiet differenti, bħall-introjt, l-età, is-sess, il-lokalità, eċċ. Għall-politika u l-analiżi, jinħtieġ li jkun magħruf in-numru ta' persuni kkonċernati f'kull kategorija sabiex jiġi kkalkulat il-konsum jew it-trasferiment medju, jew in-numru ta' persuni li ma jibbenefikawx.

Kontijiet ta' settur speċjali

- 22.33 Il-kontijiet ta' settur speċjali jipprovdu ħarsa ġenerali ffukata fuq industrija jew prodott wieħed, raggruppament mill-ġdid ta' diversi industrij jew prodotti, sottosettur wieħed jew raggruppament mill-ġdid ta' diversi sottosetturi. Jistgħu jiġu identifikati tliet tipi ta' kontijiet ta' settur speċjali:
- (a) dawk marbuta ma' industrij jew prodotti;
 - (b) dawk marbuta ma' setturi istituzzjonali;

(c) dawk li jikkombinaw iż-żewġ approċċi.

Eżempji ta' kontijiet ta' settur speċjali marbuta ma' industriji jew prodotti huma kontijiet agrikoli, kontijiet tal-forestrija u s-sajd, kontijiet tat-turiżmu, kontijiet tal-ICT, kontijiet tal-enerġija, kontijiet tat-trasport, kontijiet tal-bini residenzjali u kontijiet għas-settur kreattiv.

Eżempji ta' kontijiet ta' settur speċjali marbuta ma' setturi istituzzjonali huma statistika tal-finanzi tal-gvern, statistika monetarja u finanzjarja, bilanċ tal-pagamenti, kontijiet tas-settur pubbliku, kontijiet għal istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, kontijiet tal-unitajiet domestiċi u kontijiet dwar attività korporattiva. L-istatistika tad-dħul mit-taxxa tista' titqies bħala tabelli supplimentari għall-istatistika tal-finanzi tal-gvern.

- 22.34 Il-kontijiet ta' settur speċjali jistgħu jiffukaw ukoll fuq analiżi integrata tal-attivitajiet ekonomiċi f'settur istituzzjonali wieħed jew aktar. Pereżempju, jistgħu jiġu stabbiliti kontijiet għal sottosetturi ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji permezz ta' raggruppament skont l-attività ekonomika prinċipali ta' għom. L-analiżi tista' tkopri l-proċess ekonomiku sħiħ, mill-produzzjoni sal-akkumulazzjoni. Dan jista' jsir b'mod sistematiku f'livell pjuttost aggregat tal-klassifikazzjoni tal-industrija standard. Jista' jitwettaq ukoll għal industriji magħżula ta' interess speċjali għal pajjiż. Jistgħu jsiru analiżijiet simili għal attivitajiet ta' produzzjoni tal-unitajiet domestiċi, mill-inqas sal-livell fejn jiġi kkalkulat l-introjt impreditorjali. Jista' jkun ukoll utli li jiġu enfasizzati l-attivitajiet li għandhom rwol predominanti fit-transazzjonijiet esterni tal-ekonomija. Dawn l-attivitajiet ewlenin jistgħu jinkludu s-settur taż-żejt mhux raffinat, is-settur bankarju, attivitajiet ta' tħaffir fil-minjieri, attivitajiet marbuta ma' għejjel speċifiċi, prodotti tal-ikel u x-xorb bħal kafé, fjuri, inbid u wiski, u t-turiżmu. Huma jista' jkollhom rwol importanti fl-ekonomija nazzjonali, billi jirrappreżentaw parti importanti mill-esportazzjoni, l-impjegi, l-assi ta' muniti barranin u r-riżorsi tal-gvern. Is-setturi ewlenin jistgħu jinkludu wkoll setturi li jixirqilhom attenzjoni speċjali mill-aspett tal-politika ekonomika u soċjali. Eżempji ta' dan huma attivitajiet agrikoli li jirċievu sussidji u trasferimenti oħra minn gvern ċentrali, lokali jew Ewropew, jew li huma protetti minn dazji tal-importazzjoni sostanzjali.
- 22.35 L-ewwel pass biex jifasslu l-kontijiet ta' setturi speċjali hu li jiġu definiti l-attivitajiet ewlenin u l-prodotti korrispondenti ta' għom. Għal dan, jista' jkun jinħtieġ li l-entrati tal-Klassifikazzjoni Industrijali Internazzjonali Standard (ISIC) jew il-klassifikazzjoni nazzjonali korrispondenti jiġu raggruppati flimkien. L-estensjoni tas-settur ewleni jiddependi miċ-ċirkostanzi ekonomiċi u r-riżorsi għall-politika u l-analiżi.
- 22.36 Jiġi stabbilit kont ta' oġġetti u servizzi għall-prodotti ewlenin li juri r-riżorsi u l-użi ta' dawn il-prodotti. Jinbena kont tal-produzzjoni u kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt għall-industriji ewlenin. Għall-industriji u l-prodotti ewlenin, jintużaw klassifikazzjonijiet dettaljati għal fehim sħiħ tal-proċess ekonomiku u l-proċeduri tal-valutazzjoni relatati f'dan il-qasam. Ġeneralment teżisti kombinazzjoni ta' prezzijiet tas-suq u amministrati, u sistema kumplessa ta' taxxi u sussidji.
- 22.37 Il-prodotti ewlenin u l-industriji ewlenin jistgħu jiġu analizzati fil-kuntest ta' tabella tal-provvista u tal-użu kif jidher fit-Tabelli 22.5 u 22.6. L-industriji ewlenin jidher fid-dettall fil-kolonna, u industriji oħra jistgħu jkunu aggregati. Fir-ringieli, il-prodotti ewlenin jidher b'mod simili fid-dettall, u prodotti oħra huma aggregati. Fil-qiegħ tat-tabella tal-użu, ir-ringieli juru l-inputs tax-xogħol, il-formazzjoni grossa ta' kapital fiss u l-istokks tal-assi fissi. Meta l-attività ewlenija titwettaq minn tipi eteroġeni ħafna ta' produttori, bħal bdiewa zġhar u pjantaġġuni kbar li huma proprjetà ta' korporazzjonijiet u operati minnhom, issir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' produttori, peress li għandhom strutturi tal-kost differenti u jgħibu ruħhom b'mod differenti.
- 22.38 Jinqas sett ta' kontijiet għas-settur ewleni. Għal dan il-għan, is-settur ewleni għandu jkun delimitat. Fil-każ ta' attivitajiet ta' żejt u ta' tħaffir fil-minjieri, is-settur ewleni ġeneralment jikkonsisti f'numru limitat ta' korporazzjonijiet kbar. It-transazzjonijiet kollha ta' dawn tal-aħħar huma koperti, anki meta jwettqu attivitajiet sekondarji. Id-distinzjoni bejn il-korporazzjonijiet pubbliċi, dawk b'kontroll barrani u dawk privati tista' tkun ukoll fundamentali meta wieħed jitratta settur ewleni. Il-kontijiet tan-negozji nfushom għandhom jiġu studjati bir-reqqa sabiex kull korporazzjoni kbira involuta tkun tista' twettaq analiżi integrata. Parti mill-attivitajiet ta' tħaffir fil-minjieri tista' titwettaq minn korporazzjonijiet zġhar jew minn intrapriżi mhux korporati. Dawn l-unitajiet għandhom jiġu inklużi fis-settur ewleni, anki jekk ikun meħtieġ li wieħed joqgħod fuq informazzjoni parzjali li għejja minn sondaġġi għall-istatistika jew *data* amministrattiva.
- 22.39 F'ħafna każijiet, il-gvern għandu rwol importanti f'konnessjoni mal-attivitajiet ewlenin, jew permezz ta' taxxi u rċevuti tal-introjt fuq il-proprjetà, jew permezz ta' attività regolatorja u sussidji. Għaldaqstant, l-istudju dettaljat tat-transazzjonijiet bejn is-settur ewleni u l-gvern ġenerali hu importanti. Il-klassifikazzjoni tat-transazzjonijiet tista' tiġi estiża biex tidentifika dawk il-flussi konnessi mal-attività ewlenija, inklużi t-taxxi rilevanti fuq il-prodotti. Tali flussi huma rċevuti, flimkien mal-baġit ġenerali nnifsu, minn diversi aġenziji tal-gvern, bħal ministeri għal skopijiet speċjali, universitajiet, fondi u kontijiet speċjali. Għall-analiżi, jista' jkun utli ħafna li jiġi indikat x'użi jagħmel il-gvern minn tali fondi. Dan jirrikjedi analiżi skont l-iskop ta' din il-parti tal-infiq tal-gvern.

Tabella 22.5 Tabella tal-prowista għal industriji u prodotti ewlenin

	Output skont l-industrija				Produtturi oħra	Total	Importazzjoni	Prowista totali bil-prezzijiet bażiċi	Marġinijiet tal-kummerċ u t-trasport	Taxxi fuq il-prodotti	Sussidji fuq il-prodotti	Prowista totali bil-prezzijiet tax-xerrejja
	Industriji ewlenin	1	2	...								
Prodotti ewlenin												
1.												
2.												
...												
Prodotti oħra												
Total												

Tabella 22.6 — Tabella tal-użu għal industriji u prodotti ewlenin

	Spejjeż tal-produzzjoni skont l-industrija				Produtturi oħra	Total	Espor- tazzjoni	Konsum finali			Total	Formazzjoni grossa ta' kapital	Użu totali bil-prezzijiet tax-xerrejja
	Industriji ewlenin							Unitajiet domestiċi	Gvern	NPISH			
	1	2	...	Total									
Prodotti karatteristiċi													
1.													
2.													
...													
Prodotti oħra													
Total													
Kumpens tal-impjegati													
Taxxi netti oħra fuq il-produzzjoni													
Konsum ta' kapital fiss													
Eċċess operattiv, nett													
Total													
Informazzjoni supplimentari													
Inputs tax-xogħol													
Formazzjoni grossa ta' kapital fiss													
Stokk ta' kapital fiss, nett													

- 22.40 Meta l-attivitajiet ewlenin huma bbażati fuq riżorsi naturali mhux rinnovabbli, bħar-riżorsi tas-saff tal-ħamrija ta' taħt, il-kontijiet tas-settur ewlieni jirreġistraw il-bidliet f'dawn ir-riżorsi dovuti għal skoperti ġodda u tnaqqis, fil-kontijiet tal-bidliet l-oħra fil-volum tal-assi u l-qligħ u t-telf nominali fuqhom fil-kont ta' rivalutazzjoni. Dik id-data hi kruċjali għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ekonomika tal-ekonomija. B'mod usa', il-kontijiet tas-settur ewlieni jistgħu jiġu estiżi għall-kontabbiltà ambjentali.
- 22.41 Il-kontijiet tas-settur ewlieni jistgħu jiġu ppreżentati fil-qafas tal-kontijiet ekonomiċi integrati. Tiddaħħal kolonna jew grupp ta' kolonni għas-setturi prinċipali u kolonni oħra jingħataw isem mill-ġdid fejn rilevanti, bħal "korporazzjonijiet mhux finanzjarji oħra" jew "unitajiet domestiċi oħra". Dan jagħmilha possibbli li wieħed jara l-ishma rispettivi tas-settur ewlieni u setturi oħra fit-transazzjonijiet u l-entrati saldatorji. Il-format preċiż ta' tali tabella jiddependi fuq l-oġettivi segwiti. Pass ieħor jista' jikkonsisti fil-wiri f'tabelli addizzjonali r-relazzjoni "minn min għal min" bejn is-settur ewlieni u setturi oħra, inkluż l-kumpliment tad-dinja.

Inklużjoni ta' data mhux monetarja

- 22.42 Karatteristika prinċipali ta' ħafna kontijiet satellita hija l-inklużjoni ta' data mhux monetarja, bħad-data dwar l-emissjoni tas-CO₂ skont l-industrija fil-kontijiet ambjentali jew in-numru ta' trattamenti skont it-tip ta' kura tas-saħħa fil-kontijiet tas-saħħa. Il-konnessjoni ta' tali data mhux monetarja mad-data monetarja tista' tipprovdi proporzjonijiet ewlenin, bħall-emissjonijiet tas-CO₂ għal kull biljun euro ta' valur miżjud jew l-ispejjeż għal kull trattament. It-Tabella 22.7 tipprovdi firxa wiesgħa ta' eżempji.

Dettall addizzjonali u kunċetti supplimentari

- 22.43 Żewġ karatteristiċi prinċipali oħra tal-kontijiet satellita huma d-dettall addizzjonali u l-kunċetti supplimentari. Firxa wiesgħa ta' eżempji huma pprovduti fit-Tabelli 22.8 u 22.9.

Tabella 22.7 Eżempju ta data mhux monetarja fil-kontijiet satellita

Kont satellita	Eżempju ta' data mhux monetarja	Proporzp ta' data monetarja u dik mhux monetarja?
Kontijiet tal-edukazzjoni	Numru ta' studenti	Spejjeż u niizati għal kull student
	Numru ta' għalliema	Kumpens tal-impjegati għal kull għalliem
Kontijiet ambjentali	Tunnellati ta' żejt	Prezz taż-żejt għal kull barmil
	Emissjoni ta' CO ₂ skont l-industrija	Emissjoni tas-CO ₂ skont l-industrija għal kull biljun Euro ta'valur miżjud
Finanzi tal-gvern	Impjeg fis-settur tal-gvern	Kumpens tal-impjegati għal kull impjegat
	Numru ta' benefiċċji soċjali	Benefiċċju soċjali medju
Kontijiet tas-saħħa	Nuniru ta' trattamenti/pazjenti skont it-tip ta' kura tas-saħħa	Spejjeż għal kull trattament/pazjent
Kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi	Użu taż-żmien fil-praduzzjoni tal-unità donnestika	Kost fopportunità tal-użu taż-żmien
Kontijiet tax-xogħol	Impjeg (sigħat maħdumaffe) skont l-industrija	Kumpens tal-impjegati għal kull siegħa manduma/ite
	Numru ta' impjegi	
Kontijiet tal-produttività u tkabbir	Input tax-xogħol skont l-industrija	Produttivitàtanogħolskontl-industrija
Kontijiet tar-R&ZI	Numru ta' patenti mogħtija	Kumpens tal-impjegati għal kull impjegat
	Impjeg fis-settur tar-R&Z	
Kontijiet tas-sigurtà	Numru ta' ħabsin	Spejjeż għal kull ħabsi
Kontijiet tal-protezzjoni soċjali	Numru ta' beneticċji soċjali, eż. benefiċjarji ta' pensjoni	Beneticċju soċjali medju skont (it-tip ta') l-iskema
Kontijiet tat-turiżmu	Numruta'turisti	Nefga għal kull turist

Tabella 22.8 Eiempi ta' dettall addizzjonali fdiversi kontijiet satellita

Kont satellita	Dettall addizzjonali
Kontijiet agrikoli	Iżjed dettall dwar il-produzzjoni ta' diversi prodotti agrikoli
Kontijiet ambjentali	Ħafna iżjed dettall dwar il-valuri tal-istokks u l-flussi tar-nżorsi naturali Iżjed dettall dwar l-infiq għall-protezzjoni ambjentali
Kontijiet tas-saħħa	Disaggregazzjoni dettaljata tas-servizzi tal-kura tas-saħħa
Kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi	Produzzjoni tal-unitajiet domestiċi disaggregati skont il-funzjoni prinċipali (eż. akkomodazzjoni, nutrizzjoni, kura)
Kontijiet tal-introjtu u l-ġid personali	Informazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu u l-ġirj personali
Kontijiet tax-xognol u SAM	Kumpens tal-impjegati u impjeg skont l-età, is-sess u l-livell ta edukazzjoni
Kontijiet tal-protezzjoni soċjali	Dħul u nfiq skont l-iskema ta' protezzjoni soċjali individwali u r-raggruppament tal-iskemi
Tabelli tad-dħul mit-taxxa	Dħul mit-taxxa disaggregat fi klassifikazzjoni ħafna iżjed dettaljata

Tabella 22.9 Eiempi ta' kunċetti supplimentan fdiversi kontijiet satellita

Kont satellita	Kunċetti supplimentari
Kontijiet agrikoli	Tliet indikatun tal-introjtu agrikolu
Kontijiet ambjentali	Taxxi ambjentali
Finanzi tal-gvern	Dħul u nfiq tal-gvern
Kontijiet tas-settur informali	Settur informali
Kontijiet tal-produttività u tkabbir	Produttività tal-fatturi totali
Kontijiet tal-protezzjoni soċjali	Nefga totali fug benefiċċji għax-xjuħija
Tabelli tad-dħul mit-taxxa	Dħul totali mit-taxxa skont diversi definizzjonijiet alternate

Kunċetti bażiċi differenti

22.44 L-użu ta' kunċetti bażiċi differenti mhuwiex komuni fil-kontijiet satellita. Varjazzjoni relattivament żgħira hi li għal diversi kontijiet satellita xi servizzi mhuwiex trattati bħala anċillari, eż. għal kont satellita tat-trasport, is-servizz tat-trasport mhuwiex trattat bħala anċillari. Madankollu, għal xi kontijiet satellita, jistgħu jkunu meħtieġa bidliet importanti fil-kunċetti bażiċi, eż. fil-kont ambjentali, il-prodott domestiku jista' jiġi aġġustat għal tnaqqis tar-riżorsi naturali. Xi eżempji huma pprovduti fit-Tabella 22.10.

Użu ta' mmudellar u inklużjoni ta' riżultati sperimentali

22.45 Xi kontijiet satellita jistgħu jkunu karatterizzati bl-inklużjoni ta' riżultati sperimentali jew l-użu tal-immudellar; iċ-ċifri fil-kont satellita huma inqas affidabbli minn dawk fil-kontijiet primarji. Madankollu, il-kompilazzjoni tal-kontijiet primarji tinvolvi wkoll l-użu ta' mudelli ekonometriċi jew matematiċi u l-inklużjoni ta' riżultati sperimentali. Għaldaqstant din mhijex differenza fundamentali bejn il-qafas tal-kontijiet primarji u l-kontijiet satellita. Dawn il-kwistjonijiet jintwerew permezz tal-eżempji fit-Tabella 22.11.

Tabella 22.10 Eżempji ta' kunċetti bażiċi differenti fkontijiet satellita

Kont satellita	Kunċett bażiku differenti
Kontijiet ambjentali	Aġġustament tal-Prodott Domestiku għal tnaqqis, infiq difensiv mill-gvem u għad-degradazzjoni
Kontijiet tas-saħħa	Il-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol mliuwej setvizz anċillari

Kont satellita	Kunċett bażiku differenti
Kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi	Is-servizzi mhux imħallsa tal-unitajiet domestiċi u s-servizzi ta' volontarjat liuma fil-limiti tal-produzzjoni
Kontijiet estiżi	Kontijiet inklużi kunċetti sostanzjalment iżjed estiżi ta' produzzjoni u formazzjoni ta' kapital (eż. kapital uman u oġġetti għall-konsum li jsetvu fit-tul)
Tabella tal-pensjoni supplementari	Il-benefiċċji tal-pensjoni definiti li nia ġewx mogħtija fondi liuma ttrattati bħala passivi u assi
Kontijiet tat-trasport	Is-servizzi tat-trasport mhumiex servizz anċillari

Tabella 22.11 Eżempji tal-użu tal-mudelli ekonometriċi jew matematiċi fil-kompilazzjoni tal-qafas ċentrali u 1-kontijiet satellita

Qafas ċentrali	<p>Stima tal-valur tal-assi finanzjarji jew mhux prodotti bħala l-valur nett preżenti tad-dħul u l-infiq mistennija fil-futur</p> <p>Korrezzjoni tal-istħarriġiet tal-unitajiet domestiċi glial nuqqas ta' rispons</p> <p>bl-użu tal-metodu tal-inventarju perpetwu, it-tul tal-ħajja ekonomika mistennija u l-funzjonijiet matematiċi tad-deprezzament</p> <p>Stima tal-valur tas-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sid bl-użu ta' data tal-istokk ta' akkomodazzjoni, kirjiet fis-suq u analiżi rigressiva</p> <p>Stima tal-korrezzjonijiet staġonali bl-użu ta' mudell matematiku</p> <p>Stima tal-bidliet fil-prezz edoniċi bl-użu ta' mudell matematiku</p>
Kontijiet satellita	
Kontijiet ambjentali	Stima tal-valur tat-tnaqqis u d-degradazzjoni
Kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi	Stima tal-valur tas-servizzi tal-unitajiet domestiċi mhux imħallsa
Kontijiet tas-settur informali	Stimi sperimentali tal-valur ta' kull xorta tal-attivitajiet informali
Kontijiet tal-produttività u tkabbir	Stima tal-volum tal-mput kapitali bl-użu ta' funzjonijiet effiċjenti biż-żmien għal kull tip ta' assi
Tabella tal-pensjoni supplementari	Stima tal-intitolamenti tal-pensjoni bl-użu ta' kull xorta ta' preżunzjoni attwarjali dwar id-demografija, rata ta' skont u tkabbir tal-pagi
Tabella b'riżultati sperimentali dwar it-trattament ta' nfiq fuq R&Z bħala fortnazzjoni ta' kapital	

Tfassil u kompilazzjoni ta' kontijiet satellita

22.46 It-tfassil u l-kompilazzjoni ta' kont satellita jikkonsistu f'erba' passi:

- definizzjoni tal-iskopijiet, l-użi u r-rekwiżiti;
- selezzjoni ta' dak li hu rilevanti mill-kontijiet nazzjonali;
- selezzjoni tal-informazzjoni supplementari rilevanti, eż. minn diversi statistika speċifika jew sorsi ta' data amministrattiva;
- kombinazzjoni taż-żewġ settijiet ta' kunċetti u ċifri f'sett wieħed ta' tabelli u kontijiet.

22.47 It-tfassil u l-kompilazzjoni tal-kontijiet satellita għall-ewwel darba spiss jiżvelaw riżultati mhux mistennija matul l-erba' passi. B'konsegwenza, it-tfassil tal-kontijiet satellita huwa ħidma li għaddejja. Huwa biss wara li tinkiseb esperjenza fil-kompilazzjoni u l-użu ta' kont satellita u li jsiru modifiki fejn meħtieġ li sett ta' tabelli sperimentali jkun jista' jiġi trasformat fi prodott tal-istatistika matur.

22.48 Fl-għażla ta' dak li hu rilevanti mill-kontijiet nazzjonali, jistgħu jiġu identifikati tliet aspetti: il-kunċetti tal-kontabbiltà nazzjonali internazzjonali, il-kunċetti operattivi użati fl-istatistika tal-kontijiet nazzjonali ta' pajjiż, u l-affidabbiltà tal-istatistika tal-kontijiet nazzjonali.

- 22.49 Fit-ftassil u l-kompilazzjoni ta' kont satellita, l-applikazzjoni tal-kunċetti tal-qafas ċentrali għal skop spiss jiżvela xi karatteristiċi. Mill-aspett tal-iskop, dawn jistgħu jkunu ta' għajnuna kif ukoll limitazzjonijiet mhux mistennija. Pereżempju, fid-disinn u l-kompilazzjoni ta' kont ta' Riċerka u Żvilupp għall-ewwel darba, jistgħu jinkixfu problemi bħad-dupplikazzjoni ma' R&Ż dwar software u l-kura tas-saħħa jew ir-rwol ta' multinazzjonali fl-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' R&Ż.
- 22.50 Proċess simili japplika għall-kunċetti operattivi użati fil-kompilazzjoni tal-istatistika tal-kontijiet nazzjonali. Jista' jkun li dettall essenzjali jkun nieqes minħabba livell aggregat eċċessiv ta' kompilazzjoni jew pubblikazzjoni, jew minħabba li l-kunċetti universali ma jkunux ġew applikati b'mod strett. Pereżempju, l-attivitajiet ta' R&Ż ta' xi multinazzjonali prinċipali jistgħu jiġu inklużi fl-industrija tal-attivitajiet prinċipali tagħhom u mhux fis-servizzi ta' R&Ż tal-industrija.
- 22.51 L-affidabbiltà tal-partijiet tal-istatistika tal-kontijiet nazzjonali tista' tkun problema. L-istatistika tal-kontijiet nazzjonali ngābru u ġew ippubblikati mingħajr l-iskop tal-kont satellita intiż. Meta wieħed sempliċiment jagħżel iċ-ċifri rilevanti mill-istatistika uffiċjali tal-kontijiet nazzjonali, spiss jinkixef li d-daqs, il-kompożizzjoni jew l-iżvilupp matul iż-żmien mhumiex plawsibbli għall-iskop. B'konsgwenza ta' dan, is-sorsi attwali tad-*data* u l-metodi ta' kompilazzjoni għandhom jiġu vverifikati u msaħħa b'sorsi ta' *data* addizzjonali jew metodi ta' kompilazzjoni mtejba.
- 22.52 Is-selezzjoni ta' informazzjoni rilevanti minn sorsi oħra li mhumiex il-kontijiet nazzjonali bħal statistika uffiċjali oħra jew sorsi ta' *data* amministrattiva tiġġenera problemi simili f'termini ta' kunċetti u ċifri: il-kunċetti uffiċjalment użati jistgħu jkixfu difetti mhux mistennija f'termini tal-iskop speċifiku tal-kont satellita, il-kunċetti attwali użati jistgħu jvarjaw mill-kunċetti uffiċjali u l-affidabbiltà, id-dettall, it-tul taż-żmien u l-frekwenza jistgħu jkunu problematiċi. Dawn il-problemi kollha għandhom jiġu indirizzati, jew permezz ta' stimuli addizzjonali biex tingħeleb id-differenza fil-kunċetti, billi jiġu klassifikati l-flussi f'termini mhux monetarji skont l-industrija jew is-settur, jew permezz tal-aġġustament tal-kunċetti użati fil-kont satellita.
- 22.53 Il-kombinazzjoni tal-informazzjoni fil-kontijiet nazzjonali u l-informazzjoni l-oħra f'sett wieħed ta' tabelli jew kontijiet tirrikjedi ħidma addizzjonali: l-omissjonijiet, id-dupplikazzjonijiet, u l-inkonsistenzi fiċ-ċifri għandhom jiġu riżolti u l-plawsibbiltà tar-riżultati vvalutata. Huwa preferibbli li jinkiseb sett ta' tabelli bilanċjat kompletament. Madankollu, jista' jkun meħtieġ li jintwerew id-diskrepanzi bejn is-sorsi ta' *data* u approċċi alternattivi.
- 22.54 It-trasformazzjoni ta' kont satellita konsistenti fi prodott għall-utenti tad-*data* tista' tinvolvi passi addizzjonali. Tista' tiġi introdotta tabella li tagħti ħarsa ġenerali bl-indikaturi ewlenin għal numru ta' snin. Dawn l-indikaturi ewlenin jistgħu jiffokaw fuq id-deskrizzjoni tad-daqs, il-komponenti u l-iżviluppi tal-kwistjoni speċifika involuta, jew jistgħu juru l-konnessjonijiet mal-ekonomija nazzjonali u l-komponenti prinċipali tagħha. Jista' jiġi miżjud dettall addizzjonali jew klassifikazzjonijiet rilevanti għal skopijiet politiċi u analitiċi. Id-dettall bi ftit valur miżjud jew miġbur bi spejjeż relattivament għolja jista' jitneħħa. L-isforzi jistgħu jiffokaw ukoll fuq it-tnaqqis tal-kumplessità tat-tabelli, iż-żieda fis-sempliċità u t-trasparenza għall-utenti tad-*data* u jinkludu dekompożizzjonijiet standard taż-żamma tal-kotba ftabella separata.

DISA' KONTIJET SATELLITA SPEĊIFIĊI

- 22.55 Fil-kumplement ta' dan il-kapitolu, il-kontijiet satellita li ġejjin huma diskussi fil-qosor:
- (a) kontijiet agrikoli;
 - (b) kontijiet ambjentali;
 - (c) kontijiet tas-saħħa;
 - (d) kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi;
 - (e) kontijiet tax-xogħol u SAMs;
 - (f) kontijiet tal-produttività u t-tkabbir;
 - (g) kontijiet tar-R&Ż;
 - (h) kontijiet tal-protezzjoni soċjali;
 - (i) kontijiet satellita tat-turiżmu.

Kontijiet agrikoli

- 22.56 Eżempju ta' kont agrikolu hu l-Kont Ekonomiku għall-Agricoltura (EAA) ⁽¹⁾. L-iskop tiegħu hu li jiddeskrivi l-produzzjoni agrikola u l-iżvilupp tal-introjt agrikolu. Din l-informazzjoni tintuża għall-analiżi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-agrikultura ta' Stat Membru u għas-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni fl-Unjoni.
- 22.57 L-EAA jikkonsistu f'kont tal-produzzjoni, kont tal-ġenerazzjoni tal-introjt, kont tal-introjt imprenditorjali u kont tal-kapital għal produzzjoni agrikola. Il-kont tal-produzzjoni fih disaggregazzjoni elaborata li turi l-output għal firxa ta' prodotti agrikoli, kif ukoll attivitajiet sekondarji mhux agrikoli; dettall sostanzjali huwa ppreżentat ukoll għal konsum intermedju u l-formazzjoni ta' kapital. Id-*data* għall-kont tal-produzzjoni u għall-formazzjoni grossa ta' kapital fiss hija kemm fi prezzijiet attwali kif ukoll f'termini ta' volum. Barra minn hekk, tliet indikaturi tal-introjt agrikolu huma ppreżentati kif ġej:
- (a) indiċi tal-introjt reali ta' fatturi fl-agrikultura għal kull unità ta' xogħol annwali, li jitqies bħala l-ekwivalenti għal full-time;
- (b) indiċi tal-introjt imprenditorjali agrikolu nett reali għal kull unità ta' xogħol annwali mhux b'salarju, li jitqies bħala l-ekwivalenti għal full-time;
- (c) introjt imprenditorjali nett tal-agrikultura.

L-indiċijiet u l-bidliet f'termini reali tal-valuri tal-indikaturi tal-introjt jinkisbu permezz ta' deflazzjoni tad-*data* nominali korrispondenti bl-indiċi tal-prezz impliċitu tal-PDG.

- 22.58 L-industrija agrikola fl-EAA tixbah sew lill-industrija agrikola fil-qafas ċentrali. Madankollu, hemm xi differenzi. Pereżempju, jitħallew barra l-unitajiet involuti fil-produzzjoni taż-żerriegħa għar-riċerka jew ċertifikazzjoni jew l-unitajiet li għalihom l-attività agrikola tirrappreżenta biss attività ta' rilassament. Iżda l-parti l-kbira tal-attività agrikoli tal-unitajiet li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex agrikola huma inklużi fl-industrija agrikola.
- 22.59 L-EAA jiffukaw fuq il-proċess ta' produzzjoni u l-introjt derivat minnu. Madankollu, bħala prinċipju, mhux obligatorju li kont satellita dwar ħtieġa agrikola jikkorrispondi b'mod sħiħ mal-EAA. Il-kontijiet agrikoli jistgħu jinkludu wkoll tabella tal-provvista u tal-użu li tipprovdi ħarsa ġenerali sistematika tal-provvista u l-użu tal-prodotti agrikoli. Dan jipprovdi informazzjoni dwar ir-rwol tal-importazzjoni, inkluż ir-rwol tad-dazji tal-importazzjoni, u l-iżviluppi fid-domanda għal prodotti agrikoli bħall-esportazzjoni u l-konsum finali mill-unitajiet domestiċi, u r-rwol tat-taxxi u s-sussidji relatati. Il-kontijiet agrikoli jistgħu jitwessgħu wkoll billi jinkludu attivitajiet sekondarji mhux agrikoli, bħal dawġ għal attività ta' rilassament. Dan jista' jiżvela tendenzi importanti u mekkaniżmi ta' sostituzzjoni. L-interazzjoni mal-gvern tista' ssir espliċita biż-żieda ta' tabella li turi l-introjt kollu u t-trasferimenti kollha ta' kapital mill-gvern lokali, ċentrali, jew Ewropew lill-industrija agrikola; dan jista' jinkludi wkoll trattamenti speċjali fis-sistema tat-taxxa. Il-kontijiet agrikoli jistgħu jifasslu wkoll bħal kont ta' settur speċjali u jinkludu sekwenza sħiħa tal-kontijiet inklużi karti tal-bilanċ u kontijiet finanzjarji, għal bdiewa u korporazzjonijiet involuti fl-agrikultura.

Kontijiet ambjentali

- 22.60 Fil-linji gwida internazzjonali dwar il-kontijiet ambjentali (Sistema tal-Kontabbiltà Ambjentali u Ekonomika, SEEA, 2003) ⁽²⁾, huwa preżentat qafas tal-kontabbiltà elaborat għad-deskrizzjoni u l-analiżi tal-ambjent u l-interazzjonijiet tiegħu mal-ekonomija. Il-kontijiet ambjentali huma kont satellita tal-kontijiet nazzjonali. Dan jimplika li jintużaw l-istess klassifikazzjonijiet u kunċetti; jiddaħħlu modifiki biss meta dan ikun meħtieġ għall-iskop tal-kontijiet ambjentali.
- 22.61 Is-sett ta' kontijiet integrat għall-informazzjoni ekonomika u ambjentali jippermetti analiżi tal-kontribuzzjoni tal-ambjent għall-ekonomija u l-impatt tal-ekonomija fuq l-ambjent. Dan jissodisfa l-ħtieġijiet ta' dawġ li jfasslu l-politika billi jipprovdi indikaturi u statistika deskrittiva għas-sorveljanza tal-interazzjoni bejn l-ambjent u l-ekonomija. Huwa jista' jservi wkoll bħala għodda għall-ippjanar strateġiku u l-analiżi tal-politika għall-identifikazzjoni ta' mogħdijiet ta' żvilupp iżjed sostenibbli. Pereżempju, persuni li jfasslu l-politika li jiddeterminaw l-iżvilupp tal-industriji filwaqt li jagħmlu użu estensiv tar-riżorsi ambjentali jew bħala inputs jew bħala bjar (sinks) iridu jkunu konxji tal-effetti ambjentali fuq perijodu ta' żmien twil. Persuni li jfasslu l-politika li jistabbilixxu standards ambjentali jridu jkunu konxji wkoll tal-konsegwenzi probabbli għall-ekonomija, eż. liema industriji aktarx ser isofru u x'inhuma l-konsegwenzi għall-impjeggi u l-kapaċità tal-akkwist. Jista' jsir paragon bejn strateġiji ambjentali alternattivi billi jitqiesu l-konsegwenzi ekonomiċi.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontabbiltà ekonomika għall-agrikultura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

⁽²⁾ Il-Manwal huwa ppubblikat taħt ir-responsabbiltà konġunta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali, l-OECD u l-Bank Dinji.

- 22.62 Fil-qafas ċentrali, ittieħed kont ta' diversi aspetti tal-kontabbiltà ambjentali. B'mod partikolari, ħafna entrati ta' kontabbiltà ta' kost u ta' kapital għar-riżorsi naturali ġew identifikati separatament fil-klassifikazzjonijiet u l-kontijiet li jitrattaw l-istokks u bidliet oħra fil-volum tal-assi. Pereżempju, il-klassifikazzjoni ta' assi mhux prodotti turi entrati separati għal assi tas-saffi tal-ħamrija ta' taħt bħal riżervi taż-żejt, riżervi minerali, riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati u riżorsi tal-ilma. Tali karatteristiċi jiffaċilitaw l-użu tal-qafas ċentrali bħala punt ta' tluq għal kontabbiltà ambjentali. Madankollu, diversi elementi tal-qafas ċentrali, partikolarment dawk fil-kont għal bidliet oħra fil-volum, huma disaggregati iżjed u kklassifikati mill-ġdid fil-kont satellita, u elementi oħra huma miżjuda.
- 22.63 Minn aspekk ambjentali, hemm żewġ żvantaġġi ewlenin fil-qafas ċentrali u l-aggregati ewlenin tiegħu bħall-PDG, il-formazzjoni ta' kapital u t-tfaddil. L-ewwel nett, it-tnaqqis u l-iskarsezza tar-riżorsi naturali għandhom koperatura limitata, u dawn il-fatturi jistgħu jkunu ta' theddida għall-produttività sostenuta tal-ekonomija. It-tieni nett, il-qafas ċentrali ma jkoprix id-degradazzjoni tal-kwalità ambjentali u l-konsegwenzi għas-saħħa u l-benessri tal-bnedmin.
- 22.64 Fil-qafas ċentrali, l-assi prodotti biss jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-valur nett miżjud. Il-kost tal-użu ta' tagħhom hi riflessa fil-konsum intermedju u l-konsum tal-kapital fiss. Assi naturali mhux prodotti –bħall-art, ir-riżervi minerali u l-foresti — huma inklużi fil-qasam tal-assi safejn dawn ikunu taħt il-kontroll effettiv tal-unitajiet istituzzjonali. Madankollu, l-użu ta' tagħhom mhuwiex ikkunsidrat fl-ispejjeż tal-produzzjoni. Dan jimplika li l-prezz tal-prodotti ma jirriflettix dawn l-ispejjeż, jew, fil-każ tal-ispejjeż tat-tnaqqis, li tali spejjeż huma inklużi ma' elementi oħra mhux identifikati fid-derivazzjoni residwali tal-eċċess operattiv. Il-kontijiet ambjentali jippermettu li tali spejjeż jiġu rikonossuti u stmati espliċitament.
- 22.65 Il-qafas tal-kontabbiltà ambjentali SEEA2003 jinkludi ħames kategoriji:
- (a) kontijiet ta' fluss fiżiċi u ibridi;
 - (b) kontijiet ekonomiċi għal transazzjonijiet ambjentali;
 - (c) kontijiet tal-assi ambjentali f'termini fiżiċi u monetarji;
 - (d) kontijiet għal infiq difensiv u tnaqqis;
 - (e) modifika ta' aggregati mill-qafas ċentrali biex tkun koperta d-degradazzjoni.
- 22.66 Il-kontijiet ta' fluss fiżiċi u ibridi jirreġistraw erba' tipi differenti ta' flussi:
- (a) Riżorsi naturali: minerali, riżorsi tal-enerġija, l-ilma, il-ħamrija u riżorsi bijoloġiċi. Fil-preżent dawn jinbiegħu fis-swieq, jidħlu fl-isfera ekonomika u jistgħu jiġu karatterizzati bħala prodotti;
 - (b) Inputs tal-ekosistema: ossiġnu meħtieġ għal kombustjoni u l-ilma permezz tax-xita jew nixxigħat naturali u inputs naturali oħra bħal nutrijenti u diossidu tal-karbonju meħtieġ mill-pjanti għat- tkabbir; dan jeskludi l-ilma, in-nutrijenti jew l-ossiġnu pprovduti bħala prodotti mill-ekonomija;
 - (c) Prodotti: oġġetti u servizzi prodotti fl-isfera ekonomika u użati fiha, inklużi flussi ta' oġġetti u servizzi bejn l-ekonomija nazzjonali u l-kumplement tad-dinja. Dan jinkludi assi bijoloġiċi kkultivati, riżorsi naturali mibjugħa jew mixtrija bħaż-żejt, l-injam u l-ilma, u ruttam b'valur ekonomiku;
 - (d) Residwi: outputs inċidentali u mhux mixtieqa mill-ekonomija li għandhom valur ta' zero jew negattiv għall-ġeneratur. Ir-residwi jkopru l-iskart solidu, likwidu u tal-gass. Dawn jistgħu jkunu rriċiklati jew użati mill-ġdid, jew rilaxxati fl-ambjent. Ir-residwi jista' jkollhom valur pożittiv għal unità oħra minbarra l-ġenerazzjoni. Pereżempju, l-iskart ta' unità domestika miġbur għar-riċiklaġġ ma għandu l-ebda valur għall-unità domestika iżda jista' jkollu xi valur għal min jirriciklah. Ir-ruttam li għandu valur realizzabbli mill-ġeneratur, bħal tagħmir mormi, hu trattat bħala prodott u mhux bħala residwi.
- 22.67 Il-flussi fiżiċi huma mkejla f'unitajiet ta' kwantità, li jirriflettu l-karatteristiċi fiżiċi tal-materjal, l-enerġija jew ir-residwi inkwistjoni. Fluss fiżiku jista' jitkejjel f'unitajiet alternattivi skont il-karatteristika fiżika li tiġi kkunsidrata.

L-adegwatezza ta' unità waħda partikolari tiddependi fuq l-iskop u l-użu intiż tal-kont ta' fluss. Għal kontabbiltà tal-fluss fiżiku, il-piż u l-volum huma l-iżjed karatteristiċi fiżiċi użati spiss. Fil-każ ta' flussi tal-enerġija, joules jew tunnelli ta' żejt ekwivalenti huma l-iżjed unità komuni użata. L-unitajiet ta' kwantità fil-kontijiet ta' fluss fiżiċi jvarjaw mill-volumi użati fil-qafas ċentrali. Pereżempju, fil-qafas ċentrali l-volum ta' kompjuter mhuwiex il-piż tiegħu, iżda huwa taħlita peżata tal-karatteristiċi mixtieqa mill-utent, bħall-veloċità tal-kalkolu.

- 22.68 Il-kontijiet ta' fluss fiżiċi jistgħu jiġu ppreżentati bħala tabelli tal-provvista u tal-użu. Dan jidher fit-Tabelli 22.12 u 22.13.
- 22.69 Il-kontijiet ta' fluss ibridi huma preżentazzjoni b'matriċi unika li fiha kemm kontijiet nazzjonali f'termini monetarji kif ukoll kontijiet ta' fluss fiżiċi. Tip importanti ta' kontijiet ibridi huma t-tabelli ibridi tal-provvista u l-użu; dawn jikkombinaw informazzjoni mit-tabelli tal-provvista u l-użu fiżiċi ma' dik ta' tabelli tal-provvista u l-użu li huma f'termini monetarji.
- 22.70 L-informazzjoni fil-kontijiet ta' fluss ibridi tista' tkun marbuta ma' temi ambjentali li jindirizzaw tħassib ambjentali partikolari, bħall-effett serra, it-tnaqqis tas-saff tal-ożonu u l-aċidifikazzjoni. Dan jeħtieġ fatturi ta' konverżjoni sabiex iċ-ċifri għal sustanzi speċifiċi jiġu trasformati f'indikaturi aggregati għal temi ambjentali. Dan jista' mbagħad jirriżulta f'tabella li tagħti ħarsa ġenerali li turi l-kontribuzzjoni tal-konsum u l-produzzjoni ta' diversi industrijiet għad-diversi temi ambjentali u l-PDG bħal fit-Tabella 22.14.

Tabella 22.12 — Tabella tal-provvista u l-użu fiżiċi

Tabella tal-provvista fiżika

(Miljuni ta' tunnelli)

		Industriji				Konsum			Kapital	Kumplement tad-dinja				Ambjent nazzjonali	Provvista totali ta' materjal
		Agrikoltura, sajd u tħaffir fminjieri	Manifattura tal-elettriku u kostruzzjoni	Servizzi	Total tal-industriji	Trasport għall-akkont proprju	Konsum ieħor	Konsum totali	Formazzjoni ta' kapital, biddiet fl-inventarji, ħżin ta' skart	Importazzjoni ta' prodotti	Riżorsi naturali u inputs tal-ekosistemi pprovduti minn persuni mhux residenti fit-territorju nazzjonali	Residwi minn persuni mhux residenti fir-Row	Flussi ta' dħul transkonfinali mir-Row permezz ta' mezz ambjentali		
		I1	I2	I3	I	C1	C2	C	CF	M2	M1	M1	M3	E	
Prodotti	P1	Prodotti tal-annimali u tal-ħxejjex	66,000	49,000	1,000	116,000					16,000				132,000
	P2	Ħaġar, żrar u materjali tal-bini	112,000	163,000		275,000					13,000				288,000
	P3	Enerġija	65,000	59,000		124,000					95,000				219,000
	P4	Metalli, makkinarju eċċ.		10,000		10,000					10,000				20,000
	P5	Plastik u prodotti tal-plastik		2,000		2,000					2,000				4,000
	P6	Injam, karta eċċ.	7,000	7,000		14,000					1,000				15,000
	P7	Kommoditajiet oħra		9,000	1,000	10,000					13,000				23,000
		Il-prodotti kollha	250,000	299,000	2,000	551,000					150,000				701,000

		Industriji				Konsum			Kapital	Kumpliment tad-dinja				Ambjent nazzjonali	Provvista totali ta' materjal
		Agrikoltura, sajd u tħaffir f-minjieri	Manifattura tal-elettriku u kostruzzjoni	Servizzi	Total tal-industriji	Trasport għall-akkont proprju	Konsum ieħor	Konsum totali	Formazzjoni ta' kapital, bidliet fl-inventarji, l-żin ta' skart	Importazzjoni ta' prodotti	Riżorsi naturali u inputs tal-ekosistemi pprovduti minn persuni mhux residenti fl-territorju nazzjonali	Residwi minn persuni mhux residenti fir-RoW	Flussi ta' dħul transkonfinali mir-RoW permezz ta' mezzi ambjentali		
		I1	I2	I3	I	C1	C2	C	CF	M2	M1	M1	M3	E	
Residwi	Għat-territorju nazzjonali														
	R1	CO ₂	19,020	111,398	29,930	160,348	16,908	25,080	41,988	0,990			4,172		207,498
	R2	N ₂ O	0,007	0,042	0,012	0,061	0,003	0,004	0,007				0,001		0,069
	R3	CH ₄	0,073	0,452	0,125	0,650	0,004	0,020	0,024	0,477			0,001		1,152
	R4	NO _x	0,061	0,275	0,151	0,487	0,084	0,026	0,110				0,025	0,117	0,739
	R5	SO ₂	0,023	0,139	0,030	0,192	0,003	0,001	0,004				0,001	0,087	0,284
	R6	NH ₃	0,020	0,123	0,038	0,181		0,007	0,007					0,019	0,207
	R7	Oħrajn fl-arja	0,010	0,061	0,015	0,086		0,012	0,012					0,002	0,100
	R8	P	0,070	0,020	0,004	0,094		0,011	0,011	0,003			0,001	0,014	0,123
	R9	N	0,590	0,210	0,098	0,898		0,117	0,117	0,024			0,006	0,323	1,368
	R10	Oħrajn fl-ilma	0,030	0,021	0,006	0,057		0,021	0,021	0,001			0,001	0,003	0,083
	R11	Skart tal-minjieri	7,233	2,320		9,553									9,553
	R12	Skart solidu ieħor	8,103	71,619	22,929	102,651	0,100	5,060	5,160	71,100			1,548	7,656	188,115

(Miljuni ta' tunnelli)

		Industrija				Konsum			Kapital	Kumplement tad-dinja				Ambjent nazzjonali	Provvista totali ta' materjal
		Agrikultura, sajd u tħaffir f'minjieri	Manifattura tal-elettriku u kostruzzjoni	Servizzi	Total tal-industrija	Trasport għall-akkont proprju	Konsum ieħor	Konsum totali	Formazzjoni ta' kapital, bidliet fl-inventarji, ħżin ta' skart	Importazzjoni ta' prodotti	Riżorsi naturali u inputs tal-ekosistemi pprovduti minn persuni mhux residenti fit-territorju nazzjonali	Residwi minn persuni mhux residenti fir-RoW	Flussi ta' dħul transkonfinali mir-RoW permezz ta' mezzi ambjentali		
		I1	I2	I3	I	C1	C2	C	CF	M2	M1	M1	M3	E	
	Total għal territorju nazzjonali	35,240	186,680	53,338	275,258	17,102	30,359	47,461	72,595			5,756	8,221		409,291
	Għat-territorju RoW														
	Fl-arja														
R1	CO ₂			4,569	4,569	0,739		0,739							5,308
R4	NO _x			0,010	0,010	0,004		0,004							0,014
R5	SO ₂			0,008	0,008	0,002		0,002							0,010
	Total għat-territorju RoW			4,587	4,587	0,745		0,745							5,332
	Residwi totali	35,240	186,680	57,925	279,845	17,847	30,359	48,206	72,595			5,756	8,221		414,623
	Provvista totali ta' materjal	285,240	485,680	59,925	830,845	17,847	30,359	48,206	72,595	150,000		5,756	8,221		1 115,623
	Akkumulazzjoni netta tal-materjali kollha (l-użu li minnu titnaqqas il-provvista)					Żieda netta skont il-konsum (oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul)			Żieda netta fil-kapital	Esportazzjoni netta ta' prodotti	Estrazzjoni netta minn persuni mhux residenti	Residwi netti minn residenti fir-RoW	Fluss ta' ħruġ transkonfinali nett permezz ta' mezzi ambjentali	Akkumulazzjoni netta ta' residwi fl-ambjent nazzjonali	Bilanċ nett
						1,153	15,641	16,794	72,215	- 49,000	3,000	- 0,424	- 4,302	372,717	411,000

Sors: Sett tad-data SEEAland.

Tabella 22.13 — Tabella tal-provvista u l-użu fiżiċi (tkompli)

Tabella tal-użu fiżiku

		(Miljuni ta' tunnelli)														
		Industriji				Konsum			Kapital	Kumplement tad-dinja				Ambjent nazzjonali	Użu totali ta' materjal	
		Agrikoltura, sajd u tħaffir f'minjieri	Manifattura tal-elettriku u kostruzzjoni	Servizzi	Total tal-industriji	Trasport għall-akkont propriu	Konsum ieħor	Konsum totali	Formazzjoni ta' kapital, bidliet fl-inventarji, ħżin ta' skart	Esportazzjoni	Riżorsi naturali u inputs tal-ekosistemi pprovduti minn persuni mhux residenti fit-territorju nazzjonali	Residwi minn persuni mhux residenti fir-RoW	Flussi ta' ħruġ transkonfinali lejn ir-RoW permezz ta' mezzi ambjentali			
		I1	I2	I3	I	C1	C2	C	CF	X2	X1	X1	X3	E		
Prodotti	P1	Prodotti tal-animali u tal-ħxejjex	23,000	60,000	4,000	87,000		16,000	16,000	3,000	26,000					132,000
	P2	Ħaġar, żrar u materjali tal-bini	12,000	148,000	2,000	162,000		2,000	2,000	114,000	10,000					288,000
	P3	Enerġija	34,000	101,000	20,000	155,000	7,000	10,000	17,000		47,000					219,000
	P4	Metalli, makkinarju eċċ.		11,000		11,000	1,000		1,000	1,000	7,000					20,000
	P5	Plastik u prodotti tal-plastik		2,000		2,000					2,000					4,000
	P6	Injam, karta eċċ.		7,000	4,000	11,000		1,000	1,000		3,000					15,000
	P7	Kommoditajiet oħra	5,000	8,000	1,000	14,000		2,000	2,000	1,000	6,000					23,000
		Il-prodotti kollha	74,000	337,000	31,000	442,000	8,000	31,000	39,000	119,000	101,000					701,000

(Miljuni ta' tunnelli)

		Industriji				Konsum			Kapital	Kumplement tad-dinja				Ambjent nazzjonali	Użu totali ta' materjal	
		Agricoltura, sajd u tħaffir f'minjieri	Manifattura tal-elettriku u kostruzzjoni	Servizzi	Total tal-industriji	Trasport għall-akkont propriu	Konsum ieħor	Konsum totali	Formazzjoni ta' kapital, bidliet fl-inventarji, ħżin ta' skart	Esportazzjoni	Riżorsi naturali u inputs tal-ekosistemi pprovduti minn persuni mhux residenti fit-territorju nazzjonali	Residwi minn persuni mhux residenti fir-RoW	Flussi ta' ħruġ transkonfinali lejn ir-RoW permezz ta' mezzi ambjentali	E		
																I1
Riżorsi naturali	Riżorsi naturali nazzjonali															
	N1	Żejt	38,000													38,000
	N2	Gass	27,000													27,000
	N3	Oħrajn	118,000	55,000												173,000
	N4	Injam	7,000	1,000												9,000
	N5	Ħut	1,000													2,000
	N6	Oħrajn		2,000												2,000
	N7	Ilma	1,000	6,000												7,000
		Total tar-riżorsi naturali nazzjonali	192,000	64,000												258,000
		Riżorsi naturali tar-RoW														
	N5	Ħut	4,000													4,000
N7	Ilma		1,000												2,000	
	Total tar-riżorsi naturali tar-RoW	4,000	1,000												6,000	
	Total tar-riżorsi naturali	196,000	65,000												264,000	

(Miljuni ta' tunnelli)

		Industriji				Konsum			Kapital	Kumplement tad-dinja				Ambjent nazzjonali	Użu totali ta' materjal
		Agrikultura, sajd u tħaffir f'minjieri	Manifattura tal-elettriku u kostruzzjoni	Servizzi	Total tal-industriji	Trasport għall-akkont propriu	Konsum ieħor	Konsum totali	Formazzjoni ta' kapital, bidliet fl-inventarji, hżim ta' skart	Esportazzjoni	Riżorsi naturali u inputs tal-ekosistemi pprovduti minn persuni mhux residenti fit-territorju nazzjonali	Residwi minn persuni mhux residenti fir-RoW	Flussi ta' ħruġ transkonfinali lejn ir-RoW permezz ta' mezzi ambjentali	E	
Inputs tal-ekosistema	Inputs tal-ekosistema nazzjonali	15,000	81,000	22,000	118,000	10,000	13,000	23,000			2,000				143,000
	Inputs tal-ekosistema tar-RoW			3,000	3,000	1,000		1,000							4,000
	Inputs totali tal-ekosistema	15,000	81,000	25,000	121,000	11,000	13,000	24,000			2,000				147,000
Residwi	Mit-territorju nazzjonali														
	R1	CO ₂												207,498	207,498
	R2	N ₂ O												0,069	0,069
	R3	CH ₄												1,152	1,152
	R4	NO _X										0,669	0,070	0,739	0,739
	R5	SO ₂										0,196	0,088	0,284	0,284
	R6	NH ₃										0,099	0,108	0,207	0,207
	R7	Oħrajn mill-arja										0,002	0,098	0,100	0,100
	R8	P			0,020	0,020						0,010	0,093	0,123	0,123
	R9	N			0,115	0,115						0,543	0,710	1,368	1,368
	R10	Oħrajn mill-ilma			0,010	0,010						0,002	0,071	0,083	0,083
	R11	Skart tal-minjieri											9,553	9,553	9,553
R12	Skart solidu ieħor	0,240	2,680	3,780	6,700				25,810			2,398	153,207	188,115	

(Miljuni ta' tunnellati)

		Industriji				Konsum			Kapital	Kumplement tad-dinja				Ambjent nazzjonali	Użu totali ta' materjal
		Agricoltura, sajd u tħaffir f'minjieri	Manifattura tal-elettriku u kostruzzjoni	Servizzi	Total tal-industriji	Trasport għall-akkont propriu	Konsum ieħor	Konsum totali	Formazzjoni ta' kapital, bidliet fl-inventarji, ħżin ta' skart	Esportazzjoni	Riżorsi naturali u inputs tal-ekosistemi pprovduti minn persuni mhux residenti fit-territorju nazzjonali	Residwi minn persuni mhux residenti fir-RoW	Flussi ta' ħruġ transkonfinali lejn ir-RoW permezz ta' mezzi ambjentali		
		I1	I2	I3	I	C1	C2	C	CF	X2	X1	X1	X3	E	
	Total mit-territorju nazzjonali	0,240	2,680	3,925	6,845				25,810				3,919	372,717	409,291
	Lejn territorju RoW														
R1	CO ₂											5,308			5,308
R4	NO _x											0,014			0,014
R5	SO ₂											0,010			0,010
	Total mit-territorju tar-RoW											5,332			5,332
	Total	0,240	2,680	3,925	6,845				25,810			5,332	3,919	372,717	414,623
	Użu totali ta' materjal	285,240	485,680	59,925	830,845	19,000	46,000	65,000	144,810	101,000	3,000	5,332	3,919	372,717	1 526,623

Tabella 22.14 — Kontribuzzjoni netta tal-konsum u l-produzzjoni għall-PDG u għal sitt temi ambjentali fil-Pajjiżi l-Baxxi, 1993

Perċentwali

	Ekonomija	Ambjent				
		Effett serra	Tnaqqis tas-saff tal-ożonu	Aċidifikazzjoni	Ewtrofikazzjoni	Skart solidu
Total		100	100	100	100	100
Konsum		19	2	15	9	31
Industrija		79	97	85	91	66
Kapital u sorsi oħra		2	1	—	—	3
Konsum	100	100	100	100	100	100
Trasport proprju	8	38	—	88	21	1
Konsum ieħor	92	62	100	12	79	99
Produzzjoni	100	100	100	100	100	100
Agrikoltura, kaċċa, foresterija, sajd	3	15	2	47	91	7
Tħaffir fil-minjieri u fil-barrieri	3	2	—	1	—	1
Manifatturar						
Industrija taż-żejt mhux raffinat	1	7	—	11	—	
Industrija kimika	2	14	27	6	2	16
Industrija ta' prodotti tal-metall u makkinarju	3	2	9	1	—	2
Manifatturar ieħor	12	12	20	7	6	25
Servizzi pubbliċi	2	26	—	9	1	2
Trasport u ħżin	6	8	6	12	1	5
Servizzi oħra	68	14	36	6	-1	42

Sors: de Haan (1997).

Nota: sing (—) jindika li l-ammont hu żero.

- 22.71 Il-kontijiet ekonomiċi għal transazzjonijiet ambjentali jikkonsistu f'kontijiet tal-protezzjoni ambjentali u kontijiet għal transazzjonijiet oħra relatati mal-ambjent, bħal taxxi, sussidji, għotjiet ta' investiment, introjtu fuq il-proprjetà u l-akkwist ta' drittijiet tal-emissjoni u tal-proprjetà.
- 22.72 Għad-deskrizzjoni tal-protezzjoni ambjentali, approċċ funzjonali kkombinat ma' tip ta' analiżi tal-attività u l-prodott huwa tassew utli. Il-protezzjoni ambjentali tkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi u prodotti. Xi eżempji huma l-investiment f'teknoloġiji nodfa, ir-restawr tal-ambjent wara li jkun ġie mniġġes, ir-riċiklaġġ, il-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi ambjentali, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-assi u r-riżorsi naturali. Jista' jiġi definit aggregat nazzjonali tal-infiq għall-protezzjoni ambjentali biex jinkludi attivitajiet anċillari u prodotti konnessi.
- 22.73 Fil-kontijiet tal-assi ambjentali, huma identifikati tliet tipi differenti ta' assi ambjentali: ir-riżorsi naturali; l-art u l-ilma tal-wiċċ; u l-ekosistemi. Bosta minn dawn l-assi ambjentali mhumiex irreġistrati fil-qafas ċentrali. Dan japplika għall-assi ambjentali li fuqhom ma jstax jiġi stabbilit id-dritt ta' sjieda. Dawn jinkludu elementi tal-ambjent bħall-arja, il-korpi tal-ilma prinċipali u l-ekosistemi li tant huma vasti jew inkontrollabbli li ma jistgħux jiġu infurzati drittijiet effettivi ta' sjieda. Bl-istess mod, ir-riżorsi li l-eżistenza tagħhom ma tkunx ġiet stabbilita b'mod ċar permezz tal-esplorazzjoni u l-iżvilupp bħal depożiti spekulattivi taż-żejt, jew li huma attwalment inaċċessibbli bħal foresti remoti, mhumiex meqjusa bħala assi fil-qafas ċentrali. L-istess jgħodd għal riżorsi li ġew stabbiliti ġeoloġikament jew li huma faċilment aċċessibbli li iżda ma jwasslu għall-ebda benefiċċju ekonomiku għax għalissa għadhom ma jstgħux jiġu sfruttati b'mod profitabbli.

- 22.74 Il-kontijiet tal-assi ambjentali f'termini fiżiċi u monetarji jiddeskrivu l-istokks tad-diversi assi ambjentali u l-bidliet tagħhom. Filwaqt li tali kont jista' jtfassal f'termini monetarji għal xi wħud mill-assi, għal xi oħra kontijiet fiżiċi biss huma possibbli. Għal assi tal-ekosistemi, hu improbabbli li jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli biex jithejw stokks jew bidliet matul sena bl-istess mod eżatt bħal għall-assi ambjentali l-oħra. Għal dawn l-assi, huwa iżjed utli li wieħed jikkonċentra fuq il-kejl tal-bidliet fil-kwalità, li ħafna minnhom ikunu relatati mad-degradazzjoni, eż. aċidifikazzjoni tal-art u l-ilma u d-defoljazzjoni tas-siġar.
- 22.75 L-aggregati fil-qafas ċentrali jistgħu jiġu modifikati biex jieħdu inkunsiderazzjoni aħjar il-kwistjonijiet ambjentali. Tliet tipi ta' aġġustamenti huma normalment rakkomandati: għat-tnaqqis, għall-infiq difensiv mill-gvern, u għad-degradazzjoni.
- 22.76 Minn aspett ambjentali, l-aġġustament għat-tnaqqis għandu jsir għax il-PDG u r-rata ta' tkabbir tiegħu ma jieħdux kont tat-tnaqqis ta' diversi assi ambjentali, bħaż-żejt u l-ħut u l-foresti mhux ikkultivati. Mhux faċli jittieħed kont tat-tnaqqis, u jeżistu bosta possibbiltajiet differenti. Possibbiltà estrema hi li l-użu kollu ta' tali assi naturali mhux prodotti jitqies bħala tnaqqis u għaldaqstant mhux bħala introjtu mill-produzzjoni. Possibbiltà estrema oħra hi li d-dħul kollu mill-bejgħ ta' tali assi jiġi kkunsidrat bħala introjtu li jikkontribwixxi għall-introjtu domestiku. Il-possibbiltajiet l-oħra kollha jaqsmu l-użu ta' l-assi f'komponent għat-tnaqqis u komponent għall-introjtu. Prinċipji differenti u suppożizzjonijiet differenti għat-tul tal-ħajja u r-rati tal-iskont jirriżultaw f'ċifri differenti għall-aġġustament għat-tnaqqis.
- 22.77 L-infiq difensiv fuq l-ambjent ma jikkonsistix biss f'infiq fuq il-protezzjoni ambjentali. Jista' jkun li tkun f'idejn l-amministrazzjoni li tistabbilixxi u tissorvelja l-kwoti tas-sajd jew l-infiq fuq is-saħħa relatata mat-tniġġis atmosferiku jew diżastru nukleari. Huwa rakkomandat li jsir aġġustament għal infiq difensiv mill-gvern sabiex jiġi evitat li dawn iżidu l-PDG: dawn huma maħsuba biex inaqqsu jew ireġġgħu lura l-esternalitajiet ambjentali negattivi tal-produzzjoni jew il-konsum li ma huma rreġistrati mkien fil-PDG. F'termini tal-prodotti domestiku nett, soluzzjoni tista' tkun li l-infiq difensiv kollu mill-gvern jiġi rreġistrat bħala formazzjoni ta' kapital u fl-istess ħin bħala konsum ta' kapital. Madankollu, f'termini tal-PDG li jintuża iżjed spiss, dan ma jaġmel l-ebda differenza.
- 22.78 Il-prodott domestiku, it-tfaddil u aggregati ewlenin oħra jistgħu jiġu aġġustati għad-degradazzjoni, bħall-impatt tat-tniġġis fl-arja u l-ilma. Madankollu, l-inkorporazzjoni tal-effetti tad-degradazzjoni hi iżjed diffiċli, inqas ċerta u iżjed kontroversjali milli li jsiru aġġustamenti fil-kontijiet għat-tnaqqis jew għall-infiq difensiv. Pereżempju, kif jista' jittieħed kont tal-ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-fatt li l-pjanti jew l-annimali jikbru iżjed bil-mod, jirriproduċu inqas u jmutu qabel minħabba t-tniġġis ambjentali? Għandhom id-diżastri jiġu rreġistrati bħala l-konsegwenza tal-attività ekonomika tal-bniedem u għaldaqstant jitnaqqsu mill-PDG?

Kontijiet tas-Saħħa

- 22.79 Il-kontijiet tas-saħħa (ara OECD, 2000, Sistema ta' Kontijiet tas-Saħħa) huma qafas internazzjonali għad-data tas-saħħa mmirata biex isservi l-ħtiġijiet tal-analiżi u l-politika, nazzjonali kif ukoll Ewropej u internazzjonali. Il-qafas hu maħsub għal pajjiżi b'firxa wiesgħa ta' mudelli differenti għall-organizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali tagħhom. Il-qafas hu għodda prinċipali għas-sorveljanza ta' sistemi tal-kura tas-saħħa li jinbidlu malajr u li qed isiru dejjem aktar kumplessi. Huwa jkejjel u jippreżenta bidliet strutturali, bħall-bidliet minn kura in-patient għal dik out-patient u l-emerġenza ta' fornituri multifunzjonali.
- 22.80 Il-kontijiet tas-saħħa jipprovdu tweġibiet għal tliet mistoqsijiet bażiċi:
- (a) X'tip ta' servizzi u oġġetti jinxtrow għall-iskopijiet tas-saħħa?
- (b) Min hu l-fornitur ta' dawn is-servizzi u l-oġġetti?
- (c) X'inhuma s-sorsi tal-iffinanzjar?
- 22.81 Oġġetti u servizzi tal-kura tas-saħħa huma kondiviżi skont il-funzjoni. Jiġu identifikati tliet kategoriji: servizzi u oġġetti tal-kura tas-saħħa personali; servizzi tal-kura tas-saħħa kollettivi; u funzjonijiet relatati mas-saħħa.
- 22.82 It-tipi prinċipali ta' servizzi u oġġetti tal-kura tas-saħħa personali identifikati huma: servizzi ta' kura kurattiva; servizzi ta' kura riabilitattiva; servizzi ta' kura ta' infermiera fit-tul; servizzi anċillari għall-kura tas-saħħa; u oġġetti mediċi mogħtija lil out-patients. Għal dawn is-servizzi personali, ikun utli ferm li ssir sottodivizjoni skont il-mod tal-produzzjoni: kura in-patient, kura matul il-ġurnata, kura out-patient u kura fid-djar. Barra minn hekk, huma importanti wkoll bosta dimensjonijiet oħra għall-klassifikazzjoni tal-kura tas-saħħa personali, bħall-età, is-sess u l-livell ta' introjtu għal kategoriji prinċipali tal-kura tas-saħħa jew skont il-gruppi prinċipali ta' mard, li huwa utli għal studji dwar il-kost tal-mard.

	%PDG			% bidla fil-valur			% bidla fil-volum			% bidla fil-prezz		
	sena t	sena t+1	sena t+2	sena t	semi t+1	sena t+2	sena t	sena t+1	sena t+2	sena t	sena t+1	sena t+2
Total												
tkabbir fil-popolazzjoni												
nefqa minn ras għal ras												
Sorsi ta'finanzjament												
Gvern u sigurtà soċjali												
Assigurazzjoni tas-saħħa privata												
Oħrajn												
Total												
PDG	100	100	100									
tkabbir fil-popolazzjoni												
PDG minn ras għal ras												
				% tat-total nazz- jonali						% bidla fil-volum		% bidla fir-rata tal-paga
Impjieġ fl-industriji 1al-kura tas-saħħa												

Kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi

22.89 Fil-qafas ċentrali, attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħas-servizzi ta' abitazzjonijiet okkupati mis-sidien; il-produzzjoni ta' produzzjoni agrikola għall-konsum personali; u l-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet għall-użu proprju; huma rreġistrati bħala produzzjoni. Madankollu, żewġ tipi prinċipali ta' attività tal-unitajiet domestiċi, servizzi mhux imħallsa minn membri tal-unitajiet domestiċi kkunsmati fl-istess unità domestika, u servizzi ta' volontarjat, mhumiex irreġistrati bħala produzzjoni. Anki fil-kuntest ta' kont satellita, il-kwistjonijiet ta' servizzi tal-unitajiet domestiċi mhux imħallsa u volontarji jgajmu problemi kumplessi ta' kunċett u ta' kejl. Dan huwa qasam ta' riċerka li għaddeja. L-iskop ta' kont satellita għall-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi ⁽¹⁾ huwa li jipprovdi stampa kompluta tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi; biex juri introjtu, konsum u tfaddil ta' tipi differenti ta' unitajiet domestiċi; u l-interazzjonijiet mal-kumpliment tal-ekonomija.

Mistoqsijiet prinċipali li ġew indirizzati huma kif ġej:

- Liema servizzi huma pprovduti?
- Min qed jiprovdi dawn is-servizzi?
- X'inhu l-valur ta' dawn is-servizzi?
- X'inhuma l-inputs kapitali u x'jiġri lill-produttività?
- X'inhuma l-implikazzjonijiet dwar id-daqs u d-distribuzzjoni tal-introjtu, il-konsum u t-tfaddil fuq diversi tipi ta' unitajiet domestiċi u matul iċ-ċiklu tal-ħajja?
- Jeżistu spostamenti bejn servizzi tal-unitajiet domestiċi mħallsa u mhux imħallsa, minħabba żviluppi ekonomiċi u soċjali strutturali, effetti taċ-ċiklu tan-negozju jew politika tal-gvern bħal kwistjonijiet ta' taxxa jew sussidji għall-kura tat-tfal imħallsa?

⁽¹⁾ Ara eż. Eurostat, *Household Production and Consumption — Proposal for a Methodology of Household Satellite Accounts*, 2003; J. Varjonen and K. Aalto, *Household Production and Consumption in Finland — Household Satellite Account*, Statistics Finland and the National Consumer Research Centre, 2006; S. Holloway, S. Short, S. Tamplin, *Household Satellite Account*, ONS London, 2002; J.S. Landefeld and S.H. McCulla, *Accounting for nonmarket household production within a national accounts framework*, Review of Income and Wealth, 2000.

- 22.90 Il-kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi jistgħu jkunu ta' interess partikolari għall-analiżi ta' żviluppi ekonomiċi fuq perijodu ta' żmien twil u għall-paragun internazzjonali tal-livelli ta' produzzjoni, introjtu u konsum. Is-sorsi prinċipali tad-*data* użati għall-kompilazzjoni tal-kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi huma sondaġġi dwar il-baġit tal-unitajiet domestiċi u sondaġġi dwar l-użu tal-ħin, u l-aggregati annwali minn dawn is-sorsi huma distorti bi żbalji fit-teħid tal-kampjuni, u dan ma jippermettix li jiġu kkalkolati r-rati preċiżi tat-tkabbir annwali. Għaldaqstant, il-kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi jinġabru fuq bażi regolari iżda mhux annwali, bħal f'intervalli ta' ħames snin u huma marbuta ma' sondaġġ estensiv dwar l-użu tal-ħin.
- 22.91 Il-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi tinkludi biss servizzi li jistgħu jiġu ddelegati lil xi ħadd ieħor minbarra lill-persuna li tibbenefika minnha, u dan huwa magħruf bħala l-prinċipju tat-terza parti. B'konsegwenza, ta' dan, jiġu esklużi l-kura personali, l-istudju, l-irqad u l-attivitajiet tal-ħin ta' rilassament.
- 22.92 Għall-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi, jistgħu jiġu identifikati funzjonijiet prinċipali differenti: akkomodazzjoni, nutrizzjoni, ilbies, kura tat-tfal, adulti u annimali domestiċi, u ħidma ta' volontarjat li b'definizzjoni tkun ikkunsmata f'unità domestika oħra. Għal kull waħda minn dawn il-funzjonijiet prinċipali, jistgħu jiġu definiti attivitajiet prinċipali jew karatteristiċi. Dan jippermetti l-allokazzjoni tal-infiq jew tal-użu tal-ħin fuq dawn l-attivitajiet għal dawn il-funzjonijiet prinċipali. Madankollu, xi attivitajiet, bħal xiri, vjaġġar u ġestjoni tal-unità domestika, jirreferu għal diversi funzjonijiet. B'konsegwenza ta' dan, l-infiq jew l-użu tal-ħin ta' dawn l-attivitajiet għandu jinqasam fuq dawn il-funzjonijiet.
- 22.93 Fil-qafas ċentrali, l-infiq fuq l-oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul huwa parti mill-infiq tal-konsum finali. Madankollu, fil-kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi, l-infiq bħal dak fuq vetturi, friġġis u tagħmir għall-konstruzzjoni u t-tiswija, jiġi rreġistrat bħala formazzjoni ta' kapital. Is-servizzi tal-kapital ta' tali assi huma inputs għall-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi.
- 22.94 L-output u l-valur miżjud tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi jistgħu jiġu vvalutati bl-użu ta' metodu tal-input jew tal-output. Il-metodu tal-output huwa li l-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi hi vvalutata fil-prezzijiet tas-suq, jiġifieri il-prezz osservat għal servizzi simili mibjugħa fuq is-suq. Għall-metodu tal-input, li jivvaluta l-output bħala s-somma tal-ispejjeż, l-għażla tal-metodu ta' valutazzjoni għall-inputs tax-xogħol hija kruċjali. Il-possibbiltajiet jinkludu l-valutazzjoni tal-pagi inklużi jew esklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u l-għażliet differenti ta' grupp ta' referenza — pagi medji tal-ħaddiema kollha, pagi ta' ħaddiema speċjalizzati jew pagi ta' ħaddiema domestiċi.
- 22.95 Kwistjoni prinċipali għall-kontijiet tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi hi d-daqs u l-kompożizzjoni tal-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi u l-konnessjonijiet mal-qafas ċentrali. Dan jintwera fil-forma ta' tabella tal-użu bħal fit-Tabella 22.16.

Tabella 22.16 — Tabella tal-użu għall-produzzjoni tal-unitajiet domestiċi

	Spejjeż tal-produzzjoni								Produtturi oħrajn	Total	Espor-tazzjoni	Konsum finali		Total	Formazzjoni grossa ta' kapital	Użu totali bil-prezzijiet tax-xerrejja
	Produzzjoni tal-unitajiet domestiċi skont il-funzjoni											Unitajiet Domestiċi	Gvernt			
	Akkomodazzjoni	Nutrizzjoni	Ilbies	Kura, Kura tat-tfal,	Kura tal-adult,	Ħidma oħra ta'	Volontarjat	Total								
Prodotti																
SNA																
Differenzi kunċettwali																
Total																
Kumpens tal-impjegati																
SNA																
Differenzi kunċettwali																
Taxxi netti oħra fuq il-produzzjoni																
Konsum tal-kapital fiss																
SNA																
Differenzi kunċettwali																
Eċċess operattiv, nett																
Total																
SNA																
Differenzi kunċettwali																
Informazzjoni supplimentari																
Inputs tax-xogħol																
SNA																
Differenzi kunċettwali																
Formazzjoni grossa ta' kapital fiss																
SNA																
Differenzi kunċettwali																
Stokk ta' kapital fiss, nett																
SNA																
Differenzi kunċettwali																

Kontijiet tax-xogħol u SAM

22.96 F'ħafna pajjiżi, tinġabar firxa wiesgħa ta' *data* tas-suq tax-xogħol. Iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-istabbilimenti, is-sondaġġi tal-unitajiet domestiċi u tal-intrapriżi dwar il-forza tax-xogħol, is-siġhat tax-xogħol, il-qligħ u l-ispejjeż tax-xogħol, kif ukoll ir-reġistri tal-popolazzjoni, it-taxxi u s-sigurtà soċjali jipprovdu *data* għas-sorveljanza u l-analiżi tal-iżviluppi fis-suq tax-xogħol fuq bażi regolari. Minkejja d-disponibbiltà ta' ammont kbir ta' tali informazzjoni tal-istatistika, dan ma jipprovdi stampa kompluta u affidabbli tas-suq tax-xogħol. Il-problemi ewlenin ta' kejl huma kif ġej:

- (a) riżultati kontradittorji bejn sorsi differenti tad-*data*;
- (b) ħafna kunċetti differenti mingħajr konnessjoni ċara;
- (c) kopertura mhux kompluta;
- (d) limitazzjonijiet fid-deskrizzjoni tad-dinamika tas-suq tax-xogħol;
- (e) nuqqas ta' konnessjonijiet bejn l-istatistika tas-suq tax-xogħol u l-kontijiet nazzjonali, *data* demografika, u statistika soċjali u ekonomika oħra bħall-edukazzjoni u s-sigurtà soċjali.

Sistema ta' kontijiet tax-xogħol tista' ttrissolvi tali problemi billi tikkombina l-informazzjoni kollha dwar is-suq tax-xogħol u billi turi l-konnessjonijiet mal-kunċetti u l-klassifikazzjonijiet prinċipali tas-suq ix-xogħol fil-kontijiet nazzjonali, bħall-kunċetti tal-kumpens tal-impjegati u l-klassifikazzjoni skont l-industrija. Konnessjoni soda mal-kontijiet nazzjonali ttejjeb il-kompilazzjoni kemm tal-kontijiet nazzjonali kif ukoll tal-kontijiet tax-xogħol, u hi utli fid-deskrizzjoni tar-relazzjoni bejn is-suq tax-xogħol u l-kumpliment tal-ekonomija.

22.97 Sistema sempliċi ta' kontijiet tax-xogħol tintwera fit-Tabella 22.17. Din tisfrutta l-identitajiet tal-kontabbiltà li jinkludu kumpens ta' impjegati, siġhat maħduma, numru ta' impjegi, persuni impjegati u l-forza tax-xogħol attiva u potenzjali. Hija sistema sempliċi għaliex turi disaggregazzjoni limitata skont il-karatteristiċi soċjoekonomiċi bħas-sess, iżda mhux l-età jew il-livell ta' edukazzjoni, u disaggregazzjoni sempliċi skont tliet industriji biss, bl-ebda ħaddiem transkonfinali.

22.98 Matriċi tal-Kontabbiltà Soċjali (SAM) hi preżentazzjoni ta' matriċi li turi l-konnessjonijiet bejn it-tabelli tal-provvista u tal-użu u l-kontijiet tas-settur istituzzjonali. SAM normalment tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-impjeg, permezz ta' sottodivizjoni tal-kumpens tal-impjegati u l-introjt mħallat skont it-tip ta' persuna impjegata. Din is-sottodivizjoni tapplika kemm għall-użu ta' xogħol skont l-industrija, kif jidher fit-tabelli ta' użu, u l-provvista ta' xogħol skont is-sottogrupp soċjoekonomiku, kif jidher fl-allokazzjoni tal-kont tal-introjt primarju għas-sottosetturi tas-settur tal-unitajiet domestiċi. B'dan il-mod, il-provvista u l-użu ta' xogħol imħallas jidhru b'mod sistematiku. SAM tista' jitqies bħala sistema mwessa' ta' kontijiet tax-xogħol imqegħda fil-format ta' matriċi. L-istess bħall-kontijiet tax-xogħol u l-kontijiet nazzjonali, SAM turi l-aggregati u tippermetti analiżi f'termini ta' aggregati u medji biss. Għaldaqstant, għal bosta analiżijiet soċjoekonomiċi, il-mudelli ppreferuti jużaw bażi estiża ta' mikrodata bl-informazzjoni dwar karatteristiċi soċjoekonomiċi għal kull persuna u kull unità domestika

Tabella 22.17 Sistema sempliċi tal-kontijiet tax-xoqhol

	Sigħat maħduma mill-industrija				sigħat għal impjeg	Impjiegi, persuni impjegati u forza tax-xoqhol						
	Agrikoltuta (1)	Manfatturar (2)	Servizzi (3)	Total ta' sigħat maħduma (4) = 1 + 2 + 3		Numru ta' impjiegi (6) = 4/5	Numru tat-tieni impjeg (7)	Persuni impjegati (8) = 6 - 7	Persuni mhux impjegati (9)	Forza tax-xoqhol attiva (10) = 8 + 9	Forza tax-xoqhol mhux attiva (11)	Forza tax-xoqhol potenzjali (12) = 10 + 11
Impjegati												
Rġiel												
Nisa												
Jaħdmu għal rashom												
Rġiel												
Nisa												
Total												
	Kumpens ta' impjegati/introjlu mħallat											
Impjegati												
Rġiel												
Nisa												
Jaħdmu għal rashom												
Rġiel												
Nisa												
Total												
	Rimunetazzjoni għal kull siegħa maħduma											
Impjegati												
Rġiel												
Nisa												
Jaħdmu għal rashom												
Rġiel												
Nisa												
Total												

Kontinjet tal-produttività u tat-*tkabbir*

- 22.99 Użu prinċipali tal-kontinjet nazzjonali hu li jiddeskrivu, jissorveljaw u janalizzaw t-*tkabbir* tal-produttività (għal ħarsa ġenerali estiża lejn l-analiżi tal-produttività, ara l-OECD, —Manwal tal-OECD li jkejjel il-Produttività: il-Kejl tat-*Tkabbir* tal-Produttività Aggregat u fuq il-livell tal-Industrija, 2001). Il-kejl u l-analiżi tat-*tkabbir* tal-produttività jintużaw biex jinftiehem l-bidliet prinċipali fl-istruttura tal-industrija u ż-żieda fl-istandards tal-għajxien matul dan l-aħħar seklu f'ħafna pajjiżi. Il-kejl u l-analiżi tat-*tkabbir* tal-produttività jintużaw ukoll biex jitfasslu politiki li jstimulaw it-*tkabbir* tal-produttività u jżidu l-prosperità, filwaqt li jqsu wkoll konsiderazzjonijiet oħra ta' politika bħal kwistjonijiet ta' ekwità u dawk ambjentali.
- 22.100 It-*tkabbir* ekonomiku f'termini tal-kontinjet nazzjonali huwa t-*tkabbir* fil-volum tal-PDG, u dan jista' jittqassam f'komponenti li jinkludu bidliet fil-produttività tax-xogħol, il-produttività għal kull unità tax-xogħol, u tibdil fil-volum tax-xogħol. L-istess disaggregazzjoni tista' ssir għall-bidla fil-volum tal-valur miżjud mill-industrija. Dan l-approċċ sempliċi jipprovi qafas għas-sorveljanza u l-analiżi tat-*tkabbir* ekonomiku skont l-industrija. Ċifri iżjed omoġeni dwar l-inputs tax-xogħol miksuba bl-użu mhux biss tan-numru ta' impjegati, iżda l-ekwivalenti full-time jew is-siġħat maħduma u d-distinzjoni bejn id-diversi kwalitajiet ta' xogħol, jirriżultaw f'ċifri tal-produttività tax-xogħol iżjed dettaljati.
- 22.101 Dan l-approċċ sempliċi jħalli barra r-rwol ta' inputs oħra, bħas-servizzi tal-kapital u l-prodotti intermedji. Dan jista' jiżgwida ħafna. Pereżempju, il-produttività tax-xogħol tista' milli jidher tiżdid sostanzjalment minħabba intensità oġġla ħafna aktar fil-kapital iżda tista' tiżdid ukoll minħabba żieda fl-effiċjenza filwaqt li jintuża l-istess ammont ta' kapital. Billi jittqiesu wkoll inputs oħra, titkejjel il-produttività multifattorjali u s-sorsi tat-*tkabbir* tal-produttività jstgħu jinftiehem aħjar. Il-kejl tal-produttività multifattorjali jammonta għad-dekompożizzjoni tal-bidla fil-volum tal-output f'bidliet fid-diversi volumi tal-inputs kollha flimkien ma' residwu: *tkabbir* tal-produttività multifattorjali. It-*tkabbir* tal-produttività multifattorjali jirrifletti dak kollu li mhuwiex spjegat bid-diversi inputs, jiġifieri r-rwol ta' inputs oħrajn. Madankollu, jista' jirrifletti wkoll iżbalji fil-kejl fl-outputs jew l-inputs.
- 22.102 Il-volum tal-input tal-kapital mill-istokk tal-kapital fiss jista' jittkejjel f'diversi modi. Hemm tliet għażliet kruċjali li għandhom isiru:
- il-forma tal-effiċjenza skont l-età jew il-funzjoni tal-prezz skont l-età għal kull tip ta' assi; għażliet komuni huma f'linja dritta, ġeometrika jew iperbolika;
 - in-natura tal-piżżiet li jintużaw għall-aggregazzjoni fost tipi differenti ta' assi; piżżiet tal-kost għall-utent jew prezzijiet tas-suq;
 - il-formula tan-numru tal-indiċi li permezz tagħha sseħħ din l-aggregazzjoni. L-għażliet huma numru tal-indiċi ppeżat skont il-bażi bħal Laspeyres, jew numru tal-indiċi ppeżat imħallat bħal Fisher u Törnqvist.
- 22.103 Il-kejl tal-produttività multifattorjali jgħin biex jiġu identifikati l-kontribuzzjonijiet tat-*tkabbir* diretti tax-xogħol, kapital, inputs intermedji u tibdil fil-produttività multifattorjali. Dan jintuża għar-rieżami ta' tendenzi tat-*tkabbir* fl-imġhoddi u għall-valutazzjoni tal-potenzjal għal *tkabbir* ekonomiku fil-futur. Madankollu, għal finijiet ta' analiżi u politika, fl-interpretazzjoni tal-kejl tal-produttività multifattorjali, għandu jittqies dan li ġej:
- mhux il-bidliet tekniċi kollha jissarrfu fi *tkabbir* tal-produttività multifattorjali. It-tibdil teknoloġiku inkorporat jista' jiġi kkunsidrat permezz tal-volum ta' kapital u ta' inputs intermedji. It-tibdil teknoloġiku inkorporat jirrappreżenta l-avvanzi fid-disinn u l-kwalità ta' ġenerazzjonijiet ġodda ta' kapital u ta' inputs intermedji u l-effetti tiegħu huma attribwiti għall-fatturi rispettivi sakemm il-fattur ikun rimunerat kif dovut. B'kuntrast, it-tibdil tekniċu mhux inkorporat jittqies li hu "mingħajr kost", pereżempju fil-forma ta' għarfien ġenerali, blueprints, effetti ta' netwerk jew effetti b'konsegwenzi mifruxa minn fatturi oħra tal-produzzjoni inklużi ġestjoni aħjar u tibdil organizzattiv. B'definizzjoni, tali tibdil tekniċu jispiċċa fir-residwu, jiġifieri t-*tkabbir* tal-produttività multifattorjali;
 - it-*tkabbir* tal-produttività multifattorjali mhuwiex neċessarjament ikkawżat minn tibdil teknoloġiku: fatturi oħra mhux teknoloġiċi jinqabdu wkoll mir-residwu. Dan jinkludi l-ispejjeż tal-aġġustament, l-effetti fuq skala, l-effetti taċ-ċiklu tan-negożju, il-bidliet puri fl-effiċjenza u l-iżbalji tal-kejl;
 - it-*tkabbir* tal-produttività multifattorjali hu miżura statistika u jonqos milli jkejjel b'mod espliċitu l-effetti tal-feedback bejn it-tibdil fil-produttività u l-kapital, eż. l-output addizzjonali għal kull persuna jista' jwassal għal iżjed tfaddil u investment u għal żieda fil-proporzjon tal-kapital għax-xogħol. B'konsegwenza ta' dan, għandu tendenza li jissottovaluta l-importanza eventwali tat-tibdil fil-produttività fl-istimulazzjoni tat-*tkabbir* tal-output;

(d) il-kejl tal-produttività multifattoralji għin biex jidentifika l-importanza relattiva ta' sorsi differenti ta' tkabbir tal-produttività. Madankollu, dan għandu jiġi kkumplementat bi studji istituzzjonali, storiċi u ta' każijiet għall-investigazzjoni tar-raġunijiet sottostanti ta' tkabbir, innovazzjoni u tibdil fil-produttività.

22.104 Għall-kejl, l-analiżi u s-sorveljanza aħjar tat-tkabbir u l-produttività, ġew żviluppati Kontijiet tat-Tkabbir u tal-Produttività KLEMS madwar id-dinja kollha. Objettiv ewlieni hu li wieħed imur taħt il-livell tal-ekonomija aggregata u jeżamina l-prestazzjoni tal-produttività tal-industriji individwali u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għat-tkabbir ekonomiku. Sabiex tiġi żvelata l-eteroġenità enormi fl-output u t-tkabbir tal-produttività fl-industriji, bosta industriji differenti huma identifikati u, fl-Unjoni, EU-KLEMS tidentifika 72. Il-kontijiet jinkludu kwantitajiet u preżżijiet tal-output, u tal-inputs tal-kapital (K), tax-xogħol (L), tal-enerġija (E), tal-materjal (M) u tas-servizzi (S) fil-livell tal-industrija. Il-miżuri tal-output u tal-produttività huma pprovduti f'termini ta' rati tat-tkabbir u livelli relattivi. Qegħdin jiġu żviluppati miżuri addizzjonali dwar il-ħolqien tal-għarfien bħal R&D, privativi, tibdil teknoloġiku inkorporat, attiviti oħra ta' innovazzjoni u kooperazzjoni. Tali miżuri huma żviluppati għal Stati Membri individwali, u huma konnessi ma' bażijiet tad-*data* KLEMS fil-kumplement tad-dinja.

22.105 Il-kontijiet jikkonsistu fi tliet moduli interdependenti: modulu analitiku u żewġ moduli tal-istatistika.

22.106 Il-modulu analitiku jipprovdi bażi tad-*data* tar-riċerka għall-użu fid-dinja akkademika u minn persuni li jfasslu l-politika. Huwa juża tekniki "tal-aħjar prassi" fil-kontabbiltà tat-tkabbir, jiffoka fuq komparabbiltà internazzjonali, u jimmira li jikseb kopertura sħiħa f'termini ta' numru ta' pajjiżi, industriji u elementi varjabbli. Huwa jista' wkoll jadotta suppożizzjonijiet alternattivi jew innovattivi fir-rigward ta' konvenzjonijiet tal-istatistika, bħal kif għandhom jiġu ttrattati l-oġġetti tal-ICT, is-servizzi mhux tas-suq u l-kejl ta' servizzi tal-kapital.

22.107 Il-moduli tal-istatistika tal-baży tad-*data* huma żviluppati b'mod paralleli mal-modulu analitiku. Huma jinkludu *data* li hija konsistenti b'mod wiesa' ma' dik ippubblikata mill-istituti nazzjonali tal-istatistika. Il-metodi tagħhom jikkorrispondu ma' dawk fil-qafas ċentrali tal-kontijiet nazzjonali, eż. jintużaw tabelli tal-provvista u tal-użu bħala l-qafas ta' koordinament għall-analiżi tal-produttività u jiġu applikati indiċijiet katina. Il-modulu tal-istatistika jinkludi mhux biss *data* tal-kontijiet nazzjonali, iżda wkoll informazzjoni supplimentari, bħal statistika tal-impjeg dwar il-kwantità (persuni u sigħat tax-xogħol) u l-kwalità (distribuzzjoni tal-kwantitajiet skont l-età, is-sess u l-livell ta' edukazzjoni) tal-input tax-xogħol għal kull l-industrija.

Kontijiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż)

22.108 Fil-qafas ċentrali, l-infiq fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp hu ttrattat bħala konsum intermedju, jiġifieri bħala nfiq attwali li jibbenefika l-produzzjoni għall-perijodu attwali biss. Dan imur kontra n-natura tar-R&Ż, li l-għan tiegħu hu li jtejjeb il-produzzjoni għal perijodi futuri. Sabiex jiġu riżolti l-kwistjonijiet kunċettwali u prattiċi tar-reġistrazzjoni tar-R&Ż bħala formazzjoni ta' kapital, tabelli satellita tar-R&Ż li jirrikonoxxu r-R&Ż bħala formazzjoni ta' kapital ser jifasslu mill-Istati Membri. Dan jippermetti lill-Istati Membri jiżviluppaw metodi u estimi sodi u komparabbli. Fit-tieni stadju, meta jkun inkiseb livell għoli biżżejjed ta' affidabbiltà u komparabbiltà, ir-R&Ż jiġi kapitalizzat fil-kontijiet ewlenin tal-Istati Membri.

22.109 Flimkien ma' din it-tabella sperimentali supplimentari, jista' jifassal sett ta' kontijiet ta' R&Ż. L-iskop ta' tali kontijiet tal-R&Ż hu li jintwera r-rwol tar-R&Ż fl-ekonomija nazzjonali. Il-mistoqsijiet li jwieġbu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) Min qed jipproduċi r-R&Ż?

(b) Min qed jiffinanzja r-R&Ż?

(c) Min qed juża r-R&Ż?

(d) X'inhu l-valur tal-assi tar-R&Ż b'paragun mad-diversi assi l-oħra?

(e) X'inhu l-konsegwenzi għall-produttività u t-tkabbir ekonomiku?

Tabella tal-provvista u l-użu tipprovdi ħarsa ġenerali ta' min qed jipproduċi u juża r-R&Ż, u dan jidher fit-Tabelli 22.18 u 22.19.

Tabelia 22.18 Il-provvista ta'R&Z

	Manifattura ta' prodotti kimiċi	Manifattura ta' hardware tal-ICT	R&Z tal-industrija	Edukazzjoni Universitana	Amministrazzjoni pubblika	Irdustriji oħra	Total	Impor-tazzjoni	Prowista totali bi prezzijiet bażiċi	Marġnijiet tal-kummerċ u tal-trasport	Taxxi fuq il-prodotti	Sussidji tuq il-prodotti(-)	Prowistatotali bil-prezzijiet tax-xerrejja
R&Z tas-suq													
R&Z għall-użu proprju													
R&Z mhux taG-suq													
Prodotti oħra													
Total													

Tabejja 22.19 L-Użu ta'R&Z

	Spejjeż tal-produzzjoni skont l-industrija							Esportazzjoni	Formazzjoni ta' kapital	Użu totali bil-prezzijiet tax-xerrejja
	Manifattura ta' prodotti kimiċi	Manifattura ta' hardware tal-ICT	R&Z tal-industrija	Edukazzjoni Universitana	Amministrazzjoni pubblika	Irdustriji oħra	Total			
R&Z tas-suq										
R&Z għall-użu proprju										
R&Z mhux tas-suq										
Prodotti oħra										
Total										
Kumpens tal-impjegati										
Taxii netti oħra fuq il-produzzjoni										
Konsum ta'kaptial fiss										
R&Z										
Oħrajn										
Ecess operattiv,nett										
Total										
Informazzjoni supplimentari										
Inputs tax-xogħol										
Formazzjoni ta' Kaptial gross(fiss)										
R&Z										
oħrajn										
Stokk ta' kapital (fiss), nett										
R&Z										
Oħrajn										

Kontinjet tal-protezzjoni soċjali

- 22.110 Il-protezzjoni soċjali u l-interazzjoni tagħha ma' kwistjonijiet bħat-tixjij, il-kura tas-saħħa u l-esklużjoni soċjali hi kwistjoni prinċipali għal-politika ekonomika u soċjali nazzjonali u Ewropea. Għas-sorveljanza, it-tbassir, l-analiżi, u d-diskussjoni ta' kwistjonijiet ta' protezzjoni soċjali, tinħtieġ informazzjoni dettaljata, komparabbli u aġġornata dwar l-organizzazzjoni, il-pożizzjoni attwali u l-iżviluppi tal-protezzjoni soċjali fl-Istati Membri u lil hinn.
- 22.111 Il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali huma trasferimenti għal unitajiet domestiċi jew individwi, fi flus kontanti jew in natura, maħsuba biex iserrruhom minn numru ta' riskji jew ħtiġijiet. Ir-riskji jew il-ħtiġijiet tal-protezzjoni soċjali jirreferu għall-funzjonijiet: diżabbiltà, mard/kura tas-saħħa, xjuħija, superstiti, familja/tfal, qgħad, akkomodazzjoni u esklużjoni soċjali mhux klassifikata mkien ieħor. Bħala prinċipju, l-edukazzjoni mhijiex inkluża bħala riskju jew ħtieġa dment li ma tkunx appoġġ għal familji fil-bżonn bit-tfal.
- 22.112 Il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali jsiru permezz ta' skemi ta' protezzjoni soċjali. Dawn huma amministrati u organizzati minn korpi pubbliċi jew privati, bħal fondi tas-sigurtà soċjali, aġenziji tal-gvern, kumpanniji tal-assigurazzjoni, dawk li jħaddmu kemm f'entitajiet pubbliċi kif ukoll f'dawk privati u istituzzjonijiet privati tal-protezzjoni u l-assistenzi soċjali. L-iskemi ma jirreferux neċessarjament għal istituzzjonijiet, regolamenti jew liġijiet speċifiċi; għalkemm fil-fatt hekk jaġhmlu f'ħafna każijiet. L-iskemi kollha li huma bbażati biss fuq arranġamenti individwali jew fejn ikunu jeżistu ftehimiet reċiproċi simultanji ma jtqisux bħala protezzjoni soċjali.
- 22.113 Fejn l-arranġament reċiproku mill-impjegat ma jkunx simultanju, l-infiq jiġi kklassifikat bħala protezzjoni soċjali. Dan japplika għall-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti mħallsa minn min iħaddem u akkomodazzjoni mingħajr ħlas offruta lil impjegati rtirati. Il-kontinwazzjoni tal-ħlas ta' pagi u salarji waqt li ħaddiem ma jkunx jista' jaħdem minħabba mard, maternità, diżabbiltà, sensja u sitwazzjonijiet simili titqies bħala benefiċċji tal-protezzjoni soċjali pprovduti minn min iħaddem.
- 22.114 Skemi kkontrollati mill-gvern huma dawk fejn il-gvern jieħu d-deċiżjonijiet prinċipali kollha dwar il-livell tal-benefiċċji, it-termini li fuqhom dawn jitħallsu u l-modi li bihom tiġi ffinanzjata l-iskema. Il-protezzjoni soċjali kkontrollata mill-Gvern tiġi normalment stabbilita permezz ta' liġi jew regolament. Hija tinkludi skemi li jipprovdu l-protezzjoni soċjali lill-impjegati tal-gvern fuq l-istess linji bħal dik ipprovduta lill-popolazzjoni ġenerali minn skemi kkontrollati mill-gvern. Madankollu, hija teskludi skemi li l-gvern jista' jistabbilixxi fir-rwol tiegħu ta' min iħaddem mingħajr kontropartijiet ikkontrollati mill-gvern fis-settur privat.
- 22.115 Xi eżempji ta' skemi kkontrollati mill-gvern huma dawn li ġejjin:
- (a) skemi mhux kontributorji stabbiliti mill-gvern sabiex tintlaħaq ir-responsabbiltà soċjali ġenerali tiegħu, bħal skema ta' appoġġ tal-introjt għal persuni f'qar jew skema ta' għajjuna tal-kera;
 - (b) skemi mmexxija minn fondi tas-sigurtà soċjali;
 - (c) skemi oriġinarjament stabbiliti fis-settur privat u li għalihom il-gvern assumi r-responsabbiltà iżjed tard.
- 22.116 Xi eżempji ta' skemi mhux ikkontrollati mill-gvern huma dawn li ġejjin:
- (a) skemi mmexxija minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profit, bħal soċjetajiet ta' benefiċċji reċiproċi, soċjetajiet ta' ħbiberiji u istituzzjonijiet koamministrati mill-imsieħba soċjali;
 - (b) skemi amministrati minn kumpanniji tal-assigurazzjoni kummerċjali;
 - (c) skemi mhux awtonomi mmexxija minn min iħaddem; dawn ikopru kemm skemi b'fondi fejn ikun hemm riżervi separati fil-karta tal-bilanċ biex ikopru r-responsabbiltà għall-ħlas ta' benefiċċji fil-futur, kif ukoll skemi mingħajr fondi mingħajr riservi separati bħal dawn.
- 22.117 Bl-użu ta' informazzjoni dwar skemi individwali speċifiċi, il-kontinjet għall-protezzjoni soċjali jipprovdu ħarsa ġenerali multidimensjonali tal-protezzjoni soċjali, kif deskritti fi "Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Integrata u tal-Protezzjoni Soċjali", ESSPROS, Eurostat, 2008. Il-kontinjet jiddeskrivu d-daqs u l-kompożizzjoni tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali, il-finanzjament tagħhom u l-ispejjeż amministrattivi involuti. Il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali huma kklassifikati skont il-funzjoni bħal mard u xjuħija, skont it-tip bħal fi flus kontanti u in natura, u jekk jingħatawx skont il-mezzi ta' min jirċevihom. L-iskemi sottostanti huma kklassifikati skont jekk ikunux skemi kkontrollati mill-gvern jew le, jew jekk ikunux skemi bażiċi kontra dawk supplimentari.

- 22.118 Għal kull skema ta' protezzjoni soċjali individwali, tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dħul u l-infiq u firxa sħiħa ta' informazzjoni kwalitattiva, bħall-ambitu, il-finanzjament, l-istorja u l-modifiki prinċipali matul iż-żmien.
- 22.119 L-informazzjoni standard dwar id-diversi skemi ta' protezzjoni soċjali individwali hija magħrufa bħala s-sistema ewlenija ta' protezzjoni soċjali, u hi ssupplimentata b'diversi moduli. Xi moduli possibbli huma dawn li ġejjin:
- (a) modulu li jkopri n-numru ta' benefiċjarji tal-pensjoni;
 - (b) modulu dwar il-benefiċċji netti tal-protezzjoni soċjali. Dan ikopri l-inflwenza tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa fuq il-benefiċċji mill-benefiċjarji u l-limitu sa fejn il-benefiċċji soċjali huma pprovduti fil-forma ta' ribassi tat-taxxa jew tnaqqis tat-taxxa.
- 22.120 Il-kunċetti u l-klassifikazzjonijiet fil-kontijiet għall-protezzjoni soċjali huma marbuta mill-qrib ma' dawk fil-qafas ċentrali. Id-differenza ewlenija bejn il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali u l-benefiċċji soċjali fil-qafas ċentrali hi li dawn tal-aħħar ikopru wkoll l-infiq fuq l-edukazzjoni; differenza oħra hi li l-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali jstgħu jinkludu trasferimenti ta' kapital bi skop soċjali. Tabella sempliċi li ttiprovdi ħarsa ġenerali kif tidher fit-Tabella 22.20 turi dawn il-konnessjonijiet u fl-istess ħin ttiprovdi ħarsa ġenerali tad-daqs u l-kompożizzjoni tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali fpajjiż.

Tabella 22.20 Ħarsa ġenerali tal-benefiċċji (tal-protezzjoni) soċjali skont ir-risk ju/il-ħtieġa soċjali u t-transazzjoni

	Mard	Diżabbilta	Xjuħija	Superstit	Tfal/Familja	Impjie/Qgħad	Akkomodazzjoni	Esklużjoni soċjali mhux ikklassifikat mkien ieħor	Total fal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali	Edukazzjoni	Tofal tal-benefiċċji soċjali fil-kontijiet nazzjonali
Skemi kkontrollati mill-gvern											
Benefiċċji tas-sigurtà soċjali											
fi flus kontanti											
in natura											
Benefiċċji tal-assistenza soċjali											
fi flus kontanti											
in natura permezz ta' produtturi tas-suq											
in natura bħala output ieħor mhux tas-suq											
Benefiċċji oħra tal-protezzjoni soċjali (eż. taferimenti ta' kaital mill-grem)											Vojt b'definizzjoni
Total tal benefiċċji tal-protezzjoni soċjali kkontrollati mill-gvern											
Skemi mhux iklonwllati mill-gvern											
Benefiċċji tal-pensjoni (b'fondi)											
Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali privata											
Benefiċċji sotjali tal-inijjegati mingħajr fondi (rtluži dawk mill-gvern)											
Benefiċċji tal-assistenza soċjali in natura minn NPISH											
Benefiċċji onra tal-protezzjoni soċjali											Vojt b'definizzjoni
Total ta' benefiċċji oħra tal-protezzjoni soċjali											
Total tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali											

- 22.121 Il-konnessjoni mill-qrib bejn l-istatistika tal-kontijiet nazzjonali standard u l-istatistika tal-protezzjoni soċjali tipprovdi opportunitajiet għaż-żewġ tipi ta' statistika. Mill-aspett tal-istatistika tal-protezzjoni soċjali, din tista' tkun relatata mal-istatistika uffiċjali dwar l-ekonomija nazzjonali bħal fuq it-*tkabbir ekonomiku* u l-*finanzi pubbliċi*. L-istatistika tal-kontijiet nazzjonali mqas skont l-iskema tal-protezzjoni soċjali tista' sservi wkoll bħala verifika ta' komplettezza u l-affidabbiltà tal-istatistika tal-protezzjoni soċjali. Il-proċessi ta' kompilazzjoni taż-żewġ tipi ta' statistika jistgħu jkunu wkoll assoċjati, biex b'hekk jiġu ffrankati l-ispejjeż tal-kompilazzjoni, iżjed l-affidabbiltà u jiġu pprovduti opportunitajiet ġodda, bħal li l-istatistika tal-protezzjoni soċjali ssir puntwali daqs l-istatistika tal-kontijiet nazzjonali ⁽¹⁾. Vantaġġi simili japplikaw għall-kontijiet nazzjonali. Hu relattivament faċli li l-kontijiet għall-protezzjoni soċjali jiġu dderivati mill-kontijiet tas-settur u t-tabella dwar in-nefqa tal-gvern permezz tal-funzjoni COFOG u dawn jintużaw fit-tfassil tal-politika ekonomika u soċjali. Barra minn hekk, huma jservu bħala verifika tal-affidabbiltà u l-komplettezza taċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali standard, bħall-benefiċċji u l-kontribuzzjonijiet soċjali.
- 22.122 L-OECD tippubblika wkoll *data* dwar l-infiq soċjali minn skema individwali, fil-Bażi tad-*Data* tal-Infiq Soċjali, SOCX. Hija tiġbor *d-data* għal pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li l-Eurostat jipprovdi l-OECD *bid-data* dwar l-infiq tal-protezzjoni soċjali għall-Istati Membri. Karatteristika speċifika tal-ħidma tal-OECD fuq l-infiq soċjali hi l-fokus tiegħu fuq il-paragun internazzjonali tal-infiq soċjali nett; dan jinkludi aġġustament għall-impatt fuq il-konsum tal-unitajiet domestiċi ta' differenzi fit-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Kontijiet satellita tat-turiżmu

- 22.123 Il-kont satellita tat-turiżmu ⁽²⁾ jipprovdi ħarsa ġenerali tal-provvista u l-użu ta' oġġetti u servizzi għad-diversi tipi ta' turiżmu u l-importanza tagħhom għall-impjeg domestiku, il-bilanċ tal-pagamenti, il-finanzi tal-gvern u l-introjt personali u tan-negozju.
- 22.124 "Turiżmu" jinkludi l-attivitajiet ta' persuni li jivvjaġġaw lejn u li joqogħdu f'postijiet barra l-ambjent normali tagħhom għal inqas minn sena u għal skop ewlieni ieħor minbarra li jiġu impjegati minn entità residenti fil-post li fih issir żjara. Tali attivitajiet jinkludu dak kollu li l-viżitaturi jagħmlu għal vjaġġ jew waqt li jkunu fuq vjaġġ. "Turiżmu" mhuwiex ristrett għal attivitajiet tipiċi tat-turiżmu bħal żjarat ta' postijiet, tixmix u żjarat ta' siti storiċi. L-ivvjaġġar għall-iskop ta' negozju u għall-edukazzjoni u t-taħriġ jista' wkoll jitqies bħala parti mit-turiżmu.
- 22.125 Id-domanda ġġenerata mit-turiżmu tkopri varjetà ta' oġġetti u servizzi, li fihom is-servizzi tat-trasport, tal-akkomodazzjoni u tal-ikel huma prominenti. Sabiex tinkiseb komparabbiltà internazzjonali, il-prodotti karatteristiċi tat-turiżmu huma definiti bħala prodotti li, fin-nuqqas ta' viżitaturi, fil-parti l-kbira tal-pajjiżi probabbilment ma jkunux jeżistu fi kwantitajiet sinifikanti jew li għalihom il-livell tal-konsum jonqos b'mod sinifikanti, u li għalihom jidher possibbli li tinkiseb informazzjoni tal-istatistika. Il-prodotti konnessi mat-turiżmu huma kategorija residwali, inklużi dawk li ġew identifikati bħala speċifiċi għat-turiżmu f'pajjiż partikolari iżda li għalihom dan l-attribut ma ġiex rikonossut fuq bażi dinjija.
- 22.126 Uħud mis-servizzi għal skopijiet ta' turiżmu, bħall-akkomodazzjoni fit-tieni dar jew it-trasport f'vetturi bil-mutur individwali, jistgħu jiġu prodotti għal akkont proprju f'ammonti sinifikanti. Madankollu, fil-qafas ċentrali, b'differenza mis-servizzi tal-akkomodazzjoni għal akkont proprju, is-servizzi tat-trasport prodotti fl-unitajiet domestiċi għall-benefiċċju proprju tagħhom ma jitqisux bħala produzzjoni. Hu rakkomandat li tiġi segwita dik il-konvenzjoni fil-kont satellita tat-turiżmu. Iżda għal pajjiżi li fihom is-servizzi tat-trasport għall-akkont proprju huma sinifikanti, dawn jistgħu jintwerew separatament fil-kont satellita tat-turiżmu.
- 22.127 Il-miżura ewlenija għad-deskrizzjoni tad-domanda għat-turiżmu hija l-konsum mill-viżitatur skont l-unitajiet domestiċi, il-gvern, istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi u n-negozji. Dan jikkonsisti fil-komponenti li ġejjin:
- l-infiq tal-konsum finali tal-viżitatur fi flus kontanti;
 - l-infiq tal-konsum finali tal-viżitatur in natura, bħas-servizzi tal-akkomodazzjoni għal akkont proprju;
 - it-trasferimenti soċjali tat-turiżmu in natura bħas-servizzi mhux tas-suq individwali assorbiti mill-viżitaturi, inklużi s-servizzi tas-saħħa ta' spa u s-servizzi mhux tas-suq ta' mużew;
 - l-ispejjeż tan-negozju relatati mat-turiżmu. Dawn jinkludu spejjeż relatati mat-turiżmu kklassifikati bħala konsum intermedju u ma jinkludux spejjeż oħra li jikkorrispondu għal impjegati fuq vjaġġi għal xogħol imħallsa min-negozji, bħal pagamenti għal ikliet ittrattati bħala rimunerazzjoni in natura. B'konsegwenza ta' dan, l-ispejjeż tan-negozju relatati mat-turiżmu ma jirrappreżentawx il-konsum totali ta' viżitaturi fuq vjaġġi għal xogħol;

⁽¹⁾ L-iskeda tad-disseminazzjoni ESSPROS hija definta fir-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 dwar is-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS) (ĠU L 113, 30.4.2007, p. 3).

⁽²⁾ Ara: Eurostat, OECD, UNSD, UNWTO, *Tourism Satellite Account: Recommended Methodological Framework*, 2008

- (e) barra minn hekk, sabiex tiġi sottolineata l-importanza ekonomika tal-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tat-turiżmu, huwa ssuġġerit kejl speċifiku tal-valur aggregat tal-konsum kollettiv tat-turiżmu. Dan jirreferi għal attivitajiet bħall-promozzjoni tat-turiżmu minn unità tal-gvern, iż-żamma tal-ordni u s-sigurtà u l-manutenzjoni tal-ispazju pubbliku.
- 22.128 Il-provvista u l-użu ta' oġġetti u servizzi għal skopijiet ta' turiżmu, kif ukoll il-valur miżjud u l-impjeg iġġenerat mit-turiżmu, jistgħu jintwerew f'tabella tal-provvista u tal-użu li tidentifika l-prodotti u l-industriji karatteristiċi tiegħu u l-prodotti konnessi mat-turiżmu.
- 22.129 Fil-kont satellita tat-turiżmu tagħhom, il-pajjiżi jistgħu jiddisaggregaw u jittipifikaw aktar is-swieq tagħhom, fuq il-bażi tat-tul ta' żmien tas-soġġorn, l-iskop taż-żjara, il-karatteristiċi tal-viżitaturi bħal jekk dawn ikunux viżitaturi internazzjonali jew domestiċi.
-

KAPITOLU 23

KLASSIFIKAZZJONIJIET

INTRODUZZJONI

- 23.01 Il-klassifikazzjonijiet fis-SEK 2010 huma kompletament konformi mal-kodifikazzjoni l-ġdida tas-SNA 2008, l-NACE Rev. 2, is-CPA 2008 (fil-livelli ta' aggregazzjoni użati fil-programm ta' trasmissjoni), is-COFOG, is-COICOP, is-COPNI u s-COPP. Ġew introdotti għadd limitat ħafna biss ta' kodiċijiet addizzjonali.
- 23.02 Il-kontijiet huma mibnija madwar għadd żgħir ta' elementi konċettwali, f'setturi, transazzjonijiet u klassifikazzjonijiet partikolari tal-entrati soġġetti għal transazzjonijiet u flussi oħra, speċjalment l-assi u l-passivi. Għal kull wieħed minn dawn l-elementi teżisti klassifikazzjoni ġerarkika. Il-kontijiet jistgħu jiġu kkompilati fi gradi ta' dettall ikbar jew inqas bl-użu ta' livelli oġhla jew iktar baxxi ta' dawn il-ġerarkiji.
- 23.03 L-entrati fil-kontijiet jinqasmu f'żewġ tipi identifikati b'ittra waħda jew tnejn kif ġej:
- il-kodiċijiet S li jirreferu għal setturi;
 - il-kodiċijiet P li jirreferu għal transazzjonijiet fil-prodotti;
 - il-kodiċijiet NP li jirreferu għal transazzjonijiet fl-assi mhux finanzjarji u mhux prodotti;
 - il-kodiċijiet D li jirreferu għal transazzjonijiet distributtivi;
 - il-kodiċijiet F li jirreferu għal transazzjonijiet f'assi u passivi finanzjarji;
 - il-kodiċijiet K li jirreferu għal bidliet oħra fl-assi;
 - il-kodiċijiet B li jirreferu għal entrati saldatorji u entrati ta' valur nett;
 - il-kodiċijiet L li jirreferu għal entrati fil-karta tal-bilanċ;
 - il-kodiċijiet AN li jirreferu għal assi mhux finanzjarji (kemm dawk prodotti kif ukoll dawk mhux prodotti);
 - il-kodiċijiet AF li jirreferu għal stokks ta' assi u passivi finanzjarji.
- 23.04 Fil-kuntest ta' kalkolu tal-PDG skont il-produzzjoni, tat-tabelli skont l-industrija u tal-qafas tal-input-output, jintużaw ukoll żewġ klassifikazzjonijiet Ewropej: NACE Rev. 2 għal attivitajiet ekonomiċi u CPA 2008 għal prodotti skont l-attivitajiet ekonomiċi. NACE Rev. 2 hija l-verżjoni Ewropea tal-ISC Rev. 4. Minbarra dan, għall-kalkolu tal-PDG skont l-infiq, sar ukoll użu tas-CPA 2008, is-COFOG (klassifikazzjoni tal-infiq skont l-iskop: klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern) u s-COICOP (klassifikazzjoni tal-konsum individwali skont l-iskop); l-aħħar żewġ klassifikazzjonijiet huma stabbiliti min-NU.
- 23.05 Barra mill-COFOG u s-COICOP, il-klassifikazzjonijiet funzjonali jinkludu wkoll s-COPNI (klassifikazzjoni tal-iskopijiet tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi) u s-COPP (klassifikazzjoni tal-infiq tal-produtturi skont l-iskop). Dawn il-klassifikazzjonijiet jintużaw għal analiżi funzjonali tal-infiq minn korporazzjonijiet, il-gvern, unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi u għal kontijiet satellita funzjonali.

KLASSIFIKAZZJONI TA' SETTURI ISTITUZZJONALI (S)

S.1	Ekonomija totali ⁽¹⁾
S.11	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji
S.11001	Korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji
S.11002	Korporazzjonijiet privati nazzjonali mhux finanzjarji
S.11003	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji taħt kontroll barrani
S.12	Korporazzjonijiet finanzjarji
S.121	Bank ċentrali ⁽²⁾ (pubbliku)

S.122	Korporazzjonijiet li jaċċettaw depożiti għajr il-bank ċentrali ⁽²⁾
S.12201	Pubbliċi
S.12202	Privati nazzjonali
S.12203	Taħt kontroll barrani
S.123	Fondi tas-suq monetarju
S.12301	Pubbliċi
S.12302	Privati nazzjonali
S.12303	Taħt kontroll barrani
S.124	Fondi ta' investiment li mhumiex Fondi tas-Suq Monetarju
S.12401	Pubbliċi
S.12402	Privati nazzjonali
S.12403	Taħt kontroll barrani
S.125	Intermedjarji finanzjarji oħra, għajr għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet
S.12501	Pubbliċi
S.12502	Privati nazzjonali
S.12503	Taħt kontroll barrani
S.126	Awżiljari finanzjarji
S.12601	Pubbliċi
S.12602	Privati nazzjonali
S.12603	Taħt kontroll barrani
S.127	Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u min jislef il-flus
S.12701	Pubbliċi
S.12702	Privati nazzjonali
S.12703	Taħt kontroll barrani
S.128	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni ⁽³⁾
S.12801	Pubbliċi
S.12802	Privati nazzjonali
S.12803	Taħt kontroll barrani
S.129	Fondi tal-pensjonijiet ⁽³⁾
S.12901	Pubbliċi
S.12902	Privati nazzjonali
S.12903	Taħt kontroll barrani
S.121 + S.122 + S.123	Istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji
S.13	Gvern ġenerali

S.1311	Gvern ċentrali (minbarra fondi tas-sigurtà soċjali)
S.1312	Amministrazzjoni tal-Istat (minbarra fondi tas-sigurtà soċjali)
S.1313	Amministrazzjoni lokali (minbarra fondi tas-sigurtà soċjali)
S.1314	Fondi tas-sigurtà soċjali
S.14	Unitajiet domestiċi
S.141	Min iħaddem
S.142	Ħaddiema li jaħdmu għal rashom
S.143	Impjegati
S.144	Benefiċjarji ta' introjtu minn proprjetà u trasferimenti
S.1441	Benefiċjarji ta' introjtu minn proprjetà
S.1442	Benefiċjarji ta' pensjonijiet
S.1443	Benefiċjarji ta' trasferimenti oħra
S.15	Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi
S.15002	Privati nazzjonali
S.15003	Taħt kontroll barrani
S.2	Il-kumplement tad-dinja
S.21	Stati Membri u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea
S.211	Stati Membri tal-Unjoni Ewropea
S.2111	Stati Membri taż-żona tal-euro
S.2112	Stati Membri barra miż-żona tal-euro
S.212	Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea
S.2121	Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)
S.2122	Istituzzjonijiet u korpi Ewropej għajr il-BĊE
S.22	Pajjiżi li mhumiex membri u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux residenti fl-Unjoni Ewropea

(¹) Għall-kodiċijiet kollha fis-setturi S.11 u S.12, il-ħames ċifra 1/2/3 tirreferi għal pubbliku/privati nazzjonali/taħt kontroll barrani.

(²) Il-Bank Ċentrali (S.121) flimkien ma' korporazzjonijiet li jaċċettaw depożiti, għajr għall-bank ċentrali (S.122) jikkorrispondu għal S.12B.

(³) Il-korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni (S.128) kif ukoll il-fondi tal-pensjonijiet (S.129) jikkorrispondu għal S.12I.

KLASSIFIKAZZJONI TA' TRANSAZZJONIJIET U FLUSSI OĦRA

Transazzjonijiet fi prodotti (P)

P.1	Output
P.11	Output tas-suq
P.119	Servizzi finanzjarji ta' intermedjazzjoni mkejla b'mod indirett (FISIM)
P.12	Output għall-użu finali proprju
P.13	Output mhux tas-suq

P.2	Konsum intermedju
P.3	Infiq tal-konsum finali
P.31	Infiq tal-konsum individwali
P.32	Infiq tal-konsum kollettiv
P.4	Konsum finali reali
P.41	Konsum individwali reali
P.42	Konsum kollettiv reali
P.5	Formazzjoni grossa ta' kapital /P.5n Formazzjoni netta ta' kapital
P.51g	Formazzjoni grossa ta' kapital fiss
P.511	Akkwisti li minnhom jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet ta' assi fissi
P.5111	Akkwisti ta' assi fissi ġodda
P.5112	Akkwisti ta' assi fissi eżistenti
P.5113	Ċessjonijiet ta' assi fissi eżistenti
P.512	Spejjeż ta' trasferiment ta' sjieda fuq assi mhux prodotti
P.51c	Konsum ta' kapital fiss (-)
P.51c1	Konsum ta' kapital fiss fuq l-eċċess operattiv gross (-)
P.51c2	Konsum ta' kapital fiss fuq l-introjt mħallat gross (-)
P.51n	Formazzjoni netta ta' kapital fiss
P.52	Bidliet fl-inventarji
P.53	Akkwisti li minnhom jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet ta' oġġetti ta' valur
P.6	Esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi
P.61	Importazzjoni ta' oġġetti
P.62	Esportazzjoni ta' servizzi
P.7	Importazzjoni ta' oġġetti u servizzi
P.71	Importazzjoni ta' oġġetti
P.72	Importazzjoni ta' servizzi

Transazzjonijiet fassi mhux finanzjarji u mhux prodotti (kodiċijiet NP)

NP	Akkwisti li minnhom jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti
NP.1	Akkwisti li minnhom jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet ta' riżorsi naturali
NP.2	Akkwisti li minnhom jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet ta' kuntratti, kirjiet u liċenzji
NP.3	Xiri li minnu jitnaqqas il-bejgħ tal-avvjament u tal-assi tal-kummerċjalizzazzjoni

Transazzjonijiet distributtivi (D)

D.1	Kumpens tal-impjegati
D.11	Pagi u salarji
D.12	Kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa minn min iħaddem
D.121	Kontribuzzjonijiet soċjali reali mħallsa minn min iħaddem
D.1211	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni reali mħallsa minn min iħaddem
D.1212	Kontribuzzjonijiet reali għajr dawk tal-pensjoni mħallsa minn min iħaddem
D.122	Kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti mħallsa minn min iħaddem
D.1221	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attribwiti mħallsa minn min iħaddem
D.1222	Kontribuzzjonijiet attribwiti għajr dawk tal-pensjoni mħallsa minn min iħaddem
D.2	Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni
D.21	Taxxi fuq il-prodotti
D.211	Taxxi tat-tip tal-valur miżjud (VAT)
D.212	Taxxi u dazji fuq l-importazzjoni minbarra l-VAT
D.2121	Dazji fuq l-importazzjoni
D.2122	Taxxi fuq l-importazzjoni minbarra l-VAT u d-dazji
D.214	Taxxi fuq il-prodotti għajr għal VAT u taxxi fuq l-importazzjoni
D.29	Taxxi oħra fuq il-produzzjoni
D.3	Sussidji
D.31	Sussidji fuq il-prodotti
D.311	Sussidji fuq l-importazzjoni
D.319	Sussidji oħra fuq il-prodotti
D.39	Sussidji oħra fuq il-produzzjoni
D.4	Introjtu mill-proprjeta
D.41	Imgħax
D.42	Introjtu distribwit tal-korporazzjonijiet
D.421	Dividendi
D.422	Prelevamenti minn introjtu ta' kważi korporazzjonijiet
D.43	Qligħ investit mill-ġdid fuq investment dirett barrani
D.44	Introjtu ieħor minn investment
D.441	Introjtu minn investment attribwibbli għal detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni
D.442	Introjtu minn investment pagabbli fuq l-intitolamenti għal pensjoni
D.443	Introjtu minn investment attribwibbli għal azzjonisti ta' fondi kollettivi ta' investment

D.4431	Dividendi attribwibbli għal azzjonisti ta' fondi kollettivi ta' investiment
D.4432	Qliġh miżmum attribwibbli għal azzjonisti ta' fondi kollettivi ta' investiment
D.45	Kera

Trasferimenti kurrenti fi flus kontanti u i natura (D.5–D.8)

D.5	Taxxi kurrenti fuq l-introjt, il-ġid, eċċ.
D.51	Taxxi fuq l-introjt
D.59	Taxxi kurrenti oħra
D.6	Kontribuzzjonijiet u benefiċċji soċjali
D.61	Kontribuzzjonijiet soċjali netti
D.611	Kontribuzzjonijiet soċjali reali mħallsa minn min iħaddem
D.6111	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni reali mħallsa minn min iħaddem
D.6112	Kontribuzzjonijiet reali għajr dawk tal-pensjoni mħallsa minn min iħaddem
D.612	Kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti mħallsa minn min iħaddem
D.6121	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni attribwiti mħallsa minn min iħaddem
D.6122	Kontribuzzjonijiet attribwiti għajr dawk tal-pensjoni mħallsa minn min iħaddem
D.613	Kontribuzzjonijiet soċjali reali mħallsa mill-unitajiet domestiċi
D.6131	Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni reali mħallsa mill-unitajiet domestiċi
D.6132	Kontribuzzjonijiet reali għajr dawk tal-pensjoni mħallsa mill-unitajiet domestiċi
D.614	Supplimenti għall-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa mill-unitajiet domestiċi
D.6141	Supplimenti għall-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni mħallsa mill-unitajiet domestiċi
D.6142	Supplimenti għall-kontribuzzjonijiet għajr dawk tal-pensjoni mħallsa mill-unitajiet domestiċi
D.61SC	Ħlasijiet ta' servizz għall-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali (!)
D.62	Benefiċċji soċjali li mhumiex trasferimenti soċjali in natura
D.621	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti
D.6211	Benefiċċji tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali fi flus kontanti
D.6212	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali għajr dawk tal-pensjoni fi flus kontanti
D.622	Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali
D.6221	Benefiċċji oħra tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali
D.6222	Benefiċċji oħra tal-assigurazzjoni soċjali għajr dawk tal-pensjoni
D.623	Benefiċċji tal-assistenza soċjali fi flus kontanti
D.63	Trasferimenti soċjali in natura
D.631	Trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni mhux għas-suq
D.632	Trasferimenti soċjali in natura — produzzjoni għas-suq mixtrija

D.7	Trasferimenti kurrenti oħra
D.71	Primjums netti tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
D.711	Primjums diretti netti tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
D.712	Primjums netti tar-riassigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
D.72	Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
D.721	Pretensjonijiet diretti tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
D.722	Pretensjonijiet tar-riassigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
D.73	Trasferimenti kurrenti fi ħdan il-gvern ġenerali
D.74	Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti
D.75	Trasferimenti kurrenti mixxellanji
D.751	Trasferimenti kurrenti għal NPISHs
D.752	Trasferimenti kurrenti bejn unitajiet domestiċi
D.759	Trasferimenti kurrenti mixxellanji oħra
D.76	Riżorsi proprji tal-UE bbażati fuq il-VAT u d-DNG
D.8	Aġġustament għat-tibdil fl-intitolamenti għal pensjoni
D.9	Trasferimenti ta' kapital
D.9r	Trasferimenti ta' kapital, riċevibbli
D.91r	Taxxi kapitali, riċevibbli
D.92r	Għotjiet ta' investiment, riċevibbli
D.99r	Trasferimenti oħra ta' kapital, riċevibbli
D.9p	Trasferimenti ta' kapital, pagabbli
D.91p	Taxxi kapitali, pagabbli
D.92p	Għotjiet ta' investiment, pagabbli
D.99p	Trasferimenti oħra ta' kapital, pagabbli

(¹) Il-kontribuzzjonijiet imħallsa minn min iħaddem jidhru kemm fil-kont ta' ġenerazzjoni tal-introjtu kif ukoll fil-kont ta' allokkazzjoni tal-introjtu primarju bħala pagabbli minn min iħaddem u li jiġu rċevuti mill-impjegati. Fil-kont ta' distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu, dawn l-ammonti huma pagabbli mill-unitajiet domestiċi u jiġu rċevuti minn dawh li jamministraw l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali. Sabiex f'kull każ jidher eżattament l-istess valur, it-tnaqqis tal-ħlas li jirrappreżenta parti mill-output tal-iskemi u l-konsum finali tal-unitajiet domestiċi benefiċjarji jidher ukoll fil-kont ta' distribuzzjoni sekondarja tal-introjtu bħala entrata separata. L-entrata (D.61SC) dwar il-ħlasijiet tas-servizz għall-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali hija għalhekk entrata ta' aġġustament biss u mhux transazzjoni distributtiva minnha nnifisha.

Transazzjonijiet fassi u passivi finanzjarji (F)

(Akkwist nett ta' assi finanzjarji/Tiġrib nett ta' passivi)

F.1	Deheb monetarju u SDRs
F.11	Deheb monetarju
F.12	SDRs
F.2	Flus u depożiti
F.21	Flus

F.22	Depożiti trasferibbli
F.221	Pożizzjonijiet interbankarji
F.229	Depożiti trasferibbli oħra
F.29	Depożiti oħra
F.3	Titoli ta' dejn
F.31	Perijodu ta' żmien qasir
F.32	Perijodu ta' żmien twil
F.4	Self ⁽¹⁾
F.41	Perijodu ta' żmien qasir
F.42	Perijodu ta' żmien twil
F.5	Ekwiżità u ishma/unitajiet ta' fondi tal-investment
F.51	Ekwiżità
F.511	Ishma kkwotati
F.512	Ishma mhux ikkwotati
F.519	Ekwiżità oħra
F.52	Ishma/unitajiet ta' fondi tal-investment
F.521	Ishma/unitajiet ta' Fondi tas-Suq Monetarju
F.522	Ishma/unitajiet ta' fondi ta' investment li mhumiex Fondi tas-Suq Monetarju
F.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati
F.61	Riservi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
F.62	Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti għal annwalità
F.63	Intitolamenti għal pensjoni
F.64	Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq amministraturi ta' pensjonijiet
F.65	Intitolamenti għal benefiċċji għajr dawk tal-pensjoni
F.66	Dispożizzjonijiet għal sejħiet taħt garanziji standardizzati
F.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq stokks għall-impjegati
F.71	Derivattivi finanzjarji
F.711	Opzjonijiet
F.712	Forwards
F.72	Opzjonijiet fuq stokks għall-impjegati
F.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli
F.81	Kreditu u avvanzi kummerċjali
F.89	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, minbarra kreditu u avvanzi kummerċjali

⁽¹⁾ Entrata ta' memo: Investment dirett barrani (żid il-kodiċi FDI).

Bidliet oħra fl-assi (K)

K.1-5	Bidliet totali fil-volum
K.1	Dieher ekonomiku tal-assi
K.2	Għajbien ekonomiku ta' assi mhux prodotti
K.21	Tnaqqis tar-riżorsi naturali
K.22	Għajbien ekonomiku ieħor ta' assi mhux prodotti
K.3	Telfien katastrofiku
K.4	Sekwestri mhux ikkumpensati
K.5	Bidliet oħra fil-volum mhux ikklassifikati mkien ieħor
K.6	Bidliet fil-klassifikazzjoni
K.61	Bidliet fil-klassifikazzjoni u l-istruttura tas-settur
K.62	Bidliet fil-klassifikazzjoni tal-assi u l-passivi
K.7	Qligħ u telf nominali
K.71	Qligħ u telf nominali newtrali
K.72	Qligħ u telf nominali reali

KLASSIFIKAZZJONI TA' ENTRATI SALDATORJI U VALUR NETT (B) ⁽¹⁾

B.1g	Valur miżjud, gross / Prodott domestiku gross
B.2g	Eċċess operattiv, gross
B.3g	Introjtu mħallat, gross
B.4g	Introjtu imprenditorjali, gross
B.5g	Bilanċ ta' introjti primarji, gross / Introjtu nazzjonali, gross
B.6g	Introjtu disponibbli, gross
B.7g	Introjtu disponibbli aġġustat, gross
B.8g	Tfaddil, gross
B.9	Għoti ta' self nett (+) / teħid ta' self nett (-)
B.9N	Għoti ta' self nett (+)/ teħid ta' self nett (-) tal-kontijiet mhux finanzjarji
B.9F	Għoti ta' self nett (+)/ teħid ta' self nett (-) tal-kontijiet finanzjarji
B.10	Bidliet fil-valur nett
B.101	Bidliet fil-valur nett dovuti għat-tfaddil u t-trasferimenti ta' kapital ⁽²⁾ ⁽³⁾
B.102	Bidliet fil-valur nett dovuti għal bidliet oħra fil-volum tal-assi
B.103	Bidliet fil-valur nett dovuti għal qligħ u telf nominali

B.1031	Bidliet fil-valur nett dovuti għal qligħ u telf nominali newtrali
B.1032	Bidliet fil-valur nett dovuti għal qligħ u telf nominali reali
B.11	Bilanċ estern ta' oġġetti u servizzi
B.12	Bilanċ estern kurrenti
B.90	Valur nett
BF. 90	Valur nett finanzjarju

(¹) L-entrati saldatorji kollha jistgħu jitkejlu gross jew nett tal-konsum ta' kapital fiss. Il-kodiċi għall-entrati saldatorji gross huwa magħmul mill-kodiċi tal-entrata flimkien mal-ittra 'g'. Bl-istess mod, l-ittra 'n' miżjuda ma' kodiċi tindika l-valur nett.

(²) Din mhix entrata saldatorja fl-istruttura tas-sistema ta' kontabbiltà. Hija t-total tan-naħa tal-lemin tal-kont tal-kapital. Madankollu, peress li hija komponent sinifikanti tal-bidliet fil-valur nett, tingħata kodiċi bħall-komponenti l-oħra ta' dan tal-aħħar.

(³) Għall-kumpliment tad-dinja, din l-entrata tirreferi għall-bidliet fil-valur nett dovuti għall-bilanċ estern kurrenti u t-trasferimenti ta' kapital.

KLASSIFIKAZZJONI TAL-ENTRATI FIL-KARTI TAL-BILANĊ (L)

Għal karta tal-bilanċ waħda, bħal fil-każ tal-kont finanzjarju, l-uniċi kodiċijiet meħtieġa huma dawk li jagħtu d-dettalji dwar l-assi skont it-tip, bl-użu tal-kodiċijiet AN u AF. Madankollu, jista' jiġi stabbilit kont li juri l-livelli ta' stokk fil-bidu (LS) u fit-tmiem (LE) ta' perijodu, u l-bidliet totali bejniethom (LX). It-tliet kodiċijiet jeħtieġ li jkunu kkwalifikati skont it-tip ta' assi. L-entrati LX huma t-total tal-entrati tal-kodiċijiet P.5, NP, F u K għall-assi kkonċernati għall-perijodu kopert.

Mill-entrati fil-karta tal-bilanċ tal-ftuħ jista' jiġi kkalkulat l-ammont tal-valur nett (B.90). Id-differenza bejn dan u l-valur ta' B.90 fil-karta tal-bilanċ tal-għeluq trid tkun daqs il-bilanċ tal-kodiċijiet kollha LX, li jridu wkoll ikunu daqs il-valur għal B.10.

LS	Karta tal-bilanċ tal-ftuħ
LX	Bidliet fil-karta tal-bilanċ
LE	Karta tal-bilanċ tal-għeluq

KLASSIFIKAZZJONI TAL-ASSI (A)

Assi mhux finanzjarji (AN)

AN.1	Assi mhux finanzjarji prodotti
AN.11	Assi fissi skont it-tip ta' ass
AN.111	Abitazzjonijiet
AN.112	Bini u strutturi oħra
AN.1121	Bini li mhux abitazzjoni
AN.1122	Strutturi oħra
AN.1123	Titjib tal-artijiet
AN.113	Makkinarju u tagħmir
AN.1131	Tagħmir ta' trasport
AN.1132	Tagħmir tal-ICT
AN.1139	Makkinarju u tagħmir ieħor
AN.114	Sistemi ta' armi
AN.115	Riżorsi bijoloġiċi kkultivati
AN.1151	Riżorsi f'għamla ta' animali li jrendu prodotti ripetuti

AN.1152	Riżorsi f'għamla ta' siġar, għelejjet u pjanti li jrendu prodotti ripetuti
(AN.116)	(Spejjeż ta' trasferiment ta' sjieda fuq assi mhux prodotti) ⁽¹⁾
AN.117	Prodotti tal-proprjetà intellettwali
AN.1171	Riċerka u żvilupp
AN.1172	Esplorazzjoni minerali u evalwazzjoni
AN.1173	Software għall-kompjuters u bażijiet tad- <i>data</i>
AN.11731	Software għall-kompjuters
AN.11732	Bażijiet tad- <i>data</i>
AN.1174	Xogħlijiet oriġinali ta' divertiment, letterarji jew artistiki
AN.1179	Prodotti oħra tal-proprjetà intellettwali
AN.12	Inventarji skont it-tip ta' inventarju
AN.121	Materjali u provvisti
AN.122	Ħidma li għaddejja
AN.1221	Ħidma li għaddejja fuq assi bijoloġiċi kkultivati
AN.1222	Ħidma li għaddejja oħra
AN.123	Oġġetti lesti
AN.124	Inventarji militari
AN.125	Oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid
AN.13	Oġġetti ta' valur
AN.131	Metalli u ħaġar prezzjuż
AN.132	Antikitajiet u oġġetti oħra tal-arti
AN.133	Oġġetti oħra ta' valur
AN.2	Assi mhux finanzjarji u mhux prodotti
AN.21	Riżorsi naturali
AN.211	Art
AN. 2111	Art li fuqha jinsabu binjiet u strutturi oħra
AN. 2112	Art ikkultivata
AN. 2113	Art rikreattiva u ilma tal-wiċċ assoċjat
AN. 2119	Art u ilma tal-wiċċ assoċjat oħra
AN.212	Riservi minerali u tal-enerġija
AN.213	Riżorsi bijoloġiċi mhux ikkultivati
AN.214	Riżorsi tal-ilma
AN.215	Riżorsi naturali oħra
AN.2151	Spettra tar-radju

AN.2159	Oħra
AN.22	Kuntratti, kirjiet u liċenzji
AN.221	Kirjiet operattivi li jistgħu jiġu trasferiti
AN.222	Permessi għall-użu tar-riżorsi naturali
AN.223	Permessi biex isiru attivitajiet speċifiċi
AN.224	Intitolament għal oġġetti u servizzi futuri fuq bażi esklużiva
AN.23	Xiri li minnu jitnaqqas il-bejgħ tal-avvjament u tal-assi tal-kummerċjalizzazzjoni

(¹) L-ispejjeż ta' trasferiment ta' sjieda fuq assi mhux prodotti (AN.116) huma ttrattati bħala parti mill-formazzjoni ta' kapital fiss, jiġifieri l-akkwist ta' assi fissi. Madankollu, meta l-livelli ta' stokk jinqas skont il-kategorija, il-valur ta' dawn l-ispejjeż ta' trasferiment ta' sjieda huwa inkluż mal-assi mhux prodotti li għalihom jirreferu u għalhekk ma jidhrux separatament bħala parti minn AN.11. Fil-każ ta' trasferiment ta' art, l-ispejjeż ta' trasferiment ta' sjieda fuq l-art kollha għandhom jiġu inklużi mat-titjib tal-art (AN.1123). L-entrata AN.116 hija inkluża fil-lista sħiħa, li tidher hawn taħt, għal skopijiet ta' preżentazzjoni biss.

Assi finanzjarji (AF)

Hemm korrispondenza eżatta bejn il-kodiċijiet li jidhru għal transazzjonijiet f'assi u passivi finanzjarji (kodiċijiet F) u daww għal livelli jew pożizzjonijiet ta' stokk (kodiċijiet AF) għall-istess assi u passivi. Fil-prattika, madankollu, id-*data* tal-karti tal-bilanċ tista' tkun inqas iddettaljata u ma teżistix lil hinn mill-ewwel livell ta' disaggregazzjoni, kif jidher hawn taħt. Jekk meħtieġ, il-kodiċijiet AF jistgħu jiġu disaggregati f'konformità mad-dettall previst għall-kodiċijiet F, kif ġej:

AF.1	Deheb monetarju u SDRs
AF.11	Deheb monetarju
AF.12	SDRs
AF.2	Flus u depożiti
AF.21	Flus
AF.22	Depożiti trasferibbli
AF.221	Pożizzjonijiet interbankarji
AF.229	Depożiti trasferibbli oħra
AF.29	Depożiti oħra
AF.3	Titoli ta' dejn
AF.31	Perijodu ta' żmien qasir
AF.32	Perijodu ta' żmien twil
AF.4	Self (¹)
AF.41	Perijodu ta' żmien qasir
AF.42	Perijodu ta' żmien twil
AF.5	Ekwiżità u ishma/unitajiet ta' fondi tal-investment
AF.51	Ekwiżità
AF.511	Ishma kkwotati

AF.512	Ishma mhux ikkwotati
AF.519	Ekwità oħra
AF.52	Ishma/unitajiet ta' fondi tal-investment
AF.521	Ishma/unitajiet ta' Fondi tas-Suq Monetarju
AF.522	Ishma/unitajiet ta' fondi ta' investment li mhumiex Fondi tas-Suq Monetarju
AF.6	Skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanziji standardizzati
AF.61	Riservi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja
AF.62	Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti għal annwalità
AF.63	Intitolamenti għal pensjoni
AF.64	Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjoni fuq amministraturi ta' pensjonijiet
AF.65	Intitolamenti għal benefiċċji għajr dawk tal-pensjoni
AF.66	Dispożizzjonijiet għal sejħiet taħt garanziji standardizzati
AF.7	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq stokks għall-impjegati
AF.71	Derivattivi finanzjarji
F.711	Opzjonijiet
F.712	Forwards
AF.72	Opzjonijiet fuq stokks għall-impjegati
AF.8	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli
AF.81	Kreditu u avvanzi kummerċjali
AF.89	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, minbarra kreditu u avvanzi kummerċjali

(¹) Entrata ta' memo: Investment dirett barrani (żid il-kodiċi FDI).

KLASSIFIKAZZJONI TA' ENTRATI SUPPLIMENTARI

Skont konvenzjoni ġenerali kodiċi supplimentari jibda b'X u huwa marbut mal-kodiċi ta' entrata standard billi jibni fuq il-kodiċi ta' dik l-entrata.

Self mhux produttiv

Il-kodiċijiet li ġejjin japplikaw għal stokks u flussi ta' self mhux produttiv. Billi s-self għandu l-kodiċi AF.4 u F.4, il-kodiċijiet supplimentari jibdeu XAF4 għall-istokks u XF4 għall-flussi.

Il-kodiċijiet għall-istokks huma:

XAF4_NNP	Self: valur nominali, mhux produttiv
XAF4_MNP	Self: valur fis-suq, mhux produttiv

u l-flussi assoċjati:

XF4_NNP	Self: valur nominali, mhux produttiv
XF4_MNP	Self: valur fis-suq, mhux produttiv

Fiż-żewġ settijiet ta' kodiċi, is-sottolinjatura hija spazju riżervat għall-kodiċijiet iddettaljati għal self fejn rilevanti, pereżempju, fuq il-karta tal-bilanċ:

XAF41NNP	Self għal perijodu ta' żmien qasir: valur nominali, mhux produttiv
XAF42MNP	Self għal perijodu ta' żmien twil: valur fis-suq, mhux produttiv

Servizzi tal-kapital

Il-kodiċijiet li ġejjin japplikaw għas-servizzi tal-kapital.

XCS	Servizzi tal-kapital
XCSC	Servizzi tal-kapital — Korporazzjonijiet
P.51c1	Konsum tal-kapital fiss fuq l-eċċess operattiv gross
XRC	Rendiment tal-kapital — Korporazzjonijiet
XOC	Spejjeż oħra ta' kapital — Korporazzjonijiet
XCSU	Servizzi tal-kapital — Intrapriżi mhux f'korporazzjoni
P.51c2	Konsum tal-kapital fiss fuq introjtu mħallat gross
XRU	Rendiment tal-kapital — Intrapriżi mhux f'korporazzjoni
XOU	Spejjeż oħra ta' kapital — Intrapriżi mhux f'korporazzjoni

Tabella tal-pensjonijiet

Il-kodiċijiet li ġejjin japplikaw għat-tabella supplimentari deskritta fil-kapitolu dwar il-Pensjonijiet. Kodiċijiet differenti huma proposti għall-kolonni u l-ringieli tat-tabella.

Kolonni

Fid-deskrizzjoni tal-Kolonna l-ittra "W" tikkorrispondi għal "mhux tal-gvern" u n-numri f'dawn il-kodiċijiet jirreferu għat-taqsimiet istituzzjonali korrispondenti.

(a) Passivi rreġistrati fis-sekwenza ewlenija tal-kontijiet

Skemi fejn ir-responsabbiltà għat-tfassil u l-implimentazzjoni ma taqax taħt il-gvern ġenerali

XPC1W	Skemi ta' kontribuzzjoni definita
XPB1W	Skemi ta' benefiċċju definit
XPCB1W	Total

Skemi fejn ir-responsabbiltà għat-tfassil u l-implimentazzjoni taqa' taħt il-gvern ġenerali

XPCG	Skemi ta' kontribuzzjoni definita
------	-----------------------------------

Skemi ta' benefiċċju definiti għall-impjegati tal-gvern ġenerali

XPBG12	Fis-settur tal-korporazzjonijiet finanzjarji
XPBG13	Fis-settur tal-gvern ġenerali

(b) Passivi mhux irreġistrati fis-sekwenza ewlenija tal-kontijiet

XPBOUT13	Fis-settur tal-gvern ġenerali
XP1314	Skemi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali
XPTOT	Total tal-iskemi tal-pensjoni
XPTOTNRH	Li minnhom: Unitajiet domestiċi mhux residenti

Ringieli

(a) Karta tal-bilanċ tal-ftuħ

XAF63LS	Intitolamenti għal pensjoni
---------	-----------------------------

(b) Transazzjonijiet

XD61p	Kontribuzzjonijiet speċjali relatati mal-iskemi tal-pensjoni
XD6111	Kontribuzzjonijiet soċjali reali mħallsa min iħaddem
XD6121	Kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti mħallsa minn min iħaddem
XD6131	Kontribuzzjonijiet soċjali reali mħallsa mill-unitajiet domestiċi
XD6141	Supplimenti għall-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa mill-unitajiet domestiċi
XD619	Akkumulazzjoni oħra (attwarja) ta' intitolamenti għal pensjoni fil-fondi tas-sigurtà soċjali
XD62p	Benefiċċji tal-pensjoni
XD8	Aġġustament għat-tibdil fl-intitolamenti għal pensjoni
XD81	Tibdil fl-intitolamenti għal pensjoni minħabba trasferimenti ta' intitolamenti
XD82	Tibdil fl-intitolamenti minħabba bidliet negozjati fl-istruttura tal-iskema

(c) Flussu ekonomiċi oħra

XK7	Rivalutazzjonijiet
XK5	Bidliet oħra fil-volum

(d) Karta tal-bilanċ tal-għeluq

XAF63LE	Intitolamenti għal pensjoni
---------	-----------------------------

(e) Indikaturi relatati

XP1	Output
XAFN	Assi fl-iskemi tal-pensjoni fi tmiem is-sena

Oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul

L-oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul huma kkodifikati bl-użu ta' X bħala prefiss flimkien ma' DHHCE (infiq mill-unitajiet domestiċi fuq l-oġġetti għall-konsum li jservu fit-tul) flimkien ma' affiss ta' ċifra waħda għas-sottogruppi u żewġ ċifri għall-entrati. In-numri COICOP li jikkorrispondu huma wkoll ipprovduti.

Coicop	Kodiċijiet SNA	
	XDHHCE1	Għamara u apparat tal-unitajiet domestiċi
05.1.1	XDHHCE11	Għamara u arredamenti
05.1.2	XDHHCE12	Twapet u kisi ieħor tal-art
05.3.1	XDHHCE13	Apparat prinċipali tal-unitajiet domestiċi kemm jekk jaħdem bl-elettriku u kemm jekk le
05.5.1	XDHHCE14	Għodod u tagħmir prinċipali għad-dar u l-ġnien
	XDHHCE2	Tagħmir ta' trasport personali
07.1.1	XDHHCE21	Karozzi bil-mutur
07.1.2	XDHHCE22	Muturi
07.1.3	XDHHCE23	Roti
07.1.4	XDHHCE24	Vetturi miġbuda mill-annimali
	XDHHCE3	Oġġetti ta' rikreazzjoni u divertiment
08.2.0	XDHHCE31	Tagħmir tat-telefon u tat-telefax
09.1.1	XDHHCE32	Tagħmir għar-riċeviment, ir-reġistrazzjoni u r-riproduzzjoni ta' ħsejjes u stampi
09.1.2	XDHHCE33	Tagħmir fotografiku u ċinematografiku u strumenti ottiċi
09.1.3	XDHHCE34	Tagħmir għall-ipproċessar tal-informazzjoni
09.2.1	XDHHCE35	Oġġetti prinċipali li jservu fit-tul għar-rikreazzjoni barra mid-dar
09.2.2	XDHHCE36	Strumenti mużikali u oġġetti prinċipali li jservu fit-tul għar-rikreazzjoni fid-dar
	XDHHCE4	Oġġetti oħra li jservu fit-tul
12.3.1	XDHHCE41	Ġojjelli, arloġġi u arloġġi tal-id
06.1.3	XDHHCE42	Tagħmir u apparat mediku terapewtiku

Investiment dirett barrani

Entrati supplimentari għall-investiment dirett barrani (FDI) jistgħu jiġu kkodifikati bl-ittra X bħala prefiss flimkien mal-kodiċi F jew AF flimkien ma' suffiss FDI, pereżempju:

XF42FDI	għal transazzjonijiet ta' investimenti diretti barranin f'self fit-tul
---------	--

Pożizzjonijiet kontinġenti

